Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B ►M9 ►C11 REGOLAMENT (UE) 575/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ġunju 2013

dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ◄ ◄

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/62 tal-10 ta' Ottubru 2014	L 11	37	17.1.2015
►M2	Regolament (UE) 2016/1014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016	L 171	153	29.6.2016
►M3	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2188 tal-11 ta' Awwissu 2017	L 310	1	25.11.2017
►M4	Regolament (UE) 2017/2395 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017	L 345	27	27.12.2017
►M5	Regolament (UE) 2017/2401 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017	L 347	1	28.12.2017
►M6	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/405 tal-21 ta' Novembru 2017	L 74	3	16.3.2018
►M7	Regolament (UE) 2019/630 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019	L 111	4	25.4.2019
►M8	Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019	L 150	1	7.6.2019
►M9	Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019	L 314	1	5.12.2019
►M10	Regolament (UE) 2019/2160 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019	L 328	1	18.12.2019
►M11	Regolament (UE) 2020/873 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2020	L 204	4	26.6.2020
►M12	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/424 tas-17 ta' Diċembru 2019	L 84	1	11.3.2021
►M13	Regolament (UE) 2021/558 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021	L 116	25	6.4.2021

►**M14**	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1043 tal-24 ta' Ġunju 2021	L 225	52	25.6.2021
►**M15**	Regolament (UE) 2022/2036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022	L 275	1	25.10.2022
►**M16**	Regolament (UE) 2023/2869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023	L 2869	1	20.12.2023
►**M17**	Regolament (UE) 2024/1623 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2024	L 1623	1	19.6.2024
►**M18**	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2795 tal-24 ta' Lulju 2024	L 2795	1	31.10.2024
►**M19**	Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024	L 2987	1	4.12.2024
►**M20**	Regolament (UE) 2025/1215 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2025	L 1215	1	25.6.2025
►**M21**	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/1496 tat-12 ta' Ġunju 2025	L 1496	1	19.9.2025

Ikkoreġut minn:

►**C1** Emendi, Ġ.U. L 208, 2.8.2013, p. 68 (575/2013)
►**C2** Emendi, Ġ.U. L 321, 30.11.2013, p. 6 (575/2013)
►**C3** Emendi, Ġ.U. L 20, 25.1.2017, p. 2 (575/2013)
►**C4** Emendi, Ġ.U. L 60, 8.3.2017, p. 64 (2015/62)
►**C5** Emendi, Ġ.U. L 335, 13.10.2020, p. 20 (2019/630)
►**C6** Emendi, Ġ.U. L 405, 2.12.2020, p. 79 (2019/2033)
►**C7** Emendi, Ġ.U. L 65, 25.2.2021, p. 61 (2019/876)
►**C8** Emendi, Ġ.U. L 398, 11.11.2021, p. 32 (2019/876)
►**C9** Emendi, Ġ.U. L 92, 30.3.2023, p. 29 (575/2013)
►**C10** Emendi, Ġ.U. L 90328, 16.4.2025, p. 1 (2024/1623)
►**C11** Emendi, Ġ.U. L 90612, 21.7.2026, p. 1 (2019/2033)

▼B

▼M9

▼C11

REGOLAMENT (UE) Nru 575/2013 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tas-26 ta' Ġunju 2013

dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012

▼B

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

PARTI WIEĦED

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

TITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

▼M8

Artikolu 1

Il-Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi li jikkonċernaw rekwiżiti prudenzjali ġenerali li l-istituzzjonijiet, il-kumpanniji holding finanzjarji u l-kumpanniji holding finanzjarji mħallta sorveljati skont id-Direttiva 2013/36/UE għandhom jikkonformaw magħhom fir-rigward tal-elementi li ġejjin:

(a) rekwiżiti ta' fondi proprji li jirrelataw ma' elementi totalment kwantifikabbli, uniformi u standardizzati ta' riskju tal-kreditu, riskju tas-suq, riskju operazzjonali, riskju tas-saldu u lieva finanzjarja;

(b) rekwiżiti li jillimitaw skoperturi kbar;

(c) rekwiżiti tal-likwidità li jirrelataw ma' elementi totalment kwantifikabbli, uniformi u standardizzati ta'r-riskju tal-likwidità;

(d) rekwiżiti ta' rappurtar li jirrelataw mal-punti (a), (b) u (c);

(e) rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika.

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli uniformi li jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli li entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma istituzzjonijiet globali sistematikament importanti (G-SIIs) jew parti minn G-SIIs u sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE għandhom jikkonformaw magħhom.

Dan ir-Regolament ma jirregolax ir-rekwiżiti tal-pubblikazzjoni għall-awtoritajiet kompetenti fil-qasam tar-regolazzjoni prudenzjali u s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet kif stipulat fid-Direttiva 2013/36/UE.

Artikolu 2

Setgħat superviżorji

1. Għall-fini li tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom is-setgħat u għandhom isegwu l-proċeduri stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE u f'dan ir-Regolament.

▼M8

2. Għall-fini li tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandu jkollhom is-setgħat u għandhom isegwu l-proċeduri stipulati fid-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) u f'dan ir-Regolament.

3. Għall-fini li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli, l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkooperaw.

4. Għall-finijiet li tiġi żgurata l-konformità fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni stabbilit bl-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), u l-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' kwistjonijiet relatati mal-kompiti kkonferiti lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 ([3]) għandhom jiżguraw l-iskambju regolari u affidabbli ta' informazzjoni rilevanti.

▼M9

5. Meta japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1(2) u 1 (5) tar-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) fir-rigward tad-ditti tal-investiment msemmija f'dawk il-paragrafi, l-awtoritajiet kompetenti kif definiti fil-punt (5) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) għandhom jittrattaw lil dawk id-ditti tal-investiment daqs li kieku kienu "istituzzjonijiet" skont dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 3

Applikazzjoni ta' rekwiżiti aktar stretti mill-istituzzjonijiet

Dan ir-Regolament ma jostakolax lill-istituzzjonijiet milli jżommu fondi proprji u l-komponenti tagħhom f'eċċess ta', jew japplikaw miżuri li jkunu aktar stretti minn, dawk meħtieġa minn dan ir-Regolament.

([1]) Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1).

([5]) Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investiment u li jemenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/EU, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64).

▼B

Artikolu 4

Definizzjonijiet

1. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼M9

(1) "istituzzjoni ta' kreditu" tfisser impriża li n-negozju tagħha jikkonsisti fi kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) li tieħu depożiti jew fondi ripagabbli oħra mingħand il-pubbliku u tagħti krediti f'isimha stess;

▼M17

(b) li twettaq kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Anness I, it-Taqsima A, il-punti (3) u (6), tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), fejn tapplika waħda minn dawn li ġejjin, iżda l-impriża ma tkunx negozjant tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet, impriża ta' investiment kollettiv, impriża tal-assigurazzjoni, jew ditta tal-investiment li għaliha l-awtorizzazzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu tiġi eżentata f'konformità mal-Artikolu 8a tad-Direttiva 2013/36/UE:

(i) il-valur totali tal-assi konsolidati tal-impriża stabbilita fl-Unjoni, inkluż kwalunkwe waħda mill-fergħat u s-sussidjarji tagħha stabbiliti f'pajjiż terz, ikun ugwali għal jew jaqbeż l-EUR 30 biljun;

(ii) il-valur totali tal-assi tal-impriża stabbilita fl-Unjoni, inkluż kwalunkwe waħda mill-fergħat u s-sussidjarji tagħha stabbiliti f'pajjiż terz, ikun inqas minn EUR 30 biljun, u l-impriża tkun parti minn grupp li fih il-valur totali tal-assi konsolidati tal-impriżi kollha f'dak il-grupp li jkunu stabbiliti fl-Unjoni, inkluż kwalunkwe waħda mill-fergħat u s-sussidjarji tagħhom stabbiliti f'pajjiż terz, li individwalment ikollhom assi totali ta' inqas minn EUR 30 biljun u li jwettqu kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Anness I, it-Taqsima A, il-punti (3) u (6), tad-Direttiva 2014/65/UE jkun ugwali għal jew jaqbeż l-EUR 30 biljun;

(iii) il-valur totali tal-assi tal-impriża stabbilita fl-Unjoni, inkluż kwalunkwe waħda mill-fergħat u s-sussidjajri tagħha stabbiliti f'pajjiż terz, ikun anqas minn EUR 30 biljun, u l-impriża tkun parti minn grupp li fih il-valur totali tal-assi konsolidati tal-impriżi kollha fil-grupp li jwettqu kwalunkwe waħda mill-attivitajiet imsemmija fl-Anness I, it-Taqsima A, il-punti (3) u (6), tad-Direttiva 2014/65/UE, ikun ugwali għal jew jaqbeż l-EUR 30 biljun, fejn is-superviżur tal-konsolidazzjoni f'konsultazzjoni mal-kollega superviżur jiddeċiedu hekk sabiex jindirizzaw riskji potenzjali ta' ċirkomvenzjoni jew riskji potenzjali għall-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni;

([1]) Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

▼M9

għall-finijiet tal-punti (b)(ii) u (b)(iii), meta l-impriża tkun parti minn grupp ta' pajjiż terz, l-assi totali ta' kull fergħa tal-grupp ta' pajjiż terz awtorizzati fl-Unjoni jiġu inklużi fil-valur totali kkombinat tal-assi tal-impriżi kollha fil-grupp;

(2) “ditta tal-investiment” tfisser ditta tal-investiment kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE, li tkun awtorizzata skont dik id-Direttiva iżda teskludi l-istituzzjonijiet ta kreditu;

(3) “istituzzjoni” tfisser istituzzjoni ta’ kreditu awtorizzata skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2013/36/UE jew impriża kif imsemmi fl-Artikolu 8a(3);

———————

▼B

(5) “impriża tal-assigurazzjoni” tfisser impriża tal-assigurazzjoni kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) ([1]);

(6) “impriża tar-riassigurazzjoni” tfisser impriża tal-assigurazzjoni kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

▼M8

(7) “impriża ta' investiment kollettiv” jew “CIU” tfisser UCITS kif definita fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jew fond ta' investiment alternattiv (AIF) kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

▼B

(8) “entità tas-settur pubbliku” tfisser korp amministrattivi mhux kummerċjali responsabbli lejn il-gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali, jew lejn l-awtoritajiet li jeżerċitaw l-istess responsabbiltajiet bħall-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali, jew impriża mhux kummerċjali li hija taħt is-sjieda ta' jew stabbilita jew sponsorjata mill-gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali, u li jkollha arranġamenti ta’ garanzija espliċita, u tista' tinkludi korpi awtoamministrati rregolati bil-liġi li jkunu taħt superviżjoni pubblika;

(9) “korp ta' ġestjoni” tfisser korp ta' ġestjoni kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(10) “amministrazzjoni għolja” tfisser amministrazzjoni għolja kif definit fil-punt (9) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

([1]) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

([2]) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

([3]) Id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi u li temenda d-Direttivi 2003/41/KE u 2009/65/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 1095/2010 (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1).

▼B

(11) 'riskju sistemiku' tfisser riskju sistemiku kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

▼M17

_____

▼M5

(13) “oriġinatur” tfisser oriġinatur kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 ([1]);

(14) “sponsor” tfisser sponsor kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(14a) “mutwanti oriġinali” tfisser mutwanti oriġinali kif definit fil-punt (20) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

▼M17

(15) “impriża prinċipali” tfisser impriża li tikkontrolla, fis-sens tal-punt (37), impriża waħda jew aktar;

(16) “sussidjarja” tfisser impriża li hija kkontrollata, fis-sens tal-punt (37), minn impriża oħra; sussidjarji ta' sussidjarji għandhom jitqiesu wkoll bħala sussidjarji tal-impriża li tkun l-impriża prinċipali oriġinali tagħhom;

▼B

(17) “fergħa” tfisser post tan-negozju li jifforma parti legalment dipendenti ta’ istituzzjoni u li twettaq b’mod dirett it-transazzjonijiet kollha jew uħud minnhom inerenti fin-negozju ta' istituzzjonijiet;

▼M17

(18) “impriża ta' servizzi anċillari” tfisser impriża li l-attività prinċipali tagħha, kemm jekk ipprovduta lil impriżi fil-grupp kif ukoll lil klijenti barra mill-grupp, tikkonsisti minn kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) estensjoni diretta ta' operazzjoni bankarja;

(b) kiri operattiv, is-sjieda jew l-amministrazzjoni ta' proprjetà, il-forniment ta' servizzi ta' pproċessar ta' *data* jew xi attività oħra sa fejn dawk l-attivitajiet huma anċillari għall-attività bankarja;

(c) kull attività oħra meqjusa simili mill-EBA għal dawk imsemmija fil-punti (a) u (b);

([1]) Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE, 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35.).

▼B

►C2 (19) “kumpannija tal-ġestjoni ta' assi” tfisser kumpannija tal-ġestjoni ta' assi kif iddefinita fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/87/KE jew AIFM kif iddefinit fl-Artikolu 4(1)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE inkluż, sakemm mhux previst mod ieħor, entitajiet ta' pajjiżi terzi, li jwettqu attivitajiet simili u li huma soġġetti għal-liġi ta' pajjiż terz ◄ li japplika rekwiżiti superviżorji u regolatorji li huma tal-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni;

▼M17

(20) “kumpanija azzjonarja finanzjarja” tfisser impriża li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) tkun istituzzjoni finanzjarja;

(b) ma tkunx kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta;

(c) ikollha tal-anqas sussidjarja waħda li tkun istituzzjoni;

(d) aktar minn 50 % ta' kwalunkwe wieħed mill-indikaturi li ġejjin ikunu assoċjati, fuq bażi kostanti, ma' sussidjarji li jkunu istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji, u b'attivitajiet imwettqin mill-impriża nnifisha li ma humiex relatati mal-akkwiżizzjoni jew mas-sjieda ta' holdings f'sussidjarji meta dawn l-attivitajiet ikunu tal-istess natura bħal dawk imwettqin minn istituzzjonijiet jew minn istituzzjonijiet finanzjarji:

(i) l-ekwità tal-impriża fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħha;

(ii) l-assi tal-impriża fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħha;

(iii) id-dħul tal-impriża fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħha;

(iv) il-persunal tal-impriża fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħha;

(v) indikaturi oħra meqjusin rilevanti mill-awtorità kompetenti.

L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li entità ma tikkwalifikax bħala kumpanija azzjonarja finanzjarja anke jekk wieħed mill-indikaturi msemmija fl-ewwel paragrafu, il-punti (i) sa (iii) jiġi ssodisfat, meta l-awtorità kompetenti tqis li l-indikatur rilevanti ma jagħtix stampa ġusta u vera tal-attivitajiet u r-riskji ewlenin tal-grupp. Qabel ma tieħu tali deċiżjoni, l-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta lill-EBA u tipprovdi ġustifikazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva sostanzjata u dettaljata. L-awtorità kompetenti għandha tqis b'mod dovut l-opinjoni tal-EBA u, meta tiddeċiedi li tiddevja minnha, għandha fi żmien tliet xhur mid-data ta' meta tirċievi l-opinjoni tal-EBA, tipprovdi lill-EBA r-raġunament għad-devjazzjoni mill-opinjoni rilevanti;

▼M17

(20a) “kumpanija azzjonarja ta' investiment” tfisser kumpanija azzjonarja ta' investiment kif definita fl-Artikolu 4(1), il-punt (23), tar-Regolament (UE) 2019/2033;

▼B

(21) “kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta” tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2002/87/KE;

(22) “kumpannija azzjonarja ta’ attività mħallta” tfisser impriża prinċipali, differenti minn kumpannija azzjonarja finanzjarja jew istituzzjoni jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, li s-sussidjarji tagħha jinkludu tal-inqas istituzzjoni waħda;

(23) “impriża tal-assigurazzjoni ta’ pajjiż terz” tfisser impriża tal-assigurazzjoni ta’ pajjiż terz kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(24) “impriża tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiż terz” tfisser impriża tar-riassigurazzjoni ta’ pajjiż terz kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(25) “ditta ta' investiment ta’ pajjiż terz rikonoxxuta” tfisser kumpannija li tissodisfa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jekk kienet stabbilita fl-Unjoni, tkun koperta mid-definizzjoni ta’ ditta ta' investiment;

(b) tkun awtorizzata f’pajjiż terz;

(c) tkun soġġetta għal u konformi mar-regoli prudenzjali meqjusa mill-awtoritajiet kompetenti bħala tal-inqas stretti daqs dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament jew fid-Direttiva 2013/36/UE;

▼M17

(26) “istituzzjoni finanzjarja” tfisser impriża li tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma tkunx istituzzjoni, kumpanija holding industrijali pura, entità bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni, kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni kif definit fl-Artikolu 212(1), il-punt (f), tad-Direttiva 2009/138/KE jew kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni b'attività mħallta kif definita fl-Artikolu 212(1), il-punt (g), ta' dik id-Direttiva, ħlief meta kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni b'attività mħallta jkollha istituzzjoni sussidjarja;

(b) tissodisfa waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-attività prinċipali tal-impriża hija li takkwista jew li tkun is-sid ta' holdings jew li twettaq waħda jew aktar mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I, il-punti 2 sa 12 u l-punti 15, 16 u 17, tad-Direttiva 2013/36/UE, jew li ssegwi wieħed jew aktar mis-servizzi jew mill-attivitajiet elenkati fl-Anness I, it-Taqsima A jew B, tad-Direttiva 2014/65/UE fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji elenkati fl-Anness I, it-Taqsima C, tad-Direttiva 2014/65/UE;

▼M17

(ii) l-impriża tkun ditta ta' investiment, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, kumpanija azzjonarja ta' investiment, fornitur ta' servizzi ta' pagament kif ikkategorizzat skont l-Artikolu 1(1), il-punti (a) sa (d), tad-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), kumpanija maniġerjali tal-assi jew impriża ta' servizzi anċillari;

(26a) "kumpanija holding industrijali pura" tfisser impriża li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-attività prinċipali tagħha hija li takkwista jew tkun is-sid ta' holdings;

(b) ma tkunx imsemmija fil-punt (27)(a), jew fil-punt (27)(d) sa (l), ta' dan il-paragrafu u ma tkunx ditta tal-investiment jew kumpanija tal-immaniġġjar tal-assi, jew fornitur ta' servizzi ta' pagament kif ikkategorizzat skont l-Artikolu 1(1), il-punti (a) sa (d), tad-Direttiva (UE) 2015/2366;

(c) ma jkollha l-ebda parteċipazzjoni f'entità tas-settur finanzjarju;

▼B

(27) 'entità tas-settur finanzjarju tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni;

(b) istituzzjoni finanzjarja;

▼M17

———————

▼B

(d) impriża tal-assigurazzjoni;

(e) impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz;

(f) impriża tar-riassigurazzjoni;

(g) impriża tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz;

▼C2

(h) kumpannija azzjonarja tal-assigurazzjoni kif definit fil-punt (f) tal-Artikolu 212(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;

———————

▼B

(k) impriża eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva;

(l) impriża ta' pajjiż terz b'mudell kummerċjali li jista' jitqabbel ma' kwalunkwe waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (k);

([1]) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

▼M17

(28) “istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru” tfisser istituzzjoni fi Stat Membru li jkollha istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja bħala sussidjarja, jew li jkollha parteċipazzjoni f'istituzzjoni jew f'istituzzjoni finanzjarja, u li ma tkunx hija nnifisha sussidjarja ta' istituzzjoni oħra awtorizzata fl-istess Stat Membru, jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;

▼B

(29) “istituzzjoni prinċipali tal-UE” tfisser istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru li ma tkunx sussidjarja ta’ istituzzjoni oħra awtorizzata fi kwalunkwe Stat Membru, jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fi kwalunkwe Stat Membru;

▼M9

(29a) “ditta tal-investiment prinċipali fi Stat Membru” tfisser impriża prinċipali fi Stat Membru li hija ditta tal-investiment;

(29b) “ditta tal-investiment prinċipali tal-UE” tfisser impriża prinċipali tal-UE li hija ditta tal-investiment;

▼M8

(29c) “istituzzjoni ta' kreditu prinċipali fi Stat Membru” tfisser istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru li hija istituzzjoni ta' kreditu;

(29d) “istituzzjoni ta' kreditu prinċipali tal-UE” tfisser istituzzjoni prinċipali tal-UE li hija istituzzjoni ta' kreditu;

▼B

(30) “kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali fi Stat Membru” tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja li ma tkunx hija stess sussidjarja ta’ istituzzjoni awtorizzata fl-istess Stat Membru, jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;

(31) “kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE” tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali fi Stat Membru li ma tkunx sussidjarja ta’ istituzzjoni awtorizzata fi kwalunkwe Stat Membru, jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja oħra jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fi kwalunkwe Stat Membru;

(32) “kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru” tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja li ma tkunx hija stess sussidjarja ta’ istituzzjoni awtorizzata fl-istess Stat Membru, jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru;

(33) “kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE” tfisser kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali fi Stat Membru li ma tkunx sussidjarja ta’ istituzzjoni awtorizzata fi kwalunkwe Stat Membru, jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja oħra jew ta’ kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fi kwalunkwe Stat Membru;

▼B

(34) “kontroparti ċentrali” jew 'CCP' (central counterparty) tfisser CCP kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

▼M17

(35) “parteċipazzjoni” tfisser interess ta' parteċipazzjoni kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], jew is-sjieda, diretta jew indiretta, ta' 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta' impriża;

▼B

(36) ►C9 “holding kwalifikattiva” tfisser holding diretta jew indiretta f’impriża li tirrappreżenta 10 % jew aktar tal-kapital jew tad-drittijiet tal-vot jew li tagħmilha possibbli li tiġi eżerċitata influwenza sinifikanti fuq il-maniġment ta’ dik l-impriża; ◄

▼M17

(37) “kontroll” tfisser ir-relazzjoni bejn impriża prinċipali u sussidjarja, kif definita fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE, jew l-istandards ta' kontabbiltà li istituzzjoni hija soġġetta għalihom skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2], jew relazzjoni simili bejn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika u impriża;

▼B

(38) “rabtiet mill-qrib” tfisser sitwazzjoni fejn żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar ikunu konnessi b’xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) partiċipazzjoni fil-forma ta’ pussess dirett jew permezz ta’ kontroll ta’ 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta’ impriża;

(b) kontroll;

(c) konnessjoni permanenti tat-tnejn li huma jew ta' kollha mal-istess persuna terza minn relazzjoni ta’ kontroll;

(39) “grupp ta’ klijenti konnessi” tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar li, sakemm ma jintweriex mod ieħor, jikkostitwixxu riskju wieħed għaliex wieħed minnhom, direttament jew indirettament, ikollhom kontroll fuq l-ieħor jew l-oħrajn;

(b) żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew aktar li bejniethom ma jkunx hemm relazzjoni ta’ kontroll kif deskritt fil-punt (a) imma li jridu jitqiesu li jikkostitwixxu riskju wieħed għaliex tant ikunu interkonnessi li, jekk wieħed minnhom kellu jiffaċċja problemi finanzjarji, b’mod partikolari diffikulatjiet fil-finanzjament jew fir-ripagament, l-ieħor jew l-oħrajn kolha probabbilment jiffaċċjaw ukoll diffikulatjiet fil-finanzjament jew fir-ripagament.

[1] Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabilità (ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1).

▼B

Minkejja l-punti (a) u (b), meta gvern ċentrali jkollu kontroll dirett ta' jew ikun interkonness b'mod dirett ma' iżjed minn persuna waħda fiżika jew ġuridika, is-sett li jikkonsisti mill-gvern ċentrali u l-persuni kollha fiżiċi jew ġuridiċi li huma kkontrollati b'mod dirett jew indirett minnu f'konformità mal-punt (a), jew interkonnessi miegħu f'konformità mal-punt (b), jista' jiġi meqjus li ma jikkostitwixxix grupp ta' klijenti konnessi. Minflok, l-eżistenza ta' grupp ta' klijenti konnessi ffurmat mill-gvern ċentrali u persuni fiżiċi u ġuridiċi oħra tista' tkun valutata b'mod separat għal kull persuna direttament ikkontrollata minnu f'konformità mal-punt (a), jew direttament interkonnessa miegħu f'konformità mal-punt (b,) u għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi kollha li huma kkontrollati minn dik il-persuna f'konformità mal-punt (a) jew interkonnessi ma' dik il-persuna f'konformità mal-punt (b), inkluż il-gvern ċentrali. L-istess japplika fil-każijiet ta' gvernijiet reġjonali jew awtoritajet lokali li għalihom japplika l-Artikolu 115(2).

▼M8

Żewġ persuni fiżiċi jew ġuridiċi jew iktar li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) jew (b) minħabba l-iskopertura diretta tagħhom għall-istess CCP għall-finijiet tal-attivitajiet ta' kklerjar mhumiex meqjusa li jikkostitwixxu grupp ta' klijenti relatati;

▼B

(40) "awtorità kompetenti" tfisser awtorità pubblika jew korp rikonoxxut uffiċjalment mid-dritt nazzjonali, li jingħataw is-setgħa mid-dritt nazzjonali li jissorveljaw istituzzjonijiet bħala parti mis-sistema ta' superviżjoni li tkun operattiva fl-Istat Membru kkonċernat;

▼M8

(41) "superviżur tal-konsolidazzjoni" tfisser awtorità kompetenti responsabbli mill-eżerċizzju tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE;

▼B

(42) "awtorizzazzjoni" tfisser strument maħruġ fi kwalunkwe forma mill-awtoritajiet li permezz tiegħu jingħata d-dritt li jitwettaq in-negozju;

(43) "Stat Membru domiċiljari" tfisser l-Istat Membru li fih istituzzjoni tkun ingħatat awtorizzazzjoni;

(44) "Stat Membru ospitanti" tfisser l-Istat Membru li fih istituzzjoni jkollha fergħa jew li fih tipprovdi servizzi;

(45) "banek ċentrali tas-SEBĊ" tfisser il-banek ċentrali nazzjonali li jkunu membri tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (ESCB), u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE);

(46) "banek ċentrali" tfisser il-banek ċentrali tas-SEBĊ u l-banek ċentrali ta' pajjiżi terzi;

▼B

(47) “sitwazzjoni konsolidata” tfisser is-sitwazzjoni li tirriżulta mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta’ dan ir-Regolament skont il-Parti Wieħed, Titolu II, Kapitolu 2 għal istituzzjoni bħallikieku dik l-istituzzjoni kienet tifforma, flimkien ma’ entità oħra jew aktar, istituzzjoni waħda;

(48) “bażi konsolidata” tfisser fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata;

(49) “bażi subkonsolidata” tfisser abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata ta' istituzzjoni prinċipali, il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta, bl-esklużjoni ta' sottogrupp ta' entitajiet jew abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata ta' istituzzjoni prinċipali, kumpannija azzjonarja finanzjarja jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta li ma tkunx l-istituzzjoni prinċipali, il-kumpannija azzjonarja finanzjarja jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja finali;

(50) “strument finanzjarju” tfisser kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) kuntratt li jiġġenera kemm assi finanzjarji ta’ parti waħda kif ukoll obbligazzjoni finanzjarja jew strument ta’ ekwità ta’ parti oħra;

(b) strument speċifikat fit-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE;

(c) strument finanzjarju derivattiv;

(d) strument finanzjarju primarju;

(e) strument ta’ flus.

L-istrumenti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ikunu strumenti finanzjarji biss jekk il-valur tagħhom jidderivi mill-prezz ta’ strument finanzjarju sottostanti jew element, rata jew indiċi sottostanti oħra;

▼M9

(51) “kapital inizjali” tfisser l-ammont u t-tipi ta’ fondi proprji speċifikati fl-Artikolu 12 tad-Direttiva 2013/36/UE;

▼M17

(52) “riskju operazzjonali” tfisser ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn proċessi interni, minn persuni u minn sistemi inadegwati jew li ma jirnexxux jew minn avvenimenti esterni, inkluż, iżda mhux limitat għal, riskju legali, riskju tal-mudell jew riskju tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), iżda eskluż riskju strateġiku u reputazzjonali;

(52a) “riskju legali” tfisser ir-riskju ta' telf, inkluż, spejjeż, multi, penali jew danni punittivi, li tista' ġġarrab istituzzjoni bħala konsegwenza ta' avvenimenti li jirriżultaw fi proċedimenti legali, inkluż dawn li ġejjin:

(a) azzjonijiet superviżorji u saldi privati;

▼M17

(b) nuqqas ta' aġir meta tkun neċessarja azzjoni sabiex tinżamm konformità ma' obbligu legali;

(c) azzjoni meħuda sabiex tiġi evitata l-konformità ma' obbligu legali;

(d) avvenimenti ta' kondotta ħażina, li huma avvenimenti li jirriżultaw minn imġiba ħażina volontarja jew negliġenti, inkluż forniment mhux xieraq ta' servizzi finanzjarji jew il-forniment ta' informazzjoni inadegwata jew qarrieqa dwar ir-riskju finanzjarju ta' prodotti mibjugħa mill-istituzzjoni;

(e) nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe rekwiżit derivat minn dispożizzjonijiet statutorji jew leġiżlattivi nazzjonali jew internazzjonali;

(f) nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe rekwiżit derivat minn arranġamenti kuntrattwali, jew ma' regoli interni u ma' kodiċijiet tal-kondotta stabbiliti f'konformità ma' regoli u prattiki nazzjonali jew internazzjonali;

(g) nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-etika;

(52b) "riskju tal-mudell" tfisser ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn deċiżjonijiet li jkunu prinċipalment ibbażati fuq l-eżitu tal-mudelli interni, minħabba żbalji fit-tfassil, fl-iżvilupp, fl-istima tal-parametru, fl-implimentazzjoni, l-użu jew il-monitoraġġ ta' dawn il-mudelli, inkluż dawn li ġejjin:

(a) it-tfassil mhux xieraq ta' mudell intern magħżul u tal-karatteristiċi tiegħu;

(b) il-verifika mhux adegwata tal-adegwatezza ta' mudell intern magħżul għall-istrument finanzjarju li għandu jiġi evalwat jew għall-prodott li għandu jiġi pprezzat, jew tal-adegwatezza tal-mudell intern magħżul għall-kundizzjonijiet tas-suq applikabbli;

(c) żbalji fl-implimentazzjoni ta' mudell intern magħżul;

(d) valwazzjonijiet skont il-valur fis-suq u kalkolu tar-riskju żbaljati minħabba żball matul ir-reġistrazzjoni ta' negozju fis-sistema tan-negozjar;

(e) l-użu ta' mudell intern magħżul jew tar-riżultati tiegħu għal skop li għalih dak il-mudell ma kienx maħsub jew iddisinjat, inkluż il-manipulazzjoni tal-parametri tal-immudellar;

(f) il-monitoraġġ jew il-validazzjoni mhux f'waqthom jew ineffettivi tal-prestazzjoni tal-mudell jew il-kapaċità ta' previżjoni sabiex jiġi vvalutat jekk il-mudell intern magħżul ikunx għadu adattat għall-iskop tiegħu;

(52c) "riskju tal-ICT" tfisser ir-riskju ta' telf relatat ma' kwalunkwe ċirkostanza raġonevolment identifikabbli relatata mal-użu tas-sistemi tan-network u tal-informazzjoni li, jekk iseħħ, jista' jikkomprommetti s-sigurtà tas-sistemi tan-network u tal-informazzjoni, ta' kwalunkwe għodda jew proċess dipendenti mit-teknoloġija, ta' operazzjonijiet u proċessi, jew tal-forniment ta' servizzi billi jiġu prodotti effetti negattivi fl-ambjent diġitali jew fiżiku;

▼M17

(52d) “riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza” jew “riskji ESG” tfisser ir-riskju ta' kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq l-istituzzjoni li jirriżulta mill-impatti attwali jew prospettivi ta' fatturi ambjentali, soċjali jew ta' governanza (ESG) fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti ta’ dik l-istituzzjoni; Ir-riskji ESG jimmaterjalizzaw permezz tal-kategoriji tradizzjonali ta' riskji finanzjarji;

(52e) “riskju minn fatturi ambjentali” tfisser kwalunkwe riskju ta' impatt finanzjarju negattiv fuq istituzzjoni li jirriżulta mill-impatt attwali jew prospettiv tal-fatturi ambjentali fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti ta’ dik l-istituzzjoni, inkluż fatturi relatati mat-tranżizzjoni lejn l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) ir-riskju minn fatturi ambjentali jinkludi kemm ir-riskju fiżiku kif ukoll ir-riskju ta' tranżizzjoni;

(52f) “riskju fiżiku”, bħala parti mir-riskju minn fatturi ambjentali, tfisser ir-riskju ta' kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq istituzzjoni li jirriżulta mill-impatt attwali jew prospettiv tal-effetti fiżiċi tal-fatturi ambjentali fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti ta' dik l-istituzzjoni;

(52g) “riskju ta' tranżizzjoni”, bħala parti mir-riskju minn fatturi ambjentali, tfisser ir-riskju ta' kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq istituzzjoni li jirriżulta mill-impatt attwali jew prospettiv tat-tranżizzjoni għal ekonomija ambjentalment sostenibbli fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti ta' dik l-istituzzjoni;

(52h) “riskju soċjali” tfisser ir-riskju ta' impatt finanzjarju negattiv fuq istituzzjoni li jirriżulta mill-impatt attwali jew prospettiv tal-fatturi soċjali fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti tagħha;

(52i) “riskju ta' governanza” tfisser ir-riskju ta' kwalunkwe impatt finanzjarju negattiv fuq l-istituzzjoni li jirriżulta mill-impatt attwali jew prospettiv tal-fatturi ta' governanza fuq il-kontropartijiet jew fuq l-assi investiti ta' dik l-istituzzjoni;

▼B

(53) “riskju ta’ dilwizzjoni” tfisser ir-riskju li ammont riċevibbli jitnaqqas permezz ta’ krediti ta’ flus jew mhux ta’ flus lid-debitur;

▼M17

(54) “probabbiltà ta' inadempjenza” jew “PD” tfisser il-probabbiltà ta' inadempjenza ta' debitur jew, fejn applikabbli, ta' faċilità ta' kreditu, fuq perjodu ta' sena, u, fil-kuntest tar-riskju ta' dilwizzjoni, il-probabbiltà ta' dilwizzjoni fuq perjodu ta' sena;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

▼M17

(55) “telf fil-każ ta' inadempjenza” jew “LGD” tfisser il-proporzjon tat-telf fuq skopertura relatata ma' faċilità waħda minħabba l-inadempjenza ta' debitur jew, fejn applikabbli, ta' faċilità ta' kreditu għall-ammont pendenti fil-mument tal-inadempjenza jew f'data ta' referenza partikolari wara d-data ta' inadempjenza u, fil-kuntest tar-riskju ta' dilwizzjoni, it-telf fil-każ ta' dilwizzjoni li jfisser il-proporzjon tat-telf fuq skopertura relatata ma' riċevibbli mixtrija minħabba dilwizzjoni, għall-ammont pendenti tar-riċevibbli mixtrija;

(56) “fattur ta' konverżjoni” jew “fattur tal-konverżjoni ta' kreditu” jew “CCF” tfisser il-proporzjon tal-ammont mhux prelevat ta' impenn minn faċilità waħda li jista' jiġi prelevat minn dik il-faċilità waħda minn mument partikolari qabel inadempjenza u għalhekk ikun pendenti fil-mument tal-inadempjenza għall-ammont mhux prelevat tal-impenn minn dik il-faċilità, il-firxa tal-impenn li qed tiġi ddeterminata mil-limitu rakkomandat, sakemm il-limitu mhux rakkomandat ma jkunx ogħla;

▼B

(57) “mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu” tfisser it-teknika użata minn istituzzjoni biex tnaqqas ir-riskju ta’ kreditu assoċjat ma’ skopertura jew skoperturi li istituzzjoni tkompli żżomm;

▼M17

(58) “protezzjoni ta’ kreditu finanzjata” jew “FCP” tfisser it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu meta t-tnaqqis tar-riskju tal-kreditu fuq l-iskopertura ta' istituzzjoni jidderivi mid-dritt ta' din l-istituzzjoni, fil-każ tal-inadempjenza tad-debitur jew tal-faċilità ta' kreditu, jew fl-okkorrenza ta' avvenimenti ta' kreditu speċifiċi oħra li jirrelataw mad-debitur, li tillikwida, jew li tikseb trasferiment jew approprjazzjoni ta', jew li żżomm, ċerti assi jew ammonti, jew li tnaqqas l-ammont tal-iskopertura għal, jew li tibdlu bl-ammont tad-differenza bejn l-ammont tal-iskopertura u l-ammont ta' pretensjoni fuq l-istituzzjoni;

(59) “protezzjoni ta’ kreditu mhux iffinanzjata” jew “UFCP” tfisser teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu meta t-tnaqqis tar-riskju ta' kreditu fuq l-iskopertura ta' istituzzjoni jidderivi mill-obbligu ta' parti terza li tħallas ammont fil-każ ta' inadempjenza tad-debitur jew tal-faċilità ta' kreditu, jew l-okkorrenza ta' avvenimenti ta' kreditu speċifiċi oħra;

(60) “strument assimilat ta' flus kontanti” tfisser ċertifikat ta' depożitu, bond li jinkludi bond kopert jew kwalunkwe strument mhux subordinat ieħor, li nħareġ minn istituzzjoni mutwanti, li għaliha dik l-istituzzjoni mutwanti diġà tkun irċeviet pagament sħiħ u li jiġi rimborżat mingħajr kundizzjonijiet mill-istituzzjoni bil-valur nominali tiegħu;

(60a) “ingott tad-deheb” tfisser deheb fil-forma ta' komodità, inkluż vireg tad-deheb, ingotti u muniti, ġeneralment aċċettati mis-suq tal-ingotti, fejn jeżistu swieq likwidi għall-ingotti, u li l-valur tagħhom jiġi ddeterminat mill-valur tal-kontenut tad-deheb, definit skont il-purità u l-massa, aktar milli mill-interess tiegħu għan-numismatisti;

▼M5

(61) “titolizzazzjoni” tfisser titolizzazzjoni kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(62) “pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni” tfisser pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni kif definita fil-punt (19) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(63) “rititolizzazzjoni” tfisser rititolizzazzjoni kif definita fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

▼B

(64) “pożizzjoni ta’ rititolizzazzjoni” tfisser skopertura għal rititolizzazzjoni;

(65) “tisħiħ fil-kreditu” tfisser arranġament kuntrattwali li bih il-kwalità ta’ kreditu ta’ pożizzjoni f’titolizzazzjoni tittejjeb fir-rigward ta’ dak li kienet tkun, kieku t-titjib ma kienx ġie pprovdut, inkluż it-titjib ipprovdut minn segmenti aktar subordinarji fit-titolizzazzjoni u tipi oħra ta’ protezzjoni ta’ kreditu;

▼M5

(66) “entità bi skop speċjali ta’ titolizzazzjoni” jew “SSPE” tfisser entità bi skop speċjali ta’ titolizzazzjoni jew SSPE kif definita fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(67) “segment” tfisser segment kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

▼B

(68) “evalwazzjoni skont il-valur tas-suq” tfisser il-valwazzjoni tal-pożizzjonijiet bi prezzijiet tal-għeluq disponibbli immedjatement maħruġin minn sors indipendenti, inklużi prezzijiet tal-kambju, prezzijiet ikkwotati fuq l-iskrin, jew kwotazzjonijiet minn diversi sensara finanzjarji indipendenti ta’ reputazzjoni;

(69) “evalwazzjoni skont mudell” tfisser kwalunkwe valwazzjoni li titqabbel ma' parametru referenzjarju, tiġi estrapolata jew ikkalkulata mod ieħor minn input wieħed jew aktar tas-suq;

(70) “verifika indipendenti tal-prezz” tfisser proċess li bih l-inputs ta’ prezzijiet tas-suq jew l-ipprezzar skont mudell ikunu vverifikati regolarment għall-akkuratezza u l-indipendenza;

▼C2

(71) “kapital eliġibbli” tfisser dan li ġej:

(a) għall-finijiet tat-Titolu III tal-Parti Tnejn tfisser it-total ta' dan li ġej:

(i) Il-kapital ta' Grad 1 kif imsemmi fl-Artikolu 25, mingħajr ma jiġi applikat it-tnaqqis fl-Artikolu 36(1)(k)(i);

▼C2

(ii) Il-kapital ta' Grad 2 kif imsemmi fl-Artikolu 71 li huwa ekwivalenti għal jew anqas minn terz tal-kapital ta' Grad 1 kif ikkalkulat skont il-punt (i) ta' dan il-punt;

▼M8

(b) għall-finijiet tal-Artikolu 97 tfisser is-somma ta' dawn li ġejjin:

▼C2

(i) Il-kapital ta' Grad 1 kif imsemmi fl-Artikolu 25;

(ii) Il-kapital ta' Grad 2 kif imsemmi fl-Artikolu 71 li jkun ekwivalenti jew inqas minn terz tal-kapital ta' Grad 1;

(72) "kambju rikonoxxut" tfisser kambju li jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼M9

(a) huwa suq regolat jew suq ta' pajjiż terz li huwa kkunsidrat ekwivalenti għal suq regolat skont il-proċedura stabbilita fil-punt (a) tal-Artikolu 25(4) tad-Direttiva 2014/65/UE;

▼B

(b) għandu mekkaniżmu tal-ikklerjar li bih il-kuntratti elenkati fl-Anness II ikunu soġġetti għal rekwiżiti tal-marġini ta' kuljum li, fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti, jipprovdi protezzjoni adatta;

(73) "benefiċċji tal-pensjoni diskrezzjonarji" tfisser benefiċċji tal-pensjoni mtejba mogħtija fuq bażi diskrezzjonarja minn istituzzjoni lill-impjegat bħala parti mill-pakkett ta' remunerazzjoni varjabbli ta' dak l-impjegat, li ma jinkludux benefiċċji akkumulati mogħtija lill-impjegat skont it-termini tal-iskema tal-pensjonijiet tal-kumpannija;

▼C2

(74) "valur tas-self ipotekarju" tfisser il-valur tal-proprjetà immobbli kif stabbilit minn valutazzjoni prudenzjali tal-kummerċjabbiltà futura tal-proprjetà billi jitqiesu l-aspetti sostenibbli fuq terminu twil tal-proprjetà, il-kondizzjonijiet normali u l-kondizzjonijiet tas-suq lokali, l-użu kurrenti u l-użu alternattiv xieraq tal-proprjetà.

▼M17

(74a) "valur tal-proprjetà" tfisser il-valur ta' proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali ddeterminat f'konformità mal-Artikolu 229(1);

(75) "proprjetà residenzjali" tfisser xi waħda minn dawn li ġejjin:

(a) proprjetà immobbli li għandha n-natura ta' abitazzjoni u li tissodisfa l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha li jippermettu li l-proprjetà tiġi okkupata għal skopijiet ta' abitazzjoni;

▼M17

(b) proprjetà immobbli li għandha n-natura ta' abitazzjoni u li għadha qed tinbena, dment li jkun hemm l-aspettattiva li l-proprjetà ser tissodisfa l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli kollha li jippermettu li l-proprjetà tiġi okkupata għal skopijiet ta' abitazzjoni;

(c) id-dritt li wieħed jgħix f'appartamenti f'kooperattivi tal-akkomodazzjoni li jinsabu fl-Iżvezja;

(d) aċċessorju tal-art għal proprjetà msemmija fil-punt (a), (b) jew (c);

(75a) "proprjetà immobbli kummerċjali" tfisser kwalunkwe proprjetà immobbli li ma hijiex proprjetà residenzjali;

(75b) "skopertura għall-proprjetà immobbli li tipproduċi introjtu" jew "skopertura IPRE" tfisser skopertura koperta minn proprjetà immobbli residenzjali jew proprjetà kummerċjali waħda jew aktar fejn l-issodisfar tal-obbligazzjonijiet ta' kreditu relatati mal-iskopertura jiddependi materjalment fuq il-flussi ta' flus kontanti ġġenerati minn dawk il-proprjetajiet immobbli li jiggarantixxu din l-iskopertura, aktar milli fuq il-kapaċità tad-debitur li jissodisfa l-obbligazzjonijiet ta' kreditu minn sorsi oħrajn; is-sors primarju ta' tali flussi ta' flus kontanti jkun il-pagamenti tal-kiri, jew ir-rikavat mill-bejgħ ta' proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali;

(75c) "skopertura ta' proprjetà immobbli li ma tipproduċix introjtu" jew "skopertura mhux IPRE" tfisser kwalunkwe skopertura koperta minn proprjetà immobbli residenzjali jew proprjetà kummerċjali waħda jew aktar li mhijiex skopertura IPRE;

(75d) "skopertura garantita bi proprjetà residenzjali", jew "skopertura garantita b'ipoteka fuq proprjetà residenzjali" tfisser skopertura garantita bi proprjetà residenzjali jew skopertura meqjusa bħala tali f'konformità mal-Artikolu 108(4);

(75e) "skopertura garantita bi proprjetà immobbli kummerċjali", jew "skopertua garantita b'ipoteka fuq proprjetà immobbli kummerċjali" tfisser skopertura garantita b'ipoteka fuq proprjetà immobbli kummerċjali;

(75f) "skopertura garantita bi proprjetà immobbli", jew "skopertura garantita b'ipoteka fuq proprjetà immobbli" jew "skopertura garantita permezz ta' proprjetà immobbli bħala kollateral" tfisser skopertura garantita permezz ta' proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali jew skopertura meqjusa bħala tali f'konformità mal-Artikolu 108(4);

▼B

(76) "valur tas-suq", tfisser għall-fini ta' proprjetà immobbli. l-ammont stmat li għalih il-proprjetà għandha tiġi skambjata fid-data tal-valutazzjoni bejn kompratur li jkun wera r-rieda u venditur li jkun wera r-rieda fi transazzjoni distakkata wara kummerċjalizzazzjoni xierqa fejn kull parti tkun aġixxiet b'mod konxjentement, b'mod prudenti u mingħajr ma tkun taħt pressjoni;

▼B

(77) “qafas tal-kontabbiltà applikabbli” tfisser l-istandards ta' kontabbiltà li għalihom l-istituzzjoni tkun soġġetta skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 jew id-Direttiva 86/635/KEE;

▼M17

(78) “rata ta' inadempjenza ta' sena” tfisser il-proporzjon bejn l-għadd ta' debituri jew, fejn id-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi applikata fil-livell tal-faċilità ta' kreditu skont l-Artikolu 178(1), it-tieni subparagrafu, il-faċilitajiet ta' kreditu li fir-rigward tagħhom titqies li seħħet inadempjenza matul perjodu li jibda minn sena qabel data ta' osservazzjoni T, u l-għadd ta' debituri, jew fejn id-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi applikata fil-livell tal-faċilità ta' kreditu skont l-Artikolu 178(1), it-tieni subparagrafu, faċilitajiet ta' kreditu assenjati għal dan il-grad jew aggregazzjoni sena qabel dik id-data ta' osservazzjoni T;

(78a) “skoperturi għall-akkwist ta' art, għall-iżvilupp u għall-kostruzzjoni” jew “skoperturi ADC” tfisser skoperturi għal korporattivi jew għal entitajiet bi skop speċjali li jiffinanzjaw kwalunkwe akkwist ta' art għal skopijiet ta' żvilupp u ta' kostruzzjoni, jew li jiffinanzjaw l-iżvilupp u l-kostruzzjoni ta' kwalunkwe proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali;

(78b) “skopertura mhux ADC” tfisser kwalunkwe skopertura garantita bi proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali waħda jew aktar li ma hijiex skopertura ADC;

_____

▼B

(80) “finanzjament tal-kummerċ” tfisser finanzjament, inklużi garanziji, marbut mal-iskambju ta’ merkanzija u servizzi permezz ta’ prodotti finanzjarji ta’ maturità fissa għal perijodu ta’ żmien qasir, ġeneralment ta' inqas minn sena, mingħajr differiment awtomatiku;

(81) “krediti tal-esportazzjoni b'appoġġ uffiċjali” tfisser self jew krediti għall-finanzjament tal-esportazzjoni ta' merkanzija u servizzi li għalihom aġenzija uffiċjali tal-krediti tal-esportazzjoni tipprovdi garanziji, assigurazzjoni jew finanzjament dirett,

▼C2

(82) “ftehim ta' xiri mill-ġdid” u “operazzjoni ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid” tfisser kwalunkwe ftehim li fih istituzzjoni jew il-kontroparti tagħha tittrasferixxi titoli jew prodotti jew drittijiet iggarantiti fir-rigward ta' titolu għal titoli jew prodotti fejn dik il-garanzija tkun inħarġet minn kambju rikonoxxut li jżomm id-drittijiet għat-titoli jew il-prodotti u l-ftehim ma jippermettix lill-istituzzjoni li tittrasferixxi jew tirhan titolu (ta' sigurtà) jew prodott partikolari fi kwalunkwe ħin lil aktar minn kontroparti waħda, soġġett għal impenn li tixtrihom mill-ġdid, jew titoli jew prodotti sostitwiti tal-istess deskrizzjoni bi prezz speċifiku f'data futura speċifika, jew li ser tkun speċifikata, minn min jittrasferixxi, li jkun ftehim ta' xiri mill-ġdid għall-istituzzjoni li tbigħ it-titoli jew prodotti u operazzjoni ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid għall-istituzzjoni li tixtrihom;

▼B

(83) “transazzjoni ta’ xiri mill-ġdid” tfisser kwalunkwe transazzjoni regolata minn ftehim ta’ xiri mill-ġdid jew minn operazzjoni ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid;

(84) “ftehim sempliċi ta’ xiri mill-ġdid” tfisser transazzjoni ta’ xiri mill-ġdid ta’ ass wieħed jew ta' assi simili, mhux kumplessi, kuntrarjament għal ġabra ta’ assi;

(85) “pożizzjonijiet miżmuma b’intenzjoni ta' negozjar” tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) pożizzjonijiet proprjetarji u pożizzjonijiet li jitnisslu minn servizzi għall-klijenti u mill-appoġġ għall-iskambji (market making);

(b) pożizzjonijiet maħsuba għar-rivendita f'terminu qasir;

(c) pożizzjonijiet maħsuba biex jibbenefikaw minn differenzi fil-prezz reali jew mistennija ta' terminu qasir bejn il-prezzijiet tax-xiri u l-prezzijiet tal-bejgħ jew minn varjazzjonijiet oħra fil-prezz jew fir-rata tal-imgħax;

▼M8

(86) “portafoll tan-negozjar” tfisser il-pożizzjonijiet kollha fl-istrumenti finanzjarji u fil-komoditajiet miżmuma minn istituzzjoni bil-ħsieb ta' negozju jew biex tiħħeġġja l-pożizzjonijiet miżmuma bil-ħsieb ta' negozju f'konformità mal-Artikolu 104;

▼B

(87) “faċilità multilaterali ta' negozjar” tfisser faċilità multilaterali ta' negozjar kif definit fil-punt 15 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE;

▼C2

(88) “kontroparti ċentrali li tikkwalifika” jew “QCCP” tfisser kontroparti ċentrali li jew ġiet awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament;

▼B

(89) “fond ta’ inadempjenza” tfisser fond stabbilit minn CCP skont l-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u użat skont l-Artikolu 45 ta' dak ir-Regolament;

(90) “kontribuzzjoni prefinanzjata għall- fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' CCP” tfisser kontribuzzjoni għall-fond ta’ garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' CCP li titħallas minn istituzzjoni;

▼M8

(91) “skopertura ta' negozju” tfisser skopertura attwali, inkluż marġini ta' varjazzjoni dovut lill-membru tal-ikklerjar iżda li għadha ma ġietx riċevuta, u kwalunkwe skopertura potenzjali futura ta' membru tal-ikklerjar jew klijent, lil CCP li tirriżulta minn kuntratti u tranżazzjonijiet elenkati fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 301(1), kif ukoll marġni inizjali;

▼B

(92) “suq regolat” tfisser suq regolat kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/39/KE;

▼B

(93) “lieva finanzjarja” tfisser id-daqs relattiv tal-assi ta’ istituzzjoni, l-obbligi li ma jidhrux u l-obbligi kontinġenti ta’ pagament jew ta’ konsenja jew ta’ forniment ta’ kollateral, inklużi l-obbligi minn finanzjament riċevut, impenji magħmula, derivati jew ftehimiet ta’ xiri mill-ġdid, imma esklużi l-obbligi li jistgħu jiġu infurzati biss matul il-likwidazzjoni ta’ istituzzjoni, meta mqabbla mal-fondi proprji ta’ dik l-istituzzjoni;

(94) “riskju ta’ lieva finanzjarja eċċessiva” tfisser ir-riskju li jirriżulta mill-vulnerabbiltà ta’ istitizzjoni minħabba lieva finanzjarja jew lieva finanzjarja kontinġenti li tista’ teħtieġ miżuri korrettivi mhux intenzjonati għall-pjan imprenditorjali tagħha, inkluż il-bejgħ b'urġenza ta’ assi li jista’ jirriżulta f’telf jew f’aġġustamenti tal-valutazzjoni tal-assi li jkun fadlilha;

(95) 'aġġustament ġenerali tar-riskju tal-kreditu' tfisser l-ammont tal-provvediment għat-telf speċifiku u ġenerali minħabba r-riskji tal-kreditu fuq is-self li kien rikonoxxut fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjoni f'konformità mal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

▼M8

(96) “ħeġġ intern” tfisser pożizzjoni li materjalment tikkumpensa l-elementi tar-riskju tal-komponent bejn pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar u pożizzjoni waħda jew iktar tal-portafoll mhux tan-negozjar jew bejn żewġ postijiet tan-negozjar;

▼B

(97) 'obbligu ta’ riferiment' tfisser obbligu użat għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur tas-saldu fi flus ta' derivat tal-kreditu;

(98) “istituzzjoni esterna tal-valutazzjoni tal-kreditu” jew “ECAI”(external credit assessment institution) tfisser aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu li hi reġistrata jew ċertifikata skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([1]) jew bank ċentrali li joħroġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu li huma eżentati mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009;

(99) “ECAI nominata” tfisser ECAI nominata minn istituzzjoni;

(100) “introjtu ieħor komprensiv akkumulat” għandha l-istess tifsira bħal tal-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS) 1, kif applikabbli skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002;

(101) 'fondi proprji bażiċi' tfisser fondi proprji bażiċi skont it-tifsira tal-Artikolu 88 tad- Direttiva 2009/138/KE;

(102) “elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 1” tfisser elementi ta’ fondi proprji bażiċi ta’ impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/138/KE meta dawk l- elementi jkunu kklassifikati fil-Grad 1 skont it-tifsira tad-Direttiva 2009/138/KE f'konformità mal-Artikolu 94(1) ta’ dik id-Direttiva;

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

▼B

(103) “elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 1 addizzjonali” tfisser elementi ta’ fondi proprji bażiċi ta’ impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/138/KE fejn dawk l-elementi jkunu kklassifikati fil-Grad 1 fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 94(1) ta’ dik id-Direttiva u l-inklużjoni ta’ dawk l-elementi tkun limitata bl-atti ddelegati adottati skont tal-Artikolu 99 ta’ dik id-Direttiva;

(104) “elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 2” tfisser elementi ta’ fondi proprji bażiċi ta’ impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/138/KE fejn dawk l-elementi jkunu kklassifikati fil-Grad 2 fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 94(2) ta’ dik id-Direttiva;

(105) “elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 3” tfisser elementi ta’ fondi proprji bażiċi ta’ impriżi soġġetti għar-rekwiżiti tad-Direttiva 2009/138/KE fejn dawk l-elementi jkunu kklassifikati fil-Grad 3 fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 94(3) ta’ dik id-Direttiva;

(106) “assi ta’ taxxa differita” għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(107) “assi ta’ taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura” tfisser l-assi ta’ taxxa differita li l-valur tagħhom fil-ġejjieni jista’ jiġi realizzat biss fil-każ li l-istituzzjoni tiġġenera profitt taxxabbli fil-ġejjieni;

(108) “obligazzjonijiet ta’ taxxa differita” għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(109) “assi ta’ fond tal-pensjoni b’benefiċċju definit” tfisser l-assi ta’ fond jew pjan tal-pensjoni definit, kif applikabbli, ikkalkulati wara li jkunu tnaqqsu bl-ammont ta’ obbligi skont l-istess fond jew pjan;

(110) “distribuzzjonijiet” tfisser il-pagament ta’ dividendi jew imgħax fi kwalunkwe forma;

(111) “impriża finanzjarja” għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-punti (25)(b) u (d) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE;

(112) “fondi għal riskju bankarju ġenerali” għandha l-istess tifsira bħal dik skont l-Artikolu 38 tad-Direttiva 86/635/KEE;

(113) “avvjament” għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

▼M17

(114) “holding indiretta” tfisser kwalunkwe skopertura għal entità intermedja li jkollha skopertura għal strumenti kapitali maħruġin minn entità tas-settur finanzjarju jew għal obbligazzjonijiet maħruġin minn istituzzjoni fejn, fil-każ li l-istrumenti kapitali maħruġin mill-entità tas-settur finanzjarju jew tal-obbligazzjonijiet maħruġin mill-istituzzjoni jiġu permanentement ikkanċellati, it-telf li l-istituzzjoni ġġarrab bħala riżultat ma jkunx materjalment differenti mit-telf li l-istituzzjoni ġġarrab minn holding diretta ta' dawk l-istrumenti ta' kapital maħruġin mill-entità tas-settur finanzjarju jew minn dawk l-obbligazzjonijiet maħruġin mill-istituzzjoni;

▼B

(115) “assi intanġibbli” għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli u tinkludi l-avvjament;

(116) “strumenti ta' kapital oħra” tfisser strumenti ta' kapital maħruġa minn entitajiet tas-settur finanzjarju li ma jikkwalifikawx bħala strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1, Grad 1 addizzjonali jew Grad 2 jew elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 1, elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 1 addizzjonali, elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 2 jew elementi tal-assigurazzjoni ta’ fondi proprji ta’ Grad 3;

(117) “riżervi oħra” tfisser riżervi fi ħdan it-tifsira tal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli li jkunu meħtieġa li jintwerew skont l-istandard tal-kontabbiltà applikabbli, bl-esklużjoni ta’ kwalunkwe ammonti diġà inklużi fi introjtu ieħor komprensiv akkumulat jew qligħ miżmum;

(118) “fondi proprji” tfisser it-total ta’ kapital ta’ Grad 1 u kapital ta’ Grad 2;

(119) “strumenti ta’ fondi proprji” tfisser strumenti ta' kapital maħruġa mill-istituzzjoni li jikkwalifikaw bħala strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1, Grad 1 Addizzjonali jew Grad 2;

(120) 'interessi minoritarji' tfisser l-ammont ta' kapital ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni ta’ sussidjarja ta' istituzzjoni li huwa attribwibbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi minbarra dawk inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali tal-istituzzjoni;

(121) “profitt” għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(122) “holding inkroċjata reċiproka” tfisser holding minn istituzzjoni ta’ strumenti ta’ fondi proprji jew strumenti ta' kapital oħra maħruġa minn entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet iżommu wkoll strumenti ta’ fondi proprji maħruġa mill-istituzzjoni;

(123) “qligħ miżmum” tfisser profitti jew telf riportati għas-sena ta’ wara bħala riżultat tal-applikazzjoni finali tal-profitt jew it-telf skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

▼B

(124) “kont tal-primjum azzjonarju” għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(125) “differenzi temporanji” għandha l-istess tifsira bħal dik skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

▼M17

(126) “holding sintetika” tfisser investiment minn istituzzjoni fi strument finanzjarju li l-valur tiegħu jkun direttament marbut mal-valur tal-istrumenti ta' kapital maħruġin minn entità tas-settur finanzjarju jew mal-valur tal-obbligazzjonijiet maħruġin minn istituzzjoni;

▼B

(127) 'skema ta' garanzija trasversali' tfisser skema li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼M8

(a) l-istituzzjonijiet jaqgħu fi ħdan l-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 113(7) jew huma affiljati b'mod permanenti ma' netwerk f'korp ċentrali;

▼M17

(b) l-istituzzjonijiet huma kkonsolidati bis-sħiħ f'konformità mal-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE u huma inklużi fis-superviżjoni fuq bażi kkonsolidata ta' istituzzjoni li hija l-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru f'konformità mal-Ewwel Parti, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, ta' dan ir-Regolament u soġġetta għar-rekwiżiti tal-fondi proprji;

▼B

(c) l-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru u s-sussidjarji huma stabbiliti fl-istess Stat Membru u huma soġġetti għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni mill-istess awtorità kompetenti;

(d) l-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membri u s-sussidjarji daħlu f'arranġament ta' responsabbiltà kuntrattwali jew statutorju li jipproteġi lil dawk l-istituzzjonijiet u partikolarment jiżgura l-likwidità u s-solvenza tagħhom, sabiex jiġi evitat il-falliment f'każ li dan isir meħtieġ;

(e) arranġamenti huma stabbiliti biex jiżguraw l-għoti minnufih ta' mezzi finanzjarji f'termini ta' kapital u likwidità jekk ikun meħtieġ taħt l-arranġament ta' responsabbiltà kuntrattwali jew statutorju msemmi fil-punt (d);

(f) l-adegwatezza tal-arranġamenti msemmija fil-punti (d) u (e) tkun issorveljata fuq bażi regolari mill-awtorità kompetenti;

▼B

(g) il-perijodu minimu ta' avviż għal ħruġ volontarju ta' sussidjarja mill-arranġament ta' responsabbiltà huwa ta' 10 snin;

(h) l-awtorità kompetenti għandha s-setgħa li tipprojbixxi ħruġ volontarju ta' sussidjarja mill-arranġament ta' responsabbiltà;

▼M8

(128) “elementi distribwibbli” tfisser l-ammont tal-profitti fi tmiem l-aħħar sena finanzjarja flimkien ma kwalunkwe profitt riportat għas-sena ta' wara u riżervi disponibbli għal dak l-għan, qabel id-distribuzzjonijiet lil detenturi ta' strumenti ta' fondi proprji, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe telf riportat għas-sena ta' wara, kwalunkwe profitt mhux distribwibbli skont il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali jew il-liġi sekondarja tal-istituzzjoni u kwalunkwe somma li tqiegħdet f'riżervi mhux distribwibbli f'konformità mal-liġi nazzjonali jew l-istatuti tal-istituzzjoni, f'kull każ fir-rigward ta' kategorija speċifika ta' strumenti ta' fondi proprji, li għaliha japplikaw il-liġi tal-Unjoni jew il-liġi nazzjonali, il-liġijiet sekondarji tal-istituzzjonijiet, jew l-istatuti; tali profitti, telf u riżervi ddeterminati abbażi tal-kontijiet individwali tal-istituzzjoni u mhux abbażi tal-kontijiet ikkonsolidata;

▼M5

(129) “ġestur” tfisser ġestur kif definit fil-punt (13) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

▼M8

(130) “awtorità ta' riżoluzzjoni” tfisser awtorità ta' riżoluzzjoni kif definita fil-punt (18) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE;

▼M15

(130a) “awtorità rilevanti ta’ pajjiż terz” tfisser awtorità ta’ pajjiż terz kif definita fl-Artikolu 2(1), il-punt (90), tad-Direttiva 2014/59/UE;

▼M8

(131) “entità ta' riżoluzzjoni” tfisser entità ta' riżoluzzjoni kif definita fil-punt (83a) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(132) “grupp ta' riżoluzzjoni” tfisser grupp ta' riżoluzzjoni kif definit fil-punt (83b) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(133) “istituzzjoni globali sistemikament importanti” jew “G-SII” tfisser G-SII li tkun ġiet identifikata skont l-Artikolu 131(1) u (2) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(134) “istituzzjoni globali sistemikament importanti mhux tal-UE” jew “G-SII mhux tal-UE” tfisser grupp bankarju globali sistematikament importanti jew bank (G-SIBs) li mhuwiex G-SIIs u li huwa inkluż fil-lista ta' G-SIBs ippubblikata mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, kif aġġornata b'mod regolari;

(135) “sussidjarja materjali” tfisser sussidjarja li fuq bażi individwali jew konsolidata tissodisfa kwalunkwe waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M8

(a) is-sussidjarja għandha iktar minn 5 % tal-assi konsolidati ponderati għar-riskju tal-impriża prinċipali oriġinali tagħha;

(b) is-sussidjarja tiġġenera iktar minn 5 % tal-introjtu operatorju totali tal-impriża prinċipali oriġinali tagħha;

(c) il-kejl tal-iskopertura totali, imsemmi fl-Artikolu 429(4) ta' dan ir-Regolament, tas-sussidjarja huwa iktar minn 5 % tal-kejl tal-iskopertura totali konsolidata tal-impriża prinċipali oriġinali tagħha;

għall-fini li tiġi ddeterminata s-sussidjarja materjali, fejn japplika l-Artikolu 21b(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, iż-żewġ impriżi prinċipali intermedji tal-UE għandhom jitqiesu bħala sussidjarja unika fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom;

(136) "entità G-SII" tfisser entità b'personalità ġuridika li hija G-SII jew hija parti minn G-SII jew minn G-SII mhux tal-UE;

(137) "għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna" tfisser għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna kif definita fil-punt (57) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(138) "grupp" tfisser grupp ta' impriżi li minnhom tal-inqas waħda hija istituzzjoni u li jikkonsisti minn impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha, jew minn impriżi li huma relatati ma' xulxin kif stabbilit fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(139) "tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli" tfisser tranżazzjoni ta' riakkwist, tranżazzjoni ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet, jew tranżazzjoni ta' self b'marġni;

(140) "marġni inizjali" jew "IM" tfisser kwalunkwe kollateral, għajr il-marġni varjabbli, miġbur minn jew mogħti lil entità biex tkopri l-iskopertura attwali u futura potenzjali ta' tranżazzjoni jew ta' portafoll ta' tranżazzjonijiet fil-perijodu meħtieġ biex jiġu likwidati dawk it-tranżazzjonijiet, jew biex jiġu ħħeġġjati mill-ġdid ir-riskju tas-suq tagħhom, wara l-inadempjenza tal-kontroparti għat-tranżazzjoni jew il-portafoll ta' tranżazzjonijiet;

(141) "riskju tas-suq" tfisser ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn movimenti fil-prezzijiet tas-suq, inkluż fir-rati tal-kambju jew fil-prezzijiet ta' komoditajiet;

(142) "riskju tal-kambju" tfisser ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn movimenti fir-rati tal-kambju;

([1]) Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182, 29.6.2013, p. 19).

▼M8

(143) “riskju ta' komoditajiet” tfisser ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn movimenti fil-prezzijiet tal-komoditajiet;

▼M17

(144) “post tan-negozjar” tfisser grupp identifikat tajjeb ta' kummerċjanti stabbilit mill-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 104b (1) sabiex jimmaniġġa b'mod konġunt portafoll ta' pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar, jew il-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar imsemmija fil-paragrafi (5) u (6) ta' dak l-Artikolu, f'konformità ma' strateġija kummerċjali definita tajjeb u konsistenti u li jopera taħt l-istess struttura ta' ġestjoni tar-riskju;

▼M8

(145) “istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa” tfisser istituzzjoni li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ma tkunx istituzzjoni kbira;

(b) il-valur totali tal-assi tagħha fuq bażi individwali jew, fejn applikabbli, fuq bażi konsolidata f'konformità ma' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE tkun bħala medja indaqs jew inqas mil-livell limitu ta' EUR 5 biljun matul il-perijodu ta' erba' snin immedjatament qabel il-perijodu annwali attwali ta' rappurtar; L-Istati Membri jistgħu jbaxxu dak il-livell limitu;

(c) hi ma tkun soġġetta għal ebda obbligu jew tkun soġġetta għal obbligi simplifikati, b'rabta mal-ippjanar ta' rkupru u ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/59/UE;

(d) il-portafoll tan-negozjar tagħha jkun ikklassifikat bħala żgħir fis-sens tal-Artikolu 94(1);

(e) il-valur totali tal-pożizzjonijiet derivattivi tagħha miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar ma jaqbiżx 2 % tat-total tal-assi u tal-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ totali tagħha u il-valur totali tal-pożizzjonijiet derivattivi totali tagħha ma jaqbiżx 5 %, it-tnejn ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 273a(3);

▼M17

(f) l-assi jew l-obbligazzjonijiet konsolidati tal-istituzzjoni relatati ma' attivitajiet ma' kontropartijiet li jinsabu fiż-Żona Ekonomika Ewropea, eskluż l-iskoperturi intragrupp fiż-Żona Ekonomika Ewropea, it-tnejn li huma jeċċedu l-75 % tat-total tal-karta tal-bilanċ konsolidata tal-istituzzjoni, eskluż fiż-żewġ każijiet l-iskopertura intragrupp;

▼M8

(g) l-istituzzjoni ma tużax mudelli interni biex tissodisfa r-rekwiżiti prudenzjali skont dan ir-Regolament ħlief għal sussidjarji li jużaw mudelli interni żviluppati fuq livell ta' grupp, sakemm il-grupp ikun soġġett għar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 433a jew 433c fuq bażi konsolidata;

▼M8

(h) l-istituzzjoni ma opponietx il-kwalifika ta' istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa mal-awtoritajiet kompetenti;

(i) l-awtorità kompetenti ma ddeċidietx li, abbażi ta' analiżi tad-daqs, l-interkonnettività, il-kumplessità jew il-profil tar-riskju, l-istituzzjoni ma għandhiex titqies bħala istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa;

(146) "istituzzjoni kbira" tfisser istituzzjoni li tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) hi G-SII;

(b) hi tkun ġiet identifikata bħala istituzzjoni sistemikament importanti oħra (O-SII) f'konformità mal-Artikolu 131(1) u (3) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(c) hi tkun, fl-Istat Membru fejn tkun stabbilita, waħda mill-ikbar tliet istituzzjonijiet skont il-valur totali ta' assi;

(d) il-valur totali tal-assi tagħha fuq bażi individwali jew, fejn applikabbli, fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħha f'konformità ma' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE jkun indaqs jew akbar minn EUR 30 biljun;

(147) "sussidjarja kbira" tfisser sussidjarja li tikkwalifika bħala istituzzjoni kbira;

(148) "istituzzjoni mhux elenkata" tfisser istituzzjoni li ma tkunx ħarġet it-titoli li huma ammessi għan-negozjar f'suq regolat ta' xi Stat Membru, kif definit fil-punt (21) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE;

(149) "rapport finanzjarju" tfisser, għall-finijiet tal-Parti Tmienja, rapport finanzjarju fis-sens tal-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

▼M9

(150) "negozjant tal-komoditajiet u tal-kwoti tal-emissjonijiet" tfisser impriża li n-negozju prinċipali tagħha jikkonsisti esklużivament fil-forniment ta' servizzi jew ta' attivitajiet ta' investiment relatati ma' derivati ta' komoditajiet jew ma' kuntratti ta' derivati ta' komoditajiet imsemmija fil-punti (5), (6), (7), (9) u (10), derivati tal-kwoti tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt 4, jew kwoti tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt 11 tat-Taqsima C tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE;

([1]) Id-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38).

▼M17

(151) “skopertura rotanti” tfisser skopertura li fiha l-bilanċ pendenti tal-mutwatarju jitħalla jvarja skont id-deċiżjonijiet tiegħu ta' teħid ta' self u ta' ripagament, sa limitu miftiehem;

(152) “skopertura ta' tranżattur” tfisser kwalunkwe skopertura rotanti li jkollha tal-anqas 12-il xahar ta' storja ta' ripagamenti u li tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) skopertura li għaliha, fuq bażi regolari ta' tal-anqas kull 12-il xahar, il-bilanċ li jkollu jitħallas lura fid-data tar-ripagament skedata li jmiss jiġi ddeterminat bħala l-ammont prelevat f'data ta' referenza predefinita, b'data tar-ripagament skedata mhux aktar tard minn 12-il xahar, dment li l-bilanċ ikun tħallas lura kompletament f'kull data ta' ripagament skedata għat-12-il xahar preċedenti;

(b) faċilità ta' overdraft li fiha ma kien hemm l-ebda ġbid ta' kreditu matul it-12-il xahar preċedenti;

(153) “entità tas-settur tal-fjuwils fossili” tfisser kumpanija, intrapriża jew impriża kklassifikata statistikament bħala li għandha l-attività ekonomika prinċipali tagħha fis-settur tal-faħam, taż-żejt jew tal-gass tal-attivitajiet ekonomiċi, kif stabbilit fl-Anness XXXIX, il-Mudell 3, tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 ([1]) u kif identifikat b'referenza għall-kodiċijiet tal-klassifikazzjoni statistika tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE Reviżjoni 2) elenkati fl-Anness I, it-Taqsimiet B, C, D u G, tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]); meta l-attività ekonomika prinċipali ta' kumpanija, intrapriża jew impriża ma tkunx ikklassifikata bl-użu tal-kodiċijiet tan-NACE Reviżjoni 2 stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1893/2006, jew klassifikazzjoni nazzjonali derivata minnhom, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw b'mod konservattiv jekk tali kumpanija, intrapriża jew impriża għandhiex l-attività prinċipali tagħha f'wieħed minn dawk is-setturi;

(154) “skoperturi soġġetti għall-impatt ta' fatturi ambjentali jew soċjali” tfisser skoperturi li jfixklu l-ambizzjoni tal-Unjoni li tilħaq l-objettivi regolatorji tagħha relatati mal-fatturi ESG, b'mod li jista' jkollu impatt finanzjarju negattiv fuq l-istituzzjonijiet fl-Unjoni;

(155) “entità bankarja parallela” tfisser entità li twettaq attivitajiet bankarji barra mill-qafas regolat.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/637 tal-15 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjonijiet pubbliċi mill-istituzzjonijiet tal-informazzjoni msemmija fit-Titoli II u III tal-Parti Tmienja tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1423/2013, ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1555, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/200 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/2295 (ĠU L 136, 21.4.2021, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

▼M17

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punti (1)(b)(ii) u (iii), meta l-impriża tkun parti minn grupp ta' pajjiż terz, l-assi totali ta' kull fergħa tal-grupp ta' pajjiż terz awtorizzati fl-Unjoni għandhom jiġu inklużi fil-valur totali kkombinat tal-assi tal-impriżi kollha fil-grupp.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (1)(b)(iii), is-superviżur konsolidanti jista' jitlob l-informazzjoni rilevanti kollha mill-impriża sabiex jieħu d-deċiżjoni tiegħu.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (52a), ir-riskju legali ma għandux jinkludi rifużjonijiet lil partijiet terzi jew lil impjegati u pagamenti ta' avvjament minħabba opportunitajiet ta' negozju, fejn ma jkun seħħ l-ebda ksur ta' xi regola jew ta' mġiba etika u meta l-istituzzjoni tkun issodisfat l-obbligi tagħha fil-ħin. Ir-riskju legali lanqas ma għandu jinkludi l-ispejjeż legali esterni meta l-avveniment li jwassal għal dawk l-ispejjeż esterni ma jkunx avveniment ta' riskju operazzjonali.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (145)(e), ta' dan il-paragrafu, istituzzjoni tista' teskludi pożizzjonijiet derivattivi li tkun daħlet fihom mal-klijenti mhux finanzjarji tagħha u l-pożizzjonijiet ta' derivattivi li tuża sabiex tiħħeġġja dawk il-pożizzjonijiet, dment li l-valur ikkombinat tal-pożizzjonijiet eskluži kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 273a(3) ma jaqbiżx l-10 % tal-assi totali tal-istituzzjoni li jidhru fil-karta tal-bilanċ u li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ.

►C2 2. Meta f'dan ir-Regolament issir referenza għal propjetà immobbli, proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali jew għal ipoteka fuq tali proprjetà, din għandha tinkludi ishma f'kumpanniji Finlandiżi ta' akkomodazzjoni residenzjali li joperaw skont l-Att tal-Kumpanniji tal-Akkomodazzjoni Finlandiż tal-1991 jew leġislazzjoni sussegwenti ekwivalenti. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistgħu jippermettu ishma li jikkostitwixxu proprjetà indiretta ekwivalenti ta' proprjetà immobbli biex jiġu trattati bħala proprjetà diretta ta' proprjetà immobbli, dment ◄ li tali proprjetà indiretta tkun regolata b'mod speċifiku fil-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat u, li meta tkun imwiegħda bħala kollaterali, din tipprovdi protezzjoni ekwivalenti għall-krediturі.

3. Il-finanzjament tal-kummerċ kif imsemmi fil-punt (80) tal-paragrafu 1 huwa ġeneralment mingħajr rabta u jeħtieġ dokumentazzjoni transazzjonali ta' appoġġ sodisfaċenti għal kull talba ta' ġbid ta' kreditu li tippermetti r-rifjut tal-finanzjament f'każ ta' kwalunkwe dubju dwar l-affidabbiltà tal-kreditu jew id-dokumentazzjoni transazzjonali ta' appoġġ. Il-pagament lura tal-iskoperturi tal-finanzjament tal-kummerċ normalment ma jiddependix minn min jissellef, il-fondi minflok jiġu minn flus kontanti rċevuti minn importaturi jew li jirriżultaw minn dħul mill-bejgħ tal-oġġetti involuti.

▼M8

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw f'liema ċirkostanzi jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (39) tal-paragrafu 1.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2020.

▼M8

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

5. Sal-10 ta' Jannar 2026, l-EBA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li jispeċifikaw il-kriterji għall-identifikazzjoni tal-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punt (18), ta' dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 5

Definizzjonijiet speċifiċi għar-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju tal-kreditu

Għall-finijiet tal-Parti Tlieta, Titolu II, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "skopertura" tfisser ass jew element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ;

(2) "telf" tfisser telf ekonomiku, inkluż effetti materjali ta' skont, u kostijiet materjali diretti u indiretti assoċjati mal-ġbir fuq l-istrument;

▼M17

(3) "telf mistenni" jew "EL" tfisser il-proporzjon, relatat ma' faċilità waħda, tal-ammont li mistenni jintilef fuq skopertura minn kwalunkwe wieħed jew waħda minn dawn li ġejjin:

(a) inadempjenza potenzjali ta' debitur fuq perjodu ta' sena għall-ammont pendenti f'inadempjenza;

(b) avveniment potenzjali ta' dilwizzjoni fuq perjodu ta' sena għall-ammont pendenti fid-data tal-okkorrenza tal-avveniment ta' dilwizzjoni;

(4) "obbligazzjoni ta' kreditu" tfisser kwalunkwe obbligazzjoni li tirriżulta minn kuntratt ta' kreditu, inkluż il-kapital, l-imgħax akkumulat u t-tariffi, dovuti minn debitur;

(5) "skoperturi għall-kreditu" tfisser kwalunkwe element li jidher jew ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ, li jista' jirriżulta, f'obbligazzjoni ta' kreditu;

(6) "faċilità" jew "faċilità ta' kreditu" tfisser skopertura għall-kreditu li tirriżulta minn kuntratt jew minn sett ta' kuntratti bejn debitur u istituzzjoni;

(7) "marġni ta' konservattiviżmu" tfisser żieda inkorporata fl-istimi tal-parametri tar-riskju sabiex tqis il-firxa mistennija ta' żbalji fl-istima li jirriżultaw minn nuqqasijiet identifikati fid-*data*, fil-metodi, fil-mudelli, u l-bidliet fl-istandards ta' sottoskrizzjoni, fl-attitudni għar-riskji, fil-politiki ta' ġbir u ta' rkupru u fi kwalunkwe sors ieħor ta' inċertezza addizzjonali, kif ukoll minn żball ġenerali fl-istima;

▼**M17**

(8) “aġġustament xieraq” tfisser l-impatt fuq l-istimi tal-parametri tar-riskju li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' metodoloġiji fi ħdan l-istima tal-parametri tar-riskju biex jiġu kkoreġuti n-nuqqasijiet identifikati fid-*data* u fil-metodi ta' stima, u biex jitqiesu l-bidliet fl-istandards ta' sottoskrizzjoni, fl-attitudni għar-riskji, fil-politiki ta' ġbir u ta' rkupru u fi kwalunkwe sors ieħor ta' inċertezza addizzjonali, sa fejn ikun possibbli sabiex jiġu evitati preġudizzji fl-istimi tal-parametri tar-riskju;

(9) “intrapriża żgħira u ta' daqs medju” jew “SME” tfisser kumpanija, intrapriża jew impriża li, skont l-aħħar kontijiet konsolidati tagħha, ikollha fatturat annwali li ma jaqbiżx EUR 50 000 000;

(10) “impenn” tfisser kwalunkwe arranġament kuntrattwali li istituzzjoni toffri lil klijent, u li jkun aċċettat minn dak il-klijent, għall-estensjoni ta’ kreditu, għax-xiri ta’ assi jew għall-ħruġ ta’ sostituti tal-kreditu; u kwalunkwe tali arranġament li jista’ jiġi kkanċellat mingħajr kundizzjoni minn istituzzjoni fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż minn qabel lil debitur jew kwalunkwe arranġament li jista’ jiġi kkanċellat minn istituzzjoni meta debitur jonqos milli jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-faċilità, inkluż il-kundizzjonijiet li jeħtieġ li jiġu ssodisfati mid-debitur qabel kwalunkwe ġbid ta' kreditu inizjali jew sussegwenti skont l-arranġament, sakemm l-arranġamenti kuntrattwali jilħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin kollha:

(a) arranġamenti kuntrattwali li permezz tagħhom l-istituzzjoni ma tirċievi l-ebda tariffa jew kummissjoni sabiex tistabbilixxi jew iżżomm dawk l-arranġamenti kuntrattwali;

(b) arranġamenti kuntrattwali li permezz tagħhom il-klijent ikun meħtieġ japplika mal-istituzzjoni għall-ġbid ta' kreditu inizjali u għal kull ġbid ta' kreditu sussegwenti skont dawk l-arranġamenti kuntrattwali;

(c) arranġamenti kuntrattwali li permezz tagħhom l-istituzzjoni jkollha awtorità sħiħa, irrispettivament mill-issodisfar mill-klijent tal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dokumentazzjoni tal-arranġament kuntrattwali, fuq l-eżekuzzjoni ta' kull ġbid ta' kreditu;

(d) l-arranġamenti kuntrattwali jippermettu lill-istituzzjoni tivvaluta l-affidabbiltà kreditizja tal-klijent immedjatament qabel ma tiddeċiedi dwar l-eżekuzzjoni ta' kull ġbid ta' kreditu u l-istituzzjoni tkun implimentat u tapplika proċeduri interni li jiżguraw li tali valutazzjoni ssir qabel l-eżekuzzjoni ta' kull ġbid ta' kreditu;

(e) arranġamenti kuntrattwali li jiġu offruti lil entità korporattiva, inkluża SME, li tkun immonitorjata mill-qrib fuq bażi kontinwa;

(11) “impenn kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet” tfisser kwalunkwe impenn li t-termini tiegħu jippermettu lill-istituzzjoni tikkanċella dan l-impenn sal-punt sħiħ permess skont il-protezzjoni tal-konsumatur u l-atti legali relatati, fejn applikabbli, fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż minn qabel lid-debitur jew li effettivament jipprevedu kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju.

▼M17

Artikolu 5a

Definizzjonijiet speċifiċi għall-kriptoassi

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “kriptoassi” tfisser kriptoassi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) li mhuwiex munita diġitali tal-bank ċentrali;

(2) “token tal-flus elettroniċi” jew “token tal-flus elettroniċi” tfisser token tal-flus elettroniċi jew token tal-flus elettroniċi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2023/1114;

(3) “skopertura tal-kriptoassi” tfisser assi jew element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ relatat ma' kriptoassi li jagħti lok għal riskju ta' kreditu, riskju ta' kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, riskju operazzjonali jew riskju tal-likwidità;

(4) “assi tradizzjonali” tfisser kwalunkwe assi għajr kriptoassi, inkluż:

(a) strumenti finanzjarji kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (50), ta' dan ir-Regolament;

(b) fondi kif definit fl-Artikolu 4, il-punt (25), tad-Direttiva (UE) 2015/2366;

(c) depożiti kif definit fl-Artikolu 2(1), il-punt (3), tad-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), inkluż depożiti strutturati;

(d) pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-kuntest ta' titolizzazzjoni kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (1), tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(e) prodotti tal-assigurazzjoni mhux tal-ħajja jew tal-ħajja li jaqgħu fil-klassijiet tal-assigurazzjoni elenkati fl-Annessi I u II tad-Direttiva 2009/138/KE jew kuntratti ta' riassigurazzjoni u retroċessjoni msemmija f'dik id-Direttiva;

(f) prodotti tal-pensjoni li, skont il-liġi nazzjonali, ikunu rikonoxxuti li għandhom l-għan ewlieni li jipprovdu lill-investitur bi dħul wara li jirtira, u li jintitolaw lill-investitur għal ċerti benefiċċji;

(g) skemi għal pensjoni okkupazzjonali rikonoxxuti uffiċjalment fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) jew tad-Direttiva 2009/138/KE;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 (ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40).

([2]) d-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

([3]) Id-Direttiva (UE) 2016/2341 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar l-attivitajiet u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet għall-provvista ta' rtirar okkupazzjonali (IORPs) (ĠU L 354, 23.12.2016, p. 37).

▼M17

(h) prodotti tal-pensjoni individwali li għalihom il-liġi nazzjonali tirrikjedi kontribuzzjoni finanzjarja minn min iħaddem u li għalihom min iħaddem jew l-impjegat ma jkollux għażla fir-rigward tal-prodott jew il-fornitur tal-pensjoni;

(i) prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(j) l-iskemi tas-sigurtà soċjali koperti mir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]);

(5) “assi tradizzjonali tokenizzat” tfisser tip ta' kriptoassi li jirrappreżenta assi tradizzjonali, inkluż token tal-flus elettroniċi;

(6) “token irreferenzjat ma' assi” tfisser token irreferenzjat ma' assi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (6), tar-Regolament (UE) 2023/1114;

(7) “servizz tal-kriptoassi” tfisser servizz ta' kriptoassi kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (16), tar-Regolament (UE) 2023/1114.

▼B

TITOLU II

LIVELL TAL-APPLIKAZZJONI TAR-REKWIŻITI

KAPITOLU 1

Applikazzjoni tar-rekwiżiti fuq bażi individwali

Artikolu 6

Prinċipji Ġenerali

▼M8

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Partijiet Tnejn, Tlieta, Erbgħa, Sebgħa, Sebgħa A u Tmienja ta' dan ir-Regolament u fil-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 fuq bażi individwali, bl-eċċezzjoni tal-punt (d) tal-Artikolu 430(1) ta' dan ir-Regolament.

▼C8

1a. B’deroga mill-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet biss identifikati bħala entitajiet ta’ riżoluzzjoni, li huma wkoll entitajiet G-SII u li ma għandhomx sussidjarji għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92a fuq bażi individwali.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2019/1238 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar Prodott tal-Pensjoni Personali Pan-Ewropew (PEPP) (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1).

([3]) Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1).

▼M8

Sussidjarji materjali ta' G-SII mhux tal-UE għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 92b fuq bażi individwali, meta jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni;

(b) ma għandhomx sussidjarji;

(c) mhumiex is-sussidjarji ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE.

▼C2

2. L-ebda istituzzjoni li tkun jew sussidjarja fl-Istat Membru fejn tkun awtorizzata u sorveljata jew inkella impriża prinċipali, u l-ebda istituzzjoni inkluża fil-konsolidazzjoni skont l-Artikolu 18, ma għandha tkun meħtieġa li tikkonforma mal-obbligi stipulati fl-Artikoli 89, 90 u 91 fuq bażi individwali.

▼M8

3. L-ebda istituzzjoni li tkun jew impriża prinċipali jew inkella sussidjarja, u l-ebda istituzzjoni inkluża fil-konsolidazzjoni skont l-Artikolu 18, ma għandha tkun meħtieġa li tikkonforma mal-obbligi stipulati fil-Parti Tmienja fuq bażi individwali.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 437a u l-punt (h) tal-Artikolu 447 fuq bażi individwali.

▼M9

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Parti Sitta u fil-punt (d) tal-artikolu 430(1) ta' dan ir-Regolament fuq bażi individwali.

L-istituzzjonijiet li ġejjin ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-Artikolu 413(1) u r-rekwiżiti ta' rapportar dwar il-likwidità assoċjati stabbiliti fil-Parti Sebgħa A ta' dan ir-Regolament:

(a) l-istituzzjonijiet li huma awtorizzati wkoll f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(b) istituzzjonijiet li huma awtorizzati wkoll f'konformità mal-Artikolu 16 u l-punt (a) tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sakemm dawn ma jwettqu l-ebda trasformazzjoni tal-maturità sinifikanti; u

(c) istituzzjonijiet li huma dežinjati f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, dment li:

(i) l-attivitajiet tagħhom huma limitati sabiex joffru servizzi ta' tip bankarju, kif imsemmi fit-Taqsima C tal-Anness għal dak ir-Regolament, għal depożitorji ċentrali tat-titoli awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament; u

(ii) dawn ma jwettqu l-ebda trasformazzjonijiet tal-maturità sinifikanti.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 909/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar titjib fis-saldu tat-titoli fl-Unjoni Ewropea u dwar depożitorji ċentrali tat-titoli u li jemenda d-Direttivi 98/26/KE u 2014/65/UE u r-Regolament (UE) Nru 236/2012 (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 1).

▼M9

5. L-istituzzjonijiet li għalihom l-awtoritajiet kompetenti jkunu eżerċitaw id-deroga speċifikata fl-Artikolu 7(1) jew (3) ta' dan ir-Regolament u l-istituzzjonijiet li huma awtorizzati wkoll f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, ma għandhomx ikunu meħtieġa jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fil-Parti Sebgħa u r-rekwiżiti ta' rapportar dwar il-proporzjon tal-ingranaġġ assoċjat stabbilit fil-Parti Sebgħa A ta' dan ir-Regolament fuq bażi individwali.

▼B

Artikolu 7

Deroga għall-applikazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw għall-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) lil kwalunkwe sussidjarja ta' istituzzjoni, meta kemm is-sussidjarja kif ukoll l-istituzzjoni jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-Istat Membru konċernat, u s-sussidjarja tkun inkluża fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata tal-istituzzjoni li tkun impriża prinċipali, u l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati kollha, sabiex ikun żgurat li l-fondi proprji jkunu distribwiti b'mod adegwat bejn l-impriża prinċipali u s-sussidjarja:

(a) ma jkunx hemm impediment kurrenti jew previst materjali prattiku jew ġuridiku għat-trasferiment rapidu ta' fondi proprji jew ripagament tal-obbligazzjonijiet mill-impriża prinċipali tagħha;

(b) jew l-impriża prinċipali tissodisfa lill-awtorità kompetenti rigward l-immaniġjar prudenti tas-sussidjarja u ddikjarat, bil-permess tal-awtorità kompetenti, li tiggarantixxi l-impenji li daħlet għalihom is-sussidjarja, jew ir-riskji fis-sussidjarja jkunu ta' interess negliġibbli;

(c) il-proċeduri tal-evalwazzjoni, il-kalkolu u l-kontroll tar-riskju tal-impriża prinċipali jkunu jkopru s-sussidjarja;

(d) l-impriża prinċipali jkollha aktar minn 50 % tad-drittijiet tal-vot marbuta mal-ishma fil-kapital tas-sussidjarja jew ikollha d-dritt li taħtar jew tneħħi il-maġġoranza tal-membri tal-korp maniġerjali tas-sussidjarja.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżerċitaw l-alternattiva prevista fil-paragrafu 1 meta l-impriża prinċipali tkun kumpannija azzjonarja finanzjarja (kumpannija holding finanzjarja) jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta stabbilita fl-istess Stat Membru bħall-istituzzjoni, sakemm tkun soġġetta għall-istess superviżjoni bħal dik eżerċitata fuq l-istituzzjonijiet, u b'mod partikolari għall-istandards stabbiliti fl-Artikolu 11(1).

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 6(1) lil istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru meta dik l-istituzzjoni tkun soġġetta għal awtorizzazzjoni u superviżjoni mill-Istat Membru konċernat, u tkun inkluża fis-superviżjoni fuq bażi konsolidata, u l-kondizzjoniet li ġejjin ikunu kollha ssodisfati, sabiex ikun żgurat li l-fondi proprji huma ddistribwiti b'mod adegwat fost l-impriża prinċipali u s-sussidjarji:

(a) ma jkunx hemm impediment kurrenti jew previst materjali prattiku jew legali għat-trasferiment minnufih ta' fondi proprji jew ripagament tal-obbligazzjonijiet lill-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru;

▼B

(b) il-proċeduri tal-evalwazzjoni, il-kalkolu u l-kontroll tar-riskju relevanti għal superviżjoni konsolidata jkopru lill-istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru.

L-awtorità kompetenti li tagħmel użu minn dan il-paragrafu għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha.

Artikolu 8

Deroga mill-applikazzjoni ta' rekwiżiti tal-likwidità fuq bażi individwali

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw totalment jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Parti Sitta lil istituzzjoni u lis-sussidjarji tagħha kollha jew uħud minnhom fl-Unjoni u jissorveljawhom bħala sottogrupp tal-likwidità waħdieni sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni prinċipali fuq bażi konsolidata jew istituzzjoni sussidjarja fuq bażi subkonsolidata tikkonforma mal-obbligi stipulati fil-Parti Sitta;

▼M8

(b) l-istituzzjoni prinċipali fuq bażi konsolidata jew l-istituzzjoni sussidjarja fuq bażi subkonsolidata timmonitorja u għandha superviżjoni l-ħin kollu fuq il-pożizzjonijiet ta' likwidità tal-istituzzjonijiet kollha fi ħdan il-grupp jew is-sottogrupp, li huma soġġetti għar-rinunzja, timmonitorja u għandha superviżjoni l-ħin kollu fuq il-pożizzjonijiet ta' finanzjament tal-istituzzjonijiet kollha fi ħdan il-grupp jew is-sottogrupp fejn ir-rekwiżit tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli (NSFR) stabbilit fit-Titolu IV tal-Parti Sitta jiġi rinunzjat, u li tiżgura livell suffiċjenti ta' likwidità, u ta' finanzjament stabbli fejn ir-rekwiżit tal-NSFR stabbilit fit-Titolu IV tal-Parti Sitta jiġi rinunzjat, għal dawk l-istituzzjonijiet kollha;

▼B

(c) l-istituzzjonijiet ikunu daħlu f'kuntratti li, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, jiddisponu għall-moviment liberu tal-fondi bejniethom sabiex ikunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi tagħhom individwali u konġunti meta jsiru dovuti;

(d) ma jkunx hemm impediment kurrenti jew previst materjali prattiku jew legali għall-esekuzzjoni tal-kuntratti msemmija f'(c).

Sal-1 ta' Jannar 2014 il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kull ostaklu legali li jista' jrendi impossibbli l-applikazzjoni tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu u hi mistiedna tagħmel proposta leġislattiva, jekk ikun xieraq, sal-31 ta' Diċembru 2015 dwar liema minn dawn l-ostakli għandhom jitneħħew.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw totalment jew parzjalment l-applikazzjoni tal-Parti Sitta lil istituzzjoni u s-sussidjarji tagħha kollha jew xi wħud minnhom meta l-istituzzjonijiet kollha ta' sottogrupp tal-likwidità waħdieni jkunu awtorizzati fl-istess Stat Membru u dment li l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 1 ikunu ssodisfati.

3. Meta l-istituzzjonijiet ta' sottogrupp waħdieni tal-likwidità ikunu awtorizzati f'diversi Stati Membri, il-paragrafu 1 għandu jkun applikat biss wara li tkun segwita l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21 u għall-istituzzjonijiet biss li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jaqblu rigward l-elementi li ġejjin:

▼B

(a) il-valutazzjoni tagħhom tal-konformità tal-organizzazzjoni u tat-trattament tar-riskju tal-likwidità bil-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE fis-sottogrupp waħdieni tal-likwidità;

▼M8

(b) id-distribuzzjoni tal-ammonti, il-post u s-sjieda tal-assi likwidi meħtieġa li jridu jinżammu fi ħdan is-sottogrupp ta' likwidità uniku, fejn ir-rekwiżit tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità (LCR) kif stabbilit fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) ikun irrinunzjat, u d-distribuzzjoni tal-ammonti u l-post ta' finanzjament stabbli disponibbli fi ħdan is-sottogrupp ta' likwidità uniku fejn jiġi rrinunzjat ir-rekwiżit tal-NSFR stabbilit fit-Titolu IV tal-Parti Sitta;

(c) id-determinazzjoni tal-ammonti minimi tal-assi likwidi li għandhom jinżammu mill-istituzzjonijiet li għalihom l-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-LCR kif stabbilit fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) tiġi rrinunzjata u d-determinazzjoni tal-ammonti minimi tal-finanzjament stabbli disponibbli li għandu jinżamm mill-istituzzjonijiet li għalihom l-applikazzjoni tar-rekwiżit tal-NSFR stabbilit fit-Titolu IV tal-Parti Sitta tiġi rrinunzjata;

▼B

(d) il-ħtieġa għal parametri aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-Parti Sitta;

(e) kondiviżjoni bla restrizzjoni tal-informazzjoni kollha bejn l-awtoritajiet kompetenti.

(f) fehim sħiħ tal-implikazzjonijiet ta' tali rinunzja.

▼C2

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw ukoll il-paragrafi 1, 2 u 3 għall-istituzzjonijiet li jkunu membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali kif imsemmi fl-Artikolu 113(7), sakemm ikunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fih, u għal istituzzjonijiet oħra marbuta b'relazzjoni msemmija fl-Artikolu 113(6) sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fih. L-awtoritajiet kompetenti għandhom f'dak il-każ jiddeterminaw waħda mill-istituzzjonijiet soġġetta għar-rinunzja li tissodisfa l-Parti Sitta fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-istituzzjonijiet kollha tas-sottogrupp waħdieni tal-likwidità.

▼B

5. Meta rinunzja tkun ingħatat skont il-paragrafu 1 jew il-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu ukoll japplikaw l-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew partijiet minnha, fil-livell tas-sottogrupp waħdieni tal-likwidità u jirrinunzjaw l-applikazzjoni tal-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE, jew partijiet minnha, fuq bażi individwali.

▼M8

6. Fejn, f'konformità ma' dan l-Artikolu, awtorità kompetenti tirrinunzja, parzjalment jew totalment, l-applikazzjoni tal-Parti Sitta għal istituzzjoni, hija tista' wkoll tirrinunzja l-applikazzjoni tar-rekwiżiti assoċjati tar-rappurtar tal-likwidità skont il-punt (d) tal-Artikolu 430(1) għal dik l-istituzzjoni.

▼B

Artikolu 9

Metodu ta' konsolidazzjoni individwali

1. Soġġett għall-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 144(3) tad-Direttiva 2013/36/UE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu fuq il-bażi ta' każ każ lill-istituzzjonijiet prinċipali

▼B

sabiex jinkorporaw fil-kalkolazzjoni tar-rekwiżit tagħhom skont l-Artikolu 6(1) is-sussidjarji li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 7(1), u li l-iskoperturi materjali tagħhom jew l-obbligazzjonijiet materjali tagħhom ikunu lejn dik l-istituzzjoni prinċipali.

2. It-trattament stipulat fil-paragrafu 1 għandu jkun permess biss meta l-istituzzjoni prinċipali turi b'mod sħiħ lill-awtoritajiet kompetenti ċ-ċirkostanzi u l-arranġamenti, inklużi l-arranġamenti ġuridiċi, li bis-saħħa tagħhom ma jkunx hemm impediment materjali prattiku jew ġuridiku, u lanqas ma jkunu previsti, għat-trasferiment rapidu tal-fondi proprji, jew ir-ripagament tal-obbligazzjonijiet meta jkun xieraq mis-sussidjarja lill-impriża prinċipali tagħha.

3. Meta awtorità kompetenti teżerċita d-diskrezzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, hija għandha fuq bażi regolari u mhux inqas minn darba fis-sena tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha dwar l-użu magħmul mill-paragrafu 1 u ċ-ċirkustanzi u l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 2. Meta s-sussidjarja tkun f'pajjiż terz, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu wkoll l-istess informazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz.

Artikolu 10

Rinunzja għall-istituzzjonijiet ta' kreditu affiljati permanentement ma' korp ċentrali

▼M8

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, parzjalment jew totalment jirrinunzjaw l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet Tnejn sa Tmienja ta' dan ir-Regolament u l-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 għal istituzzjoni ta' kreditu waħda jew aktar li jinsabu fl-istess Stat Membru u li huma affiljati permanentement ma' korp ċentrali li jissorveljhom u li huwa stabbilit fl-istess Stat Membru, jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) l-impenji tal-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati jkunu obligazzjonijiet in solidum jew l-impenji tal-istituzzjonijiet affiljati miegħu jkunu ggarantiti totalment mill-korp ċentrali;

(b) is-solvenza u l-likwidità tal-korp ċentrali u tal-istituzzjonijiet affiljati kollha jkunu mmonitorjati fis-sħuħija tagħhom fuq il-bażi tal-kontijiet konsolidati ta' dawn l-istituzzjonijiet;

(c) il-maniġment tal-korp ċentrali jkollu s-setgħa li joħroġ struzzjonijiet lill-maniġment tal-istituzzjonijiet affiljati.

▼C2

L-Istati Membri jistgħu jżommu u jagħmlu użu mil-leġislazzjoni nazzjonali eżistenti fir-rigward tal-applikazzjoni tar-rinunzja msemmija fl-ewwel subparagrafu sakemm din ma tkunx f'konflitt ma' dan ir-Regolament jew mad-Direttiva 2013/36/UE.

▼B

2. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil- paragrafu 1 ikunu ntlaħqu, u fejn ir-responsabbiltajiet jew l-impenji tal-korp ċentrali huma ggarantiti għal kollox mill-istituzzjonijiet affiljati, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw il-korp ċentrali mill-applikazzjoni tal-Parti Tnejn sa Tmienja fuq bażi individwali.

▼B

KAPITOLU 2

Konsolidazzjoni prudenzjali

Taqsima 1

Applikazzjoni ta' rekwiżiti fuq bażi kkonsolidata

▼M17

Artikolu 10a

L-applikazzjoni ta' rekwiżiti prudenzjali fuq bażi konsolidata fejn id-ditti tal-investiment huma impriżi prinċipali

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, id-ditti tal-investiment u l-kumpaniji azzjonarji ta' investiment għandhom jitqiesu bħala kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali fi Stat Membru jew f'kumpaniji azzjonarji finanzjarji prinċipali tal-UE meta tali ditti tal-investiment jew kumpaniji azzjonarji ta' investiment ikunu impriżi prinċipali ta' istituzzjoni jew ta' ditta tal-investiment soġġetta għal dan ir-Regolament li hija msemmija fl-Artikolu 1(2) jew (5) tar-Regolament (UE) 2019/2033.

▼B

Artikolu 11

Trattament ġenerali

▼M8

1. L-istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru għandhom jikkonformaw, sal-punt u bil-mod stabbilit fl-Artikolu 18, mal-obbligi stipulati fil-Partijiet Tnejn, Tlieta, Erbgħa, Sebgħa u Sebgħa A fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom, bl-eċċezzjoni tal-punt (d) tal-Artikolu 430(1). L-impriżi prinċipali u s-sussidjarji tagħhom li huma soġġetti għal dan ir-Regolament għandhom jistabbilixxu struttura organizzattiva tajba u mekkaniżmi ta' kontroll intern adatti sabiex ikun żgurat li d-data meħtieġa għall-konsolidazzjoni tiġi debitament ipproċessata u mibgħuta. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li s-sussidjarji li ma jkunux soġġetti għal dan ir-Regolament jimplimentaw l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi biex jiżguraw konsolidazzjoni korretta.

2. Għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fuq bażi konsolidata, it-termini "istituzzjoni", "istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru", "istituzzjoni prinċipali tal-UE" u "impriża prinċipali", skont il-każ, għandhom jirreferu wkoll għal:

(a) kumpannija holding finanzjarja jew kumpannija holding finanzjarja mħallta approvata skont l-Artikolu 21a tad-Direttiva 2013/36/UE;

(b) istituzzjoni dežinjata kontrollata minn kumpannija holding finanzjarja prinċipali jew kumpannija holding finanzjarja mħallta prinċipali fejn tali kumpannija prinċipali mhix soġġetta għall-approvazzjoni skont l-Artikolu 21a(4) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(c) kumpannija holding finanzjarji, kumpannija holding finanzjarji mħallta jew istituzzjoni dežinjata skont il-punt (d) tal-Artikolu 21a(6) tad-Direttiva 2013/36/UE.

▼M8

Is-sitwazzjoni konsolidata ta' impriża msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun is-sitwazzjoni konsolidata tal-kumpanija holding finanzjarja prinċipali jew il-kumpanija holding finanzjarja mħallta prinċipali li mhijiex soġġetta għal approvazzjoni skont l-Artikolu 21a(4) tad-Direttiva 2013/36/UE. Is-sitwazzjoni konsolidata ta' impriża msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tkun is-sitwazzjoni konsolidata tal-kumpannija holding finanzjarja prinċipali jew il-kumpannija holding finanzjarja mħallta prinċipali tagħha.

_____

▼C8

3a. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet prinċipali biss identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni, li huma entitajiet G-SII għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 92a ta' dan ir-Regolament fuq bażi konsolidata, sal-punt u bil-mod stabbilit fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament.

▼M8

Impriżi prinċipali tal-UE biss li huma sussidjarja materjali ta' G-SII mhux tal-UE u li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 92b ta' dan ir-Regolament fuq bażi konsolidata sal-punt u bil-mod stabbilit fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament. Meta japplika l-Artikolu 21b(2) tad-Direttiva 2013/36/UE, iż-żewġ impriżi prinċipali intermedji tal-UE identifikati b'mod konġunt bħala sussidjarja materjali kull waħda minnhom għandha tikkonforma mal-Artikolu 92b ta' dan ir-Regolament abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom.

▼M9

4. L-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE għandhom jikkonformaw mal-Parti Sitta u l-punt (d) tal-Artikolu 430(1) ta' dan ir-Regolament abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom meta l-grupp jinkludi istituzzjoni ta' kreditu jew ditta tal-investiment waħda jew iktar li huma awtorizzati li jipprovdu s-servizzi u l-attivitajiet tal-investiment elenkati fil-punti (3) u (6) tat- A tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE.

Meta tkun ingħatat rinunzja skont l-Artikolu 8(1) sa (5), l-istituzzjonijiet u, fejn applikabbli, il-kumpanniji azzjonarji finanzjarji jew il-kumpanniji azzjonarji finanzjarji mħallta li huma parti minn sottogrupp ta' likwidità għandhom jikkonformaw mal-Parti Sitta u l-punt (d) tal-Artikolu 430(1) ta' dan ir-Regolament fuq bażi konsolidata jew fuq il-bażi subkonsolidata tas-sottogrupp ta' likwidità.

▼M8

5. Meta japplika l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, il-korp ċentrali msemmi f'dak l-Artikolu għandu jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Partijiet Tnejn sa Tmienja ta' dan ir-Regolament u l-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-korp ċentrali kollu kif ikkostitwit flimkien mal-istituzzjonijiet affiljati tiegħu.

▼M8

6. Minbarra r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 1 sa 5 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE, meta jkun ġustifikat għal fini ta' superviżjoni mill-ispeċifiċitajiet tar-riskju jew tal-istruttura kapitali ta' istituzzjoni jew fejn Stati Membri jadottaw liġijiet nazzjonali li jirrikjedu s-separazzjoni strutturali ta' attivitajiet fi ħdan grupp bankarju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li istituzzjoni tikkonforma mal-obbligi stipulati fil-Partijiet Tnejn sa Tmienja ta' dan ir-Regolament u fit-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE fuq bażi subkonsolidata.

L-applikazzjoni tal-approċċ stipulat fl-ewwel subparagrafu għandha tkun mingħajr preġudizzju għal superviżjoni effettiva fuq bażi konsolidata u ma għandha la timplika effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha, fi Stati Membri oħra jew fl-Unjoni fl-intier tagħha u lanqas tifforma jew toħloq ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern.

———————

▼M15

Artikolu 12a

Kalkolu kkonsolidat għal G-SIIs b'entitajiet ta' riżoluzzjoni multipli

Meta mill-inqas żewġ entitajiet G-SII li huma parti mill-istess G-SII ikunu entitajiet ta' riżoluzzjoni jew entitajiet ta' pajjiżi terzi li jkunu entitajiet ta' riżoluzzjoni li kieku kienu stabbiliti fl-Unjoni, l-istituzzjoni prinċipali tal-UE ta' dik il-G-SII għandha tikkalkula l-ammont ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 92a(1), il-punt (a):

(a) għal kull entità ta' riżoluzzjoni jew entità ta' pajjiż terz li tkun entità ta' riżoluzzjoni li kieku kienet stabbilita fl-Unjoni;

(b) għall-istituzzjoni prinċipali tal-UE daqslikieku kienet l-unika entità ta' riżoluzzjoni tal-G-SII.

Il-kalkolu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jitwettaq fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE.

L-awtoritajiet tar-riżoluzzjoni għandhom jaġixxu skont l-Artikolu 45d (4) u l-Artikolu 45h(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.

▼M8

Artikolu 13

Applikazzjoni ta' rekwiżiti ta' divulgazzjoni fuq bażi kkonsolidata

1. L-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE għandhom jikkonformaw mal-Parti Tmienja fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom.

▼M17

Sussidjarji kbar ta' istituzzjonijiet prinċipali tal-UE għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni speċifikata fl-Artikoli 437, 438, 440, 442, 449a, 449b, 450, 451, 451a u 453 fuq bażi individwali jew, fejn applikabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE, fuq bażi subkonsolidata.

▼M8

▼C8

2. L-istituzzjonijiet identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni li huma entitajiet G-SII għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 437a u l-punt (h) tal-Artikolu 447 abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-grupp ta' riżoluzzjoni tagħhom.

▼M8

3. L-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandux japplika għall-istituzzjonijiet prinċipali tal-UE, kumpanniji holding finanzjarji prinċipali tal-UE, kumpanniji holding finanzjarji mħallta prinċipali tal-UE jew entitajiet ta' riżoluzzjoni meta jkunu inklużi f'divulgazzjonijiet ekwivalenti fuq bażi konsolidata pprovduti minn impriża prinċipali stabbilita f'pajjiż terz.

It-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu japplika għal sussidjarji ta' impriżi prinċipali stabbiliti f'pajjiż terz fejn dawk is-sussidjarji jikkwalifikaw bħala sussidjarji kbar.

4. Meta japplika l-Artikolu 10, il-korp ċentrali msemmi f'dak l-Artikolu għandu jikkonforma mal-Parti Tmienja fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata tal-korp ċentrali. L-Artikolu 18(1) għandu japplika għall-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati għandhom jiġu ttrattati bħala sussidjarji tal-korp ċentrali.

Artikolu 14

Applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402 fuq bażi konsolidata

1. L-impriżi prinċipali u s-sussidjarji tagħhom li huma soġġetti għal dan ir-Regolament għandhom ikunu meħtieġa li jissodisfaw l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402 fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata, biex jiżguraw li l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi tagħhom meħtieġa minn dawk id-dispożizzjonijiet ikunu konsistenti u integrati tajjeb u li kwalunkwe data u informazzjoni rilevanti għall-fini tas-superviżjoni jkunu jistgħu jiġu prodotti. B'mod partikolari, huma għandhom jiżguraw li s-sussidjarji li ma jkunux soġġetti għal dan ir-Regolament jimplimentaw l-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi biex jiżguraw il-konformità ma' dawk id-dispożizzjonijiet.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 270a ta' dan ir-Regolament meta japplikaw l-Artikolu 92 ta' dan ir-Regolament fuq bażi konsolidata jew subkonsolidata jekk ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 5 tar-Regolament (UE) 2017/2402 jinkisru fil-livell ta' entità stabbilita f'pajjiż terz inkluż fil-konsolidazzjoni f'konformità mal-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament jekk il-ksur ikun materjali fir-rigward tal-profil tar-riskju kumplessiv tal-grupp.

▼M9

———————

▼B

Taqsima 2

Metodi għal konsolidazzjoni prudenzjali

▼M8

Artikolu 18

Metodi ta' konsolidazzjoni prudenzjali

1. Istituzzjonijiet, kumpanniji holding finanzjarji u kumpanniji holding finanzjarji mħallta li huma meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fit-Taqsima 1 ta' dan il-Kapitolu abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tagħhom għandhom iwettqu konsolidazzjoni sħiħa tal-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li jkunu s-sussidjarji tagħhom. Il-paragrafi 3 sa 6 u l-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw meta tapplika l-Parti Sitta u l-punt (d) tal-Artikolu 430(1) fuq il-bażi tas-sitwazzjoni konsolidata ta' istituzzjoni, kumpannija holding finanzjarja jew kumpannija finanzjarja mħallta jew fuq is-sitwazzjoni subkonsolidata ta' sottogrupp ta' likwidità kif stabbilit fl-Artikoli 8 u 10.

Għall-finijiet tal-Artikolu 11(3a), istituzzjonijiet li huma meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 92a jew 92b fuq bażi konsolidata għandhom iwettqu konsolidazzjoni sħiħa tal-istituzzjonijiet u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li jkunu s-sussidjarji tagħhom fil-gruppi ta' riżoluzzjoni rilevanti.

▼M17

_____

▼M8

3. Fejn l-impriżi jkunu relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw kif titwettaq il-konsolidazzjoni.

▼M17

4. Il-parteċipazzjonijiet fl-istituzzjonijiet u fl-istituzzjonijiet finanzjarji ġestiti minn impriża inkluża fil-konsolidazzjoni flimkien ma' impriża waħda jew aktar li ma humiex inklużi fil-konsolidazzjoni għandhom jiġu kkonsolidati b'mod proporzjonali skont is-sehem tal-kapital miżmum, meta r-responsabbiltà ta' dawk l-impriżi tkun limitata għas-sehem tal-kapital li għandhom.

▼M8

5. Fil-każ tal-parteċipazzjonijiet jew rabtiet kapitali għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 4, awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk għandhiex titwettaq konsolidazzjoni u kif għandha titwettaq. B'mod partikolari, huma jistgħu jippermettu jew jeħtieġu l-użu tal-metodu tal-ekwità. Dak il-metodu ma għandux, madankollu, jikkostitwixxi inklużjoni tal-impriżi konċernati f'superviżjoni fuq bażi konsolidata.

6. Awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk għandhiex titwettaq konsolidazzjoni u kif din għandha titwettaq fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta, fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti, istituzzjoni teżerċita influwenza sinifikanti fuq istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja waħda jew iktar, iżda mingħajr ma jkollha parteċipazzjoni jew rabtiet kapitali oħra f'dawk l-istituzzjonijiet; u

▼M8

(b) meta żewġ istituzzjonijiet jew istituzzjonijiet finanzjarji jew iktar jitpoġġew taħt maniġment uniku differenti minn dak skont il-kuntratt, il-klawżoli tal-memoranda jew l-Artikoli ta' assoċjazzjoni tagħhom.

▼M17

B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu jew jirrikjedu l-użu tal-metodu previst fl-Artikolu 22(7), (8) u (9) tad-Direttiva 2013/34/UE.

▼M8

7. ►M17 Meta istituzzjoni jkollha sussidjarja li tkun impriża għajr istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja jew ikollha parteċipazzjoni f'tali impriża, hija għandha tapplika l-metodu tal-ekwità għal dik is-sussidjarja jew il-parteċipazzjoni. Dak il-metodu ma għandux, madankollu, jikkostitwixxi inklużjoni tal-impriżi konċernati f'superviżjoni fuq bażi konsolidata. ◄

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu jew jitolbu lill-istituzzjonijiet japplikaw metodu differenti għal tali sussidjarji jew parteċipazzjonijiet, inkluż il-metodu meħtieġ mill-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, dment li:

(a) l-istituzzjoni ma tapplikax diġà l-metodu tal-ekwità fit-28 ta' Diċembru 2020;

(b) ikun ta' piż sproporzjonat li jiġi applikat il-metodu tal-ekwità jew il-metodu tal-ekwità ma jirriflettix b'mod adegwat ir-riskji li l-impriża msemmija fl-ewwel subparagrafu toħloq lill-istituzzjoni; u

(c) il-metodu applikat ma jirriżultax f'konsolidazzjoni sħiħa jew proporzjonali ta' dik l-impriża.

8. ►M17 Awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu konsolidazzjoni sħiħa jew proporzjonali ta' sussidjarja jew ta' impriża li fiha istituzzjoni jkollha parteċipazzjoni meta dik is-sussidjarja jew l-impriża ma hijiex istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja u fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: ◄

(a) l-impriża mhijiex impriża tal-assigurazzjoni, impriża tal-assigurazzjoni ta' pajjiż terz, impriża tar-riassigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni ta' pajjiż terz, kumpannija holding tal-assigurazzjoni jew impriża eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva;

(b) hemm riskju sostanzjali li l-istituzzjoni tiddeċiedi li tipprovdi għajnuna finanzjarja lil dik l-impriża f'kondizzjonijiet ta' stress, fin-nuqqas ta', jew lil hinn minn kwalunkwe obbligu kuntrattwali li jiġi provdut tali appoġġ.

9. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet li f'konformità magħhom għandha titwettaq il-konsolidazzjoni fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 3 sa 6 u l-paragrafu 8.

▼M8

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

10. L-EBA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2025 dwar il-kompletezza u l-adegwatezza tad-definizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw is-superviżjoni tat-tipi kollha ta' riskji li għalihom huma esposti l-istituzzjonijiet f'livell konsolidat. L-EBA għandha tivvaluta b'mod partikolari xi diskrepanza li jifdal possibbli f'dawn id-definizzjonijiet u d-dispożizzjonijiet flimkien mal-interazzjoni tagħhom mal-qafas kontabilistiku applikabbli, u kull aspett li jifdal li jista' joħloq restrizzjonijiet mhux intenzjonati għal superviżjoni konsolidata li tkun komprensiva u adattabbli għal sorsi jew għal tipi ġodda ta' riskji jew ta' strutturi li jistgħu jwasslu għal arbitraġġ regolatorju. L-EBA għandha taġġorna r-rapport tagħha mill-inqas darba kull sentejn.

Fid-dawl tas-sejbiettal-EBA, il-Kummissjoni għandha, fejn adegwat, tissottometti proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sabiex isiru l-aġġustamenti għad-definizzjonijiet rilvanti jew l-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali.

▼B

Taqsima 3

Ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali

Artikolu 19

Entitajiet eskluži mill-ambitu tal-konsolidazzjoni prudenzjali

1. ►M17 Ma huwiex meħtieġ li istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja li tkun sussidjarja jew impriża li fiha tinżamm parteċipazzjoni tkun inkluża fil-konsolidazzjoni meta l-ammont totali tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tal-impriża konċernata jkunu inqas mill-iżgħar miż-żewġ ammonti li ġejjin: ◄

(a) EUR 10 miljuni;

(b) 1 % tal-ammont totali tal-assi u l-elementi li ma jidhrux tal-impriża prinċipali jew l-impriża li jkollha l-holding.

2. ►M17 L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE jistgħu jiddeċiedu fil-każijiet li ġejjin, fuq bażi ta' każ b'każ, li ma jkunx meħtieġ li istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja li tkun sussidjarja jew li fiha tinżamm parteċipazzjoni, tiġi inkluża fil-konsolidazzjoni: ◄

(a) fejn l-impriża konċernata tkun tinsab f'pajjiż terz fejn ikun hemm impedimenti ġuridiċi għat-trasferiment tal-informazzjoni meħtieġa;

▼C2

(b) fejn l-impriża konċernata tkun ta' interess negliġibbli biss fir-rigward tal-objettivi tal-istituzzjonijiet ta' monitoraġġ;

▼C3

(c) fejn, fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti responsabbli għat-twettiq ta' superviżjoni fuq bażi konsolidata, il-konsolidazzjoni tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża konċernata ma tkunx xierqa jew tkun qarrieqa fir-rigward tal-objettivi tas-superviżjoni tal-istituzzjonijiet.

▼B

3. Meta, fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u l-punt (b) tal-paragrafu 2, diversi impriżi jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fihom, huma għandhom madankollu jiġu inklużi fil-konsolidazzjoni meta kollettivament ikunu ta' interess mhux negliġibbli fir-rigward tal-objettivi speċifikati.

Artikolu 20

Deċiżjonijiet konġunti dwar rekwiżiti prudenzjali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaħdmu flimkien, f'konsultazzjoni sħiħa:

▼M17

(a) fil-każ ta' applikazzjonijiet għall-permessi msemmija fl-Artikolu 143(1), fl-Artikolu 151(9), fl-Artikolu 283 u fl-Artikolu 325az ippreżentati minn istituzzjoni prinċipali tal-UE u mis-sussidjarji tagħha, jew b'mod konġunt mis-sussidjarji ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, sabiex jiddeċiedu jekk jingħatax il-permess mitlub u jiddeterminaw it-termini u l-kundizzjonijiet, jekk ikun hemm, li tali permess jenħtieġ li jkun soġġett għalihom;

▼B

(b) għall-fini li jiġi ddeterminat jekk humiex sodisfatti l-kriterji għat-trattament ta' intragrupp speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 422(9) u l-Artikolu 425(5) ikkomplimentati mill-istandards regolatorji tal-ABE msemmija fl-Artikolu 422(10) u l-Artikolu 425(6).

L-applikazzjonijiet għandhom ikunu sottomessi biss lis-superviżur konsolidanti.

▼M17

_____

▼B

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jilħqu deċiżjoni konġunta fi żmien sitt xhur fuq:

(a) l-applikazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1;

(b) il-valutazzjoni tal-kriterji u d-determinazzjoni tat-trattament speċifiku msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

Din id-deċiżjoni konġunta għandha tkun stipulata f'dokument li jkun fih id-deċiżjoni motivata bis-sħiħ li għandha tkun ipprovduta lill-applikant mill-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1.

3. Il-perijodu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jibda:

(a) fid-data ta' meta tasal l-applikazzjoni kompluta msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għand is-superviżur konsolidanti. Is-superviżur konsolidanti għandu jibgħat l-applikazzjoni kompluta lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra mingħajr dewmien;

▼B

(b) fid-data ta' meta jasal għand l-awtoritajiet kompetenti rapport mhejji min-superviżur konsolidanti li janalizza l-impenji intragrupp fi ħdan il-grupp.

4. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet kompetenti fi żmien sitt xhur, is-superviżur konsolidanti għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu dwar il-punt (a) tal-paragrafu 1. Id-deċiżjoni tas-superviżur konsolidanti m'għandhiex tillimita s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE.

Id-deċiżjoni għandha tkun stipulata f'dokument li jkun fih id-deċiżjoni motivata bis-sħiħ u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra mfissra matul il-perijodu ta' sitt xhur.

Id-deċiżjoni għandha tkun ipprovduta lill-istituzzjoni prinċipali tal-UE, lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE u lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra mis-superviżur konsolidanti.

Jekk, fi tmiem il-perijodu ta' sitt xhur, xi awtorità kompetenti konċernata tkun irreferiet il-kwistjoni lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, is-superviżur konsolidanti għandu jiddifferixxi d-deċiżjoni tiegħu dwar il-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament dwar id-deċiżjoni tiegħu, u għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu f'konformità mad-deċiżjoni tal-ABE. Il-perijodu ta' sitt xhur għandu jitqies bħala l-perijodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara tmiem il-perijodu ta' sitt xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.

5. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn l-awtoritajiet kompetenti fi żmien sitt xhur, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarja fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar il-punt (b) tal-paragrafu 1.

Id-deċiżjoni għandha tkun stipulata f'dokument li jkun fih id-deċiżjoni motivata bis-sħiħ u għandha tqis il-fehmiet u r-riżervi tal-awtoritajiet kompetenti l-oħra mfissra matul il-perijodu ta' sitt xhur.

Id-deċiżjoni għandha tkun ipprovduta lis-superviżur konsolidanti li jinforma lill-istituzzjoni prinċipali tal-UE, lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew lill-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE.

Jekk, fi tmiem il-perijodu ta' sitt xhur, is-superviżur konsolidanti jkun irrefera l-kwistjoni lill-ABE skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarja fuq bażi individwali għandha tiddifferixxi d-deċiżjoni tagħha dwar il-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jistenna kwalunkwe deċiżjoni li l-ABE tista' tieħu skont l-Artikolu 19(3) ta' dak ir-Regolament dwar id-deċiżjoni tiegħu, u għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu f'konformità mad-deċiżjoni tal-ABE. Il-perijodu ta' sitt xhur għandu jitqies bħala l-perijodu ta' konċiljazzjoni skont it-tifsira ta' dak ir-Regolament. L-ABE għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha fi żmien xahar. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara tmiem il-perijodu ta' sitt xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.

▼M17

6. Meta istituzzjoni prinċipali tal-UE u s-sussidjarji tagħha, is-sussidjarji ta' kumpanija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE tuża l-Approċċ IRB imsemmi fl-Artikolu 143 fuq bażi unifikata, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-kumpanija prinċipali u lis-sussidjarji tagħha, ikkunsidrati flimkien, jissodisfaw il-kriterji ta' kwalifika stabbiliti fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta b'mod li jkun konsistenti mal-istruttura tal-grupp u mas-sistemi, mal-proċessi u mal-metodoloġiji tal-ġestjoni tar-riskju tiegħu.

▼B

7. Id-deċiżjonijiet imsemmija fil-paragrafi 2, 4 u 5 għandhom ikunu rikonoxxuti bħala determinanti u għandhom ikunu applikati mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri konċernati.

▼M17

8. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-proċess ta' deċiżjoni konġunta msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-applikazzjonijiet għall-permessi msemmija fl-Artikolu 143(1), l-Artikolu 151(9) u l-Artikoli 283 u 325az bil-għan li jitħaffu d-deċiżjonijiet konġunti.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2025.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 21

Deċiżjonijiet konġunti fil-livell tal-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-likwidità

1. Mal-applikazzjoni ta’ istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE jew sottosussidjarja ta' konsolidazzjoni ta' istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE, is-superviżur konsolidanti u l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tas-sussidjarji ta’ istituzzjoni prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali tal-UE jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali tal-UE fi Stat Membru għandhom jagħmlu dak kollu li jistgħu biex jaslu għal deċiżjoni konġunta dwar jekk humiex sodisfatti l-kondizzjonijiet fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 8(1) u li tidentifika sottogrupp waħdieni tal-likwidità għall-applikazzjoni tal-Artikolu 8.

Id-deċiżjoni konġunta għandha tittieħed fi żmien sitt xhur wara s-sottomissjoni mis-superviżur konsolidanti ta’ rapport li jidentifika sottogruppi tal-likwidità waħdanin fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 8. Fil-każ ta’ nuqqas ta’ ftehim matul il-perijodu ta’ sitt xhur, is-superviżur konsolidanti għandu jikkonsulta lill-ABE fuq talba ta’ kwalunkwe awtorità kompetenti oħra konċernata. Is-superviżur konsolidanti jista’ jikkonsulta lill-ABE fuq inizjattiva tiegħu stess.

Id-deċiżjoni konġunta tista’ timponi wkoll limitazzjonijiet fuq il-post u s-sjieda ta’ assi likwidi u tirrikjedi ammonti minimi ta’ assi likwidi biex jinżammu mill- istituzzjonijiet li jkunu eżentati mill-applikazzjoni tal-Parti Sitta.

▼B

Id-deċiżjoni konġunta għandha titniżżel f'dokument li jkun fih id-deċiżjoni motivata bis-sħiħ li għandu jiġi ppreżentat lill-istituzzjoni prinċipali tas-sottogrupp tal-likwidità mis-superviżur konsolidanti.

2. Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta fi żmien sitt xhur, kull awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha.

Madankollu, kwalunkwe awtorità kompetenti tista' matul il-perijodu ta' sitt xhur tirreferi l-kwistjoni lill-ABE dwar jekk il-kondizzjonijiet fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 8(1) ikunux issodisfati. F'dak il-każ, l-ABE tista' twettaq il-medjazzjoni mhux vinkolanti tagħha skont l-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom jiddeferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom sakemm tispiċċa l-medjazzjoni mhux vinkolanti. Meta, waqt il-medjazzjoni, ma jkun intlaħaq ebda qbil mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur, kull awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni proprja tagħha b'kont meħud tal-proporzjonalità tal-benefiċċji u r-riskji fil-livell tal-Istat Membru tal-istituzzjoni prinċipali u tal-proporzjonalità tal-benefiċċji u r-riskji fil-livell tal-Istat Membru tas-sussidjarja. Il-kwistjoni m'għandhiex tiġi riferuta lill-ABE wara tmiem il-perijodu ta' sitt xhur jew wara li tkun intlaħqet deċiżjoni konġunta.

Id-deċiżjoni konġunta msemmija fil-paragrafu 1 u d-deċiżjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu vinkolanti.

3. Kwalunkwe awtorità kompetenti tista' wkoll matul il-perijodu ta' sitt xhur tikkonsulta lill-ABE f'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar il- kondizzjonijiet fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 8(3). F'dak il-każ, l-ABE tista' twettaq il-medjazzjoni mhux vinkolanti tagħha skont l-Artikolu 31(c) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti għandhom jiddeferixxu d-deċiżjonijiet tagħhom sakemm tispiċċa l-medjazzjoni mhux vinkolanti. Meta, waqt il-medjazzjoni, ma jkun intlaħaq l-ebda ftehim mill-awtoritajiet kompetenti fi żmien tliet xhur, kull awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali għandha tieħu d-deċiżjoni tagħha.

▼M17

Artikolu 22

Subkonsolidazzjoni fil-każ ta' entitajiet f'pajjiżi terzi

1. Istituzzjonijiet sussidjarji jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji intermedji sussidjarji jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta intermedji sussidjarji għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 89, 90 u 91 u fil-Partijiet Tlieta, Erbgħa u Sebgħa u r-rekwiżiti ta' rapportar assoċjati stabbiliti fil-Parti Sebgħa A abbażi tas-sitwazzjoni subkonsolidata tagħhom jekk ikollhom istituzzjoni jew istituzzjoni finanzjarja bħala sussidjarja f'pajjiż terz, jew ikollhom parteċipazzjoni f'tali impriża.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet sussidjarji jew il-kumpaniji azzjonarji finanzjarji intermedji sussidjarji jew kumpaniji azzjonarji finanzjarji mħallta intermedji sussidjarji jistgħu jagħżlu li ma japplikawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 89, 90 u 91 u l-Partijiet Tlieta, Erbgħa, u Sebgħa u r-rekwiżiti assoċjati ta' rappurtar stipulati fil-Parti Sebgħa A fuq il-bażi tas-sitwazzjoni subkonsolidata tagħhom meta l-assi totali u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tas-sussidjarji u l-parteċipazzjonijiet f'pajjiżi terzi jkunu inqas minn 10 % tal-ammont totali tal-assi u tal-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni sussidjarja jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja intermedja sussidjarja jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta intermedja sussidjarja.

▼B

Artikolu 23

Impriżi f'pajjiżi terzi

Għall-fini tal-applikazzjoni tas-superviżjoni fuq bażi konsolidata skont dan il-Kapitolu, it-termini "ditta ta' investiment", "istituzzjoni ta' kreditu", "istituzzjoni finanzjarja" u "istituzzjoni" għandhom japplikaw ukoll għal impriżi stabbiliti f'pajjiżi terzi li, kieku kienu stabbiliti fl-Unjoni, kienu jissodisfaw id-definizzjonijiet ta' dawk it-termini fl-Artikolu 4.

Artikolu 24

Valutazzjoni tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ

1. Il-valutazzjoni tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ għandhom japplikaw f'konformità mal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li istituzzjonijiet jagħmlu l-valutazzjoni tal-assi u l-elementi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ u d-determinazzjoni tal-fondi proprji f'konformità mal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà kif japplikaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

PARTI TNEJN

▼M8

FONDI PROPRJI U OBBLIGAZZJONIJIET ELIĠIBBLI

▼B

TITOLU I

ELEMENTI TA' FONDI PROPRJI

KAPITOLU 1

Kapital ta' Grad 1

Artikolu 25

Kapital ta' Grad 1

Il-kapital ta' Grad 1 ta' istituzzjoni jikkonsisti fit-total tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u kapital ta' Addizzjonali ta' Grad 1 tal-istituzzjoni.

KAPITOLU 2

Kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

Taqsima 1

Elementi u strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

Artikolu 26

Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' istituzzjonijiet jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

▼B

(a) strumenti kapitali, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 jew, fejn applikabbli,l-Artikolu 29 ikunu sodisfatti;

(b) il-kontijiet primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (a);

(c) qligħ miżmum;

(d) introjtu ieħor komprensiv akkumulat;

(e) riżervi oħra;

(f) fondi għal riskju bankarju ġenerali.

L-elementi msemmija fil-punti (c) sa (f) għandhom jiġu rikonoxxuti bħala Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss fejn huma disponibbli għall-istituzzjoni għal użu mingħajr restrizzjonijiet u immedjat biex jiġu koperti r-riskji jew telf hekk kif dawn iseħħu.

2. Għall-fini tal-punt (c) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu profitt interim jew ta' tmiem is-sena f'kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 qabel l-istituzzjoni tkun ħadet deċiżjoni formali li tikkonferma l-profitt jew telf finali tal-istituzzjoni għas-sena biss bil-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess, f'każ li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) dawk il-profitti ġew ivverifikati minn persuni indipendenti tal-istituzzjoni li huma responsabbli għall-verifika tal-kontijiet ta' dik l-istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li kwalunkwe addebitament jew dividend prevedibbli tnaqqas mill-ammont ta' dak il-profitt.

Verifika tal-profitti interim jew ta' tmiem is-sena tal-istituzzjoni għandha tipprovdi livell adegwat ta' aċċertament li dawk il-profitti ġew evalwati skont il-prinċipji stabbiliti fil-qafas tal-kontabbiltà applikabbli

▼M8

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jevalwaw jekk il-ħruġ ta' strumenti kapitali jissodisfax il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28, jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 29. L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw il-ħruġ tal-istrumenti kapitali bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss wara li jingħataw permess mill-awtoritajiet kompetenti.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, istituzzjonijiet jistgħu jikklassifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ħruġ sussegwenti ta' forma ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li għalihom ikunu diġà rċevew din l-awtorizzazzjoni, dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw dak il-ħruġ sussegwenti huma sostanzjalment l-istess bħal dawk id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħruġ li għalihom l-istituzzjonijiet ikunu diġà rċevew permess;

(b) l-istituzzjonijiet ikunu nnotifikaw dak il-ħruġ sussegwenti lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien biżżejjed qabel il-klassifikazzjoni tiegħu bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

▼M8

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-ABE qabel ma jingħata permess għal forom ġodda ta' strumenti kapitali sabiex jiġu kklassifikati bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu b'mod dovut l-opinjoni tal-ABE u, meta jiddeċiedu li jiddevjaw minnha, għandhom jiktbu lill-ABE fi żmien tliet xhur mid-data ta' meta jirċievu l-opinjoni tal-ABE billi jispjegaw ir-raġunament għad-devjazzjoni mill-opinjoni rilevanti. Dan is-subparagrafu ma għandux japplika għall-istrumenti kapitali msemmija fl-Artikolu 31.

Abbażi ta' informazzjoni miġbura mill-awtoritajiet kompetenti, l-ABE għandha tistabbilixxi, iżżomm u tippubblika lista tal-forom kollha ta' strumenti kapitali f'kull Stat Membru li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1. Skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-ABE tista' tiġbor kull informazzjoni b'rabta ma' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li hija tqis meħtieġa biex tistabbilixxi l-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28, jew fejn applikabbli, fl-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament u għall-fini li tinżamm u tiġi aġġornata l-lista msemmija f'dan is-subparagrafu.

Wara l-proċess ta' analiżi stabbilit fl-Artikolu 80 u, fejn ikun hemm evidenza sinifikanti li l-istrumenti ta' kapital rilevanti ma jissodisfawx jew waqfu milli jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 28 jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 29, l-ABE tista' tiddeċiedi li ma żżidx dawk l-istrumenti fil-lista msemmija fir-raba' subparagrafu jew tneħħihom minn dik il-lista, skont il-każ. L-ABE għandha tagħmel notifika f'dak is-sens u għandha tirreferi wkoll għall-pożizzjoni tal-awtorità kompetenti rilevanti dwar il-kwistjoni. Dan is-subparagrafu ma japplikax għall-istrumenti kapitali msemmija fl-Artikolu 31.

▼B

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika t-tifsira ta' prevedibbli meta jkun qed jiġi ddeterminat jekk kwalunkwe addebitament jew dividend prevedibbli tnaqqasx.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 27

Strumenti ta' kapital ta'soċjetajiet mutwali jew kooperattivi, istituzzjonijiet ta' tfaddil jew istituzzjonijiet simili f'elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għandhom jinkludu kwalunkwe strument kapitali maħuġ minn istituzzjoni skont il-patti statutorji tagħha sakemm il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-istituzzjoni tkun ta' tip li hu ddefinit skont id-dritt nazzjonali applikabbli u li l-awtoritajiet kompetenti jqisu li tikkwalifika bħala kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) soċjetà mutwali;

(ii) soċjetà kooperattiva;

▼B

(iii) istituzzjoni ta' tfaddil;

(iv) istituzzjoni simili;

▼M17

_____

▼B

(b) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 28 jew, fejn applikabbli,l-Artikolu 29, huma sodisfatti.

Dawk is-soċjetajiet mutwi, is-soċjetajiet kooperattivi jew l-istituzzjonijiet ta' tfaddil rikonoxxuti bħala tali skont il-liġi nazjonali applikabbli qabel il-31 ta' Diċembru 2012 għandhom ikomplu jkunu klassifikati bħala tali għall-fini ta' din il-Parti, dment li jkomplu jissodisfaw il-kriterji li ddeterminaw dan ir-rikonoxximent.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw li tip ta' impriża rikonoxxuta skont id-dritt nazzjonali tikkwalifika bħala impriża mutwali, soċjetà kooperattiva, istituzzjoni ta' tfaddil jew istituzzjoni simili għall-fini ta' din il-Parti.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 28

Strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. L-istrumenti ta' kapital għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss jekk il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) l-istrumenti jinħarġu direttament mill-istituzzjoni bl-approvazzjoni minn qabel tas-sidien tal-istituzzjoni jew, meta permess skont id-dritt nazzjonali applikabbli, mill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni;

▼M8

(b) l-istrumenti jkunu sottoskritti u l-akkwist tas-sjieda ta' dawk l-istrumenti ma jkunx iffinanzjat direttament jew indirettament mill-istituzzjoni;

▼B

(c) l-istrumenti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin fir-rigward tal-klassifikazzjoni tagħhom:

▼B

(i) jikkwalifikaw bħala kapital skont it-tifsira tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 83/635/KEE;

(ii) ikunu kklassifikati bħala ekwità skont it-tifsira tal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(iii) ikunu kklassifikati bħala kapital ta' ekwità għall-fini tal-istabiliment tal- insolvenza fil-karta bilanċjali, meta applikabbli skont il-liġi nazzjonali tal- insolvenza;

(d) l-istrumenti jintwerew b'mod ċar u separat fuq il-karta bilanċjali fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjoni;

(e) l-istrumenti jkunu perpetwi;

(f) istituzzjonijiet u istituzzjonijiet finanzjarji li għalihom l-iskoperturi għall- l-ammont ta' kapital tal-istrumenti ma jistax jitnaqqas jew ripagat, ħlief f'xi wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(i) il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

(ii) ix-xiri mill-ġdid diskrezzjonarju tal-istrumenti jew mezzi diskrezzjonali oħra ta' tnaqqis tal-kapital, meta l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 77;

(g) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jindikawx espressament jew impliċitament li l-ammont ta' kapital tal-istrumenti jitnaqqas jew jista' jkun li jitnaqqas jew jiġi ripagat ħlief fil-likwidazzjoni tal-istituzzjoni, u l-istituzzjoni b'ebda mod ieħor ma tipprovdi tali indikazzjoni qabel jew waqt il-ħruġ tal-istrumenti, ħlief fil-każ ta' strumenti msemmija fl-Artikolu 27 meta r-rifjut mill-istituzzjoni li tifdi tali strumenti jkun pprojbit skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

(h) l-istrumenti jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin fir-rigward ta' distribuzzjonijiet:

(i) ma jkunx hemm trattament ta' distribuzzjoni preferenzjali rigward l-ordni tal-pagamenti ta' distribuzzjoni, inklużi fir-rigward ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, u t-termini li jirregolaw l-istrumenti ma jipprovdux drittijiet preferenzjali lill-pagament tad-distribuzzjonijiet;

(ii) distribuzzjonijiet lid-detenturi tal-istrumenti jistgħu jitħallsu biss mill-elementi distribwibbli;

(iii) il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jinkludux limitu massimu jew restrizzjonijiet oħra fuq il-livell massimu tad-distribuzzjonijiet, ħlief fil-każ tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 27.

(iv) il-livell tad-distribuzzjonijiet ma jkunx iddeterminat fuq il-bażi tal-ammont li għalih l-istrumenti kienu nxtraw fil-ħruġ, ħlief fil-każ tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 27;

▼B

(v) il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jinkludux obbligu għall-istituzzjoni li tagħmel distribuzzjonijiet lid-detenturi tagħhom u l-istituzzjoni bl-ebda mod ma tkun soġġetta għal tali obbligu;

(vi) kwalunkwe impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-entitajiet imsemmija fin-nuqqas ta' pagament tad-distribuzzjonijiet ma jikkostitwixxix avveniment ta' inadempjenza tal-istituzzjoni;

(vii) il-kanċellament ta' distribuzzjonijiet ma jkun jimponi l-ebda restrizzjoni fuq l-istituzzjoni;

(i) meta mqabbla mal-istrumenti ta' kapital maħruġa mill-istituzzjoni, l-istrumenti jassorbu l-ewwel u proporzjonalment l-akbar sehem tat-telf meta jseħħ, u kull strument jassorbi t-telf tal-istess grad bħall-istrumenti l-oħra kollha ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(j) l-istrumenti jikklassifikaw taħt il-pretensjonijiet l-oħra kollha fil-każ ta' insolvenza jew likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

(k) l-istrumenti jintitolaw lis-sidien tagħhom għal pretensjoni fuq l-assi residwi tal-istituzzjoni, li, fil-każ tal-likwidazzjoni tagħha u wara l-pagament tal-pretensjonijiet superjuri tagħha, tkun pproporzjonata għall-ammont maħruġ ta' tali strumenti u ma tkunx fissa jew soġġetta għal limitu massimu, ħlief fil-każ tal-istrumenti ta' kapital imsemmija fl-Artikolu 27;

(l) l-istrumenti ma jkunux koperti, jew soġġetti għal garanzija li ssaħħaħ is-superjorità tal-pretensjoni minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) l-impriża prinċipali tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(iii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew is-sussidjarji tagħha;

(iv) il-kumpannija azzjonarja ta' attività mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(v) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta u s-sussidjarji tagħha;

(vi) xi impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-entitajiet imsemmija fil-punt (i) sa (v);

(m) l-istrumenti ma jkunux soġġetti għal kwalunkwe arranġament, kuntrattwali jew ta' tip ieħor, li jtejjeb is-superjorità tal-pretensjonijiet skont l-istrumenti f'insolvenza jew likwidazzjoni.

Il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (j) tal-ewwel subparagrafu għandha titqies sodisfatta, minkejja li l-istrumenti huma inklużi fil-Grad 1 jew ta' Grad 2 Addizzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 484(3), dment li jikklassifikaw pari passu.

▼M8

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, il-parti ta' strument kapitali li hija mħallsa kompletament biss għandha tkun eliġibbli biex tikkwalifika bħala strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

▼B

2. Il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (i) tal-paragrafu 1 għandhom jitqiesu sodisfatti minkejja deprezzament fuq bażi permanenti tal-ammont prinċipali ta' strumenti ta' Grad 1 jew ta' Grad 2 Addizzjonali.

Il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (f) tal-paragrafu 1 għandha titqies sodisfatta minkejja tnaqqis tal-ammont prinċipali tal-istrument kapitali fi proċedura ta' riżoluzzjoni jew bħala konsegwenza ta' deprezzament ta' strumenti kapitali meħtieġ mill-awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli għall-istituzzjoni.

Il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (g) tal-paragrafu 1 għandha titqies sodisfatta minkejja d-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrument kapitali li jindika espliċitament jew impliċitament li l-ammont prinċipali tal-istrument għandu jitnaqqas jew jista' jitnaqqas fi proċedura ta' riżoluzzjoni jew bħala konsegwenza ta' deprezzament ta' strumenti kapitali rikjest mill-awtorità ta' riżoluzzjoni responsabbli għall-istituzzjoni.

3. Il-kondizzjoni stipulata fil-punt (h)(iii) tal-paragrafu 1 għandha titqies sodisfatta minkejja l-istrument li jħallas multiplu tad-dividend, dment li tali multiplu tad-dividend ma jirriżultax f'distribuzzjoni li tikkawża ġibda sproporzjonata fuq il-fondi proprji.

▼M8

Il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (h)(v) tal-paragrafu 1 għandha titqies sodisfatta minkejja sussidjarja tkun soġġetta għal ftehim ta' trasferiment ta' profitti u telf mal-impriża prinċipali tagħha, skont liema s-sussidjarja hija obbligata li tittrasferixxi, wara t-tħejjija tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali tagħha, ir-riżultat annwali tagħha lill-impriża prinċipali, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-impriża prinċipali tippossjedi 90 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot u tal-kapital tas-sussidjarja;

(b) l-impriża prinċipali u s-sussidjarja jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru;

(c) il-ftehim ġie konkluż għal finijiet ta' taxxa leġittimi;

(d) fit-tħejjija tad-dikjarazzjoni finanzjarja annwali, is-sussidjarja għandha d-diskrezzjoni li tnaqqas l-ammont tad-distribuzzjonijiet billi talloka parti jew it-totalità tal-profitti tagħha lir-riżervi jew il-fondi proprji tagħha għal riskju bankarju ġenerali qabel ma tagħmel kwalunkwe ħlas lill-impriża prinċipali tagħha;

(e) l-impriża prinċipali hija obbligata skont il-ftehim li tikkumpensa b'mod sħiħ lis-sussidjarja għat-telf kollu tas-sussidjarja;

(f) il-ftehim huwa soġġett għal perijodu ta' avviż li jgħid li l-ftehim jista' jiġi terminat biss minn tmiem sena fiskali, b'tali tmiem ikun effettiv mhux qabel il-bidu tas-sena fiskali ta' wara, u b'hekk ma

▼M8

jbiddilx l-obbligu tal-impriża prinċipali li tikkumpensa bis-sħiħ lis-sussidjarja għal kull telf imġarrab matul is-sena fiskali attwali.

Meta istituzzjoni tkun daħlet fi ftehim ta' trasferiment ta' profitti u telf, hija għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien u tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'kopja tal-ftehim. L-istituzzjoni għandha tinnotifika wkoll lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien b'kull tibdil għall-ftehim ta' trasferiment ta' profitti u telf u t-tmiem tiegħu. Istituzzjoni ma għandhiex tidħol f'aktar minn ftehim wieħed ta' trasferiment ta' profitti u telf.

▼B

4. Għall-finijiet tal-punt (h)(i) tal-paragrafu 1, distribuzzjonijiet differenzjati għandhom jirriflettu biss drittijiet ta' vot differenzjat. F'dan ir-rigward, distribuzzjonijiet ogħla għandhom japplikaw biss għal strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 b'inqas jew ebda dritt ta' vot.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-forom u n-natura applikabbli ta' finanzjament indirett tal-istrumenti ta' fondi proprji;

(b) Jekk u meta distribuzzjonijiet multipli jikkostitwixxu ġibda sproporzjonata fuq il-fondi proprji;

(c) it-tifsira ta' distribuzzjonijiet preferenzjali.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 29

Strumenti ta' kapital maħruġa minn impriżi mutwali, soċjetajiet kooperattivi, istituzzjonijiet ta' tfaddil u istituzzjonijiet simili

1. L-istrumenti ta' kapital maħruġa minn soċjetà mutwali jew kooperattivi, istituzzjonijiet ta' tfaddil u istituzzjonijiet simili għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 biss jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 bil-modifiki li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, jiġu ssodisfati.

2. Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati fir-rigward ta' tifdija tal-istrumenti ta' kapital:

(a) ħlief meta pprojbit skont id-dritt nazzjonali applikabbli, l-istituzzjoni għandha tkun tista' tirrifjuta t-tifdija tal-istrumenti;

(b) meta r-rifjut mill-istituzzjoni tat-tifdija tal-istrumenti jkun pprojbit skont id-dritt nazzjonali applikabbli, id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istumenti għandhom jagħtu l-kapaċità lill-istituzzjoni li tillimita t-tifdija tagħhom;

▼B

(c) ir-rifjut li tifdi l-istrumenti, jew il-limitazzjoni tat-tifdija tal-istrumenti meta applikabbli, jista' ma jkunx jikkostitwixxi avveniment ta’ inadempjenza tal-istituzzjoni.

3. L-istrumenti ta' kapital jistgħu jinkludu limitu massimu jew restrizzjoni fuq il-livell massimu tad-distribuzzjonijiet biss meta dak il-livell massimu jew restrizzjoni jkun stabbilit skont id-dritt nazzjonali applikabbli jew l-istatut tal-istituzzjoni.

4. Meta l-istrumenti ta' kapital jagħtu lis-sid drittijiet għar-riżervi tal-istituzzjoni fil-każ ta’ insolvenza jew likwidazzjoni li jkunu limitati għall-valur nominali tal-istrumenti, tali limitazzjoni għandha tapplika bl-istess grad għad-detenturi tal-istrumenti l-oħrajn kollha ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-istituzzjoni.

Il-kondizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu hija mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li soċjetà mutwi jew kooperattiva, istituzzjoni ta' tfaddil jew istituzzjoni simili tirrikonoxxi fl-Ekwità Komuni ta’ Grad 1 strumenti li ma jagħtux drittijiet ta' vot lid-detentur u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pretensjoni tad-detenturi tal-istrumenti mingħajr vot fl-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni tkun proporzjonata għas-sehem mit-total tal-istrumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1li dawn l-istrumenti mingħajr vot jirrappreżentaw;

(b) l-istrumenti b'xi mod ieħor jikkwalifikaw bħala strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1.

5. Meta l-istrumenti ta' kapital jintitolaw lis-sidien tagħhom għal pretensjoni fuq l-assi tal-istituzzjoni fil-każ tal-insolvenza jew il-likwidazzjoni tagħha li tkun fissa jew soġġetta għal limitu massimu, tali limitazzjoni għandha tapplika sal-istess grad għad-detenturi kollha tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta’ Grad 1 maħruġa mill-istituzzjoni.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika n-natura tal-limitazzjonijiet fuq it-tifdija neċessarja meta r-rifjut tat-tifdija tal-istrumenti ta’ fondi proprji mill-istituzzjoni tkun ipprojbita skont id-dritt nazzjonali applikabbli.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 30

Konsegwenzi għall-fatt li l-kondizzjonijiet għal strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 ma jibqgħux issodisfati

Dawn li ġejjin għandhom japplikaw fejn, fil-każ ta’ strument ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1, il-kondizzjoniiet stabbiliti fl-Artikolu 28 jew, fejn applikabbli, l-Artikolu 29 ma jibqgħux jiġu ssodisfati:

▼B

(a) dak l-istrument għandu immedjatament ma jibqax jikkwalifika bħala strument ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(b) il-kontijiet tal-primjum azzjonarju b'rabta ma’ dak l-istrument għandhom immedjatament ma jibqgħux jikkwalifikaw bħala elementi ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1.

Artikolu 31

Strumenti kapitali sottoskritti mill-awtoritajiet pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza

1. F'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu l-inklużjoni fl-Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' strumenti kapitali li jikkonformaw tal-inqas mal-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 28(1) meta l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) l-istrumenti kapitali jkunu nħarġu wara 1 ta’ Jannar 2014

(b) il-Kummissjoni tqis l-istrumenti kapitali bħala għajnuna mill-istat;

(c) l-istrumenti kapitali jinħarġu fil-kuntest ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat eżistenti dak iż-żmien;

(d) l-istrumenti kapitali huma kollha sottoskritti u miżmuma mill-Istat jew minn awtorità pubblika rilevanti jew entità ta' proprjetà pubblika;

(e) l-istrumenti kapitali jistgħu jassorbu telf;

(f) ħlief għall-istrumenti ta' kapital imsemmija fl-Artikolu 27, f'każ ta' likwidazzjoni, l-istrumenti kapitali jagħtu d-dritt lill-proprjetarji tagħhom biex jitolbu għall-assi residwi tal-istituzzjoni wara l-pagament tal-pretensjonijiet prijoritarji kollha;

(g) hemm mekkaniżmi ta' ħruġ adegwati tal-Istat jew, fejn applikabbli, awtorità pubblika jew entità ta' proprjetà pubblika rilevanti;

(h) l-awtorità kompetenti tat il-permess tagħha minn qabel u ppubblikat id-deċiżjoni tagħha flimkien ma spjegazzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

2. Fuq talba motivata mill-awtorità kompetenti rilevanti u f'kooperazzjoni magħha, l-ABE għandha tikkunsidra l-istrumenti kapitali msemmija fil-paragrafu 1 bħala ekwivalenti għall-istrumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.

Taqsima 2

Filtri prudenzjali

Artikolu 32

Assi titolizzati

1. Istituzzjoni għandha teskludi minn kwalunkwe element ta’ fondi proprji kwalunkwe żieda fl-ekwità tagħha skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli li tirriżulta minn assi titolizzati, inklużi dawn li ġejjin:

(a) tali żieda assoċjata ma’ introjtu ta’ marġini futur li jirriżulta fi qligħ fuq il-bejgħ għal dik l-istituzzjoni;

▼B

(b) meta l-istituzzjoni tkun l-oriġinatur ta’ titolizzazzjoni, iż-żidiet netti li jitnisslu mill-kapitalizzazzjoni ta’ introjtu futur mill-assi titolizzati li jipprovdu tisħiħ fil-kreditu lill-pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kunċett ta’ qligħ fuq il-bejgħ imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 33

Koperturi tal-flussi ta' flus u l-bidliet fil-valur tal-obbligazzjonijiet proprji

1. L-istituzzjonijiet m’għandhomx jinkludu l-elementi li ġejjin fi kwalunkwe element ta’ fondi proprji:

(a) ir-riżervi ta’ valur ġust relatati mal-qligħ jew telf fuq il-koperturi tal-flussi tal-flus ta’ strumenti finanzjarji li ma jkunux valutati f’valur ġust, inklużi l-flussi tal-flus ipproġettati;

(b) qligħ jew telf fuq obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni li jkunu vvalutati b’valur ġust li jirriżulta minn bidliet fl-istat tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni;

▼M8

(c) profitt u telf tal-valur ġust fuq obbligazzjonijiet derivattivi tal-istituzzjoni li jirriżultaw minn tibdil fir-riskju ta' kreditu proprju tal-istituzzjoni.

▼B

2. Għall-fini tal-punt (c) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet m'għandhomx ipaċu l-qligħ u telf b'valur ġust li jirriżulta mir-riskju proprju ta' kreditu tal-istituzzjoni b'dawk li jirriżultaw mir-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tagħha.

3. Mingħajr preġudizzju għall-punt (b) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu l-ammont ta' qligħ u telf fuq l-obbligazzjonijiet tagħhom fil-fondi proprji meta jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-obbligazzjonijiet huma fil-forma ta' bonds kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(b) il-bidliet fil-valur tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni huma minħabba l-istess bidliet fl-istat tal-kreditu proprju tal-istituzzjoni;

(c) hemm korrispondenza mill-qrib bejn il-valur tal-bonds imsemmija fil-punt (a) u l-valur tal-assi tal-istituzzjoni;

(d) huwa possibbli li jinfeda s-self ipotekarju billi jinxtraw lura l-bonds li jiffinanzjaw is-self ipotekarju b'valur tas-suq jew dak nominali.

▼B

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta'standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika dak li jikkostitwixxi korrispondenza mill-qrib bejn il-valur tal-bonds u l-valur tal-assi, kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 3.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Settembru 2013.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

Artikolu 34

Aġġustamenti fil-valur addizzjonali

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 105 għall-assi kollha tagħhom imkejla f'valur ġust meta jikkalkulaw l-ammont tal-fondi proprji tagħhom u għandhom inaqqsu mill-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 l-ammont ta' kwalunkwe aġġustament fil-valur addizzjonali neċessarju.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, f'ċirkostanzi straordinarji, li l-eżistenza tagħhom għandha tiġi ddeterminata minn opinjoni pprovduta mill-EBA f'konformità mal-paragrafu 3, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-aġġustamenti tal-valur addizzjonali totali fil-kalkolu tal-ammont totali li għandu jitnaqqas mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni.

3. Għall-fini tal-għoti tal-opinjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-EBA għandha timmonitorja l-kundizzjonijiet tas-suq sabiex tivvaluta jekk seħħewx ċirkostanzi straordinarji u, jekk ikun hekk, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

4. L-EBA, b'konsultazzjoni mal-ESMA, għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-indikaturi u l-kundizzjonijiet li l-EBA ser tuża sabiex tiddetermina ċ-ċirkostanzi straordinarji msemmija fil-paragrafu 2 u sabiex tispeċifika t-tnaqqis tal-aġġustamenti tal-valur addizzjonali aggregati totali msemmija f'dak il-paragrafu.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 35

Qligħ u telf mhux realizzati mkejla b'valur ġust

Ħlief fil-każ tal-elementi msemmija fl-Artikolu 33, l-istituzzjonijiet m'għandhomx jagħmlu aġġustamenti biex ineħħu mill-fondi proprji tagħhom il-qligħ u t-telf mhux realizzati fuq l-assi jew l-obbligazzjonijiet tagħhom imkejla b'valur ġust.

▼B

Taqsima 3

Tnaqqis mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, eżenzjonijiet u alternattivi

Subtaqsima 1

Tnaqqis mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

Artikolu 36

Tnaqqis mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu dan li ġej mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1:

(a) telf għas-sena finanzjarja kurrenti;

▼M8

(b) assi intanġibbli bl-eċċezzjoni ta' assi ta' software valutati b'mod prudenti li l-valur tagħhom ma jkunx affettwat b'mod negattiv mir-riżoluzzjoni, l-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

▼B

(c) assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura;

▼M17

(d) għall-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju bl-użu tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (l-Approċċ IRB), in-nuqqas tal-IRB fejn applikabbli, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 159;

▼B

(e) assi ta' fondi ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni;

(f) istituzzjonijiet u istituzzjonijiet finanzjarji li għalihom l-iskoperturi għall-holdings diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, inklużi strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li istituzzjoni jkollha obbligu reali jew kontinġenti li tixtri fuq il-bażi ta' obbligu kuntrattwali eżistenti;

(g) holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta dawk l-entitajiet ikollhom holding inkroċjata reċiproka mal-istituzzjoni li l-awtorità kompetenti tqis li kienet iddisinjata biex tkabbar artifiċjalment il-fondi proprji tal-istituzzjoni;

(h) l-ammont applikabbli tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet;

(i) l-ammont applikabbli tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet;

▼C3

(j) l-ammont tal-elementi meħtieġ li jitnaqqas mill-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-Artikolu 56 li jeċċedi l-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali tal-istituzzjoni;

▼B

(k) l-ammont tal-iskopertura tal-elementi li ġejjin li jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 1 250 %, meta l-istituzzjoni tnaqqas dak l-ammont tal-iskopertura mill-ammont tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 bħala alternattiva għall-applikazzjoni ta' piż tar-riskju ta' 1 250 %:

(i) holdings kwalifikattivi 'l barra mis-settur finanzjarju;

▼M5

(ii) pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, skont il-punt (b) tal-Artikolu 244(1), il-punt (b) tal-Artikolu 245(1) u l-Artikolu 253;

▼B

(iii) konsenji ħielsa, skont l-Artikolu 379(3);

(iv) pożizzjonijiet f'basket li għalihom istituzzjoni ma tistax tistabilixxi l-piż tar-riskju skont l-Approċċ IRB, f'konformità mal-Artikolu 153(8) ►M17 ; ◄

▼M17

_____

(vi) skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU li jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 1 250 % f'konformità mal-Artikolu 132(2), it-tieni subparagrafu.

▼B

(l) kwalunkwe imposta tat-taxxa relatat mal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 prevista fil-waqt tal-kalkolu tagħha, ħlief meta l-istituzzjoni b'mod adatt taġġusta l-ammont ta' elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 sakemm tali imposti tat-taxxa jnaqqsu l-ammont li għalih jistgħu jiġu użati dawk l-elementi biex ikunu koperti r-riskji u t-telf;

▼M7

(m) l-ammont applikabbli ta' kopertura insuffiċjenti għal skoperturi improduttivi;

▼M8

(n) għal impenn ta' valur minimu msemmi fl-Artikolu 132c(2), kull ammont li bih il-valur attwali tas-suq tal-unitajiet jew l-ishma f'CIUs sottostanti l-impenn ta' valur minimu huwa inqas mill-valur preżenti tal-impenn ta' valur minimu u li għalih l-istituzzjoni ma tkunx diġà rrikonoxxiet tnaqqis tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

▼B

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-applikazzjoni tat-tnaqqis imsemmi fil-punti (a), (c), (e), (f), (h), (i) u (l) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u tnaqqis relatat imsemmi fil-punti (a), (c), (d) u (f) tal-Artikolu 56 u l-punti (a), (c) u (d) tal-Artikolu 66.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. L-ABE għandha tiżviluppa standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika t-tipi ta' strumenti ta' kapital ta' istituzzjonijiet finanzjarji u, f'konsultazzjoni mal-Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol) (AEAPX) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 ([1]), ta' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni ta' pajjizi terzi, u ta' impriżi eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE skont l-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva li għandhom jitnaqqsu mill-elementi ta' fondi proprji li ġejjin:

(a) Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(b) Elementi ta' Addizzjonali ta' Grad 1;

(c) Elementi ta' Grad 2.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-applikazzjoni tat-tnaqqis imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1, inkluż il-materjalità ta' effetti negattivi fuq il-valur li ma tikkawżax tħassib prudenzjali.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tissuplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

5. Għall-iskop uniku tal-kalkolu tal-ammont applikabbli ta' kopertura insuffiċjenti għal skoperturi improduttivi f'konformità mal-paragrafu 1, il-punt (m), ta' dan l-Artikolu, b'deroga mill-Artikolu 47c wara li l-awtorità kompetenti tiġi nnotifikata, l-ammont applikabbli ta' kopertura insuffiċjenti għal skoperturi improduttivi mixtrija minn ristrutturatur tad-dejn speċjalizzat għandu jkun żero. Id-deroga stabbilita f'dan is-subparagrafu għandha tapplika fuq bażi individwali u, fil-każ ta' gruppi li fihom l-istituzzjonijiet kollha jikkwalifikaw bħala ristrutturaturi speċjalizzati tad-dejn, fuq bażi konsolidata.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, "ristrutturar speċjalizzat tad-dejn" tfisser istituzzjoni li, matul is-sena finanzjarja preċedenti, ikkonformat mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin kemm fuq bażi individwali kif ukoll fuq bażi konsolidata:

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

▼M17

(a) l-attività ewlenija tal-istituzzjoni hija x-xiri, il-ġestjoni u r-ristrutturar ta' skoperturi improduttivi f'konformità mal-proċess ta' deċiżjoni intern ċar u effettiv implimentat mill-korp maniġerjali tagħha;

(b) il-valur kontabilistiku mkejjel mingħajr ma jitqies kwalunkwe aġġustament għar-riskju ta' kreditu tas-self oriġinat tagħha stess ma jaqbiżx 15 % tal-assi totali tagħha;

(c) mill-inqas 5 % tal-valur kontabilistiku mkejjel mingħajr ma jitqies kwalunkwe aġġustament għar-riskju ta' kreditu tas-self oriġinat tiegħu stess jikkostitwixxi rifinanzjament totali jew parzjali, jew l-aġġustament tat-termini rilevanti, tal-iskoperturi improduttivi mixtrija li jikkwalifikaw bħala miżura ta' trażżin f'konformità mal-Artikolu 47b;

(d) il-valur totali tal-assi tal-istituzzjoni ma jaqbiżx l-EUR 20 biljun;

(e) l-istituzzjoni żżomm, fuq bażi kontinwa, proporzjon ta' finanzjament stabbli nett ta' mill-inqas 130 %;

(f) id-depożiti ta' domanda tal-istituzzjoni ma jaqbżux il-5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni.

Ir-ristrutturatur tad-dejn speċjalizzat għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti, mingħajr dewmien, jekk waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu ma jibqgħux issodisfatti. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA tal-inqas kull sena dwar l-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu mill-istituzzjonijiet taħt is-superviżjoni tagħhom.

L-EBA għandha tistabbilixxi, iżżomm, u tippubblika lista ta' ristrutturaturi speċjalizzati tad-dejn. L-EBA għandha timmonitorja l-attività tar-ristrutturaturi speċjalizzati tad-dejn u għandha tirrapporta sal-31 ta' Diċembru 2028, lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati ta' tali monitoraġġ u, fejn xieraq, għandha tagħti parir lill-Kummissjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet biex jikkwalifikaw bħala "ristrutturatur tad-dejn speċjalizzat" humiex ibbażati biżżejjed fuq ir-riskju u xierqa bil-ħsieb li jiffavorixxu s-suq sekondarju għal self improduttiv, u tivvaluta jekk humiex meħtieġa kundizzjonijiet addizzjonali.

▼B

Artikolu 37

Tnaqqis ta' assi intanġibbli

L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont tal-assi intanġibbli li jrid jitnaqqs skont dawn li ġejjin:

(a) l-ammont li jrid jitnaqqas għandu jitnaqqas mill-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati li jitneħħew jekk l-assi intanġibbli jsiru deterjorati jew ma jibqgħux rikonoxxuti skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

(b) l-ammont li jrid jitnaqqas għandu jinkludi l-avvjament inkluż fil-valutazzjoni ta' investimenti sinifikanti tal-istituzzjoni;

▼M8

(c) l-ammont li għandu jitnaqqas għandu jitnaqqas bl-ammont tar-rivalutazzjoni kontabilistika tal-assi intanġibbli tas-sussidjarji derivati mill-konsolidazzjoni ta' sussidjarji attribwibbli għal persuni għajr l-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

▼B

Artikolu 38

Tnaqqis ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura li jeħtieġu li jitnaqqsu skont dan l-Artikolu.

2. Ħlief għal meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 jiġu ssodisfati, l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura, għandu jiġi kkalkulat mingħajr ma jitnaqqas bl-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati tal-istituzzjoni.

3. L-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura jista' jitnaqqas bl-ammont ta' obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati tal-istituzzjoni, sakemm il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) l-entità għandha dritt legalment infurzabbli skont id-dritt nazzjonali applikabbli ta' tpaċija ta' dawk l-assi kurrenti ta' taxxa mal-obbligazzjonijiet kurrenti ta' taxxa;

(b) l- assi ta' taxxa differita u l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita jikkonċernaw taxxi imposti mill-istess awtorità ta' tassazzjoni u fuq l-istess entità taxxabbli.

4. L-obbligazzjonijiet ta' taxxa differitai assoċjati tal-istituzzjoni użati għall-fini tal-paragrafu 3 ma jistgħux jinkludu obbligazzjonijiet ta' taxxa differita li jnaqqsu l-ammont ta' assi intanġibbli jew assi ta' fondi ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit li jeħtieġ li jitnaqqsu.

5. L-ammont tal-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati msemmija fil-paragrafu 4 għandu jiġi allokat bejn dawn li ġejjin:

(a) assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura u jitnisslu minn differenzi temporanji li mhumiex imnaqqsa skont l-Artikolu 48(1);

(b) assi oħra kollha ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura.

L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita assoċjati skont il-proporzjon tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura li jkunu rappreżentati mill-elementi msemmija fil-punti (a) u (b).

Artikolu 39

Pagamenti żejda ta' taxxa, riporti ta' telf fiskali u assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profitabbiltà futura

1. L-elementi li ġejjin m'għandhomx jitnaqqsu mill-fondi proprji u għandhom ikunu soġġetti għal piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, kif applikabbli:

▼B

(a) pagamenti eċċessivi ta' taxxa mill-istituzzjoni għas-sena kurrenti;

(b) telf wara t-taxxa fis-sena kurrenti tal-istituzzjoni trasferit lura għas-snin preċedenti li jnissel pretensjoni fuq, jew riċevibbli minn, gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali tat-taxxi.

2. ►M8 Assi ta' taxxa differita li ma jiddependux fuq il-profittabbiltà futura għandhom ikunu limitati għal assi ta' taxxa differita li nħolqu qabel it-23 ta' Novembru 2016 u li jirriżultaw minn differenzi temporanji, meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin: ◄

(a) ikunu sostitwiti b'mod awtomatiku u mandatorju mingħajr dewmien bi kreditu ta' taxxa f'każ li l-istituzzjoni tirrapporta telf meta r-rapporti finanzjarji annwali tal-istituzzjoni jkunu formalment approvati, jew f'każ ta' likwidazzjoni jew insolvenza tal-istituzzjoni;

(b) istituzzjoni għandha tkun tista', skont il-liġi nazzjonali applikabbli tat-taxxa, tikkumpensa għal kreditu ta' taxxa kif imsemmi fil-punt (a) kontra kwalunkwe obbligazzjoni ta' taxxa tal-istituzzjoni jew kwalunkwe impriża oħra inkluża fl-istess konsolidazzjoni bħall-istituzzjoni għal fini ta' taxxa skont dik il-liġi jew kwalunkwe impriża oħra soġġetta għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(c) meta l-ammont ta' krediti ta' taxxa kif imsemmi fil-punt (b) jaqbeż l-obbligazzjonijiet tat-taxxa msemmija f'dak il-punt, kwalunkwe tali eċċess jiġi sostitwit mingħajr dewmien bi pretensjoni diretta lill-gvern ċentrali tal-Istat Membru fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni.

L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 100 % għall-assi ta' taxxa differita fejn huma ssodisfati l-kondizzjonijiet imniżżlin fil-punti (a), (b) u (c).

Artikolu 40

Tnaqqis ta' ammonti negattivi li jirriżultaw mill-kalkolu tal-ammonti ta' telf mistennija

L-ammont li jrid jitnaqqas skont il-punt (d) tal-Artikolu 36(1) m'għandux jitnaqqas permezz ta' żieda fil-livell tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura, jew effetti oħra ta' taxxa addizzjonali, ►C2 li jistgħu jseħħu li kieku l-proviżjonijiet kellhom jiżdiedu sal-livell ta' telf mistenni msemmi fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta. ◄

Artikolu 41

Tnaqqis ta' assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċju definit

▼C2

1. Għall-fini tal-punt (e) tal-Artikolu 36(1), l-ammont tal-assi ta' fond tal-pensjoni b'benefiċċju definit li għandu jitnaqqas għandu jonqos b'dawn li ġejjin:

(a) l-ammont ta' kwalunkwe obbligazzjoni għal taxxa differita assoċjata li jista' jitpaċa jekk l-assi jsiru deterjorati jew ma jibqgħux rikonoxxuti skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli;

▼C2

(b) l-ammont tal-assi fil-fond tal-pensjoni b'benefiċċju definit li l-istituzzjoni jkollha abbiltà mingħajr restrizzjoni li tuża, sakemm l-isitituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

Dawk l-assi użati biex jitnaqqas l-ammont li jrid jitnaqqas għandhom jirċievu piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

▼B

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kriterji li fuqhom awtorità kompetenti għandha tippermetti istituzzjoni li tnaqqas l-ammont tal-assi fil-fond ta' pensjonijiet b'benefiċċju definiti kif speċifikat fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 42

Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

Għall-fini tal-punt (f) tal-Artikolu 36(1), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-holdings ta' strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet twal grossi soġġett għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-ammont tal-holdings ta' strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 fuq il-bażi tal-pożizzjoni twila netta dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess skopertura sottostanti u l-pożizzjonijiet qosra ma jinvolvux riskju għall-kontroparti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' titoli tal-indiċi bil-kalkolazzjoni tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 inklużi f'dawk l-indiċi;

(c) l-istituzzjonijiet jistgħu jpaċu l-pożizzjonijiet twal gross fi strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li jirriżultaw minn holdings ta' titoli ta' indiċi kontra pożizzjonijiet qosra fi strumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li jirriżultaw minn pożizzjonijiet qosra fl-indiċi sottostanti, inklużi meta dawk il-pożizzjonijiet qosra jinvolvu riskju ta' kontroparti, dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess indiċi sottostanti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar.

▼B

Artikolu 43

Investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju

Għall-fini ta' tnaqqis, investiment sinifikanti ta' istituzzjoni f'entità tas-settur finanzjarju għandu jirriżulta meta kwalunkwe waħda minn dawn il-kondizzjonijiet tiġi ssodisfata:

(a) l-istituzzjoni jkollha sjieda ta' aktar minn 10 % tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-entità;

(b) l-istituzzjoni jkollha rabtiet mill-qrib ma' dik l-entità u jkollha sjieda ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-entità;

(c) l-istituzzjoni jkollha sjieda ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-entità u l-entità ma tkunx inkluża f'konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed iżda tkun inkluża fl-istess konsolidazzjoni ta' kontabbiltà bħall-istituzzjoni għall-fini tar-rapportar finanzjarju skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli.

Artikolu 44

Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju u meta istituzzjoni jkollha holding inkroċjata reċiproka mfassla artifiċjalment għall-inflazzjoni tal-fondi proprji

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis imsemmi fil-punti (g), (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) skont dawn li ġejjin:

(a) il-holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u strumenti ta' kapital oħra ta' entitajiet tas-settur finanzjarju għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-pożizzjonijiet twal grossi;

(b) L-elementi tal-assigurazzjoni ta' fondi proprji ta' Grad 1 għandhom jiġu trattati bħala holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għall-fini tat-tnaqqis.

Artikolu 45

Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqisiet meħtieġ fil-punti (h) u (i) tal-Artikolu 36(1) skont id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma jistgħu jikkalkulaw holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-entitajiet tas-settur finanzjarju abbażi tal-pożizzjoni netta twila fl-istess skopertura sottostanti dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M8

(i) id-data tal-maturità tal-pożizzjoni qasira tkun l-istess, jew iktar tard mid-data tal-maturità tal-pożizzjoni twila jew il-maturità residwa tal-pożizzjoni qasira tkun tal-inqas sena waħda;

▼B

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet qosra u dawk twal jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

▼B

(b) huma għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta’ titoli tal-indiċi bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti ta' kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju f'dawk l-indiċi;

Artikolu 46

Tnaqqis tal-holdings ta’ strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 fejn istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f’entità tas-settur finanzjarju

1. Għall-fini tal-punt (h) tal-Artikolu 36(1), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas billi jimmultiplikaw l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bil-fattur miksub mill-kalkolu msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont aggregat li bih il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta’ strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 u Grad 2 ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju li fihom l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti taqbeż 10 % tal-ammont aggregat tal-elementi ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkulat wara li jkunu applikati dawn li ġejjin għall-elementi ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1:

(i) l-Artikoli 32 sa 35;

▼M17

(ii) it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punti (a) sa (g), il-punti (k)(ii) sa (vi) u l-punti (l), (m) u (n) bl-esklużjoni tal-ammont li jrid jitnaqqas għall-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;

▼B

(iii) l-Artikoli 44 u 45

(b) l-ammont tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta’ strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti fihom ►C2 diviż bl-ammont aggregat ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' strumenti Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2 ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju. ◄

2. L-istituzzjonijiet għandhom jeskludu pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas mill-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u mill-kalkolu tal-fattur imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

▼C2

3. L-ammont li għandu jitnaqqas skont il-paragrafu 1 għandu jinqasam bejn l-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 kollha miżmuma. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-ammont ta' kull strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li jitnaqqas skont il-paragrafu 1 billi l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jiġi multiplikat bil-proporzjon speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

▼B

(a) l-ammont ta’ holdings li jeħtieġ jitnaqqas skont il-paragrafu 1;

▼B

(b) il-proporzjoni tal-ammont aggregat ta’ holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifikanti fihom rappreżentati minn kull wieħed mill-istrumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 miżmum.

4. L-ammont tal-holdings imsemmi fil-punt (h) tal-Artikolu 36(1) li jkun ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a)(i) sa (iii) tal-paragrafu 1 m’għandux jitnaqqas u għandu jkun soġġett għall-piż tar-riskji applikabbli skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif ikun applikabbli.

▼C2

5. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-ammont ta' kull strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li jkun ippeżat għar-riskju skont il-paragrafu 4 billi jimmultiplikaw l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont tal-holdings meħtieġ li jkun ippeżat għar-riskju skont il-paragrafu 4;

(b) il-proporzjon li jirriżulta mill-kalkolazzjoni fil-punt (b) tal-paragrafu 3.

Artikolu 47

Tnaqqis tal-holdings ta’ strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 meta istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f’entità tas-settur finanzjarju

Għall-fini tal-punt (1) tal-Artikolu 36(1), l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas mill-elementi ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 għandu jeskludi pożizzjonijiet ta’ sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas u għandu jkun stabbilit skont l-Artikoli 44 u 45 u s-Subtaqsima 2.

▼M7

Artikolu 47a

Skoperturi improduttivi

1. Għall-finijiet tal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), “skopertura” għandha tinkludi kwalunkwe wieħed mill-elementi li ġejjin, dment li ma jkunux inklużi fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni:

(a) strument ta' dejn, inkluż garanzija ta' dejn, self, avvanz u depożitu ta' domanda;

(b) impenn ta' dejn mogħti, garanzija finanzjarja mogħtija jew kwalunkwe impenn ieħor mogħti, irrispettivament minn jekk ikunx revokabbli jew irrevokabbli, bl-eċċezzjoni ta' faċilitajiet ta' kreditu mhux utilizzati li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kondizzjoni fi kwalunkwe ħin u mingħajr avviż, jew li effettivament jipprevedu kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja ta' min jissellef.

▼M7

2. Għall-finijiet tal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), il-valur tal-iskoperturi ta' strument tad-dejn għandu jkun il-valur ta' kontabbiltà tiegħu mkejjel mingħajr ma jittieħed kont ta' ebda aġġustament speċifiku għar-riskju tal-kreditu, aġġustament ta' valur addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 34 u 105, ammont imnaqqas f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), tnaqqis ieħor minn fondi proprji relatati mal-iskopertura jew tħassir parzjali magħmul mill-istituzzjoni mill-aħħar darba li l-iskopertura kienet klassifikata bħala improduttiva.

Għall-finijiet tal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), il-valur tal-iskopertura ta' strument tad-dejn li nxtara bi prezz aktar baxx mill-ammont dovut mid-debitur għandu jinkludi d-differenza bejn il-prezz tax-xiri u l-ammont dovut mid-debitur.

Għall-finijiet tal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), il-valur tal-iskoperturi ta' impenn ta' self mogħti, garanzija finanzjarja mogħtija jew kwalunkwe impenn ieħor mogħti kif imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jkun il-valur nominali tagħhom, li għandu jirrappreżenta l-iskoperturi massimi ta' istituzzjoni għar-riskju tal-kreditu mingħajr ma jittieħed kont ta' ebda protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata jew mhux iffinanzjata. Il-valur nominali ta' impenn ta' self mogħti għandu jkun l-ammont mhux utilizzat li l-istituzzjoni tkun impenjat ruħha li ssellef u l-valur nominali ta' garanzija finanzjarja mogħtija għandu jkun l-ammont massimu li l-entità jista' jkollha tħallas jekk tiġi eżerċitata l-garanzija;

Il-valur nominali msemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandu jieħu kont ta' ebda aġġustament speċifiku għar-riskju tal-kreditu, aġġustament ta' valur addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 34 u 105, ammont imnaqqas f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36(1) jew tnaqqis ieħor minn fondi proprji relatati mal-iskopertura.

3. Għall-finijiet tal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), l-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu klassifikati bħala improduttivi:

(a) skopertura li fir-rigward tagħha jitqies li seħħet inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178;

(b) skopertura li tkun meqjusa bħala deprezzata skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli;

(c) skopertura taħt prova skont il-paragrafu 7, fejn jingħataw miżuri ta' tolleranza addizzjonali jew fejn l-iskopertura taqbeż id-data tal-għeluq b'aktar minn 30 jum;

(d) skopertura fil-forma ta' impenn li, kieku nġibdet jew intużat b'mod ieħor, probabbilment ma titħallasx lura għalkollox mingħajr ir-realizzazzjoni tal-kollateral;

(e) skopertura f'forma ta' garanzija finanzjarja li probabbilment tissejjaħ mill-parti garantita, inkluż fejn l-iskopertura garantita sottostanti tissodisfa l-kriterji biex titqies bħala improduttiva.

▼M7

Għall-fini tal-punt (a), fejn istituzzjoni jkollha skoperturi li jidhru fuq il-karta bilanċjali lil debitur li jkunu qabżu d-data tal-għeluq b'aktar minn 90 jum u li jirrappreżentaw aktar minn 20 % tal-iskoperturi kollha li jidhru fuq il-karta bilanċjali lil dak id-debitur, l-iskoperturi kollha li jidhru fuq il-karta bilanċjali u dawk li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali għandhom jitqiesu bħala improduttivi.

4. L-iskoperturi li ma jkunux ġew soġġetti għal miżura ta' tolleranza ma għandhomx jibqgħu jiġu klassifikati bħala improduttivi għall-finijiet tal-punt (m) tal-Artikolu 36(1) fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskopertura tissodisfa l-kriterji ta' ħruġ applikati mill-istituzzjoni biex ma tibqax tiġi klassifikata bħala deprezzata skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli u biex ma tibqax tiġi klassifikata bħala inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178;

(b) is-sitwazzjoni tal-kreditur tkun tjiebet sal-punt li l-istituzzjoni tkun issodisfata li probabbilment isir ripagament sħiħ u fil-ħin;

(c) id-debitur ma jkollu l-ebda ammont li jkun qabeż id-data tal-għeluq b'aktar minn 90 jum.

5. Il-klassifikazzjoni ta' skopertura improduttiva bħala assi mhux kurrenti miżmuma għall-bejgħ f'konformità mal-qafas ta' kontabbiltà applikabbli ma għandhiex twaqqaf il-klassifikazzjoni tagħha bħala skopertura improduttiva għall-finijiet tal-punt (m) tal-Artikolu 36(1).

6. L-iskoperturi improduttivi soġġetti għal miżuri ta' tolleranza ma għandhomx ikompli jiġu klassifikati bħala improduttivi għall-finijiet tal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskoperturi ma jkunux għadhom f'sitwazzjoni li twassal għall-klassifikazzjoni tagħhom bħala improduttivi skont il-paragrafu 3;

(b) tkun għaddiet tal-anqas sena minn mid-data meta jkunu ngħataw il-miżuri ta' tolleranza u d-data meta l-iskoperturi jkunu ġew klassifikati bħala improduttivi, skont liema data tiġi l-aħħar;

(c) ma jkunx hemm l-ebda ammont li jkun qabeż id-data tal-għeluq wara l-miżuri ta' tolleranza u l-istituzzjoni, fuq il-bażi tal-analiżi tas-sitwazzjoni finanzjarja tad-debitur, tkun issodisfata bil-probabbiltà tar-ripagament sħiħ u fil-ħin tal-iskopertura.

▼C5

Ir-ripagament sħiħ u fil-ħin jista' jitqies li jkun probabbli fejn id-debitur ikun għamel pagamenti regolari u fil-ħin ta' ammonti ekwivalenti għal kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

▼M7

(a) l-ammont li kien qabeż id-data tal-għeluq qabel ma ngħatat il-miżura ta' tolleranza, fejn kien hemm ammonti li qabżu d-data tal-għeluq;

(b) l-ammont li tħassar skont il-miżuri ta' tolleranza mogħtija, fejn ma kien hemm ebda ammont li qabeż id-data tal-għeluq.

▼M7

7. Fejn skopertura improduttiva ma baqgħetx tiġi klassifikata bħala improduttiva skont il-paragrafu 6, tali skopertura għandha tkun taħt prova sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikunu għaddew tal-anqas sentejn mid-data li fiha l-kopertura soġġetta għal miżuri ta' tolleranza ġiet klassifikata mill-ġdid bħala produttiva;

(b) ikunu saru pagamenti regolari u fil-ħin matul tal-anqas nofs il-perjodu li fih l-iskopertura tkun taħt prova, li jwasslu għall-pagament ta' ammont ta' aggregat sostanzjali ta' kapital jew interessi;

(c) l-ebda waħda mill-iskoperturi għad-debitur ma tkun qabżet id-data tal-għeluq b'aktar minn 30 jum.

Artikolu 47b

Miżuri ta' tolleranza

1. Miżura ta' tolleranza hija konċessjoni minn istituzzjoni lejn debitur li jkun qed jesperjenza jew probabbilment ser jesperjenza diffikultajiet biex jissodisfa l-impenji finanzjarji tiegħu. Konċessjoni tista' tinvolvi telf għas-sellief u għandha tirreferi għal xi waħda mill-azzjonijiet li ġejjin:

(a) modifika tat-termini u l-kondizzjonijiet ta' obbligu ta' dejn, fejn tali modifika ma kinitx tingħata li kieku d-debitur ma esperjenzax diffikultajiet biex jissodisfa l-impenji finanzjarji tiegħu;

(b) rifinanzjament totali jew parzjali ta' obbligu tad-dejn, fejn tali rifinanzjament ma kienx jingħata li kieku d-debitur ma esperjenzax diffikultajiet biex jissodisfa l-impenji finanzjarji tiegħu.

2. Tal-anqas is-sitwazzjonijiet li ġejjin għandhom jitqiesu bħala miżuri ta' tolleranza:

(a) termini kuntrattwali ġodda aktar favorevoli għad-debitur mit-termini kuntrattwali ta' qabel, fejn id-debitur qed jesperjenza jew probabbilment ser jesperjenza diffikultajiet biex jissodisfa l-impenji finanzjarji tiegħu;

(b) termini kuntrattwali ġodda aktar favorevoli mit-termini kuntrattwali offruti mill-istess istituzzjoni lil debituri bi profil ta' riskju simili f'dak iż-żmien, fejn id-debitur qed jesperjenza jew probabbilment ser jesperjenza diffikultajiet biex jissodisfa l-impenji finanzjarji tiegħu;

(c) l-iskopertura taħt it-termini kuntrattwali inizjali tkun ġiet klassifikata bħala improduttiva qabel il-modifika għat-termini kuntrattwali jew li kieku kienet tiġi klassifikata bħala improduttiva fin-nuqqas ta' modifika fit-termini kuntrattwali;

(d) il-miżura tirriżulta fi tħassir totali jew parzjali tal-obbligu tad-dejn;

▼M7

(e) l-istituzzjoni tapprova l-eżerċizzju ta' klawżoli li jippermettu lid-debitur li jimmodifika t-termini tal-kuntratt u l-iskopertura kienet klassifikata bħala improduttiva qabel l-eżerċizzju ta' dawk il-klawżoli, jew kienet tiġi klassifikata bħala improduttiva li kieku ma ġewx eżerċitati dawk il-klawżoli;

(f) meta jew qrib iż-żmien meta ngħata d-dejn, id-debitur ikun għamel pagamenti ta' kapital jew interessi fuq obbligu ta' dejn ieħor mal-istess istituzzjoni, li kien klassifikat bħala skopertura improduttiva jew li kieku kien jiġi klassifikat bħala improduttiv fin-nuqqas ta' dawk il-pagamenti;

(g) il-modifika għat-termini kuntrattwali tinvolvi ripagamenti magħmula permezz tat-teħid f'pussess ta' kollateral, fejn tali modifika tikkostitwixxi konċessjoni.

3. Iċ-ċirkostanzi li ġejjin huma indikaturi li setgħu ġew adottati miżuri ta' tolleranza:

(a) il-kuntratt inizjali ikun qabeż id-data tal-għeluq b'aktar minn 30 jum mill-inqas darba matul it-tliet xhur qabel il-modifika tiegħu jew ikun qabeż id-data tal-għeluq b'aktar minn 30 jum bla modifika;

(b) fiż-żmien jew qrib iż-żmien tal-konklużjoni tal-ftehim dwar il-kreditu, id-debitur ikun għamel pagament ta' kapital jew ta' imgħax fuq obbligazzjoni ta' dejn oħra mal-istess istituzzjoni li kien qabeż id-data tal-għeluq bi 30 jum tal-anqas darba matul it-tliet xhur ta' qabel l-għoti ta' dejn ġdid;

(c) l-istituzzjoni tapprova l-eżerċizzju ta' klawżoli li jippermettu lid-debitur li jbiddel it-termini tal-kuntratt, u l-iskopertura tkun qabżet id-data tal-għeluq bi 30 jum jew kienet taqbeż id-data tal-għeluq bi 30 jum li kieku ma ġewx eżerċitati dawk il-klawżoli.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, id-diffikultajiet esperjenzati minn debitur biex jissodisfa l-impenji finanzjarji tiegħu għandhom jiġu vvalutati fil-livell tad-debitur, b'kunsiderazzjoni tal-entitajiet legali kollha fil-grupp tad-debitur li huma inklużi fil-konsolidazzjoni tal-kontabbiltà tal-grupp, u persuni fiżiċi li jikkontrollaw il-grupp.

Artikolu 47c

Tnaqqis tal-iskoperturi improduttivi

1. Għall-finijiet tal-punt (m) tal-Artikolu 36(1), l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont applikabbli ta' kopertura insuffiċjenti b'mod separat għal kull skopertura improduttiva li għandu jitnaqqas minn entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni billi jitnaqqas l-ammont determinat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu mill-ammont determinat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, fejn l-ammont imsemmi fil-punt (a) jaqbeż l-ammont imsemmi fil-punt (b):

(a) it-total ta':

(i) il-parti mhux garantita ta' kull skopertura improduttiva, jekk ikun il-każ, immultiplikata bil-fattur applikabbli msemmi fil-paragrafu 2;

▼M7

(ii) il-parti garantita ta' kull skopertura improduttiva, jekk ikun il-każ, immultiplikata bil-fattur applikabbli msemmi fil-paragrafu 3;

(b) it-total tal-entrati li ġejjin dment li jkunu relatati mal-istess skopertura improduttiva:

(i) aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu;

(ii) aġġustamenti tal-valur addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 34 u 105;

(iii) tnaqqis ieħor minn fondi proprji;

(iv) għall-istituzzjonijiet li jikkalkulaw ammonti ta' skoperturi peżati skont ir-riskju bl-użu tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni, il-valur assolut tal-ammonti mnaqqsin skont il-punt (d) tal-Artikolu 36(1) li jirrelataw ma' skoperturi improduttivi, fejn il-valur assolut li jista' jiġi attribwit għal kull skopertura improduttiva jiġi ddeterminat permezz tal-multiplikazzjoni tal-ammonti mnaqqsin skont il-punt (d) tal-Artikolu 36(1) bil-kontribuzzjoni tal-ammont ta' telf mistenni għall-iskopertura improduttiva għall-ammonti totali ta' telf mistenni għal skoperturi inadempjenti u mhux inadempjenti, kif applikabbli.

(v) fejn skopertura improduttiva tinxtara bi prezz aktar baxx mill-ammont dovut mid-debitur, id-differenza bejn il-prezz tax-xiri u l-ammont dovut mid-debitur;

(vi) ammonti mħassra mill-istituzzjoni minn meta l-iskopertura ġiet ikklassifikata bħala improduttiva.

Il-parti garantita ta' skopertura improduttiva hija dik il-parti tal-iskopertura li, għall-fini tal-kalkolu tal-rekwiżiti tal-fondi proprji skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta, hija meqjusa bħala koperta minn protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu jew protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu jew garantita bis-sħiħ u kompletament b'ipoteki.

Il-parti mhux garantita ta' skopertura improduttiva tikkorrispondi għad-differenza, jekk ikun il-każ, bejn il-valur tal-iskopertura kif stipulat fl-Artikolu 47a(1) u l-parti garantita tal-iskopertura, jekk ikun il-każ.

2. Għall-finijiet tal-punt (a)(i) tal-paragrafu 1, għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin:

(a) 0,35 għall-parti mhux garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn l-ewwel u l-aħħar jum tat-tielet sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;

(b) 1 għall-parti mhux garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat mill-ewwel jum tar-raba' sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva.

3. Għall-finijiet tal-punt (a)(ii) tal-paragrafu 1, għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin:

(a) 0,25 għall-parti mhux garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn l-ewwel u l-aħħar jum tar-raba' sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;

▼M7

(b) 0,35 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn l-ewwel u l-aħħar jum tal-ħames sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;

(c) 0,55 għall-parti garantita ta' skopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn l-ewwel u l-aħħar jum tas-sitt sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;

(d) 0,70 għall-parti ta' skopertura improduttiva garantita minn proprjetà immobbli skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta jew li hu self residenzjali ggarantit minn fornitur tal-produzzjoni eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 201, li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn l-ewwel u l-aħħar jum tas-seba' sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;

(e) 0,80 għall-parti ta' skopertura improduttiva garantita minn protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata jew mhux iffinanzjata skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn l-ewwel u l-aħħar jum tas-seba' sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;

(f) 0,80 għall-parti ta' skopertura improduttiva garantita minn proprjetà immobbli skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta jew li hu self residenzjali ggarantit minn fornitur tal-produzzjoni eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 201, li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn l-ewwel u l-aħħar jum tat-tmien sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;

(g) 1 għall-parti ta' skopertura improduttiva garantita minn protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata jew mhux iffinanzjata skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta li għandu jiġi applikat mill-ewwel jum tat-tmien sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;

(h) 0,85 għall-parti ta' skopertura improduttiva garantita minn proprjetà immobbli skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta jew li hu self residenzjali ggarantit minn fornitur tal-produzzjoni eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 201, li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn l-ewwel u l-aħħar jum tad-disa' sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva;

(i) 1 għall-parti ta' skopertura improduttiva garantita minn proprjetà immobbli skont it-Titolu II tal-Parti Tlieta jew li hu self residenzjali ggarantit minn fornitur tal-produzzjoni eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 201, li għandu jiġi applikat mill-ewwel jum tal-għaxar sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva.

▼M11

4. ►M17 B'deroga mill-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, il-fatturi li ġejjin għandhom japplikaw għall-parti tal-iskopertura improduttiva garantita jew kontrogarantita minn fornitur tal-protezzjoni eliġibbli msemmi fl-Artikolu 201(1), il-punti (a) sa (e), l-iskopertura mhux garantita li għalihom jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2: ◄

▼M7

(a) 0 għall-parti garantita tal-iskopertura improduttiva li għandu jiġi applikat tul il-perjodu bejn sena u seba' snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva; u

▼M17

(b) 1 għall-parti garantita tal-iskopertura improduttiva li għandha tiġi applikata mill-ewwel jum tat-tmien sena wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, sakemm il-fornitur tal-protezzjoni eliġibbli ma jkunx qabel li jissodisfa bis-sħiħ l-obbligi ta' pagament kollha tad-debitur lejn l-istituzzjoni u f'konformità mal-iskeda ta' pagament kuntrattwali oriġinali, f'liema każ għandu japplika fattur ta' 0 għall-parti garantita tal-iskopertura improduttiva.

4a. B'deroga mill-paragrafu 3, il-parti tal-iskopertura improduttiva garantitajew assigurata minn aġenzija uffiċjali ta' kreditu għall-esportazzjoni ma għandhiex tkun soġġetta għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

▼M7

5. L-EBA għandha tivvaluta l-firxa ta' prattiki applikati għall-valutazzjoni ta' skoperturi improduttivi garantiti u tista' tiżviluppa linji gwida biex tispeċifika metodoloġija komuni, inkluż rekwiżiti possibbli minimi għall-valutazzjoni mill-ġdid f'termini ta' żmien u metodi ad hoc, għall-valutazzjoni prudenzjali ta' forom eliġibbli ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu u protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, partikolarment fir-rigward ta' preżunzjonijiet relatati mal-irkuprabbiltà u l-inforzabbiltà tagħhom. Dawk il-linji gwida jistgħu jinkludu wkoll metodoloġija komuni għad-determinazzjoni tal-parti garantita ta' skopertura improduttiva, kif imsemmi fil-paragrafu 1.

Dawk il-linji gwida għandhom jinħarġu f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. B'deroga mill-paragrafu 2, fejn skopertura tkun, bejn sena u sentejn wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, ingħatat miżura ta' tolleranza, il-fattur applikabbli f'konformità mal-paragrafu 2 fid-data meta tingħata l-miżura ta' tolleranza għandu jkun applikabbli għal perjodu addizzjonali ta' sena.

B'deroga mill-paragrafu 2, fejn skopertura tkun, bejn sena u sentejn wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, ingħatat miżura ta' tolleranza bejn sentejn u sitt snin wara l-klassifikazzjoni tagħha bħala improduttiva, il-fattur applikabbli f'konformità mal-paragrafu 3 fid-data meta tingħata l-miżura ta' tolleranza għandu jkun applikabbli għal perjodu addizzjonali ta' sena.

Dan il-paragrafu għandu japplika biss b'rabta mal-ewwel miżuri ta' tolleranza li tkun ingħatat mill-klassifikazzjoni tal-iskopertura bħala improduttiva.

▼B

Subtaqsima 2

Eżenzjonijiet minn u alternattivi għal tnaqqis minn elementi ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni

Artikolu 48

Livell limitu tal-eżenzjonijiet mit-tnaqqis minn elementi TA'Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. Meta jsir it-tnaqqis meħtieġ skont il-punti (c) u (i) tal-Artikolu 36 (1), l-istituzzjonijiet m'għandhomx ikunu meħtieġa jnaqqsu l-ammont tal-elementi elenkati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu li bħala aggregat jkunu ugwali għal jew inqas mill-ammont limitu msemmi fil-paragrafu 2:

▼B

(a) assi ta’ taxxa differita li jiddependu fuq il-profitabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji, u bħala aggregat ikunu ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkulat wara l- applikazzjoni ta’ dawn li ġejjin:

(i) l-Artikoli 32 sa 35;

▼M17

(ii) l-Artikolu 36(1), il-punti (a) sa (h), il-punti (k)(ii) sa (vi) u l-punti (l), (m) u (n), bl-esklużjoni tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profittabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;

▼B

(b) fejn istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f’entità tas-settur finanzjarju, il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' dik l-istituzzjoni ta’ strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta’ dawk l-entitajiet li bħala aggregat ikunu ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkulat wara l-applikazzjoni ta’ dawn li ġejjin:

(i) l-Artikolu 32 sa 35;

▼M17

(ii) l-Artikolu 36(1),il-punti (a) sa (h), il-punti (k)(ii) sa (vi) u l-punti (l), (m) u (n), bl-esklużjoni tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profittabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji.

▼B

2. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-ammont ta' limitu għandu jkun daqs l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu immultiplikat bil-perċentwal imsemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont residwu ta' elementi ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 wara l-applikazzjoni tal-aġġustamenti u t-tnaqqis fl-Artikoli 32 sa 36 kollha u mingħajr ma jiġu applikati l-eżenzjonijiet speċifikati f'dan l-Artikolu;

(b) 17,65 %.

3. Għall-fini tal-paragrafu 1, istituzzjoni għandha tiddetermina l-porzjon ta' assi ta' taxxa differita fl-ammont totali ta' elementi tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1 li mhux meħtieġ li jiġi mnaqqas billi jiġi diviż l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jiddependi fuq il-profittabilità futura u li ġej minn differenzi temporanji, u li fl-aggregat huma ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-isituzzjonijiet;

(b) it-total ta' dan li ġej:

(i) l-ammont imsemmi fil-punt (a);

(ii) l-ammont ta’ holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta’ fondi proprji ta’ entitajiet tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni għandha investiment sinifikanti fihom, u li fl-aggregat huma ugwali jew inqas minn 10 % tal-elementi tal-Ekwità Komuni tal-Grad 1 tal-isituzzjoni.

Il-proporzjon ta' investimenti sinifikanti fl-ammont totali ta' elementi li mhux meħtieġ li jiġi mnaqqas huwa ugwali għal wieħed imnaqqas mill-proporzjon imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

▼B

4. L-ammonti tal-elementi li ma jitnaqqsux skont il-paragrafu 1 għandhom jiġu ppeżati għar-riskju b'250 %.

Artikolu 49

Rekwiżit għal tnaqqis fejn ikunu applikati l-konsolidazzjoni, is-superviżjoni supplementari jew skemi ta' protezzjoni istituzzjonali

1. Għall-fini tal-kalkolu tal-fondi proprji fuq bażi individwali, bażi subkonsolidata jew bażi konsolidata, meta l-awtoritajiet kompetenti jeħtieġu jew jippermettu lill-istituzzjonijiet sabiex japplikaw il-metodu 1, 2 jew 3 tal-Anness I għad-Direttiva 2002/87/KE, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet li ma jkunx hemm tnaqqis fil-holdings ta' istrumenti ta' fondi proprji ta' entità tas-settur finanzjarju li fiha l-istituzzjoni prinċipali, kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali jew istituzzjoni għandha investiment sinifikanti, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (e) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-entità tas-settur finanzjarju hija impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni jew kumpannija azzjonarja tal-assigurazzjoni;

(b) l-impriża tal-assigurazzjoni, l-impriża tar-riassigurazzjoni jew il-kumpannija azzjonarja tal-assigurazzjoni tkun inkluża fl-istess superviżjoni supplementari taħt id-Direttiva 2002/87/KE bħall-istituzzjoni prinċipali, il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali jew l-istituzzjoni li jkollha l-holding;

(c) l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti;

(d) qabel jingħata l-permess imsemmi fil-punt (c), u fuq bażi kontinwa, l-awtoritjiet kompetenti ikunu ssodisfati li l-livell ta' ġestjoni integrata, il-ġestjoni tar-riskju u kontroll intern rigward l-entitajiet li ser ikunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni skont il-metodu 1, 2 jew 3 jkun adegwat;

(e) il-holdings fl-entità jappartjenu lil wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni ta' kreditu prinċipali;

(ii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali;

(iii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali;

(iv) l-istituzzjoni;

(v) sussidjarja ta' waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punti (i) sa (iv) li hija inkluża fl-ambitu tal-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

Il-metodu magħżul għandu jiġi applikat b'mod konsistenti matul iż-żmien.

▼B

2. Għall-fini tal-kalkolu tal-fondi proprji fuq bażi individwali u fuq bażi subkonsolidata, l-istituzzjonijiet soġġetti għas-superviżjoni fuq bażi konsolidata skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed m'għandhomx inaqqsu l-holdings tal-istrumenti ta' fondi proprji maħruġa mill-entitajiet tas-settur finanzjarju inkluż fl-ambitu tas-superviżjoni konsolidata, sakemm l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li dak it-tnaqqis huma meħtieġ għal raġunijiet speċifiċi, b'mod partikolari separazzjoni strutturali tal-attivitajiet bankarji u l-ippjanar ta' riżoluzzjonijiet.

L-applikazzjoni tal-approċċ imsemmi fl-ewwel subparagrafu ma għandux jinvolvi effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha fi Stati Membri oħrajn jew fl-Unjoni kollha li jiffurmaw jew joħolqu ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.

▼M8

Dan il-paragrafu ma għandux japplika meta jiġu kkalkulati l-fondi proprji għall-finijiet tar-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 92a u 92b, li għandhom jiġu kkalkolati skont il-qafas ta' tnaqqis stabbilit fl-Artikolu 72e(4).

▼M15

Dan il-paragrafu ma għandux japplika fir-rigward tat-tnaqqis stabbilit fl-Artikolu 72e(5).

▼B

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, għall-fini li jikkalkolaw il-fondi proprji fuq bażi individwali jew subkonsolidata, jippermettu lill-istituzzjonijiet ma jnaqqsux holdings ta' strumenti ta' fondi proprji fil-każijiet li ġejjin:

(a) meta istituzzjoni jkollha holding f'istituzzjoni oħra u huma sodisfatti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (i) sa (v):

(i) l-istituzzjonijiet jinsabu fi ħdan l-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7);

(ii) l-awtoritajiet kompetenti jkunu taw il-permess imsemmi fl-Artikolu 113(7);

(iii) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 113(7) ikunu ssodisfati;

(iv) l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali tfassal karta tal-bilanċ ikkonsolidata msemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 113(7) jew, f'każ li mhux meħtieġ li jitfasslu kontijiet ikkonsolidati, kalkolu aggregat estiż li jkun, sodisfaċenti f'għajnejn l-awtoritajiet kompetenti, u li hu ekwivalenti għad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 86/635/KEE, li jinkorpora ċerti adattamenti għad-dispożizzjonijiet tas-SABE' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE jew ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, li jirregola l-kontijiet konsolidati ta' gruppi ta' istituzzjonijiet ta' kreditu. L-ekwivalenza ta' dak il-kalklolu aggregat estiż għandu jiġi vverifikat minn awditur estern u b'mod partikolari li l-użu multiplu ta' elementi eliġibbli għall-kalkolu tal-fondi proprji kif ukoll kwalunkwe ħolqien inadegwat ta' fondi proprji bejn il-membri tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali jiġu eliminati fil-kalkolu. ►M8 Il-karta ta' bilanċ konsolidata jew il-kalkolu aggregat estiż għandhom jiġu rapportati lill-awtoritajiet kompetenti bil-frekwenza stabbilita fl-istandards tekniċi tal-implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 430(7); ◄

▼B

►M8 (v) l-istituzzjonijiet inklużi fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali jissodisfaw flimkien fuq bażi konsolidata jew aggregata estiża r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 92 u jwettqu r-rappurtar tal-konformità ma' dawk ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 430. ◄ Fi ħdan skema ta' protezzjoni istituzzjonali t-tnaqqis tal-imgħax ta' proprjetà ta' membri kooperattivi jew entitajiet legali, li mhumiex membri tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali, mhuwiex meħtieġ, dment li l-użu multiplu ta' elementi eliġibbli għall-kalkolu tal-fondi proprji kif ukoll kwalunkwe ħolqien inadegwat ta' fondi proprji bejn il-membri tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali u l-azzjonist minoritarju, meta din tkun istituzzjoni, huma eliminati.

(b) meta istituzzjoni ta' kreditu reġjonali jkollha holding fl-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali tagħha jew f'istituzzjoni ta' kreditu reġjonali oħra u l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a)(i) sa (v) ikunu ssodisfati.

▼M17

4. Il-holdings li fir-rigward tagħhom ma jsirx tnaqqis f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jikkwalifikaw bħala skoperturi u għandhom jiġu ponderati għar-riskju f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2.

Il-holdings li fir-rigward tagħhom ma jsirx tnaqqis f'konformità mal-paragrafu 2 jew 3 għandhom jikkwalifikaw bħala skoperturi u għandhom jiġu ponderati għar-riskju b'100 %.

►C2 5. Fejn istituzzjoni tapplika l-metodu 1, 2 jew 3 tal-Anness I għad-Direttiva 2002/87/KE, l-istituzzjoni għandha ◄ tiddivulga r-rekwiżit ta' fondi proprji supplimentari u l-proporzjon ta' adegwatezza tal-kapital tal-konglomerat finanzjarju kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 6 u l-Anness I għal dik id-Direttiva.

6. L-ABE, l-AEAPX u l- Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (AETS) stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 ([1]) għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt, jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex jispeċifikaw għall-fini ta' dan l-Artikolu l-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni tal-metodi ta' kalkolu elenkati fl-Anness I, il-Parti II tad-Direttiva 2002/87/KE għall-fini tal-alternattivi għat-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

▼C1

L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 rispettivament.

([1]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

▼B

Taqsima 4

Kapital ta'Ekwità Komuni ta' Grad 1

Artikolu 50

Kapital ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1

Il-kapital ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta’ istituzzjoni għandu jkun jikkonsisti minn elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 wara li jiġu applikati l-aġġustamenti meħtieġa mill-Artikoli 32 sa 35, it-tnaqqisiet skont l-Artikolu 36 u l-eżenzjonijiet u l-alternattivi stabbiliti fl-Artikoli 48, 49 u 79.

KAPITOLU 3

Kapital Addizzjonali ta’ Grad 1

Taqsima 1

Elementi u strumenti Addizzjonali ta' Grad 1

Artikolu 51

Elementi Addizzjonali ta’ Grad 1

Elementi Addizzjonali ta’ Grad 1 għandhom jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

(a) strumenti ta' kapital, meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 (1) jiġu ssodisfati;

(b) il-kontijiet primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (a).

Strumenti inklużi taħt il-punt (a) ma għandhomx jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew tal-Grad 2.

Artikolu 52

Elementi Addizzjonali ta’ Grad 1

1. L-istrumenti ta' kapital għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti Addizzjonali ta’ Grad 1 biss jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M8

(a) l-istrumenti jinħarġu direttament minn istituzzjoni u jkunu mħallsa totalment;

(b) l-istrumenti mhumiex proprjetà ta' kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

▼B

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) impriża li fiha l-istituzzjoni jkollha holding fil-forma ta’ sjieda, diretta jew permezz ta’ kontroll, ta’ 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta’ dik l-impriża;

▼M8

(c) l-akkwist tas-sjieda tal-istrumenti ma jkunx direttament jew indirettament iffinanzjat mill-istituzzjoni;

▼B

(d) l-istrumenti jikklassifikaw taħt strument ta' Grad 2 fil-każ tal-insolvenza tal-istituzzjoni;

(e) l-istrumenti ma jkunux koperti, jew soġġetti għal garanzija li ssaħħaħ is-superjorità tal-pretensjonijiet minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) l-impriża prinċipali tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(iii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew is-sussidjarji tagħha;

(iv) il-kumpannija azzjonarja ta' attività mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(v) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(vi) kwalunkwe impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-entitajiet imsemmija fil-punti (i) sa (v);

(f) l-istrumenti ma jkunux soġġetti għal kwalunkwe arranġament, kuntrattwali jew ta' tip ieħor, li jtejjeb is-superjorità tal-pretensjonijiet skont l-istrumenti f'insolvenza jew likwidazzjoni.

(g) l-istrumenti ikunu perpetwi u d-dispożizzjonijiet li jirregolawhom ma fihomx inċentiv biex l-istituzzjoni tifdihom;

▼M8

(h) meta l-istrumenti jinkludu għażla ta' tifdija bikrija waħda jew aktar inklużi opzjonijiet ta' xiri, l-opzjonijiet huma eżerċitabbli fid-diskrezzjoni totali tal-emittent;

▼B

(i) l-istrumenti jistgħu jinxtraw, jinfdew jew jinxtraw mill-ġdid biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77 jiġu ssodisfati, u mhux qabel ħames snin wara d-data tal-ħruġ ħlief meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 78(4);

▼M8

(j) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jindikawx b'mod espliċitu jew impliċitu li l-istrumenti jistgħu jinxtraw, jinfdew jew jinxtraw mill-ġdid, kif applikabbli, mill-istituzzjoni għajr fil-każ tal-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni u l-istituzzjoni ma tipprovdix b'mod ieħor tali indikazzjoni;

▼B

(k) l-istituzzjoni ma tindikax b'mod espliċitu jew impliċitu li l-awtorità kompetenti sejra tagħti l-kunsens għal talba biex tixtri, tifdi jew tixtri mill-ġdid l-istrumenti;

(l) distribuzzjonijiet skont l-istrumenti jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(i) jitħallsu mill-elementi distribwibbli;

(ii) il-livell ta’ distribuzzjonijiet li jsir fuq l-istrumenti ma jiġix emendat abbażi tal-istatus tal-kreditu tal-istituzzjoni jew l-impriża prinċipali tagħha;

(iii) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jagħtu lill-istituzzjoni diskrezzjoni sħiħa biex fi kwalunkwe waqt tikkanċella d- distribuzzjonijiet fuq l-istrumenti għal perijodu mingħajr limitu u fuq bażi mhux kumulattiva, u l-istituzzjoni tista’ tuża dawn il-pagamenti ikkanċellati mingħajr restrizzjoni sabiex tissodisfa l-obbligi tagħha meta jkunu dovuti;

(iv) il-kanċellament ta’ distribuzzjonijiet ma jikkostitwixxix każ ta’ inadempjenza tal-istituzzjoni;

(v) il-kanċellament ta’ distribuzzjonijiet ma jkun jimponi l-ebda restrizzjoni fuq l- istituzzjoni;

(m) l-istrumenti ma jkunux jikkontribwixxu għad-determinazzjoni li l-obbligazzjonijiet ta’ istituzzjoni jeċċedu l-assi tagħha, fejn dan il-kalkolu jikkostitwixxi test ta’ insolvenza skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

(n) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jkunu jeħtieġu li, meta jseħħ avveniment skattatur, l-ammont tal-kapital tal-istrumenti titniżżel fil-valur fuq bażi permamenti jew temporanja jew li l-istrumenti jinqalbu għal strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(o) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jkunu jinkludu l-ebda karatteristika li tista’ tfixkel ir-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni;

▼M8

(p) meta l-emittent ikun stabbilit f'pajjiż terz u jkun ġie ddeżinjat f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/59/UE bħala parti ta' grupp ta' riżoluzzjoni li l-entità ta' riżoluzzjoni tiegħu hija stabbilita fl-Unjoni jew fejn hija stabbilita fi Stat Membru, il-liġi jew id-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jirregolaw l-istrumenti jkunu jeħtieġu li, meta tittieħed deċiżjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni biex teżerċita s-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni msemmija fl-Artikolu 59 ta' dik id-Direttiva, l-ammont prinċipali tal-istrumenti għandu jonqos fil-valur fuq bażi permanenti jew l-istrumenti jiġu konvertiti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

fejn l-emittent ikun stabbilit f'pajjiż terz u ma jkunx ġie ddeżinjat f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/59/UE bħala parti ta' grupp ta' riżoluzzjoni li l-entità ta' riżoluzzjoni tiegħu hija stabbilita fl-Unjoni, il-liġi jew id-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jirregolaw l-istrumenti jkunu jeħtieġu li, meta tittieħed deċiżjoni mill-awtorità tal-pajjiż terz rilevanti, l-ammont prinċipali tal-istrumenti għandu jonqos fil-valur fuq bażi permanenti jew l-istrumenti għandhom jiġu konvertiti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

▼M8

(q) meta l-emittent huwa stabbilit f'pajjiż terz u jkun ġie ddeżinjat f'konformità mal-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/59/UE bħala part minn grupp ta' riżoluzzjoni li l-entità ta' riżoluzzjoni tiegħu hija stabbilita fl-Unjoni jew fejn l-emittent huwa stabbilit fi Stat Membru, l-istrumenti jistgħu jinħarġu biss skont il-liġijiet ta' pajjiż terz, jew inkella jkunu soġġetti għalihom, meta skont dawk il-liġijiet, l-eżerċizzju tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u tal-konverżjoni msemmi fl-Artikolu 59 ta' dik id-Direttiva huwa effettiv u infurzabbli abbażi ta' dispożizzjonijiet statutorji jew dispożizzjonijiet kuntrattwali infurzabbli legalment li jirrikonoxxu r-riżoluzzjoni jew azzjonijiet oħra ta' tnaqqis fil-valur jew konverżjoni;

(r) l-istrumenti mhumiex soġġetti għal arranġamenti ta' tpaċija jew ta' netting li jimminaw il-kapaċità tagħhom li jassorbu t-telf.

▼B

Il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu għandha titqies sodisfatta, minkejja l-istrumenti huma inklużi fil-Grad 1 jew ta' Grad 2 Addizzjonali bis-saħħa tal-Artikolu 484(3), dment li jikklassifikaw pari passu.

▼M8

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, il-parti ta' strument kapitali li hija sottoskritta biss għandha tkun eliġibbli biex tikkwalifika bħala strument Addizzjonali ta' Grad 1.

▼B

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan kollu li ġej:

(a) il-forma u n-natura tal-inċentivi biex jinfdew;

(b) in-natura ta' kwalunkwe żieda fil-valur tal-ammont tal-kapital tal-istrument ta' Grad 1 Addizzjonali b'segwitu għal tnaqqis fil-valur fuq bażi temporanja tal-ammont tal-kapital tiegħu;

(c) il-proċeduri u l-għażla taż-żmien għal dawn li ġejjin:

(i) id-determinazzjoni li jkun seħħ avveniment skattatur;

(ii) iż-żieda fil-valur tal-ammont tal-kapital tal-istrument ta' Grad 1 Addizzjonali b'segwitu għal tnaqqis fil-valur fuq bażi temporanja tal-ammont tal-kapital tiegħu;

(d) il-karatteristiċi tal-istrumenti li jistgħu jfixklu r-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni;

(e) l-użu ta' entitajiet b'għan speċjali għall-ħruġ indirett ta' strumenti ta' fondi proprji.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 53

Restrizzjonijiet fuq il-kanċellament ta' distribuzzjonijiet fuq strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali u karatteristiċi li jistgħu jfixklu r-rikapitalizzazzjoni tal-istituzzjoni

Għall-finijiet tal-punti (l)(v) u (o) tal-Artikolu 52(1), id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali għandhom, b'mod partikolari, ma jinkludux dawn li ġejjin:

(a) rekwiżit li jsiru distribuzzjonijiet fuq l-istrumenti fil-każ ta' distribuzzjoni fuq strument maħruġ minn istituzzjoni li tikklassifika fl-istess grad bħal, jew subordinat minn, strument ta' Grad 1 Addizzjonali, inkluż strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(b) rekwiżit li l-pagament ta' distribuzzjonijiet fuq strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali jew ta' Grad 2 jiġu kkanċellati fil-każ li ma jsirux distribuzzjonijiet fuq dawk l-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali;

(c) l-obbligu biex il-pagament ta' imgħax jew ta' dividend jiġi sostitwit permezz ta' pagament fi kwalunkwe forma oħra. L-istituzzjoni ma għandhiex altrimenti tkun soġġetta għal tali obbligu.

Artikolu 54

Tnaqqis fil-valur jew konverżjoni ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali

1. Għall-finijiet tal-punt tal-punt (n) tal-Artikolu 52(1), id-dispożizzjonijiet segwenti għandhom japplikaw għal strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali:

(a) avveniment skattatur iseħħ meta l-proporzjon tal-kreditu ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 92(1) jaqa' taħt xi wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) 5,125 %;

(ii) livell ogħla minn 5,125 %, fejn iddeterminat mill-istituzzjoni u speċifikat fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrument;

(b) fid-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrument, l-istituzzjonijiet jistgħu jispeċifikaw avveniment skattatur wieħed jew aktar b'żieda għal dak imsemmi fil-punt (a);

(c) fejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jeħtieġu li jiġu kkonvertiti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 meta jseħħ avveniment skattatur, dawk id-dispożizzjonijiet għandhom jispeċifikaw waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ir-rata ta' din il-konverżjoni u limitu fuq l-ammont ta' konverżjoni permess;

▼B

(ii) il-medda li fiha l-istrumenti sejrin jiġu kkonvertiti fi strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(d) fejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti jeħtieġu li meta jseħħ avveniment skattatur l-ammont ta' kapital tagħhom jitniżżawl fil-valur, it-tniżżil fil-valur għandu jnaqqas is-segwenti kollha:

(i) il-pretensjoni tad-detentur tal-istrument fl-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

(ii) l-ammont li jrid jitħallas fil-każ tas-sejħa jew fidi tal-istrument;

(iii) id-distribuzzjonijiet li jkunu saru fuq l-istrument;

▼M8

(e) meta l-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali jinħarġu minn impriża sussidjarja stabbilita f'pajjiż terz, l-iskattatur ta' 5,125 % jew ogħla msemmi fil-punt (a) għandu jiġi kkalkolat skont il-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz jew id-dispożizzjonijiet kuntrattwali tal-pajjiż terz li jirregolaw l-istrumenti, dment li l-awtorità kompetenti, wara li tikkonsulta mal-ABE, tkun ssodisfata li dawk id-dispożizzjonijiet huma tal-inqas ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

▼B

2. It-tnaqqis fil-valur jew il-konverżjoni ta' strument ta' Grad 1 Addizzjonali għandu, skont il-qafas tal-kontabbiltà applikabbli, jiġġenera elementi li jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta’ Grad 1.

3. L-ammont ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali rikonoxxut f'elementi ta' Grad 1 Addizzjonali huwa limitat għall-ammont minimu tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta’ Grad 1 li jiġu ġġenerati jekk l-ammont tal-kapital tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali jiġu kompletament imnaqqsa fil-valur jew konvertiti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

4. L-ammont aggregat ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali li jrid jonqos fil-valur jew konvertit meta jseħħ avveniment skattatur m'għandux ikun inqas mill-iżjed ammont baxx ta' dawn li ġejjin:

(a) l-ammont meħtieġ sabiex il-proporzjon ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni jkun restawrat b'mod sħiħ għal 5,125 %;

(b) l-ammont tal-kapital sħiħ tal-istrument.

5. Meta jseħħ avveniment skattatur, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dan li ġej:

(a) jinfurmaw immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti;

(b) jinfurmaw lid-detenturi tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali;

(c) inaqqsu fil-valur l-ammont tal-kapital tal-istrumenti, jew jikkonvertu l-istrumenti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 mingħajr dewmien, iżda mhux aktar tard minn xahar, f'konformità mar-rekwiżit stipulat f'dan l-Artikolu.

▼B

6. Istituzzjoni li toħroġ strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali li jikkonvertu għal Ekwità Komuni ta' Grad 1 fil-każ ta' avveniment li joħloq dan għandha tiżgura li l-kapital tas-sehem awtorizzat ikun dejjem suffiċjenti, biex l-istrumenti konvertibbli ta' Grad 1 Addizzjonali bħal dawn ikunu kkonvertiti f'sehmiet jekk iseħħ avveniment li joħloq dan. L-awtorizzazzjonijiet kollha meħtieġa għandhom jinkisbu fid-data tal-ħruġ ta' tali strumenti konvertibbli ta' Grad 1. L-istituzzjoni għandha dejjem iżżomm l-awtorizzazzjoni meħtieġa bil-quddiem biex jinħarġu l-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li fihom jiġu kkonvertiti tali strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali fil-każ ta' avveniment li joħloq dan.

7. Istituzzjoni li toħroġ strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali li jikkonvertu f'Ekwità Komuni ta' Grad 1 fil-każ ta' avveniment li joħloq dan għandha tiżgura li ma jkunx hemm ostakoli proċedurali għal dik il-konverżjoni permezz tal-inkorporazzjoni jew l-istatuti jew l-arranġamenti kuntrattwali tagħha.

Artikolu 55

Konsegwenzi tal-fatt li ma jibqgħux jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għal strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali

Is-segwenti għandhom japplikaw meta, fil-każ ta' strument ta' Grad 1 Addizzjonali, il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) ma jibqgħux jiġu ssodisfati:

(a) dak l-istrument immedjatament ma jibqax jikkwalifika bħala strument ta' Grad 1 Addizzjonali;

(b) il-parti tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatata ma' dak l-istrument għandha tieqaf immedjatament milli tikkwalifika bħala elementi ta' Grad 1 Addizzjonali.

Taqsima 2

Tnaqqis minn elementi ta' Grad 1 Addizzjonali

Artikolu 56

Tnaqqis minn elementii ta' Grad 1 Addizzjonali

L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu dawn li ġejjin mill-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali:

(a) holdings diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni tal-istrumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali, inkluż strumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali li istituzzjoni tista' tkun obbligata li tixtri bħala riżultat ta' obbligi kuntrattwali eżistenti;

(b) holdings diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li magħhom l-istituzzjoni jkollha holdings inkroċjati reċiproki li l-awtorità kompetenti tikkunsidra li tkun ġiet iddisinjata biex artifiċjalment tkabbar il-fondi proprji tal-istituzzjoni;

▼B

(c) l-ammont applikabbli ddeterminat skont l-Artikolu 60 ta’ holdings diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti ta’ Grad 1 Addizzjonali ta’ entitajiet tas-settur finanzjarju, fejn istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f’dawk l-entitajiet;

(d) holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta’ Grad 1 Addizzjonali ta’ entitajiet tas-settur finanzjarju meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f’dawk l-entitajiet, eskluż pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għalħamest ijiem tax-xogħol jew inqas;

▼C3

(e) l-ammont ta' elementi meħtieġa li jitnaqqsu minn elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 66 li jeċċedi l-elementi ta' Grad 2 tal-istituzzjoni;

▼B

(f) kull imposta ta’ taxxa relatat ma’ elementi ta’ Grad 1 prevedibbli fil-mument tal-kalkolu tagħha, ħlief fejn l-istituzzjoni b’mod xieraq taġġusta l-ammont ta’ elementi ta’ Grad 1 sa fejn tali impisti ta’ taxxa jnaqqsu l-ammont sa liema dawk l-elementi jistgħu jiġu applikati biex ikopru riskji jew telf.

Artikolu 57

Tnaqqis ta’ holdings ta’ strumenti proprji ta’ Grad 1 Addizzjonali

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 56, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-holdings tal-istrumenti proprji ta’ Grad 1 Addizzjonali abbażi ta’ pożizzjonijiet twal grossi dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-ammont ta’ holdings tal-istrumenti proprji ta’ Grad 1 Addizzjonali abbażi tal-pożizzjoni netta twila dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess skopertura sottostanti u l-pożizzjonijiet qosra ma jinvolvux riskju għall-kontroparti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti jew sintetiċi ta’ titoli tal-indiċi bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti proprji ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 f'dawk l-indiċi;

(c) l-istituzzjonijiet jistgħu jagħmlu netting tal-pożizzjonijiet grossi twal fl-istrumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali bħala riżultat ta’ holdings ta’ titoli ta' indiċi kontra l-pożizzjonijiet qosra fl-istrumenti proprji ta' Grad 1 Addizzjonali bħala riżultat ta’ pożizzjonijiet qosra fl-indiċi sottostanti, inkluż meta dawk il-pożizzjonijiet qosra jinvolvu riskju għall-kontroparti, dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jinsabu fl-istess indiċi sottostanti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu jew fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

▼B

Artikolu 58

Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju u meta istituzzjoni jkollha holding inkroċjata reċiproka artifiċjalment iddisinjata biex tkabbar il-fondi proprji

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis meħtieġ skont il-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 56 skont dawn li ġejjin:

(a) il-holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-pożizzjonijiet grossi twal;

(b) l-elementi ta' assigurazzjoni ta' fondi proprji ta' Grad 1 Addizzjonali għandhom jiġu ttrattati bħala holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali għall-finijiet ta' tnaqqis.

Artikolu 59

Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta' entitajiet tas-settur finanzjarju

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis meħtieġ skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 56 skont is-segwenti:

(a) huma jistgħu jikkalkulaw holdings diretti, indiretti u sintetiċi strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali tal-entitajiet tas-settur finanzjarju abbażi tal-pożizzjoni netta twila fl-istess skopertura sottostanti dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M8

(i) id-data tal-maturità tal-pożizzjoni qasira tkun jew l-istess, jew iktar tard mid-data tal-maturità tal-pożizzjoni twila jew il-maturità residwa tal-pożizzjoni qasira tkun tal-inqas sena waħda;

▼B

(ii) jew kemm il-pożizzjoni qasira kif ukoll dik twila jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar.

(b) huma għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' titoli tal-indiċi bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti ta' kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju f'dawk l-indiċi;

Artikolu 60

Tnaqqis ta' holdings ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali meta istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju

1. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 56, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas billi jimmultiplikaw l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bil-fattur derivat mill-kalkolu msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

▼C2

(a) l-ammont aggregat li bih il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, strumenti Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li fihom l-istituzzjoni m'għandhiex investimenti sinifikanti jaqbeż l-10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkulat wara li jiġu applikati dawn li ġejjin:

▼B

(i) l-Artikolu 32 sa 35;

▼M17

(ii) l-Artikolu 36(1), il-punti (a) sa (g), il-punti (k)(ii) sa (vi) u l-punti (l), (m) u (n), bl-esklużjoni tal-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq profittabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;

▼B

(iii) l-Artikoli 44 u 45;

(b) l-ammont ta’ holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali ta’ dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju li fihom l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti diviż bl-ammont aggregat tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi kollha mill-istituzzjoni ta’ strumenti ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali u ta’ Grad 2 ta’ dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jeskludu pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas mill-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u mill-kalkolu tal-fattur imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

▼C2

3. L-ammont li għandu jitnaqqas skont il-paragrafu 1 għandu jinqasam bejn l-istrumenti Addizzjonali kollha ta' Grad 1 miżmuma. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' kull strument Addizzjonali ta' Grad 1 li għandu jitnaqqas skont il-paragrafu 1 billi l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jiġi multiplikat bil-proporzjon speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont ta' holdings li jeħtieġ jitnaqqas skont il-paragrafu 1;

(b) il-proporzjon tal-ammont aggregat ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti Addizzjonali ta' Grad 1 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti fihom rappreżentat minn kull strument Addizzjonali ta' Grad 1 miżmum.

▼B

4. L-ammont tal-holdings imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 56 li jkun ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta’ Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabiliti fil-punti (a)(i), (ii) u (iii) tal-paragrafu 1 m’għandux jitnaqqas u għandu jkun soġġett għall-piż tar-riskji applikabbli skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u r-rekwiżiti stabiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif ikun applikabbli.

▼C2

5. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-ammont ta' kull strument Addizzjonali ta' Grad 1 li jkun ippeżat għar-riskju skont il-paragrafu 4 billi jimmultiplikaw l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont tal-holdings meħtieġ li jkun ippeżat għar-riskju skont il-paragrafu 4;

(b) il-proporzjon li jirriżulta mill-kalkolazzjon fil-punt (b) tal-paragrafu 3.

▼B

Taqsima 3

Kapital ta' grad 1 addizzjonali

Artikolu 61

Kapital ta' Grad 1 Addizzjonali

Il-kapital ta' Grad 1 Addizzjonali ta' istituzzjoni għandu jikkonsisti minn elementi ta' Grad 1 wara t-tnaqqis tal-elementi msemmija fl-Artikolu 56 u wara li jiġi applikat l-Artikolu 79.

KAPITOLU 4

Kapital ta' Grad 2

Taqsima 1

Elementi u strumenti ta' grad 2

Artikolu 62

Elementi ta' Grad 2

Elementi ta' Grad 2 għandhom jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

▼M8

(a) strumenti kapitali fejn il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ikunu ssodisfati, u sal-punt speċifikat fl-Artikolu 64;

▼B

(b) il-kontijiet primjum tal-ishma relatati mal- istrumenti msemmija fil-punt (a);

(c) għall-istituzzjonijiet li qegħdin jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, l-aġġustamenti ġenerali tar-riskju ta' kreditu, gross mill-effetti tat-taxxa, sa 1,25 % tal-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju kkalkulati skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta;

▼M17

(d) għall-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, l-eċċess tal-IRB fejn applikabbli, gross mill-effetti tat-taxxa, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 159, sa 0,6 % tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju kkalkulati f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3.

▼B

L-elementi inklużi taħt il-punt (a) ma għandhomx jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew ta' Grad 1 Addizzjonali.

Artikolu 63

Strumenti ta' Grad 2

▼M8

L-istrumenti kapitali għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M8

(a) l-istrumenti jinħarġu direttament minn istituzzjoni u jkunu mħallsa totalment;

(b) l-istrumenti mhumiex proprjetà ta' kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

▼B

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) impriża li fiha l-istituzzjoni jkollha parteċipazzjoni fil-forma ta' sjieda, diretta jew permezz ta' kontroll, ta' 20 % jew aktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta' dik l-impriża;

▼M8

(c) l-akkwist tas-sjieda tal-istrumenti ma jkunx direttament jew indirettament iffinanzjat mill-istituzzjoni;

(d) il-pretensjoni fuq l-ammont prinċipali tal-istrumenti skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti tikklassifika taħt kwalunkwe pretensjoni minn strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli;

(e) l-istrumenti ma jkunux koperti jew ma jkunux soġġetti għal garanzija li ssaħħaħ is-superjorità tal-pretensjoni minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

▼B

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) l-impriża prinċipali tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(iii) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew is-sussidjarji tagħha;

(iv) il-kumpannija azzjonarja ta' attività mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(v) il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta jew is-sussidjarji tagħha;

(vi) kwalunkwe impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-entitajiet imsemmija fil-punt (i) sa (v);

▼M8

(f) l-istrumenti ma jkunux soġġetti għal ebda arranġament li b'mod ieħor itejjeb is-superjorità tal-pretensjoni skont l-istrumenti;

(g) l-istrumenti għandhom maturità oriġinali ta' mill-inqas ħames snin;

(h) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jinkludu l-ebda inċentiv biex l-ammont kapitali tagħhom jinfeda jew jitħallas lura, kif applikabbli mill-istituzzjoni qabel il-maturità tagħhom;

(i) meta l-istrumenti jinkludu dritt wieħed jew iktar ta' ħlas lura bikri inkluż opzjonijiet ta' xiri, l-opzjonijiet huma eżerċitabbli fid-diskrezzjoni totali tal-emittent;

(j) l-istrumenti jistgħu jinxtraw, jinfdew, jitħallsu lura jew jinxtraw mill-ġdid b'mod bikri biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 77 jiġu ssodisfati, u mhux qabel ħames snin wara d-data tal-ħruġ ħlief meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 78(4);

▼M8

(k) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jindikawx b'mod espliċitu jew impliċitu li l-istrumenti ser jistgħu jinxtraw, jinfdew, jitħallsu lura jew jinxtraw mill-ġdid b'mod bikri, kif applikabbli, mill-istituzzjoni għajr fil-każ tal-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni u l-istituzzjoni ma tipprovdix b'mod ieħor tali indikazzjoni;

(l) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti ma jagħtux lid-detentur id-dritt li jgħaġġel il-pagamenti skedati fil-futur tal-imgħax jew tal-ammont tal-kapital, ħlief fil-każ tal-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni;

(m) il-livell ta' imgħax jew ta' pagamenti ta' dividendi, kif applikabbli, dovuti fuq l-istrumenti ma jiġix emendat abbażi tal-istatus tal-kreditu tal-istituzzjoni jew l-impriża prinċipali tagħha;

(n) meta l-emittent ikun stabbilit f'pajjiż terz u jkun ġie ddeżinjat skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/59/UE bħala parti ta' grupp ta' riżoluzzjoni li l-entità ta' riżoluzzjoni tiegħu hija stabbilita fl-Unjoni jew fejn hija stabbilita fi Stat Membru, il-liġi jew id-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jirregolaw l-istrumenti jkunu jeħtieġu li, meta tittieħed deċiżjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni biex teżerċita s-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni msemmija fl-Artikolu 59 ta' dik id-Direttiva, l-ammont prinċipali tal-istrumenti għandu jkollu valwazzjoni negattiva fuq bażi permanenti jew l-istrumenti jiġu konvertiti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

fejn l-emittent ikun stabbilit f'pajjiż terz u ma jkunx ġie ddeżinjat skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/59/UE bħala parti ta' grupp ta' riżoluzzjoni li l-entità ta' riżoluzzjoni tiegħu hija stabbilita fl-Unjoni, il-liġi jew id-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jirregolaw l-istrumenti jkunu jeħtieġu li, meta tittieħed deċiżjoni mill-awtorità tal-pajjiż terz rilevanti, l-ammont prinċipali tal-istrumenti għandu jonqos fil-valur fuq bażi permanenti jew l-istrumenti għandhom jiġu konvertiti fi strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(o) meta l-emittent huwa stabbilit f'pajjiż terz u jkun ġie ddeżinjat skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2014/59/UE bħala part minn grupp ta' riżoluzzjoni li l-entità ta' riżoluzzjoni tiegħu hija stabbilita fl-Unjoni jew fejn hi stabbilita fi Stat Membru, l-istrumenti jistgħu jinħarġu biss skont il-liġijiet ta' pajjiż terz, jew inkella jkunu soġġetti għalihom, meta skont dawk il-liġijiet, l-eżerċizzju tas-setgħa tat-tnaqqis fil-valur u tal-konverżjoni msemmi fl-Artikolu 59 ta' dik id-Direttiva huwa effettiv u infurzabbli abbażi ta' dispożizzjonijiet statutorji jew dispożizzjonijiet kuntrattwali infurzabbli legalment li jirrikonoxxu r-riżoluzzjoni jew azzjonijiet oħra ta' tnaqqis fil-valur jew konverżjoni;

(p) l-istrumenti mhumiex soġġetti għal arranġamenti ta' tpaċija jew ta' netting li jimminaw il-kapaċità tagħhom li jassorbu t-telf.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel paragrafu, il-parti biss ta' strument kapitali li hija sottoskritta għandha tkun eliġibbli biex tikkwalifika bħala strument ta' Grad 2.

▼M8

Artikolu 64

Amortizzazzjoni tal-istrumenti ta' Grad 2

1. L-ammont sħiħ tal-istrumenti ta' Grad 2 b'maturità residwa ta' iktar minn ħames snin għandu jikkwalifika bħala elementi ta' Grad 2.

2. Il-punt sa fejn strumenti ta' Grad 2 jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 matul l-aħħar ħames snin ta' maturità tal-istrumenti jiġi kkalkulat billi r-riżultat derivat mill-kalkolu msemmi fil-punt (a) jiġi mmultiplikat bl-ammont imsemmi fil-punt (b) kif ġej:

(a) l-ammont irrappurtat tal-istrumenti fl-ewwel jum tal-perijodu finali ta' ħames snin tal-maturità kuntrattwali tagħhom diviż bin-numru ta' jiem f'dak il-perijodu;

(b) in-numru ta' jiem ta' maturità kuntrattwali li jibqa' tal-istrumenti.

▼B

Artikolu 65

Il-konsegwenzi tal-fat li ma jibqgħux jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għal strumenti ta' Grad 2

Meta fil-każ ta' strument ta' Grad 2 il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ma jibqgħux jiġu ssodisfati, għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) dak l-istrument għandu immedjatament ma jibqax jikkwalifika bħala strument ta' Grad 2;

(b) il-parti tal-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatata ma' dak l-istrument għandha immedjatament ma tibqax tikkwalifika bħala elementi ta' Grad 2.

Taqsima 2

Tnaqqis minn elementi ta' grad 2

Artikolu 66

Tnaqqis minn elementi ta' Grad 2

Dawn li ġejjin għandhom jitnaqqsu minn elementi ta' Grad 2:

(a) holdings diretti, indiretti u sintetiċi minn istituzzjoni ta' strumenti proprji ta' Grad 2, inkluż strumenti proprji ta' Grad 2 li istituzzjoni tista' tkun obbligata li tixtri bħala riżultat ta' obbligi kuntrattwali eżistenti;

(b) holdings diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li magħhom l-istituzzjoni ikollha holdings inkroċjata reċiproka li l- awtorità kompetenti tikkunsidra li tkun ġiet iddisinjata biex artifiċjalment tkabbar il-fondi proprji tal-istituzzjoni;

(c) l-ammont applikabbli ddeterminat skont l-Artikolu 70 ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta' strumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju, meta istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet;

▼B

(d) holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta’ strumenti ta’ Grad 2 ta’ entitajiet tas-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f’dawk l-entitajiet, eskluži pożizzjonijiet ta’ sottoskrizzjoni miżmuma għal inqas minn ħamest ijiem tax-xogħol;

▼M8

(e) l-ammont ta' elementi meħtieġa li għandhom jitnaqqsu minn elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 72e li jaqbeż l-elementi tal-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni.

▼B

Artikolu 67

Tnaqqis ta’ holdings ta’ strumenti proprji ta’ Grad 2

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 66, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw holdings abbażi tal-pożizzjonijiet grossi twal soġġetti għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-ammont tal-holdings fuq il-bażi tal-pożizzjoni twila netta dment li jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess skopertura sottostanti u l-pożizzjonijiet qosra ma jinvolvux riskju għall-kontroparti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll ta’ negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta’ negozjar;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi ta’ titoli tal-indiċi bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti proprji ta’ Grad 2 f’dawk l-indiċi;

(c) l-istituzzjonijiet jistgħu jikkumpensaw il-pożizzjonijiet grossi twal fl-istrumenti ta’ Grad 2 bħala riżultat ta’ parteċipazzjonijiet ta’ titoli tal-indiċi kontra pożizzjonijiet qosra fl-istrumenti proprji ta’ Grad 2 bħala riżultat ta’ pożizzjonijiet qosra fl-indiċi sottostanti, inkluż fejn dawk il-pożizzjonijiet qosra jinvolvu riskju għall-kontroparti, dment li jiġu ssodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess indiċi sottostanti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll ta’ negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta’ negozjar.

Artikolu 68

Tnaqqis ta’ holdings ta’ strumenti ta’ Grad 2 ta’ entitajiet tas-settur finanzjarju u fejn istituzzjoni jkollha holding inkroċjata reċiproka ddisinjata biex artifiċjalment tkabbar il-fondi proprji

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis meħtieġ skont il-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 66 skont dawn li ġejjin:

(a) holdings ta’ strumenti ta’ Grad 2 għandhom jiġu kkalkolati abbażi tal-pożizzjonijiet grossi twal;

▼B

(b) holdings ta’ elementi ta’ assigurazzjoni bħala fondi proprji ta’ Grad 2 u ta’ elementi ta’ assigurazzjoni bħala fondi proprji ta’ Grad 3 għandhom jiġu ttrattati bħala holdings ta’ strumenti ta’ Grad 2 għall-finijiet ta’ tnaqqis.

Artikolu 69

Tnaqqis ta’ holdings ta’ strumenti ta’ Grad 2 ta’ entitajiet tas-settur finanzjarju

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu t-tnaqqis meħtieġ mill-punti (c) u (d) tal-Artikolu 66 skont is-segwenti:

(a) huma jistgħu jikkalkulaw holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta’ strumenti ta’ Grad 1 tal-entitajiet tas-settur finanzjarju abbażi tal-pożizzjoni netta twila fl-istess skopertura sottostanti dment li jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M8

(i) id-data tal-maturità tal-pożizzjoni qasira tkun jew l-istess, jew iktar tard mid-data tal-maturità tal-pożizzjoni twila jew il-maturità residwa tal-pożizzjoni qasira tkun tal-inqas sena waħda;

▼B

(ii) jew kemm il-pożizzjoni twila kif ukoll dik qasira jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta’ negozjar.

(b) huma għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal holdings diretti, indiretti u sintetiċi ta’ titoli tal-indiċi billi jikkalkulaw l-iskopertura sottostanti għall- istrumenti ta’ kapital tal-entitajiet tas-settur finanzjarju f’dawk l-indiċi.

Artikolu 70

Tnaqqis ta’ strumenti ta’ Grad 2 meta istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f’entità rilevanti

1. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 66, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas billi jimmultiplikaw l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta’ dan il-paragrafu bil-fattur derivat mill-kalkolu msemmi fil-punt (b) ta’ dan il-paragrafu:

▼C2

(a) l-ammont aggregat li bih il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, strumenti Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li fihom l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti jaqbeż l-10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkulat wara li jiġu applikati dawn li ġejjin:

▼B

(i) l-Artikolu 32 sa 35;

▼M17

(ii) l-Artikolu 36(1), il-punti (a) sa (g), il-punti (k)(ii), sa (vi) u l-punti (l), (m) u (n). bl-esklużjoni tal-ammont li jrid jitnaqqas għall-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;

▼B

(iii) l-Artikoli 44 u 45;

▼C2

(b) l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li fihom l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti diviż bl-ammont aggregat tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi kollha mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, strumenti Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2 ta' dawk l-entitajiet tas-settur finanzjarju.

▼B

2. L-istituzzjonijiet għandhom jeskludu pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas mill-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u mill-kalkolu tal-fattur imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1.

▼C2

3. L-ammont li għandu jitnaqqas skont il-paragrafu 1 għandu jitqassam f'proporzjon tul kull strument ta' Grad 2 miżmum. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont li għandu jitnaqqas minn kull strument ta' Grad 2 li għandu jitnaqqas skont il-paragrafu 1 billi jiġi multiplikat l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bil-propozjon speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) ammont totali ta' holdings li jkun meħtieġ li jitnaqqas skont il-paragrafu 1;

(b) il-proporzjon tal-ammont aggregat ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju li l-istituzzjoni m'għandhiex investiment sinifikanti fihom rappreżentat minn kull strument ta' Grad 2 miżmum.

▼B

4. L-ammont tal-holdings imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 66(1) li jkun ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a)(i) sa (iii) tal-paragrafu 1 m'għandux jitnaqqas u għandu jkun soġġett għall-piż tar-riskji applikabbli skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif ikun applikabbli.

▼C2

5. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-ammont ta' kull strument ta' Grad 2 li jkun ippeżat għar-riskju skont il-paragrafu 4 billi jimmultiplikaw l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont tal-holdings meħtieġ li jkun ippeżat għar-riskju skont il-paragrafu 4;

(b) il-proporzjon li jirriżulta mill-kalkolazzjoni fil-punt (b) tal-paragrafu 3.

▼B

Taqsima 3

Kapital ta' grad

Artikolu 71

Kapital ta' Grad 2

Il-kapital ta' Grad 2 ta' istituzzjoni għandu jikkonsisti mill-elementi ta' Grad 2 tal-istituzzjoni wara t-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 66 u wara li jiġi applikat l-Artikolu 79.

▼B

KAPITOLU 5

Fondi proprji

Artikolu 72

Fondi proprji

Il-fondi proprji ta' istituzzjoni għandhom jikkonsistu mis-somma tal-kapital ta' Grad 1 u l-kapital ta' Grad 2 tagħha.

▼M8

KAPITOLU 5a

Obbligazzjonijiet eliġibbli

Taqsima 1

Elementi u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

Artikolu 72a

Elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

1. L-elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għandhom jikkonsistu minn dawn li ġejjin, sakemm ma jaqgħux fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' obbligazzjonijiet eskluži stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u sal-limitu speċifikat fl-Artikolu 72c:

(a) l-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 72b jiġu ssodisfati, sal-punt li ma jikkwalifikawx bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2;

(b) L-istrumenti ta' Grad 2 b'maturità residwa ta' mill-inqas sena, sal-punt li ma jikkwalifikawx bħala elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 64.

2. L-obbligazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu eskluži mill-elementi tal-obbligazzjonijiet eliġibbli:

(a) depożiti koperti;

(b) depożiti ta' domanda u depożiti b'terminu qasir b'maturità oriġinali ta' inqas minn sena;

(c) il-parti ta' depożiti eliġibbli minn persuni fiżiċi u minn impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju li taqbeż il-livell ta' kopertura msemmi fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(d) depożiti li jkunu depożiti eliġibbli minn persuni fiżiċi u minn impriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju jekk ma jkunux saru permezz ta' fergħat li jinsabu barra mill-Unjoni ta' istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni;

([1]) Id-Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 149).

▼**M8**

(e) obbligazzjonijiet iggarantiti, inkluż bonds koperti u obbligazzjonijiet fil-forma ta' strumenti finanzjarji użati għal skopijiet ta' ħħeġġjar li jifformaw parti integrali mill-pool ta' kopertura u li f'konformità mal-liġi nazzjonali huma żgurati b'mod simili għal bonds koperti, sakemm l-assi ggarantiti kollha relatati ma' pool ta' kopertura ta' bonds koperti jibqgħu mhux affettwati, segregati u b'finanzjament biżżejjed u bl-esklużjoni ta' kwalunkwe parti ta' obbligazzjoni ggarantita jew obbligazzjoni li għaliha jkun ġie ppleġġjat kollateral li jaqbeż il-valur tal-assi, tal-pleġġ, tar-rahan jew tal-kollateral li kontriha jkunu ggarantiti;

(f) kwalunkwe obbligazzjoni li tinħoloq bis-saħħa taż-żamma ta' assi ta' klijenti jew flus ta' klijenti inkluż assi ta' klijenti jew flus ta' klijenti miżmuma f'isem impriżi ta' investiment kollettiv, sakemm tali klijent ikun protett taħt il-liġi tal-insolvenza applikabbli;

(g) kwalunkwe obbligazzjoni li tinħoloq bis-saħħa ta' relazzjoni fiduċjarja bejn l-entità ta' riżoluzzjoni jew kwalunkwe sussidjarja tagħha (bħala fiduċjarja) u persuna oħra (bħala benefiċjarja), sakemm tali benefiċjarja tkun protetta taħt il-liġi tal-insolvenza jew ċivili applikabbli;

(h) obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet, minbarra l-obbligazzjonijiet tal-entitajiet li huma parti mill-istess grupp, b'maturità oriġinali ta' inqas minn sebat ijiem;

(i) obbligazzjonijiet b'maturità li jifdal ta' anqas minn sebat ijiem, dovuti lil:

(i) sistemi jew operaturi ta' sistemi dežinjati skont id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill ([1]);

(ii) parteċipanti f'sistema dežinjata skont id-Direttiva 98/26/KE u li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni f'tali sistema; jew

(iii) CCPs ta' pajjiżi terzi rikonoxxuti skont l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(j) obbligazzjoni lejn kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(i) impjegat, fir-rigward ta' salarji, benefiċċji ta' pensjoni jew remunerazzjoni fissa oħra dovuti, ħlief għall-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni li mhux regolat bi ftehim ta' negozjar kollettiv, u ħlief għall-komponent varjabbli tar-remunerazzjoni ta' dawk li jieħdu riskji sinifikanti kif imsemmi fl-Artikolu 92(2) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(ii) kreditur kummerċjali jew ta' negozju meta l-obbligazzjoni tinħoloq mill-forniment lill-istituzzjoni jew lill-impriża prinċipali ta' oġġetti jew servizzi li huma kritiċi għall-funzjonament ta' kuljum tal-operazzjonijiet tal-istituzzjoni jew tal-impriża prinċipali, inkluż servizzi tal-IT, utilitajiet u l-kiri, il-manutenzjoni u ż-żamma ta' postijiet;

([1]) Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' saldu f'sistemi ta' saldu ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

▼M8

(iii) awtoritajiet tat-taxxa u tas-sigurtà soċjali, sakemm dawk l-obbligazzjonijiet huma preferuti skont il-liġi applikabbli;

(iv) skemi ta' garanzija ta' depożiti meta l-obbligazzjoni tinħoloq minn kontribuzzjonijiet dovuti skont id-Direttiva 2014/49/UE;

(k) obbligazzjonijiet li jinħolqu minn derivattivi;

(l) obbligazzjonijiet li jinħolqu minn strumenti tad-dejn b'derivattivi inkorporati.

Għall-finijiet tal- punt (l) tal-ewwel subparagrafu, strumenti ta' dejn li fihom għażliet ta' tifdija bikrija eżerċitabbli fid-diskrezzjoni totali tal-emittent jew tad-detentur, u strumenti ta' dejn b'interessi varjabbli li ġejjin minn rata ta' referenza ġeneralment użata bħall-Euribor jew il-Libor, ma għandhomx jitqiesu bħala strumenti ta' dejn b'derivattivi inkorporati unikament minħabba fatturi bħal dawn.

Artikolu 72b

Strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

1. L-obbligazzjonijiet għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli dment li jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu u biss sal-punt speċifikat f'dan l-Artikolu.

2. L-obbligazzjonijiet għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli dment li l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) l-obbligazzjonijiet ikunu nħarġu jew ingħataw direttament, kif applikabbli, minn istituzzjoni u jkunu tħallsu kompletament;

(b) l-obbligazzjonijiet mhumiex proprjetà ta' ebda waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni jew entità inkluża fl-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(ii) impriża li fiha l-istituzzjoni jkollha parteċipazzjoni diretta jew indiretta fil-forma ta' sjieda, diretta jew permezz ta' kontroll, ta' 20 % jew iktar tad-drittijiet tal-vot jew tal-kapital ta' dik l-impriża;

(c) l-akkwist tas-sjieda tal-obbligazzjonijiet ma jkunx direttament jew indirettament iffinanzjat mill-entità ta' riżoluzzjoni;

(d) il-pretensjoni fuq l-ammont prinċipali tal-obbligazzjonijiet skont id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrumenti tkun totalment subordinata għal pretensjonijiet li jinħolqu mill-obbligazzjonijiet eskluži msemmija fl-Artikolu 72a(2); dak ir-rekwiżit ta' subordinazzjoni għandu jitqies li ġie ssodisfat fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(i) id-dispożizzjonijiet kuntrattwali li jirregolaw l-obbligazzjonijiet jispeċifikaw li fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza normali kif definiti fil-punt (47) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-pretensjoni fuq l-ammont prinċipali tal-istrumenti tikklassifika taħt pretensjonijiet li jinħolqu minn kwalunkwe obbligazzjoni eskluża msemmija fl-Artikolu 72a(2) ta' dan ir-Regolament;

▼M8

(ii) il-liġi applikabbli tispeċifika li fil-każ ta' proċedimenti ta' insolvenza normali kif definiti fil-punt (47) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-pretensjoni fuq l-ammont prinċipali tal-istrumenti tikklassifika taħt pretensjonijiet li jinħolqu minn kwalunkwe obbligazzjoni eskluża msemmija fl-Artikolu 72a(2) ta' dan ir-Regolament;

(iii) l-istrumenti jinħarġu minn entità ta' riżoluzzjoni li fuq il-karta tal-bilanċ tagħha ma jkollhiex obbligazzjonijiet esklużi kif imsemmi fl-Artikolu 72a(2) ta' dan ir-Regolament li jikklassifikaw *pari passu* jew inqas mill-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli;

(e) l-obbligazzjonijiet la huma ggarantiti, u lanqas soġġetti għal garanzija jew kwalunkwe arranġament ieħor li jsaħħaħ is-superjorità tal-pretensjoni minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(ii) l-impriża prinċipali tal-istituzzjoni jew is-sussidjarji tagħha;

(iii) kwalunkwe impriża li jkollha rabtiet mill-qrib mal-entitajiet imsemmija fil-punti (i) u (ii);

(f) l-obbligazzjonijiet mhumiex soġġetti għal arranġamenti ta' tpaċija jew ta' netting li jimminaw il-kapaċità tagħhom li jassorbu t-telf f'każ ta' riżoluzzjoni;

(g) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-obbligazzjonijiet ma jinkludu l-ebda inċentiv biex l-ammont prinċipali tagħhom jinxtara, jinfeda jew jinxtara mill-ġdid qabel il-maturità tagħhom jew jitħallas lura b'mod bikri mill-istituzzjoni, kif applikabbli, għajr fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 72c(3);

(h) l-obbligazzjonijiet ma jistgħux jinfdew mid-detenturi tal-istrumenti qabel il-maturità tagħhom, għajr fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 72c(2);

(i) soġġett għall-Artikolu 72c(3) u (4), meta l-obbligazzjonijiet jinkludu opzjoni ta' ħlas lura bikri waħda jew aktar inkluż opzjonijiet ta' xiri, l-opzjonijiet huma eżerċitabbli fid-diskrezzjoni totali tal-emittent, għajr fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 72c(2);

(j) l-obbligazzjonijiet jistgħu jinxtraw, jinfdew, jitħallsu lura jew jinxtraw mill-ġdid b'mod bikri biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 77 u 78a jiġu ssodisfati;

(k) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-obbligazzjonijiet ma jindikawx b'mod espliċitu jew impliċitu li l-obbligazzjonijiet ser jinxtraw, jinfdew, jitħallsu lura jew jinxtraw mill-ġdid b'mod bikri, kif applikabbli mill-entità ta' riżoluzzjoni għajr fil-każ tal-insolvenza jew il-likwidazzjoni tal-istituzzjoni u l-istituzzjoni ma tipprovdix b'mod ieħor tali indikazzjoni;

(l) id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-obbligazzjonijiet ma jagħtux lid-detentur id-dritt li jgħaġġel il-pagamenti skedati fil-futur tal-imgħax jew tal-prinċipal, ħlief fil-każ tal-insolvenza jew tal-likwidazzjoni tal-entità ta' riżoluzzjoni;

▼M8

(m) il-livell ta' imgħax jew ta' pagamenti ta' dividendi, kif applikabbli, dovut fuq l-obbligazzjonijiet ma jiġix emendat abbażi tal-istatus tal-kreditu tal-entità ta' riżoluzzjoni jew tal-impriża prinċipali tagħha;

(n) għal strumenti maħruġa wara t-28 ta' Ġunju 2021 id-dokumentazzjoni kuntrattwali rilevanti u, fejn applikabbli, il-prospett, relatati mal-ħruġ jirreferu b'mod espliċitu għall-eżerċizzju possibbli tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva u ta' konverżjoni skont l-Artikolu 48 tad-Direttiva 2014/59/UE.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, il-partijiet tal-obbligazzjonijiet li huma sottoskritti biss għandhom ikunu eliġibbli biex jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli.

Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, fejn xi whud mill-obbligazzjonijiet eskluži msemmija fl-Artikolu 72a(2) ikunu subordinati għal talbiet mhux garantiti ordinarji taħt il-liġi nazzjonali tal-insolvenza, fost l-oħrajn, minħabba li jkunu miżmuma minn kreditur li jkollu rabtiet mill-qrib mad-debitur, billi jkun jew billi kien azzjonist, f'relazzjoni ta' kontroll jew ta' grupp, membru tal-korp maniġerjali jew relatat ma' kwalunkwe waħda minn dawk il-persuni, is-subordinazzjoni ma għandhiex tiġi vvalutata b'referenza għat-talbiet li jirriżultaw minn dawn l-obbligazzjonijiet eskluži.

▼M15

Għall-finijiet tal-Artikolu 92b, ir-referenzi għall-entità ta' riżoluzzjoni fil-punti (c), (k), (l) u (m) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jinftiehmu wkoll bħala referenzi għal istituzzjoni li hija sussidjarja materjali ta' G-SII mhux tal-UE.

▼M8

3. ►M17 Minbarra l-obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tippermetti li l-obbligazzjonijiet jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli sa ammont aggregat li ma jaqbiżx it-3,5 % tal-ammont tal-iskopertura totali tar-riskju kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 92 (3), sakemm: ◄

(a) il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 2, ħlief għall-kondizzjoni fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, huma ssodisfati;

(b) l-obbligazzjonijiet jikklassifikaw *pari passu* mal-obbligazzjonijiet eskluži fl-iktar klassifikazzjoni baxxa msemmija fl-Artikolu 72a (2) bl-eċċezzjoni tal-obbligazzjonijiet eskluži li huma subordinati eskluži għal pretensjonijiet mhux garantiti ordinarji taħt il-liġi nazzjonali tal-insolvenza msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu; u

(c) l-inklużjoni ta' dawk l-obbligazzjonijiet fl-elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli mhix ser twassal għal riskju materjali ta' kontestazzjoni legali li tirnexxi jew pretensjonijiet validi ta' kumpens kif ivvalutati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-prinċipji msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 34(1) u l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59/UE.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tippermetti li obbligazzjonijiet jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli barra mill-obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2, dment li:

▼M8

(a) l-istituzzjoni ma titħalliex tinkludi fl-elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli l-obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3;

(b) il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 2, ħlief għall-kondizzjoni fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, huma ssodisfati;

(c) l-obbligazzjonijiet jikklassifikaw *pari passu* jew huma superjuri għall-obbligazzjonijiet eskluži fl-iktar klassifikazzjoni baxxa msemmija fl-Artikolu 72a(2) bl-eċċezzjoni tal-obbligazzjonijiet subordinati eskluži għal pretensjonijiet mhux garantiti ordinarji taħt il-liġi nazzjonali tal-insolvenza msemmija fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(d) fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni, l-ammont tal-obbligazzjonijiet eskluži msemmija fl-Artikolu 72a(2) li jikklassifikaw *pari passu* jew taħt dawk l-obbligazzjonijiet fl-insolvenza ma jaqbiżx il-5 % tal-ammont tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni;

(e) l-inklużjoni ta' dawk l-obbligazzjonijiet fl-elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli mhix ser twassal għal riskju materjali ta' kontestazzjoni legali li tirnexxi jew pretensjonijiet validi ta' kumpens kif ivvalutati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni fir-rigward tal-prinċipji msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 34(1) u l-Artikolu 75 tad-Direttiva 2014/59/UE.

5. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' biss tippermetti li istituzzjoni tinkludi l-obbligazzjonijiet imsemmija jew fil-paragrafu 3 jew 4 bħala elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli.

6. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tikkonsulta lill-awtorità kompetenti meta teżamina jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu ġewx issodisfati.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) il-forom u n-natura applikabbli ta' finanzjament indirett tal-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli;

(b) il-forma u n-natura tal-inċentivi għat-tifdija għall-finijiet tal-kondizzjoni stabbilita fil-punt (g) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 72c(3).

Dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji għandhom ikunu allinjati b'mod sħiħ mal-att delegat imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 28(5) u fil-punt (a) tal-Artikolu 52(2).

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Diċembru 2019.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 72c

Amortizzazzjoni ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

1. L-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli b'maturità residwa ta' mill-inqas sena għandhom jikkwalifikaw bis-sħiħ bħala elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli.

▼M8

L-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli b'maturità residwa ta' inqas minn sena ma għandhomx jikkwalifikaw bħala elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli jinkludu għażla ta' tifdija għad-detentur eżerċitabbli qabel il-maturità oriġinali ddikjarata tal-istrument, il-maturità tal-istrument għandha tiġi ddefinita bħala l-iktar data kmieni possibbli li fiha d-detentur jista' jeżerċita l-għażla ta' tifdija u jitlob it-tifdija jew il-ħlas lura tal-istrument.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta strument ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jinkludi inċentiv għall-emittent biex jixtri, jifdi, iħallas lura jew jixtri mill-ġdid l-istrument qabel il-maturità oriġinali ddikjarata tal-istrument, il-maturità tal-istrument għandha tiġi ddefinita bħala l-iktar data kmieni possibbli li fiha l-emittent jista' jeżerċita dik l-opzjoni u jitlob it-tifdija jew il-ħlas lura tal-istrument.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta strument ta' obbligazzjonijiet eliġibbli jinkludi opzjonijiet ta' tifdija bikrija li huma eżerċitabbli fid-diskrezzjoni totali tal-emittent qabel il-maturità oriġinali ddikjarata tal-istrument, iżda fejn id-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-istrument ma jinkludu l-ebda inċentiv biex l-istrument jinxtara, jiġi mifdi, jitħallas lura jew mixtri mill-ġdid qabel il-maturità u ma jinkludux l-ebda opzjoni ta' tifdija jew ħlas lura fid-diskrezzjoni tad-detenturi, il-maturità tal-istrument għandha tiġi definita bħala il-maturità oriġinali ddikjarata.

Artikolu 72d

Il-konsegwenzi jekk il-kundizzjonijiet tal-eliġibbiltà ma jibqgħux jiġu ssodisfati

Meta fil-każ ta' strument ta' obbligazzjonijiet eliġibbli l-kondizzjonijiet applikabbli stabbiliti fl-Artikolu 72b ma jibqgħux jiġu ssodisfati, l-obbligazzjonijiet għandhom jieqfu immedjatament jikkwalifikaw bħala strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli.

L-obbligazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 72b(2) jistgħu jibqgħu jgħoddu bħala strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli sakemm jikkwalifikaw bħala strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 72b(3) jew (4).

Taqsima 2

Tnaqqis minn elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

Artikolu 72e

Tnaqqis minn elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

1. L-istituzzjonijiet li huma soġġetti għall-Artikolu 92a għandhom inaqqsu dawn li ġejjin mill-elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli:

(a) parteċipazzjonijiet diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti proprji ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, inkluż obbligazzjonijiet proprji li dik l-istituzzjoni tista' tkun obbligata li tixtri bħala riżultat ta' obbligi kuntrattwali eżistenti;

▼M8

(b) holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet G-SII li magħhom l-istituzzjoni għandha parteċipazzjonijiet inkroċjati reċiproċi li l-awtorità kompetenti tikkunsidra li jkunu ġew dażinjati biex artifiċjalment ikabbru l-kapaċità tal-entità ta' riżoluzzjoni tal-assorbiment tat-telf u tar-rikapitalizzazzjoni;

(c) l-ammont applikabbli ddeterminat skont l-Artikolu 72i ta' assi materjali diretti, indiretti u sintetiċi ta' strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet G-SII, meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet;

(d) holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet G-SII, meta l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'dawk l-entitajiet, eskluża pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew anqas.

2. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, l-istrumenti kollha li jikklassifikaw *pari passu* mal-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli għandhom jiġu trattati bħala strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli, bl-eċċezzjoni ta' strumenti li jikklassifikaw *pari passu* ma' strumenti rikonoxxuti bħala obbligazzjonijiet eliġibbli skont l-Artikolu 72b(3) u (4).

3. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-ammont ta' assi materjali ta' strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 72b(3) kif ġej:

$$h = \sum_i \left(H_i \cdot \frac{l_i}{L_i} \right)$$

fejn:

h = l-ammont ta' assi materjali tal-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 72b(3);

i = l-indiċi li juri l-istituzzjoni emittenti;

H_i = l-ammont totali ta' assi materjali ta' obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni emittenti i msemmija fl-Artikolu 72b(3);

l_i = l-ammont ta' obbligazzjonijiet inklużi fl-elementi tal-obbligazzjonijiet eliġibbli mill-istituzzjoni emittenti i fil-limiti speċifikati fl-Artikolu 72b(3) skont l-aħħar divulgazzjonijiet mill-istituzzjoni emittenti; u

L_i = l-ammont totali tal-obbligazzjonijiet pendenti tal-istituzzjoni emittenti i msemmija fl-Artikolu 72b(3) skont l-aħħar divulgazzjonijiet mill-emittent.

▼M15

4. Meta istituzzjoni prinċipali tal-UE jew istituzzjoni prinċipali fi Stat Membru li hija soġġetta għall-Artikolu 92a jkollha holdings diretti, indiretti jew sintetiċi ta' strumenti ta' fondi proprji jew strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' sussidjarja waħda jew iktar li ma jappartjenux għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni bħal din l-istituzzjoni prinċipali, l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' dik l-istituzzjoni prinċipali, wara li tqis debitament l-opinjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew l-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiż terz ta' kwalunkwe sussidjarja kkonċernata, tista' tippermetti lill-istituzzjoni prinċipali tnaqqas tali holdings billi tnaqqas ammont iktar baxx speċifikat mill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' din l-istituzzjoni prinċipali. Dak l-ammont aġġustat għandu jkun tal-inqas daqs l-ammont (m) ikkalkulat kif ġej:

▼**M15**

$$m_i = \max\{0;\ OP_i + LP_i - \max\{0;\ \beta \cdot [O_i + L_i - \max\{r_i \cdot aRWA_i;\ w_i \cdot aLRE_i\}]\}\}$$

fejn:

i = l-indiċi li juri s-sussidjarja;

OP_i = l-ammont ta' strumenti ta' fondi proprji maħruġa mis-sussidjarja i u miżmuma mill-istituzzjoni prinċipali;

LP_i = l-ammont ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa mis-sussidjarja i u miżmuma mill-istituzzjoni prinċipali;

β = perċentwal ta' strumenti ta' fondi proprji u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa minn sussidjarja i u miżmuma mill-istituzzjoni prinċipali, ikkalkulat kif ġej:

$$\beta = \frac{OP_i + LP_i}{\text{l-ammont tal-istrumenti ta' fondi proprji u l-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kollha maħruġa mis-sussidjarja i}}$$

O_i = l-ammont ta' fondi proprji tas-sussidjarja i, mingħajr ma jittieħed kont tat-tnaqqis ikkalkolat skont dan il-paragrafu;

L_i = l-ammont ta' obbligazzjonijiet eliġibbli tas-sussidjarja i, mingħajr ma jittieħed kont tat-tnaqqis ikkalkolat skont dan il-paragrafu;

r_i = il-proporzjon applikabbli għas-sussidjarja i fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni tagħha f'konformità mal-Artikolu 92a(1), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 45c(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tad-Direttiva 2014/59/UE jew, għal sussidjarji ta' pajjiżi terzi, rekwiżit ekwivalenti ta' riżoluzzjoni applikabbli għas-sussidjarja i fil-pajjiż terz fejn ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha, sa fejn dak ir-rekwiżit jiġi ssodisfat bi strumenti li jitqiesu bħala fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli skont dan ir-Regolament;

$aRWA_i$ = l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-entità G-SII i kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3), b'kont meħud tal-aġġustamenti stabbiliti fl-Artikolu 12a jew, għal sussidjarji ta' pajjiżi terzi, ikkalkulat skont ir-regolament lokali applikabbli;

w_i = il-proporzjon applikabbli għas-sussidjarja i fil-livell tal-grupp ta' riżoluzzjoni tagħha f'konformità mal-Artikolu 92a(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament u tal-Artikolu 45c(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tad-Direttiva 2014/59/UE jew, għal sussidjarji ta' pajjiżi terzi, rekwiżit ta' riżoluzzjoni ekwivalenti applikabbli għas-sussidjarja i fil-pajjiż terz fejn ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha, sa fejn dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat bi strumenti li jitqiesu bħala fondi proprji jew obbligazzjonijiet eliġibbli skont dan ir-Regolament;

$aLRE_i$ = il-kejl tal-iskopertura totali tal-entità G-SII i kkalkulat skont l-Artikolu 429(4) jew, għal sussidjarji ta' pajjiżi terzi, ikkalkulat f'konformità mar-regolamenti nazzjonali applikabbli.

▼M15

Meta l-istituzzjoni prinċipali titħalla tnaqqas l-ammont aġġustat skont l-ewwel subparagrafu, id-differenza bejn l-ammont ta' holdings ta' strumenti ta' fondi proprji u ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-ewwel subparagrafu u dan l-ammont aġġustat għandu jitnaqqas mis-sussidjarja.

5. L-istituzzjonijiet u l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (b), (c) u (d), tad-Direttiva 2014/59/UE għandhom inaqqsu mill-elementi tal-obbligazzjonijiet eliġibbli l-holdings tagħhom ta' strumenti ta' fondi proprji u ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istrumenti ta' fondi proprji u l-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli jkunu miżmuma minn istituzzjoni jew entità li ma tkunx hija stess entità ta' riżoluzzjoni iżda li tkun sussidjarja ta' entità ta' riżoluzzjoni jew ta' entità ta' pajjiż terz li tkun entità ta' riżoluzzjoni li kieku kienet stabbilita fl-Unjoni;

(b) l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (a) tkun meħtieġa tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 92b ta' dan ir-Regolament jew fl-Artikolu 45f tad-Direttiva 2014/59/UE;

(c) l-istrumenti ta' fondi proprji u l-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (a) jkunu nħarġu minn istituzzjoni jew entità msemmija fl-Artikolu 92b(1) ta' dan ir-Regolament jew fl-Artikolu 45f(1) tad-Direttiva 2014/59/UE li ma tkunx hija stess entità ta' riżoluzzjoni u li tkun tappartjeni għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni bħall-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (a).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-holdings ta' strumenti ta' fondi proprji u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli ma għandhomx jitnaqqsu meta l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tkun obbligata tikkonforma mar-rekwiżit imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu fuq bażi konsolidata u l-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tkun inkluża fil-konsolidazzjoni tal-istituzzjoni jew l-entità msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Parti Wieħed, Titolu II, Kapitolu 2.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, ir-referenza għal elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għandha tinftiehem bħala referenza għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli kkunsidrati għall-finijiet ta' konformità mar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92b;

(b) obbligazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45f(2), il-punt (a), tad-Direttiva 2014/59/UE.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, ir-referenza għal strumenti ta' fondi proprji u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għandha tinftiehem bħala referenza għal kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) strumenti ta' fondi proprji u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 92b(2) u (3);

(b) fondi proprji u obbligazzjonijiet li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.

▼M8

Artikolu 72f

Tnaqqis ta' assi materjali ta' strumenti proprji ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 72e(1), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw assi materjali abbażi tal-pożizzjonijiet grossi twal soġġetti għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-ammont tal-parteċipazzjoni fuq il-bażi tal-pożizzjoni twila netta, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess skopertura sottostanti u l-pożizzjonijiet qosra ma jinvolvux riskju għall-kontroparti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll ta' negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal assi materjali diretti, indiretti u sintetiċi ta' titoli tal-indiċi bil-kalkolu tal-iskopertura sottostanti għall-istrumenti proprji ta' obbligazzjonijiet eliġibbli f'dawk l-indiċi;

(c) l-istituzzjonijiet jistgħu jikkumpensaw il-pożizzjonijiet grossi twal fl-istrumenti proprji tal-obbligazzjonijiet eliġibbli li jirriżultaw minn assi materjali ta' titoli tal-indiċi kontra pożizzjonijiet qosra fl-istrumenti proprji tal-obbligazzjonijiet eliġibbli li jirriżultaw minn pożizzjonijiet qosra fl-indiċi sottostanti, inkluż fejn dawk il-pożizzjonijiet qosra jinvolvu riskju għall-kontroparti, dment li jiġu ssodisfati dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pożizzjonijiet twal u qosra jkunu qegħdin fl-istess indiċi sottostanti;

(ii) jew kemm il-pożizzjonijiet twal kif ukoll dawk qosra jinżammu fil-portafoll ta' negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar.

Artikolu 72g

Bażi ta' tnaqqis għal elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

Għall-finijiet tal-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 72e(1), l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-pożizzjonijiet grossi twal soġġetti għall-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 72h u 72i.

Artikolu 72h

Tnaqqis ta' assi materjali ta' obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet G-SII oħra

L-istituzzjonijiet li ma jkunux qed jagħmlu użu mill-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 72j għandhom jagħmlu t-tnaqqis imsemmi fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 72e(1) skont dawn li ġejjin:

(a) huma jistgħu jikkalkulaw assi materjali diretti, indiretti u sintetiċi ta' strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli abbażi tal-pożizzjoni netta twila fl-istess skopertura sottostanti, dment li jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M8

(i) id-data tal-maturità tal-pożizzjoni qasira jew tkun l-istess bħal, inkella iktar tard, mid-data tal-maturità tal-pożizzjoni twila jew il-maturità residwa tal-pożizzjoni qasira tkun tal-inqas sena waħda;

(ii) jew kemm il-pożizzjoni twila kif ukoll dik qasira jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafoll mhux ta' negozjar;

(b) huma għandhom jiddeterminaw l-ammont li jrid jitnaqqas għal assi materjali diretti, indiretti u sintetiċi ta' titoli tal-indiċi billi jikkalkulaw l-iskopertura sottostanti għall-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli f'dawk l-indiċi.

Artikolu 72i

Tnaqqis ta' obbligazzjonijiet eliġibbli meta l-istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti f'entitajiet G-SII

1. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 72e(1), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont applikabbli li jrid jitnaqqas billi jimmultiplikaw l-ammont imsemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bil-fattur derivat mill-kalkolu msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont aggregat li bih l-assi materjali diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju u strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet G-SII li fl-ebda minnhom l-istituzzjoni ma għandha investiment sinifikanti jaqbeż l-10 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni wara li jiġu applikati dawn li ġejjin:

(i) Artikoli 32 sa 35;

▼M17

(ii) l-Artikolu 36(1), il-punti (a) sa (g), il-punti (k)(ii), sa (vi) u l-punti (l), (m) u (n). bl-esklużjoni tal-ammont li jrid jitnaqqas għall-assi ta' taxxa differita li jiddependu fuq il-profittabbiltà futura u jirriżultaw minn differenzi temporanji;

▼M8

(iii) Artikoli 44 u 45;

(b) l-ammont ta' assi materjali diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet G-SII li fihom l-istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifikanti diviż bl-ammont aggregat tal-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju u strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet G-SII li fl-ebda minnhom l-entità ta' riżoluzzjoni ma għandha investiment sinifikanti.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jeskludu pożizzjonijiet ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas mill-ammonti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u mill-kalkolu tal-fattur skont il-punt (b) tal-paragrafu 1.

▼M8

3. L-ammont li għandu jitnaqqas skont il-paragrafu 1 għandu jitqassam fuq kull strument tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entità G-SII miżmum mill-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' kull strument tal-obbligazzjonijiet eliġibbli li jitnaqqas skont il-paragrafu 1 billi l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu jiġi mmultiplikat bil-proporzjon speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont ta' assi materjali li jeħtieġ jitnaqqas skont il-paragrafu 1;

(b) il-proporzjon tal-ammont aggregat ta' assi materjali diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni tal-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' entitajiet G-SII li fihom l-istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifikanti rappreżentat minn kull strument tal-obbligazzjonijiet eliġibbli miżmum mill-istituzzjoni.

4. L-ammont ta' assi materjali imsemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 72e(1) li jkun ugwali għal jew inqas minn 10 % tal-elementi ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni wara l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a)(i), (a)(ii) u (a)(iii) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandux jitnaqqas u għandu jkun soġġett għall-ippeżar tar-riskji applikabbli skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif ikun applikabbli.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' kull strument tal-obbligazzjonijiet eliġibbli li huwa mwieżen għar-riskji skont il-paragrafu 4 billi l-ammont ta' assi materjali meħtieġa li jkunu mwieżna għar-riskji skont il-paragrafu 4 jiġi mmultiplikat bil-proporzjon li jirriżulta mill-kalkolu speċifikat fil-punt (b) tal-paragrafu 3.

Artikolu 72j

Eċċezzjoni tal-portafoll tan-negozjar mit-tnaqqis minn elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jiddeċiedu li ma jnaqqsux parti dežinjata mill-parteċipazzjoni diretta, indiretta u sintetika tagħhom ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, li bħala aggregat u mkejla fuq bażi twila grossa tkun ugwali għal jew inqas minn 5 % tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni wara l-applikazzjoni tal-Artikoli 32 sa 36, dment li dawn il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) l-assi materjali ikunu fil-portafoll tan-negozjar;

(b) l-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli jinżammu għal mhux iktar minn 30 jum ta' negozju.

2. L-ammonti tal-elementi li ma jitnaqqsux skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal elementi fil-portafoll tan-negozjar.

3. Meta fil-każ ta' assi materjali mhux imnaqqsa skont il-paragrafu 1 il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dak il-paragrafu ma jibqgħux jiġu ssodisfati, l-assi materjali għandhom jitnaqqsu skont l-Artikolu 72g mingħajr l-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet stipulati fl-Artikoli 72h u 72i.

▼M8

Taqsima 3

Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

Artikolu 72k

Obbligazzjonijiet eliġibbli

L-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' istituzzjoni għandu jikkonsisti mill-elementi tal-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni wara t-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 72e.

Artikolu 72l

Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

Il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' istituzzjoni għandhom jikkonsistu mis-somma tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tagħha.

▼B

KAPITOLU 6

▼M8

Rekwiżiti ġenerali għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

▼B

Artikolu 73

▼M8

Distribuzzjonijiet fuq strumenti

1. Strumenti kapitali u obbligazzjonijiet li dwarhom istituzzjoni jkollha diskrezzjoni esklużiva biex tiddeċiedi tħallas distribuzzjonijiet f'forma li ma tkunx fi flus kontanti jew strumenti ta' fondi proprji ma għandhomx ikunu eliġibbli li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 2 jew tal-obbligazzjonijiet eliġibbli, sakemm l-istituzzjoni ma tkunx irċeviet minn qabel permess mill-awtorità kompetenti.

2. Awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-permess minn qabel imsemmi fil-paragrafu 1 unikament meta jikkunsidraw li l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu ġew issodisfati:

(a) il-kapaċità tal-istituzzjoni tikkanċella pagamenti skont l-istrument ma tkunx affettwata ħażin mid-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew il-forma li biha jistgħu jsiru d-distribuzzjonijiet;

(b) il-ħila tal-istrument kapitali jew tal-obbligazzjoni li tassorbi t-telf ma tkunx affettwata ħażin mid-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew mill-forma li biha jistgħu jsiru d-distribuzzjonijiet;

(c) l-kwalità tal-istrument kapitali jew tal-obbligazzjoni ma tonqosx b'xi mod ieħor minħabba d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jew minħabba l-forma li biha jistgħu jsiru d-distribuzzjonijiet.

L-awtorità kompetenti għandha tikkonsulta mal-awtorità ta' riżoluzzjoni rigward il-konformità tal-istituzzjoni ma' dawk il-kondizzjonijiet qabel tagħti l-permess minn qabel imsemmi fil-paragrafu 1.

▼M8

3. L-istrumenti kapitali u l-obbligazzjonijiet li dwarhom persuna ġuridika għajr l-istituzzjoni li tkun ħarġithom ikollha d-diskrezzjoni biex tiddeċiedi jew tesiġi li l-pagament ta' distribuzzjonijiet rigward dawk l-istrumenti jew obbligazzjonijiet għandhom isiru f'forma li ma tkunx fi flus jew strumenti ta' fondi proprji ma għandhomx ikunu eliġibbli li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 2 jew ta' obbligazzjonijiet eliġibbli.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw indiċi wiesa' tas-suq bħala waħda mill-bażijiet biex jiġi ddeterminat il-livell tad-distribuzzjonijiet fuq l-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 2 u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli.

▼B

5. Il-paragrafu 4 m'għandux japplika meta l-istituzzjoni tkun entità ta' riferiment f'dak l-indiċi wiesa' tas-suq sakemm ma jiġux issodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) -istituzzjoni tikkunsidra li l-movimenti f'dak l-indiċi wiesa' tas-suq ma jkunx korrelatat b'mod sinifikanti mal-pożizzjoni tal-kreditu tal-istituzzjonil, l-istituzzjoni prinċipali jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali jew il-kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali mħallta jew il-kumpannija azzjonarja prinċipali ta' attività mħallta tagħha;

(b) l-awtorità kompetenti ma tkunx waslet għal determinazzjoni differenti minn dik imsemmija fil-punt (a).

▼M8

6. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw u jiddivulgaw l-indiċi wesgħin tas-suq li jiddependu fuqhom l-istrumenti kapitali u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tagħhom.

▼B

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet skont liema indiċi għandhom jitqiesu bħala li jikkwalifikaw bħala indiċi wesgħin tas-suq għall-finijiet tal-paragrafu 4.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

Artikolu 74

Holdings ta' strumenti kapitali maħruġa minn entitajiet regolati tas-settur finanzjarju li ma jikkwalifikawx bħala kapital regolatorju

L-istituzzjonijiet ma għandhomx inaqqsu minn xi element ta' fondi proprji holdings diretti, indiretti jew sintetiċi ta' stumenti kapitali maħruġa minn entità regolata tas-settur finanzjarju li ma jikkwalifikawx bħala kapital regolatorju ta' dik l-entità. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piżijiet tar-riskju għal dawn il-holdings f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2.

▼B

Artikolu 75

Rekwiżiti ta' tnaqqis u maturità għall-pożizzjonijiet qosra

▼M8

Ir-rekwiżiti ta' maturità għal pożizzjonijiet qosra msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 45, fil-punt (a) tal-Artikolu 59, fil-punt (a) tal-Artikolu 69 u fil-punt (a) tal-Artikolu 72h għandhom jitqiesu li ntlaħqu fir-rigward ta' pożizzjonijiet miżmuma meta jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼B

(a) l-istituzzjoni għandha d-dritt kuntrattwali ta' bejgħ f'data speċifika fil-futur lill-kontroparti li tipprovdi ħeġġ tal-pożizzjoni twila li qed tiġi ħħeġġjata;

(b) il-kontroparti li tipprovdi l-ħeġġ lill-istituzzjoni hija kuntrattwalment obbligata li tixtri mill-istituzzjoni f'dik id-data speċifika futura l-pożizzjoni twila msemmija fil-punt (a).

▼M8
▼C8

Artikolu 76

Holdings tal-indiċi ta' strumenti kapitali u ta' obbligazzjonijiet

1. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 42, tal-punt (a) tal-Artikolu 45, tal-punt (a) tal-Artikolu 57, tal-punt (a) tal-Artikolu 59, tal-punt (a) tal-Artikolu 67, tal-punt (a) tal-Artikolu 69, tal-punt (a) tal-Artikolu 72f u tal-punt (a) tal-Artikolu 72h, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-ammont ta' pożizzjoni twila fi strument kapitali jew f'obbligazzjoni bil-porzjon ta' indiċi li hu magħmul mill-istess skopertura sottostanti li qed tiġi ħħeġġjata, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) jew kemm il-pożizzjoni twila li qed tiġi ħħeġġjata kif ukoll il-pożizzjoni qasira f'indiċi wżat biex jiħħeġġja dik il-pożizzjoni twila jinżammu fil-portafoll tan-negozjar jew it-tnejn jinżammu fil-portafolli mhux ta' negozjar;

(b) il-pożizzjonijiet imsemmija fil-punt (a) jinżammu bil-valur ġust fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni;

(c) il-pożizzjoni qasira msemmija fil-punt (a) tikkwalifika bħala ħeġġ effettiv taħt il-proċessi ta' kontroll intern tal-istituzzjoni;

(d) l-awtoritajiet kompetenti jivvalutaw l-adegwatezza tal-proċessi ta' kontroll intern imsemmija fil-punt (c) minn tal-inqas fuq bażi annwali u jkunu ssodisfati bl-adegwatezza kontinwata tagħhom.

2. Fejn l-awtorità kompetenti tkun tat il-permess minn qabel tagħha, istituzzjoni tista' tuża stima konservattiva tal-iskopertura sottostanti tal-istituzzjoni għall-istrumenti kapitali jew għall-obbligazzjonijiet inklużi fl-indiċi bħala alternattiva għal istituzzjoni li tikkalkula l-iskopertura tagħha għall-elementi msemmija f'wieħed jew iktar minn dawn il-punti li ġejjin:

▼C8

(a) l-istrumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 2 u ta' obbligazzjonijiet eliġibbli inklużi fl-indiċi;

(b) l-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2 ta' entitajiet tas-settur finanzjarju, inklużi fl-indiċi;

(c) strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli ta' istituzzjonijiet, inklużi fl-indiċi.

▼M8

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu l-permess minn qabel imsemmi fil-paragrafu 2 biss meta l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tagħhom li jkun operazzjonalment ta' piż għall-istituzzjoni li timmonitorja l-iskopertura sottostanti tagħha għall-elementi msemmija f'wieħed jew iktar mill-punti tal-paragrafu 2, kif applikabbli.

▼B

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) meta estimu użat bħala alternattiva għall-kalkolu tal-iskopertura sottostanti msemmi fil-paragrafu 2 huwa konservattiv biżżejjed;

(b) it-tifsira ta' operazzjonalment ta' piż għall-finijiet tal-paragrafu 3.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat- 28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Artikolu 77

Kondizzjonijiet għat-tnaqqis ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

1. Istituzzjoni għandha tikseb il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti biex tagħmel kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(a) tnaqqas, tifdi jew tixtri mill-ġdid strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa mill-istituzzjoni f'mod li jkun permess skont id-dritt nazzjonali applikabbli;

(b) tnaqqas, tqassam u tikklassifika mill-ġdid bħala entrata oħra ta' fondi proprji il-kontijiet tal-premium azzjonarju relatati ma' strumenti ta' fondi proprji;

(c) twettaq ix-xiri, it-tifdija, il-ħlas lura jew ix-xiri mill-ġdid ta' strumenti Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2 qabel id-data tal-maturità kuntrattwali tagħhom.

2. Istituzzjoni għandha tikseb il-permess minn qabel tal-awtorità ta' riżoluzzjoni biex twettaq ix-xiri, it-tifdija, il-ħlas lura jew ix-xiri mill-ġdid ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li mhumiex koperti mill-paragrafu 1, qabel id-data tal-maturità kuntrattwali tagħhom.

▼M8

Artikolu 78

Permess superviżorju għat-tnaqqis tal-fondi proprji

1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess biex istituzzjoni tnaqqas, tixtri, tifdi, tħallas lura jew tixtri mill-ġdid strumenti ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni, Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2, jew biex tnaqqas, tiddistribwixxi jew tikklassifika mill-ġdid kontijiet tal-premium azzjonarju relatati, meta xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfata:

(a) qabel jew fl-istess ħin ta' kwalunkwe azzjoni msemmija fl-Artikolu 77(1), l-istituzzjoni tissostitwixxi l-istrumenti jew il-kontijiet tal-premium azzjonarju msemmija fl-Artikolu 77(1) bi strumenti ta' fondi proprji li jkunu ta' kwalità ugwali jew ogħla f'termini li jkunu sostenibbli għall-kapaċità tal-introjtu tal-istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni wriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni sejrin, wara l-azzjoni msemmija fl-Artikolu 77(1) ta' dan ir-Regolament, jeċċedu r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttivi 2013/36/UE u 2014/59/UE b'marġni li l-awtorità kompetenti tqis meħtieġ.

Meta l-istituzzjoni tipprovdi biżżejjed salvagwardji dwar il-kapaċità tagħha li topera b'fondi proprji li jeċċedu l-ammonti meħtieġa f'dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE, l-awtorità kompetenti tista' tagħti lil dik l-istituzzjoni permess ġenerali minn qabel biex tieħu kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet stipulati fl-Artikolu 77(1) ta' dan ir-Regolament, soġġett għall-kriterji li jiżguraw li kwalunkwe azzjonijiet futuri bħal din tkun skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu. Dan il-permess ġenerali minn qabel għandu jingħata biss għal perijodu speċifikat, li ma għandux jaqbeż is-sena, u wara jista' jiġi mġedded. Dan il-permess ġenerali minn qabel għandu jingħata għal ċertu ammont predeterminat, li għandu jiġi stabbilit mill-awtorità kompetenti. ►C8 Fil-każ ta' strumenti ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni, dak l-ammont predeterminat ma għandux jaqbeż it-3 % tal-ħruġ rilevanti u ma għandux jaqbeż l-10 % tal-ammont li bih il-kapital ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni jeċċedi s-somma tar-rekwiżiti tal-kapital ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni stabbiliti f'dan ir-Regolament, fid-Direttivi 2013/36/UE u 2014/59/UE u marġni li l-awtorità kompetenti tqis meħtieġ. ◄ Fil-każ ta' strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali jew ta' Grad 2, dak l-ammont predeterminat ma għandux jaqbeż l-10 % tal-ħruġ rilevanti u ma għandux jaqbeż it-3 % tal-ammont totali ta' strumenti pendenti ta' Grad 1 Addizzjonali jew ta' Grad 2, kif applikabbli.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirtiraw il-permess ġenerali minn qabel meta l-istituzzjoni tikser kwalunkwe kriterju pprovdut għall-finijiet ta' dak il-permess.

2. Meta jivvalutaw is-sostenibbiltà tal-istrumenti ta' sostituzzjoni għall-kapaċità ta' introjtu tal-istituzzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-grad sa fejn dawk l-istrumenti kapitali ta' sostituzzjoni jkunu aktar għalja għall-istituzzjoni milli dawk l-istrumenti kapitali jew kontijiet tal-premium azzjonarju li jissostitwixxu.

▼M8

3. Meta istituzzjoni tieħu azzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 77(1) u r-rifjut ta' tifdija ta' strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 msemmija fl-Artikolu 27 ikun projbit mil-liġi nazzjonali applikabbli, l-awtorità kompetenti tista' teżenta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sakemm l-awtorità kompetenti teħtieġ li l-istituzzjoni tillimita t-tifdija ta' dawn l-istrumenti fuq bażi xierqa.

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess lill-istituzzjonijiet li jixtru, jifdu, jħallsu lura jew jixtru mill-ġdid strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali jew ta' Grad 2 jew kontijiet tal-premium azzjonarju relatati matul il-ħames snin wara d-data tal-ħruġ tagħhom meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun hemm bidla fil-klassifika regolatorja ta' dawk l-istrumenti li tkun x'aktarx tirriżulta fl-esklużjoni tagħhom mill-fondi proprji jew fir-riklassifikazzjoni tagħhom bħala fondi proprji ta' kwalità inferjuri, u jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-awtorità kompetenti tikkunsidra li tali bidla hi suffiċjentement ċerta;

(ii) l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li r-riklassifikazzjoni regolatorja ta' dawk l-istrumenti ma kinitx raġonevolment prevedibbli fil-ħin tal-ħruġ tagħhom;

(b) ikun hemm bidla fit-trattament applikabbli tat-taxxa ta' dawk l-istrumenti li l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li tkun materjali u ma kinitx raġonevolment prevedibbli fil-ħin tal-ħruġ tagħhom;

(c) l-istrumenti u l-kontijiet tal-premium azzjonarju relatati għandhom anterjorità skont l-Artikolu 494b;

(d) qabel jew fl-istess ħin tal-azzjoni msemmija fl-Artikolu 77(1), l-istituzzjoni tissostitwixxi l-istrumenti jew il-kontijiet tal-premium azzjonarju relatati msemmija fl-Artikolu 77(1) bi strumenti ta' fondi proprji li jkunu ta' kwalità ugwali jew ogħla f'termini li jkunu sostenibbli għall-kapaċità tal-introjtu tal-istituzzjoni u l-awtorità kompetenti tkun ippermettiet dik l-azzjoni abbażi tad-determinazzjoni li tkun ta' benefiċċju mil-lat prudenzjali u ġġustifikata b'ċirkostanzi eċċezzjonali;

(e) l-istrumenti tal-Grad 1 Addizzjonali jew tal-Grad 2 jinxtraw mill-ġdid għall-finijiet tal-ġenerazzjoni tas-suq.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) it-tifsira ta' "sostenibbli għall-kapaċità tal-introjtu tal-istituzzjoni";

(b) il-bażijiet xierqa għal-limitazzjoni tat-tifdija msemmija fil-paragrafu 3;

▼M8

(c) il-proċess li jinkludi l-limiti u l-proċeduri għall-għoti ta' approvazzjoni bil-quddiem mill-awtoritajiet kompetenti għal azzjoni elenkata fl-Artikolu 77(1), u r-rekwiżiti ta' data biex istituzzjoni tapplika għall-permess tal-awtorità kompetenti biex twettaq azzjoni elenkata fih, inkluż il-proċess li għandu jiġi applikat fil-każ ta' fidi ta' ishma maħruġa lil membri ta' soċjetajiet kooperattivi u l-perijodu ta' żmien għall-ipproċessar ta' tali applikazzjoni.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 78a

Permess biex jitnaqqsu strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tagħti permess biex istituzzjoni tixtri, tifdi, tħallas lura jew tixtri mill-ġdid strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli meta waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfata:

(a) qabel jew fl-istess ħin ta' kwalunkwe waħda mill-azzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 77(2), l-istituzzjoni tissostitwixxi l-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli bi strumenti ta' fondi proprji jew ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li jkunu tal-istess kwalità jew ogħla f'termini li jkunu sostenibbli għall-kapaċità tal-introjtu tal-istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni wriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li l-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni sejrin, wara l-azzjoni msemmija fl-Artikolu 77(2) ta' dan ir-Regolament, jeċċedu r-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli stabbiliti f'dan ir-Regolament, fid-Direttiva 2013/36/UE u 2014/59/UE b'marġni li l-awtorità ta' riżoluzzjoni, fi qbil mal-awtorità kompetenti, tqis meħtieġ;

(c) l-istituzzjoni wriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità ta' riżoluzzjoni li s-sostituzzjoni parzjali jew sħiħa tal-obbligazzjonijiet eliġibbli bi strumenti ta' fondi proprji hija meħtieġa sabiex tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE għall-kontinwazzjoni tal-awtorizzazzjoni.

Meta istituzzjoni tipprovdi biżżejjed salvagwardji dwar il-kapaċità tagħha li topera bil-fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli billi teċċedi l-ammont tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttivi 2013/36/UE u 2014/59/UE, l-awtorità ta' riżoluzzjoni, wara li tikkonsulta lill-awtorità kompetenti, tista' tagħti lil dik l-istituzzjoni permess ġenerali minn qabel biex twettaq ix-xiri, il-fidi, il-pagamenti lura jew ix-xiri mill-ġdid ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli, soġġett għal kriterji li jiżguraw li kwalunkwe azzjoni futura bħal din tkun skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu. Dak il-permess ġenerali minn qabel għandu jingħata biss għal perijodu speċifikat, li ma għandux jaqbeż is-sena, u wara jista' jiġi mġedded. Il-permess ġenerali minn qabel għandu jingħata għal ċertu ammont predeterminat, li għandu jiġi stabbilit mill-awtorità ta' riżoluzzjoni. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jinformaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar kwalunkwe permess ġenerali mogħti minn qabel.

▼M8

L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jirtiraw il-permess ġenerali minn qabel meta istituzzjoni tikser kwalunkwe kriterju pprovdut għall-finijiet ta' dak il-permess.

2. Meta skont il-punt (a) tal-paragrafu 1 tkun qed tiġi vvalutata s-sostenibbiltà tal-istrumenti ta' sostituzzjoni għall-kapaċità ta' introjtu tal-istituzzjoni, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għandhom jikkunsidraw sa fejn dawk l-istrumenti kapitali jew l-obbligazzjonijiet ta' sostituzzjoni eliġibbli jkunu ta' spiża akbar għall-istituzzjoni milli dawk li jissostitwixxu.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-proċess ta' kooperazzjoni bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità ta' riżoluzzjoni;

(b) il-proċedura, inkluż il-limiti ta' żmien u r-rekwiżiti ta' informazzjoni, għall-għoti ta' permess f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1;

(c) il-proċedura, inkluż il-limiti ta' żmien u r-rekwiżiti ta' informazzjoni, għall-għoti ta' permess minn qabel f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1;

(d) it-tifsira ta' "sostenibbli għall-kapaċità tal-introjtu tal-istituzzjoni".

Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji għandhom ikunu allinjati b'mod sħiħ mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 78.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Diċembru 2019.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 79

▼M8

Rinunzja temporanja mit-tnaqqis mill-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli

1. Meta istituzzjoni jkollha strumenti kapitali jew obbligazzjonijiet li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' fondi proprji f'entità tas-settur finanzjarju jew bħala strumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli f'istituzzjoni u fejn l-awtorità kompetenti tqis li dawk l-assi materjali ikunu għall-finijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja maħsuba biex jorganizzaw mill-ġdid u jirkupraw mill-ġdid il-vijabbiltà ta' dik l-entità jew dik l-istituzzjoni, l-awtorità kompetenti tista' teżenta fuq bażi temporanja d-dispożizzjonijiet fuq tnaqqis li kieku japplikaw għal dawk l-istrumenti.

▼B

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kunċett ta' temporanju għall-finijiet tal-paragrafu 1 u l-kondizzjonijiet skont liema awtorità kompetenti tista' tqis li dawk il-holdings temporanji jkunu għall-finijiet ta' operazzjoni ta' assistenza finanzjarja maħsuba biex torganizza u ssalva lil dik l-entità.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat- 28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Artikolu 79a

Valutazzjoni ta' konformità mal-kondizzjonijiet għal fondi proprji u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-karatteristiċi sostanzjali tal-istrumenti u mhux biss il-forma legali tagħhom meta tkun qed tiġi valutata l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti Tnejn. Il-valutazzjoni tal-aspetti sostanzjali ta' strument għandha tqis l-arranġamenti kollha relatati mal-istrumenti, anki meta dawn mhumiex stipulati b'mod espliċitu fit-termini u l-kondizzjonijiet tal-istrumenti nfushom, bil-għan li jiġi stabbilit li l-effetti ekonomiċi kkombinati ta' dawn l-arranġamenti huma konformi mal-objettiv tad-dispożizzjonijiet rilevanti.

▼B

Artikolu 80

▼M8

Analiżi kontinwa tal-kwalità ta' strumenti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

1. L-ABE għandha timmonitorja l-kwalità tal-istrumenti tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa minn istituzzjonijiet madwar l-Unjoni u għandha minnufih tinnotifika lill-Kummissjoni fejn ikun hemm evidenza sinifikanti li dawk l-istrumenti ma jilħqux il-kriterji tal-eliġibbiltà rispettivi stabbiliti f'dan ir-Regolament.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom, bla dewmien u fuq talba tal-ABE, jibagħtu l-informazzjoni kollha lill-ABE li l-ABE tqis bħala rilevanti rigward l-istrumenti kapitali ġodda jew tipi ġodda ta' obbligazzjonijiet maħruġa sabiex l-ABE tkun tista' timmonitorja l-kwalità tal-istrumenti tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli maħruġa minn istituzzjonijiet fl-Unjoni kollha.

▼B

2. Notifika għandha tinkludi dawn li ġejjin:

(a) spjegazzjoni dettaljata tan-natura u l-grad tan-nuqqas identifikat;

(b) parir tekniku dwar l-azzjoni mill-Kummissjoni li l-ABE tikkunsidra li tkun meħtieġa;

▼B

(c) żviluppi sinifikanti fil-metodoloġija tal-ABE għall-ittestjar għal stress tas-solvenza tal-istituzzjonijiet.

▼M8

3. L-ABE għandha tipprovdi parir tekniku lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe tibdil sinifikanti li tikkunsidra li jkun meħtieġ għad-definizzjoni tal-fondi proprji u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli bħala riżultat ta' xi waħda minn dawn li ġejjin:

▼B

(a) żviluppi rilevanti fl-istandards jew fil-prattika tas-suq;

(b) tibdil fl-istandards rilevanti ġuridiċi jew kontabilistiċi;

(c) żviluppi sinifikanti fil-metodoloġija tal-ABE għall-ittestjar għal stress tas-solvenza tal-istituzzjonijiet.

4. L-ABE għandha tipprovdi parir tekniku lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014 dwar trattament possibbli ta' qligħ mhux realizzat imkejjel f'valur ġust minbarra li tinkludihom f''Ekwità Komuni ta' Grad 1 mingħajr aġġustament. Tali rakkomandazzjonijiet għandhom jieħdu kont ta' żviluppi rilevanti fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà u fi ftehimiet internazzjonali dwar standards prudenzjali għall-banek.

TITOLU II

INTERESS MINORITARJU U STRUMENTI TA' GRAD 1 U TA' GRAD 2 ADDIZZJONALI MAHRUĠA MINN SUSSIDJARJI

Artikolu 81

Interessi minoritarji li jikkwalifikaw għal inklużjoni fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

▼M8

1. Interessi minoritarji għandhom jinkludu s-somma tal-elementi ta' sussidjarja ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 meta l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

▼M9

(a) is-sussidjarja tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) istituzzjoni;

(ii) impriża li skont id-dritt nazzjonali applikabbli tkun soġġetta għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva 2013/36/UE;

(iii) kumpannija holding finanzjarja intermedja jew kumpannija holding finanzjarja mħallta intermedja li tkun soġġetta għal rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fuq bai sub-konsolidata, kumpannija holding tal-investiment intermedja li tkun soġġetta għar-rekwiiti tar-Regolament (UE) 2019/2033 fuq bażi konsolidata;

(iv) ditta tal-investiment;

▼M9

(v) kumpannija holding finanzjarja intermedja f'pajjiż terz, dment li dik il-kumpannija holding finanzjarja intermedja tkun soġġetta għar-rekwiżiti prudenzjali li jkunu daqstant stretti daqs dawk applikati għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' dak il-pajjiż terz u dment li l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 107(4) li tiddetermina li dawk ir-rekwiżiti prudenzjali jkunu tal-inqas ekwivalenti għal dawk ta' dan ir-Regolament;

▼M8

(b) is-sussidjarja tkun inkluża totalment fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(c) l-elementi tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1, imsemmija fil-parti introduttorja ta' dan il-paragrafu, ikunu proprjetà ta' persuni minbarra mill-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

▼B

2. Interessi minoritarji li jkunu direttament jew indirettament iffinanzjati, permezz ta' entità b'għan speċjali jew b'mod ieħor, mill-impriża prinċipali tal-istituzzjoni, jew is-sussidjarji tagħha ma għandhomx jikkwalifikaw bħala kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

▼M8
▼C8

Artikolu 82

Kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 1, ta' Grad 2 u fondi proprji kwalifikattivi

Kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 1, ta' Grad 2 u fondi proprji kwalifikattivi għandhom jinkludu l-interess minoritarju, l-istrumenti Addizzjonali ta' Grad 1 jew ta' Grad 2, kif applikabbli, flimkien mal-kontijiet tal-premium azzjonarju relatati, ta' sussidjarja meta l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

(a) is-sussidjarja tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) istituzzjoni;

(ii) impriża li skont id-dritt nazzjonali applikabbli tkun soġġetta għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u tad-Direttiva 2013/36/UE;

(iii) kumpannija holding finanzjarja intermedja jew kumpannija holding finanzjarja mħallta intermedjali tkun soġġetta għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fuq bażi sub-konsolidata, jew kumpannija holding tal-investiment intermedja li tkun soġġetta għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2019/2033 fuq bażi konsolidata;

(iv) ditta tal-investiment;

(v) kumpannija holding finanzjarja intermedja f'pajjiż terz, dment li dik il-kumpannija holding finanzjarja intermedja tkun soġġetta għar-rekwiżiti prudenzjali li jkunu daqstant stretti daqs dawk applikati għall-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' dak il-pajjiż terz u dment li l-Kummissjoni tkun adottat deċiżjoni f'konformità mal-Artikolu 107(4) li tiddetermina li dawk ir-rekwiżiti prudenzjali jkunu tal-inqas ekwivalenti għal dawk ta' dan ir-Regolament;

▼C8

(b) is-sussidjarja tkun inkluża totalment fl-ambitu tal-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(c) l-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, l-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali u l-elementi ta' Grad 2 imsemmija fil-parti introduttorju ta' dan il-paragrafu, ikunu proprjetà ta' persuni minbarra mill-impriżi inklużi fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

▼B

Artikolu 83

Kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 u ta' Grad 2 Addizzjonali maħruġ minn entità b'għan speċjali

▼M8

1. Strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2 maħruġa minn entità b'għan speċjali, u l-kontijiet tal-premium azzjonarju relatati, ikunu inklużi sal-31 ta' Diċembru 2021 fil-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 Addizzjonali, Grad 1 jew ta' Grad 2 jew fil-fondi proprji kwalifikattivi, kif applikabbli, biss meta l-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfati:

▼B

(a) l-entità b'għan speċjali li toħroġ dawk l-istrumenti tkun inkluża totalment fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(b) l-istrumenti, u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati, ikunu inklużi fil-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 Addizzjonali biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) jiġu ssodisfatti;

(c) l-istrumenti, u l-kontijiet tal-primjum azzjonarju relatati, ikunu inklużi f'kapital kwalifikattiv ta' Grad 2 biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ikunu ssodisfatti;

(d) l-uniku assi tal-entità b'għan speċjali jkun l-investiment tagħha fil-fondi proprji tal-impriża prinċipali jew sussidjarja tagħha li tkun inkluża b'mod sħiħ fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed, li l-forma tiegħu tissodisfa l-kondizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikoli 52(1) jew 63, kif applikabbli.

Fejn l-awtorità kompetenti tikkunsidra li l-assi ta' entità b'għan speċjali minbarra l-investiment tagħha fil-fondi proprji tal-impriża prinċipali jew sussidjarja tagħha li hija inkluża fl-ambitu tal-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II ta' Parti Wieħed, huma minimi u insinifikanti għal tali entità, l-awtorità kompetenti tista' tirrinunzja l-kondizzjoni speċifikata fil-punt (d) tal-ewwel subparagrafu.

2. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika t-tipi ta' assi li jistgħu jirrigwardaw l-operazzjoni ta' entitajiet b'għan speċjali u l-kunċetti ta' minimu u insinifikanti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat- 28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 84

Interessi minoritarji inklużi fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

▼M9

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' interessi minoritarji ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-kapital konsolidat tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni billi jnaqqsu mill-interessi minoritarji ta' dik l-impriża r-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammont imsemmi fil-punt (a) bil-perċentwal imsemmi fil-punt (b), kif ġej:

▼M17

(a) il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tas-sussidjarja nieqes l-iċken minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' dik is-sussidjarja li jkun meħtieġ sabiex jissodisfa dan li ġej:

(1) meta s-sussidjarja tkun waħda minn dawk elenkati fl-Artikolu 81(1), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament, iżda mhux ditta ta' investiment jew kumpanija azzjonarja ta' investiment intermedja, is-somma tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), il-punt (a) ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 458 u 459 ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital iddefinita fl-Artikolu 128, il-punt (6), ta' dik id-Direttiva, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali f'pajjiżi terzi sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

(2) meta s-sussidjarja tkun ditta ta' investiment jew kumpanija azzjonarja ta' investiment intermedja, is-somma tar-rekwiżit stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2033, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 39(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi, sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

(ii) l-ammont tal-kapital konsolidat ta' kapital Grad 1 ta' Ekwità Komuni li jirrelata għal dik is-sussidjarja li jkun meħtieġ fuq bażi konsolidata biex tintlaħaq is-somma tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 458 u 459 ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-rekwiżit ta' riżerva kombinata definit fl-Artikolu 128, il-punt 6, ta' dik id-Direttiva, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali f'pajjiżi terzi sakemm dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni;

▼M9
▼C6

(b) l-interessi minoritarji tas-sussidjarja espress bħala perċentwal tal-entrati kollha ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni ta' dik l-impriża.

▼M17

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil istituzzjoni tnaqqas wieħed mill-ammonti msemmija fil-punt (a) (i) jew (ii), ladarba dik l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-ammont addizzjonali ta' interess minoritarju huwa disponibbli biex jassorbi t-telf f'livell konsolidat.

▼B

2. Il-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir fuq bażi subkonsolidata għal kull sussidjarja msemmija fl-Artikolu 81(1).

Istituzzjoni tista' tagħżel li ma tagħmilx dan il-kalkolu għal sussidjarja kif imsemmi fl-Artikolu 81(1). Fejn istituzzjoni tieħu tali deċiżjoni, l-interess minoritarju ta' dik is-sussidjarja ma jistax jiġi inkluż fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

▼M9

3. Fejn awtorità kompetenti tidderoga mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali, kif stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament jew, kif applikabbli, kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/2033, l-interess minoritarju fis-sussidjarji li għalihom tapplika l-eżenzjoni m'għandux ikun rikonoxxut f'fondi proprji fil-livell subkonsolidat jew konsolidat, kif applikabbli.

▼B

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kalkolu subkonsolidat meħtieġ f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-Artikoli 85 u 87,

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat- 28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjoni mill-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu lil kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-attività prinċipali tagħha hija li tikseb holdings;

(b) hija soġġetta għal superviżjoni prudenzjali fuq bażi kkonsolidata;

▼M17

(c) tikkonsolida istituzzjoni sussidjarja li fiha għandha biss parteċipazzjoni minoritarja bis-saħħa tar-relazzjoni ta' kontroll fis-sens tal-Artikolu 4(1), il-punt (37);

▼B

(d) aktar minn 90 % tal-kapital konsolidat meħtieġ tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1 jirriżulta mill-istituzzjoni sussidjarja msemmija fil-punt c) kkalkulat fuq bażi subkonsolidata.

▼B

►C1 Fejn, wara t-28 ta' Ġunju 2013, kumpannija azzjonarja finanzjarja prinċipali ◄, li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ssir kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu r-rinunzja msemmija fl-ewwel subparagrafu lil dik il-kumpannija azzjonarja finanzjarja mħallta prinċipali dment li tissodisfa l-kondizzjonijiet f'dak is-subparagrafu.

6. Fejn l-istituzzjonijiet tal-kreditu affiljati b'mod permanenti f'netwerk ma' korp ċentrali u istituzzjonijiet stabbiliti fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 113(7) stabbilixxew skema ta' garanzija trasversali li tipprevedi li m'hemm l-ebda impediment materjali, prattiku jew legali attwali jew previst għat-trasferiment tal-ammont ta' fondi proprji aktar mir-rekwiżiti regolatorji mill-kontroparti għall-istituzzjoni tal-kreditu, dawn l-istituzzjonijiet huma eżentati mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu dwar it-tnaqqis u jistgħu jirrikonoxxu kwalunkwe interess minoritarju li jirriżulta fl-iskema ta' garanzija trasversali bis-sħiħ.

Artikolu 85

Strumenti kwalifikattivi ta' Grad 1 inklużi fil-kapital konsolidat ta' Grad 1

▼M9

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-fondi proprji konsolidati billi jitnaqqas mill-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 ta' dik l-impriża r-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammont imsemmi fil-punt (a) bil-perċentwal imsemmi fil-punt (b) kif ġej:

▼M17

(a) il-kapital ta' Grad 1 tas-sussidjarja nieqes l-iċken minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont tal-kapital tal-Grad 1 tas-sussidjarja li jkun meħtieġ sabiex jissodisfa dan li ġej:

(1) meta s-sussidjarja tkun waħda minn dawk elenkati fl-Artikolu 81(1), il-punt (a) ta' dan ir-Regolament, iżda mhux ditta ta' investiment jew kumpanija azzjonarja ta' investiment intermedja, is-somma tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 458 u 459 ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE u r-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital iddefinita fl-Artikolu 128, il-punt (6), ta' din id-Direttiva, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali f'pajjiżi terzi sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital tal-Grad 1;

(2) meta s-sussidjarja tkun ditta ta' investiment jew kumpanija azzjonarja ta' investiment intermedja, is-somma tar-rekwiżit stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2033, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 39(2), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2019/2034, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi, sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital tal-Grad 1;

▼M17

(ii) l-ammont tal-kapital konsolidat tal-Grad 1 relatat mas-sussidjarja meħtieġa fuq bażi konsolidata biex tintlaħaq is-somma tar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 92(1), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti imsemmija fl-Artikoli 458 u 459 ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-kapital definit fl-Artikolu 128, il-punt (6), ta' dik id-Direttiva, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi sakemm dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital ta' Grad 1;

▼M9
▼C6

(b) il-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 tas-sussidjarja espress bħala perċentwal tal-entrati kollha ta' Grad 1 ta' dik l-impriża

▼M17

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil istituzzjoni tnaqqas wieħed mill-ammonti msemmija fil-punt (a)(i) jew (ii), ladarba dik l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-ammont addizzjonali ta' kapital ta' Grad 1 huwa disponibbli biex jassorbi t-telf f'livell konsolidat.

▼B

2. Il-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir fuq bażi subkonsolidata għal kull sussidjarja msemmija fl-Artikolu 81(1).

Istituzzjoni tista' tagħżel li ma tagħmilx dan il-kalkolu għal sussidjarja kif imsemmi fl-Artikolu 81(1). Fejn istituzzjoni tieħu tali deċiżjoni, il-kapital ta' Grad 1 ta' dik is-sussidjarja li jikkwalifika ma jistax jiġi inkluż fil-kapital konsolidat ta' Grad 1.

▼M9

3. Fejn awtorità kompetenti tidderoga mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali, kif stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament jew, fejn applikabbli, kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/2033,l-istrumenti ta' Grad 1 fis-sussidjarji li għalihom tapplika l-eżenzjoni m'għandhomx ikunu rikonoxxuti f'fondi proprji fil-livell subkonsolidat jew konsolidat, kif applikabbli.

▼B

Artikolu 86

Kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 inkluż fil-kapital konsolidat Addizzjonali ta' Grad 1

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 84(5) u (6), l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-kapital konsolidat ta' Grad 1 Addizzjonali billi jnaqqsu mill-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 ta' dik l-impriża inkluża fil-kapital konsolidat ta' Grad 1 l-interessi minoritarji ta' dik l-impriża li jkunu inklużi fil-kapital konsolidat tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1.

▼B

Artikolu 87

Fondi proprji kwalifikattivi inklużi f'fondi proprji konsolidati

▼M9

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' fondi proprji kwalifikattivi ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-fondi proprji konsolidati billi jitnaqqas mill-fondi proprji kwalifikattivi ta' dik l-impriża r-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammont imsemmi fil-punt (a) bil-perċentwal imsemmi fil-punt (b) kif ġej:

▼M17

(a) il-fondi proprji tas-sussidjarja nieqes l-iċken minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont ta' fondi proprji tas-sussidjarja li jkun meħtieġ sabiex jissodisfa dan li ġej:

(1) meta s-sussidjarja tkun waħda minn dawk elenkati fl-Artikolu 81(1), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament iżda mhux ditta ta' investiment jew kumpanija azzjonarja ta' investiment intermedja, is-somma tar-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1), il-punt (c), ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikoli 458 u 459 ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital iddefinita fl-Artikolu 128, il-punt (6), ta' dik id-Direttiva, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali f'pajjiżi terzi sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati minn fondi proprji;

(2) meta s-sussidjarja tkun ditta ta' investiment jew kumpanija azzjonarja ta' investiment intermedja, is-somma tar-rekwiżit stabbilita fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/2033, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 39(2), il-punt (a), tad-Direttiva (UE) 2019/2034, jew kwalunkwe regolament superviżorju lokali f'pajjiżi terzi, sa fejn dawn ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati minn fondi proprji;

(ii) l-ammont tal-fondi proprji relatat ma' dik is-sussidjarja meħtieġa fuq bażi konsolidata biex tintlaħaq is-somma tar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 92(1), il-punt (c), ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti imsemmija fl-Artikoli 458 u 459 ta' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata tal-kapital definit fl-Artikolu 128, il-punt (6), ta' dik id-Direttiva, u kwalunkwe regolament superviżorju lokali addizzjonali f'pajjiżi terzi sakemm dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu ssodisfati mill-fondi proprji;

▼M9
▼C6

(b) il-fondi proprji kwalifikattivi tal-impriża, espressi bħala perċentwal tas-somma tal-entrati kollha tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, tal-entrati tal-Grad 1 Addizzjonali u tal-entrati tal-Grad 2, bl-esklużjoni tal-ammonti msemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 62, ta' dik l-impriża.

▼M17

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lil istituzzjoni tnaqqas wieħed mill-ammonti msemmija fil-punt (a)(i) jew (ii), ladarba dik l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-ammont addizzjonali ta' fondi proprji huwa disponibbli biex jassorbi t-telf f'livell konsolidat.

▼B

2. Il-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jsir fuq bażi subkonsolidata għal kull sussidjarja msemmija fl-Artikolu 81(1).

Istituzzjoni tista' tagħżel li ma tagħmilx dan il-kalkolu għal sussidjarja kif imsemmi fl-Artikolu 81(1). Fejn istituzzjoni tieħu tali deċiżjoni, il-fondi proprji ta' dik is-sussidjarja li jikkwalifikaw ma jistgħux jiġu inklużi fil-fondi proprji konsolidati.

▼M9

3. Fejn awtorità kompetenti tidderoga mill-applikazzjoni tar-rekwiżiti prudenzjali fuq bażi individwali, kif stabbilit fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament jew, kif applikabbli, kif stabbilit fl-Artikolu 6 tar-Regolament 2019/2033], l-istrumenti ta' fondi proprji fis-sussidjarji li għalihom tapplika l-eżenzjoni m'għandhomx ikunu rikonoxxuti f'fondi proprji fil-livell subkonsolidat jew konsolidat, kif applikabbli.

▼B

Artikolu 88

Strumenti tal-fondi proprji kwalifikattivi inklużi fil-kapital konsolidat ta' Grad 2

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 84(5) u (6), l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont ta' fondi proprji kwalifikattivi ta' sussidjarja li jiġi inkluż fil-kapital konsolidat ta' Grad 2 billi jnaqqsu mill-fondi proprji kwalifikattivi ta' dik l-impriża li tkun inkluża fil-fondi proprji konsolidati, il-kapital kwalifikattiv ta' Grad 1 ta' dik l-impriża inkluż fil-kapital konsolidat ta' Grad 1.

▼M8

Artikolu 88a

Strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

Obbligazzjonijiet maħruġa minn sussidjarja stabbilita fl-Unjoni li tappartjeni għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni bħala l-entità ta' riżoluzzjoni għandhom jikkwalifikaw għall-inklużjoni fl-istrumenti tal-obbligazzjonijiet eliġibbli konsolidati ta' istituzzjoni soġġett għall-Artikolu 92a, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) jinħarġu skont il-punt (a) tal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(b) jinxtraw minn azzjonist eżistenti li mhuwiex parti mill-istess grupp ta' riżoluzzjoni sakemm l-eżerċizzju tas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni skont l-Artikoli 59 sa 62 tad-Direttiva 2014/59/UE ma jaffettwax il-kontroll tas-sussidjarja mill-entità ta' riżoluzzjoni;

▼M8

(c) ma jaqbżux l-ammont determinat mit-tnaqqis tal-ammont imsemmi fil-punt (i) mill-ammont imsemmi fil-punt (ii):

(i) is-somma tal-obbligazzjonijiet maħruġa lil u mixtrija mill-entità ta' riżoluzzjoni jew direttament inkella indirettament permezz ta' entitajiet oħra fl-istess grupp ta' riżoluzzjoni u l-ammont ta' strumenti ta' fondi proprji maħruġa f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE;

(ii) l-ammont meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 45f(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.

▼M17

Artikolu 88b

Impriżi f'pajjiżi terzi

Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, it-termini "ditta ta' investiment" u "istituzzjoni" għandhom jinftiehmu li jinkludu impriżi stabbiliti f'pajjiżi terzi, li, kieku kienu stabbiliti fl-Unjoni, ikunu jaqgħu taħt id-definizzjonijiet ta' dawn it-termini f'dan ir-Regolament.

▼B

TITOLU III

HOLDINGS KWALIFIKATTIVI 'L BARRA MIS-SETTUR FINANZJARJU

Artikolu 89

Ippeżar tar-riskju u l-projbizzjoni ta' holdings kwalifikattivi 'l barra mis-settur finanzjarju

▼M17

1. Holding kwalifikattiva, li l-ammont tagħha jaqbeż 15 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni, f'impriża li ma tkunx entità tas-settur finanzjarju, għandha tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.

2. L-ammont totali tal-holdings kwalifikattivi ta' istituzzjoni f'impriżi minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1 li jeċċedi 60 % tal-kapital eliġibbli tagħha għandu jkun soġġett għall-paragrafu 3.

▼B

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stipulati fil-punt (a) jew (b) għall-holdings kwalifikattivi tal-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2:

(a) għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżit ta' kapital skont il-Parti Tlieta, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 1 250 % għall-ikbar wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) l-ammont ta' holdings kwalifikattivi msemmija fil-paragrafu 1 li jaqbeż il-15 % tal-kapital eliġibbli;

(ii) l-ammont totali ta' holdings kwalifikattivi msemmija fil-paragrafu 2 li jaqbeż s-60 % tal-kapital eliġibbli tal-istituzzjoni;

(b) l-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet milli jkollhom holdings kwalifikattivi msemmija fil-paragrafi 1 u 2 li l-ammont tagħhom jaqbeż l-perċentwali ta' kapital eliġibbli stabbilit f'dawk il-paragrafi.

▼B

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw l-għażla tagħhom ta' (a) jew (b).

▼M17

_____

▼B

Artikolu 90

Alternattiva għall-piż tar-riskju ta' 1 250 %

Bħala alternattiva għall-applikazzjoni ta' piż tar-riskju ta' 1 250 % għall-ammonti li jeċċedu l-limiti speċifikati fl-Artikolu 89(1) u (2), l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu dawk l-ammonti mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1).

Artikolu 91

Eċċezzjonijiet

1. L-azzjonijiet ta' impriżi li ma jkunux imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 89(1) m'għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-limiti eliġibbli ta' kapital speċifikati f'dak l-Artikolu meta xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tiġi ssodisfatta:

(a) dawk l-azzjonijiet ikunu miżmuma temporanjament matul operazzjoni ta' għajnuna finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 79;

(b) iż-żamma ta' dawk l-azzjonijiet tkun pożizzjoni ta' sottoskrizzjoni miżmuma għal ħamest ijiem tax-xogħol jew inqas;

(c) dawk l-azzjonijiet ikunu miżmuma f'isem proprju tal-istituzzjoni u għan-nom ta' oħrajn.

2. L-azzjonijiet li ma jkunux assi fissi finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 35(2) tad-Direttiva 86/635/KEE ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu speċifikat fl-Artikolu 89.

PARTI TLIETA

REKWIŻITI TA' KAPITAL

TITOLU I

REKWIŻITI ĠENERALI, VALUTAZZJONI U RAPPURTAR

KAPITOLU 1

Livell meħtieġ ta' fondi proprji

Taqsima 1

Rekwiżiti ta'fondi proprji għall-istituzzjonijiet

Artikolu 92

Rekwiżiti ta' fondi proprji

1. Soġġett għall-Artikoli 93 u 94, l-istituzzjonijiet għandhom dejjem jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji li ġejjin:

▼B

(a) proporzjon tal-kapital ta’ Ekwità Komuni ta’ Grad 1 ta’ 4,5 %;

(b) proporzjon tal-kapital ta’ Grad 1 ta’ 6 %;

(c) proporzjon totali tal-kapital ta’ 8 %;

▼M8

(d) proporzjon ta' lieva finanzjarja ta' 3 %.

1a. Flimkien mar-rekwiżit stabbilit fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, G-SII għandha żżomm buffer għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja ekwivalenti għall-miżura tal-iskopertura totali tal-G-SIIs imsemmija fl-Artikolu 429(4) ta' dan ir-Regolament immultiplikata b'50 % tar-rata tal-buffer applikabbli għall-G-SII skont l-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE.

G-SII għandha tissodisfa r-rekwiżit ta' buffer għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja mal-kapital ta' Grad 1 biss. Kapital ta' Grad 1 li huwa wżat biex jissodisfa rekwiżit ta' buffer għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja ma għandux jintuża biex jissodisfa kwalunkwe rekwiżit ibbażat fuq l-lieva finanzjarja stabbilita f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE, sakemm dan ma jkunx espliċitament previst mod ieħor hemmhekk.

Fejn G-SII ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' buffer għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja, din għandha tkun soġġetta għar-rekwiżit kapitali ta' konservazzjoni skont l-Artikolu 141b tad-Direttiva 2013/36/UE.

Fejn G-SII ma tissodisfax fl-istess ħin ir-rekwiżit ta' buffer għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja u r-rekwiżit għal buffer kombinata kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE, din għandha tkun soġġetta għall-ogħla mir-rekwiżiti kapitali ta' konservazzjoni skont l-Artikoli 141 u 141b ta' dik id-Direttiva.

▼B

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-proporzjon tal-kapital tagħhom kif ġej:

(a) il-proporzjon tal-kapital ta’ Ekwità Komuni ta’ Grad 1 ikun il-kapital ta’ Ekwità Komuni ta’ Grad 1 tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju;

(b) il-proporzjon tal-kapital ta’ Grad 1 ikun il-kapital ta’ Grad 1 tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju;

(c) il-proporzjon totali tal-kapital ikun il-fondi proprji tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju.

▼M17

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kif ġej:

$$TREA = max \{U\text{-}TREA;\ x \cdot S\text{-}TREA\}$$

fejn:

TREA = l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tal-entità;

U-TREA = l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu tal-entità kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 4;

▼**M17**

S-TREA = l-ammont totali standardizzat tal-iskopertura għar-riskju tal-entità kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 5;

x = 72,5 %.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, Stat Membru jista' jiddeċiedi li l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għandu jkun l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu, ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 4, għall-istituzzjonijiet li huma parti minn grupp b'istituzzjoni prinċipali fl-istess Stat Membru, dment li dik l-istituzzjoni prinċipali jew, fil-każ ta' gruppi magħmula minn korp ċentrali u istituzzjonijiet affiljati b'mod permanenti, it-total kif magħmul mill-korp ċentrali flimkien mal-istituzzjonijiet affiljati tiegħu tikkalkula l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju tagħha f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fuq bażi konsolidata.

4. L-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-punti minn (a) sa (g) ta' dan il-paragrafu wara li jitqies il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu:

(a) l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għal riskju ta' kreditu, inkluż ir-riskju tal-kreditu tal-kontroparti, u riskju ta' dilwizzjoni, ikkalkulati f'konformità mat-Titolu II ta' din il-Parti u l-Artikolu 379, fir-rigward tal-attivitajiet kummerċjali kollha ta' istituzzjoni, bl-esklużjoni tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju min-negozju fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni;

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għan-negozju fil-portafoll tan-negozjar ta' istituzzjoni għal dawn li ġejjin:

(i) ir-riskju tas-suq, ikkalkulat f'konformità mat-Titolu IV ta' din il-Parti;

(ii) skoperturi kbar li jeċċedu l-limiti speċifikati fl-Artikoli minn 395 sa 401, sal-limitu li istituzzjoni titħalla taqbeż dawk il-limiti, kif iddeterminati f'konformità mal-Parti Erbgħa;

(c) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, ikkalkulati f'konformità mat-Titolu IV ta' din il-Parti għall-attivitajiet kummerċjali kollha tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet;

(d) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji ta' saldu, ikkalkulati f'konformità mal-Artikoli 378 sa 380;

(e) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-aġġustament fil-valwazzjoni tal-kreditu, ikkalkulati f'konformità mat-Titolu VI ta' din il-Parti;

(f) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali, ikkalkulati f'konformità mat-Titolu III ta' din il-Parti;

(g) l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti li jirriżultaw min-negozju fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni għat-tipi ta' tranżazzjonijiet u ta' ftehimiet li ġejjin, ikkalkulati f'konformità mat-Titolu II ta' din il-Parti:

(i) kuntratti elenkati fl-Anness II u derivattivi ta' kreditu;

▼M17

(ii) tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid, tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew ta' komoditajiet fuq il-bażi ta' titoli jew ta' komoditajiet;

(iii) tranżazzjonijiet ta' self b'marġni fuq il-bażi ta' titoli jew ta' komoditajiet;

(iv) tranżazzjonijiet ta' saldu fit-tul.

5. L-ammont totali standardizzat tal-iskopertura għar-riskju għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-paragrafu 4, il-punti (a) sa (g), wara li jitqiesu l-paragrafu 6 u r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju ta' kreditu, inkluż ir-riskju ta' kreditu għall-kontroparti, u r-riskju ta' dilwizzjoni, imsemmija fil-paragrafu 4, il-punt (a), u għar-riskju tal-kreditu għall-kontroparti li jirriżultaw min-negozju fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni kif imsemmi fil-punt (g) ta' dak il-paragrafu għandhom jiġu kkalkulati mingħajr ma jintuża kwalunkwe wieħed mill-approċċi li ġejjin:

(i) l-approċċ ibbażat fuq mudell intern għall-ftehimiet ewlenin ta' netting stabbilit fl-Artikolu 221;

(ii) l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 3;

(iii) l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni tat-Titolizzazzjoni stabbilit fl-Artikoli 258, 259 u 260 u l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna stabbilit fl-Artikolu 265;

(iv) il-Metodu tal-Mudell Intern stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 6;

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għan-negozju fil-portafoll tan-negozjar imsemmi fil-paragrafu 4, il-punt (b)(i), għandhom jiġu kkalkulati mingħajr ma jintużaw:

(i) l-approċċ ibbażat fuq mudell intern alternattiv stabbilit fit-Titolu IV, il-Kapitolu 1b; jew

(ii) kwalunkwe approċċ elenkat taħt il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, fejn applikabbli;

(c) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-attivitajiet kummerċjali kollha tal-portafoll mhux tan-negozjar ta' istituzzjoni li huma soġġetti għar-riskju tal-kambju jew għar-riskju tal-komoditajiet imsemmija fil-paragrafu 4, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu kkalkulati mingħajr l-użu tal-approċċ alternattiv ibbażat fuq mudelli interni stabbilit fit-Titolu IV, il-Kapitolu 1b.

6. Id-dispożizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkoli tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu msemmija fil-paragrafu 4 u tal-ammont totali standardizzat tal-iskopertura għar-riskju msemmija fil-paragrafu 5:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fil-paragrafu 4, il-punti (d), (e) u (f), għandhom jinkludu dawk li jirriżultaw mill-attivitajiet kummerċjali kollha ta' istituzzjoni;

▼M17

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fil-paragrafu 4, il-punti (b) sa (f), bi 12,5.

▼M8

Artikolu 92a

Rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-G-SII

▼C8

1. Soġġetti għall-Artikoli 93 u 94 u għall-eċċezzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet identifikati bħala entitajiet ta' riżoluzzjoni u li huma entitajiet G-SII għandhom dejjem jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli:

▼M17

(a) proporzjon ibbażat fuq ir-riskju ta' 18 %, li jirrappreżenta l-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 92(3);

▼M8

(b) proporzjon mhux ibbażat fuq ir-riskju ta' 6,75 %, li jirrappreżenta l-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-kejl totali tal-iskopertura msemmi fl-Artikolu 429(4).

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw fil-każijiet li ġejjin:

(a) fit-tliet snin ta' wara d-data li fiha l-istituzzjoni jew il-grupp li tagħmel parti minnu l-istituzzjoni jkun ġie identifikat bħala G-SII;

(b) fis-sentejn ta' wara d-data li fiha l-awtorità ta' riżoluzzjoni tkun applikat l-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna skont id-Direttiva 2014/59/UE;

(c) fis-sentejn ta' wara d-data li fiha l-entità ta' riżoluzzjoni tkun daħħlet fis-seħħ miżura alternattiva għas-settur privat imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 32(1) tad-Direttiva 2014/59/UE li permezz tagħha strumenti kapitali u obbligazzjonijiet oħra jkunu tnaqqsu fil-valur jew ġew ikkonvertiti f'punti tal-Ekwità Komuni tal-Grad 1 sabiex jikkapitalizzaw mill-ġdid l-entità ta' riżoluzzjoni mingħajr l-applikazzjoni tal-għodda ta' riżoluzzjoni.

▼M15

_____

▼M8

Artikolu 92b

Rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli għall-G-SIIs mhux tal-UE

1. L-istituzzjonijiet li huma sussidjarji materjali ta' G-SIIs mhux tal-UE u li mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni għandhom dejjem jissodisfaw rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli ugwali għal 90 % tar-rekwiżiti għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 92a.

▼M8

2. Għall-fini ta' konformità mal-paragrafu 1, l-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 2 u tal-obbligazzjonijiet eliġibbli għandhom jitqiesu biss fejn dawk l-istrumenti huma s-sjieda tal-impriża prinċipali apikali ta' G-SII mhux fl-UE u nħarġu direttament jew indirettament permezz ta' entitajiet oħra fi ħdan l-istess grupp, sakemm dawn l-entitajiet kollha huma stabbiliti fl-istess pajjiż terz bħala dik l-intrapriża prinċipali apikali jew fi Stat Membru.

3. Strument tal-obbligazzjonijiet eliġibbli għandu jitqies biss għall-fini ta' konformità mal-paragrafu 1 fejn dan jissodisfa l-kondizzjonijiet addizzjonali kollha li ġejjin:

(a) fl-eventwalità ta' proċedimenti ta' insolvenza normali kif definiti fil-punt (47) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, il-pretensjoni li tirriżulta mill-obbligazzjoni tikklassifika taħt pretensjonijiet li jirriżultaw minn obbligazzjonijiet li ma jissodisfawx il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u li ma jikkwalifikawx bħala fondi proprji;

(b) dan huwa soġġett għas-setgħat ta' valwazzjoni negattiva jew ta' konverżjoni f'konformità mal-Artikoli 59 sa 62 tad-Direttiva 2014/59/UE.

▼B

Artikolu 93

Rekwiżit ta' kapital inizjali fuq negozju avvjat

1. Il-fondi proprji ta' istituzzjoni ma jistax ikun li jaqgħu taħt l-ammont ta' kapital inizjali meħtieġ meta ġiet awtorizzata.

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li kienu diġà jeżistu fl-1 ta' Jannar 1993, li l-ammont tal-fondi proprji li ma jilħaqx l-ammont ta' kapital inizjali meħtieġ, jistgħu jkomplu bl-attivitajiet tagħhom. F'dak il-każ, l-ammont tal-fondi proprji ta' dawk l-istituzzjonijiet ma jistax jaqa' taħt l-ogħla livell li ntlaħaq b'effett mit-22 ta' Diċembru 1989.

▼M9

_____

4. Fejn il-kontroll ta' istituzzjoni li taqa' fil-kategorija msemmija fil-paragrafu 2 jittieħed minn persuna fiżika jew ġuridika minbarra mill-persuna li preċedentement kienet tikkontrolla l-istituzzjoni, l-ammont tal-fondi proprji ta' dik l-istituzzjoni għandu jilħaq l-ammont ta' kapital inizjali meħtieġ.

5. Fejn ikun hemm fużjoni ta' żewġ istituzzjonijiet jew aktar li jaqgħu fil-kategorija msemmija fil-paragrafi 2, l-ammont tal-fondi proprji tal-istituzzjoni bħala riżultat tal-fużjoni ma għandux jaqa' taħt it-total tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet fużi meta tkun saret il-fużjoni, sakemm l-ammont ta' kapital inizjali meħtieġ ma jkunx intlaħaq.

6. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw li jkun meħtieġ li biex jiżguraw is-solvenza ta' istituzzjoni jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 2, 4 u 5 ma għandhomx japplikaw.

▼M8

Artikolu 94

Deroga għal negozji żgħar fil-portafoll tan-negozjar

1. ►M17 B'deroga mill-Artikolu 92(4), il-punt (b), u l-Artikolu 92 (5), il-punt (b), l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għan-negozju tal-portafoll tan-negozjar tagħhom f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu dment li d-daqs tan-negozju fil-portafoll tan-negozjar fil-karta tal-bilanċ u barra l-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet huwa daqs jew inqas miż-żewġ livelli limitu li ġejjin abbażi ta' valutazzjoni mwettqa fuq bażi ta' kull xahar bl-użu tad-data sal-aħħar jum tax-xahar: ◄

(a) 5 % tat-total ta' assi tal-istituzzjoni;

(b) EUR 50 miljun.

2. Fejn iż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 jiġu ssodisfati, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għan-negozju tal-portafoll tan-negozjar tagħhom kif ġej:

▼M17

(a) għall-kuntratti elenkati fl-Anness II, il-punt 1, il-kuntratti relatati mal-ekwitajiet li huma msemmija fil-punt 3 ta' dak l-Anness u d-derivattivi ta' kreditu, l-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw dawk il-pożizzjonijiet mir-rekwiżit ta' fondi proprji msemmi fl-Artikolu 92(4), il-punt (b), u l-Artikolu 92(5), il-punt (b);

(b) għal pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar għajr dawk imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu jissostitwixxu r-rekwiżit ta' fondi proprji msemmi fl-Artikolu 92(4), il-punt (b), u l-Artikolu 92(5), il-punt (b), bir-rekwiżit ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(4), il-punt (a), u l-Artikolu 92(5), il-punt (a).

▼M8

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw id-daqs tan-negozju tal-portafoll tan-negozjar fil-karta tal-bilanċ u barra l-karta tal-bilanċ tagħhom abbażi tad-data sal-aħħar jum ta' kull xahar għall-finijiet tal-paragrafu 1 skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet kollha assenjati fil-portafoll tan-negozjar skont l-Artikolu 104 għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu ħlief għal dawn li ġejjin:

(i) pożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kambju u l-komoditajiet;

(ii) pożizzjonijiet fid-derivattivi ta' kreditu li huma rikonoxxuti bħala ħħeġġjar intern kontra l-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu ta' portafoll mhux tan-negozjar jew skoperturi għar-riskju tal-kontroparti u tat-tranżazzjonijiet derivattivi tal-kreditu li ipaċu perfettament ir-riskju tas-suq ta' dak l-iħħeġġjar intern kif imsemmi fl-Artikolu 106(3);

(b) il-pożizzjonijiet kollha inklużi fil-kalkolu f'konformità mal-punt (a) għandhom jiġu stmati bil-valuri tas-suq tagħhom f'dik id-data partikolari; meta l-valur tas-suq ta' pożizzjoni ma jkunx disponibbli f'data partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-valur ġust tas-suq għal dik il-pożizzjoni f'dik id-data; meta l-valur tas-suq u l-valur ġust ta' pożizzjoni ma jkunux disponibbli f'dik id-data, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-valur tas-suq jew il-valur ġust l-iktar reċenti għal dik il-pożizzjoni;

▼M17

(c) l-valur assolut tal-pożizzjoni twila aggregata għandu jingħadd mal-valur assolut tal-pożizzjoni qasira aggregata.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, pożizzjoni twila hija waħda meta l-valur tas-suq tal-pożizzjoni jiżdied meta jiżdied il-valur tal-motivatur ewlieni tar-riskju tagħha, u pożizzjoni qasira hija waħda meta l-valur tas-suq tal-pożizzjoni jonqos meta jiżdied il-valur tal-motivatur ewlieni tagħha tar-riskju.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-valur tal-pożizzjoni twila (qasira) aggregata għandu jkun daqs is-somma tal-valuri tal-pożizzjonijiet individwali twal (qosra) inklużi fil-kalkolu f'konformità mal-punt (a).

▼M8

4. Fejn jintlaħqu ż-żewġ kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, irrispettivament mill-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 74 u 83 tad-Direttiva 2013/36/UE, l-Artikolu 102(3) u (4), l-Artikoli 103 u 104b ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti meta jikkalkulaw, jew jieqfu jikkalkulaw, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tan-negozju tal-portafoll tan-negozjar tagħhom skont il-paragrafu 2.

6. Istituzzjoni li ma tibqax tissodisfa waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tinnotifika mill-ewwel lill-awtorità kompetenti dwar dan.

7. Istituzzjoni għandha tieqaf tikkalkola r-rekwiżiti ta' fondi proprji tan-negozju tal-portafoll tan-negozjar tagħha skont dan il-paragrafu 2 fi żmien tliet xhur li jseħħ wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 1 għal tliet xhur konsekuttivi;

(b) l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 1 għal aktar minn 6 xhur mill-aħħar 12-il xahar.

8. Meta istituzzjoni ma baqgħetx tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tan-negozju tal-portafoll tan-negozjar tagħha skont dan l-Artikolu, għandha tkun permessa biss tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tan-negozju tal-portafoll tan-negozjar tagħha skont dan l-Artikolu meta turi lill-awtorità kompetenti li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 għal perijodu sħiħ mhux interrott ta' sena.

9. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jidħlu fi, jixtru jew ibiegħu pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar bl-uniku skop li jikkonformaw ma' waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 matul il-valutazzjoni ta' kull xahar.

▼M17

10. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-metodu għall-identifikazzjoni tal-motivatur ewlieni tar-riskju ta' pożizzjoni u għad-determinazzjoni ta' jekk tranżazzjoni tirrappreżentax pożizzjoni twila jew qasira kif imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, u fl-Artikoli 273a(3) u 325a(2).

▼M17

Fl-iżvilupp ta' dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-EBA għandha tqis il-metodu żviluppat għall-istandards tekniċi regolatorji awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 279a(3), il-punt (b).

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2025.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Taqsima 2

Rekwiżiti ta'fondi proprji għal ditti ta' investiment li jkollhom awtorizzazzjoni limitata biex jipprovdu servizzi ta' investiment

▼M9

_____

▼M8

_____

▼B

KAPITOLU 3

Portafoll tan-negozjar

Artikolu 102

Rekwiżiti għall-Portafoll tan-Negozjar

1. Il-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar għandhom jew ikunu mingħajr restrizzjonijiet fir-rigward tan-negozjabbiltà tagħhom jew għandhom ikunu jistgħu jiġu ħħeġġjati.

▼M8

2. L-intenzjoni ta' negozjar għandha tintwera fuq bażi tal-istrateġiji, il-politiki u l-proċeduri stabbiliti mill-istituzzjoni biex timmaniġġja l-pożizzjoni jew il-portafoll skont l-Artikoli 103, 104 u 104a.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu sistemi u jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tagħhom u jistabbilixxu kontrolli biex jamministraw il-portafoll tan-negozjar tagħhom skont l-Artikolu 103.

▼M17

4. Għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 325 (1), il-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar għandhom jiġu assenjati lill-postijiet tan-negozjar.

▼M8

5. Il-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' valwazzjoni prudenti speċifikati fl-Artikolu 105.

▼M8

6. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw l-iħħeġġjar intern skont l-Artikolu 106.

Artikolu 103

Ġestjoni tal-portafoll tan-negozjar

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ politiki u proċeduri definiti b'mod ċar għall-immaniġġjar globali tal-portafoll tan-negozjar. Dawn il-politiki u proċeduri għandhom mill-inqas jindirizzaw:

(a) l-attivitajiet li l-istituzzjoni tikkunsidra bħala negozjar kummerċjali u bħala parti kostitwenti tal-portafoll tan-negozjar għall-finijiet tar-rekwiżit ta' fondi proprji;

(b) il-punt sa fejn pożizzjoni tista' tiġi vvalutata kuljum skont il-valur tas-suq b'riferiment għal suq likwidu, attiv u bidirezzjonali;

(c) fil-każ ta' pożizzjonijiet li jingħatalhom valur skont mudell, il-punt sa fejn l-istituzzjoni tista':

(i) tidentifika r-riskji materjali kollha tal-pożizzjoni;

(ii) tiħħeġġja r-riskji materjali kollha tal-pożizzjoni bi strumenti li għalihom jeżisti suq attiv, likwidu u bidirezzjonali;

(iii) tikseb estimi affidabbli għas-suppożizzjonijiet u l-parametri ewlenin użati fil-mudell;

(d) il-punt sa fejn l-istituzzjoni tista', u tkun obbligata li, tiġġenera valwazzjonijiet għall-pożizzjoni li jistgħu jiġu vvalidati esternament b'mod konsistenti;

(e) il-punt sa fejn ir-restrizzjonijiet legali jew rekwiżiti operazzjonali oħra jipprekludu l-abbiltà tal-istituzzjoni li teffettwa likwidazzjoni jew ħeġġ tal-pożizzjoni fuq terminu qasir;

(f) il-punt sa fejn l-istituzzjoni tista', u tkun obbligata li, timmaniġġja b'mod attiv ir-riskji ta' pożizzjonijiet fl-operat tan-negozjar tagħha;

(g) il-punt sa fejn l-istituzzjoni tista' tirrikklassifika riskji jew pożizzjonijiet bejn il-portafolli mhux tan-negozjar u l-portafolli tan-negozjar u r-rekwiżiti għal tali riklassifikazzjonijiet kif imsemmi fl-Artikolu 104a.

▼M8

2. Fl-immaniġġjar tal-pożizzjonijiet jew tal-portafolli ta' pożizzjonijiet tagħha fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ strateġija tan-negozjar dokumentata b'mod ċar għall-pożizzjoni jew portafolli fil-portafoll tan-negozjar, li għandha tkun approvata mill-maniġment superjuri u tinkludi l-perijodu ta' holding mistenni;

(b) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri definiti b'mod ċar għall-ġestjoni attiva ta' pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar; dawk il-politiki u proċeduri għandhom jinkludu li ġejjin:

(i) liema pożizzjonijiet jew portafolli ta' pożizzjonijiet jista' jidħol fihom kull post tan-negozjar jew, kif jista' jkun il-każ, minn negozjanti dežinjati;

(ii) l-iffissar ta' limiti tal-pożizzjoni u li jiġu mmonitorjati għall-adegwatezza;

(iii) l-iżgurar li n-negozjanti għandhom l-awtonomija biex jieħdu u jimmaniġġjaw il-pożizzjoni fil-limiti miftiehma u skont l-istrateġija approvata;

(iv) l-iżgurar li l-pożizzjonijiet jiġu rrappurtati lill-maniġment superjuri bħala parti integrali mill-proċess għall-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni;

(v) l-iżgurar li l-pożizzjonijiet ikunu mmonitorjati attivament b'referenza għal sorsi ta' informazzjoni tas-suq u li ssir valutazzjoni tal-kummerċjabbiltà jew tal-kapaċità li tiġi ħħeġġjata l-pożizzjoni jew ir-riskji tal-komponenti tagħha, inkluż il-valutazzjoni, il-kwalità u d-disponibbiltà tal-input tas-suq għall-proċess ta' valutazzjoni, il-livell tal-fatturat tas-suq, id-daqs tal-pożizzjonijiet nnegozjati fis-suq;

(vi) il-proċeduri u kontrolli attivi kontra l-frodi;

(c) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri ddefiniti b'mod ċar għall-monitoraġġ tal-pożizzjonijiet kontra l-istrateġija tan-negozjar tal-istituzzjoni, inkluż il-monitoraġġ tal-fatturat u pożizzjonijiet li għalihom il-perijodu ta' holding li kien oriġinarjament intiż ikun inqabeż.

▼M17

Artikolu 104

Inklużjoni fil-portafoll tan-negozjar

1. Istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ politiki u proċeduri ddefiniti b'mod ċar għad-determinazzjoni ta' liema pożizzjonijiet għandhom jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha, f'konformità mal-Artikolu 102 u ma' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet u l-prattiki tal-ġestjoni tar-riskju tagħha. Istituzzjoni għandha tiddokumenta bis-sħiħ il-konformità tagħha ma' dawn il-politiki u l-proċeduri, għandha tippreżentahom għal awditu intern tal-anqas fuq bażi annwali u għandha tagħmel ir-riżultati ta' dak l-awditu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti.

Istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ funzjoni indipendenti għall-kontroll tar-riskju li għandha tevalwa, fuq bażi kontinwa, jekk l-istrumenti tagħha humiex qed jiġu assenjati kif suppost lill-portafoll tan-negozjar jew lill-portafoll mhux tan-negozjar.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw il-pożizzjonijiet fl-istrumenti li ġejjin lill-portafoll tan-negozjar:

(a) strumenti li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 325(6), (7) u (8), għall-inklużjoni fil-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni alternattiv (ACTP);

(b) strumenti li jwasslu għal pożizzjoni ta' kreditu jew ta' ekwità bin-nieqes netta fil-portafoll mhux tan-negozjar, bl-eċċezzjoni tal-obbligazzjonijiet proprji tal-istituzzjoni, sakemm tali pożizzjonijiet ma jissodisfawx il-kriterji msemmija fil-punt (e);

(c) strumenti li jirriżultaw minn impenji ta' sottoskrizzjoni tat-titoli, meta dawk l-impenji ta' sottoskrizzjoni jkunu relatati biss ma' titoli li huma mistennija li jkunu mixtrijin mill-istituzzjoni fid-data tas-saldu;

(d) strumenti kklassifikati b'mod mhux ambigwu bħala li għandhom għan ta' negozjar skont il-qafas kontabilistiku applikabbli għall-istituzzjoni;

(e) strumenti li jirriżultaw minn attivitajiet ta' ġenerazzjoni tas-suq;

(f) pożizzjonijiet miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar, dment li dawk is-CIUs jissodisfaw mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 8;

(g) ekwitajiet elenkati;

(h) tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw it-titoli relatati man-negozjar;

(i) opzjonijiet, jew derivati oħrajn, inkorporati fl-obbligazzjonijiet proprji tal-istituzzjoni jew minn strumenti oħrajn fil-portafoll mhux tan-negozjar li jirrigwardjaw ir-riskju ta' kreditu jew ir-riskju ta' ekwità.

▼**M17**

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), istituzzjoni għandu jkollha pożizzjoni qasira netta ta' ekwità fejn tnaqqis fil-prezz tal-ekwità jirriżulta fi profitt għall-istituzzjoni. Istituzzjoni għandu jkollha pożizzjoni qasira netta ta' kreditu fejn il-firxa tal-kreditu tiżdied, jew id-deterjorament fl-affidabbiltà kreditizja tal-emittent jew tal-grupp ta' emittenti jirriżulta fi profitt għall-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw kontinwament jekk l-istrumenti jagħtux lok għal pożizzjoni ta' kreditu jew ta' ekwità bin-nieqes netta fil-portafoll mhux tan-negozjar.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (i), istituzzjoni għandha taqsam l-għażla inkorporata, jew derivattiv ieħor, mill-obbligazzjoni tagħha stess fil-portafoll mhux tan-negozjar li jirrigwarda r-riskju ta' kreditu jew ir-riskju ta' ekwità. Hija għandha tassenja l-għażla inkorporata, jew derivattiv ieħor, lill-portafoll tan-negozjar u għandha tħalli l-obbligazzjoni tagħha stess fil-portafoll mhux tan-negozjar. Jekk minħabba n-natura tiegħu, ma jkunx possibbli li l-istrument jinqasam, istituzzjoni għandha tassenja l-istrument kollu lill-portafoll tan-negozjar. F'każ bħal dan, hija għandha tiddokumenta debitament ir-raġuni għall-applikazzjoni ta' dak it-trattament.

3. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jassenjaw pożizzjonijiet fl-istrumenti li ġejjin lill-portafoll tan-negozjar:

(a) strumenti speċifikati għar-realizzazzjoni tat-titolizzazzjoni;

(b) strumenti relatati ma' parteċipazzjonijiet ta' proprjetà immobbli;

(c) ekwitajiet mhux elenkati;

(d) strumenti relatati mal-kreditu fil-livell tal-konsumatur u tal-SMEs;

(e) pożizzjonijiet f'CIUs oħrajn għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (f);

(f) kuntratti tad-derivattivi u CIUs bi strument sottostanti wieħed jew aktar imsemmija fil-punti minn (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu;

(g) strumenti miżmumin għall-iħħeġġjar ta' riskju partikolari ta' pożizzjoni waħda jew aktar fi strument imsemmi fil-punti (a) sa (f), (h) u (i) ta' dan il-paragrafu;

(h) obbligazzjonijiet proprji tal-istituzzjoni, sakemm tali strumenti ma jissodisfawx il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (e), jew il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu;

(i) strumenti f'fondi spekulattivi.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, istituzzjoni tista' tassenja lill-portafoll mhux tan-negozjar pożizzjoni fi strument imsemmi fil-punti (d) sa (i) ta' dak il-paragrafu, soġġetta għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti tagħha. L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-approvazzjoni tagħha meta l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tagħha li l-pożizzjoni ma tkunx miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar jew ma tiħħeġġjax pożizzjonijiet miżmumin b'intenzjoni ta' negozjar.

▼M17

5. B'deroga mill-paragrafu 3, istituzzjoni tista' tassenja lill-portafoll tan-negozjar pożizzjoni fi strument imsemmi fil-punt (i) ta' dak il-paragrafu, soġġetta għall-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti tagħha. L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-approvazzjoni tagħha meta l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tagħha li l-pożizzjoni hija miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar jew tiħħeġġja pożizzjonijiet miżmumin b'intenzjoni ta' negozjar u li l-istituzzjoni tissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 8 għal dik il-pożizzjoni.

6. Meta istituzzjoni tkun assenjat pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar fi strument għajr l-istrumenti msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), (b) jew (c), l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tista' titlob lill-istituzzjoni tipprovdi evidenza sabiex tiġġustifika tali assenjazzjoni. Meta l-istituzzjoni tonqos milli tipprovdi evidenza xierqa, l-awtorità kompetenti tagħha tista' titlob lill-istituzzjoni tassenja mill-ġdid dik il-pożizzjoni għall-portafoll mhux tan-negozjar.

7. Meta istituzzjoni tkun assenjat pożizzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar fi strument għajr l-istrumenti msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tista' titlob lill-istituzzjoni tipprovdi evidenza li tiġġustifika tali assenjazzjoni. Meta l-istituzzjoni tonqos milli tipprovdi evidenza xierqa, l-awtorità kompetenti tagħha tista' titlob lill-istituzzjoni tassenja mill-ġdid dik il-pożizzjoni għall-portafoll tan-negozjar.

8. Istituzzjoni għandha tassenja lill-portafoll tan-negozjar pożizzjoni f'CIU, għajr il-pożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, il-punt (f), li hija miżmuma b'intenzjoni ta' negozjar, meta l-istituzzjoni tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun tista' tikseb informazzjoni suffiċjenti dwar l-iskoperturai sottostanti individwali tas-CIU;

(b) l-istituzzjoni ma tkunx tista' tikseb informazzjoni suffiċjenti dwar l-iskoperturi sottostanti individwali tas-CIU, iżda l-istituzzjoni jkollha għarfien tal-kontenut tal-mandat tas-CIU u tkun tista' tikseb kwotazzjonijiet tal-prezzijiet ta' kuljum għas-CIU.

9. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika aktar il-proċess li l-istituzzjonijiet għandhom jużaw sabiex jikkalkulaw u jimmonitorjaw pożizzjonijiet qosra netti ta' kreditu jew qosra netti ta' ekwità fil-portafoll mhux tan-negozjar imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (b).

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2027.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Artikolu 104a

Riklassifikazzjoni ta' pożizzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ politiki definiti b'mod ċar biex jiġu identifikati ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw ir-riklassifikazzjoni ta' pożizzjoni tan-negozjar bħala portafoll mhux tan-negozjar jew, għall-kuntrarju, ir-riklassifikazzjoni ta' pożizzjoni mhux tan-negozjar bħala pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar, għall-fini li jiġu determinati r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti. L-istituzzjonijiet għandhom jirrevedu dawk il-politiki tal-inqas darba fis-sena.

▼M17

L-EBA għandha timmonitorja l-firxa ta' prattiki superviżorji u għandha toħroġ sal-10 ta' Lulju 2027 linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar liema ċirkostanzi eċċezzjonali huma involuti għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu. Sakemm l-EBA toħroġ dawk il-linji gwida, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA dwar, u jipprovdu r-raġuni għal, id-deċiżjonijiet tagħhom dwar jekk jagħtux jew le permess lil istituzzjoni biex tirriklassifika pożizzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

▼M8

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess biex pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar tiġi riklassifikata bħala pożizzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar jew għall-kuntrarju pożizzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar bħala pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar għall-fini li jiġu determinati r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom fil-każ biss meta l-istituzzjoni tkun ipprovdiet lill-awtoritajiet kompetenti b'evidenza bil-miktub li d-deċiżjoni tagħha li terġa' tikklassifika dik il-pożizzjoni hija r-riżultat ta' ċirkostanza eċċezzjonali li hija konsistenti mal-politiki li l-istituzzjoni għandha fis-seħħ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Għal dan il-għan, l-istituzzjoni għandha tipprovdi biżżejjed evidenza li l-pożizzjoni ma għadhiex tissodisfa l-kondizzjoni biex tiġi kklassifikata bħala pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar jew mhux tan-negozjar skont l-Artikolu 104.

Id-deċiżjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi approvata mill-korp maniġerjali.

3. Meta l-awtorità kompetenti tat il-permess għar-riklassifikazzjoni ta' pożizzjoni skont il-paragrafu 2, l-istituzzjoni li tirċievi dak il-permess għandha:

(a) tiżvela pubblikament, mingħajr dewmien,

(i) l-informazzjoni li l-pożizzjoni tagħha ġiet riklassifikata, u

(ii) fejn l-effett ta' dik ir-riklassifikazzjoni huwa tnaqqis fir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni, id-daqs ta' dak it-tnaqqis; u

(b) fejn l-effett ta' dik ir-riklassifikazzjoni huwa tnaqqis fir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni, ma tirrikonoxxix dak l-effett sakemm il-pożizzjoni timmatura, sakemm l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tippermettihiex li tirrikonoxxi dak l-effett f'data aktar bikrija.

▼M8

4. L-istituzzjoni għandha tikkalkula l-bidla netta fl-ammont tar-rekwiżiti tal-fondi proprji tagħha li tirriżulta mir-riklassifikazzjoni tal-pożizzjoni, bħala d-differenza bejn ir-rekwiżiti ta' fondi proprji immedjatament wara r-riklassifikazzjoni u r-rekwiżiti ta' fondi proprji immedjatament qabel ir-riklassifikazzjoni, kull wieħed ikkalkulat skont l-Artikolu 92. Il-kalkolu ma għandu jieħu kont tal-effetti tal-ebda fattur ieħor apparti r-riklassifikazzjoni.

▼M17

5. Ir-riklassifikazzjoni ta' pożizzjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tkun irrevokabbli, ħlief fiċ-ċirkostanzi eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 1.

6. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, istituzzjoni tista' tikklassifika mill-ġdid pożizzjoni tal-portafoll mhux tan-negozjar bħala pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar skont l-Artikolu 104(2), il-punt (d), mingħajr ma titlob permess mill-awtorità kompetenti tagħha. F'każ bħal dan, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu għandhom ikomplu japplikaw għall-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha tinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti tagħha meta tkun seħħet tali riklassifikazzjoni.

▼M8

Artikolu 104b

Rekwiżiti għall-post tan-negozjar

▼M17

1. Għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu postijiet tan-negozjar u għandhom jassenjaw kull waħda mill-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar tagħhom u mill-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom imsemmija fil-paragrafi 5 u 6 ta' dan l-Artikolu lil wieħed minn dawk il-postijiet tan-negozjar. Il-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar għandhom jiġu attribwiti lill-istess post tan-negozjar fil-każ biss meta dawk il-pożizzjonijiet ikunu konformi mal-istrateġija tan-negozjar miftiehma għal dak il-post tan-negozjar u jkunu ġestiti u mmonitorjati b'mod konsistenti f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

▼M8

2. Il-postijiet tan-negozjar tal-istituzzjonijiet għandhom dejjem jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) kull post tan-negozjar għandu jkollu strateġija tan-negozjar u struttura tal-ġestjoni tar-riskju ċara u distintiva li hija adegwata għall-istrateġija tan-negozjar tiegħu;

(b) kull post tan-negozjar għandu jkollu struttura organizzattiva ċara; pożizzjonijiet f'post tan-negozjar partikolari għandhom jiġu ġestiti minn negozjanti dedikati fi ħdan l-istituzzjoni; kull negozjant għandu jkollu funzjonijiet dedikati fil-post tan-negozjar; kull negozjant għandu jiġi assenjat għal post tan-negozjar wieħed biss;

(c) għandhom jiġu stabbiliti limiti tal-pożizzjoni f'kull post tan-negozjar skont l-istrateġija tan-negozjar ta' dak il-post tan-negozjar;

(d) tal-inqas darba f'ġimgħa, għandhom jiġu prodotti rapporti dwar l-attivitajiet, il-profittabbiltà, il-ġestjoni tar-riskju u r-rekwiżiti regolatorji fil-livell tal-post tan-negozjar, li għandhom jintbagħtu lill-korp maniġerjali fuq bażi regolari;

▼M8

(e) kull post tan-negozjar għandu jkollu pjan ta' direzzjoni tan-negozju annwali ċar li jinkludi politika ta' remunerazzjoni definita sew abbażi ta' kriterji sodi wżati għall-kejl tal-prestazzjoni;

(f) rapporti dwar pożizzjonijiet li jimmaturaw, ksur ta' limiti tan-negozjar fl-istess jum, ksur ta' limiti tan-negozjar ta' kuljum u azzjonijiet meħuda mill-istituzzjoni biex tindirizza dak il-ksur, kif ukoll il-valutazzjonijiet tal-likwidità tas-suq għandhom ikunu ppreparati għal kull post tan-negozjar fuq bażi ta' kull xahar u jkunu disponibbli lill-awtoritajiet kompetenti.

3. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 2, istituzzjoni tista' tassenja lil negozjant aktar minn post tan-negozjar wieħed, dment li l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti tagħha li l-ħidma saret minħabba l-konsiderazzjonijiet tan-negozju jew tar-riżorsi u l-ħidma tippreserva r-rekwiżiti kwalitattivi oħra stabbiliti f'dan l-Artikolu applikabbli għal negozjanti u postijiet tan-negozjar.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-mod li bih huma jikkonformaw mal-paragrafu 2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lil istituzzjoni tibdel l-istruttura jew l-organizzazzjoni tal-postijiet tan-negozjar tagħha biex tikkonforma ma' dan l-Artikolu.

▼M17

5. Sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull waħda mill-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet lill-postijiet tan-negozjar stabbiliti f'konformità mal-paragrafu 1 li jimmaniġġjaw ir-riskji li huma simili għar-riskji ta' dawk il-pożizzjonijiet.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, l-istituzzjonijiet, meta jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq, jistgħu jistabbilixxu post tan-negozjar wieħed jew aktar li lilu jassenjaw esklużivament pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet. Dawk il-postijiet tan-negozjar ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3.

Artikolu 104c

Trattament tal-ħeġġijiet tar-riskju tal-kambju tal-proporzjonijiet kapitali

1. Istituzzjoni li tkun ħadet pożizzjoni ta' riskju b'mod deliberat sabiex tiħħeġġja, tal-anqas parzjalment, kontra movimenti avversi fir-rati tal-kambju fuq kwalunkwe waħda mill-proporzjonijiet kapitali tagħha kif imsemmi fl-Artikolu 92(1), il-punti (a), (b) u (c), tista', soġġetta għall-permess tal-awtorità kompetenti tagħha, teskludi dik il-pożizzjoni ta' riskju mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju msemmija fl-Artikolu 325(1), dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-ammont massimu tal-pożizzjoni tar-riskju li jkun eskluż mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ikun limitat għall-ammont tal-pożizzjoni tar-riskju li jinnewtralizza s-sensittività ta' kwalunkwe wieħed mill-proporzjonijiet kapitali għall-movimenti negattivi fir-rati tal-kambju;

(b) il-pożizzjoni tar-riskju tkun eskluża mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal tal-anqas sitt xhur;

▼M17

(c) l-istituzzjoni tkun stabbiliet qafas xieraq ta' ġestjoni tar-riskju għall-iħħeġġjar tal-movimenti negattivi fir-rati tal-kambju fuq kwalunkwe waħda mill-proporzjonijiet kapitali tagħha, inkluż strateġija ċara ta' ħheġġjar u struttura ta' governanza;

(d) l-istituzzjoni tkun ipprovdiet lill-awtorità kompetenti ġustifikazzjoni għall-esklużjoni ta' pożizzjoni tar-riskju mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, id-dettalji ta' dik il-pożizzjoni ta' riskju u l-ammont li għandu jiġi eskluż.

2. Kwalunkwe esklużjoni ta' pożizzjonijiet tar-riskju mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-paragrafu 1 għandha tiġi applikata b'mod konsistenti.

3. L-awtorità kompetenti għandha japprovaw kwalunkwe bidla mill-istituzzjoni fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju msemmi ful-paragrafu 1, il-punt (c), u fid-dettalji tal-pożizzjonijiet tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d).

4. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-pożizzjonijiet tar-riskju li istituzzjoni tista' tieħu deliberatament sabiex tiħħeġġja, tal-anqas parzjalment, kontra l-movimenti avversi tar-rati tal-kambju fuq kwalunkwe wieħed mill-proporzjonijiet kapitali tagħha msemmija fil-paragrafu 1;

(b) kif jiġi ddeterminat l-ammont massimu msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu u l-mod li bih istituzzjoni trid teskludi dak l-ammont għal kull wieħed mill-approċċi msemmija fl-Artikolu 325(1);

(c) il-kriterji li jiġu ssodisfati mill-qafas ta' ġestjoni tar-riskju ta' istituzzjoni msemmi fil-paragrafu 1, punt (c), sabiex jitqies xieraq għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta standards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 105

Rekwiżiti għal Valutazzjoni Prudenti

▼M8

1. Il-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar u l-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar kollha mkejla b'valur ġust għandhom ikunu soġġetti għall-istandards ta' valwazzjoni prudenti speċifikati f'dan l-Artikolu. L-istituzzjonijiet għandhom b'mod partikolari jiżguraw li l-valwazzjoni prudenti tal-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar tagħhom tilħaq grad xieraq ta' ċertezza fid-dawl tan-natura dinamika tal-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar u l-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar imkejla b'valur ġust, id-domandi ta' soliditá prudenzjali u l-mod ta' operat u l-għan tar-rekwiżiti ta' kapital fir-rigward tal-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar u l-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar imkejla b'valur ġust.

▼B

2. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jżommu sistemi u kontrolli suffiċjenti sabiex jipprovdu stimi ta' valutazzjoni prudenti u affidabbli. Dawk is-sistemi u kontrolli għandhom jinkludu mill-inqas l-elementi li ġejjin:

(a) politiki u proċeduri dokumentati għall-proċess ta' valutazzjoni, inkluż ir-responsabbiltajiet iddefiniti b'mod ċar tal-oqsma varji involuti fid-determinazzjoni tal-valutazzjoni, is-sorsi tal-informazzjoni tas-suq u analiżi tal-adegwatezza tagħhom, linji gwida għall-użu ta' parametri li ma jistgħux jiġu osservati li jirriflettu s-suppożizzjonijiet tal-istituzzjoni dwar dak li l-parteċipanti tas-suq sejrin jużaw fl-ipprezzar tal-pożizzjoni, il-frekwenza ta' valutazzjoni indipendenti, l-għażla tal-ħin għall-prezzijiet tal-għeluq, il-proċeduri għall-aġġustament tal-valutazzjonijiet, il-proċeduri ta' verifika tal-għeluq tax-xahar u dawk ad-hoc;

▼C2

(b) linji ta' rappurtar għad-dipartiment responsabbli għall-proċess ta' valutazzjoni li jkunu ċari u indipendenti mill-uffiċċju tan-negozjar, li għandhom finalment ikunu għall-korp maniġerjali.

▼M8

3. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw mill-ġdid il-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar b'valur ġust tal-inqas darba kuljum. Il-bidliet fil-valur ta' dawn il-pożizzjonijiet għandhom jiġu rrapportati fir-rapport tal-introjtu tal-istituzzjoni.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar u l-pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom imkejla b'valur ġust għas-suq, kull meta jkun possibbli, inkluż meta jiġi applikat it-trattament tal-kapital rilevanti għal dawk il-pożizzjonijiet.

▼B

5. Meta twettaq valutazzjoni skont il-valur tas-suq, istituzzjoni għandha tuża l-lat l-aktar prudenti ta' offerta sakemm l-istituzzjoni ma tistax tikkwota prezz medju. Fejn l-istituzzjonijiet jagħmlu użu minn din id-deroga, kull sitt xhur dawn għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom bil-pożizzjonijiet ikkonċernati u jagħtu evidenza li dawn jistgħu jikkwotaw prezz medju.

▼M8

6. Fejn ma tkunx possibbli valwazzjoni skont is-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu valwazzjoni skont mudell konservattiv tal-pożizzjonijiet u l-portafolli tagħhom, inkluż meta jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar imkejla b'valur ġust fil-portafoll mhux tan-negozjar.

▼B

7. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin meta jwettqu valutazzjoni skont mudell:

(a) il-maniġment superjuri għandu jkun konxju tal-elementi tal-portafoll tan-negozjar jew ta' pożizzjonijiet oħra b'valur ġust li jkunu soġġetti għal valutazzjoni skont mudell u għandhom jifhmu l-materjalità tal-inċertezza li b'hekk tinħoloq fir-rappurtar tar-riskju/prestazzjoni tan-negozju;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu inputs tas-suq, fejn possibbli, skont il-prezzijiet tas-suq, u għandhom jivvalutaw l-adegwatezza tal-inputs tas-suq tal-pożizzjoni partikolari li tkun qiegħda tiġi vvalutata u l-parametri tal-mudell fuq bażi frekwenti;

▼B

(c) fejn disponibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw metodoloġiji ta' valutazzjoni li jkunu prattiki aċċettati tas-suq għal strumenti finanzjarji partikolari jew għal prodotti;

(d) fejn il-mudell jiġi żviluppat mill-istituzzjoni innifisha, għandu jiġi bbażat fuq suppożizzjonijiet xierqa, li jkunu ġew ivvalutati u kkontestati minn partijiet adegwatament ikkwalifikati b'mod indipendenti mill-proċess ta' żvilupp;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri formali għall-kontroll tat-tibdil u għandhom iżommu kopja sigura tal-mudell u jużawha perjodikament biex jikkontrollaw il-valutazzjonijiet;

(f) il-ġestjoni tar-riskju għandu jkun konxju tal-punti debboli tal-mudelli użati u l-aħjar mod kif dawk jiġu riflessi fir-riżultat tal-valutazzjoni; u

(g) il-mudelli tal-istituzzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għal analiżi perjodika biex tiġi ddeterminata l-akkuratezza tal-prestazzjoni tagħhom, li għandha tinkludi valutazzjoni tal-adegwatezza kontinwata tas-suppożizzjonijiet, l-analiżi tal-profitt u t-telf versus il-fatturi tar-riskji, u t-tqabbil ta' valuri reali tal-għeluq skont l-eżiti tal-mudelli.

▼M8

Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, il-mudell għandu jiġi żviluppat jew approvat indipendentement mill-postijiet tan-negozjar u għandu jiġi ttestjat b'mod indipendenti, inkluż il-validazzjoni tal-matematika, is-suppożizzjonijiet u l-implimentazzjoni tas-softwer.

▼B

8. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu verifiki indipendenti tal-prezz flimkien mal-valwazzjoni skont il-valur tas-suq jew valwazzjoni skont skont mudell ta' kuljum. Il-verifika tal-prezzijiet tas-suq u tal-inputs tal-mudelli għandha ssir minn persuna jew minn unità indipendenti minn persuni jew minn unitajiet li jibbenefikaw mill-portafoll tan-negozjar, mill-inqas darba fix-xahar, jew aktar frekwenti skont in-natura tas-suq jew tal-attività tan-negozjar. Meta ma jkunx hemm disponibbli sorsi indipendenti tal-ipprezzar jew is-sorsi tal-ipprezzar ikunu aktar suġġettivi, jistgħu jkunu xierqa miżuri prudenti bħal aġġustamenti fil-valutazzjoni.

9. L-istituzzjonijiet għandhom jistabilixxu u jżommu proċeduri għall-kunsiderazzjoni tal-aġġustamenti fil-valwazzjoni.

10. L-istituzzjonijiet għandhom formalment jikkunsidraw l-aġġustamenti li ġejjin fil-valutazzjoni: firxiet tal-kreditu mhux iggwadanjati, il-kosti ta' egħluq, ir-riskji operattivi, l-inċertezza tal-prezzijiet tas-suq, it-terminazzjoni bikrija, il-kosti ta' investiment u finanzjament, il-kosti amministrattivi futuri u, fejn rilevanti, ir-riskju tal-mudell.

11. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu u jżommu proċeduri għall-kalkolu ta' aġġustament għall-valutazzjoni kurrenti ta' xi pożizzjonijiet anqas likwidi, li partikolarment jistgħu jirriżultaw minn avvenimenti tas-suq jew minn sitwazzjonijiet relatati mal-istituzzjoni bħal pożizzjonijiet konċentrati u/jew pożizzjonijiet li għalihom il-perijodu oriġinali ta' holding jkun inqabeż. L-istituzzjonijiet għandhom, fejn meħtieġ, jagħmlu dawn l-aġġustamenti minbarra xi tibdil meħtieġ għall-valur tal-pożizzjoni għall-finijiet ta' rappurtar finanzjarju u għandhom ifasslu dawn l-aġġustamenti biex jirriflettu l-illikwidità tal-pożizzjoni. Skont dawk il-proċeduri, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw diversi fatturi waqt li jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk ikunx hemm il-ħtieġa ta' aġġustament tal-valutazzjoni għal pożizzjonijiet inqas likwidi. Dawk il-fatturi jinkludu li ġejjin:

▼M8

(a) l-ammont addizzjonali ta' żmien li jkun meħtieġ biex tiġi ħħeġġjata l-pożizzjoni jew ir-riskji fil-pożizzjoni lil hinn mill-orizzonti ta' likwidità li ġew assenjati lill-fatturi tar-riskju tal-pożizzjoni skont l-Artikolu 352bd;

▼B

(b) il-volatilità u l-medja tal-firxiet ta' talba/offerta;

(c) id-disponibbiltà ta' kwotazzjonijiet tas-suq (in-numru u l-identità ta' ġeneraturi tas-suq) u l-volatilità u l-medja ta' volumi ta' negozjar inkluż volumi ta' negozjar matul perijodi ta' stress tas-suq;

(d) il-konċentrazzjonijiet tas-suq;

(e) iż-żmien li jgħaddi mit-teħid tal-pożizzjonijiet;

(f) il-punt sa fejn il-valutazzjoni tkun ibbażata fuq valutazzjoni skont mudell;

(g) l-impatt ta' riskji oħra tal-mudell.

12. Meta jużaw valutazzjonijiet minn partijiet terzi jew valutazzjoni skont mudell, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw jekk għandhomx japplikaw aġġustament tal-valutazzjoni. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-ħtieġa li jiġu stabbiliti aġġustamenti fil-każ ta' pożizzjonijiet inqas likwidi u jirrevedu fuq bażi kontinwa l-adegwatezza tagħhom. L-istituzzjonijiet għandhom ukoll jivvalutaw b'mod espliċitu il-ħtieġa ta' aġġustamenti tal-valutazzjoni rigward l-inċertezza tal-inputs ta' parametri użati mill-mudelli.

13. Fir-rigward ta' prodotti kumplessi, inkluż skoperturi ta' titolizzazzjoni u derivattivi tal-kreditu skont l-ordni kronoloġika ta' inadempjenza, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw b'mod espliċitu l-ħtieġa għal aġġustamenti fil-valutazzjoni biex jirriflettu r-riskju tal-mudell assoċjat mal-użu ta' metodoloġija possibbilment inkorretta ta' valutazzjoni u r-riskju tal-mudell assoċjat mal-użu ta' parametri ta' kalibrazzjoni inosservabbli (u possibbilment skorretti) tal-mudell ta' valutazzjoni.

14. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom ir-rekwiżiti tal-Artikolu 105 għandhom jiġu applikati għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 106

Ħeġġ Intern

1. Ħeġġ intern għandu b'mod partikolari jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) m'għandhiex tkun primarjament maħsuba biex tevita jew tnaqqas ir-rekwiżiti ta' fondi proprji;

(b) għandha tiġi dokumentata sew u tkun soġġetta għal proċeduri partikolari tal-approvazzjoni interna u ta' verifika;

▼B

(c) għandha tiġi ttrattata bil-kondizzjonijiet tas-suq;

(d) ir-riskju tas-suq iġġenerat mill-ħeġġ intern għandu jiġi mmaniġġjat b'mod dinamiku fil-portafoll tan-negozjar skont il-limiti awtorizzati;

▼C2

(e) għandu jiġi mmonitorjat sewwa skont proċeduri adegwati.

▼M8

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti applikabbli għall-pożizzjoni ħħeġġjata fil-portafoll mhux tan-negozjar jew il-portafoll tan-negozjar, fejn rilevanti.

▼M17

3. Meta istituzzjoni tiħħeġġja skopertura għar-riskju ta' kreditu ta' portafoll mhux tan-negozjar jew skopertura għar-riskju tal-kontroparti permezz ta' derivattiv ta' kreditu mniżżel fil-portafoll tan-negozjar tagħha, dik il-pożizzjoni fid-derivattiv ta' kreditu għandha tiġi rikonoxxuta bħala ħeġġ intern tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu ta' portafoll mhux tan-negozjar jew skopertura għar-riskju tal-kontroparti għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ponderati għar-riskju msemmija fl-Artikolu 92(4), il-punt (a), meta l-istituzzjoni tidħol fi tranżazzjoni ta' derivattiv ta' kreditu oħra ma' fornitur ta' protezzjoni ta' parti terza eliġibbli li jissodisfa r-rekwiżiti għall-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-portafoll mhux tan-negozjar u jpaċi perfettament ir-riskju tas-suq tal-ħeġġ intern.

Kemm ħeġġ intern rikonoxxut f'konformità mal-ewwel subparagrafu kif ukoll id-derivattiv ta' kreditu li jiġi konkluż ma' fornitur ta' protezzjoni ta' parti terza eliġibbli għandhom jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. Għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), iż-żewġ pożizzjonijiet għandhom jiġu assenjati lill-istess post tan-negozjar li jimmaniġġja riskji simili.

4. Meta istituzzjoni tiħħeġġja skopertura għar-riskju ta' ekwità ta' portafoll mhux tan-negozjar permezz ta' derivattiv ta' ekwità mniżżel fil-portafoll tan-negozjar tagħha, din il-pożizzjoni fid-derivattiv ta' ekwità għandha tiġi rikonoxxuta bħala ħeġġ intern tal-iskopertura għar-riskju ta' ekwità ta' portafoll mhux tan-negozjar għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ponderati għar-riskju msemmija fl-Artikolu 92(4), il-punt (a), meta l-istituzzjoni tidħol fi tranżazzjoni derivattiva tal-ekwità oħra ma' fornitur ta' protezzjoni ta' parti terza eliġibbli li jissodisfa r-rekwiżiti għall-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-portafoll mhux tan-negozjar u tpaċi perfettament ir-riskju tas-suq tal-ħeġġ intern.

Kemm ħeġġ intern rikonoxxut f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu kif ukoll id-derivattiv ta' kreditu li jiġi konkluż ma' fornitur ta' protezzjoni ta' parti terza eliġibbli għandhom jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq. Sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċ imsemmi f l-Artikolu 325(1), il-punt (b), iż-żewġ pożizzjonijiet għandhom jiġu assenjati lill-istess post tan-negozjar li jimmaniġġja riskji simili.

4a. Għall-finijiet tal-paragrafi 3 u 4, it-tranżazzjoni derivattiva ta' kreditu jew ta' ekwità li tkun daħlet fiha istituzzjoni tista' tkun magħmula minn tranżazzjonijiet multipli ma' forniturі ta' protezzjoni ta' partijiet terzi eliġibbli multipli, dment li t-tranżazzjoni aggregata li tirriżulta tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk il-paragrafi.

▼M17

5. Meta istituzzjoni tiħħeġġja skoperturi għar-riskju tar-rata tal-imgħax ta' portafoll mhux tan-negozjar permezz ta' pożizzjoni ta' riskju tar-rata tal-imgħax imniżżla fil-portafoll tan-negozjar tagħha, dik il-pożizzjoni ta' riskju tar-rata tal-imgħax għandha tiġi kkunsidrata bħala ħeġġ intern għall-valutazzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax li jirriżulta mill-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar f'konformità mal-Artikoli 84 u 98 tad-Direttiva 2013/36/UE meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċi msemmija fl-Artikolu 325(1), il-punti (a), (b) u (c), il-pożizzjoni ġiet assenjata lil portafoll separat mill-pożizzjonijiet l-oħrajn tal-portafoll tan-negozjar, li l-istrateġija tan-negozju tiegħu hija ddedikata biss għall-immaniġġjar u l-mitigazzjoni tar-riskju tas-suq tal-ħeġġijiet interni tal-iskopertura għar-riskju tar-rata tal-imgħax;

(b) għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), il-pożizzjoni tkun ġiet assenjata lil post tan-negozjar li l-istrateġija tan-negozjar tiegħu tkun iddedikata biss għall-immaniġġjar u l-mitigazzjoni tar-riskju tas-suq tal-iħħeġġjar intern ta' skopertura għar-riskju tar-rata tal-imgħax;

(c) l-istituzzjoni ddokumentat b'mod sħiħ kif il-pożizzjoni timmitiga r-riskju tar-rata tal-imgħax li jirriżulta minn pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar għall-finijiet tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 84 u 98 tad-Direttiva 2013/36/UE.

5a. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 5, l-istituzzjoni tista' tassenja lil dak il-portafoll pożizzjonijiet oħrajn tar-riskju tar-rata tal-imgħax li tkun ikkonkludiet ma' partijiet terzi, jew mal-portafoll tan-negozjar tagħha stess, dment li l-istituzzjoni tpaċi perfettament ir-riskju tas-suq ta' dawk il-pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax konklużi mal-portafoll tan-negozjar tagħha stess billi tidħol f'pożizzjonijiet opposti tar-riskju tar-rata tal-imgħax ma' partijiet terzi.

5b. Ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom japplikaw għall-post tan-negozjar imsemmi fil-paragrafu 5, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu:

(a) dan il-post tan-negozjar jista' jikkonkludi pożizzjonijiet oħrajn tar-riskju tar-rata tal-imgħax ma' partijiet terzi jew ma' postijiet tan-negozjar oħrajn tal-istituzzjoni, dment li dawn il-pożizzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-inklużjoni fil-portafoll tan-negozjar imsemmi fl-Artikolu 104 u dawk il-postijiet tan-negozjar l-oħrajn jikkumpensaw perfettament għar-riskju tas-suq ta' dawn il-pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax oħrajn billi jikkonkludu pożizzjonijiet tar-riskju tar-rata tal-imgħax opposti ma' partijiet terzi;

(b) l-ebda pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar għajr dawk imsemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu ma tiġi assenjata lil dak il-post tan-negozjar;

(c) b'deroga mill-Artikolu 104b, dak il-post tan-negozjar ma għandux ikun soġġett għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dak l-Artikolu.

6. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tal-pożizzjonijiet kollha assenjati lill-portafoll separat imsemmi fil-paragrafu 5, il-punt (a), jew lill-post tan-negozjar imsemmi fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu, għandhom jiġu kkalkulati fuq bażi awtonoma, minbarra r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-pożizzjonijiet l-oħrajn tal-portafoll tan-negozjar.

▼M17

7. Meta istituzzjoni tiħħeġġja skopertura għar-riskju tal-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu (CVA) bl-użu ta' strument ta' derivati konklużż mal-portafoll tan-negozjar tagħha, il-pożizzjoni f'dak l-istrument ta' derivati għandha tiġi rikonoxxuta bħala ħeġġ intern għall-iskopertura għar-riskju ta' CVA għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-approċċi stabbiliti fl-Artikolu 383 jew 384, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni tad-derivattivi tkun rikonoxxuta bħala ħeġġ eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 386;

(b) meta l-pożizzjoni tad-derivattivi tkun soġġetta għal kwalunkwe wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325c(2), il-punt (b) jew (c), jew fl-Artikolu 325e(1), il-punt (c), l-istituzzjoni tikkumpensa perfettament għar-riskju tas-suq ta' dik il-pożizzjoni tad-derivattivi billi tidħol f'pożizzjonijiet opposti ma' partijiet terzi.

Il-pożizzjoni opposta tal-portafoll tan-negozjar tal-ħeġġ intern rikonoxxuta f'konformità mal-ewwel subparagrafu għandha tiġi inkluża fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.

▼B

TITOLU II

REKWIŻITI TA' KAPITAL GĦAL RISKJU TA' KREDITU

KAPITOLU 1

Prinċipji Ġenerali

Artikolu 107

Approċċi għal riskju ta' kreditu

▼M17

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw jew l-Approċċ Standardizzat previst fil-Kapitolu 2 jew, meta permessi mill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 143, l-Approċċ Ibbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni previst fil-Kapitolu 3 sabiex jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju tagħhom għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (g).

2. Għall-iskoperturi kummerċjali u għall-kontribuzzjonijiet tal-fondi tal-inadempjenza għal kontroparti ċentrali, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stipulat fit-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 sabiex jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju tagħhom għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (g). Għat-tipi l-oħrajn kollha ta' skopertura għal kontroparti ċentrali, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw dawn l-iskoperturi bħala skoperturi għal istituzzjonijiet kif ġej:

(a) bħala skoperturi għal istituzzjoni għal tipi oħrajn ta' skoperturi għal CCP kwalifikanti;

(b) bħala skoperturi għal korporattiva għal tipi oħrajn ta' skoperturi għal CCP mhux kwalifikattiva.

▼M17

3. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, skoperturi għal ditti ta' investiment ta' pajjiżi terzi, istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiżi terzi u borż ta' pajjiżi terzi, kif ukoll skoperturi għal istituzzjonijiet finanzjarji ta' pajjiżi terzi awtorizzati u ssorveljati minn awtoritajiet ta' pajjiżi terzi u soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali komparabbli ma' dawk applikati għal istituzzjonijiet f'termini ta' robustezza, għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għal istituzzjoni biss jekk il-pajjiż terz japplika rekwiżiti prudenzjali u superviżorji għal dik l-entità li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

▼B

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġett għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 462(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji prudenzjali li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni, sal-1 ta' Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu jittrattaw l-iskoperturi għal entitajiet imsemmija fil-paragrafu 3 bħala skoperturi għal istituzzjonijiet dment li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jkunu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

▼M17

Artikolu 108

Użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu skont l-Approċċ Standardizzat u l-Approċċ IRB għar-riskju ta' kreditu u għar-riskju ta' dilwizzjoni

1. Għal skopertura li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ Standardizzat skont il-Kapitolu 2 jew tapplika l-Approċċ IRB skont il-Kapitolu 3 iżda mingħajr ma tuża l-istimi proprji tagħha ta' LGD skont l-Artikolu 143, l-istituzzjoni tista' tqis l-effett tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata f'konformità mal-Kapitolu 4 fil-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (g) u, fejn rilevanti, tal-ammonti ta' telf mistenni għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (d),u fl-Artikolu 62, il-punt (d).

2. Għal skopertura li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB billi tuża l-istimi proprji tagħha tal-LGD skont l-Artikolu 143, l-istituzzjoni tista' tqis l-effett tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata f'konformità mal-Kapitolu 3 fil-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (g), u, fejn rilevanti, tal-ammonti ta' telf mistenni għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (d), u fl-Artikolu 62, il-punt (d).

3. Meta istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB billi tuża l-istimi proprji tagħha tal-LGD skont l-Artikolu 143 kemm għall-iskoperturi oriġinali kif ukoll għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, l-istituzzjoni tista' tqis l-effett tal-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata f'konformità mal-Kapitolu 3 fil-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ponderati għar-riskju għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (g), u, fejn rilevanti, fl-ammonti ta' telf mistenni għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (d), u fl-Artikolu 62, il-punt (d). Fil-każijiet l-oħrajn kollha, għal dawk il-finijiet, l-istituzzjoni tista' tqis l-effett tal-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ponderati għar-riskju u fl-ammonti ta' telf mistenni f'konformità mal-Kapitolu 4.

▼M17

4. Soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5, l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu s-self lil persuni fiżiċi bħala skoperturi ggarantiti b'ipoteka fuq proprjetà residenzjali, minflok ma jiġi ttrattat bħala skoperturi ggarantiti, għall-finijiet tat-Titolu II, il-Kapitoli 2, 3 u 4, kif applikabbli, meta fi Stat Membru jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin għal dak is-self:

(a) il-maġġoranza tas-self lil persuni fiżiċi għax-xiri ta' proprjetajiet residenzjali f'dak l-Istat Membru ma jiġix ipprovdut bħala ipoteki f'forma ġuridika;

(b) il-maġġoranza tas-self lil persuni fiżiċi għax-xiri ta' proprjetajiet residenzjali f'dak l-Istat Membru huma ggarantiti minn fornitur tal-protezzjoni b'valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nnominata li tikkorrispondi għal skala tal-kwalità kreditizja 1 jew 2, dan huwa meħtieġ sabiex l-istituzzjoni titħallas lura bis-sħiħ meta l-mutwatarju oriġinali jsir inadempjenti;

(c) l-istituzzjoni għandha d-dritt legali li tieħu ipoteka fuq il-proprjetà residenzjali fil-każ li l-fornitur tal-protezzjoni msemmi fil-punt (b) ma jissodisfax jew ma jkunx jista' jissodisfa aktar l-obbligi tiegħu skont il-garanzija pprovduta.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinformaw lill-EBA meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (b) u (c), ta' dan il-paragrafu jiġu ssodisfati fit-territorji nazzjonali tal-ġuriżdizzjonijiet tagħhom, u għandhom jipprovdu l-ismijiet tal-forniturі tal-protezzjoni eliġibbli għal dak it-trattament li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dan il-paragrafu u tal-paragrafu 5.

L-EBA għandha tippubblika l-lista tal-forniturі tal-protezzjoni eliġibbli kollha bħal dawn fuq is-sit web tagħha u taġġorna dik il-lista kull sena.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, is-self imsemmi f'dak il-paragrafu jista' jiġi ttrattat bħala skoperturi ggarantiti b'ipoteka fuq proprjetà residenzjali, minflok ma jiġi ttrattat bħala skoperturi ggarantiti, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) għal skopertura li hija ttrattata skont l-Approċċ Standardizzat, l-iskopertura tissodisfa r-rekwiżiti kollha li għandhom jiġu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi tal-Approċċ Standardizzat "skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli" skont l-Artikoli 124 u 125 bl-eċċezzjoni li l-istituzzjoni li tagħti s-self ma żżommx ipoteka fuq il-proprjetà residenzjali;

(b) għal skopertura li hija ttrattata skont l-Approċċ IRB, l-iskopertura tissodisfa r-rekwiżiti kollha li għandhom jiġu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi tal-IRB "skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti bi proprjetà residenzjali" imsemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (d)(ii), bl-eċċezzjoni li l-istituzzjoni li tagħti s-self ma żżommx ipoteka fuq il-proprjetà residenzjali;

(c) ma jkun hemm l-ebda rahan ipotekarju fuq il-proprjetà residenzjali meta jingħata s-self u għas-self mogħti mill-1 ta' Jannar 2014 il-mutwatarju jkun kuntrattwalment marbut li ma jagħti l-ebda rahan ipotekarju mingħajr il-kunsens tal-istituzzjoni li oriġinarjament tkun tat is-self;

▼M17

(d) il-fornitur tal-protezzjoni huwa fornitur tal-protezzjoni eliġibbli kif imsemmi fl-Artikolu 201, u għandu valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata li tikkorrispondi għal skala tal-kwalità kreditizja 1 jew 2;

(e) il-fornitur tal-protezzjoni jkun istituzzjoni jew entità tas-settur finanzjarju soġġetta għal rekwiżiti ta' fondi proprji komparabbli għal dawk applikabbli għal istituzzjonijiet jew għal impriżi tal-assigurazzjoni;

(f) il-fornitur tal-protezzjoni jkun stabbilixxa fond ta' garanzija reċiproka ffinanzjat bis-sħiħ jew protezzjoni ekwivalenti għall-impriżi tal-assigurazzjoni sabiex jassorbu t-telf mir-riskju ta' kreditu, li l-kalibrazzjoni tiegħu tiġi rieżaminata perjodikament mill-awtorità kompetenti tiegħu u tkun soġġetta għal ittestjar għal stress perjodiku, tal-anqas kull sentejn;

(g) l-istituzzjoni għandha kuntrattwalment u legalment is-setgħa li tieħu ipoteka fuq il-proprjetà residenzjali fil-każ li l-fornitur tal-protezzjoni ma jissodisfax l-obbligi tiegħu jew ma jkunx jista' jissodisfa aktar l-obbligi tiegħu skont il-garanzija pprovduta.

6. Istituzzjonijiet li jużaw l-għażla prevista fil-paragrafu 4 għal fornitur tal-protezzjoni eliġibbli partikolari skont il-mekkaniżmu msemmi f'dak il-paragrafu għandhom jagħmlu dan għall-iskoperturi kollha tiegħu għal persuni fiżiċi ggarantiti minn dak il-fornitur tal-protezzjoni skont dak il-mekkaniżmu.

▼M5

Artikolu 109

Trattament ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju għal pożizzjoni li għandhom f'titolizzazzjoni skont il-Kapitolu 5.

▼B

Artikolu 110

Trattament tal-aġġustament għar-riskju ta' kreditu

1. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ Standardizzat għandhom jittrattaw l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont l-Artikolu 62(c).

2. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB għandhom jittrattaw l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont l-Artikolu 159, l-Artikolu 62(d) u l-Artikolu 36(1)(d).

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Kapitoli 2 u 3, l-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi għar-riskju ta' kreditu għandhom jeskludu l-fondi għal riskji bankarji ġenerali.

3. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ IRB li japplikaw l-Approċċ Standardizzat għal parti tal-iskoperturi tagħhom fuq bażi konsolidata jew individwali, skont l-Artikoli 148 u 150 għandhom jiddeterminaw il-parti tal-aġġustament ġenerali għar-riskju ta' kreditu li tkun sejra tiġi assenjata għat-trattament tal-aġġustament ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont l-Approċċ Standardizzat u għat-trattament tal-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont l-Approċċ IRB kif ġej:

▼B

(a) fejn applikabbli meta istituzzjoni inkluża fil-konsolidazzjoni tapplika b'mod esklussiv l-Approċċ IRB, l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu ta' din l-istituzzjoni għandhom jiġu assenjati għat-trattament stabbiliti f'dan il-paragrafu 2;

(b) fejn applikabbli, meta istituzzjoni inkluża fil-konsolidazzjoni tapplika b'mod esklussiv l-Approċċ Standardizzat, l-aġġustament ġenerali għar-riskju ta' kreditu ta' din l-istituzzjoni għandu jiġi assenjat lit-trattament stabbilit fil-paragrafu 1;

(c) Il-bqija tal-aġġustament għar-riskju ta' kreditu għandu jiġi assenjat fuq bażi prorata skont il-proporzjon tal-ammonti tal-iskopertura ppeżati għar-riskju soġġett għall-Approċċ Standardizzat u soġġett għall-Approċċ IRB.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kalkolu tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u l-aġġustamenti ġenerali għar-riskju ta' kreditu skont il-qafas kontabilistiku applikabbli għal li ġejjin:

(a) il-valur tal-iskopertura skont l-Approċċ Standardizzat imsemmi fl-Artikolu 111;

(b) il-valur tal-iskopertura skont l-Approċċ IRB imsemmi fl-Artikoli 166 sa 168;

(c) it-trattament tal-ammonti ta' telf mistennija msemmi fl-Artikolu 159;

(d) il-valur tal-iskopertura għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 246 u 266;

(e) id-determinazzjoni ta' inadempjenza skont l-Artikolu 178;

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

Artikolu 110a

Monitoraġġ ta' arranġamenti kuntrattwali li mhumiex impenji

L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw l-arranġamenti kuntrattwali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 5, il-punti (10)(a) sa (e), it-tieni subparagrafu, u għandhom jiddokumentaw għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom il-konformità tagħhom ma' dawn il-kundizzjonijiet kollha.

▼B

KAPITOLU 2

Approċċ standardizzat

Taqsima 1

Prinċipji ġenerali

▼M17

Artikolu 111

Valur tal-iskopertura

1. Il-valur ta' iskopertura ta' element ta' assi għandu jkun il-valur kontabilistiku residwu tagħha wara li jkunu ġew applikati aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 110, aġġustamenti tal-valur addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 34 relatati man-negozju tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni, ammonti mnaqqsin f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m), u tnaqqis ieħor minn fondi proprji relatat mal-element ta' assi.

2. Il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ elenkat fl-Anness I għandu jkun il-perċentwal li ġej tal-valur nominali tal-element wara t-tnaqqis tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 110 u l-ammonti mnaqqsin f'konformità mal- Artikolu 36(1), il-punt (m):

(a) 100 % għall-elementi fil-bucket 1;

(b) 50 % għall-elementi fil-bucket 2;

(c) 40 % għall-elementi fil-bucket 3;

(d) 20 % għall-elementi fil-bucket 4;

(e) 10 % għall-elementi fil-bucket 5.

3. Il-valur tal-iskopertua ta' impenn fuq element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun l-aktar baxx mill-perċentwali li ġejjin tal-valur nominali tal-impenn wara t-tnaqqis tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u l-ammonti mnaqqsin f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m):

(a) il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li huwa applikabbli għall-element li fuqu jsir l-impenn;

(b) il-perċentwal imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li huwa applikabbli għat-tip ta' impenn.

4. Arranġamenti kuntrattwali offruti minn istituzzjoni, iżda li għadhom ma ġewx aċċettati mill-klijent, li jsiru impenji jekk jiġu aċċettati mill-klijent, għandhom jiġu trattati bħala impenji u l-perċentwal applikabbli għandu jkun dak previst f'konformità mal-paragrafu 2.

Għal arranġamenti kuntrattwali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5, il-punti (10)(a) sa (e), it-tieni subparagrafu, il-perċentwal applikabbli għandu jkun ta' 0 %.

▼M17

5. Meta istituzzjoni tkun qiegħda tuża l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju msemmi fl-Artikolu 223, il-valur tal-iskopertura ta' titoli jew ta' komoditajiet mibjugħin, imdaħħla jew mogħtija b'self skont tranżazzjoni li tiffinanzja t-titoli għandu jiżdied bl-aġġustament għall-volatilità xieraq għal tali titoli jew komoditajiet f'konformità mal-Artikoli 223 u 224.

6. Il-valur tal-iskopertura ta' strument ta' derivati elenkat fl-Anness II għandu jiġi ddeterminat f'konformità mal-Kapitolu 6, filwaqt li jitqiesu l-effetti tal-kuntratti ta' novazzjoni u ta' ftehimiet oħrajn ta' netting kif speċifikat f'dak il-Kapitolu. Il-valur tal-iskopertura ta' tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw it-titoli u tranżazzjonijiet ta' saldu twil jista' jiġi ddeterminat f'konformità mal-Kapitolu 4 jew 6.

7. Meta l-iskopertura tkun koperta minn protezzjoni ta' kreditu finanzjata, il-valur tal-iskoperturaa jista' jiġi emendat f'konformità mal-Kapitolu 4.

8. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-kriterji li l-istituzzjonijiet għandhom jużaw sabiex jassenjaw elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, bl-eċċezzjoni tal-elementi diġà inklużi fl-Anness I, għall-buckets minn 1 sa 5 imsemmija fl-Anness I;

(b) il-fatturi li jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-istituzzjonijiet li jikkanċellaw l-impenji kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet imsemmija fl-Anness I;

(c) il-proċess għan-notifika lill-EBA dwar il-klassifikazzjoni tal-istituzzjonijiet ta' elementi oħrajn li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jġorru riskji simili għal dawk imsemmija fl-Anness I.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2025.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 112

Klassijiet ta' skopertura

Kull skopertura għandha tiġi assenjata f'waħda mill-klassijiet differenti ta' skopertura:

(a) skoperturi għal gvernijiet ċentrali jew għal banek ċentrali;

(b) skoperturi għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali;

(c) skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku;

(d) skoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp;

(e) skoperturi għal organizzazzjonijiet internazzjonali;

(f) skoperturi għal istituzzjonijiet;

(g) skoperturi għal impriżi;

(h) skoperturi fil-livell tal-konsumatur;

▼M17

(i) skoperturi ggarantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli u skoperturi ADC;

▼B

(j) skoperturi f' inadempjenza;

▼M17

(k) skoperturi għal dejn subordinat;

▼B

(l) skoperturi fil-forma ta' bonds koperti;

(m) elementi li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(n) skoperturi għal istituzzjonijiet u għal impriżi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir;

(o) skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'impriżi ta' investiment kollettiv ("CIUs");

(p) skoperturi ta' ekwità;

(q) elementi oħrajn.

Artikolu 113

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju

▼M17

1. Biex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' skopertura ponderati għar-riskju, il-piżijiet tar-riskju għandhom jiġu applikati għall-iskoperturi kollha, sakemm dawk l-iskoperturi ma jitnaqqsux mill-fondi proprji jew huma soġġetti għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 72e(5), l-ewwel subparagrafu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 2 ta' dan ir-Regolament. L-applikazzjoni tal-piżijiet tar-riskju għandha tkun ibbażata fuq il-klassi tal-iskoperturi li fiha tkun assenjata l-iskopertura u, sal-limitu speċifikat fit-Taqsima 2, il-kwalità kreditizja tagħha. Il-kwalità kreditizja tista' tiġi stabbilita b'referenza għall-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAIs jew għall-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' aġenziji dwar krediti għall-esportazzjoni f'konformità mat-Taqsima 3. Bl-eċċezzjoni ta' skoperturi assenjati għall-klassijiet tal-iskoperturi stabbiliti fl-Artikolu 112, il-punti (a), (b), (c) u (e), ta' dan ir-Regolament meta l-valutazzjoni f'konformità mal-Artikolu 79, il-punt (b) tad-Direttiva 2013/36/UE tirrifletti karatteristiċi ta' riskju ogħla minn dawk implikati mill-iskala ta' kwalità kreditizja li għaliha tkun assenjata l-iskopertura abbażi tal-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI nominata jew tal-aġenzija ta' krediti għall-esportazzjoni, l-istituzzjoni għandha tassenja piż tar-riskju tal-anqas skala waħda tal-kwalità kreditizja ogħla mill-piż tar-riskju implikat mill-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI nominata jew tal-aġenzija ta' krediti għall-esportazzjoni.

▼B

2. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' piż tar-riskju, kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-valur tal-iskopertura għandu jiġi mmultiplikat bil-piż tar-riskju speċifikat jew stabbilit skont it-Taqsima 2.

▼M17

3. Meta skopertura tkun soġġetta għall-protezzjoni ta' kreditu, il-valur tal-iskopertura jew il-piż tar-riskju applikabbli għal dik l-iskopertura, kif xieraq, jistgħu jiġu emendati f'konformità ma' dan il-Kapitolu u l-Kapitolu 4.

▼B

4. L-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għal skoperturi titolizzati għandhom jiġu kkalkolati skont il-Kapitolu 5.

▼M17

5. Il-valur tal-iskopertura ta' kwalunkwe element ieħor li għalih ma huwa pprovdut l-ebda piż tar-riskju skont dan il-Kapitolu għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 100 %.

▼B

6. ►M17 Bl-eċċezzjoni ta' skoperturi li jwasslu għal elementi tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, tal-Grad 1 jew tal-Grad 2 Addizzjonali, istituzzjoni tista', soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti, tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għall-iskoperturi ta' dik l-istituzzjoni għal kontroparti li tkun l-impriża prinċipali tagħha, is-sussidjarja tagħha, sussidjarja tal-impriża prinċipali tagħha, jew impriża marbuta mal-istituzzjoni permezz ta' relazzjoni skont it-tifsir tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE. L-awtoritajiet kompetenti jingħataw is-setgħa li jagħtu approvazzjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: ◄

▼M17

(a) il-kontroparti tkun istituzzjoni, jew istituzzjoni finanzjarja soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali xierqa;

▼B

(b) il-kontroparti tkun inkluża fl-istess konsolidazzjoni bħall-istituzzjoni fuq bażi totali;

(c) il-kontroparti tkun soġġetta għall-istess proċeduri għall-valutazzjoni tar-riskju, ta' kalkolu u ta' kontrolli bħall-istituzzjoni;

(d) il-kontroparti tkun stabbilita fl-istess Stat Membru bħall-istituzzjoni;

(e) ma jkun hemm l-ebda impediment legali, materjali jew prattiku kurrenti jew previst għat-trasferiment immedjat tal-fondi proprji jew għar-ripagament ta' obbligazzjonijiet mill-kontroparti għall-istituzzjoni.

Meta l-istituzzjoni, skont dan il-paragrafu, tkun awtorizzata li ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1, hija tista' tassenja piż tar-riskju ta' 0 %.

7. Bl-eċċezzjoni ta' skoperturi li jagħtu lok għal elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 u ta' Grad 2, l-istituzzjonijiet jistgħu, soġġetti għall-permess minn qabel mill-awtoritajiet kompetenti, ma japplikawx ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal skoperturi għal kontropartijiet li magħhom l-istituzzjoni tkun daħlet fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali li jkun arranġament kuntrattwali jew obbligu statutorju li jipproteġi lil dawk l-istituzzjonijiet u partikolarment jiżgura l-likwidità u s-solvenza tagħhom biex jiġi evitat il-falliment fejn ikun meħtieġ. L-awtoritajiet kompetenti huma mogħtija s-setgħa li jagħtu permess jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin jiġu ssodisfatti:

(a) ir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a), (d) u (e) tal-paragrafu 6 jiġu ssodisfatti;

(b) l-arranġamenti jiżguraw li l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali tkun kapaċi tagħti l-appoġġ neċessarju mill-impenn tagħha permezz ta' fondi li jkunu diġà għad-dispożizzjoni tagħha;

▼B

(c) l-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali tiddisponi minn sistemi adegwati u stipulati b’mod uniformi għall-monitoraġġ u l-klassifikazzjoni tar-riskju, li tagħti stampa sħiħa tas-sitwazzjonijiet ta’ riskju tal-membri individwali kollha u tal-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali inġenerali, bi possibbiltajiet korrispondenti biex teżerċita influwenza; dawk is-sistemi għandhom jimmonitorjaw b’mod adegwat l-iskoperturi inadempjenti skont l-Artikolu 178(1);

(d) l-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali twettaq analiżi tar-riskju tagħha stess li tiġi kkomunikata lill-membri individwali;

(e) l-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali tfassal u tippubblika fuq bażi annwali, rapport konsolidat li jinkludi l-karta bilanċjali, il-kont tal-qligħ u t-telf, ir-rapport tas-sitwazzjoni u r-rapport tar-riskju, li jittratta l-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali inġenerali, jew rapport li jinkludi l-karta tal-bilanċ aggregata, il-kont tal-qligħ u t-telf aggregat, ir-rapport tas-sitwazzjoni u r-rapport tar-riskju, fir-rigward tal-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali inġenerali;

(f) il-membri fl-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali huma obbligati li jagħtu avviż bil-quddiem ta’ mill-inqas 24 xahar jekk ikunu jixtiequ jtemmu l-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali;

(g) l-użu multiplu ta’ elementi diversi eliġibbli għall-kalkolu tal-fondi proprji (minn hawn ’il quddiem “ingranaġġ multiplu”) kif ukoll kull ħolqien mhux xieraq ta’ fondi proprji bejn il-membri fl-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali għandu jiġi eliminat;

(h) l-iskema ta’ protezzjoni istituzzjonali għandha tkun ibbażata fuq sħubija wiesgħa tal-istituzzjonijiet tal-kreditu li jkollhom profil tan-negozju prinċipalment omoġenju;

(i) l-adegwatezza tas-sistemi msemmija fil-punti (c) u (d) tkun approvata u mmonitorjata f’intervalli regolari mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

Meta l-istituzzjoni, skont dan il-paragrafu, tiddeċiedi li ma tapplikax ir-rekwiżiti tal-paragrafu 1, hija tista’ tassenja piż tar-riskju ta’ 0 %.

Taqsima 2

Piżijiet tar-riskju

Artikolu 114

L-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali jew għal banek ċentrali

1. L-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta’ 100 %, sakemm ma japplikawx it-trattamenti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 7.

2. L-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 1 li tikkorrispondi għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI skont l-Artikolu 136.

▼B

Tabella 1

Skala tal-kwalità tal-kreditu	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	0 %	20 %	50 %	100 %	100 %	150 %

3. L-iskoperturi għall-BĊE għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %.

4. L-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali tal-Istati Membri, u għall-banek ċentrali ddenominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' dak il-gvern ċentrali u tal-bank ċentrali għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %.

▼C2

_____

▼M11

_____

▼B

7. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji li jkunu tal-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni jassenjaw piż tar-riskju li jkun anqas minn dak indikat fil-paragrafi 1 sa 2 għal skoperturi għall-gvern ċentrali u għall-bank ċentrali tagħhom ddenonimati u ffinanzjati fil-munita domestika, l-istituzzjonijiet jistgħu jippeżaw għar-riskju dawn l-iskoperturi bl-istess mod.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġetta għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' din id-deċiżjoni, sal-1 ta' Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit f'dan il-paragrafu għall-iskoperturi tal-gvern ċentrali jew il-bank ċentrali tal-pajjiż terz meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kienu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

Artikolu 115

L-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali

▼M17

-1. L-iskoperturi għall-gvernijiet reġjonali jew għall-awtoritajiet lokali li għalihom ikun hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 1, li jikkorrispondi għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI f'konformità mal-Artikolu 136.

Tabella 1

Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	20 %	50 %	50 %	100 %	100 %	150 %

1. L-iskoperturi għall-gvernijiet reġjonali jew għall-awtoritajiet lokali li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mal-iskala ta' kwalità kreditizja li għaliha jkunu assenjati l-iskoperturi għall-gvern ċentrali tal-ġuriżdizzjoni fejn ikunu inkorporati l-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali f'konformità mat-Tabella 2.

▼M17

Tabella 2

Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	20 %	50 %	100 %	100 %	100 %	150 %

Għall-iskoperturi msemmija fl-ewwel subparagrafu, għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 100 % meta l-gvern ċentrali tal-ġuriżdizzjoni li fiha jkunu inkorporati gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali ma jkunx ikklassifikat.

▼B

2. ►M17 B'deroga mill-paragrafi - 1 u 1, l-iskoperturi għall-gvernijiet reġjonali jew għall-awtoritajiet lokali għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali fil-ġuriżdizzjoni li fiha jkunu stabbiliti meta ma jkunx hemm differenza fir-riskju bejn dawn l-iskoperturi minħabba s-setgħat speċifiċi ta' dawk tal-ewwel biex jiġġeneraw dħul, u l-eżistenza ta' arranġamenti istituzzjonali speċifiċi li l-effett tagħhom ikun li jnaqqas ir-riskju ta' inadempjenza tagħhom. ◄

L-ABE għandha żżomm bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku tal-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali kollha fi ħdan l-Unjoni li l-awtoritajiet kompetenti rilevanti jitrattaw bħala skoperturi tal-gvernijiet ċentrali tagħhom.

▼M17

3. L-iskoperturi għal knejjes jew għal komunitajiet reliġjużi kostitwiti fil-forma ta' persuna ġuridika skont id-dritt pubbliku għandhom, sakemm jiġbru t-taxxi f'konformità mal-atti legali li tikkonferixxi lilhom id-dritt li jagħmlu dan, jiġu trattati bħala skoperturi għal gvernijiet reġjonali u għal awtoritajiet lokali. F'dak il-każ, il-paragrafu 2 ma għandux japplika.

▼B

4. ►M17 B'deroga mill-paragrafi - 1 u 1, meta l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji li mill-inqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni jittrattaw l-iskoperturi għall-gvernijiet reġjonali jew għall-awtoritajiet lokali bħala skoperturi għall-gvern ċentrali tagħhom u ma jkunx hemmx differenza fir-riskju bejn dawn l-iskoperturi minħabba li l-gvern reġjonali jew l-awtoritajiet lokali jkollhom setgħat speċifiċi biex jiġġeneraw dħul u arranġamenti istituzzjonali speċifiċi biex inaqqsu r-riskju ta' inadempjenza, l-istituzzjonijiet jistgħu jippeżaw ir-riskju ta' skoperturi għal dawn il-gvernijiet reġjonali u l-awtoritajiet lokali bl-istess mod. ◄

Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista’ tadotta, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, u soġġetta għall-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta’ tali deċiżjoni, sal-1 ta’ Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit f’dan il-paragrafu għall-pajjiż terz meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kienu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel l-1 ta’ Jannar 2014.

▼M17

5. B'deroga mill-paragrafi - 1 u 1, skoperturi għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali tal-Istati Membri li mhumiex imsemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4 u li huma denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' dak il-gvern reġjonali jew l-awtorità lokali għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 20 %.

▼B

Artikolu 116

L-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku

1. L-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont l-iskala ta' kwalità kreditizja li għaliha jkunu assenjati l-iskoperturi għall-gvern ċentrali tal-ġurisdizzjoni fejn tkun inkorporata l-entità tas-settur pubbliku skont it-Tabella 2 segwenti:

Tabella 2

Skala tal-kwalità kreditizja li għaliha l-gvern ċentrali jkun assenjat	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	20 %	50 %	100 %	100 %	100 %	150 %

Fir-rigward ta' skoperturi għall-entitajiet tas-settur pubbliku inkorporati f'pajjiżi fejn il-gvern ċentrali mhuwiex ikklassifikat, il-piż tar-riskju għandu jkun ta' 100 %.

▼M17

2. L-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 115(-1).

▼B

3. Fir-rigward ta' skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku b'maturità oriġinali ta' inqas minn tliet xhur, il-piż tar-riskju għandu jkun ta' 20 %.

4. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-iskoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jiġu ttrattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali, għall-gvern reġjonali jew għall-awtorità lokali li fil-ġurisdizzjoni tagħhom ikunu stabbiliti meta fl-opinjoni tal-awtoritajiet kompetenti ta' din il-ġurisdizzjoni ma jkun hemm l-ebda differenza fir-riskju bejn dawn l-iskoperturi minħabba l-eżistenza ta' garanzija adegwata mill-gvern ċentrali, il-gvern reġjonali jew l-awtorità lokali.

▼M17

L-EBA għandha żżomm bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku tal-entitajiet kollha tas-settur pubbliku fl-Unjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu.

▼B

5. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz, li japplikaw arranġamenti superviżorji u regolatorji li mill-inqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni, jittrattaw l-iskoperturi għall-entitajiet tas-settur pubbliku f'konformità mal-paragrafu 1 jew 2, l-istituzzjonijiet jistgħu jippeżaw ir-riskju ta' skoperturi għal dawn l-entitajiet tas-settur pubbliku bl-istess mod. Altrimenti, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 100 %.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġetta għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta' tali deċiżjoni, sal-1 ta' Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit f'dan il-paragrafu għall-pajjiż terz meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kienu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

▼B

Artikolu 117

L-iskoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp

▼M17

1. Skoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp li mhumiex imsemmija fil-paragrafu 2 u li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 1. Skoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp li mhumiex imsemmija fil-paragrafu 2 li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 50 %.

Tabella 1

Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	20 %	30 %	50 %	100 %	100 %	150 %

▼B

Il-Korporazzjoni Inter-Amerikana għall-Investiment, il-Bank tal-Kummerċ u l-Iżvilupp tal-Baħar l-Iswed, il-Bank tal-Amerika Ċentrali għall-Integrazzjoni Ekonomika u l-Bank tal-Iżvilupp CAF tal-Amerika Latina għandhom jiġu kkunsidrati bħala banek multilaterali tal-iżvilupp.

2. L-iskoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp li ġejjin għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %:

(a) il-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;

(b) il-Korporazzjoni Finanzjarja Internazzjonali;

(c) il-Bank Inter-Amerikan tal-Iżvilupp;

(d) il-Bank Asjatiku tal-Iżvilupp;

(e) il-Bank Afrikan tal-Iżvilupp;

(f) il-Bank ta' Żvilupp tal-Kunsill tal-Ewropa;

(g) il-Bank Nordiku tal-Investiment;

(h) il-Bank Karibew tal-Iżvilupp;

(i) il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;

(j) il-Bank Ewropew tal-Investiment;

(k) il-Fond Ewropew tal-Investiment;

(l) l-Aġenzija Multilaterali tal-Garanzija tal-Investiment;

(m) il-Faċilità Internazzjonali ta' Finanzjament għall-Immunizzazzjoni;

(n) il-Bank Islamiku tal-Iżvilupp;

▼M8

(o) l-Assoċjazzjoni Internazzjonali għall-Iżvilupp;

(p) il-Bank Asjatiku tal-Investiment fl-Infrastruttura.

▼M8

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 462 li temenda, f'konformità mal-istandards internazzjonali, il-lista ta' banek ta' żvilupp multilaterali msemmija fl-ewwel subparagrafu.

▼B

3. Għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 20 % għall-porzjoni ta' kapital mhux imħallas sottoskritt għall-Fond Ewropew tal-Investiment.

Artikolu 118

L-iskoperturi għal organizzazzjonijiet internazzjonali

L-iskoperturi għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li ġejjin għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %:

▼M8

(a) l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika;

▼B

(b) il-Fond Monetarju Internazzjonali;

(c) il-Bank għas-Saldu Internazzjonali;

(d) il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja;

(e) il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

(f) istituzzjoni finanzjarja internazzjonali stabbilita minn żewġ Stati Membri jew aktar, li għandha l-għan li timmobilizza l-finanzjament u li tipprovdi assistenza finanzjarja għall-benefiċċju tal-membri tagħha li jkunu qegħdin għaddejjin minn problemi finanzjarji serji jew li jkunu mhedda bihom.

Artikolu 119

L-iskoperturi għal istituzzjonijiet

1. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu ppeżati għar-riskju skont l-Artikolu 120. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu ppeżati għar-riskju skont l-Artikolu 121.

▼M17

_____

▼B

4. Skopertura għal istituzzjoni fil-forma ta' riżervi minimi meħtieġa mill-BĊE jew mill-bank ċentrali ta' Stat Membru li għandhom jinżammu minn istituzzjoni tista' tiġi ppeżata għar-riskju bħala skoperturi għall-bank ċentrali tal-Istat Membru inkwistjoni sakemm:

(a) ir-riżervi jkunu miżmuma skont ir-Regolament (KE) Nru 1745/2003 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-12 ta' Settembru tal-2003 dwar l-applikazzjoni ta' riżervi minimi ([1]) jew skont rekwiżiti nazzjonali fl-aspetti materjali kollha ekwivalenti għal dak ir-Regolament;

([1]) ĠU L 250, 2.10.2003, p. 10.

▼B

(b) fil-każ ta’ falliment jew insolvenza tal-istituzzjoni fejn ir-riżervi jkunu miżmuma, ir-riżervi jitħallsu lura kompletament lill-istituzzjoni fil-ħin u ma jkunux disponibbli biex jissodisfaw obbligazzjonijiet oħra tal-istituzzjoni.

▼M9

5. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet finanzjarji awtorizzati u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti u soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali komparabbli għal dawk applikati għall-istituzzjonijiet f’termini ta’ robustezza għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, ir-rekwiżiti prudenzjali dstabbiti fir-Regolament (UE) 2019/2033 għandhom jiġu kkunsidrati bħala paragunabbli għal dawk applikati għal istituzzjonijiet f'termini ta' robustezza.

▼B

Artikolu 120

L-iskoperturi għal istituzzjonijiet ikklassifikati

▼M17

1. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet li għalihom ikun hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 1 li jikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI f'konformità mal-Artikolu 136.

Tabella 1

Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	20 %	30 %	50 %	100 %	100 %	150 %

2. L-iskoperturi għall-istituzzjonijiet b'maturità oriġinali ta' tliet xhur jew anqas li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u skoperturi li jirriżultaw mill-moviment ta' oġġetti bejn il-fruntieri nazzjonali b'maturità oriġinali ta' sitt xhur jew inqas u li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 2 li jikkorrispondi għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI f'konformità mal-Artikolu 136.

Tabella 2

Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	20 %	20 %	20 %	50 %	50 %	150 %

▼B

3. L-interazzjoni bejn it-trattament tal-valutazzjoni tal-kreditu ta’ terminu qasir skont l-Artikolu 131 u t-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta’ terminu qasir stipulati fil-paragrafu 2 għandha tkun kif ġej:

(a) Jekk ma jkunx hemm valutazzjoni tal-iskopertura ta’ terminu qasir, it-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta’ terminu qasir kif speċifikat fil-paragrafu 2 għandu japplika għall-iskoperturi kollha għall-istituzzjonijiet b’mhux aktar minn tliet xhur ta’ maturità residwa;

▼B

(b) Jekk ikun hemm valutazzjoni ta' terminu qasir u din il-valutazzjoni tistabbilixxi l-applikazzjoni ta' piż tar-riskju li jkun aktar favorevoli jew identiku għall-użu ta' trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir, kif speċifikat fil-paragrafu 2, għal dik l-iskopertura speċifika biss għandha tintuża l-valutazzjoni ta' terminu qasir. Skoperturi oħra ta' terminu qasir għandhom isegwu t-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir, kif speċifikat fil-paragrafu 2;

(c) Jekk ikun hemm valutazzjoni ta' terminu qasir u din il-valutazzjoni tistabbilixxi piż tar-riskju li jkun inqas favorevoli mill-użu tat-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir, kif speċifikat fil-paragrafu 2, ma għandux jintuża t-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi ta' terminu qasir u l-pretensjonijiet kollha ta' terminu qasir mhux ikklassifikati għandhom jiġu assenjati l-istess piż tar-riskju bħal dak applikat mill-valutazzjoni speċifika ta' terminu qasir.

▼M17

Artikolu 121

Skoperturi għal istituzzjonijiet mhux ikklassifikati

1. Skoperturi għal istituzzjonijiet li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati għal wieħed mill-gradi li ġejjin:

(a) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin, l-iskoperturi għall-istituzzjonijiet għandhom jiġu assenjati għall-Grad A:

(i) l-istituzzjoni jkollha kapaċità adegwata sabiex twettaq l-impenji finanzjarji tagħha, inkluż ir-ripagamenti tal-kapital u tal-imgħax, fil-ħin, għall-ħajja mbassra tal-assi jew tal-iskoperturi u irrispettivament miċ-ċikli ekonomiċi u mill-kundizzjonijiet tan-negozju;

(ii) l-istituzzjoni tissodisfa jew taqbeż ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1) ta' dan ir-Regolament, b'kont meħud tal-Artikolu 458(2), il-punti (d)(i) u (vi), u l-Artikolu 459, il-punt (a), ta' dan ir-Regolament, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE, ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata ta' kapital iddefinit fl-Artikolu 128, il-punt (6) tad-Direttiva 2013/36/UE, jew kwalunkwe rekwiżit superviżorju u regolatorju lokali ekwivalenti jew addizzjonali f'pajjiżi terzi, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jiġu ppubblikati u għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, mill-kapital ta' Grad 1 jew mill-fondi proprji, kif applikabbli;

(iii) l-informazzjoni dwar jekk ir-rekwiżiti msemmija fil-punt (ii) ta' dan il-punt humiex issodisfati jew jinqabżux mill-istituzzjoni tiġi ddikjarata pubblikament jew issir disponibbli b'xi mod ieħor għall-istituzzjoni mutwanti;

(iv) il-valutazzjoni mwettqa mill-istituzzjoni mutwanti f'konformità mal-Artikolu 79 tad-Direttiva 2013/36/UE ma tkunx żvelat li l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) u (ii) ta' dan il-punt;

▼M17

(b) meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin u ma tiġix issodisfata tal-anqas waħda mill-kundizzjonijiet fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, l-iskoperturi għall-istituzzjonijiet għandhom jiġu assenjati għall-Grad B:

(i) l-istituzzjoni tkun soġġetta għal riskju ta' kreditu sostanzjali, inkluż il-kapaċitajiet ta' ripagament li jiddependu minn kundizzjonijiet ekonomiċi jew kummerċjali stabbli jew favorevoli;

(ii) l-istituzzjoni tissodisfa jew taqbeż ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(1) ta' dan ir-Regolament, b'kont meħud tal-Artikolu 458(2), il-punt (d)(i), u l-Artikolu 459, il-punt (a), ta' dan ir-Regolament, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE„ jew kwalunkwe rekwiżit superviżorju jew regolatorju lokali ekwivalenti u addizzjonali f'pajjiżi terzi, sa fejn dawk ir-rekwiżiti jiġu ppubblikati u għandhom jiġu ssodisfati mill-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, mill-kapital ta' Grad 1 jew mill-fondi proprji, kif applikabbli;

(iii) l-informazzjoni dwar jekk ir-rekwiżiti msemmija fil-punt (ii) ta' dan il-punt humiex issodisfati jew jinqabżux mill-istituzzjoni tiġi ddikjarata pubblikament jew issir disponibbli b'xi mod ieħor għall-istituzzjoni mutwanti;

(iv) il-valutazzjoni mwettqa mill-istituzzjoni mutwanti f'konformità mal-Artikolu 79 tad-Direttiva 2013/36/UE ma tkunx żvelat li l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (i) u (ii) ta' dan il-punt.

(c) meta l-iskoperturi għall-istituzzjonijiet ma jiġux assenjati għall-Grad A jew B, jew meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin, l-iskoperturi għall-istituzzjonijiet għandhom jiġu assenjati għall-Grad C:

(i) l-istituzzjoni jkollha riskji materjali ta' inadempjenza u marġini limitati ta' sikurezza;

(ii) il-kundizzjonijiet kummerċjali, finanzjarji jew ekonomiċi avversi x'aktarx li jwasslu, jew wasslu, għall-inabbiltà tal-istituzzjoni li tissodisfa l-impenji finanzjarji tagħha;

(iii) meta r-rapporti finanzjarji awditjati jkunu meħtieġa mil-liġi għall-istituzzjoni, l-awditur estern ikun ħareġ opinjoni tal-awditjar negattiva jew ikun esprima dubju sostanzjali dwar il-kapaċità tal-istituzzjoni li tkompli bħala istituzzjoni ta' negozju avvjat fir-rapporti finanzjarji awditjati jew fir-rapporti awditjati tiegħu fit-12-il xahar preċedenti.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b)(ii), ta' dan il-paragrafu, ir-rekwiżiti superviżorji u regolatorji lokali ekwivalenti u addizzjonali ma għandhomx jinkludu riżervi ta' kapital ekwivalenti għal dawk iddefiniti fl-Artikolu 128 tad-Direttiva 2013/36/UE.

2. Għal skoperturi għal istituzzjonijiet finanzjarji li huma ttrattati bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 119 (5), għall-fini li jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a)(ii) u (b)(ii) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu humiex issodisfati minn dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw jekk dawk l-istituzzjonijiet finanzjarji jissodisfawx jew jaqbżux kwalunkwe rekwiżit prudenzjali komparabbli.

▼M17

3. Skoperturi assenjati għall-Grad A, B jew C f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju kif ġej:

(a) l-iskoperturi assenjati għall-Grad A, B jew C li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju għal skoperturi fuq terminu qasir f'konformità mat-Tabella 1:

(i) l-iskopertura jkollha maturità oriġinali ta' tliet xhur jew anqas;

(ii) L-iskopertura jkollha maturità oriġinali ta' sitt xhur jew anqas u jirriżulta mill-moviment ta' oġġetti bejn il-fruntieri nazzjonali;

(b) l-iskoperturi assenjati għall-Grad A li ma humiex fuq terminu qasir għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 30 % meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) L-iskopertura ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a);

(ii) il-proporzjon tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni jkun daqs jew ogħla minn 14 %;

(iii) il-proporzjon ta' ingranaġġ tal-istituzzjoni jkun ugwali għal jew ogħla minn 5 %;

(c) l-iskoperturi assenjati għall-Grad A, B jew C li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) jew (b) għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 1.

Meta skopertura għal istituzzjoni ma tkunx denotata fil-munita domestika tal-ġuriżdizzjoni tal-inkorporazzjoni ta' dik l-istituzzjoni, jew meta dik l-istituzzjoni tkun irreġistrat l-obbligazzjoni ta' kreditu f'fergħa f'ġuriżdizzjoni differenti u l-iskopertura ma tkunx fil-munita domestika tal-ġuriżdizzjoni li fiha topera l-fergħa, il-piż tar-riskju assenjat f'konformità mal-punt (a), (b) jew (c), għal skoperturi minbarra dawk b'maturità ta' sena jew anqas li jirriżultaw minn elementi awtolikwidanti u kontinġenti relatati mal-kummerċ li jirriżultaw mill-moviment ta' oġġetti bejn il-fruntieri nazzjonali ma għandux ikun anqas mill-piż tar-riskju ta' skopertura għall-gvern ċentrali tal-pajjiż fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni.

Tabella 1

Valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu	Grad A	Grad B	Grad C
Piż tar-riskju għal skoperturi fuq terminu qasir	20 %	50 %	150 %
Piż tar-riskju	40 %	75 %	150 %

▼B

Artikolu 122

L-iskoperturi għal impriżi

1. L-iskoperturi li għalihom ikun hemm disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 6 li jikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAI skont l-Artikolu 136.

▼M17

Tabella 1

Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	20 %	50 %	75 %	100 %	150 %	150 %

2. Skoperturi li għalihom tali valutazzjoni tal-kreditu ma tkunx disponibbli għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %.

Artikolu 122a

Skoperturi fuq self speċjalizzat

1. Fil-klassi tal-iskoperturi korporattivi msemmija fl-Artikolu 112, il-punt (g), l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw separatament bħala skoperturi fuq self speċjalizzat, skoperturi bil-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(a) l-iskopertura tkun għal entità li nħolqot speċifikament biex tiffinanzja jew tħaddem assi fiżiċi jew tkun skopertura ekonomikament komparabbli ma' tali skopertura;

(b) l-iskopertura ma tkunx relatata mal-finanzjament ta' proprjetà residenzjali jew ta’ proprjetà immobbli kummerċjali u tkun fi ħdan id-definizzjonijiet ta' skoperturi ta' finanzjament ta' oġġetti, ta' finanzjament ta' proġetti jew ta' finanzjament ta' komoditajiet stabbiliti fil-paragrafu 3;

(c) l-arranġamenti kuntrattwali li jirregolaw l-obbligu relatat mal-iskopertura jagħtu lill-istituzzjoni grad sostanzjali ta' kontroll fuq l-assi u fuq l-introjtu li jiġġeneraw;

(d) is-sors primarju tar-ripagament tal-obbligu relatat mal-iskopertura jkun l-introjtu ġġenerat mill-assi finanzjat, aktar milli mill-kapaċità indipendenti ta' impriża kummerċjali akbar.

2. Skoperturi fuq self speċjalizzat li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 1.

Tabella 1

Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	20 %	50 %	75 %	100 %	150 %	150 %

3. Skoperturi fuq self speċjalizzat li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju kif ġej:

(a) meta l-iskop ta' skopertura fuq self speċjalizzat ikun li jiġi ffinanzjat l-akkwist ta' assi fiżiċi, inkluż vapuri, inġenji tal-ajru, satelliti, railcars u flotot, u l-introjtu li għandu jiġi ġġenerat minn dawk l-assi jkun fil-forma ta' flussi ta' flus iġġenerati mill-assi fiżiċi speċifiċi li jkunu ġew iffinanzjati u mirhuna jew assenjati lill-mutwanti (“skoperturi ta' finanzjament ta' oġġetti”), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 100 %;

▼M17

(b) meta l-iskop ta' skopertura fuq self speċjalizzat ikun li jiġi previst finanzjament fuq terminu qasir ta' riżervi, inventarji jew riċevibbli ta' komoditajiet innegozjati fil-borża, inkluż żejt grezz, metalli, jew għelejjel, u l-introjtu li għandu jiġi ġġenerat minn dawk ir-riżervi, inventarji jew riċevibbli għandu jkun ir-rikavati mill-bejgħ tal-komodità ("skoperturi ta' finanzjament ta' komoditajiet"), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 100 %;

(c) meta l-iskop ta' skopertura fuq self speċjalizzat ikun li jiġi ffinanzjat proġett individwali, jew fil-forma ta' kostruzzjoni ta' installazzjoni kapitali ġdida jew inkella rifinanzjament ta' installazzjoni eżistenti, b'titjib jew mingħajr titjib, għall-iżvilupp jew l-akkwist ta' installazzjonijiet kbar, kumplessi u għaljin, inkluż impjanti tal-enerġija, impjanti tal-ipproċessar kimiku, minjieri, infrastruttura tat-trasport, ambjent, u infrastruttura tat-telekomunikazzjoni, li fih l-istituzzjoni mutwanti tħares primarjament lejn id-dħul iġġenerat mill-proġett iffinanzjat, kemm bħala s-sors ta' ripagament kif ukoll bħala t-titolu għas-self ("skoperturi ta' finanzjament ta' proġetti"), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-piżijiet tar-riskju li ġejjin:

(i) 130 % meta l-proġett li l-iskopertura tkun relatata miegħu jkun fil-fażi preoperazzjonali;

(ii) dment li ma jiġix applikat l-aġġustament għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu msemmi fl-Artikolu 501a, 80 % meta l-proġett li l-iskopertura tkun relatata miegħu jkun fil-fażi operazzjonali u l-iskopertura tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:

(1) ikun hemm restrizzjonijiet kuntrattwali fuq il-kapaċità tad-debitur li jwettaq attivitajiet li jistgħu jkunu ta' detriment għall-mutwanti, inkluż ir-restrizzjoni li ma jistax jinħareġ dejn ġdid mingħajr il-kunsens tal-fornituri tad-dejn eżistenti;

(2) id-debitur ikollu biżżejjed fondi ta' riżerva ffinanzjati għal-kollox fi flus kontanti, jew arranġamenti finanzjarji oħra ma' entità, biex ikopri l-finanzjament ta' kontinġenza u l-ħtiġijiet ta' kapital operatorju tul il-ħajja tal-proġett li jkun qed jiġi ffinanzjat, dment li l-entità tiġi assenjata klassifikazzjoni ta' ECAI minn ECAI rikonoxxuta bi skala tal-kwalità kreditizja ta' mill-inqas 3 jew, fil-każ ta' istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni f'konformità mal-Kapitolu 3, meta l-entità ma jkollhiex valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta, dik l-entità tiġi assenjata klassifikazzjoni interna tal-kreditu ekwivalenti għal skala tal-kwalità kreditizja ta' mill-inqas 3 mill-istituzzjoni, dment li dik l-entità tiġi kklassifikata internament mill-istituzzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3, it-Taqsima 6;

(3) il-proġett li miegħu tkun relatata l-iskopertura jiġġenera flussi ta' flus li jkunu prevedibbli u jkopru r-ripagamenti futuri kollha tas-self;

(4) meta d-dħul tad-debitur ma jkunx iffinanzjat permezz ta' pagamenti minn numru kbir ta' utenti, is-sors ta' ripagament tal-obbligu jiddependi minn kontroparti ewlenija waħda u dik il-kontroparti ewlenija tkun waħda minn dawn li ġejjin:

▼M17

— bank ċentrali, gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, dment li dawn jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % f'konformità mal-Artikoli 114 u 115, jew jiġu assenjati klassifikazzjoni ta' ECAI bi skala tal-kwalità kreditizja ta' mill-inqas 3 minn ECAI rikonoxxuta; jew, fil-każ ta' istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni f'konformità mal-Kapitolu 3, fejn il-bank ċentrali, il-gvern ċentrali, il-gvern reġjonali jew l-awtorità lokali ma jkollhomx valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta, dawn jiġu assenjati klassifikazzjoni interna tal-kreditu ekwivalenti għal skala tal-kwalità kreditizja ta' mill-inqas 3 mill-istituzzjoni, dment li dawn jiġu kklassifikati internament mill-istituzzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3, it-Taqsima 6;

— entità tas-settur pubbliku, dment li dik l-entità tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 20 % jew inqas f'konformità mal-Artikolu 116, jew tiġi assenjata klassifikazzjoni ta' ECAI bi skala tal-kwalità kreditizja ta' mill-inqas 3 minn ECAI rikonoxxuta jew, fil-każ ta' istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni f'konformità mal-Kapitolu 3, meta l-entità tas-settur pubbliku ma jkollhiex valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta, dik l-entità tas-settur pubbliku tiġi assenjata klassifikazzjoni interna tal-kreditu ekwivalenti għal skala tal-kwalità kreditizja ta' mill-inqas 3 mill-istituzzjoni, dment li dik l-entità tas-settur pubbliku tiġi kklassifikata internament mill-istituzzjoni f'konformità mal-Kapitolu 3, it-Taqsima 6;

— entità korporattiva li tkun ġiet assenjata klassifikazzjoni ta' ECAI bi skala tal-kwalità kreditizja ta' mill-inqas 3 minn ECAI rikonoxxuta, jew, fil-każ ta' istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni f'konformità mal-Kapitolu 3, meta l-entità korporattiva ma jkollhiex valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta, dik l-entità korporattiva tiġi assenjata klassifikazzjoni interna tal-kreditu ekwivalenti għal skala tal-kwalità kreditizja ta' mill-inqas 3 mill-istituzzjoni, dment li dik l-entità korporattiva tiġi kklassifikata internament mill-istituzzjoni f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3, it-Taqsima 6;

(5) il-klawżoli kuntrattwali li jirregolaw l-iskopertura għad-debitur jipprevedu grad għoli ta' protezzjoni għall-istituzzjoni mutwanti fil-każ ta' inadempjenza tad-debitur;

(6) il-kontroparti ewlenija, jew kontropartijiet oħra li jikkonformaw b'mod simili mal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-kontroparti ewlenija, effettivament jipproteġu lill-istituzzjoni mutwanti kontra telf li jirriżulta mit-terminazzjoni tal-proġett;

(7) l-assi u l-kuntratti kollha meħtieġa għat-tħaddim tal-proġett ikunu ġew mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti sa fejn ikun permess mil-liġi applikabbli;

(8) l-istituzzjoni mutwanti tkun tista' tieħu kontroll tad-debitur fil-każ ta' avveniment ta' inadempjenza;

▼M17

(iii) 100 % meta l-proġett li l-iskopertura tkun relatata miegħu jkun fil-fażi operazzjonali u l-iskopertura ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (ii);

(d) għall-finijiet tal-punt (c)(ii)(3), il-flussi ta' flus iġġenerati m'għandhomx jitqiesu bħala prevedibbli sakemm parti sostanzjali tad-dħul ma tkunx tissodisfa waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) id-dħul ikun ibbażat fuq id-disponibbiltà, li jfisser li, ladarba l-kostruzzjoni titlesta, dment li l-kundizzjonijiet kuntrattwali jiġu ssodisfati, id-debitur ikun intitolat għal pagamenti mill-kontropartijiet kuntrattwali tiegħu li jkopru l-ispejjeż operazzjonali u ta' manutenzjoni, l-ispejjeż tas-servizz tad-dejn u r-redditi tal-ekwità hekk kif id-debitur iħaddem il-proġett, u dawk il-pagamenti ma jkunux soġġetti għal varjazzjonijiet fid-domanda, bħal-livelli ta' traffiku, u jkunu aġġustati tipikament biss għal nuqqas ta' prestazzjoni jew nuqqas ta' disponibbiltà tal-assi għall-pubbliku;

(ii) id-dħul ikun soġġett għal regolamentazzjoni tar-rata tar-redditu;

(iii) id-dħul ikun soġġett għal kuntratt take-or-pay;

(e) għall-finijiet tal-punt (c), il-fażi operazzjonali għandha tfisser il-fażi li fiha l-entità li tkun inħolqot speċifikament biex tiffinanzja l-proġett, jew li tkun ekonomikament komparabbli, tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-entità jkollha fluss ta' flus nett pożittiv li jkun biżżejjed biex ikopri kwalunkwe obbligu kuntrattwali li jifdal;

(ii) l-entità jkollha dejn fuq terminu twil li jkun qed jonqos.

4. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet li skonthom jiġu ssodisfati l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punt (c)(ii).

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 123

Skoperturi fil-livell tal-konsumatur

1. Skoperturi li jikkonformaw mal-kriterji kollha li ġejjin għandhom jitqiesu bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur:

(a) l-iskopertura tkun għal persuna fiżika waħda jew aktar jew għal SME;

(b) l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni, lill-impriżi prinċipali tagħha u lis-sussidjarji tagħha, mid-debitur jew mill-grupp ta' klijenti konnessi, inkluż kwalunkwe skopertura f'inadempjenza iżda eskluż skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, sal-valur tal-proprjetà m'għandux, sa fejn tkun taf l-istituzzjoni, li għandha tieħu passi raġonevoli biex tikkonferma s-sitwazzjoni, jaqbeż EUR 1 miljun;

▼M17

(c) l-iskopertura tirrappreżenta waħda minn numru sinifikanti ta' skoperturi b'karatteristiċi simili, b'tali modi li r-riskji assoċjati ma' tali skopertura jkunu mnaqqsa b'mod sostanzjali;

(d) l-istituzzjoni kkonċernata tittratta l-iskopertura fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskju tagħha u timmaniġġa l-iskopertura internament bħala skopertura fil-livell tal-konsumatur b'mod konsistenti maż-żmien u b'mod li jkun simili għat-trattament mill-istituzzjoni ta' skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur.

Il-valur preżenti tal-pagamenti ta' kera minimi fil-livell tal-konsumatur għandu jkun eliġibbli għall-klassi tal-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur.

▼B

L-iskoperturi li ma jikkonformawx mal-kriterji msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu ma għandhomx jkunu eliġibbli għall-klassi ta’ skopertura fil-livell tal-konsumatur.

▼M17

Sal-10 ta’ Lulju 2025, l-EBA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, biex tispeċifika metodi proporzjonati ta' diversifikazzjoni li skonthom skopertura għandha titqies bħala waħda minn għadd sinifikanti ta' skoperturi simili kif speċifikat fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan il-paragrafu.

2. L-iskoperturi li ġejjin m'għandhomx jitqiesu bħala skoperturi fil-livell tal-konsumatur:

(a) skoperturi mhux ta' dejn li jwasslu għal pretensjoni residwa u subordinata fuq l-assi jew l-introjtu tal-emittent;

(b) skoperturi ta' dejn u titoli, sħubiji, derivattivi oħra, jew strumenti oħra, li s-sustanza ekonomika tagħhom tkun simili għall-iskoperturi speċifikati fil-punt (a);

(c) l-iskoperturi kollha l-oħra fil-forma ta' titoli.

3. L-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur kif imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 75 %, għajr skoperturi ta' tranżatturi, li għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 45 %.

4. Meta kwalunkwe wieħed mill-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 ma jiġix issodisfat għal skopertura għal persuna fiżika waħda jew aktar, l-iskopertura għandha titqies bħala skopertura fil-livell tal-konsumatur u għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta’ 100 %.

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 3, l-iskoperturi minħabba self mogħti minn istituzzjoni lil pensjonanti jew lil impjegati b'kuntratt permanenti kontra t-trasferiment mingħajr kundizzjonijiet ta' parti mill-pensjoni jew mis-salarju tal-mutwatarju lil dik l-istituzzjoni għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 35 %, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) biex jitħallas lura s-self, il-mutwatarju jawtorizza mingħajr kundizzjonijiet lill-fond tal-pensjoni jew lill-impjegatur biex jagħmel pagamenti diretti lill-istituzzjoni billi jnaqqsu l-pagamenti ta' kull xahar tas-self mill-pensjoni jew mis-salarju kull xahar tal-mutwatarju;

▼M17

(b) ir-riskji ta' mewt, ta' inkapaċità għax-xogħol, ta' qgħad jew ta' tnaqqis nett tal-pensjoni jew tas-salarju ta' kull xahar tal-mutwatarju jkunu koperti kif xieraq permezz ta' polza tal-assigurazzjoni għall-benefiċċju tal-istituzzjoni;

(c) il-pagamenti ta' kull xahar li għandhom isiru mill-mutwatarju fuq is-self kollu li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) m'għandhomx jaqbżu, meta aggregati, l-20 % tal-pensjoni jew is-salarju nett fix-xahar tal-mutwatarju;

(d) il-massimu tal-maturità oriġinali tas-self ikun ugwali għal jew inqas minn 10 snin.

Artikolu 123a

Skoperturi b'diskrepanza fil-munita

1. Għal skoperturi għal persuni fiżiċi li jkunu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi imsemmija fl-Artikolu 112, il-punt (h), jew għal skoperturi għal persuni fiżiċi li jikkwalifikaw bħala skoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali li jkunu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 112, il-punt (i), il-piż tar-riskju assenjat f'konformità ma' dan il-Kapitolu għandu jiġi mmultiplikat b'fattur ta' 1,5, fejn il-piż tar-riskju li jirriżulta m'għandux ikun ogħla minn 150 %, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskopertura tkuniddenominata f'munita li hija differenti mill-munita tas-sors ta' introjtu tad-debitur;

(b) id-debitur ma jkollux ħeġġ għar-riskju tal-pagament tiegħu minħabba d-diskrepanza fil-munita, jew permezz ta' strument finanzjarju jew inkella introjtu minn munita barranija li jaqbel mal-munita tal-iskopertura, jew it-total ta' tali ħeġġijiet disponibbli għall-mutwatarju jkopri inqas minn 90 % ta' kull pagament parzjali għal din l-iskopertura.

Meta istituzzjoni ma tkunx tista' tagħżel dawk l-iskoperturi b'diskrepanza fil-munita, il-multiplikatur tal-piż tar-riskju ta' 1,5 għandu japplika għall-iskoperturi mhux iħħeġġjati kollha meta l-munita tal-iskoperturi tkun differenti mill-munita domestika tal-pajjiż ta' residenza tad-debitur.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, is-sors ta' introjtu jirreferi għal kwalunkwe sors li jiġġenera flussi ta' flus lid-debitur, inkluż minn rimessi, minn introjtu mill-kiri jew minn salarji, filwaqt li jeskludi r-rikavati mill-bejgħ ta' assi jew ta' azzjonijiet ta' rikors simili mill-istituzzjoni.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, meta l-par muniti msemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ikun magħmul mill-euro u mill-munita ta' Stat Membru li qed jipparteċipa fit-tieni stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja (ERM II), il-multiplikatur tal-piż tar-riskju ta' 1,5 m'għandux japplika.

Artikolu 124

Skoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli

1. Skopertura mhux ADC li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 3, jew kwalunkwe parti minn skopertura mhux ADC li taqbeż l-ammont nominali tar-rahan fuq il-proprjetà, għandha tiġi ttrattata kif ġej:

▼**M17**

(a) skopertura mhux IPRE għandha tiġi ponderata għar-riskju bħala skopertura għall-kontroparti li mhijiex iggarantita permezz tal-proprjetà immobbli kkonċernata;

(b) skopertura IPRE għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 150 %.

2. Skopertura mhux ADC, sal-ammont nominali tar-rahan fuq il-proprjetà, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandha tiġi ttrattata kif ġej:

(a) meta l-iskopertura tkun iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali,

(i) skopertura mhux IPRE għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikolu 125(1):

(ii) skopertura IPRE għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikolu 125(1) meta tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) il-proprjetà immobbli li tiggarantixxi l-iskopertura tkun ir-residenza primarja tad-debitur, jew meta l-proprjetà immobbli kollha kemm hi tikkostitwixxi unità ta' abitazzjoni waħda jew inkella meta l-proprjetà immobbli li tiggarantixxi l-iskopertura tkun unità ta' abitazzjoni li tkun parti separata fil-proprjetà immobbli;

(2) l-iskopertura tkun għal persuna fiżika u tkun iggarantita minn unità ta' abitazzjoni residenzjali li tipproduċi introjtu, jew meta l-proprjetà immobbli kollha kemm hi tikkostitwixxi unità ta' abitazzjoni waħda jew inkella meta l-unità ta' abitazzjoni tkun parti separata fil-proprjetà immobbli, u l-iskoperturi totali tal-istituzzjoni għal dik il-persuna fiżika ma jkunux iggarantiti permezz ta' aktar minn erba' proprjetajiet immobbli, inkluż dawk li ma jkunux proprjetajiet residenzjali jew li ma jissodisfaw l-ebda wieħed mill-kriterji stabbiliti f'dan il-punt, jew unitajiet ta' abitazzjoni separati fil-proprjetajiet immobbli;

(3) l-iskopertura tkun għal assoċjazzjonijiet jew kooperattivi ta' persuni fiżiċi li jkunu rregolati skont il-liġi nazzjonali u li jeżistu bl-għan uniku li joffru lill-membri tagħhom l-użu ta' residenza primarja fil-proprjetà li tiggarantixxi s-self;

(4) l-iskopertura tkun għal kumpaniji ta' djar tal-gvern jew assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jkunu rregolati bil-liġi u li jeżistu biex jaqdu skopijiet soċjali u joffru abitazzjoni fit-tul lill-inkwilini;

(iii) skopertura IPRE li ma tissodisfa l-ebda waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (ii) ta' dan il-punt għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikolu 125(2);

(b) meta l-iskopertura tkun iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali, din għandha tiġi ttrattata kif ġej:

(i) skopertura mhux IPRE għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikolu 126(1);

(ii) skopertura IPRE għandha tiġi ttrattata f'konformità mal-Artikolu 126(2).

▼M17

3. Sabiex tkun eliġibbli għat-trattament imsemmi fil-paragrafu 2, skopertura ggarantita permezz ta' proprjetà immobbli għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-proprjetà immobbli li tiggarantixxi l-iskopertura tissodisfa kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-proprjetà immobbli tkun tlestiet bis-sħiħ;

(ii) il-proprjetà immobbli tkun foresta jew raba';

(iii) is-self ikun għal persuna fiżika u l-proprjetà immobbli tkun jew proprjetà residenzjali li għadha qed tinbena jew tkun art li fuqha jkun ippjanat li tinbena proprjetà residenzjali meta dak il-pjan ikun ġie approvat legalment mill-awtoritajiet rilevanti kollha, kif applikabbli, u meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) il-proprjetà immobbli ma jkollhiex aktar minn erba' unitajiet ta' abitazzjoni residenzjali u ser tkun ir-residenza primarja tad-debitur u s-self lill-persuna fiżika ma jkunx qed jiffinanzja skoperturi ADC indirettament;

(2) ikunu involuti gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali jew entità tas-settur pubbliku, li l-iskoperturi għalihom jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 115(2) jew l-Artikolu 116(4), rispettivament, u dawn ikollhom is-setgħat u l-kapaċità legali li jiżguraw li l-proprjetà li tkun għadha qed tinbena titlesta f'perjodu ta' żmien raġonevoli u jkunu meħtieġa, jew ikunu ħadu impenn legalment vinkolanti, li jiżguraw it-tlestija meta l-kostruzzjoni kieku ma titlestiex f'tali perjodu ta' żmien raġonevoli; inkella jkun hemm mekkaniżmu legali ekwivalenti fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-proprjetà li tkun għadha qed tinbena titlesta f'perjodu ta' żmien raġonevoli;

(b) l-iskopertura tkun iggarantita bl-ewwel rahan miżmum mill-istituzzjoni fuq il-proprjetà immobbli, jew l-istituzzjoni żżomm l-ewwel rahan u kwalunkwe rahan sekwenzjali ta' klassifikazzjoni aktar baxxa fuq dik il-proprjetà;

(c) il-valur tal-proprjetà ma jkunx materjalment dipendenti fuq il-kwalità kreditizja tad-debitur;

(d) l-informazzjoni kollha meħtieġa fl-oriġinazzjoni tal-iskopertura u għall-finijiet ta' monitoraġġ tkun iddokumentata kif xieraq, inkluż informazzjoni dwar il-kapaċità tad-debitur li jħallas lura u dwar il-valwazzjoni tal-proprjetà;

(e) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 208 ikunu ssodisfati u jiġu rispettati r-regoli dwar il-valwazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 229(1).

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu sitwazzjonijiet fejn fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tad-debitur.

▼**M17**

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu politiki ta' sottoskrizzjoni fir-rigward tal-oriġinazzjoni ta' skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli li jinkludu l-valutazzjoni tal-kapaċità tal-mutwatarju li jħallas lura. Il-politiki ta' sottoskrizzjoni għandhom jinkludu l-metrika rilevanti għal dik il-valutazzjoni u l-livelli massimi rispettivi tagħhom.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, il-punt (b), f'ġuriżdizzjonijiet li fihom irhna subordinati jipprovdu lid-detentur bi pretensjoni fuq kollateral li jkun legalment infurzabbli u jikkostitwixxi mitigant effettiv tar-riskju ta' kreditu, l-irhna subordinati miżmuma minn istituzzjoni li ma tkunx dik li żżomm ir-rahan prijoritarju jistgħu jiġu rrikonoxxuti wkoll, inkluż meta l-istituzzjoni ma żżommx ir-rahan prijoritarju jew ma żżommx rahan bi klassifikazzjoni bejn rahan aktar prijoritarju u rahan aktar subordinat it-tnejn li huma miżmuma mill-istituzzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, ir-regoli li jirregolaw l-irhna għandhom jiżguraw dan kollu li ġej:

(a) kull istituzzjoni li jkollha rahan fuq proprjetà tista' tibda l-bejgħ tal-proprjetà b'mod indipendenti minn entitajiet oħrajn li jkollhom rahan fuq il-proprjetà;

(b) meta l-bejgħ tal-proprjetà ma jsirx permezz ta' rkant pubbliku, l-entitajiet li jkollhom rahan prijoritarju jieħdu passi raġonevoli biex jiksbu valur tas-suq ġust jew l-aħjar prezz li jista' jinkiseb fiċ-ċirkostanzi meta jeżerċitaw kwalunkwe setgħa ta' bejgħ waħedhom.

5. Għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għal faċilitajiet mhux miġbuda, l-irhna li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà kollha stabbiliti fil-paragrafu 3 u, fejn applikabbli, il-paragrafu 4, jistgħu jiġu rikonoxxuti meta l-ġbid skont il-faċilità jkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni preċedenti jew simultanja ta' rahan sal-punt tal-interess tal-istituzzjoni fir-rahan ladarba tinġibed il-faċilità, b'tali mod li l-istituzzjoni ma jkollha l-ebda interess fir-rahan sal-punt li l-faċilità ma tinġibidx.

6. Għall-finijiet tal-Artikolu 125(2) u l-Artikolu 126(2), il-proporzjon tal-iskopertura għall-valur ("ETV") għandu jiġi kkalkulat billi l-ammont gross tal-iskopertura jiġi diviż bil-valur tal-proprjetà soġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-ammont gross tal-iskopertura għandu jiġi kkalkulat bħala l-valur kontabilistiku tal-element ta' assi relatat mal-iskopertura ggarantita permezz tal-proprjetà immobbli u kwalunkwe ammont mhux miġbud iżda impenjat li, ladarba jinġibed, iżid il-valur tal-iskopertura li tkun iggarantita permezz tal-proprjetà immobbli; dak l-ammont gross tal-iskopertura għandu jiġi kkalkulat mingħajr ma jitqiesu:

(i) aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 110;

(ii) aġġustamenti għall-valur addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 34 relatati man-negozju tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni;

(iii) l-ammonti mnaqqsa f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m); u

(iv) tnaqqis ieħor ta' fondi proprji relatat mal-element ta' assi;

▼M17

(b) l-ammont gross tal-iskopertura għandu jiġi kkalkulat mingħajr ma jitqies kwalunkwe tip ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjata jew mhux iffinanzjata, ħlief għal kontijiet ta' depożiti mirhuna mal-istituzzjoni mutwanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha għan-netting fil-karta tal-bilanċ, jew skont ftehimiet ewlenin ta' netting f'konformità mal-Artikoli 196 u 206 jew skont ftehimiet oħra ta' netting fil-karta tal-bilanċ f'konformità mal-Artikoli 195 u 205 u jkunu ġew mirhuna mingħajr kundizzjonijiet u b'mod irrevokabbli għall-għan uniku li jiġi ssodisfat l-obbligazzjoni ta' kreditu relatat mal-iskopertura ggarantita permezz ta' proprjetà immobbli;

(c) għal skoperturi li jeħtieġ jiġu ttrattati f'konformità mal-Artikolu 125 (2) jew l-Artikolu 126(2) meta parti li mhijiex l-istituzzjoni żżomm rahan prijoritarju u rahan subordinat miżmum mill-istituzzjoni jkun rikonoxxut skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-ammont gross tal-iskopertura għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-ammont gross tal-iskopertura tar-rahan miżmum mill-istituzzjoni u tal-ammonti gross tal-iskopertura għall-irhna kollha l-oħra bi klassifikazzjoni ugwali jew ogħla mir-rahan miżmum mill-istituzzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), meta istituzzjoni jkollha aktar minn skopertura waħda ggarantita permezz tal-istess proprjetà immobbli u dawk l-iskoperturi jkunu ggarantiti permezz ta' irhna fuq dik il-proprjetà immobbli li jkunu sekwenzjali f'ordni ta' klassifikazzjoni mingħajr l-ebda rahan miżmum minn parti terza fi klassifikazzjoni xi mkien fin-nofs, l-iskoperturi għandhom jiġu ttrattati bħala skopertura waħda kombinata u l-ammonti gross tal-iskopertura għall-iskoperturi individwali għandhom jingħaddu flimkien biex jiġi kkalkulat l-ammont gross tal-iskopertura għall-iskopertura unika kombinata.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), meta ma jkunx hemm biżżejjed informazzjoni biex tkun tista' tiġi aċċertata l-klassifikazzjoni ta' irhna l-oħra, l-istituzzjoni għandha tittratta lil dawk l-irhna bħala bi klassifikazzjoni *pari passu* mar-rahan subordinat miżmum mill-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha l-ewwel tiddetermina l-piż tar-riskju f'konformità mal-Artikolu 125(2) jew l-Artikolu 126(2) (“piż tar-riskju bażi”), kif ikun applikabbli. Imbagħad, għandha taġġusta dan il-piż tar-riskju b’multiplikatur ta’ 1,25, għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ponderati għar-riskju ta’ irhna subordinati. Meta l-piż tar-riskju bażi jikkorrispondi għall-bucket l-aktar baxx tal-iskopertura għall-valur, il-multiplikatur m’għandux jiġi applikat. Il-piż tar-riskju li jirriżulta mill-multiplikazzjoni tal-piż tar-riskju bażi b’1,25 għandu jkun limitat għall-piż tar-riskju li jkun applikat għall-iskopertura li kieku ma jkunux ġew issodisfati r-rekwiżiti fil-paragrafu 3.

7. Skoperturi għal inkwilin skont tranżazzjoni ta’ kiri ta’ proprjetà immobbli li skontha l-istituzzjoni tkun il-lokatur u l-inkwilin ikollu l-għażla li jixtri għandhom jikkwalifikaw bħala skoperturi ggarantiti permezz ta’ proprjetà immobbli u għandhom jiġu ttrattati f’konformità mat-trattament stabbilit fl-Artikolu 125 jew 126 jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet applikabbli stabbiliti f’dan l-Artikolu, dment li l-iskopertura tal-istituzzjoni tkun iggarantita mis-sjieda tagħha tal-proprjetà.

8. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità li tkun responsabbli għall-applikazzjoni tal-paragrafu 9. Dik l-awtorità għandha tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità maħtura.

▼M17

Meta l-awtorità maħtura mill-Istat Membru għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu tkun l-awtorità kompetenti, din għandha tiżgura li l-korpi u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jkollhom mandat makroprudenzjali jiġu informati kif xieraq bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li tagħmel użu minn dan l-Artikolu, u li jiġu involuti kif jixraq fil-valutazzjoni tat-tħassib dwar l-istabbiltà finanzjarja fl-Istat Membru tagħha f'konformità mal-paragrafu 9.

Meta l-awtorità maħtura mill-Istat Membru għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu tkun differenti mill-awtorità kompetenti, l-Istat Membru għandu jadotta d-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiżgura koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni xierqa bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità maħtura għall-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu. B'mod partikolari, l-awtoritajiet għandhom jintalbu jikkooperaw mill-qrib u jikkondividu l-informazzjoni kollha li tista' tkun meħtieġa għat-twettiq adegwat tad-dmirijiet imposti fuq l-awtorità maħtura skont dan l-Artikolu. Dik il-kooperazzjoni għandu jkollha l-għan li tevita kwalunkwe forma ta' azzjoni duplikata jew inkonsistenti bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità maħtura, kif ukoll li tiżgura li titqies kif xieraq l-interazzjoni ma' miżuri oħra, b'mod partikolari miżuri meħuda skont l-Artikolu 458 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE.

9. Abbażi tad-data miġbura skont l-Artikolu 430a u abbażi ta' kwalunkwe indikatur rilevanti ieħor, l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu għandha tivvaluta perjodikament, u tal-inqas darba fis-sena, jekk il-piżijiet tar-riskju stabbiliti fl-Artikoli 125 u 126 għall-iskoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli li tinsab fit-territorju tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità jkunux ibbażati kif xieraq fuq:

(a) l-esperjenza ta' telf ta' skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli;

(b) żviluppi prospettivi fis-swieq tal-proprjetà immobbli.

Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu tikkonkludi li l-piżijiet tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 125 jew 126 ma jirriflettux b'mod adegwat ir-riskji reali relatati ma' skoperturi għal segment wieħed jew aktar tal-proprjetà ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew fuq proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab f'parti waħda jew aktar mit-territorju tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità, u jekk tqis li l-inadegwatezza tal-piżijiet tar-riskju jista' jkollha effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja attwali jew futura fl-Istat Membru tagħha, din tista' żżid il-piżijiet tar-riskju applikabbli għal dawk l-iskoperturi fi ħdan il-meded iddeterminati fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu jew timponi kriterji aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

L-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu għandha tinnotifika lill-EBA u l-BERS bi kwalunkwe aġġustament għall-piżijiet tar-riskju u l-kriterji applikati skont dan il-paragrafu. Fi żmien xahar minn meta jirċievu dik in-notifika, l-EBA u l-BERS għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom lill-Istat Membru kkonċernat u jistgħu jindikaw f'dik l-opinjoni, fejn meħtieġ, jekk iqisux li l-aġġustamenti għall-piżijiet tar-riskju u l-kriterji humiex rakkomandati wkoll għal Stati Membri oħra. L-EBA u l-BERS għandhom jippubblikaw il-piżijiet tar-riskju u l-kriterji għall-iskoperturi msemmija fl-Artikoli 125 u 126 u fl-Artikolu 199(1), il-punt (a), kif implimentati mill-awtorità rilevanti.

▼**M17**

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu tista' żżid il-piżijiet tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 125(1), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 125(2), l-ewwel subparagrafu, l-Artikolu 126(1), l-ewwel subparagrafu, jew l-Artikolu 126(2), l-ewwel subparagrafu, jew inkella timponi kriterji aktar stretti minn dawk stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għal skoperturi għal segment wieħed jew aktar ta' proprjetà ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli li tinsab f'parti waħda jew aktar tat-territorju tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità. Dik l-awtorità m'għandhiex iżżid dawk il-piżijiet tar-riskju għal aktar minn 150 %.

Għall-finijiet tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu tista' tnaqqas ukoll il-perċentwali tal-valur tal-proprjetà msemmija fl-Artikolu 125(1) jew l-Artikolu 126(1) jew il-perċentwali tal-iskopertura għall-valur li jiddefinixxu l-bucket tal-piż tar-riskju tal-iskopertura għall-valur stabbilit fl-Artikolu 125(2), it-Tabella 1, jew fl-Artikolu 126(2), it-Tabella 1. L-awtorità rilevanti għandha tiżgura l-konsistenza bejn il-buckets tal-piż tar-riskju tal-iskopertura għall-valur kollha, b'tali mod li l-piż tar-riskju ta' bucket tal-piż tar-riskju ta' skopertura għall-valur aktar baxx ikun dejjem aktar baxx jew daqs il-piż tar-riskju ta' bucket tal-piż tar-riskju tal-iskopertura għall-valur superjuri.

10. Meta l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 8 tistabbilixxi piżijiet tar-riskju oġħla jew kriterji aktar stretti skont il-paragrafu 9, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom perjodu tranżitorju ta' sitt xhur biex japplikawhom.

11. L-EBA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERS, għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika t-tipi ta' fatturi li għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-piżijiet tar-riskju msemmija fil-paragrafu 9.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

12. Il-BERS, permezz ta' rakkomandazzjonijiet, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA, jista' jagħti gwida lill-awtoritajiet maħtura f'konformità mal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu dwar dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) fatturi li jista' jkollhom "effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja attwali jew futura" msemmija fil-paragrafu 9, it-tieni subparagrafu;

(b) punti ta' riferiment indikattivi li l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 8 għandha tqis meta tiddetermina piżijiet tar-riskju oġħla.

▼M17

13. L-istituzzjonijiet stabbiliti fi Stat Membru għandhom japplikaw il-piżijiet tar-riskji u l-kriterji li jkunu ġew iddeterminati mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor f'konformità mal-paragrafu 9 għall-iskoperturi korrispondenti kollha tagħhom iggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew fuq proprjetà immobbli kummerċjali li jinsabu f'parti waħda jew aktar ta' dak l-Istat Membru l-ieħor.

14. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika x'jikkostitwixxi "mekkaniżmu legali ekwivalenti fis-seħħ biex jiġi żgurat li l-proprjetà li tkun għadha qed tinbena titlesta f'perjodu ta' żmien raġonevoli", f'konformità mal-paragrafu 3, il-punt (a)(iii)(2).

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2025.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 125

Skoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali

1. Għal skopertura ggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali kif imsemmi fl-Artikolu 124(2), il-punt (a)(i) jew (ii), il-parti tal-iskopertura sa 55 % tal-valur tal-proprjetà għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 20 %.

Meta istituzzjoni jkollha rahan subordinat u jkun hemm irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma minn dik l-istituzzjoni, sabiex tiġi ddeterminata l-parti tal-iskopertura tal-istituzzjoni li tkun eliġibbli għall-piż tar-riskju ta' 20 %, l-ammont ta' 55 % tal-valur tal-proprjetà għandu jitnaqqas bl-ammont tal-irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni.

Meta l-irhna li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni jikklassifikaw *pari passu* mar-rahan miżmum mill-istituzzjoni, sabiex tiġi ddeterminata l-parti tal-iskopertura tal-istituzzjoni li tkun eliġibbli għall-piż tar-riskju ta' 20 %, l-ammont ta' 55 % tal-valur tal-proprjetà, imnaqqas bl-ammont ta' kwalunkwe irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni għandu jitnaqqas bil-prodott ta':

(a) 55 % tal-valur tal-proprjetà, imnaqqas bl-ammont ta' rahan aktar prijoritarju, jekk ikun hemm, it-tnejn miżmuma mill-istituzzjoni u miżmuma minn istituzzjonijiet oħra; u

(b) l-ammont ta' irhna li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni li jikklassifikaw *pari passu* mar-rahan miżmum mill-istituzzjoni diviż bis-somma tal-irhna *pari passu* kollha.

Meta, f'konformità mal-Artikolu 124(9), l-awtorità kompetenti jew l-awtorità maħtura tkun stabbiliet piż tar-riskju ogħla jew perċentwal aktar baxx tal-valur tal-proprjetà minn dawk imsemmija f'dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju jew il-perċentwal stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 124(9).

▼M17

Il-parti li jifdal tal-iskopertura msemmija fl-ewwel subparagrafu, jekk ikun hemm, għandha tiġi ponderata għar-riskju bħala skopertura għall-kontroparti li ma tkunx iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali.

2. Skopertura kif imsemmija fl-Artikolu 124(2), il-punt (a)(iii), għandha tiġi assenjata l-piż tar-riskju stabbilit f'konformità mal-bucket rispettiv tal-piż tar-riskju tal-iskopertura għall-valur fit-Tabella 1.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, meta, f'konformità mal-Artikolu 124 (9), l-awtorità kompetenti jew l-awtorità maħtura tkun stabbiliet piż tar-riskju ogħla jew perċentwal aktar baxx tal-iskopertura għall-valur minn dawk imsemmija f'dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju jew il-perċentwal stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 124(9).

Tabella 1

ETV	ETV ≤ 50 %	50 % < ETV ≤ 60 %	60 % < ETV ≤ 80 %	80 % < ETV ≤ 90 %	90 % < ETV ≤100 %	ETV > 100 %
Piż tar-riskju	30 %	35 %	45 %	60 %	75 %	105 %

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw it-trattament imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, meta l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tkun ippubblikat, f'konformità mal-Artikolu 430a(3), ir-rati ta' telf għal tali skoperturi li, abbażi tad-*data* aggregata rrapportata mill-istituzzjonijiet f'dak l-Istat Membru għal dak is-suq nazzjonali tal-proprjetà immobbli, ma jaqbżu l-ebda wieħed mil-limiti li ġejjin għat-telf aggregat għal tali skoperturi li kienu eżistenti fis-sena preċedenti:

(a) l-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (a), diviż bl-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (c), ma jaqbiżx 0,3 %;

(b) l-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (b), diviż bl-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (c), ma jaqbiżx 0,5 %.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw ukoll id-deroga msemmija fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu, ta' dan l-Artikolu f'każijiet fejn l-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni kif iddeterminat f'deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata f'konformità mal-Artikolu 107(4), tippubblika r-rati ta' telf korrispondenti għal skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali li tinsab fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz.

Meta awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ma tippubblikax ir-rati ta' telf korrispondenti għal skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali li tinsab fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz, l-EBA tista' tippubblika tali informazzjoni għal dak il-pajjiż terz, dment li tkun disponibbli *data* statistika valida li tkun statistikament rappreżentattiva tas-suq korrispondenti tal-proprjetà residenzjali.

▼M17

Artikolu 126

Skoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali

1. Għal skopertura ggarantita permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali kif imsemmi fl-Artikolu 124(2), il-punt (b)(i) il-parti tal-iskopertura sa 55 % tal-valur tal-proprjetà għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 60 %.

Meta istituzzjoni jkollha rahan subordinat u jkun hemm irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma minn dik l-istituzzjoni, sabiex tiġi ddeterminata l-parti tal-iskopertura tal-istituzzjoni li tkun eliġibbli għall-piż tar-riskju ta' 60 %, l-ammont ta' 55 % tal-valur tal-proprjetà għandu jitnaqqas bl-ammont tal-irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni.

Meta l-irhna li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni jikklassifikaw *pari passu* mar-rahan miżmum mill-istituzzjoni, sabiex tiġi ddeterminata l-parti tal-iskopertura tal-istituzzjoni li tkun eliġibbli għall-piż tar-riskju ta' 60 %, l-ammont ta' 55 % tal-valur tal-proprjetà, imnaqqas bl-ammont ta' kwalunkwe irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni għandu jitnaqqas bil-prodott ta':

(a) 55 % tal-valur tal-proprjetà, imnaqqas bl-ammont ta' rahan aktar prijoritarju, jekk ikun hemm, it-tnejn miżmuma mill-istituzzjoni u miżmuma minn istituzzjonijiet oħra; u

(b) l-ammont ta' irhna li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni li jikklassifikaw *pari passu* mar-rahan miżmum mill-istituzzjoni diviż bis-somma tal-irhna *pari passu* kollha.

Meta, f'konformità mal-Artikolu 124(9), l-awtorità kompetenti jew l-awtorità maħtura tkun stabbiliet piż tar-riskju ogħla jew perċentwal aktar baxx tal-valur tal-proprjetà minn dawk imsemmija f'dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju u l-perċentwal stabbilit f'konformità mal-Artikolu 124(9).

Il-parti li jifdal tal-iskopertura msemmija fl-ewwel subparagrafu, jekk ikun hemm, għandha tiġi ponderata għar-riskju bħala skopertura għall-kontroparti li ma tkunx iggarantita permezz tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

2. Skopertura kif imsemmija fl-Artikolu 124(2), il-punt (b)(ii), għandha tiġi assenjata l-piż tar-riskju stabbilit f'konformità mal-bucket tal-piż tar-riskju tal-iskopertura għall-valur rispettiv fit-Tabella 1.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, meta, f'konformità mal-Artikolu 124 (9), l-awtorità kompetenti jew l-awtorità maħtura tkun stabbiliet piż tar-riskju ogħla jew perċentwal aktar baxx tal-iskopertura għall-valur minn dawk imsemmija f'dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju jew il-perċentwal stabbilit f'konformità mal-Artikolu 124(9).

Tabella 1

	ETV ≤ 60 %	60 % < ETV ≤ 80 %	ETV > 80 %
Piż tar-riskju	70 %	90 %	110 %

▼**M17**

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw it-trattament imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għal skoperturi ggarantiti bi proprjetà immobbli kummerċjali li tkun tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, meta l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tkun ippubblikat, f'konformità mal-Artikolu 430a(3), ir-rati ta' telf għal tali skoperturi li, abbażi tad-*data* aggregata rrapportata mill-istituzzjonijiet f'dak l-Istat Membru għal dak is-suq nazzjonali tal-proprjetà immobbli, ma jaqbżu l-ebda wieħed mil-limiti li ġejjin għat-telf aggregat għal tali skoperturi li kienu eżistenti fis-sena preċedenti:

(a) l-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (d), diviż bl-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (f), ma jaqbiżx iż -0,3 %;

(b) l-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (e), diviż bl-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (f), ma jaqbiżx iż -0,5 %.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw id-deroga msemmija fil-paragrafu 2, it-tielet subparagrafu, ta' dan l-Artikolu anke f'każijiet fejn l-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni kif iddeterminat f'deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata f'konformità mal-Artikolu 107(4), tippubblika r-rati ta' telf korrispondenti għal skoperturi ggarantiti minn proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz.

Meta awtorità kompetenti ta' pajjiż terz ma tippubblikax ir-rati ta' telf korrispondenti għal skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz, l-EBA tista' tippubblika tali informazzjoni għal pajjiż terz, dment li jkunu disponibbli *data* statistika valida, li huma statistikament rappreżentattivi tas-suq korrispondenti tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

4. L-EBA għandha tivvaluta l-adegwatezza tal-aġġustament tat-trattament ta' skoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali, inkluż skoperturi IPRE u mhux IPRE, filwaqt li tqis l-adegwatezza tal-piżijiet tar-riskju u d-differenzi relattivi fir-riskju ta' skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, id-differenzi fis-sensittività għar-riskju tal-iskoperturi IPRE ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali msemmija fl-Artikolu 125(2), it-Tabella 1, u l-iskoperturi IPRE ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali msemmija fit-Tabella 1 f'dan l-Artikolu u r-rakkomandazzjonijiet tal-BERS dwar il-vulnerabbiltajiet fis-settur tal-proprjetà immobbli kummerċjali fl-Unjoni. L-EBA għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.

Abbażi tar-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2028.

▼M17

Artikolu 126a

Skoperturi għall-akkwist ta' art, għall-iżvilupp u għall-kostruzzjoni

1. Skopertura ADC għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 150 %.

2. L-iskoperturi ADC għal proprjetà residenzjali jistgħu jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %, dment li l-istituzzjoni tapplika standards sodi ta' oriġinazzjoni u monitoraġġ li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 74 u 79 tad-Direttiva 2013/36/UE u meta tal-inqas tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) kuntratti legalment vinkolanti ta' qabel il-bejgħ jew ta' qabel il-kiri, li għalihom ix-xerrej jew l-inkwilin ikun għamel depożitu sostanzjali ta' flus kontanti li jkun soġġett għal konfiska jekk il-kuntratt jiġi tterminat jew meta l-finanzjament ikun żgurat b'mod ekwivalenti, jew kuntratti legalment vinkolanti ta' bejgħ jew ta' kiri, inkluż fejn il-pagament isir b'pagamenti parzjali hekk kif ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jimxu 'l quddiem, jammontaw għal porzjon sinifikanti tal-kuntratti totali;

(b) id-debitur ikollu ekwità sostanzjali f'riskju, li tkun irrappreżentata bħala ammont xieraq ta' ekwità ponderata għad-debitur għall-valur tal-proprjetà residenzjali mat-tlestija.

3. Sal-10 ta' Lulju 2025 l-EBA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li jispeċifikaw it-termini "depożiti sostanzjali ta' flus kontanti", "finanzjament żgurat b'mod ekwivalenti", "porzjon sinifikanti tal-kuntratti totali" u "ammont xieraq ta' ekwità kkontribwita mid-debitur", filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tas-self tal-istituzzjonijiet lil akkomodazzjoni pubblika jew lil entitajiet mingħajr skop ta' qligħ fl-Unjoni li huma rregolati bil-liġi u li jeżistu biex jaqdu skopijiet soċjali u biex joffru akkomodazzjoni fit-tul lill-inkwilini.

▼B

Artikolu 127

L-iskoperturi fi stat ta' inadempjenza

▼M7

1. Il-parti mhux garantita ta' kwalunkwe element fejn id-debitur ikun sar inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178, jew fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, il-parti mhux iggarantita ta' kwalunkwe faċilità ta' kreditu li saret inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178 għandha tiġi assenjata piż tar-riskju ta':

(a) 150 %, fejn it-total tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u tal-ammonti mnaqqsa f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36 (1) ikun anqas minn 20 % tal-parti mhux garantita tal-valur tal-iskopertura li kieku ma jiġux applikati dawk l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u t-tnaqqis;

(b) 100 %, fejn it-total tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u tal-ammonti mnaqqsin f'konformità mal-punt (m) tal-Artikolu 36 (1) ma jkunx anqas minn 20 % tal-parti mhux garantita tal-valur tal-iskopertura li kieku ma jiġux applikati dawk l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu u t-tnaqqis.

▼M17

Għall-fini tal-kalkolu tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu msemmija fl-ewwel subparagrafu għal skopertura li tkun mixtrija meta diġà tkun f'inadempjenza, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-kalkolu kwalunkwe differenza pożittiva bejn l-ammont dovut mid-debitur fuq dik l-iskopertura u s-somma tat-tnaqqis ta' fondi proprji addizzjonali jekk dik l-iskopertura kienet tħassret kompletament u kwalunkwe tnaqqis ta' fondi proprji diġà eżistenti relatat ma' dik l-iskopertura.

2. Għall-fini tad-determinazzjoni tal-parti ggarantita ta' skopertura inadempjenti, il-kollateral u l-garanziji għandhom ikunu eliġibbli għall-finijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Kapitolu 4.

3. Il-valur tal-iskopertura li jifdal wara l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu speċifiċi ta' skoperturi mhux IPRE ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali f'konformità mal-Artikoli 125 u 126, rispettivament, għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 100 % jekk tkun seħħet inadempjenza f'konformità mal-Artikolu 178.

_____

Artikolu 128

Skoperturi ta' dejn subordinat

1. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi ta' dejn subordinat:

(a) skoperturi ta' dejn li jkunu subordinati għal pretensjonijiet ta' kredituri mhux garantiti ordinarji;

(b) strumenti ta' fondi proprji sal-punt li dawk l-istrumenti mhumiex meqjusa li huma skoperturi ta' ekwità f'konformità mal-Artikolu 133(1); u

(c) skoperturi li jirriżultaw mill-fatt li l-istituzzjoni jkollha strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 72b.

2. L-iskoperturi ta' dejn subordinat għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 150 %, sakemm dawk l-iskoperturi ta' dejn subordinat ma jitnaqqsux mill-fondi proprji jew ikunu soġġetti għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 72e(5), l-ewwel subparagrafu.

▼B

Artikolu 129

Skoperturi fil-forma ta' bonds koperti

1. ►M10 Biex ikunu eliġibbli għat-trattament preferenzjali stabbilit fil-paragrafi 4 u 5 ta' dan l-Artikolu, il-bonds koperti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3, 3a u 3b ta' dan l-Artikolu u għandhom jiġu kollateralizzati permezz ta' kwalunkwe mill-assi eliġibbli li ġejjin: ◄

[1] irettiva (UE) 2019/2162 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar il-ħruġ ta' bonds koperti u s-superviżjoni pubblika ta' bonds koperti u li temenda d-Direttivi 2009/65/KE u 2014/59/UE (ĠU L 328, 18.12.2019, p. 29).

▼B

(a) skoperturi għal jew garantiti minn gvernijiet ċentrali, minn banek ċentrali tas-SEBĊ, minn entitajiet tas-settur pubbliku, minn gvernijiet reġjonali jew minn awtoritajiet lokali fl-Unjoni;

(b) skoperturi għal jew garantiti minn gvernijiet ċentrali ta' pajjiż terz, banek ċentrali ta' pajjiżi terzi, banek multilaterali tal-iżvilupp, organizzazzjonijiet internazzjonali li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu, u skoperturi għal jew garantiti minn entitajiet tas-settur pubbliku ta'pajjiżi terzi, gvernijiet reġjonali ta' pajjiżi terzi jew awtoritajiet lokali ta' pajjiżi terzi li ġew ippeżati għar-riskju bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet jew għall-gvernijiet ċentrali u għall-banek ċentrali f'konformità mal-Artikolu 115(1) jew (2), jew l-Artikolu 116(1), (2) jew (4) rispettivament u li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu, u skoperturi skont it-tifsira ta' dan il-punt li jikkwalifikaw bħala minimu għall-iskala 2 tal-kwalità kreditizja kif stabbilit f'dan il-Kapitolu, sakemm ma jaqbżux l-20 % tal-ammont nominali tal-bonds koperti pendenti tal-istituzzjonijiet emittenti;

▼M10

(c) skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu jew l-iskala 2 tal-kwalità tal-kreditu, jew skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 3 tal-kwalità tal-kreditu fejn dawk l-iskoperturi huma fil-forma ta':

(i) depożiti ta' terminu qasir b'maturità oriġinali li ma taqbiżx il-100 jum, fejn jintużaw biex jiġi ssodisfat ir-rekwiżit ta' riżerva ta' likwidità tal-aggregazzjoni ta' kopertura stabbilit fl-Artikolu 16 tad-Direttiva (UE) 2019/2162; jew

(ii) kuntratti tad-derivattivi li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 11(1) ta' dik id-Direttiva, fejn ikunu permessi mill-awtoritajiet kompetenti;

(d) self iggarantit permezz ta' proprjetà residenzjali li ma jaqbiżx l-inqas ammont tal-ammont ta' kapital tal-ipoteki li jkunu kkombinati ma' kwalunkwe ipoteka preċedenti u 80 % tal-valur tal-proprjetajiet mirhuna;

▼B

(e) self residenzjali kompletament iggarantit minn fornitur eleġibbli ta' protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 201 li jikkwalifika għal-livell 2 tal-kwalità ta' kreditu jew iżjed, kif imniżżel f'dan il-Kapitolu, fejn il-parti ta' kull wieħed mis-self li tintuża biex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit stabbilit f'dan il-paragrafu għall-kollateralizzazzjoni tal-bond kopert ma tirrappreżentax aktar minn 80 % tal-valur tal-proprjetà residenzjali korrispondenti li tinsab fi Franza, u fejn il-proporzjon tas-self imqabbel mad-dħul jirrispetta mhux iktar minn 33 % meta jkun ingħata s-self. Ma għandu jkun hemm ebda garanzija ipotekarja fuq il-proprjetà residenzjali meta s-self jingħata, u għas-self mogħti mill-1 ta' Jannar 2014 u l-mutwatarju għandu jintrabat kuntrattwalment li ma jagħtix tali garanzija mingħajr il-kunsens tal-istituzzjoni ta' kreditu li tat is-self. Il-proporzjon tas-self imqabbel mad-dħul jirrappreżenta s-sehem tad-dħul gross tal-mutwatarju li jkopri r-rimborż tas-self, inkluż l-imgħax. Il-fornitur tal-protezzjoni għandu jkun jew istituzzjoni finanzjarja awtorizzata u sorveljata mill-awtoritajiet kompetenti u soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali komparabbli

▼B

għal dawk applikati lil istituzzjonijiet f'termini ta' robustezza jew istituzzjoni jew impriża tal-assigurazzjoni. Għandu jistabbilixxi fond ta' garanzija reċiproka jew protezzjoni ekwivalenti għall-impriżi tal-assigurazzjoni biex jiġi assorbit it-telf mir-riskju tal-kreditu, fejn l-ikkalibrar ta' dan għandu jiġi rivedut perjodikament mill-awtoritajiet kompetenti. Kemm l-istituzzjoni tal-kreditu kif ukoll il-fornitur tal-protezzjoni għandhom iwettqu valutazzjoni tal-affidabbiltà kreditizja tal-mutwatarju;

▼M10

(f) self iggarantit permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali li ma jaqbiżx l-inqas ammont tal-ammont tal-kapital tal-ipoteki li jkunu kkombinati ma' kwalunkwe ipoteka preċedenti u 60 % tal-valur ta' proprjetajiet mirhuna. Is-self iggarantit permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali jkun eliġibbli fejn il-proporzjon tas-self għall-valur ta' 60 % jinqabeż sa livell massimu ta' 70 % jekk il-valur tal-assi totali mirhuna bħala kollateral għall-bonds koperti jaqbeż l-ammont nominali pendenti fuq il-bonds koperti b'mill-inqas 10 %, u l-pretensjoni tad-detentur tal-bonds tissodisfa r-rekwiżiti ta' ċertezza legali stabbiliti fil-Kapitolu 4. Il-pretensjoni tad-detentur tal-bonds għandha tieħu preċedenza fuq il-pretensjonijiet l-oħra kollha fuq il-kollateral;

▼B

(g) self iggarantit permezz ta' self marittimu fuq vapuri sad-differenza bejn 60 % tal-valur tal-vapur mirhun u l-valur ta' kwalunkwe rahan preċedenti.

▼M10

Għall-finijiet tal-paragrafu 1a, l-iskoperturi kkawżati mit-trażmissjoni u l-ġestjoni tal-pagamenti tad-debituri ta' self iggarantit permezz ta' proprjetajiet mirhuna ta' titoli ta' dejn jew ikkawżati mit-trażmissjoni u l-ġestjoni ta' rikavati minn likwidazzjoni fir-rigward ta' tali self ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-limiti msemmija f'dak il-paragrafu.

_____

▼M17

Minħajr preġudizzju għall-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan il-paragrafu, sal-1 ta' Lulju 2027, l-iskoperturi indiretti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu minħajr klassifikazzjoni esterna li jiggarantixxu self ipotekarju sar-reġistrazzjoni tagħhom għandhom jiġu ttrattati, għall-finijiet ta' dak il-punt, bħala skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità kreditizja, dment li jkunu skoperturi fuq terminu qasir assenjati għall-grad A skont l-Artikolu 121 u li s-self ipotekarju garantit, ladarba jiġi rreġistrat, ikun eliġibbli għat-trattament preferenzjali skont l-ewwel subparagrafu, il-punti (d), (e) u (f), ta' dan il-paragrafu.

▼M10

1a. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, għandu japplika dan li ġej:

(a) għal skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 1 tal-kwalità tal-kreditu, l-iskopertura ma għandhiex taqbeż 15 % tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni ta' kreditu emittenti;

(b) għal skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 2 tal-kwalità tal-kreditu, l-iskopertura ma għandhiex taqbeż 10 % tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni ta' kreditu emittenti;

▼M10

(c) għal skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 3 tal-kwalità tal-kreditu li jieħdu l-forma ta' depożiti ta' terminu qasir, kif imsemmija fil-punt (c)(i) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jew il-forma ta' kuntratti tad-derivattivi, kif imsemmija fil-punt (c)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-iskopertura totali ma għandhiex taqbeż 8 % tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni ta' kreditu emittenti; l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2162 jistgħu, wara li jikkonsultaw lill-EBA, jippermettu skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 3 tal-kwalità tal-kreditu fil-forma ta' kuntratti tad-derivattivi, dment li l-problemi potenzjali sinifikanti ta' konċentrazzjoni fl-Istati Membri kkonċernati minħabba l-applikazzjoni tar-rekwiżiti tal-iskala 1 u 2 tal-kwalità tal-kreditu msemmija f'dan il-paragrafu jistgħu jiġu ddokumentati;

(d) l-iskopertura totali għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 1, 2 jew 3 tal-kwalità tal-kreditu ma għandhiex taqbeż 15 % tal-ammont nominali totali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni ta' kreditu emittenti u l-iskopertura totali għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkwalifikaw għall-iskala 2 jew 3 tal-kwalità tal-kreditu ma għandhiex taqbeż 10 % tal-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti tal-istituzzjoni ta' kreditu emittenti.

1b. Il-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-użu ta' bonds koperti bħala kollateral eliġibbli kif permess skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2019/2162.

1c. Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-limitu ta' 80 % għandu japplika fuq bażi ta' self distint minn self ieħor, għandu jiddetermina l-porzjon tas-self li jikkontribwixxi għall-kopertura ta' obbligazzjonijiet marbuta mal-bond kopert, u għandu japplika matul il-maturità kollha tas-self.

1d. Għall-finijiet tal-punti (f) u (g) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-limiti ta' 60 % jew 70 % għandhom japplikaw fuq bażi ta' self distint minn self ieħor, għandhom jiddeterminaw il-porzjon tas-self li jikkontribwixxi għall-kopertura ta' obbligazzjonijiet marbuta mal-bond kopert, u għandhom japplikaw matul il-maturità kollha tas-self.

▼B

2. Is-sitwazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 1 għandhom jinkludu wkoll kollateral li jkun esklussivament ristrett mil-leġislazzjoni għall-protezzjoni tad-detenturi tal-bonds kontra t-telf.

▼M10

3. Fil-każ ta' proprjetà immobbli u bastimenti li jikkollateralizzaw bonds koperti li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 208 għandhom jiġu ssodisfati. Il-monitoraġġ tal-valuri tal-proprjetà skont il-punt (a) tal-Artikolu 208(3) għandu jsir frekwentement u tal-anqas annwalment għall-proprjetà immobbli u l-bastimenti kollha.

▼M17

Għall-fini tal-valwazzjoni tal-proprjetà immobbli, l-awtoritajiet kompetenti maħtura skont l-Artikolu 18(2) tad-Direttiva (UE) 2019/2162 jistgħu jippermettu li dik il-proprjetà tiġi vvalutata bil-valur tas-suq jew inqas minnu, jew f'dawk l-Istati Membri li stabbilew kriterji rigorużi għall-valutazzjoni tal-valur tas-self ipotekarju f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji, bil-valur tas-self ipotekarju ta' dik il-proprjetà, mingħajr l-applikazzjoni tal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 229(1), il-punt (e), ta' dan ir-Regolament.

▼M10

3a. Minbarra li jkunu kollateralizzati mill-assi eliġibbli elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-bonds koperti għandhom ikunu soġġetti għal livell minimu ta' 5 % ta' sovrakollateralizzazzjoni kif iddefinit fil-punt (14) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2019/2162.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu, l-ammont nominali totali tal-assi ta' kopertura kollha kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 3 ta' dik id-Direttiva għandu jkun mill-inqas tal-istess valur tal-ammont nominali totali ta' bonds koperti pendenti (il-"prinċipju nominali") u għandu jikkonsisti f'assi eliġibbli kif stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu livell minimu iktar baxx għal sovrakollateralizzazzjoni għal bonds koperti jew jawtorizzaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom jistabbilixxu tali livell, dment li:

(a) jew il-kalkolu ta' sovrakollateralizzazzjoni jkun ibbażat fuq approċċ formali fejn ir-riskju sottostanti tal-assi jittieħed inkunsiderazzjoni, jew il-valutazzjoni tal-assi tkun soġġetta għall-valur tas-self ipotekarju; u

(b) il-livell minimu ta' sovrakollateralizzazzjoni ma jkunx inqas minn 2 % abbażi tal-prinċipju nominali msemmi fl-Artikolu 15(6) u (7) tad-Direttiva (UE) 2019/2162.

L-assi li jikkontribwixxu għal livell minimu ta' sovrakollateralizzazzjoni ma għandhomx ikunu soġġetti għal-limiti fuq id-daqs tal-iskopertura kif stipulat fil-paragrafu 1a u ma għandhomx jingħaddu għall-iskop ta' dawk il-limiti.

3b. L-assi eliġibbli elenkati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu inklużi fl-aggregazzjoni ta' kopertura bħala assi ta' sostituzzjoni kif definiti fil-punt (13) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2019/2162, soġġett għal-limiti fuq il-kwalità tal-kreditu u d-daqs tal-iskopertura kif stipulat fil-paragrafi 1 u 1a ta' dan l-Artikolu.

▼M17

4. Bonds koperti li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mat-Tabella 1 li jikkorrispondi għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI f'konformità mal-Artikolu 136.

Tabella 1

Skala tal-kwalità kreditizja	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	10 %	20 %	20 %	50 %	50 %	100 %

5. Bonds koperti li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju abbażi tal-piż tar-riskju assenjat lil skoperturi superjuri mhux garantiti tal-istituzzjoni li toħroġhom. Għandha tapplika l-korrispondenza li ġejja bejn il-piżijiet tar-riskju:

(a) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 20 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 10 %;

(aa) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 30 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 15 %;

▼M17

(ab) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 40 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 20 %;

(b) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 50 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 25 %;

(ba) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 75 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 35 %;

(c) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 50 %;

(d) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 150 %, il-bond kopert għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 100 %.

▼M10

6. Bonds koperti maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2007 ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 1a, 3, 3a u 3b. Għandhom ikunu eliġibbli għal trattament preferenzjali skont il-paragrafi 4 u 5 sal-maturità tagħhom.

7. Bonds koperti maħruġa qabel it-8 ta' Lulju 2022 li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament kif applikabbli fid-data tal-ħruġ tagħhom ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 3a u 3b. Għandhom ikunu eliġibbli għal trattament preferenzjali skont il-paragrafi 4 u 5 sal-maturità tagħhom.

▼B

Artikolu 130

Elementi li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni

L-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom jiġu ddeterminati skont il-Kapitolu 5.

Artikolu 131

Skoperturi għal istituzzjonijiet u impriżi b'valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir

Skoperturi għall-istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir minn ECAI nominata għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 7 li tikkorrispondi mal-valutazzjoni tal-kreditu tal- ECAI skont l-Artikolu 136.

Tabella 7

Livell tal-Kwalità tal-Kreditu	1	2	3	4	5	6
Piż tar-riskju	20 %	50 %	100 %	150 %	150 %	150 %

▼M8

Artikolu 132

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet fis-CIUs

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju għall-iskoperturi tagħhom fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU billi jimmultiplikaw l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju tal-iskoperturi tas-CIU, ikkalkulat skont l-approċċi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2, bil-perċentwal ta' unitajiet jew azzjonijiet miżmuma minn dawk l-istituzzjonijiet.

▼M8

2. Meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jiġu ssodisfati, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-prinċipju taċ-ċar kristall skont l-Artikolu 132a(1) jew l-approċċ ibbażat fuq il-mandat skont l-Artikolu 132a(2).

Soġġett għall-Artikolu 132b(2), l-istituzzjonijiet li ma japplikawx il-prinċipju taċ-ċar kristall jew l-approċċ ibbażat fuq il-mandat għandhom jassenjaw ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % (“approċċ ta' riżerva”) għall-iskoperturi tagħhom fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU.

L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-iskopertura mwieżna għar-riskju għall-iskoperturi tagħhom fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU billi jużaw kombinament tal-approċċi msemmija f'dan l-ewwel paragrafu, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għall-użu ta' dawk l-approċċi.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jiddeterminaw l-ammont ta' skopertura mwieżna għar-riskju ta' skopertura ta' CIU skont l-approċċi stabbiliti fl-Artikolu 132a meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-CIU hija waħda minn dawn li ġejjin:

(i) impriża ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), irregolata mid-Direttiva 2009/65/KE;

(ii) AIF ġestit minn AIFM tal-UE rreġistrat skont l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(iii) AIF ġestit minn AIFM tal-UE awtorizzat skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2011/61/UE;

(iv) AIF ġestit minn AIFM mhux tal-UE awtorizzat skont l-Artikolu 37 tad-Direttiva 2011/61/UE;

(v) AIF mhux tal-UE ġestit minn AIFM mhux tal-UE u kkummerċjalizzat skont l-Artikolu 42 tad-Direttiva 2011/61/UE;

(vi) AIF mhux tal-UE li mhux ikkummerċjalizzat fl-Unjoni u mmaniġġjat minn AIFM mhux tal-UE stabbilit f'pajjiż terz li huwa kopert minn att delegat imsemmi fl-Artikolu 67(6) tad-Direttiva 2011/61/UE;

(b) il-prospett tas-CIU jew dokument ekwivalenti jinkludi dan li ġej:

(i) il-kategorija ta' assi li fiha s-CIU tkun awtorizzata tinvesti;

(ii) fejn japplikaw limiti fuq l-investiment, il-limiti relattivi u l-metodoloġiji għall-kalkolu tagħhom;

(c) ir-rappurtar mis-CIU jew il-kumpannija maniġerjali tas-CIU lill-istituzzjoni jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(i) l-iskoperturi tas-CIU huma rrappurtati mill-inqas bl-istess frekwenza bħal dawk tal-istituzzjoni;

▼M8

(ii) il-granularità tal-informazzjoni finanzjarja hija suffiċjenti biex l-istituzzjoni tkun tista' tikkalkula l-ammont tal-iskopertura mwieżna għar-riskju tas-CIU skont l-approċċ magħżul mill-istituzzjoni;

(iii) meta l-istituzzjoni tapplika l-prinċipju taċ-ċar kristall, l-informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti tiġi vverifikata minn parti terza indipendenti.

B'deroga mill-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-banek ta' żvilupp multilaterali u bilaterali u istituzzjonijiet oħra li jikkoinvestu f'CIU ma' banek ta' żvilupp multilaterali jew bilaterali jistgħu jiddeterminaw l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju ta' dawk l-iskoperturi ta' CIU skont l-approċċi stabbiliti fl-Artikolu 132a dment li l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu huma ssodisfati u li l-mandat tal-investiment tas-CIU tillimita t-tipi ta' assi li s-CIU tista' tinvesti f'assi li jippromwovu żvilupp sostenibbli f'pajjiżi li qed jiżviluppaw.

L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti tagħhom dwar is-CIUs li għalihom japplikaw it-trattament imsemmi fit-tieni subparagrafu.

B'deroga mill-punt (c)(i) tal-ewwel subparagrafu, meta l-istituzzjoni tiddetermina l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju ta' skopertura tas-CIU skont l-approċċ ibbażat fuq il-mandat, ir-rappurtar mis-CIU jew il-kumpannija maniġerjali tas-CIU lill-istituzzjoni jista' jkun limitat għall-mandat tal-investiment tas-CIU u kull tibdil tiegħu u jista' jsir biss meta l-istituzzjoni ġġarrab l-iskopertura lis-CIU għall-ewwel darba u meta jkun hemm tibdil fil-mandat tal-investiment tas-CIU.

4. L-istituzzjonijiet li ma għandhomx data jew informazzjoni xierqa biex jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura mwieżna għar-riskju ta' skopertura ta' CIU skont l-approċċi stabbiliti fl-Artikolu 132a jistgħu jibbażaw ruħhom fuq il-kalkoli ta' parti terzi, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-parti terza hija waħda minn dawn li ġejjin:

(i) id-depożitarju jew id-depożitarju finanzjarju tas-CIU, sakemm is-CIU tinvesti b'mod esklużiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha f'dak depożitarju jew depożitarju finanzjarju;

(ii) fil-każ ta' CIUs mhux koperti mill-punt (i) ta' dan il-punt, il-kumpannija maniġerjali tas-CIU, sakemm il-kumpannija tissodisfa l-kondizzjoni stabbilita fil-punt (a) tal-paragrafu 3;

(b) il-parti terza twettaq il-kalkolu skont l-approċċi stabbiliti fl-Artikolu 132a(1), (2) jew (3), kif applikabbli;

(c) awditur estern ikun ikkonferma l-korrettezza tal-kalkolu tal-parti terza.

▼M8

L-istituzzjonijiet li jibbażaw ruħhom fuq il-kalkoli ta' parti terza għandhom jimmultiplikaw l-ammont tal-iskopertura mwieżna għar-riskju ta' skopertura ta' CIU li tirriżulta minn dawn il-kalkoli b'fattur ta' 1,2.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, meta l-istituzzjoni jkollha aċċess mhux ristrett għall-kalkoli dettaljati mwettqa minn parti terza, il-fattur ta' 1,2 ma għandux japplika. L-istituzzjoni għandha tipprovdi dawk il-kalkoli lill-awtorità kompetenti tagħha fuq talba.

5. Meta istituzzjoni tapplika l-approċċi msemmija fl-Artikolu 132a għall-fini li tikkalkula l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju ta' skopertura ta' CIU ("CIU ta' livell 1"), u kwalunkwe waħda mill-iskoperturi sottostanti tas-CIU ta' livell 1 hija skopertura fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU oħra ("CIU ta' livell 2"), l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju tal-iskoperturi tas-CIU ta' livell 2 jista' jiġi kkalkulat permezz ta' kwalunkwe wieħed mit-tliet approċċi deskritti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-istituzzjoni tista' tuża l-prinċipju taċ-ċar kristall biex tikkalkula l-ammonti tal-iskopertura ponderata għar-riskju tal-iskoperturi tas-CIU fil-livell 3 u kwalunkwe livell sussegwenti, fil-każ biss fejn użat dak l-approċċ għall-kalkolu fil-livell preċedenti. Fi kwalunkwe xenarju ieħor, din għandha tuża l-approċċ ta' riżerva.

6. L-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju għall-iskoperturi ta' CIU kkalkulat skont il-prinċipju taċ-ċar kristall u l-approċċ ibbażat fuq il-mandat kif stabbilit fl-Artikolu 132a (1) u (2) għandu jiġi limitat għall-ammont ponderat għar-riskju ta' dawk l-iskoperturi ta' CIU kkalkulat skont l-approċċ ta' riżerva.

7. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ taċ-ċar kristall skont l-Artikolu 132a(1) jistgħu jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju għall-iskoperturi tagħhom fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU billi jimmultiplikaw il-valuri tal-iskoperturi ta' dawk l-iskoperturi, ikkalkulati skont l-Artikolu 111, bil-piż tar-riskju (RW_i^*) ikkalkulat skont il-formula stipulata fl-Artikolu 132c, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet ikejlu il-valur tal-parteċipazzjonijiet tagħhom ta' unitajiet jew ishma f'CIU bil-prezz storiku iżda jkejlu l-valur tal-assi sottostanti tas-CIU bil-valur ġust jekk dawn japplikaw l-approċċ taċ-ċar kristall;

(b) bidla fil-valur tas-suq tal-unitajiet jew l-ishma li għalihom l-istituzzjonijiet jkejlu l-valur bil-prezz storiku la jbiddel l-ammont tal-fondi proprji ta' dawk l-istituzzjonijiet u lanqas il-valur tal-iskopertura assoċjat ma' dawk il-parteċipazzjonijiet.

Artikolu 132a

Approċċi għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura mwieżna għar-riskju tas-CIUs

1. Meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 132(3), l-istituzzjonijiet li għandhom biżżejjed informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti individwali ta' CIU għandhom jirreferu għal dawk l-iskoperturi biex jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura mwieżna għar-riskju tas-CIU, filwaqt li jivvalutaw ir-riskju tal-iskoperturi sottostanti kollha tas-CIU bħallikieku kienu miżmuma direttament minn dawk l-istituzzjonijiet.

▼M8

2. Meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 132(3), l-istituzzjonijiet li ma għandhomx biżżejjed informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti individwali ta' CIU biex jużaw il-prinċipju taċ-ċar kristall, jistgħu jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura mwieżna għar-riskju ta' dawk l-iskoperturi skont il-limiti stabbiliti fil-mandat tas-CIU u l-liġi rilevanti.

L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-kalkoli msemmija fl-ewwel subparagrafu skont is-suppożizzjoni li s-CIU l-ewwel iġġarrab l-iskoperturi sal-punt massimu permess taħt il-mandat tagħha jew liġi rilevanti fl-iskoperturi li jattiraw ir-rekwiżit tal-ogħla fondi proprji u mbagħad tkompli ġġarrab l-iskoperturi f'ordni dixxendenti sakemm jintlaħaq il-limitu massimu totali tal-iskopertura, u li s-CIU tapplika lieva finanzjarja sal-massimu possibbli permess skont il-mandat jew il-liġi rilevanti tagħha, fejn applikabbli.

L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-kalkoli msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-metodi stabbiliti f'dan il-Kapitolu, fil-Kapitolu 5, u fit-Taqsima 3, 4 jew 5 tal-Kapitolu 6 ta' dan it-Titolu.

3. ►M17 B'deroga mill-Artikolu 92(4), il-punt (d), l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju tal-iskoperturi ta' CIU f'konformità mal-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu ta' skoperturi ta' derivattivi ta' dik is-CIU bħala ammont ugwali għal 50 % tar-rekwiżit ta' fondi proprji għal dawk l-iskoperturi ta' derivattivi kkalkulati f'konformità mal-Kapitolu 6, it-Taqsima 3, 4 jew 5, ta' dan it-Titolu, kif applikabbli. ◄

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, istituzzjoni tista' teskludi l-iskoperturi għal derivattiva ta' riskju li ma jkunux soġġetti għal dak ir-rekwiżit li kieku kienu mġarrba direttament mill-istituzzjoni, mill-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għall-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura mwieżna għar-riskju msemmi fil-paragrafu 2 meta wieħed jew aktar mill-inputs meħtieġ għal dak il-kalkolu ma jkunx disponibbli.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Marzu 2020.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 132b

Esklużjonijiet mill-approċċi għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura mwieżna għar-riskju tas-CIUs

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu mill-kalkoli msemmija fl-Artikolu 132 l-istrumenti ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni, ta' Grad 1 Addizzjonali, ta' Grad 2 u l-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli miżmuma minn CIU li l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu skont l-Artikolu 36(1), u l-Artikoli 56, 66 u 72e rispettivament.

▼M17

2. L-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu mill-kalkoli msemmija fl-Artikolu 132 l-iskoperturi tal-ekwità sottostanti skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet fis-CIUsgħall-entitjaiet li l-obbligi ta' kreditu tagħhom jiġu assenjati riskju ta' ppeżar ta' 0 % skont dan il-Kapitolu, inkluż dawk l-entitajiet sponsorjati pubblikament fejn ippeżar tar-riskju ta' 0 % jista' jiġi applikat, u l-iskoperturi tal-ekwità msemmija fl-Artikolu 133(5), u minflok japplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 133 għal dawk l-iskoperturi tal-ekwità.

▼M8

Artikolu 132c

Trattament ta' skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta tal-bilanċ għas-CIUs

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju għal entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tagħhom bil-potenzjal li jiġi kkonvertit fi skoperturi fis-sura ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU billi jiġu mmultiplikati l-valuri tal-iskopertura ta' dawk l-iskoperturi kkalkolat skont l-Artikolu 111, bil-piż tar-riskju li ġej:

(a) għall-iskoperturi kollha li għalihom l-istituzzjonijiet jużaw wieħed mill-approċċi stipulati fl-Artikolu 132a:

$$RW_i^* = \frac{RWAE_i}{E_i^*} \cdot \frac{A_i}{EQ_i}$$

fejn:

RW_i^* = il-piż tar-riskju;

i = l-indiċi li juri s-CIU:

$RWAE_i$ = l-ammont kalkulat skont l-Artikolu 132a għas-CIU_i;

E_i^* = il-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi tas-CIU_i;

A_i = il-valur kontabbli tal-assi tas-CIU_i; u

EQ_i = il-valur kontabbli tal-ekwità tas-CIU_i.

(b) għall-iskoperturi l-oħra kollha, $RW_i^* = 1\,250\%$.

2. ►M17 L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura ta' impenn ta' valur minimu li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu bħala l-valur preżenti skontat tal-ammont iggarantit bl-użu ta' fattur ta' skont li jiġi derivat minn rata mingħajr riskju skont l-Artikolu 325l(2) jew (3), kif applikabbli. L-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-valur tal-iskopertura tal-impenn ta' valur minimu bi kwalunkwe telf rikonoxxut fir-rigward tal-impenn ta' valur minimu skont l-istandard kontabilistiku applikabbli. ◄

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju għal skoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jirriżultaw minn valur minimu ta' impenji li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu billi jimmultiplikaw il-valur tal-iskopertura ta' dawk l-iskoperturi b'fattur ta' konverżjoni ta' 20 % u l-ponderazzjoni tar-riskju derivati skont l-Artikolu 132 jew 152.

▼M8

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal skoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jirriżultaw minn valur minimu ta' impenji skont il-paragrafu 2 fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskopertura li ma tidhirx fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni huwa impenn ta' valur minimu għal investiment f'unitajiet jew ishma ta' CIU waħda jew aktar li bihom l-istituzzjoni hija obbligata biss tħallas taħt il-impenn ta' valur minimu fejn il-valur tas-suq tal-iskoperturi sottostanti tas-CIU jew CIUs huwa inqas mil-limitu predefinit f'punt wieħed jew aktar fiż-żmien, kif speċifikat fil-kuntratt;

(b) is-CIU hija kwalunkwe minn dawn li ġejjin:

(i) UCITS kif definita fid-Direttiva 2009/65/KE; jew

(ii) AIF kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE li jinvesti biss f'titoli trasferibbli jew f'assi likwidi finanzjarji oħrajn imsemmija fl-Artikolu 50(1) tad-Direttiva 2009/65/KE, fejn il-mandat tal-AIF ma jippermettix lieva finanzjarja ogħla minn dak permess skont l-Artikolu 51(3) tad-Direttiva 2009/65/KE;

(c) il-valur tas-suq kurrenti tal-iskoperturi sottostanti ta' CIU sottostanti l-impenn ta' valur minimu mingħajr ma jitqies l-effett tal-impenji ta' valur minimu li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ ikopri jew jaqbeż il-valur kurrenti il-valur kurrenti ta' limitu speċifikat fl-impenn ta' valur minimu;

(d) meta jonqos l-eċċess tal-valur tas-suq tal-iskoperturi sottostanti tas-CIU jew CIUs fuq il-valur attwali tal-impenn ta' valur minimu, istituzzjoni, jew impriża oħra sa fejn hija koperta mis-superviżjoni fuq bażi konsolidata li għaliha l-istituzzjoni stess hija soġġetta skont dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE jew id-Direttiva 2002/87/KE, tista' tinfluwenza l-kompożizzjoni tal-iskoperturi sottostanti tas-CIU jew CIUs jew tillimita l-potenzjal għal aktar tnaqqis tal-eċċess b'modi oħra;

(e) il-benefiċjarju aħħari dirett jew indirett tal-impenn ta' valur minimu huwa tipikament klijent konsumatur kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE.

▼M17

Artikolu 133

Skoperturi ta' ekwità

1. Dawn kollha li ġejjin għandhom jiġu kklassifikati bħala skoperturi ta' ekwità:

(a) kwalunkwe skopertura li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ma tkunx tista' tiġi rkuprata fis-sens li r-redditu tal-fondi investiti jista' jinkiseb biss bil-bejgħ tal-investiment jew bil-bejgħ tad-drittijiet għall-investiment jew bil-likwidazzjoni tal-emittent;

(ii) ma tinkorporax obbligu min-naħa tal-emittent;

(iii) twassal għal pretensjoni residwa fuq l-assi jew fuq l-introjtu tal-emittent;

(b) strumenti li jkunu jikkwalifikaw bħala entrati ta' Grad 1 li kieku jinħarġu minn istituzzjoni;

▼M17

(c) strumenti li jinkorporaw obbligu min-naħa tal-emittent u jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-emittent ikun kapaċi jiddifferixxi s-saldu tal-obbligu b'mod indefinit;

(ii) l-obbligu jirrikjedi, jew jippermetti skont id-diskrezzjoni tal-emittent, saldu permezz tal-ħruġ ta' numru fiss ta' azzjonijiet ta' ekwità tal-emittent;

(iii) l-obbligu jirrikjedi, jew jippermetti skont id-diskrezzjoni tal-emittent, saldu permezz tal-ħruġ ta' numru varjabbli ta' azzjonijiet ta' ekwità tal-emittent u, ceteris paribus, kwalunkwe bidla fil-valur tal-obbligu tkun attribwibbli għal, komparabbli ma', u fl-istess direzzjoni bħall-bidla fil-valur ta' numru fiss ta' azzjonijiet ta' ekwità tal-emittent;

(iv) id-detentur tal-istrument ikollu l-għażla li jirrikjedi li l-obbligu jiġi ssaldat f'azzjonijiet ta' ekwità, sakemm ma tiġix issodisfata waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(1) fil-każ ta' strument innegozjat, l-istituzzjoni tkun uriet, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li l-istrument huwa nnegozjat fis-suq aktar bħad-dejn tal-emittent milli bħall-ekwità tiegħu;

(2) fil-każ ta' strumenti mhux innegozjati, l-istituzzjoni tkun uriet, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li l-istrument għandu jiġi ttrattat bħala pożizzjoni ta' dejn;

(d) obbligi ta' dejn u titoli oħrajn, sħubijiet, derivattivi jew strumenti oħrajn strutturati b'tali mod li s-sustanza ekonomika tkun simili għall-iskoperturi msemmija fil-punti (a), (b) u (c), inkluż obbligazzjonijiet li minnhom ir-redditu jkun marbut ma' dak tal-ekwitajiet;

(e) skoperturi ta' ekwità li jkunu rreġistrati bħala self iżda li jirriżultaw minn konverżjoni ta' dejn f'ekwità magħmula bħala parti mir-realizzazzjoni jew mir-ristrutturar ordnat tad-dejn.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(iii), l-obbligazzjonijiet jinkludu dawk li jeħtieġu jew jippermettu s-saldu permezz tal-ħruġ ta' numru varjabbli tal-azzjonijiet ta' ekwità tal-emittent, li għalihom il-bidla fil-valur monetarju tal-obbligu tkun ugwali għall-bidla fil-valur ġust ta' numru fiss ta' azzjonijiet ta' ekwità multiplikat b'fattur speċifikat, meta kemm il-fattur kif ukoll in-numru ta' ishma referenzjati jkunu fissi.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c)(iv), meta tiġi ssodisfata waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak il-punt, l-istituzzjoni tista' tiddekomponi r-riskji għal finijiet regolatorji, soġġett għall-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

2. L-investimenti ta' ekwità ma għandhomx jiġu ttrattati bħala skoperturi ta' ekwità fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-investimenti ta' ekwità huma strutturati b'tali mod li s-sustanza ekonomika tagħhom tkun simili għas-sustanza ekonomika tal-holdings ta' dejn li ma jissodisfawx il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1;

(b) l-investimenti ta' ekwità jikkostitwixxu skoperturi ta' titolizzazzjoni.

▼M17

3. Skoperturi ta' ekwità, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 4 sa 7, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 250 %, sakemm dawk l-iskoperturi ma jkunux meħtieġa jitnaqqsu jew jiġu ponderati għar-riskju f'konformità mal-Parti Tnejn.

4. L-iskoperturi ta' ekwità li ġejjin għal kumpaniji mhux elenkati għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 400 %, sakemm dawk l-iskoperturi ma jkunux meħtieġa jitnaqqsu jew jiġu ponderati għar-riskju f'konformità mal-Parti Tnejn:

(a) investimenti għal skopijiet ta' bejgħ mill-ġdid fuq terminu qasir;

(b) investimenti f'ditti ta' kapital ta' riskju jew investimenti simili li jinkisbu b'antiċipazzjoni ta' qligħ kapitali sinifikanti fuq terminu qasir.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-investimenti f'ekwità fit-tul, inkluż investimenti f'ekwitajiet ta' klijenti korporattivi li magħhom l-istituzzjoni jkollha jew ikollha l-ħsieb li tistabbilixxi relazzjoni ta' negozju fit-tul u konverżjonijiet ta' dejn f'ekwità għal finijiet ta' ristrutturar korporattiv, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju f'konformità mal-paragrafu 3 jew 5, kif ikun applikabbli. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, investiment ta' ekwità fit-tul huwa investiment ta' ekwità li jinżamm għal tliet snin jew aktar jew li jiġġarrab bl-intenzjoni li jinżamm għal tliet snin jew aktar kif approvat mill-maniġment superjuri tal-istituzzjoni.

5. L-istituzzjonijiet li jkunu rċevew il-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti jistgħu jassenjaw piż tar-riskju ta' 100 % għal skoperturi ta' ekwità mġarrba taħt programmi leġiżlattivi biex jistimulaw setturi speċifikati tal-ekonomija, sal-parti ta' tali skoperturi ta' ekwità li b'mod aggregat ma taqbiżx l-10 % tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet, li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-programmi leġiżlattivi jipprovdu sussidji sinifikanti jew garanziji, inkluż minn banek multilaterali tal-iżvilupp, minn istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku kif iddefiniti fl-Artikolu 429a(2) jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, għall-investiment lill-istituzzjoni;

(b) il-programmi leġiżlattivi jinvolvu xi forma ta' sorveljanza tal-gvern;

(c) il-programmi leġiżlattivi jinvolvu restrizzjonijiet fuq l-investiment ta' ekwità, bħal limitazzjonijiet fuq id-daqs u t-tipi ta' negozji li l-istituzzjoni tkun qed tinvesti fihom, fuq l-ammonti permissibbli ta' interessi proprjetarji, fuq il-pożizzjoni ġeografika u fuq fatturi rilevanti oħra li jillimitaw ir-riskju potenzjali tal-investiment għall-istituzzjoni li tinvesti.

6. Skoperturi ta' ekwità għal banek ċentrali għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %.

7. Parteċipazzjoni fl-ekwità li tiġi reġistrata bħala self iżda li tkun irriżultat minn konverżjoni ta' dejn f'ekwità magħmula bħala parti mir-realizzazzjoni jew mir-ristrutturar ordnat tad-dejn ma għandhiex tiġi assenjata piż tar-riskju aktar baxx mill-piż tar-riskju li jkun japplika li kieku l-parteċipazzjoni fl-ekwità kienet ittrattata bħala skopertura ta' dejn.

▼B

Artikolu 134

Elementi oħrajn

▼C2

1. Assi tanġibbli skont it-tifsira tal-punt 10 taħt l-intestatura “Assi” fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 86/635/KEE għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 100 %.

▼B

2. Pagamenti minn qabel u introjtu dovut li istituzzjoni ma tkunx kapaċi tiddetermina l-kontroparti tagħhom skont id-Direttiva 86/635/KEE, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta’ 100 %.

▼M17

3. Elementi fi flus kontanti li qegħdin fil-proċess li jinġabru għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 20 %. Flus kontanti li huma proprjetà ta' u miżmuma mill-istituzzjoni, jew fi tranżitu, u elementi fi flus kontanti ekwivalenti għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 0 %.

▼B

4. Ingotti tad-deheb miżmuma fl-imħażen tas-sigurtà proprji jew fuq bażi allokata sal-limitu sostnut mill-obbligazzjonijiet tal-ingotti tad-deheb għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta’ 0 %.

5. Fil-każ ta’ bejgħ ta’ assi u ta’ ftehimiet ta’ xiri mill-ġdid u ta’ xiri forward dirett, il-piż tar-riskju għandu jkun dak assenjat lill-assi inkwistjoni u mhux lill-kontropartijiet tat-transazzjonijiet.

▼M5

6. Fejn istituzzjoni tipprovdi protezzjoni tal-kreditu għal għadd ta’ skoperturi soġġett għall-kondizzjoni li l-inadempjenza numru n (n^{th} default) fost l-iskoperturi għandha tiskatta pagament u li dan l-avveniment ta’ kreditu għandu jtemm il-kuntratt, il-piżijiet tar-riskju tal-iskoperturi inklużi fil-basket jiġu aggregati, esklużi l-iskoperturi n-1, sa massimu ta’ 1 250 % u mmultiplikati bl-ammont nominali tal-protezzjoni pprovdut mid-derivattiv ta’ kreditu sabiex jinkiseb l-ammont ta’ skopertura ponderata għar-riskju. L-iskoperturi n-1 li jiġu eskluży mill-aggregat għandhom jiġu determinati abbażi li dawn għandhom jinkludu dawk l-iskoperturi li kull waħda minnhom tipproduċi ammont inqas ta’ skoperturi ponderati għar-riskju mill-ammont ta’ skoperturi ponderati għar-riskju ta’ kwalunkwe waħda mill-iskoperturi inkluża fl-aggregat.

▼B

7. Il-valur tal-iskopertura għal kirjiet għandu jkun il-pagamenti tal-kirja minimi skontati. Pagamenti minimi tal-kiri huma l-pagamenti matul it-terminu tal-kiri li l-kerrej jagħmel jew jista’ jintalab jagħmel u kwalunkwe għażla bi prezz innegozjat li l-eżerċizzju tagħha jkun reġonevolment ċert. Kull parti li ma tkunx sid il-kera tista’ tintalab tagħmel pagament relatat mal-valur residwu ta’ proprjetà mikrija u li l-obbligu ta’ pagament jissodisfa s-sett ta’ kondizzjonijiet fl-Artikolu 201 fir-rigward tal-eliġibbiltà tal-forniturі tal-protezzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti għar-rikonoxximent tat-tipi oħra ta’ garanziji previsti fl-Artikoli 213 sa 215, dak l-obbligu ta’ pagament jista’ jitqies bħala protezzjoni mhux finanzjata tal-kreditu skont il-Kapitolu 4. Dawn l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati għall-klassi rilevanti ta’ skopertura skont l-Artikolu 112. Meta l-iskopertura tkun valur residwu ta’ assi mikrija, l-ammonti tal-iskopertura peżati għar-riskju għandhom jiġu kkalkulati kif ġej: 1/t * 100 % * valur residwu, fejn t huwa l-akbar wieħed ta’ 1 u l-eqreb numru ta’ snin sħaħ li fadal tal-kirja.

▼B

Taqsima 3

Rikonoxximent u assoċjazzjoni tal-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu

Subtaqsima 1

Rikonoxximent tal-ECAIs

Artikolu 135

Użu ta' valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs

1. Valutazzjoni tal-kreditu esterna tista' tintuża biex tistabbilixxi l-piż tar-riskju ta' skopertura skont dan il-Kapitolu biss jekk tkun inħarġet minn ECAI jew tkun ġiet approvata minn ECAI skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

2. L-ABE għandha tippubblika fis-sit elettroniku tagħha l-lista ta' ECAIs f'konformità mal-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

▼M17

3. Sal-10 ta' Lulju 2025, l-ESMA għandha tħejji rapport dwar jekk ir-riskji ESG humiex riflessi kif xieraq fil-metodoloġiji ta' klassifikazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-ECAI u tippreżenta dak ir-rapport lill-Kummissjoni.

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-10 ta' Jannar 2026.

▼B

Subtaqsima 2

Assoċjazzjoni tal-valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAI

Artikolu 136

Assoċjazzjoni tal-valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAI

1. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom, permezz tal-Kumitat Konġunt jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex jispeċifikaw għall- ECAIs kollha, ma' liema mill-iskala tal-kwalità kreditizja stabbiliti fit-Taqsima 2 jikkorrispondu l-valutazzjonijiet rilevanti tal-kreditu tal- ECAI ('assoċjazzjoni'). Dawk id-determinazzjonijiet għandhom ikunu oġġettivi u konsistenti.

L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju 2014 u għandhom jissottomettu abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi riveduti fejn ikun meħtieġ.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 rispettivament.

▼B

2. Meta jkunu qegħdin jiddeterminaw l-assoċjazzjonijiet tal-valutazzjonijiet tal-kreditu, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) sabiex tiddifferenzja bejn il-gradi relattivi ta' riskju espressi minn kull valutazzjoni tal-kreditu l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jikkunsidraw fatturi kwantitattivi bħar-rata ta' inadempjenza ta' terminu twil assoċjata mal-elementi kollha li jkunu assenjati l-istess valutazzjoni tal-kreditu. Fil-każ ta' ECAI stabbiliti reċentement u għal dawk li għandhom biss rekord qasir ta' data ta' inadempjenzi, kreditu l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jitolbu lill-ECAI x'taħseb li tkun r-rata ta' inadempjenza ta' terminu twil assoċjata mal-elementi kollha assenjati l-istess valutazzjoni tal-kreditu;

(b) sabiex tiddifferenzja bejn il-gradi relattivi ta' riskju espressi minn kull valutazzjoni tal-kreditu, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jikkunsidraw l-fatturi kwalitattivi bħall-aggregazzjoni ta' emittenti li l-ECAI tkopri, il-firxa ta' valutazzjonijiet tal-kreditu li l-ECAI tassenja, kull tifsira ta' valutazzjoni tal-kreditu u d-definizzjoni ta' inadempjenza għall-ECAI;

(c) l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom iqabblu r-rati ta' inadempjenza esperjenzati għal kull valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI partikolari u jqabbilhom ma' punt ta' riferiment mibni abbażi tar-rati ta' inadempjenza esperjenzati minn ECAIs oħrajn fuq popolazzjoni ta' emittenti li jippreżentaw livell ekwivalenti tar-riskju ta' kreditu;

(d) fejn ir-rati ta' inadempjenza esperjenzati għall-valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI partikolari jkunu materjalment u sistematikament ogħla mill-punt ta' riferiment, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jassenjaw skala ogħla tal-kwalità kreditizja fuq l-iskala ta' valutazzjoni tal-kwalità kreditizja għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI;

(e) fejn l-ABE, l-AEAPX u l-AETS ikunu żiedu l-piż assoċjat tar-riskju għal valutazzjoni speċifika tal-kreditu ta' ECAI partikolari, u meta r-rati ta' inadempjenza esperjenzati għall-valutazzjoni tal-kreditu ta' dik l-ECAI ma jkunux għadhom materjalment u sistematikament ogħla mill-punt ta' riferiment, l-ABE, l-AEAPX u l-AETS jistgħu jmorru lura għall-iskala oriġinali tal-kwalità kreditizja fl-iskala tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu għall-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI.

3. L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex jispeċifika l-fatturi kwantitattivi msemmija fil-punt (a), u l-fatturi kwalitattivi msemmija fil-punt (b) u l-punt ta' riferiment imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 2.

L-ABE, l-AEAPX u l-AETS għandhom jissottomettu dan l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Lulju 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 u tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 rispettivament.

▼B

Subtaqsima 3

L-użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu minn aġenziji tal-krediti għall-esportazzjoni

Artikolu 137

użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu minn Aġenziji tal-Krediti għall-Esportazzjoni

1. Għall-fini tal-Artikolu 114, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw valutazzjonijiet tal-kreditu ta' Aġenziji tal-Krediti għall-Esportazzjoni li l-istituzzjoni tkun innominat, jekk waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin tkun ġiet ssodisfatta:

(a) tkun tirrigwarda klassifikazzjoni tar-riskju maqbul (consensus risk score) mill-Aġenziji tal-Krediti għall-Esportazzjoni li jkunu qegħdin jipparteċipaw fl-"Arranġament dwar il-Linji Gwida għall-Krediti tal-Esportazzjoni Appoġġjati Uffiċjalment" tal-OECD;

(b) l-Aġenzija tal-Krediti għall-Esportazzjoni tippubblika l-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħha, u l-Aġenzija tal-Krediti għall-Esportazzjoni tissottoskrivi għall-metodoloġija maqbula tal-OECD, u l-valutazzjoni tal-kreditu tiġi assoċjata ma' wieħed mit-tmien primjums minimi tal-assigurazzjoni fuq l-esportazzjoni li l-metodoloġija maqbula tal-OECD tistabbilixxi. Istituzzjoni tista' tirrevoka n-nomina ta' Aġenzija tal-Krediti għall-Esportazzjoni. L-istituzzjoni għandha tissostanzja r-revoka jekk jeżistu indikazzjonijiet konkreti li l-intenzjoni li hija l-bażi tar-revoka tkun biex jitnaqqsu r-rekwiżiti tal-adegwatezza kapitali.

2. Skoperturi li għalihom, għal finijiet ta' peżar tar-riskju, ikun hemm rikonoxxuta valutazzjoni tal-kreditu minn Aġenzija tal-Krediti għall-Esportazzjoni, għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju skont it-Tabella 9.

Tabella 9

MEIP	0	1	2	3	4	5	6	7
Piż tar-riskju	0 %	0 %	20 %	50 %	100 %	100 %	100 %	150 %

Taqsima 4

Użu tal-valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI għad-determinazzjoni tal-piżijiet tar-riskju

Artikolu 138

Rekwiżiti ġenerali

Istituzzjoni tista' tinnomina ECAI waħda jew aktar biex jintużaw biex jiġu determinati l-piżijiet tar-riskju li jridu jiġu assenjati għall-assi u elementi li ma jidhrux. Istituzzjoni tista' tirrevoka n-nomina ta' ECAI. L-istituzzjoni għandha tissostanzja r-revoka jekk jeżistu indikazzjonijiet konkreti li l-intenzjoni li hija l-bażi tar-revoka tkun biex jitnaqqsu r-rekwiżiti tal-adegwatezza kapitali. Il-valutazzjonijiet tal-kreditu ma

▼B

għandhomx jintużaw b'mod selettiv. Istituzzjoni għandha tuża valutazzjonijiet ta' kreditu sollečitati. Madankollu, hija tista' tuża valutazzjonijiet ta' kreditu mhux sollečitati jekk l-ABE tkun ikkonfermat li valutazzjonijiet ta' kreditu mhux sollečitati ta' ECAI ma tkunx differenti fil-kwalità minn valutazzjonijiet ta' kreditu sollečitati ta' din l-ECAI. L-ABE għandha tirrifjuta jew tirrevoka din il-konferma b'mod partikolari meta l-ECAI tkun użat valutazzjoni ta' kreditu mhux sollečitata sabiex issir pressjoni fuq l-entità ggradata sabiex tordna valutazzjoni tal-kreditu jew servizzi oħra. Meta jużaw il-valutazzjoni tal-kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) istituzzjoni li tiddeċiedi li tuża l-valutazzjonijiet tal-kreditu prodotti minn ECAI għal ċerta klassi ta' elementi għandha tuża dawk il-valutazzjonijiet tal-kreditu konsistentement għall-iskoperturi kollha ta' dik il-klassi;

(b) istituzzjoni li tiddeċiedi li tuża l-valutazzjonijiet tal-kreditu prodotti minn ECAI għandha tużahom b'mod kontinwu u konsistenti tul iż-żmien;

(c) istituzzjoni għandha tuża biss valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAI li jqisu l-ammonti kollha dovuti lilha kemm f'kapital kif ukoll f'imgħax;

(d) fejn għal element klassifikat tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu waħda biss minn ECAI nominata, għandha tintuża dik il-valutazzjoni tal-kreditu biex tiddetermina l-piż tar-riskju għal dik l-entrata;

(e) fejn ikunu disponibbli żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAI nominati u t-tnejn jikkorrispondu ma' piżijiet differenti tar-riskju għal element klassifikat, għandu jiġi assenjat l-ogħla piż tar-riskju;

(f) fejn għal element klassifikat ikunu disponibbli aktar minn żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAI nominati, għandhom jintużaw iż-żewġ valutazzjonijiet li jiġġeneraw l-aktar żewġ piżijiet baxxi tar-riskju. Jekk l-iċken żewġ piżijiet tar-riskju jkunu differenti, għandu jiġi assenjat l-ogħla piż tar-riskju. Jekk l-iċken żewġ piżijiet ikunu l-istess, għandu jiġi assenjat dak il-piż tar-riskju;

▼M17

(g) għal skoperturi għal istituzzjonijiet, istituzzjoni ma għandhiex tuża valutazzjoni tal-kreditu ta' ECAI li tinkorpora suppożizzjonijiet ta' appoġġ impliċitu mill-gvern, sakemm il-valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI rispettiva ma tkunx tirreferi għal istituzzjoni li tkun proprjetà ta' jew stabbilita u sponsorjata minn gvernijiet ċentrali, minn gvernijiet reġjonali jew minn awtoritajiet lokali.

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (g), fil-każ ta' istituzzjonijiet, għajr istituzzjonijiet li huma proprjetà ta' jew stabbiliti u sponsorjati minn gvernijiet ċentrali, minn gvernijiet reġjonali jew minn awtoritajiet lokali, li għalihom jeżistu biss valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ECAI li jinkorporaw suppożizzjonijiet ta' appoġġ impliċitu mill-gvern, l-iskoperturi għal tali istituzzjonijiet għandhom jiġu trattati bħala skoperturi għal istituzzjonijiet mhux ikklassifikati f'konformità mal-Artikolu 121.

"Appoġġ impliċitu mill-gvern" tfisser li l-gvern ċentrali, il-gvern reġjonali jew l-awtorità lokali jaġixxu biex jipprevjenu lill-krediturі tal-istituzzjoni milli jġarrbu telf fil-każ ta' inadempjenza jew ta' diffikultà tal-istituzzjoni.

▼B

Artikolu 139

Valutazzjoni tal-kreditu tal-emittent u tal-emissjoni

1. Fejn teżisti valutazzjoni tal-kreditu għal programm jew faċilità emittenti speċifika li għalih jappartjeni l-element li jikkostitwixxi l-iskopertura, għandha tintuża din il-valutazzjoni tal-kreditu biex jiġi ddeterminat il-piż tar-riskju li għandu jiġi assenjat għal dik l-entrata.

2. Fejn ma teżistix valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli għal ċertu element, iżda teżisti valutazzjoni tal-kreditu għal programm jew faċilità emittenti speċifika li l-entrata li tikkostitwixxi l-iskopertura ma tappartjenix għalih jew teżisti valutazzjoni ġenerali tal-kreditu għall-emittent, allura dik il-valutazzjoni tal-kreditu għandha tintuża f'waħda mill-każijiet li ġejjin:

▼M17

(a) il-valutazzjoni tal-kreditu tipproduċi piż tar-riskju ogħla milli jkun il-każ jekk l-iskopertura tiġi ttrattata bħala mhux ikklassifikata u l-iskopertura kkonċernata:

(i) ma tkunx skopertura fuq self speċjalizzat;

(ii) tikklassifika *pari passu* jew subordinata fl-aspetti kollha għall-programm jew għall-faċilità tal-ħruġ speċifika jew għal skoperturi prijoritarji mhux iggarantiti ta' dak l-emittent, kif ikun rilevanti;

(b) il-valutazzjoni tal-kreditu tipproduċi piż tar-riskju aktar baxx milli jkun il-każ jekk l-iskopertura tiġi ttrattata bħala mhux ikklassifikata u l-iskopertura kkonċernata:

(i) ma tkunx skopertura fuq self speċjalizzat;

(ii) tikklassifika *pari passu* jew prijoritarja fl-aspetti kollha għall-programm jew għall-faċilità tal-ħruġ speċifika jew għal skoperturi prijoritarji mhux iggarantiti ta' dak l-emittent, kif ikun rilevanti.

▼B

Fil-każijiet l-oħra kollha, l-iskopertura għandha tiġi trattata bħala mhux klassifikata.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jimpedixxu l-applikazzjoni tal-Artikolu 129.

4. Il-valutazzjonijiet tal-kreditu għal emittenti fi grupp korporattiv ma jistgħux jintużaw bħala valutazzjoni tal-kreditu ta' emittent ieħor fl-istess grupp korporattiv.

Artikolu 140

Valutazzjonijiet tal-kreditu ta' terminu twil u ta' terminu qasir

1. Valutazzjonijiet tal-kreditu ta' terminu qasir jistgħu jintużaw biss għal assi u elementi ta' terminu qasir li ma jidhrux li jikkostitwixxu skoperturi għall-istituzzjonijiet u impriżi.

2. Kwalunkwe valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir għandha tapplika biss għall-element li għalih tirreferi l-valutazzjoni tal-kreditu ta' terminu qasir, u ma għandhiex tintuża biex jiġu dderivati l-piżijiet tar-riskju ta' xi entrata oħra, ħlief fil-każijiet li ġejjin:

(a) jekk faċilità klassifikata ta' terminu qasir tiġi assenjata piż tar-riskju ta' 150 %, allura l-iskoperturi kollha mhux iggarantiti u mhux klassifikati fuq dak id-debitur sew jekk ta' terminu qasir kif ukoll ta' terminu twil għandhom ukoll jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 150 %;

▼B

(b) jekk faċilità klassifikata ta’ terminu qasir tiġi assenjata piż tar-riskju ta’ 50 %, ma għandu jiġi assenjat l-ebda piż tar-riskju għal skopertura mhux klassifikata ta’ terminu qasir ta’ inqas minn 100 %.

▼M17

Artikolu 141

Elementi f'munita domestika u barranija

1. Valutazzjoni tal-kreditu li tirreferi għal element denominat fil-munita domestika tad-debitur ma għandhiex tintuża sabiex jiġi dderivat piż tar-riskju għal skopertura fuq dak l-istess debitur li tkun iddenominat f'munita barranija.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, meta skopertura tirriżulta permezz tal-parteċipazzjoni ta' istituzzjoni f'self li jkun ġie estiż minn, jew li jkun ġie ggarantit kontra r-riskju ta' konvertibbiltà u ta' trasferiment minn bank multilaterali tal-iżvilupp elenkat fl-Artikolu 117(2) li l-istatus ta' kreditur preferut tiegħu jkun irrikonoxxut fis-suq, il-valutazzjoni tal-kreditu fuq l-element tal-munita domestika tad-debitur tista' tintuża sabiex jiġi dderivat piż tar-riskju għal skopertura fuq dak l-istess debitur li tkun iddenominata f'munita barranija.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, meta l-iskopertura ddenominata f'munita barranija ikun iggarantita kontra r-riskju ta' konvertibbiltà u ta' trasferiment, il-valutazzjoni tal-kreditu fuq l-element tal-munita domestika tad-debitur tista' tintuża biss għall-finijiet ta' ponderazzjoni tar-riskju fuq il-parti ggarantita ta' dik l-iskopertura. Il-parti ta' dik l-iskopertura li m'hijiex iggarantita għandha tkun ponderata għar-riskju abbażi ta' valutazzjoni tal-kreditu fuq id-debitur li tirreferi għal element iddenominat f'dik il-munita barranija.

▼B

KAPITOLU 3

Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (IRB)

Taqsima 1

Permess mill-awtoritajiet kompetenti biex jintuża l-approċċ IRB

Artikolu 142

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) “sistema ta’ klassifikazzjoni” tfisser il-metodi, il-proċessi, il-kontrolli, il-ġbir ta’ data u s-sistemi informatiċi kollha li jappoġġaw il-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-assenjazzjoni tal-iskoperturi għall-gradi jew għall-aggregazzjonijiet ta’ klassifikazzjoni, u l-kwantifikazzjoni tal-istimi tal-inadempjenza u tat-telf li ġiet żviluppata għal ċertu tip ta’ skoperturi;

▼M17

(1a) “klassi tal-iskoperturi” tfisser kwalunkwe waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (a), il-punt (aa)(i) jew (ii), il-punt (b), il-punt (c)(i), (ii) jew (iii), il-punt (d)(i), (ii), (iii) jew (iv), il-punt (e), (ea), (f) jew (g);

(1b) “skopertura korporattiva” tfisser skopertura assenjata għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (c)(i), (ii) jew (iii);

(1c) “skopertura fil-livell tal-konsumatur” tfisser skopertura assenjata għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (d)(i), (ii), (iii) jew (iv);

(1d) “skopertura għall-gvernijiet reġjonali, l-awtoritajiet lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku” tfisser skopertura assenjata għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (aa)(i) jew (ii);

(2) “tip ta' skoperturi” tfisser grupp ta' skoperturi mmaniġġati b'mod omoġenu, li jistgħu jkunu limitati għal entità waħda jew għal subsett wieħed ta' entitajiet fi grupp dment li l-istess tip ta' skoperturi jiġi mmaniġġat b'mod differenti f'entitajiet oħra tal-grupp;

▼B

(3) “unità operatorja” tfisser kull entità organizzazzjonali jew ġuridika, linji ta’ negozju, postijiet ġeografiċi separati;

▼M17

(4) “entità kbira regolata tas-settur finanzjarju” tfisser entità tas-settur finanzjarju li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-assi totali tal-entità, jew l-assi totali tal-kumpanija prinċipali tagħha meta l-entità jkollha kumpanija prinċipali, ikkalkulati fuq bażi individwali jew konsolidata, ikunu akbar minn jew ugwali għal EUR 70 biljun, bl-użu tal-aktar rapport finanzjarju awditjat jew rapport finanzjarju konsolidat reċenti sabiex jiġi ddeterminat id-daqs tal-assi;

(b) l-entità tkun soġġetta għal rekwiżiti prudenzjali, direttament fuq bażi individwali jew konsolidata, jew indirettament mill-konsolidazzjoni prudenzjali tal-impriża prinċipali tagħha, f'konformità ma' dan ir-Regolament, mar-Regolament (UE) 2019/2033, mad-Direttiva 2009/138/KE, jew ma' rekwiżiti prudenzjali legali ta' pajjiż terz li jkunu tal-inqas ekwivalenti għal dawk l-atti tal-Unjoni;

(5) “entità mhux regolata tas-settur finanzjarju” tfisser entità tas-settur finanzjarju li ma tissodisfax il-kundizzjoni stabbilita fil-punt (4)(b);

(5a) “korporattiva kbira” tfisser kwalunkwe impriża korporattiva li jkollha bejgħ annwali konsolidat ta' aktar minn EUR 500 miljun jew li tappartjeni għal grupp li fih il-bejgħ annwali totali għall-grupp konsolidat ikun ta' aktar minn EUR 500 miljun;

▼B

(6) “grad tad-debitur” tfisser kategorija ta’ riskju fl-iskala ta’ klassifikazzjoni tad-debituri f’sistema ta’ klassifikazzjoni, li d-debitur jiġu assenjati fiha abbażi ta’ sett speċifikat u distint ta’ kriterji ta’ klassifikazzjoni, li minnha jiġu dderivati l-istimi tal-probabbiltà ta’ inadempjenza (PD);

▼B

(7) “grad tal-faċilità” tfisser kategorija ta’ riskju fi skala ta’ klassifikazzjoni tal-faċilità tas-sistema, li fiha l-iskoperturi jiġu assenjati abbażi ta’ sett ta’ kriterji speċifikati u distinti ta’ klassifikazzjoni li minnha jiġu dderivati l-istimi proprji ta’ LGD;

▼M5

_____

▼M17

(8a) “approċċ ta' aġġustament tal-immudellar tal-PD/LGD” tfisser aġġustament tal-LGD jew l-immudellar ta' aġġustament kemm tal-PD kif ukoll tal-LGD tal-iskopertura sottostanti;

(9) “minimu tal-RW tal-fornitur tal-protezzjoni” tfisser il-piż tar-riskju applikabbli għal skopertura komparabbli u diretta għall-fornitur tal-protezzjoni;

(10) għal skopertura li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB billi tuża l-istimi proprji tagħha tal-LGD skont l-Artikolu 143, protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata “rikonoxxuta” tfisser protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata li l-effett tagħha fuq il-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju jew l-ammonti ta' telf mistenni tal-iskopertura sottostanti jitqies b'wieħed mill-metodi li ġejjin, f'konformità mal-Artikolu 108(3):

(a) approċċ ta' aġġustament tal-immudellar tal-PD/LGD;

(b) is-sostituzzjoni tal-approċċ tal-parametri tar-riskju skont l-A-IRB, kif iddefinit fl-Artikolu 192, il-punt (5);

(11) “SA-CCF” tfisser il-perċentwal applikabbli skont il-Kapitolu 2, f'konformità mal-Artikolu 111(2);

(12) “IRB-CCF” tfisser l-istimi proprji tal-fattur ta' konverżjoni tal-kreditu.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (5a), meta ssir il-valutazzjoni għal-limitu tal-bejgħ, l-ammonti għandhom jiġu kif irrapportati, kif inhuma, fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati tal-korporattivi jew, għal korporattivi li huma parti minn gruppi konsolidati, il-gruppi konsolidati tagħhom skont l-istandard kontabilistiku applikabbli għall-impriża prinċipali applikabbli tal-grupp konsolidat. Iċ-ċifri għandhom ikunu bbażati fuq l-ammonti medji kkalkulati matul it-tliet snin preċedenti, jew fuq l-aħħar ammonti aġġornati kull tliet snin mill-istituzzjoni.

▼B

2. Għall-finijiet tal-punt 4(b) 4 tal-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tista’ tadotta, permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, u soġġetta għall-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax arranġamenti superviżorji u regolatorji li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni. Fin-nuqqas ta’ tali deċiżjoni, sal-1 ta’ Jannar 2015, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit f’dan il-paragrafu għal pajjiż terz meta l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kienu approvaw il-pajjiż terz bħala eliġibbli għal dan it-trattament qabel l-1 ta’ Jannar 2014.

▼B

Artikolu 143

Permess biex jintuża l-Approċċ IRB

1. Meta l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan il-Kapitolu jiġu ssodisfatti, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti li l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-ammonti tal-iskoperturi tagħhom peżati għar-riskju billi jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna (minn hawn 'il quddiem l-"Approċċ IRB").

▼M17

2. Għandu jkun meħtieġ permess minn qabel biex jintuża l-Approċċ IRB, inkluż l-istimi proprji tal-LGD u l-IRB-CCF, għal kull klassi tal-iskoperturi u għal kull sistema ta' klassifikazzjoni u għal kull approċċ għall-istima tal-LGDs u s-CCFs użati.

▼B

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiksbu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti għal li ġejjin:

▼M17

(a) bidliet materjali fil-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża;

(b) bidliet materjali f'sistema ta' klassifikazzjoni li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża.

▼B

Il-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni għandha tinkludi l-iskoperturi kollha tat-tip ta' skopertura rilevanti li għalihom tkun ġiet żviluppata dik is-sistema ta' klassifikazzjoni.

▼M17

4. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bil-bidliet kollha fis-sistemi ta' klassifikazzjoni.

5. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità tal-użu ta' sistema ta' klassifikazzjoni eżistenti għal skoperturi addizzjonali oħra mhux diġà koperti minn dik is-sistema ta' klassifikazzjoni u għal bidliet fis-sistemi ta' klassifikazzjoni skont l-Approċċ IRB.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 144

Valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar applikazzjoni biex jintuża l-Approċċ IRB

1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess skont l-Artikolu 143 biex istituzzjoni tuża l-Approċċ IRB, inkluż sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD u tal-fatturi ta' konverżjoni, biss jekk l-awtorità kompetenti tkun issodisfatta li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu jkunu ġew issodisfatti, b'mod partikolari dawk stabbiliti fit-Taqsima 6, u li s-sistemi tal-istituzzjoni għall-ġestjoni u l-klassifikazzjoni tal-iskoperturi ta' riskji ta' kreditu jkunu validi u jiġu implimentati b'integrità u, b'mod partikolari, li l-istituzzjoni wriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-istandards li ġejjin ikunu ġew issodisfatti:

(a) is-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni jipprovdu valutazzjoni tajba tal-karatteristiċi tad-debitur u tat-transazzjonijiet, differenzjar tajjeb tar-riskju u stimi kwantitattivi tar-riskju li jkunu preċiżi u konsistenti;

(b) il-klassifikazzjonijiet interni u l-istimi ta' inadempjenza u ta' telf użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji u fis-sistemi u l-proċessi assoċjati għandhom rwol essenzjali fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskju u tat-teħid ta' deċiżjonijiet, u fil-funzjonijiet ta' approvazzjoni tal-kreditu, fl-allokazzjoni interna tal-kapital u tal-governanza korporattiva tal-istituzzjoni;

(c) l-istituzzjoni għandha unità għall-kontroll tar-riskju ta' kreditu responsabbli għas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħha li tkun indipendenti u ħielsa kif xieraq minn influwenza bla bżonn;

(d) l-istituzzjoni tiġbor u taħżen id-data kollha rilevanti sabiex tipprovdi appoġġ effikaċi għall-proċess tal-kalkolu u l-ġestjoni tar-riskju ta' kreditu tagħha;

(e) l-istituzzjoni tiddokumenta s-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħha u r-raġuni għat-tfassil tagħhom u tivvalida s-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħha;

▼M17

(f) l-istituzzjoni tkun ivvalidat kull sistema ta' klassifikazzjoni matul perjodu xieraq qabel il-permess sabiex tintuża dik is-sistema ta' klassifikazzjoni, tkun ivvalutat matul dak il-perjodu jekk kull sistema ta' klassifikazzjoni hijiex adattata għall-medda ta' applikazzjoni ta' dik is-sistema ta' klassifikazzjoni, u tkun għamlet il-bidliet neċessarji f'kull sistema ta' klassifikazzjoni wara l-valutazzjoni tagħha;

▼M8

(g) l-istituzzjoni tkun ikkalkulat skont l-Approċċ IRB ir-rekwiżiti tal-fondi proprji bħala riżultat tal-istimi tal-parametri tar-riskji u tkun kapaċi tissottometti r-rappurtar kif meħtieġ mill-Artikolu 430;

▼M17

(h) l-istituzzjoni tkun assenjat u tkun għadha tassenja kull skopertura fil-medda ta' applikazzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni għal grad jew għal aggregazzjoni ta' klassifikazzjoni ta' dik is-sistema ta' klassifikazzjoni.

▼B

Ir-rekwiżiti sabiex jintuża l-Approċċ IRB, inkluż l-istimi proprji tal-LGD u tal-fatturi ta' konverżjoni, japplikaw ukoll meta istituzzjoni tkun implimentat sistema ta' klassifikazzjoni, jew mudell użat f'sistema ta' klassifikazzjoni, li tkun xtrat minn venditur ta' parti terza.

▼M17

2. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-metodoloġija ta' valutazzjoni li l-awtoritajiet kompetenti għandhom isegwu fil-valutazzjoni tal-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti għall-użu tal-Approċċ IRB.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 145

Esperjenza preċedenti fl-użu tal-Approċċi IRB

1. Istituzzjoni li tkun qiegħda tapplika biex tuża l-Approċċ IRB għandha tkun ilha tuża sistemi ta' klassifikazzjoni, fir-rigward tal-klassijiet ta' skopertura tal-IRB inkwistjoni, li kienu ġeneralment konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 6 għall-finijiet tal-kalkolu u għall-ġestjoni tar-riskji interni għal mill-inqas tliet snin qabel ma kkwalifikat biex tuża l-Approċċ IRB.

2. Istituzzjoni li tkun qiegħda tapplika biex tuża l-istimi proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni għandha turi għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li kienet qiegħda tagħmel stima u tuża l-istimi tagħha proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni b'mod ġeneralment konsistenti mar-rekwiżiti għall-użu tal-istimi proprji ta' dawk il-parametri stabbiliti fit-Taqsima 6 għal mill-inqas tliet snin qabel ma tikkwalifika biex tuża l-istimi proprji tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni.

3. Meta istituzzjoni testendi l-użu tal-Approċċ IRB wara l-permess inizjali għalih, l-esperjenza tal-istituzzjoni għandha tkun suffiċjenti biex tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 fir-rigward tal-iskoperturi addizzjonali koperti. Jekk l-użu tas-sistemi ta' klassifikazzjoni jiġi estiż għal skoperturi li jkunu ferm differenti mill-ambitu tal-iskopetura eżistenti, tant li l-esperjenza eżistenti ma tistax tiġi raġonevolment issoponuta li tkun biżżejjed biex tissodisfa r-rekwiżiti ta' dawn id-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-iskoperturi addizzjonali, allura r-rekwiżiti tal-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw separatament għall-iskoperturi addizzjonali.

▼B

Artikolu 146

Miżuri li jkollhom jittieħdu meta r-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu ma jibqgħux jiġu ssodisfati

Meta istituzzjoni ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu, din għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti u tagħmel waħda minn dawn li ġejjin:

(a) tippreżenta għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti pjan għal ritorn propizju għall-konformità u twettaq dan il-pjan f'perijodu miftiehem mal-awtorità kompetenti;

(b) turi għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti li l-effett tan-nonkonformità jkun immaterjali.

Artikolu 147

Metodoloġija biex skopertura tiġi assenjata fi klassijiet ta' skoperturi

1. Il-metodoloġija użata mill-istituzzjoni sabiex tassenja skoperturi fi klassijiet differenti ta' skopertura għandha tkun adatta u konsistenti maż-żmien.

▼M17

2. Kull skopertura għandha tiġi assenjata għal waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi li ġejjin:

(a) skoperturi għal gvernijiet ċentrali jew għal banek ċentrali;

(aa) skoperturi għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku li għandhom jiġu assenjati fil-klassijiet tal-iskoperturi li ġejjin:

(i) skoperturi għal gvernijiet reġjonali u awtoritajiet lokali;

(ii) skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku;

(b) skoperturi għal istituzzjonijiet;

(c) skoperturi għal korporattivi, li għandhom jiġu assenjati għall-klassijiet tal-iskoperturi li ġejjin:

(i) korporattivi ġenerali;

(ii) skoperturi fuq self speċjalizzat;

(iii) riċevibbli mixtrija korporattivi;

(d) skoperturi fil-livell tal-konsumatur, li għandhom jiġu assenjati għall-klassijiet tal-iskoperturi li ġejjin:

(i) skoperturi fil-livell tal-konsumatur rotanti kwalifikanti ("QRREs");

(ii) skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali;

(iii) riċevibbli mixtrijin fil-livell tal-konsumatur;

(iv) skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur;

▼M17

(e) skoperturi ta' ekwità;

(ea) skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ta' ishma f'CIU;

(f) elementi li jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(g) assi oħrajn b'obbligi mhux ta' kreditu.

▼B

3. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu assenjati lill-klassi stabbilita fil-punt (a) tal-paragrafu 2:

▼M17

_____

▼B

(b) skoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp imsemmija fl-Artikolu 117(2);

(c) skoperturi għal Organizzazzjonijiet Internazzjonali li jattiraw piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 118.

▼M17

3a. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-iskoperturi għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku għandhom jiġu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu meta dawk l-iskoperturi jiġu ttrattati bħala skoperturi għal gvernijiet ċentrali f'konformità mal-Artikolu 115 jew 116.

▼B

4. L-iskoperturi li ġejjin għandhom jiġu assenjati fil-klassi stabbilita fil-punt (b) tal-paragrafu 2:

▼M17

_____

▼B

(c) skoperturi għal banek multilaterali tal-iżvilupp li ma jiġux assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 117; u

(d) skoperturi għal istituzzjonijiet finanzjarji li jkunu ttrattati bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 119(5).

5. Biex ikunu eliġibbli għall-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur stabbilita fil-punt (d) tal-paragrafu 2, l-iskoperturi għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin:

(a) għandhom ikunu jappartjenu għal waħda minn dawn li ġejjin:

(i) skoperturi għal persuna fiżika waħda jew aktar;

▼M17

(ii) skoperturi għal SME, dment li f'dak il-każ l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni u lill-impriżi prinċipali u lis-sussidjarji tagħha, inkluż kwalunkwe skopertura f'inadempjenza, mill-klijent debitur jew mill-grupp debitur ta' klijenti konnessi, iżda eskluży skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, sal-valur tal-proprjetà, sa fejn tkun taf l-istituzzjoni, li għandha tieħu passi raġonevoli sabiex tivverifika l-ammont ta' dik l-iskopertura, ma jaqbiżx il-EUR 1 miljun;

▼M17

(iii) skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, inkluż l-ewwel irhna u dawk sussegwenti, self b'terminu, linji ta' kreditu rotanti ta' ekwità ta' dar, u skoperturi kif imsemmi fl-Artikolu 108(4) u (5), irrispettivament mid-daqs tal-iskopertura, sakemm l-iskopertura ma tkunx waħda minn dawn li ġejjin:

(1) skopertura għal persuna fiżika;

(2) skopertura għal assoċjazzjonijiet jew għal kooperattivi ta' individwi rregolati skont il-liġi nazzjonali u li jeżistu bl-għan uniku li joffru lill-membri tagħhom l-użu ta' residenza primarja fil-proprjetà li tiggarantixxi s-self;

▼B

(b) ikunu ttrattati mill-istituzzjoni fil-ġestjoni tar-riskju tagħha b'mod konsistenti maż-żmien u b'mod simili;

▼M17

(c) mhumiex immaniġġati biss fuq bażi individwali bħala skoperturi fil-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c) (i), (ii) jew (iii);

▼B

(d) kull waħda tirrappreżenta waħda minn għadd sinifikanti ta' skoperturi mmaniġġjati b'mod simili.

Minbarra l-iskoperturi elenkati fl-ewwel subparagrafu, il-valur preżenti tal-pagamenti tal-kiri minimi fil-livell tal-konsumatur għandu jiġi inkluż fil-klassi ta' skopertura fil-livell tal-konsumatur.

▼M17

Skoperturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a)(iii), il-punti (b), (c) u (d), ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d)(ii).

B'deroga mit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeskludu mill-klassi tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d)(ii), self lil persuni fiżiċi li jkunu ipotekaw aktar minn erba' proprjetajiet immobbli jew unitajiet ta' abitazzjoni, inkluż is-self lill-persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 108(4), u jassenjaw dak is-self lil waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c)(i), (ii) jew (iii).

5a. Skoperturi fil-livell tal-konsumatur li jappartjenu għal tip ta' skoperturi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin għandhom jiġu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d)(i):

(a) l-iskoperturi ta' dak it-tip ta' skoperturi jkunu għal persuna fiżika waħda jew aktar;

(b) l-iskoperturi ta' dak it-tip ta' skoperturi jkunu rotanti, mhux iggarantiti, u sa fejn ma jkunux prelevati immedjatament u mingħajr kundizzjonijiet, kanċellabbli mill-istituzzjoni;

(c) l-iskopertura massima f'dak it-tip ta' skopertura għal persuna fiżika waħda tkun ta' EUR 100 000 jew inqas;

▼M17

(d) dak it-tip ta' skoperturi jkun wera volatilità baxxa tar-rati ta' telf, meta mqabbel mal-livell medju tar-rati ta' telf tiegħu, speċjalment fil-meded baxxi ta' PD;

(e) it-trattament ta' skoperturi assenjati għal dak it-tip ta' skoperturi bħala skopertura fil-livell tal-konsumatur rotanti kwalifikanti huwa konsistenti mal-karatteristiċi tar-riskju sottostanti ta' dak it-tip ta' skoperturi.

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (b), ir-rekwiżit ta' nuqqas ta' garanzija ma għandux japplika fir-rigward ta' faċilitajiet ta' kreditu kollateralizzati marbutin ma' kont tal-paga. F'dak il-każ, l-ammonti rkuprati mill-kollateral ma għandhomx jitqiesu fl-istimi tal-LGD.

L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw fil-klassi tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (d)(i) l-iskoperturi ta' tranżatturi (“tranżatturi tal-QRRE”) u l-iskoperturi li mhumiex skoperturi ta' tranżatturi (“rotaturi tal-QRRE”). B'mod partikolari, QRREs b'inqas minn 12-il xahar ta' storja ta' ripagamenti għandhom jiġu identifikati bħala rotaturi tal-QRRE.

6. Sakemm ma jkunux assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (ea) ta' dan l-Artikolu, l-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 133(1) għandhom jiġu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (e) ta' dan l-Artikolu.

7. Kwalunkwe obbligazzjoni ta' kreditu mhux assenjat lill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), il-punt (aa) (i) u (ii), il-punt (b), il-punt (d)(i), (ii), (iii) jew (iv), il punt (e), (ea) jew (f), għandu jiġi assenjat għal waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fil-punt (c)(i), (ii) jew (iii) ta' dak il-paragrafu.

▼B

8. Fil-klassi ta’ skopertura korporattiva stabbilita fil-punt (c) tal-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw separatament bħala skoperturi speċjalizzati ta’ għoti ta’ self, skoperturi li jkollhom il-karatteristiċi li ġejjin:

(a) l-iskopertura tkun għal entità li nħolqot speċifikament biex tiffinanzja jew topera assi fiżiċi jew tkun skopertura ekonomikament komparabbli;

(b) l-arranġamenti kuntrattwali jagħtu lill-mutwanti grad sostanzjali ta’ kontroll fuq l-assi u l-introjtu li jiġġeneraw;

(c) is-sors primarju tar-ripagament tal-obbligu jkun l-introjtu ġġenerat mill-assi li qegħdin jiġu ffinanzjati, aktar milli l-kapaċità indipendenti ta’ impriża kummerċjali usa’.

▼M17

Dawk l-iskoperturi għandhom jiġu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (c)(ii), u għandhom jiġu kkategorizzati kif ġej: “finanzjament ta' proġetti” (PF), “finanzjament ta' oġġetti” (OF), “finanzjament ta' komoditajiet” (CF) u “proprjetà immobbli li tipproduċi introjtu” (IPRE).

▼B

9. Il-valur residwu ta’ proprjetajiet mikrija għandu jiġi assenjat lill-klassi ta’ skopertura stabbilita fil-punt (g) tal-paragrafu 2, ħlief sal-limitu li l-valur residwu jkun diġà inkluż fl-iskopertura tal-kiri stabbilita fl-Artikolu 166(4).

▼B

10. L-iskopertura minħabba l-provvediment ta’ protezzjoni taħt derivat ta’ basket ta’ kreditu tat-tip n-th to default għandha tiġi assenjata għall-istess klassi stabbilita fil-paragrafu 2 li għaliha jkunu assenjati l-iskoperturi fil-basket, ħlief jekk l-iskoperturi individwali fil-basket ikunu assenjati għal diversi klassijiet ta’ skopertura u f’dan il-każ l-iskopertura għandha tkun assenjata għall-klassi ta’ skopertura korporattiva stabbilita fil-punt (c) tal-paragrafu 2.

▼M17

11. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-kategorizzazzjoni għal PF, OF u CF, b'mod konsistenti mad-definizzjonijiet tal-Kapitolu 2;

(b) id-determinazzjoni tal-kategorija IPRE, b'mod partikolari billi jiġi speċifikat liema skoperturi ADC u skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli jistgħu jew għandhom jiġu kkategorizzati bħala IPRE.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

12. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika aktar il-kundizzjonijiet u l-kriterji għall-assenjazzjoni ta' skoperturi għall-klassijiet imsemmija fil-paragrafu 2 u, fejn meħtieġ, biex tispeċifika aktar dawk il-klassijiet tal-iskoperturi.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2027.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 148

Kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB fi klassijiet differenti ta’ skoperturi u unitajiet kummerċjali

▼M17

1. Istituzzjoni li hija permessa tapplika l-approċċ IRB f'konformità mal-Artikolu 107(1) għandha, flimkien ma' kwalunkwe impriża prinċipali u mas-sussidjarji tagħha, timplimenta l-Approċċ IRB għal tal-inqas waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (a), il-punt (aa)(i) jew (ii), il-punt (b), il-punt (c)(i), (ii) jew (iii), il-punt (d)(i), (ii), (iii) jew (iv), jew il-punt (g). Ladarba istituzzjoni tkun implimentat l-Approċċ IRB għal ċertu tip ta' skoperturi fi klassi tal-iskoperturi, hija għandha tagħmel dan għall-iskoperturi kollha f'dik il-klassi tal-iskoperturi, sakemm ma tkunx irċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti biex tuża l-Approċċ Standardizzat b'mod permanenti f'konformità mal-Artikolu 150.

▼M17

Soġġett għall-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti, l-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB tista' ssir sekwenzjalment fit-tipi differenti ta' skoperturi f'ċerta klassi tal-iskoperturi fl-istess unità tan-negozju u f'unitajiet tan-negozju differenti fl-istess grupp, jew għall-użu ta' stimi proprji tal-LGD jew għall-użu tal-IRB-CCF.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-perjodu li matulu istituzzjoni u kwalunkwe impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha għandhom ikunu meħtieġa jimplimentaw l-Approċċ IRB għall-iskoperturi kollha f'ċerta klassi tal-iskoperturi fit-tipi differenti ta' skoperturi fl-istess unità tan-negozju u f'unitajiet tan-negozju differenti fl-istess grupp, jew għall-użu tal-istimi proprji tal-LGD jew għall-użu tal-IRB-CCF. Dak il-perjodu għandu jkun wieħed li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw li jkun adatt fuq il-bażi tan-natura u tal-iskala tal-attivitajiet tal-istituzzjoni kkonċernata, jew ta' kwalunkwe impriża prinċipali u tas-sussidjarji tagħha, u tan-numru u tan-natura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni li jkunu ser jiġu implimentati.

3. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-implimentazzjoni tal-Approċċ IRB f'konformità mal-kundizzjonijiet determinati mill-awtoritajiet kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha tfassal dawk il-kundizzjonijiet b'mod li jiżguraw li l-flessibbiltà skont il-paragrafu 1 ma tintużax b'mod selettiv għall-fini tal-kisba ta' rekwiżiti tal-fondi proprji mnaqqsa fir-rigward ta' dawk it-tipi ta' skoperturi jew l-unitajiet kummerċjali li jkunu għadhom iridu jiġu inklużi fl-Approċċ IRB jew fl-użu tal-istimi proprji tal-LGD jew fl-użu tal-IRB-CCF.

_____

▼B

Artikolu 149

Kondizzjonijiet biex terġa' lura għall-użu ta' approċċi inqas sofistikati

1. Istituzzjoni li tuża l-Approċċ IRB għal klassi speċifika ta' skopertura jew tip ta' skopertura ma għandhiex tieqaf tuża dak l-approċċ u minflok għandha tuża l-Approċċ Standardizzat għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura pożati għar-riskju sakemm ma jiġux issodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M17

(a) l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-użu tal-Approċċ Standardizzat ma jkunx sar bil-ħsieb li tinvolvi ruħha f'arbitraġġ regolatorju, inkluż billi tnaqqas b'mod mhux dovut ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni; u li jkun meħtieġ abbażi tan-natura u l-kumplessità tal-iskoperti totali ta' dak it-tip tal-istituzzjoni u ma jkollux impatt materjali ħażin fuq is-solvenza tal-istituzzjoni jew fuq il-kapaċità tagħha li timmaniġġja r-riskju b'mod effettiv;

▼B

(b) l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

2. L-istituzzjonijiet li kisbu permess skont l-Artikolu 151(9) biex jużaw l-estimi proprji tal- LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni, ma għandhomx jerġgħu lura għall-użu tal-valuri tal-LGD u tal-fatturi ta' konverżjoni msemmija fl-Artikolu 151(8) sakemm il-kondizzjonijiet li ġejjin ma jkunux issodisfatti:

▼B

(a) l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-użu tal-LGDs u tal-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Artikolu 151(8) għal ċerta klassi ta' skopertura jew tip ta' skoperturi ma jkunx ġie propost sabiex inaqqas ir-rekwiżiti tal-fondi proprji tal-istituzzjoni, li jkun neċessarju abbażi tan-natura u l-kumplessità tal-iskoperturi totali ta' dan it-tip tal-istituzzjoni u ma jkollux impatt materjali ħażin fuq is-solvenza tal-istituzzjoni jew fuq il-kapaċità tagħha li timmaniġġja r-riskju b'mod effettiv;

(b) l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

3. L-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 hi soġġetta għall-kondizzjonijiet biex jitniedi l-Approċċ IRB determinat mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 148 u l-permess għall-użu parzjali permanenti msemmi fl-Artikolu 150.

Artikolu 150

Il-kondizzjonijiet għall-użu parzjali permanenti

▼M17

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi kollha li ġejjin:

(a) skoperturi assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (e);

(b) skoperturi assenjati għal klassijiet tal-iskoperturi jew li jappartjenu għal tipi ta' skoperturi fi klassi ta' skopertura, li għalihom l-istituzzjonijiet ma jkunux irċevew il-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jużaw l-Approċċ IRB għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni.

Istituzzjoni li tingħata l-permess li tuża l-Approċċ IRB għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni għal klassi tal-iskoperturi partikolari tista', soġġetta għall-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, tapplika l-Approċċ Standardizzat għal xi tipi ta' skoperturi f'dik il-klassi tal-iskoperturi, inkluż skoperturi ta' fergħat barranin u gruppi ta' prodotti differenti, meta dawk it-tipi ta' skoperturi jkunu immaterjali f'termini ta' daqs u ta' profil tar-riskju perċepit.

1a. Minbarra l-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, istituzzjoni tista', soġġetta għall-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, tapplika l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi li ġejjin fejn jiġi applikat l-Approċċ IRB għal tipi oħra ta' skoperturi fl-istess klassi tal-iskoperturi:

(a) skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali tal-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali, l-awtoritajiet lokali u l-entitajiet fis-settur pubbliku tagħhom, sakemm:

(i) ma jkunx hemm differenza fir-riskju bejn l-iskoperturi għal dak il-gvern ċentrali u l-bank ċentrali u dawk l-iskoperturi l-oħra minħabba arranġamenti pubbliċi speċifiċi; u

(ii) l-iskoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 114(2) jew (4);

▼M17

(b) skoperturi ta' istituzzjoni għal kontroparti li tkun l-impriża prinċipali tagħha, is-sussidjarja tagħha jew sussidjarja tal-impriża prinċipali tagħha, sakemm il-kontroparti tkun istituzzjoni jew kumpanija azzjonarja finanzjarja, kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta, istituzzjoni finanzjarja, kumpanija maniġerjali tal-assi jew impriża ta' servizzi anċillari soġġetti għal rekwiżiti prudenzjali xierqa jew impriża konnessa permezz ta' relazzjoni fis-sens tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE;

(c) skoperturi bejn l-istituzzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 113(7).

Istituzzjoni li tingħata l-permess li tuża l-Approċċ IRB għall-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għal xi tipi biss ta' skoperturi fi klassi tal-iskoperturi, għandha tapplika l-Approċċ Standardizzat għat-tipi li jifdal ta' skoperturi f'dik il-klassi tal-iskoperturi.

Minbarra l-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu u f'dan il-paragrafu, istituzzjoni tista' tapplika l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal knejjes u għal komunitajiet reliġjużi, li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 115(3).

_____

2a. Sal-10 ta' Lulju 2028, l-EBA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar x'jikkostitwixxi tipi ta' skoperturi li huma immaterjali f'termini ta' daqs u profil tar-riskju perċepit.

_____

▼B

Taqsima 2

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju

Subtaqsima 1

Trattament skont it-tip tal-klassi ta' skopertura

Artikolu 151

Trattament skont il-klassi ta' skopertura

▼M17

1. L-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għal riskju ta' kreditu għal skoperturi li jappartjenu għal waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (a), il-punt (aa) (i) jew (ii), il-punt (b), il-punt (c)(i), (ii) jew (iii), il-punt (d)(i), (ii), (iii) jew (iv) jew il-punt (g), sakemm dawk l-iskoperturi ma jitnaqqsux mill-fondi proprji jew ikunu soġġetti għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 72e(5), l-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mas-Subtaqsima 2.

▼B

2. L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' dilwizzjoni għal riċevibbli mixtrija għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 157. Fejn istituzzjoni jkollha azzjoni sħiħa ta' rivalsa għall-bejjiegħ ta' riċevibbli mixtrija għal riskji ta' inadempjenza u għal riskji ta' dilwizzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 152 u l-Artikolu 158(1) sa (4) ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' riċevibbli mixtrija u l-iskopertura għandha tiġi ttrattata bħala skopertura kollateralizzata.

3. Il-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' kreditu u għal riskji ta' dilwizzjoni għandu jkun ibbażat fuq il-parametri rilevanti assoċjati mal-iskopertura inkwistjoni. Dawn għandhom jinkludu l- PD, l-LGD, il-maturità (minn hawn 'il quddiem "M") u l-valur tal-iskopertura tal-iskopertura. Il-PD u l-LGD jistgħu jiġu kkunsidrati separatament jew flimkien, skont it-Taqsima 4.

▼M17

_____

▼B

5. Il-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' kreditu għal skoperturi fuq għoti ta' self speċjalizzat jista' jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 153(5).

6. Għal skoperturi li jappartjenu għall-klassijiet ta' skopertura msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 147(2), l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-istimi proprji tal-PDs skont l-Artikolu 143 u t-Taqsima 6.

▼M17

7. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-istimi proprji tal-LGD, u tal-IRB-CCF fejn applikabbli skont l-Artikolu 166(8) u (8b), f'konformità mal-Artikolu 143 u t-Taqsima 6. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-SA-CCFs meta l-Artikolu 166(8) u (8b) ma jippermettux l-użu tal-IRB-CCF.

8. Għall-iskoperturi li ġejjin, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-valuri tal-LGD stabbiliti fl-Artikolu 161(1) u l-SA-CCFs f'konformità mal-Artikolu 166(8), (8a) u (8b):

(a) skoperturi assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (b);

(b) skoperturi għall-entitajiet tas-settur finanzjarju għajr dawk imsemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu;

(c) skoperturi għal korporattivi kbar mhux assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (c)(ii).

Għal skoperturi li jappartjenu għall-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (a), il-punt (aa)(i) jew (ii) u l-punt (c)(i), (ii) jew (iii), ħlief għall-iskoperturi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-valuri tal-LGD stabbiliti fl-Artikolu 161(1), u l-SA-CCFs f'konformità mal-Artikolu 166(8), (8a) u (8b), sakemm ma jkunux ingħataw permess li jużaw l-istimi proprji tagħhom tal-LGD u tal-IRB-CCF għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu.

▼M17

9. Għall-iskoperturi msemmija fil-paragrafu 8, it-tieni subparagrafu, ta' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha tippermetti lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi proprji tal-LGD, u tal-IRB-CCF fejn applikabbli skont l-Artikolu 166(8) u (8b), f'konformità mal-Artikolu 143 u t-Taqsima 6.

▼B

10. L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal skoperturi titolizzati u għal skoperturi li jappartjenu għall-klassi ta' skopertura msemmija fil-punt (f) tal-Artikolu 147(2) għandhom jiġu kkalkulati skont il-Kapitolu 5.

▼M17

11. Għal skoperturi fil-forma ta' ishma jew unitajiet f'CIU li tappartjeni għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (ea), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 152, sakemm dawk l-iskoperturi ma jitnaqqsux mill-fondi proprji jew ma jkunux soġġetti għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 72e (5), l-ewwel subparagrafu.

▼M8

Artikolu 152

Trattament ta' skoperturi fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIUs

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderata għar-riskju għall-iskoperturi tagħhom fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU billi jimmultiplikaw l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju tas-CIU, ikkalkulat skont l-approċċi stabbiliti fil-paragrafi 2 u 5, bil-perċentwal ta' unitajiet jew azzjonijiet miżmuma minn dawk l-istituzzjonijiet.

2. Meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 132(3), l-istituzzjonijiet li għandhom biżżejjed informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti individwali ta' CIU għandhom jirreferu għal dawk l-iskoperturi sottostanti biex jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju tas-CIU, filwaqt li jivvalutaw ir-riskju tal-iskoperturi sottostanti kollha tas-CIU bħallikieku kienu miżmuma direttament minn dawk l-istituzzjonijiet.

3. ►M17 B'deroga mill-Artikolu 92(4), il-punt (e), l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju tas-CIU f'konformità mal-paragrafu 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu ta' skoperturi ta' derivattivi ta' dik is-CIU bħala ammont ugwali għal 50 % tar-rekwiżit ta' fondi proprji għal dawk l-iskoperturi ta' derivattivi kkalkulati f'konformità mal-Kapitolu 6, it-Taqsima 3, 4 jew 5, ta' dan it-Titolu, kif applikabbli. ◄

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, istituzzjoni tista' teskludi l-iskoperturi għal derivattiva ta' riskju li ma jkunux soġġetti għal dak ir-rekwiżit li kieku kienu mġarrba direttament mill-istituzzjoni, mill-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għall-aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu.

▼M17

4. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-approċċ ta' trasparenza f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu u li ma jużawx il-metodi stabbiliti f'dan il-Kapitolu jew fil-Kapitolu 5, kif applikabbli, għall-iskoperturi sottostanti kollha jew għal partijiet minnhom tas-CIU għandhom jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni għal dawk l-iskoperturi sottostanti kollha jew għal dawk il partijiet minnhom f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

▼**M17**

(a) għall-iskoperturi sottostanti li jiġu assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (e), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-Approċċ Standardizzat stabbilit fil-Kapitolu 2;

(b) għal skoperturi assenjati għall-elementi li jirrappreżentaw il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (f), l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 254 bħallikieku dawk l-iskoperturi kienu miżmuma direttament minn dawk l-istituzzjonijiet;

(c) għall-iskoperturi sottostanti l-oħra kollha, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-Approċċ Standardizzat stabbilit fil-Kapitolu 2.

▼**M8**

5. Meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 132(3), l-istituzzjonijiet li ma għandhomx biżżejjed informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti individwali ta' CIU jistgħu jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju għal dawk l-iskoperturi skont l-approċċ ibbażat fuq il-mandat stabbilit fl-Artikolu 132a(2). Madankollu, għall-iskoperturi elenkati fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-approċċi stabbiliti fih.

6. Soġġett għall-Artikolu 132b(2), l-istituzzjonijiet li ma japplikawx il-prinċipju taċ-ċar kristall skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jew l-approċċ ibbażat fuq il-mandat skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw l-approċċ ta' riżerva msemmi fl-Artikolu 132(2).

7. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-iskopertura mwieżna għar-riskju għall-iskoperturi tagħhom fil-forma ta' unitajiet jew azzjonijiet f'CIU billi jużaw kombinament tal-approċċi msemmija f'dan l-Artikolu, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet għall-użu ta' dawk l-approċċi.

8. L-istituzzjonijiet li ma għandhomx data jew informazzjoni xierqa biex jikkalkulaw l-ammont ponderat għar-riskju ta' CIU skont l-approċċi stabbiliti fil-paragrafi 2, 3, 4 u 5 jistgħu jibbażaw ruħhom fuq il-kalkoli ta' parti terza, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-parti terza hija waħda minn dawn li ġejjin:

(i) id-depożitarju jew id-depożitarju finanzjarju tas-CIU, sakemm is-CIU tinvesti b'mod esklużiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha f'dak depożitarju jew depożitarju finanzjarju;

(ii) għal CIUs mhux koperti mill-punt (i) ta' dan il-punt, il-kumpannija maniġerjali tas-CIU, sakemm il-kumpannija maniġerjali tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 132(3);

(b) għal skoperturi oħra minbarra dawk elenkati fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-parti terza twettaq il-kalkolu skont l-approċċ taċ-ċar kristall stabbilit fl-Artikolu 132a(1);

(c) għal skoperturi elenkati fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 4, il-parti terza twettaq il-kalkolu skont l-approċċi stabbiliti fih;

▼M8

(d) awditur estern ikun ikkonferma l-korrettezza tal-kalkolu tal-parti terza.

L-istituzzjonijiet li jibbażaw ruħhom fuq il-kalkoli ta' parti terza għandhom jimmultiplikaw l-ammonti tal-iskopertura ponderata għar-riskju tal-iskoperturi ta' CIU li jirriżultaw minn dawk il-kalkoli b'fattur ta' 1,2.

B'deroga mit-tieni subparagrafu, meta l-istituzzjoni jkollha aċċess mhux ristrett għall-kalkoli dettaljati mwettqa minn parti terza, il-fattur 1,2 ma għandux japplika. L-istituzzjoni għandha tipprovdi dawk il-kalkoli lill-awtorità kompetenti tagħha fuq talba.

9. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandhom japplikaw l-Artikolu 132(5) u (6), u l-Artikolu 132b. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 132c, bl-użu tal-piżijiet tar-riskju kkalkulati skont il-Kapitolu 3 ta' dan it-Titolu.

▼B

Subtaqsima 2

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għar-riskju tal-kreditu

Artikolu 153

▼M17

Ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali, skoperturi għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku, skoperturi għal istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi

▼B

1. ►M17 Soġġett għall-applikazzjoni tat-trattamenti speċifiċi stabbiliti fil-paragrafi 2 u 4, l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, skoperturi għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku, skoperturi għal istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi għandhom jiġu kkalkulati skont il-formuli li ġejjin: ◄

$$\textit{Ammont ta' skoperturi pežati għar-riskju} = \frac{\textit{Valura ta' skopertura}}{\textit{tal-piż tar-riskju}} \cdot (RW)$$

Fejn il-piż tar-riskju RW huwa definit bħala:

(i) jekk PD = 0, RW ikun 0;

(ii) jekk PD = 1, jiġifieri, għal skoperturi inadempjenti:

— fejn l-istituzzjonijiet japplikaw il-valuri LGD stipulati fl-Artikolu 161(1), RW ikun 0:

▼C2

— fejn l-istituzzjonijiet jużaw l-istimi tagħhom stess ta' LGDs, RW ikun $RW = (\max\{0; 12{,}5 \cdot (LGD - EL_{BE})\})$;

▼B

fejn l-aħjar stima ta' telf mistenni (minn hawn 'il quddiem imsejħa "EL_{BE}") għandha tkun l-aħjar stima ta' telf mistenni tal-istituzzjoni għall-iskopertura inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 181(1)(h);

▼M17

(iii) jekk 0 < PD < 1, allura:

$$\mathrm{RW} = \left(\mathrm{LGD} \cdot N\left(\frac{1}{\sqrt{1-R}} \cdot G(\mathrm{PD}) + \sqrt{\frac{R}{1-R}} \cdot G(0{,}999) \right) - \mathrm{LGD} \cdot \mathrm{PD} \right) \cdot \frac{1 + (\mathrm{M} - 2{,}5) \cdot b}{1 - 1{,}5 \cdot b} \cdot 12{,}5$$

fejn:

N = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva għal fattur varjabbli normali standard każwali, jiġifieri N(x) daqs il-probabbiltà li fattur varjabbli normali każwali b'medjan ta' 0 u b'varjanza ta' 1 ikun inqas minn jew daqs x;

G = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva inversa għal fattur varjabbli normali standard każwali, jiġifieri jekk x = G(z), x hija l-valur b'tali mod li N(x) = z;

R = il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni, li huwa ddefinit bħala:

$$R = 0{,}12 \cdot \frac{1 - e^{-50 \cdot \mathrm{PD}}}{1 - e^{-50}} + 0{,}24 \cdot \left(1 - \frac{1 - e^{-50 \cdot \mathrm{PD}}}{1 - e^{-50}} \right)$$

b = il-fattur ta' aġġustament tal-maturità, li huwa ddefinit bħala:

$b = 0{,}11852 - 0{,}05478 \bullet lnPD^2$;

M = il-maturità, espressa fi snin u ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 162.

2. Għal skoperturi għal entitajiet kbar tas-settur finanzjarju rregolati u għal entitajiet mhux regolati tas-settur finanzjarju, il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni R imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (iii), jew fil-paragrafu 4, kif applikabbli, għandu jiġi mmultiplikat b'1,25 meta jiġu kkalkulati l-piżijiet tar-riskju ta' dawk l-iskoperturi.

———————

▼B

4. Għall-iskoperturi għal kumpanniji fejn il-bejgħ totali annwali għall-grupp konsolidat li l-kumpannija hija parti minnu huwa inqas minn EUR 50 miljun, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-formula ta' korrelazzjoni li ġejja f'paragrafu 1 (iii) għall-kalkolu tal-piżijiet tar-riskju għall-iskoperturi tal-impriżi. F'din il-formula S hija espressa bħala bejgħ totali annwali f'miljuni ta' Euro fejn EUR 5 miljun < S < EUR 50 miljun. Bejgħ irrappurtat ta' inqas minn EUR 5 miljun għandu jiġi ttrattat bħallikieku kien ekwivalenti għal EUR 5 miljun. Għal oġġetti riċevibbli mixtrija il-bejgħ totali annwali għandu jkun il-medja ppeżata mill-iskoperturi individwali tal-aggregazzjoni.

$$R = 0.12 \cdot \frac{1 - e^{-50 \cdot PD}}{1 - e^{-50}} + 0.24 \cdot \left(1 - \frac{1 - e^{-50 \cdot PD}}{1 - e^{-50}} \right) - 0.04 \cdot \left(1 - \frac{\min\{\max\{5, S\}, 50\} - 5}{45} \right)$$

▼B

L-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu l-assi totali tal-grupp konsolidat għall-bejgħ totali annwali fejn il-bejgħ totali annwali ma jkunx indikatur sinifikattiv tad-daqs tal-kumpannija u l-assi totali jkunu indikatur aktar sinifikattiv mill-bejgħ totali annwali.

5. Għal skoperturi fuq self speċjalizzat li fir-rigward tagħhom istituzzjoni ma tkunx tista' tagħmel stima tal-PDs jew l-istimi tal-istituzzjonijiet tal-PD ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 6, l-istituzzjoni għandha tassenja piżijiet tar-riskju lil dawn l-iskoperturi skont it-Tabella 1, kif ġej:

Tabella 1

Maturità li Jifdal	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
Inqas minn sentejn u nofs (2,5)	50 %	70 %	115 %	250 %	0 %
Ugwali għal sentejn u nofs (2,5) jew aktar	70 %	90 %	115 %	250 %	0 %

Huma u jassenjaw il-piżijiet tar-riskju lil skoperturi fuq għoti ta' self speċjalizzat, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fatturi li ġejjin: is-saħħa finanzjarja, l-ambjent politiku u ġuridiku, il-karatteristiċi tat-transazzjoni u/jew l-assi, is-saħħa tal-isponsor u l-iżviluppatur, inkluż kull fluss ta' introjtu minn soċjetà pubblika-privata, u l-pakkett ta' garanzija.

6. Fil-każ tar-riċevibbli korporattivi mixtrija tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 184. Għal riċevibbli korporattivi mixtrija li jkunu konformi wkoll mal-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 154(5), u fejn ikun ta' piż bla bżonn għal istituzzjoni biex tuża l-istandards ta' kwantifikazzjoni tar-riskji għal skoperturi korporattivi kif stabbilit fit-Taqsima 6 għal dawn ir-riċevibbli, jistgħu jintużaw l-istandards ta' kwantifikazzjoni tar-riskji għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif stabbilit fit-Taqsima 6.

▼M5

7. Għar-riċevibbli korporattivi mixtrija, l-iskontijiet rimborżabbli fil-prezz tax-xiri, il-garanziji kollaterali jew parzjali li jipprovdu protezzjoni tal-ewwel telf għal telf minħabba inadempjenza, telf minħabba dilwizzjoni, jew it-tnejn li huma, jistgħu jiġu ttrattati bħala protezzjoni tal-ewwel telf mix-xerrej tar-riċevibbli jew mill-benefiċjarju tal-garanzija kollaterali jew tal-garanzija parzjali f'konformità mas-Subtaqsimiet 2 u 3 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5. Il-bejjiegħ li jipprovdi l-iskont rimborżabbli fil-prezz tax-xiri u l-fornitur ta' garanzija kollaterali jew parzjali għandhom jittrattawhom bħala skopertura għal pożizzjoni tal-ewwel telf f'konformità mas-Subtaqsimiet 2 u 3 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5.

8. Fejn istituzzjoni tipprovdi protezzjoni tal-kreditu għal għadd ta' skoperturi soġġett għall-kondizzjoni li l-inadempjenza numru n (n^{th} default) fost l-iskoperturi għandha tiskatta pagament u li dan l-avveniment ta' kreditu għandu jtemm il-kuntratt, il-piżijiet tar-riskju tal-iskoperturi inklużi fil-basket ser jiġu aggregati, esklużi l-iskoperturi n-1, fejn is-somma tal-ammont tat-telf mistenni mmultiplikat bi 12,5 u l-ammont ta' skoperturi ponderati għar-riskju ma għandux jaqbeż l-ammont nominali tal-protezzjoni pprovduta mid-derivattiv tal-kreditu mmultiplikat bi 12,5. L-iskoperturi n-1 li għandhom jiġu esklużi mill-aggregat għandhom jiġu determinati abbażi li dawn għandhom jinkludu dawk l-iskoperturi li kull waħda minnhom tipproduċi ammont inqas ta' skoperturi ponderati għar-riskju mill-ammont ta' skoperturi ponderati għar-riskju ta' kwalunkwe waħda mill-iskoperturi inklużi fl-aggregat. Piż ta' riskju ta' 1 250 % għandu japplika għal pożizzjonijiet f'basket li għalihom istituzzjoni ma tistax tiddetermina l-piż tar-riskju skont l-Approċċ IRB.

▼M17

9. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fatturi msemmija fil-paragrafu 5, it-tieni subparagrafu, meta jassenjaw il-piżijiet tar-riskju għal skoperturi fuq self speċjalizzat.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 154

L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur

1. L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur għandhom jiġu kkalkulati skont il-formuli li ġejjin:

$$\textit{Ammont tal} - \textit{iskopertura peżat għar} - \textit{riskju} = RW \cdot \textit{valur tal} - \textit{iskopertura}$$

fejn il-piż tar-riskju RW huwa definit kif ġej:

(i) jekk PD = 1, jiġifieri għall-iskoperturi inadempjenti, RW għandu jkun

$$RW = \max\{0, 12.5 \cdot (LGD - EL_{BE})\};$$

fejn EL_{BE} għandu jkun l-aħjar stima ta' telf mistenni tal-istituzzjoni għall-iskopertura inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 181(1) (h);

▼M17

(ii) jekk PD < 1, allura:

$$\mathrm{RW} = \left(\mathrm{LGD} \cdot N\left(\frac{1}{\sqrt{1-R}} \cdot G(\mathrm{PD}) + \sqrt{\frac{R}{1-R}} \cdot G(0{,}999) \right) - \mathrm{LGD} \cdot \mathrm{PD} \right) \cdot 12{,}5$$

fejn:

N = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva għal fattur varjabbli normali standard każwali, jiġifieri N(x) daqs il-probabbiltà li fattur varjabbli normali każwali b'medjan ta' 0 u b'varjanza ta' 1 ikun inqas minn jew daqs x;

G = il-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva inversa għal fattur varjabbli normali standard każwali, jiġifieri jekk x = G(z), x hija l-valur b'tali mod li N(x) = z;

R = il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni, li huwa ddefinit bħala:

$$R = 0{,}03 \cdot \frac{1 - e^{-35 \cdot \mathrm{PD}}}{1 - e^{-35}} + 0{,}16 \cdot \left(1 - \frac{1 - e^{-35 \cdot \mathrm{PD}}}{1 - e^{-35}} \right)$$

▼M17

_____

3. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur li mhumiex inadempjenti u li huma ggarantiti jew parzjalment iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, koeffiċjent ta' korrelazzjoni R ta' 0,15 għandu jissostitwixxi ċ-ċifra prodotta bil-formula tal-koeffiċjent ta' korrelazzjoni fil-paragrafu 1.

Il-piż tar-riskju kkalkulat għal skopertura parzjalment iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali skont il-paragrafu 1, il-punt (ii), billi jitqies il-koeffiċjent ta' korrelazzjoni R kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, għandu jiġi applikat kemm għall-porzjon iggarantit kif ukoll il-parti mhux iggarantita ta' dik l-iskopertura.

4. Għal QRREs li ma humiex inadempjenti, koeffiċjent ta' korrelazzjoni R ta' 0,04 għandu jissostitwixxi ċ-ċifra prodotta mill-formula tal-koeffiċjent ta' korrelazzjoni fil-paragrafu 1.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevedu l-volatilità relattiva tar-rati ta' telf fil-QRREs kollha li jappartjenu għall-istess tip ta' skoperturi, kif ukoll fil-klassi aggregata ta' skoperturi tal-QRRE, u għandhom jikkondividu informazzjoni dwar il-karatteristiċi tipiċi tar-rati ta' telf rotanti kwalifikanti fil-livell tal-konsumatur mal-Istati Membri u mal-EBA.

▼B

5. Sabiex ikunu eliġibbli għat-trattament fil-livell tal-konsumatur, riċevibbli mixtrija għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 184 u mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun xtrat ir-riċevibbli minn bejjiegħa terzi mhux relatati, u l-iskopertura tagħha għad-debitur tar-riċevibbli ma tkun tinkludi l-ebda skopertura li direttament jew indirettament oriġinat mill-istituzzjoni nfisha;

(b) ir-riċevibbli mixtrija għandhom ikunu ġġenerati fuq bażi distakkata bejn il-bejjiegħ u d-debitur. Għaldaqstant, riċevibbli ta' kontijiet interkorporattivi u riċevibbli soġġetti għal kontrokontijiet bejn ditti li jbiegħu u jixtru mingħand xulxin ma jkunux eliġibbli;

(c) l-istituzzjoni li tixtri jkollha pretensjoni fuq ir-rikavati kollha mir-riċevibbli mixtrija jew imgħax prorata fuq ir-rikavati; u

(d) il-portafoll ta' riċevibbli mixtrija jkun diversifikat biżżejjed.

▼M5

6. Għar-riċevibbli mixtrija fil-livell tal-konsumatur, l-iskontijiet rimborżabbli fil-prezz tax-xiri, il-garanziji kollaterali jew parzjali li jipprovdu protezzjoni tal-ewwel telf għal telf minħabba inadempjenza, telf minħabba dilwizzjoni, jew it-tnejn li huma, jistgħu jiġu ttrattati bħala protezzjoni tal-ewwel telf mix-xerrej tar-riċevibbli jew mill-benefiċjarju tal-garanzija kollaterali jew tal-garanzija parzjali f'konformità mas-Subtaqsimiet 2 u 3 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5. Il-bejjiegħ li jipprovdi l-iskont rimborżabbli fil-prezz tax-xiri u l-fornitur ta' garanzija kollaterali jew parzjali għandhom jittrattawhom bħala skopertura għal pożizzjoni tal-ewwel telf f'konformità mas-Subtaqsimiet 2 u 3 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5.

▼B

7. Għal aggregazzjonijiet ibridi ta' riċevibbli fil-livell tal-konsumatur mixtrija fejn l-istituzzjonijiet li jixtru ma jkunux jistgħu jisseparaw skoperturi garantiti permezz ta' proprjetà immobbli bħala kollateral u skoperturi fil-livell tal-konsumatur kwalifikattivi rotattivi minn skoperturi fil-livell tal-konsumatur oħra, għandha tapplika l-funzjoni tal-piż tar-riskju fil-livell tal-konsumatur li tipproduċi l-ogħla rekwiżiti ta' kapital għal dawk l-iskoperturi.

▼M17

_____

▼B

Artikolu 156

Ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal assi oħra mingħajr obbligu ta' kreditu

L-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal assi oħra mingħajr obbligu ta' kreditu għandhom jiġu kkalkulati skont il-formula li ġejja: [

Ammont tal-iskopertura peżat għar-riskju = 100 % · valur tal-iskopertura,

ħlief għal:

(a) flus fl-idejn u l-ekwivalenti f'elementi fi flus kontanti kif ukoll ingotti ta' deheb miżmuma f'maħżen tas-sigurtà proprja jew fuq bażi allokata sal-limitu sostnut mill-obbligazzjonijiet ta' ingotti, li f'dak il-każ għandu jiġi assenjat piż tar-riskju ta' 0 %;

(b) meta l-iskopertura tkun valur residwu ta' assi mikrija fejn f'dak il-każ għandha tiġi kkalkulata kif ġej: [valur tal-iskopertura],

$$\frac{1}{t} \cdot 100\ \% \cdot \textit{valur tal-iskopertura}$$

fejn t tkun l-akbar wieħed fost 1 u l-eqreb numru ta' snin sħaħ li jkun fadal tal- kirja.

Subtaqsima 3

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati għar-riskju għal riskji ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija

Artikolu 157

Ammonti tal-iskoperturi ppeżati għar-riskju għal riskji ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta' dilwizzjoni fuq riċevibbli korporattivi u fil-livell tal-konsumatur mixtrija skont il-formula stabbilita fl-Artikolu 153(1).

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-parametri PD u LGD imdaħħla skont it-Taqsima 4.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura skont it-Taqsima 5.

4. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-valur ta' M huwa ta' sena.

▼B

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeżentaw istituzzjoni milli tikkalkula u tirrikonoxxi l-ammonti tal-iskoperturi peżati għar-riskju għal riskji ta’ dilwizzjoni ta’ tip ta’ skoperturi kkawżati minn riċevibbli korporattivi jew fil-livell tal-konsumatur mixtrija meta l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li r-riskju ta’ dilwizzjoni għal dik l-istituzzjoni jkun immaterjali għal dan it-tip ta’ skoperturi.

▼M17

6. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ulterjorment:

(a) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija, inkluż ir-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 160(4), u l-kundizzjonijiet għall-użu tal-istimi proprji u l-parametri tal-approċċ ta' riżerva;

(b) il-valutazzjoni tal-kriterju ta' immaterjalità għat-tip ta' skoperturi msemmi fil-paragrafu 5.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2027.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Taqsima 3

Ammonti ta’ telf mistenni

Artikolu 158

Trattament skont it-tip tal-iskopertura

1. Il-kalkolu tal-ammonti ta’ telf mistennija għandu jkun ibbażat fuq l-istess ċifri li jiddaħħlu tal-PD, l-LGD u l-valur tal-iskopertura għal kull skopertura użati għall-kalkolu tal-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Artikolu 151.

2. L-ammonti ta’ telf mistennija għall-iskoperturi titolizzati għandhom jiġu kkalkulati skont il-Kapitolu 5.

3. L-ammont ta’ telf mistenni għall-iskoperturi li jappartjenu għall-klassi ta’ skopertura ta’ 'assi oħrajn li mhumiex obbligi ta’ kreditu' msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 147(2) għandu jkun żero.

4. L-ammonti ta’ telf mistennija għall-iskoperturi fil-forma ta’ azzjonijiet jew unitajiet ta’ CIU msemmija fl-Artikolu 152 għandhom jiġu kkalkulati skont il-metodi stabbiliti f’dan l-Artikolu.

▼M17

5. It-telf mistenni (EL) u l-ammonti ta' telf mistennija għall-iskoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku u skoperturi fil-livell tal-konsumatur għandhom jiġu kkalkulati skont il-formuli li ġejjin:

$$expected\ loss\ (EL) = PD * LGD$$

Ammont ta' telf mistenni = EL [immultiplikat bil-]valur tal-iskopertura.

Għall-iskoperturi inadempjenti (PD = 100 %) fejn l-istituzzjonijiet jużaw l-istimi proprji tal-LGD, l-EL għandu jkun EL_{BE}, l-aħjar stima mill-istituzzjoni tat-telf mistenni għall-iskopertura inadempjenti skont l-Artikolu 181(1), il-punt (h).

▼B

6. Meta l-istituzzjonijiet jużaw il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 153(5) sabiex jassenjaw il-piżijiet tar-riskju, il-valuri tal-EL għal skoperturi tal-għoti ta' self speċjalizzati għandhom jiġu assenjati skont it-Tabella 2.

Tabella 2

Maturità li Jifdal	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
Inqas minn sentejn u nofs (2,5)	0 %	0,4 %	2,8 %	8 %	50 %
Daqs jew aktar minn sentejn u nofs (2,5)	0,4 %	0,8 %	2,8 %	8 %	50 %

▼M17

_____

▼M8

9a. L-ammont ta' telf mistenni għal impenn ta' valur li jissodisfa r-rekwiżiti kollha stipulati fl-Artikolu 132c(3) għandu jkun żero.

▼B

10. L-ammonti ta' telf mistennija għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija għandhom jiġu kkalkulati skont il-formula li ġejja:

$$Telf\ mistenni\ (EL) = PD \cdot LGD$$

$$Ammont\ ta'\ telf\ \ mistenni = EL \cdot valur\ \ tal\text{-}iskopertura.$$

▼M17

Artikolu 159

Trattament tal-ammonti ta' telf mistenni, ta' nuqqas tal-IRB u ta' eċċess tal-IRB

1. L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-ammonti ta' telf mistenni tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 158(5), (6) u (10) mis-somma ta' dawn kollha li ġejjin:

▼M17

(a) l-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi għar-riskju ta' kreditu relatati ma' dawk l-iskoperturi, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 110;

(b) aġġustamenti ta' valur addizzjonali minħabba inadempjenza ta' kontroparti ddeterminata f'konformità mal-Artikolu 34 u relatati ma' skoperturi li għalihom l-ammonti ta' telf mistenni jiġu kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 158(5), (6) u (10);

(c) tnaqqis ieħor fil-fondi proprji relatat ma' dawk l-iskoperturi minbarra t-tnaqqis li sar f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m).

Meta l-kalkolu mwettaq f'konformità mal-ewwel subparagrafu jirriżulta f'ammont pożittiv, l-ammont miksub għandu jissejjaħ "eċċess tal-IRB". Meta l-kalkolu mwettaq f'konformità mal-ewwel subparagrafu jirriżulta f'ammont negattiv, l-ammont miksub għandu jissejjaħ "nuqqas tal-IRB".

2. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw skontijiet iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 166(1) fuq skoperturi tal-karta tal-bilanċ mixtrija meta f'inadempjenza bl-istess mod bħall-aġġustamenti speċifiċi fir-riskju ta' kreditu. Skontijiet fuq l-iskoperturi tal-karta tal-bilanċ mixtrija meta ma jkunux inadempjenti ma għandhomx jitħallew jiġu inklużi fil-kalkolu tan-nuqqas tal-IRB jew tal-eċċess tal-IRB. L-aġġustamenti speċifiċi fir-riskju ta' kreditu fuq skoperturi f'inadempjenza ma għandhomx jintużaw biex ikopru l-ammonti ta' telf mistenni fuq skoperturi oħra. L-ammonti ta' telf mistenni għall-iskoperturi titolizzati u l-aġġustamenti ġenerali u speċifiċi fir-riskju ta' kreditu relatati ma' dawk l-iskoperturi ma għandhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tan-nuqqas tal-IRB jew tal-eċċess tal-IRB.

▼B

Taqsima 4

PD, LGD u maturità

▼M17

Subtaqsima - 1

Skoperturi koperti permezz ta' garanziji pprovduti mill-gvernijiet ċentrali u mill-banek ċentrali tal-Istati Membri jew mill-BĊE

Artikolu 159a

Nuqqas ta' applikazzjoni tal-minimi tal-input tal-PD, tal-LGD u tas-CCF

Għall-finijiet tal-Kapitolu 3, u b'mod partikolari fir-rigward tal-Artikoli 160(1), 161(4), 164(4) u 166(8c), meta skopertura tkun koperta permezz ta' garanzija eliġibbli pprovduta minn gvern ċentrali jew bank ċentrali jew mill-BĊE, il-minimi tal-input tal-PD, tal-LGD u tas-CCF m'għandhomx japplikaw għall-parti tal-iskopertura koperta permezz ta' dik il-garanzija. Madankollu, il-parti tal-iskopertura li ma tkunx koperta permezz ta' dik il-garanzija għandha tkun soġġetta għall-minimi tal-input tal-PD, tal-LGD u tas-CCF ikkonċernati.

▼B

Subtaqsima 1

▼M17

Skoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku

▼B

Artikolu 160

Probabbiltà ta' inadempjenza (PD)

▼M17

1. Għal skoperturi assenjati għall-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (b), jew il-punt (c)(i), (ii) jew (iii), għall-fini uniku tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikoli 153 u 157, u l-Artikolu 158(1), (5) u (10), il-valur tal-PD li jintuża għal kull skopertura bħala input tal-formuli tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju u tat-telf mistenni m'għandux ikun inqas mill-valur minimu tal-input tal-PD li ġej: 0,05 %.

1a. Għal skoperturi assenjati għall-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (aa)(i) jew (ii), għall-fini uniku tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, il-valur tal-PD li jintuża għal kull skopertura bħala input tal-formuli tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju u tat-telf mistenni m'għandux ikun inqas mill-valur minimu tal-input tal-PD li ġej: 0,03 %.

▼B

2. Għal riċevibbli korporattivi mixtrija li fir-rigward tagħhom istituzzjoni ma tistax tagħmel stima tal-PDs jew jekk l-istimi tal-PD ta' istituzzjoni ma jilħqux ir-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 6, il-PDs għal dawn l-iskoperturi għandhom jiġu ddeterminati skont il-metodi li ġejjin:

(a) għal pretensjonijiet prijoritarji fuq riċevibbli korporattivi mixtrija, il-PD għandha tkun l-istima tal-EL mill-istituzzjonijiet diviża mill-LGD għal dawn ir-riċevibbli;

(b) għal pretensjonijiet subordinati fuq riċevibbli korporattivi mixtrija, il-PD għandha tkun l-istima tal-EL mill-istituzzjoni;

(c) istituzzjoni li rċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD għal skoperturi korporattivi skont l-Artikolu 143 u li tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għal riċevibbli korporattivi mixtrija f'PDs u LGDs b'mod li l-awtorità kompetenti tikkunsidra bħala affidabbli, tista' tuża l-istima tal-PD li tirriżulta minn dik id-dekompożizzjoni.

3. Il-PD ta' debituri f'inadempjenza għandha tkun ta' 100 %.

▼M17

4. Għal skopertura koperta permezz ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, istituzzjoni li tuża l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143 kemm għall-iskopertura li tkun koperta mill-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata kif ukoll għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, tista' tirrikonoxxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-PD f'konformità mal-Artikolu 183.

_____

▼M17

6. Għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrija, il-PD għandha tiġi ffissata ugwali għall-istimi tal-EL tal-istituzzjoni għar-riskju ta' dilwizzjoni. Istituzzjoni li tkun irċeviet permess mill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 biex tuża l-istimi proprji tal-LGD għal skoperturi korporattivi u li tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrija f'PDs u LGDs b'mod li l-awtorità kompetenti tqis affidabbli, tista' tuża l-istimi tal-PD li jirriżultaw minn dik id-dekompożizzjoni. L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-PD f'konformità mal-Kapitolu 4.

7. Istituzzjoni li tkun irċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 biex tuża l-istimi proprji tal-LGD għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrija tista' tirrikonoxxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata billi taġġusta l-PDs soġġetta għall-Artikolu 161(3).

▼B

Artikolu 161

Telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD)

1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-valuri ta' LGD li ġejjin:

▼M17

(a) skoperturi prijoritarji mingħajr protezzjoni ta' kreditu finanzjata eliġibbli għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, għal entitajiet tas-settur finanzjarju u għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku: 45 %;

(aa) skoperturi prijoritarji mingħajr protezzjoni ta' kreditu finanzjata eliġibbli għal korporattivi li mhumiex entitajiet tas-settur finanzjarju: 40 %;

▼B

(b) skoperturi subordinati mingħajr kollateral eliġibbli: 75 %;

▼M17

_____

▼B

(d) bonds koperti eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) jistgħu jiġu assenjati il-valur ta' LGD ta' 11,25 %;

▼M17

(e) għal skoperturi prijoritarji ta' riċevibbli korporattivi mixtrija meta istituzzjoni ma tkunx tista' tistima l-PDs jew meta l-istimi tal-PD tal-istituzzjoni ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 6: 40 %;

▼B

(f) għal skoperturi subordinati ta' riċevibbli korporattivi mixtrija fejn l-istituzzjoni ma tistax tagħti stima tal-PDs jew inkella l-istimi tal-PD mill-istituzzjoni ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati fit-Taqsima 6: 100 %;

▼M17

(g) għar-riskju ta' dilwazzjoni ta' riċevibbli korporattivi mixtrija: 100 %.

▼B

2. Għal riskju ta' dilwizzjoni u inadempjenza jekk istituzzjoni tkun irċeviet permess mill-awtorità kompetenti sabiex tuża l-istimi proprji tal-LGD għal skoperturi korporattivi skont l-Artikolu 143 u tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għal riċevibbli korporattivi mixtrija f'PDs u LGDs b'mod ikkunsidrat affidabbli mill-awtorità kompetenti, tista' tintuża l-istima tal-LGD għar-riċevibbli korporattivi mixtrija.

▼M17

3. Għal skopertura koperta permezz ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, istituzzjoni li tuża l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143 kemm għall-iskopertura li tkun koperta minn protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata kif ukoll għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, tista' tirrikonoxxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fl-LGD f'konformità mal-Artikolu 183.

4. Għal skoperturi assenjati għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (c)(i), (ii) jew (iii), għall-iskop uniku tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, u b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 153(1), il-punt (iii), l-Artikolu 157, u l-Artikolu 158(1), (5) u (10), meta jintużaw stimi proprji tal-LGD, il-valuri tal-LGD għal kull skopertura li tintuża bħala input tal-formuli tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju u tat-telf mistenni ma għandhomx ikunu inqas mill-valuri minimi tal-input tal-LGD li ġejjin, ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

Tabella 1

Il-minimi tal-input tal-LGD (LGD_{floor}) għal skoperturi li jappartjenu għall-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (c)(i), (ii) jew (iii)

Skopertura mingħajr FCP eliġibbli ($LGD_{U\text{-}floor}$)	Skopertura ggarantit bis-sħiħ permezz ta' FCP eliġibbli ($LGD_{S\text{-}floor}$)	
25 %	kollateral finanzjarju	0 %
	riċevibbli	10 %
	proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali	10 %
	kollateral fiżiku ieħor	15 %

5. Għal skoperturi assenjati għall-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (aa)(i) jew (ii), għall-fini uniku tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, u b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 153(1), il-punt (iii), l-Artikolu 157, u l-Artikolu 158(1), (5) u (10), fejn jintużaw l-istimi proprji tal-LGD, il-valur tal-LGD li jintuża bħala input tal-formuli tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju u tat-telf mistenni għal skoperturi mingħajr FCP eliġibbli m'għandux ikun inqas mill-valur minimu tal-input tal-LGD li ġej: 5 %.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, il-minimi tal-input tal-LGD fit-Tabella 1 f'dak il-paragrafu għal skoperturi ggarantiti bis-sħiħ permezz ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjata eliġibbli għandhom japplikaw meta l-valur tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata, wara l-applikazzjoni tal-aġġustamenti għall-volatilità H_c u H_{fx} ikkonċernati f'konformità mal-Artikolu 230, ikun daqs jew jaqbeż il-valur tal-iskopertura sottostanti.

Għall-finijiet tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-aġġustamenti relatati rilevanti, H_c u H_{fx}, f'konformità mal-Artikolu 230, il-protezzjoni ta' kreditu finanzjata għandha tkun eliġibbli skont dan il-Kapitolu. F'dak il-każ, it-tip ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu "kollateral fiżiku ieħor" fl-Artiklu 230, it-Tabella 1, għandha tinftiehem bħala "kollateral fiżiku ieħor u kollateral ieħor eliġibbli".

Il-minimu applikabbli tal-input tal-LGD (LGD_{floor}) għal skopertura parzjalment iggarantita permezz ta' FCP jiġi kkalkulat bħala l-medja ponderata tal-$LGD_{U\text{-}floor}$ għall-parti tal-iskopertura mingħajr FCP u $LGD_{S\text{-}floor}$ għall-parti kompletament iggarantita, kif ġej:

▼M17

$$LGD_{floor} = LGD_{U\text{-}floor} \cdot \frac{E_U}{E \cdot (1 + H_E)} + LGD_{S\text{-}floor} \cdot \frac{E_S}{E \cdot (1 + H_E)}$$

fejn:

$LGD_{U\text{-}floor}$ u $LGD_{S\text{-}floor}$ huma l-valuri minimi rilevanti fit-Tabella 1;

E, E_S, E_U u H_E jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 230.

7. Meta istituzzjoni li tuża l-istimi proprji tal-LGD għal tip partikolari ta' skoperturi mhux iggarantiti għal korporattivi u skoperturi mhux iggarantiti għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku ma tkunx tista' tqis l-effett tal-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata li tiggarantixxi waħda mill-iskoperturi ta' dak it-tip ta' skoperturi fl-istima proprja tal-LGD minħabba nuqqas ta' data dwar l-irkupri għal dik il-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata, l-istituzzjoni għandha titħalla tapplika l-formula stabbilita fl-Artikolu 230, bl-eċċezzjoni li l-LGD_U f'dik il-formula għandu jkun l-istima proprja tal-istituzzjoni tal-LGD għal skoperturi mhux iggarantiti. F'dak il-każ, il-protezzjoni ta' kreditu finanzjata għandha tkun eliġibbli f'konformità mal-Kapitolu 4 u l-istima proprja tal-istituzzjoni tal-LGD użati bħala l-LGD_U għandha tiġi kkalkulata abbażi tat-telf sottostanti bl-esklużjoni ta' kwalunkwe rkupru li jirriżulta minn dik il-protezzjoni ta' kreditu finanzjata.

▼B

Artikolu 162

Maturità

▼M17

1. Għal skoperturi li għalihom istituzzjoni ma tkunx irċeviet permess mill-awtorità kompetenti biex tuża l-istimi proprji tal-LGD, il-valur tal-maturità (M) għandu jiġi applikat b'mod konsistenti u, jew ikun stabbilit għal sentejn u nofs, ħlief għal skoperturi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw it-titoli, li għalihom M għandu jkun ta' nofs sena, jew, inkella, jiġi kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 2.

▼B

2. ►M17 Għal skoperturi li għalihom istituzzjoni tapplika l-istimi proprji tal-LGD, il-valur tal-maturità (M) għandu jiġi kkalkulat bl-użu ta' perjodi espressi fi snin, kif stabbilit f'dan il-paragrafu u soġġett għall-paragrafi 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu. M m'għandux ikun akbar minn ħames snin, ħlief fil-każijiet speċifikati fl-Artikolu 384(2) fejn għandu jintuża M kif speċifikat hemmhekk. M għandu jiġi kkalkulat kif ġej f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin: ◄

(a) għal strument soġġett għal skeda ta' fluss tal-flus, M għandha tiġi kkalkulata skont il-formula li ġejja:

$$M = \max\left\{1, \min\left\{\frac{\sum_t t \cdot CF_t}{\sum_t CF_t}, 5\right\}\right\}$$

fejn CF_t tirrappreżenta l-flussi tal-flus (kapital, pagamenti ta' mgħaxijiet u tariffi) pagabbli kuntrattwalment mid-debitur fil-perijodu t;

▼B

(b) għal derivati soġġetti għal ftehim ewlieni ta’ netting, M għandha tkun il-medja ppeżata tal-maturità li jifdal tal-iskopertura, fejn M għandha tkun tal-inqas sena (1), u l-ammont nozzjonali ta’ kull skopertura għandu jintuża għall-ippeżar tal-maturità;

(c) għall-iskoperturi li jirriżultaw minn strumenti ta’ derivati kollateralizzati kompletament jew kważi kompletament elenkati fl-Anness II, u transazzjonijiet ta’ self b’marġni kollateralizzati kompletament jew kważi li huma soġġetti għal ftehim ewlieni ta’ netting, M għandha tkun l-maturità medja ppeżata li jifdal tat-transazzjonijiet fejn M għandha tkun tal-inqas għaxart (10) ijiem;

(d) għal transazzjonijiet ta’ xiri mill-ġdid jew transazzjonijiet ta’ għoti jew teħid ta’ self ta’ titoli jew prodotti li huma soġġetti għal ftehim ewlieni ta’ netting, M għandha tkun il-maturità medja ppeżata li jifdal tat-transazzjonijiet fejn M għandha tkun tal-inqas ħamest ijiem. L-ammont nozzjonali ta’ kull transazzjoni għandu jintuża għall-ippeżar tal-maturità;

▼M17

(da) għal tranżazzjonijiet ta' għoti ta' self garantit li huma soġġetti għal ftehim ewlieni ta' netting, M għandu jkun il-medja ponderata tal-maturità li jifdal tat-tranżazzjonijiet fejn M għandu jkun tal-inqas 20 jum; għall-ippeżar tal-maturità, għandu jintuża l-ammont nozzjonali ta' kull tranżazzjoni;

(db) għal ftehim ewlieni ta' netting li jinkludi aktar minn tip wieħed ta' tranżazzjoni li jikkorrispondu għall-punt (c), (d) jew (da) ta' dan il-paragrafu, M għandu jkun il-maturità medja ponderata li jifdal tat-tranżazzjonijiet fejn M għandha tkun tal-inqas l-itwal perjodu ta' holding, espress fi snin, applikabbli għal tali tranżazzjonijiet kif previst fl-Artikolu 224(2), jew 10 ijiem jew 20 jum, skont il-każijiet; għall-ippeżar tal-maturità, għandu jintuża l-ammont nozzjonali ta' kull tranżazzjoni;

▼B

(e) istituzzjoni li tkun irċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 sabiex tuża l-istimi proprji tal-PD għal riċevibbli korporattivi mixtrija, għal ammonti miġbuda, M għandha tkun daqs il-maturità medja ppeżata ta’ skoperturi tar-reċivibbli mixtrija, fejn M għandha tkun tal-inqas 90 ġurnata. Dan l-istess valur tal-M għandu jintuża wkoll għall-ammonti mhux miġbuda f’faċilità ta’ xiri impenjata jekk il-faċilità jkun fiha ftehimiet effettivi, skattaturi ta’ amortizzazzjoni antiċipata, jew karatterisiċi oħrajn li jipproteġu lill-istituzzjoni li tixtri kontra deterjorament sinifikanti fil-kwalità tar-riċevibbli futuri li hija meħtieġa tixtri fil-perijodu tal-faċilità. Fin-nuqqas ta’ tali protezzjonijiet effettivi, M għall-ammonti mhux miġbuda għandha tkun ikkalkulata bħala s-somma tar-riċevibbli bil-potenzjal tal-itwal data skont il-ftehim ta’ xiri u tal-maturità li jifdal tal-faċilità ta’ xiri, fejn M għandha tkun tal-inqas 90 ġurnata;

▼M17

(f) għal kwalunkwe strument għajr dawk imsemmija f'dan il-paragrafu jew meta istituzzjoni ma tkunx f'pożizzjoni li tikkalkula M kif stabbilit fil-punt (a), M għandu jkun iż-żmien massimu li jifdal, fi snin, permess lid-debitur biex iwettaq l-obbligi kuntrattwali tiegħu, inkluż il-kapital, l-imgħax u t-tariffi, fejn M għandu jkun tal-inqas sena;

▼B

(g) għall-istituzzjonijiet li jużaw il-Metodu tal-Mudell Intern stabbilit fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu 6 sabiex jikkalkulaw il-valur tal-iskoperturi, M għandha tiġi kkalkulata għall-iskoperturi li għalihom l-istituzzjonijiet japplikaw dan il-metodu u li għalihom il-maturità tal-kuntratt bl-itwal data fis-sett ta' netting tkun aktar minn sena skont il-formula li ġejja:

$$M = \min\left\{\frac{\sum_k EffectiveEE_{t_k} \cdot \Delta t_k \cdot df_{t_k} \cdot s_{t_k} + \sum_k \mathrm{EE}_{t_k} \cdot \Delta t_k \cdot \mathrm{df}_{t_k} \cdot (1 - s_{t_k})}{\sum_k EffectiveEE_{t_k} \cdot \Delta t_k \cdot df_{t_k} \cdot s_{t_k}}, 5\right\}$$

fejn:

S_{t_k} = varjabbli mhux reali (dummy variable) li l-valur tiegħu fil-perijodu futur t_k huwa ekwivalenti għal 0 jekk t_k > sena (1) u għal 1 jekk $t_k \leq 1$;

EE_{t_k} = l-iskopertura mistennija fil-perijodu futur t_k;

$EffectiveEE_{t_k}$ = l-iskopertura effettiva mistennija fil-perijodu futur t_k;

df_{t_k} = il-fattur ta' skont mingħajr riskju għall-perijodu futur t_k;

Δt_k = $t_k - t_{k-1}$;

(h) istituzzjoni li tuża mudell intern sabiex tikkalkula l-aġġustament tal-valutazzjoni ta' kreditu (CVA) unilaterali tista' tuża, soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, it-tul effettiv tal-kreditu stmat mill-mudell intern bħala M.

Soġġett għall-paragrafu 2, għandha tapplika l-formula fil-punt (a) għas-settijiet ta' netting li fihom il-kuntratti kollha għandhom maturità oriġinali ta' inqas minn sena (1);

▼M17

(i) għall-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċi msemmija fl-Artikolu 382a(1), il-punt (a) jew (b), biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA tat-tranżazzjonijiet ma' kontroparti partikolari, M m'għandux ikun akbar minn 1 fil-formula stabbilita fl-Artikolu 153(1), il-punt (iii), għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għar-riskju ta' kontroparti għall-istess tranżazzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 92(4), il-punt (a) jew (g), kif applikabbli;

(j) għal skoperturi rotanti, M għandu jiġi ddeterminat bl-użu tad-data massima ta' terminazzjoni kuntrattwali tal-faċilità; l-istituzzjonijiet m'għandhomx jużaw id-data tar-ripagament tal-prelevament kurrenti jekk dik id-data ma tkunx id-data massima ta' terminazzjoni kuntrattwali tal-faċilità.

▼B

3. ►M17 Meta d-dokumentazzjoni tkun teħtieġ rimarġinazzjoni ta' kuljum u rivalwazzjoni ta' kuljum u tinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu l-likwidazzjoni fil-pront jew it-tpaċija tal-kollateral fil-każ ta' inadempjenza jew ta' nuqqas ta' rimarġinazzjoni, M għandu jkun il-medja ponderata tal-maturità li jifdal tat-tranżazzjonijiet u M għandu jkun tal-inqas jum wieħed għal: ◄

▼B

(a) strumenti ta’ derivati kollateralizzati kompletament jew kważi li huma elenkati fl-Anness II;

(b) transazzjonijiet ta’ self b’marġni kollateralizzati kompletament jew kważi;

(c) transazzjonijiet ta’ xiri mill-ġdid, transazzjonijiet ta’ għoti jew teħid b’self ta’ titoli jew prodotti.

Barra minn hekk, għal skoperturi għal żmien qasir li jikkwalifikaw li mhumiex parti minn iffinanzjar fis-seħħ tad-debitur mill-istituzzjoni, M għandha tkun tal-inqas ġurnata (1). Skoperturi għal żmien qasir li jikkwalifikaw għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

▼M9

(a) skoperturi għal istituzzjonijiet jew ditti tal-investiment li jirriżultaw mis-saldu ta’ obbligi ta’ kambju;

▼M17

(b) tranżazzjonijiet awtolikwidanti ta' finanzjament tal-kummerċ fuq terminu qasir u riċevibbli mixtrija korporattivi, dment li l-iskoperturi rispettivi jkollhom maturità residwa sa sena;

▼B

(c) skoperturi li jirriżultaw mis-saldu ta’ xiri u bejgħ ta’ titoli bi żmien ta’ konsenja tipiku jew ta’ jumejn ta’ xogħol;

(d) skoperturi li jirriżultaw minn saldu bi flus permezz ta’ trasferiment elettroniku u saldu ta’ transazzjonijiet elettroniċi ta’ pagament u spejjeż prepagati, inkluż self kurrenti li ġej minn transazzjonijiet li fallew li ma jaqbżux għadd miftiehem, qasir u fiss ta’ ġranet ta’ xogħol;

▼M17

(e) ittri ta' kreditu kemm maħruġin kif ukoll ikkonfermati li huma għal terminu qasir, jiġifieri, għandhom maturità ta' inqas minn sena, u li huma awtolikwidanti.

4. Għal skoperturi għal korporattivi stabbiliti fl-Unjoni li mhumiex korporattivi kbar, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li jistabbilixxu M għat-tali skoperturi kollha kif stabbilit fil-paragrafu 1 minflok ma japplikaw il-paragrafu 2.

▼B

5. Diskrepanzi fil-maturità għandhom jiġu ttrattati kif speċifikat fil-Kapitolu 4.

▼M17

6. Għall-fini tal-espressjoni fi snin tan-numri minimi ta' jiem imsemmija fil-paragrafu 2, il-punti (c) sa (db), u fil-paragrafu 3, in-numri minimi ta' jiem għandhom jiġu diviżi bi 365,25.

▼B

Subtaqsima 2

Skoperturi fil-livell tal-konsumatur

Artikolu 163

Probabbiltà ta’ inadempjenza (PD)

▼M17

1. Għall-fini uniku tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' dawk l-iskoperturi, u b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikoli 154 u 157, u l-Artikolu 158 (1), (5) u (10), il-PD għal kull skopertura li tintuża bħala input tal-formuli tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju u tat-telf mistenni għandha tkun l-ogħla mill-PD ta' sena assoċjata mal-grad jew l-aggregazzjoni interna tal-mutwatarju li għaliha tkun assenjata l-iskopertura fil-livell tal-konsumatur u l-valuri minimi tal-input tal-PD li ġejjin:

▼M17

(a) 0,1 % għar-rotaturi tal-QRRE;

(b) 0,05 % għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur li mhumiex rotaturi tal-QRRE.

▼B

2. Il-PD ta' debituri jew, fejn jintuża l-approċċ abbażi tal-obbligi, ta' skoperturi waqt inadempjenza għandha tkun 100 %.

3. Għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija, il-PD għandha tiġi stabbilita daqs l-istimi tal-EL għar-riskju ta' dilwizzjoni. Jekk istituzzjoni tista' tiddekomponi l-istimi tal-EL tagħha għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija f'PDs u LGDs b'mod li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw bħala affidabbli, tista' tintuża l-istima tal-PD.

▼M17

4. Għal skopertura koperta permezz ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, istituzzjoni li tuża l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143 għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni tista' tirrikonoxxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fil-PD f'konformità mal-Artikolu 183.

▼M8

Artikolu 164

Telf fil-każ ta' inadempjenza (LGD)

▼M17

1. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu l-istimi proprji tal-LGD soġġett għar-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 6 ta' dan il-Kapitolu u għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti mogħti f'konformità mal-Artikolu 143. Għar-riskju ta' dilwizzjoni ta' riċevibbli mixtrija, għandu jintuża valur tal-LGD ta' 100 %. Meta istituzzjoni tkun tista' tiddekomponi l-istimi tat-telf mistenni tagħha għar-riskju ta' dilwizzjoni tar-riċevibbli mixtrija f'PDs u f'LGDs b'mod affidabbli, l-istituzzjoni tista' tuża l-istimi proprji tagħha tal-LGD.

2. L-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi proprji tal-LGD skont l-Artikolu 143 għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni jistgħu jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fl-LGD f'konformità mal-Artikolu 183.

---

4. Għall-fini uniku tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, u b'mod partikolari skont l-Artikolu 154(1), il-punt (ii), l-Artikolu 157, u l-Artikolu 158(1), (5) u (10), il-valuri tal-LGD għal kull skopertura li tintuża bħala input tal-formuli tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju u tat-telf mistenni ma għandhomx ikunu inqas mill-valuri minimi tal-input tal-LGD stabbiliti fit-Tabella 1, ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 4a ta' dan l-Artikolu:

Tabella 1

Minimi tal-input tal-LGD (LGD_{floor}) għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur			
Skopertura mingħajr FCP ($LGD_{U\text{-}floor}$)		Skopertura ggarantita permezz ta' FCP ($LGD_{S\text{-}floor}$)	
Skopertura fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali	M/A	Skopertura fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali	5 %

▼M17

Minimi tal-input tal-LGD (LGD_{floor}) għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur			
Skopertura mingħajr FCP ($LGD_{U\text{-}floor}$)		Skopertura ggarantita permezz ta' FCP ($LGD_{S\text{-}floor}$)	
QRRE	50 %	QRRE	M/A
Skopertura oħra fil-livell tal-konsumatur	30 %	Skopertura oħra fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' kollateral finanzjarju	0 %
		Skopertura oħra fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' riċevibbli	10 %
		Skopertura oħra fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli residenzjali jew kummerċjali	10 %
		Skopertura oħra fil-livell tal-konsumatur iggarantita permezz ta' kollateral fiżiku ieħor	15 %

4a. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, għandu japplika dan li ġej:

a) il-minimi tal-input tal-LGD fil-paragrafu 4, it-Tabella 1 għandhom ikunu applikabbli għal skoperturi ggarantiti permezz ta' protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata meta l-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata tkun eliġibbli skont dan il-Kapitolu;

(b) ħlief għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, il-minimi tal-input tal-LGD fil-paragrafu 4, it-Tabella 1, ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu applikabbli għal skoperturi ggarantiti bis-sħiħ permezz ta' protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata meta l-valur tal-FCP, wara l-applikazzjoni tal-aġġustamenti għall-volatilità rilevanti f'konformità mal-Artikolu 230, ikun daqs jew akbar mill-valur tal-iskopertura tal-iskopertura sottostanti; għall-fini tal-applikazzjoni tal-aġġustamenti relatati rilevanti, H_c u H_{fx}, f'konformità mal-Artikolu 230, il-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata għandha tkun eliġibbli skont dan il-Kapitolu;

(c) ħlief għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, il-minimu applikabbli tal-input tal-LGD għal skopertura parzjalment iggarantita permezz ta' protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata jiġi kkalkulat f'konformità mal-formula stabbilita fl-Artikolu 161(6);

(d) għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali, il-minimu applikabbli tal-input tal-LGD għandu jiġi ffissat għal 5 % irrispettivament mil-livell ta' kollateral ipprovdut mill-proprjetà residenzjali.

▼M8

5. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw awtorità li tkun responsabbli għall-applikazzjoni tal-paragrafu 6. Dik l-awtorità għandha tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità deżinjata.

Fejn l-awtorità deżinjata minn Stat Membru għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija l-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-korpi u l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti li jkollhom mandat makroprudenzjali jiġu infurmati kif dovut bl-intenzjoni tal-awtorità kompetenti li tagħmel użu minn dan l-Artikolu, u jiġu involuti kif jixraq fil-valutazzjoni ta' tħassib ta' stabbiltà finanzjarja fl-Istat Membru tagħha f'konformità mal-paragrafu 6.

▼M8

Fejn l-awtorità dežinjata mill-Istat Membru għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu hija differenti mill-awtorità kompetenti, l-Istati Membru għandu jadottaw id-dispożizzjonijiet meħtieġa biex jiżguraw koordinazzjoni u skambju ta' informazzjoni xierqa bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità dežinjata għall-applikazzjoni xierqa ta' dan l-Artikolu. B'mod partikolari, l-awtoritajiet għandhom jintalbu jikkooperaw mill-qrib u li jikkondividu l-informazzjoni kollha li tista' tkun neċessarja għall-prestazzjoni xierqa tad-dmirijiet imposti fuq l-awtorità dežinjata skont dan l-Artikolu. Dik il-kooperazzjoni għandha timmira li tevita kwalunkwe forma ta' azzjoni duplikata jew inkonsistenti bejn l-awtorità kompetenti u l-awtorità dežinjata, kif ukoll li jkun żgurat li l-interazzjoni ma' miżuri oħra, b'mod partikolari miżuri meħuda skont l-Artikolu 458 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 133 tad-Direttiva 2013/36/UE, titqies kif jixraq.

▼M17

6. Abbażi tad-*data* miġbura skont l-Artikolu 430a u ta' kwalunkwe indikatur rilevanti ieħor, u filwaqt li tqis l-iżviluppi prospettivi tas-suq tal-proprjetà immobbli, l-awtorità maħturaf'konformità mal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandha perjodikament, u mill-inqas b'mod annwali, tivvaluta jekk il-valuri minimi tal-input tal-LGD imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu humiex adatti għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali jew skoperturi oħra fil-livell tal-konsumatur iggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali li jinsabu f'parti waħda jew aktar mit-territorju tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità.

Meta, abbażi tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 5 tikkonkludi li l-valuri minimi tal-input tal-LGD imsemmija fil-paragrafu 4 mhumiex adegwati, u jekk tqis li l-inadegwatezza tal-valuri minimi tal-input tal-LGD tista' taffettwa b'mod negattiv l-istabbiltà finanzjarja attwali jew futura fl-Istat Membru tagħha, din tista' tiffissa valuri minimi tal-input tal-LGD ogħla għal dawk l-iskoperturi li jkunu jinsabu f'parti waħda jew aktar mit-territorju tal-Istat Membru ta' dik l-awtorità. Dawk il-valuri minimi tal-input tal-LGD ogħla jistgħu jiġu applikati wkoll fil-livell ta' segment wieħed jew aktar ta' proprjetà ta' tali skoperturi.

L-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 5 għandha tinnotifika lill-EBA u lill-BERS qabel tieħu d-deċiżjoni msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Fi żmien xahar minn meta jirċievu dik in-notifika, l-EBA u l-BERS għandhom jagħtu l-opinjoni tagħhom lill-Istat Membru kkonċernat. L-EBA u l-BERS għandhom jippubblikaw l-ogħla valuri minimi tal-input tal-LGD imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

7. Meta l-awtorità maħtura f'konformità mal-paragrafu 5 tistabbilixxi valuri minimi tal-input tal-LGD ogħla skont il-paragrafu 6, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom perjodu tranżitorju ta' sitt xhur biex japplikawhom.

▼M8

8. L-ABE, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERS, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kondizzjonijiet li l-awtorità dežinjata skont il-paragrafu 5 għandha tqis meta ssir il-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-valuri tal-LGD bħala parti mill-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 6.

▼M8

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2019.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

9. Il-BERS jista', permezz ta' rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ABE, jagħti gwida lill-awtoritajiet dežinjati skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu dwar dan li ġej:

(a) liema fatturi jista' jkollhom "effett negattiv fuq l-istabbiltà finanzjarja attwali jew futura" msemmija fil-paragrafu 6; u

(b) punti ta' riferiment indikattivi li l-awtorità dežinjata skont il-paragrafu 5 għandha tqis meta tiddetermina valuri minimi tal-LGD ogħla.

10. L-istituzzjonijiet ta' Stat Membru wieħed għandhom japplikaw il-valuri minimi tal-LGD ogħla li jkunu ġew determinati mill-awtoritajiet ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 għall-iskoperturi korrispondenti kollha tagħhom garantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali li jinsabu f'parti jew aktar ta' dak l-Istat Membru.

▼M17

_____

▼B

Taqsima 5

Valur tal-iskopertura

Artikolu 166

▼M17

Skoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku u skoperturi fil-livell tal-konsumatur

▼B

1. Sakemm ma jkunx avżat mod ieħor, il-valur tal-iskoperturi li jidhru fuq il-karta tal-bilanċ għandu jkun il-valur kontabilistiku kkalkulat mingħajr ma jiġi kkunsidrat kwalunkew aġġustament li jkun sar fir-riskju ta' kreditu.

Din ir-regola tapplika wkoll għal assi mixtrija bi prezz differenti mill-ammont dovut.

Għall-assi mixtrija, id-differenza bejn l-ammont dovut u l-valur kontabilistiku li jifdal wara li jkunu ġew applikati l-aġġustamenti tar-riskju ta' kreditu speċifiku li jkun ġie rreġistrat fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet meta nxtara l-assi hija denominata bħala skont jekk l-ammont dovut huwa akbar, u bħala primjum jekk huwa iżgħar.

▼B

2. Fejn l-istituzzjonijiet jużaw ftehimiet Ewlenin ta’ netting fir-rigward ta’ transazzjonijiet ta’ xiri mill-ġdid jew transazzjonijiet ta’ għoti jew teħid b’self ta’ titoli jew prodotti, il-valur tal-iskopertura għandu jiġi kkalkulat skont il-Kapitolu 4 jew 6.

3. Sabiex jiġi kkalkulat il-valur tal-iskoperta għan-netting fuq il-karta tal-bilanċ ta’ self u depożiti, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-metodi stabbiliti fil-Kapitolu 4.

4. Il-valur tal-iskopertura għal kirjiet għandu jkun il-pagamenti tal-kirja minimi skontati. Il-pagamenti minimi tal-kirja għandhom jinkludu l-pagamenti matul il-perijodu tal-kirja li l-kerrej jista’ jkun meħtieġ jagħmel u kwalunkwe alternattiva ta’ nnegozjar (jiġifieri, alternattiva li l-eżerċizzju tagħha huwa raġonevolment ċert). Jekk parti, għajr il-kerrej tista’ tkun meħtieġa tagħmel pagament relatat mal-valur reżidwu ta’ assi mikri u dan l-obbligu ta’ pagament jissodisfa s-sett ta’ kondizzjonijiet fl-Artikolu 201 dwar l-eliġibbiltà tal-forniturі tal-protezzjoni kif ukoll ir-rekwiżiti għar-rikonoxximent ta’ tipi oħra ta’ garanziji previsti fl-Artikolu 213, l-obbligu ta’ pagament jista’ jiġi kkunsidrat bħala l-protezzjoni ta’ kreditu mhux iffinanzjata skont il-Kapitolu 4.

5. Fil-każ ta’ kwalunkwe kuntratt elenkat fl-Anness II, il-valur tal-iskopertura għandu jiġi ddeterminat mill-metodi stabbiliti fil-Kapitolu 6 u ma għandu jqis l-ebda aġġustament li jkun sar fir-riskju ta’ kreditu.

6. Il-valur tal-iskopertura għall-kalkolu tal-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju ta’ riċevibbli mixtrija għandu jkun il-valur determinat skont il-paragrafu 1 imnaqqas mir-rekwiziti ta’ fondi proprji għar-riskju ta’ dilwizzjoni qabel il-mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu.

7. Fejn skopertura tieħu l-forma ta’ titoli jew prodotti mibjugħa, imdaħħla jew mislufa peremzz ta’ transazzjonijiet ta’ xiri mill-ġdid jew transazzjonijiet ta’ għoti jew teħid b’self ta’ titoli jew prodotti, transazzjonijiet b’saldu fit-tul u transazzjonijiet ta’ self b’marġni, il-valur tal-iskopertura għandu jkun il-valur tat-titoli jew il-prodotti determinat skont l-Artikolu 24. Fejn jintuża l-Metodu Komprensiv ta’ Kollateral Finanzjarju kif stabbilit fl-Artikolu 223, il-valur tal-iskopertura għandu jiżdied bl-aġġustament tal-volatilità adatt għal tali titoli jew prodotti, kif stabbilit hemm. Il-valur tal-iskopertura ta’ transazzjonijiet ta’ xiri mill-ġdid, transazzjonijiet ta’ għoti jew teħid b’self ta’ titoli jew prodotti, transazzjonijiet b’saldu fit-tul u transazzjonijiet ta’ self b’marġni jista’ jiġi ddeterminat jew skont il-Kapitolu 6 jew l-Artikolu 220(2).

▼M17

8. Il-valur tal-iskopertura ta' elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li mhumiex kuntratti kif elenkati fl-Anness II, għandu jiġi kkalkulat bl-użu jew tal-IRB-CCF jew tal-SA-CCFs, f'konformità mal-paragrafi 8a u 8b ta' dan l-Artikolu u mal-Artikolu 151(8).

Meta l-bilanċi miġbuda biss ta' faċilitajiet rotanti jkunu ġew titolizzati, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li jkomplu jżommu l-ammont meħtieġ ta' fondi proprji kontra l-bilanċi mhux miġbuda assoċjati mat-titolizzazzjoni.

▼**M17**

Istituzzjoni li ma tkunx ingħatat permess tuża l-IRB-CCF għandha tikkalkula l-valur tal-iskopertura bħala l-ammont impenjat iżda mhux miġbud immoltiplikat bl-SA-CCF ikkonċernat.

Istituzzjoni li tuża l-IRB-CCF għandha tikkalkula l-valur tal-iskopertura għal impenji mhux miġbuda bħala l-ammont mhux miġbud immultiplikat bl-IRB-CCF.

8a. Għal skopertura li għalih istituzzjoni ma tkunx ingħatat permess tuża l-IRB-CCF, is-CCF applikabbli għandu jkun l-SA-CCF kif previst fil-Kapitolu 2 għall-istess tipi ta' elementi kif stabbiliti fl-Artikolu 111. L-ammont li għalih għandu jiġi applikat l-SA-CCF irid ikun l-aktar baxx mill-valur tal-ammont impenjat iżda mhux miġbud u l-valur li jirrifletti kwalunkwe restrizzjoni possibbli tad-disponibbiltà tal-faċilità, inkluż l-eżistenza ta' limitu massimu fuq l-ammont ta' self potenzjali li huwa relatat mal-fluss ta' flus irrapportat ta' debitur. Meta faċilità tkun ristretta b'dak il-mod, l-istituzzjoni għandu jkollha proċeduri suffiċjenti ta' monitoraġġ u ta' ġestjoni tal-linji biex issostni l-eżistenza ta' dik ir-restrizzjoni.

8b. Soġġetti għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-użu tal-IRB-CCF kif speċifikati fit-Taqsima 6 għandhom jużaw l-IRB-CCF għal skoperturi li jirriżultaw minn impenji rotanti mhux miġbuda ttrattati skont l-Approċċ IRB, dment li dawk l-iskoperturi ma jkunux soġġetti għal SA-CCF ta' 100 % skont l-Approċċ Standardizzat. L-SA-CCF għandu jintuża għal:

(a) l-entrati l-oħra kollha li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, b'mod partikolari l-impenji mhux rotanti mhux miġbuda;

(b) skoperturi meta r-rekwiżiti minimi għall-kalkolu tal-IRB-CCF kif speċifikati fit-Taqsima 6 ma jiġux issodisfati mill-istituzzjoni jew meta l-awtorità kompetenti ma tkunx ippermettiet l-użu tal-IRB-CCF.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, impenn għandu jitqies bħala "rotanti" meta jippermetti lil debitur jikseb self li bih id-debitur ikollu l-flessibbiltà li jiddeċiedi kemm spiss jiġbed mis-self u kull kemm żmien, filwaqt li jippermetti lid-debitur jippreleva, jirrimborża u jerġa' jiġbed self avvanzat lilu. L-arranġamenti kuntrattwali li jippermettu prepagamenti u l-ġbid mill-ġdid sussegwenti ta' dawk il-prepagamenti għandhom jitqiesu bħala rotanti.

8c. Meta jintuża l-IRB-CCF għall-fini uniku tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u tal-ammonti ta' telf mistenni ta' skoperturi li jirriżultaw minn impenji rotanti għajr skoperturi assenjati għall-klassi tal-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 147(2), il-punt (a), b'mod partikolari skont l-Artikolu 153(1), l-Artikolu 157 u l-Artikolu 158(1), (5) u (10), il-valur tal-iskopertura għal kull skopertura li jintuża bħala input tal-formuli tal-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju u tat-telf mistenni m'għandux ikun inqas mis-somma ta':

(a) l-ammont miġbud tal-impenn rotanti;

▼M17

(b) 50 % tal-ammont tal-iskopertura li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ tal-parti mhux miġbuda li jifdal tal-impenn rotanti kkalkulat bl-użu tal-SA-CCF applikabbli previst fl-Artikolu 111.

Is-somma tal-punti (a) u (b) għandha tissejjaħ il-"minimu tal-input tas-CCF".

▼B

9. Fejn impenn jirreferi għall-estensjoni ta' impenn ieħor, għandu jintuża l-iżgħar miż-żewġ fatturi ta' konverżjoni assoċjat mal-impenn individwali.

▼M17

_____

_____

▼B

Artikolu 168

Assi oħra li mhumiex obbligi ta' kreditu

Il-valur tal-iskopertura ta' assi oħra li mhumiex obbligi ta' kreditu għandu jkun il-valur kontabilistiku li jifdal wara li jkun applikat l-aġġustament tar-riskju ta' kreditu speċifiku.

Taqsima 6

Rekwiżiti għall-approċċ IRB

Subtaqsima 1

Sistemi ta' klassifikazzjoni

Artikolu 169

Prinċipji ġenerali

1. Fejn l-istituzzjoni tuża sistemi multipli ta' klassifikazzjoni, ir-raġuni tal-assenjazzjoni ta' debitur jew transazzjoni f'sistema ta' klassifikazzjoni għandha tiġi dokumentata u applikata b'mod li jirrefletti b'mod xieraq il-livell tar-riskju.

2. Il-kriterji u l-proċess tal-assenjazzjoni għandhom jiġu reveduti perjodikament sabiex jiġi ddeterminat jekk jibqgħux adatti għall-portafoll u l-kondizzjonijiet esterni attwali.

3. Fejn l-istituzzjoni tuża l-istimi diretti ta' parametri tar-riskju għal debituri jew skoperturi individwali, dawn jistgħu jitqiesu bħala stimi assenjati lil livelli fuq skala ta' klassifikazzjoni kontinwa.

▼M17

L-EBA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar kif għandhom jiġu applikati fil-prattika r-rekwiżiti dwar id-disinn tal-mudell, il-kwantifikazzjoni tar-riskju, il-validazzjoni u l-applikazzjoni tal-parametri tar-riskju bl-użu ta' skali ta' klassifikazzjoni kontinwi jew granulari ħafna għal kull parametru tar-riskju.

▼B

Artikolu 170

Struttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni

1. ►M17 L-istruttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni għall-iskoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, u gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin: ◄

(a) sistema ta' klassifikazzjoni għandha tqis il-karatteristiċi tar-riskju tad-debitur u tat-transazzjoni;

(b) sistema ta' klassifikazzjoni għandu jkollha skala ta' klassifikazzjoni tad-debitur li tirrefletti b'mod esklussiv il-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' inadempjenza ta' debitur. L-iskala ta' klassifikazzjoni tad-debitur għandu jkollha minimu ta' 7 gradi għal debituri mhux inadempjenti u grad wieħed għal debituri inadempjenti;

(c) istituzzjoni għandha tiddokumenta r-relazzjoni bejn il-gradi tad-debitur f'termini tal-livell ta' riskju ta' inadempjenza li kull grad jimplika u l-kriterji użati li jiddistingwu dak il-livell ta' riskju ta' inadempjenza;

(d) istituzzjonijiet b'portafolli konċentrati fuq segment tas-suq u firxa partikolari ta' riskju ta' inadempjenza għandu jkollhom biżżejjed gradi ta' debituri f'dik il-firxa sabiex jevitaw konċentrazzjonijiet bla ħtieġa ta' debituri fi grad partikolari. Konċentrazzjonijiet sinifikanti fi grad wieħed għandhom jiġu appoġġjati minn provi empiriċi konvinċenti li l-grad tad-debituri jkopri faxxa tal-PD raġonevolment dejqa u li r-riskju ta' inadempjenza ta' kull debitur f'dak il-grad jaqa' f'dik il-faxxa;

(e) sabiex titħalla mill-awtorità kompetenti li tuża stimi proprji tal-LGDs għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji, sistema ta' klassifikazzjoni għandha tinkludi skala distinta ta' klassifikazzjoni tal-faċilitajiet li tirrefletti b'mod esklussiv il-karatteristiċi ta' transazzjoni relatati mal-LGD. Id-definizzjoni ta' grad tal-faċilità għandha tinkludi kemm spjegazzjoni dwar kif l-iskoperturi huma assenjati għall-grad kif ukoll dwar il-kriterji użati sabiex jiddistingwu l-livell ta' riskju fost il-gradi;

(f) konċentrazzjonijiet sinifikanti fi grad ta' faċilità wieħed għandhom ikunu appoġġjati minn provi empiriċi konvinċenti li l-grad tal-faċilità jkopri faxxa tal-LGD raġonevolment dejqa, rispettivament, u li r-riskju tal-iskoperturi kollha f'dak il-grad jaqa' f'dik il-faxxa.

▼B

2. L-istituzzjonijiet li jużaw il-metodi stabbiliti f'153(5) għall-assenjazzjoni tal-piżijiet ta' riskju għall-iskoperturi tal-għoti ta' self speċjalizzat huma eżenti mir-rekwiżit li jkollhom skala ta' klassifikazzjoni tad-debituri li tirrefletti b'mod esklussiv il-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' inadempjenza tad-debituri għal dawn l-iskoperturi. Dawn l-istituzzjonijiet għandu jkollhom tal-inqas 4 gradi għal debituri mhux inadempjenti u tal-inqas grad wieħed għal debituri inadempjenti għal dawn l-iskoperturi.

3. L-istruttura tas-sistemi ta' klassifikazzjoni għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) is-sistemi ta' klassifikazzjoni għandhom jirreflettu kemm ir-riskju tad-debituri kif ukoll tat-transazzjoni, u għandhom ikopru l-karatteristiċi rilevanti kollha tad-debitur u tat-transazzjoni;

(b) il-livell ta' differenzazzjoni tar-riskji għandu jiżgura li l-għadd ta' skoperturi fi grad jew aggregazzjoni partikolari ta' skoperturi huwa suffiċjenti sabiex jippermetti kwantifikazzjoni u validazzjoni sinifikattivi tal-karatteristiċi tat-telf fil-livell tal-grad jew tal-aggregat. Id-distribuzzjoni tal-iskoperturi u debituri fil-gradi jew l-aggregazzjonijiet kollha għandha ssir b'tali mod li jiġu evitati konċentrazzjonijiet eċċessivi;

(c) il-proċess ta' assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet għandu jipprevedi differenzazzjoni sinifikattiva tar-riskju, għal raggruppar ta' skoperturi omoġeni biżżejjed, u għandu jippermetti li ssir stima preċiża u konsistenti tal-karatteristiċi tat-telf fil-livell tal-grad u tal-aggregat. Għal riċevibbli mixtrija r-raggruppar għandu jirrefletti l-prattiki ta' sottoskrizzjoni tal-bejjiegħ u l-eteroġenità tal-klijenti tiegħu.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-fatturi ta' riskju li ġejjin meta jassenjaw l-iskoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet:

(a) il-karatteristiċi tar-riskju tad-debitur;

▼M17

(b) il-karatteristiċi tar-riskju tat-tranżazzjoni, inkluż it-tipi tal-prodott u l-protezzjoni ta' kreditu finanzjata, il-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata rikonoxxuta, il-kalkoli tas-self għall-valur, il-maturazzjoni u s-superjorità; l-istituzzjonijiet għandhom jindirizzaw b'mod espliċitu l-każijiet li fihom diversi skoperturi jibbenefikaw mill-istess protezzjoni ta' kreditu finanzjata jew mhux iffinanzjata;

▼B

(c) delinkwenza, għajr f'każijiet fejn istituzzjoni turi għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti tagħha li d-delinkwenza mhijiex fattur materjali ta' riskju għall-iskopertura.

Artikolu 171

Assenjazzjoni fi gradi jew aggregazzjonijiet

1. Istituzzjoni għandu jkollha definizzjonijiet, proċessi u kriterji speċifiċi għall-assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet f'sistema ta' klassifikazzjoni li jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

▼B

(a) id-definizzjonijiet tal-grad jew tal-aggregazzjoni u l-kriterji għandhom ikunu dettaljati biżżejjed sabiex jippermettu lil dawk inkarigati mill-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni sabiex konsistentement jassenjaw debituri u faċilitajiet li huma ta' riskju simili fl-istess grad jew aggregat. Din il-konsistenza għandha teżisti fil-linji tan-negozju, id-dipartimenti u l-postijiet ġeografiċi kollha;

(b) id-dokumentazzjoni tal-proċess ta' klassifikazzjoni għandu jippermetti lil partijiet terzi jifhmu l-assenjazzjonijiet tal-iskoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet, jirreplikaw l-assenjazzjonijiet fi gradi jew aggregati u sabiex jevalwaw l-idonjetà tal-assenjazzjonijiet fil-grad jew aggregat;

(c) il-kriterji għandhom ikunu konsistenti wkoll mal-istandards interni tal-għoti ta' self tal-istituzzjoni u l-politiki tagħha għall-ġestjoni ta' debituri u faċilitajiet f'diffikultà.

2. Istituzzjoni għandha tqis l-informazzjoni kollha meta tassenja debituri u faċilitajiet fi gradi jew aggregazzjonijiet. L-informazzjoni għandha tkun attwali u għandha tippermetti lill-istituzzjoni tbassar il-prestazzjoni tal-iskopertura fil-ġejjieni. Inqas ma l-istituzzjoni jkollha informazzjoni, aktar għandha tkun konservattiva fl-assenjazzjonijiet tagħha tal-iskoperturi ta' debituri jew faċilitajiet fi gradi jew aggregazzjonijiet. Jekk istituzzjoni tuża klassifikazzjoni esterna bħala fattur primarju li jiddetermina l-assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni interna, l-istituzzjoni għandha tiżgura li tikkunsidra informazzjoni rilevanti oħra.

▼M17

3. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw perjodu ta' żmien itwal minn sena fl-assenjazzjoni tal-klassifikazzjonijiet. Klassifikazzjoni ta' debitur għandha tirrappreżenta l-valutazzjoni tal-istituzzjoni tal-kapaċità u r-rieda tad-debitur li jonora kuntrattwalment minkejja kundizzjonijiet ekonomiċi avversi jew l-okkorrenza ta' avvenimenti mhux mistennija. Is-sistemi ta' klassifikazzjoni għandhom ikunu mfassla b'tali mod li bidliet idjosinkratiċi, fejn dawn ikunu motivaturi materjali tar-riskju għat-tip ta' skopertura, bidliet speċifiċi għall-industrija jkunu motivatur għal migrazzjonijiet minn grad għal ieħor jew minn aggregazzjoni għal oħra. L-effetti taċ-ċiklu tan-negozju jistgħu wkoll ikunu motivatur għal migrazzjonijiet.

▼B

Artikolu 172

Assenjazzjoni ta' skoperturi

1. ►M17 Għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, skoperturi għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku, skoperturi għal istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi, l-assenjazzjoni ta' skoperturi għandha titwettaq f'konformità mal-kriterji li ġejjin: ◄

(a) kull debitur għandu jiġi assenjat fi grad ta' debitur bħala parti mill-proċess tal-approvazzjoni tal-kreditu;

(b) għal dawk l-iskoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irċeviet il-permess tal-awtorità kompetenti biex tuża l-istimi proprji tal-LGDs u l-fatturi ta' konverzjoni skont l-Artikolu 143, kull skopertura għandha tkun assenjata wkoll fi grad tal-faċilità bħala parti mill-proċess ta' approvazzjoni tal-kreditu;

▼B

(c) l-istituzzjonijiet li jużaw il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 153(5) għall-assenjazzjoni tal-piżijiet ta' riskju għall-iskoperturi tal-għoti ta' self speċjalizzat għandhom jassenjaw kull waħda minn dawn l-iskoperturi fi grad skont l-Artikolu 170(2);

▼M17

(d) kull entità ġuridika separata li għaliha tkun skoperta l-istituzzjoni għandha tkun ikklassifikata b'mod separat;

▼B

(e) skoperturi separati għall-istess debitur għandhom jiġu assenjati fl-istess grad ta' debituri, irrispettivament minn kwalunkwe differenza fin-natura ta' kull transazzjoni speċifika. Madanakollu, fejn skoperturi separati jitħallew jirriżultaw fi gradi multipli għall-istess debitur, għandu japplika dan li ġej:

(i) riskju fi trasferiment bejn pajjiżi, meta dan ikun jiddependi minn jekk l-iskoperturi humiex denominati f'munita lokali jew barranija;

(ii) it-trattament ta' garanziji assoċjati għal skopertura jistgħu jkunu riflessi f'assenjazzjoni aġġustata għal grad ta' debitur;

(iii) il-protezzjoni tal-konsumatur, is-segretezza bankarja jew leġislazzjoni oħra tipprojbixxi l-iskambju tad-data dwar il-klijenti.

▼M17

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), istituzzjoni għandu jkollha politiki xierqa għat-trattament ta' klijenti debituri individwali u ta' gruppi ta' klijenti konnessi. Dawk il-politiki għandu jkun fihom proċess għall-identifikazzjoni ta' riskju Speċifiku ta' Korrelazzjoni Negattiva għal kull entità ġuridika li għaliha tkun skoperta l-istituzzjoni.

Għall-finijiet tal-Kapitolu 6, tranżazzjonijiet ma' kontropartijiet fejn jiġi identifikat riskju Speċifiku ta' Korrelazzjoni Negattiva għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti meta jiġi kkalkolat il-valur tal-iskopertura tagħhom.

▼B

2. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, kull skopertura għandha tkun assenjata fi grad jew aggregazzjoni bħala parti mill-proċess tal-approvazzjoni tal-kreditu.

3. Għall-assenjazzjonijiet fi gradi jew aggregazzjonijiet l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw is-sitwazzjonijiet li fihom il-ġudizzju uman jista' jipprevala fuq l-inputs jew l-outputs tal-proċess tal-assenjazzjoni u l-persunal responsabbli mill-approvazzjoni ta' dawn il-prevalazzjonijiet. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw dawn il-prevalazzjonijiet u jieħdu nota tal-persunal responsabbli. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw il-prestazzjoni tal-iskoperturi li l-assenjazzjonijiet tagħhom ġew injorati. Din l-analiżi għandha tinkludi valutazzjoni tal-prestazzjoni ta' skoperturi li l-klassifikazzjoni tagħhom ġiet modifikata minn persuna partikolari, li hija responsabbli għall-persunal kollu.

Artikolu 173

Integrità tal-proċess ta' assenjazzjoni

1. ►M17 Għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, skoperturi għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku, skoperturi għal istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi, il-proċess tal-assenjazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin: ◄

▼B

(a) Assenjazzjonijiet u analiżi perjodika tal-assenjazzjonijiet għandhom jitlestew jew jiġu approvati minn parti indipendenti li ma tibbenefikax b'mod dirett mid-deċiżjonijiet biex jingħata l-kreditu;

(b) L-istituzzjonijiet għandhom jirrevedu l-assenjazzjonijiet tal-inqas darba fis-sena u jaġġustaw l-assenjazzjoni meta r-riżultat tar-reviżjoni ma jiġġustifikax ir-riport tal-assenjazzjoni attwali. Debituri b'riskju għoli u skoperturi bi problemi għandhom ikunu soġġetti għal analiżi aktar spissa. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu assenjazzjoni ġdida jekk issir disponibbli informazzjoni materjali dwar id-debitur jew l-iskopertura;

(c) Istituzzjoni għandu jkollha proċess effettiv sabiex tikseb u taġġorna l-informazzjoni rilevanti dwar il-karatteristiċi ta' debitur li jaffettwaw il-PDs, u dwar il-karatteristiċi tat-transazzjonijiet li jaffettwaw l-LGDs jew il-fatturi ta' konverżjoni.

2. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, tal-inqas darba fis-sena l-istituzzjoni għandha tirrevedi l-assenjazzjonijiet tad-debitur u tal-faċilitajiet u taġġusta l-assenjazzjoni meta r-riżultat tar-reviżjoni ma jiġġustifikax li l-assenjazzjoni attwali tiġi riportata, jew tanalizza l-karatteristiċi tat-telf u l-istatus tad-delinkwenza ta' kull aggregazzjoni ta' riskji identifikata, skont liema applikabbli. Tal-inqas darba fis-sena, l-istituzzjoni għandha wkoll tanalizza permezz ta' kampjun rappreżentattiv l-istatus tal-iskoperturi individwali f'kull aggregazzjoni bħala mezz sabiex tiżgura li l-iskoperturi jibqgħu jiġu assenjati fl-aggregazzjoni t-tajba, u taġġusta l-assenjazzjoni meta r-riżultat tar-reviżjoni ma jiġġustifikax ir-riport tal-assenjazzjoni attwali.

▼M17

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jistabbilixxu l-metodoloġiji tal-awtoritajiet kompetenti sabiex jivvalutaw l-integrità tal-proċess tal-assenjazzjoni u l-valutazzjoni regolari u indipendenti tar-riskji.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 174

L-użu ta' mudelli

▼M17

L-istituzzjonijiet għandhom jużaw metodi ("mudelli") statistiċi jew matematiċi oħrajn sabiex jassenjaw skoperturi għal gradi jew aggregazzjonijiet ta' debituri jew ta' faċilitajiet. Għandhom jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-mudell għandu jkollu kapaċità ta' tbassir tajba u r-rekwiżiti ta' fondi proprji ma għandhomx jiġu distorti minħabba l-użu tiegħu;

▼B

(b) l-istituzzjoni għandu jkollha implimentat proċess għal kontroll bir-reqqa tal-inputs fil-mudell, li jinkludi valutazzjoni tal-preċiżjoni, il-kompletezza u l-idonjetà tad-data;

▼B

(c) id-data użata sabiex jinbena l-mudell għandha tkun rappreżentattiva tal-popolazzjoni tad-debituri jew l-iskoperturi attwali tal-istituzzjoni;

(d) l-istituzzjoni għandu jkollha ċiklu regolari ta' validazzjoni tal-mudelli li jinkludi l-monitoraġġ tal-prestazzjoni u l-istabbiltà tal-mudell; l-analiżi tal-ispeċifikazzjoni tal-mudell; u l-ittestjar tal-outputs tal-mudell mal-eżiti;

(e) l-istituzzjoni għandha tikkumplimenta l-mudell statistiku permezz tal-ġudizzju uman u s-sorveljanza umana sabiex jiġu analizzati l-assenjazzjonijiet ibbażati fuq il-mudell u sabiex ikun żgurat li l-mudelli qed jintużaw b'mod xieraq. Il-proċeduri ta' analiżi għandhom jimmiraw sabiex isibu u jillimitaw l-iżbalji assoċjati mal-punti debboli tal-mudell. Il-ġudizzji umani għandhom iqisu l-informazzjoni rilevanti kollha li mhijiex ikkunsidrata mill-mudell. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta dwar kif għandhom jiġu kkombinati l-ġudizzju uman u r-riżultati tal-mudell.

▼M17

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (a), il-varjabbli tal-input għandhom jifformaw bażi raġonevoli u effettiva għat-tbassir li jirriżulta. Il-mudell ma għandux ikollu preġudizzji materjali. Għandu jkun hemm rabta funzjonali bejn l-inputs u l-outputs tal-mudell, li tista' tiġi ddeterminata permezz ta' ġudizzju espert, fejn xieraq.

▼B

Artikolu 175

Dokumentazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw d-diżinn u d-dettalji operattivi tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom. Id-dokumentazzjoni għandha tipprovdi provi dwar il-konformità mar-rekwiżiti f'din it-Taqsima, u tindirizza suġġetti inklużi d-divrenzjar tal-portafolli, il-kriterji ta' klassifikazzjoni, ir-responsabbiltajiet tal-partijiet li jikklassifikaw id-debituri u l-iskoperturi, il-frekwenzi tal-analiżi tal-assenjazzjonijiet, u s-sorveljanza tal-immaniġjar tal-proċess tal-klassifikazzjoni.

2. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta r-raġunament u l-analiżi li jsostnu l-għażla tagħha tal-kriterji ta' klassifikazzjoni. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-bidliet ewlenin kollha fil-proċess tal-klassifikazzjoni tar-riskju, u tali dokumentazzjoni għandha ssostni l-identifikazzjoni tal-bidliet li saru fil-proċess tal-klassifikazzjoni tar-riskju li saru wara l-aħħar analiżi mill-awtoritajiet kompetenti. L-organizzazzjoni tal-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni inklużi l-proċess ta' assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni u l-istruttura ta' kontroll intern għandhom ikunu dokumentati wkoll.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw id-definizzjonijiet speċifiċi ta' inadempjenza u telf użati internalment u jiżguraw il-konsistenza mad-definizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4. Fejn l-istituzzjoni tkun tuża mudelli statistiċi fil-proċess ta' klassifikazzjoni, l-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-metodoloġiji tagħhom. Dan il-materjal għandu:

(a) jipprovdi spjega dettaljata tat-teorija, is-suppożizzjonijiet u l-bażi matematika u empirika tal-assenjazzjoni tal-istimi lill-gradi, id-debituri individwali, l-iskoperturi jew l-aggregazzjonijiet u s-sors(i) tad-data użati sabiex jiġi stmat il-mudell;

▼B

(b) jistabbilixxi proċess statistiku rigoruż inklużi testijiet ta' prestazzjoni extratemporali u extrakampjonarji (out-of-time and out-of-sample) għall-validazzjoni tal-mudell;

(c) jindika kwalunkwe ċirkostanza li fiha l-mudell ma jaħdimx b'mod effettiv.

5. L-istituzzjoni għandha turi, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti, li r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu jkunu ntlaħqu, meta l-istituzzjoni tkun kisbet sistema ta' klassifikazzjoni jew mudell użat fi ħdan sistema ta' klassifikazzjoni minn bejjiegħ terz u dak il-bejjiegħ jiċħad jew jillimita l-aċċess tal-istituzzjoni għall-informazzjoni rigward il-metodoloġija ta' dik is-sistema jew il-mudell ta' klassifikazzjoni, jew id-data sottostanti użata sabiex tiġi żviluppata dik il-metodoloġija jew il-mudell, fuq il-bażi li tali informazzjoni tkun issodisfatta.

Artikolu 176

Konservazzjoni tad-data

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jaħżnu d-data dwar l-aspetti tal-klassifikazzjonijiet interni tagħhom kif meħtieġ skont il-Parti Tmienja.

2. ►**M17** Għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, skoperturi għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku, skoperturi għal istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jaħżnu: ◄

(a) is-sensiliet storiċi kompleti tal-klassifikazzjonijiet dwar debituri u garanti rikonoxxuti;

(b) id-dati li fihom ġew assenjati l-klassifikazzjonijiet;

(c) id-data ewlenija u l-metodoloġija użata sabiex tingħata l-klassifikazzjoni;

(d) il-persuna responsabbli mill-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni;

(e) l-identità tad-debituri u l-iskoperturi li saru inadempjenti;

(f) id-data u ċ-ċirkostanzi ta' tali inadempjenzi;

(g) data dwar il-PDs u r-rati ta' inadempjenzi realizzati assoċjati mal-gradi ta' klassifikazzjonijiet u migrazzjoni ta' klassifikazzjonijiet.

▼M17

3. Għal skoperturi li għalihom dan il-Kapitolu jippermetti l-użu tal-istimi proprji tal-LGD jew l-użu tal-IRB-CCF iżda li għalihom l-istituzzjonijiet ma jużawx l-istimi proprji tal-LGD jew tal-IRB-CCF, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jaħżnu *data* dwar il-paraguni bejn l-LGDs realizzati u l-valuri kif stabbilit fl-Artikolu 161(1), u bejn is-CCF realizzati u l-SA-CCFs kif stabbilit fl-Artikolu 166(8a).

▼B

4. L-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi tal-LGDs u l-fatturi ta' konverzjoni proprji għandhom jiġbru u jaħżnu:

(a) is-sensiliet storiċi kompleti tad-data dwar il-klassifikazzjonijiet tal-faċilitajiet u l-istimi tal-LGD u tal-fattur ta' konverzjoni assoċjati ma' kull skala ta' klassifikazzjoni;

▼B

(b) id-dati li fihom ġew assenjati l-klassifikazzjonijiet u meta saru l-istimi;

(c) id-data ewlenija u l-metodoloġija użati sabiex tiġi ddeterminata l-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet u l-istimi tal-LGD u tal-fattur ta' konverżjoni;

(d) il-persuna li assenjat il-klassifikazzjoni tal-faċilità u l-persuna li pprovdiet l-istimi tal-LGD u tal-fattur ta' konverżjoni;

(e) data dwar l-LGDs stmati u realizzati u l-fatturi ta' konverzjoni assoċjati ma' kull skopertura inadempjenti;

(f) data dwar l-LGD tal-iskopertura qabel u wara l-evalwazzjoni tal-effetti ta' garanzija/jew derivat ta' kreditu, għal dawk l-istituzzjonijiet li jirreflettu l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu tal-garanziji jew tad-derivati ta' kreditu permezz tal-LGD;

(g) data dwar il-komponenti tat-telf għal kull skopertura inadempjenti.

5. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet għandhom jiġbru u jaħżnu:

(a) data użata fil-proċess ta' allokazzjoni tal-iskoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet;

(b) data dwar il-PDs, l-LGDs u l-fatturi ta' konverzjoni stmati assoċjati ma' gradi jew aggregazzjonijiet ta' skoperturi;

(c) l-identità tad-debituri u l-iskoperturi li saru inadempjenti;

(d) għal skoperturi inadempjenti, id-data dwar il-gradi jew l-aggregazzjonijiet li fihom kienet assenjata l-iskopertura fis-sena qabel l-inadempjenza u r-riżultati realizzati fuq l-LGD u l-fattur ta' konverzjoni;

(e) data fuq ir-rati ta' telf għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur rotattivi li jikkwalifikaw.

Artikolu 177

Testijiet tal-istess użati fil-valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali

1. L-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċessi ta' ttestjar għal stress validi għall-użu fil-valutazzjoni tal-adegwatezza kapitali tagħha. L-ittestjar għal stress għandu jinvolvi l-identifikazzjoni ta' avvenimenti possibbli jew bidliet futuri fil-kondizzjonijiet ekonomiċi li jista' jkollhom effetti ħżiena fuq skoperturi għall-kreditu tal-istituzzjoni u l-valutazzjoni tal-kapaċità tal-istituzzjoni sabiex tiflaħ għal tali bidliet.

2. L-istituzzjoni għandha twettaq b'mod regolari test tal-istess tar-riskju ta' kreditu sabiex tivvaluta l-effett ta' ċerti kondizzjonijiet speċifiċi fuq ir-rekwiżiti ta' kapital totali għar-riskju ta' kreditu. It-test għandu jkun wieħed magħżul mill-istituzzjoni, soġġett għal analiżi superviżorja. It-test li jrid jintuża għandu jkun sinifikattiv u jikkunsidra l-effetti ta' xenarji ta' riċessjoni severa iżda plawżibbli. L-istituzzjoni għandha tivvaluta l-migrazzjoni fil-klassifikazzjonijiet tagħha f'xenjari tal-ittestjar għal stress. Il-portafolli taħt stress għandu jkun fihom il-maġġoranza kbira tal-iskoperturi totali ta' istituzzjoni.

▼M17

2a. Ix-xenarji użati skont il-paragrafu 2 għandhom jinkludu wkoll motivaturi tar-riskju ESG, b'mod partikolari motivaturi tar-riskju fiżiku u ta' tranżizzjoni li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima.

L-EBA toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar l-applikazzjoni tal-paragrafi 2 u 2a.

_____

▼B

Sub-Section 2

Risk quantification

Artikolu 178

▼M17

Inadempjenza ta' debitur jew faċilità ta' kreditu

▼B

1. Inadempjenza għandha tkun ikkunsidrata li seħħet fir-rigward ta' debitur partikolari meta sseħħ waħda jew iż-żewg sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tikkunsidra li d-debitur x'aktarx mhux se jħallas bis-sħiħ l-obbligazzjonijiet ta' kreditu tiegħu lill-istituzzjoni, lill-impriża prinċipali jew lil xi waħda mis-sussidjarji tagħha, mingħajr rikors mill-istituzzjoni għal azzjonijiet bħal realizzazzjoni tal-garanziji;

▼M17

(b) id-debitur ikun qabeż id-data tal-maturità b'aktar minn 90 jum fuq kwalunkwe obbligazzjoni ta' kreditu materjali lill-istituzzjoni, lill-impriża prinċipali jew lil kwalunkwe sussidjarja tagħha.

▼B

Fil-każ ta' skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw id-definizzjoni ta' inadempjenza imniżżla fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu fil-livell ta' faċilita ta' kreditu individwali, minflok fir-rigward tal-obbligazzjonijiet totali ta' mutwatarju.

2. Dawn li ġejjin għandom japplikaw għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1:

(a) għal self kurrenti, id-data meta tinqabeż il-maturità tibda meta d-debitur ikun kiser il-limitu notifikat, meta jkun ġie notifikat limitu iżgħar mill-obbligazzjonijiet pendenti attwali, jew meta jkun ġibed kreditu mingħajr l-awtorizzazzjoni u l-ammont sottostanti jkun materjali;

(b) għall-finijiet tal-punt (a), limitu notifikat jinkludi kwalunkwe limitu ta' kreditu determinat mill-istituzzjoni u li dwaru d-debitur ikun ġie infurmat mill-istituzzjoni;

(c) il-ġranet li jkunu għaddew minn meta tinqabeż il-maturità għall-karti ta' kreditu jibdew mid-data tal-maturità tal-pagament minimu.

(d) ir-rilevanza tal-maturità skaduta ta' obbligazzjoni ta' kreditu għandha tkun ivvalutata fuq bażi ta' limitu, li jkun definit mill-awtoritajiet kompetenti. Dan il-limitu għandu jirrefletti livell ta' riskju li l-awtorità kompetenti tikkunsidrah bħala raġonevoli;

▼B

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom linji politiċi dokumentati fir-rigward ta' kif jgħoddu l-ġranet tal-iskadenza tal-maturità, b'mod partikolari fir-rigward ta' rimaturazzjoni tal-faċilitajiet u l-għoti ta' estensjonijiet, emendi jew diferimenti, rinnovamenti, u netting tal-kontijiet eżistenti. Dawn il-linji politiċi għandhom jiġu applikati b'mod konsistenti maż-żmien, u għandhom ikunu konformi mal-ġestjoni interna tar-riskju u l-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-istituzzjoni.

3. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1, l-elementi li għandhom jittieħdu bħala indikaturi ta' improbabbiltà ta' ħlas għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tagħti lill-obbligazzjoni ta' kreditu status ta' mhux dovuta;

(b) l-istituzzjoni tirrikonoxxi aġġustament ta' kreditu speċifiku li jirriżulta minn tnaqqis sinifikanti pperċeput fil-kwalità ta' kreditu wara li l-istituzzjoni tkun assumiet l-iskopertura;

(c) l-istituzzjoni tbiegħ l-obbligazzjoni ta' kreditu b'telf ekonomiku materjali relatat mal-kreditu;

▼M17

(d) l-istituzzjoni tagħti l-kunsens tagħha għal miżura ta' trażżin kif imsemmi fl-Artikolu 47b tal-obbligazzjoni ta' kreditu meta dik il-miżura x'aktarx tirriżulta f'obbligazzjoni finanzjarju mnaqqsa minħabba l-maħfra materjali, jew posponiment, ta' kapital, imgħax jew fejn rilevanti, tariffi;

▼B

(e) l-istituzzjoni fetħet proċedura għall-falliment tad-debitur jew xi proċedura simili fir-rigward tal-obbligazzjoni ta' kreditu ta' debitur lill-istituzzjoni, l-impriża prinċipali jew xi waħda mis-sussidjarji tagħha;

(f) id-debitur fittex jew tqiegħed f'falliment jew fi protezzjoni simili fejn dan jevita jew idewwem ir-ripagament ta' obbligazzjoni ta' kreditu lill-istituzzjoni, l-impriża prinċipali jew xi waħda mis-sussidjarji tagħha.

4. L-istituzzjonijiet li jużaw data esterna li hija stess mhijiex konsistenti mad-definizzjoni tal-inadempjenza stabbilita fil-paragrafu 1, għandhom jagħmlu l-aġġustamenti adatti sabiex jiksbu ekwivalenza wiesgħa mad-definizzjoni ta' inadempjenza.

5. Jekk l-istituzzjoni tikkunsidra li skopertura li diġà saret inadempjenti hija b'tali mod li l-ebda skattatur tal-inadempjenza ma jibqa' japplika, l-istituzzjoni għandha tikklassifika lid-debitur jew lill-faċilità bħallikieku kienu skopertura mhux inadempjenti. Fejn id-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi sussegwentement skattata, jiġi meqjus li seħħet inadempjenza oħra.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet li awtorità kompetenti għandha timxi magħhom biex tistipula l-limitu msemmi fil-paragrafu 2(d).

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-ABE għandha toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dawn il-linji gwida għandhom jiġu adottati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

Sal-10 ta' Lulju 2025, l-EBA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, biex taġġorna l-linji gwida msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. B'mod partikolari, dak l-aġġornament għandu jqis kif xieraq il-ħtieġa li l-istituzzjonijiet jiġu mħeġġa jinvolvu ruħhom f'ristrutturar tad-dejn proattiv, preventiv u sinifikanti biex jappoġġaw lid-debituri.

Fl-iżvilupp ta' dawk il-linji gwida, l-EBA għandha tqis kif xieraq il-ħtieġa li tingħata biżżejjed flessibilità lill-istituzzjonijiet meta jispeċifikaw x'tikkostitwixxi "obbligazzjoni finanzjarja mnaqqsa" għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (d).

▼B

Artikolu 179

Rekwiżiti kumplessivi għall-istima

1. Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li għandu jiġi assoċjat mal-gradi jew l-aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istimi proprji tal-parametri tar-riskju, tal-PD, tal-LGD, tal-fattur tal-konverżjoni u tal-EL tal-istituzzjoni għandhom jinkludu d-data, l-informazzjoni u l-metodi rilevanti kollha. L-istimi għandhom ikunu bbażati kemm fuq l-esperjenza storika kif ukoll fuq il-provi empiriċi, u mhux ibbażati biss fuq kunsiderazzjonijet ta' ġudizzju. L-istimi għandhom ikunu plawżibbli u intwittivi u għandhom ikunu bbażati fuq fatturi materjali tal-parametri tar-riskju rispettivi. Inqas ma l-istituzzjoni jkollha data, aktar trid tkun konservattiva fl-istima tagħha;

(b) istituzzjoni għandha tkun tista' tipprovdi analiżi sistematika tal-esperjenza ta' telf tagħha f'termini ta' frekwenza ta' inadempjenzi, l-LGD, il-fattur ta' konverżjoni, jew it-telf fejn jintużaw l-istimi tal-EL, bil-fatturi li hija tqis bħala l-fatturi tal-parametri tar-riskji rispettivi. L-istimi tal-istituzzjoni għandhom jirrappreżentaw esperjenza twila;

(c) għandha tiġi kkunsidrata kull bidla fil-prattika tal-għoti ta' self jew fil-proċess biex jinġabru l-irkupri matul il-perijodi tal-osservazzjoni msemmija fl-Artikolu 180(1)(h) u (2)(e), l-Artikolu 181(1)(j) u (2), 182(2) u (3). L-istimi tal-istituzzjoni għandhom jirreflettu l-implikazzjonijiet tal-avvanzi tekniċi u data ġdida u informazzjoni oħra, hekk kif dawn isiru disponibbli. L-istituzzjonijiet għandhom jirrevedu l-istimi tagħhom meta jkun hemm informazzjoni ġdida iżda tal-inqas fuq bażi annwali;

▼B

(d) il-popolazzjoni tal-iskoperturi rappreżentati fid-data użata għall-istima, l-istandards tal-għoti tas-self użati meta d-data kienet iġġenerata u karatteristiċi rilevanti oħrajn għandhom ikunu komparabbli ma' dawk tal-iskoperturi u l-istandards tal-istituzzjoni. Il-kondizzjonijiet ekonomiċi jew tas-suq, sottostanti għad-data, għandhom ikunu rilevanti għall-kondizzjonijiet attwali u dawk prevedibbli. In-numru ta' skoperturi fil-kampjun u l-perijodu tad-data użat għall-kwantifikazzjoni għandhom ikunu biżżejjed sabiex jipprovdu fiduċja lill-istituzzjoni fir-rigward tal-preċiżjoni u r-robustezza tal-istimi tagħha;

(e) għal riċevibbli mixtrija, l-istimi għandhom jirreflettu l-informazzjoni rilevanti kollha disponibbli għall-istituzzjoni li tixtri rigward il-kwalità tar-riċevibbli sottostanti, inkluża d-data għal aggregzzjonijiet simili pprovduti mill-bejjiegħ, mill-istituzzjoni li tixtri, jew minn sorsi esterni. L-istituzzjoni li tixtri għandha tevalwa kwalunkwe data li tkun ibbażat fuqha u li tkun ipprovduta mill-bejjiegħ;

▼M17

(f) sabiex jingħelbu l-preġudizzji, istituzzjoni għandha tinkludi aġġustamenti xierqa fl-istimi tagħha sa fejn ikun possibbli; wara li tkun inkludiet aġġustament xieraq, istituzzjoni għandha żżid mal-istimi tagħha marġni suffiċjenti ta' konservattiviżmu li huwa relatat mal-medda mistennija ta' żbalji fl-istima; fejn il-metodi u d-*data* jitqiesu li jkunu inqas sodisfaċenti, il-medda mistennija ta' żbalji tkun akbar u l-marġni ta' konservattiviżmu għandu jkun akbar.

▼B

Fejn l-istituzzjonijiet jużaw stimi differenti għall-kalkolu tal-piżijiet ta' riskju u għall-għanijiet interni, dan għandu jkun dokumentat u raġonevoli. Jekk l-istituzzjonijiet jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li għad-data miġbura qabel l-1 ta' Jannar 2007 saru aġġustamenti adatti sabiex tinkiseb ekwivalenza wiesgħa mad-definizzjoni ta' inadempjenza stabbilita fl-Artikolu 178 jew mat-telf, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjoni xi flessibbiltà fl-applikazzjoni tal-istandards meħtieġa għad-data.

2. Meta l-istituzzjoni tuża data aggregata ma' istituzzjonijiet oħrajn, din għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) is-sistemi ta' klassifikazzjoni u l-kriterji ta' istituzzjonijiet oħra fl-aggregazzjoni huma simili għal tagħha;

(b) l-aggregazzjoni hija rappreżentattiva tal-portafoll li għalih tintuża d-data aggregata;

(c) id-data aggregata tintuża b'mod konsistenti tul iż-żmien mill-istituzzjoni għall-istimi tagħha;

(d) l-istituzzjoni għandha tibqa' responsabbli għall-integrità tas-sistemi tal-klassifikazzjoni tagħha;

(e) l-istituzzjoni għandha żżomm fost il-kapaċitajiet tagħha fehim biżżejjed tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħha, inkluża l-kapaċità li timmonitorja b'mod effettiv u tagħmel verifika tal-proċess ta' klassifikazzjoni.

▼B

Artikolu 180

Rekwiżiti speċifiċi għall-istima tal-PD

1. ►M17 Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li għandhom jiġu assoċjati ma' gradi jew aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin speċifiċi għall-istima tal-PD għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, skoperturi għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku, skoperturi għal istituzzjonijiet u skoperturi għal korporattivi: ◄

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw il-PDs skont il-grad tad-debitur minn medji fuq tul ta' żmien ta' rati ta' inadempjenza ta' sena. L-istimi tal-PD għal debituri li għandhom lieva finanzjarja qawwija jew għal debituri li l-assi tagħhom huma prinċipalment assi negozjati għandhom jirreflettu l-prestazzjoni tal-assi sottostanti abbażi ta' perijodi ta' volatilitajiet taħt stress;

(b) għal riċevibbli korporattivi mixtrija, l-istituzzjonijiet jistgħu jistmaw l-EL skont il-grad tad-debitur minn medji fuq tul ta' żmien ta' rati ta' inadempjenza ta' sena;

(c) jekk l-istituzzjoni tidderivi stimi medji fuq tul ta' żmien tal-PDs u l-LGDs għal riċevibbli korporattivi mixtrija minn stima tal-EL, u stima adegwata tal-PD jew l-LGD, il-proċess ta' stima tat-telf totali għandu jissodisfa l-istandards kumplessivi għall-istima tal-PD u tal-LGD stabbiliti f'din il-parti, u r-riżultat għandu jkun konsistenti mal-kunċett ta' LGD kif stabbilit fl-Artikolu 181(1)(a);

(d) l-istituzzjonijiet għandhom jużaw it-tekniki ta' stima tal-PD dejjem flimkien ma' analiżi ta' sostenn. L-istituzzjonijiet għandhom jirrikonxxu l-importanza tal-konsiderazzjonijiet ta' ġudizzju meta jgħaqqdu r-riżultati tat-tekniki u meta jagħmlu aġġustamenti għal-limitazzjonijiet tat-tekniki u l-informazzjoni;

▼M17

(e) sa fejn li l-istituzzjoni tuża *data* fuq esperjenza interna ta' inadempjenza għall-istima tal-PDs, l-istimi għandhom jirriflettu l-istandards ta' sottoskrizzjoni attwali u ta' kwalunkwe differenza fis-sistema ta' klassifikazzjoni li ġġenerat id-*data* u s-sistema ta' klassifikazzjoni attwali; fejn l-istandards ta' sottoskrizzjoni jew is-sistemi ta' klassifikazzjoni jkunu nbidlu, wara li jiġi inkluż aġġustament xieraq, l-istituzzjoni għandha żżid marġni akbar ta' konservattiviżmu fl-istima tagħha tal-PD relatati mal-medda mistennija ta' żbalji fl-istima li ma tkunx diġà koperta mill-aġġustament xieraq;

▼B

(f) sakemm l-istituzzjoni tassoċja l-gradi interni tagħha skont l-iskala użata minn ECAI jew organizzazzjonijiet simili u mbagħad tattribwixxi r-rata ta' inadempjenza osservata għall-gradi tal-organizzazzjoni esterna għall-gradi tal-istituzzjoni, dawn l-assoċjazzjonijiet (mappings) għandhom ikun ibbażati fuq il-paragun tal-kriterji tal-klassifikazzjoni interni mal-kriterji użati mill-organizzazzjoni esterna u fuq il-paragun mal-klassifikazzjonijiet interni jew esterni ta' kwalunkwe debitur komuni. Għandhom jiġu evitati l-preġudizzji jew l-inkonsistenzi fil-metodu tal-assoċjazzjoni jew fid-data sottostanti. Il-kriterji tal-organizzazzjoni esterna sottostanti għad-data użata għall-kwantifikazzjoni għandhom jiġu orjentati għar-riskju ta' inadempjenza biss u mhux jirreflettu l-karatteristiċi tat-transazzjoni. L-analiżi mwettqa mill-istituzzjoni għandha tinkludi paragun tad-definizzjonijiet ta' inadempjenzi użati, soġġett għar-rekwiżiti fl-Artikolu 178. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-kriterji abbażi tal-assoċjazzjonijiet;

▼B

(g) sakemm dik l-istituzzjoni tuża l-mudelli statistiċi ta' tbassir tal-inadempjenza, din titħalla tistma l-PDs bħala l-medja sempliċi tal-istimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza għal debituri individwali fi grad partikolari. L-użu li l-istituzzjoni tagħmel mill-mudelli ta' probabbiltà ta' inadempjenza għal dan il-għan għandu jissodisfa l-istandards speċifikati fl-Artikolu 174;

▼M17

(h) irrispettivament minn jekk istituzzjoni hijiex tuża sorsi ta' *data* esterni, interni jew aggregati jew inkella kombinazzjoni ta' dawn it-tlieta, għall-istima tagħha tal-PD, it-tul tal-perjodu tal-osservazzjoni storika sottostanti użat għandu jkun tal-inqas ħames snin għal tal-inqas sors wieħed;

(i) irrispettivament mill-metodu użat għall-istima tal-PD, l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw PD għal kull grad ta' klassifikazzjoni abbażi tar-rata ta' inadempjenza medja storika osservata ta' sena li hija medja aritmetika bbażata fuq in-numru ta' debituri (ponderati għall-għadd); approċċi oħrajn, inkluż medji ponderati għall-iskoperturi, ma għandhomx ikunu permessi.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (h), ta' dan il-paragrafu meta l-perjodu ta' osservazzjoni disponibbli jkopri perjodu itwal għal kwalunkwe sors, u meta dik id-*data* tkun rilevanti, għandu jintuża dak il-perjodu itwal. Id-*data* għandha tinkludi taħlita rappreżentattiva ta' snin tajbin u ħżiena taċ-ċiklu ekonomiku rilevanti għat-tip ta' skoperturi. Soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet li ma jkunux rċevew il-permess tal-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 143 biex jużaw l-istimi proprji tal-LGD jew biex jużaw l-IRB-CCF, jistgħu jużaw, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, id-*data* rilevanti li tkopri perjodu ta' sentejn. Il-perjodu li għandu jiġi kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-*data* rilevanti tkopri mill-inqas ħames snin.

▼B

2. Għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

▼M17

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw il-PDs skont il-grad jew l-aggregazzjoni tad-debitur jew tal-faċilità minn medji fit-tul ta' rati ta' inadempjenza ta' sena, u r-rati ta' inadempjenza għandhom jiġu kkalkulati fil-livell tal-faċilità biss meta d-definizzjoni ta' inadempjenza tiġi applikata fil-livell tal-faċilità ta' kreditu individwali skont l-Artikolu 178(1), it-tieni subparagrafu;

▼B

(b) l-istimi tal-PDs jistgħu jinħarġu wkoll minn stima tat-total tat-telf u stimi adatti tal-LGDs;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom iqisu d-data interna għall-assenjazzjoni tal-iskoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet bħala s-sors primarju ta' informazzjoni sabiex jistmaw il-karatteristiċi tat-telf. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw data esterna (inkluża data aggregata) jew mudelli statistiċi għall-kwantifikazzjoni jekk hemm iż-żewġ rabtiet mill-viċin li ġejjin:

(i) bejn il-proċess tal-istituzzjoni ta' assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet u l-proċess użat mis-sors tad-data esterna; u

(ii) bejn il-profil ta' riskju intern tal-istituzzjoni u l-kompożizzjoni tad-data esterna;

▼B

►C2 (d) jekk l-istituzzjoni tidderivi l-istimi medji għal żmien twil tal-PD u l-LGD għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur minn stima ta' telf totali ◄ u stima adegwata tal-PD jew LGD, il-proċess ta’ stima tat-telf totali għandu jissodisfa l-istandards kumplessivi għall-istima tal-PD u l-LGD stabbiliti f’din il-parti, u r-riżultat għandu jkun konsistenti mal-kunċett tal-LGD kif stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 181 (1);

▼M17

(e) irrispettivament minn jekk istituzzjoni hijiex tuża sorsi ta' *data* esterni, interni jew aggregati, jew inkella kombinazzjoni ta' dawn it-tlieta, għall-istima tagħha tal-PD, it-tul tal-perjodu tal-osservazzjoni storika sottostanti użat għandu jkun tal-anqas ħames snin għal tal-anqas sors wieħed;

▼B

(f) l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw u janalizzaw il-bidliet mistennija tal-parametri tar-riskju matul il-ħajja ta’ skoperturi għall-kreditu (effetti ta’ maturazzjoni).

Għal riċevibbli mixtrija fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw data ta’ referenza interna u esterna. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw is-sorsi ta’ data rilevanti kollha bħala punti ta’ paragun.

▼M17

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), il-PD għandha tkun ibbażata fuq ir-rata ta' inadempjenza medja storika osservata ta' sena.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (e), meta l-osservazzjoni disponibbli tkopri perjodu itwal għal kwalunkwe sors, u meta dik id-*data* tkun rilevanti, għandu jintuża dak il-perjodu itwal. Id-*data* għandha tinkludi taħlita rappreżentattiva ta' snin tajbin u ħżiena taċ-ċiklu ekonomiku rilevanti għat-tip ta' skoperturi. Soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, *data* rilevanti li tkopri perjodu ta' sentejn. Il-perjodu li għandu jiġi kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-*data* rilevanti tkopri mill-inqas ħames snin.

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-metodoloġiji li f'konformità magħhom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw il-metodoloġija ta' istituzzjoni għall-istima tal-PD skont l-Artikolu 143.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 181

Rekwiżiti speċifiċi għall-istimi proprji tal-LGD

1. Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li jridu jkunu assoċjati mal-gradi jew l-aggregazzjonijiet ta’ klassifikazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin speċifiċi għal stimi proprji tal-LGD:

▼B

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw l-LGDs skont il-grad jew l-aggregazzjoni tal-faċilità abbażi tal-medja ta' LGDs realizzati skont il-grad jew l-aggregat tal-faċilità billi jużaw l-inadempjenzi osservati kollha fis-sorsi tad-data (medja ppeżata tal-inadempjenzi);

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-istimi tal-LGD li huma adatti għal fażi ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jekk dawn ikunu aktar konservattivi mill-medja fuq perijodu twil. Sakemm sistema ta' klassifikazzjoni tkun mistennija li tipproduċi LGDs realizzati b'konsistenza skont il-grad jew l-aggregazzjoni tul iż-żmien, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti fl-istimi tagħhom tal-parametri tar-riskju skont il-grad jew l-aggregazzjoni sabiex jillimitaw l-impatt kapitali ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku;

▼M17

(c) istituzzjoni għandha tikkunsidra l-firxa ta' kwalunkwe dipendenza bejn, minn naħa, ir-riskju tad-debitur u, min-naħa l-oħra, dak tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata, minbarra ftehimiet ewlenin ta' netting u n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti, jew il-fornitur tagħha.;

(d) id-diskrepanzi fil-munita bejn l-obbligu sottostanti u l-protezzjoni ta' kreditu finanzjata, minbarra l-ftehimiet ewlenin ta' netting u n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti, għandhom jiġu ttrattati b'mod konservattiv fil-valutazzjoni tal-LGD tal-istituzzjoni;

(e) sa fejn li l-istimi tal-LGD iqisu l-eżistenza tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata, minbarra ftehimiet ewlenin ta' netting u n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti, dawk l-istimi ma għandhomx ikunu bbażati biss fuq il-valur stmat tas-suq tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata;

(f) sa fejn li l-istimi tal-LGD iqisu l-eżistenza tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata, minbarra l-ftehimiet ewlenin ta' netting u n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu rekwiżiti interni għall-ġestjoni, għaċ-ċertezza legali u għall-ġestjoni tar-riskju ta' dik il-protezzjoni ta' kreditu finanzjata, u dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu ġeneralment konsistenti ma' dawk stabbiliti fil-Kapitolu 4, it-Taqsima 3, is-Subtaqsima 1;

(g) sa fejn li istituzzjoni tirrikonoxxi protezzjoni ta' kreditu finanzjata, minbarra ftehimiet ewlenin ta' netting u n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' self u ta' depożiti, għad-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti f'konformità mal-Kapitolu 6, Taqsima 5 jew 6, kwalunkwe ammont li jkun mistenni li jiġi rkuprat minn dik il-protezzjoni ta' kreditu finanzjata ma għandux jitqies fl-istimi tal-LGD;

▼B

(h) għall-każ speċifiku ta' skoperturi diġà f'inadempjenza, l-istituzzjoni għandha tuża s-somma tal-aqwa stima tagħha ta' telf mistenni għal kull skopertura fiċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali u l-istat tal-iskopertura u l-istima tagħha taż-żieda fir-rata tat-telf ikkawżata minn telf addizzjonali possibbli mhux mistenni matul il-perijodu ta' rkupru, jiġifieri bejn id-data tal-inadempjenza u l-likwidazzjoni finali tal-iskopertura;

▼M17

(i) sa fejn it-tariffi għal pagamenti tard, imposti fuq id-debitur qabel il-ħin tal-inadempjenza, ikunu ġew ikkapitalizzati fir-rapport tal-introjtu tal-istituzzjoni, dawn għandhom jiżdiedu mal-kalkolu tal-iskopertura u tat-telf tal-istituzzjoni;

▼M17

(j) għal skoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, u gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku, l-istimi tal-LGD għandhom ikunu bbażati fuq *data* fuq perijodu minimu ta' ħames snin, u jiżdiedu b'sena kull sena wara l-implimentazzjoni sakemm jintlaħaq minimu ta' seba' snin, għal mill-inqas sors ta' *data* wieħed, jekk il-perijodu ta' osservazzjoni disponibbli jieħu perijodu itwal għal xi sors, u din id-*data* tkun rilevanti, għandu jintuża dan il-perijodu itwal.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-paragrafu l-istituzzjonijiet għandhom iqisu b'mod adegwat l-irkupri realizzati matul il-proċessi ta' rkupru rilevanti minn kwalunkwe tip ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjata kif ukoll mill-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni fl-Artikolu 142(1), il-punt (10).

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), każijiet li fihom ikun hemm grad sinifikanti ta' dipendenza għandhom jiġu indirizzati b'mod konservattiv.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (e), l-istimi tal-LGD għandhom iqisu l-effett tal-inabbiltà potenzjali tal-istituzzjonijiet li jieħdu kontroll malajr tal-kollateral tagħhom u jillikwidawh.

▼B

2. Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħmlu dan li ġej:

(a) jidderivaw l-istimi tal-LGD minn telf realizzat u l-istimi adatti tal-PDs;

▼M17

(b) jirriflettu ġbid futur jew fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom jew fl-istimi tagħhom tal-LGD;

▼B

(c) Għal riċevibbli mixtrija fil-livell tal-konsumatur jużaw data ta' referenza esterna u interna sabiex jistmaw l-LGDs.

▼M17

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), meta l-istituzzjonijiet jinkludu ġbid addizzjonali futur fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom, dawk għandhom jitqiesu fl-LGD kemm fin-numeratur kif ukoll fid-denominatur. Meta l-istituzzjonijiet ma jinkludux ġbid addizzjonali futur fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom, dawk għandhom jitqiesu fin-numeratur tal-LGD biss.

▼M17

Għal skoperturi fil-livell tal-konsumatur, l-istimi tal-LGD għandhom ikunu bbażati fuq *data* fuq minimu ta' ħames snin. Soġġetti għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, *data* rilevanti li tkopri perjodu ta' sentejn. Il-perjodu li għandu jiġi kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-*data* rilevanti tkopri mill-inqas ħames snin.

▼B

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) in-natura, is-severità u t-tul ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1;

►C2 (b) il-kondizzjonijiet li bihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu istituzzjoni skont il-paragrafu 2 li tuża data rilevanti ◄ li tkopri perijodu ta' sentejn fejn l-istituzzjoni timplimenta l-Approċċ IRB.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

4. L-EBA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, biex tiċċara t-trattament ta' kwalunkwe tip ta'protezzjoni ta' kreditu finanzjata u protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (a),ta' dan l-Artikolu u għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-parametri tal-LGD;

5. Għall-fini tal-kalkolu tat-telf, l-EBA għandha, sal-31 ta' Diċembru 2025, toħroġ linji gwida aġġornati, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar dan li ġej:

(a) fir-rigward ta' każijiet li jirritornaw għal status ta' mhux inadempjenti, filwaqt li jiġi speċifikat kif il-fluss ta' flus artifiċjali għandu jiġi ttrattat u jekk huwiex aktar xieraq għall-istituzzjonijiet li jiskontaw il-fluss ta' flus artifiċjali matul il-perjodu attwali ta' inadempjenza;

(b) il-valutazzjoni ta' jekk il-kalibrazzjoni u l-applikazzjoni tar-rata ta' skont humiex xierqa għall-kalkolu tat-telf ekonomiku fl-iskoperturi kollha.

▼B

Artikolu 182

Rekwiżiti speċifiċi għall-istimi proprji tal-LGD

1. Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li jridu jkunu assoċjati ma' gradi jew aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin speċifiċi għal stimi proprji tal-fattur ta' konverżjoni:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jistmaw il-fatturi ta' konverżjoni skont il-grad jew l-aggregazzjoni tal-faċilità abbażi tal-medja ta' fatturi ta' konverżjoni realizzati skont il-grad jew l-aggregazzjoni tal-faċilità billi jużaw il-medja ppeżata tal-inadempjenzi li tirriżulta mill-inadempjenzi osservati kollha fis-sorsi tad-data;

▼B

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-istimi tal-fattur ta’ konverżjoni li huma adatti fi żmien ta’ tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jekk dawn ikunu aktar konservattivi mill-medja fuq perijodu fit-tul. Sa fejn sistema ta’ klassifikazzjoni tkun mistennija tipproduċi fatturi ta’ konverżjoni realizzati b’konsistenza skont il-grad jew l-aggregazzjoni tul iż-żmien, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti fl-istimi tagħhom tal-parametri tar-riskju skont il-grad jew l-aggregazzjoni sabiex jillimitaw l-impatt kapitali ta’ tnaqqis fir-ritmu ekonomiku;

▼M17

(c) l-IRB-CCF tal-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu l-possibbiltà ta' ġbid addizzjonali mid-debitur sa meta u wara li jiġi skattat avveniment ta' inadempjenza;

▼B

(d) sabiex jaslu għall-istimi tal-fatturi ta’ konverżjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-linji politiċi u l-istrateġiji speċifiċi tagħhom fir-rigwrad tal-monitoraġġ tal-kontijiet u l-ipproċessar tal-pagamenti. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw ukoll il-kapaċità u r-rieda tagħhom li jipprevjenu ġbid ulterjuri f’ċirkostanzi ta’ kważi inadempjenza ta’ pagament, bħal vjolazzjonijiet ta’ pattijiet jew avvenimenti oħrajn ta’ inadempjenza teknika;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom sistemi adegwati u proċeduri fis-seħħ sabiex jimmonitorjaw l-ammonti tal-faċilità, l-obbligazzjonijiet pendenti attwali fil-linji impenjati u l-bidliet fl-obbligazzjonijiet pendenti skont id-debitur u skont il-grad. L-istituzzjoni għandha tkun tista’ timmonitorja l-bilanċi pendenti ta’ kuljum;

(f) jekk l-istituzzjonijiet jużaw stimi differenti tal-fatturi ta’ konverżjoni għall-kalkolu tal-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-għanijiet interni dawn għandhom jiġu dokumentati u jkunu raġonevoli.

▼M17

(g) l-IRB-CCF tal-istituzzjonijiet għandhom jiġu stmati bl-użu ta' approċċ b'perjodu fiss ta' 12-il xahar;

(h) l-IRB-CCF tal-istituzzjonijiet għandhom ikunu bbażati fuq *data* ta' referenza li tirrifletti l-karatteristiċi tal-prattika tal-ġestjoni tad-debitur, tal-faċilità u tal-bank tal-iskoperturi li għalihom jiġu applikati l-istimi.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), fejn l-istituzzjonijiet josservaw fattur ta' konverżjoni realizzat negattiv fuq l-osservazzjonijiet ta' inadempjenza tagħhom, il-fattur ta' konverżjoni realizzat fuq dawk l-osservazzjonijiet għandu jkun ugwali għal żero għall-fini ta' kwantifikazzjoni tal-IRB-CCF tagħhom. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-informazzjoni tal-fattur ta' konverżjoni realizzat negattiv fil-proċess tal-iżvilupp tal-mudell għall-fini tad-differenzjazzjoni tar-riskju.

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), l-IRB-CCF għandhom jinkludu marġni akbar ta' konservattiviżmu fejn korrelazzjoni pożittiva aktar b'saħħitha tista' tkun raġonevolment mistennija bejn il-frekwenza tal-inadempjenza u l-kobor tal-fattur ta' konverżjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (g), kull inadempjenza għandha tkun marbuta mal-karatteristiċi rilevanti tad-debitur u tal-faċilità fid-data ta' referenza fissa definita bħala 12-il xahar qabel id-data ta' inadempjenza.

▼M17

1a. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (h), l-IRB-CCF applikati għal skoperturi partikolari ma għandhomx ikunu bbażati fuq *data* li tħallat l-effetti ta' karatteristiċi differenti jew *data* minn skoperturi li juru karatteristiċi ta' riskju materjalment differenti. L-IRB-CCF għandhom ikunu bbażati fuq segmenti omoġenji kif xieraq. Għal dak l-għan, il-prattiki li ġejjin għandhom ikunu permessi biss abbażi ta' skrutinju u ġustifikazzjoni dettaljati minn istituzzjoni:

(a) id-*data* sottostanti għall-SMEs/għas-suq medju li tiġi applikata għal debituri korporattivi kbar;

(b) id-*data* minn impenji b'disponibbiltà ta' limitu mhux użata żgħira li tiġi applikata għal faċilitajiet b'disponibbiltà ta' limitu mhux użata kbira;

(c) id-*data* minn debituri delinkwenti jew imblukkata għal prelevamenti ulterjuri fid-data ta' referenza li tiġi applikata għal debituri mingħajr ebda delinkwenza magħrufa jew restrizzjonijiet rilevanti;

(d) id-*data* li tkun ġiet affettwata minn bidliet fit-taħlita ta' prodotti ta' teħid b'self u ta' prodotti oħrajn relatati mal-kreditu tad-debituri matul il-perjodu ta' osservazzjoni sakemm dik id-*data* ma tkunx ġiet aġġustata effettivament billi jitneħħew l-effetti tal-bidliet fit-taħlita tal-prodotti.

1b. Għall-finijiet tal-paragrafu 1a, il-punt (d), l-istituzzjonijiet għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti li għandhom fehim dettaljat tal-impatt tal-bidliet fit-taħlita tal-prodotti tal-klijenti fuq is-settijiet ta' *data* ta' referenza tal-iskoperturi u fuq l-istimi assoċjati tal-IRB-CCF, u li l-impatt huwa immaterjali jew ġie mmitigat b'mod effettiv fil-proċess ta' stima tagħhom. F'dak ir-rigward, dan li ġej ma għandux jitqies xieraq:

(a) l-iffissar ta' limiti minimi jew ta' limiti massimi għal osservazzjonijiet tas-CCF jew tal-valuri tal-iskopertura, bl-eċċezzjoni tal-fattur ta' konverżjoni realizzat ugwali għal żero, f'konformità mal-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu;

(b) l-użu ta' stimi fil-livell tad-debitur li ma jkoprux għalkollox l-għażliet rilevanti tat-trasformazzjoni tal-prodott jew li jikkombinaw prodotti b'karatteristiċi differenti ħafna b'mod mhux xieraq;

(c) l-aġġustament tal-osservazzjonijiet materjali biss affettwati mit-trasformazzjoni tal-prodott;

(d) l-esklużjoni tal-osservazzjonijiet affettwati mit-trasformazzjoni tal-profil tal-prodott.

1c. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-IRB-CCF tagħhom ikunu effettivament separati mill-effetti potenzjali ta' reġjun ta' instabbiltà kkawżati minn faċilità li tkun qrib li tinġibed għalkollox fid-data ta' referenza.

1d. Id-*data* ta' referenza m'għandhiex tkun limitata għall-ammont prinċipali pendenti ta' faċilità jew il-limitu ta' faċilità disponibbli. Imgħax akkumulat, pagamenti oħra dovuti u ġbid li jaqbeż il-limiti ta' faċilità għandhom jiġu inklużi fid-*data* ta' referenza.

▼M17

2. Għall-iskoperturi għal korporattivi, istituzzjonijiet, gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, u gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku, l-istimi tal-fatturi ta' konverżjoni għandhom ikunu bbażati fuq *data* li tkopri perijodu minimu ta' ħames snin, li tiżdied b'sena kull sena wara l-implimentazzjoni sakemm jintlaħaq il-minimu ta' seba' snin, għal sors wieħed ta' *data* mill-anqas. Jekk il-perijodu ta' osservazzjoni disponibbli jieħu perijodu itwal għal xi sors, u d-*data* tkun rilevanti, għandu jintuża dak il-perijodu itwal.

▼B

3. Għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumaturi, l-istituzzjonijiet jistgħu jirreflettu l-ġbid futur jew fil-fatturi ta' konverżjoni tagħhom jew fl-istimi tagħhom tal-LGD.

▼M17

Għal skoperturi fil-livell tal-konsumaturi, l-istimi tal-fatturi ta' konverżjoni għandhom ikunu bbażati fuq *data* fuq perijodu minimu ta' ħames snin. Soġġett għall-permess tal-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw, meta jimplimentaw l-Approċċ IRB, id-*data* rilevanti li tkopri perijodu ta' sentejn. Il-perijodu li jrid ikun kopert għandu jiżdied b'sena kull sena sakemm id-*data* rilevanti tkopri minn tal-inqas ħames snin.

▼B

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) in-natura, is-severità u t-tul ta' tnaqqis fir-ritmu ekonomiku msemmi fil-paragrafu 1;

(b) il-kondizzjonijiet skont liema l-awtorità kompetenti tista' tippermetti lill-istituzzjoni tuża data rilevanti li tkopri perijodu ta' sentejn meta l-istituzzjoni timplimenta l-Approċċ IRB għall-ewwel darba.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

5. Sal-31 ta' Diċembru 2026, l-EBA għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, biex tispeċifika l-metodoloġija li l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw sabiex jistmaw l-IRB-CCF.

▼B

Artikolu 183

▼M17

Rekwiżiti għall-valutazzjoni tal-effett ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, skoperturi għal gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku, u skoperturi għal korporattivi meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD u għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur

▼B

1. Għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-garanti u l-garanziji eliġibbli:

▼B

(a) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom kriterji speċifikati b'mod ċar għat-tipi ta' garanti li jirrikonoxxu għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju;

(b) għall-garanti rikonoxxuti għandhom japplikaw l-istess regoli bħal għad-debituri kif stabbilit fl-Artikoli 171, 172 u 173;

▼M17

(c) il-garanzija għandha tkun evidenzjata bil-miktub, mhux kanċellabbli u ma tistax tinbidel min-naħa tal-garanti, fis-seħħ sakemm l-obbligazzjoni tkun sodisfatta bis-sħiħ, sal-ammont u san-natura tal-garanzija, u legalment infurzabbli kontra l-garanti f'ġuriżdizzjoni fejn il-garanti jkollu assi li fuqhom tista tiġi eżegwita sentenza;

(d) il-garanzija għandha tkun mingħajr kundizzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-punt (d), "garanzija mingħajr kundizzjoni" tfisser garanzija fejn il-kuntratt tal-protezzjoni ta' kreditu ma jkun fih l-ebda klawżola li l-eżekuzzjoni tagħha tkun barra mill-kontroll dirett tal-istituzzjoni mutwanti u, li tista' tipprevjeni lill-garanti milli jkun obbligat iħallas kollox fil-ħin wara li d-debitur isir inadempjenti jew li d-debitur oriġinali jonqos milli jħallas. Klawżola fil-kuntratt tal-protezzjoni ta' kreditu li tipprovdi li diliġenza dovuta żbaljata jew frodi mill-istituzzjoni mutwanti tħassar jew tnaqqas il-firxa tal-garanzija offruta mill-garanti ma għandhiex tiskwalifika dik il-garanzija milli titqies mhux kundizzjonali.

Garanziji li fihom il-pagament mill-garanti jkun soġġett għall-fatt li l-istituzzjoni mutwanti l-ewwel ikollha tfittex lid-debitur u li jkopru biss it-telf li jifdal wara li l-istituzzjoni tkunu lestiet il-proċess ta' workout għandhom jitqiesu bħala mhux kundizzjonali.

1a. L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata billi jużaw jew l-approċċ ta' aġġustament tal-immudellar tal-PD/LGD, f'konformità ma' dan l-Artikolu u soġġett għar-rekwiżit stabbilit fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, jew inkella s-sostituzzjoni tal-approċċ tal-parametri tar-riskju skont l-A-IRB f'konformità mal-Artikolu 236a u soġġett għar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà tal-Kapitolu 4. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom politiki ċari għall-valutazzjoni tal-effetti tal-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata fuq il-parametri tar-riskju. Il-politiki tal-istituzzjonijiet għandhom ikunu konsistenti mal-prattiki interni tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju u għandhom jirriflettu r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu. Dawk il-politiki għandhom jispeċifikaw b'mod ċar liema mill-metodi speċifiċi deskritti f'dan il-paragrafu jintużaw għal kull sistema ta' klassifikazzjoni, u l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dawk il-politiki b'mod konsistenti maż-żmien.

▼B

2. L-istituzzjoni għandu jkollha kriterji speċifikati b'mod ċar għall-aġġustament tal-istimi ta' gradi, aggregazzjonijiet jew LGD u, fil-każ ta' riċevibbli mixtrija fil-livell tal-konsumaturi u eliġibbli, il-proċess ta' allokazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet, sabiex jiġi rifless l-impatt tal-garanziji għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju. Dawn il-kriterji għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 171, 172 u 173.

▼B

Il-kriterji għandhom ikunu plawżibbli u intwittivi. Għandhom jindirizzaw il-kapaċità u r-rieda tal-garanti li josserva l-garanzija, iż-żmien probabbli ta' kwalunkwe pagament mill-garanti, il-grad ta' korrelazzjoni bejn il-kapaċità tal-garanti li josserva l-garanzija u l-kapaċità tad-debitur li jħallas lura, u l-punt sa fejn jibqa' r-riskju reżidwu għad-debitur.

3. Ir-rekwiżiti għall-garanziji f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għad-derivati tal-kreditu b'isem wieħed. Fir-rigward ta' diskrepanza bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta' riferiment ta' derivat tal-kreditu jew l-obbligazzjoni użata biex ikun determinat jekk seħħx avveniment ta' kreditu, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 216(2). Għall-iskoperturi fil-livell tal-konsumaturi u riċevibbli mixtrija eliġibbli, dan il-paragrafu japplika għall-proċess ta' allokazzjoni tal-iskoperturi fi gradi u aggregazzjonijiet.

Il-kriterji għandhom jindirizzaw l-istruttura ta' ħlas tad-derivat tal-kreditu u jivvalutaw b'mod konservattiv l-impatt li din ikollha fuq il-livell u ż-żmien tal-irkupri. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra safejn jibqgħu forom oħra ta' riskji reżidwali.

▼M17

Id-derivattivi ta' kreditu tat-tip "first-to-default" jistgħu jiġu rikonoxxuti bħala protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata eliġibbli. Madankollu, id-derivattivi ta' kreditu tat-tip "second-to-default" u d-derivattivi ta' kreditu tat-tip "nth-to-default" l-oħrajn kollha ma għandhomx jiġu rikonoxxuti bħala protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata eleġibbli.

4. Meta l-istituzzjonijiet jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata bl-approċċ ta' aġġustament tal-immudellar tal-PD/LGD, il-parti koperta tal-iskopertura sottostanti ma għandux jiġi assenjat piż tar-riskju li jkun aktar baxx mill-minimu tal-RW tal-fornitur tal-protezzjoni. Għal dan il-għan, il-minimu tal-RW tal-fornitur tal-protezzjoni għandu jiġi kkalkulat bl-użu tal-istess PD, LGD u funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk applikabbli għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 236a.

▼B

5. Għal garanziji fil-livell tal-konsumaturi, ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom japplikaw ukoll għall-assenjazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregazzjonijiet, u l-istima tal-PD.

▼M17

_____

▼B

Artikolu 184

Rekwiżiti għal riċevibbli mixtrija

1. Fil-kwantifikazzjoni tal-parametri tar-riskju li jiġu assoċjati ma' gradi jew aggregazzjonijiet ta' klassifikazzjoni għal riċevibbli mixtrija, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6.

▼B

2. L-istruttura tal-faċilità għandha tiżgura li fiċ-ċirkostanzi prevedibbli kollha, l-istituzzjoni għandha s-sjieda u l-kontroll effettivi tar-rimessi kollha ta' flus mir-riċevibbli. Meta d-debitur jagħmel pagamenti direttament lil bejjiegħ jew lil ġestur (servicer), l-istituzzjoni għandha tivverifika b'mod regolari li l-pagamenti jsiru kompletament u skont it-termini miftehma fil-kuntratt. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċeduri sabiex jiżguraw li s-sjieda fuq ir-riċevibbli u l-irċevuti tal-flus hija protetta kontra moratorji fallimentari jew rikorsi legali li jistgħu idewmu materjalment il-kapaċità tal-mutwatarju li jillikwida jew jassenja r-riċevibbli jew iżomm il-kontroll fuq l-irċevuti tal-flus.

3. L-istituzzjoni għandha tissorvelja kemm il-kwalità tar-riċevibbli mixtrija kif ukoll il-kondizzjoni finanzjarja tal-bejjiegħ u l-ġestur. Dan li ġej għandu japplika:

(a) l-istituzzjoni għandha tivvaluta l-korrelazzjoni bejn il-kwalità tar-riċevibbli mixtrija u l-kondizzjoni finanzjarja kemm tal-bejjiegħ kif ukoll tal-ġestur, u timplimenta politiki u proċeduri interni li jipprovdu salvagwardji adegwati sabiex jipproteġu kontra kull kontinġenza, inkluża l-assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni interna tar-riskju għal kull bejjiegħ u ġestur;

(b) l-istituzzjoni għandu jkollha politiki u proċeduri ċari u effettivi għad-determinazzjoni tal-eliġibbiltà tal-bejjiegħ u tal-ġestur. L-istituzzjoni jew l-aġent tagħha għandhom iwettqu analiżi perjodiċi tal-bejjiegħa u l-ġesturi sabiex jivverifikaw il-preċiżjoni tar-rapporti mill-bejjiegħ jew mill-ġestur, jiskopru frodi jew punti debboli operattivi, u jivverifikaw il-kwalità tal-politiki ta' kreditu tal-bejjiegħ u l-politiki u l-proċeduri tal-irkupru tal-ġestur. Ir-riżultati ta' dawn l-analiżi għandhom jiġu dokumentati;

(c) l-istituzzjoni għandha tivvaluta l-karatteristiċi tal-aggregazzjonijiet ta' riċevibbli mixtrija, inkluż is-sovravvanzi; l-istorja tal-arretrati tal-bejjiegħ, dejn mitluf, u provviżjonijiet għad-dejn mitluf; termini tal-pagament, u l-kontrakontijiet potenzjali;

(d) l-istituzzjoni għandu jkollha politiki u proċeduri effettivi għall-monitoraġġ ta' konċentrazzjonijiet ta' debitur wieħed fuq bażi aggregata kemm fi ħdan kif ukoll fost il-aggregazzjonijiet ta' riċevibbli mixtrija;

(e) l-istituzzjoni għandha tiżgura li tirċievi mingħand il-ġestur rapporti f'waqthom u biżżejjed dettaljati tal-iskadenzi u dilwizzjonijiet tar-riċevibbli sabiex tiżgura l-konformità mal-kriterji ta' eliġibbiltà tal-istituzzjoni u l-politiki tal-avvanzi li jirregolaw ir-riċevibbli mixtrija, u jipprovdu mod effettiv li bih jissorveljaw u jikkonfermaw it-termini tal-bejgħ u d-dilwizzjoni tal-bejjiegħ.

4. L-istituzzjoni għandu jkollha sistemi u proċeduri biex jinkixfu deterjoramenti fil-kondizzjoni finanzjarja tal-bejjiegħ u l-kwalità tar-riċevibbli mixtrija fi stadju bikri, u biex jindirizzaw il-problemi emerġenti b'mod proattiv. B'mod partikolari, l-istituzzjoni għandu jkollha politiki, proċeduri u sistemi ta' informazzjoni ċari u effettivi għall-monitoraġġ ta' vjolazzjonijiet tal-ftehim kuntrattwali, u politiki u proċeduri ċari u effettivi għall-bidu ta' azzjonijiet legali u għall-indirizzar ta' riċevibbli mixtrija bi problemi.

▼B

5. L-istituzzjoni għandu jkollha politiki u proċeduri ċari u effettivi li jirregolaw il-kontroll tar-riċevibbli mixtrija, il-kreditu, u l-flus. B'mod partikolari, politiki interni miktuba għandhom jispeċifikaw l-elementi materjali kollha tal-programm ta' xiri ta' riċevibbli, inklużi r-rati tal-avvanzi, il-kollateral eliġibbli, id-dokumentazzjoni neċessarja, il-limiti ta' konċentrazzjoni, u l-mod kif għandhom jiġu ttrattati l-irċevuti tal-flus. Dawn l-elementi għandhom iqisu b'mod adatt il-fatturi rilevanti u materjali kollha, inklużi l-kondizzjoni finanzjarja tal-bejjiegħ u tal-ġestur, il-konċentrazzjonijiet tar-riskju, u x-xejriet fil-kwalità tar-riċevibbli mixtrija u l-klijentela tal-bejjiegħ, u s-sistemi interni għandhom jiżguraw li l-fondi jiġu avvanzati biss kontra kollateral u dokumentazzjoni ta' appoġġ speċifikati.

6. L-istituzzjoni għandu jkollha proċess intern effettiv għall-valutazzjoni tal-konformità mal-politiki u l-proċeduri interni kollha. Il-proċess għandu jinkludi verifiki regolari tal-fażijiet kritiċi kollha tal-programm ta' xiri tar-riċevibbli ta' istituzzjoni, verifika tas-separazzjoni tal-inkarigi, l-ewwel bejn il-valutazzjoni tal-bejjiegħ u tal-ġestur u l-valutazzjoni tad-debitur u t-tieni bejn il-valutazzjoni tal-bejjiegħ u tal-ġestur u l-verifika fuq il-post tal-bejjiegħ u tal-ġestur, u evalwazzjonijiet tal-operazzjonijiet tal-back office, b'enfasi partikolari fuq il-kwalifiki, l-esperjenza, il-livell tal-persunal, u s-sistemi ta' awtomatizzati ta' appoġġ.

Subtaqsima 3

Validazzjoni ta' stimi interni

Artikolu 185

Validazzjoni ta' stimi interni

L-istituzzjonijiet għandhom jivvalidaw l-istimi interni tagħhom soġġett għar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ sistemi robusti biex jivvalidaw il-preċiżjoni u l-konsistenza tas-sistemi ta' klassifikazzjoni, il-proċessi, u l-istimi kollha tal-parametri tar-riskju rilevanti. Il-proċess ta' validazzjoni interna għandu jippermetti lill-istituzzjoni tivvaluta l-prestazzjoni tas-sistemi interni ta' klassifikazzjoni u ta' stima tar-riskju b'mod konsistenti u sinifikattiv;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom iqabblu b'mod regolari r-rati ta' inadempjenzi realizzati mal-PDs stmati għal kull grad u, fejn ir-rati ta' inadempjenza realizzati jkunu barra l-medda mistennija għal dak il-grad, l-istituzzjonijiet għandhom b'mod speċifiku janalizzaw ir-raġunijiet għad-devjazzjoni. L-istituzzjonijiet li jużaw l-istimi proprji tal-LGDs u l-fatturi ta' konverzjoni għandhom iwettqu wkoll analiżi analoga ta' dawn l-istimi. Dawn il-paraguni għandhom jagħmlu użu mid-data storika li tkopri perijodu twil kemm jista' jkun. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-metodi u d-data użati f'dawn il-paraguni. Din l-analiżi u d-dokumentazzjoni għandhom jiġu aġġornati mill-inqas fuq bażi annwali;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jużaw għodod ta' validazzjoni kwantitattiva oħrajn u paraguni ma' sorsi esterni ta' data rilevanti. L-analiżi għandha tkun ibbażata fuq data li tkun adattata għall-portafoll, aġġornata regolarment, u tkopri perijodu ta' osservazzjoni rilevanti. Il-valutazzjonijiet interni tal-istituzzjonijiet tal-prestazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq perijodu twil kemm jista' jkun;

▼B

(d) il-metodi u d-data użati għall-validazzjoni kwantitattiva għandhom ikunu konsistenti tul iż-żmien. Bidliet fil-metodi tal-istimi u l-validazzjoni u d-data (kemm is-sorsi tad-data fif ukoll il-perijodi koperti) għandhom jiġu ddokumentati;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom standards interni validi għal sitwazzjonijiet fejn derivazzjonijiet f'PDs, LGDs, fatturi ta' konverżjoni u telf totali realizzati, fejn jintuża l-EL, minn aspettattivi, isiru sinifikattivi biżżejjed sabiex jixħtu dubju fuq il-validità tal- istimi. Dawn l-istandards għandhom jikkunsidraw iċ-ċikli ekonomiċi u l-varjabbiltà sistematika simili fl-esperjenzi ta' inadempjenza. Fejn il-valuri realizzati jibqgħu ogħla mill-valuri mistennija, l-istituzzjonijiet għandhom jirrevedu l-istimi 'l fuq sabiex jirreflettu l-esperjenzi tagħhom ta' inadempjenza u ta' telf;

▼M17

_____

▼B

Subtaqsima 5

Governanza u sorveljanza interna

Artikolu 189

Governanza Korporattiva

1. L-aspetti materjali kollha tal-proċessi tal-klassifikazzjoni u tal-istimar għandhom jiġu approvati mill-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni jew kumitat maħtur minnu u mill-amministrazzjoni għolja. Dawn il-partijiet għandu jkollhom fehim ġenerali tas-sistemi tal-klassifikazzjoni tal-istituzzjoni u konoxxenza dettaljata tar-rapporti tal-maniġment assoċjat magħha.

2. L-amministrazzjoni għolja għandha tkun soġġetta għar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandhom jipprovdu notifika lill-korp ta' ġestjoni jew lill-kumitat maħtur minnu dwar bidliet materjali jew eċċezzjonijiet mill-politiki stabbiliti li ser ikollhom effett materjali fuq l-operazzjonijiet tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal- istituzzjoni;

(b) għandu jkollhom fehim tajjeb tal-impostazzjoni u l-operazzjonijiet tas-sistemi tal-klassifikazzjoni;

(c) għandhom jiżguraw, fuq bażi kontinwa li s-sistemi tal-klassifikazzjoni qed joperaw sew.

L-amministrazzjoni għolja għandha tkun informata regolarment mill-unitajiet tal-kontroll tar-riskji tal-kreditu dwar il-prestazzjoni tal-proċess tal-klassifikazzjoni, l-oqsma li jeħtieġu titjib, u l-qagħda tal-isforzi sabiex jitjiebu n-nuqqasijiet identifikati qabel.

3. L-analiżi bbażata fuq il-klassifikazzjoni interna tal-profil tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjoni għandha tkun parti essenzjali mir-rappurtar tal-maniġment lil dawn il-partijiet. Ir-rappurtar għandu jinkludi mill-inqas profil tar-riskju skont il-grad, il-migrazzjoni fost il-gradi, l-istima tal-parametri rilevanti skont il-grad, u l-paragun ta' rati ta' inadempjenza realizzati, u l-punt sa fejn jintużaw l-istimi proprji ta' LGDs realizzati u l-fatturi ta' konverżjoni realizzati kontra aspettattivi u r-riżultati tas-simulazzjoni ta' kriżi. Il-frekwenza tar-rappurtar għandha tiddependi fuq l-importanza u t-tip tal-informazzjoni u l-livell tar-riċevitur.

▼B

Artikolu 190

Kontroll tar-riskji tal-kreditu

1. L-unità ta' kontroll tar-riskji tal-kreditu għandha tkun indipendenti mill-persunal u mill-funzjonijiet tal-ġestjoni li huma responsabbli għall-oriġini jew it-tiġdid ta' skoperturi u tirraporta direttament għand l-amministrazzjoni għolja. L-unità għandha tkun responsabbli mit-tfassil jew l-għażla, l-implimentazzjoni, is-sorveljar u l-prestazzjoni tas-sistemi tal-klassifikazzjoni. Għandha tipproduċi u tanalizza rapporti b'mod regolari dwar l-outputs tas-sistemi ta' klassifikazzjoni.

2. L-oqsma ta' responsabbiltà għall-unità jew l-unitajiet ta' kontroll tar-riskji tal-kreditu għandhom jinkludu:

(a) l-ittestjar u l-monitoraġġ tal-gradi u l-aggregazzjonijiet;

▼C2

(b) il-produzzjoni u l-analiżi ta' rapporti ta' sinteżi tas-sistemi tal-klassifikazzjoni tal-istituzzjoni;

▼B

(c) gradi u l-aggregazzjonijiet huma applikati b'konsistenza fid-dipartimenti u ż- żoni ġeografiċi;

(d) l-analiżi u d-dokumentazzjoni ta' kwalunkwe bidla fil-proċess tal-klassifikazzjoni, inklużi r-raġunijiet għall-bidliet;

(e) l-analiżi tal-kriterji tal-klassifikazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk għadhomx jipprevedu r-riskji. Il-bidliet fil-proċess tal-klassifikazzjoni, fil-kriterji jew fil-parametri ta' klassifikazzjoni individwali għandhom jiġu dokumentati u miżmuma;

(f) parteċipazzjoni attiva fit-tfassil jew fl-għażla, fl-implimentazzjoni u l-validazzjoni tal-mudelli użati fil-proċess tal-klassifikazzjoni;

(g) sorveljanza u superviżjoni tal-mudelli użati fil-proċess tal-klassifikazzjoni;

(h) analiżi u alterazzjonijiet kontinwi fil-mudelli użati fil-proċess tal-klassifikazzjoni.

3. L-istituzzjonijiet li jużaw data aggregata skont l-Artikolu 179(2) jistgħu jesternalizzaw l-inkarigi li ġejjin:

(a) il-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-ittestjar u l-monitoraġġ tal-gradi u l-aggregazzjonijiet;

▼C2

(b) il-produzzjoni ta' rapporti ta' sinteżi tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni;

▼B

(c) il-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-analiżi tal-kriterji ta' klassifikazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk għadhomx jipprevedu r-riskji;

(d) id-dokumentazzjoni tal-bidliet fil-proċess tal-klassifikazzjoni, il-kriterji jew il- parametri ta' klassifikazzjoni individwali;

(e) il-produzzjoni ta' informazzjoni rilevanti għall-analiżi u l-alterazzjonijiet kontinwi fil-mudelli użati fil-proċess ta' klassifikazzjoni.

▼B

4. L-istituzzjonijiet li jagħmlu użu mill-paragrafu 3 għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha mill-parti terza li hija neċessarja għall-eżami tal-konformità mar-rekwiżiti u li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jwettqu eżamijiet fuq il-post, sal-istess punt bħal fl-istituzzjoni.

Artikolu 191

Verifika Interna

Il-verifika interna jew unità komparabbli oħra ta' verifika indipendenti għandha tanalizza mill-inqas darba fis-sena s-sistemi ta' klassifikazzjoni tal-istituzzjoni u l-operazzjonijiet tagħha, inklużi l-operazzjonijiet tal-funzjoni ta' kreditu u l-istimi tal-PDs, l-LGDs, l-ELs u l-fatturi ta' konverzjoni. L-oqsma analizzati għandhom jinkludu l-konformità mar-rekwiżiti applikabbli kollha.

KAPITOLU 4

Mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

Taqsima 1

Definizzjonijiet u rekwiżiti generali

Artikolu 192

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "istituzzjoni mutwanti" tfisser l-istituzzjoni li għandha l-iskopertura kkonċernata;

(2) "transazzjoni ta' għoti ta' self garantit" tfisser kwalunkwe transazzjoni li tirriżulta fi skopertura garantita minn kollateral li ma jinkludix dispożizzjoni li tagħti d-dritt lill- istituzzjoni li tirċievi marġni mill-inqas kuljum;

(3) "transazzjoni mmotivata mis-swieq kapitali" tfisser kwalunkwe transazzjoni li tirriżulta fi skopertura garantita minn kollateral li tinkludi dispożizzjoni li tagħti d- dritt lill-istituzzjoni li tirċievi marġni mill-inqas kuljum;

(4) 'CIU sottostanti' tfisser CIU fl- ishma jew fl-unitajiet li fihom investiet CIU oħra;

▼M17

(5) "sostituzzjoni tal-approċċ tal-parametri tar-riskju skont l-A-IRB" tfisser is-sostituzzjoni, f'konformità mal-Artikolu 236a, tal-parametri tar-riskju tal-PD kif ukoll tal-LGD tal-iskopertura sottostanti mal-PD u l-LGD korrispondenti li jkunu assenjati skont l-approċċ IRB bl-użu tal-istimi proprji tal-LGD għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni.

▼B

Artikolu 193

Prinċipji għar-rikonoxximent tal-effett tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu

1. L-ebda skopertura li fir-rigward tagħha istituzzjoni tikseb mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu ma għandha tipproduċi ammont ogħla ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju jew ammont ta' telf mistenni minn skopertura altrimenti identika li fir-rigward tagħha l-istituzzjoni ma għandha l-ebda mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

2. Fejn l-ammont ta' skopertura ppeżata skont ir-riskju diġà jqis il-protezzjoni tal-kreditu skont il-Kapitolu 2 jew il-Kapitolu 3, skont liema jkun applikabbli, l-istituzzjonijiet ma għandhomx iqisu dik il-protezzjoni tal-kreditu fil-kalkoli skont dan il-Kapitolu.

3. Fejn d-dispożizzjonijiet fit-Taqsimiet 2 u 3 jkunu ssodisfatti, l-istituzzjonijiet jistgħu jemendaw il-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat u l-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsimiet 4, 5 u 6.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw il-flus, it-titoli jew il-prodotti mixtrija, mislufa jew dawk irċevuti permezz ta' transazzjoni ta' riakkwist jew ta' transazzjoni ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, bħala kollateral.

5. Fejn l-istituzzjoni li tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat ikollha aktar minn forma waħda ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu li tkopri skopertura waħda, għandha tagħmel dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) tagħmel suddiviżjoni tal-iskopertura f'partijiet koperti b'kull tip ta' għodda ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu;

(b) tikkalkula l-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal kull parti miksuba fil-punt (a) b'mod separat skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 u ta' dan il-Kapitolu.

6. Fejn l-istituzzjoni li tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat tkopri skopertura waħda bi protezzjoni tal-kreditu pprovduta minn fornitur ta' protezzjoni wieħed u dik il-protezzjoni għandha maturitajiet differenti, għandha tagħmel dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) tagħmel suddiviżjoni tal-iskopertura f'partijiet koperti b'kull għodda ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu;

(b) tikkalkula l-ammont ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għal kull parti miksuba fil-punt (a) b'mod separat skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 2 u ta' dan il-Kapitolu.

▼M17

7. Kollateral li jissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' eliġibbiltà stabbiliti f'dan il-Kapitolu jista' jiġi rrikonoxxut anki għal skoperturi assoċjati ma' faċilitajiet mhux miġbudin, meta l-ġbid skont il-faċilità jkun kundizzjonali fuq ix-xiri jew ir-riċeviment preċedenti jew simultanju ta' kollateral sal-punt tal-interess tal-istituzzjoni fil-kollateral ladarba tinġibed il-faċilità, b'tali mod li l-istituzzjoni ma jkollha l-ebda interess fil-kollateral sa fejn ma tinġibidx il-faċilità.

▼B

Artikolu 194

Prinċipji li jirregolaw l-eliġibbiltà tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

1. It-teknika użata biex tipprovdi l-protezzjoni tal-kreditu flimkien mal-azzjonijiet u l- passi meħuda u l-proċeduri u l-politiki implimentati mill-istituzzjoni mutwanti għandha tkun b'tali mod li tirriżulta f'arranġamenti ta' protezzjoni tal-kreditu li huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha.

Fuq talba tal-awtorità kompetenti, l-istituzzjoni mutwanti għandha tipprovdi l-aktar verżjoni reċenti tal-opinjoni jew opinjonijiet legali indipendenti, bil-miktub u motivati li hija tkun użat biex tistabbilixxi jekk l-arranġament jew arranġamenti tagħha għall-protezzjoni tal-kreditu jissodisfawx il-kondizzjoni stipulata fl-ewwel subparagrafu.

2. L-istituzzjoni mutwanti għandha tieħu l-passi xierqa kollha sabiex tiżgura li l-arranġament tal-protezzjoni tal-kreditu jkun effettiv u sabiex tindirizza r-riskji relatati ma' dak l-arranġament.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu fil-kalkolu tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu biss fejn l-assi użati għall-protezzjoni jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma jkunu inklużi fil-lista ta' assi eliġibbli mniżżla fl-Artikoli 197 sa 200, kif applikabbli;

(b) huma jkunu likwidi biżżejjed u l-valur tagħhom matul iż-żmien ikun stabbli biżżejjed biex tingħata ċ-ċertezza xierqa dwar il-protezzjoni tal-kreditu miksuba filwaqt li jitqiesu l-approċċ użat biex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' skoperturi ppeżati għar-riskju u l-livell ta' rikonoxximent permess.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu fil-kalkolu tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu biss fejn l-istituzzjoni mutwanti għandha d-dritt li tillikwida jew iżżomm, fil-ħin, l-assi li minnhom tkun derivata l-protezzjoni f'każ ta' inadempjenza, insolvenza jew falliment — jew avveniment ta' kreditu ieħor stipulat fid-dokumentazzjoni tat-transazzjoni — tad-debitur u, fejn applikabbli, tad-depożitarju li għandu l-kollateral. Il-grad ta' korrelazzjoni bejn il-valur tal-assi użati għall-protezzjoni u l-kwalità tal-kreditu tad-debitur ma għandux ikun għoli wisq.

5. Fil-każ ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata, fornitur tal-protezzjoni għandu jikkwalifika bħala fornitur tal-protezzjoni eliġibbli biss meta l-fornitur tal-protezzjoni huwa inkluż fil-lista ta' fornituri tal-protezzjoni eliġibbli stipulata fl-Artikolu 201 jew 202, kif applikabbli.

6. Fil-każ ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, ftehim ta' protezzjoni għandu jikkwalifika bħala ftehim ta' protezzjoni eliġibbli biss meta jilħaq iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huwa inkluż fil-lista ta' ftehimiet eliġibbli għall-protezzjoni stipulati fl-Artikoli 203 u 204(1);

▼B

(b) huwa legalment effettiv u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti, sabiex jipprovdi ċ-ċertezza xierqa dwar il-protezzjoni tal-kreditu miksuba wara li jitqiesu l-approċċ użat għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir- riskju u tal-grad ta' rikonoxximent permess;

(c) il-fornitur tal-protezzjoni jissodisfa ż-żewġ kriterji stabbiliti fil-paragrafu 5.

7. Il-protezzjoni tal-kreditu għandha tikkonforma mar-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 3, kif applikabbli.

8. Istituzzjoni għandha tkun tista' turi lill-awtoritajiet kompetenti li għandha proċessi adegwati ta' ġestjoni tar-riskji sabiex tikkontrolla dawn ir-riskji li tista' tkun esposta għalihom bħala konsegwenza tat-twettiq ta' prattiki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

9. Minkejja l-fatt li l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu ġiet ikkunsidrata għall-finijiet ta' kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u, fejn applikabbli, l-ammonti ta' telf mistennija, l-istituzzjonijiet għandhom ikomplu jwettqu valutazzjoni sħiħa tar-riskju tal-kreditu tal-iskopertura sottostanti u jkunu f'pożizzjoni sabiex juru lill-awtoritajiet kompetenti li jissodisfaw dan ir-rekwiżit. Fil-każ ta' transazzjonijiet ta' riakkwist u ta' transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti l-iskopertura sottostanti għandha, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biss, titqies bħala l-ammont nett tal-iskopertura.

▼M17

_____

▼B

Taqsima 2

Forom eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

Subtaqsima 1

Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu

Artikolu 195

Netting li jidher fil-karta tal-bilanċ

Istituzzjoni tista' tuża n-netting fil-karta tal-bilanċ ta' pretensjonijiet reċiproċi bejnha u l-kontroparti tagħha bħala forma eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 196, l-eliġibbiltà hija limitata għall-bilanċi reċiproċi ta' flus bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti. L-istituzzjonijiet jistgħu jemendaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u, kif ikun rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija biss għal self u depożiti li jkunu rċevew huma stess u li huma soġġetti għall-ftehim ta' netting fil-karta tal-bilanċ.

▼B

Artikolu 196

Ftehimiet ewlenin ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijet ta' għoti jew teħid ta' self ta' titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali

L-istituzzjonijiet li jadottaw il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju stabbilit fl-Artikolu 223 jistgħu jikkunsidraw l-effetti tal-kuntratti bilaterali ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali ma' kontroparti. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 299, il-kollateral meħud u t-titoli jew il-prodotti li ttieħdu b'self f'tali ftehimiet jew transazzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-kollateral stabbiliti fl-Artikoli 197 u 198.

Artikolu 197

Eliġibbiltà ta' kollateral skont l-approċċi u l-metodi kollha

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-elementi li ġejjin bħala kollateral eliġibbli skont l-approċċi u l-metodi kollha:

(a) flus depożitati ma', jew strumenti assimilati ta' flus miżmuma mill-istituzzjoni mutwanti;

▼M17

(b) titoli ta' dejn, maħruġa minn gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali, li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI jew aġenzija ta' kreditu għall-esportazzjoni fejn:

(i) l-ECAI jew l-aġenzija ta' kreditu għall-esportazzjoni tkun ġiet nominata mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-Kapitolu 2; u

(ii) il-valutazzjoni tal-kreditu tkun ġiet iddeterminata mill-EBA li hija assoċjata mal-iskala 1, 2, 3 jew 4 tal-kwalità kreditizja skont ir-regoli għall-peżar tar-riskju ta' skoperturi għal gvernijiet ċentrali u għal banek ċentrali skont il-Kapitolu 2;

(c) titoli ta' dejn, maħruġa minn istituzzjonijiet, li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI fejn:

(i) l-ECAI tkun ġiet nominata mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-Kapitolu 2; u

(ii) il-valutazzjoni tal-kreditu tkun ġiet iddeterminata mill-EBA li hija assoċjata mal-iskala 1, 2 jew 3 tal-kwalità kreditizja skont ir-regoli għall-peżar tar-riskju ta' skoperturi għal istituzzjonijiet skont il-Kapitolu 2;

(d) titoli ta' dejn, maħruġa minn entitajiet oħra, li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI fejn:

(i) l-ECAI tkun ġiet nominata mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-Kapitolu 2; u

(ii) il-valutazzjoni tal-kreditu tkun ġiet iddeterminata mill-EBA li hija assoċjata mal-iskala 1, 2 jew 3 tal-kwalità kreditizja skont ir-regoli għall-peżar tar-riskju ta' skoperturi għal korporattivi skont il-Kapitolu 2;

▼M17

(e) titoli ta’ dejn li għandhom valutazzjoni tal-kreditu b’terminu qasir minn ECAI fejn:

(i) l-ECAI tkun ġiet nominata mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-Kapitolu 2; u

(ii) il-valutazzjoni tal-kreditu tkun ġiet iddeterminata mill-EBA li hija assoċjata mal-iskala 1, 2 jew 3 tal-kwalità kreditizja skont ir-regoli għall-peżar tar-riskju ta’ skoperturi fuq terminu qasir skont il-Kapitolu 2;

▼B

(f) ekwitajiet jew bonds konvertibbli li huma inklużi f’indiċi ewlieni;

▼M17

(g) ingott tad-deheb;

▼M5

(h) pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni li mhumiex pożizzjonijiet ta’ riti-tolizzazzjoni u li huma soġġetti għal piż ta’ riskju ta’ 100 % jew inqas skont l-Artikoli minn 261 sa 264 rispettivament.

▼B

2. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, “titoli ta’ dejn maħruġa minn gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali” għandhom jinkludu dawn kollha li ġejjin:

(a) titoli ta’ dejn maħruġa minn gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali, li għalihom l-iskoperturi huma ttratati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali li fil-ġurisdizzjoni tiegħu huma stabbiliti skont l-Artikolu 115(2);

(b) titoli ta’ dejn maħruġa minn entitajiet fis-settur pubbliku li huma ttrattati bħala skoperturi għall-gvernijiet ċentrali skont l-Artikolu 116(4);

(c) titoli ta’ dejn maħruġa minn banek multilaterali tal-iżvilupp li huma assenjati piż tar-riskju ta’ 0 % skont l-Artikolu 117(2);

(d) titoli ta’ dejn maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali li huma assenjati piż tar-riskju ta’ 0 % skont l-Artikolu 118.

3. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 1, “titoli ta’ dejn maħruġa minn istituzzjonijiet” għandhom jinkludu dawn kollha li ġejjin:

(a) titoli ta’ dejn maħruġa minn gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali għajr dawk it-titoli ta’ dejn imsemmija f’punt (a) tal-paragrafu 2;

(b) titoli ta’ dejn maħruġa minn entitajiet fis-settur pubbliku, li għalihom l-iskoperturi huma ttrattati skont l-Artikolu 116(1) u (2);

(c) titoli ta’ dejn maħruġa minn banek multilaterali tal-iżvilupp għajr dawk li huma assenjati piż tar-riskju ta’ 0 % skont l-Artikolu 117 (2).

▼M9

4. Istituzzjoni tista' tuża titoli ta' dejn li jinħarġu minn istituzzjonijiet jew ditti tal-investiment oħra u li ma jkollhomx valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI bħala kollateral eliġibbli fejn dawk it-titoli ta' dejn jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:

▼B

(a) ikunu elenkati fi swieq rikonoxxuti;

(b) jikkwalifikaw bħala dejn superjuri;

(c) it-titoli kklassifikati kollha l-oħra maħruġin mill-istituzzjoni emittenti tal-istess prijorità għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI li ġiet iddeterminata mill-ABE li hija assoċjata mal-livell 3 jew ogħla tal-kwalità tal-kreditu skont ir-regoli għall-ippeżar ta' riskju ta' skoperturi għal istituzzjonijiet jew skoperturi b'terminu qasir skont il-Kapitolu 2;

(d) l-istituzzjoni mutwanti ma għandha l-ebda informazzjoni li tindika li l-ħruġ ikun jiġġustifika valutazzjoni tal-kreditu aktar baxxa minn dik indikata fil-punt (c);

(e) il-likwidità tas-suq tal-istrument hija biżżejjed għal dawn il-finijiet.

5. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw unitajiet jew ishma f'CIUs bħala kollateral eliġibbli fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-prezz l-unitajiet jew l-ishma jkun kkwotat pubblikament kuljum;

▼C2

(b) is-CIUs ikunu limitati li jinvestu fi strumenti li huma eliġibbli għar-rikonoxximent skont il-paragrafi 1 u 4;

▼B

(c) is-CIUs jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 132(3).

Fejn CIU tinvesti f'ishma jew unitajiet ta' CIU oħra, il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw bl-istess mod għal kwalunkwe tali CIU sottostanti.

L-użu ta' strumenti derivati minn CIU bħala hedge għal investimenti permessi ma għandux jipprevjeni unitajiet jew ishma f'dik l-impriża milli jkunu eliġibbli bħala kollateral.

▼M17

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, fejn CIU (is-"CIU oriġinali") jew kwalunkwe waħda mis-CIUs sottostanti tagħha ma tkunx limitata għal investiment fi strumenti li huma eliġibbli skont il-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu, għandu japplika dan li ġej:

(a) fejn l-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ ta' trasparenza msemmi fl-Artikolu 132a(1) jew l-Artikolu 152(2) għal skoperturi diretti għal CIU, huma jistgħu jużaw unitajiet jew azzjonijiet f'dik is-CIU bħala kollateral sal-ammont ugwali għall-valur tal-istrumenti miżmuma minn dik is-CIU li huma eliġibbli skont il-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu;

▼M17

(b) meta l-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ ibbażat fuq il-mandat imsemmi fl-Artikolu 132a(2) jew 152(5) għal skoperturi diretti għal CIU, huma jistgħu jużaw unitajiet jew azzjonijiet f'dik is-CIU bħala kollateral sal-ammont ugwali għall-valur tal-istrumenti miżmuma minn dik is-CIU, li huma eliġibbli skont il-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu bis-suppożizzjoni li dik is-CIU jew kwalunkwe waħda mis-CIUs sottostanti tagħha jkunu investew fi strumenti mhux eliġibbli sal-limitu massimu permess skont il-mandati rispettivi tagħhom.

▼B

Meta kwalunkwe CIU sottostanti għandha hija stess CIUs sottostanti, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw unitajiet jew azzjonijiet fis-CIU oriġinali bħala kollateral eliġibbli sakemm dawn japplikaw il-metodoloġija stipulata fl-ewwel subparagrafu

Fejn assi mhux eliġibbli jista' jkollhom valur negattiv minħabba obbligazzjonijiet jew obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mis-sjieda, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

(a) jikkalkulaw il-valur totali tal-assi mhux eliġibbli;

(b) fejn l-ammont miksub skont il-punt (a) ikun negattiv, inaqqsu l-valur assolut ta' dak l-ammont mill-valur totali tal-assi eliġibbli.

7. Fir-rigward tal-punti (b) sa (e) tal-paragrafu 1, fejn titolu jkollu żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-valutazzjoni l-inqas favorevoli. Fejn titolu jkollu aktar minn żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw iż-żewġ valutazzjonijiet l-aktar favorevoli. Fejn iż-żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu l-aktar favorevoli jkunu differenti, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw l-inqas favorevoli fost dawn it-tnejn.

8. L-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex tispeċifika dan li ġej:

(a) l-indiċijiet ewlenin imsemmija fil-punt (f) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fil-punt (a) tal-Artikolu 198(1), fl-Artikolu 224(1) u (4), u fil-punt (e) tal-Artikolu 299(2);

(b) il-boroż rikonoxxuti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, fil-punt (a) tal-Artikolu 198(1), fl-Artikolu 224(1) u (4), fil-punt (e) tal-Artikolu 299(2), fil-punt (k) tal-Artikolu 400(2), fil-punt (e) tal-Artikolu 416(3), fil-punt (c) tal-Artikolu 428(1), u fil-punt 12 tal-Anness III, f'konformità mal-kundizzjonijiet imniżżla fil-punt (72) tal-Artikolu 4(1).

L-AETS għandha tissottometti dawn l-istandards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

▼B

Artikolu 198

Eliġibbiltà addizzjonali ta' kollateral skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju

1. Minbarra l-kollateral speċifikat fl-Artikolu 197, meta l-istituzzjoni tuża l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju speċifikat fl-Artikolu 223, dik l-istituzzjoni tista' tuża l-elementi li ġejjin bħala kollateral eliġibbli:

(a) ekwitajiet jew bonds konvertibbli mhux inklużi f'indiċi ewlieni iżda negozjati f'borża rikonoxxuta;

(b) unitajiet jew ishma f'CIUs fejn jiġu ssodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-prezz l-unitajiet jew l-ishma jkun kkwotat pubblikament kuljum;

(ii) is-CIU hija limitata li tinvesti fi strumenti li huma eliġibbli għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 197(1) u (4) u l- elementi msemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu.

Fil-każ fejn CIU tinvesti f'unitajiet jew ishma ta' CIU oħra, il-kondizzjonijiet (a) u (b) ta' dan il-paragrafu japplikaw bl-istess mod għal kull tali CIU sottostanti.

L-użu ta' strumenti derivati minn CIU bħala kopertura għal investimenti permessi ma għandux jipprevjeni unitajiet jew ishma f'dik l-impriża milli jkunu eliġibbli bħala kollateral.

▼M17

2. Fejn is-CIU jew kwalunkwe CIU sottostanti ma tkunx limitata għall-investiment fi strumenti li huma eliġibbli għar-rikonoxximent skont l-Artikolu 197(1) u (4) u fl-elementi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, għandu japplika dan li ġej:

(a) fejn l-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ ta' trasparenza msemmi fl-Artikolu 132a(1) jew l-Artikolu 152(2) għal skoperturi diretti għal CIU, huma jistgħu jużaw unitajiet jew azzjonijiet f'dik is-CIU bħala kollateral sal-ammont ugwali għall-valur tal-istrumenti miżmuma minn dik is-CIU, li huma eliġibbli skont l-Artikolu 197(1) u (4), u l-elementi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu;

(b) meta l-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ ibbażat fuq il-mandat imsemmi fl-Artikolu 132a(2) jew 152(5) għal skoperturi diretti għal CIU, huma jistgħu jużaw unitajiet jew azzjonijiet f'dik is-CIU bħala kollateral sal-ammont ugwali għall-valur tal-istrumenti miżmuma minn dik is-CIU, li huma eliġibbli skont l-Artikolu 197(1) u (4), u l-elementi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu bis-suppożizzjoni li dik is-CIU jew kwalunkwe waħda mis-CIUs sottostanti tagħha jkunu investew fi strumenti mhux eliġibbli sal-limitu massimu permess skont il-mandati rispettivi tagħhom.

Fejn strumenti mhux eliġibbli jista' jkollhom valur negattiv minħabba obbligazzjonijiet jew obbligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw mis-sjieda, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu dawn iż-żewġ affarijiet li ġejjin:

▼M17

(a) jikkalkulaw il-valur totali tal-istrumenti mhux eliġibbli;

(b) fejn l-ammont miksub skont il-punt (a) ikun negattiv, inaqqsu l-valur assolut ta' dak l-ammont mill-valur totali tal-istrumenti eliġibbli.

▼B

Artikolu 199

Eliġibbiltà addizzjonali għal kollateral skont l-Approċċ IRB

1. Minbarra l-kollateral imsemmi fl-Artikoli 197 u 198, l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB jistgħu jużaw ukoll il-forom ta' kollateral li ġejjin:

(a) kollateral ta' proprjetà immobbli b'konfomità mal-paragrafi 2, 3 u 4;

(b) riċevibbli b'konfomità mal-paragrafu 5;

(c) kollateral fiżiku ieħor b'konfomità mal-paragrafi 6 u 8;

(d) kiri b'konfomità mal-paragrafu 7.

▼M17

2. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fl-Artikolu 124(9), bħala kollateral eliġibbli l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw proprjetà residenzjali li hija li jew ser tkun okkupata jew mikrija mis-sid, jew mis-sid benefiċjarju fil-każ ta' kumpaniji ta' investiment personali, u proprjetà immobbli kummerċjali, inkluż uffiċċji u bini kummerċjali ieħor, fejn jiġu ssodisfatti ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-valur tal-proprjetà ma jkunx jiddependi materjalment mill-kwalità tal-kreditu tad-debitur;

(b) ir-riskju tal-mutwatarju ma jiddependix materjalment mill-prestazzjoni tal-proprjetà jew tal-proġett sottostanti, iżda mill-kapaċità sottostanti tal-mutwatarju li jħallas lura d-dejn minn sorsi oħrajn, u bħala konsegwenza l-ħlas lura tal-faċilità ma jkunx jiddependi materjalment minn kwalunkwe fluss ta' flus kontanti ġġenerat mill-proprjetà sottostanti li sservi bħala kollateral.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu sitwazzjonijiet fejn fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tal-mutwatarju.

▼B

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jidderogaw mill-punt (b) tal-paragrafu 2 għall-iskoperturi ggarantiti minn proprjetà residenzjali li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, fejn l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru ppubblikat provi li juru li hemm preżenti suq tal-proprjetà residenzjali żviluppat sew u li ilu stabbilit f'dak it-territorju b'rati ta' telf li ma jaqbżu l-ebda minn dawn il-limiti li ġejjin:

▼M17

(a) l-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (a), diviż bl-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (c), ma jaqbiżx iż-0.3 %;

▼M17

(b) l-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (b), diviż bl-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (c), ma jaqbiżx iż-0.5 %.

▼B

Fejn ma tintlaħaqx xi waħda mill-kondizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu f'sena partikolari, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw it-trattament stipulat f'dak is-subparagrafu sakemm iż-żewġ kondizzjonijiet ma jiġux sodisfatti f'sena sussegwenti.

►C2 4. L-istituzzjonijiet jistgħu jidderogaw mill-punt (b) tal-paragrafu 2 għall-proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru, fejn l-awtorità kompetenti ta' dak l-Istat Membru tkun ippubblikat provi li juru li jeżisti suq tal-proprjetà immobbli kummerċjali żviluppat sew u li ilu stabbilit f'dak it-territorju ◄ b'rati ta' telf li ma jaqbżu ebda wieħed mil-limiti li ġejjin:

▼M17

(a) l-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (d), diviż bl-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (f), ma jaqbiżx iż-0.3 %;

(b) l-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (e), diviż bl-ammont aggregat irrapportat mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 430a(1), il-punt (f), ma jaqbiżx iż-0.5 %.

▼B

Fejn ma tintlaħaqx xi waħda mill-kondizzjonijiet fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu f'sena partikolari, l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw it-trattament stipulat f'dak is-subparagrafu sakemm iż-żewġ kondizzjonijiet ma jiġux sodisfatti f'sena sussegwenti.

▼M17

4a. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw ukoll id-derogi msemmija fil-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu f'każijiet fejn l-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni kif iddeterminat f'deċiżjoni tal-Kummissjoni adottata f'konformità mal-Artikolu 107(4), tippubblika r-rati ta' telf korrispondenti għal skoperturi ggarantiti minn proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fit-territorju ta' dak il-pajjiż terz.

▼B

5. Bħala kollateral eliġibbli, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw ammonti riċevibbli marbuta ma' transazzjoni kummerċjali jew transazzjonijiet b'maturità oriġinali ta' inqas minn jew daqs sena. Riċevibbli eliġibbli ma jinkludux dawk assoċjati ma' titolizzazzjonijiet, subparteċipazzjonijiet jew derivati tal-kreditu jew ammonti dovuti mingħand partijiet affiljati.

▼M17

Meta istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku kif iddefinita fl-Artikolu 429a(2) ta' dan ir-Regolament toħroġ self promozzjonali kif iddefinit fl-Artikolu 429a(3) ta' dan ir-Regolament għal istituzzjoni oħra, jew għal istituzzjoni finanzjarja li tkun awtorizzata twettaq attivitajiet kif imsemmija fl-Anness I, il-punt 2 jew 3, tad-Direttiva 2013/36/UE u li tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 119 (5) ta' dan ir-Regolament, u meta dik l-istituzzjoni jew l-istituzzjoni finanzjarja l-oħra tgħaddi direttament jew indirettament dak is-self promozzjonali lil debitur aħħari u ċċedi r-riċevibbli mis-self promozzjonali bħala kollateral lill-istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku, l-istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku tista' tuża r-riċevibbli ċedut bħala kollateral eliġibbli, irrispettivament mill-maturità oriġinali tar-riċevibbli ċedut.

▼B

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lil istituzzjoni li bħala kollateral eleġibbli tuża kollateral fiżiku ta' tip li mhuwiex bħal dawk indikati fil-paragrafi 2, 3 u 4 fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) hemm swieq likwidi, evidenzjati minn transazzjonijiet frekwenti b'kont meħud tat-tip ta' assi, għaċ-ċessjoni ta' kollateral b'mod veloċi u ekonomikament effiċjenti. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu il-valutazzjoni ta' din il-kondizzjoni b'mod perijodiku u meta l-informazzjoni tindika bidliet materjali fis-suq;

(b) hemm prezzijiet tas-suq stabbiliti sew u disponibbli pubblikament għall-kollateral. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw prezzijiet tas-suq bħala stabbiliti sew fejn dawn jiġu minn sorsi affidabbli ta' informazzjoni bħal indiċi pubbliċi u jkunu jirreflettu l-prezz tat-transazzjonijiet taħt kondizzjonijiet normali. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw il-prezzijiet tas-suq bħala pubblikament disponibbli, meta dawn il-prezzijiet jiġu divulgati, ikunu faċilment aċċessibbli, u jistgħu jinkisbu b'mod regolari u mingħajr piż amministrattiv jew finanzjarju żejjed;

(c) l-istituzzjoni tanalizza l-prezzijiet tas-suq, iż-żmien u l-ispejjeż meħtieġa sabiex tirrealizza l-kollateral u r-rikavat realizzat mill-kollateral;

▼M17

(d) l-istituzzjoni turi li f'tal-anqas 90 % tal-likwidazzjonijiet kollha għal tip partikolari ta' kollateral, ir-rikavati realizzati mill-kollateral ma jkunux anqas minn 70 % tal-valur tal-kollateral; fejn hemm volatilità materjali fil-prezzijiet tas-suq, l-istituzzjoni turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-valwazzjoni tagħha tal-kollateral hija konservattiva biżżejjed.

▼B

L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw il-fatt li ntlaħqu l-kondizzjonijiet speċifikati fil-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu u dawk speċifikati fl-Artikolu 210.

7. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 230(2), fejn jintlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 211, l-iskoperturi li jirriżultaw mit-transazzjonijiet fejn l-istituzzjoni tikri proprjetà lil parti terza jistgħu jiġu ttrattati bl-istess mod bħal self kolleteralizzat mit-tip ta' proprjetà mikrija.

8. L-ABE għandha tiddivulga lista ta' tipi ta' kollateral fiżiku li għalih l-istituzzjonijiet jistgħu jassumu li jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 6.

▼B

Artikolu 200

Protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu li ġejja bħala kollateral eliġibbli:

(a) flus depożitati ma', jew strumenti assimilati ta' flus miżmuma minn, istituzzjoni terza f'arranġament nondepożitarju u mirhun lill-istituzzjoni mutwanti;

(b) poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti;

▼M9

(c) strumenti maħruġa minn istituzzjoni jew minn ditta tal-investiment ta' parti terza li għandhom jiġu riakkwistati minn dik l-istituzzjoni jew minn dik id-ditta tal-investiment fuq talba.

▼B

Subtaqsima 2

Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu

Artikolu 201

Eliġibbiltà ta' fornituri tal-protezzjoni taħt l-approċċi kollha

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-partijiet li ġejjin bħala fornituri eliġibbli tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu:

(a) gvernijiet ċentrali u banek ċentrali;

(b) gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali;

(c) banek multilaterali tal-iżvilupp;

▼M17

(d) organizzazzjonijiet internazzjonali li għalihom huwa assenjat piż tar-riskju ta' 0 % f'konformità mal-Artikolu 118;

▼B

(e) entitajiet tas-settur pubbliku, meta l-krediti fir-rigward tagħhom jiġu trattati skont l-Artikolu 116;

(f) istituzzjonijiet, u istituzzjonijiet finanzjarji li għalihom l-iskoperturi għall-istituzzjoni finanzjarja huma ttrattati bħala skoperturi għal istituzzjonijiet skont l-Artikolu 119(5);

▼M17

(fa) entitajiet regolati tas-settur finanzjarju;

(g) meta l-protezzjoni tal-kreditu ma tkunx ipprovduta għal skopertura ta' titolizzazzjoni, impriżi oħrajn, li jkollhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, inkluż impriżi prinċipali, sussidjarji jew entitajiet affiljati tad-debitur meta skopertura diretta għal dawk l-impriżi prinċipali, is-sussidjarji jew l-entitajiet affiljati jkollha piż tar-riskju aktar baxx mill-iskopertura għad-debitur;

▼M8

(h) kontropartijiet ċentrali li jikkwalifikaw.

▼M17

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (fa), ta' dan l-Artikolu, "entità regolata tas-settur finanzjarju" tfisser entità tas-settur finanzjarju li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 142(1), il-punt (4)(b).

2. Minbarra l-forniturі tal-protezzjoni elenkati fil-paragrafu 1, l-entitajiet korporattivi li huma kklassifikati internament mill-istituzzjoni f'konformità mal-Kapitolu 3, tat-Taqsima 6, għandhom ikunu forniturі eliġibbli tal-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata meta l-istituzzjoni tuża l-approċċ IRB għall-iskoperturi għal dawk l-entitajiet korporattivi.

_____

▼B

Artikolu 203

Eliġibbiltà ta' garanziji bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw garanziji bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli.

Subtaqsima 3

Tipi ta' derivati

Artikolu 204

Tipi ta' derivati tal-kreditu eliġibbli

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw it-tipi ta' derivati tal-kreditu li ġejjin, u l-istrumenti li jistgħu jiġu komposti minn tali derivati tal-kreditu jew li huma ekonomikamet effettivament simili, bħall-protezzjoni tal-kreditu eliġibbli:

(a) swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (credit default swaps);

(b) swaps totali tar-redditu;

(c) noti marbutin mal-kreditu (credit linked notes) sal-limitu tal-kopertura tagħhom bi flus.

Fejn l-istituzzjoni tixtri l-protezzjoni tal-kreditu permezz ta' total return swap u tirreġistra l-pagamenti netti irċevuti mas-swap bħala dħul nett, iżda ma tirreġistrax id-deterjorament korrispondenti fil-valur tal-assi li huwa protett jew billi tnaqqas il-valur ġust jew permezz ta' żieda fir-riżervi, dik il-protezzjoni tal-kreditu ma tikkwalifikax bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli.

2. Fejn l-istituzzjoni twettaq hedge interna permezz ta' derivat tal-kreditu, sabiex il-protezzjoni tal-kreditu tikkwalifika bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, ir-riskju tal-kreditu trasferit fil-portafoll tan-negozjar għandu jiġi ttrasferit lil parti terza jew partijiet terzi.

▼B

Fejn tkun twettqet hedge interna skont l-ewwel subparagrafu u r-rekwiżiti f'dan il-Kapitolu ikunu ntlaħqu, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fit-Taqsimiet 4 sa 6 għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija fejn dawn jixtru protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu.

▼M17

3. Id-derivattivi ta' kreditu tat-tip "first-to-default" u d-derivattivi ta' kreditu tat-tip "nth-to-default" l-oħrajn kollha ma għandhomx ikunu tipi eliġibbli ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata skont dan il-Kapitolu.

▼M8

Artikolu 204a

Tipi eliġibbli ta' derivattivi ta' ekwità

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw id-derivattivi ta' ekwità li huma swaps tar-redditu totali jew effettivament simili mill-aspett ekonomiku, bħala protezzjoni ta' kreditu eliġibbli għall-uniku skop li jwettqu ħħeġġjar intern.

Fejn istituzzjoni tixtri l-protezzjoni tal-kreditu permezz ta' swap tar-redditu totali u tirreġistra l-pagamenti netti rċevuti mas-swap bħala introjtu nett, iżda ma tirreġistrax id-deterjorament fit-tpaċija fil-valur tal-assi li huwa protett jew billi tnaqqas il-valur ġust jew permezz ta' żieda fir-riżervi, dik il-protezzjoni tal-kreditu ma għandhiex tikkwalifika bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli.

2. Fejn istituzzjoni twettaq ħeġġ interna permezz ta' derivattiv ta' ekwità, sabiex il-ħeġġ intern jikkwalifika bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, ir-riskju tal-kreditu trasferit fil-portafoll tan-negozjar għandu jiġi ttrasferit lil parti terza jew partijiet terzi.

Fejn ikun twettaq ħeġġ intern skont l-ewwel subparagrafu u jkunu ntlaħqu r-rekwiżiti f'dan il-Kapitolu, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fit-Taqsimiet 4 sa 6 ta' dan il-Kapitolu għall-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija fejn dawn jakkwistaw protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu.

▼B

Taqsima 3

Rekwiżiti

Subtaqsima 1

Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu

Artikolu 205

Rekwiżiti għal ftehimiet ta' netting fil-karta tal-bilanċ għajr ftehimiet ewlenin ta' netting imsemmija fl-Artikolu 206

Il-ftehimiet tan-netting fil-karta tal-bilanċ għajr il-ftehimiet ewlenin ta' netting imsemmija fl-Artikolu 206 għandhom jikkwalifikaw bħala forma eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) dawk il-ftehimiet huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha, inkluż fl-każ ta' insolvenza jew falliment ta' kontroparti;

(b) fi kwalunkwe mument, l-istituzzjonijiet jistgħu jiddeterminaw l-assi u l-passivi li huma soġġetti għal dawn il-ftehimiet;

▼B

(c) l-istituzzjonijiet jissorveljaw u jikkontrollaw ir-riskji assoċjati mat-terminazzjoni tal-protezzjoni tal-kreditu fuq bażi kontinwa;

(d) l-istituzzjonijiet jissorveljaw u jikkontrollaw l-iskoperturi rilevanti fuq bażi netta u jagħmlu dan fuq bażi kontinwa.

Artikolu 206

Rekwiżiti għall-ftehimiet ewlenin ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali

Ftehimiet ewlenin ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali għandhom jikkwalifikaw bħala forma eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fejn il-kollateral ipprovdut skont dawn il-ftehimiet jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 207(2) sa (4) u fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) huma legalment effettivi u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha, inkluż fil-każ ta' falliment jew insolvenza tal-kontroparti;

(b) jagħtu d-dritt lil parti mhux inadempjenti li ttemm u tagħlaq fil-waqt it-transazzjonijiet kollha skont il-ftehim malli sseħħ inadempjenza, inkluż fil-każ ta' falliment jew insolvenza tal-kontroparti;

(c) jipprovdu għal netting ta' qligħ u telf għal transazzjonijiet imwettqa skont ftehim sabiex ikun dovut ammont nett wieħed minn parti waħda lill-oħra.

Artikolu 207

Rekwiżiti għall-kollateral finanzjarju

1. Taħt l-approċċi u l-metodi kollha, kollateral finanzjarju u deheb għandhom jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli fejn jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4.

2. Il-kwalità tal-kreditu tad-debitur u l-valur tal-kollateral ma għandux ikollu korrelazzjoni materjali pożittiva. Fejn il-valur tal-kollateral jitnaqqas b'mod sinifikanti, dan waħdu ma għandux jimplika deterjorament sinifikanti fil-kwalità kreditizja tad-debitur. Fejn il-kwalità kreditizja tad-debitur issir kritika, din waħedha ma għandhiex timplika deterjorament sinifikanti fil-valur tal-kollateral.

Titoli maħruġa mid-debitur, jew kwalunkwe entità fi grupp relatat, ma għandhomx jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli. Minkejja dan, il-ħruġ mid-debitur ta' bonds koperti tiegħu stess li jaqgħu taħt it-termini tal-Artikolu 129 jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli meta jiġu depożitati bħala kollaterali għal transazzjoni ta' riakkwist, jekk jikkonformaw mal-kondizzjoni stabbilita fl-ewwel subparagrafu.

▼B

3. L-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit kuntrattwali u statutorju fir-rigward ta', u jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jiżguraw, l-infurzabbiltà tal-arranġamenti tal-kollateral skont il-liġi applikabbli għall-interess tagħhom fil-kollateral.

L-istituzzjonijiet għandhom ikunu wettqu analiżi legali suffiċjenti li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-arranġamenti tal-kollateral fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha. Għandhom jerġgħu jwettqu tali analiżi kif neċessarju sabiex tiġi żgurata l-infurzabbiltà kontinwata.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti operattivi li ġejjin kollha:

(a) għandhom jiddokumentaw sew l-arranġamenti tal-kollateral u jkollhom stabbiliti proċeduri ċari u robusti għal-likwidazzjoni f'waqtha tal-kollateral;

(b) għandhom jużaw proċeduri u proċessi robusti sabiex jikkontrollaw riskji li ġejjin mill-użu tal-kollateral, inklużi riskji ta' protezzjoni tal-kreditu falluta jew imnaqqsa, ir-riskji ta' valutazzjoni, riskji assoċjati mat- terminazzjoni tal-protezzjoni tal-kreditu, riskji ta' konċentrazzjoni li ġejjin mill-użu ta' kollateral u l-interazzjoni mal-profil tar-riskju kumplessiv tal- istituzzjoni;

(c) għandu jkollhom politiki u prattiki dokumentati fis-seħħ li jikkonċernaw it-tipi u l-ammonti ta' kollateral aċċettat;

▼M17

(d) għandhom jikkalkulaw il-valur tas-suq tal-kollateral, u jivvalutawh mill-ġdid kif adatt, mill-inqas darba kull sitt xhur u kull meta jkollhom raġuni biex jaħsbu li seħħ tnaqqis sinifikanti fil-valur tas-suq tal-kollateral; Il-kunsiderazzjonijiet relatati mal-ESG għandhom iwasslu għal valutazzjoni ta' jekk seħħx tnaqqis sinifikanti fil-valur tas-suq tal-kollateral;

▼B

(e) fejn il-kollateral ikun ta' parti terza, għandhom jieħdu passi raġonevoli sabiex jiżguraw li l-parti terza tissepara l-kollateral mill-assi proprji tagħha;

(f) għandhom jiżguraw li jiddedikaw riżorsi biżżejjed għall-funzjonament b'mod ordnat ta' ftehimiet dwar il-marġni ma' derivati OTC u l-kontropartijiet li jiffinanzjaw it-titoli, kif ikkalkulati mill-prontezza u l-preċiżjoni tas-sejħiet tagħhom li joħorġu għall-manutenzjoni tal-marġni u l-ħin ta' rispons għas-sejħiet li jidħlu għall-manutenzjoni tal-marġni;

(g) għandu jkollhom fis-seħħ politiki ta' ġestjoni tal-kollateral biex jikkontrollaw, jissorveljaw u jirraportaw dan li ġej:

(i) ir-riskji li għalihom il-ftehimiet dwar il-marġni jesponuhom;

▼B

(ii) ir-riskju ta' konċentrazzjoni għal tipi partikolari ta' assi kollaterali;

(iii) l-użu mill-ġdid ta' kollateral inkluż in-nuqqas potenzjali ta' likwidità li jirriżulta mill-użu mill-ġdid ta' kollateral irċevut minn kontropartijiet;

(iv) ir-rinunzja tad-drittijiet għal kollateral depożitat mal-kontropartijiet.

5. Minbarra li jiġu ssodisfatti r-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 4, sabiex il-kollateral finanzjarju jikkwalifika bħala kollateral eliġibbli skont il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju il-maturità reżidwa tal-protezzjoni għandha tkun mill-inqas twila daqs il-maturità reżidwa tal-iskopertura.

Artikolu 208

Rekwiżiti għal kollateral li huwa proprjetà immobbli

1. Il-proprjetà immobbli għandha tikkwalifika bħala kollateral eliġibbli biss meta jintlaħqu r-rekwiżiti kollha stbabiliti fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin dwar iċ-ċertezza legali:

(a) ipoteka jew imposta hija infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet kollha li huma rilevanti fi żmien il-konklużjoni tal-ftehim tal-kreditu u għandhom jiġu ppreżentati kif xieraq u fil-pront;

(b) ġew issodisfatti r-rekwiżiti legali kollha għall-istabbiliment tar-rahan;

(c) il-ftehim ta' protezzjoni u l-proċess legali sottostanti jippermettu lill-istituzzjoni li tirrealizza l-valur tal-protezzjoni f'perijodu ta' żmien raġonevoli.

3. Għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin dwar il-monitoraġġ tal-valuri tal-proprjetà u l-valutazzjoni tal-proprjetà:

(a) l-istituzzjonijiet jissorveljaw il-valur tal-proprjetà b'mod frekwenti u b'minimu ta' darba fis-sena għal proprjetà kummerċjali immobbli u darba kull tliet snin għall-proprjetà residenzjali. L-istituzzjonijiet iwettqu sorvejlanza aktar frekwenti fejn is-suq huwa soġġett għal bidliet sinifikanti fil-kondizzjonijiet;

▼M17

(b) il-valwazzjoni tal-proprjetà tiġi riveduta meta l-informazzjoni disponibbli għall-istituzzjonijiet tindika li l-valur tal-proprjetà jista' jkun li naqas materjalment fir-rigward tal-prezzijiet ġenerali tas-suq u dik ir-reviżjoni titwettaq minn valwatur li għandu l-kwalifiki, l-abbiltà u l-esperjenza meħtieġa sabiex iwettaq valwazzjoni u li huwa indipendenti mill-proċess tad-deċiżjoni dwar il-kreditu; Kunsiderazzjonijiet relatati mal-ESG, inkluż dawk relatati mal-limitazzjonijiet imposti mill-objettivi regolatorji u l-atti legali rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri, kif ukoll, fejn rilevanti għal istituzzjonijiet attivi internazzjonalment, objettivi legali u regolatorji ta' pajjiżi terzi, għandhom jitqiesu bħala indikazzjoni li l-valur tal-proprjetà seta' naqas materjalment, meta mqabbel mal-prezzijiet ġenerali tas-suq; għal self li jaqbeż EUR 3 miljuni jew il-5 % tal-fondi proprji ta' istituzzjoni, il-valwazzjoni tal-proprjetà għandha tiġi riveduta minn tali valwatur mill-inqas kull tliet snin.

▼M17

_____

3a. L-istituzzjonijiet jistgħu jimmonitorjaw il-valur tal-proprjetà immobbli u jidentifikaw il-proprjetà immobbli li teħtieġ rivalwazzjoni, f'konformità mal-paragrafu 3, permezz ta' metodi statistiċi avvanzati jew metodi matematiċi oħra ("mudelli"), dment li dawk il-metodi jiġu żviluppati indipendentement mill-proċess ta' deċiżjoni dwar il-kreditu u jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet jistabbilixxu, fil-politiki u fil-proċeduri tagħhom, il-kriterji għall-użu ta' mudelli għall-monitoraġġ tal-valuri tal-kollateral u għall-identifikazzjoni tal-proprjetajiet li għandhom jiġu vvalwati mill-ġdid; dawk il-politiki u l-proċeduri għandhom iqisu r-rekord ipprovat ta' tali mudelli, il-varjabbli speċifiċi għall-proprjetà kkunsidrati, l-użu ta' informazzjoni minima disponibbli u akkurata, u l-inċertezza tal-mudelli;

(b) l-istituzzjonijiet jiżguraw li l-mudelli użati jkunu:

(i) speċifiċi għall-proprjetà u għall-post f'livell suffiċjenti ta' granularità;

(ii) validi u akkurati, u soġġetti għal ittestjar retrospettiv robust u regolari skont il-prezzijiet attwali osservati tat-tranżazzjonijiet;

(iii) ibbażati fuq kampjun kbir u rappreżentattiv biżżejjed, fuq il-bażi tal-prezzijiet tat-tranżazzjonijiet osservati;

(iv) ibbażati fuq *data* aġġornata ta' kwalità għolja;

(c) l-istituzzjonijiet huma fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għall-adegwatezza u l-prestazzjoni tal-mudelli;

(d) l-istituzzjonijiet jiżguraw li d-dokumentazzjoni tal-mudelli tkun aġġornata;

(e) l-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċessi, sistemi u kapaċitajiet adegwati tal-IT u jkollhom *data* suffiċjenti u akkurata għal kwalunkwe monitoraġġ ibbażat fuq mudelli tal-valur tal-kollateral tal-proprjetà immobbli u l-identifikazzjoni ta' proprjetà li teħtieġ rivalwazzjoni;

(f) l-istimi tal-mudelli jiġu vvalidati b'mod indipendenti u l-proċess ta' validazzjoni jkun ġeneralment konsistenti mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 185, fejn applikabbli.

▼C2

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw biċ-ċar it-tipi ta' proprjetà residenzjali u proprjetà immobbli kummerċjali li jaċċettaw u l-politiki tal-għoti ta' self tagħhom f'dan ir-rigward.

▼M17

5. Il-proprjetà immobbli meħuda bħala protezzjoni ta' kreditu għandha tkun assigurata b'mod adegwat kontra r-riskju ta' dannu u l-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri biex jimmonitorjaw l-adegwatezza tal-assigurazzjoni.

▼M17

B'deroga mill-Artikolu 92(5), il-punt (a)(ii), u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, għal skoperturi ggarantiti bi proprjetà immobbli mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 2025, l-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB imsemmi fil-Kapitolu 3 ta' dan it-Titolu billi jużaw l-istimi proprji tagħhom tal-LGD ma għandhomx ikunu meħtieġa japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

▼B

Artikolu 209

Rekwiżiti għar-reċivibbli

1. Ir-riċevibbli għandhom jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli fejn jintlaħqu r-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3.

2. Għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin dwar iċ-ċertezza legali:

(a) il-mekkaniżmu legali li permezz tiegħu jiġi pprovdut il-kollateral lil istituzzjoni mutwanti għandu jkun robust u effettiv u jiżgura li dik l-istituzzjoni għandha drittijiet ċari fuq il-kollateral inkluż id-dritt għar-rikavati mill-bejgħ tal-kollateral;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-passi neċessarji kollha sabiex jissodisfaw ir- rekwiżiti lokali fir-rigward tal-infurzabbiltà tal-interess fuq it-titolu. L- istituzzjonijiet mutwanti għandu jkollhom pretensjoni tal-ewwel prijorità fuq il- kollateral għalkemm tali pretensjonijiet jistgħu jiqbgħu soġġetti għall- pretensjonijiet ta' kredituri preferenzjali kif ikun speċifikat f'dispożizzjonijiet leġiż-lattivi;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom ikunu wettqu analiżi legali suffiċjenti li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-arranġamenti tal-kollateral fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha;

(d) l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw kif xieraq l-arranġamenti tal-kollateral tagħhom u għandu jkollhom fis-seħħ proċeduri ċari u robusti għall-irkupru fil-pront tal-kollateral;

(e) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċeduri stabbiliti sabiex jiżguraw li jiġu osservati kwalunkwe kondizzjonijiet legali meħtieġa għad-dikjarazzjoni ta' inadempjenza ta' mutwatarju u għall-irkupru fil-pront ta' kollateral;

(f) fil-każ ta' diffikultà finanzjarja jew inadempjenza ta' mutwatarju, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom awtorità legali sabiex ibigħu jew jassenjaw ir-riċevibbli lil partijiet oħra mingħajr il-kunens tad-debituri tar-riċevibbli.

3. Għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin dwar il-ġestjoni tar-riskji:

(a) istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċess validu għad-determi-nazzjoni ta' riskju tal-kreditu assoċjat mar-riċevibbli. Tali proċess għandu jinkludi analiżi tan-negozju u l-industrija tal-mutwatarju u t-tipi ta' klijenti li jinnegozja magħhom. Fejn l-istituzzjoni tidde-pendi fuq il-mutwatarji tagħha sabiex taċċerta r-riskju tal-kreditu tal-konsumaturi, l-istituzzjoni għandha tanalizza l-prattiki ta' kreditu tal-mutwatarji sabiex tiżgura ruħha mill-validità u l-kredibbiltà tagħhom;

▼B

(b) id-differenza bejn l-ammont tal-iskopertura u l-valur tar-riċevibbli għandu jirreflettu l-fatturi xierqa kollha, inklużi l-ispiża tal-irkupru, il-konċentrazzjoni fl-aggregazzjoni tar-riċevibbli mirhuna minn mutwatarju individwali, u r-riskju potenzjali ta' konċentrazzjoni fi ħdan l-iskoperturi totali tal-istituzzjoni lil hinn minn dak ikkontrollat mill-metodoloġija ġenerali tal-istituzzjoni. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu proċess kontinwu ta' monitoraġġ adatt għar-riċevibbli. Għandhom janalizzaw ukoll, fuq bażi regolari, il-konformità mal-ftehimiet tal-għoti tal-self, ir-restrizzjonijiet ambjentali, u r-rekwiżiti legali oħrajn;

(c) riċevibbli mirhuna minn mutwatarju għandhom ikunu diversifikati u mhux korrelatati iżżejjed ma' dak il-mutwatarju. Fejn ikun hemm korrelazzjoni materjali pożittiva, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu r-riskji li jmorru mal-iffissar tal-marġni għall-aggregazzjoni kollha tal-kollateral;

(d) l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw riċevibbli minn affiljati ta' mutwatarju, inklużi sussidjarji u impjegati, bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli;

(e) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ proċess dokumentat għall-ġbir ta' pagamenti ta' riċevibbli f'sitwazzjonijiet ta' diffikultà. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ il-faċilitajiet meħtieġa għall-irkupru anki meta normalment jiddependu fuq il-mutwatarji tagħhom għall-ġbir.

Artikolu 210

Rekwiżiti għal kollateral fiżiku ieħor

Kollateral fiżiku għajr kollateral li huwa proprjetà immobbli għandu jikkwalifika bħala kollateral eliġibbli skont l-Approċċ IRB fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-arraġnament tal-kollateral li taħtu jiġi pprovdut il-kollateral fiżiku lill-istituzzjoni għandu jkun legalment effettiv u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha u għandu jippermetti lill-istituzzjoni li tirrealizza l-valur tal-kollateral fi żmien raġonevoli;

(b) bl-eċċezzjoni unika tal-pretensjonijiet tal-ewwel prijorità permissibbli msemmija fl-Artikolu 209(2)(b), l-ewwel rhuna, jew imposti fuq, kollateral biss għandhom jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli u istituzzjoni għandu jkollha prijorità fuq il-mutwanti l-oħra kollha għar-rikavat realizzat mill-kollateral;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jissorveljaw il-valur tal-kollateral fuq bażi frekwenti u mill-inqas darba fis-sena. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu monitoraġġ aktar frekwenti fejn is-suq ikun soġġett għal bidliet sinifikanti fil-kondizzjonijiet;

(d) il-ftehim ta' self għandu jinkludi deskrizzjonijiet dettaljati tal-kollateral kif ukoll speċifikazzjonijiet dettaljati tal-mod u l-frekwenza tar-rivalutazzjoni;

(e) l-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw b'mod ċar fil-politiki u l-proċeduri tal-kreditu interni tagħhom disponibbli għall-eżami tat-tipi ta' kollateral fiżiku li jaċċettaw u l-politiki u l-prattiki li għandhom fis-seħħ fir-rigward tal-ammont xieraq ta' kull tip ta' kollateral relatat mal-ammont tal-iskopertura;

▼B

(f) il-politiki ta' kreditu tal-istituzzjonijiet fir-rigward tal-istruttura tat-transazzjoni għandhom jindirizzaw dawn li ġejjin:

(i) ir-rekwiżiti ta' kollateral xieraq relattiv għall-ammont tal-iskopertura;

(ii) il-kapaċità ta' likwidazzjoni fil-pront tal-kollateral;

(iii) il-kapaċità li prezz jew valur tas-suq ikun stabbilit b'mod oġġettiv;

(iv) il-frekwenza li biha l-valur jista' jinkiseb fil-pront, inkluża evalwazzjoni jew valutazzjoni professjonali;

(v) il-volatilità jew approssimazzjoni tal-volatilità tal-valur tal-kollateral.

▼M17

(g) meta jwettqu l-valwazzjoni u r-rivalwazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont bis-sħiħ ta' kull deterjorament jew obsolexxenza tal-kollateral, billi jagħtu attenzjoni partikolari lill-effetti tal-passaġġ taż-żmien fuq kollateral sensittiv għall-moda jew iż-żmien; għal kollateral fiżiku, l-obsolexxenza tal-kollateral għandha tinkludi wkoll kunsiderazzjonijiet ta' valwazzjoni relatati mal-ESG relatati ma' projbizzjonijiet jew limitazzjonijiet imposti mill-objettivi regolatorji u l-atti legali rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri, kif ukoll, fejn rilevanti għal istituzzjonijiet attivi internazzjonalment, objettivi legali u regolatorji ta' pajjiżi terzi;

▼B

(h) l-istituzzjonijiet għandu jkollhom id-dritt li fiżikament jispezzjonaw il-kollateral. Għandu jkollhom ukoll politiki u proċeduri fis-seħħ sabiex jindirizzaw l-eżerċizzju tad-dritt tagħhom għal spezzjoni fiżika;

(i) il-kollateral użat bħala protezzjoni għandu jkun adegwament assigurat kontra r-riskju ta' ħsara u l-istituzzjonijiet għandu jkollhom proċeduri fis-seħħ sabiex jissorveljaw dan.

▼M17

Meta ftehimiet ta' titoli ġenerali, jew forom oħra ta' imposta flessibbli, jipprovdu lill-istituzzjoni mutwanti bi pretensjoni reġistrata fuq l-assi ta' kumpanija u meta dik il-pretensjoni jkun fiha kemm assi li ma jkunux eliġibbli bħala kollateral skont l-Approċċ IRB kif ukoll assi li jkunu eliġibbli bħala kollateral skont l-Approċċ IRB, l-istituzzjoni tista' tirrikonoxxi dawk l-assi tal-aħħar bħala protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata eliġibbli. F'dak il-każ, dak ir-rikonoxximent għandu jkun kundizzjonali fuq dawk l-assi li jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-eliġibbiltà tal-kollateral skont l-Approċċ IRB kif stabbilit f'dan il-Kapitolu.

▼B

Artikolu 211

Rekwiżiti għat-trattament ta' skoperturi ta' kiri bħala kollateralizzati

L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw skoperturi li jirriżultaw minn transazzjonijiet ta' kiri bħala kollateralizzati skont it-tip ta' proprjetà mikrija, fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼B

(a) jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 208 jew 210, kif applikabbli, għat-tip ta' proprjetà mikrija sabiex tikkwalifika bħala kollateral eliġibbli;

(b) is-sid il-kera għandu fis-seħħ ġestjoni tar-riskji robust fir-rigward tal-użu magħmul mill-assi mikrija, il-lokalità tiegħu, l-età u t-tul ta' żmien ippjanat tal-użu tiegħu, inkluż monitoraġġ xieraq tal-valur tal-garanzija;

(c) is-sid il-kera huwa l-proprjetarju legali tal-assi u jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu bħala sid fil-ħin;

(d) fejn din għadha ma ġietx aċċertata fil-kalkolu tal-livell ta' LGD, id-differenza bejn il-valur tal-ammont mhux ammortizzat u l-valur tas-suq tal-garanzija mhijiex daqshekk kbira li tenfasizza wisq il-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu attribwita lill-assi mikrijin.

Artikolu 212

Rekwiżiti għal protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu

1. Flus iddepożitati ma', jew strumenti ta' flus assimilati miżmuma minn, instituzzjoni terza, għandhom ikunu eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 232(1), meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pretensjoni ta' mutwatarju kontra l-istituzzjoni terza hija mirhuna bil-miftuħ jew assenjata lill-istituzzjoni mutwanti u t-tali rahan jew assenjazzjoni hija legalment effettiva u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha u hija mingħajr kondizzjonijiet u irrevokabbli;

(b) l-istituzzjoni terza hija nnotifikata dwar ir-rahan jew l-assenjazzjoni;

(c) bħala konsegwenza tan-notifika, l-istituzzjoni terza tista' tagħmel pagamenti biss lill-istituzzjoni mutwanti jew lil partijiet oħra biss bil-kunsens minn qabel tal-istituzzjoni mutwanti.

2. Poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti għandhom jikkwalifikaw bħala kollateral eliġibbli fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja hi mirhuna jew assenjata bil-miftuħ lill-istituzzjoni mutwanti;

(b) il-kumpannija li tagħti l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tiġi notifikata dwar ir-rahan jew l-assenjazzjoni u, bħala riżultat tan-notifika, tista' ma tħallasx l-ammonti pagabbli skont il-kuntratt mingħajr kunsens minn qabel tal-istituzzjoni mutwanti;

(c) ċessjoni f'każ ta' inadempjenza tal-mutwatarju;

(d) l-istituzzjoni mutwanti hija infurmata b'kull nuqqas ta' pagament skont il-polza mid-detentur tal-polza;

▼B

(e) il-protezzjoni tal-kreditu hija pprovduta għall-maturità tas-self. Fejn dan mhuwiex possibbli minħabba li r-relazzjoni tal-assigurazzjoni tintemm qabel ma tiskadi r-relazzjoni tas-self, l-istituzzjoni għandha tiżgura li l-ammont idderivat mill-kuntratt tal-assigurazzjoni jservi lill-istituzzjoni bħala garanzija sa tmiem it-tul taż-żmien tal-ftehim tal-kreditu;

(f) ir-rahan jew l-assenjazzjoni hija legalment effettiva u infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet kollha li huma rilevanti fi żmien il-konklużjoni tal-ftehim tal-kreditu;

(g) il-valur taċ-ċessjoni huwa dikjarat mill-kumpannija li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja u ma jistax jitnaqqas;

(h) fuq talba, il-valur taċ-ċessjoni għandu jitħallas mill-kumpannija li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja fil-pront;

(i) il-valur taċ-ċessjoni ma għandux jintalab migħajr il-kunsens minn qabel tal-istituzzjoni;

(j) il-kumpannija li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja hija soġġetta għad-Direttiva 2009/138/KE jew hija soġġetta għas-superviżjoni minn awtorità kompetenti ta' pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji mill-inqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

Subtaqsima 2

Protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata u noti marbuta mal-kreditu

Artikolu 213

Rekwiżiti komuni għall-garanziji u d-derivati tal-kreditu

▼M17

1. Soġġett għall-Artikolu 214(1), il-protezzjoni ta' kreditu minn garanzija jew minn derivattiv ta' kreditu għandha tikkwalifika bħala protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata eliġibbli meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-protezzjoni tal-kreditu tkun diretta;

(b) ikun hemm definizzjoni ċara u inkontrovertibbli ta' sa fejn tasal il-protezzjoni tal-kreditu;

(c) il-kuntratt tal-protezzjoni ta' kreditu ma jkun fih l-ebda klawżola, li t-twettiq tagħha ma taqax taħt il-kontroll dirett tal-istituzzjoni mutwanti, li:

(i) tippermetti lill-fornitur tal-protezzjoni jħassar jew jibdel il-protezzjoni ta' kreditu b'mod unilaterali;

(ii) iżżid l-ispiża effettiva tal-protezzjoni ta' kreditu bħala konsegwenza ta' deterjorament fil-kwalità tal-kreditu tal-iskopertura protetta;

(iii) tista' tipprevjeni lill-fornitur tal-protezzjoni milli jkun obbligat li jħallas fil-ħin f'każ li d-debitur oriġinali jonqos milli jħallas xi pagament dovut, jew meta l-kuntratt tal-kiri jkun skada għall-finijiet ta' rikonoxximent tal-valur reżidwu garantit skont l-Artikoli 134(7) u 166(4);

▼M17

(iv) tista' tippermetti li l-maturità tal-protezzjoni ta' kreditu titnaqqas mill-fornitur tal-protezzjoni;

(d) il-kuntratt tal-protezzjoni tal-kreditu jkun legalment effettiv u infurzabbli fil-ġuriżdizzjonijiet kollha li jkunu rilevanti fi żmien il-konklużjoni tal-ftehim tal-kreditu.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), klawżola fil-kuntratt tal-protezzjoni ta' kreditu li tipprovdi li diliġenza dovuta żbaljata jew frodi mill-istituzzjoni mutwanti tħassar jew tnaqqas il-firxa tal-protezzjoni ta' kreditu offruta mill-garanti, ma għandhiex tiskwalifika dik il-protezzjoni ta' kreditu milli tkun eliġibbli.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), il-fornitur tal-protezzjoni jista' jagħmel pagament wieħed ta' somma f'daqqa tal-flejjes kollha dovuti skont il-pretensjoni, jew jista' jassumi l-obbligi ta' pagament futuri tad-debitur koperti mill-kuntratt tal-protezzjoni ta' kreditu.

▼B

2. Istituzzjoni għandha turi lill-awtoritajiet kompetenti li għandha sistemi fis-seħħ biex tiġġestixxi l-konċentrazzjoni potenzjali tar-riskju li jirriżulta mill-użu ta' garanziji u derivati tal-kreditu. Istituzzjoni għandha tkun tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti kif l-istrateġija tagħha fir-rigward tal-użu tad-derivati tal-kreditu u l-garanziji jinteraġixxi mal-ġestjoni tagħha tal-profil tar-riskju kumplessiv.

3. Istituzzjoni għandha tissodisfa kull rekwiżit kuntrattwali u statutorju fir-rigward ta', u tieħu l-passi kollha neċessarji sabiex tiżgura, l-infurzabbiltà tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu tagħha skont il-liġi applikabbli għall-interess tagħha fil-protezzjoni tal-kreditu.

Istituzzjoni għandha tkun wettqet analiżi legali suffiċjenti li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha. Hija għandha tirrepeti tali analiżi kif neċessarju sabiex jiżguraw infurzabbiltà kontinwata.

Artikolu 214

Kontrogaranziji sovrani u ta' entitajiet oħrajn tas-settur pubbliku

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw l-iskoperturi msemmijin fil-paragrafu 2 bħala protetti b'garanzija provduta mill-entitajiet elenkati f'dak il-paragrafu, jekk ikunu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kontrogaranzija tkopri l-elementi kollha tar-riskju tal-kreditu tal-pretensjoni;

(b) garanziji stabbiliti fl-Artikoli 213 u 215(1), għajr il-fatt li l- kontrogaranzija mhux neċessarjament tkun diretta;

(c) kopertura tal-kontrogaranzija hija inqas mill-ekwivalenti effettiv għal dik ta' garanzija diretta mill-entità inkwistjoni.

2. It-trattament stipulat fil-paragrafu 1 għandu japplika għal skoperturi protetti b'garanzija li hija kontrogarantita minn waħda minn dawn l-entitajiet li ġejjin:

▼B

(a) gvern ċentrali jew bank ċentrali;

(b) gvern reġjonali jew awtorità lokali;

(c) entità tas-settur pubbliku, li l-pretensjonijiet fuqha huma ttrattati bħala pretensjonijiet fuq l-gvern ċentrali skont l-Artikolu 116(4);

(d) bank ta' żvilupp multilaterali jew organizzazzjoni internazzjonali, li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont jew permezz tal-Artikoli 117(2) u 118 rispettivament;

(e) entità tas-settur pubbliku, li pretensjonijiet fuqha huma ttrattati skont l-Artikolu 116(1) u (2).

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fil-paragrafu 1 ukoll għal skopertura li mhijiex kontrogarantita minn entità elenkata fil-paragrafu 2 fejn il-kontrogaranzija nfisha ta' dik l-iskopertura hija direttament garantita minn waħda minn dawk l-entitajiet u jkunu ssodisfatti l-kondizzjonijiet elenkati fil-paragrafu 1.

Artikolu 215

Rekwiżiti addizzjonali għall-garanziji

1. Il-garanziji għandhom jikkwalifikaw bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha tal-Artikolu 213 u l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼M17

(a) meta d-debitur isir inadempjenti jew jonqos milli jħallas, l-istituzzjoni mutwanti jkollha d-dritt li tfittex bla dewmien lill-garanti għal kwalunkwe ammont ta' flejjes dovuti skont il-pretensjoni li fir-rigward tagħha tkun ipprovduta l-protezzjoni;

▼B

(b) il-garanzija hija obbligazzjoni espliċitament dokumentata li jassumi l-garanti;

(c) tiġi ssodisfatta waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-garanzija tkopri t-tipi kollha ta' pagamenti li d-debitur huwa mistenni jagħmel fir-rigward tal-pretensjoni;

(ii) fejn ċerti tipi ta' pagamenti huma eskluż mill-garanzija, l-istituzzjoni mutwanti tkun aġġustat il-valur tal-garanzija b'mod li jirrefletti l- kopertura limitata.

▼M17

Il-pagament mill-garanti ma għandux ikun soġġett għall-fatt li l-istituzzjoni mutwanti l-ewwel tfittex lid-debitur.

Fil-każ ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata li tkopri self ipotekarju residenzjali, ir-rekwiżiti fl-Artikolu 213(1), il-punt (c)(iii), u fl-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-paragrafu, għandhom ikunu meħtieġa li jiġu ssodisfati fi żmien 24 xahar biss.

▼M17

2. Fil-każ ta' garanziji pprovduti fil-kuntest ta' skemi ta' garanzija reċiproka jew ipprovduti minn jew kontrogarantiti mill-entitajiet elenkati fl-Artikolu 214(2), ir-rekwiżiti fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 213(1), il-punt (c)(iii), għandhom jiġu kkunsidrati bħala ssodisfati meta tintlaħaq kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) wara li d-debitur oriġinali jsir inadempjenti jew wara li dan jonqos milli jħallas, l-istituzzjoni mutwanti għandha d-dritt li tikseb fil-ħin pagament proviżorju mill-garanti li jissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-pagament proviżorju jirrappreżenta stima robusta tal-ammont tat-telf li l-istituzzjoni mutwanti x'aktarx iġġarrab, inkluż telf li jirriżulta min-nuqqas ta' pagament tal-imgħax u ta' tipi oħra ta' pagament li l-mutwatarju jkun obbligat li jagħmel;

(ii) il-pagament proviżorju jkun proporzjonali għall-kopertura tal-garanzija;

(b) l-istituzzjoni mutwanti tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-effetti tal-garanzija, li għandhom ikopru wkoll telf li jirriżulta min-nuqqas ta' pagament tal-imgħax u ta' tipi oħra ta' pagament li l-mutwatarju huwa obbligat li jagħmel, jiġġustifikaw tali trattament; dik il-ġustifikazzjoni għandha tiġi ddokumentata kif xieraq u soġġetta għal approvazzjoni interna dedikata u proċeduri tal-awditjar.

▼B

Artikolu 216

Rekwiżiti addizzjonali għad-derivati tal-kreditu

1. Derivat tal-kreditu għandu jikkwalifika bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha fl-Artikolu 213 u l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-avvenimenti tal-kreditu speċifikati fil-kuntratt tad-derivat tal-kreditu jinkludu:

(i) in-nuqqas ta' pagament tal-ammonti dovuti skont it-termini tal-obbligazzjoni sottostanti li huma fis-seħħ fi żmien it-tali nuqqas, b'perijodu ta' konċessjoni li huwa ugwali għal jew iqsar mill-perijodu ta' konċessjoni fl-obbligazzjoni sottostanti;

(ii) il-falliment, l-insolvenza jew l-inkapaċità tad-debitur li jħallas id-djun tiegħu, jew in-nuqqas jew l-ammissjoni tiegħu bil-miktub tal-inkapaċità tiegħu b'mod ġenerali li jħallas id-djun tiegħu meta jsiru dovuti, u avvenimenti analogi;

(iii) ir-ristrutturar tal-obbligazzjoni sottostanti li jinvolvi l-maħfra jew ir-rinviju tal-ammont kapitali, l-imgħax jew it-tariffi li jirriżultaw f'avveniment ta' telf tal-kreditu;

(b) fejn id-derivati tal-kreditu jippermettu saldu bi flus:

(i) l-istituzzjonijiet ikollhom fis-seħħ proċess ta' valutazzjoni robust sabiex jiġi stmat it-telf b'mod affidabbli;

▼B

(ii) hemm perijodu speċifikat b'mod ċar biex jinkisbu valutazzjonijiet tal-obbligazzjoni sottostanti wara li jkun seħħ avveniment tal-kreditu;

(c) fejn id-dritt u l-kapaċità tax-xerrej tal-protezzjoni li jittrasferixxi l-obbligazzjoni sottostanti lill-fornitur tal-protezzjoni jkunu meħtieġa għas-saldu, it-termini tal-obbligazzjoni sottostanti jispeċifikaw li kull kunsens meħtieġ għal tali trasferiment ma għandux jiġi miċħud mingħajr raġuni valida;

(d) l-identità tal-partijiet responsabbli biex jiddeterminaw jekk seħħx avveniment ta' kreditu hija definita b'mod ċar;

(e) id-determinazzjoni tal-avveniment ta' kreditu mhijiex ir-responsabbiltà unika tal-fornitur tal-protezzjoni;

(f) ix-xerrej tal-protezzjoni għandu d-dritt jew il-kapaċità li jinforma lill-fornitur tal-protezzjoni li jkun seħħ avveniment ta' kreditu.

Fejn l-avvenimenti ta' kreditu ma jinkludux ristrutturar tal-obbligazzjoni sottostanti kif spjegat fil-punt (a)(iii), il-protezzjoni tal-kreditu tista' xorta waħda tkun eliġibbli soġġett għal tnaqqis fil-valur kif speċifikat fl-Artikolu 233(2);

2. Diskrepanza bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta' riferiment taħt id-derivat tal-kreditu jew bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni użata biex jiġi ddeterminat jekk seħħx avveniment ta' kreditu hija permissibbli biss fejn jiġu ssodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-obbligazzjoni ta' riferiment jew l-obbligazzjoni użata biex jiġi ddeterminat jekk seħħx avveniment ta' kreditu, skont il-każ, hija klassifikata 'pari passu' ma' jew hija subordinata għall-obbligazzjoni sottostanti;

(b) l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta' riferiment jew l-obbligazzjoni użata biex jiġi ddeterminat jekk seħħx avveniment ta' kreditu, skont il-każ, ikollhom l-istess debitur u hemm fis-seħħ klawżoli transversali ta' inadempjenza u aċċelerazzjoni legalment infurzabbli.

▼M17

3. B'deroga mill-paragrafu 1, għal skopertura korporattiva koperta permezz ta' derivattiv ta' kreditu, l-avveniment ta' kreditu msemmi fil-punt (a)(iii) ta' dak il-paragrafu ma għandux ikun meħtieġ jiġi speċifikat fil-kuntratt tad-derivattivi, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun meħtieġ vot ta' 100 % sabiex tiġi emendata l-maturità, il-kapital, il-kupun, il-munita jew l-istatus ta' prijorità tal-iskopertura korporattiva sottostanti;

(b) id-domiċilju legali li fih tkun irregolata l-iskopertura korporattiva jkollu kodiċi ta' falliment stabbilit sew li jippermetti li kumpanija torganizza mill-ġdid u tirristruttura, u jipprevedi saldu ordnat tal-pretensjonijiet tal-krediturі.

Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu ma jkunux issodisfati, il-protezzjoni ta' kreditu xorta waħda tista' tkun eliġibbli soġġett għal tnaqqis fil-valur kif speċifikat fl-Artikolu 233(2).

▼B

Taqsima 4

Kalkolu tal-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

Subtaqsima 1

Protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu

Artikolu 218

Noti marbuta mal-kreditu

Investimenti f'noti marbuta mal-kreditu maħruġa mill-istituzzjoni mutwanti jistgħu jiġu ttrattati bħala kollateral fi flus għall-finijiet ta' kalkolu tal-effett ta' protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu skont din is-Subtaqsima, sakemm l-iswap ta' inadempjenza tal-kreditu inkorporat fin-nota marbuta mal-kreditu jikkwalifika bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli. Għall-finijiet tad-determinazzjoni dwar jekk swaps ta' inadempjenza tal-kreditu inkorporati fin-nota marbuta mal-kreditu jikkwalifikawx bħala protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu eliġibbli, l-istituzzjoni tista' tqis li l-kondizzjoni fil-punt (c) tal-Artikolu 194(6) tkun ġiet sodisfatta.

▼M17

Artikolu 219

Netting fil-karta tal-bilanċ

Self lil u depożiti mal-istituzzjoni mutwanti soġġetti għal netting fil-karta tal-bilanċ għandhom jiġu ttrattati minn dik l-istituzzjoni bħala kollateral fi flus kontanti għall-fini tal-kalkolu tal-effett tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata għal dawk is-self u d-depożiti tal-istituzzjoni mutwanti soġġetti għal netting fil-karta tal-bilanċ.

▼B

Artikolu 220

▼M17

Użu tal-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità għall-ftehimiet ewlenin ta' netting

1. L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw il-"valur tal-iskopertura aġġustat għalkollox" (E*) għall-iskoperturi soġġetti għal ftehim ewlieni ta' netting eliġibbli li jkopri tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw it-titoli jew tranżazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali għandhom jikkalkulaw l-aġġustamenti għall-volatilità li jeħtieġu japplikaw billi jużaw l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità stabbilit fl-Artikoli 223 sa 227 għall-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju.

▼B

2. Għall-finijiet tal-kalkolu ta' E*, l-istituzzjonijiet għandhom:

(a) jikkalkulaw il-pożizzjoni netta f'kull grupp ta' titoli jew f'kull tip ta' prodott billi jnaqqsu l-ammont fil-punt (ii) mill-ammont fil-punt (i):

(i) il-valur totali ta' grupp ta' titoli jew ta' prodotti tal-istess tip mikrija, mibjugħa jew ipprovduti skont il-ftehim ewlieni ta' netting;

▼B

(ii) il-valur totali ta’ grupp ta’ titoli jew ta’ prodotti tal-istess tip meħuda b’self, mixtrija jew irċevuti skont il-ftehim ewlieni ta’ netting;

(b) jikkalkolaw il-pożizzjoni netta f’kull munita, għajr il-munita tas-saldu tal-ftehim ewlieni ta’ netting, billi jnaqqsu l-ammont fil-punt (ii) mill-ammont fil-punt (i):

(i) s-somma tal-valur totali ta’ titoli denominati f’dik il-munita mikrijin, mibjugħa jew provduti skont il-ftehim ewlieni ta’ netting u l-ammont ta’ flus f’dik il-munita mislufa jew trasferiti skont dak il-ftehim;

(ii) is-somma tal-valur totali ta’ titoli denominati f’dik il-munita meħuda b’self, mixtrija jew irċevuti skont il-ftehim ewlieni ta’ netting u l- ammont ta’ flus f’dik il-munita meħuda f’self jew irċevuti skont dak il- ftehim;

▼M17

(c) ″japplika l-valur tal-aġġustament għall-volatilità, jew, fejn rilevanti, li-valur assolut tal-aġġustament għall-volatilità xieraq għal grupp partikolari ta' titoli jew għal tip partikolari ta' komoditajiet, għall-valur assolut tal-pożizzjoni netta pożittiva jew negattiva fit-titoli f'dak il-grupp ta' titoli, jew għall-komoditajiet minn dak it-tip ta' komoditajiet;

▼B

(d) japplikaw l-aġġustament għall-volatilità tar-riskju tal-kambju (fx) għall-pożizzjoni pożittiva jew negattiva netta f’kull munita għajr il-munita tas-saldu tal-ftehim ewlieni ta’ netting.

▼M17

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw E * skont il-formula li ġejja:

$$E^* = \max\left(0; \sum_i E_i - \sum_j C_j + 0{,}4 \cdot E_{\text{net}} + 0{,}6 \cdot \frac{E_{\text{gross}}}{\sqrt{N}} + \sum_k \left|E_k^{\text{fx}}\right| \cdot H_k^{\text{fx}}\right)$$

fejn:

i = l-indiċi li jindika t-titoli, il-komoditajiet jew il-pożizzjonijiet fi flus kontanti separati kollha skont il-ftehim li jew jingħataw b'self, jinbiegħu bi ftehim ta' xiri mill-ġdid jew jiddaħħlu mill-istituzzjoni għand il-kontroparti;

j = l-indiċi li jindika t-titoli, il-komoditajiet jew il-pożizzjonijiet fi flus kontanti separati kollha skont il-ftehim li jew jittieħdu b'self, jinxtraw bi ftehim ta' bejgħ mill-ġdid jew jinżammu mill-istituzzjoni;

k = l-indiċi li jindika l-muniti separati kollha li fihom jiġi ddenominat kwalunkwe titolu, komodità jew pożizzjoni fi flus kontanti skont il-ftehim;

▼**M17**

E_i = il-valur tal-iskopertura ta' titolu, komodità jew ta' pożizzjoni fi flus kontanti i partikolari, li tingħata b'self, tinbiegħ bi ftehim ta' xiri mill-ġdid, jew tiddaħħal għand il-kontroparti skont il-ftehim li japplika fin-nuqqas ta' protezzjoni ta' kreditu, fejn l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 jew mal-Kapitolu 3, kif applikabbli;

C_j = il-valur ta' titolu, ta' komodità jew ta' pożizzjoni fi flus kontanti j partikolari li tittieħed b'self, tinxtara bi ftehim ta' bejgħ mill-ġdid jew tinżamm mill-istituzzjoni skont il-ftehim;

E_k^{fx} = il-pożizzjoni netta (pożittiva jew negattiva) f'munita partikolari k għajr il-munita tas-saldu tal-ftehim kif ikkalkulata f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (b);

H_k^{fx} = l-aġġustament għall-volatilità tal-kambju għall-munita k;

E_{net} = l-iskopertura netta tal-ftehim, ikkalkulata kif ġej:

$$E_{\text{net}} = \left| \sum_{l=1}^{N} |E_l^{\text{sec}}| \cdot H_l^{\text{sec}} \right|$$

fejn:

l = l-indiċi li jindika l-gruppi distinti kollha tal-istess titoli u t-tipi distinti kollha tal-istess komoditajiet skont il-ftehim;

E_l^{sec} = il-pożizzjoni netta (pożittiva jew negattiva) fi grupp partikolari ta' titoli l, jew f'tip partikolari ta' komoditajiet l, skont il-ftehim, ikkalkulata f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (a);

H_l^{sec} = l-aġġustament għall-volatilità xieraq għal grupp partikolari ta' titoli l, jew għal tip partikolari ta' komoditajiet l, iddeterminat f'konformità mal-paragrafu 2, il-punt (c); is-sinjal ta' H_l^{sec} għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

(a) għandu jkollu sinjal pożittiv fejn il-grupp ta' titoli l jingħata b'self, jinbiegħ bi ftehim ta' xiri mill-ġdid jew jiġi nnegozjat b'mod simili għal self ta' titoli jew għal ftehim ta' xiri mill-ġdid;

(b) għandu jkollu sinjal negattiv fejn il-grupp ta' titoli l jittieħed b'self, jinxtara bi ftehim għall-bejgħ mill-ġdid jew jiġi nnegozjat b'mod simili għal ftehim ta' teħid b'self ta' titoli jew operazzjoni ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid;

N = in-numru totali ta' gruppi distinti tal-istess titoli u ta' tipi distinti tal-istess komoditajiet skont il-ftehim; għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, dawk il-gruppi [illegible] li għalihom $|E_l^{sec}|$ hija anqas minn $\frac{1}{10} \max_l(|E_l^{sec}|)$ ma għandhomx jingħaddu;

E_{gross} = l-iskopertura grossa tal-ftehim, ikkalkulata kif ġej:

▼M17

$$E_{\text{gross}} = \sum_{l=1}^{N} |E_l^{\text{sec}}| \cdot |H_l^{\text{sec}}| \cdot$$

▼B

4. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta’ telf mistennija għal transazzjonijiet ta’ riakkwist jew transazzjonijiet ta’ għoti jew teħid b’self ta’ titoli jew prodotti jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali koperti minn ftehimiet ewlenin ta’ netting, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw E* kif ikkalkulata skont il-paragrafu 3 bħala l-valur tal-iskopertura tal-iskopertura għall-kontroparti li tirriżulta mit-transazzjonijiet soġġetti għall-ftehim ewlieni ta’ netting għall-finijiet tal-Artikolu 113 skont l-Approċċ Standardizzat jew il-Kapitolu 3 skont l-Approċċ IRB.

5. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, “grupp ta’ titoli” tfisser titoli li jinħarġu mill-istess entità, jkollhom l-istess data ta’ ħruġ, l-istess maturità, huma soġġetti għall-istess termini u kondizzjonijiet, u huma soġġetti għall-istess perijodi ta’ likwidazzjoni kif indikat fl-Artikoli 224 u 225, kif applikabbli.

Artikolu 221

Użu tal-Approċċ tal-Mudelli Interni għal ftehimiet Ewlenin ta’ netting

▼M17

1. Għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni għal tranżazzjonijiet li jiffinanzjaw it-titoli jew għal tranżazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali għajr tranżazzjonijiet ta' derivattivi koperti minn ftehim ewlieni ta' netting eliġibbli li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 6, it-Taqsima 7, istituzzjoni tista' tikkalkula l-valur tal-iskopertura aġġustat għalkollox (E*) tal-ftehim bl-użu tal-approċċ ibbażat fuq mudell intern, dment li l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.

2. Istituzzjoni tista' tuża l-approċċ ibbażat fuq mudell intern meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tuża dak l-approċċ biss għal skoperturi li għalihom l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju huma kkalkulati skont l-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3;

(b) l-istituzzjoni tingħata l-permess li tuża dak l-approċċ mill-awtorità kompetenti tagħha.

3. Istituzzjoni li tuża approċċ ibbażat fuq mudell intern għandha tagħmel dan għall-kontropartijiet u għat-titoli kollha, bl-eċċezzjoni ta' portafolli immaterjali li għalihom tista' tuża l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità stabbilit fl-Artikolu 220.

▼B

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lil istituzzjoni li tuża approċċ tal-mudelli interni biss fejn huma sodisfatti li s-sistema tal-istituzzjoni għall-ġestjoni tar-riskji li jinħolqu mit-transazzjonijiet koperti mill-ftehim ewlieni ta’ netting hija valida fil-prinċipju u implimentata b’integrità u fejn jiġu ssodisfatti l-istandards kwalitattivi li ġejjin:

(a) il-mudell intern għall-kalkolu tar-riskju użat għall-kalkolu tal-volatilità potenzjali tal-prezz għat-transazzjonijiet huwa integrat mill-viċin fil-proċess ta’ kuljum tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni u jservi bħala l-bażi tar-rappurtar ta’ skoperturi tar-riskju lill- maniġment superjuri tal-istituzzjoni;

▼B

(b) l-istituzzjoni għandha unità għall-kontroll tar-riskji li tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(i) hija indipendenti mill-unitajiet ta' negozjar kummerċjali u tirraporta direttament lill-maniġment superjuri;

(ii) hija responsabbli mit-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema tal- istituzzjoni għall-kejl tar-riskji;

(iii) tipproduċi u tanalizza rapporti ta' kuljum dwar l-output tal-mudell għall- kalkolu tar-riskji u dwar il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu f'termini ta' limiti tal-pożizzjonijiet;

(c) ir-rapporti ta' kuljum maħruġa mill-unità għall-kontroll tar-riskji huma analizzati minn livell ta' maniġment li għandu biżżejjed awtorità sabiex jinforza tnaqqis fil-pożizzjonijiet meħuda u fl-iskopertura kumplessiva tar-riskju;

(d) l-istituzzjoni għandha biżżejjed persunal b'ħiliet fl-użu ta' mudelli sofistikati fl-unità tal-kontroll tar-riskji;

(e) l-istituzzjoni stabbilite proċeduri għall-monitoraġġ u l-iżgurar tal-konformità ma' sett dokumentat ta' politiki u kontrolli interni li jikkonċernaw il-funzjonament kumplessiv tas-sistema tal-kalkolu tar-riskji;

(f) il-mudelli tal-istituzzjoni urew li huma validi għall-kejl tar-riskji bi preċiżjoni raġonevoli murija permezz ta' ttestjar retrospettiv tal-output tagħha billi tintuża data għal mill-anqas sena sħiħa;

(g) l-istituzzjoni twettaq b'mod frekwenti programm rigoruż ta' ttestjar għal stress u r-riżultati ta' dawn it-testijiet huma analizzati minn maniġment superjuri u riflessi fil-politiki u l-limiti li jistabbilixxi;

(h) l-istituzzjoni twettaq, bħala parti mill-proċess ta' verifika regolari interna tagħha, analiżi indipendenti tas-sistema tagħha għall-kalkolu tar-riskji. Din l-analiżi għandha tinkludi kemm l-attivitajiet tal-unitajiet tan-negozjar kummerċjali kif ukoll tal-unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji;

(i) mill-inqas darba fis-sena, l-istituzzjoni twettaq analiżi tas-sistema tagħha tal- ġestjoni tar-riskji;

(j) il-mudell intern jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 292(8) u (9) u fl- Artikolu 294.

5. Il-mudell intern għall-kalkolu tar-riskju ta' istituzzjoni għandu jkopri għadd suffiċjenti ta' fatturi tar-riskju sabiex ikopri r-riskji materjali kollha għall-prezz.

Istituzzjoni tista' tuża korrelazzjonijiet empiriċi fi ħdan il-kategoriji tar-riskji u fost il-kategoriji tar-riskji fejn is-sistema tagħha għall-kejl tal-korrelazzjonijiet hija valida u implimentata b'integrità.

▼B

6. L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ tal-mudelli interni għandhom jikkalkulaw E* skont il-formula li ġejja:

$$E^* = \max\left\{0, \left(\sum_i E_i - \sum_i C_i\right) + \textit{bidla potenzjali fil-valur}\right\}$$

fejn:

E_i = il-valur tal-iskopertura għal kull skopertura separata i fil-ftehim li tapplika fin-nuqqas ta' protezzjoni tal-kreditu, fejn l-istituzzjonijiet jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat jew fejn jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB;

C_i = il-valur tat-titoli meħuda b'self, mixtrija jew irċevuti jew il-flus meħuda b'self jew irċevuti fir-rigward ta' kull tali skopertura i.

Fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju permezz ta' mudelli interni, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-output tal-mudell tal-ġurnata ta' xogħol ta' qabel.

7. Il-kalkolu tal-bidla potenzjali fil-valur imsemmi fil-paragrafu 6 għandu jkun soġġett għall-istandards kollha li ġejjin:

(a) għandu jitwettaq mill-inqas kuljum;

(b) għandu jkun ibbażat fuq id-99 perċentil, b'interval ta' kunfidenza unilaterali;

(c) għandu jkun ibbażat fuq perijodu ta' likwidazzjoni ekwivalenti ta' 5 ijiem, għajr fil-każ ta' transazzjonijiet li mhumiex transazzjonijiet ta' riakkwist ta' titoli jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli fejn għandu jintuża perijodu ta' liwidazzjoni ekwivalenti għal 10 ijiem;

(d) għandu jkun ibbażat fuq perijodu storiku ta' osservazzjoni effettiv ta' mhux inqas min sena għajr fejn perijodu ta' osservazzjoni iqsar huwa ġustifikat minn qabża 'l fuq sinifikanti fil-volatilità tal-prezz;

(e) is-sett ta' data użat fil-kalkolu għandu jiġi aġġornat kull tliet xhur.

Fejn l-istituzzjoni għandha transazzjoni ta' riakkwist, transazzjoni ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti u self b'marġni jew transazzjoni simili jew sett ta' netting li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 285(2), (3) u (4), il-perijodu minimu ta' żamma għandu jinġieb konformi mal-perijodu b'riskju ta' marġni li jkun japplika skont dawk il-paragrafi, flimkien mal-Artikolu 285(5).

▼M17

_____

▼B

9. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġi speċifikat dan li ġej:

(a) dak li jikkostitwixxi portafoll immaterjali għall-fini tal-paragrafu 3;

▼B

(b) il-kriterji biex jiġi ddeterminat jekk mudell intern huwiex tajjeb u huwiex jiġi implimentat b'integrità għall-fini tal-paragrafi 4 u 5 u ftehimiet ewlenin ta' netting.

L-ABE għandha tressaq dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji quddiem il-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2015.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 222

Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju biss fejn jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju skont l-Approċċ Standardizzat. Istituzzjoni ma għandhiex tuża l-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju u l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju flimkien, għajr għall-finijiet tal-Artikoli 148(1) u 150(1). L-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw din l-eċċezzjoni b'mod selettiv bil-għan li jinkisbu rekwiżiti mnaqqsa għall-fondi proprji jew bil-għan li jwettqu arbitraġġ regolatorju.

2. Taħt il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw lill- kollateral finanzjarju eliġibbli valur ugwali għall-valur tas-suq tiegħu kif iddeterminat skont il-punt (d) tal-Artikolu 207(4).

▼M17

3. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw lil dawk il-porzjonijiet tal-valuri tal-iskoperturi li huma kollateralizzati mill-valur tas-suq tal-kollateral eliġibbli dak il-piż tar-riskju li kieku jassenjaw skont il-Kapitolu 2 fejn l-istituzzjoni mutwanti kellha skopertura diretta għall-istrument tal-kollateral. Għal dak il-għan, il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ elenkat fl-Anness I għandu jkun daqs 100 % tal-valur tal-element u mhux il-valur tal-iskopertura indikat fl-Artikolu 111(2).

▼B

4. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta' 0 % lil dik il-porzjon kollateralizzata tal-iskopertura li tirriżulta minn transazzjoni ta' riakkwist u transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli li jissodisfaw il-kriterji fl-Artikolu 227. Fejn il-kontroparti għat-transazzjoni mhijiex parteċipant ewlieni fis-suq, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta' 10 %.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta' 0 %, fir-rigward tal-kollateralizzazzjoni, lill-valur tal-iskoperturi determinat skont il-Kapitolu 6 għall-istrumenti derivati elenkati fl-Anness II u soġġetti għal ipprezzar skont il-valur fis-suq ta' kuljum, kollateralizzati minn flus jew strumenti assimilati ta' flus fejn mhemmx diskrepanza fil-muniti.

L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta' 10 %, sal-ammont tal-kollateralizzazzjoni, lill-valur tal-iskoperturi ta' tali transazzjonijiet kollateralizzati minn titoli ta' dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2.

▼B

6. Għal transazzjonijiet għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 4 u 5, l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw piż tar-riskju ta' 0 % fejn l-iskopertura u l-kollateral huma denominati fl-istess munita, u tiġi ssodisfatta waħda minn dawn il-kondizzjonijiet:

(a) il-kollateral huwa flus f'depożitu jew strument assimilat ta' flus;

(b) il-kollateral huwa f'forma ta' titoli ta' dejn maħruġa minn gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali eliġibbli għal piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 114, u l-valur tas-suq tiegħu ġie skontat b'20 %.

7. Għall-finijiet tal-paragrafi 5 u 6 it-titoli ta' dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew mill-banek ċentrali għandhom jinkludu:

(a) titoli ta' dejn maħruġa minn gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali li l-iskoperturi għalihom huma ttrattati bħala skoperturi lejn il-gvern ċentrali li fil-ġurisdizzjoni tiegħu huma stabbiliti skont l-Artikolu 115;

(b) titoli ta' dejn maħruġa minn banek ta' żvilupp multilaterali li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont jew permezz tal-Artikolu 117 (2);

(c) titoli ta' dejn maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali li huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Artikolu 118;

(d) titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet tas-settur pubbliku li huma ttrattati bħala skoperturi għall-gvernijiet ċentrali skont l-Artikolu 116(4).

Artikolu 223

Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju

1. Sabiex titqies il-volatilità tal-prezz, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw aġġustamenti għall-volatilità għall-valur tas-suq tal-kollateral, kif stabbilit fl-Artikoli 224 sa 227, fil-valutazzjoni tal-kollateral finanzjarju għall-finijiet tal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju.

Fejn kollateral huwa denominat f'munita li hija differenti mill-munita li fiha hija denominata l-iskopertura sottostanti, l-istituzzjonijiet għandhom iżidu aġġustament li jirrefletti l-volatilità tal-munita għall-aġġustament għall-volatilità li hu xieraq għall-kollateral kif stabbilit fl-Artikoli 224 sa 227.

Fil-każ ta' transazzjonijiet ta' derivati OTC koperti minn ftehimiet ta' netting rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti taħt il-Kapitolu 6, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw aġġustament għall-volatilità li jirrifletti l-volatilità tal-munita meta jkun hemm diskrepanza bejn il-munita tal-kollateral u l-munita tas-saldu. Anki fejn diversi muniti jkunu involuti fit-transazzjonijiet koperti mill-ftehim ta' netting, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw aġġustament wieħed għall-volatilità.

▼B

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-kollateral aġġustat għall-volatilità (C_{VA}) li jridu jqisu kif ġej:

$$C_{VA} = C \cdot \left(1 - H_C - H_{fx}\right)$$

fejn:

C = il-valur tal-kollateral;

H_C = l-aġġustament għall-volatilità xieraq għall-kollateral, kif ikkalkulat skont l-Artikoli 224 u 227;

H_{fx} = l-aġġustament għall-volatilità xieraq għad-diskrepanza fil-muniti, kif ikkalkulat skont l-Artikoli 224 u 227.

L-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-formula f'dan il-paragrafu meta jikkalkulaw il-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral għat-transazzjonijiet kollha għajr għal dawk it-transazzjonijiet li huma soġġetti għall-ftehimiet ewlenin ta' netting rikonoxxuti li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 220 u 221.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur aġġustat għall-volatilità tal-iskopertura (E_{VA}) li jridu jqisu kif ġej:

$$E_{VA} = E \cdot \left(1 + H_E\right)$$

fejn:

E = il-valur tal-iskopertura kif ikun determinat skont il-Kapitolu 2 jew il-Kapitolu 3, kif applikabbli, fejn l-iskopertura ma kinitx kollateralizzata;

H_E = l-aġġustament għall-volatilità xieraq għall-iskopertura, kif ikkalkulat skont l-Artikoli 224 u 227.

▼M8

Fil-każ ta' tranżazzjonijiet derivattivi OTC, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-E_{VA} permezz tal-metodu stabbilit fit-Taqsima 6 tal-Kapitolu 6 kif ġej:

$$E_{VA} = E.$$

▼M17

4. Għall-finijiet tal-kalkolu ta' E fil-paragrafu 3, għandu japplika dan li ġej:

(a) għall-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat, il-valur tal-iskopertura ta' element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ elenkat fl-Anness I għandu jkun ta' 100 % tal-valur ta' dak l-element u mhux il-valur tal-iskopertura indikat fl-Artikolu 111(2);

(b) għal elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ għajr derivattivi ttrattati skont l-Approċċ IRB, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valuri tal-iskopertura tagħhom billi jużaw CCF ta' 100 % minflok l-SA-CCF jew l-IRB-CCF previsti fil-Artikolu 166(8), (8a) u (8b).

▼B

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur aġġustat għal kollox tal-iskopertura (E*), billi jqisu l-effetti kemm tal-volatilità kif ukoll tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kollateral kif ġej:

▼B

$$E^* = max\ \{0,\ E_{VA} - C_{VAM}\}$$

fejn:

E_{VA} = il-valur aġġustat għall-volatilità tal-iskopertura kif ikkalkulat fil-paragrafu 3;

C_{VAM} = C_{VA} aġġustat ulterjorment għal kull diskrepanza fil-maturità skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 5;

▼M8

Fil-każ ta' tranżazzjonijiet derivattivi OTC, l-istituzzjonijiet li jużaw il-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3, 4 u 5 tal-Kapitolu 6 għandhom iqisu l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kollateral skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsimiet 3, 4 u 5 tal-Kapitolu 6, kif applikabbli.

▼M17

6. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-aġġustamenti għall-volatilità billi jużaw l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità msemmi fl-Artikoli 224 sa 227.

▼B

7. Meta l-kollateral ikun jikkonsisti f'għadd ta' elementi eleġibbli, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-aġġustament għall-volatilità (H) kif ġej:

$$H = \sum_i a_i H_i$$

fejn:

a_i = il-proporzjon tal-valur ta' element eleġibbli i fil-valur totali tal-kollateral;

H_i = l-aġġustament għall-volatilità applikabbli għall-element eliġibbli i.

Artikolu 224

Aġġustament għall-volatilità superviżorja skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju

1. L-aġġustamenti għall-volatilità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet skont l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità, jekk ikun hemm rivalutazzjoni ta' kuljum, għandhom ikunu dawk stabbiliti fit-Tabelli 1 sa 4 ta' dan il-paragrafu.

AĠĠUSTAMENTI GĦALL-VOLATILITÀ

▼M17

Tabella 1

Skala tal-kwalità kreditizja li magħha hija assoċjata	l-valutazzjoni tal-kreditu tat-titolu ta' dejn	Maturità residwa (m), espressa fi snin	Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 197(1), il-punt (b)			Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 197(1), il-punti (c) u (d)			Aġġustamenti għall-volatilità għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u l-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 (1), il-punt (h)	
		perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)
1	m ≤ 1	0,707	0,5	0,354	1,414	1	0,707	2,828	2	1,414

▼M17

Skala tal-kwalità kreditizja li magħha hija assoċjata	l-valutazzjoni tal-kreditu tat-titolu ta' dejn	Maturità residwa (m), espressa fi snin	Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 197(1), il-punt (b)			Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 197(1), il-punti (c) u (d)			Aġġustamenti għall-volatilità għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u l-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 (1), il-punt (h)	
		perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)
	$1 < m \leq 3$	2,828	2	1,414	4,243	3	2,121	11,314	8	5,657
	$3 < m \leq 5$	2,828	2	1,414	5,657	4	2,828	11,314	8	5,657
	$5 < m \leq 10$	5,657	4	2,828	8,485	6	4,243	22,627	16	11,314
	$m > 10$	5,657	4	2,828	16,971	12	8,485	22,627	16	11,314
2 sa 3	$m \leq 1$	1,414	1	0,707	2,828	2	1,414	5,657	4	2,828
	$1 < m \leq 3$	4,243	3	2,121	5,657	4	2,828	16,971	12	8,485
	$3 < m \leq 5$	4,243	3	2,121	8,485	6	4,243	16,971	12	8,485
	$5 < m \leq 10$	8,485	6	4,243	16,971	12	8,485	33,941	24	16,971
	$m > 10$	8,485	6	4,243	28,284	20	14,142	33,941	24	16,971
4	kollha	21,213	15	10,607	M/A	M/A	M/A	M/A	M/A	M/A

▼**M17**

Tabella 2

Skala tal-kwalità tal-kreditu li magħha hija assoċjata	l-valutazzjoni tal-kreditu ta' titolu ta' dejn b'terminu qasir	Maturità residwa (m), espressa fi snin	Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 197(1), il-punt (b), b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir			Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġin minn entitajiet kif imsemmi fl-Artikolu 197(1), il-punti (c) u (d), b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir			Aġġustamenti għall-volatilità għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u l-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 197 (1), il-punt (h) b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir	
		perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%	)perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)
1		0,707	0,5	0,354	1,414	1	0,707	2,828	1	1,414
2 sa 3		1,414	1	0,707	2,828	2	1,414	5,657	4	2,828

Tabella 3

Tipi oħra ta' kollateral jew ta' skopertura

	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)
Indiċi ewlieni tal-ekwitajiet, indiċi ewlieni tal-bonds konvertibbli	28,284	20	14,142
Ewkitajiet jew bonds konvertibbli oħrajn elenkati f'borża rikonoxxuta	42,426	30	21,213
Flus kontanti	0	0	0
Ingott tad-deheb	28,284	20	14,142

Tabella 4

Aġġustament għall-volatilità għal diskrepanza fil-munita (H_{fx})

perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%)	perjodu ta' likwidazzjoni ta' ħamest ijiem (%)
11,314	8	5,657

▼**B**

2. Il-kalkolu ta' aġġustamenti għall-volatilità skont il-paragrafu 1 għandu jkun soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) għal transazzjonijiet ta' għoti ta' self il-perijodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 20 jum ta' xogħol;

(b) għal transazzjonijiet ta' riakkwist, għajr fejn transazzjonijiet jinvolvu t-trasferimenti ta' prodotti jew drittijiet iggarantiti relatati mat-titolu għal prodotti, u transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, il-perijodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 5 ijiem ta' xogħol;

(c) għal transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali, il-perijodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 10 ijiem ta' xogħol.

Fejn istituzzjoni jkollha transazzjoni jew sett ta' netting li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 285(2) (3) u (4), il-perijodu minimu ta' żamma għandu jinġieb konformi mal-perijodu b'riskju ta' marġni li jkun japplika skont dawk il-paragrafi.

▼B

3. Fit-Tabelli 1 sa 4 tal-paragrafu 1 u fil-paragrafi 4 sa 6, il-livell tal-kwalità tal-kreditu li miegħu tkun assoċjata l-valutazzjoni tal-kreditu tat-titolu ta' dejn huwa l-livell tal-kwalità tal-kreditu li bih il-valutazzjoni tal-kreditu hija determinata mill-ABE li tkun assoċjata skont il-Kapitolu 2.

Għall-fini tad-determinazzjoni tal-livell tal-kwalità tal-kreditu li miegħu hija assoċjata l-valutazzjoni tal-kreditu tat-titolu ta' dejn imsemmi fl-ewwel subparagrafu, japplika wkoll l-Artikolu 197(7).

4. Għal titoli mhux eliġibbli jew għal prodotti mikrija jew mibjugħa fi transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, l-aġġustament għall-volatilità huwa l-istess bħal dak għall-ekwitajiet ikkwotati f'indiċi mhux ewlieni f'borża rikonoxxuta.

5. Għal unitajiet eliġibbli f'CIUs l-aġġustament għall-volatilità huwa l-medja peżata tal-aġġustamenti għall-volatilità li jkunu japplikaw, b'kont meħud tal-perijodu ta' likwidazzjoni tat-transazzjoni kif speċifikat fil-paragrafu 2, għall-assi li fihom ikun investa l-fond.

Fejn l-assi li fihom ikun investa l-fond mhumiex magħrufa mill-istituzzjoni, l-aġġustament għall-volatilità huwa l-ogħla aġġustament għall-volatilità li jkun japplika għal kwalunkwe mill-assi li l-fond għandu dritt jinvesti fihom.

▼M9

6. Għal titoli ta' dejn mhux ikklassifikati maħruġa mill-istituzzjonijiet jew ditti tal-investiment u li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà fl-Artikolu 197(4), l-aġġustamenti għall-volatilità huma l-istess bħal għat-titoli maħruġa minn istituzzjonijiet jew korporattivi b'valutazzjoni tal-kreditu esterna assoċjata mal-livelli 2 jew 3 tal-kwalità tal-kreditu.

▼M17

_____

Artikolu 226

Żieda fl-aġġustament għall-volatilità skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju

L-aġġustamenti għall-volatilità stabbiliti fl-Artikolu 224 huma l-aġġustamenti għall-volatilità li l-istituzzjoni għandha tapplika fejn ikun hemm rivalwazzjoni ta' kuljum. Fejn ir-rivalwazzjoni ma ssirx kuljum, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw aġġustamenti għall-volatilità akbar. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulawhom billi jżidu l-aġġustamenti għall-volatilità tar-rivalwazzjoni ta' kuljum, billi jużaw il-formula tal-għerq kwadrat taż-żmien li ġejja:

$$H = H_M \cdot \sqrt{\frac{N_R + (T_M - 1)}{T_M}}$$

fejn:

H = l-aġġustament għall-volatilità li jrid jiġi applikat;

H_M = l-aġġustament għall-volatilità fejn hemm rivalwazzjoni ta' kuljum;

N_R = in-numru attwali ta' jiem ta' negozju bejn ir-rivalwazzjonijiet;

T_M = il-perjodu ta' likwidazzjoni għat-tip ta' tranżazzjoni inkwistjoni.

▼B

Artikolu 227

Kondizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' aġġustament għall-volatilità ta' 0 % skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju

▼M17

1. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità msemmi fl-Artikolu 224 jistgħu, għal tranżazzjonijiet ta' xiri mill-ġdid u għal tranżazzjonijiet ta' għoti jew ta' teħid b'self ta' titoli, japplikaw aġġustament għall-volatilità ta' 0 % minflok l-aġġustamenti għall-volatilità kkalkulati skont l-Artikoli 224 u 226, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (h), ta' dan l-Artikolu. L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ ibbażat fuq mudell intern stabbilit fl-Artikolu 221 ma għandhomx jużaw it-trattament stabbilit f'dan l-Artikolu.

▼B

2. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw aġġustament għall-volatilità ta' 0 % fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) kemm l-iskopertura kif ukoll il-kollateral huma flus jew titoli ta' dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali skont is-sens tal-Artikolu 197(1)(b) u eliġibbli għal piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2;

(b) kemm l-iskopertura kif ukoll il-kollateral huma denominati fl-istess munita;

(c) il-maturità tat-transazzjoni mhijiex ta' aktar minn ġurnata jew inkella kemm l-iskopertura kif ukoll il-kollateral huma soġġetti għal ipprezzar skont il-valur fis-suq ta' kuljum jew aġġustament tal-marġni ta' kuljum;

(d) iż-żmien bejn l-aħħar data tal-ipprezzar skont il-valur fis-suq qabel id-data fejn il-kontroparti tonqos milli tagħmel aġġustament tal-marġni u l-likwidazzjoni tal-kollateral mhijiex aktar minn erbat ijiem ta' xogħol;

(e) it-transazzjoni hija saldata f'sistema tas-saldu pprovata għal dak it-tip ta' transazzjoni;

(f) id-dokumentazzjoni li tkopri l-ftehim jew it-transazzjoni hija dokumentazzjoni tas-suq standard għal transazzjonijiet ta' riakkwist jew transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli fit-titoli konċernati;

(g) it-transazzjoni hija rregolata minn dokumentazzjoni li tispeċifika li meta kontroparti tonqos milli tissodisfa obbligazzjoni li tikkonsenja flus jew titoli jew li tikkonsenja l-marġni jew b'xi mod issir inadempjenti, it-transazzjoni tista' tintemm immedjatament;

(h) il-kontroparti hija kkunsidrata bħala parteċipant ewlieni fis-suq mill-awtoritajiet kompetenti.

3. Il-parteċipanti ewlenin fis-suq imsemmija fil-punt (h) tal-paragrafu 2 għandhom jinkludu l-entitajiet li ġejjin:

(a) l-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 197(1)(b) li l-iskoperturi għalihom huma assenjati piż tar-riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2;

▼B

(b) istituzzjonijiet;

▼M9

(ba) ditti tal-investiment;

▼B

(c) impriżi finanzjarji oħrajn fit-tifsira tal-punti (25)(b) u (d) tal-Artikolu 13 tad-Direttiva 2009/138/KE li l-iskoperturi għalihom huma assenjati b'piż tar-riskju ta' 20 % skont l-Approċċ Standardizzat jew li, fil-każ tal-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija skont l-Approċċ IRB, ma għandhomx valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta u huma kklassifikati internament mill-istituzzjoni;

(d) CIUs regolati li huma soġġetti għal rekwiżiti ta' kapital jew ta' lieva finanzjarja;

(e) fondi tal-pensjonijiet regolati;

(f) organizzazzjonijiet ta' kklerjar rikonoxxuti.

▼M17

Artikolu 228

Kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju għall-iskoperturi trattati skont l-Approċċ Standardizzat

Skont l-Approċċ Standardizzat, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw E * kif ikkalkulat skont l-Artikolu 223(5) bħala l-valur tal-iskopertura għall-finijiet tal-Artikolu 113. Fil-każ ta' elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ elenkati fl-Anness I, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw E * bħala l-valur li għalih għandhom jiġu applikati l-perċentwali indikati fl-Artikolu 111(2) biex jintlaħaq il-valur tal-iskopertura.

▼B

Artikolu 229

▼M17

Prinċipji ta' valwazzjoni għal kollateral eliġibbli għajr kollateral finanzjarju

1. Il-valwazzjoni tal-proprjetà immobbli għandha tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-valur jiġi stmat b'mod indipendenti mill-akkwiżizzjoni ipotekarja, mill-ipproċessar tas-self u mill-proċess tat-teħid ta' deċiżjoni dwar is-self ta' istituzzjoni minn valwatur indipendenti li jkollu l-kwalifiki, il-kapaċità u l-esperjenza meħtieġa biex iwettaq valwazzjoni;

(b) il-valur jiġi stmat bl-użu ta' kriterji ta' valwazzjoni prudentement konservattivi li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(i) il-valur jeskludi l-aspettattivi fuq iż-żidiet fil-prezzijiet;

(ii) il-valur jiġi aġġustat biex iqis il-potenzjal li l-valur tas-suq attwali jkun ogħla b'mod sinifikanti mill-valur li jkun sostenibbli matul il-ħajja tas-self;

(c) il-valur ikun dokumentat b'mod trasparenti u ċar;

(d) il-valur ma jkunx ogħla minn valur tas-suq għall-proprjetà immobbli fejn jista' jiġi ddeterminat it-tali valur tas-suq;

▼M17

(e) meta l-proprjetà tiġi rivalutata, il-valur tal-proprjetà ma jaqbiżx il-valur medju mkejjel għal dik il-proprjetà, jew għal proprjetà komparabbli matul l-aħħar sitt snin għal proprjetà residenzjali jew tmien snin għal proprjetà immobbli kummerċjali jew il-valur fl-oriġinazzjoni, skont liema jkun l-ogħla.

Għall-fini tal-kalkolu tal-valur medju, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-medja tal-valuri tal-proprjetà osservati f'intervalli ugwali u l-perjodu ta' referenza għandu jinkludi mill-inqas tliet punti ta' *data*.

Għall-fini li jiġi kkalkulat il-valur medju, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-valuri ta' proprjetà f'konformità mal-Artikolu 208(3). Il-valur tal-proprjetà jista' jaqbeż dak il-valur medju jew il-valur fl-oriġinazzjoni, kif applikabbli, f'każ ta' modifiki magħmula lill-proprjetà li jżidu b'mod inekwivoku l-valur tagħha, bħal titjib fil-prestazzjoni enerġetika jew titjib fir-reżiljenza, il-protezzjoni u l-adattament għar-riskji fiżiċi tal-bini jew tal-unità ta' akkomodazzjoni. Il-valur tal-proprjetà ma għandux jiġi rivalutat 'il fuq jekk l-istituzzjonijiet ma għandhomx biżżejjed *data* biex jikkalkulaw il-valur medju ħlief jekk iż-żieda tal-valur tkun ibbażata fuq modifiki li jżidu b'mod inekwivoku l-valur tagħha.

Il-valwazzjoni ta' proprjetà immobbli għandha tqis kwalunkwe pretensjoni preċedenti fuq il-proprjetà, sakemm ma titqiesx pretensjoni preċedenti fil-kalkolu tal-ammont gross tal-iskopertura skont l-Artikolu 124 (6), il-punt (c), jew bħala li tnaqqas l-ammont ta' 55 % tal-valur tal-proprjetà skont l-Artikolu 125(1) jew l-Artikolu 126(1), u tirrifletti, fejn applikabbli, ir-riżultati tal-monitoraġġ meħtieġ skont l-Artikolu 208 (3).

▼B

2. Għar-riċevibbli, il-valur tar-riċevibbli għandu jkun l-ammont riċevibbli.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw il-kollateral fiżiku għajr il-proprjetà immobbli daqs il-valur tas-suq tiegħu. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-valur tas-suq huwa l-prezz stmat tal-proprjetà kieku kellha tinbiegħ fi transazzjoni distakkata bejn xerrej u bejjiegħ fid-data tal-valutazzjoni.

▼M17

4. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kriterji u l-fatturi li għandhom jitqiesu għall-valutazzjoni tat-terminu "proprjetà komparabbli", kif imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (e).

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2027.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 230

Kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni għal skopertura bi protezzjoni ta' kreditu finanzjata eliġibbli skont l-Approċċ IRB

1. Skont l-Approċċ IRB, ħlief għal dawk l-iskoperturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 220, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-LGD effettiv (LGD*) bħala l-LGD għall-finijiet tal-Kapitolu 3 biex jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu finanzjata eliġibbli skont dan il-Kapitolu. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-LGD * kif ġej:

▼**M17**

$$LGD^{*} = LGD_{U} \cdot \frac{E_{U}}{E \cdot (1 + H_{E})} + LGD_{S} \cdot \frac{E_{S}}{E \cdot (1 + H_{E})}$$

fejn:

E = il-valur tal-iskopertura qabel ma jitqies l-effett tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata; għal skopertura garantita minn kollateral finanzjarju eliġibbli f'konformità ma' dan il-Kapitolu, dak l-ammont għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 223(3); fil-każ ta' titoli mogħtija b'self jew imdaħħla, dak l-ammont għandu jkun ugwali għall-flus kontanti mogħtija b'self jew għat-titoli mogħtija b'self jew imdaħħla; għal titoli mogħtija b'self jew imdaħħla, il-valur tal-iskopertura għandu jiżdied billi jiġi applikat l-aġġustament għall-volatilità (H_E) f'konformità mal-Artikoli 223 sa 227;

E_S = il-valur attwali tal-protezzjoni ta' kreditu finanzjata riċevuta wara l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità applikabbli għal dak it-tip ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjata (H_C) u l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità għad-diskrepanzi fil-munita (H_{fx}) bejn l-iskopertura u l-protezzjoni ta' kreditu finanzjata, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3; E_S għandha tiġi limitata bil-valur li ġej: $E \cdot (1+H_E)$;

E_U = $E \cdot (1+H_E) - E_S$;

LGD_U = l-LGD applikabbli għal skopertura mhux garantita kif stabbilit fl-Artikolu 161(1);

LGD_S = l-LGD applikabbli għall-iskoperturi garantiti mit-tip ta' FCP eliġibbli użat fit-tranżazzjoni, kif speċifikat fil-paragrafu 2, Tabella 1.

2. It-Tabella 1 tispeċifika l-valuri tal-LGD_s u tal-H_c applikabbli fil-formula stabbilita fil-paragrafu 1.

Tabella 1

Tip ta' FCP	LGD_S	Aġġustament għall-volatilità (H_c)
Kollateral finanzjarju	0 %	Aġġustament għall-volatilità H_c kif stabbilit fl-Artikoli 224 sa 227
Riċevibbli	20 %	40 %
Proprjetà residenzjali u proprjetà immobbli kummerċjali	20 %	40 %
Kollateral fiżiku ieħor	25 %	40 %
FCP ineliġibbli	Mhux applikabbli	100 %

3. Meta protezzjoni ta' kreditu finanzjata eliġibbli tkun iddenominata f'munita differenti minn dik tal-iskopertura, l-aġġustament għall-volatilità għad-diskrepanza fil-munita (H_{fx}) għandu jkun l-istess bħal dak li japplika skont l-Artikoli 224 sa 227.

▼M17

4. Minflok it-trattament stabbilit fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, u soġġetti għall-Artikolu 124(9), l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw piż tar-riskju ta' 50 % għall-parti tal-iskopertura li hija, fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 125(1), l-ewwel subparagrafu, u fl-Artikolu 126(1), l-ewwel subparagrafu, rispettivament, kollateralizzata totalment minn proprjetà residenzjali jew minn proprjetà immobbli kummerċjali li tinsab fit-territorju ta' Stat Membru meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 199(3) jew (4).

5. Sabiex jiġu kkalkulati l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni għall-iskoperturi tal-IRB li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 220, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw E * f'konformità mal-Artikolu 220(4) u għandhom jużaw l-LGD għal iskoperturi mhux garantiti, kif stabbilit fl-Artikolu 161(1), il-punti (a), (aa) u (b).

Artikolu 231

Kalkolu tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni fil-każ ta' aggregazzjonijiet ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjati eliġibbli għal skopertura ttrattata skont l-Approċċ IRB

L-istituzzjonijiet li jkunu kisbu diversi tipi ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjata jistgħu, għal skoperturi ttrattati skont l-Approċċ IRB, japplikaw il-formula stabbilita fl-Artikolu 230, b'mod sekwenzjali għal kull tip individwali ta' kollateral. Għal dak l-għan, dawk l-istituzzjonijiet għandhom, wara kull pass tar-rikonoxximent ta' tip individwali wieħed ta' FCP, inaqqsu l-valur li jifdal tal-iskopertura mhux garantita (E_U) bil-valur aġġustat tal-kollateral (E_S) rikonoxxut f'dak il-pass. F'konformità mal-Artikolu 230(1), it-total ta' E_S fit-tipi kollha ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjata għandu jkun limitat għall-valur ta' $E\cdot(1+H_E)$, li jirriżulta fil-formula li ġejja:

$$LGD^* = LGD_U \cdot \frac{E_U}{E \cdot (1 + H_E)} + \sum_i LGD_{S,i} \cdot \frac{E_{S,i}}{E \cdot (1 + H_E)}$$

fejn:

$LGD_{S,i}$ = l-LGD applikabbli għall-FCP i, kif speċifikat fl-Artikolu 230 (2);

$E_{S,i}$ = il-valur attwali tal-FCP i riċevut wara l-applikazzjoni tal-aġġustament għall-volatilità applikabbli għat-tip ta' FCP (H_c) skont l-Artikolu 230(2).

▼B

Artikolu 232

Protezzjoni ffinanzjata oħra tal-kreditu

▼M17

1. Meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 212(1), flus kontanti depożitati ma', jew strumenti assimilati ta' flus kontanti miżmuma minn, istituzzjoni terza f'arranġament mhux ta' kustodja u mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti, jistgħu jiġu ttrattati bħala garanzija pprovduta mill-istituzzjoni terza.

▼B

2. Fejn jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 212(2), l-istituzzjonijiet għandhom jissoġġettaw il-porzjon tal-iskopertura kollateralizzata mill-valur attwali taċ-ċessjoni tal-poloz tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja mirhuna lill-istituzzjoni mutwanti għat-trattament li ġej:

▼B

(a) fejn l-iskopertura hija soġġetta għall-Approċċ Standardizzat, għandha tkun ippeżata skont ir-riskju billi jintużaw il-piżijiet tar-riskju speċifikati fil-paragrafu 3;

(b) fejn l-iskopertura hija soġġetta għall-Approċċ IRB iżda mhux soġġetta għall-istimi proprji tal-LGD tal-istituzzjoni, għandha tiġi assenjata LGD ta' 40 %.

F'każ ta' diskrepanza fil-muniti, l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-valur attwali taċ-ċessjoni skont l-Artikolu 233(3), u l-valur tal-protezzjoni tal-kreditu hu l-valur attwali taċ-ċessjoni tal-polza tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja.

3. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw il-piżijiet tar-riskju li ġejjin fuq il-bażi ta' piż tar-riskju assenjat lil skopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja:

(a) piż tar-riskju ta' 20 %, fejn l-iskopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun assenjata piż tar-riskju ta' 20 %;

(b) piż tar-riskju ta' 35 %, fejn l-iskopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun assenjata piż tar-riskju ta' 50 %;

▼M17

(ba) ponderazzjoni tar-riskju ta' 52,5 %, fejn l-iskopertura prijoritarja mhux iggarantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun assenjata ponderazzjoni tar-riskju ta' 75 %;

▼B

(c) piż tar-riskju ta' 70 %, fejn l-iskopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun assenjata piż tar-riskju ta' 100 %;

(d) piż tar-riskju ta' 150 %, fejn l-iskopertura prijoritarja mhux garantita għall-impriża li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun assenjata piż tar-riskju ta' 150 %.

4. Istituzzjoni tista' tittratta strumenti riakkwistati fuq talba li huma eliġibbli skont l-Artikolu 200(c) bħala garanzija mill-istituzzjoni emittenti. Il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu eliġibbli għandu jkun li ġej:

(a) fejn l-istrument ser jiġi riakkwistat bil-valur nominali tiegħu, il-valur tal-protezzjoni għandu jkun dak l-ammont;

(b) fejn l-istrument ser jiġi riakkwistat bil-prezz tas-suq, il-valur tal-protezzjoni għandu jkun il-valur tal-istrument ivvalutat bl-istess mod bħat-titoli ta' dejn speċifikati li jissodisfaw il-kondizzjonijiet fl-Artikolu 197(4).

▼B

Subtaqsima 2

Protezzjoni tal-kreditu mhux finanzjata

Artikolu 233

Valutazzjoni

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-effetti tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu skont din is-Subtaqsima, il-valur tal-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu (G) għandu jkun l-ammont li l-fornitur tal-protezzjoni jkun impenja ruħu li jħallas f'każ ta' inadempjenza jew nuqqas ta' pagament mill-mutwatarju jew f'każ ta' avvenimenti speċifikati oħrajn tal-kreditu.

2. Fil-każ ta' derivati tal-kreditu li bħala avveniment ta' kreditu ma jinkludux ir-ristrutturar tal-obbligazzjoni sottostanti li jinvolvi maħfra jew rinviju tal-ammont kapitali, tal-imgħax jew tat-tariffi li jirriżultaw f'avveniment ta' telf tal-kreditu, għandu japplika dan li ġej:

(a) fejn l-ammont li l-fornitur tal-protezzjoni jkun impenja ruħu li jħallas ma jkunx ogħla mill-valur tal-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-valur tal-protezzjoni tal-kreditu kkalkulat skont l-paragrafu 1 b'40 %;

(b) fejn l-ammont li l-fornitur tal-protezzjoni jkun impenja ruħu li jħallas ikun ogħla mill-valur tal-iskopertura, il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu ma għandux ikun ogħla minn 60 % tal-valur tal-iskopertura.

3. Fejn il-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu tkun denominata f'munita differenti minn dik li fiha tkun denominata l-iskopertura, l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-valur tal-protezzjoni tal-kreditu permezz tal-applikazzjoni ta' aġġustament għall-volatilità kif ġej:

$$G^* = G \cdot (1 - H_{fx})$$

fejn:

G* = l-ammont tal-protezzjoni tal-kreditu aġġustat għar-riskju tal-kambju,

G = l-ammont nominali tal-protezzjoni tal-kreditu;

H_{fx} = l-aġġustament għall-volatilità għal kull diskrepanza fil-muniti bejn il-protezzjoni tal-kreditu u l-obbligazzjoni sottostanti determinat skont il-paragrafu 4.

Fejn ma hemm l-ebda diskrepanza fil-muniti H_{fx} tkun żero.

▼M17

4. L-istituzzjonijiet għandhom jibbażaw l-aġġustamenti għall-volatilità għal kwalunkwe diskrepanza fil-munita fuq perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem ta' xogħol, bis-suppożizzjoni li ssir rivalwazzjoni kuljum, u għandhom jikkalkulaw dawk l-aġġustamenti abbażi tal-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità kif stabbilit fl-Artikolu 224. L-istituzzjonijiet għandhom iżidu l-aġġustamenti għall-volatilità f'konformità mal-Artikolu 226.

▼B

Artikolu 234

Kalkolu tal-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju u l-ammonti ta’ telf mistennija f’każ ta’ protezzjoni parzjali u segmentazzjoni

Meta l-istituzzjoni tittrasferixxi parti mir-riskju ta’ self f’segment wieħed jew aktar, għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-Kapitolu 5. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw limiti ta’ materjalità fuq pagamenti li taħthom ma jsirx ebda pagament f’każ ta’ telf bħala ekwivalenti għal pożizzjonijiet tal-ewwel telf miżmum u li jirriżultaw fi trasferiment tar-riskju f’segmenti.

Artikolu 235

▼M17

Il-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju skont l-approċċ ta' sostituzzjoni meta l-iskopertura garantita tiġi ttrattata skont l-Approċċ Standardizzat

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 113(3), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju għal skoperturi bi protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata li għalihom dawk l-istituzzjonijiet japplikaw l-Approċċ Standardizzat, irrispettivament mit-trattament ta' skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$max\{0,\ E - G_A\} \cdot r + G_A \cdot g$$

fejn:

E = il-valur tal-iskopertura kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 111; għal dak l-għan, il-valur tal-iskopertura ta' entrata li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ elenkat fl-Anness I għandu jkun daqs 100 % tal-valur tagħha u mhux il-valur tal-iskopertura indikat fl-Artikolu 111(2);

G_A = l-ammont ta' protezzjoni ta' kreditu aġġustat għar-riskju tal-kambju (G*) kif ikkalkulat fl-Artikolu 233(3) aġġustat ulterjorment għal kwalunkwe diskrepanza fil-maturità kif stabbilit fit-Taqsima 5 ta’ dan il-Kapitolu;

r = il-piż tar-riskju tal-iskoperturi għad-debitur kif speċifikat fil-Kapitolu 2;

g = il-piż tar-riskju applikabbli għal skopertura diretta għall-fornituri tal-protezzjoni kif speċifikat fil-Kapitolu 2.

▼B

2. Fejn l-ammont protett (G_A) huwa inqas mill-iskopertura (E), l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-formula speċifikata fil-paragrafu 1 biss fejn il-partijiet protetti u mhux protetti tal-iskopertura għandhom prijorità ugwali.

▼M17

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jestendu t-trattament preferenzjali stabbilit fl-Artikolu 114(4) u (7), għal skoperturi jew għal partijiet minn skoperturi garantiti mill-gvern ċentrali jew mill-bank ċentrali daqslikieku dawk l-iskoperturi kienu skoperturi diretti għall-gvern ċentrali jew għall-bank ċentrali, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 114(4) jew (7), kif applikabbli, jiġu ssodisfati għal tali skoperturi diretti.

▼M17

Artikolu 235a

Kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni skont l-approċċ ta' sostituzzjoni meta l-iskopertura garantita tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB u skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni tiġi ttrattata skont l-Approċċ Standardizzat

1. Għal skoperturi bi protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata li għalihom istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB stabbiliti fil-Kapitolu 3 u fejn skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni jiġu ttrattati skont l-Approċċ Standardizzat, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju f'konformità mal-formula li ġejja:

$$max\{0,\ E - G_A\} \cdot r + G_A \cdot g$$

fejn:

E = il-valur tal-iskopertura ddeterminat f'konformità mal-Kapitolu 3, it-Taqsima 5; għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura għal entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ għajr derivattivi ttrattati skont l-Approċċ IRB bl-użu ta' CCF ta' 100 % minflok l-SA-CCFs jew l-IRB-CCFs previsti fl-Artikolu 166(8), (8a) u (8b);

G_A = l-ammont ta' protezzjoni ta' kreditu aġġustat għar-riskju tal-kambju (G*) kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 233 (3) aġġustat ulterjorment għal kwalunkwe diskrepanza fil-maturità kif stabbilit fit-Taqsima 5 ta' dan il-Kapitolu;

r = il-piż tar-riskju tal-iskoperturi għad-debitur kif speċifikat fil-Kapitolu 3;

g = il-piż tar-riskju applikabbli għal skopertura diretta għall-fornituri tal-protezzjoni kif speċifikat fil-Kapitolu 2.

2. Meta l-ammont ta' protezzjoni ta' kreditu (G_A) ikun anqas mill-valur tal-iskopertura (E), l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-formula speċifikata fil-paragrafu 1 biss meta l-partijiet protetti u mhux protetti tal-iskopertura jkollhom superjorità ugwali.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jestendu t-trattament preferenzjali stabbilit fl-Artikolu 114(4) u (7), għal skoperturi jew għal partijiet minn skoperturi garantiti mill-gvern ċentrali jew mill-bank ċentrali daqslikieku dawk l-iskoperturi kienu skoperturi diretti għall-gvern ċentrali jew għall-bank ċentrali, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 114(4) jew (7), kif applikabbli, jiġu ssodisfati għal tali skoperturi diretti.

4. L-ammont ta' telf mistenni għall-parti koperta tal-valur tal-iskopertura għandu jkun żero.

▼M17

5. Għal kwalunkwe parti mhux koperta tal-valur tal-iskopertura (E), l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni li jikkorrispondu għall-iskopertura sottostanti. Għall-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 159, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kwalunkwe aġġustament ġenerali jew speċifiku għar-riskju ta' kreditu jew kwalunkwe aġġustament addizzjonali fil-valur f'konformità mal-Artikolu 34 b'rabta man-negozju tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni jew tnaqqis ieħor ta' fondi proprji b'rabta mal-iskopertura, għajr it-tnaqqis magħmul f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m), għall-parti mhux koperta tal-valur tal-iskopertura.

Artikolu 236

Kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni skont l-approċċ ta' sostituzzjoni meta l-iskopertura garantita tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB mingħajr l-użu ta' stimi proprji tal-LGD u skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB

1. Għal skopertura bi protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3, iżda mingħajr ma tuża l-istimi proprji ta' LGD tagħha, u meta skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni jiġu ttrattati skont l-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3, l-istituzzjoni għandha tiddetermina il-parti koperta tal-iskopertura bħala l-aktar baxx bejn il-valur tal-iskopertura (E) u l-valur aġġustat tal-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata (G_A).

1a. Istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni bl-użu tal-istimi proprji tal-PD għandhom jikkalkulaw l-ammont tal-iskoperturi ponderati għar-riskju u l-ammont ta' telf mistenni għall-parti koperta tal-valur tal-iskopertura billi tuża l-PD tal-fornitur tal-protezzjoni u l-LGD applikabbli għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 161(1), f'konformità mal-paragrafu 1b ta' dan l-Artikolu. Għal skoperturi subordinati u għal protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata mhux subordinata, l-LGD li għandu jiġi applikat mill-istituzzjonijiet għall-parti koperta tal-valur tal-iskopertura għandu jkun l-LGD assoċjat ma' pretensjonijiet prijoritarji u l-istituzzjonijiet jistgħu jammontaw għal kwalunkwe protezzjoni ta' kreditu finanzjata li tiggarantixxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata f'konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu.

1b. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-parti koperta tal-iskopertura sottostanti billi jużaw il-PD, l-LGD speċifikat fil-paragrafu 1a ta' dan l-Artikolu, u l-istess funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk użati għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, u, fejn applikabbli, għandhom jużaw il-maturità (M) relatata mal-iskopertura sottostanti, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 162.

1c. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni billi jużaw il-metodu previst fl-Artikolu 153(5) għandhom jużaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-parti koperta tal-iskopertura li jikkorrispondu għal dawk previsti fl-Artikoli 153(5) u 158(6).

▼M17

1d. Minkejja l-paragrafu 1c ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB għal skoperturi garantiti billi jużaw il-metodu previst fl-Artikolu 153(5) għandhom jikkalkulaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-parti koperta tal-iskopertura billi jużaw il-PD, l-LGD applikabbli għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 161(1), f'konformità mal-paragrafu 1b ta' dan l-Artikolu, u l-istess funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk użati għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, u, fejn applikabbli, għandhom jużaw il-maturità (M) relatata mal-iskopertura sottostanti, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 162. Għal skoperturi subordinati u għal protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata mhux subordinata, l-LGD li għandu jiġi applikat mill-istituzzjonijiet għall-parti koperta tal-valur tal-iskopertura għandu jkun l-LGD assoċjat ma' pretensjonijiet prijoritarji u l-istituzzjonijiet jistgħu jammontaw għal kwalunkwe protezzjoni ta' kreditu finanzjata li tiggarantixxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

2. Għal kwalunkwe parti mhux koperta tal-valur tal-iskopertura (E), l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni li jikkorrispondu għall-iskopertura sottostanti. Għall-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 159, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kwalunkwe aġġustament ġenerali jew speċifiku għar-riskju ta' kreditu jew kwalunkwe aġġustament addizzjonali fil-valur f'konformità mal-Artikolu 34 b'rabta man-negozju tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni jew tnaqqis ieħor ta' fondi proprji b'rabta mal-iskopertura, għajr it-tnaqqis magħmul f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m), għall-parti mhux koperta tal-valur tal-iskopertura.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, (G_A) huwa l-ammont tal-protezzjoni tal-kreditu aġġustat għar-riskju tal-kambju (G*) kif ikkalkulat skont l-Artikolu 233(3) aġġustat ulterjorment għal kwalunkwe diskrepanza fil-maturità kif stabbilit fit-Taqsima 5 ta' dan il-Kapitolu. Il-valur tal-iskopertura (E) huwa l-valur tal-iskopertura ddeterminat f'konformità mal-Kapitolu 3, it-Taqsima 5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura għal entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ għajr derivattivi ttrattati skont l-Approċċ IRB bl-użu ta' CCF ta' 100 % minflok l-SA-CCFs jew l-IRB-CCFs previsti fl-Artikolu 166(8), (8a) u (8b).

Artikolu 236a

Kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistenni skont l-approċċ ta' sostituzzjoni meta l-iskopertura garantita tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB bl-użu ta' stimi proprji tal-LGD u skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni tiġi ttrattata skont l-Approċċ IRB

1. Għal skopertura bi protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata li għaliha istituzzjoni tapplika l-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3 li tuża l-istimi proprji ta' LGD tagħha u meta skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni jiġu ttrattati skont l-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3, iżda mingħajr ma tuża l-istimi proprji ta' LGD tagħha, l-istituzzjoni għandha tiddetermina il-parti koperta tal-iskopertura bħala l-aktar baxx bejn il-valur tal-iskopertura (E) u l-valur aġġustat tal-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata (G_A), ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 235a(1). L-istituzzjoni għandha tikkalkula l-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju u l-ammont ta' telf mistenni għall-parti koperta tal-valur tal-iskopertura bl-użu tal-PD, tal-LGD u tal-istess funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk użati għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, u, fejn applikabbli, għandha tuża l-maturità (M) relatata mal-iskopertura sottostanti, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 162.

▼M17

2. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3, iżda mingħajr ma jużaw l-istimi proprji ta' LGD tagħhom għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, għandhom jiddeterminaw l-LGD f'konformità mal-Artikolu 161(1). Għal skoperturi subordinati u għal protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata mhux subordinata, l-LGD li għandu jiġi applikat mill-istituzzjonijiet għall-parti koperta tal-valur tal-iskopertura għandu jkun l-LGD assoċjat ma' pretensjonijiet prijoritarji u l-istituzzjonijiet jistgħu jammontaw għal kwalunkwe protezzjoni ta' kreditu finanzjata li tiggarantixxi l-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

3. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3 billi jużaw l-istimi proprji ta' LGD tagħhom għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, għandhom jikkalkulaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-parti koperta tal-iskopertura sottostanti billi jużaw il-PD, l-LGD u l-istess funzjoni tal-piż tar-riskju bħal dawk użati għal skopertura diretta komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni, u, fejn applikabbli, għandhom jużaw il-maturità (M) relatata mal-iskopertura sottostanti, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 162.

4. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB għal skoperturi diretti komparabbli għall-fornitur tal-protezzjoni billi jużaw il-metodu previst fl-Artikolu 153(5) għandhom jużaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni applikabbli għall-parti koperta tal-iskopertura li jikkorrispondu għal dawk previsti fl-Artikoli 153(5) u 158(6).

5. Għal kwalunkwe parti mhux koperta tal-valur tal-iskopertura (E), l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-piż tar-riskju u t-telf mistenni li jikkorrispondu għall-iskopertura sottostanti. Għall-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 159, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kwalunkwe aġġustament ġenerali jew speċifiku għar-riskju ta' kreditu jew kwalunkwe aġġustament addizzjonali fil-valur f'konformità mal-Artikolu 34 b'rabta man-negozju tal-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni jew tnaqqis ieħor ta' fondi proprji b'rabta mal-iskopertura, għajr it-tnaqqis magħmul f'konformità mal-Artikolu 36(1), il-punt (m), għall-parti mhux koperta tal-valur tal-iskopertura.

▼B

Section 5

Maturity mismatches

Artikolu 237

Diskrepanza fil-maturità

1. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju, diskrepanza fil-maturità sseħħ meta l-maturità reżidwa tal-protezzjoni tal-kreditu tkun inqas minn dik tal-iskopertura protetta. Fejn il-protezzjoni jkollha maturità reżidwa ta' inqas minn tliet xhur u l-maturità tal-protezzjoni tkun inqas mill-maturità tal-iskopertura sottostanti, dik il-protezzjoni ma tikkwalifikax bħala protezzjoni tal-kreditu eliġibbli.

2. Fejn ikun hemm diskrepanza fil-maturità, il-protezzjoni tal-kreditu ma għandhiex tikkwalifika bħala eliġibbli fejn tintlaħaq waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-maturità oriġinali tal-protezzjoni hija inqas minn sena;

▼B

(b) l-iskopertura hija skopertura b'terminu qasir speċifikata mill-awtoritajiet kompetenti li hija soġġetta għal livell minimu ta' ġurnata minflok ta' sena fir-rigward tal-valur tal-maturità (M) skont l-Artikolu 162(3).

Artikolu 238

Maturità tal-protezzjoni tal-kreditu

1. Soġġett għal massimu ta'ħames snin, il-maturità effettiva tal-attività sottostanti għandha tkun l-itwal żmien li jifdal possibbli qabel ma d-debitur ikun skedat li jwettaq l-obbligazzjonijiet tiegħu. Soġġett għall-paragrafu 2, il-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu għandha tkun iż-żmien għall-eqreb data li fiha l-protezzjoni tista' tintemm jew tiġi tterminata.

2. Fejn ikun hemm l-għażla li tiġi tterminata l-protezzjoni li hija fid-diskrezzjoni tal-bejjiegħ tal-protezzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-maturità tal-protezzjoni bħala ż-żmien għall-eqreb data li fiha tista' tiġi eżerċitata l-għażla. Fejn hemm għażla sabiex tiġi tterminata l-protezzjoni u tkun fid-diskrezzjoni tax-xerrej tal-protezzjoni u t-termini tal-arranġament li ħoloq il-protezzjoni jkun fihom inċentiv pożittiv għall-istituzzjoni biex ittermina t-transazzjoni qabel il-maturità kuntrattwali, l-istituzzjoni għandha tieħu l-maturità tal-protezzjoni bħala l-eqreb data li fiha tista' tiġi eżerċitata l-għażla; altrimenti, l-istituzzjoni tista' tikkunsidra li tali għażla ma taffettwax il-maturità tal-protezzjoni.

3. Fejn derivat tal-kreditu mhuwiex projbit milli jiġi tterminat qabel l-iskadenza ta' xi perijodu ta' konċessjoni meħtieġ sabiex isseħħ inadempjenza fuq l-obbligazzjoni sottostanti bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' ħlas, l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-maturità tal-protezzjoni bit-tul taż-żmien tal-perijodu ta' konċessjoni.

Artikolu 239

Valutazzjoni tal-protezzjoni

1. Għal transazzjonijiet soġġetti għall-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu skont il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju, fejn hemm diskrepanza bejn il-maturità tal-iskopertura u l-maturità tal-protezzjoni, il-kollateral ma jikkwalifikax bħala protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu eliġibbli.

2. Għal transazzjonijiet soġġetti għall-protezzjoni ffinanzjata tal-kreditu skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju, l-istituzzjonijiet għandhom jirreflettu l-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu u tal-iskopertura fil-valur aġġustat tal-kollateral skont il-formula li ġejja:

$$C_{VAM} = C_{VA} \cdot \frac{t - t^*}{T - t^*}$$

fejn:

C_{VA} = il-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral kif speċifikat fl-Artikolu 223(2) jew l-amount tal-iskopertura, liema minnhom ikun l-inqas;

▼B

t = huwa l-għadd ta’ snin li jifdal sad-data tal-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu kkalkulat skont l-Artikolu 238, jew il-valur ta’ T, liema minnhom ikun l-inqas;

T = l-għadd ta’ snin li jifdal sad-data tal-maturità tal-iskopertura ikkalkolat skont l-Artikolu 238, jew ħames snin, liema minnhom ikun l-inqas;

t* = 0,25.

L-istituzzjonijiet għandhom jużaw C_{VAM} bħala C_{VA} aġġustat ulterjorment għal diskrepanza fil-maturità fil-formula għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura aġġustat għal kollox (E*) stabbilit fl-Artikolu 223(5).

3. Għal transazzjonijiet soġġetti għall-protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom jirreflettu l-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu u tal-iskopertura fil-valur aġġustat tal-protezzjoni tal-kreditu skont il-formula li ġejja:

$$G_A = G^* \cdot \frac{t - t^*}{T - t^*}$$

fejn:

G_A = G* aġġustat għal kwalunkwe diskrepanza fil-maturità;

G* = l-ammont tal-protezzjoni aġġustat għal kwalunkwe diskrepanza fil-muniti;

t = huwa l-għadd ta’ snin li jifdal sad-data tal-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu kkalkulat skont l-Artikolu 238, jew il-valur ta’ T, liema minnhom ikun l-inqas;

T = huwa l-għadd ta’ snin li jifdal sad-data tal-maturità tal-iskopertura kkalkulat skont l-Artikolu 238, jew ħames snin, liema minnhom ikun l-inqas;

t* = 0,25.

L-istituzzjonijiet għandhom jużaw G_A bħala l-valur tal-protezzjoni għall-finijiet tal-Artikoli 233 sa 236.

▼M17

———

▼M5

KAPITOLU 5

Titolizzazzjoni

Taqsima 1

Definizzjonijiet u kriterji għat-titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati

Artikolu 242

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼M5

(1) “għażla eżerċitabbli eżawrjenti” tfisser għażla kuntrattwali li tintitola lill-oriġinatur sabiex jeżerċita l-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni qabel ma jkunu tħallsu lura l-iskoperturi titolizzati kollha, permezz ta’ riakkwist tal-iskoperturi sottostanti li jifdal fl-aggregazzjoni fil-każ ta’ titolizzazzjonijiet tradizzjonali jew inkella permezz ta’ terminazzjoni tal-protezzjoni ta’ kreditu fil-każ ta’ titolizzazzjonijiet sintetiċi, fiż-żewġ każijiet meta l-ammont ta’ skoperturi sottostanti pendenti jaqa’ f’ċertu livell jew taħt ċertu livell speċifikat minn qabel;

(2) “strip tal-imgħax biss għat-titjib tal-kreditu” tfisser assi fil-karta tal-bilanċ li jirrappreżenta valutazzjoni tal-flussi tal-flus relatati mal-introjtu ta’ marġni futur u huwa segment subordinat fit-titolizzazzjoni;

(3) “faċilità ta’ likwidità” tfisser faċilità ta’ likwidità kif definita fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(4) “pożizzjoni mhux klassifikata” tfisser pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni li ma għandhiex valutazzjoni tal-kreditu eliġibbli f’konformità mat-Taqsima 4;

(5) “pożizzjoni klassifikata” tfisser pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni li għandha valutazzjoni tal-kreditu eliġibbli f’konformità mat-Taqsima 4;

(6) “pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni superjuri” tfisser pożizzjoni appoġġata jew garantita mill-ewwel pretensjoni fuq l-iskoperturi sottostanti kollha, li tinjora, għal dawn il-finijiet, l-ammonti dovuti taħt ir-rata tal-imgħax jew kuntratti derivattivi tal-muniti, miżati jew pagamenti simili oħrajn, u irrispettivament minn kwalunkwe differenza fil-maturità ma’ segment superjuri wieħed jew aktar li magħhom dik il-pożizzjoni tikkondividi telf pro-rata;

(7) “aggregazzjoni ta’ IRB” tfisser aggregazzjoni ta’ skoperturi sottostanti ta’ tip li fir-rigward tagħha l-istituzzjoni għandha permess li tuża l-Approċċ IRB u tista’ tikkalkula l-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskji skont il-Kapitolu 3 għal dawn l-iskoperturi kollha;

(8) “aggregazzjoni mħallta” tfisser aggregazzjoni ta’ skoperturi sottostanti ta’ tip li fir-rigward tagħha l-istituzzjoni għandha permess li tuża l-Approċċ IRB u tista’ tikkalkula l-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskji skont il-Kapitolu 3 għal uħud mill-iskoperturi, iżda mhux għal kollha kemm huma;

(9) “sovrakollateralizzazzjoni” tfisser kull forma ta’ titjib tal-kreditu li permezz tagħha jiġu ppreżentati skoperturi sottostanti f’valur ogħla mill-valur tal-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni;

(10) “titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata” jew “titolizzazzjoni STS” tfisser titolizzazzjoni li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(11) “programm ta’ karti kummerċjali garantiti b’assi” jew “programm ABCP” tfisser programm ta’ karti kummerċjali garantiti b’assi jew programm ABCP kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

▼M5

(12) “tranżazzjoni ta’ karti kummerċjali garantiti b’assi” jew “tranżazzjoni ABCP” tfisser tranżazzjoni ta’ karti kummerċjali garantiti b’assi jew tranżazzjoni ABCP kif definita fil-punt (8) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(13) “titolizzazzjoni tradizzjonali” tfisser titolizzazzjoni tradizzjonali kif definita fil-punt (9) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(14) “titolizzazzjoni sintetika” tfisser titolizzazzjoni sintetika kif definita fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(15) “skopertura ċirkolanti” tfisser skopertura ċirkolanti kif definita fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(16) “klawżola ta’ ammortizzament antiċipat” tfisser klawżola ta’ ammortizzament antiċipat kif definita fil-punt (17) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(17) “segment tal-ewwel telf” tfisser segment tal-ewwel telf kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

(18) “pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni intermedja” tfisser pożizzjoni fit-titolizzazzjoni li tkun subordinata għall-pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni superjuri u għandha pożizzjoni ogħla mis-segment tal-ewwel telf, u li tkun soġġetta għal ponderazzjoni tar-riskju aktar baxxa minn 1 250 % u ogħla minn 25 % skont is-Subtaqsimiet 2 u 3 tat-Taqsima 3;

(19) “entità promozzjonali” tfisser kwalunkwe impriża jew entità stabbilita mill-gvern ċentrali, reġjonali jew lokali ta’ Stat Membru, li tagħti self promozzjonali jew tagħti garanziji promozzjonali, li l-għan ewlieni tagħha mhuwiex li jsir qligħ jew li jiżdied kemm jista’ jkun is-sehem mis-suq iżda li jiġu promossi l-objettivi tal-politika pubblika ta’ dak il-gvern, bil-kondizzjoni li, soġġett għal regoli dwar għajnuna mill-Istat, dak il-gvern ikollu l-obbligu li jipproteġi l-bażi ekonomika tal-impriża jew l-entità u jżomm il-vijabbiltà tagħha matul ħajjitha, jew li tal-anqas 90 % tal-kapital jew il-finanzjament oriġinali tagħha jew is-self promozzjonali mogħti minnha jkun direttament jew indirettament garantit mill-gvern ċentrali, reġjonali jew lokali tal-Istat Membru;

▼M13

(20) “marġni pożittiv sintetiku” tfisser marġni pożittiv sintetiku kif definit fil-punt (29) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402.

▼M5

Artikolu 243

Kriterji għat-titolizzazzjonijiet STS li jikkwalifikaw għal trattament kapitali differenzjat

1. Il-pożizzjonijiet fi programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP li jikkwalifikaw bħala pożizzjonijiet f’titolizzazzjoni STS għandhom ikunu eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikoli 260, 262 u 264, meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M5

(a) l-iskoperturi sottostanti jissodisfaw, fil-mument tal-inklużjoni tagħhom fil-programm ABCP, sa fejn jaf l-oriġinatur jew il-mutwanti oriġinali, il-kondizzjonijiet li taħthom jiġu assenjati, skont l-Approċċ Standardizzat u b'kunsiderazzjoni ta' kwalunkwe mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu eliġibbli, piż ta' riskju ugwali għal jew iżgħar minn 75 % fuq bażi ta' skopertura individwali meta l-iskopertura tkun fil-livell tal-konsumatur jew 100 % għal kull skopertura oħra; u

(b) il-valur aggregat tal-iskoperturi kollha lil obbligant waħdieni fil-livell tal-programm ABCP ma jaqbiżx it-2 % tal-valur aggregat tal-iskoperturi kollha fil-programm ABCP fil-mument li żdiedu l-iskoperturi fil-programm ABCP. Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, is-self jew il-kirjiet lil grupp ta' klijenti konnessi, sa fejn jaf l-isponsor, għandhom jitqiesu bħala skoperturi lil obbligant waħdieni.

▼M9

Fil-każ ta' riċevibbli tan-negozju, il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma japplikax meta r-riskju tal-kreditu ta' dawk ir-riċevibbli tan-negozju jkun kopert b'mod sħiħ mill-protezzjoni tal-kreditu eliġibbli b'konformità mal-Kapitolu 4, dment li, f'dak il-każ, il-fornitur tal-protezzjoni jkun istituzzjoni, ditti tal-investiment, impriża tal-assigurazzjoni jew impriża tar-riassigurazzjoni.

▼M5

Fil-każ ta' valuri residwi titolizzati tal-kiri, il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma għandux japplika fejn dawk il-valuri ma jkunux esposti għar-riskju ta' rifinanzjament jew bejgħ mill-ġdid minħabba impenn legalment infurzabbli ta' xiri mill-ġdid jew rifinanzjament tal-iskopertura f'ammont stabbilit minn qabel minn parti terza eliġibbli skont l-Artikolu 201(1).

Permezz ta' deroga mill-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, fejn istituzzjoni tapplika l-Artikolu 248(3), jew tkun ingħatat il-permess biex tapplika l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna f'konformità mal-Artikolu 265, il-piż tar-riskju li dik l-istituzzjoni tassenja għal faċilità ta' likwidità li tkopri kompletament l-ABCP maħruġa taħt il-programm huwa ugwali għal 100 % jew inqas;

2. Il-pożizzjonijiet f'titolizzazzjoni, għajr programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP, li jikkwalifikaw bħala pożizzjonijiet f'titolizzazzjoni STS, għandhom ikunu eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikoli 260, 262 u 264, meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) fil-mument tal-inklużjoni fit-titolizzazzjoni, il-valur aggregat tal-iskoperturi kollha lil obbligant waħdieni fil-aggregazzjoni ma jaqbiżx it-2 % tal-valuri tal-iskopertura tal-valuri aggregati tal-iskoperturi pendenti tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti. Għall-finijiet ta' dan il-kalkolu, is-self jew il-kirjiet lil grupp ta' klijenti konnessi għandhom jitqiesu bħala skoperturi lil obbligant waħdieni.

Fil-każ ta' valuri residwi titolizzati tal-kiri, l-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt ma għandux japplika fejn dawk il-valuri ma jkunux esposti għar-riskju ta' rifinanzjament jew bejgħ mill-ġdid minħabba impenn legalment infurzabbli ta' xiri mill-ġdid jew rifinanzjament tal-iskopertura f'ammont stabbilit minn qabel minn parti terza eliġibbli skont l-Artikolu 201(1);

▼M5

(b) fil-mument tal-inklużjoni tagħhom fit-titolizzazzjoni, l-iskoperturi sottostanti jissodisfaw il-kondizzjonijiet li taħthom jiġu assenjati, skont l-Approċċ Standardizzat u b'kunsiderazzjoni ta' kull mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu eliġibbli, piż ta' riskju ugwali għal jew iżgħar minn:

(i) 40 % fuq bażi medja ponderata għall-valur tal-iskopertura għall-portafoll meta l-iskoperturi jkunu self garantit minn ipoteki residenzjali jew self residenzjali garantiti kompletament, kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 129(1);

(ii) 50 % fuq bażi ta' skopertura individwali meta l-iskopertura tkun self garantit minn ipoteka kummerċjali;

(iii) 75 % fuq bażi ta' skopertura individwali meta l-iskopertura tkun waħda fil-livell tal-konsumaturi;

(iv) għal skoperturi oħrajn, 100 % fuq bażi ta' skopertura individwali;

(c) meta japplikaw il-punti (b)(i) u (b)(ii), is-self garantit minn drittijiet ta' garanzija fi klassifikazzjoni aktar baxxa fuq assi partikolari għandu jiġi inkluż biss fit-titolizzazzjoni meta jkun ġie inkluż fit-titolizzazzjoni wkoll is-self kollu garantit minn drittijiet ta' garanzija fi klassifikazzjoni preċedenti fuq dak l-assi;

(d) meta japplika l-punt (b)(i) ta' dan il-paragrafu, ebda self fl-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti ma għandu jkollu proporzjon bejn is-self u l-valur ogħla minn 100 %, fil-mument tal-inklużjoni fit-titolizzazzjoni, imkejjel skont il-punt (d)(i) tal-Artikolu 129(1) u l-Artikolu 229(1).

Taqsima 2

Rikonoxximent ta' trasferiment ta' riskju sinifikanti

Artikolu 244

Titolizzazzjoni tradizzjonali

1. L-istituzzjoni oriġinatriċi ta' titolizzazzjoni tradizzjonali tista' teskludi skoperturi sottostanti mill-kalkolu tagħha tal-ammonti ta' skopertura ponderati għar-riskju u, fejn rilevanti, l-ammonti tat-telf mistenni jekk tiġi ssodisfata xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-riskju tal-kreditu sinifikanti assoċjat mal-iskoperturi sottostanti jkun ġie ttrasferit lil partijiet terzi;

(b) l-istituzzjoni oriġinatriċi tapplika piż ta' riskju ta' 1 250 % għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kollha li għandha fit-titolizzazzjoni jew tnaqqas dawn il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mill-entrati tal-Grad 1 tal-Ekwità Komuni skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1).

2. Riskju tal-kreditu sinifikanti għandu jitqies bħala li ġie ttrasferit f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

▼M5

(a) l-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskju tal-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni intermedja mħaddna mill-istituzzjoni oriġinatriċi fit-titolizzazzjoni ma jaqbżux il-50 % tal-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskju tal-pożizzjonijiet kollha ta’ titolizzazzjoni intermedja li jeżistu f’din it-titolizzazzjoni;

(b) l-istituzzjoni oriġinatriċi ma żżommx aktar minn 20 % tal-valur tal-iskopertura tas-segment tal-ewwel telf fit-titolizzazzjoni, bil-kondizzjoni li jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-oriġinatur jista’ juri li l-valur tal-iskopertura tas-segment tal-ewwel telf jaqbeż stima raġunata tat-telf mistenni fuq l-iskoperturi sottostanti b’marġni sostanzjali;

(ii) ma hemmx pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni intermedji.

Meta t-tnaqqis possibbli fl-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskju, li l-istituzzjoni oriġinatriċi tikseb permezz tat-titolizzazzjoni skont il-punti (a) jew (b), ma jkunx ġustifikat minn trasferiment proporzjonat ta’ riskju tal-kreditu lil partijiet terzi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu fuq bażi ta’ każ b’każ li ma għandux jitqies bħala li ġie ttrasferit riskju tal-kreditu sinifikanti lil partijiet terzi.

3. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet oriġinaturi jirrikonoxxu trasferiment ta’ riskju tal-kreditu sinifikanti fir-rigward ta’ titolizzazzjoni meta l-istituzzjoni oriġinatriċi turi f’kull każ li t-tnaqqis fir-rekwiżiti tal-fondi proprji miksub mill-oriġinatriċi permezz tat-titolizzazzjoni huwa ġustifikat minn trasferiment proporzjonat ta’ riskju tal-kreditu lil partijiet terzi. Il-permess jista’ jingħata biss meta l-istituzzjoni tissodisfa iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni jkollha politiki u metodoloġiji adegwati għall-ġestjoni tar-riskji interni sabiex tkun tista’ tivvaluta t-trasferiment tar-riskju tal-kreditu;

(b) l-istituzzjoni tkun irrikonoxxiet ukoll it-trasferiment tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi f’kull każ għall-finijiet tal-immaniġġar tar-riskji interni tal-istituzzjoni u l-allokazzjoni interna tal-kapital tagħha.

4. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi minn 1, 2 u 3, għandhom jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tirrifletti s-sustanza ekonomika tat-titolizzazzjoni;

(b) il-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni ma jkunux jikkostitwixxu obbligi ta’ ħlas tal-istituzzjoni oriġinatriċi;

(c) l-iskoperturi sottostanti jitpoġġew f’pożizzjonijiet li ma jkunux jistgħu jintlaħqu mill-istituzzjoni oriġinatriċi u mill-krediturі tagħha b’tali mod li jiġi ssodisfat ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402;

▼M5

(d) l-istituzzjoni oriġinatriċi ma jkollhiex kontroll fuq l-iskoperturi sottostanti. Jiġi kkunsidrat li jinżamm il-kontroll fuq l-iskoperturi sottostanti meta l-oriġinatur ikollu d-dritt li jixtri lura mingħand iċ-ċessjonarju l-iskoperturi li jkunu ġew ittrasferiti qabel sabiex ikun jista' jieħu l-benefiċċji tagħhom jew jekk dan ikun meħtieġ b'mod ieħor sabiex jirriassumi riskju ttrasferit. Iż-żamma mill-istituzzjoni oriġinatriċi tad-drittijiet jew tal-obbligi tal-ġestjoni (servicing) fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti minnha nnifisha ma tikkostitwixxix kontroll tal-iskoperturi;

(e) id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni ma jkunx fiha termini jew kondizzjonijiet li:

(i) jitolbu lill-istituzzjoni oriġinatriċi tbiddel l-iskoperturi sottostanti sabiex ittejjeb il-kwalità medja tal-aggregazzjoni; jew

(ii) iżidu r-rendiment pagabbli lid-detenturi tal-pożizzjonijiet jew altrimenti jtejbu l-pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni b'reazzjoni għal deterjorament fil-kwalità kreditizja tal-iskoperturi sottostanti;

(f) fejn applikabbli, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tagħmilha ċara li l-oriġinatur jew l-isponsor jistgħu biss jixtru jew jixtru lura pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, jew inkella jixtru lura, jirristrutturaw jew jissostitwixxu l-iskoperturi sottostanti lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tagħhom meta tali arranġamenti jiġu esegwiti skont il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq u l-partijiet għalihom jaġixxu fl-interess tagħhom stess bħala partijiet liberi u indipendenti (f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta);

(g) fejn hemm għażla eżerċitabbli eżawrjenti, dik l-għażla għandha tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) tista' tiġi eżerċitata skont id-diskrezzjoni tal-istituzzjoni oriġinatriċi;

(ii) tista' tiġi eżerċitata biss meta 10 % jew inqas tal-valur oriġinali tal-iskoperturi sottostanti jibqa' mhux ammortizzat;

(iii) ma tkunx strutturata biex tevita l-allokazzjoni tat-telf għall-pożizzjonijiet ta' titjib tal-kreditu jew għal pożizzjonijiet oħrajn imħaddna mill-investituri fit-titolizzazzjoni, u ma tkunx strutturata b'mod ieħor biex tipprovdi titjib tal-kreditu;

(h) l-istituzzjoni oriġinatriċi rċeviet opinjoni minn professjonist legali kkwalifikat li tikkonferma li t-titolizzazzjoni hija konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-EBA b'dawk il-każijiet fejn ikunu ddeċidew li t-tnaqqis possibbli fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju ma kienx ġustifikat minn trasferiment proporzjonat ta' riskju tal-kreditu lil partijiet terzi skont il-paragrafu 2, kif ukoll b'dawk il-każijiet fejn l-istituzzjonijiet ikunu għażlu li japplikaw il-paragrafu 3.

6. L-EBA għandha timmonitorja l-firxa ta' prattiki superviżorji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' trasferiment ta' riskju sinifikanti f'titolizzazzjonijiet tradizzjonali skont dan l-Artikolu. B'mod partikolari, l-EBA għandha tirrieżamina:

▼M5

(a) il-kondizzjonijiet għat-trasferiment ta' riskju tal-kreditu sinifikanti lil partijiet terzi f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4;

(b) l-interpretazzjoni ta' "trasferiment proporzjonat tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi" għall-finijiet tal-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti prevista fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3;

(c) ir-rekwiżiti għal valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjonijiet li fir-rigward tagħhom l-oriġinatur ifittex rikonoxximent ta' trasferiment ta' riskju tal-kreditu sinifikanti lil partijiet terzi skont il-paragrafu 2 jew 3.

L-EBA għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni sat-2 ta' Jannar 2021. Il-Kummissjoni tista' tadotta, wara li tkun ikkunsidrat ir-rapport mill-EBA, att delegat skont l-Artikolu 462, biex tissupplementa dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar l-elementi elenkati fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 245

Titolizzazzjoni sintetika

1. L-istituzzjoni oriġinatriċi ta' titolizzazzjoni sintetika tista' tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskji u, fejn rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti skont l-Artikoli 251 u 252 meta tiġi ssodisfata xi waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun ġie ttrasferit riskju tal-kreditu sinifikanti lil partijiet terzi permezz ta' protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata jew mhux iffinanzjata;

(b) l-istituzzjoni oriġinatriċi tapplika piż ta' riskju ta' 1 250 % għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kollha li hija żżomm fit-titolizzazzjoni jew tnaqqas dawn il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni mill-Grad 1 tal-Ekwità Komuni skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1).

2. Riskju tal-kreditu sinifikanti għandu jitqies bħala li ġie ttrasferit f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni intermedja mħaddna mill-istituzzjoni oriġinatriċi fit-titolizzazzjoni ma jaqbżux il-50 % tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju tal-pożizzjonijiet kollha ta' titolizzazzjoni intermedja li jeżistu f'din it-titolizzazzjoni;

(b) l-istituzzjoni oriġinatriċi ma żżommx aktar minn 20 % tal-valur tal-iskopertura tas-segment tal-ewwel telf fit-titolizzazzjoni, bil-kondizzjoni li jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-oriġinatur jista' juri li l-valur tal-iskopertura tas-segment tal-ewwel telf jaqbeż stima raġunata tat-telf mistenni fuq l-iskoperturi sottostanti b'marġni sostanzjali;

▼M5

(ii) ma hemmx pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni intermedja.

Meta t-tnaqqis possibbli fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, li l-istituzzjoni oriġinatriċi tikseb permezz tat-titolizzazzjoni, ma jkunx ġustifikat minn trasferiment proporzjonat tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu, fuq bażi ta' każ b'każ, li ma għandux jitqies bħala li ġie ttrasferit riskju tal-kreditu sinifikanti lil partijiet terzi.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet oriġinaturi jirrikonoxxu trasferiment ta' riskju tal-kreditu sinifikanti fir-rigward ta' titolizzazzjoni meta l-istituzzjoni oriġinatriċi turi f'kull każ li t-tnaqqis fir-rekwiżiti tal-fondi proprji miksub mill-oriġinatriċi permezz tat-titolizzazzjoni huwa ġustifikat minn trasferiment proporzjonat ta' riskju tal-kreditu lil partijiet terzi. Il-permess jista' jingħata biss meta l-istituzzjoni tissodisfa ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni jkollha politiki u metodoloġiji adegwati għall-immaniġġar tar-riskji interni sabiex tivvaluta t-trasferiment tar-riskju;

(b) l-istituzzjoni tkun irrikonoxxiet ukoll it-trasferiment tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi f'kull każ għall-finijiet tal-immaniġġar tar-riskji interni tal-istituzzjoni u l-allokazzjoni interna tal-kapital tagħha.

4. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi minn 1, 2 u 3, għandhom jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tkun tirrifletti s-sustanza ekonomika tat-titolizzazzjoni;

(b) il-protezzjoni tal-kreditu li permezz tagħha jiġi ttrasferit ir-riskju tal-kreditu tkun konformi mal-Artikolu 249;

(c) id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni ma jkunx fiha termini jew kondizzjonijiet li:

(i) jimponu livelli limiti ta' materjalità sinifikanti li inqas minnhom il-protezzjoni tal-kreditu titqies bħala li ma tiġix attivata jekk iseħħ avveniment ta' kreditu;

(ii) jippermettu li l-protezzjoni tiġi fi tmiemha minħabba d-deterjorament tal-kwalità kreditizja tal-iskoperturi sottostanti;

(iii) jitolbu lill-istituzzjoni oriġinatriċi tbiddel il-kompożizzjoni tal-iskoperturi sottostanti sabiex ittejjeb il-kwalità medja tal-aggregazzjoni; jew

(iv) iżidu l-kost tal-protezzjoni tal-kreditu għall-istituzzjoni jew ir-rendiment pagabbli lid-detenturi ta' pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni b'reazzjoni għal deterjorament fil-kwalità kreditizja tal-aggregazzjoni sottostanti;

(d) il-protezzjoni tal-kreditu hija infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet rilevanti kollha;

▼M5

(e) fejn applikabbli, id-dokumentazzjoni tat-tranżazzjoni tagħmilha ċara li l-oriġinatur jew l-isponsor jistgħu biss jixtru jew jixtru lura pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, jew inkella jixtru lura, jirristrutturaw jew jissostitwixxu l-iskoperturi sottostanti lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tagħhom meta tali arranġamenti jiġu esegwiti skont il-kundizzjonijiet prevalenti tas-suq u l-partijiet għalihom jaġixxu fl-interess tagħhom stess bħala partijiet liberi u indipendenti (f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta);

(f) fejn hemm għażla eżerċitabbli eżawrjenti, din l-għażla tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) tista' tiġi eżerċitata skont id-diskrezzjoni tal-istituzzjoni oriġinatriċi;

(ii) tista' tiġi eżerċitata biss meta 10 % jew inqas tal-valur oriġinali tal-iskoperturi sottostanti jibqa' mhux ammortizzat;

(iii) ma tkunx strutturata biex tevita l-allokazzjoni tat-telf għall-pożizzjonijiet ta' titjib tal-kreditu jew għal pożizzjonijiet oħrajn imħaddna mill-investituri fit-titolizzazzjoni, kif ukoll ma tkunx strutturata b'mod ieħor biex tipprovdi titjib tal-kreditu;

(g) l-istituzzjoni oriġinatriċi rċeviet opinjoni minn professjonist legali kkwalifikat li tikkonferma li t-titolizzazzjoni hija konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu;

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-EBA b'dawk il-każijiet fejn ikunu ddeċidew li t-tnaqqis possibbli fl-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju ma kienx ġustifikat minn trasferiment proporzjonat ta' riskju tal-kreditu lil partijiet terzi skont il-paragrafu 2, kif ukoll b'dawk il-każijiet fejn l-istituzzjonijiet ikunu għażlu li japplikaw il-paragrafu 3.

6. L-EBA għandha timmonitorja l-firxa ta' prattiki superviżorji fir-rigward tar-rikonoxximent ta' trasferiment ta' riskju sinifikanti f'titolizzazzjonijiet sintetiċi skont dan l-Artikolu. B'mod partikolari, l-EBA għandha tirrieżamina:

(a) il-kondizzjonijiet għat-trasferiment ta' riskju tal-kreditu sinifikanti lil partijiet terzi f'konformità mal-paragrafi 2, 3 u 4;

(b) l-interpretazzjoni ta' "trasferiment proporzjonat tar-riskju tal-kreditu lil partijiet terzi" għall-finijiet tal-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti prevista fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 u fil-paragrafu 3; u

(c) ir-rekwiżiti għal valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjonijiet li fir-rigward tagħhom l-oriġinatur ifittex rikonoxximent ta' trasferiment sinifikanti ta' riskju tal-kreditu lil partijiet terzi skont il-paragrafu 2 jew 3.

▼M5

L-EBA għandha tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni sat-2 ta' Jannar 2021. Il-Kummissjoni tista' tadotta, wara li tkun ikkunsidrat ir-rapport mill-EBA, att delegat skont l-Artikolu 462, biex tissupplementa dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar l-elementi elenkati fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 246

Rekwiżiti operattivi għal klawżoli ta' ammortizzament antiċipat

Meta t-titolizzazzjoni tkun tinkludi skoperturi ċirkolanti u klawżoli ta' ammortizzament antiċipat jew klawżoli simili, għandu jiġi kkunsidrat li ġie ttrasferit riskju tal-kreditu sinifikanti mill-istituzzjoni oriġinatriċi biss meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikoli 244 u 245 u meta l-klawżola ta' ammortizzament antiċipat, ladarba tiġi attivata:

(a) ma twassalx għal subordinazzjoni tal-pretensjoni superjuri jew pari passu tal-istituzzjoni fuq l-iskoperturi sottostanti għall-pretensjonijiet tal-investituri l-oħrajn;

(b) ma twassalx għal subordinazzjoni ulterjuri tal-pretensjoni tal-istituzzjoni fuq l-iskoperturi sottostanti relattivi għall-pretensjonijiet tal-partijiet l-oħrajn; jew

(c) ma żżidx b'mod ieħor l-iskopertura tal-istituzzjoni għat-telf assoċjat mal-iskoperturi ċirkolanti sottostanti.

Taqsima 3

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju

Subtaqsima 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 247

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju

1. Meta istituzzjoni oriġinatriċi tkun ittrasferiet riskju tal-kreditu sinifikanti assoċjat mal-iskoperturi sottostanti tat-titolizzazzjoni skont it-Taqsima 2, dik l-istituzzjoni tista:

(a) fil-każ ta' titolizzazzjoni tradizzjonali, teskludi l-iskoperturi sottostanti mill-kalkolu tagħha tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju u, fejn rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija;

(b) fil-każ ta' titolizzazzjoni sintetika, tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju u, fejn rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija, fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti skont l-Artikoli 251 u 252.

2. Meta l-istituzzjoni oriġinatriċi tkun iddeċidiet li tapplika l-paragrafu 1, hija għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju kif stabbilit f'dan il-Kapitolu għall-pożizzjonijiet li jista' jkollha fit-titolizzazzjoni.

▼M5

Fejn l-istituzzjoni oriġinatriċi ma tkunx ittrasferiet riskju tal-kreditu sinifikanti jew tkun iddeċidiet li ma tapplikax il-paragrafu 1, din ma tkunx meħtieġa tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal xi pożizzjoni li jista' jkollha fit-titolizzazzjoni iżda għandha tkompli tinkludi l-iskoperturi sottostanti fil-kalkoli tagħha tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju u, fejn rilevanti, ammonti ta' telf mistennija daqs li kieku ma kinux ġew titolizzati.

3. Meta jkun hemm skopertura għal pożizzjonijiet f'segmenti differenti f'titolizzazzjoni, l-iskopertura għal kull segment għandha tiġi kkunsidrata bħala pożizzjoni ta' titolizzazzjoni separata. Il-fornituri tal-protezzjoni ta' kreditu għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom jitqiesu bħala li għandhom pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni. Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom jinkludu skoperturi għal titolizzazzjoni li jirriżultaw minn kuntratti derivattivi tal-munita jew tar-rata tal-imgħax li l-istituzzjoni tkun daħlet fihom permezz tat-tranżazzjoni.

4. Sakemm pożizzjoni ta' titolizzazzjoni ma tkunx imnaqqsa mill-entrati tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1), l-ammont ta' skoperturi ponderati għar-riskju għandu jiġi inkluż fl-ammonti totali ta' skoperturi ponderati għar-riskju tal-istituzzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 92(3).

5. L-ammont ta' skoperturi ponderati għar-riskju ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkolat billi l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni, ikkalkolat kif stabbilit fl-Artikolu 248, jiġi mmultiplikat bil-piż tar-riskju totali rilevanti.

6. Il-piż tar-riskju totali għandu jiġi ddeterminat bħala s-somma tal-piż tar-riskju stabbilit f'dan il- Kapitolu u kwalunkwe piż tar-riskju addizzjonali skont l-Artikolu 270a.

Artikolu 248

Valur tal-iskopertura

1. Il-valur ta' skopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-karta tal-bilanċ għandu jkun il-valur tal-kontabbiltà tagħha wara li jkun ġie applikat kwalunkwe aġġustament speċifiku għar-riskju tal-kreditu rilevanti fuq il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 110;

(b) il-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ huwa l-valur nominali tagħha nieqes kwalunkwe aġġustament speċifiku għar-riskju tal-kreditu rilevanti fuq il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni skont l-Artikolu 110, immultiplikat bil-fattur ta' konverżjoni rilevanti kif stabbilit f'dan il-punt. Il-fattur ta' konverżjoni għandu jkun ta' 100 %, ħlief fil-każ ta' faċilitajiet ta' avvanz ta' flus. Sabiex jiġi determinat il-valur tal-iskopertura tal-porzjon mhux miġbud tal-faċilitajiet ta' avvanz ta' flus, jista' jiġi applikat fattur ta' konverżjoni ta' 0 % għall-ammont nominali ta' faċilità ta' likwidità li jkun kanċellabbli inkondizzjonalment dment li r-ripagamenti tal-ġbid mill-faċilità jkunu superjuri għal kull pretensjoni oħra fuq il-flussi tal-flus li jirriżultaw mill-iskoperturi sottostanti, u l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li hija qed tapplika metodu konservattiv xieraq biex jitkejjel l-ammont tal-porzjon mhux miġbud;

▼M5

(c) il-valur tal-iskopertura għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti fir-rigward ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li tirriżulta minn strument derivattiv elenkat fl-Anness II għandu jiġi ddeterminat skont il-Kapitolu 6;

(d) istituzzjoni oriġinatriċi tista' tnaqqas mill-valur tal-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li tkun assenjata piż tar-riskju ta' 1 250 % skont is-Subtaqsima 3 jew imnaqqsa mill-Grad 1 tal-Ekwità Komuni skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1), l-ammont tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju tal-kreditu fuq l-iskoperturi sottostanti skont l-Artikolu 110, u kull skont mhux rimborżabbli fil-prezz tax-xiri marbut ma' dawn l-iskoperturi sottostanti sa fejn tali skonti kkawżaw it-tnaqqis tal-fondi proprji;

▼M13

(e) Il-valur tal-iskopertura ta' marġni pożittiv sintetiku għandu jinkludi, kif applikabbli, l-elementi li ġejjin:

(i) kwalunkwe introjtu mill-iskoperturi titolizzati diġà rikonoxxuti mill-istituzzjoni oriġinatriċi fid-dikjarazzjoni tad-dħul tagħha fl-ambitu tal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli li l-istituzzjoni oriġinatriċi kuntrattwalment allokat għat-tranżazzjoni bħala marġni pożittiv sintetiku u li jkun għadu disponibbli biex jassorbi t-telf;

(ii) kwalunkwe marġni pożittiv sintetiku li jkun kuntrattwalment allokat mill-istituzzjoni oriġinatriċi fi kwalunkwe perjodu preċedenti u li jkun għadu disponibbli biex jassorbi t-telf;

(iii) kwalunkwe marġni pożittiv sintetiku li jkun kuntrattwalment allokat mill-istituzzjoni oriġinatriċi għall-perjodu attwali u li jkun għadu disponibbli biex jassorbi t-telf;

(iv) kwalunkwe marġni pożittiv sintetiku kuntrattwalment allokat mill-istituzzjoni oriġinatriċi għal perjodi futuri.

Għall-finijiet ta' dan il-punt, kwalunkwe ammont ipprovdut bħala kollateral jew titjib tal-kreditu fir-rigward tat-titolizzazzjoni sintetika u li jkun diġà soġġett għal rekwiżit ta' fondi proprji skont dan il-Kapitolu ma għandux jiġi inkluż fil-valur tal-iskopertura.

▼M5

L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika x'jikkostitwixxi metodu konservattiv xieraq għall-kejl tal-ammont tal-porzjon mhux miġbud imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Jannar 2019.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

2. Meta istituzzjoni jkollha żewġ pożizzjonijiet sovraposti jew aktar f'titolizzazzjoni, hija għandha tinkludi waħda biss mill-pożizzjonijiet fil-kalkolu tagħha tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju.

▼M5

Fejn il-pożizzjonijiet huma parzjalment sovraposti, l-istituzzjoni tista' taqsam il-pożizzjoni f'żewġ partijiet u tirrikonoxxi s-sovrapożizzjoni fir-rigward ta' parti waħda biss f'konformità mal-ewwel subparagrafu. Alternattivament, l-istituzzjoni tista' tittratta l-pożizzjonijiet daqslikieku kienu sovraposti b'mod sħiħ billi tespandi għall-finijiet tal-kalkolu tal-kapital, il-pożizzjoni li tipproduċi l-ogħla ammonti ta' skoperturi ponderati skont ir-riskju.

L-istituzzjoni tista' tirrikonoxxi wkoll sovrapożizzjoni bejn ir-rekwiżiti speċifiċi tal-fondi proprji f'riskju għall-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar u r-rekwiżiti tal-fondi proprji għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar, diment li l-istituzzjoni tkun tista' tikkalkula u tqabbel ir-rekwiżiti tal-fondi proprji għall-pożizzjonijiet rilevanti.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, żewġ pożizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala sovraposti meta jkunu fi tpaċija reċiproka b'tali mod li l-istituzzjoni tkun tista' tipprekludi t-telf li jirriżulta minn pożizzjoni waħda billi tesegwixxi l-obbligi meħtieġa taħt il-pożizzjoni l-oħra.

3. Meta l-punt (d) tal-Artikolu 270c japplika għal pożizzjonijiet fl-ABCP, l-istituzzjoni tista' tuża l-piż tar-riskju assenjat lil faċilità ta' likwidità sabiex tikkalkula l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju għall-ABCP, dment li l-faċilità tal-likwidità tkopri 100 % tal-ABCP maħruġa mill-programm ABCP u l-faċilità tal-likwidità tikklassifika *pari passu* mal-ABCP b'mod li jifformaw pożizzjoni sovraposta. L-istituzzjoni għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti meta tkun applikat id-dispożizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu. Sabiex tiddetermina l-kopertura ta' 100 % stabbilita f'dan il-paragrafu, l-istituzzjoni tista' tqis faċilitajiet ta' likwidità oħrajn fil-programm ABCP, dment li huma jifformaw pożizzjoni sovraposta mal-ABCP.

▼M13

4. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet oriġinaturi jridujiddeterminaw il-valur tal-iskopertura msemmi fil-punt (da) tal-paragrafu 1, b'kont meħud tat-telf rilevanti mistenni li jkun kopert mill-marġni pożittiv sintetiku.

L-EBA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Ottubru 2021.

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M5

Artikolu 249

Rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni

1. Istituzzjoni tista' tirrikonoxxi protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata jew mhux iffinanzjata fir-rigward ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni meta jiġu ssodisfati r-rekwiżiti għall-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu stabbiliti f'dan il-Kapitolu u fil-Kapitolu 4.

▼M5

2. Il-protezzjoni ta' kreditu ffinanzjata eliġibbli tkun limitata għal kollateral finanzjarju li huwa eliġibbli għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont il-Kapitolu 2, kif stipulat fil-Kapitolu 4, u r-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu għandu jkun soġġett għal konformità mar-rekwiżiti rilevanti, kif stipulat fil-Kapitolu 4.

Il-protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata eliġibbli u l-forniturі ta' tali protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata jkunu limitati għal dawk li huma eliġibbli skont il-Kapitolu 4 u r-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu jkun soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti rilevanti, kif stipulat fil-Kapitolu 4.

▼M13

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-forniturі eliġibbli ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata elenkati fil-punt (g) tal-Artikolu 201(1) għandhom ikunu ġew assenjati valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxuta li kienet skala 2 jew aktar tal-kwalità kreditizja fil-mument meta l-protezzjoni ta' kreditu kienet rikonoxxuta għall-ewwel darba u li attwalment tkun skala 3 jew aktar tal-kwalità kreditizja.

▼M5

L-istituzzjonijiet li huma permessi japplikaw l-Approċċ IRB għal skopertura diretta għall-fornitur tal-protezzjoni jistgħu jivvalutaw l-eliġibbiltà skont l-ewwel subparagrafu abbażi tal-ekwivalenza tal-PD għall-fornitur tal-protezzjoni għall-PD assoċjat mal-iskali tal-kwalità kreditizja msemmija fl-Artikolu 136.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, l-SSPEs ikunu forniturі ta' protezzjoni eliġibbli meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-SSPE jkollha assi li jikkwalifikaw bħala kollateral finanzjarju eliġibbli skont il-Kapitolu 4;

(b) l-assi msemmija fil-punt (a) ma jkunux soġġetti għal pretensjonijiet jew pretensjonijiet kontinġenti li jikklassifikaw quddiem jew pari passu mal-pretensjoni jew mal-pretensjoni kontinġenti tal-istituzzjoni li tirċievi protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata; u

(c) jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha għar-rikonoxximent tal-kollateral finanzjarju stabbiliti fil-Kapitolu 4.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-ammont tal-protezzjoni aġġustat għal kwalunkwe diskrepanzi fil-munita u fil-maturità (Ga) skont il-Kapitolu 4 għandu jkun limitat għall-valur tas-suq aġġustat għall-volatilità ta' dawk l-assi, filwaqt li l-piż tar-riskju tal-iskoperturi għall-fornitur tal-protezzjoni, kif speċifikat skont l-Approċċ Standardizzat (g), għandu jiġi ddeterminat bħala l-piż tar-riskju medju ponderat li japplika għal dawk l-assi bħala kollateral finanzjarju skont l-Approċċ Standardizzat.

6. Meta pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tibbenifika minn protezzjoni sħiħa tal-kreditu jew protezzjoni parzjali tal-kreditu fuq bażi pro-rata, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni li tipprovdi protezzjoni tal-kreditu għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għall-porzjon tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li tibbenifika mill-protezzjoni ta' kreditu skont is-Subtaqsima 3 bħallikieku kienet qed iżżomm dak il-porzjon tal-pożizzjoni direttament;

▼M5

(b) l-istituzzjoni li tixtri l-protezzjoni tal-kreditu għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont il-Kapitolu 4 għall-porzjon protett.

7. Fil-każijiet kollha li mhumiex koperti mill-paragrafu 6, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni li tipprovdi l-protezzjoni tal-kreditu għandha tittratta l-porzjon tal-pożizzjoni li jibbenefika mill-protezzjoni tal-kreditu bħala pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju bħallikieku kienet qed iżżomm dik il-pożizzjoni direttament skont is-Subtaqsima 3, soġġetta għall-paragrafi 8, 9 u 10;

(b) l-istituzzjoni li tixtri l-protezzjoni tal-kreditu għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għall-porzjon protett tal-pożizzjoni msemmija fil-punt (a) skont il-Kapitolu 4. L-istituzzjoni għandha tittratta l-porzjon tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li ma jibbenefikax mill-protezzjoni tal-kreditu bħala pożizzjoni ta' titolizzazzjoni separata u għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont is-Subtaqsima 3, soġġetta għall-paragrafi 8, 9 u 10.

8. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni tat-Titolizzazzjoni (SEC-IRBA) jew l-Approċċ Standardizzat tat-Titolizzazzjoni (SEC-SA) taħt is-Subtaqsima 3 għandhom jiddeterminaw il-punt ta' kuntatt (A) u l-punt ta' distakkament (D) separatament għal kull waħda mill-pożizzjonijiet derivati skont il-paragrafu 7 bħallikieku dawn inħarġu bħala pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni separati fiż-żmien tal-oriġinar tat-tranżazzjoni. Il-valur ta' K_{IRB} jew K_{SA}, rispettivament, għandu jiġi kkalkolat wara li tittieħed f'kunsiderazzjoni l-aggregazzjoni oriġinali tal-iskoperturi li huma l-bażi tat-titolizzazzjoni.

9. L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Esterni tat- Titolizzazzjoni (SEC-ERBA) taħt is-Subtaqsima 3 għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni oriġinali għandhom jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għall-pożizzjonijiet derivati skont il-paragrafu 7 kif ġej:

(a) meta l-pożizzjoni derivata jkollha l-ogħla superjorità, hija għandha tiġi assenjata l-piż tar-riskju tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni oriġinali;

(b) meta l-pożizzjoni derivata jkollha l-inqas superjorità, hija tista' tiġi assenjata klassifikazzjoni inferita skont l-Artikolu 263(7). F'dak il-każ, l-input tal-ħxuna T għandu jiġi kkalkolat biss fuq il-bażi tal-pożizzjoni derivata.Meta ma tkunx tista' tiġi inferita klassifikazzjoni, l-istituzzjoni tapplika l-ogħla piż tar-riskju li jirriżulta minn:

(i) l-applikazzjoni tas-SEC-SA skont il-paragrafu 8 u s-Subtaqsima 3; jew

(ii) il-piż tar-riskju tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni oriġinali skont is-SEC-ERBA.

10. Il-pożizzjoni derivata bl-inqas superjorità għandha tkun ttrattata bħala pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux superjuri anki jekk il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni oriġinali qabel il-protezzjoni tikkwalifika bħala waħda superjuri.

▼M5

Artikolu 250

Appoġġ impliċitu

1. Istituzzjoni sponsor, jew istituzzjoni oriġinatriċi li fir-rigward tat-titolizzazzjoni tkun għamlet użu mill-Artikolu 247(1) u (2) għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju jew tkun biegħet strumenti mill-portafoll tan-negozjar tagħha b'tali mod li ma tkunx aktar meħtieġa jkollha fondi proprji għar-riskji ta' dawk l-istrumenti ma għandhiex tipprovdi appoġġ, direttament jew indirettament, lit-titolizzazzjoni lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tagħha bil-ħsieb li tnaqqas it-telf potenzjali jew reali tal-investituri.

2. Tranżazzjoni ma għandhiex titqies bħala appoġġ għall-finijiet tal-paragrafu 1 meta t-tranżazzjoni tkun ġiet debitament ikkunsidrata fil-valutazzjoni ta' trasferiment ta' riskju tal-kreditu sinifikanti u meta ż-żewġ partijiet ikunu esegwew it-tranżazzjoni billi aġixxew fl-interess tagħhom bħala partijiet liberi u indipendenti (f'kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta). Għal dawn il-finijiet, l-istituzzjoni għandha twettaq reviżjoni kreditizja sħiħa tat-tranżazzjoni u, bħala minimu, tieħu f'konsiderazzjoni l-fatturi kollha li ġejjin:

(a) il-prezz tar-riakkwist;

(b) il-pożizzjoni tal-kapital u tal-likwidità tal-istituzzjoni qabel u wara r-riakkwist;

(c) il-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti;

(d) il-prestazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni;

(e) l-impatt tal-appoġġ fuq it-telf li mistenni li jġarrab l-oriġinatur b'mod relattiv għall-investituri.

3. L-istituzzjoni oriġinatriċi u l-istituzzjoni sponsor għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bi kwalunkwe tranżazzjoni li jidħlu fiha fir-rigward tat-titolizzazzjoni skont il-paragrafu 2.

4. L-EBA għandha, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida dwar x'jikkostitwixxi "kondizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta" għall-finijiet ta' dan l-Artikolu u ċ-ċirkostanzi taħt liema tranżazzjoni ma tkunx strutturata biex tipprovdi appoġġ.

5. Jekk istituzzjoni oriġinatriċi jew istituzzjoni sponsor tonqos milli tikkonforma mal-paragrafu 1 fir-rigward ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni għandha tinkludi l-iskoperturi sottostanti kollha ta' dik it-titolizzazzjoni fil-kalkolu tagħha tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju bħal-likieku dawn ma kinux ġew titolizzati u tiżvela:

(a) li hija pprovdiet appoġġ għat-titolizzazzjoni bi ksur tal-paragrafu 1; u

(b) l-impatt tal-appoġġ ipprovdut f'termini tar-rekwiżiti tal-fondi proprji.

▼M5

Artikolu 251

Kalkolu tal-istituzzjonijiet oriġinaturi tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju titolizzati f'titolizzazzjoni sintetika

1. Għall-fini tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għall-iskoperturi sottostanti, l-istituzzjoni oriġinatriċi ta' titolizzazzjoni sintetika għandha tuża l-metodoloġiji ta' kalkolu stabbiliti f'din it-Taqsima, fejn ikunu applikabbli minflok dawk stabbiliti fil-Kapitolu 2. Għal istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju u, fejn rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti skont il-Kapitolu 3, l-ammont ta' telf mistenni fir-rigward ta' tali skoperturi għandu jkun żero.

2. Ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu japplikaw għall-aggregazzjoni sħiħa ta' skoperturi li jappoġġjaw it-titolizzazzjoni. Soġġetta għall-Artikolu 252, l-istituzzjoni oriġinatriċi għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju fir-rigward tas-segmenti kollha fit-titolizzazzjoni skont din it-Taqsima, inklużi l-pożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom l-istituzzjoni tista' tirrikonoxxi l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu skont l-Artikolu 249. Il-ponderazzjoni tar-riskju li jiġi applikat għall-pożizzjonijiet li jibbenifikaw minn mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu jista' jiġi emendat skont il-Kapitolu 4.

Artikolu 252

Trattament ta' diskrepanzi fil-maturitajiet f'titolizzazzjonjiet sintetiċi

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont l-Artikolu 251, kwalunkwe diskrepanza fil-maturità bejn il-protezzjoni tal-kreditu li permezz tagħha jinkiseb it-trasferiment tar-riskju u l-iskoperturi sottostanti għandha tiġi kkalkolata kif ġej:

(a) il-maturità tal-iskoperturi sottostanti għandha titqies bħala l-itwal maturità ta' kull waħda minn dawk l-iskoperturi soġġetta għal massimu ta' ħames snin. Il-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu għandha tiġi ddeterminata skont il-Kapitolu 4;

(b) istituzzjoni oriġinatriċi għandha tinjora kull diskrepanza fil-maturità meta tiġi biex tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni soġġetti għal ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % skont din it-Taqsima. Għall-pożizzjonijiet l-oħrajn kollha, it-trattament tad-diskrepanza fil-maturità stabbilit fil-Kapitolu 4 għandu jiġi applikat skont il-formula li ġejja:

$$RW^{*} = RW_{SP} \cdot [(t - t^{*})/(T - t^{*})] + RW_{Ass} \cdot [(T - t)/(T - t^{*})]$$

fejn:

▼M17

RW^{*} = l-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju għall-finijiet tal-Artikolu 92(4), il-punt (a);

▼M5

RW_{Ass} = l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għall-iskoperturi sottostanti daqs li kieku ma jkunux ġew titolizzati, ikkalkolati fuq bażi pro-rata;

▼M5

RW_{SP} = l-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskju kkalkolati skont l-Artikolu 251 daqs li kieku ma kienx hemm diskrepanza fil-maturità;

T = il-maturità tal-iskoperturi sottostanti, espressa fi snin;

t = maturità tal-protezzjoni tal-kreditu, espressa fi snin;

t* = 0,25

Artikolu 253

Tnaqqis fl-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskju

1. Meta pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni tiġi assenjata ponderazzjoni tar-riskju ta’ 1 250 % taħt din it-Taqsima, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-valur tal-iskopertura ta’ tali pożizzjoni mill-kapital tal-Grad 1 ta’ Ekwità Komuni skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1) bħala alternattiva għall-inklużjoni tal-pożizzjoni fil-kalkolu tagħhom tal-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskju. Għal dak l-għan, il-kalkolu tal-valur tal-iskopertura jista’ jirrifletti l-protezzjoni ta’ kreditu ffinanzjata eliġibbli skont l-Artikolu 249.

2. Meta istituzzjoni tagħmel użu mill-alternattiva stabbilita fil-paragrafu 1, hija tista’ tnaqqas l-ammont imnaqqas skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1) mill-ammont speċifikat fl-Artikolu 268 bħala rekwiżit ta’ kapital massimu li jiġi kkalkolat fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti bħallikieku dawn ma ġewx titolizzati.

Subtaqsima 2

Ġerarkija tal-metodi u l-parametri komuni

Artikolu 254

Ġerarkija tal-metodi

1. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw wieħed mill-metodi stabbiliti fis-Subtaqsima 3 sabiex jikkalkolaw l-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskju skont il-ġerarkija li ġejja:

(a) meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 258 jiġu ssodisfati, istituzzjoni għandha tuża s-SEC-IRBA skont l-Artikoli 259 u 260;

(b) meta s-SEC-ERBA ma jkunx jista’ jintuża, istituzzjoni għandha tuża s-SEC-SA skont l-Artikoli 261 u 262;

(c) meta s-SEC-SA ma jkunx jista’ jintuża, istituzzjoni għandha tuża s-SEC-ERBA skont l-Artikoli 263 u 264 għal pożizzjonijiet klassifikati jew pożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tista’ tintuża klassifikazzjoni inferita.

2. Għal pożizzjonijiet klassifikati jew pożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tista’tintuża klassifikazzjoni inferita, istituzzjoni għandha tuża s-SEC-ERBA minflok is-SEC-SA f’kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

▼M5

(a) meta l-applikazzjoni tas-SEC-SA tirriżulta f'ponderazzjoni tar-riskju ogħla minn 25 % għal pożizzjonijiet li jikkwalifikaw bħala pożizzjonijiet f'titolizzazzjoni STS;

(b) meta l-applikazzjoni tas-SEC-SA tirriżulta f'ponderazzjoni tar-riskju ogħla minn 25 % jew l-applikazzjoni tas-SEC-ERBA tirriżulta f'ponderazzjoni tar-riskju ogħla minn 75 % għal pożizzjonijiet li ma jikkwalifikawx bħala pożizzjonijiet f'titolizzazzjoni STS;

(c) għal tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni garantiti b'aggregazzjoni ta' self għall-karozzi, kirjiet ta' karozzi u kirjiet ta' tagħmir.

3. F'każijiet li mhumiex koperti mill-paragrafu 2, u b'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1, istituzzjoni tista' tiddeċiedi li tapplika s-SEC-ERBA minflok is-SEC-SA għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni klassifikata kollha tagħha jew għall-pożizzjonijiet li fir-rigward tagħhom tista' tintuża klassifikazzjoni inferita.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, istituzzjoni għandha tinnotifika d-deċiżjoni tagħha lill-awtorità kompetenti mhux aktar tard mis-17 ta' Novembru 2018.

Kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti biex tbiddel ulterjorment l-approċċ applikat għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni klassifikata tagħha għandha tiġi notifikat mill-istituzzjoni lill-awtorità kompetenti tagħha qabel il-15 ta' Novembru immedjatament wara dik id-deċiżjoni.

Fin-nuqqas ta' kwalunkwe oġġezzjoni mill-awtorità kompetenti sal-15 ta' Diċembru immedjatament wara d-data tal-għeluq imsemmija fit-tieni jew it-tielet subparagrafu, kif xieraq, id-deċiżjoni notifikata tal-istituzzjoni għandha tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara u għandha tkun valida sakemm deċiżjoni notifikata sussegwentament tidħol fis-seħħ. Istituzzjoni ma għandhiex tuża approċċ differenti matul l-istess sena.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprojbixxu lill-istituzzjonijiet, skont il-każ, milli japplikaw is-SEC-SA meta l-ammont ta' skoperturi ponderati għar-riskju li jirriżulta mill-applikazzjoni tas-SEC-SA ma jkunux proporzjonat mar-riskji maħluqa għall-istituzzjoni jew l-istabbiltà finanzjarja, inkluż iżda mhux limitat għar-riskju tal-kreditu inkorporat fl-iskoperturi sottostanti għat-titolizzazzjoni. Fil-każ ta' skoperturi li ma jikkwalifikawx bħala pożizzjonijiet f'titolizzazzjoni STS, għandha tingħata kunsiderazzjoni partikolari għal titolizzazzjonijiet b'karatteristiċi kumplessi ħafna u riskjużi.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, istituzzjoni tista' tapplika l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna sabiex tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju fir-rigward ta' pożizzjoni mhux klassifikata fi programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP skont l-Artikolu 266, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 265. Fejn istituzzjoni tkun irċeviet permess biex tapplika l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna f'konformità mal-Artikolu 265(2), u pożizzjoni speċifika fi programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP taqa' fl-ambitu kopert minn tali permess, l-istituzzjoni għandha tapplika dak l-Approċċ biex- jiġi kkalkulat l-ammont ta' skoperturi ponderat għar-riskju ta' dik il-pożizzjoni.

6. Għal pożizzjoni f'rititolizzazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw is-SEC-SA skont l-Artikolu 261, bil-modifikazzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 269.

▼M5

7. Fil-każijiet l-oħrajn kollha, għandha tiġi assenjata ponderazzjoni tar-riskju ta' 1 250 % lill-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni.

8. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-EBA dwar kwalunkwe notifika magħmula skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. L-EBA għandha tissorvelja l-impatt ta' dan l-Artikolu fuq ir-rekwiżiti kapitali u l-medda ta' prattiki superviżorji b'konnessjoni mal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, u ta' kull sena għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar is-sejbiet tagħha u toħroġ linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 255

Determinazzjoni tal-K_{IRB} u K_{SA}

1. Meta istituzzjoni tapplika s-SEC-IRBA skont is-Subtaqsima 3, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-K_{IRB} skont il-paragrafi minn 2 sa 5.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-K_{IRB} billi jimmultiplikaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, li għandhom jiġu kkalkolati skont il-Kapitolu 3 fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti bħallikieku ma kinux ġew titolizzati bi 8 % diviżi bil-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi sottostanti. Il-K_{IRB} għandha tiġi espressa f'forma deċimali bejn żero u wieħed.

3. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-K_{IRB}, l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, li għandhom jiġu kkalkolati skont il-Kapitolu 3 fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti, għandhom jinkludu:

(a) l-ammont ta' telf mistenni assoċjat mal-iskoperturi sottostanti kollha tat-titolizzazzjoni, inklużi l-iskoperturi sottostanti inadempjenti li għadhom parti mill-aggregazzjoni skont il-Kapitolu 3; u

(b) l-ammont ta' telf mhux mistenni assoċjat mal-iskoperturi sottostanti kollha, inklużi l-iskoperturi sottostanti inadempjenti fl-aggregazzjoni skont il-Kapitolu 3.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkolaw il-K_{IRB} fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti tat-titolizzazzjoni skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu 3 għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għar-riċevibbli mixtrija. Għal dawn il-finijiet, l-iskoperturi fil-livell tal-konsumatur għandhom jiġu ttrattati bħala riċevibbli mixtrija fil-livell tal-konsumatur u l-iskoperturi mhux fil-livell tal-konsumatur għandhom jiġu ttrattati bħala riċevibbli korporattivi mixtrija.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-K_{IRB} separatament għar-riskju ta' dilwizzjoni fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti ta' titolizzazzjoni fejn ir-riskju ta' dilwizzjoni jkun materjali għal tali skoperturi.

Meta t-telf mir-riskji ta' dilwizzjoni u ta' kreditu jiġi ttrattat b'mod aggregat fit-titolizzazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkombinaw il-K_{IRB} rispettiva għar-riskju ta' dilwizzjoni u għar-riskju tal-kreditu f'K_{IRB} waħda għall-finijiet tas-Subtaqsima 3. Il-preżenza ta' fond ta' riżerva waħdieni jew ta' sovrakollateralizzazzjoni disponibbli sabiex jiġi kopert it-telf minn riskju tal-kreditu jew ta' dilwizzjoni tista' titqies bħala indikazzjoni li dawn ir-riskji huma ttrattati b'mod aggregat.

▼M5

Meta r-riskju ta' dilwizzjoni u r-riskju tal-kreditu ma jiġux ittrattati b'mod aggregat fit-titolizzazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jimmodifikaw it-trattament stabbilit fit-tieni subparagrafu preċedenti sabiex jikkombinaw il-K_{IRB} rispettiva għar-riskju ta' dilwizzjoni u ta' kreditu b'mod prudenti.

6. Meta istituzzjoni tapplika s-SEC-SA skont is-Subtaqsima 3, din għandha tikkalkula l-K_{SA} billi timmultiplika l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju, li għandhom jiġu kkalkolati skont il-Kapitolu 2 fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti bħallikieku ma kinux ġew titolizzati, bi 8 % diviżi bil-valur tal-iskoperturi sottostanti. Il-K_{SA} għandha tiġi espressa f'forma deċimali bejn żero u wieħed.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi sottostanti mingħajr nettjar ta' kwalunkwe aġġustament speċifiku għar-riskju tal-kreditu u ta' kwalunkwe aġġustament speċifiku tal-valur addizzjonali skont l-Artikoli 34 u 110 u kull tnaqqis ieħor tal-fondi proprji.

7. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 sa 6, meta struttura ta' titolizzazzjoni tinvolvi l-użu ta' SSPE, l-iskoperturi kollha tal-SSPE relatati mat-titolizzazzjoni jiġu ttrattati bħala skoperturi sottostanti. Mingħajr preġudizzju għal dak li ntqal qabel, l-istituzzjoni tista' teskludi l-iskoperturi tal-SSPE mill-aggregazzjoni tal-iskoperturi sottostanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-K_{IRB} jew tal-K_{SA} jekk ir-riskju mill-iskoperturi tal-SSPE jkun immaterjali jew jekk ma jaffettwax il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tal-istituzzjoni.

Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi ffinanzjati, kull rikavat materjali mill-ħruġ ta' noti marbuta ma' kreditu jew obbligi ffinanzjati oħrajn tal-SSPE li jservu bħala kollateral għall-ħlas lura tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom jiġu inklużi fil-kalkolu tal-K_{IRB} jew tal-K_{SA} jekk ir-riskju tal-kreditu tal-kollateral ikun soġġett għall-allokazzjoni tat-telf segmentata.

8. Għall-finijiet tat-tielet subparagrafu tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, l-EBA għandha toħroġ linji gwida skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 dwar il-metodi xierqa għall-kombinazzjoni tal-K_{IRB} għar-riskji ta' dilwizzjoni u ta' kreditu, meta dawn ir-riskji ma jiġux ittrattati b'mod aggregat f'titolizzazzjoni.

9. L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika ulterjorment il-kondizzjonijiet li jippermettu lill-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-K_{IRB} għall- aggregazzjonijiet ta' skoperturi sottostanti f'konformità mal-paragrafu 4, b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) politika u mudelli kreditizji interni għall-kalkolu tal-K_{IRB} għal titolizzazzjonijiet;

(b) l-użu ta' fatturi ta' riskju differenti fir-rigward tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti u, fejn ma tkunx disponibbli biżżejjed data preċiża jew affidabbli dwar dik l-aggregazzjoni, ta' data proxy biex jiġu stmati l-PD u l-LGD; u

(c) rekwiżiti ta' diliġenza dovuta biex jiġu ssorveljati l-azzjonijiet u l-politiki ta' bejjiegħa tar-riċevibbli jew oriġinaturi oħra.

L-EBA għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-18 ta' Jannar 2019.

▼M5

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 256

Determinazzjoni tal-punt ta' akkoppjament (A) u tal-punt ta' distakkament (D)

1. Għall-finijiet tas-Subtaqsima 3, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-punt ta' akkoppjament (A) fil-limitu massimu fejn it-telf fl-aggregazzjoni tal-iskoperturi sottostanti jibda jiġi allokat għall-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni rilevanti.

Il-punt tal-akkoppjament (A) għandu jiġi espress bħala valur deċimali bejn żero u wieħed u jkun ugwali għall-akbar minn żero u l-proporzjon tal-bilanċ pendenti tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni nieqes il-bilanċ pendenti tas-segmenti kollha li jikklassifikaw bħala superjuri għal jew pari passu mas-segment li fih il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni rilevanti inkluża l-iskopertura stess mal-bilanċ pendenti tal-iskoperturi sottostanti kollha fit-titolizzazzjoni.

2. Għall-finijiet tas-Subtaqsima 3, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-punt ta' distakkament (D) fil-limitu li fih it-telf fl-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti jirriżulta f'telf komplet tal-prinċipal għas-segment li fih il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni rilevanti.

Il-punt ta' distakkament (D) għandu jiġi espress bħala valur deċimali bejn żero u wieħed u jkun ugwali għall-akbar minn żero u l-proporzjon tal-bilanċ pendenti tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni nieqes il-bilanċ pendenti tas-segmenti kollha li jikklassifikaw bħala superjuri għas-segment li fih il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni rilevanti għall-bilanċ pendenti tal-iskoperturi sottostanti kollha fit-titolizzazzjoni.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw is-sovrakollateralizzazzjoni u l-kontijiet ta' riżerva ffinanzjati bħala segmenti u l-assi li fihom tali kontijiet ta' riżerva bħala skoperturi sottostanti.

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-istituzzjonijiet għandhom jinjoraw il-kontijiet ta' riżerva mhux iffinanzjati u l-assi li ma jipprovdux titjib tal-kreditu, bħal dawk li jipprovdu biss appoġġ ta' likwidità, swaps tar-rati tal-imgħax jew bejn il-muniti u kontijiet ta' kollateral fi flus relatati ma' dawk il-pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni. Għall-kontijiet ta' riżerva ffinanzjati u għall-assi li jipprovdu titjib tal-kreditu, l-istituzzjoni għandha tittratta biss bħala pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni l-partijiet ta' dawk il-kontijiet jew l-assi li jassorbu t-telf.

5. Meta żewġ pożizzjonijiet jew aktar tal-istess tranżazzjoni jkollhom maturitajiet differenti iżda jikkondividu allokazzjoni tat-telf pro rata, il-kalkolu tal-punti ta' akkoppjament (A) u l-punti ta' distakkament (D) għandhom ikunu bbażati fuq il-bilanċ pendenti aggregat ta' dawk il-pożizzjonijiet u l-punti ta' akkoppjament (A) u l-punti ta' distakkament (D) li jirriżultaw għandhom ikunu l-istess.

▼M13

6. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-punti ta' attakkament (A) u l-punti ta' distakkament (D) ta' titolizzazzjoni sintetika, l-istituzzjoni oriġinatriċi tat-titolizzazzjoni għandha tittratta l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li tikkorrispondi għall-marġni pożittiv sintetiku msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 248(1) bħala segment, u taġġusta l-punti ta' attakkament (A) u l-punti ta' distakkament (D) tas-segmenti l-oħra li żżomm billi żżid dak il-valur tal-iskopertura mal-bilanċ pendenti tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti fit-titolizzazzjoni. L-istituzzjonijiet li ma jkunux l-istituzzjoni oriġinatriċi ma għandhomx jagħmlu dan l-aġġustament.

▼M5

Artikolu 257

Determinazzjoni tal-maturità tas-segment (M_T)

1. Għall-finijiet tas-Subtaqsima 3 u soġġetti għall-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet jistgħu jkejlu l-maturità ta' segment (M_T) bħala:

(a) il-maturità medja ponderata tal-pagamenti kuntrattwali dovuti taħt is-segment skont il-formula li ġejja:

$$\sum_t t \cdot CF_t / \sum_t CF_t,$$

fejn CF_t tirrappreżenta l-pagamenti kuntrattwali kollha (prinċipal, imgħaxijiet u miżati) pagabbli mill-mutwatarju matul il-perijodu t; jew

(b) il-maturità legali finali tas-segment skont il-formula li ġejja:

$$M_T = 1 + (M_L - 1) * 80\ \%,$$

fejn M_L hija l-maturità legali finali tas-segment.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, id-determinazzjoni tal-maturità ta' segment (M_T) tkun soġġetta, fil-każijiet kollha, għal limitu minimu ta' sena waħda u limitu massimu ta' ħames snin.

3. Meta istituzzjoni tista' ssir esposta għal telf potenzjali mill-iskoperturi sottostanti minħabba kuntratt, l-istituzzjoni għandha tiddetermina l-maturità tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni billi tieħu f'kunsiderazzjoni l-maturità tal-kuntratt flimkien mal-itwal maturità ta' tali skoperturi sottostanti. Għall-iskoperturi ċirkolanti, tapplika l-itwal maturità kuntrattwalment possibbli li jifdal tal-iskopertura, li tista' tiżdied matul il-perijodu ċirkolanti.

4. L-EBA għandha tissorvelja l-firxa ta' prattiki f'dan il-qasam, b'attenzjoni partikolari għall-applikazzjoni fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u għandha toħroġ linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, sal-31 ta' Diċembru 2019.

▼M5

Subtaqsima 3

Metodi għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju

Artikolu 258

Il-kondizzjonijiet għall-użu tal-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Interni (SEC-IRBA)

1. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw is-SEC-IRBA biex jikkalkolaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju fir-rigward ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni tkun appoġġjata minn aggregazzjoni ta' IRB jew aggregazzjoni mħallta, dment li, fil-każ tal-aħħar, l-istituzzjoni tkun tista' tikkalkula l-K_{IRB} skont it-Taqsima 3 fuq minimu ta' 95 % tal-ammont ta' skoperturi sottostanti;

(b) ikun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti tat-titolizzazzjoni sabiex l-istituzzjoni tkun tista' tikkalkula l-K_{IRB}; u

(c) l-istituzzjoni ma tkunx ġiet prekluża milli tuża s-SEC-IRBA fir-rigward ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni speċifikata skont il-paragrafu 2.

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq bażi ta' każ b'każ, jipprekludu l-użu tas-SEC-IRBA meta t-titolizzazzjonijiet ikollhom karatteristiċi riskjużi jew kumplessi ħafna. Għal dawn il-finijiet, dawn li ġejjin jistgħu jitqiesu bħala karatteristiċi riskjużi jew kumplessi ħafna:

(a) titjib tal-kreditu li jista' jonqos għal raġunijiet oħrajn minbarra t-telf tal-portafoll;

(b) aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti bi grad għoli ta' korrelazzjoni interna bħala riżultat tal-iskoperturi kkonċentrati għal setturi jew żoni ġeografiċi uniċi;

(c) tranżazzjonijiet meta l-ħlas lura tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni huwa dipendenti ħafna fuq il-motivaturi tar-riskju mhux riflessi fil-K_{IRB}; jew

(d) allokazzjonijiet ta' telf kumplessi ħafna bejn is-segmenti.

Artikolu 259

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont is-SEC-IRBA

1. Skont is-SEC-IRBA, l-ammont ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkolat billi l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni kkalkolat skont l-Artikolu 248 jiġi mmultiplikat bil-ponderazzjoni tar-riskju applikabbli ddeterminat kif ġej, fil-każijiet kollha soġġetti għal limitu minimu ta' 15 %:

$$RW = 1\,250\ \% \qquad \text{meta } D \leq K_{IRB}$$

$$RW = 12.5 \cdot K_{SSFA(K_{IRB})} \qquad \text{meta } A \geq K_{IRB}$$

$$RW = \left[\left(\frac{K_{IRB}-A}{D-A}\right) \cdot 12.5\right] + \left[\left(\frac{D-K_{IRB}}{D-A}\right) \cdot 12.5 \cdot K_{SSFA(K_{IRB})}\right] \qquad \text{meta } A < K_{IRB} < D$$

▼M5

fejn:

K_{IRB} hija l-imposta kapitali tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti kif definita fl-Artikolu 255

D huwa l-punt ta' distakkament kif iddeterminat skont l-Artikolu 256

A huwa l-punt ta' akkoppjament kif iddeterminat skont l-Artikolu 256

$$K_{SSFA(K_{IRB})} = \frac{e^{a \cdot u} - e^{a \cdot l}}{a(u - l)}$$

fejn:

$a = -(1/(p * K_{IRB}))$

$u = D - K_{IRB}$

$l = \max(A - K_{IRB}; 0)$

fejn:

$$p = \max\left[0{,}3;\ (A + B^{*}(1/N) + C^{*}K_{IRB} + D^{*}LGD + E^{*}M_{T})\right]$$

fejn:

N huwa n-numru effettiv ta' skoperturi fl-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti, ikkalkolat skont il-paragrafu 4;

LGD huwa t-telf medju fil-każ ta' inadempjenza ponderat skont l-iskopertura tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti, ikkalkolat skont il-paragrafu 5;

M_T hija l-maturità tas-segment kif iddeterminata skont l-Artikolu 257.

Il-parametri A, B, C, D u E għandhom jiġu ddeterminati skont it-tabella ta' referenza li ġejja:

		A	B	C	D	E
Mhux fil-livell tal-konsumatur	Superjuri, granulari (N ≥ 25)	0	3,56	–1,85	0,55	0,07
	Superjuri, mhux granulari (N < 25)	0,11	2,61	–2,91	0,68	0,07
	Mhux superjuri, granulari (N ≥ 25)	0,16	2,87	–1,03	0,21	0,07
	Mhux superjuri, mhux granulari (N < 25)	0,22	2,35	–2,46	0,48	0,07
Fil-livell tal-konsumatur	Superjuri	0	0	–7,48	0,71	0,24
	Mhux superjuri	0	0	–5,78	0,55	0,27

2. Jekk l-aggregazzjoni tal-IRB sottostanti tkun tinkludi kemm skoperturi fil-livell tal-konsumatur kif ukoll mhux fil-livell tal-konsumatur, l-aggregazzjoni għandha tinqasam f'sottoaggregazzjoni fil-livell tal-konsumatur u waħda mhux fil-livell tal-konsumatur u, għal kull sottoaggregazzjoni, għandu jiġi stmat parametru p separat (u l-parametri tal-input korrispondenti N, K_{IRB} u LGD). Sussegwentement, għandu jiġi kkalkolat parametru p medju ponderat għat-tranżazzjoni abbażi tal-parametri p ta' kull sottoaggregazzjoni u d-daqs nominali tal-iskoperturi f'kull sottoaggregazzjoni.

▼M5

3. Meta istituzzjoni tapplika s-SEC-IRBA għal aggregazzjoni mħallta, il-kalkolu tal-parametru p għandu jkun ibbażat fuq l-iskoperturi sottostanti soġġett għall-Approċċ IRB biss. L-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-Approċċ Standardizzat għandhom jiġu injorati għal dawn il-finijiet.

4. In-numru effettiv ta' skoperturi (N) għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$N = \frac{(\sum_i EAD_i)^2}{\sum_i EAD_i^2}$$

fejn EAD_i tirrappreżenta l-valur tal-iskopertura assoċjata mal-iskopertura fl-aggregazzjoni.

L-iskoperturi multipli għall-istess obbligant għandhom jiġu kkonsolidati u ttrattati bħala skopertura waħda.

5. L-LGD medju ponderat skont l-iskopertura għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$$LGD = \frac{\sum_i LGD_i \cdot EAD_i}{\sum_i EAD_i}$$

fejn LGD_i jirrappreżenta l-LGD medju assoċjat mal-iskoperturi kollha għall-obbligant i.

Meta r-riskji ta' kreditu u ta' dilwizzjoni għar-riċevibbli mixtrija jiġu ġestiti b'mod aggregat f'titolizzazzjoni, l-input tal-LGD għandu jitqies bħala medja ponderata tal-LGD għar-riskju tal-kreditu u 100 % LGD għar-riskju ta' dilwizzjoni. Il-ponderazzjonijiet għandhom ikunu r-rekwiżiti kapitali tal-Approċċ IRB awtonomi għar-riskju tal-kreditu u għar-riskju ta' dilwizzjoni, rispettivament. Għal dawn il-finijiet, il-preżenza ta' fond ta' riżerva wieħed jew sovrakollateralizzazzjoni disponibbli biex jiġi kopert it-telf minn riskju tal-kreditu jew minn riskju ta' dilwizzjoni tista' titqies bħala indikazzjoni li dawn ir-riskji huma ġestiti b'mod aggregat.

6. Meta s-sehem tal-akbar skopertura sottostanti fl-aggregazzjoni (C_1) ma jkunx akbar minn 3 %, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-metodu simplifikat li ġej sabiex jikkalkolaw N u l-LGDs medji ponderati skont l-iskopertura:

$$N = \left(C_1 \cdot C_m + \left(\frac{C_m - C_1}{m - 1} \right) \cdot \max\{1 - m \cdot C_1, 0\} \right)^{-1}$$

LGD = 0,50

fejn

C_m jirrappreżenta s-sehem tal-aggregazzjoni li tikkorrispondi għas-somma tal-akbar skoperturi m; u

m huwa stabbilit mill-istituzzjoni.

▼M5

Jekk huwa disponibbli biss C_1 u dan l-ammont mhuwiex aktar minn 0.03, mela allura l-istituzzjoni tista' tistabbilixxi l-LGD bħala 0,50 u N bħala $1/C_1$.

7. Meta l-pożizzjoni tiġi appoġġjata minn aggregazzjoni mħallta u l-istituzzjoni tkun tista' tikkalkula l-K_{IRB} fuq mill-inqas 95 % tal-ammonti ta' skoperturi sottostanti skont il-punt (a) tal-Artikolu 258(1), l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-imposta kapitali għall-aggregazzjoni tal-iskoperturi sottostanti bħala:

$$d \cdot K_{IRB} + (1 - d) \cdot K_{SA},$$

fejn

d huwa s-sehem tal-ammont ta' skopertura tal-iskoperturi sottostanti li għalihom l-istituzzjoni tista' tikkalkula l-K_{IRB} fuq l-ammont ta' skopertura tal-iskoperturi sottostanti kollha.

8. Meta istituzzjoni jkollha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-forma ta' derivattiva biex tiħħeġġja r-riskji tas-suq, inkluż ir-riskji tar-rata ta' imgħax jew tal-munita, l-istituzzjoni tista' tattribwixxi lil dik id-derivattiva ponderazzjoni tar-riskju inferit ekwivalenti għall-ponderazzjoni tar-riskju tal-pożizzjoni ta' referenza kkalkolat skont dan l-Artikolu.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-pożizzjoni ta' referenza għandha tkun il-pożizzjoni li hija pari passu f'kull aspett mad-derivattiva jew, fin-nuqqas ta' tali pożizzjoni pari passu, il-pożizzjoni li hija immedjatament subordinata għad-derivattiva.

Artikolu 260

Trattament tat-titolizzazzjonijiet STS skont is-SEC-IRBA

Skont is-SEC-IRBA, il-ponderazzjoni tar-riskju għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni STS għandu jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 259, soġġett għall-modifiki li ġejjin:

limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri = 10 %

$$p = \max [0{,}3;\ 0{,}5 \cdot (A + B \cdot (1/N) + C \cdot K_{IRB} + D \cdot LGD + E \cdot M_T)]$$

Artikolu 261

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat (SEC-SA)

1. Skont is-SEC-SA, l-ammont ta' skopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkolat billi l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni kif ikkalkolata skont l-Artikolu 248 jiġi mmultiplikat bil-ponderazzjoni tar-riskju applikabbli ddeterminat kif ġej, fil-każijiet kollha soġġett għal limitu minimu ta' 15 %:

▼M5

$RW = 1\,250\ \%$ meta $D \leq K_A$

$RW = 12.5 \cdot K_{SSFA(K_A)}$ meta $A \geq K_A$

$RW = \left[\left(\frac{K_A - A}{D - A}\right) \cdot 12.5\right] + \left[\left(\frac{D - K_A}{D - A}\right) \cdot 12.5 \cdot K_{SSFA(K_A)}\right]$ meta $A < K_A < D$

fejn:

D huwa l-punt ta' distakkament kif iddeterminat skont l-Artikolu 256;

A huwa l-punt ta' akkoppjament kif iddeterminat skont l-Artikolu 256;

K_A huwa parametru kkalkolat skont il-paragrafu 2;

$$K_{SSFA(K_A)} = \frac{e^{a \cdot u} - e^{a \cdot l}}{a(u - l)}$$

fejn:

$a = -(1/(p \cdot K_A))$

$u = D - K_A$

$l = \max(A - K_A; 0)$

p = 1 għal skopertura ta' titolizzazzjoni li mhijiex skopertura ta' rititolizzazzjoni

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, K_A għandu jiġi kkalkolat kif ġej:

$K_A = (1 - W) \cdot K_{SA} + W \cdot 0.5$

fejn:

K_A hija l-imposta kapitali tal-aggregazzjoni sottostanti kif definita fl-Artikolu 255;

W = proporzjon:

(a) tat-total tal-ammont nominali ta' skoperturi sottostanti f'inadempjenza,

(b) mas-somma tal-ammont nominali tal-iskoperturi sottostanti kollha.

Għal dawn il-finijiet, skopertura f'inadempjenza tfisser skopertura sottostanti li hija: (i) skaduta b'90 jum jew aktar; (ii) soġġetta għal proċedimenti ta' falliment jew insolvenza; (iii) soġġetta għal preklużjoni jew proċediment simili; jew (iv) f'inadempjenza skont id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni.

Meta istituzzjoni ma tkunx taf l-istatus tad-delinkwenza għal 5 % jew inqas tal-iskoperturi sottostanti fl-aggregazzjoni, l-istituzzjoni tista' tuża s-SEC-SA soġġetta għall-aġġustament li ġej fil-kalkolu tal-K_A:

▼M5

$$K_A = \left(\frac{EAD_{\text{Sottoaggregazzjoni 1 fejn W huwa magħruf}}}{\text{EAD Total}} \times K_A^{\text{Sottoaggregazzjoni 1 fejn W huwa magħruf}} \right) + \frac{EAD_{\text{Sottoaggregazzjoni 2 fejn W mhux magħruf}}}{\text{EAD Total}}$$

Meta l-istituzzjoni ma tkunx taf l-istatus tad-delinkwenza għal aktar minn 5 % tal-iskoperturi sottostanti fl-aggregazzjoni, il-pożizzjoni fit-titolizzazzjoni għandha tiġi ponderata għar-riskju b'1 250 %.

(3) Meta istituzzjoni jkollha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-forma ta' derivattiva biex tiħħeġġja r-riskji tas-suq, inkluż ir-riskji tar-rata ta' imgħax jew tal-munita, l-istituzzjoni tista' tattribwixxi lil dik id-derivattiva ponderazzjoni tar-riskju inferit ekwivalenti għall-ponderazzjoni tar-riskju tal-pożizzjoni ta' referenza kkalkolat skont dan l-Artikolu.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-pożizzjoni ta' referenza jenħtieġ li tkun il-pożizzjoni li hija *pari passu* f'kull aspett mad-derivattiva jew, fin-nuqqas ta' tali pożizzjoni *pari passu*, il-pożizzjoni li hija immedjatament subordinata għad-derivattiva.

Artikolu 262

Trattament tat-titolizzazzjonijiet STS skont is-SEC-SA

Skont is-SEC-SA, il-ponderazzjoni tar-riskju għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni STS għandu jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 261, soġġett għall-modifiki li ġejjin:

limitu minimu tal-ponderazzjoni tar-riskju għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri = 10 %

p = 0,5

Artikolu 263

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Esterni (SEC-ERBA)

1. Skont is-SEC-ERBA, l-ammont ta' skopertura ponderat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkolat billi l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjoni kif ikkalkolat skont l-Artikolu 248 jiġi mmultiplikat bil-ponderazzjoni tar-riskju applikabbli skont dan l-Artikolu.

2. Għall-iskoperturi b'valutazzjonijiet ta' kreditu għal perijodu ta' żmien qasir jew meta tkun tista' tiġi inferita valutazzjoni ta' kreditu għal perijodu ta' żmien qasir skont il-paragrafu 7, japplikaw il-ponderazzjonijiet tar-riskju li ġejjin:

Tabella 1

Skala tal-Kwalità Kreditizja	1	2	3	Il-klassifikazzjonijiet l-oħrajn kollha
Ponderazzjoni tar-riskju	15 %	50 %	100 %	1 250 %

3. Għall-iskoperturi b'valutazzjonijiet ta' kreditu fit-tul jew meta tkun tista' tiġi inferita klassifikazzjoni bbażata fuq valutazzjoni ta' kreditu fit-tul skont il-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, japplikaw il-ponderazzjonijiet tar-riskju stabbiliti fit-Tabella 2, aġġustati kif applikabbli għall-maturità tas-segment (M_T) skont l-Artikolu 257 u l-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u għall-ħxuna tas-segment għal segmenti mhux superjuri skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu:

▼**M5**

Tabella 2

Livell tal-Kwalità tal-Kreditu	Segment superjuri		Segment (irqiq) mhux superjuri	
	Maturità tas-segment (M_T)		Maturità tas-segment (M_T)	
	Sena	5 snin	Sena	5 snin
1	15 %	20 %	15 %	70 %
2	15 %	30 %	15 %	90 %
3	25 %	40 %	30 %	120 %
4	30 %	45 %	40 %	140 %
5	40 %	50 %	60 %	160 %
6	50 %	65 %	80 %	180 %
7	60 %	70 %	120 %	210 %
8	75 %	90 %	170 %	260 %
9	90 %	105 %	220 %	310 %
10	120 %	140 %	330 %	420 %
11	140 %	160 %	470 %	580 %
12	160 %	180 %	620 %	760 %
13	200 %	225 %	750 %	860 %
14	250 %	280 %	900 %	950 %
15	310 %	340 %	1 050 %	1 050 %
16	380 %	420 %	1 130 %	1 130 %
17	460 %	505 %	1 250 %	1 250 %
L-oħrajn kollha	1 250 %	1 250 %	1 250 %	1 250 %

4. Sabiex jiddeterminaw il-ponderazzjoni tar-riskju għal segmenti b'maturità ta' bejn sena u ħames snin, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw interpolazzjoni lineari bejn il-ponderazzjonijiet tar-riskju applikabbli għal maturità ta' sena waħda u ħames snin, rispettivament, skont it-Tabella 2.

5. Sabiex jieħdu f'kunsiderazzjoni l-ħxuna tas-segment, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-ponderazzjoni tar-riskju għal segmenti mhux superjuri kif ġej:

$$RW = [RW \text{ wara aġġustament għall} - \text{maturità skont il} - \text{paragrafu 4}] \cdot [1 - \min(T;\ 50\ \%)]$$

fejn

T = il-ħxuna tas-segment imkejla bħala D – A

fejn

D huwa l-punt ta' distakkament kif iddeterminat skont l-Artikolu 256

A huwa l-punt ta' akkoppjament kif iddeterminat skont l-Artikolu 256

▼M5

6. Il-ponderazzjonijiet tar-riskju għal segmenti mhux superjuri li jirriżultaw mill-paragrafi minn 3, 4 u 5 jkunu soġġetti għal limitu minimu ta' 15 %. Barra minn hekk, il-ponderazzjonijiet tar-riskju li jirriżultaw għandhom ikunu mhux inqas mill-ponderazzjoni tar-riskju li jikkorrispondi għal segment superjuri ipotetiku tal-istess titolizzazzjoni bl-istess maturità u valutazzjoni ta' kreditu.

7. Għall-finijiet tal-użu tal-klassifikazzjonijiet inferiti, l-istituzzjonijiet għandhom jattribwixxu għal pożizzjoni mhux klassifikata klassifikazzjoni inferita ekwivalenti għall-valutazzjoni ta' kreditu ta' pożizzjoni ta' referenza klassifikata li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni ta' referenza tikklassifika bħala pari passu fl-aspetti kollha għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux klassifikata jew, fin-nuqqas ta' pożizzjoni ta' klassifikazzjoni pari passu, il-pożizzjoni ta' referenza hija immedjatament subordinata għall-pożizzjoni mhux klassifikata.

(b) il-pożizzjoni ta' referenza ma tibbenifikax minn garanziji ta' partijiet terzi jew titjib tal-kreditu ieħor li mhumiex disponibbli għall-pożizzjoni mhux klassifikata;

(c) il-maturità tal-pożizzjoni ta' referenza tkun ugwali għal jew itwal minn dik tal-pożizzjoni mhux klassifikata inkwistjoni;

(d) fuq bażi kontinwa, kull klassifikazzjoni inferita tiġi aġġornata sabiex tkun tirrifletti kull bidla fil-valutazzjoni ta' kreditu tal-pożizzjoni ta' referenza.

8. Meta istituzzjoni jkollha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fil-forma ta' derivattiva biex tiħħeġġja r-riskji tas-suq, inkluż ir-riskji tar-rata ta' imgħax jew tal-munita, l-istituzzjoni tista' tattribwixxi lil dik id-derivattiva ponderazzjoni tar-riskju inferit ekwivalenti għall-ponderazzjoni tar-riskju tal-pożizzjoni ta' referenza kkalkolat skont dan l-Artikolu.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-pożizzjoni ta' referenza għandha tkun il-pożizzjoni li hija pari passu f'kull aspett mad-derivattiva jew, fin-nuqqas ta' tali pożizzjoni pari passu, il-pożizzjoni li hija immedjatament subordinata għad-derivattiva.

Artikolu 264

Trattament tat-titolizzazzjonijiet STS skont is-SEC-ERBA

1. Skont is-SEC-ERBA, il-ponderazzjoni tar-riskju għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni STS għandu jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 263, soġġett għall-modifiki stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Għall-iskoperturi b'valutazzjonijiet ta' kreditu għal perijodu ta' żmien qasir jew meta tkun tista' tiġi inferita klassifikazzjoni bbażata fuq valutazzjoni ta' kreditu għal perijodu ta' żmien qasir skont l-Artikolu 263(7), japplikaw il-piżijiet tar-riskji li ġejjin:

▼M5

Tabella 3

Skala tal-Kwalità Kreditizja	1	2	3	Il-klassifikazzjonijiet l-oħrajn kollha
Ponderazzjoni tar-riskju	10 %	30 %	60 %	1 250 %

3. Għall-iskoperturi b'valutazzjonijiet ta' kreditu fit-tul jew meta tkun tista' tiġi inferita klassifikazzjoni bbażata fuq valutazzjoni ta' kreditu fit-tul skont l-Artikolu 263(7), japplikaw il-ponderazzjonijiet tar-riskju ddeterminati skont it-Tabella 4, aġġustati għall-maturità tas-segment (M_T) skont l-Artikolu 257 u l-Artikolu 263(4) u għall-ħxuna tas-segment għal segmenti mhux superjuri skont l-Artikolu 263(5):

Tabella 4

Skala tal-Kwalità Kreditizja	Segment superjuri		Segment (irqiq) mhux superjuri	
	Maturità tas-segment (M_T)		Maturità tas-segment (M_T)	
	Sena	5 snin	Sena	5 snin
1	10 %	10 %	15 %	40 %
2	10 %	15 %	15 %	55 %
3	15 %	20 %	15 %	70 %
4	15 %	25 %	25 %	80 %
5	20 %	30 %	35 %	95 %
6	30 %	40 %	60 %	135 %
7	35 %	40 %	95 %	170 %
8	45 %	55 %	150 %	225 %
9	55 %	65 %	180 %	255 %
10	70 %	85 %	270 %	345 %
11	120 %	135 %	405 %	500 %
12	135 %	155 %	535 %	655 %
13	170 %	195 %	645 %	740 %
14	225 %	250 %	810 %	855 %
15	280 %	305 %	945 %	945 %
16	340 %	380 %	1 015 %	1 015 %
17	415 %	455 %	1 250 %	1 250 %
L-oħrajn kollha	1 250 %	1 250 %	1 250 %	1 250 %

Artikolu 265

Kamp ta' applikazzjoni u rekwiżiti operattivi għall-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju fir-rigward ta' pożizzjonijiet mhux klassifikati fi programmi ABCP jew tranżazzjonijiet ABCP skont l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna f'konformità mal-Artikolu 266, meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

▼M5

Fejn istituzzjoni tkun irċeviet permess biex tapplika l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u pożizzjoni speċifika fi programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP taqa' fl-ambitu kopert minn tali permess, l-istituzzjoni għandha tapplika dak l-Approċċ biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' skoperturi ponderat għar-riskju ta' dik il-pożizzjoni.

(2) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu lill-istituzzjonijiet permess biex japplikaw l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna f'kamp ta' applikazzjoni definit b'mod ċar meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet kollha fil-karti kummerċjali maħruġa mill-programm ABCP huma pożizzjonijiet klassifikati;

(b) il-valutazzjoni interna tal-kwalità kreditizja tal-pożizzjoni tirrifletti l-metodoloġija tal-valutazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta' ECAI waħda jew aktar għall-klassifikazzjoni tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni appoġġati minn skoperturi sottostanti tat-tip ta' dawk titolizzati;

(c) il-karta kummerċjali maħruġa mill-programm ABCP tkun fil-biċċa l-kbira maħruġa lil investituri terzi;

(d) il-proċess tal-valutazzjoni interna tal-istituzzjoni tkun mill-inqas konservattiva daqs il-valutazzjonijiet disponibbli għall-pubbliku ta' dawk l-ECAIs li pprovdew klassifikazzjoni esterna għall-karti kummerċjali maħruġa mill-programm ABCP, b'mod partikolari fir-rigward ta' fatturi ta' stress u elementi kwantitattivi rilevanti oħra;

(e) il-metodoloġija tal-valutazzjoni interna tal-istituzzjoni tieħu f'kunsiderazzjoni l-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni rilevanti kollha tal-ECAIs li huma disponibbli għall-pubbliku u li jikklassifikaw il-karti kummerċjali tal-programm ABCP u tinkludi l-gradi ta' klassifikazzjoni li jikkorrespondu għall-valutazzjonijiet ta' kreditu tal-ECAIs. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta fir-rekords interni tagħha dikjarazzjoni ta' spjegazzjoni li tiddeskrivi kif ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-punt ġew issodisfati u għandha taġġorna din id-dikjarazzjoni fuq bażi regolari;

(f) l-istituzzjoni tuża l-metodoloġija tal-valutazzjoni interna għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskji interni, inkluż fil-proċessi tagħha tat-teħid tad-deċiżjonijiet, tal-informazzjoni ta' ġestjoni u tal-allokazzjoni interna tal-kapital;

(g) l-awdituri interni jew esterni, ECAI, jew il-funzjoni interna tal-istituzzjoni għall-ġestjoni tar-riskji jew ir-reviżjoni tal-kreditu jwettqu reviżjonijiet regolari tal-proċess ta' valutazzjoni interna u tal-kwalità tal-valutazzjonijiet interni tal-kwalità kreditizja tal-iskoperturi tal-istituzzjoni għal programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP;

(h) l-istituzzjoni tintraċċa l-prestazzjoni tal-klassifikazzjonijiet interni tagħha matul iż-żmien biex tevalwa l-prestazzjoni tal-metodoloġija tal-valutazzjoni interna tagħha u tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa għal dik il-metodoloġija meta l-prestazzjoni tal-iskoperturi tiddifferixxi sistematikament minn dik indikata mill-klassifikazzjonijiet interni;

(i) il-programm ABCP jinkludi l-istandards ta' sottoskrizzjoni u ġestjoni tar-responsabbiltà fil-forma ta' linji gwida għall-amministratur tal-programm fuq, mill-inqas:

▼M5

(i) il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-assi, soġġetti għall-punt (j);

(ii) it-tipi u l-valur monetarju tal-iskoperturi li jirriżultaw mill-provvediment tal-faċilitajiet tal-likwidità u t-titjib tal-kreditu;

(iii) id-distribuzzjoni tat-telf bejn il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP;

(iv) l-iżolament legali u ekonomiku tal-assi ttrasferiti mill-entità li tbiegħ l-assi;

(j) il-kriterji tal-eliġibbiltà tal-assi fil-programm ABCP jipprevedu, mill-inqas:

(i) l-esklużjoni tax-xiri tal-assi li huma skaduti jew inadempjenti b'mod sinifikanti;

(ii) il-limitazzjoni ta' konċentrazzjoni eċċessiva għal obbligant jew żona ġeografika individwali; u

(iii) il-limitazzjoni tat-terminu tal-assi li jridu jinxtraw;

(k) għandha titwettaq analiżi tal-profil kummerċjali u r-riskju tal-kreditu tal-bejjiegħ tal-assi inkluża, mill-inqas, valutazzjoni ta' dawn li ġejjin tal-bejjiegħ:

(i) il-prestazzjoni finanzjarja tal-imgħoddi u futura mistennija;

(ii) il-pożizzjoni tas-suq attwali u l-kompetittività futura mistennija;

(iii) l-ingranaġġ, il-fluss tal-flus, il-kopertura tal-imgħax u l-klassifikazzjoni tad-dejn; u

(iv) l-istandards ta' sottoskrizzjoni, il-kapaċitajiet tal-ġestjoni u l-proċessi tal-ġbir;

(l) il-programm ABCP għandu politiki u proċessi ta' ġbir li jieħdu f'kunsiderazzjoni l-kapaċità operattiva u l-kwalità kreditizja tal-ġestur u jinkludi karatteristiċi li jnaqqsu r-riskji relatati mal-prestazzjoni tal-bejjiegħ u tal-ġestur. Għall-finijiet ta' dan il-punt, ir-riskji relatati mal-prestazzjoni jistgħu jitnaqqsu permezz ta' motivaturi bbażati fuq il-kwalità kreditizja attwali tal-bejjiegħ jew tal-ġestur sabiex jiġi evitat it-taħlit flimkien ta' fondi fil-każ ta' inadempjenza tal-bejjiegħ jew tal-ġestur;

(m) l-istima aggregata tat-telf fuq aggregazzjoni ta' assi li jistgħu jinxtraw taħt il-programm ABCP tieħu f'kunsiderazzjoni s-sorsi kollha ta' riskju potenzjali, bħar-riskju tal-kreditu u r-riskju ta' dilwizzjoni;

(n) meta d-daqs tat-titjib tal-kreditu pprovdut mill-bejjiegħ ikun ibbażat biss fuq it-telf relatat mal-kreditu u r-riskju ta' dilwizzjoni jkun materjali għall-aggregazzjoni ta' assi partikolari, il-programm ABCP jinkludi riżerva separata għar-riskju ta' dilwizzjoni;

(o) id-daqs tal-livell ta' titjib meħtieġ fil-programm ABCP jiġi kkalkolat billi jittieħdu f'kunsiderazzjoni bosta snin ta' informazzjoni storika, inkluż dwar it-telf, id-delinkwenzi, id-dilwizzjonijiet u r-rata tar-rotazzjoni tar-riċevibbli;

(p) il-programm ABCP jinkludi karatteristiċi strutturali fix-xiri ta' skoperturi sabiex jitnaqqas id-deterjorament tal-kreditu potenzjali tal-portafoll sottostanti. Tali karatteristiċi jistgħu jinkludu motivaturi ta' stralċ speċifiċi għal aggregazzjoni ta' skoperturi;

▼M5

(q) l-istituzzjoni tevalwa l-karatteristiċi tal-aggregazzjoni ta' assi sottostanti, bħall-punteġġ tal-kreditu medju ponderat tagħha, filwaqt li tidentifika kwalunkwe konċentrazzjonijiet għal obbligant jew żona ġeografika individwali, kif ukoll il-granularità tal-aggregazzjoni ta' assi.

3. Meta l-funzjonijiet tal-istituzzjoni għall-verifika interna, ir-reviżjoni tal-kreditu jew il-ġestjoni tar-riskji jwettqu r-reviżjoni prevista fil-punt (g) tal-paragrafu 2, dawn il-funzjonijiet ikunu indipendenti mill-funzjonijiet interni tal-istituzzjoni li jittrattaw ir-relazzjonijiet tal-klijenti u kummerċjali tal-programm ABCP.

4. L-istituzzjonijiet li ngħataw permess sabiex japplikaw l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna ma għandhomx jirrikorru għall-użu ta' metodi oħrajn għall-pożizzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna, sakemm ma jiġux issodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni wriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-istituzzjoni għandha raġuni tajba għaliex tagħmel dan;

(b) l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

Artikolu 266

Kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna

1. Skont l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna, l-istituzzjoni għandha tassenja l-pożizzjoni mhux klassifikata fil-programm ABCP jew tranżazzjoni ABCP għal waħda mill-gradi ta' klassifikazzjoni stipulati fil-punt (e) tal-Artikolu 265(2) abbażi tal-valutazzjoni interna tagħha. Il-pożizzjoni għandha tiġi attribwita klassifikazzjoni derivata li għandha tkun l-istess bħall-valutazzjonijiet ta' kreditu li jikkorrispondu għal dak il-grad ta' klassifikazzjoni kif stipulat fil-punt (e) tal-Artikolu 265(2).

2. Il-klassifikazzjoni derivata skont il-paragrafu 1 għandha tkun mill-inqas fil-livell tal-grad ta' investiment jew aħjar fiż-żmien li tkun ġiet assenjata għall-ewwel darba u għandha titqies bħala valutazzjoni ta' kreditu eliġibbli minn ECAI għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont l-Artikolu 263 jew l-Artikolu 264, kif applikabbli.

Subtaqsima 4

Limiti massimi għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni

Artikolu 267

Il-ponderazzjoni tar-riskju massimu għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri: "approċċ ta' trasparenza"

1. Istituzzjoni li jkollha għarfien f'kull ħin tal-kompożizzjoni tal-iskoperturi sottostanti tista' tassenja lill-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri ponderazzjoni ta' riskju massimu ugwali għall-iskopertura tal-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat skont l-iskopertura li jkun applikabbli għall-iskoperturi sottostanti, daqs li kieku l-iskoperturi sottostanti ma jkunux ġew titolizzati.

▼M5

2. Fil-każ ta' aggregazzjonijiet ta' skoperturi sottostanti fejn l-istituzzjoni tuża esklussivament l-Approċċ Standardizzat jew l-Approċċ IRB, il-ponderazzjoni tar-riskju massimu tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri għandha tkun ugwali għall-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat skont l-iskopertura li tapplika għall-iskoperturi sottostanti skont il-Kapitolu 2 jew 3, rispettivament, bħallikieku dawn ma kinux ġew titolizzati.

Fil-każ ta' aggregazzjonijiet imħalltin, il-ponderazzjoni tar-riskju massimu jiġi kkalkolat kif ġej:

(a) meta l-istituzzjoni tapplika s-SEC-IRBA, il-porzjon tal-Approċċ Standardizzat u l-porzjon tal-Approċċ IRB tal-aggregazzjoni sottostanti jiġu assenjati l-ponderazzjoni tar-riskju tal-Approċċ Standardizzat u l-ponderazzjoni tar-riskju tal-Approċċ IRB korrispondenti, rispettivament;

(b) meta l-istituzzjoni tapplika s-SEC-SA jew is-SEC-ERBA, il-ponderazzjoni tar-riskju massimu għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri jkun ugwali għall-ponderazzjoni tar-riskju medju ponderat skont l-Approċċ Standardizzat tal-iskoperturi sottostanti.

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, il-ponderazzjoni tar-riskju li jkun applikabbli fl-Approċċ IRB skont il-Kapitolu 3 jinkludi l-proporzjon ta':

(a) telf mistenni mmultiplikat bi 12,5

(b) mal-valur tal-iskoperturi tal-iskoperturi sottostanti.

4. Meta l-ponderazzjoni tar-riskju massimu kkalkolat skont il-paragrafu 1 jirriżulta f'piż ta' riskju aktar baxx mill-piżijiet ta' riskju minimi stabbiliti fl-Artikoli 259 sa 264, kif applikabbli, mela minflok għandu jintuża tal-ewwel.

Artikolu 268

Rekwiżiti kapitali massimi

1. Istituzzjoni oriġinatriċi, istituzzjoni sponsor jew istituzzjoni oħra li tuża s-SEC-IRBA, jew istituzzjoni oriġinatriċi jew istituzzjoni sponsor li tuża s-SEC-SA jew is-SEC-ERBA tista' tapplika rekwiżit kapitali massimu għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li hija tħaddan li jkun ugwali għar-rekwiżiti kapitali li jiġu kkalkolati skont il-Kapitolu 2 jew 3 fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti daqs li kieku ma ġewx titolizzati. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżit kapitali tal-Approċċ IRB jinkludi l-ammont tat-telf mistenni assoċjat ma' dawk l-iskoperturi kkalkolat skont il-Kapitolu 3 u dak tat-telf mhux mistenni.

2. Fil-każ ta' aggregazzjonijiet imħalltin, ir-rekwiżit kapitali massimu għandu jiġi ddeterminat permezz tal-kalkolu tal-medja ponderata skont l-iskopertura tar-rekwiżiti kapitali tal-porzjonijiet tal-Approċċ IRB u tal-Approċċ Standardizzat tal-iskoperturi sottostanti skont il-paragrafu 1.

3. Ir-rekwiżit kapitali massimu għandu jkun ir-riżultat tal-multiplikazzjoni tal-ammont ikkalkolat skont il-paragrafi 1 jew 2 bl-akbar proporzjon tal-imgħax li l-istituzzjoni żżomm fis-segmenti rilevanti (V), espress bħala perċentwal u kkalkolat kif ġej:

▼M5

(a) għal istituzzjoni li għandha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni waħda jew aktar f'segment wieħed, V ikun ugwali għall-proporzjon tal-ammont nominali tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li l-istituzzjoni tħaddan f'dak is-segment partikolari għall-ammont nominali tas-segment;

(b) għal istituzzjoni li għandha pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni f'segmenti differenti, V ikun ugwali għall-proporzjon massimu tal-imgħax fost is-segmenti. Għal dawn il-finijiet, il-proporzjon ta' imgħax għal kull wieħed mis-segmenti differenti għandu jiġi kkalkolat kif stabbilit fil-punt (a).

4. Meta jiġi kkalkolat ir-rekwiżit kapitali massimu għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni skont dan l-Artikolu, l-ammont sħiħ ta' kull profitt fuq il-bejgħ u l-istrips tal-imgħax biss għat-titjib tal-kreditu li jirriżultaw mit-tranżazzjoni tat-titolizzazzjoni għandu jitnaqqas mill-entrati ta' Grad 1 tal-Ekwità Komuni skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1).

Subtaqsima 5

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 269

Rititolizzazzjonijiet

1. Għal pożizzjoni f'rititolizzazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw is-SEC-SA skont l-Artikolu 261, bil-bidliet li ġejjin:

(a) W = 0 għal kwalunkwe skopertura għal segment ta' titolizzazzjoni fl-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti;

(b) p = 1,5;

(c) il-ponderazzjoni tar-riskju li jirriżulta jkun soġġett għal piż ta' riskju minimu ta' 100 %.

2. Il-K_{SA} għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni sottostanti għandha tiġi kkalkolata skont is-Subtaqsima 2.

3. Ir-rekwiżiti kapitali massimi stabbiliti fis-Subtaqsima 4 ma għandhomx jiġu applikati għall-pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni.

4. Meta l-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti tkun tikkonsisti f'taħlita ta' segmenti ta' titolizzazzjoni u tipi oħrajn ta' assi, il-parametru tal-K_A għandu jiġi ddeterminat bħala l-medja ponderata skont l-iskopertura nominali tal-K_A kkalkolata individwalment għal kull subsett ta' skoperturi.

▼M13

Artikolu 269a

Trattament ta' titolizzazzjonijiet ta' skoperturi improduttivi (NPE)

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) titolizzazzjoni NPE tfisser skopertura improduttiva (NPE) kif definit fil-punt (25) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402;

▼M13

(b) “titolizzazzjoni NPE tradizzjonali kwalifikanti” tfisser titolizzazzjoni NPE tradizzjonali li fiha l-iskont tal-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli jkun mill-anqas 50 % tal-ammont pendenti tal-iskoperturi sottostanti fil-mument meta ġew ittrasferiti lill-SSPE.

2. Il-piż tar-riskju għal pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni NPE għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 254 jew 267. Il-piż tar-riskju għandu jkun soġġett għal limitu minimu ta’ 100 %, ħlief meta jiġi applikat l-Artikolu 263.

3. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw piż tar-riskju ta’ 100 % għall-pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni superjuri f’titolizzazzjoni NPE tradizzjonali, ħlief meta jiġi applikat l-Artikolu 263.

4. L-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB għal kwalunkwe skopertura fl-aggregazzjoni ta’ skoperturi sottostanti f’konformità mal-Kapitolu 3 u li mhumiex permessi jużaw l-istimi proprji tal-LGD u tal-fatturi ta’ konverżjoni għal tali skoperturi ma għandhomx jużaw is-SEC-IRBA għall-kalkolu tal-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskju għal pożizzjoni f’titolizzazzjoni NPE u m’għandhomx japplikaw il-paragrafu 5 jew 6.

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 268(1), it-telf mistenni assoċjat ma’ skoperturi sottostanti għal titolizzazzjoni NPE tradizzjonali kwalifikanti għandu jiġi inkluż wara t-tnaqqis tal-iskont fil-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli u, meta applikabbli, ta’ kwalunkwe aġġustament speċifiku addizzjonali għar-riskju ta’ kreditu.

L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-kalkolu skont il-formula li ġejja:

$$CR_{max} = RWEA_{IRB} \cdot 8\% + max\left[EL_{IRB} - NRPPD \cdot \frac{EV_{IRB}}{EV_{Pool}} - SCRA_{IRB}; 0\right] + RWEA_{SA} \cdot 8\%$$

fejn:

CR_{max} = ir-rekwiżit kapitali massimu fil-każ ta’ titolizzazzjoni NPE tradizzjonali kwalifikanti;

$RWEA_{IRB}$ = it-total tal-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskji tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-Approċċ IRB;

EL_{IRB} = it-total tal-ammonti mistennija ta’ telf tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-Approċċ IRB;

NRPPD = l-iskont fil-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli;

EV_{IRB} = it-total tal-valuri ta’ skopertura tal-iskoperturi sottostanti li huma soġġetti għall-Approċċ IRB;

EV_{Pool} = it-total tal-valuri ta’ skopertura tal-iskoperturi sottostanti kollha fl-aggregazzjoni;

$SCRA_{IRB}$ = għall-istituzzjonijiet oriġinaturi, l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta’ kreditu magħmula mill-istituzzjoni fir-rigward ta’ dawk l-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-Approċċ IRB biss jekk u sa fejn dawn l-aġġustamenti jaqbżu l-NRPPD; għall-istituzzjonijiet investituri l-ammont huwa żero;

▼M13

$RWEA_{SA}$ = it-total tal-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskji tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-Approċċ Standardizzat.

6. B’deroga mill-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu, meta l-piż tar-riskju medju ponderat skont l-iskopertura kkalkulat skont l-approċċ taċ-ċar kristall stabbilit fl-Artikolu 267 ikun inqas minn 100 %, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-piż tar-riskju aktar baxx, soġġett għal limitu minimu tal-piż tar-riskju ta’ 50 %.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet oriġinaturi li japplikaw is-SEC-IRBA għal pożizzjoni u li huma permessi jużaw l-istimi proprji tal-LGD u tal-fatturi ta’ konverżjoni għall-iskoperturi sottostanti kollha soġġetti għall-Approċċ IRB skont il-Kapitolu 3, għandhom inaqqsu l-iskont tal-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli u, meta applikabbli, kwalunkwe aġġustament speċifiku addizzjonali għar-riskju ta’ kreditu mit-telf mistenni u l-valuri ta’ skopertura tal-iskoperturi sottostanti assoċjati ma’ pożizzjoni superjuri f’titolizzazzjoni ta’ NPE tradizzjonali kwalifikanti skont il-formula li ġejja:

$$RW_{max} = \frac{RWEA_{IRB} + \max\left[12.5 \cdot \left(EL_{IRB} - NRPPD \cdot \frac{EV_{IRB}}{EV_{Pool}} - SCRA_{IRB}\right); 0\right] + RWEA_{SA}}{\max\left[EV_{IRB} - NRPPD \cdot \frac{EV_{IRB}}{EV_{Pool}} - SCRA_{IRB}; 0\right] + EV_{SA}}$$

fejn:

RW_{max} = il-piż tar-riskju, qabel ma jiġi applikat il-limitu minimu, applikabbli għal pożizzjoni superjuri f’titolizzazzjoni NPE tradizzjonali kwalifikanti meta jintuża l-approċċ taċ-ċar kristall;

$RWEA_{IRB}$ = it-total tal-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskji tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-Approċċ IRB;

$RWEA_{SA}$ = it-total tal-ammonti ta’ skoperturi ponderati għar-riskji tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-Approċċ Standardizzat;

EL_{IRB} = it-total tal-ammonti mistennija ta’ telf tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-Approċċ IRB;

NRPPD = l-iskont fil-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli;

EV_{IRB} = it-total tal-valuri ta’ skopertura tal-iskoperturi sottostanti li huma soġġetti għall-Approċċ IRB;

EV_{pool} = it-total tal-valuri ta’ skopertura tal-iskoperturi sottostanti kollha fl-aggregazzjoni;

EV_{SA} = it-total tal-valuri ta’ skopertura tal-iskoperturi sottostanti li huma soġġetti għall-Approċċ Standardizzat;

$SCRA_{IRB}$ = l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta’ kreditu magħmula mill-istituzzjoni oriġinatriċi fir-rigward tal-iskoperturi sottostanti soġġetti għall-Approċċ IRB biss jekk u sa fejn dawn l-aġġustamenti jaqbżu l-NRPPD.

▼M13

7. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-iskont fil-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli għandu jiġi kkalkulat billi jitnaqqas l-ammont imsemmi fil-punt (b) mill-ammont imsemmi fil-punt (a):

(a) l-ammont pendenti tal-iskoperturi sottostanti tat-titolizzazzjoni NPE fil-mument meta dawk l-iskoperturi ġew ittrasferiti lill-SSPE;

(b) it-total ta' dan li ġej:

(i) il-prezz tal-bejgħ inizjali tas-segmenti jew, meta applikabbli, partijiet mis-segmenti tat-titolizzazzjoni NPE mibjugħin lil investituri terzi; u

(ii) l-ammont pendenti, fil-mument meta l-iskoperturi sottostanti ġew trasferiti lill-SSPE, tas-segmenti jew, meta applikabbli, ta' partijiet mis-segmenti ta' dik it-titolizzazzjoni miżmuma mill-oriġinatur.

Għall-finijiet tal-paragrafi 5 u 6, matul il-ħajja tat-tranżazzjoni, il-kalkolu tal-iskont tal-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli għandu jiġi aġġustat 'l isfel filwaqt li jitqies it-telf realizzat. Kwalunkwe tnaqqis fl-ammont pendenti tal-iskoperturi sottostanti li jirriżulta minn telf realizzat għandu jnaqqas l-iskont tal-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli, soġġett għal limitu minimu ta' żero.

Meta skont ikun strutturat b'tali mod li jkun jista' jiġi rimborżat b'mod sħiħ jew parzjali lill-oriġinatur, tali skont ma għandux jgħodd bħala skont fil-prezz tax-xiri mhux rimborżabbli għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 270

Pożizzjonijiet superjuri fit-titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ

1. Istituzzjoni oriġinatriċi tista' tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati skont ir-riskju ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni f'titolizzazzjoni STS fil-karta tal-bilanċ kif imsemmi fl-Artikolu 26a(1) tar-Regolament (UE) 2017/2402 f'konformità mal-Artikoli 260, 262 jew 264 ta' dan ir-Regolament, kif applikabbli, meta dik il-pożizzjoni tissodisfa ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-titolizzazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 243(2);

(b) il-pożizzjoni tikkwalifika bħala l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri.

2. L-EBA għandha timmonitorja l-applikazzjoni tal-paragrafu 1 b'mod partikolari fir-rigward ta':

(a) il-volum tas-suq u s-sehem mis-suq tat-titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ li fir-rigward tagħhom l-istituzzjoni oriġinatriċi tapplika l-paragrafu 1, fil-klassijiet differenti ta' assi;

(b) l-allokazzjoni ta' telf osservata għas-segment superjuri u għal segmenti oħra ta' titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ, meta l-istituzzjoni oriġinatriċi tapplika l-paragrafu 1 fir-rigward tal-pożizzjoni superjuri miżmuma f'tali titolizzazzjonijiet;

▼M13

(c) l-impatt tal-applikazzjoni tal-paragrafu 1 fuq l-ingranaġġ finanzjarju tal-istituzzjonijiet;

(d) l-impatt tal-użu ta' titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ li fir-rigward tagħhom l-istituzzjoni oriġinatriċi tapplika l-paragrafu 1 dwar il-ħruġ ta' strumenti kapitali mill-istituzzjonijiet oriġinaturi rispettivi.

3. L-EBA għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni sal-10 ta' April 2023.

4. Sal-10 ta' Ottubru 2023 il-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rapport msemmi fil-paragrafu 3, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu b'attenzjoni partikolari għar-riskju ta' ingranaġġ eċċessiv li jirriżulta permezz tal-użu ta' titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ li jikkwalifikaw għat-trattament f'konformità mal-paragrafu 1, u għas-sostituzzjoni potenzjali tal-ħruġ ta' strumenti kapitali minn istituzzjonijiet oriġinaturi, permezz ta' tali użu. Dak ir-rapport għandu, fejn xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.

▼M5

Artikolu 270a

Piż ta' riskju addizzjonali

(1) Meta istituzzjoni ma tissodisfax ir-rekwiżiti fil-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 f'xi aspett materjali minħabba negliġenza jew ommissjoni mill-istituzzjoni, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu piż ta' riskju addizzjonali proporzjonat ta' mhux inqas minn 250 % tal-ponderazzjoni tar-riskju limitat għal 1 250 %, li japplika għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni rilevanti bil-mod speċifikat fl-Artikolu 247(6) jew fl-Artikolu 337(3) ta' dan ir-Regolament rispettivament. Il-piż ta' riskju addizzjonali jiżdied progressivament ma' kull ksur sussegwenti tad-dispożizzjonijiet dwar id-diliġenza dovuta u dwar il-ġestjoni tar-riskju. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu f'kunsiderazzjoni l-eżenzjonijiet għal ċerti titolizzazzjonijiet ipprovduti fl-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402 billi jnaqqsu l-ponderazzjoni tar-riskju li altrimenti jiġi impost skont dan l-Artikolu fir-rigward ta' titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (UE) 2017/2402.

(2) L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiffaċilita l-konverġenza tal-prattiki superviżorji fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-paragrafu 1, inklużi l-miżuri li jridu jittieħdu fil-każ ta' ksur tal-obbligi li jikkonċernaw il-ġestjoni tar-riskji u d-diliġenza dovuta. L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M5

Taqsima 4

Valutazzjonijiet ta' kreditu esterni

Artikolu 270b

Użu ta' valutazzjonijiet ta' kreditu minn ECAIs

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw biss il-valutazzjonijiet ta' kreditu biex jiddeterminaw il-ponderazzjoni tar-riskju ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni skont dan il-Kapitolu meta l-valutazzjoni ta' kreditu tkun inħarġet jew ġiet approvata minn ECAI skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

Artikolu 270c

Rekwiżiti li għandhom jintlaħqu mill-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' ECAIs

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont it-Taqsima 3, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw biss valutazzjoni ta' kreditu ta' ECAI meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ma jkun hemm ebda diskrepanza bejn it-tipi ta' pagamenti riflessi fil-valutazzjoni ta' kreditu u t-tipi ta' pagamenti li għalihom hija intitolata l-istituzzjoni skont il-kuntratt li jwassal għall-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni inkwistjoni;

(b) l-ECAI tippubblika l-valutazzjonijiet ta' kreditu u l-informazzjoni dwar l-analiżi tat-telf u tal-fluss tal-flus, is-sensittività tal-klassifikazzjonijiet għall-bidliet fis-suppożizzjonijiet sottostanti, inkluża l-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti, u dwar il-proċeduri, il-metodoloġiji, is-suppożizzjonijiet u l-elementi ewlenin li huma l-bażi tal-valutazzjonijiet ta' kreditu skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-informazzjoni għandha titqies bħala li hija disponibbli għall-pubbliku meta hija tkun ġiet ippubblikata f'format aċċessibbli. L-informazzjoni li tkun disponibbli biss għal numru limitat ta' entitajiet ma għandhiex titqies bħala li hija disponibbli għall-pubbliku;

(c) il-valutazzjonijiet ta' kreditu jiġu inklużi fil-matriċi tat-transizzjoni tal-ECAI;

(d) il-valutazzjonijiet ta' kreditu mhumiex ibbażati jew parzjalment ibbażati fuq l-appoġġ mhux iffinanzjat ipprovdut mill-istituzzjoni nnifisha. Meta pożizzjoni tkun ibbażata jew parzjalment ibbażata fuq appoġġ mhux iffinanzjat, l-istituzzjoni għandha tikkunsidra dik il-pożizzjoni bħallikieku ma kinitx ikklassifikata għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju għal din il-pożizzjoni skont it-Taqsima 3;

(e) l-ECAI impenjat ruħha li tippubblika spjegazzjonijiet dwar kif il-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti taffettwa l-valutazzjoni ta' kreditu.

Artikolu 270d

Użu ta' valutazzjonijiet ta' kreditu

1. Istituzzjoni tista' tiddeċiedi li tinnomina ECAI waħda jew aktar li l-valutazzjonijiet ta' kreditu tagħhom għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi tagħha ponderati għar-riskju skont dan il-Kapitolu ("ECAI nominata").

▼M5

2. L-istituzzjoni għandha tuża l-valutazzjonijiet ta' kreditu tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tagħha b'mod konsistenti u b'mod mhux selettiv u, għal dawn il-finijiet, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) istituzzjoni ma għandhiex tuża l-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' ECAI għall-pożizzjonijiet tagħha f'xi segmenti u l-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' ECAI oħra għall-pożizzjonijiet tagħha f'segmenti oħrajn fl-istess titolizzazzjoni li jistgħu jkunu jew ma jkunux ikklassifikati mill-ewwel ECAI;

(b) meta pożizzjoni jkollha żewġ valutazzjonijiet ta' kreditu mill-ECAIs innominati, l-istituzzjoni għandha tuża dik il-valutazzjoni ta' kreditu li hija l-inqas favorevoli;

(c) meta pożizzjoni jkollha tliet valutazzjonijiet ta' kreditu jew aktar minn ECAIs innominati, għandhom jintużaw l-aktar żewġ valutazzjonijiet ta' kreditu favorevoli. Meta l-aktar żewġ valutazzjonijiet favorevoli jkunu differenti, għandha tintuża l-inqas waħda favorevoli mit-tnejn;

(d) istituzzjoni ma għandhiex tissollečita b'mod attiv it-tneħħija ta' klassifikazzjonijiet inqas favorevoli.

3. Meta l-iskoperturi li huma l-bażi ta' titolizzazzjoni jibbenifikaw minn protezzjoni tal-kreditu eliġibbli sħiħa jew parzjali skont il-Kapitolu 4 u l-effett ta' tali protezzjoni jkun ġie rifless fil-valutazzjoni ta' kreditu ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni minn ECAI nominata, l-istituzzjoni għandha tuża l-ponderazzjoni tar-riskju assoċjat ma' dik il-valutazzjoni ta' kreditu. Meta l-protezzjoni tal-kreditu msemmija f'dan il-paragrafu ma tkunx eliġibbli skont il-Kapitolu 4, il-valutazzjoni ta' kreditu ma għandhiex tiġi rikonoxxuta u l-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni għandha tiġi ttrattata bħala mhux ikklassifikata.

4. Meta pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tibbenifika minn protezzjoni ta' kreditu eliġibbli skont il-Kapitolu 4 u l-effett ta' tali protezzjoni jkun ġie rifless fil-valutazzjoni ta' kreditu tagħha minn ECAI nnominata, l-istituzzjoni għandha tittratta l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni bħallikieku ma kinitx ikklassifikata u tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju skont il-Kapitolu 4.

Artikolu 270e

Immappjar tat-titolizzazzjoni

L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tidentifika b'mod oġġettiv u konsistenti l-iskali tal-kwalità kreditizja stabbiliti f'dan il-Kapitolu b'mod relattiv għall-valutazzjonijiet ta' kreditu rilevanti tal-ECAIs kollha. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-EBA għandha, b'mod partikolari:

(a) tiddistingwi bejn il-gradi ta' riskju relattivi espressi minn kull valutazzjoni;

(b) tikkunsidra fatturi kwantitattivi, bħar-rati ta' inadempjenza jew telf u l-prestazzjoni storika tal-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' kull ECAI fost kategoriji ta' assi differenti;

(c) tikkunsidra fatturi kwalitattivi bħall-firxa ta' tranżazzjonijiet ivvalutati mill-ECAI, il-metodoloġija tagħha u t-tifsira tal-valutazzjonijiet ta' kreditu tagħha, b'mod partikolari, jekk tali valutazzjonijiet jikkunsidrawx it-telf mistenni jew l-ewwel telf tal-Euro, kif ukoll il-ħlas f'waqtu tal-imgħaxijiet jew il-ħlas aħħari tal-imgħaxijiet;

▼M5

(d) tfittex li tiżgura li l-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni li għalihom japplika l-istess piż ta’ riskju abbażi tal-valutazzjonijiet ta’ kreditu tal-ECAIs ikunu soġġetti għal gradi ekwivalenti ta’ riskju tal-kreditu.

L-EBA għandha tissottometti dan l-abbozz ta’ standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta’ Lulju 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu ta’ dan il-paragrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

KAPITOLU 6

Riskju tal-kreditu tal-kontroparti

Taqsima 1

Definizzjonijiet

Artikolu 271

Determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura

1. Istituzzjoni għandha tiddetermina l-valur tal-iskopertura tal-istrumenti derivati elenkati fl-Anness II skont dan il-Kapitolu.

2. Istituzzjoni tista’ tiddetermina l-valur tal-iskopertura ta' transazzjonijiet ta’ riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b’self ta' titoli jew prodotti, transazzjonijiet b’saldu fit-tul u transazzjonijiet ta’ self b'marġni skont dan il-Kapitolu minflok ma tuża l-Kapitolu 4.

Artikolu 272

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu u tat-Titolu VI ta’ din il-Parti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Termini ġenerali

(1) “riskju tal-kreditu tal-kontroparti” jew “CCR” tfisser ir-riskju li l-kontraparti fi transazzjoni tista’ ssir inadempjenti qabel is-saldu finali tal-flussi tal-flus tat-transazzjoni;

Tipi ta’ transazzjoni

(2) “transazzjonijiet b’saldu fit-tul” tfisser transazzjonijiet fejn kontraparti timpenja ruħha li tikkonsenja titolu, prodott jew ammont ta’ kambju għal flus, strumenti finanzjarji oħra, jew prodotti, jew viċe versa, f’data ta’ saldu jew konsenja speċifikata fil-kuntratt li hija aktar tard mill-istandard tas-suq għal din it-tip partikolari ta’ transazzjoni jew ħamest ijiem ta' xogħol wara d-data li fiha l-istituzzjoni tidħol fit-transazzjoni, liema minnhom tkun l-ewwel;

▼B

(3) “transazzjonijiet ta’ self b'marġni” tfisser transazzjonijiet li fihom istituzzjoni testendi kreditu b’konnessjoni mal-akkwist, il-bejgħ, iż-żamma jew in-negozjar tat-titoli. It-transazzjonijiet ta’ self b'marġni ma jinkludux self ieħor li huwa ggarantit minn kollateral f’forma ta’ titoli;

Sett ta’ netting, settijiet ta’ hedging, u termini relatati

(4) “sett ta’ netting” tfisser grupp ta’ transazzjonijiet bejn istituzzjoni u kontroparti waħda li hija soġġetta għal arranġament ta’ netting bilaterali legalment infurzabbli li huwa rikonoxxut skont it-Taqsima 7 u l-Kapitolu 4.

Kull transazzjoni li mhijiex soġġetta għal arranġament bilaterali ta’ netting legalement infurzabbli li huwa rikonoxxut fit-Taqsima 7 għandha tiġi ttrattata bħala sett ta’ netting fiha nnifisha għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu.

Skont il-Metodu tal-Mudell Intern stabbilit fit-Taqsima 6, kull sett ta' netting ma' kontroparti waħda jista' jiġi ttrattat bħala sett wieħed ta’ netting jekk il-valuri simulati negattivi tas-suq tas-settijiet ta’ netting individwali huma stabbiliti bħala 0 fl-istima tal-iskopertura mistennija (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “EE”);

(5) “pożizzjoni ta’ riskju” tfisser numru ta’ riskju li huwa assenjat lil transazzjoni skont il-Metodu Standardizzat stabbilit fit-Taqsima 5 skont algoritmika predeterminata;

▼M8

(6) “sett ta' hedging” tfisser grupp ta' tranżazzjonijiet fi ħdan sett tan-netting uniku għal liema hija permessa tpaċija sħiħa jew parzjali biex tiġi determinata l-iskopertura futura potenzjali skont il-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 jew 4 ta' dan il-Kapitolu;

▼B

(7) “ftehim dwar il-marġni” tfisser ftehim jew klawżoli ta’ ftehim li taħtu kontroparti għandha tforni kollateral lit-tieni kontroparti meta skopertura ta’ dik it-tieni kontroparti għall-ewwel kontroparti taqbeż livell speċifikat;

▼M8

(7a) “ftehim ta' marġni b'direzzjoni waħda” tfisser ftehim ta' marġni taħt liema istituzzjoni hija rikjesta tippreżenta marġnijiet ta' varjazzjoni lil kontroparti iżda mhijiex intitolata tirċievi marġni ta' varjazzjoni minn dik il-kontroparti jew viċi-versa;

▼B

(8) “livell limitu ta' marġni” tfisser l-akbar ammont ta’ skopertura li jibqa' pendenti qabel ma parti waħda jkollha d-dritt issejjaħ għal kollateral;

(9) “perijodu b'riskju ta' marġni” tfisser il-perijodu mill-iskambju l-aktar reċenti ta' kollateral li jkopri sett ta’ netting ta’ transazzjonijiet ma' kontroparti inadempjenti sakemm it-transazzjonijiet jingħalqu u r-riskju tas-suq li jirriżulta jerġa’ jiġi ħħeġġjat;

▼C2

(10) “maturtà effettiva” skont il-Metodu tal-Mudell Intern għal sett ta' netting b'maturità akbar minn sena tfisser il-proporzjon tas-somma tal-iskopertura mistennija tul il-ħajja tat-transazzjonijiet fis-sett ta' netting skontati għar-rata ta' mingħajr riskju tar-rendiment, diviża bis-somma tal-iskopertura mistennija fuq sena f'sett ta' netting skontat għar-rata ta' mingħajr riskju.

▼B

Il-maturità effettiva tista’ tiġi aġġustata sabiex tirrefletti r-riskju ta' tiġdid (rollover) billi tiġi sostitwita l-iskopertura mistennija bi skopertura mistennija effettiva għall-previżjonijiet fuq perijodi iqsar minn sena;

(11) “netting bejn prodotti differenti (cross-product netting)” tfisser l-inklużjoni ta’ transazzjonijiet ta’ kategoriji differenti ta’ prodotti fl-istess sett ta’ netting skont ir-regoli tan-Netting Bejn Prodotti stabbiliti f’dan il-Kapitolu;

▼M8

(12) “valur tas-suq kurrenti” (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “CMV”) tfisser il-valur tas-suq nett tat-tranżazzjonijiet kollha fi ħdan sett tan-netting gross minn kwalunkwe kollateral miżmum jew sottomess meta l-valuri tas-suq pożittivi u negattivi jiġu kkalkulati b'mod nett biex jinħadem is-CMV;

(12a) “ammont ta' kollateral indipendenti nett” jew “NICA” tfisser is-somma tal-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral nett irċevut jew sottomess, kif applikabbli, għas-sett tan-netting minbarra l-marġni ta' varjazzjoni;

▼B

Distribuzzjonijiet

(13) “distribuzzjoni tal-valuri tas-suq” tfisser il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tal-valuri netti tas-suq tat-transazzjonijiet f'sett ta’ netting għal data fil-futur (il-perijodu tal-previżjoni), fuq il-bażi tal-valur tas-suq realizzat ta’ dawn it-transazzjonijiet fid-data tal-previżjoni;

(14) “distribuzzjoni tal-iskoperturi” tfisser il-previżjoni tad-distribuzzjoni tal-probabbiltà tal-valuri tas-suq li tiġi ġenerata billi jiġu stabbiliti previżjonijiet ta' valuri netti tas-suq negattivi għal żero;

(15) “distribuzzjoni newtrali għar-riskji” tfisser distribuzzjoni tal-valuri tas-suq jew skoperturi f’perijodu futur fejn id-distribuzzjoni hija kkalkulata bl-użu ta’ valuri impliċiti tas-suq bħal volatilitajiet impliċiti;

(16) “distribuzzjoni effettiva” tfisser distribuzzjoni tal-valuri tas-suq jew skoperturi f’perijodu futur fejn id-distribuzzjoni hija kkalkulata permezz ta’ valuri storiċi jew realizzati bħal volatilitajiet ikkalkulati bl-użu tal-varjazzjonijiet fil-passat fil-prezzijiet jew fir-rati;

Miżuri ta' skopertura u aġġustamenti

(17) “skopertura attwali” tfisser l-akbar minn żero u l-valur tas-suq ta’ transazzjoni jew portafoll ta’ transazzjonijiet f'sett ta’ netting ma’ kontroparti li kieku tintilef mal-inadempjenza tal-kontroparti, fl-ipoteżi li ma jkun hemm l-ebda rkpuru tal-valur ta’ dawk it-transazzjonijiet fl-insolvenza jew fil-likwidazzjoni;

(18) “l-ogħla skopertura” tfisser perċentil għoli tad-distribuzzjoni tal-iskoperturi f’data partikolari futura qabel id-data tal-maturità tat-transazzjoni bl-itwal maturità fis-sett ta’ netting;

▼B

(19) “skopertura mistennija” (minn hawnn ’il quddiem imsejħa “EE”) tfisser il-medja tad-distribuzzjoni tal-iskoperturi f’data partikolari futura qabel il-maturazzjoni tat-transazzjoni bl-itwal maturità fis-sett ta’ netting;

(20) “skopertura effettiva mistennija f’data speċifika” (minn hawn ’il quddiem imsejħa “EE Effettiva”) tfisser l-iskopertura massima mistennija li sseħħ f'dik id-data jew fi kwalunkwe data preċedenti. Alternattivament, tista' tkun definita għal data speċifika bħala l-akbar fost l-iskopertura mistennija f’dik id-data jew l-iskopertura effettiva mistennija fi kwalunkwe data preċedenti;

(21) “skopertura pożittiva mistennija” (minn hawn ’il quddiem imsejħa “EPE”) tfisser il-medja ppeżata tul iż-żmien ta' skoperturi mistennija, fejn il-piżijiet ikunu l-proporzjon tal-perijodu kollu li skopertura mistennija individwali tirrappreżenta.

Meta jikkalkulaw ir-rekwiżit ta’ fondi proprji, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-medja fuq l-ewwel sena jew, jekk il-kuntratti kollha fis-sett ta’ netting jimmaturaw f’inqas minn sena, matul il-perijodu sa meta l-kuntratt bl-itwal maturità fis-sett ta’ netting ikun immatura;

(22) “skopertura pożittiva effettiva mistennija” (minn hawn ’il quddiem imsejħa “EPE effettiva”) tfisser il-medja ppeżata tal-iskopertura effettiva mistennija matul l-ewwel sena ta’ sett ta’ netting jew, jekk il-kuntratti kollha fis-sett ta’ netting jimmaturaw f’inqas minn sena, matul il-perijodu tal-kuntratt bl-itwal maturità fis-sett ta’ netting, fejn il-piżijiet huma l-proporzjon tal-perijodu sħiħ li skopertura mistennija individwali tirrappreżenta;

Riskji relatati mas-CCR

(23) “riskju ta' tiġdid” tfisser l-ammont li bih l-EPE tiġi sottostimata meta transazzjonijiet futuri ma’ kontroparti jkunu mistennija li jitwettqu fuq bażi kontinwa.

L-iskopertura addizzjonali ġġenerata minn dawn it-transazzjonijiet futuri mhijiex inkluża fil-kalkolu tal-EPE;

(24) kontroparti’ għall-finijiet tat-Taqsima 7 tfisser kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika li tidħol fi ftehim ta’ netting, u li għandha l-kapaċità kuntrattwali sabiex tagħmel dan;

(25) “ftehim kuntrattwali ta’ netting bejn prodotti” tfisser ftehim kuntrattwali bilaterali bejn istituzzjoni u kontroparti li joħloq obbligu legali wieħed (ibbażat fuq netting ta’ transazzjonijiet koperti) li jkopri kull ftehim ewlieni bilaterali u transazzjonijiet li jappartjenu għal kategoriji differenti ta’ prodotti li huma inklużi fil-ftehim;

Għall-finijiet ta’ din id-definizzjoni, “kategoriji differenti ta’ prodotti” tfisser:

(a) transazzjonijiet ta’ riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b’self ta' titoli jew prodotti;

(b) transazzjonijiet ta’ self b'marġni;

(c) il-kuntratti elenkati fl-Anness II;

▼B

(26) “komponent ta’ pagament” tfisser il-pagament miftiehem fi transazzjoni derivata ta’ OTC bi profil tar-riskju linearli li jistipula l-iskambju ta’ strument finanzjarju għal pagament.

Fil-każ ta’ transazzjonijiet li jistipulaw l-iskambju ta’ pagament kontra pagament, dawk iż-żewġ komponenti ta’ pagament għandhom jikkonsistu f’pagamenti gross miftiehema kuntrattwalment, inkluż l-ammont nozzjonali tat-transazzjoni.

Taqsima 2

Metodi għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura

Artikolu 273

Metodi għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura

▼M8

1. ►M17 L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura għall-kuntratti elenkati fl-Anness II u d-derivattivi ta' kreditu, bl-eċċezzjoni tad-derivattivi ta' kreditu msemmija fil-paragrafi 3 u 5 ta' dan l-Artikolu, abbażi ta' wieħed mill-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 f'konformità ma' dan l-Artikolu. ◄

Istituzzjoni li ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 273a(1) ma għandhiex tuża l-metodu stabbilit fit-Taqsima 4. Istituzzjoni li ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 273a(2) ma għandhiex tuża l-metodu stabbilit fit-Taqsima 5.

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw f'kombinazzjoni l-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 fuq bażi permanenti fi grupp. Istituzzjoni waħda ma għandhiex tuża f'kombinazzjoni l-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 fuq bażi permanenti.

▼B

2. Meta jkollha permess mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 283(1) u (2), istituzzjoni tista’ tiddetermina l-valur tal-iskopertura għall-elementi li ġejjin permezz tal-Metodu tal-Mudell Intern stabbilit fit-Taqsima 6:

(a) il-kuntratti elenkati fl-Anness II;

(b) transazzjonijiet ta’ riakkwist;

(c) transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b’self ta' titoli jew prodotti;

(d) transazzjonijiet ta’ self b'marġni;

(e) transazzjonijiet ta' saldu fit-tul.

3. Fejn l-istituzzjoni tixtri protezzjoni permezz ta’ derivat tal-kreditu kontra skopertura tal-portafoll mhux tan-negozjar jew kontra skopertura għar-riskju ta’ kontraparti, tista’ tikkalkula r-rekwiżit tal-fondi proprji tagħha għall-iskopertura ħħeġġjata skont wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-Artikoli 233 sa 236;

▼M17

(b) f'konformità mal-Artikolu 183, fejn ikun ingħata permess f'konformità mal-Artikolu 143.

▼B

Il-valur tal-iskopertura għas-CCR għal dawk id-derivati tal-kreditugħandu jkun żero, sakemm l-istituzzjoni ma tapplikax l-approċċ (ii) fil-punt (h) tal-Artikolu 299(2).

4. Minkejja l-paragrafu 3, istituzzjoni tista' tagħżel li għall-finijiet ta' kalkolu tar-rekwiżi tal-fondi proprji għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti tinkludi b'mod konsistenti d-derivati tal-kreditu kollha mhux inklużi fil-portafoll tan-negozjar u mixtrija bħala protezzjoni kontra skopertura fil-portafoll mhux tan-negozjar jew kontra skopertura għar-riskju tal-kreditu ta' kontraparti fejn il-protezzjoni tal-kreditu hija rikonoxxuta skont dan ir-Regolament.

5. Fejn swaps ta' inadempjenza tal-kreditu mibjugħa mill-istituzzjoni huma ttrattati minn istituzzjoni bħala l-protezzjoni tal-kreditu provduta minn dik l-istituzzjoni u huma soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu tas-sottostanti għall-ammont nozzjonali sħiħ, il-valur tal-iskopertura tagħhom għall-finijiet tas-CCR fil-portafoll mhux tan-negozjar għandu jkun żero.

▼M8

6. Skont il-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6, il-valur tal-iskopertura għal kontroparti partikolari għandu jkun daqs is-somma tal-valuri tal-iskoperturi ikkalkulata għal kull sett ta' netting ma' dik il-kontraparti.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, fejn ftehim ta' marġni wieħed japplika għal settijiet tan-netting multipli ma' dik il-kontroparti u l-istituzzjoni qiegħda tuża wieħed mill-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 biex tikkalkula l-valur tal-iskopertura ta' dawk is-settijiet tan-netting, il-valur tal-iskopertura għandu jiġi kkalkulat skont it-Taqsima rilevanti.

Għal kontroparti partikolari, il-valur tal-iskopertura għal sett tan-netting partikolari ta' strumenti derivattivi OTC elenkati fl-Anness II kkalkulat skont dan il-Kapitolu għandu jkun l-akbar minn żero u d-differenza bejn is-somma tal-valuri tal-iskoperturi fis-settijiet kollha tan-netting mal-kontroparti u s-somma tal-aġġustamenti fil-valwazzjoni tal-kreditu għal dik il-kontroparti rikonoxxuti mill-istituzzjoni bħala tnaqqis fil-valur imġarrab. L-aġġustamenti fil-valwazzjoni tal-kreditu għandhom jiġu kkalkulati mingħajr ma jitqies ebda aġġustament tal-valwazzjoni tad-debitu ta' tpaċija attribwit għar-riskju tal-kreditu proprju tad-ditta li tkun diġà ġiet eskluża mill-fondi proprji skont il-punt (c) tal-Artikolu 33 (1).

7. Fil-kalkolu tal-valur tal-iskopertura skont il-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3, 4 u 5, l-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw żewġ kuntratti derivattivi OTC inklużi fl-istess ftehim tan-netting li jaqblu perfettament bħallikieku kienu kuntratt wieħed bi prinċipju nozzjonali ugwali għal żero.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, żewġ kuntratti tad-derivattivi OTC jaqblu perfettament meta jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet ta' riskju tagħhom huma opposti;

▼M8

(b) il-karatteristiċi tagħhom, bl-eċċezzjoni tad-data tan-negozju, huma l-istess;

(c) il-flussi tal-flus tagħhom ipaċu kompletament lil xulxin.

8. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura għall-iskoperturi li ġejjin minn tranżazzjonijiet ta' saldu fit-tul permezz ta' kwalunkwe wieħed mill-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 6 ta' dan il-Kapitolu, irrispettivament minn liema metodu tkun għażlet l-istituzzjoni għat-trattament ta' derivattivi OTC u tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew komoditajiet, u tranżazzjonijiet ta' self b'marġni. Fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal tranżazzjonijiet ta' saldu fit-tul, istituzzjoni li tuża l-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 3 tista' tassenja l-ponderazzjonijiet tar-riskju skont l-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 2 fuq bażi permanenti u irrispettivament mill-materjalità ta' dawk il-pożizzjonijiet.

9. Għall-metodi mniżżla fit-Taqsimiet 3 sa 6 ta' dan il-Kapitolu, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw bħala adatti, it-tranżazzjonijiet fejn ikun ġie identifikat riskju speċifiku ta' korrelazzjoni ħażina (wrong-way risk) skont l-Artikolu 291(2), (4), (5) u (6).

Artikolu 273a

Kondizzjonijiet għall-użu ta' metodi simplifikati għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura

1. Istituzzjoni tista' tikkalkula l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet fid-derivattivi tagħha skont il-metodu stabbilit fit-Taqsima 4, sakemm id-daqs tan-negozju ta' derivattiv fil-karta tal-bilanċ u barra l-karta tal-bilanċ tiegħu huwa daqs jew anqas miż-żewġ livelli ta' limitu li ġejjin abbażi ta' valutazzjoni mwettqa fuq bażi ta' kull xahar permezz tad-data sal-aħħar jum tax-xahar:

(a) 10 % tat-total ta' assi tal-istituzzjoni;

(b) EUR 300 miljun.

2. Istituzzjoni tista' tikkalkula l-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet fid-derivattivi skont il-metodu stabbilit fit-Taqsima 5, sakemm id-daqs tan-negozju ta' derivattiv fil-karta tal-bilanċ u barra l-karta tal-bilanċ tiegħu huwa daqs jew anqas miż-żewġ livelli limiti li ġejjin abbażi ta' valutazzjoni mwettqa fuq bażi ta' kull xahar permezz tad-data sal-aħħar jum tax-xahar:

(a) 5 % tat-total ta' assi tal-istituzzjoni;

(b) EUR 100 miljun.

3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw id-daqs tan-negozju ta' derivattiv fil-karta tal-bilanċ u barra l-karta bilanċ tagħhom abbażi tad-data sal-aħħar jum ta' kull xahar skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet fid-derivattivi għandhom jiġu stmati bil-valuri tas-suq tagħhom f'dik id-data partikolari; meta l-valur tas-suq ta' pożizzjoni ma jkunx disponibbli f'data partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-valur ġust tas-suq għal dik il-pożizzjoni f'dik id-data; meta l-valur tas-suq u l-valur ġust ta' pożizzjoni ma jkunux disponibbli f'dik id-data, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-valur tas-suq jew il-valur ġust l-iktar reċenti għal dik il-pożizzjoni;

▼M17

(b) il-valur assolut tal-pożizzjoni twila aggregata għandu jingħadd mal-valur assolut tal-pożizzjoni qasira aggregata;

▼M8

(c) il-pożizzjonijiet kollha fid-derivattivi jkunu inklużi, minbarra d-derivattivi ta' kreditu li huma rikonoxxuti bħala ħħeġġjar intern kontra l-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu fil-portafoll mhux tan-negozjar.

▼M17

Għall-fini tal-ewwel subparagrafu, it-tifsira ta' pożizzjonijiet twal u qosra hija l-istess bħal dik stabbilita fl-Artikolu 94(3).

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-valur tal-pożizzjoni twila (qasira) aggregata għandu jkun daqs is-somma tal-valuri tal-pożizzjonijiet individwali twal (qosra) inklużi fil-kalkolu f'konformità mal-punt (c).

▼M8

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 jew 2, kif applikabbli, meta n-negozju tad-derivattivi fuq bażi konsolidata ma jaqbiżx il-limiti stabbiliti fil-paragrafu 1 jew 2, kif applikabbli, istituzzjoni li tkun inkluża fil-konsolidazzjoni u li jkollha tapplika l-metodu stabbilit fit-Taqsima 3 jew 4, minħabba li taqbeż dawk il-limiti fuq bażi individwali, tista', soġġetta għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, minflok tagħżel li tapplika l-metodu li jkun japplika fuq bażi konsolidata.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 4 jew 5 li jużaw, jew li jieqfu jużaw, kif applikabbli, biex jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet fid-derivattivi tagħhom.

6. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jidħlu fi tranżazzjoni ta' derivattiva jew jixtru jew ibiegħu strument derivattiv bl-unika skop li jikkonformaw ma' waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 matul il-valutazzjoni ta' kull xahar.

Artikolu 273b

▼M17

Nuqqas ta' konformità mal-kundizzjonijiet għall-użu ta' metodi simplifikati għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura ta' derivattivi u l-approċċ simplifikat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA

▼M8

1. Istituzzjoni li ma tibqax tissodisfa xi waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 273a(1) jew (2) għandha tinnotifika mill-ewwel lill-awtorità kompetenti dwar dan.

2. ►M17 L-istituzzjonijiet għandhom jieqfu jikkalkulaw il-valuri tal-iskoperturi għal pożizzjonijiet tad-derivattivi tagħhom f'konformità mat-Taqsima 4 jew 5 u jieqfu jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 385, kif applikabbli, fi żmien tliet xhur minn meta sseħħ sitwazzjoni minn dawn li ġejjin: ◄

▼M8

(a) l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 273a(1) jew (2), kif applikabbli, jew il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 273a(1) jew (2), kif applikabbli, għal tliet xhur konsekuttivi;

(b) l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 273a(1) jew (2), kif applikabbli, jew il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 273a(1) jew (2), kif applikabbli, għal aktar minn sitt xhur mit-12-il xahar ta' qabel.

▼M17

3. L-istituzzjonijiet li jkunu waqfu jikkalkulaw il-valuri tal-iskoperturi għal pożizzjonijiet tad-derivattivi tagħhom f'konformità mat-Taqsima 4 jew 5 u waqfu jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 385, kif ikun applikabbli, għandhom jitħallew jerġgħu jibdew jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura tal-pożizzjonijiet tad-derivattivi tagħhom biss kif stabbilit fit-Taqsima 4 jew 5 u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 385 meta juru lill-awtorità kompetenti li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 273a(1) jew (2), ikunu ġew issodisfati għal perjodu mhux interrott ta' sena.

▼B

Taqsima 3

Approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti

Artikolu 274

Valur tal-iskopertura

1. Istituzzjoni tista' tikkalkula valur tal-iskopertura uniku fil-livell tas-sett tan-netting għat-tranżazzjonijiet kollha koperti minn ftehim ta' netting kuntrattwali meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-ftehim ta' netting jappartjeni għal wieħed mit-tipi ta' ftehimiet ta' netting kuntrattwali msemmija fl-Artikolu 295;

(b) il-ftehim ta' netting ġie rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 296;

(c) l-istituzzjoni ssodisfat l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 297 fir-rigward tal-ftehim ta' netting.

Meta xi waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ma tiġix issodisfata, l-istituzzjoni għandha tittratta kull tranżazzjoni bħallikieku kienet sett tan-netting tagħha stess.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura ta' sett tan-netting skont l-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti kif ġej:

$$\text{Valur tal-iskopertura} = \alpha \cdot (RC + PFE)$$

fejn:

RC = l-ispiża tas-sostituzzjoni kkalkulata skont l-Artikolu 275; u

▼M8

PFE = l-iskopertura futura potenzjali kkalkulata skont l-Artikolu 278;

α = 1,4.

3. Il-valur tal-iskopertura ta' sett tan-netting li hu soġġett għal ftehim ta' marġni kuntrattwali għandu jiġi limitat għall-valur tal-iskopertura tas-sett tan-netting li ma hu soġġett għall-ebda forma ta' ftehim ta' marġni.

▼M17

4. Meta japplikaw ftehimiet dwar il-marġni multipli għall-istess sett ta' netting, jew l-istess sett ta' netting jinkludi kemm tranżazzjonijiet soġġetti għal ftehim dwar il-marġni kif ukoll tranżazzjonijiet mhux soġġetti għal ftehim dwar il-marġni, istituzzjoni għandha tikkalkula l-valur tal-iskopertura tagħha kif ġej:

(a) l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi s-settijiet ta' subnetting ipotetiku kkonċernati, magħmula minn tranżazzjonijiet inklużi fis-sett ta' netting, kif ġej:

(i) it-tranżazzjonijiet kollha soġġetti għal ftehim dwar il-marġni u għall-istess perjodu ta' riskju ta' marġni kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 285(2) sa (5), għandhom jiġu allokati għall-istess sett ta' subnetting;

(ii) it-tranżazzjonijiet kollha mhux soġġetti għal ftehim dwar il-marġni għandhom jiġu allokati għall-istess sett ta' subnetting, distint mis-settijiet ta' subnetting stabbiliti f'konformità mal-punt (i) ta' dan il-paragrafu;

(b) l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-ispiża tas-sostituzzjoni tas-sett ta' netting f'konformità mal-Artikolu 275(2), b'kont meħud tat-tranżazzjonijiet kollha fis-sett ta' netting, soġġetti għal ftehim dwar il-marġni jew le, u tapplika dan kollu li ġej:

(i) CMV għandu jiġi kkalkulat għat-tranżazzjonijiet kollha f'sett ta' netting gross minn kwalunkwe kollateral miżmum jew ippreżentat meta l-valuri tas-suq pożittivi u negattivi jiġu kkalkulati b'mod nett sabiex jinħadem is-CMV;

(ii) NICA, VM, TH, u MTA, fejn applikabbli, għandha tiġi kkalkulata separatament bħala s-somma tal-inputs kollha applikabbli għal kull ftehim dwar il-marġni individwali tas-sett ta' netting;

(c) l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-iskopertura futura potenzjali tas-sett ta' netting imsemmi fl-Artikolu 278 billi tapplika dan kollu li ġej:

(i) il-moltiplikatur imsemmi fl-Artikolu 278(1) għandu jkun ibbażat fuq l-inputs CMV, NICA u VM, kif applikabbli, f'konformità mal-punt (b) ta' dan il-paragrafu;

▼M17

(ii) $\sum_{a} AddOn^{(a)}$ għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 278, separatament għal kull sett ta' subnetting ipotetiku msemmi fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu.

▼M8

5. L-istituzzjonijiet jistgħu jistabbilixxu l-valur tal-iskopertura ta' sett tan-netting għal żero biex b'hekk jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) is-sett tan-netting huwa magħmul biss minn opzjonijiet mibjugħa;

(b) il-valur tas-suq kurrenti tas-sett tan-netting huwa dejjem negattiv;

(c) il-premium tal-opzjonijiet kollha inklużi fis-sett tan-netting ġie riċevut bil-quddiem mill-istituzzjoni biex tiġi ggarantita l-eżekuzzjoni tal-kuntratti;

(d) is-sett tan-netting ma hu soġġett għal ebda ftehim ta' marġni.

6. F'sett tan-netting, l-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu tranżazzjoni li hija kombinazzjoni lineari definita ta' opzjonijiet ta' call jew ta' put mixtrija jew mibjugħa bl-opzjonijiet uniċi kollha li jiffurmaw dik il-kombinazzjoni lineari, meħuda bħala tranżazzjoni individwali, għall-fini li jiġi kkalkulat il-valur tal-iskopertura tas-sett tan-netting skont din it-Taqsima. Kull tali kombinazzjoni ta' opzjonijiet għandha tiġi trattata bħala tranżazzjoni individwali fis-sett tan-netting li fih hija inkluża l-kombinazzjoni għall-fini li jiġi kkalkulat il-valur tal-iskopertura.

▼M17

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu dritt diġitali vanilla li l-eżerċitar tiegħu jkun daqs K bil-kombinazzjoni tal-collar rilevanti ta' żewġ drittijiet ta' xiri u put vanilla mibjugħin u mixtrijin li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) iż-żewġ drittijiet tal-kombinazzjoni tal-collar ikollhom:

(i) l-istess data ta' skadenza u l-istess prezz spot jew forward tal-istrument sottostanti bħad-dritt diġitali vanilla;

(ii) eżerċitar ugwali għal 0,95•K u 1,05•K rispettivament;

(b) il-kombinazzjoni tal-collar tirreplika eżattament il-gwadann tad-dritt diġitali vanilla li jirriżulta barra mill-medda bejn l-ewwel u t-tieni eżerċitar imsemmija fil-punt (a);

Il-pożizzjoni tar-riskju taż-żewġ drittijiet tal-kombinazzjoni tal-collar imsemmija fit-tieni subparagrafu għandha tiġi kkalkulata separatament f'konformità mal-Artikolu 279.

▼M8

7. Il-valur tal-iskopertura ta' tranżazzjoni ta' derivattivi tal-kreditu jirrappreżenta pożizzjoni twila fis-sottostanti jista' jkun limitat għall-ammont tal-premium pendenti mhux imħallas dment li jkun ttrattat bħala s-sett tan-netting tiegħu stess li mhuwiex soġġett għal ftehim ta' marġni.

▼**M8**

Artikolu 275

Prezz tas-sostituzzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-prezz tas-sostituzzjoni RC għas-settijiet tan-netting li mhumiex soġġetti għal ftehim ta' marġni, skont il-formula li ġejja:

$$RC = \max\{CMV - NICA, 0\}$$

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-prezz tas-sostituzzjoni għal settijiet tan-netting uniċi li huma soġġetti għal ftehim ta' marġni skont il-formula li ġejja:

$$RC = \max\{CMV - VM - NICA, TH + MTA - NICA, 0\}$$

fejn:

RC = il-prezz tas-sostituzzjoni

VM = il-valur aġġustat għall-volatilità tal-marġni ta' varjazzjoni nett irċevut jew sottomess, kif applikabbli, għas-sett tan-netting fuq bażi regolari biex jiġu mmitigati l-bidliet fis-CMV tas-sett tan-netting;

TH = il-livell limitu ta' marġni applikabbli għas-sett tan-netting taħt il-ftehim ta' marġni taħt liema l-istituzzjoni ma tistax titlob kollateral; u

MTA = l-ammont minimu ta' trasferiment applikabbli għas-sett tan-netting taħt il-ftehim ta' marġni.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-prezz tas-sostituzzjoni għal settijiet tan-netting multipli li huma soġġetti għal ftehim tal-istess marġni skont il-formula li ġejja:

$$RC = \max\left\{\sum_i \max\{CMV_i, 0\} - \max\{VM_{MA} + NICA_{MA}, 0\}, 0\right\} + \max\left\{\sum_i \min\{CMV_i, 0\} - \min\{VM_{MA} + NICA_{MA}, 0\}, 0\right\}$$

fejn:

RC = il-prezz tas-sostituzzjoni;

i = l-indiċi li jindika s-settijiet tan-netting li huma soġġetti għall-ftehim ta' marġni waħdieni;

CMV_i = is-CMV tas-sett tan-netting i;

VM_{MA} = is-somma tal-valur aġġustat għall-volatilità ta' kollateral irċevut jew sottomess, kif applikabbli, għal settijiet tan-netting multipli fuq bażi regolari biex jiġu mmitigati l-bidliet fis-CMV tagħhom; u

$NICA_{MA}$ = is-somma tal-valur aġġustat għall-volatilità ta' kollateral irċevut jew sottomess, kif applikabbli, għal settijiet tan-netting multipli oħra minbarra l-VW_{MA}.

▼M8

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-$NICA_{MA}$ jista' jiġi kkalkulat fil-livell tan-negozju, fil-livell tas-sett tan-netting jew fil-livell tas-settijiet tan-netting kollha li japplika għalihom il-ftehim ta' marġni skont il-livell li japplika fih il-ftehim ta' marġni.

Artikolu 276

Rikonoxximent u trattament tal-kollateral

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti ta' kollateral ta' VM, VM_{MA}, NICA u $NICA_{MA}$, billi japplikaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) fejn it-tranżazzjonijiet kollha inklużi f'sett tan-netting jappartjenu għall-portafoll tan-negozjar, għandu jiġi rikonoxxut biss il-kollateral li huwa eliġibbli skont l-Artikoli 197 u 299;

(b) meta sett tan-netting jinkludi tal-inqas tranżazzjoni waħda li tappartjeni għall-portafoll mhux tan-negozjar, għandu jiġi rikonoxxut biss il-kollateral li huwa eliġibbli skont l-Artikolu 197;

(c) il-kollateral irċevut minn kontroparti għandu jingħaraf minn sinjal pożittiv u kollateral sottomess lil kontroparti għandu jingħaraf minn sinjal negattiv;

▼M17

(d) il-valur aġġustat għall-volatilità ta' kwalunkwe tip ta' kollateral irċevut jew iddepożitat għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 223;

▼M8

(e) l-istess kollateral ma għandux jiġi inkluż kemm fil-VM kif ukoll fl-NICA fl-istess ħin;

(f) l-istess kollateral ma għandux jiġi inkluż kemm fil-VM_{MA} kif ukoll fl-$NICA_{MA}$ fl-istess ħin;

(g) kwalunkwe kollateral mogħti lill-kontroparti li huwa segregat mill-assi ta' dik il-kontroparti u, bħala riżultat ta' dik is-segregazzjoni, huwa falliment remot fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza ta' dik il-kontroparti ma għandux jiġi rikonoxxut fil-kalkolu tal-NICA u l-$NICA_{MA}$.

2. Għall-kalkolu tal-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral mogħti li huwa msemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu l-formula stabbilita fl-Artikolu 223(2) bil-formula li ġejja:

$$C_{VA} = C \cdot (1 + H_C + H_{fx})$$

fejn:

C_{VA}= il-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral mogħti; u

C= il-kollateral;

H_c u H_{fx} huma definiti skont l-Artikolu 223(2).

▼M8

3. Għall-finijiet tal-punt (d) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-perijodu ta' likwidazzjoni rilevanti għall-kalkolu tal-valur aġġustat għall-volatilità ta' kwalunkwe kollateral irċevut jew sottomess skont wieħed mill-perijodi ta' żmien li ġejjin:

(a) sena waħda fis-settijiet tan-netting imsemmija fl-Artikolu 275(1);

(b) il-perijodu ta' marġni ta' riskju determinat skont il-punt (b) tal-Artikolu 279c(1) għas-settijiet tan-netting imsemmija fl-Artikolu 275(2) u (3).

Artikolu 277

Klassifikazzjoni ta' tranżazzjonijiet għall-kategoriji ta' riskju

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull tranżazzjoni ta' sett tan-netting għal waħda mill-kategoriji ta' riskju li ġejjin biex jiddeterminaw l-iskopertura futura potenzjali tas-sett tan-netting imsemmi fl-Artikolu 278:

(a) riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;

(b) riskju tal-kambju;

(c) riskju ta' kreditu;

(d) riskju ta' ekwità;

(e) riskju ta' komodità;

(f) riskji oħrajn.

2. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi tal-motivatur tar-riskju primarju ta' tranżazzjoni ta' derivattiv. Il-motivatur tar-riskju primarju għandu jkun l-unika motivatur tar-riskju materjali ta' tranżazzjoni ta' derivattivi.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw it-tranżazzjonijiet derivattivi li għandhom iktar minn motivatur tar-riskju materjali wieħed għal iktar minn kategorija tar-riskju waħda. Meta l-motivaturi tar-riskju materjali kollha ta' waħda minn dawk it-tranżazzjonijiet jappartjenu għall-istess kategorija ta' riskju, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu rikjesti biss jikklassifikaw dik it-tranżazzjoni darba għal dik il-kategorija tar-riskju abbażi tal-iktar motivatur tar-riskju materjali minnhom. Meta l-motivaturi tar-riskju materjali ta' waħda minn dawk it-tranżazzjonijiet jappartjenu għal kategoriji ta' riskju differenti, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw dik it-tranżazzjoni darba għal kull kategorija tar-riskju għal liema t-tranżazzjoni għandha tal-inqas motivatur tar-riskju materjali wieħed, abbażi tal-iktar motivatur tar-riskju materjali f'dik il-kategorija tar-riskju.

4. Minkejja l-paragrafi 1, 2 u 3, meta t-tranżazzjonijiet jiġu kklassifikati għall-kategoriji tar-riskju elenkati fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) meta l-motivatur tar-riskju primarju ta' tranżazzjoni, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali f'kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, huwa varjabbli tal-inflazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw it-tranżazzjoni għall-kategorija tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;

▼M8

(b) meta l-motivatur tar-riskju primarju ta' tranżazzjoni, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali f'kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 3, huwa varjabbli tal-kondizzjonijiet klimatiċi, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw it-tranżazzjoni għall-kategorija tar-riskju tal-komoditajiet.

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) il-metodu biex jiġu identifikati t-tranżazzjonijiet b'motivatur tar-riskju materjali wieħed biss;

(b) il-metodu biex jiġu identifikati t-tranżazzjonijiet b'iktar minn motivatur tar-riskju materjali wieħed u biex jiġi identifikat l-iktar motivatur tar-riskju materjali minnhom għall-finijiet tal-paragrafu 3.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Diċembru 2019.

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 277a

Settijiet ta' hedging

1. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu s-settijiet ta' hedging rilevanti għal kull kategorija tar-riskju ta' sett tan-netting u jassenjaw kull tranżazzjoni lil dawk is-settijiet ta' hedging kif ġej:

(a) it-tranżazzjonijiet ikklassifikati fil-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax għandhom jiġu assenjati lill-istess sett ta' hedging fil-każ biss meta l-motivatur tar-riskju primarju tagħhom, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3), huwa denominat fl-istess munita;

(b) it-tranżazzjonijiet ikklassifikati fil-kategorija ta' riskju tal-kambju għandhom jiġu assenjati lill-istess sett ta' hedging fil-każ biss meta l-motivatur tar-riskju primarju tagħhom, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3), huwa bbażat fuq l-istess muniti akkoppjati;

(c) it-tranżazzjonijiet kollha kklassifikati fil-kategorija ta' riskju ta' kreditu għandhom jiġu assenjati lill-istess sett ta' hedging;

(d) it-tranżazzjonijiet kollha kklassifikati fil-kategorija ta' riskju ta' ekwità għandhom jiġu assenjati lill-istess sett ta' hedging;

(e) it-tranżazzjonijiet ikklassifikati fil-kategorija ta' riskju tal-komoditajiet għandhom jiġu assenjati lil wieħed mis-settijiet ta' hedging li ġejjin abbażi tan-natura tal-motivatur tar-riskju primarju tagħhom, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3):

(i) l-enerġija;

(ii) il-metalli;

(iii) il-prodotti agrikoli;

(iv) komoditajiet oħra;

(v) il-kondizzjonijiet klimatiċi;

▼M8

(f) it-tranżazzjonijiet ikklassifikati f'kategorija ta' riskji oħrajn għandhom jiġu assenjati lill-istess sett ta' hedging fil-każ biss meta l-motivatur tar-riskju primarju tagħhom, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3), huwa identiku.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, it-tranżazzjonijiet ikklassifikati fil-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li għandhom varjabbli ta' inflazzjoni bħala l-motivatur tar-riskju primarju għandhom jiġu assenjati lil settijiet ta' hedging separati, minbarra s-settijiet ta' hedging stabbiliti għal tranżazzjonijiet ikklassifikati fil-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax li ma għandhomx varjabbli ta' inflazzjoni bħala l-motivatur tar-riskju primarju. Dawn it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu assenjati lill-istess sett ta' hedging fil-każ biss meta l-motivatur tar-riskju primarju tagħhom, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3), huwa denominat fl-istess munita.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu settijiet ta' hedging individwali separati f'kull kategorija ta' riskju għat-tranżazzjonijiet li ġejjin:

(a) it-tranżazzjonijiet għal liema l-motivatur tar-riskju primarju, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3), huwa jew il-volatilità implikata tas-suq jew il-volatilità realizzata ta' motivatur tar-riskju jew il-korrelazzjoni bejn żewġ motivaturi tar-riskju;

(b) it-tranżazzjonijiet għal liema l-motivatur tar-riskju primarju, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3), huwa d-differenza bejn żewġ motivaturi tar-riskju kklassifikati fl-istess kategorija tar-riskju jew tranżazzjonijiet li jikkonsistu f'żewġ komponenti ta' pagament denominati fl-istess munita u għal liema motivatur tar-riskju mill-istess kategorija ta' riskju tal-motivatur tar-riskju primarju huwa inkluż fil-komponent tal-pagament l-ieħor minn dak li fih il-motivatur tar-riskju primarju.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw tranżazzjonijiet lill-istess sett ta' hedging tal-kategorija ta' riskju rilevanti fil-każ biss meta l-motivatur tar-riskju tagħhom, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3), huwa identiku.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw tranżazzjonijiet lill-istess sett ta' hedging tal-kategorija ta' riskju rilevanti fil-każ biss meta l-par motivaturi tar-riskju f'dawk it-tranżazzjonijiet kif imsemmi f'dan il-punt huwa identiku u ż-żewġ motivaturi tar-riskju inklużi f'dan il-par huma korrelatati b'mod pożittiv. Inkella, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw it-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu lil wieħed mis-settijiet ta' hedging stabbiliti skont il-paragrafu 1, fuq il-bażi ta' wieħed biss miż-żewġ motivaturi tar-riskju msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu.

▼M17

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw tranżazzjonijiet għal sett ta' ħħeġġjar separat tal-kategorija ta' riskju rilevanti wara l-istess kostruzzjoni ta' sett ta' ħħeġġjar stabbilita fil-paragrafu 1.

▼M8

3. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu disponibbli fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti n-numru ta' settijiet ta' hedging stabbiliti skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal kull kategorija ta' riskju, bil-motivatur tar-riskju primarju, jew l-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3), jew il-par motivaturi tar-riskju ta' kull wieħed minn dawk is-settijiet ta' hedging u bin-numru ta' tranżazzjonijiet f'kull wieħed minn dawk is-settijiet ta' hedging.

Artikolu 278

L-iskopertura futura potenzjali

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-iskopertura futura potenzjali ta' sett tan-netting kif ġej:

$$\text{PFE} = \text{multiplikatur} \cdot \sum_{a} \text{AddOn}^{(a)}$$

fejn:

PFE = l-iskopertura futura potenzjali;

a = l-indiċi li jindika l-kategoriji ta' riskju inklużi fil-kalkolu tal-iskopertura futura potenzjali tas-sett tan-netting;

$\text{AddOn}^{(a)}$ = is-suppliment għall-kategorija ta' riskju "a" kkalkulat skont l-Artikoli 280a sa 280f, kif applikabbli; u

multiplikatur = il-fattur ta' multiplikazzjoni kkalkulat skont il-formula msemmija fil-paragrafu 3.

Għall-fini ta' dan il-kalkolu, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu s-suppliment ta' kategorija ta' riskju partikolari fil-kalkolu tal-iskopertura futura potenzjali ta' sett tan-netting fejn mill-inqas tranżazzjoni waħda mis-sett tan-netting ġiet ikklassifikata f'dik il-kategorija ta' riskju.

2. L-iskopertura futura potenzjali ta' settijiet tan-netting multipli li huma soġġetti għal ftehim ta' marġni wieħed, kif imsemmi fl-Artikolu 275(3), għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma tal-iskoperturi futuri potenzjali tas-settijiet tan-netting individwali kollha bħallikieku ma kienu soġġetti għal ebda forma ta' ftehim ta' marġni.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-multiplikatur għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$\text{multiplikatur} = \begin{cases} 1 \text{ if } z \geq 0 \\ \min\{1,\ \text{Limitu minimu}_m + (1 - \text{Limitu minimu}_m) \cdot \exp\left(\frac{z}{y}\right)\} \text{ if } z < 0 \end{cases}$$

fejn:

Limitu minimu_m = 5 %;

▼M8

$$y = 2 \cdot (1 - Floor_m) \cdot \Sigma_a AddOn^{(a)}$$

$$z = \begin{cases} CMV - NICA \text{ għas-settijiet tan-netting imsemmija fl-Artikolu 275(1)} \\ CMV - VM - NICA \text{ għas-settijiet tan-netting imsemmija fl-Artikolu 275(2)} \\ CMV_i - NICA_i \text{ għas-settijiet tan-netting imsemmija fl-Artikolu 275(3)} \end{cases}$$

$NICA_i$ = l-ammont ta' kollateral indipendenti nett ikkalkulat biss għat-tranżazzjonijiet li huma inklużi fis-sett tan-netting i. $NICA_i$ għandu jiġi kkalkulat fil-livell ta' negozju jew fil-livell ta' sett tan-netting skont il-ftehim ta' marġni.

Artikolu 279

Kalkolu tal-pożizzjoni ta' riskju

Għall-fini ta' kalkolu tas-supplimenti tal-kategorija ta' riskju msemmija fl-Artikoli 280a sa 280f, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-pożizzjoni ta' riskju ta' kull tranżazzjoni ta' sett tan-netting kif ġej:

Pożizzjoni ta' riskju = δ * AdjNot * MF

fejn:

δ = id-delta ta' superviżjoni tat-tranżazzjoni kkalkulata skont il-formula stabbilita fl-Artikolu 279a;

AdjNot = l-ammont nozzjonali aġġustat tat-tranżazzjoni kkalkulat skont l-Artikolu 279b; u

MF = il-fattur ta' maturità tat-tranżazzjoni kkalkulat skont il-formula stabbilita fl-Artikolu 279c.

Artikolu 279a

Delta ta' superviżjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw id-delta ta' superviżjoni kif ġej:

▼M17

(a) għal opzjonijiet ta' xiri u ta' put li jagħtu dritt lix-xerrej ta' opzjoni jixtri jew ibigħ strument sottostanti bi prezz pożittiv f'data waħda jew f'diversi dati fil-futur, ħlief meta dawk l-opzjonijiet huma kklassifikati fil-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew fil-kategorija ta' riskju tal-komoditajiet, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-formula li ġejja:

▼M8

$$\delta = sign \cdot N\left(type \cdot \frac{\ln(P/K) + 0{,}5 \cdot \sigma^2 \cdot T}{\sigma \cdot \sqrt{T}}\right)$$

fejn:

δ = id-delta ta' superviżjoni;

sign = – 1 fejn it-tranżazzjoni hija opzjoni ta' call mibjugħa jew opzjoni ta' put mixtrija;

▼M8

sign = +1 fejn it-tranżazzjoni hija opzjoni ta' call mixtrija jew opzjoni ta' put mibjugħa;

type = – 1 fejn it-tranżazzjoni hija opzjoni ta' put;

type = + 1 fejn it-tranżazzjoni hija opzjoni ta' call;

N(x) = l-funzjoni kumulattiva ta' distribuzzjoni għal varjabbli aleatorju normali standard jiġifieri l-probabbiltà li varjabbli aleatorju normali b'medja ta' żero u b'varjanza ta' wieħed tkun inqas minn jew ugwali għal x;

P = il-prezz spot jew forward tal-istrument sottostanti tal-opzjoni; għal opzjonijiet il-flussi ta' flus taghħom li jiddependu fuq valur medju tal-prezz tal-istrument sottostanti, P għandu jkun daqs il-valur medju fid-data tal-kalkolu;

K = il-prezz tal-eżerċitar tal-opzjoni;

▼C8

T = il-perijodu bejn id-data tal-iskadenza tal-opzjoni (T_{exp}) u d-data tal-irrappurtar; għal opzjonijiet li jistgħu jiġu eżerċitati f'data futura waħda biss, T_{exp} hija ugwali għal dik id-data; għal opzjonijiet li jistgħu jiġu eżerċitati f'dati multipli futuri, T_{exp} hija ugwali għall-aħħar waħda minn dawk id-dati; T għandha tiġi espressa fi snin permezz tal-konvenzjoni rilevanti dwar il-jum tax-xogħol; u

▼M8

σ = il-volatilità superviżorja tal-opzjoni determinata skont it-Tabella 1 fuq il-bażi tal-kategorija tar-riskju tat-tranżazzjoni u n-natura tal-istrument sottostanti tal-opzjoni.

Tabella 1

Kategorija tar-riskju	Strument sottostanti	Volatilità superviżorja
Kambju	Kollha	15 %
Kreditu	Strument b'isem wieħed	100 %
	Strument b'għadd ta' ismijiet	80 %
Ekwità	Strument b'isem wieħed	120 %
	Strument b'għadd ta' ismijiet	75 %
Komodità	Elettriku	150 %
	Komoditajiet oħrajn (eskluż l-elettriku)	70 %
Oħrajn	Kollha	150 %

Istituzzjonijiet li jużaw l-prezz forward tal-istrument sottostanti ta' opzjoni għandhom jiżguraw li:

(i) il-prezz forward huwa konsistenti mal-karatteristiċi tal-opzjoni;

▼M8

(ii) il-prezz forward huwa kkalkulat permezz ta' rata tal-imgħax rilevanti li jkun hemm fid-data ta' rappurtar;

(iii) il-prezz forward jintegra l-flussi ta' flus mistennija tal-istrument sottostanti qabel l-iskadenza tal-opzjoni;

(b) fil-każ ta' segmenti ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi u derivattiva ta' kreditu n-eżmu inadempjenti, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-formula li ġejja:

$$\delta = \text{sinjal} \cdot \frac{15}{(1 + 14 \cdot A) \cdot (1 + 14 \cdot D)}$$

fejn:

$$\text{sinjal} = \begin{cases} +1 \text{ fejn il-protezzjoni tal-kreditu nkisbet permezz tat-tranżazzjoni} \\ -1 \text{ fejn il-protezzjoni tal-kreditu ġiet ipprovduta permezz tat-tranżazzjoni} \end{cases}$$

A = il-punt ta' akkoppjament tas-segment; għal tranżazzjoni ta' derivattiva ta' kreditu n-eżmu inadempjenti abbażi tal-entitajiet ta' referenza k, A = (n – 1)/k; u

D = il-punt ta' distakkament tas-segment; għal tranżazzjoni ta' derivattiva ta' kreditu n-eżmu inadempjenti abbażi tal-entitajiet ta' referenza k, D = n/k;

(c) fil-każ ta' tranżazzjonijiet mhux imsemmija fil-punt (a) jew (b), l-istituzzjonijiet għandhom jużaw id-delta ta' superviżjoni li ġejja:

$$\delta = \begin{cases} +1 \text{ “jekk it-tranżazzjoni hija pożizzjoni twila f'motivatur tar-riskju primarju jew fl-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija”} \\ -1 \text{ “jekk it-tranżazzjoni hija pożizzjoni qasira f'motivatur tar-riskju primarju jew fl-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija”} \end{cases}$$

2. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, pożizzjoni twila f'motivatur tar-riskju primarju, jew fl-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3) tfisser li l-valur tas-suq tat-tranżazzjoni jiżdied meta jkun hemm żieda fil-valur ta' dak il-motivatur tar-riskju u pożizzjoni qasira fil-motivatur tar-riskju primarju jew fl-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3) tfisser li l-valur tas-suq tat-tranżazzjoni jonqos meta jkun hemm żieda fil-valur ta' dak il-motivatur tar-riskju.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

▼M17

(a) f'konformità mal-iżviluppi regolatorji internazzjonali, il-formuli li l-istituzzjonijiet għandhom jużaw biex jikkalkulaw id-delta superviżjorja tal-opzjonijiet ta' xiri u put ikklassifikati fil-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew fil-kategorija ta' riskju tal-komoditajiet kompatibbli mal-kundizzjonijiet tas-suq li fihom ir-rati tal-imgħax jew il-prezzijiet tal-komoditajiet jistgħu jkunu negattivi u l-volatilità superviżorja li hija adatta għal dawk il-formuli;

▼M8

(b) il-metodu biex jiddeterminaw jekk tranżazzjoni hijiex pożizzjoni twila jew qasira fil-motivatur tar-riskju primarju jew fl-aktar motivatur tar-riskju materjali fil-kategorija tar-riskju speċifika għat-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 277(3).

▼M17

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2025.

▼M8

Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta lil dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 279b

Ammont nozzjonali aġġustat

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont nozzjonali aġġustat kif ġej:

(a) għal tranżazzjonijiet ikklassifikati fil-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax jew fil-kategorija ta' riskju ta' kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont nozzjonali aġġustat bħala l-prodott tal-ammont nozzjonali tal-kuntratt tad-derivattivi u l-fattur ta' durata tas-superviżjoni, li għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

▼C8

$$\text{fattur ta' durata tas} - \text{superviżjoni} = \text{massimu}\left\{\frac{\exp(-R \cdot S) - \exp(-R \cdot E)}{R}; 10/\text{SenaNegozju}\right\}$$

fejn:

R = ir-rata ta' skont fuq is-superviżjoni; R = 5 %;

S = il-perijodu bejn id-data tal-bidu ta' tranżazzjoni u d-data tar-rappurtar, li għandha tiġi espressa fi snin permezz tal-konvenzjoni rilevanti dwar il-jum tax-xogħol;

E = il-perijodu bejn id-data tat-tmiem ta' tranżazzjoni u d-data tar-rappurtar, li għandha tiġi espressa fi snin permezz tal-konvenzjoni rilevanti dwar il-jum tax-xogħol; u

SenaNegozju = sena waħda espressa f'jiem tax-xogħol permezz tal-konvenzjoni rilevanti dwar il-jum tax- xogħol.

▼M8

Il-bidu ta' tranżazzjoni li hija l-eqreb data li fiha tal-anqas pagament kuntrattwali skont it-tranżazzjoni, lil jew mill-istituzzjoni, ikun jew fiss jew skambjat, minbarra l-pagamenti relatati mal-kambju ta' kollateral fi ftehim ta' marġni. Meta tranżazzjoni tkun diġà qiegħda tistipula jew tagħmel pagamenti fid-data ta' rappurtar, id-data ta' bidu tat-tranżazzjoni għandha tkun 0.

Meta tranżazzjoni tinvolvi data kuntrattwali futura waħda jew aktar futuri li fiha l-istituzzjoni jew il-kontroparti jistgħu jiddeċiedu li jtemmu t-tranżazzjoni qabel il-maturità kuntrattwali tagħha, id-data ta' bidu tat-tranżazzjoni għandha tkun ugwali għall-eqreb data minn dawn li ġejjin:

(i) id-data jew l-eqreb data mid-dati futuri multipli li ġejjin li fiha l-istituzzjoni jew il-kontroparti jistgħu jiddeċiedu li jtemmu t-tranżazzjoni qabel il-maturità kuntrattwali tagħha;

▼M8

(ii) id-data li fiha tranżazzjoni tibda tistipula jew tagħmel il-pagamenti, minbarra l-pagamenti relatati mal-kambju ta' kollateral fi ftehim ta' marġni.

Meta tranżazzjoni jkollha strument finanzjarju bħala l-istrument sottostanti li jista' jwassal għal obbligi kuntrattwali addizzjonali għal dawk tat-tranżazzjoni, id-data ta' bidu ta' tranżazzjoni għandha tkun determinata abbażi tal-eqreb data li fiha l-istrument sottostanti jibda jistipula jew jagħmel il-pagamenti.

Id-data ta' tmiem ta' tranżazzjoni hija d-data li fiha l-aħħar pagament kuntrattwali skont it-tranżazzjoni, lil jew mill-istituzzjoni, huwa jew jista' jiġi skambjat.

Meta tranżazzjoni għandha strument finanzjarju bħala l-istrument sottostanti li jista' jwassal għal obbligi kuntrattwali addizzjonali għal dawk tat-tranżazzjoni, id-data ta' tmien ta' tranżazzjoni għandha tiġi determinata abbażi tal-aħħar pagament kuntrattwali tal-istrument sottostanti tat-tranżazzjoni.

Fejn tranżazzjoni tiġi strutturati sabiex tiġi saldata skopertura pendenti wara dati ta' pagament speċifikati u fejn it-termini huma ssettjati mill-ġdid sabiex il-valur tas-suq tat-tranżazzjoni jkun żero f'dawk id-dati speċifikati, is-saldu ta' skopertura pendenti f'dawk id-dati speċifikati huwa kkunsidrat bħala pagament kuntrattwali taħt l-istess tranżazzjoni;

(b) għal tranżazzjonijiet ikklassifikati fil-kategorija ta' riskju tal-kambju, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont nozzjonali aġġustat kif ġej:

(i) meta t-tranżazzjoni tikkonsisti f'komponent ta' pagament wieħed, l-ammont nozzjonali aġġustat għandu jkun l-ammont nozzjonali tal-kuntratt tad-derivattivi;

(ii) meta t-tranżazzjoni tikkonsisti f'żewġ komponenti ta' pagamenti u l-ammont nozzjonali ta' komponent ta' pagament wieħed huwa denominat fil-munita tar-rappurtar tal-istituzzjoni, l-ammont nozzjonali aġġustat għandu jkun l-ammont nozzjonali tal-komponent ta' pagament l-ieħor;

(iii) meta t-tranżazzjoni tikkonsisti f'żewġ komponenti ta' pagament u l-ammont nozzjonali ta' kull pagament huwa denominat f'munita differenti mill-munita tar-rappurtar tal-istituzzjoni, l-ammont nozzjonali aġġustat għandu jkun l-akbar wieħed mill-ammonti nozzjonali taż-żewġ komponenti ta' pagamenti wara li dawn l-ammonti jkunu ġew ikkonvertiti fil-munita tar-rappurtar tal-istituzzjoni fir-rata tal-kambju spot prevalenti;

(c) għal tranżazzjonijiet ikklassifikati fil-kategorija ta' riskju tal-ekwità jew fil-kategorija ta' riskju tal-komoditajiet, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont nozzjonali aġġustat bħala l-prodott tal-prezz tas-suq ta' unità waħda tal-istrument sottostanti tat-tranżazzjoni u n-numru ta' unitajiet fl-istrument sottostanti li ssir referenza għalih fit-tranżazzjoni;

▼M8

meta tranżazzjoni kklassifikata fil-kategorija ta' riskju ta' ekwità jew kategorija ta' riskju tal-komoditajiet hija espressa b'mod kontrattwali bħala ammont nozzjonali, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-ammont nozzjonali tat-tranżazzjoni pjuttost milli n-numru ta' unitajiet fl-istrument sottostanti, bħala l-ammont nozzjonali aġġustat;

(d) għal tranżazzjonijiet ikklassifikati għall-kategorija ta' riskji oħrajn, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont nozzjonali aġġustat abbażi tal-metodu l-aktar xieraq fost il-metodi stabbiliti fil-punti (a), (b) u (c), skont in-natura u l-karatteristiċi tal-istrument sottostanti tat-tranżazzjoni.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-ammont nozzjonali jew in-numru ta' unitajiet tal-istrument sottostanti għall-fini tal-kalkolu tal-ammont nozzjonali aġġustat ta' tranżazzjoni msemmi fil-paragrafu 1 kif ġej:

(a) meta l-ammont nozzjonali jew in-numru ta' unitajiet tal-istrument sottostanti ta' tranżazzjoni mhuwiex stipulat sal-maturità kuntrattwali tiegħu:

(i) għal ammonti nozzjonali deterministiċi u n-numru ta' unitajiet tal-istrument sottostanti, l-ammont nozzjonali għandu jkun il-medja ppeżata tal-valuri deterministiċi kollha tal-ammonti nozzjonali jew in-numru ta' unitajiet tal-istrument sottostanti, kif applikabbli, sal-maturità kuntrattwali tat-tranżazzjoni, fejn il-piżijiet huma l-proporzjon tal-perijodu ta' żmien li matulu japplika kull valur ta' ammont nozzjonali;

(ii) għal ammonti nozzjonali stokastiċi u n-numri ta' unitajiet tal-istrument sottostanti, l-ammont nozzjonali għandu jkun l-ammont determinat mill-istipular tal-valuri tas-suq kurrenti fil-formula għall-kalkolu tal-valuri futuri tas-suq;

(b) għal kuntratti b'kambji multipli tal-ammont nozzjonali, l-ammont nozzjonali għandu jkun immultiplikat bin-numru ta' pagamenti li jkun għad fadal isiru skont il-kuntratti;

(c) għal kuntratti li jipprovdu għal multiplikazzjoni tal-pagamenti tal-fluss ta' flus jew għal multiplikazzjoni tas-sottostanti tal-kuntratt tad-derivattivi, l-ammont nozzjonali għandu jiġi aġġustat minn istituzzjoni biex iqis l-effetti tal-multiplikazzjoni fuq l-istruttura tar-riskju ta' dawn il-kuntratti.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkonvertu l-ammont nazzjonali aġġustat ta' tranżazzjoni fil-munita tar-rappurtar tagħhom bir-rata tal-kambju spot prevalenti meta l-ammont nozzjonali aġġustat huwa kkalkulat skont dan l-Artikolu minn ammont nozzjonali kuntrattwali jew prezz tas-suq tan-numru ta' unitajiet tal-istrument sottostanti denominat f'munita oħra.

▼**M8**

Artikolu 279c

Fattur ta' Maturità

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-fattur ta' maturità kif ġej:

(a) għal tranżazzjonijiet inklużi fis-settijiet tan-netting kif imsemmi fl-Artikolu 275(1), l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-formula li ġejja:

$$MF = \sqrt{\min\{\max\{M,\ 10/\text{SenaNegozju}\},\ 1\}}$$

fejn:

MF = il-fattur ta' maturità;

M = il-maturità li jifdal tat-tranżazzjoni li hija ugwali għall-perijodu ta' żmien meħtieġ għat-terminazzjoni tal-obbligi kuntrattwali kollha tat-tranżazzjoni; għal dak il-għan, kwalunkwe dritt ta' għażla ta' kuntratt tad-derivattivi għandu jiġi kkunsidrat bħala obbligu kuntrattwali; il-maturità li jifdal għandha tiġi espressa fi snin permezz tal-konvenzjoni rilevanti dwar il-jum tax-xogħol;

meta tranżazzjoni għandha kuntratt tad-derivattivi ieħor bħala strument sottostanti li jista' jwassal għal obbligi kuntrattwali addizzjonali lil hinn mill-obbligi kuntrattwali tat-tranżazzjoni, il-maturità li jifdal tat-tranżazzjoni għandha tkun ugwali għall-perijodu meħtieġ għat-terminazzjoni tal-obbligi kuntrattwali kollha tal-istrument sottostanti;

meta tranżazzjoni tiġi strutturata sabiex skopertura pendenti tingħalaq wara dati ta' pagament speċifikati u fejn it-termini jiġu ffissati mill-ġdid sabiex il-valur tas-suq tat-tranżazzjoni ikun żero f'dawk id-dati speċifikati, il-maturità li jifdal tat-tranżazzjoni għandha tkun daqs iż-żmien sad-data tal-iffissar mill-ġdid li jmiss; u

SenaNegozju = sena waħda espressa f'jiem tax-xogħol permezz tal-konvenzjoni rilevanti dwar il-jum tax-xogħol;

(b) għal tranżazzjonijiet inklużi fis-settijiet tan-netting imsemmija fl-Artikolu 275(2) u (3), il-fattur ta' maturità huwa definit bħala:

▼**M8**

$$MF = \frac{3}{2}\sqrt{\frac{MPOR}{SenaNegozju}}$$

fejn:

MF = il-fattur ta' maturità;

MPOR = il-perijodu ta' marġni ta' riskju tas-sett tan-netting determinat skont l-Artikolu 285(2) sa (5); u

SenaNegozju = sena waħda espressa f'jiem tax-xogħol permezz tal-konvenzjoni rilevanti dwar il-jum tax-xogħol;

Meta tiddetermina l-perijodu ta' marġni tar-riskju għal tranżazzjonijiet bejn klijent u membru tal-ikklerjar, istituzzjoni li taġixxi jew bħala l-klijent jew bħala l-membru tal-ikklerjar għandha tissostitwixxi l-perijodu minimu stabbilit fil-punt (b) tal-Artikolu 285(2) b'ħamest ijiem tax-xogħol.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-maturità li jifdal għandha tkun ugwali għall-perijodu ta' żmien sad-data tal-issettjar mill-ġdid li jmiss għal tranżazzjonijiet li huma strutturati biex tiġi saldata skopertura pendenti wara dati ta' pagament speċifikati u fejn it-termini huma ssettjati mill-ġdid b'tali mod li l-valur tas-suq tal-kuntratt ikun żero f'dawk id-dati ta' pagamenti speċifikati.

Artikolu 280

Koeffiċjent tal-fattur ta' superviżjoni tas-sett ta' hedging

Għall-fini tal-kalkolu tas-suppliment ta' sett ta' hedging kif imsemmi fl-Artikoli 280a sa 280f, il-koeffiċjent tal-fattur ta' superviżjoni ta' sett ta' hedging "ϵ" għandu jkun dan li ġej:

$$\epsilon = \begin{cases} \text{1 għas-settijiet ta' hedging stabbiliti skont l-Artikolu 277a(1)} \\ \text{5 għas-settijiet ta' hedging stabbiliti skont il-punt (a) tal-Artikolu 277a (1))} \\ \text{0,5 għas-settijiet ta' hedging stabbiliti skont il-punt (b) tal-Artikolu 277a(2)} \end{cases}$$

Artikolu 280a

Suppliment tal-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 278, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment tal-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax għal sett tan-netting partikolari kif ġej:

$$AddOn^{IR} = \sum_{j} AddOn_{j}^{IR}$$

fejn:

$AddOn^{IR}$ = is-suppliment tal-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;

▼M8

j = l-indiċi li jindika s-settijiet kollha ta' hedging ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax stabbiliti skont il-punt (a) tal-Artikolu 277a(1) u skont l-Artikolu 277a(2) għas-sett tan-netting; u

$AddOn_j^{IR}$ = is-suppliment tal-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax għas-sett ta' hedging j ikkalkulat skont il-paragrafu 2.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment tas-sett ta' hedging j tal-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax:

$$AddOn_j^{IR} = \epsilon_j \cdot SF^{IR} \cdot EffNot_j^{IR}$$

fejn:

ϵ_j = il-koeffiċjent tal-fattur ta' superviżjoni tas-sett ta' hedging j determinat skont il-valur applikabbli speċifikat fl-Artikolu 280;

SF^{IR} = il-fattur ta' superviżjoni għall-kategorija ta' riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax b'valur ugwali għal 0,5 %; u

$EffNot_j^{IR}$ = l-ammont nozzjonali effettiv tas-sett ta' hedging j ikkalkulat skont il-paragrafu 3.

3. Għall-fini tal-kalkolu tal-ammont nozzjonali effettiv tas-sett ta' hedging j, l-istituzzjonijiet għandhom l-ewwel jikklassifikaw kull tranżazzjoni tas-sett ta' hedging lill-bucket ix-xieraq fit-Tabella 2. Dawn għandhom jagħmlu hekk abbażi tad-data ta' tmiem ta' kull tranżazzjoni kif determinat skont il-punt (a) tal-Artikolu 279b(1):

Tabella 2

Bucket	Data tat-tmiem (fi snin)
1	> 0 u <= 1
2	> 1 u <= 5
3	> 5

Sussegwentement, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont nozzjonali effettiv tas-sett ta' hedging j skont il-formula li ġejja:

▼C8

$$EffNot_j^{IR} = \sqrt{\left[(D_{j,1})^2 + (D_{j,2})^2 + (D_{j,3})^2 + 1{,}4 \cdot D_{j,1} \cdot D_{j,2} + 1{,}4 \cdot D_{j,2} \cdot D_{j,3} + 0{,}6 \cdot D_{j,1} \cdot D_{j,3}\right]}$$

▼M8

fejn:

$EffNot_j^{IR}$ = l-ammont nozzjonali effettiv tas-sett ta' hedging j; u

$D_{j,k}$ = l-ammont nozzjonali effettiv tal-bucket k tas-sett ta' hedging j huwa kkalkulat kif ġej:

$$D_{j,k} = \sum_{l \in \text{Bucket } k} \text{Pożizzjoni ta}' \text{ Riskju}_l$$

fejn:

l = l-indiċi li jindika l-pożizzjoni ta' riskju.

▼M8

Artikolu 280b

Suppliment tal-kategorija ta' riskju tal-kambju

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 278, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment ta' kategorija ta' riskji tal-kambju għal sett tan-netting partikolari kif ġej:

$$\text{AddOn}^{FX} = \sum_{j} \text{AddOn}_{j}^{FX}$$

fejn:

AddOn^{FX} = is-suppliment ta' kategorija ta' riskju tal-kambju;

j = l-indiċi li jindika s-settijiet ta' hedging ta' riskji tal-kambju stabbiliti skont il-punt (b) tal-Artikolu 277a(1) u skont l-Artikolu 277a(2) għas-sett tan-netting; u

AddOn_{j}^{FX} = is-suppliment ta' kategorija ta' riskju tal-kambju għas-sett ta' hedging j ikkalkulat skont il-paragrafu 2.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment ta' kategorija ta' riskju tal-kambju għas-sett ta' hedging j kif ġej:

$$\text{AddOn}_{j}^{FX} = \epsilon_{j} \cdot \text{SF}^{FX} \cdot |\text{EffNot}_{j}^{FX}|$$

fejn:

ϵ_{j} = il-koeffiċjent tal-fattur ta' superviżjoni tas-sett ta' hedging j determinat skont l-Artikolu 280;

SF^{FX} = il-fattur ta' superviżjoni għall-kategorija ta' riskju tal-kambju b'valur ugwali għal 4 %;

EffNot_{j}^{FX} = l-ammont nozzjonali effettiv tas-sett ta' hedging j ikkalkulat kif ġej:

$$\text{EffNot}_{j}^{FX} = \sum_{l \in \text{Hedging set j}} \text{Pożizzjoni ta}' \text{ Riskju}_{l}$$

fejn:

l = l-indiċi li jindika l-pożizzjoni ta' riskju.

Artikolu 280c

Suppliment tal-kategorija ta' riskju ta' kreditu

1. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-entitajiet referenzjarji tal-kreditu rilevanti tas-sett tan-netting skont dan li ġej:

▼M8

(a) għandu jkun hemm entità referenzjarja tal-kreditu waħda għal kull emittent ta' strument ta' dejn ta' referenza sottostanti għal tranżazzjoni b'isem wieħed allokata lill-kategorija ta' riskju ta' kreditu; it-tranżazzjonijiet b'isem wieħed għandhom jiġu assenjati lill-istess entità referenzjarja ta' kreditu fil-każ biss meta l-istrument ta' dejn ta' referenza sottostanti ta' dawk it-tranżazzjonijiet jinħareġ mill-istess emittent;

(b) għandu jkun hemm entità referenzjarja ta' kreditu waħda għal kull grupp ta' strumenti ta' dejn ta' referenza jew derivattivi ta' kreditu b'isem wieħed sottostanti għal tranżazzjoni b'ħafna ismijiet allokata lill-kategorija ta' riskju ta' kreditu; it-tranżazzjonijiet b'ħafna ismijiet għandhom jiġu assenjati lill-istess entità referenzjarja ta' kreditu fil-każ biss meta l-grupp ta' strumenti ta' dejn ta' referenza sottostanti jew derivattivi ta' kreditu b'isem wieħed ta' dawk it-tranżazzjonijiet ikollu l-istess kostitwenti.

2. Għall-finijiet tal-Artikolu 278, l-istituzzjoni għandha tikkalkula s-suppliment ta' kategorija ta' riskji ta' kreditu għal sett tan-netting partikolari kif ġej:

$$\text{AddOn}^{\text{Credit}} = \sum_{j} \text{AddOn}_{j}^{\text{Credit}}$$

fejn:

$\text{AddOn}^{\text{Credit}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskji ta' kreditu;

j = l-indiċi li jindika s-settijiet kollha ta' hegding ta' riskju ta' kreditu stabbiliti skont il-punt (c) tal-Artikolu 277a (1) u l-Artikolu 277a(2) għas-sett tan-netting; u

$\text{AddOn}_{j}^{\text{Credit}}$ = is-suppliment tal-kategorija ta' riskju ta' kreditu għas-sett ta' hedging j ikkalkulat skont il-paragrafu 3.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment ta' kategorija ta' riskju ta' kreditu għal sett ta' hedging j kif ġej:

▼C8

$$\text{AddOn}_{j}^{\text{Credit}} = \epsilon_j \sqrt{\left(\sum_{k} \rho_{k}^{\text{Credit}} \cdot \text{AddOn}(\text{Entity}_k)\right)^2 + \sum_{k} \left(1 - \left(\rho_{k}^{\text{Credit}}\right)^2\right) \cdot \left(\text{AddOn}(\text{Entity}_k)\right)^2}$$

▼M8

fejn:

$\text{AddOn}_{j}^{\text{Credit}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskju ta' kreditu għal sett ta' hedging j;

ϵ_j = il-koeffiċjent tal-fattur ta' superviżjoni tas-sett ta' hedging j determinat skont l-Artikolu 280;

k = l-indiċi li jindika li l-entitajiet referenzjarji ta' kreditu tas-sett tan-netting stabbiliti skont il-paragrafu 1;

▼**M8**

ρ_k^{Credit} = il-fattur ta' korrelazzjoni tal-entità referenzjarja ta' kreditu k; meta l-entità referenzjarja ta' kreditu k ġiet stabbilita skont il-punt (a) tal-paragrafu 1,$\rho_k^{Credit} = 50\%$, meta l-entità referenzjarja ta' kreditu k ġiet stabbilita skont il-punt (b) tal-paragrafu 1,$\rho_k^{Credit} = 80\%$; u

$AddOn(Entity_k)$ = is-suppliment għall-entità referenzjarja ta' kreditu k determinat skont il-paragrafu 4.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment għall-entità referenzjarja ta' kreditu k kif ġej:

$$AddOn(Entity_k) = EffNot_k^{Credit}$$

fejn:

$EffNot_k^{Credit}$ = l-ammont nozzjonali effettiv ta' entità referenzjarja ta' kreditu k ikkalkulat kif ġej:

$$EffNot_k^{Credit} = \sum_{l \in \text{Credit reference entity}} SF_{k,l}^{Credit} \cdot \text{Pożizzjoni ta}' \text{ Riskju}_l$$

fejn:

l = l-indiċi li jindika l-pożizzjoni ta' riskju; u

$SF_{k,l}^{Credit}$ = il-fattur ta' superviżjoni applikabbli għall-entità referenzjarja ta' kreditu k ikkalkolat skont il-paragrafu 5.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-fattur ta' superviżjoni applikabbli għall-entità referenzjarja ta' kreditu k kif ġej:

(a) għall-entità referenzjarja ta' kreditu k stabbilita skont il-punt (a) tal-paragrafu 1,$SF_{k,l}^{Credit}$ għandu jiġi kklassifikat f'wieħed mis-sitt fatturi ta' superviżjoni stabbiliti fit-Tabella 3 ta' dan il-paragrafu abbażi ta' valutazzjoni ta' kreditu esterna minn ECAI nominata tal-emittent individwali korrispondenti; għal emittent individwali għal liema valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI nominata mhijiex disponibbli:

(i) istituzzjoni li tuża l-approċċ imsemmi fil-Kapitolu 3 għandha tikklassifika l-klassifikazzjoni interna tal-emittent individwali f'waħda mill-valutazzjonijiet tal-kreditu esterni;

(ii) istituzzjoni li tuża l-approċċ imsemmi fil-Kapitolu 2 għandha tassenja l-$SF_{k,l}^{Credit} = 0{,}54\%$ lil dik l-entità referenzjarja ta' kreditu; madankollu, meta istituzzjoni tapplika l-Artikolu 128 għal skoperturi għar-riskju ta' kreditu ta' kontroparti għall-piż tar-riskju għal dan l-emittent individwali, għandu jiġi assenjat l-$SF_{k,l}^{Credit} = 1{,}6\%$ lil dik l-entità referenzjarja ta' kreditu;

(b) għal entità referenzjarja ta' kreditu k stabbilita skont il-punt (b) tal-paragrafu 1:

▼M8

(i) meta pożizzjoni ta' riskju l assenjata lill-entità referenzjarja ta' kreditu k hija indiċi ta' kreditu elenkata f'kambju rikonoxxut, l-$SF_{k,l}^{Credit}$ għandu jiġi kklassifikat f'wieħed miż-żewġ fatturi ta' superviżjoni stabbiliti fit-Tabella 4 ta' dan il-paragrafu abbażi tal-kwalità tal-kreditu tal-maġġoranza tal-kostitwenti individwali tagħha;

(ii) meta pożizzjoni ta' riskju l assenjata lill-entità referenzjarja ta' kreditu k mhijiex imsemmija fil-punt (i) ta' dan il-punt, $SF_{k,l}^{Credit}$ għandu jkun il-medja ppeżata tal-fatturi ta' superviżjoni kklassifikati f'kull kostitwent skont il-metodu stabbilit fil-punt (a), meta l-piżijiet huma definiti mill-proporzjon ta' nozzjonali tal-kostitwenti f'dik il-pożizzjoni.

Tabella 3

Skala tal-kwalità kreditizja	Fattur ta' superviżjoni għal tranżazzjonijiet b'isem wieħed
1	0,38 %
2	0,42 %
3	0,54 %
4	1,06 %
5	1,6 %
6	6,0 %

Tabella 4

Kwalità kreditizja dominanti	Fattur ta' superviżjoni għal indiċijiet ikkwotati
Grad ta' investiment	0,38 %
Grad mhux ta' investiment	1,06 %

Artikolu 280d

Suppliment tal-kategorija ta' riskju ta' ekwità

1. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-entitajiet referenzjarji ta' ekwità rilevanti tas-sett tan-netting skont dan li ġej:

(a) għandu jkun hemm entità referenzjarja ta' ekwità waħda għal kull emittent ta' strument ta' ekwità referenzjarja sottostanti għal tranżazzjoni b'isem wieħed allokata lill-kategorija ta' riskju ta' ekwità; it-tranżazzjonijiet b'isem wieħed għandhom jiġu assenjati lill-istess entità referenzjarja ta' ekwità fil-każ biss meta l-istrument ta' ekwità referenzjarja sottostanti ta' dawk it-tranżazzjonijiet jinħareġ mill-istess emittent;

(b) għandu jkun hemm entità referenzjarja ta' ekwità waħda għal kull grupp ta' strumenti ta' ekwità referenzjarja jew derivattivi ta' ekwità b'isem wieħed sottostanti għal tranżazzjoni b'ħafna ismijiet allokata lill-kategorija ta' riskju ta' ekwità; it-tranżazzjonijiet b'ħafna ismijiet għandhom jiġu assenjati lill-istess entità referenzjarja ta' ekwità fil-każ biss meta l-grupp ta' strumenti ta' ekwità referenzjarja sottostanti jew derivattivi ta' ekwità b'isem wieħed ta' dawk it-tranżazzjonijiet, kif applikabbli, ikollu l-istess kostitwenti.

▼M8

2. Għall-fini tal-Artikolu 278, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment ta' kategorija ta' riskji ta' ekwità għal sett tan-netting partikolari kif ġej:

$$\text{AddOn}^{\text{Equity}} = \sum_{j} \text{AddOn}_{j}^{\text{Equity}}$$

fejn:

$\text{AddOn}^{\text{Equity}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskji ta' ekwità;

j = l-indiċi li jindika s-settijiet kollha ta' hedging ta' riskju ta' ekwità stabbiliti skont il-punt (d) tal-Artikolu 277a (1) u l-Artikolu 277a(2) għas-sett tan-netting; u

$\text{AddOn}_{j}^{\text{Equity}}$ = is-suppliment tal-kategorija ta' riskju ta' ekwità għas-sett ta' hedging j ikkalkulat skont il-paragrafu 3.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment ta' kategorija ta' riskju għal ekwità ta' sett ta' hedging j kif ġej:

▼C8

$$AddOn_{j}^{Equity} = \epsilon_{j} \sqrt{\left(\sum_{k} \rho_{k}^{Equity} \cdot AddOn(Entity_{k})\right)^{2} + \sum_{k} \left(1 - \left(\rho_{k}^{\text{Equity}}\right)^{2}\right) \cdot \left(AddOn(Entity_{k})\right)^{2}}$$

▼M8

fejn:

$\text{AddOn}_{j}^{\text{Equity}}$ = is-suppliment tal-kategorija ta' riskju ta' ekwità għas-sett ta' hedging j;

ϵ_{j} = il-koeffiċjenttal-fatturta'superviżjonitas-settta'hedging j determinat skont l-Artikolu 280;

k = l-indiċi li jindika li l-entitajiet referenzjarji ta' ekwità tas-sett tan-netting stabbiliti skont il-paragrafu 1;

ρ_{k}^{Equity} = il-fattur ta' korrelazzjoni tal-entità referenzjarja ta' ekwità k; meta l-entità referenzjarja ta' ekwità k tkun ġiet stabbilita skont il-punt (a) tal-paragrafu 1, $\rho_{k}^{\text{Equity}} = 50\%$; meta l-entità referenzjarja ta' ekwità k tkun ġiet stabbilita skont il-punt (b) tal-paragrafu 1, $\rho_{k}^{\text{Equity}} = 80\%$; u

$\text{AddOn}(\text{Entity}_{k})$ = is-suppliment għall-entità referenzjarja tal-ekwità k determinat skont il-paragrafu 4.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment għall-entità referenzjarja ta' ekwità k kif ġej:

▼C8

$$\text{AddOn}(\text{Entity}_{k}) = \text{SF}_{k}^{\text{Equity}} \cdot \text{EffNot}_{k}^{\text{Equity}}$$

▼M8

fejn:

$\text{AddOn}(\text{Entity}_{k})$ = is-suppliment għall-entità referenzjarja ta' ekwità k;

▼M8

SF_k^{Equity} = il-fattur ta' superviżjoni applikabbli għall-entità referenzjarja ta' ekwità k; meta l-entità referenzjarja ta' kreditu k tkun ġiet stabbilita skont il-punt (a) tal-paragrafu 1, $SF_k^{Equity} = 32\%$; meta l-entità referenzjarja ta' kreditu k tkun ġiet stabbilita skont il-punt (b) tal-paragrafu 1, $SF_k^{Equity} = 20\%$; u

$EffNot_k^{Equity}$ = l-ammont nozzjonali effettiv ta' entità referenzjarja ta' ekwità k ikkalkulat kif ġej:

$$EffNot_k^{Equity} = \sum_{l \in \text{Equity reference entity k}} \text{Pożizzjoni ta}' \text{ Riskju}_l$$

fejn:

l = l-indiċi li jindika l-pożizzjoni ta' riskju.

Artikolu 280e

Suppliment ta' kategorija ta' riskju tal-komoditajiet

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 278, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment ta' kategorija ta' riskju tal-komoditajiet għal sett tan-netting partikolari kif ġej:

▼C8

$$\mathbf{AddOn^{Com}} = \sum_j \mathbf{AddOn_j^{Com}}$$

▼M8

fejn:

$AddOn^{Com}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskju tal-komoditajiet;

j = l-indiċi li jindika s-settijiet kollha ta' hedging tal-komoditajiet stabbiliti skont il-punt (e) tal-Artikolu 277a(1) u skont l-Artikolu 277a(2) għas-sett tan-netting; u

$AddOn_j^{Com}$ = is-suppliment tas-sett ta' hedging j tal-kategorija ta' riskju tal-komoditajiet ikkalkulat skont il-paragrafu 4.

2. Għall-fini tal-kalkolu tas-suppliment għal sett ta' hedging tal-komoditajiet ta' sett tan-netting partikolari skont il-paragrafu 4, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu t-tipi referenzjarji ta' komoditajiet rilevanti ta' kull sett ta' hedging. It-tranżazzjonijiet derivattivi tal-komoditajiet għandhom jiġu assenjati lill-istess tip referenzjarju ta' komoditajiet fil-każ biss meta l-istrument tal-komoditajiet sottostanti dawk it-tranżazzjonijiet għandu l-istess natura, irrispettivament mill-post ta' kunsinnja u l-kwalità tal-istrument tal-komoditajiet.

3. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lil istituzzjoni li hija esposta b'mod sinifikanti għar-riskju ta' bażi ta' pożizzjonijiet differenti li jikkondividu l-istess natura kif imsemmi fil-paragrafu 2 biex jistabbilixxu t-tipi referenzjarji tal-komoditajiet għal dawk il-pożizzjonijiet li jużaw iktar karatteristiċi minn sempliċiment n-natura tal-istrument tal-komoditajiet sottostanti. F'sitwazzjoni bħal din, it-tranżazzjonijiet derivattivi tal-komoditajiet għandhom jiġu assenjati l-istess tip referenzjarju ta' komoditajiet fil-każ biss meta huma jikkondividu dawk il-karatteristiċi.

▼M8

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment ta' kategorija ta' riskju għal ekwità ta' sett ta' hedging j kif ġej:

▼C8

$$\mathrm{AddOn}_j^{\mathrm{Com}} = \epsilon_j \sqrt{\left(\rho^{\mathrm{Com}} \cdot \sum_k \mathrm{AddOn}\left(\mathrm{Type}_k^j\right)\right)^2 + \left(1 - \left(\rho^{\mathrm{Com}}\right)^2\right) \cdot \sum_k \left(\mathrm{AddOn}\left(\mathrm{Type}_k^j\right)\right)^2}$$

▼M8

fejn:

$\mathrm{AddOn}_j^{\mathrm{Com}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskju għal ekwità ta' sett ta' hedging j;

ϵ_j = il-koeffiċjent tal-fattur ta' superviżjoni tas-sett ta' hedging j determinat skont l-Artikolu 280;

ρ^{Com} = il-fattur ta' korrelazzjoni tal-kategorija ta' riskju tal-komoditajiet b'valur ugwali għal 40 %;

k = l-indiċi li jindika t-tipi referenzjarji tal-komoditajiet tas-sett tan-netting stabbilit skont il-paragrafu 2; u

$\mathrm{AddOn}\left(\mathrm{Type}_k^j\right)$ = is-suppliment għal tip referenzjarju ta' komoditajiet k ikkalkulat skont il-paragrafu 5.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment għat-tip referenzjarju tal-komoditajiet k kif ġej:

$$\mathrm{AddOn}\left(\mathrm{Type}_k^j\right) = \mathrm{SF}_k^{\mathrm{Com}} \cdot \mathrm{EffNot}_k^{\mathrm{Com}}$$

fejn:

$\mathrm{AddOn}\left(\mathrm{Type}_k^j\right)$ = is-suppliment għat-tip referenzjarju tal-komoditajiet k;

▼C8

$\mathrm{SF}_k^{\mathrm{Com}}$ = il-fattur ta' superviżjoni applikabbli għat-tip referenzjarju tal-komoditajiet k; meta t-tip referenzjarju tal-komoditajiet k jikkorrispondi għat-tranżazzjonijiet allokati lis-sett ta' hedging imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 277a(1), eskluż tranżazzjonijiet li jikkonċernaw l-elettriku $\mathrm{SF}_k^{\mathrm{Com}} = 18\,\%$; għal tranżazzjonijiet li jikkonċernaw l-elettriku, $\mathrm{SF}_k^{\mathrm{Com}} = 40\,\%$;

▼M8

$\mathrm{EffNot}_k^{\mathrm{Com}}$ = l-ammont nozzjonali effettiv tat-tip referenzjarju tal-komoditajiet k ikkalkulat kif ġej:

$$\mathrm{EffNot}_k^{\mathrm{Com}} = \sum_{l \in \text{Commodity reference type k}} \text{Pożizzjoni ta' Riskju}_l$$

fejn:

l = l-indiċi li jindika l-pożizzjoni ta' riskju.

▼M8

Artikolu 280f

Suppliment tal-kategorija ta' riskji oħrajn

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 278, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment ta' kategorija ta' riskji oħrajn għal sett tan-netting partikolari kif ġej:

$$\text{AddOn}^{\text{Other}} = \sum_{j} \text{AddOn}_{j}^{\text{Other}}$$

fejn:

$\text{AddOn}^{\text{Other}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskji oħrajn;

j = l-indiċi li jindika s-settijiet ta' hedging ta' riskji oħrajn stabbiliti skont il-punt (f) tal-Artikolu 277a(1) u l-Artikolu 277a(2) għas-sett tan-netting; u

$\text{AddOn}_{j}^{\text{Other}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskji oħrajn għal sett ta' hedging j ikkalkulat skont il-paragrafu 2.

2. Istituzzjoni għandha tikkalkula s-suppliment ta' kategorija ta' riskji oħrajn għas-sett ta' hedging j kif ġej:

$$\text{AddOn}_{j}^{\text{Other}} = \epsilon_{j} \cdot \text{SF}^{\text{Other}} \cdot |\text{EffNot}_{j}^{\text{Other}}|$$

fejn:

$\text{AddOn}_{j}^{\text{Other}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskji oħrajn għas-sett ta' hedging j;

ϵ_{j} = il-koeffiċjent tal-fattur ta' superviżjoni tas-sett ta' hedging j determinat skont l-Artikolu 280; u

SF^{Other} = il-fattur ta' superviżjoni għall-kategorija ta' riskji oħrajn b'valur ugwali għal 8 %;

$\text{EffNot}_{j}^{\text{Other}}$ = l-ammont nozzjonali effettiv tas-sett ta' hedging j ikkalkulat kif ġej:

$$\text{EffNot}_{j}^{\text{Other}} = \sum_{l \in \text{Hedging set } j} \text{Pożizzjoni ta}' \text{ Riskju}_{l}$$

fejn:

l = l-indiċi li jindika l-pożizzjoni ta' riskju.

Taqsima 4

Approċċ standardizzat simplifikat għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti

Artikolu 281

Kalkolu tal-valur tal-iskopertura

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw valur tal-iskopertura uniku fil-livell ta' sett tan-netting f'konformità mat-Taqsima 3, soġġett għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Il-valur tal-iskopertura ta' sett tan-netting għandu jiġi kkalkulat skont ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet ma għandhomx japplikaw it-trattament imsemmi fl-Artikolu 274(6);

▼**M8**

(b) b'deroga mill-Artikolu 275(1), għas-settijiet tan-netting li ma jissemmewx fl-Artikolu 275(2), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-prezz tas-sostituzzjoni skont il-formula li ġejja:

$$RC = \max\{CMV, 0\}$$

fejn:

RC = kost tas-sostituzzjoni; u

CMV = valur tas-suq kurrenti.

(c) b'deroga mill-Artikolu 275(2) ta' dan ir-Regolament, għas-settijiet tan-netting ta' transazzjonijiet: li huma nnegozjati fuq borża rikonoxxuta; li huma kklerjati ċentralment minn kontroparti ċentrali awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament; jew li l-kollateral għalihom huwa skambjat bilateralment mal-kontroparti f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-kost tas-sostituzzjoni skont il-formula li ġejja:

$$RC = TH + MTA$$

fejn:

RC = kost tas-sostituzzjoni;

TH = il-livell limitu ta' marġni applikabbli għas-sett tan-netting taħt il-ftehim ta' marġni taħt liema l-istituzzjoni ma tistax titlob kollateral; u

MTA = l-ammont minimu ta' trasferiment applikabbli għas-sett tan-netting taħt il-ftehim ta' marġni;

(d) b'deroga mill-Artikolu 275(3), għal settijiet tan-netting multipli soġġetti għal ftehim ta' marġni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-prezz tas-sostituzzjoni bħala s-somma tal-prezz tas-sostituzzjoni ta' kull sett tan-netting individwali, ikkalkulat skont il-paragrafu 1 bħallikieku ma kinux marġinalizzati;

(e) is-settijiet ta' ħħeġġjar kollha għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 277a(1);

(f) l-istituzzjonijiet għandhom jissettjaw għal 1 il-multiplikatur fil-formula li jintuża biex tiġi kkalkulata l-iskopertura futura potenzjali fl-Artikolu 278(1), kif ġej:

$$PFE = \sum_{a} AddOn^{(a)}$$

fejn:

PFE = l-iskopertura futura potenzjali; u

$AddOn^{(a)}$ = is-suppliment ta' kategorija 'a' ta' riskju;

(g) b'deroga mill-Artikolu 279a(1), għal kull transazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw id-delta ta' superviżjoni kif ġej:

▼**M8**

$$\delta = \begin{cases} +1 \text{ “fejn it-tranżazzjoni tkun pożizzjoni twila fil-motivatur tar-riskju primarju”} \\ -1 \text{ “fejn it-tranżazzjoni tkun pożizzjoni qasira fil-motivatur tar-riskju primarju”} \end{cases}$$

fejn:

δ = id-delta ta' superviżjoni;

(h) il-formula msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 279b(1) li tintuża biex jiġi kkalkulat il-fattur ta' durata tas-superviżjoni għandha taqra kif ġej:

$$\text{fattur ta' durata tas-superviżjoni} = E - S$$

fejn:

E = il-perijodu bejn id-data ta' skadenza ta' tranżazzjoni u d-data tar-rappurtar; u

S = il-perijodu bejn id-data tal-bidu ta' tranżazzjoni u d-data tar-rappurtar;

(i) il-fattur ta' maturità msemmi fl-Artikolu 279c(1) għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(i) fil-każ ta' tranżazzjonijiet inklużi fis-settijiet tan-netting imsemmija fl-Artikolu 275(1), MF = 1;

(ii) fil-każ ta' tranżazzjonijiet inklużi fis-settijiet tan-netting imsemmija fl-Artikolu 275(2) u (3), MF = 0,42;

(j) il-formula msemmija fl-Artikolu 280a(3) li tintuża biex jiġi kkalkulat l-ammont nozzjonali effettiv ta' sett ta' ħħeġġjar j għandha taqra kif ġej:

$$\text{EffNot}_j^{IR} = |D_{j,1}| + |D_{j,2}| + |D_{j,3}|$$

fejn:

EffNot_j^{IR} = l-ammont nozzjonali effettiv ta' sett ta' ħħeġġjar j; u

$D_{j,k,}$ = l-ammont nozzjonali effettiv tal-bucket k ta' sett ta' ħħeġġjar j;

(k) il-formula msemmija fl-Artikolu 280c(3) li tintuża biex jiġi kkalkulat is-suppliment ta' kategorija ta' riskju ta' kreditu għas-sett ta' ħħeġġjar j għandha taqra kif ġej:

$$\text{AddOn}_j^{\text{kreditu}} = \sum_k |\text{AddOn}(\text{Entità}_k)|$$

fejn:

$\text{AddOn}_j^{\text{kreditu}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskju ta' kreditu għas-sett ta' ħħeġġjar j; u

AddOn(***Entità$_k$***) = is-suppliment għall-entità 'k' ta' referenza ta' kreditu;

▼M8

(l) il-formula msemmija fl-Artikolu 280d(3) li tintuża biex jiġi kkalkulat is-suppliment ta' kategorija ta' riskju ta' ekwità għas-sett ta' ħħeġġjar j għandha taqra kif ġej:

$$\text{AddOn}_j^{\text{Ekwità}} = \sum_k |\text{AddOn}(\text{Entità}_k)|$$

fejn:

$\text{AddOn}_j^{\text{Ekwità}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskju ta' ekwità għas-sett ta' ħħeġġjar j; u

$\text{AddOn}(\text{Entità}_k)$ = is-suppliment għall-entità 'k' ta' referenza ta' kreditu;

(m) il-formula msemmija fl-Artikolu 280e(4) li tintuża biex jiġi kkalkulat is-suppliment ta' kategorija ta' riskju tal-komoditajiet għas-sett ta' ħħeġġjar j għandha taqra kif ġej:

$$\text{AddOn}_j^{\text{Com}} = \sum_k |\text{AddOn}(\text{Type}_k^j)|$$

fejn:

$\text{AddOn}_j^{\text{Com}}$ = is-suppliment ta' kategorija ta' riskju tal-komoditajiet għas-sett ta' ħħeġġjar j; u

$\text{AddOn}(\text{Type}_k^j)$ = is-suppliment għat-tip 'k' ta' referenza tal-komoditajiet.

Taqsima 5

Metodu tal-iskopertura oriġinali

Artikolu 282

Kalkolu tal-valur tal-iskopertura

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw valur tal-iskopertura uniku għat-tranżazzjonijiet kollha fi ftehim tan-netting kuntrattwali meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 274(1). Inkella, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw valur tal-iskopertura b'mod separat għal kull transazzjoni, li għandha tiġi ttrattata bħala s-sett tan-netting tagħha stess.

2. Il-valur tal-iskopertura ta' sett tan-netting jew ta' transazzjoni għandu jkun il-prodott ta' 1,4 drabi s-somma tal-prezz tas-sostituzzjoni kurrenti u l-iskopertura futura potenzjali.

3. Il-kost tas-sostituzzjoni kurrenti msemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

(a) għas-settijiet tan-netting ta' tranżazzjonijiet: li huma nnegozjati fuq borża rikonoxxuta; ikklerjati ċentralment minn kontroparti ċentrali awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 25 ta' dak ir-Regolament; jew li l-kollateral għalihom huwa skambjat bilateralment mal-kontroparti f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-formula li ġejja:

▼**M8**

$$RC = TH + MTA$$

fejn:

RC = kost tas-sostituzzjoni;

TH = il-livell limitu ta' marġni applikabbli għas-sett tan-netting taħt il-ftehim ta' marġni taħt liema l-istituzzjoni ma tistax titlob kollateral; u

MTA = l-ammont minimu ta' trasferiment applikabbli għas-sett tan-netting taħt il-ftehim ta' marġni;

(b) għas-settijiet tan-netting l-oħrajn kollha jew it-tranżazzjonijiet individwali, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-formula li ġejja:

$$RC = \max\{CMV, 0\}$$

fejn:

RC = kost tas-sostituzzjoni; u

CMV = valur tas-suq kurrenti.

Sabiex jikkalkulaw il-kost tas-sostituzzjoni kurrenti, l-istituzzjonijiet għandhom jaġġornaw il-valuri tas-suq kurrenti tal-inqas darba f'xahar.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-iskopertura futura potenzjali msemmija fil-paragrafu 2 kif ġej:

(a) l-iskopertura futura potenzjali ta' sett tan-netting hija s-somma tal-iskopertura futura potenzjali tat-tranżazzjonijiet kollha inklużi fis-sett tan-netting, ikkalkulat f'konformità mal-punt (b);

(b) l-iskopertura futura potenzjali ta' tranżazzjoni waħda hija l-ammont nozzjonali tagħha multiplikat bi:

(i) il-prodott ta' 0.5 % u l-maturità residwa tat-tranżazzjoni espressa fi snin għall-kuntratti tad-derivattivi ta' rata tal-imgħax;

(ii) il-prodott ta' 6 % u l-maturità residwa tat-tranżazzjoni espressa fi snin għall-kuntratti tad-derivattivi ta' kreditu;

(iii) 4 % għal derivattivi tal-kambju;

(iv) 18 % għal derivattivi tad-deheb u tal-komoditajiet minbarra derivattivi tal-elettriku;

(v) 40 % għal derivattivi tal-elettriku;

(vi) 32 % għal derivattivi ta' ekwità;

▼M8

(c) l-ammont nozzjonali msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu għandu jiġi determinat f'konformità mal-Artikolu 279b(2) u (3) għad-derivattivi kollha elenkati f'dak il-punt; barra minn hekk, l-ammont nozzjonali tad-derivattivi msemmija fil-punti (b)(iii) sa (b)(vi) ta' dan il-paragrafu għandu jiġi determinat f'konformità mal-punti (b) u (c) tal-Artikolu 279b(1);

(d) l-iskopertura futura potenzjali tas-settijiet tan-netting imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 3 għandha tiġi mmultiplikata b'0,42.

Għall-kalkolu tal-iskopertura potenzjali ta' derivattivi ta' rati tal-imgħax u derivattivi ta' kreditu f'konformità mal-punti b(i) u (b)(ii), istituzzjoni tista' tagħżel li tuża l-maturità oriġinali minflok il-maturità residwa tal-kuntratti.

▼B

Taqsima 6

Metodu tal-mudell intern

Artikolu 283

Permess biex jintuża l-Metodu tal-Mudell Intern

1. Sakemm l-awtoritajiet kompetenti huma sodisfatti li istituzzjoni laħqet ir-rekwiżit fil-paragrafu 2, għandhom jippermettu lil dik l-istituzzjoni tuża il-Metodu tal-Mudell Intern (IMM) sabiex tikkalkula l-valur tal-iskopertura għal kull waħda minn dawn it-transazzjonijiet:

(a) transazzjonijiet fl-Artikolu 273(2)(a);

(b) transazzjonijiet fl-Artikolu 273(2)(b), (c) u (d);

(c) transazzjonijiet fl-Artikolu 273(2)(a) sa (d),

Fejn istituzzjoni għandha l-permess tuża l-IMM sabiex tikkalkula l-valur tal-iskopertura għal kwalunkwe transazzjoni msemmija fil-punti (a) sa (c) tal-ewwel subparagrafu, tista' wkoll tuża l-IMM għat-transazzjonijiet fl-Artikolu 273(2)(e).

Minkejja t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 273(1), istituzzjoni tista' tagħżel li ma tapplikax dan il-metodu għal skoperturi li huma immaterjali fid-daqs u r-riskju. F'tali każ, l-istituzzjoni għandha tapplika wieħed mill-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3 sa 5 għal dawn l-iskoperturi meta r-rekwiżiti rilevanti għal kull approċċ ikunu sodisfatti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-IMM għall-kalkoli imsemmija fil-paragrafu 1 biss jekk l-istituzzjoni tkun uriet li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima, u l-awtoritajiet kompetenti jkunu vverifikaw li s-sistemi għall-ġestjoni tas-CCR tal-istituzzjoni huma validi u implimentati b'mod korrett.

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet biex għal perijodu limitat jimplimentaw l-IMM b'mod sekwenzjali fost tipi differenti ta' transazzjonijiet. Matul dan il-perijodu ta' implimentazzjoni sekwenzjali, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3 jew fit-Taqsima 5 għat-tip ta' transazzjoni li għaliha ma jużawx l-IMM.

▼M8

4. Għat-tranżazzjonijiet tad-derivati OTC kollha u għat-tranżazzjonijiet b'saldu fit-tul li għalihom istituzzjoni ma rċevietx permess skont il-paragrafu 1 sabiex tuża l-IMM, l-istituzzjoni għandha tuża l-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3. Dawk il-metodi jistgħu jintużaw f'kombinazzjoni fuq bażi permanenti fi ħdan grupp.

▼B

5. Istituzzjoni li skont il-paragrafu 1 għandha l-permess tuża l-IMM ma għandhiex terġa' lura għall-użu tal-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3 jew fit-Taqsima 5 sakemm ma tingħatax permess mill-awtorità kompetenti sabiex tagħmel dan. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu tali permess jekk l-istituzzjoni turi kawża ġusta.

6. Jekk istituzzjoni ma tibqax tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima, għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti u tagħmel waħda milli ġej:

(a) tippreżenta lill-awtorità kompetenti pjan li jerġa' jwassal għall-konformità bla dewmien;

(b) turi għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti li l-effett tan-nuqqas ta' konformità huwa immaterjali.

Artikolu 284

Valur tal-Iskopertura

1. Fejn istituzzjoni jkollha l-permess, skont l-Artikolu 283(1), tuża l-IMM sabiex tikkalkula l-valur tal-iskopertura ta' wħud jew tat-transazzjonijiet kollha msemmija f'dak il-paragrafu, għandha tikkalkula il-valur tal-iskopertura ta' dawk it-transazzjonijiet fil-livell tas-sett ta' netting.

Il-mudell użat mill-istituzzjoni għal dak il-għan għandu:

(a) jispeċifika d-distribuzzjoni tal-previżjonijiet għal varjazzjonijiet fil-valur tas-suq tas-sett ta' netting attribwibbli għal bidliet konġunti fil-varjabbli rilevanti tas-suq, bħal rati tal-imgħax, rati tal-kambju;

(b) jikkalkula l-valur tal-iskopertura għas-sett ta' netting f'kull waħda mid-dati futuri fuq il-bażi tal-varjazzjonijiet konġunti fil-varjabbli tas-suq.

►C2 2. Sabiex il-mudell ikopri l-effetti tal-marġinazzjoni, il-mudell tal-valur tal-kollateral għandu jissodisfa r-rekwiżiti kwantitattivi, kwalitattivi u tad-data għall-IMM skont din it-Taqsima ◄ u l-istituzzjoni tista' tinkludi biss kollateral finanzjarju eleġibbli, kif imsemmi fl-Artikoli 197 u 198 u l-punti (c) u (d) tal-Artikolu 299(2) fid-distribizzjonijiet ta' previżjonijiet tagħha għal bidliet fil-valur tas-suq tas-sett ta' netting.

3. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti fir-rigward tal-iskoperturi għas-CCR li għalihom l-istituzzjoni tapplika l-IMM, għandu jkun l-ogħla minn dawn li ġejjin:

▼B

(a) ir-rekwiżit ta' fondi proprji għal dawk l-iskoperturi ikkalkulati fuq il-bażi ta' EPE Effettiva bl-użu tad-data attwali tas-suq;

(b) ir-rekwiżit tal-fondi proprji għal dawk l-iskoperturi ikkalkulati fuq il-bażi tal-EPE Effettiva bl-użu ta' kalibrazzjoni waħda konsistenti tal-kondizzjonijiet ta' kriżi għall-iskoperturi kollha tas-CCR li għalihom japplika l-IMM.

4. Għajr għall-kontropartijiet identifikati li għandhom Riskju Speċifiku ta' Korrelazzjoni Negattiva (Specific Wrong-Way Risk) li jaqa' fl-ambitu tal-Artikolu 291(4) u (5), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura bħala l-multiplikazzjoni tal-alpha (α) bl-EPE Effettiva, kif ġej:

$$Exposure\ value = \alpha \cdot Effective\ EPE$$

fejn:

α = 1.4, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jeħtiġux α ogħla jew jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi tagħhom stess skont il-paragrafu 9;

L-EPE Effettiva għandha tiġi kkalkulata billi tiġi stmata l-iskopertura mistennija (EE_t) bħala l-iskopertura medja fid-data furura t, fejn il-medja tittieħed fost valuri futuri possibbli tal-fatturi tar-riskju tas-suq rilevanti.

Il-mudell għandu jistma l-EE f'serje ta' dati futuri t_1, t_2, t_3, eċċ.

5. L-EE effettiva għandha tiġi kkalkulata b'mod rikursiv bħala:

$$Effective\ EE_{tk} = \max\{Effective\ EE_{tk-1},\ EE_{tk}\}$$

fejn:

id-data attwali hija denotata bħala t_0;

L-EEt_0 effettiva hija daqs l-iskopertura attwali.

6. L-EPE effettiva hija l-EE effettiva medja matul l-ewwel sena tal-iskopertura futura. Jekk il-kuntratti kollha fis-sett ta' netting jimmaturaw f'inqas minn sena, l-EPE għandha tkun il-medja tal-EE sakemm jimmaturaw il-kuntratti kollha fis-sett ta' netting. L-EPE effettiva għandha tiġi kkalkulata bħala l-medja ppeżata tal-EE effettiva:

▼C3

$$Effective\ EPE = \frac{1}{min\{1\ year,\ maturity\}} \cdot \sum_{k=1}^{min\{1\ year,\ maturity\}} Effective\ EE_{t_k} \cdot \Delta t_k$$

▼B

fejn il-piżjiet $\Delta t_k = t_k - t_{k-1}$ jippermettu għall-każ meta l-iskopertura futura tkun ikkalkulata f'dati li ma jaqgħux f'intervalli regolari ta' żmien.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-EE jew il-miżuri tal-iskopertura massima fuq il-bażi ta' distribuzzjoni tal-iskoperturi li tkopri n-nuqqas ta' normalità possibbli tad-distribuzzjoni tal-iskoperturi.

▼C2

8. Istituzzjoni tista' tuża miżura tad-distribuzzjoni kkalkulata permezz tal-IMM li huwa aktar konservattiv minn α multiplikata b'EPE effettiva kif ikkalkulata skont l-ekwazzjoni fil-paragrafu 4 għal kull kontroparti.

▼B

9. Minkejja l-paragrafu 4, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw l-istimi tagħhom stess għal alpha, fejn:

(a) alpha tkun daqs il-proporzjon tal-kapital intern minn simulazzjoni sħiħa tal-iskopertura għas-CCR fost il-kontropartijiet (numeratur) u l-kapital intern ibbażat fuq l-EPE (denominatur);

(b) fid-denominatur, l-EPE għandha tintuża daqs li kieku kienet ammont pendenti fiss.

Meta stmata skont dan il-paragrafu, alpha ma għandhiex tkun inqas minn 1.2.

10. Għall-finijiet ta' stima tal-alpha skont il-paragrafu 9, istituzzjoni għandha tiżgura li n-numeratur u d-denominatur huma kkalkulati b'mod konsistenti mal-metodoloġija tal-immudellar, l-ispeċifikazzjonijiet tal-parametri u l-kompożizzjoni tal-portafoll. L-approċċ użat għall-istima tal-α għandu jkun ibbażat fuq l-approċċ tal-kapital intern tal-istituzzjoni, jkun dokumentat sew u jkun soġġett għal validazzjoni indipendenti. Barra minn hekk, istituzzjoni għandha tanalizza l-istimi tagħha ta' alpha mill-inqas fuq bażi trimestrali, u aktar spiss meta l-kompożizzjoni tal-portafoll tvarja maż-żmien. Istituzzjoni għandha tivvaluta wkoll ir-riskju tal-mudell.

11. Istituzzjoni għandha turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li l-istimi interni tagħha ta' alpha jkopru fin-numeratur fis-sorsi materjali tad-dipendenza tad-distribuzzjoni tal-valuri tas-suq tat-transazzjonijiet jew tal-portafolli tat-transazzjonijiet fost il-kontropartijiet. L-istimi interni ta' alpha għandhom iqisu l-granularità tal-portafolli.

12. Meta jissorveljaw l-użu tal-istimi tal-paragrafu 9, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw il-varjazzjoni sinifikanti fl-istimi tal-alpha li toħroġ mill-potenzjal ta' speċifikazzjoni ħażina fil-mudelli użati għan-numeratur, partikolarment meta jkun hemm konvessità.

13. Fejn xieraq, il-volatilitajiet u l-korrelazzjonijiet tal-fatturi tar-riskju tas-suq użati fl-immudellar konġunt tar-riskju tas-suq u tal-kreditu għandhom ikunu subrdinati għall-fattur tar-riskju tal-kreditu sabiex jirreflettu ż-żidied potenzjali fil-volatilità jew fil-korrelazzjoni f'perijodu ta' tnaqqis tar-ritmu ekonomiku.

▼B

Artikolu 285

Valur tal-iskopertura għas-settijiet tan-netting soġġetti għal ftehim dwar il-marġni

▼C2

1. Jekk is-sett ta' netting huwa soġġett għal ftehim dwar il-marġni u valutazzjoni ta' kuljum skont il-valur fis-suq, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-EPE Effettiva kif stipulat f'dan il-paragrafu. Jekk il-mudell jaqbad l-effetti tal-marġinazzjoni meta tiġi stmata l-EE, l-istituzzjoni tista', soġġett għall-permess tal-awtorità kompetenti, tuża l-miżura tal-EE tal-mudell direttament fl-ekwazzjoni fl-Artikolu 284(5). L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu tali permess biss jekk jivverifikaw li l-mudell jaqbad b'mod xieraq l-effetti tal-marġinazzjoni meta tiġi stmata l-EE. Istituzzjoni li ma rċevietx tali permess għandha tuża waħda mill-miżuri tal-EPE Effettiva li ġejjin:

(a) EPE Effettiva, ikkalkulata mingħajr ma jitqies l-ebda kollateral miżmum jew depożitat bħala marġni miżjuda bi kwalunkwe kollateral li kien depożitat għand il-kontroparti indipendentement mill-proċess ta' valutazzjoni u marġinazzjoni ta' kuljum jew l-iskopertura attwali;

(b) EPE Effettiva, ikkalkulata bħala ż-żieda potenzjali fl-iskopertura fil-perijodu b'riskju ta' marġni, flimkien mal-ikbar fost:

(i) l-iskopertura attwali inkluż il-kollateral kollu miżmum jew depożitat attwalment, għajr kollateral eżerċitat jew ikkontestat;

(ii) l-ikbar skopertura netta, inkluż kollateral taħt il-ftehim dwar il-marġni, li ma jattivax sejħa għal kollateral. Dan l-ammont għandu jirrefletti l-limiti applikabbli kollha, l-ammonti minimi ta' trasferiment, l-ammonti indipendenti u l-marġni inizjali taħt il-ftehim dwar il-marġni.

▼B

Għall-finijiet tal-punt (b), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw iż-żieda bħala l-varjazzjoni pożittiva mistennija tal-valur ipprezzat skont il-valur fis-suq tat-transazzjonijiet matul il-perijodu b'riskju ta' marġni. Varjazzjonijiet fil-valur tal-kollateral għandhom jiġu riflessi ►C2 bl-użu tal-Approċċ ta' Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu 4 jew ◄ l-istimi proprji tal-aġġustamenti għall-volatilità tal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju, iżda l-ebda pagament ta' kollateral ma għandu jiġi preżunt matul il-perijodu b'riskju ta' marġni. Il-perijodu b'riskju ta' marġni huwa soġġett għall-perijodi minimi stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Għal transazzjonijiet soġġetti għal aġġustament ta' kuljum tal-marġni u tal-valutazzjoni skont il-valur fis-suq, il-perijodu b'riskju ta' marġni użat għall-iskop tal-immuddellar tal-valur tal-iskopertura bi ftehimiet dwar il-marġni ma għandux ikun inqas minn:

(a) 5 ġranet ta' xogħol għas-settijiet ta' netting li jikkonsistu biss fi transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti u transazzjonijiet ta' għoti ta' self b'marġni;

(b) 10 ġranet ta' xogħol għas-settijiet ta' netting l-oħra kollha.

3. Il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2 għandhom ikunu soġġetti għall-eċċezzjonijiet li ġejjin:

(a) għas-settijiet ta' netting kollha fejn l-għadd ta' transazzjonijiet jaqbeż il-5 000 fi kwalunkwe punt matul trimestru, il-perijodu b'riskju ta' marġni għat-trimestru ta' wara ma għandux ikun inqas minn 20 ġurnata ta' xogħol. Din l-eċċezzjoni ma għandhiex tapplika għall-iskoperturi kummerċjali tal-istituzzjonijiet;

▼B

(b) għal settijiet ta' netting li fihom transazzjoni waħda jew aktar li jinvolvu jew kollateral illikwidu, jew derivat OTC li ma jistax jiġi sostitwit faċilment, il-perijodu b'riskju ta' marġni ma għandux ikun inqas minn 20 ġurnata ta' xogħol.

Istituzzjoni għandha tiddetermina jekk kollateral huwiex illikwidu jew jekk id-derivati OTC jistgħux jiġu sostitwiti faċilment fil-kuntest ta' kondizzjonijiet tas-suq taħt kriżi, karatterizzati mill-assenza tas-swieq kontinwament attivi fejn kontroparti, fi żmien jumejn jew inqas, tikseb diversi kwoti tal-prezz li ma jċaqalqux is-suq jew jirrappreżentaw prezz li jirrefletti skont tas-suq (fil-każ ta' kollateral) jew primjum (fil-każ ta' derivat OTC).

Istituzzjoni għandha tikkunsidra jekk it-transazzjonijiet jew it-titoli li żżomm bħala kollateral humiex konċentrati f'kontroparti partikolari u f'każ li dik il-kontroparti toħroġ mis-suq b'mod preċipituż, jekk l-istituzzjoni tkunx tista' tissotitwixxi dawk it-transazzjonijiet jew titoli.

4. Jekk istituzzjoni kienet involuta f'aktar minn żewġ kontestazzjonijiet ta' sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni dwar sett ta' netting partikolari matul iż-żewġ trimestri immedjatament preċedenti li damu aktar mill-perijodu b'riskju ta' marġni skont il-paragrafi 2 u 3, l-istituzzjoni għandha tuża perijodu b'riskju ta' marġni li huwa mill-inqas id-doppju tal-perijodu speċifikat fil-paragrafi 2 u 3 għal dak is-sett ta' netting għaż-żewġ trimestri sussegwenti.

5. Għall-aġġustament tal-marġni b'perijodiċità ta' N ġranet, il-perijodu b'riskju ta' marġni għandu jkun mill-inqas daqs il-perijodu speċifikat fil-paragrafi 2 u 3, F, miżjud b'N ġranet imnaqqas b'ġurnata waħda. Jiġifieri:

$$\textit{Perijodu b'riskju ta' marġni} = F + N - 1$$

6. Jekk il-mudell intern jinkludi l-effett tal-marġinazzjoni f'varjazzjonijiet fil-valur tas-suq tas-sett ta' netting, l-istituzzjoni għandha timmudella l-kollateral, għajr il-flus fl-istess munita bħall-iskopertura stess, b'mod konġunt mal-iskopertura fil-kalkoli tagħha tal-valur tal-iskopertura għad-derivati OTC u t-transazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli.

▼M17

7. Jekk istituzzjoni ma tistax timmudella l-kollateral b'mod konġunt mal-iskopertura, ma għandhiex tirrikonoxxi l-effett tal-kollateral fil-kalkoli tal-valur tal-iskopertura tagħha għad-derivattivi OTC, għajr il-flus fl-istess munita bħall-iskopertura stess, sakemm l-istituzzjoni ma tużax l-aġġustamenti għall-volatilità skont l-Approċċ tal-Aġġustamenti Superviżorji għall-Volatilità standard f'konformità mal-Kapitolu 4.

7a. Jekk istituzzjoni ma tkunx tista' timmudella kollateral b'mod konġunt mal-iskopertura, hija ma għandhiex tirrikonoxxi fil-kalkoli tal-valur tal-iskopertura tagħha għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli l-effett ta' kollateral għajr flus kontanti tal-istess munita bħall-iskopertura nnifisha.

▼B

8. Istituzzjoni li tuża l-IMM għandha tinjora fil-mudelli tagħha l-effett ta' tnaqqis tal-valur tal-iskopertura dovut għal kwalunkwe klawżola fi ftehim ta' kollateral li jeħtieġ li jingħata kollateral meta l-kwalità tal-kreditu ta' kontroparti tiddeterjora.

▼B

Artikolu 286

Ġestjoni tas-CCR – Politiki, proċessi u sistemi

1. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm qafas għall-ġestjoni tas-CCR, li jikkonsisti fi:

(a) politiki, proċessi u sistemi sabiex jiżguraw l-identifikazzjoni, il-kalkolu, l-ġestjoni, l-approvazzjoni u r-rappurtar intern tas-CCR;

(b) proċeduri għall-iżgurar tal-konformità ma' dawk il-politiki, il-proċessi u s-sistemi.

Dawk il-politiki, il-proċessi u s-sistemi għandhom ikunu validi fil-prinċipju, implimentati b'integrità u dokumentati. Id-dokumentazzjoni għandha tinkludi spjegazzjoni tat-tekniki empiriċi użati għall-kalkolu tas-CCR.

2. Il-qafas tal-ġestjoni tas-CCR meħtieġ mill-paragrafu 1 għandu jqis ir-riskji tas-suq, tal-likwidità, legali u operattivi li huma assoċjati mas-CCR. B'mod partikolari, il-qafas għandu jiżgura li l-istituzzjoni tikkonforma mal-prinċipji li ġejjin:

(a) ma twettaqx negozju ma' kontroparti mingħajr ma tanalizza l-affidabbiltà kreditizja tagħha;

(b) tieħu kont xieraq tar-riskju tal-kreditu tas-saldu u ta' qabel is-saldu;

(c) tiġġestixxi tali riskji bl-iżjed mod komprensiv prattikabbli fuq livell tal-kontroparti billi taggrega l-iskoperturi għas-CCR ma' skoperturi għall-kreditu oħrajn u fuq livell tad-ditta kollha.

3. Istituzzjoni li tuża l-IMM għandha tiżgura li l-qafas tal-ġestjoni tas-CCR tagħha iqis għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti ir-riskji tal-likwidità ta' dawn kollha li ġejjin:

(a) sejħiet potenzjali li jidħlu għall-manutenzjoni tal-marġni fil-kuntest ta' skambji tal-marġni ta' varjazzjoni jew tipi ta' marġni oħrajn, bħall-marġni inizjali jew indipendenti, f'xokkijiet tas-suq avversi;

(b) sejħiet potenzjali li jidħlu għar-ritorn ta' kollateral eċċessiv depożitat minn kontropartijiet;

(c) sejħiet li jirriżultaw minn tnaqqis potenzjali tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu estern tagħha stess.

Istituzzjoni għandha tiżgura li n-natura u l-perijodu tal-użu mill-ġdid tal-kollateral huma konsistenti mal-ħtiġijiet ta' likwidità tagħha u ma jheddux il-kapaċità tagħha li tiddepożita jew tirritorna l-kollateral fil-ħin.

4. Il-korp ta' ġestjoni tal-istituzzjoni u l-amministrazzjoni għolja għandhom ikunu involuti b'mod attiv fil-ġestjoni tas-CCR u jiżguraw li riżorsi adegwati huma allokati għal dan il-għan. L-amministrazzjoni għolja għandha tkun konxja tal-limitazzjonijiet u s-suppożizzjonijiet tal-mudell użat u l-impatt li dawk il-limitazzjonijiet u s-suppożizzjonijiet jista' jkollhom fuq l-affidabbiltà tal-output permezz ta' proċess formali. L-amministrazzjoni għolja għandha tkun konxja wkoll tal-inċertezzi tal-ambjent tas-suq u l-kwistjonijiet operattivi u dwar kif dawk huma riflessi fil-mudell.

▼B

5. Ir-rapporti ta’ kuljum imħejjija dwar skopertura tal-istituzzjoni għas-CCR skont l-Artikolu 287(2)(b) għandhom jiġu analizzati minn livell ta’ maniġment b'anzjanità u awtorità suffiċjenti sabiex jinfurza kemm tnaqqis ta' pożizzjonijiet meħuda mill-maniġers tal-kreditu jew operaturi individwali kif ukoll tnaqqis fl-iskopertura kumplessiva tas-CCR tal-istituzzjoni.

6. Qafas ta’ ġestjoni tas-CCR tal-istituzzjoni stabbilit skont il-paragrafu 1 għandu jintuża flimkien mal-limiti tal-kreditu u tan-negozjar interni. Limiti tal-kreditu u tan-negozjar għandhon ikunu relatati mal-mudell tal-kalkolu tar-riskji tal-istituzzjoni b’mod li huwa konsistenti maż-żmien u mifhum sew mill-maniġers tal-kreditu, mill-operaturi u mill-amministrazzjoni għolja. Istituzzjoni għandu jkollha proċess formali sabiex tirraporta ksur fil-limiti tar-riskju lil-livell xieraq tal-maniġment.

7. Il-kalkolu tas-CCR mill-istituzzjoni għandu jinkludi l-kalkolu ta’ kuljum u l-użu ta’ dakinhar stess tal-linji tal-kreditu. L-istituzzjoni għandha tikkalkula l-iskopertura attwali grossa u netta mill-kollateral. Fil-livell tal-portafoll u tal-kontraparti, l-istituzzjoni għandha tikkalkula u tissorvelja l-iskopertura massima jew l-iskopertura futura potenzjali fl-intervall ta’ kunfidenza magħżul mill-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra pożizzjonijiet kbar jew konċentrati, inkluż skont il-gruppi ta’ kontropartijiet relatati, skont l-industrija u skont is-suq.

8. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm programm ta’ rutina u rigoruż ta’ ttestjar għal stress. Ir-riżultati ta' dak l-ittestjar għal stress għandhom jiġu analizzati b’mod regolari u mill-inqas b’mod trimestrali mill-maniġment superjuri u għandhom jiġu riflessi fil-politiki u l-limiti tas-CCR stabbiliti mill-korp ta' ġestjoni jew mill-amministrazzjoni għolja. Fejn l-ittestjar għal stress jesponi vulnerabbiltà partikolari f’sett partikolari ta’ ċirkostanzi, l-istituzzjoni għandha tieħu passi immedjati sabiex tiġġestixxi dawk ir-riskji.

Artikolu 287

Strutturi organizzattivi għall-ġestjoni tas-CCR

1. Istituzzjoni li tuża IMM għandha tistabbilixxi u żżomm:

(a) unità ta' kontroll tar-riskji li tikkonforma mal-paragrafu 2;

(b) unità għall-ġestjoni tal-kollateral li tikkonforma mal-paragrafu 3.

2. L-unità ta’ kontroll tar-riskji għandha tkun responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tas-CCR tagħha, inkluż il-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudell, u għandha twettaq il-funzjonijiet li ġejjin u tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandha tkun responsabbli mit-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tas-CCR tal-istituzzjoni;

(b) għandha tipproduċi rapporti ta’ kuljum dwar, kif ukoll tanalizza, l-output tal-mudell tal-kalkolu tar-riskji tal-istituzzjoni. Dik l-analiżi għandha tinkludi evalwazzjoni tar-relazzjoni bejn il-miżuri tal-valuri tal-iskoperturi għas-CCR u l-limiti ta’ negozjar;

▼B

(c) għandha tikkontrolla l-integrità tad-data li tiddaħħal u tipproduċi u tanalizza rapporti dwar l-output tal-mudell tal-kalkolu tar-riskji tal-istituzzjoni, inkluża evalwazzjoni tar-relazzjoni bejn il-miżuri tal-iskopertura għar-riskju u l-limiti tal-kreditu u tan-negozjar;

(d) għandha tkun indipendenti mill-unitajiet responsabbli biex joħolqu, iġeddu jew jinnegozjaw skoperturi u ħielsa minn influenza mhux dovuta;

(e) għandu jkollha biżżejjed persunal;

(f) għandha tirraporta direttament lill-amministrazzjoni għolja tal-istituzzjoni;

(g) il-ħidma tagħha għandha tkun integrata mill-viċin fil-proċess ta' kuljum tal-ġestjoni tar-riskji tal-kreditu tal-istituzzjoni;

(h) l-output tagħha għandu jkun parti integrali mill-proċess ta' ppjanar, ta' monitoraġġ u ta' kontroll tal-profil tal-kreditu u tar-riskju kumplessiv tal-istituzzjoni.

3. L-unità tal-ġestjoni tal-kollateral għandu jkollha dawn l-inkarigi u funzjonijiet li ġejjin:

(a) tikkalkula u tagħmel sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni, tiġġestixxi kontestazzjonijiet dwar is-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni u tirraporta l-livelli tal-ammonti indipendenti, l-marġni inizjali u l-marġni ta' varjazzjoni bi preċiżjoni ta' kuljum;

(b) tikkontrolla l-integrità tad-data użata sabiex tagħmel sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni, u tiżgura li hija konsistenti u li tkun rikonċiljata b'mod regolari mas-sorsi tad-data rilevanti kollha fi ħdan l-istituzzjoni;

(c) tissorvelja sa fejn kollateral jintuża mill-ġdid u kwalunkwe emenda tad-drittijiet tal-istituzzjoni għal, jew f'konnessjoni mal-kollateral li tiddepożita;

(d) tirrapporta lil-livell xieraq tal-maniġment dwar it-tipi ta' assi kollaterali li jintużaw mill-ġdid, u t-termini ta' tali użu mill-ġdid inkluż l-istrument, il-kwalità tal-kreditu u l-maturità;

(e) tissorvelja l-konċentrazzjoni f'tipi individwali ta' assi kollaterali aċċettati mill-istituzzjoni;

(f) tirrapporta l-informazzjoni dwar il-ġestjoni tal-kollateral fuq bażi regolari, iżda mill-inqas minn kull tliet xhur, lill-amministrazzjoni għolja, inkluż informazzjoni dwar it-tip ta' kollateral irċevut u depożitat, id-daqs, iż-żmien u l-kawża għall-kontestazzjonijiet tas-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni. Dak ir-rappurtar intern għandu wkoll jirrifletti x-xejriet f'dawn il-figuri.

▼B

4. L-amministrazzjoni għolja għandha talloka biżżejjed riżorsi lill-unità tal-ġestjoni tal-kollateral meħtieġa taħt il-paragrafu 1(b) sabiex tiżgura li s-sistemi tagħha jiksbu l-livell xieraq ta' prestazzjoni operattiva, kif ikkalkulat mill-prontezza u l-preċiżjoni tas-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni mill-istituzzjoni u l-prontezza tar-reazzjoni tal-istituzzjoni għas-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni mill-kontropartijiet tagħha. L-amministrazzjoni għolja għandha tiżgura li l-unità jkollha numru adegwat ta' persunal sabiex jiġu pproċessati s-sejħiet u l-kontestazzjonijiet fil-ħin anki matul kriżi qawwija tas-suq, u sabiex l-istituzzjoni tkun tista' tillimita l-għadd tagħha ta' kontestazzjonijiet kbar ikkawżati mill-volumi tan-negozju.

Artikolu 288

Analiżi tas-sistema tal-ġestjoni tas-CCR

Istituzzjoni għandha twettaq analiżi indipendenti tas-sistema tal-ġestjoni tas-CCR tagħha b'mod regolari permezz tal-proċess intern ta' verfika tagħha. Dik l-analiżi għandha tinkludi kemm l-attivitajiet tal-unitajiet ta' kontroll u tal-ġestjoni tal-kollateral meħtieġa mill-Artikolu 287 u bħala minimu għandha tindirizza b'mod speċifiku:

(a) l-adegwadezza tad-dokumentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tas-CCR u l-proċess meħtieġ mill-Artikolu 286;

(b) l-organizzazzjoni tal-unità ta' kontroll tas-CCR meħtieġa mill-Artikolu 287(1)(a);

(c) l-organizzazzjoni tal-unità tal-ġestjoni tal-kollateral meħtieġa mill-Artikolu 287(1)(b);

(d) l-integrazzjoni tal-miżuri tas-CCR fil-ġestjoni ta' kuljum tar-riskji;

(e) il-proċess ta' approvazzjoni għall-mudelli ta' pprezzar tar-riskju u s-sistemi ta' valutazzjoni użati mill-persunal fil-front office u fil-back office;

(f) il-validazzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fil-proċess tal-kalkolu tas-CCR;

(g) l-ambitu tas-CCR kopert mill-mudell tal-kalkolu tar-riskji;

(h) l-integrità tas-sistema ta' informazzjoni ta' ġestjoni;

(i) il-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data tas-CCR;

(j) l-użu korrett tat-termini legali fil-ftehimiet tal-kollateral u tan-netting fil-kalkoli tal-valur tal-iskopertura;

(k) il-verifika tal-konsistenza, il-prontezza u l-affidabbiltà tas-sorsi tad-data użati sabiex jiġu operati l-mudelli, inkluż l-indipendenza ta' tali sorsi tad-data;

(l) il-preċiżjoni u l-idonjetà tas-suppożizzjonijiet tal-volatilità u tal-korrelazzjoni;

▼B

(m) il-preċiżjoni tal-valutazzjoni u tal-kalkoli tat-transformazzjoni tar-riskji;

(n) il-verifika tal-preċiżjoni tal-mudell permezz ta' ttestjar retrospettiv frekwenti kif stabbilit fil-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 293(1);

(o) il-konformità tal-unità ta' kontroll tas-CCR u l-unità tal-ġestjoni tal-kollateral mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti.

Artikolu 289

Test tal-użu

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-iskoperturi ġġenerati mill-mudell użat għall-kalkolu tal-EPE effettiva tkun integrata mill-viċin fil-proċess tal-ġestjoni ta' kuljum tas-CCR tal-istituzzjoni, u li l-output tal-mudell jitqies fil-proċess ta' approvazzjoni tal-kreditu, fil-ġestjoni tas-CCR, fl-allokazzjoni interna tal-kapital u fil-governanza korporattiva.

2. L-istituzzjoni għandha turi għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti li hi kienet qed tuża l-mudell sabiex tikkalkula d-distribuzzjoni tal-iskoperturi li fuqha huwa bbażat il-kalkolu tal-EPE li jilħaq, b'mod ġenerali, ir-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima għal mill-inqas sena qabel il-permess għall-użu tal-IMM mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 283.

3. Il-mudell użat għall-ġenerazzjoni ta' distribuzzjoni tal-iskoperturi għas-CCR għandu jkun parti mill-qafas ta' ġestjoni tas-CCR meħtieġ mill-Artikolu 286. Dan il-qafas għandu jinkludi l-kalkolu tal-użu tal-linji ta' kreditu, billi jiġu aggregati l-iskoperturi għas-CCR ma' skoperturi għall-kreditu oħrajn u l-allokazzjoni interna tal-kapital.

4. Minbarra l-EPE, istituzzjoni għandha tikkalkula u tiġġestixxi l-iskoperturi attwali. Fejn xieraq, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-iskopertura attwali grossa u netta mill-kollateral. It-test tal-użu huwa sodisfatt jekk istituzzjoni tuża miżuri oħra tas-CCR, bħall- iskopertura massima, ibbażat fuq id-distribuzzjoni tal-iskoperturi iġġenerati mill-istess mudell għall-kalkolu tal-EPE.

5. L-istituzzjoni għandu jkollha l-kapaċità teknoloġika sabiex tistma l-EE ta' kuljum jekk neċessarju, sakemm ma turix għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tagħha li l-iskoperturi tagħha għas-CCR jeħtieġu kalkolu inqas frekwenti. L-istituzzjoni għandha tistma l-EE tul perijodu ta' żmien ta' orrizonti previżjonali li jirrifletti b'mod adegwat l-istruttura ta' żmien tal-likwidità futura u l-maturità tal-kuntratti u b'tali mod li jkun konsistenti mal-importanza u l-kompożizzjoni ta' l-iskoperturi.

6. Skopertura għandha tiġi kkalkulata, issorveljata u kkontrollata tul il-perijodu ta' żmien tal-kuntratti kollha fis-sett ta' netting u mhux biss għall-orizzont ta' sena. L-istituzzjoni għandu jkollha proċeduri implimentati sabiex jidentifikaw u jikkontrollaw ir-riskji għall-kontropartijiet fejn l-iskopertura tiżdied għal iktar mill-orrizont ta' sena. Iż-żieda prevista fl-iskopertura għandha tkun input fil-mudell intern tal-kapital tal-istituzzjoni.

▼B

Artikolu 290

Ittestjar għal stress

1. Istituzzjoni għandu jkollha programm komprensiv ta' ttestjar għal stress għas-CCR, inkluż għall-użu fil-valutazzjoni tar-rekwiżit tal-fondi proprji għas-CCR, li jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 10.

2. Għandha tidentifika avvenimenti jew bidliet futuri possibbli fil-kondizzjonijiet eknomiċi li jista' jkollhom effetti mhux mixtieqa fuq skoperturi għall-kreditu tal-istituzzjoni u għandha tivvaluta l-kapaċità tal-istituzzjoni li tilqa' għal dawn il-bidliet.

3. Il-miżuri ta' kriżi fil-programm għandhom jitqabblu mal-limiti tar-riskju u kkunsidrati mill-istituzzjoni bħala parti mill-proċess stabbilit fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2013/36/UE.

4. Il-programm għandu jkopri t-transazzjonijiet u l-iskoperturi aggregati b'mod komprensiv fost il-forom kollha tar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti fuq il-livell ta' kontropartijiet speċifiċi f'perijodu ta' żmien biżżejjed li fih tista' titwettaq ittestjar għal stress b'mod regolari.

5. Għal mill-inqas darba fix-xahar, għandha tipprovdi għal ittestjar għal stress fuq l-iskopertura tal-fatturi prinċipali tar-riskju tas-suq bħar-rati tal-imgħax, il-kambju, l-ekwitajiet, il-firxa tal-kreditu, u l-prezzijiet tal-prodotti għall-kontropartijiet kollha tal-istituzzjoni, sabiex tidentifika, u meta neċessarju, tippermetti lill-istituzzjoni sabiex tnaqqas konċentrazzjonijiet kbar wisq f'riskji direzzjonali speċifiċi. L-ittestjar għal stress fuq l-iskoperturi –inkluż riskji b'fattur uniku, b'ħafna fatturi u dawk materjali mhux direzzjonali - u s-simulazzjoni ta' kriżi konġunt tal-iskopertura u l-affidabbiltà kreditizja għandhom jitwettqu fuq il-livell tal-kontroparti speċifiku, tal-grupp ta' kontropartijiet u dak tas-CCR aggregat tal-istituzzjoni kollha.

6. Mill-inqas kull tliet xhur, għandha tapplika xenarji għall-ittestjar għal stress b'ħafna fatturi u tivvaluta r-riskji materjali mhux direzzjonali inklużi l-iskopertura għall-kurva tar-rendiment u r-riskji ta' bażi. L-ittestjar għal stress b'fatturi multipli għandhu, bħala minimu, jindirizza x-xenarji li ġejjin li fihom iseħħ dan li ġej:

(a) ġraw avvenimenti ekonomiċi jew tas-suq gravi;

(b) il-likwidità ġenerali fis-suq naqset b'mod sinifikanti;

(c) intermedjarja finanzjarja kbira qed tillikwida l-pożizzjonijiet.

7. Il-gravità tax-xokkijiet tal-fatturi tar-riskju sottostanti għandhom ikunu konsistenti mal-għan tal-ittestjar għal stress. Meta tiġi evalwata s-solvenza taħt kondizzjonijiet ta' kriżi, ix-xokkijiet tal-fatturi tar-riskju sottostanti għandhom ikunu gravi biżżejjed sabiex ikopru kondizzjonijiet estremi tas-suq li diġà seħħu u kondizzjonijiet ta' kriżi tas-suq estremi iżda plawżibbli. L-ittestjar għal stress għandu jevalwa l-impatt ta' tali xokkijiet fuq il-fondi proprji, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji u l-qligħ. Għall-fini tal-monitoraġġ tal-portafoll, il-hedging u l-ġestjoni tal-konċentrazzjonijiet ta' kuljum, il-programm ta' ttestjar għandu jikkunsidra wkoll xenarji ta' inqas gravità bi probabbiltà ogħla.

▼B

8. Fejn ikun xieraq, il-programm għandu jipprevedi wkoll ittestjar għal stress bl-invers sabiex jiġu identifikati xenarji estremi, iżda plawżibbli, li jistgħu jirriżultaw f'eżiti negattivi sinifikanti. L-ittestjar għal stress bl-invers għandu jqis l-impatt tan-nuqqas materjali ta' linearità fil-portafoll.

9. Ir-riżultati tal-ittestjar għal stress taħt il-programm għandhom jiġu rapportati regolarment, mill-inqas fuq bażi trimestrali, lill-amministrazzjoni għolja. Ir-rapporti u l-analiżi tar-riżultati għandhom ikopri l-akbar impatti fil-livell tal-kontroparti ġewwa l-portafoll, il-konċentrazzjonijiet materjali fis-segmenti tal-portafoll (fl-istess industrija jew reġjun), u t-tendenzi rilevanti speċifiċi għallportafoll u l-kontroparti.

10. L-amministrazzjoni għolja għandu jkollha rwol ewlieni fl-integrazzjoni tal-ittestjar għal stress fil-qafas tal-ġestjoni tar-riskji u l-kultura tar-riskju tal-istituzzjoni u tiżgura li r-riżultati huma sinifikattivi u użati fil-ġestjoni tas-CCR. Ir-riżultati tal-ittestjar għal stress għalliskoperturi sinifikanti għandhom ikunu analizzati fl-isfond tal-linji gwida li jindikaw l-attitudni tal-istituzzjoni lejn ir-riskji, u jiġu rreferuti lill-amministrazzjoni għolja għad-diskussjoni u għall-azzjoni meta jiġu indentifikati riskji eċċessivi jew konċentrati.

Artikolu 291

Riskju ta' Korrelazzjoni Negattiva (Wrong-Way)

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

(a) "Riskju Ġenerali Wrong-Way" jirriżulta meta l-probabbiltà ta' inadempjenza mill-kontropartijiet tkun korrelatata b'mod pożittiv mal-fatturi ġenerali tar-riskju tas-suq;

(b) "Riskju Speċifiku Wrong-Way" jirriżulta meta skopertura futura għal kontroparti speċifika tkun korrelatata b'mod pożittiv mal-probabblità ta' inadempjenza tal-kontroparti minħabba n-natura tat-transazzjonijiet mal-kontroparti. Istituzzjoni għandha tkun ikkunsidrata li hija esposta għal Riskju Speċifiku Wrong-Way jekk l-iskopertura futura għal kontroparti speċifika mistennija li tkun għolja meta l-probabbiltà ta' inadempjenza tal-kontroparti tkun ukoll għolja.

2. Istituzzjoni għandha tqis b'mod xieraq l-iskoperturi li jwasslu għal riskju Ġenerali u Speċifiku Wrong-Way sinifikanti.

3. Sabiex jiġi identifikat ir-riskju Ġenerali Wrong-Way, istituzzjoni għandha tfassal ittestjar għal stress u analiżi tax-xenarji għall-fatturi tar-riskju minn kondizzjonijiet ta' stress li huma relatati b'mod negattiv mal-affidabbiltà kreditizja tal-kontroparti. Tali ttestjar għandu jindirizza l-possibbiltà ta' xokkijiet gravi li jseħħu meta jkunu jinbidlu r-relazzjonijiet bejn il-fatturi tar-riskju. L-istituzzjoni għandha jissorvelja r-Riskju Ġenerali Wrong-Way skont il-prodott, ir-reġjun, l-industrija, jew skont kategoriji oħrajn li huma rilevanti għan-negozju.

4. Istituzzjoni għandu jkollha proċeduri sabiex jidentifikaw, jissorveljaw u jikkontrollaw każijiet ta' Riskju Speċifiku Wrong-Way għal kull entità ġuridika, mill-bidu ta' transazzjoni u li jkomplu matul iżżmien tat-transazzjoni.

▼B

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għas-CCR fir-rigward ta' transazzjonijiet fejn ġie identifikat Riskju Speċifiku Wrong-Way u fejn teżisti konnessjoni legali bejn il-kontroparti u l-emittent tas-sottostanti tad-derivat OTC jew is-sottostanti tat-transazzjonijiet kif imsemmi fil-punti (b), (c) u (d) tal-Artikolu 273(2), skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) l-istrumenti fejn jeżisti r-Riskju Speċifiku Wrong-Way ma għandhomx jiġu inklużi fl-istess sett ta' netting bħal transazzjonijiet oħrajn mal-kontroparti, u kull wieħed għandu jiġi ttrattat bħala sett ta' netting separat;

(b) f'kull tali sett ta' netting separat, għal swaps ta' inadempjenza tal-kreditu b'isem wieħed il-valur tal-iskopertura jkun daqs it-telf sħiħ fil-valur mistenni tal-valur ġust residwu tal-istrumenti sottostanti abbażi tas-suppożizzjoni li l-emittent sottostanti jkun f'likwidazzjoni;

(c) l-LGD għall-istituzzjoni li tuża l-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 3 għandu jkun ta' 100 % għal tali transazzjonijiet ta' swap;

(d) għal istituzzjoni li tuża l-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 2, il-piż tar-riskju applikabbli għandu jkun dak ta' transazzjoni mhux iggarantita;

(e) għat-transazzjonijiet l-oħra kollha li jirreferu għal isem wieħed f'kull tali sett ta' netting separat, il-kalkolu tal-valur tal-iskopertura għandu jkun konsistenti mas-suppożizzjoni ta' inadempjenza immedjata (jump-to-default) ta' dawk l-obbligazzjonijiet sottostanti meta l-emittent ikun legalment marbut mal-kontroparti. Għal transazzjonijiet li jirreferu għal basket ta' ismijiet jew indiċi, l-inadempjenza immedjata tal-obbligazzjonijiet sottostanti rispettivi meta l-emittent ikun legalment marbut mal-kontroparti għandha tiġi applikata, jekk materjali;

▼M17

(f) sa fejn il-kalkolu juża kalkoli tar-riskju tas-suq eżistenti għar-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza kif stabbilit fit-Titolu IV, il-Kapitolu 1a, it-Taqsima 4 jew 5, jew għar-riskju ta' inadempjenza bl-użu ta' mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza kif stabbilit fit-Titolu IV, il-Kapitolu 1b, it-Taqsima 3, li diġà fihom suppożizzjoni tal-LGD, l-LGD fil-formula użata għandha tkun ta' 100 %.

▼B

6. L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu lill-amministrazzjoni għolja u lill-kumitat adatt tal-korp ta' ġestjoni b'rapporti regolari kemm dwar ir-Riskju Speċifiku Wrong-Way kif ukoll dwar ir-Riskju Ġenerali Wrong-Way u dwar il-passi li qed jittieħdu sabiex jiġu ġestiti dawn ir-riskji.

Artikolu 292

Integrità tal-proċess ta' mmudellar

1. Istituzzjoni għandha tiżgura l-integrità tal-proċess ta' mmudellar kif stabbilit fl-Artikolu 284 billi mill-inqas tadotta l-miżuri li ġejjin:

(a) il-mudell għandu jirrefletti t-termini u l-ispeċifikazzjonijiet tat-transazzjoni b'mod pront komplet, u konservattiv;

(b) dawn it-termini għandhom jinkludu mill-inqas l-ammonti nozzjonali tal-kuntratt, il-maturità, l-assi ta' referenza, l-arranġamenti tal-marġinazzjoni u l-arranġamenti tan-netting;

▼B

(c) dawk it-termini u l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jinżammu f'bażi ta' data li hija soġġetta għal verifika formali u perijodika;

(d) proċess għar-rikonoxximent tal-arranġamenti tan-netting li jeħtieġ persunal legali li jivverifika li n-netting f'dawk l-arranġamenti huwa legalment infurzabbli;

(e) il-verifika meħtieġa mill-punt (d) għandha tiddaħħal fil-bażi ta' data msemmija fil-punt (c) minn unità indipendenti;

(f) it-trasmissjoni tad-data dwar it-termini u l-ispeċifikazzjonijiet tat-transazzjoni fil-mudell EPE għandha tkun soġġetta għal verifika interna;

(g) għandu jkun hemm proċessi għar-rikonċiljazzjoni formali bejn il-mudell u s-sitemi tas-sorsi tad-data sabiex jiġi verifikat b'mod kontinwu li t-termini u l-ispeċifikazzjonijiet tat-transazzjoni qed ikunu riflessi fl-EPE b'mod korrett jew mill-inqas b'mod konservattiv.

2. Għandha tintuża data tas-suq attwali għad-determinazzjoni l-iskoperturi attwali. Istituzzjoni tista' tikkalibra l-mudell EPE tagħha permezz ta' data tas-suq storika jew data tas-suq impliċita sabiex tistabbilixxi parametri tal-proċessi stokastiċi sottostanti, bħad-drift, il-volatilità u l-korrelazzjoni. Jekk istituzzjoni tuża data storika, mill-inqas għandha tuża tliet snin ta' tali data. Id-data għandha tiġi aġġornata mill-inqas fuq bażi trimestrali, u aktar sikwit jekk dan ikun neċessarju sabiex jiġu riflessi l-kondizzjonijiet tas-suq.

Għall-kalkolu tal-EPE Effettiva permezz tal-kalibrazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' kriżi, istituzzjoni għandha tikkalibra l-EPE Effettiva permezz ta' tliet snin ta' data li tinkludi perijodu ta' kriżi għad-differenzjali tal-inadempjenzi tal-kreditu tal-kontropartijiet tagħha jew permezz ta' data tas-suq impliċita minn tali perijodu ta' kriżi.

Ir-rekwiżiti fil-paragrafi 3, 4 u 5 għandhom jiġu applikati mill-istituzzjoni għal dan il-għan.

3. Istituzzjoni għandha turi, għas-sodisfazzjoni tal-awtorità kompetenti, mill-inqas kull tliet xhur, li l-perijodu ta' kriżi użat għall-kalkolu skont dan il-paragrafu jikkoinċidi ma' perijodu ta' żieda tad-differenzali ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu jew differenzjali oħra tal-kreditu (bħal għoti ta' self jew bond korporattiva) għal selezzjoni rappreżentattiva tal-kontropartijiet tagħha ma' firxiet tal-kreditu negozjati. F'sitwazzjonijiet fejn l-istituzzjoni ma jkollhiex data adegwata dwar il-firxa tal-kreditu għal kontroparti, għandha tabbina dik il-kontroparti ma' data dwar differenzjal tal-kreditu speċifiku bbażata fuq ir-reġjun, il-klassifikazzjoni interna u t-tip ta' negozju.

4. Il-mudell EPE għall-kontropartijiet kollha għandu juża d-data, jew storika jew impliċita, li tinkludi d-data mill-perijodu taħt kondizzjonijiet ta' kriżi għall-kreditu u għandha tuża tali data b'mod konsistenti mal-metodu użat għall-kalibrazzjoni tal-mudell EPE għad-data attwali.

▼B

5. Sabiex tevalwa l-effettività tal-kalibrazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' kriżi tagħha għall-EEPE, l-istituzzjoni għandha toħloq diversi portafolli ta' referenza li huma vulnerabbli għall-fatturi tar-riskju ewlenin li għalihom tkun esposta l-istituzzjoni. L-iskopertura għal dawn il-portafolli ta' referenza għandha tiġi kkalkulata billi tintuża (a) metodoloġija tal-kondizzjonijiet ta' kriżi, ibbażata fuq valuri tas-suq attwali u parametri tal-mudell kalibrati għall-kondizzjonijiet tas-suq taħt kriżi, u (b) l-iskopertura ġġenerata matul il-perijodu ta' kriżi, iżda bl-applikazzjoni tal-metodu stabbilit f'din it-Taqsima (il-valur tas-suq fi tmiem il-perijodu ta' kriżi, il-volatilitajiet, u l-korrelazzjonijiet mill-perijodu ta' kriżi ta' 3 snin).

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jeħtieġu lil istituzzjoni sabiex taġġusta l-kalibrazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' kriżi jekk l-iskoperturi ta' dawk il-portafolli ta' referenza jiddevjaw b'mod sostanzjali minn xulxin.

6. Istituzzjoni għandha tissuġġetta l-mudell għal proċess ta' validazzjoni li huwa artikolat b'mod ċar fil-politiki u l-proċeduri tal-istituzzjoni. Dan il-proċess ta' validazzjoni għandu:

(a) jispeċifika t-tip ta' ttestjar meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-mudell u jiġu identifikati l-kondizzjonijiet li skonthom is-suppożizzjonijiet li huma l-bażi tal-mudell ma jkunux adatti u għaldaqstant, jistgħu jirriżultaw f'sottovalutazzjoni tal-EPE;

(b) jinkludi analiżi tal-kompletezza tal-mudell.

7. Istituzzjoni għandha tissorvelja r-riskji rilevanti u jkollha proċessi implimentati sabiex taġġusta l-istimi tagħha tal-EEPE meta dawn ir-riskji jsiru sinifikanti. Għall-konformità ma' dan il-paragrafu, l-istituzzjoni għandha:

(a) tidentifika u tiġġestixxi l-iskoperturi tagħha għar-Riskju Speċifiku Wrong-Way li jirriżultaw kif speċifikat fl-Artikolu 291(1)(b) u l-iskoperturi għar-Riskju Ġenerali Wrong-Way li jirriżultaw kif speċifikat fl-Artikolu 291(1)(a);

(b) għal skoperturi bi profil tar-riskju li jiżdied wara sena, tqabbel fuq bażi regolari l-istima tal-miżura rilevanti tal-iskopertura fuq sena mal-istess miżura tal-iskopertura matul il-ħajja tal-iskopertura;

(c) għal skoperturi b'maturità residwa taħt sena, tqabbel fuq bażi regolari il-prezz għas-sostituzzjoni (skopertura attwali) u l-profil tal-iskopertura realizzata, u taħżen data li tkun tippermetti tali tqabbil.

8. Istituzzjoni għandu jkollha proċeduri interni sabiex tivverifika li, qabel ma tinkludi transazzjoni f'sett ta' netting, it-transazzjoni tkun koperta minn kuntratt ta' netting infurzabbli legalment li jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fit-Taqsima 7.

9. Istituzzjoni li tuża kollateral sabiex ittaffi s-CCR tagħha għandu jkollha proċeduri interni sabiex tivverifika li, qabel ma tirrikonoxxi l-effett ta' kollateral fil-kalkoli tagħha, il-kollateral jilħaq l-istandards ta' ċertezza legali speċifikati fil-Kapitolu 4.

▼B

10. L-ABE għandha tissorvelja l-medda ta’ prattiki f’dan il-qasam u għandha, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida dwar l-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu.

Artikolu 293

Rekwiżiti għas-sistema tal-ġestjoni tar-riskji

1. Istituzzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandha tissodisfa r-rekwiżiti kwalitattivi stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 5;

(b) għandha twettaq programm regolari ta’ ttestjar retrospettiv, li jqabbel il-miżuri tar-riskju ġenerati mill-mudell ma' miżuri tar-riskju realizzati, u l-varjazzjonijiet ipotetiċi bbażati fuq pożizzjonijiet statiċi ma’ miżuri realizzati;

(c) għandha twettaq validazzjoni inizjali u analiżi perijodika kostanti tal-mudell tagħha tal-iskopertura għas-CCR u tal-miżuri tar-riskju ġġenerati minnu. Il-validazzjoni u l-analiżi għandhom ikunu indipendenti mill-iżvilupp tal-mudell;

(d) il-korp ta' ġestjoni u l-amministrazzjoni għolja għandhom ikunu involuti fil-proċess tal-kontroll tar-riskji u għandhom jiżguraw li jiġu allokati riżorsi adegwati għall-kontroll tar-riskji tal-kreditu u tar-riskji tal-kreditu tal-kontroparti. F'dan ir-rigward, ir-rapporti ta’ kuljum imħejjija mill-unità ta’ kontroll tar-riskji indipendenti stabbilita skont l-Artikolu 287(1)(a) għandhom jiġu analizzati minn livell ta' maniġment b'anzjanità u awtorità suffiċjenti sabiex jinforza kemm it-tnaqqis ta' pożizzjonijiet meħuda minn operaturi individwali kif ukoll tnaqqis fl-iskopertura għar-riskju kumplessiva tal-istituzzjoni;

(e) il-mudell intern tal-kalkolu tar-riskji tal-iskopertura għandu jkun integrat fil-proċess ta’ ġestjoni ta’ kuljum tar-riskji tal-istituzzjoni;

(f) is-sistema ta’ kalkolu tar-riskji għandha tintuża flimkien ma’ limiti interni tan-negozjar u l-iskoperturi. F’dan ir-rigward, il-limiti tal-iskoperturi għandhom ikunu relatati mal-mudell tal-kalkolu tar-riskji tal-istituzzjoni b’mod li huwa konsistenti tul iż-żmien u li huwa mifhum sewwa mill-operaturi, mill-funzjoni ta’ kreditu u mill-amministrazzjoni għolja;

(g) istituzzjoni għandha tiżgura li s-sistema tal-ġestjoni tar-riskji tagħha hija dokumentata sew. B’mod partikolari, għandha żżomm sett dokumentat ta’ politiki, kontrolli u proċeduri interni rigward l-funzjonament tas-sistema tal-kalkolu tar-riskji, u l-arranġamenti sabiex jiġi żgurat li jkun hemm konformità ma’ dawn il-politiki;

(h) analiżi indipendenti tas-sitema tal-kalkolu tar-riskji għandha titwettaq b’mod regolari fil-proċess tal-verifka interna tal-istituzzjoni stess. Din l-analiżi għandha tinkludi kemm l-attivitajiet tal-unitajiet tan-negozju kif ukoll tal-unità indipendenti tal-kontroll tar-riskji. Analiżi tal-proċess kumplessiv tal-ġestjoni tar-riskji għandha titwettaq f'intervalli regolari (u mhux inqas minn darba fis-sena) u għandha tindirizza b’mod speċifiku, bħala minimu, l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 288;

▼B

(i) il-validazzjoni kostanti tal-mudelli tar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti, inkluż l-ittestjar retrospettiv, għandha tiġi analizzata b'mod perijodiku minn livell ta' maniġment b'awtorità biżżejjed sabiex jiddeċiedi dwar l-azzjoni li ser tittieħed sabiex jiġu indirizzati l-punti debboli fil-mudelli.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu sa fejn l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 1 meta jiffissaw l-livell ta' alpha, kif stabbilit fl-Artikolu 284(4). Huma biss l-istituzzjonijiet li jikkonformaw b'mod sħiħ ma' dawk ir-rekwiżiti li għandhom ikunu eliġibbli għall-applikazzjoni tal-fattur ta' multiplikazzjoni minimu.

3. Istituzzjoni għandha tiddokumenta l-proċess għall-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudell tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-kalkolu tal-miżuri tar-riskju ġġenerat mill-mudelli f'livell ta' dettall li jkun jippermetti lil parti terza sabiex toħloq mill-ġdid, rispettivament, l-analiżi u l-miżuri tar-riskju. Dik id-dokumentazzjoni għandha tistabbilixxi l-frekwenza li biha titwettaq l-analiżi retrospettiva tal-ittestjar u kwalunkwe validazzjoni kostanti oħra, kif titwettaq il-validazzjoni fir-rigward tal-flussi tad-data u l-portafolli u l-analiżi li jintużaw.

4. Istituzzjoni għandha tiddefinixxi kriterji li bihom tivvaluta l-mudelli tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-mudelli li jiddaħħlu fil-kalkolu tal-iskopertura u żżomm politika bil-miktub li tispjega l-proċess li bih tkun identifikata u rimedjata prestazzjoni mhux aċċettabbli.

5. Istituzzjoni għandha tiddefinixxi kif il-portafolli rappreżentattivi tal-kontroparti jinbnew għall-finijiet tal-validazzjoni ta' mudell tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju tiegħu.

6. Il-validazzjoni tal-mudelli tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju tagħhom li jipproduċu previżjoni ta' distribuzzjonijiet għandha tikkonsidra aktar minn statistika waħda tal-previżjoni tad-distribuzzjoni.

Artikolu 294

Rekwiżiti ta' validazzjoni

1. Bħala parti mill-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudell tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju tagħha, istituzzjoni għandha tiżgura li jintlaħqu r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandha twettaq ittestjar retrospettiv bl-użu ta' data storika dwar il-movimenti fil-fatturi tar-riskju tas-suq qabel il-permess mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 283(1). Dak l-ittestjar retrospettiv għandu jikkonsidra numru ta' perijodi ta' previżjoni distinti għal mill-inqas sena, fuq medda ta' dati inizjali diversi u li jkopru medda wiesgħa ta' kondizzjonijiet tas-suq;

(b) l-istituzzjoni li tuża l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 285(1)(b) għandha tivvalida l-mudell tagħha b'mod regolari sabiex tittestja jekk l-iskoperturi attwali realizzati humiex konsistenti mal-previżjoni fil-perijodi marġnali kollha matul sena. Jekk uħud mit-transazzjonijiet fis-sett ta' netting jkollhom maturità ta' inqas minn sena, u s-sett ta' netting ikollu sensittivitajiet ogħla għall-fatturi tar-riskju mingħajr dawn it-transazzjonijiet, dawn għandhom jitqiesu fil-validazzjoni;

▼B

(c) għandha tittestja retrospettivament il-prestazzjoni tal-mudell tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju rilevanti tal-mudell kif ukoll il-previżjonijiet tal-fatturi tar-riskju tas-suq. Għal transazzjonijiet kollateralizzati, il-perijodi tal-previżjoni kkunsidrati għandhom jinkludu dawk li jirreflettu l-perijodi tipiċi b'riskju ta' marġni applikat f'negozjar kollateralizzat jew b'marġni;

(d) jekk il-validazzjoni tal-mudell tindika li l-EPE effettiva hija sottovalutata, l-istituzzjoni għandha tieħu l-passi neċessarji sabiex tindirizza l-impreċiżjoni tal-mudell;

(e) għandha tittestja l-mudelli tal-ippreżar użati sabiex tiġi kkalkulata l-iskopertura għas-CCR għal xenarju partikolari ta' xokkijiet futuri għall-fatturi tar-riskju tas-suq bħala parti mill-proċess tal-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudell. Mudelli ta' pprezzar għall-opzjonijiet għandhom jikkunsidraw in-nuqqas ta' linearità tal-valur tal-opzjoni fir-rigward tal-fatturi tar-riskju tas-suq;

(f) il-mudell tal-iskopertura għas-CCR għandu jkopri l-informazzjoni speċifika għat-transazzjoni meħtieġa sabiex jiġu aggregati iskoperturi fil-livell tas-sett ta' netting. Istituzzjoni għandha tivverifika li t-transazzjonijiet huma assenjati għas-sett ta' netting adatt fi ħdan il-mudell;

(g) il-mudell tal-iskopertura għas-CCR għandu jinkludi l-informazzjoni speċifika għat-transazzjoni sabiex ikopri l-effetti tal-marġinazzjoni. Għandu jqis kemm l-ammont attwali tal-marġni u l-marġni li jkun irid jgħaddi minn kontroparti għall-oħra fil-futur. Tali mudell għandu jikkunsidra n-natura tal-ftehimiet dwar il-marġni li huma unilaterali jew bilaterali, il-frekwenza tas-sejħiet għall-manutenzjoni tal-marġni, il-perijodu b'riskju ta' marġni, il-limitu minimu tal-iskopertura mhux marġinata li l-istituzzjoni lesta taċċetta, u l-ammont ta' trasferiment minimu. Tali mudell għandu jew jistima l-varjazzjoni fl-ipprezzar skont il-valur fis-suq tal-kollateral depożitat jew japplika r-regoli stabbiliti fil-Kapitolu 4;

(h) il-proċess ta' validazzjoni tal-mudell għandu jinkludi ttestjar retrospettiv statiku u storiku dwar il-portafolli tal-kontroparti rappreżentattiva. L-istituzzjoni għandha twettaq tali ttestjar retrospettiv fuq numru ta' portafolli ta' kontropartijiet rappreżentattivi li huma attwali jew ipotetiċi f'perijodi regolari. Dawn il-portafolli rappreżentattivi għandhom jintgħażlu fuq il-bażi tas-sensittività tagħhom għall-fatturi tar-riskju materjali u kombinazzjonijiet ta' fatturi tar-riskju li għalihom hija esposta l-istituzzjoni;

(i) istituzzjoni għandha twettaq ittestjar retrospettiv li huwa mfassal biex jittestja s-suppożizzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju rilevanti, inkluża r-relazzjoni mudellata bejn xejriet tal-istess fattur tar-riskju, u r-relazzjonijiet mudellati bejn il-fatturi tar-riskju;

(j) il-prestazzjoni tal-mudelli tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju tagħha għandhom ikunu soġġetti għal prattika adatta ta' ttestjar retrospettiv. Il-programm tal-ittestjar retrospettiv għandu jkun kapaċi jidentifika prestazzjoni ħażina fil-miżuri tar-riskju ta' mudell EPE;

▼B

(k) istituzzjoni għandha tivvalida l-mudelli tagħha tal-iskopertura għas-CCR u l-miżuri tar-riskju kollha għall-perijodi li jikkorrispondu mal-maturità tat-transazzjonijiet li l-iskopertura għalihom hija kkalkulata permezz tal-IMM skont l-Artikolu 283;

(l) istituzzjoni għandha tittestja b'mod regolari l-mudelli tal-ipprezzar użati għall-kalkolu tal-iskopertura għall-kontroparti kontra punti ta' referiment indipendenti adatt bħala parti mill-proċess kostanti tal-validazzjoni tal-mudell;

(m) il-validazzjoni kostanti tal-mudell tal-iskopertura għas-CCR tal-istituzzjoni u l-miżuri tar-riskju rilevanti għandhom jinkludu valutazzjoni tal-adegwadezza tal-prestazzjoni reċenti;

(n) il-frekwenza li biha jiġu aġġornati l-parametri tal-mudell tal-iskopertura għas-CCR għandha tiġi vvalutata minn istituzzjoni bħala parti mill-proċess ta' validazzjoni inizjali u kostanti;

(o) il-validazzjoni inizjali u kostanti tal-mudelli tal-iskopertura għas-CCR għandha tivvaluta jekk il-kalkoli tal-iskopertura għall-livell ta' kontroparti u tas-sett ta' netting humiex xierqa jew le.

2. Miżura li hija aktar konservattiva mill-metrika użata għall-kalkolu tal-valur regolatorju tal-iskopertura għal kull kontroparti tista' tintuża minflok l-alpha multiplikata bl-EPE Effettiva bil-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti. Il-grad tal-konservattiviżmu relattiv jiġi vvalutat mill-awtoritajiet kompetenti mal-approvazzjoni inizjali u matul l-analiżijiet superviżorji regolari tal-mudelli EPE. Istituzzjoni għandha tivvalida l-konservattiviżmu b'mod regolari. Il-valutazzjoni kostanti tal-prestazzjoni tal-mudell għandha tkopri l-kontropartijiet kollha li għalihom jintużaw il-mudelli.

3. Jekk ittestjar retrospettiv jindika li mudell mhuwiex preċiż biżżejjed, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrevokaw il-permess tagħhom għall-mudell, jew jimponu miżuri xierqa sabiex jiżguraw li l-mudell jiġi mtejjeb minnufih.

Taqsima 7

Netting kuntrattwali

Artikolu 295

Rikonoxximent ta' netting kuntrattwali bħala tnaqqis tar-riskju

L-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw bħala tnaqqis mir-riskju skont l-Artikolu 298 biss it-tipi ta' ftehimiet kuntrattwali ta' netting li ġejjin fejn il-ftehim ta' netting ġie rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 296 u fejn l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 297:

▼B

(a) kuntratti bilaterali ta' novazzjoni bejn istituzzjoni u l-kontroparti tagħha skont liema pretensjonijiet reċiproċi u obbligazzjonijiet huma awtomatikament amalgamati b'tali mod li n-novazzjoni tistabbilixxi ammont nett uniku wieħed kull darba li tapplika sabiex jinħoloq kuntratt wieħed ġdid li jieħu post il-kuntratti preċedenti kollha u l-obbligazzjonijiet kollha bejn il-partijiet skont dawk il-kuntratti u li jkun vinkolanti fuq il-partijiet;

(b) ftehimiet bilaterali oħrajn bejn istituzzjoni u l-kontroparti tagħha;

(c) il-ftehimiet kuntrattwali ta' netting bejn prodotti differenti għal istituzzjonijiet li rċevew l-approvazzjoni biex jużaw il-metodu stabbilit fit-Taqsima 6 għal transazzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu ta' dak il-metodu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrappurtaw lill-ABE lista tal-ftehimiet kuntrattwali approvati ta' netting bejn prodotti differenti.

In-netting bejn transazzjonijiet li saru minn entitajiet ġuridiċi differenti ta' grupp ma għandhomx jiġu rikonoxxuti għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji.

Artikolu 296

Rikonoxximent ta' ftehimiet kuntrattwali ta' netting

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikonoxxu ftehim kuntrattwali ta' netting biss fejn jiġu sodisfatti l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 2 u, fejn rilevanti, 3.

2. Il-kondizzjonijiet li ġejjin għandhom jintlaħqu mill-ftehimiet kuntrattwali ta' netting kollha użati minn istituzzjoni għall-finijiet ta' determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura f'din il-Parti:

(a) l-istituzzjoni laħqet ftehim kuntrattwali ta' netting mal-kontroparti tagħha li joħloq obbligu legali wieħed, li jkopri t-transazzjonijiet inklużi kollha, b'tali mod li, f'każ li sseħħ inadempjenza mill-kontroparti hi tkun intitolata tirċievi jew tkun obbligata tħallas biss is-somma netta tal-valuri pożittivi u negattivi pprezzati skont il-valur tas-suq tat-transazzjonijiet individwali inklużi;

(b) l-istituzzjoni qiegħdet għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti opinjonijiet legali bil-miktub u raġunati skont liema, f'każ ta' kontestazzjoni legali tal-ftehim ta' netting, il-pretensjonijiet u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni ma jkunux jaqbżu dawk imsemmija fil-punt (a). L-opinjoni legali għandha tirreferi għal-liġi applikabbli:

(i) il-ġurisdizzjoni li fiha tkun inkorporata l-kontroparti;

(ii) jekk tkun involuta fergħa ta' impriża, li tinsab f'pajjiż li mhuwiex dak li fih l-impriża hija inkorporata, il-ġurisdizzjoni li fiha tinsab il-fergħa;

(iii) il-ġurisdizzjoni li l-liġi tagħha tikkontrolla t-transazzjonijiet individwali inklużi fil-ftehim ta' netting;

▼B

(iv) il-ġurisdizzjoni li l-liġi tagħha tikkontrolla kwalunkwe kuntratt jew ftehim neċessarju sabiex jiġi affettwat in-netting kuntrattwali;

(c) ir-riskju tal-kreditu għal kull kontroparti huwa aggregat b'mod li jwassal għal skopertura legali waħda għat-transazzjonijiet kollha ma' kull kontroparti. Din l-aggregazzjoni għandha tiġi fatturata għall-finijiet tal-limitu tal-kreditu u għall-finijiet tal-kapital intern;

(d) il-kuntratt ma għandu jkun fih l-ebda klawżola li, f'każ ta' inadempjenza ta' kontroparti, tippermetti lil kontroparti mhux inadempjenti li tagħmel biss pagamenti limitati, jew l-ebda pagament, lill-partimonju tal-parti inadempjenti, anki jekk il-parti inadempjenti tkun kreditur nett (jiġifieri l-klawżola walk away).

Jekk xi waħda mill-awtoritajiet kompetenti ma tkunx sodisfatta li n-netting kuntrattwali huwa legalment validu u infurzabbli skont il-liġi ta' kull waħda mill-ġurisdizzjonijiet imsemmija fil-punt (b), il-ftehim kuntrattwali ta' netting ma għandux jiġi rikonoxxut bħala wieħed li jnaqqas ir-riskju għall-ebda mill-kontropartijiet. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lil xulxin kif meħtieġ.

3. L-opinjonijiet legali msemmija fil-punt (b) jistgħu jitfasslu b'referenza għat-tipi ta' netting kuntrattwali. Il-kondizzjonijet addizzjonali li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti mill-ftehimiet kuntrattwali ta' netting bejn prodotti differenti:

(a) is-somma netta msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2 hija s-somma netta tal-valuri pożittivi u negattivi tal-għeluq ta' kull ftehim ewlieni individwali bilaterali inkluż u tal-valur pożittiv u negattiv ipprezzat skont il-valur fis-suq tat-transazzjonijiet individwali (l-"Ammont Nett bejn Prodotti Differenti");

(b) l-opinjonijiet legali msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 għandhom jindirizzaw il-validità u l-infurzabbiltà tal-ftehim kuntrattwali sħiħ ta' netting bejn prodotti differenti skont it-termini tiegħu u l-impatt tal-arranġament tan-netting fuq il-klawsoli materjali ta' kull ftehim ewlieni individwali bilaterali inkluż.

Artikolu 297

Obbligazzjonijiet tal-istituzzjonijiet

1. Istituzzjoni għandha tistabbilixxi u żżomm proċeduri sabiex tiżgura li l-validità legali u l-infurzabbiltà tan-netting kuntrattwali tagħha jkunu analizzati fid-dawl tal-bidliet fil-liġi tal-ġurisdizzjonijiet rilevanti msemmija fl-Artikolu 296(2)(b).

2. L-istituzzjoni għandha żżomm id-dokumentazzjoni meħtieġa kollha relatata man-netting kuntrattwali tagħha fil-faxxikli tagħha.

3. L-istituzzjoni għandha tikkunsidra l-effetti tan-netting fil-kalkolu tagħha ta' kull skopertura għar-riskju tal-kreditu aggregat ta' kull kontroparti u l-istituzzjoni għandha tiġġestixxi s-CCR tagħha fuq il-bażi ta' dawk l-effetti ta' dak il-kalkolu.

▼B

4. Fil-każ tal-ftehimiet kuntrattwali ta’ netting bejn prodotti differenti msemmija fl-Artikolu 295, l-istituzzjoni għandha żżomm il-proċeduri skont l-Artikolu 296(2)(c) sabiex tivverifika li kull transazzjoni li għandha tiġi inkluża f’sett ta’ netting tkun koperta minn opinjoni legali msemmija fl-Artikolu 296(2)(b).

Waqt li tieħu kont tl-ftehim ta’ netting kuntrattwali bejn prodotti differenti, l-istituzzjoni għandha tibqa’ tikkonforma mar-rekwiżiti għar-rikonoxximent tan-netting bilaterali u r-rekwiżiti tal-Kapitolu 4 għar-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, kif applikabbli, fir-rigward ta’ kull ftehim ewlieni individwali bilaterali inkluż u kull transazzjoni inkluża.

▼M8

Artikolu 298

Effetti tar-rikonoxximent tan-netting bħala tnaqqis tar-riskju

In-netting għall-finijiet tat-Taqsimiet 3 sa 6 għandu jiġi rikonoxxut kif stabbilit f'dawk it-Taqsimiet.

▼B

Taqsima 8

Elementi fil-portafoll tan-negozjar

Artikolu 299

Elementi fil-portafoll tan-negozjar

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu, l-Anness II għandu jinkludi referenza għall-strumenti derivati għat-trasferiment tar-riskju tal-kreditu kif imsemmi fil-punt (8) tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2004/39/KE.

2. Meta jikkalkulaw l-ammonti ta’ skoperturi ppeżati skont ir-riskju għar-riskju tal-kontroparti tal-elementi fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

▼M8

_____

▼B

(b) l-istituzzjonijiet ma għandhomx jużaw il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju sstabbilit fl-Artikolu 222 għar-rikonoxximent tal-effetti tal-kollateral finanzjarju;

(c) fil-każ ta’ transazzjonijiet ta’ riakkwist u transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b’self ta' titoli jew prodotti reġistrati fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu bħala kollateral eliġibbli l-istrumenti finanzjarji u l-prodotti kollha li huma eliġibbli sabiex jiġi inklużi fil-portafoll tan-negozjar;

▼B

(d) għall-iskoperturi li jirriżultaw minn strumenti derivati OTC reġistrati fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu prodotti li huma eliġibbli sabiex jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar bħala kollateral eliġibbli;

(e) għall-finijiet tal-kalkolu tal-aġġustamenti għall-volatilità fejn tali strumenti finanzjarji jew prodotti li mhumiex eliġibbli skont il-Kapitolu 4 jiġu msellfa, jinbiegħu jew jiġu provduti, jew jittieħdu b'self, jinxtraw jew jiġu rċevuti bħala kollateral jew b'mod ieħor f'tali transazzjoni, u l-istituzzjoni tkun tuża l-approċċ tal-aġġustamenti Superviżorji għall-volatilità skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 4, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw tali strumenti u prodotti bl-istess mod bħal ekwitajiet ta' indiċi mhux ewlieni elenkati f'borża rikonoxxuta;

(f) fejn istituzzjoni tkun tuża l-approċċ ta' Stimi Proprji tal-aġġustamenti għall-Volatilità skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 4 fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji jew prodotti li mhumiex eliġibbli skont il-Kapitolu 4, hija għandha tikkalkula l-aġġustamenti għall-volatilità għal kull element individwali. Fejn istituzzjoni tkun kisbet l-approvazzjoni biex tuża l-Approċċ tal-Mudelli Interni speċifikat fil-Kapitolu 4, tista' tapplika wkoll dak l-approċċ fil-portafoll tan-negozjar;

(g) fir-rigward tar-rikonoxximent tal-ftehimiet ewlenin ta' netting li jkopru transazzjonijiet ta' riakkwist, transazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti, jew transazzjonijiet oħrajn immotivati mis-swieq kapitali, l-istituzzjonijiet għandhom jirrikonoxxu biss in-netting fost il-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar u fil-portafoll mhux tan-negozjar meta t-transazzjonijiet soġġetti għan-netting jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) it-transazzjonijiet kollha huma ppeżati kuljum skont il-valur fis-suq;

(ii) kull element meħud b'self, mixtri jew irċevut fit-transazzjonijiet jista' jiġi rikonoxxut bħala kollateral finanzjarju eliġibbli skont il-Kapitolu 4 mingħajr l-applikazzjoni tal-punti (c) sa (f) ta' dan il-paragrafu;

(h) fejn derivat tal-kreditu inkluż fil-portafoll tan-negozjar jagħmel parti minn hedge intern u l-protezzjoni tal-kreditu hija rikonoxxuta taħt dan ir-Regolament skont l-Artikolu 204, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw wieħed mill-approċċi li ġejjin:

(i) jittrattawh bħallikieku mhemmx riskju tal-kontroparti li ġej mill-pożizzjoni f'dak id-derivat tal-kreditu;

(ii) għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti jinkludu, b'mod konsistenti, id-derivati tal-kreditu kollha fil-portafoll tan-negozjar li jagħmlu parti mill-hedges interni jew mixtrija bħala protezzjoni kontra skopertura għas-CCR fejn il-protezzjoni tal-kreditu hija rikonoxxuta bħala eliġibbli skont il-Kapitolu 4.

▼B

Taqsima 9

Rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi għal kontroparti ċentrali

Artikolu 300

Definizzjonijiet

▼M8

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima u tal-Parti Sebgħa, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(1) “protett f'każ ta' falliment (bankruptcy remote)”, fir-rigward ta’ assi ta' klijent, tfisser li jeżistu arranġamenti effettivi li jiżguraw li dawk l-assi ma jkunux disponibbli għall-krediturі ta’ CCP jew għal membru ta’ kklerjar f’każ ta’ insolvenza ta’ dik is-CCP jew tal-membru ta’ kklerjar rispettivament, jew li l-assi ma jkunux disponibbli għall-membru ta’ kklerjar sabiex ikopri telf imġarrab minnu minħabba l-inadempjenza ta' klijent jew klijenti għajr dawk li pprovdew dawk l-assi;

(2) “transazzjoni relatata mas-CCP” tfisser kuntratt jew transazzjoni elenkata fl-Artikolu 301(1) bejn klijent u membru ta’ kklerjar li huma direttament relatati ma’ kuntratt jew transazzjoni elenkata f'dak il-paragrafu bejn dak il-membru ta’ kklerjar u CCP;

(3) “membru ta’ kklerjar” tfisser membru ta’ kklerjar kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(4) “klijent” tfisser klijent kif definit fil-punt (15) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 jew impriża li tkun stabbilixxiet arranġamenti indiretti ta’ kklerjar ma’ membru tal-ikklerjar skont l-Artikolu 4(3) ta’ dak ir-Regolament;

▼M8

(5) “tranżazzjoni fi flus” tfisser tranżazzjoni fi flus, strumenti ta' dejn jew ekwitajiet, tranżazzjoni ta' kambju spot jew tranżazzjoni ta' komoditajiet spot; madankollu, tranżazzjonijiet ta' riakkwist, tranżazzjonijiet ta' għoti b'self ta' titoli jew komoditajiet u ta' teħid b'self ta' titoli jew komoditajiet mhumiex tranżazzjonijiet fi flus;

(6) “arranġament ta' kklerjar indirett” tfisser arranġament li jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(7) “klijent ta' livell superjuri” tfisser entità li tipprovdi servizzi tal-ikklerjar lil klijent ta' livell inferjuri;

(8) “klijent ta' livell inferjuri” tfisser entità li taċċessa s-servizzi ta' CCP permezz ta' klijent ta' livell superjuri;

(9) “struttura tal-klijenti b'ħafna livelli” tfisser arranġament ta' kklerjar indirett taħt liema jiġu pprovduti servizz tal-ikklerjar lil istituzzjoni minn entità li mhijiex membru tal-ikklerjar, iżda hija hi stess klijent ta' membru tal-ikklerjar jew ta' klijent ta' livell superjuri;

▼M8

(10) “kontribuzzjoni mhux iffinanzjata għal fond tal-inadempjenza” tfisser kontribuzzjoni li istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar ħadet l-impenn kuntrattwali li tipprovdi lil CCP wara li s-CCP eżawrit il-fond tal-inadempjenza tagħha biex tkopri t-telf li ġarrbet wara l-inadempjenza ta' wieħed jew iktar mill-membri tal-ikklerjar tagħha;

(11) “tranżazzjoni ta' għoti jew teħid b'self ta' depożiti ggarantita għal-kollox” tfisser tranżazzjoni tas-suq tal-flus kollateralizzata għal-kollox li fiha żewġ kontropartijiet jiskambjaw id-depożiti u CCP tpoġġi lilha nnifisha bejniethom biex tiżgura l-eżekuzzjoni ta' dawk l-obbligi ta' pagament tal-kontropartijiet.

Artikolu 301

Kamp ta' applikazzjoni materjali

1. Din it-Taqsima tapplika għall-kuntratti u t-tranżazzjonijiet li ġejjin sakemm ikunu pendenti ma' CCP:

(a) il-kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u d-derivattivi ta' kreditu;

(b) tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' depożiti ggarantiti għalkollox; u

(c) tranżazzjonijiet ta' saldu fit-tul.

Din it-Taqsima ma tapplikax għal skoperturi li jirriżultaw mis-saldu ta' tranżazzjonijiet fi flus. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fit-Titolu V għal skoperturi ta' negozju li jirriżultaw minn dawk it-tranżazzjonijiet u piż tar-riskju ta' 0 % għal kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza li jkopru dawk it-tranżazzjonijiet biss. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 307 għal kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza li jkopru kwalunkwe kuntratt imniżżel fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu flimkien mat-tranżazzjonijiet fi flus.

2. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-marġni inizjali ma għandux jinkludi kontribuzzjonijiet għal CCP għal arranġamenti tal-kondiviżjoni tat-telf mutwalizzat;

(b) il-marġni inizjali għandu jinkludi kollateral depożitat minn istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar jew minn klijent li jisboq l-ammont minimu meħtieġ rispettivament mis-CCP jew mill-istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar, sakemm is-CCP jew l-istituzzjoni li taġixxi bħala l-membru tal-ikklerjar tista', f'każijiet xierqa, twaqqaf lill-istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar jew il-klijent milli tirtira tali kollateral eċċessiv;

(c) meta CCP tuża l-marġni inizjali biex timmutwalizza t-telf fost il-membri tal-ikklerjar tagħha, l-istituzzjonijiet li jaġixxu bħala membri tal-ikklerjar għandhom jittrattaw dak il-marġni inizjali bħala kontribuzzjoni tal-fond tal-inadempjenza.

▼B

Artikolu 302

Monitoraġġ ta' skoperturi għal CCPs

1. L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu monitoraġġ tal-iskoperturi kollha tagħhom għas-CCPs u għandhom jistabbilixxu proċeduri għar-rapportar regolari ta' informazzjoni dwar dawk l-iskoperturi lill-amministrazzjoni għolja u l-kumitat jew kumitati adatti tal-korp ta' ġestjoni.

▼M8

2. L-istituzzjonijiet, permezz ta' analiżi tax-xenarji u ttestjar tal-istress xierqa, għandhom jivvalutaw jekk il-livell ta' fondi proprji miżmuma kontra l-iskoperturi għal CCP, inkluż l-iskoperturi potenzjali, futuri jew kontinġenti ta' kreditu, l-iskoperturi minn kontribuzzjonijiet ta' fondi tal-inadempjenza u, meta l-istituzzjoni qiegħda taġixxi bħala membru tal-ikklerjar, l-iskoperturi li jirriżultaw minn arranġamenti kuntrattwali kif stabbiliti fl-Artikolu 304, jirrelatax b'mod adegwat mar-riskji inerenti ta' dawk l-iskoperturi.

Artikolu 303

Trattament tal-iskoperturi tal-membri ta' kklerjar għal CCPs

1. Istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar kemm għal finijiet tagħha stess kif ukoll bħala intermedjarju finanzjarju bejn klijent u CCP, għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi tagħha għal CCP kif ġej:

(a) hija għandha tapplika t-trattament stabbilit fl-Artikolu 306 għall-iskoperturi ta' negozju tagħha mas-CCP;

(b) hija għandha tapplika t-trattament stabbilit fl-Artikolu 307 għall-kontribuzzjonijiet tal-fond inadempjenza tagħha għas-CCP.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, is-somma ta' rekwiżiti ta' fondi proprji ta' istituzzjoni għall-iskoperturi tagħha għal QCCP minħabba skoperturi ta' negozju u kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza għandha tkun soġġetta għal limitu massimu ugwali għas-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji li tkun applikata għal dawk l-istess skoperturi jekk is-CCP kienu CCP mhux kwalifikati.

▼B

Artikolu 304

Trattament tal-iskoperturi tal-membri ta' kklerjar lill-klijenti

▼M8

1. Istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar u, f'dik il-kapaċità, taġixxi bħala intermedjarju finanzjarju bejn klijent u CCP, għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għat-tranżazzjonijiet relatati mas-CCP tagħha mal-klijent f'konformità mat-Taqsimiet 1 sa 8 ta' dan il-Kapitolu, mat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 4 ta' dan it-Titolu u mat-Titolu VI, kif applikabbli.

▼B

2. Fejn istituzzjoni li taġixxi bħala membru ta' kklerjar tidħol f'arranġament kuntrattwali ma' klijent ta' membru ta' kklerjar ieħor li jiffaċilita, skont l-Artikolu 48(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, it-trasferiment tal-pożizzjonijiet u l-kollateral kif imsemmi fl-Artikolu 305(2)(b) ta' dan ir-Regolament għal dak il-klijent, u dak il-ftehim kuntrattwali joħloq obbligazzjoni kontinġenti għal dik l-istituzzjoni, dik l-istituzzjonitista' tatribwixxi valur ta' espożizzjoni ta' żero għal dik l-obbligazzjoni kontinġenti.

▼**M8**

3. Meta istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar tuża l-metodi stabbiliti fit-Taqsima 3 jew 6 ta' dan il-Kapitolu biex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi tagħha, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) b'deroga mill-Artikolu 285(2), l-istituzzjoni tista' tuża perijodu ta' marġni ta' riskju ta' mill-inqas ħames ġranet tax-xogħol għall-iskoperturi tagħha fil-konfront ta' klijent;

(b) l-istituzzjoni għandha tapplika perijodu ta' marġni ta' riskju ta' mill-inqas 10 ġranet tax-xogħol għall-iskoperturi tagħha fil-konfront ta' CCP;

(c) b'deroga mill-Artikolu 285(3), meta sett tan-netting inkluż fil-kalkolu jissodisfa l-kondizzjoni stabbilita fil-punt (a) ta' dak il-paragrafu, l-istituzzjoni tista' tinjora l-limitu stabbilit f'dak il-punt, sakemm is-sett tan-netting ma jissodisfax il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu u ma jinkludi l-ebda negozju kkontestat jew opzjonijiet eżotiċi;

(d) meta CCP iżżomm il-marġni ta' varjazzjoni fil-konfront ta' tranżazzjoni u l-kollateral tal-istituzzjoni mhuwiex protett kontra l-insolvenza tas-CCP, l-istituzzjoni għandha tapplika perijodu ta' marġni ta' riskju li huwa inferjuri għal sena u l-maturità li jifdal tat-tranżazzjoni, b'minimu ta' 10 ġranet tax-xogħol.

4. B'deroga mill-punt (i) tal-Artikolu 281(2), meta istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar tuża l-metodu stabbilit fit-Taqsima 4 biex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għall-iskoperturi tagħha fil-konfront ta' klijent, l-istituzzjoni tista' tuża fattur ta' maturità ta' 0,21 għall-kalkolu tagħha.

5. B'deroga mill-punt (d) tal-Artikolu 282(4), meta istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar tuża l-metodu stabbilit fit-Taqsima 5 biex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għall-iskoperturi tagħha fil-konfront ta' klijent, dik l-istituzzjoni tista' tuża fattur ta' maturità ta' 0,21 f'dak il-kalkolu.

6. Istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar tista' tuża l-iskopertura mnaqqsa fil-mument tal-inadempjenza li tirriżulta mill-kalkoli stabbiliti fil-paragrafi 3, 4 u 5 għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għal riskju CVA skont it-Titolu VI.

7. Istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar li jiġbor kollateral minn klijent għal tranżazzjoni relatata mas-CCP u jgħaddi l-kollateral lis-CCP tista' tirrikonoxxi dak il-kollateral biex tnaqqas l-iskopertura tagħha fil-konfront tal-klijent għal dik it-tranżazzjoni relatata mas-CCP.

Fil-każ ta' struttura ta' klijenti b'ħafna livelli, it-trattament stabbilit fl-ewwel subparagrafu jista' jiġi applikat f'kull livell ta' dik l-istruttura.

▼B

Artikolu 305

Trattament tal-iskoperturi ta' klijenti

▼M8

1. Istituzzjoni li hija klijent għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għat-tranżazzjonijiet tagħha relatati mas-CCP mal-membru tal-ikklerjar tagħha f'konformità mat-Taqsimiet 1 sa 8 ta' dan il-Kapitolu, mat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 4 ta' dan it-Titolu u mat-Titolu VI, kif applikabbli.

▼B

2. Mingħajr preġudizzju għall-approċċ speċifikat fil-paragrafu 1, fejn istituzzjoni tkun klijent, tista' tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi kummerċjali tagħha għal transazzjonijiet relatati mas-CCP mal-membru ta' kklerjar tagħha skont l-Artikoli 306 sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet u l-assi ta' dik l-istituzzjoni relatati ma' dawk it-transazzjonijiet huma distinti u segregati, fil-livell kemm tal-membru ta' kklerjar kif ukoll tas-CCP, mill-pożizzjonijiet u l-assi kemm tal-membru ta' kklerjar kif ukoll tal-klijenti l-oħra ta' dak il-membru ta' kklerjar u bħala konsegwenza ta' dik id-distinzjoni u segregazzjoni dawk il-pożizzjonijiet u l-assi jkunu protetti f'każ ta' falliment fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza tal-membru ta' kklerjar jew ta' wieħed jew aktar mill-klijenti l-oħra tiegħu;

(b) liġijiet, regolamenti, regoli u arranġamenti kuntrattwali applikabbli jew vinkolanti għall-istituzzjoni jew is-CCP jiffaċilitaw it-trasferiment tal-pożizzjonijiet tal-klijent relatati ma' dawk il-kuntratti u transazzjonijiet u tal-kollateral korrispondenti għal membru ta' kklerjar ieħor fil-perijodu b'riskju ta' marġni applikabbli fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza tal-membru ta' kklerjar oriġinali. F'ċirkostanzi bħal dawn, il-pożizzjonijiet tal-klijent u l-kollateral għandhom jiġu trasferiti bil-valur tas-suq sakemm il-klijent ma jitlobx li jagħlaq il-pożizzjoni bil-valur tas-suq;

▼M8

(c) il-klijent ikun wettaq reviżjoni legali bir-reqqa biżżejjed, li żammha aġġornata, li tissostanzja li l-arranġamenti li jiżguraw li l-kondizzjoni stabbilita fil punt (b) hija ssodisfata, huma legali, validi, vinkolanti u infurzabbli skont il-liġijiet rilevanti tal-ġurisdizzjoni jew il-ġurisdizzjonijiet rilevanti;

▼B

(d) is-CCP hi Q_{CCP}.

▼M8

Meta tivvaluta l-konformità tagħha mal-kondizzjoni stabbilita fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, istituzzjoni tista' tqis kwalunkwe preċedent ċar ta' trasferimenti ta' pożizzjonijiet tal-klijent u ta' kollateral korrispondenti f'CCP, u kwalunkwe intenzjoni tal-industrija li tkompli b'dik il-prattika.

▼M8

3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, meta istituzzjoni li hija klijent tonqos milli tissodisfa l-kondizzjoni stabbilita fil-punt (a) ta' dak il-paragrafu minħabba li dik l-istituzzjoni mhijiex protetta minn telf f'każ li l-membru tal-ikklerjar u klijent ieħor tal-membru tal-ikklerjar ikunu inadempjenti b'mod konġunt, dment li l-kondizzjonijiet l-oħrajn kollha stabbiliti fil-punti (a) sa (d) ta' dak il-paragrafu huma ssodisfati, l-istituzzjoni tista' tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi ta' negozju tagħha għal tranżazzjonijiet relatati mas-CCP mal-membru tal-ikklerjar tagħha skont l-Artikolu 306, soġġett għas-sostituzzjoni tal-piż tar-riskju ta' 2 % stabbilit fil-punt (a) tal-Artikolu 306(1) b'piż tar-riskju ta' 4 %.

4. Fil-każ ta' struttura ta' klijenti b'ħafna livelli, istituzzjoni li hija klijent ta' livell inferjuri li taċċessa s-servizzi ta' CCP permezz ta' klijent ta' livell superjuri tista' tapplika t-trattament stabbilit fil-paragrafu 2 jew 3 fil-każ biss meta l-kondizzjonijiet stabbiliti fihom jiġu ssodisfati f'kull livell ta' dik l-istruttura.

▼B

Artikolu 306

Rekwiżiti ta' fondi proprji għall-iskoperturi kummerċjali

1. Istituzzjoni għandha tapplika t-trattament li ġej għall-iskoperturi kummerċjali tagħha ma' CCPs:

(a) għandha tapplika piż tar-riskju ta' 2 % għall-valur tal-iskoperturi tal-iskoperturi kummerċjali kollha tagħha ma' QCCPs;

(b) għandha tapplika l-piż tar-riskju użat għall-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu kif stipulat fl-Artikolu 107(2)(b) għall-iskoperturi kummerċjali kollha tagħha ma' CCPs li ma jikkwalifikawx;

▼M8

(c) meta istituzzjoni taġixxi bħala intermedjarju finanzjarju bejn klijent u CCP u t-termini tat-tranżazzjoni relatata mas-CCP jistipulaw li l-istituzzjoni ma hi meħtieġa tirrimborża lill-klijent għall-ebda telf li jkun ġarrab minħabba kambjamenti fil-valur ta' dik it-tranżazzjoni fil-każ ta' inadempjenza ta' CCP, dik l-istituzzjoni tista' tistabbilixxi l-valur tal-iskopertura tal-iskopertura ta' negozju mas-CCP li tikkorrispondi għal dik it-tranżazzjoni relatata mas-CCP għal żero;

(d) meta istituzzjoni taġixxi bħala intermedjarju finanzjarju bejn klijent u CCP u t-termini tat-tranżazzjoni relatata mas-CCP, jistipulaw li l-istituzzjoni hija meħtieġa tirrimborża lill-klijent għal kwalunkwe telf li jkun ġarrab minħabba kambjamenti fil-valur ta' dik it-tranżazzjoni f'każ ta' inadempjenza tas-CCP, dik l-istituzzjoni għandha tapplika t-trattament fil-punt (a) jew (b), kif applikabbli, għall-iskopertura ta' negozju mas-CCP li tikkorrispondi għal dik it-tranżazzjoni relatata mas-CCP.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn assi depożitati bħala kollateral għal CCP jew għal membru tal-ikklerjar huma falliment remot fil-każ li s-CCP, il-membru tal-ikklerjar jew wieħed jew iktar mill-klijenti l-oħrajn tal-membru tal-ikklerjar isiru insolventi, istituzzjoni tista' tattribwixxi valur tal-iskopertura ta' żero għall-iskoperturi għar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti għal dawk l-assi.

▼M8

3. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-valuri tal-iskopertura ta' negozju tagħha ma' CCP f'konformità mat-Taqsimiet 1 sa 8 ta' dan il-Kapitolu u t-Taqsim 4 tal-Kapitolu 4, kif applikabbli.

▼B

4. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju għall-iskoperturi kummerċjali tagħha ma' CCPs għall-finijiet tal-Artikolu 92(3) bħala s-somma tal-valur tal-iskoperturi kummerċjali tagħha ma' CCPs, ikkalkulata skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, immultiplikata bil-piż tar-riskju determinat skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

▼M8

Artikolu 307

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal kontribuzzjonijiet tal-fond tal-inadempjenza ta' CCP

Istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar għandha tapplika t-trattament li ġej għall-iskoperturi tagħha li jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet tagħha għall-fond tal-inadempjenza ta' CCP:

(a) hija għandha tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tagħha għall-fond tal-inadempjenza ta' QCCP f'konformità mal-approċċ stabbilit fl-Artikolu 308;

(b) hija għandha tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati u ffinanzjati tagħha għall-fond tal-inadempjenza ta' CCP mhux kwalifikanti f'konformità mal-approċċ stabbilit fl-Artikolu 309;

(c) hija għandha tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati tagħha għall-fond tal-inadempjenza ta' QCCP f'konformità mat-trattament stabbilit fl-Artikolu 310.

▼B

Artikolu 308

Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' Q_{CCP}

1. Il-valur tal-iskopertura għall-kontribuzzjoni prefinanzjata għall-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza ta' Q_{CCP} (DF_i) għandu jkun l-ammont imħallas jew il-valur tas-suq tal-assi kif mogħti minn dik l-istituzzjoni mnaqqas bi kwalunkwe ammont minn dik il-kontribuzzjoni li l-QCCP tkun diġà użat biex tassorbi t-telf tagħha wara inadempjenza minn membru wieħed ta' kklerjar tagħha jew aktar.

▼M8

2. Istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji sabiex tkopri l-iskopertura li tirriżulta mill-kontribuzzjoni prefinanzjata tagħha kif ġej:

$$K_i = \max\left\{K_{CCP} \cdot \frac{DF_i}{DF_{CCP} + DF_{CM}},\ 8\% \cdot 2\% \cdot DF_i\right\}$$

fejn:

K_i = ir-rekwiżit ta' fondi proprji;

▼M8

i = l-indiċi li jindika l-membru ta' kklerjar;

K_{CCP} = il-kapital ipotetiku tal-QCCP ikkomunikat lill-istituzzjoni mill-QCCP skont l-Artikolu 50c tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

DF_i = il-kontribuzzjoni prefinanzjata;

DF_{CCP} = ir-riżorsi finanzjarji prefinanzjati tas-CCP ikkomunikati lill-istituzzjoni mis-CCP f'konformità mal-Artikolu 50c tar-Regolament (UE) Nru 648/2012; u

DF_{CM} = is-somma tal-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tal-membri tal-ikklerjar kollha tal-QCCP ikkomunikata lill-istituzzjoni mill-QCCP f'konformità mal-Artikolu 50c tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

3. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi pożati għar-riskju għal skoperturi li jirriżultaw mill-kontribuzzjoni prefinanzjata ta' dik l-istituzzjoni għall-fond tal-inadempjenza ta' QCCP għall-finijiet tal-Artikolu 92(3) bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji, ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, immultiplikati bi 12,5.

_____

Artikolu 309

Rekwiżit ta' fondi proprji għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati għall-fond tal-inadempjenza f'każ ta' inadempjenza ta' CCP mhux kwalifikanti u għall-kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati ta' CCP mhux kwalifikanti

1. Istituzzjoni għandha tapplika l-formula li ġejja biex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għall-iskoperturi li jirriżultaw mill-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tagħha għall-fond tal-inadempjenza ta' CCP mhux kwalifikanti u minn kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati għal tali CCP:

$$K = DF + UC$$

fejn:

K_i = ir-rekwiżit ta' fondi proprji;

DF = il-kontribuzzjonijiet prefinanzjati għall-fond tal-inadempjenza ta' CCP mhux kwalifikanti; u

UC = il-kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati għall-fond tal-inadempjenza ta' CCP mhux kwalifikanti.

2. Istituzzjoni għandha tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ppeżati għar-riskju għall-iskoperturi li jirriżultaw mill-kontribuzzjoni ta' dik l-istituzzjoni għall-fond tal-inadempjenza ta' CCP mhux kwalifikanti għall-finijiet tal-Artikolu 92(3) bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji, ikkalkulati f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, immultiplikati bi 12,5.';

▼M8

Artiklu 310

Rekwiżit ta' fondi proprji għal kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati għall-fond tal-inadempjenza ta' QCCP

Istituzzjoni għandha tapplika piż ta' riskju ta' 0 % għall-kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati tagħha għall-fond tal-inadempjenza ta' QCCP.

Artikolu 311

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi lil CCPs li ma jibqgħux jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw it-trattament stabbilit f'dan l-Artikolu fejn isiru saru jafu, wara tħabbira jew notifika pubblika mill-awtorità kompetenti ta' CCP użata minn dawk l-istituzzjonijiet jew minn dik is-CCP innifisha, li s-CCP mhijiex ser tikkonforma iktar mal-kondizzjonijiet għal awtorizzazzjoni jew rikonoxximent, kif applikabbli.

2. Meta tiġi ssodisfata l-kondizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet, fi żmien tliet xhur minn meta saru jafu biċ-ċirkostanza msemmija hemmhekk, jew preċedentement jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-istituzzjoni jeħtieġu hekk, jagħmlu dan li ġej fir-rigward tal-iskoperturi tagħhom fil-konfront ta' dik is-CCP:

(a) japplikaw it-trattament stipulat fil-punt (b) tal-Artikolu 306(1) għall-iskoperturi kummerċjali tagħhom għal dik is-CCP;

(b) japplikaw it-trattament stipulat fl-Artikolu 309 għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tagħhom għall-fond tal-inadempjenza ta' dik is-CCP u għall-kontribuzzjonijiet mhux iffinanzjati tagħhom fil-konfront ta' dik is-CCP;

(c) jittrattaw l-iskoperturi tagħhom għal dik is-CCP, minbarra dawk l-iskoperturi mniżżla fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu bħala skoperturi fil-konfront ta' korporattiva f'konformità mal-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu stipulat fil-Kapitolu 2.

▼M17

TITOLU III

REKWIŻIT TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU OPERAZZJONALI

KAPITOLU 1

Kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali

Artikolu 311a

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "avveniment ta' riskju operazzjonali" tfisser kwalunkwe avveniment marbut ma' riskju operazzjonali li jiġġenera telf jew telf multiplu, fi żmien sena finanzjarja waħda jew aktar;

(2) "telf gross aggregat" tfisser is-somma tat-telf gross kollu marbut mal-istess avveniment ta' riskju operazzjonali fuq sena finanzjarja waħda jew aktar;

(3) "telf nett aggregat" tfisser is-somma tat-telf nett kollu marbut mal-istess avveniment ta' riskju operazzjonali fuq sena finanzjarja waħda jew aktar;

▼M17

(4) “telf raggruppat” tfisser it-telf operazzjonali kollu kkawżat minn skattatur sottostanti komuni jew kawża ewlenija li jistgħu jiġu raggruppati f'avveniment ta' riskju operazzjonali wieħed.

Artikolu 312

Rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali

Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali għandu jkun il-komponent tal-indikatur tan-negozju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 313.

Artikolu 313

Komponent tal-indikatur tan-negozju

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-komponent tal-indikatur tan-negozju tagħhom f'konformità mal-formula li ġejja:

$$BIC = \begin{cases} 0{,}12 \cdot BI, & fejn\ BI \leq 1 \\ 0{,}12 + 0{,}15 \cdot (BI - 1), & fejn\ 1 < BI \leq 30 \\ 4{,}47 + 0{,}18 \cdot (BI - 30), & fejn\ BI > 30 \end{cases}$$

fejn:

BIC = il-komponent tal-indikatur tan-negozju;

BI = l-indikatur tan-negozju, espress f'biljuni ta' euro, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 314.

Artikolu 314

Indikatur tan-negozju

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-indikatur tan-negozju tagħhom f'konformità mal-formula li ġejja:

$$BI = ILDC + SC + FC$$

fejn:

BI = l-indikatur tan-negozju, espress f'biljuni ta' euro;

ILDC = il-komponent tal-imgħax, tal-kiri u tad-dividendi, espress f'biljuni ta' euro u kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 2;

SC = il-komponent tas-servizzi, espress f'biljuni ta' euro u kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 5;

FC = il-komponent finanzjarju, espress f'biljuni ta' euro u kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 6.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-komponent tal-imgħax, tal-kiri u tad-dividendi għandu jiġi kkalkulati f'konformità mal-formula li ġejja:

▼**M17**

$$ILDC = min(IC, 0{,}0225 \cdot AC) + DC$$

fejn:

ILDC = il-komponent tal-imgħax, tal-kiri u tad-dividendi;

IC = il-komponent tal-imgħax, li huwa l-introjtu mill-imgħax tal-istituzzjoni mill-assi finanzjarji kollha u minn introjtu ieħor mill-imgħax, inkluż introjtu finanzjarju minn kiri finanzjarju u introjtu minn kiri operattiv u profitti minn assi mikrija, nieqes l-ispejjeż tal-imgħax tal-istituzzjoni mill-obbligazzjonijiet finanzjarji kollha u spejjeż oħrajn tal-imgħax, inkluż l-ispiża tal-imgħax minn kiri finanzjarju u operattiv, id-deprezzament u l-indeboliment ta', u t-telf minn, assi mikrija operattivi, ikkalkulati bħala l-medja annwali tal-valuri assoluti tad-differenzi matul l-aħħar tliet snin finanzjarji;

AC = il-komponent tal-assi, li huwa s-somma tas-self pendenti gross totali tal-istituzzjoni, tal-avvanzi, tat-titoli li jġorru l-imgħax, inkluż bonds tal-gvern, u assi ta' kiri, ikkalkulata bħala l-medja annwali fuq l-aħħar tliet snin finanzjarji fuq il-bażi tal-ammonti fi tmiem kull waħda mis-snin finanzjarji rispettivi;

DC = il-komponent tad-dividendi, li huwa l-introjtu mid-dividendi tal-istituzzjoni minn investimenti fi stokks u f'fondi mhux konsolidati fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-istituzzjoni, inkluż l-introjtu mid-dividendi minn sussidjarji mhux konsolidati, minn kumpaniji assoċjati u minn impriżi konġunti, ikkalkulat bħala l-medja annwali fuq l-aħħar tliet snin finanzjarji.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, istituzzjoni prinċipali tal-UE tista', sal-31 ta' Diċembru 2027, titlob permess mis-superviżur tal-konsolidazzjoni tagħha sabiex tikkalkula il-komponent tal-imgħax, tal-kiri u tad-dividendi separati għal kwalunkwe waħda mill-istituzzjonijiet sussidjarji speċifiċi tagħha u sabiex iżżid l-eżitu ta' dak il-kalkolu mal-imgħax, il-kirjiet u l-komponent tad-dividendi kkalkulat, fuq bażi konsolidata, għall-entitajiet l-oħra tal-grupp meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-attivitajiet ta' servizzi bankarji għall-konsumatur jew kummerċjali tas-sussidjarji jirrappreżentaw il-maġġoranza tal-attività tagħhom;

(b) proporzjon sinifikanti mill-attivitajiet ta' servizzi bankarji għall-konsumatur jew kummerċjali tas-sussidjarji jinkludu self assoċjat bi probabbiltà għolja ta' inadempjenza;

(c) l-użu tad-deroga jipprovdi bażi xierqa għall-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni prinċipali tal-UE għar-riskju operazzjonali.

Ladarba jingħata, il-permess, u l-kundizzjonijiet tiegħu, għandhom jiġu vvalutati mill-ġdid mis-superviżur tal-konsolidazzjoni kull sentejn.

Is-superviżur tal-konsolidazzjoni għandu jinnotifika lill-EBA hekk kif tali permess jingħata, jiġi kkonfermat jew irtirat.

▼M17

Sal-31 ta' Diċembru 2031, l-EBA għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-użu u l-adegwatezza tad-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu filwaqt li tqis, b'mod partikolari, il-mudelli ta' negozju speċifiċi kkonċernati u l-adegwatezza tar-rekwiżit relatat ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali. Fuq il-bażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2032.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2027 jew sakemm is-superviżur tal-konsolidazzjoni jagħti permess f'konformità mal-paragrafu 3, skont liema jiġi l-ewwel, istituzzjoni prinċipali tal-UE li tkun ingħatat permess biex tapplika l-approċċ standardizzat alternattiv għal-linji tan-negozju tagħha ta' servizzi bankarji għall-konsumatur u servizzi bankarji kummerċjali biex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji tagħha għar-riskju operazzjonali tista', wara li tkun infurmat lis-superviżur tal-konsolidazzjoni tagħha, tkompli tuża l-approċċ standardizzat alternattiv kif stabbilit fil-verżjoni ta' dan ir-Regolament applikabbli fit-8 ta' Lulju 2024 għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali relatati ma' dawk iż-żewġ linji tan-negozju u skont il-kamp ta' applikazzjoni tal-permess eżistenti.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-komponent tas-servizzi għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$SC = max\ (OI,\ OE) + max\ (FI,\ FE)$$

fejn:

SC = il-komponent tas-servizzi;

OI = l-introjtu operatorju l-ieħor, li huwa l-medja annwali matul l-aħħar tliet snin finanzjarji tal-introjtu tal-istituzzjoni minn operazzjonijiet bankarji ordinarji mhux inklużi f'elementi oħrajn tal-indikatur tan-negozju iżda ta' natura simili;

OE = l-ispejjeż operatorji l-oħrajn, li huma l-medja annwali matul l-aħħar tliet snin finanzjarji tal-ispejjeż u tat-telf tal-istituzzjoni minn operazzjonijiet bankarji ordinarji mhux inklużi f'elementi oħrajn tal-indikatur tan-negozju iżda ta' natura simili, u minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali;

FI = il-komponent tal-introjtu mit-tariffi u mill-kummissjoni, li huwa l-medja annwali matul l-aħħar tliet snin finanzjarji tal-introjtu tal-istituzzjoni riċevut mill-għoti ta' pariri u ta' servizzi, inkluż l-introjtu riċevut mill-istituzzjoni bħala esternalizzatur tas-servizzi finanzjarji;

FE = il-komponent tal-ispejjeż tat-tariffi u tal-kummissjoni, li huwa l-medja annwali matul l-aħħar tliet snin finanzjarji tal-ispejjeż tal-istituzzjoni mħallsa biex tirċievi pariri u servizzi, inkluż it-tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsin mill-istituzzjoni għall-provvista ta' servizzi finanzjarji, iżda eskluż t-tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsin għall-provvista ta' servizzi mhux finanzjarji.

▼M17

Soġġett għall-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, u sal-punt li l-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali jkollha għad-dispożizzjoni tagħha sistemi xierqa u stabbiliti b'mod uniformi għall-monitoraġġ u l-klassifikazzjoni ta' riskji operazzjonali, l-istituzzjonijiet li huma membri ta' skema ta' protezzjoni istituzzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7) jistgħu jikkalkulaw il-komponent tas-servizzi nett minn kwalunkwe introjtu riċevut minn jew spejjeż imħallsa lill-istituzzjonijiet, li huma membri tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali. Kwalunkwe telf li jirriżulta mir-riskji operazzjonali relatati huwa soġġett għal mutwalizzazzjoni fost il-membri tal-iskema ta' protezzjoni istituzzjonali.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-komponent finanzjarju għandu jiġi kkalkuolat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$FC = TC + BC$$

fejn:

FC = il-komponent finanzjarju;

TC = il-komponent tal-portafoll tan-negozjar, li huwa l-medja annwali tal-valuri assoluti matul l-aħħar tliet snin finanzjarji tal-profitt jew telf nett, kif applikabbli, fuq il-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni, iddeterminat bħala xieraq jew f'konformità mal-istandards kontablilistiċi jew f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu I, il-Kapitolu 3, inkluż mill-assi tan-negozjar u fuq l-obbligazzjonijiet tan-negozjar, mill-kontabilità għall-iħħeġġjar, u mid-differenzi tal-kambju;

BC = il-komponent tal-portafoll bankarju, li huwa l-medja annwali tal-valuri assoluti matul l-aħħar tliet snin finanzjarji tal-profitt jew telf nett, kif applikabbli, fuq il-portafoll mhux tan-negozjar tal-istituzzjoni, inkluż minn assi u obbligazzjonijiet finanzjarji mkejlin fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' profitt u telf, mill-kontabilità għall-iħħeġġjar, minn differenzi tal-kambju, u minn qligħ u t-telf realizzat fuq l-assi u fuq l-obbligazzjonijiet finanzjarji mhux imkejlin fuq il-bażi tal-valur ġust permezz ta' profitt u telf.

7. L-istituzzjonijiet ma għandhom jużaw l-ebda wieħed mill-elementi li ġejjin fil-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tagħhom:

(a) introjtu u spejjeż minn negozju tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni;

(b) primjums imħallsin u pagamenti riċevuti minn poloz tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mixtrija;

(c) l-ispejjeż amministrattivi, inklużi l-ispejjeż tal-persunal, it-tariffi tal-esternalizzazzjoni mħallsin għall-provvista ta' servizzi mhux finanzjarji, u spejjeż amministrattivi oħrajn;

(d) l-irkupru tal-ispejjeż amministrattivi inkluż l-irkupru tal-pagamenti f'isem il-klijenti;

(e) l-ispejjeż tal-bini u tal-assi fissi, ħlief meta dawk l-ispejjeż jirriżultaw minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali;

(f) id-deprezzament tal-assi tanġibbli u tal-amortizzament tal-assi intanġibbli, ħlief id-deprezzament relatat mal-assi tal-kiri operattiv, li għandu jiġi inkluż fl-ispejjeż tal-kiri finanzjarju u operattiv;

▼M17

(g) provvedimenti u treġġigħ lura ta' provvedimenti, ħlief meta dawk id-dispożizzjonijiet ikunu relatati ma' avvenimenti ta' riskju operazzjonali;

(h) spejjeż dovuti għal kapital azzjonarju ripagabbli fuq talba;

(i) indeboliment u treġġigħ lura tal-indeboliment;

(j) bidliet fl-avvjament negattiv rikonoxxut fil-profitt jew telf;

(k) taxxa korporattiva.

8. Meta istituzzjoni tkun ilha topera għal inqas minn tliet snin, hija għandha tuża stimi tan-negozju li jħarsu 'l quddiem fil-kalkolu tal-komponenti rilevanti tal-indikatur tan-negozju tagħha, soġġett għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tagħha. L-istituzzjoni għandha tibda tuża *data* storika hekk kif dik id-*data* tkun disponibbli.

9. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-komponenti tal-indikatur tan-negozju, u l-użu tagħhom, billi jiġu żviluppati listi ta' subelementi tipiċi, filwaqt li jitqiesu l-istandards regolatorji internazzjonali u, fejn xieraq, il-limitu prudenzjali definit fil-Parti Tlieta, it-Titolu I, il-Kapitolu 3;

(b) l-elementi elenkati fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

10. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tispeċifika l-elementi tal-indikatur tan-negozju billi tikklassifika dawk l-elementi maċ-ċelloli ta' rapportar korrispondenti stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 ([1]), fejn xieraq.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 315

***Aġġustamenti għall-indikatur* tan-negozju**

1. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu elementi tal-indikatur tan-negozju ta' entitajiet jew attivitajiet fużi jew akkwiżiti fil-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tagħhom miż-żmien tal-fużjoni jew tal-akkwiżizzjoni, kif ikun applikabbli, u għandhom ikopru l-aħħar tliet snin finanzjarji.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1).

▼M17

2. L-istituzzjonijiet jistgħu jitolbu permess mill-awtorità kompetenti sabiex jeskludu mill-indikatur tan-negozju ammonti relatati ma' entitajiet jew ma' attivitajiet disposti.

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) kif l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-aġġustamenti għall-indikatur tan-negozju msemmi fil-paragrafi 1 u 2;

(b) il-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-permess imsemmi fil-paragrafu 2;

(c) it-twaqqit għall-aġġustamenti msemmija fil-paragrafu 2.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Jannar 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

KAPITOLU 2

Ġbir u governanza tad-data

Artikolu 316

Kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operazzjonali

1. L-istituzzjonijiet b'indikatur tan-negozju ugwali għal jew ogħla minn EUR 750 miljun għandhom jikkalkulaw it-telf annwali mir-riskju operazzjonali tagħhom bħala s-somma tat-telf nett kollu fuq sena finanzjarja partikolari, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 318(1), li huwa daqs jew jaqbeż il-limiti tad-*data* dwar it-telf stabbiliti fl-Artikolu 319(1) jew (2).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu eżenzjoni mir-rekwiżit li jiġi kkalkulat telf annwali mir-riskju operazzjonali lill-istituzzjonijiet b'indikatur tan-negozju li ma jaqbiżx il-EUR 1 biljun, dment li l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li jkun ta' piż bla bżonn għall-istituzzjoni li tapplika l-ewwel subparagrafu.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-indikatur tan-negozju rilevanti għandu jkun l-ogħla valur tal-indikatur tan-negozju li l-istituzzjoni tkun irrapportat fl-aħħar tmien dati ta' referenza tar-rapportar. Istituzzjoni li tkun għadha ma rrapportatx l-indikatur tan-negozju tagħha għandha tuża l-aktar indikatur tan-negozju reċenti tagħha.

▼M17

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjoni ta' piż bla bżonn għall-finijiet tal-paragrafu 1.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 317

Sett ta'* data *dwar it-telf

1. L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw telf annwali mir-riskju operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 316(1) għandu jkollhom fis-seħħ arranġamenti, proċessi u mekkaniżmi biex jistabbilixxu u jżommu aġġornat fuq bażi kontinwa sett ta' *data* dwar it-telf li jiġbor għal kull avveniment ta' riskju operazzjonali rreġistrat l-ammonti ta' telf gross, l-irkupri mhux tal-assigurazzjoni, l-irkupri tal-assigurazzjoni, id-dati ta' referenza u t-telf raggruppat, inkluż dawk minn avvenimenti ta' kondotta ħażina.

2. Is-sett ta' *data* dwar it-telf tal-istituzzjoni għandu jkopri l-avvenimenti kollha ta' riskju operazzjonali li jirriżultaw mill-entitajiet kollha li huma parti mill-ambitu tal-konsolidazzjoni skont il-Parti Wieħed, it-Titolu II, il-Kapitolu 2.

3. Għall-fini tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom:

(a) jinkludu fis-sett tad-*data* dwar it-telf kull avveniment ta' riskju operazzjonali rreġistrat matul sena finanzjarja waħda jew aktar;

(b) jużaw id-data tal-kontabilità għall-inklużjoni ta' telf relatat ma' avvenimenti ta' riskju operazzjonali fis-sett ta' *data* dwar it-telf;

(c) jallokaw it-telf u l-irkupri relatati ma' avveniment ta' riskju operazzjonali komuni jew ma' avvenimenti ta' riskju operazzjonali relatati maż-żmien u inklużi fil-kontijiet tul diversi snin, għas-snin finanzjarji korrispondenti tas-sett ta' *data* dwar it-telf, f'konformità mat-trattament kontabilistiku tagħhom.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiġbru wkoll:

(a) informazzjoni dwar id-dati ta' referenza tal-avvenimenti ta' riskju operazzjonali, inkluż:

(i) id-data meta seħħ jew beda l-avveniment ta' riskju operazzjonali ("data tal-okkorrenza"), fejn disponibbli;

(ii) id-data li fiha l-istituzzjoni saret taf bl-avveniment ta' riskju operazzjonali ("data ta' skoperta");

(iii) id-data jew id-dati li fihom avveniment ta' riskju operazzjonali jirriżulta f'telf, jew ir-riżerva jew il-provvediment kontra telf, rikonoxxut fir-rapport tal-introjtu tal-istituzzjoni ("data tal-kontabilità");

(b) informazzjoni dwar kwalunkwe rkupru ta' ammonti ta' telf gross kif ukoll informazzjoni deskrittiva dwar il-fatturi jew il-kawżi tal-avvenimenti ta' telf.

▼M17

Il-livell ta' dettall ta' kwalunkwe informazzjoni deskrittiva għandu jkun proporzjonat mad-daqs tal-ammont ta' telf gross.

5. Istituzzjoni ma għandhiex tinkludi fis-sett ta' *data* dwar it-telf avvenimenti ta' riskju operazzjonali relatati mar-riskju ta' kreditu li jitqiesu fl-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju għar-riskju ta' kreditu. L-avvenimenti tar-riskju operazzjonali li jirrigwardjaw ir-riskju ta' kreditu iżda li ma jiġux ikkunsidrati fl-ammont tal-iskopertura ponderata għar-riskju għar-riskju ta' kreditu għandhom jiġu inklużi fis-sett ta' *data* dwar it-telf.

6. L-avvenimenti ta' riskju operazzjonali relatati mar-riskju tas-suq għandhom jiġu ttrattati bħala riskju operazzjonali u għandhom jiġu inklużi fis-sett ta' *data* dwar it-telf.

7. Istituzzjoni għandha, fuq talba tal-awtorità kompetenti, tkun tista' tidentifika d-*data* storika interna tagħha dwar it-telf għat-tip ta' avveniment.

8. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw is-soliditá, ir-robustezza u l-prestazzjoni tas-sistemi u l-infrastruttura tal-IT tagħhom neċessarji biex jinżamm u jiġi aġġornat is-sett ta' *data* dwar it-telf, b'mod partikolari billi jiġi żgurat dan kollu li ġej:

(a) is-sistemi u l-infrastruttura tal-IT tagħhom ikunu solidi u reżiljenti u li s-soliditá u r-reżiljenza jkunu jistgħu jiġu mantnuti fuq bażi kontinwa;

(b) is-sistemi u l-infrastruttura tal-IT tagħhom huma soġġetti għall-ġestjoni tal-konfigurazzjoni, il-ġestjoni tat-tibdil u l-proċessi tal-ġestjoni tar-rilaxx;

(c) meta istituzzjoni testernalizza partijiet mill-manutenzjoni tas-sistema u l-infrastruttura tal-IT tagħha, is-soliditá, ir-robustezza u l-prestazzjoni tas-sistema u tal-infrastruttura tal-IT ikunu żgurati billi jiġi kkonfermat tal-anqas dan li ġej:

(i) is-sistemi u l-infrastruttura tal-IT tagħha jkunu solidi u reżiljenti u li s-soliditá u r-reżiljenza jkunu jistgħu jiġu mantnuti fuq bażi kontinwa;

(ii) il-proċess għall-ippjanar, għall-ħolqien, għall-ittestjar u għall-varar tas-sistemi u tal-infrastruttura tal-IT jkunu solidi u xierqa b'referenza għall-immaniġġjar tal-proġett, għall-immaniġġjar tar-riskju, għall-governanza, għall-inġinerija, għall-assigurazzjoni tal-kwalitá u għall-ippjanar tat-testijiet, għall-immudellar u għall-iżvilupp tas-sistemi, għall-assigurazzjoni tal-kwalitá fl-attivitajiet kollha, inkluż ir-rieżamijiet tal-kodiċi u, fejn xieraq, fil-verifika tal-kodiċi, u fl-ittestjar, inkluż fl-aċċettazzjoni tal-utenti;

(iii) is-sistemi u l-infrastruttura tal-IT huma soġġetti għall-ġestjoni tal-konfigurazzjoni, il-ġestjoni tat-tibdil u l-proċessi tal-ġestjoni tar-rilaxx;

(iv) il-proċess għall-ippjanar, il-ħolqien, għall-ittestjar u għall-varar tas-sistemi u tal-infrastruttura tal-IT u l-pjanijiet ta' kontinġenza huwa approvat mill-korp maniġerjali jew mill-maniġment superjuri u l-korp maniġerjali u l-maniġment superjuri jiġu infurmati perjodikament dwar il-prestazzjoni tas-sistemi u l-infrastruttura tal-IT.

▼M17

9. Għall-finijiet tal-paragrafu 7, l-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jistabbilixxu tassonomija tar-riskju fuq ir-riskju operazzjonali li jikkonformaw ma' standards internazzjonali u metodoloġija biex tikklassifika l-avvenimenti ta' telf inklużi fis-sett ta' *data* dwar it-telf fuq il-bażi ta' dik it-tassonomija tar-riskju fuq ir-riskju operazzjonali.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

10. Għall-finijiet tal-paragrafu 8, l-EBA għandha tiżviluppa linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li jispjegaw l-elementi tekniċi neċessarji sabiex tiżgura s-soliditá, ir-robustezza u l-prestazzjoni tal-arranġamenti ta' governanza biex jinżamm is-sett ta' *data* dwar it-telf, b'enfasi partikolari fuq is-sistemi u l-infrastrutturi tal-IT.

Artikolu 318

Kalkolu tat-telf nett u tat-telf gross

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 316(1), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw għal kull avveniment ta' riskju operazzjonali telf nett kif ġej:

$$telf\ nett = telf\ gross - irkupru$$

fejn:

telf gross = telf marbut ma' avveniment ta' riskju operazzjonali qabel l-irkupri ta' kwalunkwe tip;

irkupru = avveniment indipendenti wieħed jew aktar, relatat mal-avveniment tar-riskju operazzjonali oriġinali, separat fiż-żmien, li fih jiġu riċevuti fondi jew influssi ta' benefiċċji ekonomiċi minn parti terza.

L-istituzzjonijiet għandhom iżommu fuq bażi kontinwa kalkolu aġġornat tat-telf nett għal kull avveniment speċifiku ta' riskju operazzjonali. Għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jaġġornaw il-kalkolu tat-telf nett fuq il-bażi tal-varjazzjonijiet osservati jew stmati tat-telf gross u l-irkupru għal kull waħda mill-aħħar 10 snin finanzjarji. Meta t-telf, marbut mal-istess avveniment ta' riskju operazzjonali, jiġi osservat matul snin finanzjarji multipli f'dak il-perjodu ta' żmien ta' 10 snin, l-istituzzjoni għandha tikkalkula u żżomm aġġornat:

(a) it-telf nett, it-telf gross u l-irkupru għal kull waħda mis-snin finanzjarji tal-perjodu ta' żmien ta' 10 snin fejn dawk it-telf nett, it-telf gross u l-irkupru ġew irreġistrati;

(b) it-telf nett aggregat, it-telf gross aggregat u l-irkupru aggregat tas-snin finanzjarji rilevanti kollha tal-perjodu ta' żmien ta' 10 snin.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-elementi li ġejjin għandhom jiġu inklużi fil-komputazzjoni tat-telf gross:

▼M17

(a) imposti diretti, bħal indebolimenti, saldi, ammonti mħallsa biex jagħmlu tajjeb għad-danni, penali u imgħax f'arretrati u tariffi legali għar-rapporti tal-introjtu tal-istituzzjoni u tniżżil fil-valur minħabba l-avveniment ta' riskju operazzjonali, inkluż:

(i) meta l-avveniment ta' riskju operazzjonali jkun relatat mar-riskju tas-suq, l-ispejjeż għat-treġġigħ lura ta' stralċ tal-pożizzjonijiet tas-suq fl-ammont ta' telf irreġistrat tal-elementi tar-riskju operazzjonali;

(ii) meta l-pagamenti jkunu relatati ma' nuqqasijiet jew ma' proċessi inadegwati tal-istituzzjoni, penali, imposti tal-imgħax, imposti fuq ħlas tard, tariffi legali u, bl-esklużjoni tal-ammont tat-taxxa oriġinarjament dovut, it-taxxa, ħlief jekk dak l-ammont ikun diġà inkluż taħt il-punt (e);

(b) l-ispejjeż imġarrba bħala konsegwenza tal-avveniment tar-riskju operazzjonali, inkluż l-ispejjeż esterni b'rabta diretta mal-avveniment ta' riskju operazzjonali u l-ispejjeż tat-tiswija jew tas-sostituzzjoni, imġarrba biex tiġi rrestawrata l-pożizzjoni li kienet prevalenti qabel ma seħħ l-avveniment ta' riskju operazzjonali;

(c) provvedimenti jew riżervi mniżżla fir-rapporti tal-introjtu kontra l-impatt potenzjali tat-telf operattiv, inkluż dawk minn avvenimenti ta' mġiba ħażina;

(d) telf li jirriżulta minn avvenimenti ta' riskju operazzjonali b'impatt finanzjarju definittiv li huma temporanjament iddepożitati f'kontijiet tranżitorji jew sospiżi u li jkunu għadhom ma humiex riflessi fir-rapporti tal-introjtu ("telf pendenti");

(e) impatti ekonomiċi negattivi ddepożitati f'sena finanzjarja u li huma dovuti għal avvenimenti ta' riskju operazzjonali li jħallu impatt fuq il-flussi ta' flus jew fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tas-snin finanzjarji preċedenti ("telf tat-twaqqit").

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), it-telf pendenti materjali għandu jiġi inkluż fis-sett ta' *data* dwar it-telf f'perjodu ta' żmien proporzjonat mad-daqs u mal-età tal-element pendenti.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (e), l-istituzzjoni għandha tinkludi fis-sett ta' *data* dwar it-telf, it-telf tat-twaqqit materjali meta dak it-telf ikun dovut għal avvenimenti ta' riskju operazzjonali li jkopru aktar minn sena finanzjarja waħda. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fl-ammont ta' telf irreġistrat tal-element tar-riskju operazzjonali ta' telf ta' sena finanzjarja li huwa dovut għall-korrezzjoni ta' żbalji tat-tidħil fil-kotba li jkunu seħħew fi kwalunkwe sena finanzjarja preċedenti, anki meta dak it-telf ma jkunx jaffettwa lil terzi persuni direttament. Meta jkun hemm telf materjali ta' twaqqit u l-avveniment ta' riskju operazzjonali jkun jaffettwa lil terzi persuni direttament, inkluż lil klijenti, lil fornituri u lil impjegati tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni għandha tinkludi wkoll id-dikjarazzjoni mill-ġdid uffiċjali ta' rapporti finanzjarji maħruġa qabel.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-elementi li ġejjin għandhom jiġu eskluži mill-komputazzjoni tat-telf gross:

(a) l-ispejjeż ta' kuntratti tal-manutenzjoni ġenerali fuq proprjetà, fuq impjant jew fuq tagħmir;

▼M17

(b) in-nefqa interna jew esterna biex jissaħħaħ in-negozju wara telf mir-riskju operazzjonali, inkluż aġġornamenti, titjib, inizjattivi tal-valutazzjoni tar-riskju u tisħiħ;

(c) primjums tal-assigurazzjoni.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-irkupri għandhom jintużaw biex jitnaqqas it-telf gross biss meta l-istituzzjoni tkun irċiviet pagament. Ir-riċevibbli ma għandhomx jitqiesu bħala rkupri.

Fuq talba mill-awtorità kompetenti, l-istituzzjoni għandha tipprovdi d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex jiġu verifikati l-pagamenti riċevuti u meqjusin fil-kalkolu tat-telf nett ta' avveniment ta' riskju operazzjonali.

Artikolu 319

Limiti ta'* data *dwar it-telf

1. Sabiex jikkalkulaw it-telf annwali mir-riskju operazzjonali msemmi fl-Artikolu 316(1), l-istituzzjonijiet għandhom iqisu mis-sett ta' *data* dwar it-telf avvenimenti ta' riskju operazzjonali b'telf nett, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 318, li huma daqs jew jaqbżu l-EUR 20 000.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u għall-finijiet tal-Artikolu 446, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ukoll it-telf annwali mir-riskju operazzjonali msemmi fl-Artikolu 316(1), filwaqt li jqisu l-avvenimenti ta' riskju operazzjonalitas-sett ta' *data* dwar it-telf b'telf nett, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 318, li jkunu daqs jew jaqbżu l-EUR 100 000.

3. Fil-każ ta' avveniment ta' riskju operazzjonali li jwassal għal telf matul aktar minn sena finanzjarja waħda, kif imsemmi fl-Artikolu 318 (1), it-tieni subparagrafu, it-telf nett li għandu jitqies għal-limiti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandu jkun it-telf nett aggregat.

Artikolu 320

Esklużjoni tat-telf

1. Istituzzjoni tista' titlob permess mill-awtorità kompetenti biex teskludi mill-kalkolu tat-telf annwali mir-riskju operazzjonali tagħha avvenimenti eċċezzjonali ta' riskju operazzjonali li ma jkunux għadhom rilevanti għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni, meta jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-kawża tal-avveniment ta' riskju operazzjonali fl-oriġini ta' dak it-telf mir-riskju operazzjonali mhux ser jerġa' jseħħ;

(b) it-telf nett aggregat tal-avveniment ta' riskju operazzjonali korrispondenti huwa wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) daqs jew jaqbżu l-10 % tat-telf medju annwali mir-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni, ikkalkulat fuq l-aħħar 10 snin finanzjarji u bbażat fuq il-limitu msemmi fl-Artikolu 319(1), meta l-avveniment ta' telf mir-riskju operazzjonali jirreferi għal attivitajiet li għadhom parti mill-indikatur tan-negozju;

▼M17

(ii) relatat ma' avveniment ta' riskju operazzjonali li jirreferi għal attivitajiet divestiti mill-indikatur tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 315(2);

(c) it-telf mir-riskju operazzjonali kien fil-bażi ta' *data* dwar it-telf għal perjodu minimu ta' sena, sakemm it-telf mir-riskju operazzjonali ma jkunx relatat ma' attivitajiet divestiti mill-indikatur tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 315(2).

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan il-paragrafu il-perjodu minimu ta' sena għandu jibda mid-data li fiha l-avveniment ta' riskju operazzjonali, inkluż fis-sett ta' *data* dwar it-telf, l-ewwel sar akbar mil-limitu ta' materjalità previst fl-Artikolu 319(1).

2. Istituzzjoni li titlob il-permess imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi lill-awtorità kompetenti b'ġustifikazzjonijiet iddokumentati għall-esklużjoni ta' avveniment ta' riskju operazzjonali eċċezzjonali, inkluż:

(a) deskrizzjoni tal-avveniment ta' riskju operazzjonali;

(b) prova li t-telf mill-avveniment ta' riskju operazzjonali jkun ogħla mil-limitu ta' materjalità għall-esklużjoni tat-telf imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b)(i), inkluż id-data li fiha dak l-avveniment ta' riskju operazzjonali jsir akbar mil-limitu ta' materjalità;

(c) id-data li fiha l-avveniment ta' riskju operazzjonali kkonċernat jiġi eskluż, meta jitqies il-perjodu minimu ta' żamma stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (c);

(d) ir-raġuni għaliex l-avveniment ta' riskju operazzjonali ma għadux meqjus rilevanti għall-profil tar-riskju tal-istituzzjoni;

(e) dimostrazzjoni li ma hemm l-ebda skopertura legali simili jew residwu u li l-avveniment ta' riskju operazzjonali li għandu jiġi eskluż ma għandu l-ebda rilevanza għal attivitajiet jew għal prodotti oħra;

(f) rapporti tar-rieżami jew tal-validazzjoni indipendenti tal-istituzzjoni, li jikkonfermaw li l-avveniment ta' riskju operazzjonali ma għadux rilevanti u li ma hemm l-ebda skopertura legali simili jew residwu;

(g) prova li l-korpi kompetenti tal-istituzzjoni, permezz tal-proċessi ta' approvazzjoni tal-istituzzjoni, ikunu approvaw it-talba għall-esklużjoni tal-avveniment ta' riskju operazzjonali u d-data ta' tali approvazzjoni;

(h) l-impatt tal-esklużjoni tal-avveniment ta' riskju operazzjonali fuq it-telf annwali tar-riskju operazzjonali.

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet li l-awtorità kompetenti għandha tivvaluta skont il-paragrafu 1, inkluż kif it-telf medju annwali mir-riskju operazzjonali għandu jiġi kkalkulat u kif l-ispeċifikazzjonijiet dwar l-informazzjoni li għandha tinġabar skont il-paragrafu 2 jew kwalunkwe informazzjoni oħra meqjusa neċessarja biex titwettaq il-valutazzjoni.

▼M17

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2027.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 321

Inklużjoni ta' telf minn entitajiet jew minn attivitajiet fużi jew akkwiżiti

1. It-telf li jirriżulta minn entitajiet jew minn attivitajiet fużi jew akkwiżiti għandu jiġi inkluż fis-sett ta' *data* dwar it-telf malli l-elementi tal-indikatur tan-negozju relatati ma' dawk l-entitajiet jew l-attivitajiet jiġu inklużi fil-kalkolu tal-indikatur tan-negozju tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 315(1). Għal dak l-għan, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu t-telf osservat matul perjodu ta' 10 snin qabel l-akkwiżizzjoni jew il-fużjoni.

2. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw l-aġġustamenti għas-sett ta' *data* dwar it-telf tagħhom wara l-inklużjoni tat-telf minn entitajiet jew minn attivitajiet fużi jew akkwiżiti kif imsemmi fil-paragrafu 1.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2027.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 322

Komprensività, akkuratezza u kwalità tad*-data *dwar it-telf

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ l-organizzazzjoni u l-proċessi sabiex jiżguraw il-komprensività, l-akkuratezza u l-kwalità tad-*data* dwar it-telf u biex dik id-*data* tiġi soġġetta għal rieżami indipendenti.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrieżaminaw perjodikament, u tal-anqas kull ħames snin, il-kwalità tad-*data* dwar it-telf ta' istituzzjoni li tikkalkula t-telf annwali mir-riskju operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 316(1). L-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu tali rieżami tal-anqas kull tliet snin għal istituzzjoni b'indikatur tan-negozju li jaqbeż il-EUR 1 biljun.

Artikolu 323

Qafas għall-ġestjoni tar-riskju operazzjonali

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ:

(a) sistema ta' valutazzjoni u ta' ġestjoni ddokumentata sew għar-riskju operazzjonali li tkun integrata mill-qrib fil-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju ta' kuljum, tifforma parti integrali mill-proċess ta' monitoraġġ u ta' kontroll tal-profil tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni, u li għaliha ġew assenjati responsabbiltajiet ċari;

▼**M17**

is-sistema ta' valutazzjoni u ta' ġestjoni għar-riskju operazzjonali għandha tidentifika l-iskoperturi tal-istituzzjoni għar-riskju operazzjonali u ssegwi d-*data* rilevanti dwar ir-riskju operazzjonali, inkluż id-*data* dwar it-telf materjali;

(b) funzjoni ta' ġestjoni tar-riskji operazzjonali li tkun indipendenti mill-unitajiet tan-negozju u operazzjonali tal-istituzzjoni;

(c) sistema ta' rapportar lill-maniġment superjuri li tipprovdi rapporti dwar ir-riskju operazzjonali lill-funzjonijiet rilevanti fl-istituzzjoni;

(d) sistema ta' monitoraġġ u ta' rapportar regolari tal-iskoperturi għar-riskju operazzjonali u tal-esperjenza tat-telf, u proċeduri għat-teħid ta' azzjonijiet korrettivi xierqa;

(e) rutini għall-iżgurar tal-konformità, u politiki għat-trattament tan-nuqqas ta' konformità;

(f) rieżamijiet regolari tal-proċessi u tas-sistemi ta' valutazzjoni tar-riskju operazzjonali u ta' ġestjoni tal-istituzzjoni, imwettqin minn awdituri interni jew esterni li jkollhom l-għarfien neċessarju;

(g) proċessi ta' validazzjoni interna li joperaw b'mod tajjeb u effettiv;

(h) flussi u proċessi tad-*data* trasparenti u aċċessibbli assoċjati mas-sistema ta' valutazzjoni tar-riskju operazzjonali tal-istituzzjoni.

2. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-obbligi skont il-paragrafu 1, il-punti minn (a) sa (h), filwaqt li tqis id-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Jannar 2027.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

TITOLU IV

REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU TAS-SUQ

▼M8

KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 325

Approċċi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq

▼M17

1. Istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq ta' kull pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar u kull pożizzjoni fil-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet f'konformità mal-approċċi li ġejjin:

(a) l-approċċ standardizzat alternattiv stabbilit fil-Kapitolu 1a;

(b) l-approċċ tal-mudell intern alternattiv stabbilit fil-Kapitolu 1b għal dawk il-pożizzjonijiet assenjati lill-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tkun ingħatat permess mill-awtorità kompetenti tagħha biex tuża dak l-approċċ alternattiv kif stabbilit fl-Artikolu 325az(1);

(c) l-approċċ standardizzat simplifikat imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dment li l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 325a(1).

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, istituzzjoni ma għandhiex tikkalkula rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju għal pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u għal pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju meta dawk il-pożizzjonijiet jitnaqqsu mill-fondi proprji tal-istituzzjoni. L-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-użu tagħha tad-deroga stabbilita f'dan is-subparagrafu, inkluż l-impatt u l-materjalità tagħha, u tqiegħed l-informazzjoni disponibbli, fuq talba, għall-awtorità kompetenti tagħha.

2. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ikkalkuolati f'konformità mal-approċċ standardizzat simplifikat għandhom ikunu s-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji li ġejjin, kif ikun applikabbli:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju fil-pożizzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu 2, immoltiplikati bi:

(i) 1,3, għar-riskji ġenerali u speċifiċi tal-pożizzjonijiet fl-istrumenti ta' dejn, eskluži l-istrumenti ta' titolizzazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 337;

(ii) 3,5, għar-riskji ġenerali u speċifiċi ta' pożizzjonijiet fi strumenti azzjonarji;

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju msemmi fil-Kapitolu 3, immoltiplikati b'1,2;

▼M17

(c) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-komoditajiet imsemmija fil-Kapitolu 4, immoltiplikati b'1,9;

(d) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-istrumenti ta' titolizzazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 337.

3. Istituzzjoni li tuża l-approċċ tal-mudell intern alternattiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti tagħha l-kalkolu ta' kull xahar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu għal kull post tan-negozjar li lilu jkunu ġew assenjati dawk il-pożizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 104b.

4. Istituzzjoni tista' tuża kombinazzjoni tal-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu u l-approċċ tal-mudell intern alternattiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu fuq bażi permanenti, dment li r-rekwiżiti ta' fondi proprji totali għar-riskju tas-suq ikkalkulati bl-użu tal-approċċ tal-mudell intern alternattiv jirrappreżentaw mill-inqas 10 % tar-rekwiżiti ta' fondi proprji totali għar-riskju tas-suq. Fuq bażi individwali, istituzzjoni ma għandha tuża l-ebda wieħed minn dawk l-approċċi kkombinat mal-approċċ standardizzat simplifikat imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), ta' dan l-Artikolu. Fil-livell konsolidat, istituzzjoni tista' tuża kombinazzjoni ta' dawk it-tliet approċċi sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-Artikolu 325b(4), il-punt (b), dment li l-approċċ standardizzat simplifikat ma jintużax flimkien maż-żewġ approċċi l-oħra f'entità ġuridika waħda.

5. Istituzzjoni ma għandhiex tuża l-approċċ tal-mudell intern alternattiv imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b), għal strumenti fil-portafoll tan-negozjar tagħha li huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni jew pożizzjonijiet inklużi fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiv (ACTP) stabbilit fil-paragrafi 6, 7 u 8.

▼M8

6. Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u d-derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin għandhom jiġu inklużi fl-ACTP:

(a) il-pożizzjonijiet la jkunu pożizzjonijiet ta' rititolizzazzjoni, la opzjonijiet fuq segment ta' titolizzazzjoni, u lanqas xi derivati oħra ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni li ma jipprovdux sehem pro rata fir-rikavat ta' segment ta' titolizzazzjoni;

▼**M8**

(b) l-istrumenti sottostanti kollha tagħhom huma:

(i) strumenti b'isem wieħed, inklużi derivattivi ta' kreditu b'isem wieħed, li għalihom ikun jeżisti suq likwidu bidirezzjonali;

(ii) indiċijiet negozjati spiss ibbażati fuq l-istrumenti msemmija fil-punt (i).

Suq bidirezzjonali jitqies li jeżisti meta jkun hemm offerti bona fide indipendenti għax-xiri u l-bejgħ b'tali mod li prezz relatat li hu raġonevolment relatat mal-aħħar prezz ta' bejgħ jew offerta kompetittiva bona fide kurrenti u kwotazzjonijiet tal-offerti jkunu jistgħu jiġu determinati fi żmien ġurnata u saldati b'dak il-prezz fi żmien relattivament qasir b'konformità mal-prattika tan-negozjar.

7. Il-pożizzjonijiet bi kwalunkwe wieħed mill-istrumenti li ġejjin ma għandhomx jiġu inklużi fl-ACTP:

(a) l-istrumenti sottostanti li huma assenjati lill-klassijiet ta' skopertura msemmija fil-punt (h) jew (i) tal-Artikolu 112;

(b) pretensjoni fuq entità bi skop speċjali, ikkollateralizzata direttament jew indirettament, b'pożizzjoni, f'konformità mal-paragrafu 6, li hija nnifisha ma tkunx eliġibbli għal inklużjoni fl-ACTP.

8. Fil-pożizzjonijiet tal-ACTP, l-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu pożizzjonijiet li la huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u lanqas derivattivi ta' kreditu n-eżmu inadempjenti iżda li jiħħeġġjaw pożizzjonijiet oħra f'dak il-portafoll, sakemm jeżisti suq bidirezzjonali likwidu kif deskritt fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6 għall-istrument jew l-istrumenti sottostanti tiegħu.

▼**M17**

9. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika kif l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet f'konformità mal-approċċi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b) ta' dan l-Artikolu, b'kunsiderazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 104b(5) u (6), fejn applikabbli.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2025.

▼M17

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Artikolu 325a

▼M17

Kundizzjonijiet għall-użu tal-approċċ standardizzat simplifikat

▼M8

1. ►M17 Istituzzjoni tista' tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq billi tuża l-approċċ standardizzat simplifikat imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (c), dment li d-daqs tan-negozju li jidher fil-karta tal-bilanċ u li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni li huwa soġġett għar-riskju tas-suq ikun daqs jew anqas minn kull wieħed mil-limiti li ġejjin, fuq il-bażi ta' valutazzjoni mwettqa fuq bażi ta' kull xahar bl-użu ta' *data* mill-aħħar jum tax-xahar: ◄

(a) 10 % tat-total ta' assi tal-istituzzjoni;

(b) EUR 500 miljun.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw id-daqs tan-negozju tagħhom fil-karta tal-bilanċ u barra l-karta tal-bilanċ li huwa soġġett għar-riskji tas-suq bl-użu tad-data sal-aħħar ġurnata ta' kull xahar f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet kollha assenjati lill-portafoll tan-negozjar għandhom ikunu inklużi, minbarra d-derivattivi ta' kreditu li huma rikonoxxuti bħala ħħeġġjar intern kontra l-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu fil-portafoll mhux tan-negozjar u tat-tranżazzjonijiet ta' derivattivi ta' kreditu li jpaċu perfettament għar-riskju tas-suq tal-iħħeġġjar intern kif imsemmi fl-Artikolu 106(3);

▼M17

(b) il-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew għal riskju tal-komoditajiet għandhom jiġu inklużi, ħlief dawk il-pożizzjonijiet li huma esklużi mill-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju f'konformità mal-Artikolu 104c jew li jitnaqqsu mill-fondi proprji tal-istituzzjonijiet;

▼C8

(c) il-pożizzjonijiet kollha għandhom jiġu stmati bil-valuri tas-suq tagħhom f'dik id-data, ħlief il-pożizzjonijiet imsemmija fil-punt (b); meta l-valur tas-suq ta' pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar ma jkunx disponibbli f'data partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu valur ġust għall-pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar f'dik id-data; meta l-valur ġust u l-valur tas-suq ta' pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar ma jkunux disponibbli f'data partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu l-valur tas-suq jew il-valur ġust l-iktar reċenti għal dik il-pożizzjoni;

▼M8

(d) il-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għar-riskju tal-kambju għandhom jiġu kkunsidrati bħala pożizzjoni tal-kambju netta globali u stmati f'konformità mal-Artikolu 352;

(e) il-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għar-riskji tal-komoditajiet għandhom jiġu stmati skont l-Artikoli 357 u 358;

▼M17

(f) l-valur assolut tal-pożizzjoni twila aggregata għandu jingħadd mal-valur assolut tal-pożizzjoni qasira aggregata.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, it-tifsira ta' pożizzjonijiet twal u qosra hija l-istess bħat-tifsira stabbilita fl-Artikolu 94(3).

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-valur tal-pożizzjoni twila (qasira) aggregata għandu jkun daqs is-somma tal-valuri tal-pożizzjonijiet individwali twal (qosra) inklużi fil-kalkolu f'konformità mal-punti (a) u (b) ta' dak is-subparagrafu.

▼M8

3. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti meta jikkalkulaw, jew jieqfu jikkalkulaw, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq f'konformità ma' dan l-Artikolu.

4. Istituzzjoni li ma tissodisfax waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għandha tinnotifika mill-ewwel lill-awtorità kompetenti dwar dan.

5. ►M17 L-istituzzjonijiet għandhom jieqfu jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (c), fi żmien tliet xhur minn wieħed minn dawn il-każijiet li ġejjin: ◄

(a) l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kondizzjoni stipulata fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 1 għal tliet xhur konsekuttivi; jew

(b) l-istituzzjoni ma tissodisfax il-kondizzjoni stipulata fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 1 għal aktar minn 6 xhur mill-aħħar 12-il xahar.

▼M17

6. Istituzzjoni li tkun waqfet tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq billi tuża l-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (c), għandha tkun permessa biss li tibda tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq billi tuża dak l-approċċ meta turi lill-awtorità kompetenti li l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ikunu ġew issodisfati għal perjodu mingħajr interruzzjoni ta' sena.

▼M8

7. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jidħlu fi, jixtru jew ibigħu pożizzjoni biss bl-iskop li jikkonformaw ma' waħda mill-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 matul il-valutazzjoni ta' kull xahar.

▼M17

_____

▼M8

Artikolu 325b

Permess għal rekwiżiti konsolidati

1. Soġġett għall-paragrafu 2 u bl-unika skop li jiġu kkalkulati l-pożizzjonijiet netti u r-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità ma' dan it-Titolu fuq bażi konsolidata, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-pożizzjonijiet f'istituzzjoni jew impriża partikolari biex ipaċu l-pożizzjonijiet f'istituzzjoni jew impriża oħra.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-paragrafu 1 biss bil-permess tal-awtoritajiet kompetenti, li għandu jingħata jekk jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun hemm allokazzjoni sodisfaċenti ta' fondi proprji fi ħdan il-grupp;

(b) il-qafas regolatorju, legali jew kuntrattwali li fih joperaw l-istituzzjonijiet jiggarantixxi appoġġ finanzjarju reċiproku fi ħdan il-grupp.

3. Minbarra l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2, meta jkun hemm impriżi li jinsabu f'pajjiżi terzi għandhom jiġu ssodisfati wkoll il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) dawn l-impriżi jkunu ġew awtorizzati f'pajjiż terz u jew jissodisfaw id-definizzjoni ta' istituzzjoni ta' kreditu jew huma rikonoxxuti bħala impriżi ta' investiment ta' pajjiż terz;

(b) fuq bażi individwali, tali impriżi jkunu konformi ma' rekwiżiti ta' fondi proprji ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(c) ma jkun jeżisti l-ebda regolament fil-pajjiżi terzi inkwistjoni li jista' jaffettwa b'mod sinifikanti t-trasferiment ta' fondi fi ħdan il-grupp.

▼M17

4. Meta awtorità kompetenti ma tkunx tat lil istituzzjoni l-permess imsemmi fil-paragrafu 2 għal tal-anqas istituzzjoni jew impriża waħda tal-grupp, ir-rekwiżiti li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu tar-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju tas-suq fuq bażi konsolidata f'konformità ma' dan it-Titolu:

(a) l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-pożizzjonijiet netti u r-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità ma' dan it-Titolu għall-pożizzjonijiet kollha fl-istituzzjonijiet jew fl-impriżi tal-grupp li għalihom l-istituzzjoni tkun ingħatat il-permess imsemmi fil-paragrafu 2, billi tuża t-trattament stabbilit fil-paragrafu 1;

(b) l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-pożizzjonijiet netti u r-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità ma' dan it-Titolu individwalment għall-pożizzjonijiet kollha f'kull istituzzjoni jew impriża tal-grupp li għaliha l-istituzzjoni ma tkunx ingħatat il-permess imsemmi fil-paragrafu 2;

(c) l-istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji totali f'konformità ma' dan it-Titolu fuq bażi konsolidata billi żżid l-ammonti kkalkulati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), l-istituzzjonijiet u l-impriżi msemmija fihom għandhom jużaw l-istess munita ta' rapportar bħall-munita ta' rapportar użata sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità ma' dan it-Titolu fuq bażi konsolidata għall-grupp.

▼M8

KAPITOLU 1a

L-approċċ standardizzat alternattiv

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 325c

▼M17

Ambitu, struttura u rekwiżiti kwalitattivi tal-approċċ standardizzat alternattiv

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom fis-seħħ, u jagħmlu disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti, sett dokumentat ta' politiki, ta' proċeduri u ta' kontrolli interni għall-monitoraġġ u għall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu. Kwalunkwe bidla f'dawk il-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli għandha tiġi nnotifikata lill-awtoritajiet kompetenti fi żmien xieraq.

▼M8

2. Istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformita' mal-approċċ standardizzat alternattiv għal portafoll ta' pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar jew pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal-kambju barrani u riskju tal-komoditajiet bħala s-somma tat-tliet komponenti li ġejjin:

(a) ir-rekwiżit ta' fondi proprji skont il-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet stabbilit fit-Taqsima 2;

(b) ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza stabbilit fit-Taqsima 5 li huwa applikabbli biss għall-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar imsemmi f'dik it-Taqsima;

(c) ir-rekwiżit ta' fondi proprji għal riskji residwi stabbiliti fit-Taqsima 4 li huma applikabbli biss għall-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar imsemmija f'dik it-Taqsima.

▼M17

3. B'deroga mill-paragrafu 2, istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ standardizzat alternattiv għall-parteċipazzjonijiet tal-istituzzjoni tal-istrumenti tad-dejn proprji tagħha bħala s-somma taż-żewġ komponenti msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) u (c). Meta tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għall-istrumenti ta' dejn proprji skont il-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet imsemmi fil-paragrafu 2, il-punt (a), l-istituzzjoni għandha teskludi minn dak il-kalkolu r-riskji mill-firxa tal-kreditu proprja tal-istituzzjoni.

4. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom unità għall-kontroll tar-riskji li tkun indipendenti mill-unitajiet tan-negozjar kummerċjali u li tirrapporta direttament lill-maniġment superjuri. Dik l-unità għall-kontroll tar-riskji għandha tkun responsabbli għat-tfassil u għall-implimentazzjoni tal-approċċ standardizzat alternattiv. Għandha tipproduċi u tanalizza rapporti ta' kull xahar dwar l-output tal-approċċ standardizzat alternattiv, kif ukoll dwar l-adegwatezza tal-limiti tan-negozjar tal-istituzzjoni.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jirrieżaminaw b'mod indipendenti l-approċċ standardizzat alternattiv li jużaw għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, jew bħala parti mill-proċess ta' awditjar intern regolari tagħhom, jew billi jagħtu mandat lil impriża terza sabiex twettaq dak ir-rieżami. L-eżitu ta' tali rieżami għandu jiġi rrappurtat lill-korpi maniġerjali xierqa.

▼M17

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, “impriża ta' parti terza” tfisser impriża li tipprovdi servizzi ta' awditjar jew ta' konsulenza lil istituzzjonijiet u li għandha persunal li għandu biżżejjed ħiliet fil-qasam tar-riskju tas-suq.

6. Ir-rieżami tal-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fil-paragrafu 5 għandu jkopri l-attivitajiet kemm tal-unitajiet tan-negozjar kummerċjali kif ukoll tal-unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji u għandu jivvaluta tal-anqas dawn li ġej:

(a) il-politiki, il-proċeduri u l-kontrolli interni għall-monitoraġġ u għall-iżgurar tal-konformità mar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) l-adegwatezza tad-dokumentazzjoni tas-sistema u tal-proċessi tal-ġestjoni tar-riskju u tal-organizzazzjoni tal-unità għall-kontroll tar-riskji msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;

(c) l-akkuratezza tal-komputazzjonijiet tas-sensittività u tal-proċess użat sabiex jiġu dderivati dawk il-komputazzjonijiet mill-mudelli tal-ipprezzar tal-istituzzjoni li jservu bħala bażi għar-rapportar tal-profitt u telf lill-maniġment superjuri, kif imsemmi fl-Artikolu 325t;

(d) il-proċess ta' verifika li l-istituzzjoni tuża biex tevalwa l-konsistenza, il-puntwalità u l-affidabbiltà tas-sorsi tad-*data* użati fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu tal-approċċ standardizzat alternattiv, inkluż l-indipendenza ta' dawk is-sorsi tad-*data*.

Istituzzjoni għandha twettaq ir-rieżami msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-anqas darba fis-sena, jew fuq bażi anqas frekwenti sa kull sentejn meta l-istituzzjoni tista' turi għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li d-daqs, l-importanza sistematika, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tan-negozju tal-portafoll tan-negozjar tagħha jiġġustifikaw rieżami aktar frekwenti.

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-kalkolu msemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, inkluż l-implimentazzjoni minn istituzzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu u fl-Artikolu 325a, jitwettaq b'integrità.

8. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-metodoloġija ta' valutazzjoni li skontha l-awtoritajiet kompetenti għandhom iwettqu l-verifika msemmija fil-paragrafu 7;

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2028.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Taqsima 2

Metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet għall-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji

Artikolu 325d

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "klassi ta' riskju" tfisser waħda mis-seba' kategoriji li ġejjin:

(i) riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;

(ii) riskju ta' firxiet ta' kreditu (CSR, credit spread risk) għal nontitolizzazzjoni;

(iii) riskju ta' firxiet ta' kreditu għal titolizzazzjoni mhux inkluża fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiva (non-ACTP CSR);

(iv) riskju ta' firxiet ta' kreditu għal titolizzazzjoni inkluża fil-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni alternattiva (ACTP CSR);

(v) riskju ta' ekwità;

(vi) riskju ta' komodità;

(vii) riskju tal-kambju.

(2) "sensittività" tfisser il-bidla relattiva fil-valur ta' pożizzjoni, bħala riżultat ta' bidla fil-valur ta' wieħed mill-fatturi ta' riskju rilevanti tal-pożizzjoni, ikkalkulata bil-mudell ta' pprezzar tal-istituzzjoni f'konformità mas-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 3.

(3) "bucket" tfisser subkategorija ta' pożizzjonijiet fi ħdan klassi ta' riskju waħda bi profil ta' riskju simili għal liema huwa assenjat piż tar-riskju kif definit fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 3.

Artikolu 325e

Komponenti tal-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq skont il-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet bl-aggregazzjoni tat-tliet tipi li ġejjin ta' rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 325h:

(a) rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju delta li jaqbdu r-riskju ta' bidliet fil-valur ta' strument minħabba l-movimenti fil-fatturi ta' riskju relatati man-non-volatilità tiegħu;

(b) rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju vega li jaqbdu r-riskju ta' bidliet fil-valur ta' strument minħabba l-movimenti fil-fatturi ta' riskju relatati mal-volatilità tiegħu;

▼M8

(c) rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju kurvatura li jaqbdu r-riskju ta' bidliet fil-valur ta' strument minħabba l-movimenti fil-fatturi ta' riskju ewlenin mhux relatati mal-volatilità li mhumiex koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju delta.

2. Għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1,

▼M12

(a) il-pożizzjonijiet kollha tal-istrumenti b'opzjonalità għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-paragrafu 1 għar-riskji li mhumiex sottostanti eżotiċi tal-istrumenti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 325u(2);

(b) il-pożizzjonijiet kollha tal-istrumenti mingħajr opzjonalità għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għar-riskji li mhumiex sottostanti eżotiċi tal-istrumenti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 325u(2).

▼M8

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, strumenti b'opzjonalità jinkludu, fost l-oħrajn: opzjonijiet, opzjonijiet put, limiti massimi, limiti minimi, opzjonijiet swap, opzjonijiet ta' barriera u opzjonijiet eżotiċi. L-opzjonijiet integrati, bħal prepagamenti jew opzjonijiet attitudinali, għandhom jiġu kkunsidrati bħala opzjonijiet awtonomi għall-fini li jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji tas-suq.

Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, l-istrumenti li l-flussi ta' flus tagħhom jistgħu jiġu vvalutati bħala funzjoni lineari tal-ammont nozzjonali ta' sottostanti għandhom jiġu kkunsidrati bħala strumenti mingħajr dritt ta' għażla.

▼M12

3. Permezz ta' deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 2, istituzzjoni tista' tagħżel li tissoġġetta l-pożizzjonijiet kollha tal-istrumenti mingħajr opzjonalità għar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1.

Istituzzjoni li tagħżel li tadotta l-approċċ stabbilit fl-ewwel subparagrafu għandha tinnotifika b'dan lill-awtorità kompetenti tagħha minn tal-anqas tliet xhur qabel ma tadottah għall-ewwel darba. Wara li dawk it-tliet xhur ikunu għaddew u dment li l-awtorità kompetenti ma tkunx oġġezzjonat, l-istituzzjoni tista' tadotta dak l-approċċ sa meta l-awtorità kompetenti tinforma lill-istituzzjoni li dak l-approċċ ma jkunx għadu permess.

Istituzzjoni li tkun tixtieq tieqaf tuża l-approċċ stabbilit fl-ewwel subparagrafu għandha tinnotifika b'dan lill-awtorità kompetenti tagħha minn tal-anqas tliet xhur qabel ma tieqaf tużah. L-istituzzjoni tista' tieqaf tapplika dak l-approċċ, sakemm l-awtorità kompetenti ma tkunx oġġezzjonat f'dak il-perjodu ta' tliet xhur.

▼M8

Artikolu 325f

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskji delta u vega

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi ta' riskju delta u vega deskritti fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 3 biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskji delta u vega.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-proċess stabbilit fil-paragrafi 3 sa 8 biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskji delta u vega.

▼M8

3. Għal kull klassi ta' riskju, is-sensittività tal-istrumenti kollha li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskji delta jew vega għal kull wieħed mill-fatturi ta' riskju delta jew vega applikabbli inklużi f'dik il-klassi ta' riskju għandha tiġi kkalkulata permezz tal-formuli korrispondenti fis-Subtaqsima 2 tat-Taqsima 3. Jekk il-valur ta' strument jiddependi fuq diversi fatturi ta' riskju, is-sensittività għandha tiġi determinata b'mod separat għal kull fattur ta' riskju.

4. Għandhom jiġu assenjati sensittivitajiet lil wieħed mill-buckets "b" fi ħdan kull klassi ta' riskju.

5. Fi ħdan kull bucket "b", is-sensittivitajiet pożittivi u negattivi għall-istess fattur ta' riskju għandhom jiġu kkalkulati b'mod nett, u dan jagħti lok għal sensittivitajiet netti (s_k) għal kull fattur ta' riskju k fi ħdan bucket.

6. Is-sensittivitajiet netti għal kull fattur ta' riskju fi ħdan kull bucket għandhom jiġu mmultiplikati bil-piżijiet tar-riskju korrispondenti stipulati fit-Taqsima 6, u dan jagħti lok għal sensittivitajiet ppeżati għal kull fattur ta' riskju fi ħdan dak il-bucket f'konformità mal-formula li ġejja:

$$WS_k = RW_k \cdot s_k$$

fejn:

WS_k = is-sensittivitajiet ppeżati;

RW_k = il-piżijiet tar-riskju; u

s_k = il-fattur ta' riskju.

7. Is-sensittivitajiet ppeżati għall-fatturi ta' riskju differenti fi ħdan kull bucket għandhom jiġu aggregati f'konformità mal-formula ta' hawn taħt, fejn il-kwantità fi ħdan il-funzjoni ta' għerq kwadrat hija limitata għal żero, u dan jagħti lok għal sensittività speċifika għall-bucket. Għandhom jintużaw il-korrelazzjonijiet korrispondenti għal sensittivitajiet ppeżati fi ħdan l-istess bucket (ρ_{kl}), stipulati fit-Taqsima 6.

$$K_b = \sqrt{\sum_k WS_k^2 + \sum_k \sum_{k \neq l} \rho_{kl} WS_k WS_l}$$

fejn:

K_b = is-sensittività speċifika għall-bucket; u

WS = is-sensittivitajiet ppeżati.

8. Is-sensittività speċifika għall-bucket għandha tiġi kkalkulata għal kull bucket fi ħdan klassi ta' riskju f'konformità mal-paragrafi 5, 6 u 7. Ladarba s-sensittività speċifika għall-bucket tkun ġiet ikkalkulata għall-buckets kollha, is-sensittivitajiet ppeżati għal kull fattur ta' riskju fil-buckets għandhom jiġu aggregati f'konformità mal-formula ta' hawn taħt, permezz tal-korrelazzjonijiet korrispondenti γ_{bc} għal sensittivitajiet ppeżati f'buckets differenti stipulati fit-Taqsima 6, u dan jagħti lok għar-rekwiżit ta' fondi proprji għall-klassi ta' riskju speċifikament għar-riskju delta jew vega:

$$\text{Riskju – Ir-rekwiżit ta′ fondi proprji għall-klassi ta′ riskju speċifikament għar-riskju delta jew vega} := \sqrt{\sum_b K_b^2 + \sum_b \sum_{c \neq b} \gamma_{bc} S_b S_c}$$

▼**M8**

fejn

▼**C8**

S_b = Σ_k WS_k għall-fatturi ta' riskju kollha fil-bucket b u S_c = Σ_k WS_k fil-bucket c; fejn dawk il-valuri għal S_b u S_c jagħtu numru negattiv għas-somma totali ta' $\sum_b K_b^2 + \sum_b \sum_{c \neq b} \gamma_{bc} S_b S_c$, l-istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-klassi ta' riskju speċifikament għar-riskju delta jew vega permezz ta' speċifikazzjoni alternattiva fejn

▼**M8**

S_b = max [min (Σ_k WS_k, K_b), – K_b] għall-fatturi ta' riskju kollha fil-bucket b u

S_c = max [min (Σ_k WS_k, K_c), – K_c] għall-fatturi ta' riskju kollha fil-bucket c.

Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tar-riskju għall-klassi ta' riskju delta jew vega speċifiċi għandhom jiġu kkalkulati għal kull klassi ta' riskju f'konformità mal-paragrafi 1 sa 8.

▼**M12**

Artikolu 325g

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju ta' kurvatura

1. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-kalkoli stipulati fil-paragrafu 2 għal kull fattur ta' riskju tal-istrumenti soġġetti għar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' kurvatura, ħlief għall-fatturi ta' riskju msemmija fil-paragrafu 3.

Għal fattur ta' riskju partikolari, l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu dawk il-kalkoli fuq bażi netta għall-pożizzjonijiet kollha tal-istrumenti soġġetti għar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' kurvatura li fihom dak il-fattur ta' riskju.

2. Għal fattur ta' riskju partikolari k inkluż fi strument wieħed jew aktar imsemmija fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-riskju 'l fuq għall-pożizzjonijiet ta' kurvatura nnettjat ta' dak il-fattur ta' riskju (CVR_k^+) u r-riskju 'l isfel għall-pożizzjonijiet ta' kurvatura nnettjat ta' dak il-fattur ta' riskju (CVR_k^-) kif ġej:

$$CVR_k^+ = -\sum_i CVR_{ik}^+$$

$$CVR_k^- = -\sum_i CVR_{ik}^-$$

$$CVR_{ik}^+ = V_i\left(x_k^{RW(Kurvatura)^+}\right) - V_i(x_k) - RW_k^{Kurvatura} \times s_{ik}$$

$$CVR_{ik}^- = V_i\left(x_k^{RW(Kurvatura)^-}\right) - V_i(x_k) + RW_k^{Kurvatura} \times s_{ik}$$

▼**M12**

fejn:

i = l-indiċi li jindika l-pożizzjonijiet kollha tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1 u inkluż il-fattur ta’ riskju k;

x_k = il-valur attwali tal-fattur ta’ riskju k;

$V_i\ (x_k)$ = il-valur tal-istrument i kif stmat skont il-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni abbażi tal-valur attwali tal-fattur ta’ riskju k;

$V_i\left(x_k^{RW(Kurvatura)^+}\right)$ = il-valur tal-istrument i kif stmat skont il-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni abbażi ta’ ċaqliq ’il fuq tal-valur tal-fattur ta’ riskju k;

$V_i\left(x_k^{RW(Kurvatura)^-}\right)$ = il-valur tal-istrument i kif stmat skont il-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni abbażi ta’ ċaqliq ’l isfel tal-valur tal-fattur ta’ riskju k;

$RW_k^{Kurvatura}$ = il-piż tar-riskju applikabbli għall-fattur tar-riskju k iddeterminat skont it-Taqsima 6;

s_{ik} = is-sensittività delta tal-istrument i fir-rigward tal-fattur ta’ riskju k, ikkalkulat skont l-Artikolu 325r.

3. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 2, għall-kurvi tal-fatturi ta’ riskju li jaqgħu taħt il-klassijiet ta’ riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax (GIRR — general interest rate risk), riskju ta’ firxiet tal-kreditu (CSR — credit spread risk) u riskju tal-komoditajiet, l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-kalkoli stipulati fil-paragrafu 6 fil-livell tal-kurva sħiħa minflok fil-livell ta’ kull fattur ta’ riskju li jappartjeni għall-kurva.

Għall-finijiet tal-kalkoli msemmija fil-paragrafu 2, fejn x_k hija kurva ta’ fatturi ta’ riskju allokati għall-klassijiet ta’ riskju GIRR, CSR u tal-komoditajiet, s_{ik} għandha tkun is-somma tas-sensittivitajiet delta mal-fattur ta’ riskju tal-kurva fil-maturitajiet kollha tal-kurva.

4. Sabiex jiddeterminaw rekwiżit ta’ fondi proprji fil-livell tal-bucket għar-riskju ta’ kurvatura, l-istituzzjonijiet għandhom, skont il-formola segwenti, jaggregaw ir-riskji ’l fuq u ’l isfel għall-pożizzjonijiet ta’ kurvatura nnettjati, ikkalkulati skont il-paragrafu 2, tal-fatturi ta’ riskju kollha assenjati għal dak il-bucket skont is-Sottotaqsima 1 tat-Taqsima 3:

$$K_b = \begin{cases} max(K_b^+, K_b^-), fejn\ K_b^+ \neq K_b^- \\ K_b^+, \text{fejn } K_b^+ = K_b^- \text{ u} \\ K_b^-, \text{altrimenti} \end{cases} \sum_k CVR_k^+ > \sum_k CVR_k^-$$

fejn:

b = l-indiċi li jindika bucket ta’ klassi ta’ riskju partikolari;

K_b = ir-rekwiżiti ta’ fondi proprji għar-riskju ta’ kurvatura għall-bucket b;

▼**M12**

$$K_b^+ = \sqrt{max\left(0, \sum_k max(CVR_k^+, 0)^2 + \sum_{l \neq k} \sum_k p_{kl}\, CVR_k^+ CVR_l^+ \psi(CVR_k^+, CVR_l^+)\right)}$$

$$K_b^- = \sqrt{max\left(0, \sum_k max(CVR_k^-, 0)^2 + \sum_{l \neq k} \sum_k p_{kl}\, CVR_k^- CVR_l^- \psi(CVR_k^-, CVR_l^-)\right)}$$

$$\psi\,(x, y) = \begin{cases} 0, \text{fejn } x < 0 \text{ u } y < 0 \\ 1, \text{altrimenti} \end{cases}$$

p_{kl} = il-korrelazzjonijiet intrabucket bejn il-fatturi tar-riskju k u l kif preskritt fit-Taqsima 6;

$k,\ l$ = l-indiċijiet li jindikaw il-fatturi ta' riskju kollha tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1 li huma assenjati għall-bucket b;

(CVR_k^+) = ir-riskju 'l fuq għall-pożizzjonijiet ta' kurvatura nnettjat

(CVR_k^-) = ir-riskju 'l isfel għall-pożizzjonijiet ta' kurvatura nnettjat

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 4, għar-rekwiżiti ta' fondi proprji fil-livell tal-bucket għar-riskju ta' kurvatura tal-bucket 18 tal-Artikolu 325ah, tal-bucket 18 tal-Artikolu 325ak, tal-bucket 25 tal-Artikolu 325am u tal-bucket 11 tal-Artikolu 325ap, għandha tintuża l-formola segwenti:

$$K_b = max\left(\sum_k max(CVR_k^+, 0), \sum_k max(CVR_k^-, 0)\right)$$

6. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji skont il-klassi ta' riskju għar-riskju ta' kurvatura (*RCCR)* billi jaggregaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kollha fil-livell tal-bucket għar-riskju ta' kurvatura fi klassi ta' riskju partikolari kif ġej:

$$RCCR = \sqrt{max\left(0, \sum_b K_b^2 + \sum_{c \neq b} \sum_b \gamma_{bc} S_b S_c \psi(S_b, S_c)\right)}$$

fejn:

$b,\ c$ = l-indiċijiet li jindikaw il-buckets kollha ta' klassi ta' riskju partikolari li tikkorrispondi għall-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1;

K_b = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kurvatura għall-bucket b;

$$S_b = \begin{cases} \sum_k CVR_k^+, \text{ fejn } K_b = K_b^+ \text{ skont il} - \text{paragrafu 4} \\ \sum_k CVR_k^-, \text{ altrimenti} \end{cases}$$

γ_{bc} = il-korrelazzjonijiet interbucket bejn il-buckets b u c kif stabbiliti fit-Taqsima 6.

▼M12

7. Ir-rekwiżit ta’ fondi proprji għar-riskju ta’ kurvatura għandu jkun is-somma tar-rekwiżiti ta’ fondi proprji għar-riskju ta’ kurvatura tal-klassi ta’ riskju kkalkulat skont il-paragrafu 6 għall-klassijiet ta’ riskju kollha li għalihom jappartjeni tal-anqas fattur ta’ riskju wieħed tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 1.

▼M8

Artikolu 325h

Aggregazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji speċifiċi għall-klassi tar-riskju għal riskji delta, vega u kurvatura

1. L-istituzzjonijiet għandhom jaggregaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji speċifiċi għall-klassi ta' riskju għal riskji delta, vega u kurvatura f'konformità mal-proċess stabbilit fil-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Il-proċess biex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji speċifiċi għall-klassi ta' riskju delta, riskji vega u ta' kurvatura deskritti fl-Artikoli 325f u 325g għandu jitwettaq tliet darbiet għal kull klassi ta' riskju, kull darba permezz ta' sett differenti ta' parametri ta' korrelazzjoni ρ_{kl} (korrelazzjoni bejn il-fatturi ta' riskju fi ħdan bucket) u γ_{bc} (korrelazzjoni bejn buckets fi ħdan klassi ta' riskju). Kull wieħed minn dawn it-tliet settijiet għandu jikkorrispondi għal xenarju differenti, kif ġej:

(a) ix-xenarju “korrelazzjonijiet medji”, fejn il-parametri ta' korrelazzjoni ρ_{kl} u γ_{bc} jibqgħu l-istess bħal dawk speċifikati fit-Taqsima 6;

(b) ix-xenarju ta' “korrelazzjonijiet għoljin”, fejn il-parametri ta' korrelazzjoni ρ_{kl} u γ_{bc} li huma speċifikati fit-Taqsima 6 għandhom jiġu mmultiplikati b'mod uniformi b'1,25, b'limitu massimu ta' 100 % ρ_{kl} u γ_{bc} soġġett għalih.

▼M12

(c) ix-xenarju ta’ “korrelazzjonijiet baxxi”, fejn il-parametri ta’ korrelazzjoni ρ_{kl} u γ_{bc} li huma speċifikati fit-Taqsima 6 għandhom jiġu sostitwiti bi $\rho_{kl}^{low} = max(2 \cdot \rho_{kl} - 100\,\%;\ 75\,\% \cdot \rho_{kl})$ u $\gamma_{bc}^{low} = max(2 \cdot \gamma_{bc} - 100\,\%; 75\,\% \cdot \gamma_{bc})$, rispettivament.

▼M8

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji delta, vega u kurvatura speċifiċi għal kull xenarju biex jistabbilixxu tliet rekwiżiti ta' fondi proprji speċifiċi għax-xenarju.

4. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji taħt il-metodu bbażat fuq s-sensittivitajiet għandu jkun l-għola mit-tliet rekwiżiti ta' fondi proprji speċifiċi għax-xenarju li jissemmew fil-paragrafu 3.

▼M12

Artikolu 325i

Trattament ta’ strumenti indiċi u strumenti multisottostanti oħra

1. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw approċċ look-through għall-istrumenti indiċi u strumenti multisottostanti oħra skont dan li ġej:

▼M12

(a) għall-finijiet ta' kkalkular tar-rekwiżiti ta' fondi proprji; għar-riskju delta u ta' kurvatura, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu li huma detenturi ta' pożizzjonijiet individwali fil-kostitwenti sottostanti tal-indiċi jew strumenti multisottostanti oħra, ħlief għal pożizzjoni f'indiċi inkluż fl-ACTP li għalih għandhom jikkalkulaw sensittività unika għall-indiċi;

(b) l-istituzzjonijiet huma permessi li jinnettjaw is-sensittivitajiet għal fattur tar-riskju ta' kostitwent partikolari ta' strument indiċi jew strument ieħor multisottostanti bis-sensittivitajiet għall-istess fattur ta' riskju tal-istess kostitwent ta' strumenti b'isem uniku, ħlief għall-pożizzjonijiet inklużi fl-ACTP;

(c) għall-finijiet ta' kkalkular tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju vega, l-istituzzjonijiet jistgħu jew jikkunsidraw li huma detenturi tal-pożizzjonijiet individwali fil-kostitwenti sottostanti tal-indiċi jew strumenti sottostanti oħra, jew jikkalkulaw sensittività unika għas-sottostanti ta' dak l-istrument. F'dan il-każ tal-aħħar, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw is-sensittività unika lill-bucket rilevanti kif stabbilit fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 6 kif ġej:

(i) meta, jiġu kkunsidrati l-piżijiet ta' dak l-indiċi, aktar minn 75 % tal-kostitwenti f'dak l-indiċi jkunu mmappjati fl-istess bucket, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw is-sensittività għal dak il-bucket u jittrattawha bħala sensittività b'isem uniku f'dak il-bucket;

(ii) fil-każijiet l-oħra kollha, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw is-sensittività lill-indiċi tal-bucket rilevanti.

2. Permezz ta' deroga mill-punt (a) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw sensittività unika għal pożizzjoni f'indiċi kwotat ta' ekwità jew ta' kreditu għall-finijiet tal-ikkalkular tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji delta u ta' kurvatura dment li l-indiċi kwotat ta' ekwità jew ta' kreditu jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. F'dak il-każ, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw is-sensittività unika lill-bucket rilevanti kif stabbilit fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 6 kif ġej:

(a) meta, jiġu kkunsidrati l-piżijiet ta' dak l-indiċi kwotat, aktar minn 75 % tal-kostitwenti f'dak l-indiċi kwotat ikunu mmappjati fl-istess bucket, dik is-sensittività għandha tiġi assenjata għal dak il-bucket u trattata bħala sensittività b'isem uniku f'dak il-bucket;

(b) fil-każijiet l-oħra kollha, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw is-sensittività lill-bucket tal-indiċi kwotat rilevanti.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-approċċ stabbilit fil-paragrafu 2 għall-istrumenti li jirreferu għal indiċi kwotat ta' ekwità jew ta' kreditu fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kostitwenti tal-indiċi kwotat u l-piżijiet rispettivi f'dak l-indiċi huma magħrufa;

(b) l-indiċi kwotat ikun fih minn tal-anqas 20 kostitwent;

(c) l-ebda kostitwent uniku li jkun jinsab fl-indiċi kwotat ma jkun jirrappreżenta aktar minn 25 % tal-kapitalizzazzjoni totali tas-suq ta' dak l-indiċi;

▼M12

(d) l-ebda sett li jkun jikkonsisti minn wieħed minn għaxra tal-għadd totali tal-kostitwenti tal-indiċi kwotat, aġġustat ’il fuq san-numru sħiħ li jkun imiss, ma jkun jirrappreżenta aktar minn 60 % tal-kapitalizzazzjoni totali tas-suq ta’ dak l-indiċi;

(e) il-kapitalizzazzjoni totali tas-suq tal-kostitwenti kollha f’daqqa tal-indiċi kwotat ma tkunx anqas minn EUR 40 biljun.

4. Istituzzjoni għandha tuża biss, b’mod konsistenti maż-żmien, l-approċċ stabbilit fil-paragrafu 1 jew l-approċċ stabbilit fil-paragrafu 2 għall-istrumenti kollha li jirreferu għal indiċi kwotat ta’ ekwità jew ta’ kreditu li jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3. Istituzzjoni għandu jkollha l-permess minn qabel mingħand l-awtorità kompetenti qabel ma taqleb minn approċċ għall-ieħor.

5. Għal strument indiċi jew multisottostanti ieħor, l-inputs tas-sensittività għall-ikkalkular tar-riskju delta u ta’ kurvatura għandhom ikunu konsistenti, irrispettivament mill-approċċi użati għal dak l-istrument.

6. L-istrumenti indiċi jew multisottostanti li jġorru magħhom riskji residwi oħra kif imsemmija fl-Artikolu 325u(5) għandhom ikunu soġġetti għas-suppliment tar-riskju residwu msemmi fit-Taqsima 4.

Artikolu 325j

Trattament ta’ impriżi ta’ investiment kollettiv

▼M17

1. Istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' pożizzjoni f'CIU billi tuża wieħed mill-approċċi li ġejjin:

(a) istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 104(8), il-punt (a), għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' dik il-pożizzjoni billi tixtarr il-pożizzjonijiet sottostanti tas-CIU, fuq bażi ta' kull xahar, daqslikieku dawk il-pożizzjonijiet kienu miżmumin direttament mill-istituzzjoni;

(b) istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 104(8), il-punt (b), għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' dik il-pożizzjoni billi tuża wieħed mill-approċċi li ġejjin:

(i) għandha tqis il-pożizzjoni fis-CIU bħala pożizzjoni ta' ekwità unika allokata lill-bucket “settur ieħor” fl-Artikolu 325ap(1), it-Tabella 8;

(ii) għandha tqis il-limiti stabbiliti fil-mandat tas-CIU u fil-liġi rilevanti.

Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b)(ii) ta’ dan il-paragrafu, l-istituzzjoni tista' tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' aġġustament tal-valwazzjoni tal-kreditu tal-pożizzjonijiet tad-derivattivi tas-CIU, bl-użu tal-approċċ simplifikat stabbilit fl-Artikolu 132a(3).

▼M17

1a. Għall-finijiet tal-approċċi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu l-istituzzjoni għandha:

(a) tapplika r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza stabbiliti fit-Taqsima 5 u ż-żieda għar-riskju residwu stabbilita fit-Taqsima 4 għal pożizzjoni f'CIU, meta l-mandat ta' dik is-CIU jippermettilha tinvesti fi skoperturi li għandhom ikunu soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti ta' fondi proprji; meta jintuża l-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b)(i) ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjoni għandha tqis il-pożizzjoni fis-CIU bħala pożizzjoni ta' ekwità mhux klassifikata unika allokata lill-bucket “mhux klassifikata” fl-Artikolu 325y(1), it-Tabella 2; u

(b) għall-pożizzjonijiet kollha fl-istess CIU, tuża l-istess approċċ fost l-approċċi stabbiliti fil-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu biex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq bażi awtonoma bħala portafoll separat.

▼M12

2. Permezz ta’ deroga mill-paragrafu 1, fejn istituzzjoni jkollha pożizzjoni f’CIU li ssegwi parametru referenzjarju tal-indiċi sabiex id-differenza fir-ritorn annwali bejn is-CIU u l-parametru referenzjarju tal-indiċi segwit tul l-aħħar 12-il xahar ikun taħt il-1 % f’termini assoluti, bl-esklużjoni tat-tariffi u l-kummissjonijiet, l-istituzzjoni tista’ tittratta dik il-pożizzjoni bħala pożizzjoni fil-parametru referenzjarju tal-indiċi segwit. Istituzzjoni għandha tivverifika l-konformità ma’ dik il-kundizzjoni meta l-istituzzjoni tassumi l-pożizzjoni u, wara dak, minn tal-anqas kull sena.

Madankollu, meta d-*data* għall-aħħar 12-il xahar ma tkunx għalkollox disponibbli, istituzzjoni tista’, soġġett għall-permess mingħand l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni, tuża differenza fir-ritorn annwali minn perjodu iqsar minn 12-il xahar.

▼M17

3. Istituzzjoni tista’ tikkombina l-approċċi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), għall-pożizzjonijiet tagħha fis-CIUs. Madankollu, istituzzjoni għandha tuża biss wieħed minn dawk l-approċċi għall-pożizzjonijiet kollha fl-istess CIU.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), ta' dan l-Artikolu istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq billi tiddetermina l-portafoll ipotetiku tas-CIU li jkun jattira l-ogħla rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 325c(2), il-punt (a), fuq il-bażi tal-mandat jew tal-liġi rilevanti tas-CIU, b'kont meħud tal-lieva finanzjarja sal-punt massimu, fejn applikabbli.

L-istituzzjoni għandha tuża l-istess portafoll ipotetiku bħal dak imsemmi fl-ewwel subparagrafu sabiex tikkalkula, fejn applikabbli, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza stabbiliti fit-Taqsima 5 u ż-żieda għar-riskju residwu stabbiliti fit-Taqsima 4 għal pożizzjoni f'CIU.

Il-metodoloġija żviluppata mill-istituzzjoni sabiex tiddetermina l-portafolli ipotetika tal-pożizzjonijiet kollha fis-CIUs li għalihom jintużaw il-kalkoli msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti tagħha.

▼M17

5. Istituzzjoni tista' tuża l-approċċi msemmija fil-paragrafu 1 fil-każijiet biss li fihom is-CIU tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 132(3). Fil-każijiet li fihom is-CIU ma tissodisfax il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 132(3), l-istituzzjoni għandha tassenja l-pożizzjonijiet tagħha f'dik is-CIU għall-portafoll mhux tan-negozjar.

6. Sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' pożizzjoni ta' CIU f'konformità mal-approċċ stabbilit fil-paragrafu 1, il-punt (a), l-istituzzjonijiet jistgħu jiddependu fuq parti terza sabiex twettaq tali kalkolu, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-parti terza tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni depożitarja jew l-istituzzjoni depożitarja finanzjarja tas-CIU, dment li s-CIU tinvesti b'mod esklużiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha f'dik l-istituzzjoni depożitarja jew l-istituzzjoni depożitarja finanzjarja;

(ii) għal CIUs li ma jkunux koperti mill-punt (i) ta' dan il-punt, il-kumpanija maniġerjali tas-CIU, dment li l-kumpanija maniġerjali tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3), il-punt (a);

(iii) bejjiegħ terz bil-kundizzjoni li d-*data*, l-informazzjoni jew il-metriċi tar-riskju jiġu pprovduti jew ikkalkulati mill-partijiet terzi msemmija fil-punt(i) jew (ii) ta' dan il-punt jew minn bejjiegħ terz ieħor bħal dan;

(b) il-parti terza tipprovdi lill-istituzzjoni bid-*data*, bl-informazzjoni jew bil-metriċi tar-riskju sabiex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tal-pożizzjoni tas-CIU f'konformità mal-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu;

(c) awditur estern tal-istituzzjoni jkun ikkonferma l-adegwatezza tad-*data*, l-informazzjoni jew il-metriċi tar-riskju tal-parti terza msemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu u l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni jkollha aċċess mhux ristrett għal dik id-*data*,l-informazzjoni jew il-metriċi tar-riskju fuq talba.

7. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika aktar l-elementi tekniċi tal-metodoloġija sabiex jiġu ddeterminati l-portafolli ipotetika għall-finijiet tal-approċċ stabbilit fil-paragrafu 4, inkluż il-mod li bih l-istituzzjonijiet għandhom iqisu fil-metodoloġija, fejn applikabbli, il-lieva finanzjarja sal-punt massimu.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2027.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Artikolu 325k

Pożizzjonijiet sottoskritti

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-proċess stabbilit f'dan l-Artikolu għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' pożizzjonijiet sottoskritti ta' strumenti ta' dejn jew ta' ekwità.

▼M8

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw wieħed mill-fatturi multiplikanti xierqa elenkati fit-Tabella 1 għas-sensittivitajiet netti tal-pożizzjonijiet sottoskritti kollha f'kull emittent individwali, bl-esklużjoni tal-pożizzjonijiet sottoskritti li huma sottoskritti jew sotto-sottoskritti minn partijiet terzi fuq il-bażi ta' ftehimiet formali, u jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ stabbilit f'dan il-Kapitolu fuq il-bażi tas-sensittivitajiet netti aġġustati.

Tabella 1

Ġurnata tax-xogħol 0	0 %
Ġurnata tax-xogħol 1	10 %
Ġranet tax-xogħol 2 u 3	25 %
Ġurnata tax-xogħol 4	50 %
Ġurnata tax-xogħol 5	75 %
Wara l-ġurnata tax-xogħol 5	100 %

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "ġurnata tax-xogħol 0" tfisser il-ġurnata tax-xogħol li fiha l-istituzzjoni tieħu l-impenn mingħajr kondizzjonijiet li taċċetta kwantità magħrufa ta' titoli bi prezz miftiehem.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-applikazzjoni tal-proċess stabbilit f'dan l-Artikolu.

Taqsima 3

Fattur ta' riskju u definizzjonijiet tas-sensittività

Subtaqsima 1

Definizzjonijiet tal-fattur ta' riskju

Artikolu 325l

Fatturi ta' riskju ġenerali tar-rata tal-imgħax

1. Għall-fatturi ta' riskju ġenerali kollha tar-rata tal-imgħax, inkluż ir-riskju ta' inflazzjoni u r-riskju bażi ta' bejn il-muniti, għandu jkun hemm bucket wieħed għal kull munita, b'kull waħda tinkludi tipi ta' fatturi ta' riskju differenti.

Il-fatturi delta ta' riskju ġenerali tar-rata tal-imgħax applikabbli għal strumenti sensittivi għar-rata tal-imgħax għandhom ikunu r-rati mingħajr riskju rilevanti għal kull munita u għal kull waħda mill-maturitajiet li ġejjin: 0,25 sena, 0,5 sena, sena, sentejn, 3 snin, 5 snin, 10 snin, 15-il sena, 20 sena, 30 sena. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw fatturi ta' riskju lill-punti speċifikati b'interpolazzjoni lineari jew billi jużaw metodu li huwa l-iktar konsistenti mal-funzjonijiet tal-ipprezzar użati mill-funzjoni ta' kontroll tar-riskju indipendenti tal-istituzzjoni biex tirrapporta r-riskju tas-suq jew il-profitti u t-telf lill-maniġment superjuri.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiksbu r-rati mingħajr riskju għal kull munita mill-istrumenti tas-suq monetarju miżmuma fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni li għandhom l-iktar riskju ta' kreditu baxx, bħal swaps tal-indiċi mil-lum għall-għada.

▼M8

3. Meta l-istituzzjonijiet ma jkunux jistgħu japplikaw l-approċċ imsemmi fil-paragrafu 2, ir-rati mingħajr riskju għandhom ikunu bbażati fuq kurva ta' swaps implikata mis-suq waħda jew iktar użati mill-istituzzjoni biex tipprezza l-pożizzjonijiet skont il-valur tas-suq, bħall-kurvi ta' swaps ta' rati interbankarji offruti.

Meta d-data dwar kurvi ta' swaps implikati mis-suq deskritti fil-paragrafu 2 u fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu hija insuffiċjenti, ir-rati mingħajr riskju jistgħu jiġu derivati mill-kurva tal-bonds sovrani l-iktar xierqa għal munita partikolari.

Meta l-istituzzjonijiet jużaw il-fatturi ta' riskju ġenerali tar-rata tal-imgħax derivati f'konformità mal-proċedura stabbilita fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu għal strumenti tad-dejn sovran, l-istrumenti tad-dejn sovran m'għandhomx ikunu eżenti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-firxa ta' kreditu. F'dawk il-każijiet, fejn ma jkunx possibbli li tifred ir-rata mingħajr riskju mill-komponent tal-firxa ta' kreditu, is-sensittività għall-fattur ta' riskju għandu jiġi allokat kemm għar-riskju ġenerali tar-rati tal-imgħax kif ukoll għall-klassijiet tar-riskju tal-firxa ta' kreditu.

4. Fil-każ ta' fatturi ta' riskju ġenerali tar-rati tal-imgħax, kull munita għandha tikkostitwixxi bucket separat. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw fatturi ta' riskju fl-istess bucket, iżda b'maturitajiet differenti, piż ta' riskju differenti, f'konformità mat-Taqsima 6.

L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fatturi ta' riskju addizzjonali għar-riskju tal-inflazzjoni għal strumenti tad-dejn li l-flussi tal-flus tagħhom huma funzjonalment dipendenti fuq ir-rati tal-inflazzjoni. Dawk il-fatturi ta' riskju addizzjonali għandhom jikkonsistu f'vettur wieħed ta' rati tal-inflazzjoni implikati mis-suq ta' maturitajiet differenti għal kull munita. Għal kull strument, il-vettur għandu jinkludi komponenti daqskemm ikun hemm rati tal-inflazzjoni użati bħala varjabbli mill-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni għal dak l-istrument.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività tal-istrument għall-fattur ta' riskju addizzjonali għar-riskju tal-inflazzjoni msemmi fil-paragrafu 4 bħala l-bidla fil-valur tal-istrument, skont il-mudell tal-ipprezzar tiegħu, bħala riżultat ta' ċaqliq ta' punt bażi f'kull wieħed mill-komponenti tal-vettur. Kull munita għandha tikkostitwixxi bucket separat. F'kull bucket, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw l-inflazzjoni bħala fattur ta' riskju uniku, irrispettivament min-numru ta' komponenti ta' kull vettur. L-istituzzjonijiet għandhom ipaċu s-sensittivitajiet kollha għall-inflazzjoni f'bucket, ikkalkulati kif deskritt f'dan il-paragrafu, sabiex tirriżulta f'sensittività netta waħda għal kull bucket.

6. L-istrumenti tad-dejn li jinvolvu ħlasijiet f'muniti differenti wkoll għandhom ikunu soġġetti għal riskju bażi bejn il-muniti bejn dawk il-muniti. Għall-finijiet tal-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet, il-fatturi ta' riskju li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għandhom ikunu r-riskju bażi bejn il-muniti ta' kull munita kontra d-dollaru Amerikan jew l-euro. L-istituzzjonijiet għandhom jaħdmu l-bażijiet ta' bejn il-muniti li ma jirrelatawx mal-bażi kontra d-dollaru Amerikan jew il-bażi kontra l-euro bħala "bażi kontra d-dollaru Amerikan" jew "bażi kontra l-euro".

Kull fattur ta' riskju bażi bejn il-muniti għandu jikkonsisti f'vettur wieħed ta' bażi bejn il-muniti ta' maturitajiet differenti għal kull munita. Għal kull strument, il-vettur għandu jinkludi komponenti daqskemm ikun hemm bażijiet bejn il-muniti użati bħala varjabbli mill-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni għal dak l-istrument. Kull munita għandha tikkostitwixxi bucket differenti.

▼M8

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività tal-istrument għall-fattur ta' riskju bażi bejn il-muniti bħala l-bidla fil-valur tal-istrument, skont il-mudell tal-ipprezzar tiegħu, bħala riżultat ta' żaqliq ta' punt bażi f'kull wieħed mill-komponenti tal-vettur. Kull munita għandha tikkostitwixxi bucket separat. F'kull bucket għandu jkun hemm żewġ fatturi distinti possibbli: bażi kontra l-euro u bażi kontra d-dollaru Amerikan, irrispettivament min-numru ta' komponenti li jkun hemm f'kull vettur bażi bejn il-muniti. In-numru massimu ta' sensittivitajiet netti għal kull bucket għandu jkun tnejn.

7. Il-fatturi vega ta' riskju ġenerali tar-rata tal-imgħax applikabbli għal opzjonijiet b'sottostanti li huma sensittivi għar-rata ġenerali tal-imgħax għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tar-rati mingħajr riskju rilevanti kif deskritt fil-paragrafi 2 u 3, li għandhom jiġu assenjati għal buckets skont il-munita u kklassifikati għal dawn il-maturitajiet li ġejjin f'kull bucket: 0,5 sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin. Għandu jkun hemm bucket wieħed għal kull munita.

Għall-finijiet ta' netting, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-volatilitajiet implikati marbuta mal-istess rati mingħajr riskju u kklassifikati għall-istess maturitajiet biex jikkostitwixxu l-istess fattur ta' riskju.

Meta l-istituzzjonijiet jikklassifikaw il-volatilitajiet implikati għall-maturitajiet kif imsemmi f'dan il-paragrafu, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) fejn il-maturità tal-opzjoni hija allinjata mal-maturità tas-sottostanti, għandu jitqies fattur ta' riskju uniku, li għandu jkun ikklassifikat ma' dik il-maturità;

(b) fejn il-maturità tal-opzjoni hija iqsar mill-maturità tas-sottostanti, il-fatturi ta' riskju li ġejjin għandhom jitqiesu kif ġej:

(i) l-ewwel fattur ta' riskju għandu jiġi kklassifikat mal-maturità tal-opzjoni;

(ii) it-tieni fattur ta' riskju għandu jiġi kklassifikat mal-maturità residwa tas-sottostanti tal-opzjoni fid-data ta' skadenza tal-opzjoni.

8. Il-fatturi ta' riskju ġenerali tar-rata tal-imgħax tal-kurvatura li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għandhom jikkonsistu minn vettur wieħed ta' rati mingħajr riskju, li jirrappreżentaw kurva tar-rendiment mingħajr riskju speċifika, għal kull munita. Kull munita għandha tikkostitwixxi bucket differenti. Għal kull strument, il-vettur għandu jinkludi komponenti daqskemm ikun hemm maturitajiet differenti ta' rati mingħajr riskju użati bħala varjabbli mill-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni għal dak l-istrument.

9. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività tal-istrument għal kull fattur ta' riskju użat fil-formola tar-riskju tal-kurvatura f'konformità mal-Artikolu 325g. Għall-finijiet tar-riskju ta' kurvatura, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw vetturi li jikkorrispondu għal kurvi tar-rendiment differenti u b'numru differenti ta' komponenti bħall-istess fattur ta' riskju, sakemm dawk il-vetturi jikkorrispondu għall-istess munita. L-istituzzjonijiet għandhom ipaċu s-sensittivitajiet għall-istess fattur ta' riskju. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda għal kull bucket.

M'għandux ikun hemm rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kurvatura għall-inflazzjoni u għar-riskji bażi bejn il-muniti.

▼M8

Artikolu 325m

Fatturi ta' riskju tal-firxa tal-kreditu għal nontitolizzazzjoni

1. Il-fatturi delta ta' riskju tal-firxa tal-kreditu li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti ta' nontitolizzazzjoni li huma sensittivi għall-firxa tal-kreditu għandhom ikunu r-rati tal-firxa tal-kreditu tal-emittent ta' dawk l-istrumenti, inferiti mill-istrumenti tad-dejn u mis-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu rilevanti, u kklassifikati għal kull waħda mill-maturitajiet li ġejjin: 0,5 sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fattur ta' riskju wieħed għal kull emittent u maturità, irrispettivament minn jekk dawk ir-rati ta' firxa tal-kreditu tal-emittent humiex inferiti mill-istrumenti tad-dejn jew mis-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu. Il-buckets għandhom ikunu buckets settorjali, kif imsemmi fit-Taqsima 6, u kull bucket għandu jinkludi l-fatturi ta' riskju kollha allokati għas-settur rilevanti.

2. Il-fatturi vega ta' riskju tal-firxa tal-kreditu li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal opzjonijiet b'sottostanti ta' nontitolizzazzjoni li huma sensittivi għall-firxa tal-kreditu għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tar-rati tal-firxa tal-kreditu tal-emittent tas-sottostanti inferiti kif stabbilit fil-paragrafu 1, li għandhom jiġu kklassifikati għall-maturitajiet li ġejjin f'konformità mal-maturità tal-opzjoni soġġetta għar-rekwiżiti ta' fondi proprji: 0,5 sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin. L-istess buckets għandhom jintużaw bħall-buckets li ntużaw għar-riskju delta tal-firxa tal-kreditu għan-nontitolizzazzjoni.

3. Il-fatturi ta' riskju tal-firxa tal-kreditu tal-kurvatura li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għall-istrumenti ta' nontitolizzazzjoni għandhom jikkonsistu minn vettur wieħed ta' rati tal-firxa tal-kreditu, li jirrappreżentaw kurva tal-firxa tal-kreditu speċifika għall-emittent. Għal kull strument, il-vettur għandu jinkludi komponenti daqskemm ikun hemm maturitajiet differenti ta' rati tal-firxa tal-kreditu użati bħala varjabbli mill-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni għal dak l-istrument. L-istess buckets għandhom jintużaw bħall-buckets li ntużaw għar-riskju delta tal-firxa tal-kreditu għan-nontitolizzazzjoni.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività tal-istrument għal kull fattur ta' riskju użat fil-formola tar-riskju tal-kurvatura f'konformità mal-Artikolu 325g. Għall-finijiet tar-riskju ta' kurvatura, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw vetturi inferiti mill-istrumenti tad-dejn jew mis-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu rilevanti u b'numru differenti ta' komponenti bħall-istess fattur ta' riskju dment li dawk il-vetturi jikkorrispondu għall-istess emittent.

Artikolu 325n

Fatturi ta' riskju tal-firxa tal-kreditu għal nontitolizzazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi ta' riskju tal-firxa tal-kreditu msemmija fil-paragrafu 3 għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li huma inklużi fil-ACTP, kif imsemmi fl-Artikolu 325(6), (7) u (8),

L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi ta' riskju tal-firxa tal-kreditu tat-titolizzazzjonijiet mhux tal-ACTP imsemmija fil-paragrafu 5 għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li ma humiex inklużi fil-ACTP, kif imsemmi fl-Artikolu 325(6), (7) u (8).

2. Il-buckets applikabbli għar-riskju tal-firxa tal-kreditu għal titolizzazzjonijiet li huma inklużi fl-ACTP għandhom ikunu l-istess bħall-buckets applikabbli għar-riskju tal-firxa tal-kreditu għal nontitolizzazzjonijiet, kif imsemmi fit-Taqsima 6.

▼**M8**

Il-buckets applikabbli għar-riskju tal-firxa tal-kreditu għal titolizzazzjonijiet li ma humiex inklużi fil-ACTP għandhom ikunu speċifiċi għal dik il-kategorija ta' klassi tar-riskju, kif imsemmi fit-Taqsima 6.

3. Il-fatturi ta' riskju tal-firxa tal-kreditu li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li huma inklużi fil-ACTP huma dawn li ġejjin:

(a) il-fatturi delta ta' riskju għandhom ikunu r-rati kollha rilevanti tal-firxa tal-kreditu tal-emittenti tal-iskoperturi sottostanti tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni, inferiti mill-istrumenti tad-dejn u mis-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu rilevanti, u għal kull waħda mill-maturitajiet li ġejjin: 0,5 sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin.

(b) il-fatturi vega ta' riskju applikabbli għal opzjonijiet b'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li huma inklużi fil-ACTP bħala sottostanti għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tal-firxiet tal-kreditu tal-emittenti tal-iskoperturi sottostanti tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, inferiti kif deskritt fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu, li għandhom jiġu kklassifikati għall-maturitajiet li ġejjin f'konformità mal-maturità tal-opzjoni korrispondenti soġġetta għar-rekwiżiti ta' fondi proprji: 0,5 sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin.

(c) il-fatturi ta' riskju tal-kurvatura għandhom ikunu l-kurvi tar-rendiment rilevanti tal-firxa tal-kreditu tal-emittenti tal-iskoperturi sottostanti tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni espressi bħala vettur tar-rati tal-firxa tal-kreditu għal maturitajiet differenti, inferiti kif indikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu; għal kull strument, il-vettur għandu jinkludi komponenti daqskemm ikun hemm maturitajiet differenti ta' rati tal-firxa tal-kreditu li jintużaw bħala varjabbli mill-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni għal dak l-istrument.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni għal kull fattur ta' riskju użat fil-formola tar-riskju tal-kurvatura s_ik kif speċifikat fl-Artikolu 325g. Għall-finijiet tar-riskju ta' kurvatura, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw vetturi inferiti jew mill-istrumenti tad-dejn jew mis-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu rilevanti u b'numru differenti ta' komponenti bħall-istess fattur ta' riskju, sakemm dawk il-vetturi jikkorrispondu għall-istess emittent.

5. Il-fatturi ta' riskju tal-firxa tal-kreditu li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li ma humiex inklużi fil-ACTP għandhom jirreferu għall-firxa tas-segment iktar milli l-firxa tal-istrumenti sottostanti u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) il-fatturi delta ta' riskju għandhom ikunu r-rati rilevanti tal-firxa tal-kreditu tas-segment, ikklassifikati għall-maturitajiet li ġejjin, f'konformità mal-maturità tas-segment: 0,5 sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin.

(b) il-fatturi vega ta' riskju applikabbli għal opzjonijiet b'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li ma humiex inklużi fil-ACTP bħala sottostanti għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tal-firxiet tal-kreditu tas-segmenti, b'kull waħda kklassifikata għall-maturitajiet li ġejjin f'konformità mal-maturità tal-opzjoni soġġett għar-rekwiżiti ta' fondi proprji: 0,5 sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin.

▼M8

(c) il-fatturi ta' riskju tal-kurvatura għandhom ikunu l-istess bħal dawk deskritti fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu; għal dawk il-fatturi ta' riskju kollha, għandha tiġi applikata piż tar-riskju komuni, kif imsemmija fit-Taqsima 6.

Artikolu 325o

Fatturi tar-riskju tal-ekwità

1. Il-buckets għall-fatturi kollha tar-riskju tal-ekwità għandhom ikunu l-buckets settorjali msemmija fit-Taqsima 6.

2. Il-fatturi delta tar-riskju tal-ekwità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għandhom ikunu l-prezzijiet spot kollha tal-ekwità u r-ratirepo tal-ekwità.

Għall-finijiet tar-riskju tal-ekwità, kurva repo tal-ekwità speċifika għandha tikkostitwixxi fattur ta' riskju uniku, li jkun espress bħala vettur ta' rati repo għal maturitajiet differenti. Għal kull strument, il-vettur għandu jinkludi komponenti daqskemm ikun hemm maturitajiet differenti ta' rati repo li jintużaw bħala varjabbli mill-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni għal dak l-istrument.

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività ta' strument għal fattur ta' riskju tal-ekwità bħala l-bidla fil-valur tal-istrument, skont il-mudell tal-ipprezzar tiegħu, bħala riżultat ta' ċaqliq ta' punt bażi f'kull wieħed mill-komponenti tal-vettur. L-istituzzjonijiet għandhom ipaċu s-sensittivitajiet għall-fattur ta' riskju tar-rata repo tal-istess titolu tal-ekwità, irrispettivament min-numru ta' komponenti ta' kull vettur.

3. Il-fatturi vega ta' riskju tal-ekwità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal opzjonijiet b'sottostanti li huma sensittivi għall-ekwità għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tal-prezzijiet spot tal-ekwità, li għandhom jiġu kklassifikati għall-maturitajiet li ġejjin f'konformità mal-maturitajiet tal-opzjonijiet korrispondenti soġġett għar-rekwiżiti ta' fondi proprji: 0,5 sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin. Ma għandux ikun hemm rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju vega għal rati repo tal-ekwità.

4. Il-fatturi ta' riskju ta' kurvatura tal-ekwità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal opzjonijiet b'sottostanti li huma sensittivi għall-ekwità huma l-prezzijiet spot kollha tal-ekwità, irrispettivament mill-maturità tal-opzjonijiet korrispondenti. M'għandux ikun hemm rekwiżiti ta' fondi proprji ta' riskju kurvatura għar-rati repo tal-ekwità.

Artikolu 325p

Fatturi tar-riskju tal-komodità

1. Il-buckets għall-fatturi kollha tar-riskju tal-komoditajiet għandhom ikunu l-buckets settorjali msemmija fit-Taqsima 6.

2. Il-fatturi delta tar-riskju tal-komoditajiet li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għall-istrumenti sensittivi għall-komoditajiet għandhom ikunu l-prezzijiet spot kollha tal-komoditajiet għal kull tip ta' komodità u għal kull waħda minn dawn il-maturitajiet: 0,25 sena, 0,5 sena, sena, sentejn, 3 snin, 5 snin, 10 snin, 15-il sena, 20 sena, 30 sena. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw biss żewġ prezzijiet tal-komoditajiet fuq l-istess tip ta' komodità, u bl-istess maturitàbiex jikkostitwixxu l-istess fattur ta' riskju meta s-sett ta' termini legali rigward il-post ta' kunsinna huma identiċi.

▼M8

3. Il-fatturi vega ta' riskju tal-komoditajiet li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal opzjonijiet b'sottostanti li huma sensittivi għall-komoditajiet għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tal-prezzijiet tal-komoditajiet għal kull tip ta' komodità, li għandhom jiġu kklassifikati għall-maturitajiet li ġejjin f'konformità mal-maturitajiet tal-opzjonijiet korrispondenti soġġett għar-rekwiżiti ta' fondi proprji: 0,5 sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu s-sensittivitajiet għall-istess tip ta' komodità u allokati għall-istess maturità bħala fattur ta' riskju uniku, li l-istituzzjonijiet għandhom imbagħad ipaċu.

4. Il-fatturi ta' riskju ta' kurvatura tal-komoditajiet li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal opzjonijiet b'sottostanti li huma sensittivi għall-komoditajiet għandhom ikunu sett wieħed ta' prezzijiet tal-komoditajiet b'maturitajiet differenti għal kull tip ta' komodità, espressi bħala vettur. Għal kull strument, il-vettur għandu jinkludi komponenti daqskemm ikun hemm prezzijiet ta' dik il-komodità li jintużaw bħala varjabbli mill-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni għal dak l-istrument. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jiddifferenzjaw bejn il-prezzijiet ta' komoditajiet skont il-post ta' kunsinna.

Is-sensittività tal-istrument għal kull fattur ta' riskju użat fil-formola tar-riskju tal-kurvatura sik għandha tiġi kkalkulata kif speċifikat fl-Artikolu 325g. Għall-fini tar-riskju ta' kurvatura, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw vetturi li għandhom numru differenti ta' komponenti biex jikkostitwixxu l-istess fattur ta' riskju, sakemm dawk il-vetturi jikkorrispondu għall-istess tip ta' komodità.

Artikolu 325q

Fatturi ta' riskju tal-kambju

▼M12

1. Il-fatturi tar-riskju delta tal-kambju li jridu jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għall-istrumenti sensittivi għall-kambju għandhom ikunu r-rati tal-kambju spot kollha bejn il-munita li fiha huwa ddenominat l-istrument u l-munita tar-rappurtar tal-istituzzjoni jew il-munita bażi tal-istituzzjoni fil-każijiet li fihom l-istituzzjoni tkun qed tuża munita bażi f'konformità mal-paragrafu 7. Għandu jkun hemm bucket wieħed għal kull sett ta' muniti akkoppjati, li jkun jinkludi fattur ta' riskju uniku u sensittività netta unika.

▼M17

2. Il-fatturi vega ta' riskju tal-kambju li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal drittijiet b'sottostanti li huma sensittivi għall-kambju għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tar-rati tal-kambju bejn il-muniti akkoppjati. Dawk il-volatilitajiet implikati għandhom jiġu kklassifikati għal dawn il-maturitajiet li ġejjin f'konformità mal-maturitajiet tad-drittijiet korrispondenti soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji: 0,5 ta' sena, sena (1), 3 snin, 5 snin u 10 snin.

▼M12

3. Il-fatturi ta' riskju ta' kurvatura tal-kambju li jridu jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għall-istrumenti b'sottostanti li huma sensittivi għall-kambju għandhom ikunu l-fatturi ta' riskju delta tal-kambju msemmija fil-paragrafu 1.

▼M8

4. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jintalbu jiddistingwu bejn varjanti onshore u offshore ta' munita għall-fatturi kollha ta' riskju delta, vega u ta' kurvatura tal-kambju.

▼**M12**

5. Meta rata tal-kambju li tkun il-varjabbli sottostanti ta' strument i li jkun soġġett għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kurvatura la tkun tirreferi għall-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni u lanqas għall-munita bażi tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni tista' tiddividi l-komponenti korrispondenti CVR_{ik}^{-} b'1,5 u CVR_{ik}^{+} stabbiliti fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 325g fejn x_k huwa l-fattur ta' riskju tal-kambju bejn wieħed miż-żewġ muniti tas-sottostanti u l-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni jew il-munita bażi tal-istituzzjoni, kif applikabbli.

6. Bil-permess mingħand l-awtorità kompetenti tagħha, istituzzjoni tista' tiddividi, b'1,5 %, il-komponenti CVR_{k}^{-} u CVR_{k}^{+} stabbiliti fl-Artikolu 325g(2) b'mod konsistenti għall-fatturi tar-riskju tal-kambju kollha tal-istrumenti li jirrigwardaw il-kambju u soġġetti għar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' kurvatura, dment li ċ-ċaqliq ikun applikat b'mod simultanju għall-fatturi ta' riskju tal-kambju kollha bbażati fuq il-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni jew il-munita bażi tal-istituzzjoni, skont kif applikabbli, li jkunu inklużi fl-ikkalkular ta' dawk il-komponenti.

7. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 1 u 3, istituzzjoni tista' tissostitwixxi, bil-permess mingħand l-awtorità kompetenti tagħha, il-munita tar-rapportar tagħha b'munita oħra ("il-munita bażi") fir-rati kollha tal-kambju spot biex tesprimi l-fatturi ta' riskju delta u ta' kurvatura tal-kambju fejn dawn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-istituzzjoni tuża biss munita bażi waħda;

(b) l-istituzzjoni tapplika l-munita bażi b'mod konsistenti għall-pożizzjonijiet kollha tagħha fil-portafoll tan-negozjar u mhux tan-negozjar;

(c) l-istituzzjoni tkun uriet għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti tagħha li:

(i) l-użu tal-munita bażi magħżula jipprovdi rappreżentazzjoni xierqa tar-riskju għall-pożizzjonijiet tal-istituzzjonijiet soġġetti għar-riskji tal-kambju;

(ii) l-għażla tal-munita bażi hija kompatibbli mal-mod kif l-istituzzjoni timmaniġġja dawk ir-riskji tal-kambju internament;

(iii) l-għażla tal-munita bażi mhijiex motivata primarjament mix-xewqa li jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjoni;

(d) l-istituzzjoni tqis ir-riskju marbut mal-qlib mill-munita tar-rapportar għall-munita bażi.

Istituzzjoni li tkun ingħatat il-permess li tuża munita bażi kif stabbilit fl-ewwel subparagrafu għandha tikkonverti r-rekwiżit ta' fondi proprji li jirriżulta għar-riskju tal-kambju fil-munita ta' rapportar billi tuża r-rata tal-kambju spot prevalenti bejn il-munita bażi u l-munita tar-rapportar.

▼M8

Subtaqsima 2:

Definizzjonijiet tas-sensittività

Artikolu 325r

Sensittivitajiet għar-riskju delta

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw fatturi delta ta' riskju ġenerali tar-rata tal-imgħax (GIRR) kif ġej:

(a) is-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju li jikkonsistu f'rati mingħajr riskju għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$S_{r_{kt}} = \frac{V_i(r_{kt} + 0{,}0001,\ x,\ y \ldots) - V_i(r_{kt},\ x,\ y \ldots)}{0{,}0001}$$

fejn:

$S_{r_{kt}}$ = is-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju li jikkonsistu f'rati mingħajr riskju;

r_{kt} = ir-rata ta' kurva mingħajr riskju k b'maturità t;

V_i (.) = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-istrument i; u

x,y = fatturi ta' riskju minbarra r_{kt} fil-funzjoni tal-ipprezzarV_i;

(b) is-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju li jikkonsistu f'riskju tal-inflazzjoni u bażi bejn il-muniti għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$S_{x_j} = \frac{V_i(\overline{x}_{ji} + 0{,}0001\overline{I_m},\ y,\ z \ldots) - V_i(\overline{x}_{ji},\ y,\ z \ldots)}{0{,}0001}$$

fejn:

S_{x_j} = is-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju li jikkonsistu f'riskju tal-inflazzjoni u bażi bejn il-muniti;

$\overline{x}_{ji}$ = vettur ta' komponenti m li jirrappreżenta l-kura tal-inflazzjoni implikata jew il-kurva bażi bejn il-muniti għal munita speċifika j bil-m tkun ugwali għan-numru ta' varjabbli relatati mal-inflazzjoni jew bejn il-muniti użati fil-mudell tal-ipprezzar tal-istrument i;

$\overline{I_m}$ = il-matriċi tal-unità ta' dimensjoni (1 × m);

V_i (.) = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-istrument i; u

y, z = varjabbli oħra fil-mudell tal-ipprezzar.

▼M8

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet delta tar-riskju tal-firxa tal-kreditu għall-pożizzjonijiet kollha ta' titolizzazzjoni u nontitolizzazzjoni kif ġej:

$$S_{CS_{kt}} = \frac{V_i(CS_{kt} + 0{,}0001,\ x,\ y\ \ldots) - V_i(CS_{kt},\ x,\ y\ \ldots)}{0{,}0001}$$

fejn:

$S_{CS_{kt}}$ = is-sensittivitajiet delta tar-riskju tal-firxa tal-kreditu għall-pożizzjonijiet kollha ta' titolizzazzjoni u nontitolizzazzjoni;

cs_{kt} = il-valur tar-rata tal-firxa tal-kreditu ta' emittent j fil-maturità t;

V_i (.) = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-istrument i; u

x,y = fatturi ta' riskju minbarra cs_{kt} fil-funzjoni tal-ipprezzar $_{Vi}$.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet ta' riskju delta tal-ekwità kif ġej:

(a) is-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju k li jikkonsistu fi prezzijiet spot tal-ekwità għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$S_k = \frac{V_i(1{,}01\ EQ_k,\ x,\ y,\ \ldots) - V_i(EQ_k,\ x,\ y,\ \ldots)}{0{,}01}$$

fejn:

s_k = is-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju k li jikkonsistu fi prezzijiet spot tal-ekwità;

k = hija titolu ta' ekwità speċifiku;

EQ_k = il-valur tal-prezz spot ta' dak it-titolu ta' ekwità;

V_i (.) = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-istrument i; u

x,y = fatturi ta' riskju minbarra EQ_k fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i;

(b) is-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju li jikkonsistu f'rati repo tal-ekwità għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$S_{x_k} = \frac{V_i(\overline{x}_{ki} + 0{,}0001\overline{I_m},\ y,\ z\ \ldots) - V_i(\overline{x}_{ji},\ y,\ z\ \ldots)}{0{,}0001}$$

fejn:

S_{x_k} = is-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju li jikkonsistu f'rati repo tal-ekwità;

k = l-indiċi li jindika l-ekwità;

▼M8

$\overline{x_{ki}}$ = vettur ta' komponenti m li jirrappreżenta l-istruttura tat-terminu tar-repo għal ekwità speċifika k bil-m tkun ugwali għan-numru ta' rati repo li jikkorrispondu għal maturitajiet differenti użati fil-mudell tal-ipprezzar tal-istrument i;

$\overline{I_m}$ = il-matriċi tal-unità ta' dimensjoni (1 · m);

V_i (.) = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-istrument i; u

y,z = fatturi ta' riskju minbarra $\overline{x_{ki}}$ fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet ta' riskju delta tal-komoditajiet għal kull fattur ta' riskju k kif ġej:

$$S_k = \frac{V_i(1{,}01\ CTY_k,\ \gamma,\ z \ldots) - V_i(CTY_k,\ \gamma,\ z \ldots)}{0{,}01}$$

fejn:

s_k = is-sensittivitajiet ta' riskju delta tal-komoditajiet;

k = fattur ta' riskju partikolari għall-komoditajiet;

CTY_k = il-valur tal-fattur ta' riskju k;

▼C8

V_i (.) = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-istrument i; u

▼M8

y, z = fatturi ta' riskju minbarra CTY_k fil-mudell tal-ipprezzar tal-istrument i.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet ta' riskju delta tal-kambju għal kull fattur ta' riskju tal-kambju k kif ġej:

$$S_k = \frac{V_i(1{,}01\ FX_k,\ y,\ z \ldots) - V_i(FX_k,\ y,\ z \ldots)}{0{,}01}$$

fejn:

s_k = is-sensittivitajiet ta' riskju delta tal-kambju;

k = fattur ta' riskju partikolari tal-kambju;

FX_k = il-valur tal-fattur ta' riskju;

▼C8

V_i (.) = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-istrument i; u

▼M8

y, z = fatturi ta' riskju minbarra FX_k fil-mudell tal-ipprezzar tal-istrument i.

▼M8

Artikolu 325s

Sensittivitajiet għar-riskju vega

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività għar-riskju vega ta' opzjoni għal fattur ta' riskju partikolari k kif ġej:

▼M17

$$s_k = \frac{V_i(1{,}01 \cdot vol_k, x, y) - V_i(vol_k, x, y)}{0{,}01}$$

▼M8

fejn:

s_k = is-sensittività għar-riskju vega ta' opzjoni;

k = fattur ta' riskju vega speċifiku, li jikkonsisti f'volatilità implikata;

vol_k = il-valur ta' dak il-fattur ta' riskju, li għandu jkun espress bħala perċentwal; u

x,y = fatturi ta' riskju minbarra vol_k fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i.

2. Fil-każ ta' klassijiet tar-riskju fejn il-fatturi ta' riskju vega għandhom dimensjoni ta' maturità, iżda fejn ir-regoli biex jiġu kklassifikati l-fatturi ta' riskju mhumiex applikabbli għaliex l-opzjonijiet m'għandhomx maturità, l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw dawk il-fatturi ta' riskju għall-itwal maturità preskritta. Dawk l-opzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għaż-żieda ta' riskji residwi.

3. Fil-każ ta' opzjonijiet li m'għandhomx prezz tal-eżerċitar jew barriera u opzjonijiet li għandhom prezzijiet tal-eżerċitar jew barrieri multipli, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-klassifikazzjoni għall-prezzijiet tal-eżerċitar u l-maturità użati internament mill-istituzzjoni biex tipprezza l-opzjoni. Dawk l-opzjonijiet għandhom ikunu soġġetti wkoll għas-suppliment tar-riskji residwi.

4. L-istituzzjonijiet m'għandhomx jikkalkulaw ir-riskju vega għas-segmenti tat-titolizzazzjoni inklużi fl-ACTP, kif imsemmija fl-Artikolu 325(6), (7) u (8) li m'għandhomx volatilità implikata. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju delta u tal-kurvatura għandhom jinħadmu għal dawk is-segmenti tat-titolizzazzjoni.

Artikolu 325t

Rekwiżiti dwar komputazzjonijiet tas-sensittività

1. L-istituzzjonijiet għandhom jidderivaw sensittivitajiet mill-mudelli tal-ipprezzar tal-istituzzjoni li jservu bħala bażi għar-rappurtar tal-profitt u t-telf lill-maniġment superjuri, permezz tal-formuli stabbiliti f'din is-Subtaqsima.

▼M17

Permezz ta' deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li istituzzjoni li ngħatat il-permess tuża l-approċċ tal-mudell intern alternattiv stabbilit fil-Kapitolu 1b tuża l-funzjonijiet ta' pprezzar tas-sistema tal-kalkolu tar-riskji tal-approċċ ibbażat fuq mudelli interni tagħhom fil-kalkolu ta' sensittivitajiet skont dan il-Kapitolu għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' kalkolu u ta' rapportar stabbiliti fl-Artikolu 325(3).

▼M8

2. Meta jikkalkulaw is-sensittivitajiet għar-riskju delta tal-istrumenti b'opzjonalità kif imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 325e(2), l-istituzzjonijiet jistgħu jassumu li l-fatturi ta' riskju ta' volatilità implikata jibqgħu kostanti.

3. Meta jikkalkulaw is-sensittivitajiet għar-riskju vega tal-istrumenti b'opzjonalità kif imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 325e(2), għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għar-riskju ġenerali fir-rata tal-imgħax u r-riskju ta' firxa tal-kreditu, l-istituzzjonijiet għandhom jassumu, għal kull munita, li s-sottostanti tal-fatturi ta' riskju ta' volatilità li għalihom huwa kkalkulat ir-riskju vega jew isegwu distribuzzjoni lognormali jew normali fil-mudelli ta' pprezzar użati għal dawk l-istrumenti;

(b) għal riskju ta' ekwità, riskju ta' komodità u riskju tal-kambju, l-istituzzjonijiet għandhom jassumu li s-sottostanti tal-fatturi ta' riskju ta' volatilità li għalihom huwa kkalkulat ir-riskju vega jsegwu distribuzzjoni lognormali fil-mudelli ta' pprezzar użati għal dawk l-istrumenti.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet kollha ħlief għas-sensittivitajiet għall-aġġustamenti tal-valwazzjoni tal-kreditu.

5. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, soġġetta għall-permess mill-awtoritajiet kompetenti, istituzzjoni tista' tuża definizzjonijiet alternattivi ta' sensittivitajiet għar-riskju delta fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ta' pożizzjoni ta' portafoll tan-negozjar skont dan il-Kapitolu, dment li l-istituzzjoni tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼M17

(a) dawk id-definizzjonijiet alternattivi huma użati għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju intern jew għar-rapportar tal-profitti u t-telf lill-maniġment superjuri minn unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji f'istituzzjoni;

▼M8

(b) l-istituzzjoni turi li dawk id-definizzjonijiet alternattivi huma aktar xierqa biex ikopru s-sensittivitajiet għall-pożizzjoni milli l-formoli stabbiliti f'din is-Subtaqsima u li s-sensittivitajiet li jirriżultaw ma jvarjawx materjalment minn dawk il-formoli.

▼M8

6. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, soġġetta għall-permess mill-awtoritajiet kompetenti, istituzzjoni tista' tikkalkula sensittivitajiet vega abbażi ta' trasformazzjoni lineari ta' definizzjonijiet alternattivi fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ta' pożizzjoni ta' portafoll tan-negozjar skont dan il-Kapitolu, dment li l-istituzzjoni tissodisfa ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M17

(a) dawk id-definizzjonijiet alternattivi huma użati għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju intern jew għar-rapportar tal-profitti u t-telf lill-maniġment superjuri minn unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji f'istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni turi li dawk id-definizzjonijiet alternattivi huma aktar xierqa biex jispjegaw is-sensittivitajiet għall-pożizzjoni milli huma l-formuli stabbiliti f'din is-Subtaqsima, li t-trasformazzjoni lineari msemmija fl-ewwel subparagrafu tirrifletti sensittività għar-riskju vega, u li s-sensittivitajiet li jirriżultaw ma jvarjawx materjalment minn dawk li japplikaw dawk il-formuli.

▼M8

Taqsima 4

Suppliment tar-riskju residwu

Artikolu 325u

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji residwi

1. Minbarra r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fit-Taqsima 2, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għal strumenti esposti għal riskji residwi f'konformità ma' dan l-Artikolu.

2. L-istrumenti jkunu meqjusa esposti għal riskji residwi meta jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istrument jirreferi għal sottostanti eżotiku, li, għall-iskopijiet ta' dan il-Kapitolu, tfisser strument ta' portafoll ta' negozjar li jirreferi għal skopertura sottostanti li mhix fl-ambitu tat-trattamenti tar-riskju delta, vega jew kurvatura skont il-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet stabbilit fit-Taqsima 2 jew ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza stipulat fit-Taqsima 5;

(b) l-istrument huwa strument li għandu riskji residwi oħra, li, għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, tfisser kwalunkwe waħda minn dawn l-istrumenti li ġejjin:

(i) l-istrumenti li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju vega u kurvatura taħt il-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet stipulat fit-Taqsima 2 u jiġġenera gwadanji li ma jistgħux jiġu replikati bħala kombinazzjoni lineari definita ta' opzjonijiet vanilla b'biċċa ekwità sottostanti unika, prezz tal-komoditajiet, rata tal-kambju, prezz ta' bond, prezz ta' swap ta' inadempjenza ta' kreditu jew swap tar-rati tal-imgħax;

▼M8

(ii) l-istrumenti li huma pożizzjonijiet li huma inklużi fl-ACTP imsemmija fl-Artikolu 325(6); iħħeġġjar li huma inklużi fl-ACTP, kif imsemmi fl-Artikolu 325(8), m'għandux jitqies.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 bħala s-somma tal-ammonti nozzjonali grossi tal-istrumenti msemmija fil-paragrafu 2 multiplikata bil-piżijiet tar-riskju li ġejjin:

(a) 1,0 % fil-każ ta' strumenti msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2;

(b) 0,1 % fil-każ ta' strumenti msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-istituzzjoni m'għandhiex tapplika r-rekwiżit ta' fondi proprji għal riskji residwi għal strument li jissodisfa kwalunkwe waħda minn dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istrument ikun elenkat fuq borża rikonoxxuta;

(b) l-istrument huwa eliġibbli għall-ikklerjar ċentrali f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(c) l-istrument ipaċi b'mod perfett ir-riskju tas-suq ta' pożizzjoni oħra fil-portafoll tan-negozju, f'liema każ iż-żewġ pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar li jaqblu perfettament għandhom jiġu eżentati mir-rekwiżit ta' fondi proprji għal riskji residwi.

▼M17

4a. B'deroga mill-paragrafu 1, sal-31 ta' Diċembru 2032, istituzzjoni ma għandhiex tapplika r-rekwiżit ta' fondi proprji għal riskji residwi għal strumenti li għandhom l-għan biss li jiħħeġġjaw ir-riskju tas-suq ta' pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar li jiġġeneraw rekwiżit ta' fondi proprji għal riskji residwi u li huma soġġetti għall-istess tip ta' riskji residwi bħall-pożizzjonijiet li jiħħeġġjaw.

L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess biex jiġi applikat it-trattament imsemmi fl-ewwel subparagrafu jekk l-istituzzjoni tista' turi fuq bażi kontinwa għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti li l-istrumenti jikkonformaw mal-kriterji li għandhom jiġu ttrattati bħala pożizzjonijiet ta' ħħeġġjar.

L-istituzzjoni għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti r-riżultat tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji residwi għall-istrumenti kollha li għalihom tiġi applikata d-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu.

▼M8

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġi speċifikat x'inhu sottostanti eżotiku u liema strumenti huma strumenti li għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika għandhom riskji residwi oħra għall-finijiet tal-paragrafu 2.

▼M8

Meta tiżviluppa dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, l-ABE għandha teżamina jekk ir-riskju ta' lonġevità, it-temp, id-diżastri naturali u l-volatilità rrealizzata fil-futur għandhomx jitqiesu bħala sottostanti eżotiċi.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2021.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

6. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kriterji li l-istituzzjonijiet għandhom jużaw biex jidentifikaw il-pożizzjonijiet li jikkwalifikaw għad-deroga msemmija fil-paragrafu 4a. Dawk il-kriterji għandhom jinkludu, mill-inqas, in-natura tal-istrumenti msemmija f'dak il-paragrafu, il-profitt u t-telf nett tal-pożizzjonijiet ikkombinati, is-sensittivitajiet tal-pożizzjonijiet ikkombinati u r-riskji li jibqgħu mhux iħħeġġjati fil-pożizzjonijiet ikkombinati, filwaqt li titqies b'mod partikolari l-possibbiltà li l-pożizzjoni oriġinali tista' tiġi ħħeġġjata b'ammont parzjali.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2024.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. Sal-31 ta' Diċembru 2029, l-EBA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar l-impatt tal-applikazzjoni tat-trattament imsemmi fil-paragrafu 4a. Abbażi tas-sejbiet ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, fejn xieraq, proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex ittawwal it-trattament imsemmi f'dak il-paragrafu.

▼M8

Taqsima 5

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza

Artikolu 325v

Definizzjonijiet u dispożizzjonijiet ġenerali

1. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

▼M8

(a) “skopertura qasira” tfisser li l-inadempjenza ta' emittent jew grupp ta' emittenti twassal għal gwadann għall-istituzzjoni, irrispettivament mit-tip ta' strument jew tranżazzjoni li toħloq l-iskopertura;

(b) “skopertura twila” tfisser li l-inadempjenza ta' emittent jew grupp ta' emittenti twassal għal telf għall-istituzzjoni, irrispettivament mit-tip ta' strument jew tranżazzjoni li toħloq l-iskopertura;

(c) “l-ammont gross ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija (gross JTD)” tfisser id-daqs stmat tat-telf jew tal-profitt li l-inadempjenza tal-obbligant tipproduċi għal skopertura speċifika;

(d) “l-ammont nett ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija (JTD net)” tfisser id-daqs stmat tat-telf jew tal-profitt li ġġarrab istituzzjoni minħabba l-inadempjenza ta' obbligant, wara li tkun saret it-tpaċija bejn l-ammonti grossi ta' JTD,

(e) “telf fil-każ ta' inadempjenza” jew “LGD” huwa t-telf fil-każ ta' inadempjenza tal-obbligant fuq strument maħruġ minn dan l-obbligant espress bħala ammont nozzjonali tal-istrument;

(f) “piż tar-riskju ta' inadempjenza” tfisser il-perċentwal li jirrappreżenta l-probabbiltà stmati tal-inadempjenza ta' kull obbligant, f'konformità mal-affidabbiltà kreditizja ta' dak l-obbligant.

2. Ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għandhom japplikaw għal strumenti tad-dejn u tal-ekwità, għal strumenti derivattivi li jkollhom dawk l-istrumenti bħala sottostanti u għal derivattivi, li l-gwadanji jew il-valuri ġusti tagħhom huma affettwati mill-inadempjenza ta' obbligant għajr il-kontroparti għall-istrument derivattiv innifsu. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' riskju ta' inadempjenza b'mod separat għal kull wieħed mit-tipi ta' strumenti li ġejjin: nontitolizzazzjonijiet, titolizzazzjonijiet li ma humiex inklużi fil-ACTP u titolizzazzjonijiet li huma inklużi fil-ACTP. Ir-rekwiżiti finali ta' fondi proprji sabiex ir-riskju ta' inadempjenza jiġi applikat mill-istituzzjoni għandhom ikunu s-somma ta' dawk it-tliet komponenti.

▼M17

3. Għal derivattivi ta' kreditu u tal-ekwità mhux ta' titolizzazzjoni nnegozjati, l-ammonti tal-JTD skont il-kostitwenti individwali għandhom jiġu ddeterminati bl-applikazzjoni ta' approċċ ta' trasparenza.

▼M8

Subtaqsima 1

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għal nontitolizzazzjonijiet

Artikolu 325w

Ammonti grossi ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti grossi ta' JTD għal kull skopertura twila għall-istrumenti tad-dejn kif ġej:

▼M8

$$JTD_{twila} = massimu\{LGD\ V_{nozzjonali} + P\&L_{twil} + Aġġustament_{twil};\ 0\}$$

fejn:

JTD_{twila} = l-ammont gross ta' JTD għall-iskopertura twila;

▼C8

$V_{nozzjonali}$ = l-ammont nozzjonali tal-istrument li minnu tiġi l-iskopertura;

$P\&L_{twil}$ = terminu li jaġġusta għall-profitt jew it-telf diġà meqjusa mill-istituzzjoni minħabba tibdil fil- valur ġust tal-istrument li joħloq l-iskopertura twila; il-profitt għandu jidħol fil-formula b'sinjal pożittiv u t-telf għandu jidħol fil-formola b'sinjal negattiv; u

$Aġġustament_{twil}$ = fejn l-istrumenti li minnu tiġi l-iskopertura huwa strument derivattiv, l-ammont li bih, minħabba l-istruttura tal-istrument derivattiv, it-telf tal-istituzzjoni fil-każ ta' inadempjenza jiżdied jew jitnaqqas b'mod relattiv għat-telf sħiħ fuq l-istrument sottostanti; iż-żidiet għandhom jidħlu fil-formula b'sinjal pożittiv u t-tnaqqis għandu jidħol fil-formola b'sinjal negattiv.

▼M8

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti grossi ta' JTD għal kull skopertura qasira għall-istrumenti tad-dejn kif ġej:

$$JTD_{qasir} = \min\{LGD\ V_{notional} + P\&L_{qasir} + Aġġustament_{qasir};\ 0\}$$

fejn:

JTD_{qasir} = l-ammont gross ta' JTD għall-iskopertura qasira;

▼C8

$V_{notional}$ = l-ammont nozzjonali tal-istrument li minnu tiġi l-iskopertura li għandu jidħol fil-formula b'sinjal negattiv;

$P\&L_{qasir}$ = terminu li jaġġusta għall-profitt jew it-telf diġà meqjusa mill-istituzzjoni minħabba tibdil fil-valur ġust tal-istrument li joħloq l-iskopertura qasira; il-profitt għandu jidħol fil-formula b'sinjal pożittiv u t-telf għandu jidħol fil-formula b'sinjal negattiv; u

$Aġġustament_{qasir}$ = fejn l-istrumenti li minnu tiġi l-iskopertura huwa strument derivattiv, l-ammont li bih, minħabba l-istruttura tal-istrument derivattiv, il-profitt tal-istituzzjoni fil-każ ta' inadempjenza jiżdied jew jitnaqqas b'mod relattiv għat-telf sħiħ fuq l-istrument sottostanti; it-tnaqqis għandu jidħol fil-formola b'sinjal pożittiv u ż-żidiet għandhom jidħlu fil-formola b'sinjal negattiv.

▼M8

3. Għall-finijiet tal-kalkolu stabbilit fil-paragrafi 1 u 2, l-LGD għall-istrumenti tad-dejn li għandu jiġi applikat mill-istituzzjonijiet għandu jkun dan li ġej:

(a) skoperturi għal strumenti tad-dejn mhux superjuri għandhom jiġu assenjati LGD ta' 100 %;

▼M8

(b) skoperturi għal strumenti tad-dejn superjuri għandhom jiġu assenjati LGD ta' 75 %;

(c) skoperturi għal bonds koperti, kif imsemmi fl-Artikolu 129, għandhom jiġu assenjati LGD ta' 25 %.

▼C8

4. Għall-finijiet tal-kalkoli stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2, l-ammonti nozzjonali għandhom jiġu determinati kif ġej:

(a) fil-każ ta' bond, l-ammont nozzjonali huwa l-valur nominali tal-bond;

(b) fil-każ ta' opzjoni ta' put mibjugħa fuq bond, l-ammont nozzjonali huwa l-ammont nozzjonali tal-opzjoni; fil-każ ta' opzjoni ta' call mixtrija fuq bond, l-ammont nozzjonali huwa ta' 0.

5. Għall-iskoperturi għal strumenti tal-ekwità, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti grossi ta' JTD kif ġej:

JTD_{twil} = massimu {LGD · $V_{nozzjonali}$ + $P\&L_{twil}$ + $Adjustment_{twil}$; 0}

JTD_{qasir} = minimu {LGD · $V_{nozzjonali}$ + $P\&L_{qasir}$ + $Adjustment_{qasir}$; 0}

fejn:

JTD_{twil} = l-ammont gross ta' JTD għall-iskopertura twila;

$V_{nozzjonali}$ = l-ammont nozzjonali tal-istrument li minnu tiġi l-espożizzjoni; l-ammont nozzjonali huwa l-valur ġust tal-ekwità għal strumenti tal-ekwità ta' flus; għall-formola JTD_{qasir}, l-ammont nozzjonali tal-istrument għandu jidħol fil-formola b'sinjal negattiv;

$P\&L_{twil}$ = terminu li jaġġusta għall-profitt jew it-telf diġà meqjusa mill-istituzzjoni minħabba tibdil fil-valur ġust tal-istrument li joħloq l-iskopertura twila; il-profitt għandu jidħol fil-formula b'sinjal pożittiv u t-telf b'sinjal negattiv;

$Aġġustament_{twil}$ = l-ammont li bih, minħabba l-istruttura tal-istrument derivattiv, it-telf tal-istituzzjoni fil-każ ta' inadempjenza jiżdied jew jitnaqqas b'mod relattiv għat-telf sħiħ fuq l-istrument sottostanti; iż-żidiet għandhom jidħlu fil-formola b'sinjal pożittiv u t-tnaqqis għandu jidħol fil-formola b'sinjal negattiv;

JTD_{qasir} = l-ammont gross ta' JTD għall-iskopertura qasira;

$P\&L_{qasir}$ = terminu li jaġġusta għall-profitt jew it-telf diġà meqjusa mill-istituzzjoni minħabba tibdil fil-valur ġust tal-istrument li joħloq l-iskopertura qasira; il-profitt għandu jidħol fil-formula b'sinjal pożittiv u t-telf għandu jidħol fil-formula b'sinjal negattiv; u

▼C8

$Aġġustament_{qasir}$ = l-ammont li bih, minħabba l-istruttura tal-istrument derivattiv, il-profitt tal-istituzzjoni fil-każ ta' inadempjenza jiżdied jew jitnaqqas b'mod relattiv għat-telf sħiħ fuq l-istrument sottostanti; it-tnaqqis għandu jidħol fil-formola b'sinjal pożittiv u ż-żidiet għandhom jidħlu fil-formola b'sinjal negattiv.

▼M8

6. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw LGD ta' 100 % għal strumenti tal-ekwità għall-finijiet tal-kalkolu stabbilit fil-paragrafu 5.

7. Fil-każ ta' skoperturi għar-riskju ta' inadempjenza li jirriżulta minn strumenti derivattivi li l-gwadanji tagħhom fil-każ ta' inadempjenza tal-obbligant mhumiex relatati mal-ammont nozzjonali ta' strument speċifiku maħruġ minn dan l-obbligant jew għal-LGD tal-obbligant jew strument maħruġ minn dan l-obbligant, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw metodoloġiji alternattivi biex jistmaw l-ammonti grossi ta' JTD.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

▼C8

(a) kif l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-komponenti $P\&L_{twil}$, $P\&L_{qasir}$, $Aġġustament_{twil}$ u $Aġġustament_{qasir}$ meta jikkalkulaw l-ammonti ta' JTD għat-tipi differenti ta' strumenti f'konformità ma' dan l-Artikolu;

▼M8

(b) li metodoloġiji alternattivi iridu jużaw l-istituzzjonijiet għall-finijiet tal-istima tal-ammonti grossi ta' JTD imsemmija fil-paragrafu 7.

(c) l-ammonti nozzjonali ta' strumenti minbarra dawk li jissemmew fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 4.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2021.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 325x

Ammonti netti ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti netti ta' JTD billi jpaċu l-ammonti grossi ta' JTD ta' skoperturi qosra u skoperturi twal. It-tpaċija għandha tkun possibbli bejn skoperturi għall-istess obbligant meta l-iskoperturi qosra jkollhom l-istess superjorità bħal, jew superjorità iktar baxxa, l-iskoperturi twal.

2. It-tpaċija għandha tkun sħiħa jew parzjali skont il-maturitajiet tal-iskoperturi ta' tpaċija:

▼M8

(a) it-tpaċija għandha tkun sħiħa meta l-iskoperturi kollha ta' tpaċija jkollhom maturitajiet ta' sena jew iktar.

(b) it-tpaċija għandha tkun parzjali meta tal-inqas waħda mill-iskoperturi ta' tpaċija jkollha maturità ta' inqas minn sena, f'liema każ, id-daqs tal-ammont ta' JTD ta' kull skopertura b'maturità ta' inqas minn sena għandu jiġi multiplikat bil-proporzjon tal-maturità tal-iskopertura relattiv għal sena.

3. Meta t-tpaċija ma tkunx possibbli l-ammonti grossi ta' JTD għandhom ikunu ugwali għall-ammonti netti ta' JTD fil-każ ta' skoperturi b'maturitajiet ta' sena jew iktar. L-ammonti grossi ta' JTD b'maturitajiet ta' inqas minn sena għandhom jiġu multiplikati bil-proporzjon tal-maturità tal-iskopertura relattiv għal sena, b'minimu ta' tliet xhur, biex jiġu kkalkulati l-ammonti netti ta' JTD.

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, pjuttost għandhom jiġu kkunsidrati l-maturitajiet tal-kuntratti tad-derivattivi milli dawk tas-sottostanti tagħhom. L-iskoperturi għall-ekwità ta' flus għandhom jiġu assenjati maturità ta' sena jew ta' tliet xhur, skont id-diskrezzjoni tal-istituzzjoni.

▼M17

5. Meta t-termini kuntrattwali jew legali ta' pożizzjoni tad-derivattivi li jkollha strument ta' dejn jew ta' flus ta' ekwità bħala sottostanti, u ħħeġġjati b'dak l-istrument ta' dejn jew ta' flus ta' ekwità, jippermettu lil istituzzjoni tagħlaq iż-żewġ komponenti ta' dik il-pożizzjoni fiż-żmien tal-iskadenza tal-ewwel li jimmatura miż-żewġ komponenti mingħajr ebda skopertura għar-riskju ta' inadempjenza tas-sottostanti, l-ammont nett ta' inadempjenza immedjata tal-pożizzjoni kkombinata għandu jiġi stabbilit għal żero.

▼M8

Artikolu 325y

Kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza

1. L-ammonti netti ta' JTD, irrispettivament mit-tip ta' kontroparti, għandhom jiġu mmultiplikati bil-piżijiet tar-riskju ta' inadempjenza li jikkorrispondu mal-kwalità kreditizja tagħhom kif speċifikat fit-Tabella 2:

Tabella 2

Kategorija tal-kwalità kreditizja	Piż tar-riskju ta' inadempjenza
L-ewwel skala tal-kwalità kreditizja	0.5 %
It-tieni skala tal-kwalità kreditizja	3 %
It-tielet skala tal-kwalità kreditizja	6 %
Ir-raba' skala tal-kwalità kreditizja	15 %
Il-ħames skala tal-kwalità kreditizja	30 %
Is-sitt skala tal-kwalità kreditizja	50 %
Mhux klassifikati	15 %
Inadempjenti	100 %

2. L-iskoperturi li kienu jirċievu piż tar-riskju ta' 0 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II għandhom jirċievu piż tar-riskju ta' inadempjenza ta' 0 % għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza.

▼M8

3. L-ammonti netti ta' JTD ippeżati għandhom ikunu allokati lill-buckets segwenti: kumpaniji, sovrani, u gvernijiet/muniċipalitajiet lokali.

4. L-ammonti netti ta' JTD ippeżati għandhom jiġu aggregati f'kull bucket f'konformità mal-formula li ġejja:

$$DRC_b = \max \{(\Sigma_{i \in Long} RW_i \cdot \text{net JTD}_i) - WtS \cdot (\Sigma_{i \in Short} RW_i |\text{net JTD}_i|); 0\}$$

fejn:

DRC_b = ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għall-bucket b;

i = l-indiċi li jindika strument li jappartjeni għall-bucket b;

RW_i = il-piż tar-riskju; u

WtS = proporzjon li jirrikonoxxi benefiċċju għar-relazzjonijiet tal-iħħeġġjar f'bucket, li għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$WtS = \frac{\sum \text{netJTD}_{long}}{\sum \text{netJTD}_{long} + \sum |\text{netJTD}_{short}|}$$

Għall-finijiet tal-kalkolu tad-DRC_b u l-WtS, il-pożizzjonijiet twal u qosra għandhom jiġu aggregati għall-pożizzjonijiet kollha f'bucket irrispettivament mill-iskala tal-kwalità kreditizja li għaliha jkunu ġew allokati dawk il-pożizzjonijiet, biex jipproduċu r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza speċifiċi għall-bucket.

5. Ir-rekwiżit finali ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għan-nontitolizzazzjonijiet għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma sempliċi tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fil-livell tal-bucket.

▼M17

6. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, skopertura għandha tiġi assenjata l-kategorija tal-kwalità kreditizja li tikkorrispondi għall-kategorija tal-kwalità kreditizja li tkun assenjata skont l-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 2.

▼M8

Subtaqsima 2

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għal titolizzazzjonijiet mhux inklużi fl-Actp

Artikolu 325z

Ammonti ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija

1. L-ammonti grossi ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni għandhom ikunu l-valur tas-suq tagħhom jew, jekk ma jkunx disponibbli l-valur tas-suq tagħhom, il-valur ġust tagħhom determinat skont il-qafas kontabilistiku applikabbli.

▼M8

2. L-ammonti netti ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija għandhom jiġu ddeterminati bit-tpaċija ta' ammonti grossi twal ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija ammonti grossi qosra ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija. It-tpaċija għandha tkun possibbli biss bejn skoperturi ta' titolizzazzjoni bl-istess pool ta' assi sottostanti u li jappartjenu għall-istess segment. M'għandha tkun permessa l-ebda tpaċija bejn skoperturi ta' titolizzazzjoni b'pools ta' assi sottostanti differenti, anke meta l-punti ta' attakkament u ta' distakkament huma l-istess.

3. Meta, permezz ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni eżistenti li jitqassmu jew li jiġu kkombinati, skoperturi ta' titolizzazzjoni eżistenti oħra jistgħu jiġu replikati b'mod perfett, ħlief għad-dimensjoni tal-maturità, l-iskoperturi li jirriżultaw minn dak it-tqassim jew mill-kombinament jistgħu jintużaw minflok skoperturi ta' titolizzazzjoni eżistenti għall-finijiet tat-tpaċija.

4. Meta, permezz ta' skoperturi eżistenti f'ismijiet sottostanti li jitqassmu jew li jiġu kkombinati, l-istruttura kollha tas-segment ta' skopertura ta' titolizzazzjoni eżistenti tista' tiġi replikata b'mod perfett, l-iskoperturi li jirriżultaw minn dak it-tqassim jew mill-kombinament jistgħu jintużaw minflok l-iskoperturi ta' titolizzazzjoni eżistenti għall-finijiet tat-tpaċija. Meta l-ismijiet sottostanti jintużaw b'dan il-mod, dawn għandhom jitneħħew mit-trattament ta' riskju ta' inadempjenza tan-nontitolizzazzjoni.

5. L-Artikolu 325x għandu japplika kemm għal skoperturi ta' titolizzazzjoni eżistenti kif ukoll għal skoperturi ta' titolizzazzjoni użati skont il-paragrafu 3 jew 4 ta' dan l-Artikolu. Il-maturitajiet rilevanti għandhom ikunu dawk tas-segmenti ta' titolizzazzjoni.

Artikolu 325aa

Kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għal titolizzazzjonijiet

1. L-ammonti netti ta' JTD għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni għandhom jiġu mmultiplikati bi 8 % tal-piż tar-riskju li japplika għall-iskopertura ta' titolizzazzjoni rilevanti, inkluż it-titolizzazzjonijiet STS, fil-portafoll mhux tan-negozjar skont il-ġerarkija ta' approċċi stabbiliti fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu II u irrispettivament mit-tip ta' kontroparti.

2. Maturità ta' sena għandha tiġi applikata għas-segmenti kollha, fejn il-piżijiet ta' riskju huma kkalkulati f'konformità mas-SEC-IRBA u s-SEC-ERBA.

3. L-ammonti ta' JTD ippeżati għar-riskju għal skoperturi ta' titolizzazzjoni ta' flus individwali għandhom ikunu limitati għall-valur ġust tal-pożizzjoni.

4. L-ammonti netti ta' JTD ippeżati għar-riskju għandhom jiġu assenjati għall-buckets li ġejjin:

(a) bucket komuni wieħed għall-kumpaniji kollha, irrispettivament mir-reġjun;

(b) 44 buckets differenti li jikkorrispondu għal bucket wieħed għal kull reġjun għal kull waħda mill-ħdax-il klassi tal-assi ddefiniti fit-tieni subparagrafu.

▼M8

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-11-il klassi tal-assi huma ABCP, self/leases għal karozzi, titoli abbażi ta' ipoteki residenzjali (RMBS), karti tal-kreditu, titoli abbażi ta' ipoteka kummerċjali (CMBS), obbligi fuq self kollateralizzat, obbligu kwadrat ta' dejn kollateralizzat (CDO kwadrat), intrapriżi żgħar u ta' daqs medju ("SMEs"), self għall-istudenti, bejgħ bl-imnut ieħor, bejgħ bl-ingrossa ieħor. L-erba' reġjuni huma l-Asja, l-Ewropa, l-Amerka ta' Fuq, u l-bqija tad-dinja.

5. Sabiex tiġi assenjata skopertura ta' titolizzazzjoni għal bucket, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq klassifikazzjoni użata b'mod komuni fis-suq. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull skopertura ta' titolizzazzjoni għal bucket wieħed biss imsemmija fil-paragrafu 4. Kwalunkwe skopertura ta' titolizzazzjoni li l-istituzzjoni ma tkunx tista' tassenja għal bucket għal klassi ta' assi jew reġjun għandha tiġi assenjata għall-klassi ta' assi "bl-imnut oħrajn", "bl-ingrossa oħrajn" jew għall-bqija tad-dinja, rispettivament.

6. L-ammonti netti ppeżati ta' JTD għandhom jiġu aggregati f'kull bucket bl-istess mod bħar-riskju ta' inadempjenza ta' skoperturi ta' nontitolizzazzjoni, bl-użu tal-formula fl-Artikolu 325y(4), li tirriżulta fir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għal kull bucket.

7. Ir-rekwiżit finali ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għal titolizzazzjonijiet mhux inklużi fl-Actp għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma sempliċi tar-rekwiżiti ta' fondi proprji fil-livell tal-bucket.

Subtaqsima 3

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għal titolizzazzjonijiet inklużi fl-ACTP

Artikolu 325ab

Kamp ta' applikazzjoni

1. Għall-ACTP, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għandhom jinkludu r-riskju ta' inadempjenza għal skoperturi ta' titolizzazzjoni u għall-iħħeġġjar mhux tat-titolizzazzjoni. Dak l-iħħeġġjar għandu jitneħħa mill-kalkoli tar-riskju ta' inadempjenza għan-nontitolizzazzjoni. M'għandux ikun hemm benefiċċju ta' diversifikazzjoni bejn rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għan-nontitolizzazzjonijiet, rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għal titolizzazzjonijiet mhux inklużi fl-Actp u rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għal titolizzazzjonijiet inklużi fl-Actp.

▼M17

_____

▼M8

Artikolu 325ac

Ammonti ta' inadempjenza immedjata u mhux mistennija għall-ACTP

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(a) "tqassim permezz ta' mudell tal-valutazzjoni" tfisser li kostitwent b'isem uniku ta' titolizzazzjoni huwa vvalutat bħala d-differenza bejn il-valur mhux kondizzjonat tat-titolizzazzjoni u l-valur kondizzjonat tat-titolizzazzjoni fuq is-suppożizzjoni li dak l-isem uniku jfalli b'LGD ta' 100 %;

▼M8

(b) “replikazzjoni” tfisser li l-kombinament ta' segmenti individwali tal-indiċi ta' titolizzazzjoni huma kkombinati biex jirreplikaw segment ieħor tal-istess serje tal-indiċi, jew biex jirreplikaw pożizzjoni mhux segmentata fis-serje tal-indiċi;

(c) “tqassimchar” tfisser ir-replikazzjoni ta' indiċi b'titolizzazzjoni li tagħha l-iskoperturi sottostanti fil-pool huma identiċi għall-iskoperturi ta' isem uniku li jagħmlu l-indiċi.

2. L-ammonti grossi ta' JTD għall-iskoperturi ta' titolizzazzjoni u l-iskoperturi mhux ta' titolizzazzjoni fil-PNK għandhom ikunu l-valur tas-suq tagħhom jew, jekk ma jkunx disponibbli l-valur tas-suq tagħhom, il-valur ġust tagħhom determinat skont il-qafas kontabilistiku applikabbli.

3. Il-prodotti li fihom ikun hemm nuqqas $N^{eżmu}$ tal-obbligi għandhom jiġu ttrattati bħala prodotti ssegmentati bil-punti ta' attakkament u distakkament li ġejjin:

(a) punt ta' attakkament = (N – 1) / Ismijiet Totali;

(b) punt ta' distakkament = N / Ismijiet Totali;

fejn “Ismijiet Totalichar” għandu jkun in-numru totali ta' ismijiet fil-basket jew fil-pool sottostanti.

4. L-ammonti netti ta' JTD u mhux mistennija għandhom jiġu ddeterminati bit-tpaċija ta' ammonti grossi twal ta' JTD u mhux mistennija ammonti grossi qosra ta' JTD u mhux mistennija. It-tpaċija għandha tkun possibbli biss bejn skoperturi li mill-bqija huma identiċi ħlief għall-maturità. It-tpaċija għandha tkun possibbli biss kif ġej:

(a) għal indiċijiet, segmenti tal-indiċi u segmenti personalizzati, it-tpaċija għandha tkun possibbli fost maturitajiet fl-istess familja tal-indiċi, serje u segment, soġġett għad-dispożizzjonijiet dwar l-iskoperturi ta' inqas minn sena stabbiliti fl-Artikolu 325x; l-ammonti JTD grossi twal u l-ammonti JTD gross qosra li huma replikazzjonijiet perfetti jistgħu jkunu paċuti permezz ta' tqassim fi skoperturi ekwivalenti b'isem uniku bl-użu ta' mudell tal-valutazzjoni; f'każijiet bħal dawn, is-somma tal-ammonti JTD gross ta' skoperturi ekwivalenti b'isem uniku miksuba permezz tat-tqassim għandha tkun ugwali għall-ammont JTD gross tal-iskopertura mhux imqassma;

(b) it-tpaċija permezz ta' tqassim kif stabbilit fil-punt (a) m'għandux ikun permess għar-rititolizzazzjonijiet jew derivattivi fuq it-titolizzazzjoni;

(c) għall-indiċi u s-segmenti tal-indiċi, it-tpaċija għandha tkun possibbli fost maturitajiet fl-istess familja tal-indiċi, serje u segment permezz ta' replikazzjoni jew permezz ta' tqassim; meta l-iskoperturi twal u l-iskoperturi qosra huma mill-bqija ekwivalenti ħlief għal komponent residwu wieħed, it-tpaċija għandha tkun permessa u l-ammont nett ta' JTD għandu jirrifletti l-iskopertura residwa;

(d) segmenti differenti tal-istess serje tal-indiċi, serje differenti tal-istess indiċi u familji tal-indiċi differenti ma jistgħux jintużaw biex ipaċu lil xulxin.

▼M8

Artikolu 325ad

Kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għall-ACTP

▼M17

1. L-ammonti netti ta' JTD għandhom jiġu mmoltiplikati bi:

(a) għal prodotti mhux issegmentati, il-piżijiet tar-riskju ta' inadempjenza li jikkorrispondu għall-kwalità kreditizja kif speċifikat fl-Artikolu 325y(1) u (2);

(b) għal prodotti ssegmentati, il-piżijiet tar-riskju ta' inadempjenza msemmija fl-Artikolu 325aa(1).

▼M8

2. L-ammonti netti ta' JTD ippeżati għar-riskju għandhom jiġu assenjati għal buckets li jikkorrispondu għal indiċi.

3. L-ammonti netti ta' JTD ippeżati għandhom jiġu aggregati f'kull bucket f'konformità mal-formula li ġejja:

▼M17

$$DRC_b = \sum_{i \in long} RW_i \cdot netJTD_i - WtS_{ACTP} \cdot \left(\sum_{i \in short} RW_i \cdot |netJTD_i| \right)$$

▼M8

fejn:

DRC_b = ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għall-bucket b;

i = strument li jappartjeni għall-bucket b; u

WtS_{ACTP} = il-proporzjon li jirrikonoxxi benefiċċju għal relazzjonijiet tal-iħħeġġjar fi ħdan bucket, li għandu jiġi kalkulat f'konformità mal-formula WtS stabbilita fl-Artikolu 325y(4), iżda bl-użu ta' pożizzjonijiet twal u pożizzjonijiet qosra fl-ACTP kollu kemm hu u mhux biss il-pożizzjonijiet fil-bucket partikolari.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għall-ACTP billi jużaw il-formula li ġejja:

▼C8

$$\mathbf{DRC_{ACTP} = \max\left\{\sum_b (\max\{DRC_b, 0\} + 0{,}5 \cdot \min\{DRC_b, 0\}); 0\right\}}$$

▼M8

fejn:

DRC_{ACTP} = ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza tal-ACTP; u

DRC_b = ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza għall-bucket b.

▼M8

Taqsima 6

Piżijiet u korrelazzjonijiet tar-riskju

Subtaqsima 1

Piżijiet u korrelazzjonijiet tar-riskju delta

Artikolu 325ae

Piżijiet tar-riskju għar-riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rati tal-imgħax

▼M12

1. Għal muniti mhux inklużi fl-iktar subkategorija likwida tal-muniti kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 325bd(7), il-piżijiet tar-riskju tas-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju tar-rata mingħajr riskju għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 3

Bucket	Maturità	Piżijiet tar-Riskju
1	0,25 snin	1,7 %
2	0,5 snin	1,7 %
3	sena	1,6 %
4	sentejn	1,3 %
5	3 snin	1,2 %
6	5 snin	1,1 %
7	10 snin	1,1 %
8	15-il sena	1,1 %
9	20 sena	1,1 %
10	30 sena	1,1 %

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw piż tar-riskju ta' 1,6 % għas-sensittivitajiet kollha tal-inflazzjoni u għall-fatturi tar-riskju bażi bejn il-muniti.

▼M17

3. Il-piżijiet tar-riskju tal-fatturi tar-riskju bbażati fuq il-muniti inklużi fis-subkategorija tal-munita l-aktar likwida kif imsemmi fl-Artikolu 325bd(7), il-punt (b), u fuq il-munita domestika tal-istituzzjoni għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) għall-fatturi ta' riskju tar-rata mingħajr riskju, il-piżijiet tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1, it-Tabella 3, ta' dan l-Artikolu, diviżi bi $\sqrt{2}$;

(b) għall-fattur tar-riskju tal-inflazzjoni u għall-fatturi tar-riskju bażi bejn muniti differenti, il-piżijiet tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu diviżi bi $\sqrt{2}$.

▼M8

Artikolu 325af

Korrelazzjonijiet intrabucket għar-riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

1. Bejn żewġ sensitivitajiet ippeżati ta' fatturi tar-riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax WS_k u WS_l fi ħdan l-istess bucket, u bl-istess maturità assenjata iżda li tikkorrispondi għal kurvi differenti, il-korrelazzjoni ρkl għandha tiġi stabbilita għal 99,90 %.

2. Bejn żewġ sensitivitajiet ippeżati ta' fatturi tar-riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax WS_k u WS_l fi ħdan l-istess bucket, li jikkorrispondu għall-istess kurva, iżda li jkollhom maturitajiet differenti, il-korrelazzjoni għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\max\left[e^{\left(-\theta \cdot \frac{|T_k - T_l|}{\min\{T_k;\ T_l\}}\right)};\ 40\ \%\right]$$

fejn:

T_k (rispettivament T_l) = il-maturità li tirrelata għar-rata mingħajr riskju;

θ = 3 %

3. Bejn żewġ sensitivitajiet ippeżati ta' fatturi tar-riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax WS_k u WS_l fi ħdan l-istess bucket, li jikkorrispondu għal kurvi differenti u li jkollhom maturitajiet differenti, il-korrelazzjoni ρ_{kl}għandha tkun ugwali għall-parametru ta' korrelazzjoni speċifikat fil-paragrafu 2 multiplikat b'99.90 %.

4. Bejn kwalunkwe sensittività ppeżata ta' fatturi tar-riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax WS_k u kwalunkwe sensittività ppeżata ta' fatturi ta' riskju tal-inflazzjoni WS_l, il-korrelazzjoni għandha tiġi stabbilita għal 40 %.

5. Bejn kwalunkwe sensittività ppeżata ta' fatturi ta' riskju tal-bażi ta' bejn il-muniti WS_k u kwalunkwe sensittività ppeżata partikolari ta' fatturi tar-riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax WS_l, inkluż fattur ta' riskju ieħor tal-bażi ta' bejn il-muniti, il-korrelazzjoni għandha tiġi stabbilita għal 0 %.

Artikolu 325ag

Korrelazzjonijiet bejn buckets għar-riskju ġenerali taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

1. Il-parametru γ_{bc} = 50 % għandu jintuża biex jaggrega l-fatturi tar-riskju li jappartjenu għal buckets differenti.

2. Il-parametru γ_{bc} = 80 % għandu jintuża biex jiġi aggregat fattur ta' riskju tar-rata tal-imgħax ibbażat fuq munita kif imsemmi fl-Artikolu 325av(3) u fattur ta' riskju tar-rata tal-imgħax ibbażat fuq l-ewro.

▼M8

Artikolu 325ah

Piżijiet tar-riskju għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu għan-nontitolizzazzjonijiet

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju ta' firxa tal-kreditu (mhux titolizzazzjonijiet) għandhom ikunu l-istess għall-maturitajiet kollha (0.5 ta' sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin) f'kull bucket fit-Tabella 4:

▼M12

Tabella 4

Numru tal-bucket	Kwalità tal-kreditu	Settur	Piż tar-riskju
1	Kollha	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, tal-Istati Membri	0,5 %
2	Skala 1 sa 3 tal-kwalità tal-kreditu	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, ta' pajjiż terz, il-banek ta' żvilupp multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 117(2) jew fl-Artikolu 118	0,5 %
3		L-awtorità reġjonali jew lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku	1,0 %
4		L-entitajiet tas-settur finanzjarju inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali u selliefa promozzjonali	5,0 %
5		Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, xogħol fil-minjieri u fil-barrieri	3,0 %
6		Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn	3,0 %
7		Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet	2,0 %
8		Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi	1,5 %
9		Bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri	1,0 %
10	Skala 1 tal-kwalità tal-kreditu	Bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi terzi	1,5 %
	Skala 2 sa 3 tal-kwalità tal-kreditu		2,5 %
11	Skala 4 sa 6 tal-kwalità tal-kreditu u mingħajr klassifikazzjoni	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, ta' pajjiż terz, il-banek ta' żvilupp multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 117(2) jew fl-Artikolu 118	2 %
12		L-awtorità reġjonali jew lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku	4,0 %
13		►M17 L-entitajiet tas-settur finanzjarju, inkluż l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, umutwanti promozzjonali u bonds koperti ◄	12,0 %
14		Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, xogħol fil-minjieri u fil-barrieri	7,0 %
15		Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn	8,5 %
16		Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet	5,5 %
17		Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi	5,0 %

▼M12

Numru tal-bucket	Kwalità tal-kreditu	Settur	Piż tar-riskju
18	Settur ieħor		12,0 %
19	Indiċijiet tal-kreditu kwotati b'maġġoranza tal-kostitwenti individwali tiegħu li jkollhom grad ta' investiment		1,5 %
20	Indiċijiet tal-kreditu kwotati b'maġġoranza tal-kostitwenti individwali tiegħu li jkollhom grad mhux ta' investiment jew mingħajr klassifikazzjoni		5 %

▼M17

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, skopertura għandha tiġi assenjata l-kategorija tal-kwalità kreditizja li tikkorrispondi għall-kategorija tal-kwalità kreditizja li tkun assenjata skont l-approċċ standardizzat għar-riskju ta' kreditu stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 2.

▼M8

2. Biex jassenjaw skopertura għar-riskju fil-konfromt ta' settur, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq klassifikazzjoni li tkun użata ta' spiss fis-suq għar-raggruppament ta' emittenti skont is-settur. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull emittent għal wieħed mill-buckets ta' settur fit-Tabella 4. L-iskoperturi għar-riskju minn kwalunkwe emittent li istituzzjoni ma tistax tassenja għal settur b'dan il-mod għandhom jiġu assenjati għall-bucket 18 fit-Tabella 4.

▼M17

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw skopertura għar-riskju ta' bond kopert mhux ikklassifikat għall-bucket 4 meta l-istituzzjoni li tkun ħarġet il-bond kopert ikollha l-iskala 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja.

▼M8

Artikolu 325ai

Korrelazzjonijiet intrabucket għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu għan-nontitolizzazzjonijiet

1. Il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} bejn żewġ sensittivitajiet WS_k u WS_l fl-istess bucket għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(isem)} \cdot \rho_{kl}^{(maturità)} \cdot \rho_{kl}^{(bażi)}$$

fejn

▼M17

$\rho_{kl}^{(isem)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet tas-sensitivitajiet k u l ikunu identiċi; għandha tkun ugwali għal 35 % meta ż-żewġ ismijiet tas-sensitivitajiet k u l ikunu fil-buckets minn 1 sa 18 fl-Artikolu 325ah(1), it-Tabella 4, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %

▼M8

$\rho_{kl}^{(maturità)}$ għandu jkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ punti tas-sensitivitajiet k u l ikunu identiċi, f'każijiet oħra għandha tkun ugwali għal 65 %; u

$\rho_{kl}^{(bażi)}$ għandu jkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ sensitivitajiet ikunu relatati mal-istess kurvi, f'każijiet oħra għandha tkun ugwali għal 99,90 %.

2. Il-parametri ta' korrelazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-bucket 18 imsemmi fit-Tabella 4 tal-Artikolu 325ah(1). Ir-rekwiżit kapitali għall-formula tal-aggregazzjoni tar-riskju delta fil-bucket 18 għandu jkun ugwali għas-somma tal-valuri assoluti tas-sensitivitajiet ippeżati netti allokati għal dak il-bucket:

▼M8

$$K_{b(\text{bucket } 18)} = \sum_{k} |WS_k|$$

Artikolu 325aj

Korrelazzjonijiet bejn il-buckets għar-riskju ta' firxiet tal-kreditu għan-nontitolizzazzjonijiet

Il-parametru ta' korrelazzjoni γ_{bc} li japplika għall-aggregazzjoni ta' sensitivitajiet bejn buckets differenti għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\gamma_{bc} = \gamma_{bc}^{(\text{klassifikazzjoni})} \cdot \gamma_{bc}^{(\text{settur})}$$

fejn:

▼M17

$\gamma_{bc}^{(\text{klassifikazzjoni})}$ għandha tkun ugwali għal:

(a) 1, meta l-buckets b u c ikunu l-buckets 1 sa 17 u ż-żewġ buckets ikollhom l-istess kategorija ta' kwalità kreditizja (jew skali minn 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja jew skali minn 4 sa 6 tal-kwalità kreditizja); inkella għandha tkun ugwali għal 50 %; għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, il-bucket 1 għandu jitqies li jappartjeni għall-istess kategorija ta' kwalità kreditizja bħal buckets li jinsabu fl-iskali minn 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja;

(b) 1, fejn jew il-bucket b jew c huwa l-bucket 18;

(c) 1, fejn il-bucket b jew c huwa l-bucket 19 u l-bucket l-ieħor għandu l-iskala minn 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja; inkella għandha tkun ugwali għal 50 %;

(d) 1, fejn il-bucket b jew c huwa l-bucket 20 u l-bucket l-ieħor għandu l-iskala minn 4 sa 6 tal-kwalità kreditizja; inkella għandha tkun ugwali għal 50 %;

▼M8

$\gamma_{bc}^{(\text{settur})}$ għandu jkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ buckets jappartjenu għall-istess settur, u f'każijiet oħra ugwali għall-perċentwal korrispondenti stabbilita fit-Tabella 5:

▼M12

Tabella 5

Bucket	1, 2 u 11	3 u 12	4 u 13	5 u 14	6 u 15	7 u 16	8 u 17	9 u 10	18	19	20
1, 2 u 11		75 %	10 %	20 %	25 %	20 %	15 %	10 %	0 %	45 %	45 %
3 u 12			5 %	15 %	20 %	15 %	10 %	10 %	0 %	45 %	45 %
4 u 13				5 %	15 %	20 %	5 %	20 %	0 %	45 %	45 %
5 u 14					20 %	25 %	5 %	5 %	0 %	45 %	45 %
6 u 15						25 %	5 %	15 %	0 %	45 %	45 %
7 u 16							5 %	20 %	0 %	45 %	45 %
8 u 17								5 %	0 %	45 %	45 %
9 u 10									0 %	45 %	45 %
18										0 %	0 %
19											75 %
20											

▼M8

Artikolu 325ak

Piżijiet tar-riskju għal titolizzazzjonijiet tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu inklużi fl-ACTP

Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju ta' firxa tal-kreditu għal titolizzazzjonijiet inklużi fl-ACTP għandhom ikunu l-istess għall-maturitajiet kollha (0,5 ta' sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin) f'kull bucket u għandhom jiġu speċifikati għal kull bucket fit-Tabella 6 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 461a:

▼M12

Tabella 6

Numru tal-bucket	Kwalità tal-kreditu	Settur	Piż tar-riskju
1	Kollha	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, tal-Istati Membri	4,0 %
2	►M17 Skala 1 sa 10 tal-kwalità kreditizja ◄	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, ta' pajjiż terz, il-banek ta' żvilupp multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 117(2) jew fl-Artikolu 118	4,0 %
3		L-awtorità reġjonali jew lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku	4,0 %
4		L-entitajiet tas-settur finanzjarju inklużi l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali u selliefa promozzjonali	8,0 %
5		Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, xogħol fil-minjieri u fil-barrieri	5,0 %
6		Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn	4,0 %
7		Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet	3,0 %
8		Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi	2,0 %
9		Bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri	3,0 %
10		Bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi terzi	6,0 %
11	►M17 Skala 11 sa 17 tal-kwalità kreditizja ◄	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, ta' pajjiż terz, il-banek ta' żvilupp multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 117(2) jew fl-Artikolu 118	13,0 %
12		L-awtorità reġjonali jew lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku	13,0 %
13		►M17 L-entitajiet tas-settur finanzjarju, inkluż l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, umutwanti promozzjonali u bonds koperti ◄	16,0 %
14		Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, xogħol fil-minjieri u fil-barrieri	10,0 %
15		Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn	12,0 %
16		Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet	12,0 %
17		Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi	12,0 %
18	Settur ieħor		13,0 %

▼M17

Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, skopertura għandha tiġi assenjata l-kategorija tal-kwalità kreditizja li tikkorrispondi għall-kategorija tal-kwalità kreditizja li tkun assenjata skont l-approċċ standardizzat għar-riskju ta’ kreditu stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 2.

B’deroga mit-tieni paragrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw skopertura għar-riskju ta' bond kopert mhux ikklassifikat għall-bucket 4 meta l-istituzzjoni li toħroġ il-bond kopert ikollha l-iskala 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja.

▼M8

Artikolu 325al

Korrelazzjonijiet għal titolizzazzjonijiet tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu inklużi fl-ACTP

1. Il-korrelazzjoni tar-riskju delta ρ_{kl} għandha tkun derivata f'konformità mal-Artikolu 325ai, ħlief li, għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, $\rho_{kl}^{(bażi)}$ għandu jkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ sensitivitajiet ikunu relatati mal-istess kurvi, f'każijiet oħra għandha tkun ugwali għal 99.00 %.

2. Il-korrelazzjoni γ_{bc}c għandha tiġi derivata f'konformità mal-Artikolu 325aj.

Artikolu 325am

Piżijiet tar-riskju għal titolizzazzjonijiet tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu mhux inklużi fl-ACTP

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju tal-firxa tal-kreditu għal titolizzazzjoni mhux inkluża fl-ACTP għandhom ikunu l-istess għall-maturitajiet kollha (0,5 ta' sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin) f'kull bucket fit-Tabella 7 u għandhom jiġu speċifikati għal kull bucket fit-Tabella 7 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 461a:

▼M12

Tabella 7

Numru tal-bucket	Kwalità tal-kreditu	Settur	Piż tar-riskju
1	►M17 Superjuri u skala tal-kwalità kreditizja 1 sa 10 ◄	RMBS — Prime	0,9 %
2		RMBS — Mid-Prime	1,5 %
3		RMBS — Sub-Prime	2,0 %
4		CMBS	2,0 %
5		Titoli garantiti b’assi (ABS) — Self għall-istudenti	0,8 %
6		ABS — Karti tal-kreditu	1,2 %
7		ABS — Karozzi	1,2 %
8		Obbligi kollateralizzati ta’ self (CLO) mhux ACTP	1,4 %
9	►M17 Mhux superjuri u skala tal-kwalità kreditizja 1 sa 10 ◄	RMBS — Prime	1,125 %
10		RMBS — Mid-Prime	1,875 %
11		RMBS — Sub-Prime	2,5 %
12		CMBS	2,5 %
13		ABS — Self lill-istudenti	1 %
14		ABS — Karti tal-kreditu	1,5 %
15		ABS — Karozzi	1,5 %
16		CLO mhux ACTP	1,75 %

▼M12

Numru tal-bucket	Kwalità tal-kreditu	Settur	Piż tar-riskju
17	►M17 Skala 11 sa 17 tal-kwalità kreditizja u mingħajr klassifikazzjoni ◄	RMBS — Prime	1,575 %
18		RMBS — Mid-Prime	2,625 %
19		RMBS — Sub-Prime	3,5 %
20		CMBS	3,5 %
21		ABS — Self lill-istudenti	1,4 %
22		ABS — Karti tal-kreditu	2,1 %
23		ABS — Karozzi	2,1 %
24		CLO mhux ACTP	2,45 %
25	Settur ieħor		3,5 %

▼M8

2. Biex jassenjaw skopertura għar-riskju fil-konfromt ta' settur, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq klassifikazzjoni li tkun użata ta' spiss fis-suq għar-raggruppament ta' emittenti skont is-settur. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull segment għal waħda mill-buckets tas-settur fit-Tabella 7. L-iskoperturi għar-riskju minn kwalunkwe segment li istituzzjoni ma tistax tassenja għal settur b'din il-manjiera għandhom jiġu assenjati għal bucket 25.

▼M17

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, skopertura għandha tiġi assenjata l-kategorija tal-kwalità kreditizja li tikkorrispondi għall-kategorija tal-kwalità kreditizja li tkun assenjata skont l-Approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjonijiet Esterni stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 5.

▼M8

Artikolu 325an

Korrelazzjonijiet intrabucket għal titolizzazzjonijiet tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu mhux inklużi fl-ACTP

1. Bejn żewġ sensittivitajiet WS_k u WS_l fl-istess bucket, il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(\text{segment})} \cdot \rho_{kl}^{(\text{maturità})} \cdot \rho_{kl}^{(\text{bażi})}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(\text{segment})}$ għandha tkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ ismijiet ta' sensitivitajiet k u l ikunu fl-istess bucket u huma relatati mal-istess segment ta' titolizzazzjoni (aktar minn 80 % ta' sovrapożizzjoni f'termini nozzjonali), f'każijiet oħra għandha tkun ugwali għal 40 %;

$\rho_{kl}^{(\text{maturità})}$ għandu jkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ punti tas-sensitivitajiet k u l ikunu identiċi, f'każijiet oħra għandha tkun ugwali għal 80 %; u

$\rho_{kl}^{(\text{bażi})}$ għandu jkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ sensitivitajiet ikunu relatati mal-istess kurvi, f'każijiet oħra għandha tkun ugwali għal 99,90 %.

▼M8

2. Il-parametri ta' korrelazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 m'għandhomx japplikaw għall-bucket 25 fit-Tabella 7 tal-Artikolu 325am(1). Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għall-formula tal-aggregazzjoni tar-riskju delta fil-bucket 25 għandu jkun ugwali għas-somma tal-valuri assoluti tas-sensittivitajiet ippeżati netti allokati għal dak il-bucket:

$$K_{b(\text{bucket } 25)} = \sum_{k} |WS_k|$$

Artikolu 325ao

Korrelazzjonijiet bejn il-buckets għal titolizzazzjonijiet tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu mhux inklużi fl-ACTP

1. Il-parametru ta' korrelazzjoni γ_{bc}għandu japplika għall-aggregazzjoni ta' sensitivitajiet bejn buckets differenti u għandu jiġi stabbilit għal 0 %.

2. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għall-bucket 25 għandu jiżdied mal-kapital globali tal-livell tal-klassi tar-riskju, bl-ebda diversifikazzjoni jew effetti ta' ħħeġġjar rikonoxxuti ma' kwalunkwe bucket ieħor.

Artikolu 325ap

Piżijiet tar-riskju għar-riskju tal-ekwità

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensitivitajiet għall-fatturi ta' riskju ta' ekwità u rata repo tal-ekwità għandhom ikunu speċifikati għal kull bucket fit-Tabella 8 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 461a:

▼M12

Tabella 8

Numru tal-bucket	Kapitalizzazzjoni tas-suq	Ekonomija	Settur	Piż tar-riskju għall-prezz spot tal-ekwità	Piż tar-riskju għar-rata repo tal-ekwità
1	Kbira	Ekonomija tas-suq emerġenti	Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn, kura tas-saħħa, utilitajiet	55 %	0,55 %
2			Telekomunikazzjonijiet, industrijali	60 %	0,60 %
3			Materjal bażiku, enerġija, agrikoltura, manifattura, xogħol fil-minjieri u fil-barrieri	45 %	0,45 %
4			Finanzjarji inkluż finanzjarji appoġġati mill-gvern, attivitajiet fil-proprjetà immobbli, teknoloġija	55 %	0,55 %
5		Ekonomija avvanzata	Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizz amministrattiv u ta' sostenn, kura tas-saħħa, utilitajiet	30 %	0,30 %
6			Telekomunikazzjonijiet, industrijali	35 %	0,35 %
7			Materjal bażiku, enerġija, agrikoltura, manifattura, xogħol fil-minjieri u fil-barrieri	40 %	0,40 %
8			Finanzjarji inkluż finanzjarji appoġġati mill-gvern, attivitajiet fil-proprjetà immobbli, teknoloġija	50 %	0,50 %

▼M12

Numru tal-bucket	Kapitaliz-zazzjoni tas-suq	Ekonomija	Settur	Piż tar-riskju għall-prezz spot tal-ekwità	Piż tar-riskju għar-rata repo tal-ekwità
9	Żgħira	Ekonomija tas-suq emerġenti	Is-setturi kollha deskritti taħt il-buckets bin-numri 1, 2, 3 u 4	70 %	0,70 %
10		Ekonomija avvanzata	Is-setturi kollha deskritti taħt il-buckets bin-numri 5, 6, 7 u 8	50 %	0,50 %
11	Settur ieħor			70 %	0,70 %
12	Indiċijiet b'kapitalizzazzjoni kbira tas-suq u ta' ekonomija avvanzata			15 %	0,15 %
13	Indiċijiet oħra			25 %	0,25 %

▼M8

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, dak li jikkostitwixxi kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira u kbira għandu jiġi speċifikat fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 325bd(7).

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika x'jikkostitwixxi suq emerġenti u biex tispeċifika x'jikkostitwixxi ekonomija avvanzata.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2021.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Meta jassenjaw skopertura għar-riskju għal settur, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu fuq klassifikazzjoni użata b'mod komuni fis-suq għar-raggruppament ta' emittenti skont is-settur. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull emittent għal waħda mill-buckets tas-settur fit-Tabella 8 u għandhom jassenjaw l-emittenti kollha mill-istess industrija għall-istess settur. L-iskoperturi għar-riskju minn kwalunkwe emittent li istituzzjoni ma tistax tassenja għal settur b'dan il-mod għandhom jiġu assenjati għall-bucket 11 fit-Tabella 8. L-emittenti tal-ekwità multinazzjonali jew multisettorjali għandhom jiġu assenjati għal bucket partikolari fuq il-bażi tal-iktar reġjun u settur materjali li fih jopera l-emittent tal-ekwità.

Artikolu 325aq

Korrelazzjonijiet intrabucket għar-riskju tal-ekwità

▼M12

1. Il-parametru ta' korrelazzjoni tar-riskju delta ρ_{kl} bejn iż-żewġ sensittivitajiet S u S fl-istess bucket għandu jiġi stabbilit għal 99,90 % fejn waħda tkun sensittività għall-prezz spot ta' ekwità u l-oħra tkun sensittività għar-rata repo ta' ekwità, u fejn iż-żewġ sensittivitajiet ikunu relatati mal-istess isem l-emittent tal-ekwità.

▼M8

2. F'każijiet oħra ħlief il-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} bejn iż-żewġ sensitivitajiet WS_k u WS_l għall-prezz spot tal-ekwità fl-istess bucket għandu jiġi stabbilit kif ġej:

▼M8

(a) 15 % bejn żewġ sensittivitajiet fl-istess bucket li jaqgħu fil-kategorija kapitalizzazzjoni tas-suq kbira, ekonomija ta' suq emerġenti (bucket numru 1, 2, 3 u 4);

(b) 25 % bejn żewġ sensittivitajiet fl-istess bucket li jaqgħu fil-kategorija kapitalizzazzjoni tas-suq kbira, ekonomija avvanzata (bucket numru 5, 6, 7 jew 8);

(c) 7,5 % bejn żewġ sensittivitajiet fl-istess bucket li jaqgħu fil-kategorija kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira, ekonomija ta' suq emerġenti (bucket numru 9);

(d) 12,5 % bejn żewġ sensittivitajiet fl-istess bucket li jaqgħu fil-kategorija kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira, ekonomija avvanzata (bucket numru 10);

▼M12

(e) 80 % bejn żewġ sensittivitajiet fl-istess bucket li jaqgħu f'wieħed mill-bucket tal-indiċi (il-bucket numru 12 jew 13).

3. Il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} bejn iż-żewġ sensittivitajiet WS_k u WS_l mar-rati repo ta' ekwità fl-istess bucket għandhom jiġi stabbiliti skont il-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 2.

▼M8

4. Bejn iż-żewġ sensittivitajiet WS_k u WS_l l-istess bucket fejn waħda tkun sensittività għal prezz spot tal-ekwità u l-oħra sensittività għal rata repo tal-ekwità u ż-żewġ sensitivitajiet jirrelataw ma' isem ta' emittent tal-ekwità differenti, il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} għandu jiġi stabbilit fil-parametri ta' korrelazzjoni speċifikati fil-paragrafu 2, immultiplikat b'99,90 %.

5. Il-parametri ta' korrelazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 m'għandhomx japplikaw għall-bucket 11. Ir-rekwiżit kapitali għall-formula tal-aggregazzjoni tar-riskju delta fi ħdan il-bucket 11 għandu jkun ugwali għas-somma tal-valuri assoluti tas-sensittivitajiet ippeżati netti allokati għal dak il-bucket:

$$K_{b(\text{bucket } 11)} = \sum_k |WS_k|$$

▼M12

Artikolu 325ar

Korrelazzjonijiet bejn buckets għar-riskju tal-ekwità

Il-parametru ta' korrelazzjoni $_c$ għandu japplika għall-aggregazzjoni tas-sensittivitajiet bejn buckets differenti.

Għandu jiġi stabbilit fir-rigward tal-buckets tat-Tabella 8 fl-Artikolu 325ap kif ġej:

(a) 15 % meta ż-żewġ buckets jaqgħu fil-buckets 1 sa 10;

(b) 0 % meta wieħed miż-żewġ buckets ikun il-bucket numru 11;

(c) 75 % meta ż-żewġ buckets jaqgħu fil-buckets 12 u 13;

▼M12

(d) altrimenti 45 %.

Artikolu 325as

Piżijiet tar-riskju għar-riskju tal-komoditajiet

Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju tal-komoditajiet għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 9

Numru tal-bucket	Isem tal-bucket	Piż tar-riskju
1	Enerġija — kombustibbli solidi	30 %
2	Enerġija — kombustibbli likwidi	35 %
3	►M17 Enerġija – elettriku ◄	60 %
▼M17 3a	Enerġija – skambju tal-karbonju tal-EU ETS	40 %
3b	Enerġija – skambju tal-karbonju mhux tal-EU ETS	60 %
▼M12 4	Merkanzija	80 %
5	Metalli — mhux prezzjużi	40 %
6	Kombustibbli gassużi	45 %
7	Metalli prezzjużi (inkluż id-deheb)	20 %
8	Qmuħ u żrieragħ żejtnin	35 %
9	Bhejjem u prodotti tal-ħalib	25 %
10	Komoditajiet agrikoli bażiċi u agrikoli oħra	35 %
11	Komoditajiet oħra	50 %

▼M8

Artikolu 325at

Korrelazzjonijiet intrabucket għar-riskju tal-komoditajiet

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, kwalunkwe żewġ komoditajiet għandhom jitqiesu komoditajiet distinti meta fis-suq jeżistu żewġ kuntratti li huma differenzjati biss mill-komodità sottostanti li għandha titwassal skont kull kuntratt.

2. Il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} bejn żewġ sensittivitajiet WS_k u WS_l fl-istess bucket għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(\text{komodità})} \cdot \rho_{kl}^{(\text{maturità})} \cdot \rho_{kl}^{(\text{bażi})}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(\text{komodità})}$ għandu jkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ komoditajiet tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, f'każijiet oħra għandu jkun ugwali għall-korrelazzjonijiet intrabucket fit-Tabella 10;

▼**M8**

$\rho_{kl}^{(maturità)}$ għandu jkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ punti tas-sensitivitajiet k u l ikunu identiċi, f'każijiet oħra għandha tkun ugwali għal 99 %; u

$\rho_{kl}^{(bażi)}$ għandu jkun ugwali għal 1 fejn iż-żewġ sensitivitajiet ikunu identiċi fil-post ta' kunsinna ta' komodità, f'każijiet oħra għandu jkun ugwali għal 99,90 %.

3. Il-korrelazzjonijiet intrabucket $\rho_{kl}^{(komodità)}$ huma:

Tabella 10

Numru tal-bucket	Isem tal-bucket	Korrelazzjoni $\rho_{kl}^{(komodità)}$
1	Enerġija - kombustibbli solidi	55 %
2	Enerġija - kombustibbli likwidi	95 %
3	Enerġija - elettriku u skambju tal-karbonju	40 %
4	Merkanzija	80 %
5	Metalli – mhux prezzjużi	60 %
6	Kombustibbli gassużi	65 %
7	Metalli prezzjużi (inkluż id-deheb)	55 %
8	Qmuħ u żrieragħ żejtnin	45 %
9	Bhejjem u prodotti tal-ħalib	15 %
10	Prodotti agrikoli bażiċi u komoditajiet agrikoli oħra	40 %
11	Komodità oħra	15 %

4. Minkejja l-paragrafu 1, japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(a) Żewġ fatturi tar-riskju li huma allokati għall-bucket 3 fit-Tabella 10 u li jikkonċernaw l-elettriku li huwa ġġenerat f'reġjuni differenti jew jiġi konsenjat f'perijodi differenti skont il-ftehim kuntrattwali għandhom jiġu kunsidrati bħala fatturi tar-riskju distinti tal-komoditajiet;

(b) Żewġ fatturi tar-riskju li huma allokati għall-bucket 4 fit-Tabella 10 u li jikkonċernaw il-merkanzija fejn ir-rotta tal-merkanzija jew il-ġimgħa ta' konsenja għandhom jiġu kunsidrati bħala fatturi tar-riskju distinti tal-komoditajiet.

Artikolu 325au

Korrelazzjonijiet bejn buckets għar-riskju tal-komoditajiet

Il-parametru ta' korrelazzjoni γ_{bc} li japplika għall-aggregazzjoni ta' sensitivitajiet bejn buckets differenti għandu jiġi stabbilit għal:

(a) 20 % meta ż-żewġ buckets jaqgħu fi ħdan il-buckets 1 sa 10;

(b) 0 % meta jew wieħed jew l-ieħor miż-żewġ buckets ikun il-bucket numru 11.

▼M8

Artikolu 325av

Piżijiet tar-riskju għar-riskju tal-kambju

▼M12

1. Għandu jiġi applikat piż tar-riskju ta' 15 % għas-sensittivitajiet kollha tal-fatturi tar-riskju tal-kambju.

▼M8

2. Il-piż tar-riskju tal-fatturi tar-riskju tal-kambju li jikkonċernaw muniti akkoppjati li jkunu komposti mill-euro u mill-munita ta' Stat Membru li qed jipparteċipa fit-tieni stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja (ERM II) għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(a) il-ponderazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1, diviża bi 3;

(b) il-fluttwazzjoni massima fil-faxxa ta' fluttwazzjoni li formalment intlaħaq qbil dwarha mill-Istati Membri u l-Bank Ċentrali Ewropew, jekk dik il-faxxa ta' fluttwazzjoni hija idjaq mill-faxxa ta' fluttwazzjoni definita skont l-ERM II.

3. Minkejja l-paragrafu 2, il-ponderazzjoni tar-riskju tal-fatturi tar-riskju tal-kambju li jikkonċernaw il-muniti msemmija fil-paragrafu 2 li jipparteċipaw fl-ERM II b'faxxa ta' fluttwazzjoni li formalment intlaħaq qbil dwarha idjaq mill-faxxa standard ta' bejn wieħed u ieħor 15 % għandha tkun ugwali għall-fluttwazzjoni massima tal-perċentwal f'din il-faxxa idjaq.

4. Il-piż tar-riskju tal-fatturi tar-riskju tal-kambju inklużi fl-iktar subkategorija likwida tal-muniti akkoppjati kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 325bd(7) għandha tkun il-ponderazzjoni tar-riskju msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu diviża bi $\sqrt{2}$.

5. Fejn id-data ta' kuljum dwar ir-rata tal-kambju għat-tliet snin preċedenti turi li muniti akkoppjati magħmula mill-euro u munita li ma tkunx l-euro ta' Stat Membru jkunu kostanti u li l-istituzzjoni hija dejjem kapaċi tiffaċċa firxa offerta/talba ta' żero fuq in-negozju rispettiv relatat ma' dawk il-muniti akkoppjati, l-istituzzjoni tista' tapplika l-piż tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1 diviż bi 2, sakemm din għandha l-permess espliċitu mill-awtorità kompetenti tagħha biex tagħmel dan.

Artikolu 325aw

Korrelazzjonijiet għar-riskju tal-kambju

Parametru ta' korrelazzjoni uniformi γ_{bc} ugwali għal 60 % għandu japplika għall-aggregazzjoni ta' sensitivitajiet għar-riskju tal-kambju.

Subtaqsima 2

Piżijiet u korrelazzjonijiet tar-riskju vega u ta' kurvatura

Artikolu 325ax

Piżijiet tar-riskju vega u ta' kurvatura

▼M17

1. Il-buckets għall-fatturi vega tar-riskju għandhom ikunu simili għall-buckets stabbiliti għall-fatturi delta tar-riskju f'konformità mat-Taqsima 3, is-Subtaqsima 1.

▼M17

2. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet għall-fatturi vega tar-riskju għandhom jiġu assenjati f'konformità mal-klassi tar-riskju tal-fatturi tar-riskju, kif ġej:

Tabella 1

Klassi tar-riskju	Piżijiet tar-riskju
GIRR	100 %
Nontitolizzazzjonijiet CSR	100 %
Titolizzazzjonijiet CSR (ACTP)	100 %
Titolizzazzjonijiet CSR (mhux ACTP)	100 %
Ekwità (kapitalizzazzjoni kbira u indiċijiet)	77,78 %
Ekwità (kapitalizzazzjoni żgħira u settur ieħor)	100 %
Komodità	100 %
Munita barranija	100 %

_____

▼M8

4. Il-buckets użati fil-kuntest tar-riskju delta fis-Subtaqsima 1 għandhom jintużaw fil-kuntest tar-riskju ta' kurvatura sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu.

5. Għall-fatturi ta' riskju tal-kambju u ta' kurvatura tal-ekwità, il-piżijiet tar-riskju ta' kurvatura għandhom ikunu ċaqliq relattiv ugwali għall-piżijiet tar-riskju delta msemmija fis-Subtaqsima 1.

▼M17

6. Għall-fatturi ta' riskju ta' kurvatura tar-rata tal-imgħax ġenerali, tal-firxa tal-kreditu u tal-komoditajiet, il-piż tar-riskju ta' kurvatura għandu jkun iċ-ċaqliq parallel tal-punti kollha għal kull kurva abbażi tal-ogħla piż tar-riskju delta preskritt imsemmi fis-Subtaqsima 1 għall-bucket rilevanti.

▼M8

Artikolu 325ay

Korrelazzjonijiet tar-riskju vega u ta' kurvatura

▼C8

1. Bejn is-sensittivitajiet tar-riskju vega fl-istess bucket tal-klassi tar-riskju ġenerali tar-rata ta' imgħax (GIRR), il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} għandu jiġi stabbilit kif ġej:

▼M8

$$\rho_{kl} = \min\{\rho_{kl}^{(\text{option maturity})} \cdot \rho_{kl}^{(\text{underlying maturity})}; 1\}$$

▼M8

fejn:

$\rho_{kl}^{(\text{option maturity})}$ għandu jkun ugwali għal $e^{-\alpha \cdot \frac{|T_k - T_l|}{\min\{T_k;\, T_l\}}}$ fejn α għandu jiġi stabbilit għal 1 %, T_k u T_l għandhom ikunu ugwali għall-maturitajiet tal-opzjonijiet li għalihom ikunu derivati s-sensittivitajiet vega, espressi bħala numru ta' snin; u

$\rho_{kl}^{(\text{underlying maturity})}$ ikunu ugwali għal $e^{-\alpha \cdot \frac{|T_k^U - T_l^U|}{\min\{T_k^U;\, T_l^U\}}}$, fejn α huwa stabbilit għal 1 %, T_k^U u T_l^U għandhom ikunu ugwali għall-maturitajiet tas-sottostanti tal-opzjonijiet li għalihom ikunu derivati s-sensittivitajiet vega, bit-tnaqqis tal-maturitajiet tal-opzjonijiet korrispondenti, espressi fiż-żewġ każijiet bħala numru ta' snin.

2. Bejn is-sensittivitajiet tar-riskju vega fi ħdan bucket tal-klassijiet l-oħra ta' riskju, il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \min\{\rho_{kl}^{(\text{DELTA})} \cdot \rho_{kl}^{(\text{option maturity})}; 1\}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(\text{DELTA})}$ għandu jkun ugwali għall-korrelazzjoni intrabucket delta li tikkorrispondi għall-bucket li għalih jiġu allokati l-fatturi ta' riskju vega k u l; u

$\rho_{kl}^{(\text{option maturity})}$ għandha tiġi stabbilita f'konformità mal-paragrafu 1.

3. Fir-rigward tas-sensittivitajiet għar-riskju vega bejn buckets f'klassi ta' riskju (GIRR u mhux GIRR), l-istess parametri ta' korrelazzjoni għal γ_{bc}, kif speċifikat għall-korrelazzjonijiet delta għal kull klassi ta' riskju fit-Taqsima 4, għandhom jintużaw fil-kuntest tar-riskju vega.

4. Ma għandu jkun hemm l-ebda diversifikazzjoni jew benefiċċju tal-iħħeġġjar rikonoxxut fl-approċċ standardizzat bejn il-fatturi ta' riskju vega u l-fatturi ta' riskju delta. L-imposti għar-riskju vega u l-imposti għar-riskju delta għandhom jiġu aggregati b'addizzjoni sempliċi.

5. Il-korrelazzjonijiet tar-riskju ta' kurvatura għandhom ikunu l-kwadrat tal-korrelazzjonijiet tar-riskju delta korrispondenti ρ_{kl} u γ_{bc} imsemmi fis-Subtaqsima 1.

KAPITOLU 1b

Approċċ mudell intern alternattiv

Taqsima 1

Permess u rekwiżiti ta' fondi proprji

Artikolu 325az

Approċċ mudell intern alternattiv u permess għall-użu ta' mudelli interni alternattivi

▼M17

1. L-approċċ tal-mudell intern alternattiv jista' jintuża minn istituzzjoni sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju tas-suq, dment li l-istituzzjoni tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

▼M8

2. Wara li tiġi vverifikata l-konformità tal-istituzzjonijiet mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 325bh, 325bi u 325bj, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess lil dawk l-istituzzjonijiet biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti tagħhom ta' fondi proprji għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha assenjati lill-postijiet tan-negozjar billi jużaw il-mudelli interni alternattivi tagħhom skont l-Artikolu 325ba, sakemm jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-postijiet tan-negozjar ġew stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 104b;

(b) l-istituzzjoni pprovdiet lill-awtorità kompetenti b'raġunament għall-inklużjoni tal-postijiet tan-negozjar fl-ambitu tal-approċċ mudell intern alternattiv.

▼M17

(c) il-postijiet tan-negozjar ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv imsemmija fl-Artikolu 325bf(3);

(d) il-postijiet tan-negozjar ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti tal-attribuzzjoni tal-profitt u tat-telf (“attribuzzjoni P&L”) imsemmija fl-Artikolu 325bg;

▼M8

(e) għall-postijiet tan-negozjar li ġew assenjati mill-inqas waħda mill-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar imsemmija fl-Artikolu 325bl, il-postijiet tan-negozjar jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bm għall-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza;

(f) ebda pożizzjoni ta' titolizzazzjoni jew rititolizzazzjoni ma ġiet assenjata lill-postijiet tan-negozjar;

▼M17

(g) ma tkun ġiet assenjata l-ebda pożizzjoni fis-CIUs li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 104(8), il-punt (b), lill-postijiet tan-negozjar.

▼M8

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, in-nuqqas ta' inklużjoni tal-post tan-negozjar fl-ambitu tal-approċċ mudell intern alternattiv m'għandux ikun motivat mill-fatt li r-rekwiżit ta' fondi proprji kkalkulat skont l-approċċ standardizzat alternattiv stipulat fil-punt (a) tal-Artikolu 325(3) ikun inqas mir-rekwiżit ta' fondi proprji kkalkulat skont l-approċċ mudell intern alternattiv;

▼M17

3. L-istituzzjonijiet li jkunu ngħataw il-permess biex jużaw l-approċċ tal-mudell intern alternattiv għandhom jissodisfaw ukoll ir-rekwiżit ta' rapportar stabbilit fl-Artikolu 325(3).

▼M8

4. Istituzzjoni li tkun ingħatat il-permess imsemmi fil-paragrafu 2 għandha immedjatament tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tagħha li wieħed mill-postijiet tan-negozjar tagħha ma għadux jissodisfa mill-inqas wieħed mir-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu. Dik l-istituzzjoni m'għandhiex iktar titħalla tapplika dan il-Kapitolu għall-ebda waħda mill-pożizzjonijiet assenjati għal dak il-post tan-negozjar u għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 1a għall-pożizzjonijiet kollha assenjati għal dak il-post tan-negozjar mill-iktar data tar-rappurtar kmieni u sakemm l-istituzzjoni turi lill-awtoritajiet kompetenti li l-post tan-negozjar jissodisfa mill-ġdid ir-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-paragrafu 2.

▼M8

5. B'deroga mill-paragrafu 4, f'ċirkostanzi straordinarji l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lil istituzzjoni tkompli tuża l-mudelli interni alternattivi tagħha għall-finijiet tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' post tan-negozjar li ma jkunx għadu jissodisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 325bg(1). Meta l-awtoritajiet kompetenti jeżerċitaw dik id-diskrezzjoni, għandhom jinnotifikaw lill-ABE u jissostanzjaw id-deċiżjoni tagħhom.

6. Għal pożizzjonijiet assenjati għall-postijiet tan-negozjar li għalihom istituzzjoni ma tkunx ingħatat permess kif imsemmi fil-paragrafu 2, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għandhom jiġu kkalkulati minn dik l-istituzzjoni f'konformità mal-Kapitolu 1a ta' dan it-Titolu. Għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, dawk il-pożizzjonijiet kollha għandhom jitqiesu fuq bażi awtonoma bħala portafoll separat.

7. Bidliet materjali fl-użu ta' mudelli interni alternattivi li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża, l-estensjoni tal-użu ta' mudelli interni alternattivi li l-istituzzjoni tkun irċeviet permess li tuża, u bidliet materjali fl-għażla mill-istituzzjoni tas-subsett tal-fatturi ta' riskju mudellabbli msemmija fl-Artikolu 325bc(2), għandhom jeħtieġu permess separat mill-awtoritajiet kompetenti tagħha.

L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-estensjonijiet u l-bidliet l-oħra kollha fl-użu tal-mudelli interni alternattivi li għalihom l-istituzzjoni tkun irċeviet permess.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) il-kondizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità tal-estensjonijiet u l-bidliet fl-użu ta' mudelli interni alternattivi u bidliet fis-subsett tal-fatturi ta' riskju mudellabbli msemmija fl-Artikolu 325bc;

▼M17

(b) il-metodoloġija ta' valutazzjoni li biha l-awtoritajiet kompetenti jivverifikaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu.

▼M8

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2024.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

9. L-EBA għandha toħroġ opinjoni dwar jekk seħħewx ċirkostanzi straordinarji kif imsemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 325bf(6), it-tieni subparagrafu.

Għall-fini tal-għoti ta' dik l-opinjoni, l-EBA għandha timmonitorja l-kundizzjonijiet tas-suq sabiex tivvaluta jekk seħħewx ċirkostanzi straordinarji u, jekk dak ikun il-każ, għandha tinnotifika lill-Kummissjoni minnufih.

▼M17

10. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet u l-indikaturi li l-EBA għandha tuża biex tiddetermina jekk seħħewx ċirkostanzi straordinarji.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2024.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Artikolu 325ba

Rekwiżiti ta' fondi proprji meta jintużaw mudelli interni alternattivi

1. Istituzzjoni li tuża mudell intern alternattiv għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha assenjati għall-postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni ngħatat permess kif imsemmi fl-Artikolu 325az(2) bħala l-ogħla minn dawn li ġejjin:

(a) it-total tal-valuri li ġejjin:

(i) il-miżura tar-riskju tan-nuqqas mistenni tal-ġurnata ta' qabel tal-istituzzjoni, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 325bb (ES_{t-1}), u

(ii) il-miżura tar-riskju tax-xenarju ta' stress tal-ġurnata ta' qabel tal-istituzzjoni, ikkalkulata f'konformità mat-Taqsima 5 (SS_{t-1}); jew

(b) it-total tal-valuri li ġejjin:

(i) il-medja tal-miżura tar-riskju tan-nuqqas mistenni ta' kuljum ta' istituzzjoni, ikkalkulata f'konformità mal-Artikolu 325bb għal kull waħda mis-sittin ġurnata tax-xogħol preċedenti (ES^{medja}), multiplikata bil-fattur ta' multiplikazzjoni (m_c); u

(ii) il-medja tal-miżura tar-riskju tax-xenarju ta' stress ta' kuljum ta' istituzzjoni kkalkulata f'konformità mat-Taqsima 5 għal kull waħda mis-sittin ġurnata tax-xogħol preċedenti (SS^{medja}).

▼M17

Meta tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq bl-użu ta' mudell intern f'konformità mal-ewwel subparagrafu, istituzzjoni ma għandhiex tinkludi l-firxiet tal-kreditu tagħha stess fil-kalkolu tal-miżuri msemmija fil-punti (a) u (b) għal pożizzjonijiet fl-istrumenti tad-dejn proprji tal-istituzzjoni.

▼M8

2. L-istituzzjonijiet li għandhom pożizzjonijiet fi strumenti ta' dejn u ekwità negozjati li jkunu inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-mudell intern tar-riskju ta' inadempjenza u assenjati għall-postijiet tan-negozjar imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali, espress bħala l-ogħla mill-valuri li ġejjin:

(a) l-iktar rekwiżit reċenti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza, ikkalkulat f'konformità mat-Taqsima 3;

(b) il-medja tal-ammont imsemmi fil-punt (a) matul it-12-il ġimgħa ta' qabel.

▼**M17**

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, istituzzjoni ma għandhiex tkun soġġetta għar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għall-parteċipazzjonijiet tal-istrumenti ta' dejn proprji tagħha.

3. Istituzzjoni li tuża mudell intern alternattiv għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji totali għar-riskju tas-suq għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negozjar u għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll mhux tan-negozjar li jiġġeneraw riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet f'konformità mal-formula li ġejja:

$$AIMA_{total} = \min(AIMA + PLA_{addon} + ASA_{non-aima}\,; ASA_{all\ portfolio}) + \max(AIMA - ASA_{aima}\,; 0)$$

fejn:

AIMA = is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fil-paragrafi 1 u 2;

PLA_{addon} = ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali msemmi fl-Artikolu 325bg(2);

$ASA_{non\text{-}aima}$ = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq kif ikkalkulati skont l-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fl-Artikolu 325(1), punt (a) għall-portafoll tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u tal-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li jiġġeneraw riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet li għalihom l-istituzzjoni tkun tuża l-approċċ standardizzat alternattiv sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq;

$ASA_{allportfolio}$ = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq kif ikkalkulati skont l-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (a), għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negozjar u għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll mhux tan-negozjar li jiġġeneraw riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet;

ASA_{aima} = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq kif ikkalkulati skont l-approċċ standardizzat alternattiv imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (a), għall-portafoll tal-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u tal-pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li jiġġeneraw riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet li għalihom l-istituzzjoni tkun tuża l-approċċ imsemmi fl-Artikolu 325(1), il-punt (b), sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.

▼M8

Taqsima 2

Rekwiżiti ġenerali

Artikolu 325bb

Miżura tar-riskju tan-nuqqas mistenni

▼C8

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-miżura tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 325ba(1) għal kwalunkwe data partikolari "t" u għal kwalunkwe portafoll partikolari ta' pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet kif ġej:

▼M8

$$ES_t = \rho \cdot (UES_t) + (1 - \rho) \cdot \sum_i UES_t^i$$

fejn:

ES_t = il-miżura tar-riskju tan-nuqqas mistenni;

i = l-indiċi li jindika l-ħames kategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju elenkati fl-ewwel kolonna tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd;

UES_t = il-miżura ta' nuqqas mistenni mingħajr restrizzjonijiet ikkalkulata kif ġej:

$$UES_t = PES_t^{RS} \cdot \max\left(\frac{PES_t^{FC}}{PES_t^{RC}},\ 1\right)$$

UES_t^i = il-miżura ta' nuqqas mistenni mingħajr restrizzjonijiet għall-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju i u kkalkulata kif ġej:

$$UES_t^i = PES_t^{RS,i} \cdot \max\left(\frac{PES_t^{FC,i}}{PES_t^{RC,i}},\ 1\right)$$

ρ = il-fattur ta' korrelazzjoni superviżorju fil-kategoriji wiesgħa tar-riskju; ρ = 50 %;

PES_t^{RS} = il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni li għandha tiġi kkalkulata għall-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll f'konformità mal-Artikolu 325bc(2);

PES_t^{RC} = il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni li għandha tiġi kkalkulata għall-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll f'konformità mal-Artikolu 325bc(3);

PES_t^{FC} = il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni li għandha tiġi kkalkulata għall-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll f'konformità mal-Artikolu 325bc(4);

$PES_t^{RS,i}$ = il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni għall-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju i li għandha tiġi kkalkulata għall-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll f'konformità mal-Artikolu 325bc(2);

▼M8

$PES_t^{RC,i}$ = il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni għall-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju i li għandha tiġi kkalkulata għall-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll f'konformità mal-Artikolu 325bc(3); u

$PES_t^{FC,i}$ = il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni għall-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju i li għandha tiġi kkalkulata għall-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll f'konformità mal-Artikolu 325bc(4).

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw biss xenarji ta' xokkijiet futuri għas-sett speċifiku ta' fatturi ta' riskju mudellabbli applikabbli għall-miżura ta' kull nuqqas parzjali mistenni, kif stabbilit fl-Artikolu 325bc, meta jiddeterminaw il-miżura ta' kull nuqqas parzjali mistenni għall-kalkolu tal-miżura tar-riskju tan-nuqqas mistenni f'konformità mal-paragrafu 1.

3. Meta tal-inqas tranżazzjoni waħda tal-portafoll ikollha tal-inqas fattur ta' riskju mudellabbli wieħed li jkun ġie kklassifikat għall-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju i f'konformità mal-Artikolu 325bd, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-miżura ta' nuqqas mistenni mingħajr restrizzjonijiet għall-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju i u jinkluduha fil-formula għall-miżura tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, istituzzjoni tista' tnaqqas il-frekwenza ta' kalkolu tal-miżuri ta' nuqqas mistenni mingħajr restrizzjonijiet UES_t^i u tal-miżuri tan-nuqqasijiet parzjali mistennija $PES_t^{RS,i}$, $PES_t^{RC,i}$ u $PES_t^{FC,i}$ għal kategoriji wiesgħa tal-fatturi ta' riskju i ta' kuljum għal kull ġimgħa, sakemm jiġu sodisfatti ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun kapaċi turi lill-awtorità kompetenti tagħha li l-kalkolu tal-miżuri ta' nuqqas mistenni mingħajr restrizzjonijiet UES_t^i ma jissottovalutax ir-riskju tas-suq tal-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar rilevanti;

(b) l-istituzzjoni tkun tista' żżid il-frekwenza tal-kalkolu tal-UES_t^i, $PES_t^{RS,i}$, $PES_t^{RC,i}$ u $PES_t^{FC,i}$ ta' kuljum għal kull ġimgħa fejn ikun mitlub mill-awtorità kompetenti tagħha.

Artikolu 325bc

Kalkoli tan-nuqqas parzjali mistenni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-miżuri kollha tan-nuqqasijiet parzjali mistennija msemmija fl-Artikolu 325bb(1) kif ġej:

(a) kalkoli ta' kuljum tal-miżuri tan-nuqqasijiet parzjali mistennija;

(b) intervall ta' fiduċja unilaterali tas-97,5 perċentil;

▼C8

(c) għal portafoll partikolari ta' pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u ta' pożizzjonijiet tal-portafoll mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni fiż-żmien "t" f'konformità mal-formula li ġejja:

$$PES_t = \sqrt{\left(PES_t(T)\right)^2 + \sum_{j\geq 2}\left(PES_t(T,j)\cdot\sqrt{\frac{\left(LH_j - LH_{j-1}\right)}{10}}\right)^2}$$

▼M8

fejn:

PES_t = il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni fiż-żmien t;

j = l-indiċi li jindika l-ħames perijodi ta' likwidità elenkati fl-ewwel kolonna tat-Tabella 1;

LH_j = it-tul tal-perijodi ta' likwidità j kif espressi fi ġranet fit-Tabella 1;

T = il-perijodu ta' żmien bażi, fejn T= 10 ijiem;

PES_t (T) = il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni li hija determinata bl-applikazzjoni ta' xenarji ta' xokkijiet futuri b'perijodu ta' żmien ta' 10 ijiem biss għas-sett speċifiku ta' fatturi ta' riskju mudellabbli tal-pożizzjonijiet fil-portafoll stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 għal kull miżura tan-nuqqas parzjali mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb(1); u

PES_t (T, j) = il-miżura tan-nuqqas parzjali mistenni li hija determinata bl-applikazzjoni ta' xenarji ta' xokkijiet futuri b'perijodu ta' żmien ta' 10 ijiem biss għas-sett speċifiku ta' fatturi ta' riskju mudellabbli tal-pożizzjonijiet fil-portafoll stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 għal kull miżura tan-nuqqas parzjali mistenni msemmija fl-Artikolu 325bb(1) u li l-perijodu ta' likwidità effettiv tagħha, kif determinat f'konformità mal-Artikolu 325bd(2), huwa ugwali għal jew itwal minn LH_j

Tabella 1

Perijodu ta' likwidità *j*	Tul tal-perijodu ta' likwidità *j* (fi ġranet)
1	10
2	20
3	40
4	60
5	120

2. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-miżuri tan-nuqqas parzjali mistenni PES_t^{RS} u $PES_t^{RS,i}$ imsemmija fl-Artikolu 325bb(1), flimkien mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) fil-kalkolu tal-PES_t^{RS}, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw biss xenarji ta' xokkijiet futuri għal subsett tal-fatturi ta' riskju mudellabbli tal-pożizzjonijiet fil-portafoll li jkun intgħażel mill-istituzzjoni, għas-sodisfazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti, sabiex il-kondizzjoni li ġejja tiġi sodisfatta bis-somma meħuda mis-60 ġurnata tax-xogħol preċedenti:

$$\frac{1}{60} \cdot \sum_{k=0}^{59} \frac{PES_{t-k}^{RC}}{PES_{t-k}^{FC}} \geq 75 \ \%$$

▼M8

Istituzzjoni li ma tibqax tissodisfa r-rekwiżit imsemmi fl-ewwel paragrafu ta' dan il-punt għandha immedjatament tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti tagħha u għandha taġġorna s-subsett tal-fatturi ta' riskju mudellabbli fi żmien ġimagħtejn sabiex tissodisfa dak ir-rekwiżit; meta, wara ġimagħtejn, dik l-istituzzjoni tkun naqset li tissodisfa dak ir-rekwiżit, l-istituzzjoni għandha tmur lura għall-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 1a biex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għal xi postijiet tan-negozjar, sakemm dik l-istituzzjoni tkun tista' turi lill-awtorità kompetenti li qed tissodisfa r-rekwiżit stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt;

(b) fil-kalkolu tal-$PES_t^{RS,i}$, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw biss xenarji ta' xokkijiet futuri għas-subsett tal-fatturi ta' riskju mudellabbli tal-pożizzjonijiet fil-portafoll magħżul mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-punt (a) ta' dan il-paragrafu u li jkunu ġew ikklassifikati għall-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju i f'konformità mal-Artikolu 325bd;

(c) l-inputs tad-data użati biex jiġu ddeterminati x-xenarji ta' xokkijiet futuri applikati għall-fatturi ta' riskju mudellabbli msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jiġu kkalibrati għad-data storika minn perijodu kontinwu ta' 12-il xahar ta' stress finanzjarju li għandu jiġi identifikat mill-istituzzjoni sabiex jiġi mmassimizzat il-valur tal-PES_t^{RS}. Għall-fini tal-identifikazzjoni ta' dak il-perijodu ta' stress, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw perijodu ta' osservazzjoni li jibda mill-inqas mill-1 ta' Jannar 2007, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti; u

(d) l-inputs tad-data tal- $PES_t^{RS,i}$ għandhom jiġu kkalibrati għall-perijodu ta' stress ta' 12-il xahar li jkun ġie identifikat mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-punt (c).

3. Għall-fini tal-kalkolu tal-miżuri tan-nuqqasijiet parzjali mistennija PES_t^{RC} u $PES_t^{RC,i}$ imsemmija fl-Artikolu 325bb(1), l-istituzzjonijiet għandhom, flimkien mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) fil-kalkolu tal-PES_t^{RC}, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw biss xenarji ta' xokkijiet futuri għas-subsett tal-fatturi ta' riskju mudellabbli tal-pożizzjonijiet fil-portafoll imsemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2;

(b) fil-kalkolu tal-$PES_t^{RC,i}$, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw biss xenarji ta' xokkijiet futuri għas-subsett ta' fatturi ta' riskju mudellabbli ta' pożizzjonijiet fil-portafoll imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2;

(c) l-inputs tad-data użati biex jiġu ddeterminati x-xenarji ta' xokkijiet futuri applikati għall-fatturi ta' riskju mudellabbli msemmija fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu kkalibrati għal data storika msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 4. Dik id-data għandha tiġi aġġornata mill-inqas fuq bażi ta' kull xahar.

4. Għall-fini tal-kalkolu tal-miżuri tan-nuqqasijiet parzjali mistennija PES_t^{FC} u $PES_t^{FC,i}$ imsemmija fl-Artikolu 325bb(1), l-istituzzjonijiet għandhom, flimkien mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) fil-kalkolu tal-PES_t^{FC}, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw xenarji ta' xokkijiet futuri għall-fatturi ta' riskju mudellabbli kollha tal-pożizzjonijiet fil-portafoll;

▼M8

(b) fil-kalkolu tal-$PES_t^{FC,i}$, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw xenarji ta' xokkijiet futuri għall-fatturi ta' riskju mudellabbli kollha ta' pożizzjonijiet fil-portafoll li jkunu ġew ikklassifikati għall-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju i f'konformità mal-Artikolu 325bd;

(c) l-inputs tad-data użati biex jiġu ddeterminati x-xenarji ta' xokkijiet futuri applikati għall-fatturi ta' riskju mudellabbli msemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jiġu kkalibrati għad-data storika mill-perijodu ta' 12-il xahar preċedenti; meta jkun hemm żieda f'daqqa sinifikanti fil-volatilità tal-prezz ta' numru materjali ta' fatturi ta' riskju mudellabbli ta' portafoll ta' istituzzjoni li mhumiex fis-subsett tal-fatturi ta' riskju msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu istituzzjoni tuża data storika għal perijodu iqsar mit-12-il xahar preċedenti, iżda tali perijodu iqsar m'għandux ikun iqsar mis-sitt xhur preċedenti; l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-ABE bi kwalunkwe deċiżjoni li teħtieġ li istituzzjoni tuża data storika minn perijodu iqsar minn 12-il xahar u għandhom jissostanzjaw dik id-deċiżjoni.

5. Għall-kalkolu ta' miżura partikolari ta' nuqqas parzjali mistenni msemmija fl-Artikolu 325bb(1), l-istituzzjonijiet għandhom iżommu l-valuri tal-fatturi ta' riskju mudellabbli li għalihom ma kinux meħtieġa li japplikaw xenarji ta' xokkijiet futuri għal dik il-miżura ta' nuqqas parzjali mistenni skont il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

▼M17

6. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kriterji għall-użu tal-inputs tad-*data* fil-mudell tal-kalkolu tar-riskju msemmi f'dan l-Artikolu, inkluż kriterji dwar l-akkuratezza tad-*data* u kriterji dwar il-kalibrazzjoni tal-inputs tad-*data* fejn id-*data* tas-suq ma tkunx biżżejjed.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Jannar 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Artikolu 325bd

Perijodi ta' likwidità

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw kull fattur ta' riskju ta' pożizzjonijiet assenjati għall-postijiet ta' negozjar li għalihom ikunu ngħataw permess kif imsemmi fl-Artikolu 325az(2), jew li għalihom ikunu fil-proċess li jingħataw dan il-permess, għal waħda mill-kategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju elenkati fit-Tabella 2 u għal waħda mis-subkategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju elenkati f'dik it-Tabella.

2. Il-perijodu ta' likwidità ta' fattur ta' riskju tal-pożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun il-perijodu ta' likwidità tas-subkategorija wiesgħa korrispondenti ta' fatturi ta' riskju li għalihom ikun ġie kklassifikat.

▼M8

3. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, għal post tan-negozjar partikolari, istituzzjoni tista' tiddeċiedi li tissostitwixxi l-perijodu ta' likwidità ta' subkategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju elenkata fit-Tabella 2 ta' dan l-Artikolu b'wieħed mill-perijodi itwal ta' likwidità elenkati fit-Tabella 1 tal-Artikolu 325bc. Meta istituzzjoni tieħu din id-deċiżjoni, il-perijodu ta' likwidità itwal għandu japplika għall-fatturi ta' riskju mudellabbli kollha tal-pożizzjonijiet assenjati għal dak il-post tan-negozjar li jkun ġie kklassifikat għal dik is-subkategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju għall-fini tal-kalkolu tal-miżuri ta' nuqqas parzjali mistenni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 325bc(1).

Istituzzjoni għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bil-postijiet tan-negozjar u s-subkategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju li għalihom tiddeċiedi li tapplika t-trattament imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

▼C8

4. Għall-fini tal-kalkolu tal-valuri tal-miżuri tan-nuqqasijiet parzjali mistennija f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 325bc(1), il-perijodu ta' likwidità effettiv ta' fattur ta' riskju mudellabbli partikolari ta' pożizzjoni partikolari tal-portafoll tan-negozjar jew ta' pożizzjoni tal-portafoll mhux tan-negozjar li hija soġġetta għal riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet, għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$\text{EffectiveLH} = \begin{cases} \text{SubCatLH} \ \textit{if Mat} > LH_5 \\ \min\left(\text{SubCatLH}, \min_j\{\text{LH}_j/\text{LH}_j \geq \text{Mat}\}\right) \ \textit{if } LH_1 \leq \textit{Mat} \leq LH_5 \\ \text{LH}_1 \ \textit{if Mat} < LH_1 \end{cases}$$

fejn:EffectiveLH = il-perijodu ta' likwidità effettiv;

Mat = il-maturità tal-pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar;

SubCatLH = it-tul tal-perijodu ta' likwidità tal-fattur ta' riskju mudellabbli ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 1; u

$\min_j \{\text{LH}_j/\text{LH}_j \geq \text{Mat}\}$ = it-tul ta' wieħed mill-perijodi ta' likwidità elenkati fit-Tabella 1 tal-Artikolu 325bc li huwa l-eqreb perijodu ta' likwidità li jaqbeż il-maturità tal-pożizzjoni fil-portafoll tan-negozjar.

5. Muniti akkoppjati li jkunu komposti mill-euro u l-munita ta' Stat Membru li qed jipparteċipa fl-ERM II għandhom jiġu inklużi fl-iktar subkategorija likwida tal-muniti akkoppjati tal-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju tal-kambju tat-Tabella 2.

▼M17

5a. Muniti ta' Stati Membri li qed jipparteċipaw fl-ERM II għandhom jiġu inklużi fis-subkategorija tal-muniti l-aktar likwidi u tal-munita domestika fil-kategorija wiesgħa ta' fatturi tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax tat-Tabella 2.

▼M8

6. Istituzzjoni għandha tivverifika l-adegwatezza tal-immappjar imsemmi fil-paragrafu 1 tal-inqas fuq bażi ta' kull xahar.

7. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) kif l-istituzzjonijiet għandhom jikklassifikaw il-fatturi ta' riskju tal-pożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għal kategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju u subkategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju għall-finijiet tal-paragrafu 1;

▼M8

(b) liema muniti jikkostitwixxu l-iktar subkategorija likwida tal-muniti tal-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju tar-rati tal-imgħax tat-Tabella 2;

(c) liema muniti akkoppjati jikkostitwixxu l-iktar subkategorija likwida tal-muniti akkoppjati tal-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju tal-kambju tat-Tabella 2;

(d) id-definizzjonijiet ta' kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira u kapitalizzazzjoni tas-suq kbira għall-finijiet tas-subkategorija tal-prezz tal-ekwità u tal-volatilità tal-kategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju tal-ekwità tat-Tabella 2.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Marzu 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Tabella 2

Kategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju	Subkategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju	Perijodi ta' likwidità	Tul tal-perijodu ta' likwidità (fi ġranet)
Rata tal-imgħax	L-iktar muniti likwidi u l-munita lokali	1	10
	Muniti oħrajn (bl-esklużjoni tal-iktar muniti likwidi)	2	20
	Volatilità	4	60
	Tipi oħra	4	60
Firxa tal-kreditu	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, ta' Stati Membri	2	20
	Bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu fi Stati Membri (Grad ta' Investiment)	2	20
	Sovran (Grad ta' investiment)	2	20
	Sovran (Rendiment għoli)	3	40
	Kumpanniji (Grad ta' investiment)	3	40
	Kumpanniji (Rendiment għoli)	4	60
	Volatilità	5	120
	Tipi oħra	5	120
Ekwità	Prezz tal-ekwità (Kapitalizzazzjoni tas-suq kbira)	1	10
	Prezz tal-ekwità (Kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira)	2	20
	Volatilità (Kapitalizzazzjoni tas-suq kbira)	2	20
	Volatilità (Kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira)	4	60
	Tipi oħra	4	60

▼M8

Kategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju	Subkategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju	Perijodi ta' likwidità	Tul tal-perijodu ta' likwidità (fi ġranet)
Kambju	L-iktar muniti akkoppjati likwidi	1	10
	Muniti oħra akkoppjati (bl-esklużjoni tal-iktar muniti akkoppjati likwidi)	2	20
	Volatilità	3	40
	Tipi oħra	3	40
Komodità	Prezz tal-enerġija u prezz tal-emissjonijiet tal-karbonju	2	20
	Prezz tal-metall prezzjuż u prezz tal-metall mhux ferruż	2	20
	Prezzijiet oħra ta' komoditajiet (bl-esklużjoni tal-prezz tal-enerġija, il-prezz tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-prezz tal-metall prezzjuż u l-prezz tal-metall mhux ferruż)	4	60
	Volatilità tal-enerġija u volatilità tal-emissjonijiet tal-karbonju	4	60
	Volatilità tal-metall prezzjuż u volatilità tal-metall mhux ferruż	4	60
	Volatilitajiet oħra ta' komoditajiet (bl-esklużjoni tal-volatilità tal-enerġija, il-volatilità tal-emissjonijiet tal-karbonju, il-volatilità tal-metall prezzjuż u l-volatilità tal-metall mhux ferruż)	5	120
	Tipi oħra	5	120

Artikolu 325be

Valutazzjoni tal-mudellabbiltà tal-fatturi ta' riskju

1. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw, il-mudellabbiltà tal-fatturi kollha ta' riskju tal-pożizzjonijiet assenjati għall-postijiet ta' negozjar li għalihom ikunu ngħataw il-permess imsemmi fl-Artikolu 325az(2) jew ikunu fil-proċess li jingħataw dak il-permess.

▼M17

Għall-finijiet tal-valutazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jużaw *data* tas-suq ipprovduta minn bejjiegħa terzi.

1a. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li istituzzjoni tqis mhux mudellabbli fattur tar-riskju li jkun ġie vvalutat bħala mudellabbli mill-istituzzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta l-inputs tad-*data* użati biex jiġu ddeterminati x-xenarji ta' xokkijiet futuri applikati għall-fattur tar-riskju ma jissodisfawx, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti, ir-rekwiżiti msemmija fl-Artikolu 325bc(6).

▼M8

2. Bħala parti mill-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'konformità mal-Artikolu 325bk għal dawk il-fatturi ta' riskju li mhumiex mudellabbli.

▼M17

2a. F'ċirkostanzi straordinarji, li jseħħu matul perjodi ta' tnaqqis sinifikanti f'ċerti attivitajiet ta' negozjar fis-swieq finanzjarji, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ stabbilit f'dan il-Kapitolu jikkunsidraw bħala mudellabbli fatturi tar-riskju li ġew ivvalutati bħala mhux mudellabbli minn dawk l-istituzzjonijiet f'konformità mal-paragrafu 1, dment li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fatturi tar-riskju soġġetti għat-trattament jikkorrispondu għall-attivitajiet ta' negozjar li jitnaqqsu b'mod sinifikanti fis-swieq finanzjarji;

(b) it-trattament jiġi applikat temporanjament, u mhux għal aktar minn sitt xhur fi żmien sena finanzjarja waħda;

(c) it-trattament ma jnaqqasx b'mod sinifikanti r-rekwiżiti totali ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tal-istituzzjonijiet li japplikawh;

(d) l-awtoritajiet kompetenti jinnotifikaw minnufih lill-EBA bi kwalunkwe deċiżjoni li tippermetti lill-istituzzjonijiet japplikaw l-approċċ stabbilit f'dan il-Kapitolu biex iqisu bħala mudellabbli fatturi tar-riskju li ġew ivvalutati bħala mhux mudellabbli, kif ukoll tal-attivitajiet tan-negozjar ikkonċernati, u jissostanzjaw dik id-deċiżjoni.

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kriterji sabiex tiġi vvalutata l-mudellabbiltà ta' fatturi tar-riskju f'konformità mal-paragrafu 1, inkluż meta tintuża d-*data* tas-suq ipprovduta minn bejjiegħa terzi, u l-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2025.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Artikolu 325bf

Rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv regolatorju u fatturi ta' multiplikazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "qabża fil-valur" tfisser bidla ta' ġurnata fil-valur ta' portafoll magħmul mill-pożizzjonijiet kollha assenjati għall-post tan-negozjar li jaqbeż in-numru tal-valur fir-riskju relatat ikkalkulat abbażi tal-mudell intern alternattiv tal-istituzzjoni f'konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) il-kalkolu tal-valur fir-riskju għandu jkun soġġett għal perijodu ta' żamma ta' ġurnata waħda;

(b) xenarji ta' xokkijiet futuri għandhom japplikaw għall-fatturi ta' riskju tal-pożizzjonijiet tal-post tan-negozjar imsemmija fl-Artikolu 325bg(3) u li jitqiesu mudellabbli f'konformità mal-Artikolu 325be;

(c) inputs tad-data użati biex jiġu determinati x-xenarji ta' xokkijiet futuri applikati għall-fatturi ta' riskju mudellabbli għandhom jiġu kkalibrati għal data storika msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 325bc(4);

▼M8

(d) sakemm mhux iddikjarat mod ieħor f'dan l-Artikolu, il-mudell intern alternattiv tal-istituzzjoni għandu jkun ibbażat fuq l-istess suppożizzjonijiet ta' mudellar bħal dawk użati għall-kalkolu tal-miżura ta' riskju ta' nuqqas mistenni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 325ba(1).

2. L-istituzzjonijiet għandhom jgħoddu l-qabżiet fil-valur ta' kuljum fuq il-bażi tal-ittestjar retrospettiv tat-tibdil ipotetiku u attwali fil-valur tal-portafoll magħmul mill-pożizzjonijiet kollha assenjati għall-post tan-negozjar.

3. Il-post tan-negozjar ta' istituzzjoni għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv fejn in-numru ta' qabżiet fil-valur għal dak il-post tan-negozjar li seħħew matul l-iktar 250 ġurnata tax-xogħol reċenti ma jaqbiżx l-ebda waħda minn dawn li ġejjin:

(a) 12-il qabża fil-valur għan-numru tal-valur fir-riskju, ikkalkulati f'intervall ta' fiduċja unilaterali tad-99 perċentil fuq il-bażi tal-ittestjar retrospettiv tat-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll;

(b) 12-il qabża fil-valur għan-numru tal-valur fir-riskju, ikkalkulati f'intervall ta' fiduċja unilaterali tad-99 perċentil fuq il-bażi tal-ittestjar retrospettiv tat-tibdil reali fil-valur tal-portafoll;

(c) 30 qabża fil-valur għan-numru tal-valur fir-riskju, ikkalkulati f'intervall ta' fiduċja unilaterali tas-97,5 perċentil fuq il-bażi tal-ittestjar retrospettiv tat-tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll;

(d) 30 qabża fil-valur għan-numru tal-valur fir-riskju, ikkalkulati f'intervall ta' fiduċja unilaterali tas-97,5 perċentil fuq il-bażi tal-ittestjar retrospettiv tat-tibdil reali fil-valur tal-portafoll.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jgħoddu l-qabżiet fil-valur ta' kuljum f'konformità ma' dan li ġej:

(a) l-ittestjar retrospettiv ta' tibdil ipotetiku fil-valur tal-portafoll għandu jkun ibbażat fuq tqabbil bejn il-valur fi tmiem il-ġurnata tal-portafoll u, bis-suppożizzjoni li l-pożizzjonijiet ma jinbidlux, il-valur tal-portafoll fi tmiem il-ġurnata sussegwenti;

(b) l-ittestjar retrospettiv tat-tibdil reali fil-valur tal-portafoll għandu jkun ibbażat fuq tqabbil bejn il-valur fi tmiem il-ġurnata tal-portafoll u l-valur attwali tiegħu fi tmiem il-ġurnata sussegwenti, bl-esklużjoni ta' tariffi u kummissjonijiet;

(c) għandha tingħadd qabża fil-valur għal kull ġurnata tax-xogħol li għaliha l-istituzzjoni ma tkunx tista' tivvaluta l-valur tal-portafoll jew ma tkunx tista' tikkalkula n-numru tal-valur fir-riskju msemmi fil-paragrafu 3;

5. Istituzzjoni għandha tikkalkula, f'konformità mal-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu, il-fattur tal-multiplikazzjoni (m_c) imsemmi fl-Artikolu 325ba għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha assenjati għall-postijiet tan-negozjar li għalihom tkun ingħatat permess biex tuża mudelli interni alternattivi msemmija fl-Artikolu 325az(2).

▼M8

6. ►M17 Il-fattur ta' multiplikazzjoni (m_c) għandu jkun ugwali għal tal-anqas is-somma ta' 1,5 u żieda ddeterminata f'konformità mat-Tabella 3. Għall-portafoll imsemmi fil-paragrafu 5, dik iż-żieda għandha tiġi kkalkulata fuq il-bażi tan-numru ta' qabżiet fil-valur li jkunu seħħew matul l-aktar 250 ġurnata ta' xogħol reċenti kif evidenzjat mill-ittestjar retrospettiv tal-istituzzjoni tan-numru tal-valur fir-riskju kkalkulat f'konformità mal-punt (a) ta' dan is-subparagrafu. Il-kalkolu taż-żieda għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti li ġejjin: ◄

(a) qabża fil-valur għandha tkun bidla f'ġurnata waħda fil-valur tal-portafoll li taqbeż in-numru tal-valur fir-riskju relatat ikkalkulat permezz tal-mudell intern tal-istituzzjoni f'konformità ma' dawn li ġejjin:

(i) perijodu ta' żamma ta' ġurnata waħda;

(ii) intervall ta' fiduċja unilaterali tad-99 perċentil;

(iii) xenarji ta' xokkijiet futuri għandhom japplikaw għall-fatturi ta' riskju tal-pożizzjonijiet tal-postijiet tan-negozjar imsemmija fl-Artikolu 325bg(3) u li jitqiesu mudellabbli f'konformità mal-Artikolu 325be;

(iv) l-inputs tad-data użati biex jiġu determinati x-xenarji ta' xokkijiet futuri applikati għall-fatturi ta' riskju mudellabbli għandhom jiġu kkalibrati mad-data storika msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 325bc(4);

(v) sakemm mhux iddikjarat mod ieħor f'dan l-Artikolu, il-mudell intern tal-istituzzjoni għandu jkun ibbażat fuq l-istess suppożizzjonijiet ta' mudellar bħal dawk użati għall-kalkolu tal-miżura ta' riskju ta' nuqqas mistenni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 325ba(1);

(b) in-numru ta' qabżiet fil-valur għandu jkun ugwali għall-akbar min-numru ta' qabżiet fil-valur taħt it-tibdiliet ipotetiċi u reali fil-valur tal-portafoll.

Tabella 3

Numru ta' qabżiet fil-valur	Suppliment
Inqas minn 5	0,00
5	0,20
6	0,26
7	0,33
8	0,38
9	0,42
Iktar minn 9	0,50

▼M17

F'ċirkostanzi straordinarji, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lil istituzzjoni li tagħmel waħda minn dawn li ġejjin jew it-tnejn li huma:

(a) tillimita l-kalkolu taż-żieda għal dak li jirriżulta minn qabżiet tal-valur taħt l-ittestjar retrospettiv ta' bidliet ipotetiċi meta n-numru ta' qabżiet tal-valur taħt l-ittestjar retrospettiv ta' bidliet attwali ma jirriżultax minn nuqqasijiet fil-mudell intern alternattiv tal-istituzzjoni;

▼M17

(b) teskludi l-qabżiet tal-valur evidenzjat mill-ittestjar retrospettiv ta' bidliet ipotetika jew attwali mill-kalkolu taż-żieda meta dawk il-qabżiet tal-valur ma jirriżultawx minn nuqqasijiet fil-mudell intern alternattiv tal-istituzzjoni.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżidu l-valur tal-m_c 'il fuq mis-somma msemmija f'dak is-subparagrafu, meta mudell intern alternattiv ta' istituzzjoni juri nuqqasijiet li jipprevjenu l-kalkolu xieraq tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.

▼M8

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw l-adegwatezza tal-fattur ta' multiplikazzjoni msemmi fil-paragrafu 5 u l-konformità tal-postijiet tan-negozjar mar-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv imsemmi fil-paragrafu 3. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw minnufih, lill-awtoritajiet kompetenti dwar il-qabżiet fil-valur li jirriżultaw mill-programm tagħhom ta' ttestjar retrospettiv u jipprovdu spjega għal dawk il-qabżiet fil-valur, u fi kwalunkwe każ għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti b'dan mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol wara li sseħħ il-qabża fil-valur.

▼M17

8. Permezz ta' deroga mill-paragrafi 2 u 6, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li istituzzjoni ma tgħoddx qbiż tal-valur meta bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll tagħha li jaqbeż in-numru tal-valur fir-riskju relatat ikkalkulat permezz tal-mudell intern ta' dik l-istituzzjoni tkun attribwibbli għal fattur tar-riskju mhux mudellabbli.

▼M8

9. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fit-tibdil reali u ipotetiku fil-valur tal-portafoll ta' istituzzjoni għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Marzu 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

10. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet u l-kriterji li skont dawn istituzzjoni tista' titħalla ma tgħoddx qbiż tal-valur meta l-bidla ta' ġurnata fil-valur tal-portafoll tagħha li taqbeż in-numru tal-valur fir-riskju relatat ikkalkulat permezz tal-mudell intern ta' dik l-istituzzjoni tkun attribwibbli għal fattur tar-riskju mhux mudellabbli.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2026.

▼M17

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

Artikolu 325bg

Rekwiżit ta' attribuzzjoni ta' profitti u telf

▼M17

1. Post tan-negozjar ta' istituzzjoni jkun jissodisfa r-rekwiżiti ta' attribuzzjoni P&L meta l-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll ta' dak il-post tan-negozjar, fuq il-bażi tal-mudell tal-kalkolu tar-riskju tal-istituzzjoni, ikunu qrib jew qrib biżżejjed tal-bidliet ipotetika fil-valur tal-portafoll ta' dak l-uffiċċju tan-negozjar, fuq il-bażi tal-mudell ta' pprezzar tal-istituzzjoni.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta l-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar, fuq il-bażi tal-mudell tal-kalkolu tar-riskju tal-istituzzjoni jkunu qrib biżżejjed tal-bidliet ipotetika fil-valur tal-portafoll ta' dak il-post tan-negozjar, fuq il-bażi tal-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni għandha tikkalkula, għall-pożizzjonijiet kollha assenjati lil dak il-post tan-negozjar, rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 325ba(1) u (2).

3. Abbażi tar-riżultati tar-rekwiżit tal-attribuzzjoni P&L imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, istituzzjoni għandha tiddetermina u tiddokumenta lista preċiża ta' fatturi tar-riskju inklużi fil-mudell tal-kejl tar-riskju tal-istituzzjoni li jitqiesu adatti għall-verifika tal-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżit tal-ittestjar retrospettiv stabbilit fl-Artikolu 325bf. L-istituzzjoni għandha tittraċċa kwalunkwe bidla fil-lista ta' dawk il-fatturi ta' riskju.

▼M8

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

▼M17

(a) il-kriterji li jispeċifikaw jekk il-bidliet teoretiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar ikunux qrib jew qrib biżżejjed tal-bidliet ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar għall-finijiet tal-paragrafu 1, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi regolatorji internazzjonali;

(b) ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali msemmi fil-paragrafu 2;

▼M8

(c) il-frekwenza li biha l-attribuzzjoni tal-P&L għandha titwettaq minn istituzzjoni;

(d) l-elementi tekniċi li għandhom jiġu inklużi fit-tibdiliet teoretiċi u ipotetiċi fil-valur tal-portafoll ta' post tan-negozjar għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

▼M17

———————

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2025.

▼M8

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 325bh

Rekwiżiti għall-kejl tar-riskju

1. L-istituzzjonijiet li jużaw mudell intern għall-kalkolu tar-riskju li jintuża għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq kif imsemmi fl-Artikolu 325ba għandhom jiżguraw li dak il-mudell jissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-mudell tal-kejl tar-riskju intern għandu jkopri numru biżżejjed ta' fatturi ta' riskju, li għandhom jinkludu tal-inqas il-fatturi ta' riskju msemmija fis-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 3 tal-Kapitolu 1a sakemm l-istituzzjoni ma turix lill-awtoritajiet kompetenti li l-ommissjoni ta' dawk il-fatturi ta' riskju m'għandhiex impatt materjali fuq ir-riżultati tar-rekwiżit tal-attribuzzjoni P&L imsemmi fl-Artikolu 325bg; istituzzjoni għandha tkun tista' tispjega lill-awtoritajiet kompetenti għaliex tkun inkorporat fattur tar-riskju fil-mudell tal-ipprezzar tagħha iżda mhux fil-mudell tal-kejl tar-riskji intern tagħha;

(b) il-mudell għall-kalkolu tar-riskju intern għandu jkopri nonlinearitajiet għal opzjonijiet u prodotti oħra kif ukoll ir-riskju tal-korrelazzjoni u r-riskju tal-bażi;

(c) il-mudell tal-kejl tar-riskju intern għandu jinkludi sett ta' fatturi tar-riskju li jikkorrispondu mar-rati tal-imgħax f'kull munita li fiha l-istituzzjoni jkollha pożizzjonijiet sensittivi għar-rata tal-imgħax li jidhru jew li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ; l-istituzzjoni għandha timmudella l-kurvi tar-rendiment permezz ta' wieħed mill-approċċi ġeneralment aċċettati; il-kurva tar-rendiment għandha tinqasam f'diversi segmenti ta' maturità biex tkopri l-varjazzjonijiet ta' volatilità tar-rati tul il-kurva tar-rendiment; għal skoperturi materjali għar-riskju tar-rata tal-imgħax fil-muniti u s-swieq ewlenin, il-kurva tar-rendiment għandha tiġi mmudellata bl-użu ta' mill-inqas sitt segmenti ta' maturità, u l-għadd ta' fatturi tar-riskju li jintużaw biex jimmudellaw il-kurvi tar-rendiment għandu jkun proporzjonat man-natura u l-kumplessità tal-istrateġiji ta' negozjar tal-istituzzjoni; il-mudell għandu jkopri wkoll il-firxa tar-riskju ta' movimenti korrelatati mhux b'mod perfett bejn kurvi tar-rendiment differenti jew strumenti finanzjarji differenti fl-istess emittent sottostanti;

▼M17

(d) il-mudell tal-kejl tar-riskju intern għandu jiġbor fih il-fatturi tar-riskju li jikkorrispondu għad-deheb u għall-muniti barranin individwali li fihom ikunu denominati l-pożizzjonijiet tal-istituzzjoni; għas-CIUs, għandhom jiġu kkunsidrati l-pożizzjonijiet reali tal-kambju tas-CIU; l-istituzzjonijiet jistgħu joqogħdu fuq rappurtar magħmul minn partijiet terzi dwar il-pożizzjoni tal-kambju tas-CIU, sakemm il-korrettezza ta' dak ir-rapport tkun żgurata b'mod adegwat;

▼M8

(e) is-sofistikazzjoni tat-teknika tal-immudellar għandha tkun proporzjonata mal-materjalità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet fis-swieq tal-ekwità; il-mudell tal-kejl tar-riskju intern għandu juża fattur tar-riskju separat mill-inqas għal kull wieħed mis-swieq tal-ekwità li fihom l-istituzzjoni jkollha pożizzjonijiet sinifikanti u mill-inqas fattur tar-riskju wieħed li jkopri movimenti sistemiċi fil-prezzijiet tal-ekwità u d-dipendenza ta' dak il-fattur tar-riskju fuq il-fatturi tar-riskju individwali għal kull suq tal-ekwità;

(f) il-mudell tal-kejl tar-riskju intern għandu juża fattur ta' riskju separat tal-inqas għal kull komodità li fiha l-istituzzjoni jkollha pożizzjonijiet sinifikanti, sakemm l-istituzzjoni ma jkollhiex pożizzjoni aggregata żgħira fil-komodità meta mqabbla mal-attivitajiet tan-negozjar kollha tagħha, f'liema każ tista' tuża fattur ta' riskju separat għal kull tip wiesa' ta' komodità; għal skoperturi materjali għas-swieq tal-komoditajiet; il-mudell għandu jkopri r-riskju ta' movimenti mhux perfettament korrelatati bejn komoditajiet li huma simili, iżda mhux identiċi, l-iskopertura għall-bidliet fil-prezzijiet forward li jirriżultaw minn diskrepanzi fil-maturità, u l-kurva tal-konvenjenza bejn pożizzjonijiet ta' derivattivi u ta' flus;

(g) l-indikaturi użati għandhom juru prova ta' rekord tajba għall-pożizzjoni reali miżmuma, għandhom ikunu konservattivi b'mod adatt u għandhom jintużaw biss meta d-data disponibbli ma tkunx biżżejjed, bħal matul il-perijodu ta' stress imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 325bc(2);

(h) għal skoperturi materjali għal riskji ta' volatilità fi strumenti b'opzjonalità, il-mudell tal-kejl tar-riskju intern għandu jkopri d-dipendenza tal-volatilitajiet implikati fil-prezzijiet tal-eżerċitar u fil-maturitajiet tal-opzjonijiet;

▼M17

(i) għal pożizzjonijiet f'CIUs, l-istituzzjonijiet għandhom iħarsu lejn il-pożizzjonijiet sottostanti tas-CIUs tal-anqas kull ġimgħa sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom f'konformità ma' dan il-Kapitolu; fejn l-approċċ ta' trasparenza jitwettaq kull ġimgħa, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jimmonitorjaw ir-riskji li jirriżultaw minn bidliet sinifikanti fil-kompożizzjoni tas-CIU; l-istituzzjonijiet li ma għandhomx inputs tad-*data* jew informazzjoni adegwata sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' pożizzjoni ta' CIU f'konformità mal-approċċ ta' trasparenza jistgħu jiddependu fuq parti terza biex tikseb dawk l-inputs tad-*data* jew l-informazzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) il-parti terza tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(1) l-istituzzjoni depożitarja jew l-istituzzjoni depożitarja finanzjarja tas-CIU, dment li s-CIU tinvesti b'mod esklużiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha f'dik l-istituzzjoni depożitarja jew l-istituzzjoni depożitarja finanzjarja;

(2) il-kumpanija maniġerjali tas-CIU, dment li tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3), il-punt (a);

(3) bejjiegħ terz bil-kundizzjoni li d-*data*, l-informazzjoni jew il-metriċi tar-riskju jiġu pprovduti jew ikkalkulati mill-partijiet terzi msemmija fil-punt (1) jew (2) ta' dan il-punt jew bejjiegħ terz ieħor bħal dan;

▼M17

(ii) il-parti terza tipprovdi lill-istituzzjoni bid-*data*, l-informazzjoni jew il-metriċi tar-riskju sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tal-pożizzjoni tas-CIU f'konformità mal-approċċ ta' trasparenza msemmi fl-ewwel subparagrafu;

(iii) awditur estern tal-istituzzjoni jkun ikkonferma l-adegwatezza tad-*data*, l-informazzjoni jew il-metriċi tar-riskju tal-parti terza msemmija fil-punt (ii) u l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni jkollha aċċess mhux ristrett għal dik id-*data*,l-informazzjoni jew il-metriċi tar-riskju fuq talba.

2. Istituzzjoni tista' tuża korrelazzjonijiet empiriċi f'kategoriji wiesgħa ta' fatturi tar-riskju u, għall-fini tal-kalkolu tal-kejl mhux ristrett tan-nuqqas mistenni tal-UES_t kif imsemmi fl-Artikolu 325bb (1) f'kategoriji wiesgħa ta' fatturi tar-riskju biss fejn l-approċċ tal-istituzzjoni għall-kejl ta' dawk il-korrelazzjonijiet ikun tajjeb, konsistenti mal-perjodi ta' likwidità applikabbli jew, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, mal-perjodu ta' żmien bażi ta' 10 ijiem stabbiliti fl-Artikolu 325bc(1) u implimentat b'integrità.

_____

▼M8

Artikolu 325bi

Rekwiżiti kwalitattivi

1. Kwalunkwe mudell tal-kejl tar-riskju intern użat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu għandu jkun kunċettwalment validu, għandu jkun ikkalkulat u implimentat b'integrità, u għandu jkun konformi mar-rekwiżiti kwalitattivi kollha li ġejjin:

(a) kwalunkwe mudell tal-kejl tar-riskju intern użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali għar-riskju tas-suq għandu jkun integrat mill-viċin fil-proċess tal-ġestjoni tar-riskji ta' kuljum tal-istituzzjoni u għandu jservi bħala bażi għar-rappurtar tal-iskoperturi għar-riskju lill-maniġment superjuri;

▼M17

(b) istituzzjoni għandu jkollha unità għall-kontroll tar-riskji li tkun indipendenti mill-unitajiet tan-negozjar kummerċjali u li tirrapporta direttament lill-maniġment superjuri; dik l-unità għandha:

(i) tkun responsabbli għat-tfassil u għall-implimentazzjoni ta' kwalunkwe mudell intern għall-kalkolu tar-riskju użat fl-approċċ tal-mudell intern alternattiv għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu;

(ii) tkun responsabbli għas-sistema ġenerali ta' ġestjoni tar-riskju;

(iii) tipproduċi u tanalizza rapporti ta' kuljum dwar l-output ta' kwalunkwe mudell intern użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq, u dwar l-adegwatezza tal-miżuri li għandhom jittieħdu rigward il-limiti tan-negozjar;

▼M8

(c) il-korp tal-ġestjoni u l-maniġment superjuri għandhom ikunu involuti attivament fil-proċess ta' kontroll tar-riskji, u r-rapporti ta' kuljum magħmulin mill-unità għall-kontroll tar-riskji għandhom jiġu analizzati f'livell ta' maniġment b'awtorità suffiċjenti biex jeħtieġ it-tnaqqis fil-pożizzjonijiet li jittieħdu minn operaturi individwali u biex jeħtieġ it-tnaqqis tal-iskopertura kumplessiva għar-riskju tal-istituzzjoni;

▼M8

(d) l-istituzzjoni għandu jkollha numru suffiċjenti ta' persunal b'livell ta' ħiliet li huwa adatt għas-sofistikazzjoni tal-mudelli tal-kejl tar-riskju intern, u numru suffiċjenti ta' persunal b'ħiliet fin-negozjar, fil-kontroll tar-riskji, fil-verifika u fl-oqsma tal-back office;

(e) l-istituzzjoni għandu jkollha fis-seħħ sett dokumentat ta' politiki interni, proċeduri u kontrolli għall-monitoraġġ u sabiex tiżgura l-konformità mal-operat kumplessiv ta' mudelli tal-kejl tar-riskju intern tagħha;

(f) kwalunkwe mudell tal-kejl tar-riskju intern, inkluż kwalunkwe mudell ta' pprezzar, għandu jkollu prova ta' rekord li huwa preċiż b'mod raġonevoli fil-kejl tar-riskji u ma għandux ivarja b'mod sinifikanti mill-mudelli li l-istituzzjoni tuża għall-ġestjoni interna tar-riskju tagħha;

(g) l-istituzzjoni għandha twettaq b'mod frekwenti programmi rigoruż ta' ttestjar tal-istress, inkluż testijiet tal-istress bl-invers, li għandu jinkludi kwalunkwe mudell għall-kejl tar-riskju intern; ir-riżultati ta' dawk it-testijiet tal-istress għandhom jiġu analizzati mill-maniġment superjuri tal-inqas fuq bażi ta' kull xahar u għandhom jikkonformaw mal-politiki u l-limiti approvati mill-korp ta' ġestjoni; l-istituzzjoni għandha tieħu azzjonijiet adatti meta r-riżultati ta' dawk it-testijiet tal-istress juru telf eċċessiv li jirriżulta min-negozju tan-negozjar tal-istituzzjoni taħt ċerti ċirkostanzi;

(h) l-istituzzjoni għandha twettaq analiżi indipendenti ta' mudell tal-kejl tar-riskju intern tagħha, bħala parti mill-proċess ta' awditjar intern regolari tagħha, jew billi jingħata mandat lil impriża ta' parti terza biex twettaq dik l-analiżi, li għandha titwettaq għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti.

▼M17

Unità ta' validazzjoni, li tkun separata mill-unità ta' kontroll tar-riskju msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (b), għandha twettaq il-validazzjoni inizjali u kontinwa ta' kwalunkwe mudell intern ta' kalkolu tar-riskju użat fl-approċċ tal-mudell intern alternattiv għall-finijiet ta’ dan il-Kapitolu.

▼M8

Għall-finijiet tal-punt (h) tal-ewwel subparagrafu, impriża ta' parti terza tfisser impriża li tipprovdi servizzi ta' awditjar jew ta' konsulenza lil istituzzjonijiet u li għandha persunal li għandu biżżejjed ħiliet fil-qasam tar-riskju tas-suq fl-attivitajiet tan-negozjar.

2. L-analiżi msemmija fil-punt (h) tal-paragrafu 1 għandu jinkludi kemm l-attivitajiet tal-unitajiet ta' negozjar kummerċjali kif ukoll l-unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji. L-istituzzjoni għandha twettaq analiżi tal-proċess ġenerali tal-ġestjoni tar-riskju tagħha mill-inqas darba fis-sena. Dik l-analiżi għandha tivvaluta dan li ġej:

(a) l-adegwatezza tad-dokumentazzjoni tas-sistema u l-proċess tal-ġestjoni tar-riskji u l-organizzazzjoni tal-unità għall-kontroll tar-riskji;

(b) l-integrazzjoni tal-kalkolu tar-riskju fil-ġestjoni ta' kuljum tar-riskji u l-integrità tas-sistema ta' informazzjoni ta' ġestjoni;

▼M8

(c) il-proċessi li tuża l-istituzzjoni sabiex tapprova l-mudelli ta' pprezzar tar-riskju u s-sistemi ta' valutazzjoni li jintużaw mill-persunal tal-uffiċċji prinċipali u tal-back office;

(d) il-kamp ta' applikazzjoni tar-riskji koperti mill-mudell, il-preċiżjoni u l-adegwatezza tas-sistema tal-kalkolu tar-riskju, u l-validazzjoni ta' kwalunkwe bidla sinifikanti fil-mudell tal-kejl tar-riskju intern;

(e) il-preċiżjoni u l-kompletezza tad-data dwar il-pożizzjoni, il-preċiżjoni u l-adegwatezza tas-suppożizzjonijiet dwar il-volatilità u l-korrelazzjoni, il-preċiżjoni tal-valutazzjoni u l-kalkoli tas-sensittività għar-riskji, u l-preċiżjoni u l-adegwatezza għall-ġenerazzjoni ta' indikaturi tad-data fejn id-data disponibbli mhix biżżejjed biex tissodisfa r-rekwiżit stabbilit f'dan il-Kapitolu;

(f) il-proċess ta' verifika li l-istituzzjoni tuża sabiex tevalwa l-konsistenza, il-prontezza u l-affidabbiltà tas-sorsi tad-data użati sabiex joperaw kwalunkwe mudell tal-kejl tar-riskju intern tagħha, inkluż l-indipendenza ta' dawk is-sorsi tad-data;

(g) il-proċess ta' verifika li l-istituzzjoni tuża sabiex tevalwa r-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv u r-rekwiżiti tal-attribuzzjoni P&L li jitwettqu sabiex tiġi valutata l-preċiżjoni tal-mudelli tal-kejl tar-riskju interni tagħha;

(h) meta l-analiżi titwettaq minn impriża ta' parti terza f'konformità mal-punt (h) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-verifika li l-proċess ta' validazzjoni interna stabbilit fl-Artikolu 325bj jissodisfa l-objettivi tiegħu.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jaġġornaw it-tekniki u l-prattiki li jużaw għal kwalunkwe mill-mudelli tal-kejl tar-riskju interni użati għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu biex jittieħed kont tal-evoluzzjoni ta' tekniki ġodda u l-aħjar prattiki li jiżviluppaw fir-rigward ta' dawk il-mudelli tal-kejl tar-riskju interni.

Artikolu 325bj

Validazzjoni interna

1. L-istituzzjonijiet għandhom ikollhom fis-seħħ proċessi li jiżguraw li kwalunkwe mudell tal-kejl tar-riskju intern użat għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu jkun ġie validat adegwatament minn partijiet ikkwalifikati sewwa li jkunu indipendenti mill-proċess tal-iżvilupp, sabiex jiżguraw li kwalunkwe mudelli bħal dan ikun kunċettwalment validu u jkopri b'mod adegwat ir-riskji materjali kollha.

2. L-istituzzjonijiet għandhom iwettqu l-validazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) meta kwalunkwe mudell tal-kejl tar-riskju intern jiġi żviluppat l-ewwel darba u meta jsiru kwalunkwe tibdiliet sinifikanti f'dak il-mudell;

(b) fuq bażi perjodika, u meta jkunu saru bidliet strutturali sinifikanti fis-suq jew bidliet fil-kompożizzjoni tal-portafoll li jistgħu jwasslu sabiex il-mudell tal-kejl tar-riskju intern ma jibqax adegwat.

▼M8

3. Il-validazzjoni tal-mudelli tal-kejl tar-riskju intern ta' istituzzjoni m'għandhiex tkun limitata għar-rekwiżiti tal-ittestjar retrospettiv u l-attribuzzjoni P&L, iżda għandha, bħala minimu, tinkludi dan li ġej:

(a) testijiet biex jiġi vverifikat jekk is-suppożizzjonijiet li saru fil-mudell intern ikunux adatti u ma jissottovalutawx jew ma jissopravalutawx ir-riskju;

(b) it-testijiet ta' validazzjoni tal-mudelli interni tagħhom, inkluż l-ittestjar retrospettiv flimkien mal-programmi tal-ittestjar retrospettiv regolatorju, fir-rigward tar-riskji u l-istrutturi tal-portafolli tagħhom;

(c) l-użu ta' portafolli ipotetiċi biex jiġi żgurat li l-mudell tal-kejl tar-riskju intern ikun kapaċi jqis karatteristiċi strutturali partikolari li jistgħu jinqalgħu, pereżempju, riskji ta' bażi materjali u riskji ta' konċentrazzjoni, jew ir-riskji assoċjati mal-użu tal-indikaturi.

Artikolu 325bk

Kalkolu tal-miżura tar-riskju tax-xenarju ta' stress

1. Il-"kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress ta' fattur ta' riskju mhux mudellabbli partikolari" jfisser it-telf li jseħħ fil-pożizzjonijiet kollha tan-negozjar jew il-pożizzjonijiet kollha mhux tan-negozjar li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet tal-portafoll li jinkludi dak il-fattur ta' riskju mhux mudellabbli meta xenarju estrem ta' xokkijiet futuri jiġi applikat għal dak il-fattur ta' riskju.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw xenarji estremi adatti ta' xokkijiet futuri għall-fatturi ta' riskju mhux mudellabbli kollha, għas-sodisfazzjon tal-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) kif l-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw xenarji estremi ta' xokkijiet futuri applikabbli għal fatturi ta' riskju mhux mudellabbli u kif għandhom japplikaw dawk ix-xenarji estremi ta' xokkijiet futuri għal dawk il-fatturi ta' riskju;

(b) xenarju estrem regolatorju ta' xokkijiet futuri għal kull subkategorija wiesgħa ta' fatturi ta' riskju elenkata fit-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd, li l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw meta ma jkunux jistgħu jiżviluppaw xenarju estrem ta' xokkijiet futuri f'konformità mal-punt (a) ta' dan is-subparagrafu, jew li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li dik l-istituzzjoni tapplika jekk dawk l-awtoritajiet ma jkunux sodisfatti bix-xenarju estrem ta' xokkijiet futuri żviluppat mill-istituzzjoni;

(c) iċ-ċirkostanzi li fihom l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw miżura tar-riskju tax-xenarju ta' stress għal aktar minn fattur wieħed ta' riskju mhux mudellabbli;

(d) kif l-istituzzjonijiet għandhom jaggregaw il-miżuri tar-riskju tax-xenarju ta' stress tal-fatturi ta' riskju mhux mudellabbli inklużi fil-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u l-pożizzjonijiet mhux tan-negozjar tagħhom li huma soġġetti għal riskju tal-kambju jew riskju tal-komoditajiet.

▼M8

Fl-iżvilupp ta' dawk l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, l-ABE għandha tqis ir-rekwiżit li l-livell ta' rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq ta' fattur ta' riskju mhux mudellabbli kif stabbilit f'dan l-Artikolu għandu jkun għoli daqs il-livell tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq li kien ikkalkulat taħt dan il-Kapitolu kieku dak il-fattur ta' riskju kien mudellabbli.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Settembru 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Taqsima 3

Mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza

Artikolu 325bl

Kamp ta' applikazzjoni tal-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza

1. Il-pożizzjonijiet kollha ta' istituzzjoni li jkunu ġew assenjati għal postijiet tan-negozjar li għalihom l-istituzzjoni tkun ingħatat permess kif imsemmi fl-Artikolu 325az(2) għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza meta dawk il-pożizzjonijiet ikun fihom tal-inqas fattur ta' riskju wieħed li kien ikklassifikat għall-kategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju "ekwità" jew "firxa ta' kreditu" f'konformità mal-Artikolu 325bd(1). Dak ir-rekwiżit ta' fondi proprji, li huwa inkrementali għar-riskji koperti mir-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 325ba(1), għandu jiġi kkalkulat bl-użu tal-mudell intern tal-istituzzjoni għar-riskju ta' inadempjenza. Dak il-mudell li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'din it-Taqsima.

2. Għal kull waħda mill-pożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, istituzzjoni għandha tidentifika emittent wieħed ta' strumenti ta' dejn u ta' ekwità negozjati relatat ma' tal-inqas fattur ta' riskju wieħed.

Artikolu 325bm

Permess biex jintuża mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permess lil istituzzjoni biex tuża mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza biex ikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 325ba(2) għall-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negozjar imsemmija fl-Artikolu 325bl li jkunu attribwiti għal post tan-negozjar li għalih il-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 325bi, 325bj, 325bn, 325bo u 325bp.

2. Meta l-post tan-negozjar ta' istituzzjoni, li għalih tal-inqas waħda mill-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar imsemmija fl-Artikolu 325bl tkun ġiet assenjata, ma jkunx jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq tal-pożizzjonijiet kollha f'dak il-post tan-negozjar għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-approċċ stabbilit fil-Kapitolu 1a.

▼M8

Artikolu 325bn

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza bl-użu ta' mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza bl-użu ta' mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha tal-portafoll tan-negozjar imsemmija fl-Artikolu 325bl kif ġej:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għandhom ikunu ugwali għan-numru tal-valur fir-riskju li jkejjel it-telf potenzjali fil-valur tas-suq tal-portafoll ikkawżat mill-inadempjenza ta' emittenti relatati ma' dawk il-pożizzjonijiet fl-intervall ta' kunfidenza ta' 99,9 % fuq perijodu ta' żmien ta' sena;

(b) it-telf potenzjali msemmi fil-punt (a) ifisser telf dirett jew indirett fil-valur tas-suq ta' pożizzjoni li kien ikkawżat mill-inadempjenza tal-emittenti u li huwa inkrementali għal kwalunkwe telf diġà meqjus fil-valutazzjoni attwali tal-pożizzjoni; l-inadempjenza tal-emittenti ta' pożizzjonijiet ta' ekwità għandha tiġi rappreżentata mill-valur tal-prezzijiet tal-ekwità tal-emittenti stabbilit għal żero;

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-korrelazzjonijiet ta' inadempjenza bejn emittenti differenti abbażi ta' metodoloġija kunċettwalment valida, bl-użu ta' data storika oġġettiva fuq firxiet tal-kreditu tas-suq jew prezzijiet tal-ekwità li jkopru tal-inqas perijodu ta' 10 snin li jinkludi l-perijodu ta' stress identifikat mill-istituzzjoni f'konformità mal-Artikolu 325bc(2); il-kalkolu tal-korrelazzjonijiet ta' inadempjenza bejn emittenti differenti għandu jkun ikkalibrat ma' perijodu ta' żmien ta' sena;

(d) il-mudell tal-kejl ta' riskju intern għandu jkun ibbażat fuq preżunzjoni ta' pożizzjoni kostanti għal sena.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza bl-użu ta' mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza kif imsemmi fil-paragrafu 1 tal-inqas fuq il-bażi ta' kull ġimgħa.

3. Permezz ta' deroga mill-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1, istituzzjoni tista' tissostitwixxi l-perijodu ta' żmien ta' sena b'perijodu ta' żmien ta' sittin ġurnata għall-finijiet tal-kalkolu tar-riskju ta' inadempjenza ta' xi whud mill-pożizzjonijiet ta' ekwità jew kollha kemm huma, fejn adatt. F'każ bħal dan, il-kalkolu tal-korrelazzjonijiet ta' inadempjenza bejn il-prezzijiet tal-ekwità u l-probabbiltajiet ta' inadempjenza għandu jkun konsistenti ma' perijodu ta' żmien ta' sittin ġurnata u l-kalkolu tal-korrelazzjonijiet ta' inadempjenza bejn il-prezzijiet tal-ekwità u l-prezzijiet tal-bonds għandu jkun konsistenti ma' perijodu ta' żmien ta' sena.

Artikolu 325bo

Rikonoxximent tal-ħeġġijiet f'mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jinkorporaw ħeġġijiet fil-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza tagħhom u jistgħu jinnettjaw pożizzjonijiet fejn il-pożizzjonijiet twal u l-pożizzjonijiet qosra jirrelataw għall-istess strument finanzjarju.

▼M8

2. Fil-mudelli interni għar-riskju ta' inadempjenza tagħhom l-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu biss l-effetti tal-iħħeġġjar jew tad-diversifikazzjoni assoċjati ma' pożizzjonijiet twal u qosra li jinvolvu strumenti differenti jew titoli differenti tal-istess debitur, kif ukoll pożizzjonijiet twal u qosra f'emittenti differenti bl-immudellar espliċitu tal-pożizzjonijiet twal u qosra totali fl-istrumenti differenti, inkluż l-immudellar ta' riskji bażi bejn l-emittenti differenti.

▼M17

3. Fil-mudelli interni tagħhom tar-riskju ta' inadempjenza, l-istituzzjonijiet għandhom ikopru r-riskji ta' bażi materjali fl-istrateġiji tal-iħħeġġjar li jirriżultaw minn differenzi fit-tip ta' prodott, is-superjorità fl-istruttura kapitali, il-klassifikazzjonijiet interni jew esterni, il-vintage u differenzi oħra.

L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li diskrepanzi fil-maturità bejn strument għall-iħħeġġjar u l-istrument iħħeġġjat li jistgħu jseħħu matul il-perjodu ta' żmien ta' sena, fejn dawk id-diskrepanzi ma jinqabdux fil-mudell intern tagħhom għar-riskju ta' inadempjenza, ma jwasslux għal sottovalutazzjoni materjali tar-riskju.

L-istituzzjonijiet għandhom jirrikonoxxu strument ta' ħħeġġjar biss sakemm dan ikun jista' jinżamm anki waqt li d-debitur javviċina avveniment ta' kreditu jew avveniment ieħor.

▼M8

Artikolu 325bp

Rekwiżiti partikolari għal mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza

1. Il-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza msemmi fl-Artikolu 325bm(1) għandu jkun kapaċi jimmudella l-inadempjenza ta' emittenti individwali kif ukoll l-inadempjenza simultanja ta' emittenti multipli, u għandu jikkunsidra l-impatt ta' dawk l-inadempjenzi fil-valuri tas-suq tal-pożizzjonijiet li huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak il-mudell. Għal dak il-għan, l-inadempjenza ta' kull emittent individwali għandha tiġi mmudellata bl-użu ta' żewġ tipi ta' fatturi ta' riskju sistematiku.

2. Il-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza għandu jirrifletti ċ-ċiklu ekonomiku, inkluż id-dipendenza bejn ir-rati ta' rkupru u l-fatturi ta' riskju sistematiku msemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza għandu jirrifletti l-impatt nonlineari ta' opzjonijiet u pożizzjonijiet oħra b'imġiba nonlineari materjali fir-rigward tal-bidliet fil-prezzijiet. L-istituzzjonijiet għandhom jagħtu kunsiderazzjoni adatta lill-ammont ta' riskju tal-mudell inerenti fil-valutazzjoni u l-istima tar-riskji tal-prezzijiet assoċjati ma' dawk il-prodotti.

4. Il-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza għandu jkun ibbażat fuq data li tkun oġġettiva u aġġornata.

▼M8

5. Biex tiġi simulata l-inadempjenza tal-emittenti fil-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza, l-istimi tal-istituzzjoni tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

▼M17

(a) il-probabbiltajiet ta' inadempjenza għandu jkollhom minimu ta' 0,01 % għal skoperturi li għalihom jiġi applikat piż tar-riskju ta' 0 % f'konformità mal-Artikoli 114 sa 118 u ta' 0,01 % għal bonds koperti li għalihom jiġi applikat piż tar-riskju ta' 10 % f'konformità mal-Artikolu 129; inkella, il-probabbiltajiet ta' inadempjenza għandu jkollhom minimu ta' 0,03 %;

▼M8

(b) il-probabbiltajiet ta' inadempjenza għandhom ikunu bbażati fuq perijodu ta' żmien ta' sena, sakemm mhux iddikjarat mod ieħor f'din it-Taqsima;

(c) il-probabbiltajiet ta' inadempjenza għandhom jitkejlu bl-użu, waħidha jew flimkien mal-prezzijiet tas-suq attwali, id-data osservata matul perijodu storiku ta' mill-inqas ħames snin u tnaqqis estrem fil-prezzijiet tas-suq ekwivalenti għal avvenimenti ta' inadempjenzata' inadempjenzi reali li ġraw fil-passat; il-probabbiltajiet ta' inadempjenza m'għandhomx ikunu implikati biss mill-prezzijiet tas-suq attwali.

▼M17

(d) istituzzjoni li tkun ingħatat permess biex tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza f'konformità mat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 3 tat-Titolu II għall-klassi tal-iskoperturi u għas-sistema ta' klassifikazzjoni korrispondenti għal emittent partikolari għandha tuża l-metodoloġija stabbilita hemm sabiex tikkalkula l-probabbiltajiet ta' inadempjenza ta' dak l-emittent, dment li d-*data* għal tali stima tkun disponibbli;

(e) istituzzjoni li ma tkunx ingħatat permess sabiex tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza msemmija fil-punt (d) għandha tiżviluppa metodoloġija interna jew tuża sorsi esterni sabiex tistma dawn il-probabbiltajiet ta' inadempjenza b'mod konsistenti mar-rekwiżiti applikabbli għall-istimi tal-probabbiltà ta' inadempjenza skont dan l-Artikolu.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), id-*data* sabiex jiġu stimati l-probabbiltajiet ta' inadempjenza ta' emittent partikolari ta' pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar tkun disponibbli meta, fid-data tal-kalkolu, l-istituzzjoni jkollha pożizzjoni tal-portafoll mhux tan-negozjar fuq l-istess debitur li għaliha tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza f'konformità mat-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 1 sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha stabbiliti f'dak il-Kapitolu.

▼M8

6. Biex tiġi simulata l-inadempjenza tal-emittenti fil-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza, l-istimi tal-istituzzjoni tat-telf fil-każ ta' inadempjenza għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istimi tat-telf fil-każ ta' inadempjenza għandhom minimu ta' 0 %;

(b) l-istimi tat-telf fil-każ ta' inadempjenza għandhom jirriflettu s-superjorità ta' kull pożizzjoni;

▼M17

(c) istituzzjoni li tkun ingħatat permess biex tistma l-LGD f'konformità mat-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 1, għall-klassi tal-iskoperturi u għas-sistema ta' klassifikazzjoni korrispondenti għal skopertura partikolari għandha tuża l-metodoloġija stabbilita hemm sabiex tikkalkula l-istimi tal-LGD ta' dak l-emittent, dment li d-*data* għal tali stima tkun disponibbli;

▼M17

(d) istituzzjoni li ma tkunx ingħatat permess sabiex tistma l-LGD msemmi fil-punt (c) għandha tiżviluppa metodoloġija interna jew tuża sorsi esterni sabiex tistma l-LGD b'mod konsistenti mar-rekwiżiti li japplikaw għall-istimi tal-LGD skont dan l-Artikolu.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), id-*data* sabiex jiġi stimat l-LGD ta' emittent partikolari ta' pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar tkun disponibbli meta, fid-data tal-kalkolu, l-istituzzjoni jkollha pożizzjoni tal-portafoll mhux tan-negozjar fuq l-istess skopertura li għaliha tistma l-LGD f'konformità mat-Titolu II, il-Kapitolu 3, it-Taqsima 1 sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha stabbiliti f'dak il-Kapitolu.

▼M8

7. Bħala parti mill-analiżi u l-validazzjoni indipendenti tal-mudelli interni li jużaw għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, inkluż is-sistema tal-kalkolu tar-riskji, l-istituzzjonijiet għandhom:

(a) jivverifikaw li l-approċċ tagħhom għall-immudellar ta' korrelazzjonijiet u bidliet fil-prezzijiet ikun adatt għall-portafoll tagħhom, inkluż l-għażla u l-piżijiet tal-fatturi sistematiċi tar-riskju fil-mudell;

(b) iwettqu varjetà ta' testijiet tal-istress, fosthom analiżi tas-sensittività u analiżi tax-xenarji, biex jivvalutaw ir-raġonevolezza kwalitattiva u kwantitattiva tal-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza, b'mod partikolari fir-rigward tat-trattament tal-konċentrazzjonijiet.; u

(c) tapplika validazzjoni kwantitattiva adatta li tinkludi punti ta' riferiment interni rilevanti ta' mudellar.

It-testijiet imsemmija fil-punt (b) ma għandhomx ikunu limitati għall-firxa ta' avvenimenti passati esperjenzati.

8. Il-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza għandu jirrifletti kif adatt il-konċentrazzjonijiet tal-emittent u l-konċentrazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu fi ħdan u bejn klassijiet ta' prodotti taħt kondizzjonijiet ta' stress.

9. Il-mudell intern għar-riskju ta' inadempjenza għandu jkun konsistenti mal-metodoloġiji interni tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni għall-identifikazzjoni, il-kalkolu u l-ġestjoni tar-riskji tan-negozju.

10. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom politiki u proċeduri definiti b'mod ċar biex jiddeterminaw is-suppożizzjonijiet tal-inadempjenza għall-korrelazzjonijiet bejn emittenti differenti f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 325bn(1) u l-għażla preferuta ta' metodu biex jiġu stmati l-probabbiltajiet ta' inadempjenza fil-punt (e) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u t-telf li jirriżulta mill-inadempjenza fil-punt (d) tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

11. L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw il-mudelli interni tagħhom sabiex is-suppożizzjonijiet ta' korrelazzjoni u suppożizzjonijiet oħra tal-immudellar ikunu trasparenti għall-awtoritajiet kompetenti.

12. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika r-rekwiżiti li l-metodoloġija interna ta' istituzzjoni jew sorsi esterni jridu jissodisfaw biex jiġu stmati l-probabbiltajiet ta' inadempjenza u t-telf fil-każ ta' inadempjenza f'konformità mal-punt (e) tal-paragrafu 5 u l-punt (d) tal-paragrafu 6.

▼M8

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Settembru 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

KAPITOLU 2

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali u strumenti speċifiċi

Artikolu 326

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni

Ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għar-riskju tal-pożizzjoni għandu jkun is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali jew speċifiku tal-pożizzjonijiet tagħha fl-istrumenti tad-dejn u l-ekwità. Il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fil-portafoll tan-negozjar għandhom jiġu ttrattati bħala strumenti tad-dejn.

Artikolu 327

Netting

1. Il-valur assolut tal-eċċess tal-pożizzjonijiet twal (qosra) ta' istituzzjoni fuq il-pożizzjonijiet tagħha qorsa (twal) fl-istess ekwità, dejn u titoli konvertibbli u futures finanzjarji identiċi, opzjonijiet, warrants u warrants koperti, għandu jkun il-pożizzjoni netta tagħha f'kull wieħed minn dawk l-istrumenti differenti. Fil-kalkolu tal-pożizzjoni netta, il-pożizzjonijiet fi strumenti derivati għandhom jiġu trattati kif stipulat fl-Artikoli 328 sa 330. Il-holdings tal-istituzzjonijiet fl-istrumenti tad-dejn tagħhom stess ma' għandhom jiġu kkunsidrati fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għar-risku speċifiku skont l-Artikolu 336.

2. Ma għandu jkun permess l-ebda netting bejn pożizzjoni konvertibbli u pożizzjoni ta' tpaċija fl-istrument sottostanti, sakemm l-awtoritajiet kompetenti ma jadottawx approċċ li permezz tiegħu l-probabbiltà li konvertibbli partikolari jiġi konvertit tiġi kkunsidrata jew ma jitlobux rekwiżit ta' fondi proprji sabiex ikopri kull telf li l-konverżjoni tista' ġġib magħha. Tali approċċi jew rekwiżiti ta' fondi proprji għandhom jiġu notifikati lill-ABE. L-ABE għandha tissorvelja l-firxa ta' prattiki f'dan il-qasam u għandha toħroġ linji gwida, skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. Irrispettivament mis-sinjali tagħhom, il-pożizzjonijiet netti kollha għandhom jiġu kkonvertiti kuljum fil-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni skont ir-rata prevalenti tal-kambju spot qabel ma jiġu aggregati.

▼B

Artikolu 328

Futures u forwards tar-rati tal-imgħax

1. Futures tar-rati tal-imgħax, ftehim dwar rati forward (FRAs) u impenji forward għax-xiri jew bejgħ ta' stumenti tad-dejn għandhom ikunu ttrattati bħala taħlitiet ta' pożizzjonijiet twal u qosra. Għaldaqstant, pożizzjoni twila fuq futures tar-rati tal-imgħax għandha tiġi trattata bħala taħlita ta' self li jimmatura fid-data tal-konsenja tal-kuntratt futures u holding ta' assi b'data ta' maturità ugwali għal dik tal-istrument jew tal-pożizzjoni nozzjonali sottostanti l-kuntratt futures inkwistjoni. Bl-istess mod, FRA mibjugħ għandu jiġi ttrattat bħala pożizzjoni twila b'data ta' maturità ugwali għad-data tas-saldu flimkien mal-perijodu tal-kuntratt, u pożizzjoni qasira b'maturità ugwali għad-data tas-saldu. Kemm is-self kif ukoll il-holding fl-assi għandhom jiġu inklużi fl-ewwel kategorija stabbilita fit-Tabella 1 fl-Artikolu 336 sabiex jiġi kkalkulat ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għall-futures tar-rati tal-imgħax u l-FRAs. Impenn forward għax-xiri ta' strument tad-dejn għandu jiġi ttrattat bħala taħlita ta' self li jimmatura fid-data tal-konsenja u pożizzjoni twila (spot) fl-istrument tad-dejn innifsu. Is-self għandu jiġi inkluż fl-ewwel kategorija stabbilita fit-Tabella 1 fl-Artikolu 336 għall-finijiet ta' riskju speċifiku, u l-istrument tad-dejn taħt dik il-kolonna li tkun xierqa għalih fl-istess tabella.

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "pożizzjoni twila" tfisser pożizzjoni li fiha istituzzjoni tkun iffissat ir-rata tal-imgħax li ser tirċievi f'xi mument fil-ġejjieni, u "pożizzjoni qasira" tfisser pożizzjoni li fiha l-istituzzjoni tkun iffissat r-rata tal-imgħax li ser tħallas f'xi mument fil-ġejjieni.

Artikolu 329

Opzjonijiet u warrants

1. L-opzjonijiet u l-warrants fuq ir-rati tal-imgħax, l-istrumenti tad-dejn, l-ekwitajiet, l-indiċijiet tal-ekwità, il-futures finanzjarji, l-iswaps u l-muniti barranin għandhom jiġu ttrattati daqs li kieku kienu pożizzjonijiet ugwali fil-valur għall-ammont tal-istrument sottostanti li għalih tirreferi l-opzjoni, immultiplikat bid-delta tiegħu għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu. Jista' jsir netting ta; dawn il-pożizzjonijiet tal-aħħar ma' kwalunkwe pożizzjoni ta' tpaċija fit-titoli jew derivati sottostanti identiċi. Id-delta użata għandha tkun dik tal-borża kkonċernata. Għall-opzjonijiet OTC, jew fejn id-delta ma tkunx disponibbli mill-borża kkonċernata, l-istituzzjoni tista' tikkalkula d-delta hi stess billi tuża mudell adatt, soġġett għal permess mill-awtoritajiet kompetenti. Il-permess għandu jingħata jekk il-mudell jistma b'mod xieraq ir-rata ta' bidla fil-valur tal-opzjoni jew tal-warrant fir-rigward ta' bidliet żgħar fil-prezz tas-suq tas-sottostanti.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu adegwatament, fir-rekwiżiti ta' fondi proprji, riskji oħra, minbarra r-riskju tad-delta, assoċjati ma' opzjonijiet.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddefinixxu firxa ta' metodi sabiex jirriflettu riskji oħra fir-rekwiżiti ta' fondi proprji, minbarra r-riskju tad-delta, imsemmija fil-paragrafu 2 b'mod proporzjonali mal-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet fl-opzjonijiet u l-warrants.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

▼B

Il-Kummissjoni hija delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi msemmija fil-paragrafu 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament nazzjonali eżistenti, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw dawk it-trattamenti qabel il-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 330

Tpartit (swaps)

Għall-finijiet tar-riskju tar-rati tal-imgħax, l-iswaps għandhom jiġu ttrattat fuq l-istess bażi bħal strumenti li jidhru fil-karta tal-bilanċ. Għaldaqstant, swap fuq ir-rata tal-imgħax li biha istituzzjoni tirċievi imgħax b'rata varjabbli u tħallas imgħax b'rata fissa għandu jiġi ttrattat bħala ekwivalenti għal pożizzjoni twila fi strument b'rata varjabbli b'maturità ekwivalenti għall-perijodu sal-iffissar li jmiss tal-imgħax u għal pożizzjoni qasira fi strument b'rata fissa bl-istess maturità bħal-iswap innifsha.

Artikolu 331

Riskju tar-rati tal-imgħax fuq strumenti derivati

1. L-istituzzjonijiet li jippeżaw skont is-suq u jiġġestixxu r-riskju tar-rati tal-imgħax fuq l-istrumenti derivati koperti fl-Artikoli 328 sa 330 fuq bażi ta' fluss skontat ta' flus (discounted-cash-flow) jistgħu, wara li jiksbu permess mill-awtoritajiet kompetenti, jużaw mudelli ta' sensittività sabiex jikkalkulaw il-pożizzjonijiet imsemmija f'dawk l-Artikoli u jistgħu jużawhom għal kwalunkwe bond li jkun amortizzat tul il-ħajja reżidwa tiegħu minflok permezz ta' ripagament finali wieħed tal-ammont kapitali. Il-permess għandu jingħata jekk dawn il-mudelli jiġġeneraw pożizzjonijiet li jkollhom l-istess sensittività għall-varjazzjonijiet fir-rati tal-imgħax bħall-flussi tal-flus sottostanti. Din is-sensittività għandha tiġi vvalutata b'referenza għall-movimenti indipendenti fir-rati kampjun tul il-kurva tar-rendita, b'mill-inqas punt wieħed ta' sensittività f'kull faxxa ta' maturità stabbilita fit-Tabella 2 fl-Artikolu 339. Il-pożizzjonijiet għandhom jiġu inklużi fil-kalkoli tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali tal-istrumenti tad-dejn.

2. L-istituzzjonijiet li ma jużawx mudelli skont il-paragrafu 1 jistgħu jittrattaw bħal li jpaċu kompletament kwalunkwe pożizzjoni fl-istrumenti derivati koperti fl-Artikoli 328 sa 330 li mill-inqas ikunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjonijiet ikunu tal-istess valur u denominati fl-istess munita;

(b) ir-rata ta' referenza (għall-pożizzjonijiet ta' rata varjabbli) jew il-kupun (għall-pożizzjonijiet ta' rata fissa) hija allineata mill-qrib;

(c) id-data li jmiss għall-iffissar tar-rata tal-imgħax jew, għal pożizzjonijiet ta' kupun fiss, il-maturità reżidwa tikkorrispondi mal-limiti li ġejjin:

▼B

(i) inqas minn xahar: l-istess ġurnata;

(ii) bejn xahar u sena: fi żmien sebat ijiem;

(iii) aktar minn sena: fi żmien 30 ġurnata.

Artikolu 332

Derivati tal-kreditu

1. Meta jiġi kkalkulat ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali u speċifiku tal-parti li tieħu r-riskju tal-kreditu (il-"bejjiegħ tal-protezzjoni"), sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandu jintuża l-ammont nozzjonali tal-kuntratt tad-derivat tal-kreditu. Minkejja l-ewwel sentenza, l-istituzzjoni tista' tagħżel li tissostitwixxi l-valur nozzjonali bil-valur nozzjonali miżjud bil-bidla netta fil-valur tas-suq tad-derivat tal-kreditu mill-bidu tat-transazzjoni, bidla netta 'l isfel mill-perspettiva tal-bejjiegħ tal-protezzjoni li jkollha sinjal negattiv. Sabiex jiġi kkalkulat it-tnaqqis għar-riskju speċifiku, għajr total return swaps, għandha tapplika l-maturità tal-kuntratt tad-derivat tal-kreditu, u mhux il-maturità tal-obbligazzjoni. Il-pożizzjonijiet jiġu determinati kif ġej:

(a) total return swap toħloq pożizzjoni twila fir-riskju ġenerali tal-obbligazzjoni ta' riferiment u pożizzjoni qasira fir-riskju ġenerali tal-bond tal-gvern b'maturità ekwivalenti għall-perijodu sal-iffissar li jmiss tar-rata tal-imgħax u li huwa assenjat piż tar-riskju ta' 0 % skont it-Titolu II, Kapitolu 2. Joħloq ukoll pożizzjoni twila fir-riskju speċifiku tal-obbligazzjoni ta' riferiment;

(b) swap ta' inadempjenza tal-kreditu ma toħloqx pożizzjoni għar-riskju ġenerali. Għall-finijiet tar-riskju speċifiku, l-istituzzjoni għandha tirreġistra pożizzjoni sintetika twila f'obbligazzjoni tal-entità ta' referenza, sakemm id-derivat ma jkunx ikklassifikat esternament u ma jissodisfax il-kondizzjonijiet għal element ta' dejn li jikkwalifika, f'liema każ tiġi reġistrata pożizzjoni twila fid-derivat. Jekk il-prodott jikkomporta l-pagament ta' primjum jew ta' imgħax, dawn il-flussi ta' flus għandhom jiġu rappreżentati bħala pożizzjonijiet nozzjonali f'bonds tal-gvern;

(c) nota marbuta mal-kreditu b'isem wieħed toħloq pożizzjoni twila fir-riskju ġenerali tan-nota nnifisha, bħala prodott tar-rati tal-imgħax. Għall-fini tar-riskju speċifiku, tinħoloq pożizzjoni sintetika twila f'obbligazzjoni tal-entità ta' referenza. Pożizzjoni twila addizzjonali tinħoloq fl-emittent tan-nota. Meta n-nota marbuta mal-kreditu jkollha klassifikazzjoni esterna u tissodisfa l-kondizzjonijiet għal element ta' dejn li jikkwalifika, tista' tiġi rreġistrata biss pożizzjoni twila bir-riskju speċifiku tan-nota;

(d) minbarra pożizzjoni twila fir-riskju speċifiku tal-emittent tan-nota, nota marbuta mal-kreditu b'ismijiet multipli li tipprovdi protezzjoni proporzjonali toħloq pożizzjoni f'kull entità ta' referenza, bl-ammont nozzjonali totali tal-kuntratt assenjat fost il-pożizzjonijiet skont il-proporzjon tal-ammont nozzjonali totali li kull skopertura tirrappreżenta għal entità ta' referenza. Fejn tista' tintgħażel iżjed minn obbligazzjoni waħda ta' entità ta' referenza, l-obbligazzjoni bl-ogħla ppeżar tar-riskju tiddetermina r-riskju speċifiku.

▼B

(e) derivat tal-kreditu tat-tip “first-asset-to-default” joħloq pożizzjoni għall-ammont nozzjonali f’obbligazzjoni ta’ kull entità ta’ referenza. Jekk id-daqs tal-pagament massimu minħabba avveniment ta’ kreditu jkun inqas mir-rekwiżit ta' fondi proprji skont il-metodu fl-ewwel sentenza ta’ dan il-punt, l-ammont massimu ta' ħlas jista' jittieħed bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku

Derivat tal-kreditu tat-tip “n-th-asset-to-default” joħloq pożizzjoni għall-ammont nozzjonali f’obbligazzjoni ta’ kull entità ta' referenza minbarra l-entitajiet ta' referenza n-1 bir-rekwiżit l-iżjed baxx ta’ fondi proprji għar-riskju speċifiku. Jekk id-daqs tal-pagament massimu minħabba avveniment ta’ kreditu jkun inqas mir-rekwiżit ta' fondi proprji skont il-metodu fl-ewwel sentenza ta’ dan il-punt, l-ammont massimu ta' ħlas jista' jittieħed bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku

Fejn derivat tal-kreditu tat-tip "n-th-to-default" ikun ikklassifikat esternament, il-bejjiegħ tal-protezzjoni għandu jikkalkula r-rekwiżit ta’ fondi proprji għar-riskju speċifiku billi juża l-klassifikazzjoni tad-derivat u japplika l-ippeżar tar-riskju tat-titolizzazzjoni rispettiv kif applikabbli.

2. Għall-parti li tittrasferixxi r-riskju tal-kreditu (ix-xerrej tal-protezzjoni), il-pożizzjonijiet jiġu determinati bħala l-prinċipju riflessiv (“mirror principle”) tal-bejjiegħ tal-protezzjoni, bl-eċċezzjoni ta’ nota marbuta mal-kreditu (li ma tinvolvi l-ebda pożizzjoni qasira fl-emittent). Meta jiġi kkalkulat ir-rekwiżit ta' fondi proprji għax-“xerrej tal-protezzjoni”, għandu jintuża l-ammont nozzjonali tal-kuntratt ta' derivat tal-kreditu. Minkejja l-ewwel sentenza, l-istituzzjoni tista’ tagħżel li tissostitwixxi l-valur nozzjonali bil-valur nozzjonali miżjud bil-bidla netta fil-valur tas-suq tad-derivat tal-kreditu mill-bidu tat-transazzjoni, bidla netta ’l isfel mill-perspettiva tal-bejjiegħ tal-protezzjoni li jkollha sinjal negattiv. Jekk f’xi mument partikolari jkun hemm opzjoni ta’ xiri flimkien ma’ step-up, dan il-mument jiġi ttrattat bħala l-maturità tal-protezzjoni.

▼M17

3. Derivattivi ta' kreditu f'konformità mal-Artikolu 325(6) jew (8) għandhom jiġu inklużi biss fid-determinazzjoni tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku f'konformità mal-Artikolu 338(2).

▼B

Artikolu 333

Titoli mibjugħa skont ftehim ta’ xiri mill-ġdid jew self

Dak li jittrasferixxi titoli jew drittijiet iggarantiti marbuta mas-sjieda tat-titoli fi ftehim ta’ xiri mill-ġdid u dak li jislef titoli f'self ta' titoli għandhom jinkludu dawk it-titoli fil-kalkolu tar-rekwiżit ta’ fondi proprji skont dan il-Kapitolu sakemm dawn it-titoli jkunu pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar.

Taqsima 2

Strumenti tad-dejn

Artikolu 334

Pożizzjonijiet netti fi strumenti tad-dejn

Il-pożizzjonijiet netti għandhom jiġu kklassifikati skont il-munita li fiha jkunu denominati u għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali u speċifiku f’kull munita individwali b’mod separat.

▼B

Subtaqsima 1

Riskju speċifiku

Artikolu 335

Limitu massimu tar-rekwiżit ta’ fondi proprji għal pożizzjoni netta

L-istituzzjoni tista’ tiffissa limitu massimu għar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku ta’ pożizzjoni netta fi strument tad-dejn li jkun daqs it-telf massimu possibbli relatat mar-riskju ta’ inadempjenza. Għal pożizzjoni qasira, dak il-limitu jista’ jiġi kkalkulat bħala bidla fil-valur minħabba li l-istrument jew, fejn rilevanti, l-ismijiet sottostanti immedjatament isiru ħielsa mir-riskju ta' inadempjenza.

Artikolu 336

Rekwiżit ta’ fondi proprji għall-istrumenti tad-dejn mhux ta’ titolizzazzjoni

1. L-istituzzjoni għandha tassenja l-pożizzjonijiet netti tagħha fil-portafoll tan-negozjar fi strumenti li mhumiex pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni kif ikkalkulati skont l-Artikolu 327 lill-kategoriji xierqa tat-Tabella 1 fuq il-bażi tal-emittent jew id-debitur, il-valutazzjoni tal-kreditu esterna jew interna, u l-maturità reżidwa tagħhom, u mbagħad timmultiplikahom bl-ippeżar muri f’dik it-tabella. Sabiex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku tagħha, hija għandha tgħodd il-pożizzjonijiet ippeżati tagħha li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu, irrispettivament minn jekk ikunux pożizzjonijiet twal jew qosra.

Tabella 1

Kategoriji	Kategoriji
Titoli ta’ dejn li jirċievu piż tar-riskju ta’ 0 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu.	0 %
Titoli ta’ dejn li jirċievu piż tar-riskju ta’ 20 % jew 50 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu u għal elementi oħra li jikkwalifikaw kif definit fil-paragrafu 4.	0,25 % (terminu reżidwu sal-maturità finali ta’ sitt xhur jew inqas) 1,00 % (terminu reżidwu sal-maturità finali ta' iżjed minn sitt xhur u sa 24 xahar, inklużi) 1,60 % (terminu reżidwu sal-maturità li jaqbeż l-24 xahar)
Titoli ta’ dejn li jirċievu piż tar-riskju ta’ 100 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu.	8,00 %
Dejn li jirċievi piż tar-riskju ta’ 150 % skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu.	12,00 %

2. Għall-istituzzjonijiet li japplikaw l-Approċċ IRB għall-klassi ta' skopertura li minnha jagħmel parti l-emittent tal-istrument tad-dejn, sabiex jikkwalifikaw għal piż tar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-emittent tal-iskopertura għandu jkollu klassifikazzjoni interna b’PD ekwivlenti għal jew inqas minn dik assoċjata mal-livell xieraq ta’ kwalità tal-kreditu skont l-Approċċ Standardizzat.

▼B

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżiti tar-riskju speċifiku għal kwalunkwe bond li tikkwalifika għal piż tar-riskju ta' 10 % skont it-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4), (5) u (6) bħala nofs ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku applikabbli għat-tieni kategorija fit-Tabella 1.

4. Elementi oħra li jikkwalifikaw huma:

(a) pożizzjonijiet twal u qosra f'assi li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikunu kkunsidrati mill-istituzzjoni kkonċernata bħala likwidi biżżejjed;

(ii) il-kwalità tal-investiment tagħhom tkun, skont id-diskrezzjoni tal-istituzzjoni nnifisha, mill-inqas ekwivalenti għal dik tal-assi msemmija fit-Tabella 1, it-tieni filliera;

(iii) ikunu kkwotati f'mill-anqas suq irregolat wieħed fi Stat Membri jew f'borża f'pajjiż terz sakemm il-borża tkun rikonoxxuta mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru rilevanti;

(b) pożizzjonijiet twal u qosra f'assi maħruġa minn istituzzjonijiet soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament li jkunu kkunsidrati mill-istituzzjoni kkonċernata bħala likwidi biżżejjed u li l-kwalità tal-investiment tagħhom tkun, skont id-diskrezzjoni tal-istituzzjoni nnifisha, mill-inqas ekwivalenti għal dik tal-assi msemmija fit-Tabella 1, it-tieni filliera;

(c) titoli maħruġa minn istituzzjonijiet li jkunu kkunsidrati li għandhom kwalità tal-kreditu ekwivalenti, jew ogħla, minn dawk assoċjati mal-livell 2 tal-kwalità tal-kreditu skont l-Approċċ Standardizzat għar-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi għall-istituzzjonijiet u li jkunu soġġetti għal arranġamenti superviżorji u regolatorji komparabbli ma' dawk skont dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE.

L-istituzzjonijiet li jużaw il-punti (a) jew (b) għandu jkollhom fis-seħħ metodoloġija dokumentata sabiex jivvalutaw jekk l-assi jilħqux ir-rekwiżiti f'dawk il-punti u għandhom jinnotifikaw din il-metodoloġija lill-awtoritajiet kompetenti.

▼M5

Artikolu 337

Rekwiżit ta' fondi proprji għal strumenti ta' titolizzazzjoni

1. Għall-istrumenti fil-portafoll tan-negozju li huma pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni għandha tiżen il-pożizzjonijiet netti kif ikkalkolati skont l-Artikolu 327(1) bi 8 % tal-ponderazzjoni tar-riskju li l-istituzzjoni tapplika għall-pożizzjoni fil-portafoll mhux tan-negozju tagħha skont it-Taqsima 3 tal-Kapitolu 5 tat-Titolu II.

▼M17

2. Meta jiddeterminaw il-piżijiet tar-riskju għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw esklużivament l-approċċ stabbilit fit-Titolu II, il-Kapitolu 5, it-Taqsima 3.

▼M5

3. Għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li huma soġġetti għal piż ta' riskju addizzjonali skont l-Artikolu 247(6), għandu jiġi applikat 8 % tal-ponderazzjoni tar-riskju totali.

▼M17

4. L-istituzzjoni għandha tgħodd flimkien il-pożizzjonijiet ponderati tagħha li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, irrispettivament minn jekk humiex twal jew qosra, sabiex tkun tista' tikkalkula r-rekwiżit tal-fondi proprji tagħha kontra riskju speċifiku, għajr għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni soġġetti għall-Artikolu 338(2).

▼M5

5. Meta istituzzjoni oriġinatriċi ta' titolizzazzjoni tradizzjonali ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għal trasferiment ta' riskju sinifikanti stabbilit fl-Artikolu 244, l-istituzzjoni oriġinatriċi għandha tinkludi l-iskoperturi sottostanti għat-titolizzazzjoni fil-kalkolu tagħha tar-rekwiżit tal-fondi proprji bħallikieku dawk l-iskoperturi ma kinux ġew titolizzati.

Meta istituzzjoni oriġinatriċi ta' titolizzazzjoni sintetika ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għat-trasferiment ta' riskju sinifikanti stabbilit fl-Artikolu 245, l-istituzzjoni oriġinatriċi għandha tinkludi l-iskoperturi sottostanti għat-titolizzazzjoni fil-kalkolu tagħha tar-rekwiżiti tal-fondi proprji bħallikieku dawk l-iskoperturi ma kinux ġew titolizzati u għandha tinjora l-effett tat-titolizzazzjoni sintetika għall-finijiet ta' protezzjoni tal-kreditu.

▼M17

Artikolu 338

Rekwiżit ta' fondi proprji għall-portafoll kummerċjali ta' korrelazzjoni

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, istituzzjoni għandha tiddetermina l-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni tagħha f'konformità mal-Artikolu 325(6), (7) u (8).

2. Istituzzjoni għandha tiddetermina l-akbar wieħed mill-ammonti li ġejjin bħala r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għall-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni:

(a) ir-rekwiżit totali ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku li jkun japplika biss għall-pożizzjonijiet netti twal tal-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni;

(b) ir-rekwiżit totali ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku li jkun japplika biss għall-pożizzjonijiet netti qosra tal-portafoll tan-negozjar ta' korrelazzjoni.

▼B

Subtaqsima 2

Riskju ġenerali

Artikolu 339

Kalkolu tar-riskju ġenerali bbażat fuq il-maturità

1. Sabiex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali, il-pożizzjonijiet kollha għandhom jiġu ppeżati skont il-maturità kif spjegat fil-paragrafu 2 sabiex jiġi kkalkulat l-ammont ta' fondi proprji meħtieġa għalihom. Dan ir-rekwiżit għandu jitnaqqas meta pożizzjoni ppeżata tinżamm flimkien ma' pożizzjoni opposta ppeżata fl-istess faxxa ta' maturità. Għandu jsir ukoll tnaqqis fir-rekwiżit meta l-pożizzjonijiet ippeżati opposti jaqgħu f'faxex ta' maturità differenti, f'liema każ id-daqs ta' dan it-tnaqqis ikun jiddependi kemm minn jekk iż-żewġ pożizzjonijiet jaqgħux fl-istess żona jew le, kif ukoll miż-żoni partikolari li fihom jaqgħu.

▼B

2. L-istituzzjoni għandha tassenja l-pożizzjonijiet netti tagħha fil-faxex ta' maturità adatti fil-kolonna 2 jew 3, kif xieraq, fit-Tabella 2 fil-paragrafu 4. Hija għandha tagħmel dan fuq il-bażi ta' maturità reżidwa fil-każ ta' strumenti b'rata fissa u fuq il-bażi tal-perijodu sakemm ir-rata tal-imgħax terġa' tiġi ffissata fil-każ ta' strumenti li r-rata tal-imgħax fuqhom tkun varjabbli qabel il-maturità finali. Għandha tiddistingwi wkoll bejn strumenti tad-dejn b'kupun ta' 3 % jew aktar u dawk b'kupun ta' inqas minn 3 % u għaldaqstant, tallokahom fil-kolonna 2 jew il-kolonna 3 fit-Tabella 2. Imbagħad għandha timmultiplika kull wieħed minnhom bl-ippeżar għall-faxxa ta' maturità inkwistjoni fil-kolonna 4 fit-Tabella 2.

3. L-istituzzjoni għandha mbagħad tikkalkula s-somma tal-pożizzjonijet twal ippeżati u s-somma tal-pożizzjonijiet qosra ippeżati f'kull faxxa ta' maturità. L-ammont tal-ewwel somma li jkun ibbilanċjat bit-tieni somma f'faxxa ta' maturità partikolari għandu jkun il-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata f'dik il-faxxa, filwaqt li l-pożizzjoni twila jew qasira reżidwa għandha tkun il-pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata għall-istess faxxa. Imbagħad għandu jiġi kkalkulat it-total tal-pożizzjonijiet ippeżati bbilanċjati fil-faxex kollha.

4. L-istituzzjoni għandha tikkalkula t-totali tal-pożizzjonijiet twal ippeżati mhux ibbilanċjati għall-faxex inklużi f'kull żona tat-Tabella 2 sabiex tiddetermina l-pożizzjoni twila ppeżata mhux ibbilanċjata għal kull żona. Bl-istess mod, is-somma tal-pożizzjonijiet qosra ppeżati mhux imqabbla għal kull faxxa f'żona partikolari għandha tingħadd sabiex tiġi kkalkulata l-pożizzjoni qasira ppeżata mhux ibbilanċjata għal dik iż-żona. Dik il-parti tal-pożizzjoni twila ppeżata mhux ibbilanċjata għal żona partikolari li tkun ibbilanċjata bil-pożizzjoni qasira ppeżata mhux ibbilanċjata għall-istess żona għandha tkun il-pożizzjoni ppeżata ibbilanċjata għal dik iż-żona. Dik il-parti tal-pożizzjoni twila ppeżata mhux ibbilanċjata jew dik qasira ppeżata mhux ibbilanċjata għal żona li, għaldaqstant, ma tkunx tista' tkun ibbilanċjata, għandha tkun il-pożiżżjoni ppeżata mhux ibbilanċjata għal dik iż-żona.

Tabella 2

Żona	Faxxa ta' maturità		Piż differenzjat (f' %)	Tibdil preżunt fir-rata tal-imgħax (f' %)
	Kupun ta' 3 % jew aktar	Kupun ta' inqas minn 3 %		
L-Ewwel	0 ≤ 1 xahar	0 ≤ 1 xahar	0,00	—
	> 1 ≤ 3-il xahar	> 1 ≤ 3-il xahar	0,20	1,00
	> 3 ≤ 6-il xahar	> 3 ≤ 6-il xahar	0,40	1,00
	> 6 ≤ 12-il xahar	> 6 ≤ 12-il xahar	0,70	1,00
It-Tieni	> 1 ≤ 2 sentejn	> 1.0 ≤ 1.9 snin	1,25	0,90
	> 2 ≤ 3 snin	> 1.9 ≤ 2.8 snin	1,75	0,80
	> 3 ≤ 4 snin	> 2.8 ≤ 3.6 snin	2,25	0,75

▼B

Żona	Faxxa ta' maturità		Piż differenzjat (f' %)	Tibdil prežunt fir-rata tal-imgħax (f' %)
	Kupun ta' 3 % jew aktar	Kupun ta' inqas minn 3 %		
It-Tielet	> 4 ≤ 5 snin	> 3.6 ≤ 4.3 snin	2,75	0,75
	> 5 ≤ 7 snin	> 4.3 ≤ 5.7 snin	3,25	0,70
	> 7 ≤ 10 snin	> 5.7 ≤ 7.3 snin	3,75	0,65
	> 10 ≤ 15 snin	> 7.3 ≤ 9.3 snin	4,50	0,60
	> 15 ≤ 20 snin	> 9.3 ≤ 10.6 snin	5,25	0,60
	> 20 sena	> 10.6 ≤ 12.0 snin	6,00	0,60
		> 12.0 ≤ 20.0 snin	8,00	0,60
		> 20 sena	12,50	0,60

5. L-ammont ta' pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata twila jew qasira fl-ewwel żona li tkun ibbilanċjata bil-pożizzjoni twila jew qasira ppeżata mhux ibbilanċjata fit-tieni żona għandha mbagħad tkun il-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata bejn l-ewwel u t-tieni żona. L-istess kalkolu għandu jsir fir-rigward ta' dik il-parti tal-pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata fit-tieni żona li jkun fadal u l-pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata fit-tielet żona sabiex tiġi kkalkulata l-pożizzjoni ppeżata ibbilanċjata bejn it-tieni u t-tielet żona.

6. L-istituzzjoni tista' tinverti l-ordni fil-paragrafu 5 sabiex tikkalkula l-pożizzjoni ppeżata ibbilanċjata bejn it-tieni u t-tielet żona qabel ma tikkalkula dik il-pożizzjoni bejn l-ewwel u t-tieni żona.

7. Il-bqija tal-pożizzjoni ppeżata mhux ibbilanċjata fl-ewwel żona għandha mbagħad tkun ibbilanċjata ma' x'jifdal minn dik tat-tielet żona wara l-ibbilanċjar ta' din tal-aħħar mat-tieni żona sabiex tiġi determinata l-pożizzjoni ppeżata ibbilanċjata bejn l-ewwel u t-tielet żona.

8. Wara t-tliet kalkoli separati ta' bbilanċjar fil-paragrafi 5, 6 u 7, għandhom jingħaddu flimkien il-pożizzjonijiet reżidwi.

9. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta':

(a) 10 % tas-somma tal-pożizzjonijiet ippeżati bbilanċjati fil-faxex kollha ta' maturità;

(b) 40 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata fl-ewwel żona;

(c) 30 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata fit-tieni żona;

(d) 30 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata fit-tielet żona;

▼B

(e) 40 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata bejn l-ewwel u t-tieni żona u bejn it-tieni u t-tielet żona;

(f) 150 % tal-pożizzjoni ppeżata bbilanċjata bejn l-ewwel u t-tielet żona;

(g) 100 % tal-pożizzjonijiet ippeżati reżidwi mhux ibbilanċjati.

Artikolu 340

Kalkolu tar-riskju ġenerali bbażat fuq it-tul taż-żmien

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw approċċ għall-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali fuq l-istrumenti tad-dejn li jirrefletti t-tul taż-żmien, minflok l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 339, sakemm l-istituzzjoni tagħmel dan fuq bażi konsistenti.

2. Skont l-approċċ ibbażat fuq it-tul taż-żmien imsemmi fil-paragrafu 1, l-istituzzjoni għandha tieħu l-valur tas-suq ta' kull strument tad-dejn b'rata fissa u minn dan tikkalkula r-rendiment tiegħu sal-maturità, li hija r-rata ta' skont impliċita ta' dak l-istrument. Fil-każ ta' strumenti b'rata varjabbli, l-istituzzjoni għandha tieħu l-valur tas-suq ta' kull strument u minn dan tikkalkula r-rendiment tiegħu bis-suppożizzjoni li l-ammont kapitali jkun dovut fid-darba li jmiss meta r-rata tal-imgħax tkun tista' tinbidel.

3. Imbagħad, l-istituzzjoni għandha tikkalkula t-tul taż-żmien modifikat ta' kull strument tad-dejn fuq il-bażi tal-formula li ġejja:

$$modified\ duration = \frac{D}{1+R}$$

fejn:

D = it-tul ta' żmien ikkalkulat skont il-formula li ġejja:

$$D = \frac{\sum_{t=1}^{M} \frac{t \cdot C_t}{(1+\mathrm{R})^t}}{\sum_{t=1}^{M} \frac{C_t}{(1+\mathrm{R})^t}}$$

fejn:

R = ir-rendiment sal-maturità;

C_t = ħlas fi flus f'ħin t;

M = il-maturità totali.

Għandha ssir korrezzjoni fil-kalkolu tat-tul taż-żmien modifikat għall-istrumenti tad-dejn li huma soġġetti għar-riskju ta' ħlas minn qabel. L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, toħroġ linji gwida dwar kif għandhom jiġu applikati tali korrezzjonijiet.

4. L-istituzzjoni għandha mbagħad talloka kull strument tad-dejn fiż-żona xierqa fit-Tabella 3. Għandha tagħmel dan fuq il-bażi tat-tul taż-żmien modifikat ta' kull strument.

▼B

Tabella 3

Żona	Tul taż-żmien modifikat (fi snin)	Imgħax preżunt (varjazzjoni f'%)
L-Ewwel	> 0 ≤ 1,0	1,0
It-Tieni	> 1,0 ≤ 3,6	0,85
It-Tielet	> 3,6	0,7

5. Imbagħad, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-pożizzjoni ppeżata skont it-tul taż-żmien għal kull strument billi timmultiplika l-prezz tas-suq tiegħu bit-tul taż-żmien modifikat tiegħu u bil-varjazzjoni preżunta fir-rata tal-imgħax għal strument b'dak it-tul taż-żmien modifikat partikolari (ara l-kolonna 3 fit-Tabella 3).

6. L-istituzzjoni għandha tikkalkula l-pożizzjonijiet twal tagħha ppeżati skont it-tul taż-żmien u dawk qosra ppeżati skont it-tul taż-żmien f'kull żona. L-ammont tal-ewwel somma li jkun ibbilanċjat bit-tieni somma f'kull żona għandu jkun il-pożizzjoni ppeżata skont it-tul taż-żmien ibbilanċjata għal dik iż-żona.

Imbagħad, l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-pożizzjonijiet ippeżati skont it-tul taż-żmien mhux ibbilanċjati għal kull żona. Hija mbagħad għandha ssegwi l-proċeduri għall-pożizzjonijiet ippeżati mhux ibbilanċjati stabbiliti fl-Artikolu339(5) sa (8).

7. Imbagħad, ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) 2 % tal-pożizzjoni ppeżata skont it-tul taż-żmien ibbilanċjata għal kull żona;

(b) 40 % tal-pożizzjonijiet ippeżati skont it-tul taż-żmien ibbilanċjati bejn l-ewwel u t-tieni żona u bejn it-tieni u t-tielet żona;

(c) 150 % tal-pożizzjoni ppeżata skont it-tul taż-żmien ibbilanċjata bejn l-ewwel u t-tielet żona;

(d) 100 % tal-pożizzjonijiet reżidwi ppeżati skont it-tul taż-żmien mhux ibbilanċjati.

Taqsima 3

Ekwitajiet

Artikolu 341

Pożizzjonijiet netti fi strumenti azzjonarji

1. L-istituzzjoni għandha tgħodd b'mod separat il-pożizzjonijiet twal netti kollha tagħha u l-pożizzjonijiet qosra netti kollha tagħha skont l-Artikolu 327. Is-somma tal-valur assolut taż-żewġ ċifri għandha tkun il-pożizzjoni grossa kumplessiva tagħha.

2. L-istituzzjoni għandha tikkalkula, b'mod separat għal kull suq, id-differenza bejn is-somma tal-pożizzjonijiet netti twal u qosra. Is-somma tal-valuri assoluti ta' dawn id-differenzi għandha tkun il-pożizzjoni netta kumplessiva tagħha.

▼B

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddefinixxu t-terminu "suq" imsemmi fil-paragrafu 2.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tiġi delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 342

Riskju speċifiku ta' strumenti tal-ekwità

L-istituzzjoni għandha timmultiplika l-pożizzjoni grosssa kumplessiva tagħha bi 8 % sabiex tikkalkula r-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku.

Artikolu 343

Riskju ġenerali ta' strumenti tal-ekwità

Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ġenerali għandu jkun il-pożizzjoni netta kumplessiva tal-istituzzjoni multiplikata bi 8 %.

Artikolu 344

Indiċijiet tal-borża

1. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi li jelenkaw l-indiċijiet tal-borża li għalihom ikunu disponibbli t-trattamenti stipulati fit-tieni sentenza tal-paragrafu 4.

L-ABE għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

►C2 2. Qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi msemmija fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament stabbilit fit-tieni sentenza tal-paragrafu 4, fejn ◄ l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw dak it-trattament qabel l-1 ta' Jannar 2014.

3. Il-futures tal-indiċi tal-kambju, l-ekwivalenti ppeżati skont delta tal-opzjonijiet fil-futures tal-indiċi tal-borża u l-indiċijiet tal-borża li minn hawn 'il quddiem ser issir referenza għalihom b'mod kollettiv bħala "futures tal-indiċi tal-borża", jistgħu jinqasmu f'pożizzjonijiet f'kull waħda mill-ekwitajiet kostitwenti tagħhom. Dawn il-pożizzjonijiet jistgħu jiġu ttrattati bħala pożizzjonijiet sottostanti fl-ekwitajiet inkwistjoni, u għalihom jista' jsir netting ma' pożizzjonijiet opposti fl-ekwitajiet sottostanti nnifishom. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti dwar l-użu li jagħmlu minn dak it-trattament.

▼B

4. Meta future tal-indiċi tal-kambju ma jinqasamx fil-pożizzjonijiet sottostanti tiegħu, dan għandu jiġi ttrattat daqs li kieku kien ekwità individwali. Madankollu, ir-riskju speċifiku fuq din l-ekwità individwali jista' jiġi injorat jekk il-future tal-indiċi tal-kambju inkwistjoni jiġi negozjat fil-borża u jirrappreżenta indiċi rilevanti diversifikat b'mod xieraq.

Taqsima 4

Sottoskrizzjoni

Artikolu 345

Tnaqqis tal-pożizzjonijiet netti

1. Fil-każ tas-sottoskrizzjoni ta' strumenti tad-dejn u l-ekwità, istituzzjoni tista' tuża l-proċedura li ġejja sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha. L-istituzzjoni għandha l-ewwel tikkalkula l-pożizzjonijiet netti billi tnaqqas il-pożizzjonijiet sottoskritti li jkunu ffirmati jew sottoskritti mill-ġdid minn partijiet terzi fuq il-bażi ta' ftehimiet formali. L-istituzzjoni għandha mbagħad tnaqqas il-pożizzjonijiet netti bil-fatturi ta' tnaqqis fit-Tabella 4 u tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha billi tuża l-pożizzjonijiet sottoskritti mnaqqsa.

Tabella 4

jum tax-xogħol 0:	100 %
jum tax-xogħol 1:	90 %
jiem tax-xogħol 2 sa 3:	75 %
jum tax-xogħol 4:	50 %
jum tax-xogħol 5:	25 %
wara jum tax-xogħol 5:	0 %.

"Jum tax-xogħol żero" għandu jkun il-jum tax-xogħol li fih l-istituzzjoni tieħu l-impenn mingħajr kondizzjonijiet li taċċetta kwantità magħrufa ta' titoli bi prezz miftiehem.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti bl-użu li jagħmlu mill-paragrafu 1.

Taqsima 5

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għal pożizzjonijiet iħħeġġjati minn derivati tal-kreditu

Artikolu 346

Tnaqqis għal hedges minn derivati tal-kreditu

1. Għandu jingħata tnaqqis għal hedges ipprovduti minn derivati tal-kreditu, skont il-prinċipji stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 6.

▼B

2. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw din il-pożizzjoni fid-derivat tal-kreditu bħala 'komponent' wieħed u l-pożizzjoni ħħeġġjata li jkollha l-istess ammont nominali, jew, fejn applikabbli, ammont nozzjonali, bħala l-'komponent' l-ieħor.

3. Għandu jingħata tnaqqis sħiħ meta l-valuri taż-żewġ partijiet jimxu dejjem fid-direzzjoni opposta u b'mod ġenerali ndaqs. Dan ikun il-każ fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) iż-żewġ komponenti jikkonsistu fi strumenti kompletament identiċi;

(b) pożizzjoni twila fi flus tkun iħħeġġjata b'total rate of return swap (jew viċe versa) u jkun hemm qbil preċiż bejn l-obbligazzjoni ta' riferiment u l-iskopertura sottostanti (jiġifieri, il-pożizzjoni fi flus). Il-maturità tal-iswap innifisha tista' tkun differenti minn dik tal-iskopertura sottostanti.

F'dawn is-sitwazzjonijiet, ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku ma għandu jiġi applikat għall-ebda naħa tal-pożizzjoni.

4. Tpaċija ta' 80 % tiġi applikata meta l-valuri taż-żewġ partijiet jimxu dejjem fid-direzzjoni opposta u fejn ikun hemm qbil preċiż f'termini tal-obbligazzjoni ta' riferiment, tal-maturità kemm tal-obbligazzjoni ta' riferiment kif ukoll tad-derivat tal-kreditu, u tal-munita tal-iskopertura sottostanti. Barra minn hekk, l-elementi ewlenin tal-kuntratt tad-derivat tal-kreditu ma għandhomx iwasslu biex il-moviment fil-prezz tad-derivat tal-kreditu jitbiegħed materjalment mill-movimenti tal-pożizzjoni fi flus. Sal-punt li t-transazzjoni tittrasferixxi riskju, tiġi applikata tpaċija ta' 80 % għar-riskju speċifiku fin-naħa tat-transazzjoni bl-ogħla rekwiżit ta' fondi proprji, filwaqt li r-rekwiżiti għar-riskju speċifiku tan-naħa l-oħra għandhom ikunu żero.

5. Fin-nuqqas tas-sitwazzjonijiet tal-paragrafi 3 u 4, għandu jingħata tnaqqis parzjali, fis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) il-pożizzjoni taqa' taħt il-paragrafu 3(b) iżda hemm diskrepanza fl-assi bejn l-obbligazzjoni ta' riferiment u l-iskopertura sottostanti. Madanakollu, il-pożizzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) l-obbligazzjoni ta' riferiment hija tal-istess livell ma', jew subordinata għall-obbligazzjoni sottostanti;

(ii) l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta' riferiment għandhom l-istess debitur u għandhom klawżoli transversali ta' inadempjenza u aċċelerazzjoni legalment infurzabbli;

(b) il-pożizzjoni taqa' taħt il-paragrafu 3(a) jew il-paragrafu 4 iżda hemm diskrepanza fil-munita jew fil-maturità bejn il-protezzjoni tal-kreditu u l-assi sottostanti. Tali diskrepanza fil-munita għandha tiġi inkluża fir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju;

(c) il-pożizzjoni taqa' taħt il-paragrafu 4 iżda hemm diskrepanza fl-assi bejn il-pożizzjoni fi flus u d-derivat tal-kreditu. Madanakollu, l-assi sottostanti huwa inkluż fl-obbligazzjonijiet (kunsinnabbli) fid-dokumentazzjoni tad-derivat tal-kreditu.

Sabiex jingħata tnaqqis parzjali, minflok ma jiżdiedu r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għal kull naħa tat-transazzjoni, għandu japplika biss l-ogħla wieħed miż-żewġ rekwiżiti ta' fondi proprji.

▼B

6. Fis-sitwazzjonijiet kollha li ma jaqgħux taħt il-paragrafi 3 sa 5, rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku għandu jiġi kkalkulat b'mod separat għaż-żewġ naħat tal-pożizzjonijiet.

Artikolu 347

Tnaqqis għal hedges permezz ta' derivati tal-kreditu tat-tipi "first-to default" u "nth-to default"

Fil-każ ta' derivati tal-kreditu tat-tip "first-to default" u derivati tal-kreditu tat-tip "nth-to default", it-trattament li ġej japplika għat-tnaqqis li għandu jingħata skont l-Artikolu 346:

(a) fejn istituzzjoni tikseb protezzjoni tal-kreditu għal numru ta' entitajiet ta' referenza li huma sottostanti għal derivat tal-kreditu bit-kondizzjoni li l-ewwel inadempjenza fost l-assi għandha tiskatta pagament u li dan l-avveniment tal-kreditu għandu jtemm il-kuntratt, l-istituzzjoni tista' tpaċi r-riskju speċifiku għall-entità ta' referenza li għaliha japplika l-aktar perċentwal baxx ta' ħlas għar-riskju speċifiku fost l-entitajiet ta' referenza sottostanti skont it-Tabella 1 fl-Artikolu 336;

(b) fejn l-inadempjenza numru n (nth default) fost l-iskoperturi tiskatta pagament taħt il-protezzjoni tal-kreditu, ix-xerrej tal-protezzjoni jista' jpaċi r-riskju speċifiku biss jekk tkun inkisbet protezzjoni wkoll għall-inadempjenzi numru 1 sa n-1 jew meta jkunu diġà seħħew l-inadempjenzi n-1. F'każijiet bħal dawn, il-metodoloġija stabbilita fil-punt (a) għad-derivati tal-kreditu tat-tip "first-to-default" għandha tiġi segwita, emendata kif xieraq għall-prodotti tat-tip "nth-to-default".

Taqsima 6

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal CIUs

Artikolu 348

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal CIUs

▼M17

1. Minħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra f'din it-Taqsima, pożizzjonijiet f'CIUs għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi r-riskju ġenerali u speċifiku, ta' 32 %. Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 353 meħud flimkien mat-trattament emendat għad-deheb stabbilit fl-Artikolu 352(4) il-pożizzjonijiet f'CIUs għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi riskju ġenerali u speċifiku, u riskju tal-kambju ta' 40 %.

▼B

2. Sakemm ma jkunx stabbilit b'mod ieħor fl-Artikolu 350, ma huwa permess l-ebda netting bejn l-investimenti sottostanti ta' CIU u pożizzjonijiet oħra miżmuma mill-istituzzjoni.

Artikolu 349

Kriterji ġenerali għal CIUs

Is-CIUs għandhom ikunu eliġibbli għall-approċċ stabbilit fl-Artikolu 350, fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼B

(a) il-prospett tas-CIU jew dokument ekwivalenti għandhom jinkludu dawn kollha:

(i) il-kategoriji ta' assi li s-CIU tkun awtorizzata li tinvesti fihom;

(ii) fejn japplikaw limiti fuq l-investiment, il-limiti relattivi u l-metodoloġiji għall-kalkolu tagħhom;

(iii) fejn tkun permessa lieva finanzjarja, il-livell massimu tal-lieva finanzjarja;

(iv) fejn huma permessi l-konklużjonit ta' transazzjonijiet ta' derivati finanzjarji OTC jew transazzjonijiet ta' riakkwist jew ta' teħid jew għoti b'self ta' titoli, il-politika li tillimita r-riskju għall-kontroparti li jirriżulta minn dawn it-transazzjonijiet;

(b) in-negozju tas-CIU għandu jiġi rrappurtat f'rapporti ta' nofs is-sena u dawk annwali sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-assi u l-passivi, tad-dħul u l-operazzjonijiet fil-perijodu tar-rapport;

(c) l-ishma jew l-unitajiet tas-CIU jistgħu jinfdew fi flus, mill-assi tal-impriża, fuq bażi ta' kuljum fuq talba tat-titolari tal-unitajiet;

(d) l-investimenti fis-CIU għandhom jiġu separati mill-assi tal-amministratur tas-CIU;

(e) għandu jkun hemm valutazzjoni adegwata tar-riskju tas-CIU, mill-istituzzjoni li tinvesti;

(f) is-CIUs għandhom jiġu amministrati minn persuni taħt superviżjoni skont id-Direttiva 2009/65/KE jew leġislazzjoni ekwivalenti.

Artikolu 350

Metodi speċifiċi għal CIUs

1. Meta l-istituzzjoni tkun konxja mill-investimenti sottostanti tas-CIU fuq bażi ta' kuljum, l-istituzzjoni tista' tirreferi direttament għal dawk l-investimenti sottostanti sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi r-riskju speċifiku u r-riskju ġenerali. Taħt tali approċċ, il-pożizzjonijiet fis-CIUs għandhom jiġu ttrattati bħala pożizzjonijiet fl-investimenti sottostanti tas-CIU. Għandu jkun permess netting bejn il-pożizzjonijiet fl-investimenti sottostanti tas-CIU u pożizzjonijiet oħra li jkollha l-istituzzjoni, dment li l-istituzzjoni jkollha kwantità suffiċjenti ta' ishma jew unitajiet li jippermettu il-fidi/ħolqien bi skambju mal-investimenti sottostanti.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi r-riskju speċifiku u r-riskju ġenerali, għal pożizzjonijiet f'CIUs bis-suppożizzjoni ta' pożizzjonijiet li jirrappreżentaw dawk neċessarji sabiex jirriproduċu l-kompożizzjoni u l-prestazzjoni tal-indiċi ġġenerat esternament jew basket fiss ta' ekwitajiet jew titoli ta' dejn msemmija fil-punt (a), soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) l-għan tal-mandat tas-CIU's hu li jirriproduċi l-kompożizzjoni u l-prestazzjoni ta' indiċi ġġenerat esternament jew basket fiss ta' ekwitajiet jew titoli ta' dejn;

(b) koeffiċjent ta' korrelazzjoni minimu bejn ir-redditu ta' kuljum tas-CIU u l-indiċi jew il-basket ta' ekwitajiet jew titoli ta' dejn li tirriproduċi ta' 0,9 jista' jiġi stabbilit b'mod ċar fuq perijodu ta' sitt xhur.

3. Fejn l-istituzzjoni ma tkunx konxja mill-investimenti sottostanti tas-CIU fuq bażi ta' kuljum, l-istituzzjoni tista' tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni, li jinkludi r-riskju speċifiku u r-riskju ġenerali, soġġett għall-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jiġi preżunt li s-CIU l-ewwel tinvesti sal-massimu possibbli permess skont il-mandat tagħha fil-klassijiet ta' assi li jattiraw l-ogħla rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku u ġenerali b'mod separat, u mbagħad tkompli tagħmel investimenti f'ordni li dejjem tonqos sakemm jintlaħaq il-limitu massimu tal-investimenti totali. Il-pożizzjoni fis-CIU tiġi ttrattata bħala holding diretta fil-pożizzjoni meħuda;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw l-iskopertura massima indiretta li jistgħu jiksbu billi jieħdu pożizzjonijiet b'effett ta' lieva finanzjarja permezz tas-CIU meta jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku u ġenerali tagħhom b'mod separat, billi jżidu proporzjonalment il-pożizzjoni fis-CIU sal-iskopetura massima għall-elementi ta' investiment sottostanti li jirriżultaw mill-mandat;

(c) jekk skont dan il-paragrafu, ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku u ġenerali flimkien jaqbeż dak stabbilit fl-Artikolu 348 (1), ir-rekwiżit ta' fondi proprji għandu jiġi limitat sa dak il-livell.

4. L-istituzzjonijiet jistgħu jiddependu fuq il-partijiet terzi li ġejjin sabiex jikkalkulaw u jirrappurtaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-pożizzjoni għall-pożizzjonijiet fis-CIUs li jaqgħu taħt il-paragrafi 1 sa 4, skont il-metodi stabbiliti f'dan il-Kapitolu:

(a) id-depożitarju tas-CIU sakemm is-CIU jinvesti b'mod esklużiv f'titoli u jiddepożita t-titoli kollha ma' dak id-depożitarju;

(b) għal CIUs oħrajn, il-kumpannija li tamministra s-CIU, jekk il-kumpannija li tamministra s-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3)(a).

Il-korrettezza tal-kalkolu għandha tiġi kkonfermata minn awditur estern.

▼B

KAPITOLU 3

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju

▼M17

Artikolu 351

De minimis u ponderar għar-riskju tal-kambju

Jekk is-somma tal-pożizzjoni netta kumplessiva tal-kambju ta' istituzzjoni u l-pożizzjoni netta tagħha fid-deheb, ikkalkulata skont il-proċedura li tinsab fl-Artikolu 352, taqbeż it-2 % tal-fondi proprji totali tagħha, l-istituzzjoni għandha tikkalkula rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju għandu jkun is-somma tal-pożizzjoni netta kumplessiva tagħha tal-kambju u l-pożizzjoni netta tagħha fid-deheb fil-munita tar-rapportar, immultiplikata bi 8 %.

▼B

Artikolu 352

Kalkolu tal- pożizzjoni kumplessiva netta tal-kambju

1. Il-pożizzjoni netta miftuħa tal-istituzzjoni f'kull munita (inkluża l-munita tar-rappurtar) u f'deheb għandha tiġi kkalkulata bħala s-somma tal-elementi li ġejjin (pożittivi jew negattivi):

(a) il-pożizzjoni netta spot (jiġifieri l-assi kollha mingħajr il-passivi kollha, inkluż l-imgħax dovut, fil-munita inkwistjoni jew, għad-deheb, il-pożizzjoni netta spot fid-deheb);

(b) il-pożizzjoni forward netta, li hija l-ammonti kollha li għad iridu jiġu riċevuti mingħajr l-ammonti kollha li għad iridu jitħallsu taħt kambju forward u transazzjonijiet tad-deheb, inklużi l-futures tal-muniti u tad-deheb u l-ammont kapitali fuq l-iswaps tal-muniti mhux inklużi fil-pożizzjoni spot;

(c) garanziji irrevokabbli u strumenti simili li huma żguri li se jissejħu u aktarx li se jkunu irrikoverabbli;

(d) l-ekwivalenti tad-delta netta, jew ibbażata fuq id-data, tal-ktieb totali tal-opzjonijiet tal-munita barranija u tad-deheb;

(e) il-valur tas-suq ta' opzjonijiet oħra.

Id-delta użata għall-finijiet tal-punt (d) għandha tkun dik tal-borża inkwistjoni. Għall-opzjonijiet OTC, jew fejn id-delta ma tkunx disponibbli mill-borża kkonċernata, l-istituzzjoni tista' tikkalkula d-delta hi stess billi tuża mudell adatt, soġġett għal permess mill-awtoritajiet kompetenti. Il-permess għandu jingħata jekk il-mudell jistma b'mod xieraq ir-rata ta' bidla fil-valur tal-opzjoni jew tal-warrant fir-rigward ta' bidliet żgħar fil-prezz tas-suq tas-sottostanti.

L-istituzzjoni tista' tinkludi introjtu/infiq netti futuri li jkunu għadhom mhumiex dovuti iżda diġà ħħeġġjata għalkollox jekk tagħmel dan b'mod konsistenti.

▼B

L-istituzzjoni tista' taqsam il-pożizzjonijiet netti f'muniti komposti fil-muniti komponenti skont il-kwoti fis-seħħ.

▼M17

_____

▼B

3. Istituzzjoni tista' tuża l-valur nett preżenti meta tikkalkula l-pożizzjoni netta miftuħa f'kull munita u fid-deheb, bil-kondizzjoni li l-istituzzjoni tapplika dan l-approċċ b'mod konsistenti.

4. Pożizzjonijiet netti qosra u twal f'kull munita għajr il-munita tar-rappurtar u l-pożizzjoni netta twila jew qasira fid-deheb għandhom jiġu konvertiti bir-rati spot fil-munita tar-rappurtar. Imbagħad għandhom jingħaddu separatament sabiex jiffurmaw it-total tal-pożizzjonijiet netti qosra u t-total tal-pożizzjonijiet netti twal rispettivament. L-ogħla minn dawn iż-żewġ totali għandha tkun il-pożizzjoni netta kumplessiva tal-kambju tal-istituzzjoni.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu b'mod adegwat riskji oħra assoċjati mal-opzjonijiet, minbarra r-riskju tad-delta, fir-rekwiżiti ta' fondi proprji.

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddefinixxu firxa ta' metodi sabiex jirriflettu riskji oħra fir-rekwiżiti ta' fondi proprji, minbarra r-riskju delta, b'mod proporzjonat mal-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet fl-opzjonijiet.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-Kummissjoni tiġi delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament nazzjonali eżistenti, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw dawk it-trattamenti qabel il-31 ta' Diċembru 2013.

Artikolu 353

Riskju tal-kambju tas-CIUs

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 352, fir-rigward tas-CIUs għandhom jiġu kkunsidrati l-pożizzjonijiet attwali tal-kambju tas-CIU.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu joqogħdu fuq ir-rappurtar dwar il-pożizzjonijiet tal-kambju fis-CIU tal-partijiet terzi li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni depożitorja tas-CIU bil-kondizzjoni li s-CIU tinvesti b'mod esklussiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha ma'din l-istituzzjoni depożitarja;

(b) għal CIUs oħra, il-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU, jekk il-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt (a) tal-Artikolu 132(3).

▼B

Il-korrettezza tal-kalkolu għandha tiġi kkonfermata minn awditur estern.

3. Meta istituzzjoni ma tkunx konxja mill-pożizzjonijiet tal-kambju f'CIU, għandu jiġi ssoponut li s-CIU hija investita sal-massimu permess skont il-mandat tas-CIU fil-kambju u l-istituzzjonijiet għandhom, għall-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar, jikkunsidraw l-iskopertura massima indiretta li jistgħu jiksbu billi jieħdu pożizzjonijiet ta' lieva finanzjarja permezz tas-CIU meta jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-kambju tagħhom. Dan għandu jsir billi tiżdied b'mod proporzjonali l-pożizzjoni fis-CIU sal-iskopertura massima għall-elementi sottostanti ta' investiment li jirriżultaw mill-mandat tal-investiment. Il-pożizzjoni meħuda tas-CIU fil-kambju għandha tiġi ttrattata bħala munita separata skont it-trattament tal-investimenti fid-deheb, soġġett għaż-żieda tal-pożizzjoni totali twila mal-pożizzjoni miftuħa totali twila tal-kambju u l-pożizzjoni totali qasira mal-pożizzjoni miftuħa totali qasira tal-kambju fejn id-direzzjoni tal-investiment tas-CIU tkun disponibbli. Ma għandu jkun permess l-ebda netting bejn tali pożizzjonijiet qabel il-kalkolu.

Artikolu 354

Muniti korrelatati mill-viċin

1. L-istituzzjonijiet jistgħu jipprovdu rekwiżiti ta' fondi proprji aktar baxxi kontra pożizzjoniijet f'muniti korrelatati mill-viċin rilevanti. Par ta' muniti huwa kkunsidrat bħala korrelatat mill-viċin biss jekk il-probabbiltà ta' telf — ikkalkulata fuq il-bażi ta' dejta ta' kuljum dwar ir-rata tal-kambju għat-tliet jew ħames snin preċedenti — li sseħħ f'pożizzjonijiet ugwali u opposti f'tali muniti fuq l-10 ijiem tax-xogħol segwenti, jiġifieri 4 % jew inqas tal-valur tal-pożizzjoni mqabbla inkwistjoni (valutata f'termini tal-munita tar-rappurtar) ikollha probabbiltà ta' mill-anqas 99 %, meta jintuża perijodu ta' osservazzjoni ta' tliet snin, u 95 %, meta jintuża perijodu ta' osservazzjoni ta' ħames snin. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji fuq il-pożizzjoni mqabbla f'żewġ muniti korrelatati mill-viċin għandu jkun 4 % multiplikat bil-valur tal-pożizzjoni mqabbla.

2. Fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' dan il-Kapitolu, l-istituzzjonijiet jistgħu jinjoraw pożizzjonijiet fil-muniti, li jkunu soġġetti għal ftehim intergovernattiv legalment vinkolanti sabiex tiġi limitata l-varjazzjoni tagħha fir-rigward ta' muniti oħra koperti mill-istess ftehim. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-pożizzjonijiet imqabbla tagħhom f'tali muniti u jissoġġettawhom għal rekwiżit ta' fondi proprji ta' mhux inqas minn nofs il-varjazzjoni massima permissibbli stabbilita fil-ftehim intergovernattiv inkwistjoni fir-rigward tal-muniti kkonċernati.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi li jelenka l-muniti li għalihom huwa disponibbli t-trattament stabbilit fil-paragrafu 1.

L-ABE għandha tissottometti dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

▼B

Il-Kummisjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

4. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji fuq il-pożizzjonijiet imqabbla f'muniti ta' Stati Membri li jipparteċipaw fit-tieni stadju tal-unjoni ekonomika u monetarja jista' jiġi kkalkulat bħala 1,6 % tal-valur ta' dawn il-pożizzjonijiet imqabblin.

5. Il-pożizzjonijiet mhux imqabbla fil-muniti msemmija f'dan l-Artikolu biss għandhom jiġu inkorporati fil-pożizzjoni kumplessiva netta miftuħa skont l-Artikolu 352(4).

6. Meta d-data tar-rata tal-kambju ta' kuljum għat-tliet jew ħames snin preċedenti, fuq pożizzjonijiet ugwali u opposti f'muniti akkoppjati matul l-għaxart ijiem ta' ħidma segwenti, turi li dawn iż-żewġ muniti huma perfettament u b'mod pożittiv korrelatati u l-istituzzjoni tkun tista' dejjem tiffaċċja differenzjal bid/ask ugwali għal 0 fuq l-operazzjonijiet rispettivi, l-istituzzjoni tista', wara l-awtorizzazzjoni espliċita tal-awtorità kompetenti tagħha, tapplika rekwiżit ta' fondi proprji ta' 0 % sal-aħħar tal-2017.

KAPITOLU 4

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-prodotti

Artikolu 355

Għażla tal-metodu għar-riskju tal-prodotti

Soġġett għall-Artikoli 356 sa 358, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju tal-prodotti b'wieħed mill-metodi stabbiliti fl-Artikolu 359, 360 jew 361.

Artikolu 356

Negozju anċillari tal-prodotti

1. L-istituzzjonijiet b'negozju anċillari ta' prodotti agrikulturali jistgħu jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-istokk fiżiku tal-prodott tagħhom fit-tmiem ta' kull sena għas-sena ta' wara meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) fi kwalunkwe żmien tas-sena hija jkollha fondi proprji għal dan ir-riskju li ma jkunux inqas mir-rekwiżit medju ta' fondi proprji għal dak ir-riskju stmat fuq bażi konservattiva għas-sena li jkun imiss;

(b) hija tistma fuq bażi konservattiva l-volatilità mistennija għaċ-ċifra kkalkulata fil-punt (a);

(c) ir-rekwiżit medju ta' fondi proprji tagħha għal dan ir-riskju ma jaqbiżx il-5 % tal-fondi proprji tagħha jew EUR 1 miljun u, billi tiġi kkunsidrata l-volatilità stmata skont il-punt (b), bl-ogħla rekwiżiti ta' fondi proprji mistennija li ma jaqbżux is-6,5 % tal-fondi proprji tagħha;

▼B

(d) l-istituzzjoni timmonitorja fuq bażi kontinwa jekk l-istimi mwettqa skont il-punti (a) u (b) għadhomx jirriflettu r-realtà.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-użu li jagħmlu mill-opzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 357

Pożizzjonijiet rigward prodotti

1. Kull pożizzjoni fi prodotti jew f'derivati ta' prodott għandha tiġi espressa f'termini ta' unità standard ta' kalkolu. Il-prezz spot f'kull prodott għandu jiġi espress fil-munita tar-rappurtar.

2. Il-pożizzjonijiet f'deheb jew f'derivati tad-deheb għandhom jitqiesu bħala soġġetti għar-riskju tal-kambju u ttrattati skont il-Kapitolu 3 jew 5, kif xieraq, sabiex jiġi kkalkulat ir-riskju tal-prodotti.

3. Għall-iskop tal-Artikolu 360(1), l-eċċess ta' pożizzjonijiet twal ta' istituzzjoni fuq il-pożizzjonijiet qosra tagħha, jew viċe versa, fl-istess prodott u futures identiċi ta' prodotti, l-opzjonijiet u l-warrants għandhom ikunu l-pożizzjoni netta tagħha f'kull prodott. L-istrumenti derivati għandhom jiġu ttrattati, kif stabbilit fl-Artikolu 358, bħala pożizzjonijiet fil-prodott sottostanti.

4. Sabiex tiġi kkalkulata pożizzjoni f'prodott, il-pożizzjonijet li ġejjin għandhom jiġu ttrattati bħala pożizzjonijiet fl-istess prodott:

(a) pożizzjonijiet f'subkategoriji differenti ta' prodotti f'każijiet fejn is-subkategoriji jkunu kunsinnabbli kontra xulxin;

(b) pożizzjonijiet f'prodotti simili jekk ikunu sostituti mill-qrib u fejn tkun tista' tiġi stabbilita b'mod ċar korrelazzjoni minima ta' 0,9 bejn iċ-ċaqliq fil-prezzijiet fuq perijodu minimu ta' sena.

Artikolu 358

Strumenti partikolari

1. Il-futures tal-prodotti u l-impenji forward għax-xiri jew bejgħ ta' prodotti individwali għandhom jiġu inkorporati fis-sistema ta' kalkolu bħala ammonti nozzjonali f'termini tal-unità standard tal-kalkolu u assenjati maturità b'referenza għal data ta' skadenza.

2. L-iswaps ta' prodotti fejn naħa waħda tat-transazzjoni hija prezz fiss u l-oħra hija l-prezz attwali tas-suq għandhom jiġu ttrattati, bħala serje ta' pożizzjonijiet ugwali għall-ammont nozzjonali tal-kuntratt, b'pożizzjoni waħda, fejn rilevanti, li tikkorrispondi ma' kull pagament fl-iswap u mdaħħla fil-faxex ta' maturità fl-Artikolu 359(1). Il-pożizzjonijiet għandhom ikunu pożizzjonijiet twal jekk l-istituzzjoni tkun qed tħallas prezz fiss u tirċievi prezz varjabbli u pożizzjonijiet qosra jekk l-istituzzjoni tkun qed tirċievi prezz fiss u tħallas prezz varjabbli. Swaps ta' prodotti fejn in-naħat tat-transazzjoni jkunu f'prodotti differenti għandu jiġi rrapurtat fl-iskala ta' rappurtar rilevanti għall-approċċ abbażi tal-iskala tal-maturità.

▼B

3. L-opzjonijiet u l-warrants fuq prodotti jew fuq derivati ta' prodotti għandhom jiġu ttrattati daqs li kieku kienu pożizzjonijiet ugwali fil-valur għall-ammont tas-sottostanti li għalih tirreferi l-opzjoni, immultiplikat bid-delta tiegħu għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu. Il-pożizzjonijiet tal-aħħar jistgħu nnettjati ma' kwalunkwe pożizzjoni ta' tpaċija fl-istess prodott sottostanti jew derivat tal-prodott. Id-delta użata għandha tkun dik tal-borża kkonċernata. Għall-opzjonijiet OTC, jew fejn id-delta ma tkunx disponibbli mill-borża kkonċernata, l-istituzzjoni tista' tikkalkula d-delta hi stess billi tuża mudell adatt, soġġett għal permess mill-awtoritajiet kompetenti. Il-permess għandu jingħata jekk il-mudell jistma b'mod xieraq ir-rata ta' bidla fil-valur tal-opzjoni jew tal-warrant fir-rigward ta' bidliet żgħar fil-prezz tas-suq tas-sottostanti.

L-istituzzjonijiet għandhom jirriflettu b'mod adegwat riskji oħra assoċjati mal-opzjonijiet, minbarra r-riskju tad-delta, fir-rekwiżiti ta' fondi proprji.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jiddefinixxu firxa ta' metodi sabiex jirriflettu riskji oħra fir-rekwiżiti ta' fondi proprji, minbarra r-riskju delta, b'mod proporzjonat mal-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjonijiet fl-opzjonijiet.

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2013.

Il-Kummissjoni hija delegata bis-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Qabel id-dħul fis-seħħ tal-istandards tekniċi msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jkomplu japplikaw it-trattament nazzjonali eżistenti, fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu applikaw dawk it-trattamenti qabel il-31 ta' Diċembru 2013.

5. Meta l-istituzzjoni tkun waħda minn dawn li ġejjin, hija għandha tinkludi l-prodotti konċernati fil-kalkolu tar-rekwiżit tagħha ta' fondi proprji għar-riskju tal-prodotti:

(a) it-trasferitur ta' prodotti jew drittijiet garantiti relatati mat-titolu għal prodotti fi ftehim ta' xiri mill-ġdid;

(b) il-mutwanti ta' prodotti fi ftehim ta' self ta' prodotti.

Artikolu 359

Approċċ tal-iskala tal-maturità

1. L-istituzzjoni għandha tuża skala tal-maturità separata f'konformità mat-Tabella 1 għal kull prodott. Il-pożizzjonijiet kollha f'dak il-prodott għandhom jiġu assenjati fil-faxex xierqa ta' maturità. Stokks fiżiċi għandhom jiġu assenjati fl-ewwel faxxa ta' maturità li tibda minn 0 u li tasal sa u tinkludi xahar (1).

▼B

Tabella 1

Faxxa ta’ maturità (1)	Rata tal-firxa (f’%) (2)
0 ≤ 1 xahar	1,50
> 1 ≤ 3-il xahar	1,50
> 3 ≤ 6-il xahar	1,50
> 6 ≤ 12-il xahar	1,50
> 1 ≤ 2 sentejn	1,50
> 2 ≤ 3 snin	1,50
> 3 sena	1,50

2. Pożizzjonijiet fl-istess prodott jistgħu jiġu paċuti u assenjati lill-faxex xierqa ta’ maturità fuq bażi netta għal dawn li ġejjin:

(a) pożizzjonijiet f’kuntratti li jimmaturaw fl-istess ġurnata;

(b) pożizzjonijiet f’kuntratti li jimmaturaw fi żmien għaxart ijiem minn xulxin jekk il-kuntratti jkunu negozjati fi swieq li għandhom dati ta’ konsenja ta’ kuljum.

3. L-istituzzjoni mbagħad għandha tikkalkula s-somma tal-pożizzjonijiet twal u s-somma tal-pożizzjonijiet qosra f’kull faxxa ta’ maturità. L-ammont tal-ewwel tip li jkun mqabbel minn dan tal-aħħar f’faxxa ta’ maturità partikolari għandu jkun il-pożizzjonijiet imqabbla f’dik il-faxxa, filwaqt li l-pożizzjoni twila jew qasira reżidwa għandha tkun il-pożizzjoni mhux imqabbla għall-istess faxxa.

4. Dik il-parti tal-pożizzjoni twila mhux imqabbla għal faxxa ta’ maturità partikolari li tkun mqabbla minn pożizzjoni qasira mhux imqabbla, jew viċe versa, għal faxxa ta’ maturità aktar lil hinn għandha tkun il-pożizzjoni mqabbla bejn iż-żewġ faxex ta’ maturità. Dik il-parti tal-pożizzjoni twila mhux imqabbla jew dik qasira mhux imqabbla li għalhekk ma tistax titqabbel għandha tkun il-pożizzjoni mhux imqabbla.

5. Ir-rekwiżit ta’ fondi proprji tal-istituzzjoni għal kull prodott għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi tal-iskala rilevanti tal-maturità bħala s-somma ta’ dan li ġej:

(a) is-somma tal-pożizzjonijiet twal u qosra imqabbla, immultiplikata bir-rata xierqa ta’ firxa kif indikat fit-tieni kolonna tat-Tabella 1 għal kull faxxa ta’ maturità u bil-prezz spot għall-prodott;

(b) il-pożizzjoni mqabbla bejn żewġ faxex ta’ maturità għal kull faxxa ta’ maturità li fiha tiġi riportata pożizzjoni mhux imqabbla, immultiplikata b’0,6 %, li hija r-rata tar-riport u bil-prezz spot għall-prodott;

▼B

(c) il-pożizzjonijiet reżidwi mhux imqabbla, immultiplikati bi 15 % li hija r-rata diretta u bil-prezz spot għall-prodott.

6. Ir-rekwiżit kumplessiv ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għar-riskji tal-prodotti għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolat għal kull prodott skont il-paragrafu 5.

Artikolu 360

Approċċ simplifikat

1. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għal kull prodott għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' dawn li ġejjin:

(a) 15 % tal-pożizzjoni netta, twila jew qasira, immultiplikata bil-prezz spot għall-prodott;

(b) 3 % tal-pożizzjoni grossa, twila kif ukoll qasira, immultiplikata bil-prezz spot għall-prodott.

2. Ir-rekwiżit kumplessiv ta' fondi proprji tal-istituzzjoni għar-riskji tal-prodotti għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkolat għal kull prodott skont il-paragrafu 1.

Artikolu 361

Approċċ estiż tal-iskala tal-maturità

L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-firxa minima, ir-rata tar-riport u dik diretta stabbiliti fit-Tabella 2 segwenti minflok dawk indikati fl-Artikolu 359 bil-kondizzjoni li l-istituzzjonijiet:

(a) iwettqu negozju sinifikanti ta' prodotti;

(b) ikollhom portafoll ta' prodotti diversifikat kif xieraq.

▼M17

_____

▼B

Tabella 2

	Metalli prezzjużi (minbarra d-deheb)	Metalli bażi	Prodotti Agrikoli (softs)	Oħrajn, inklużi l-prodotti enerġetiċi
Rata ta' firxa (%)	1,0	1,2	1,5	1,5
Rata tar-riport (%)	0,3	0,5	0,6	0,6
Rata diretta (%)	8	10	12	15

▼M17

L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw l-użu li jagħmlu minn dan l-Artikolu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

_____

▼B

TITOLU V

REKWIŻITI TA’ FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU TAS-SALDU

Artikolu 378

Riskju tas-saldu/tal-konsenja

Fil-każ ta' transazzjonijiet li fihom strumenti tad-dejn, ekwitajiet, muniti barranin u prodotti għajr transazzjonijiet ta’ xiri mill-ġdid u għoti b’self ta' titoli jew prodotti u teħid b’self ta’ titoli jew prodotti ma jkunux saldati wara d-dati dovuti ta’ konsenja tagħhom, istituzzjoni tista’ tikkalkula d-differenza fil-prezz li għaliha tkun esposta.

Id-differenza fil-prezz hija kkalkulata bħala d-differenza bejn il-prezz miftiehem tas-saldu għall-istrument tad-dejn, l-ekwità, il-munita barranija jew il-prodott inkwistjoni u l-valur attwali tas-suq, fejn id-differenza tista’ tinvolvi telf għall-istituzzjoni ta’ kreditu.

L-istituzzjoni għandha timmultiplika dik id-differenza fil-prezz bil-fattur adatt fil-kolonna tal-lemin tat-Tabella 1 segwenti sabiex tikkalkula r-rekwiżit ta’ fondi proprji tal-istituzzjoni għar-riskju tas-saldu.

Tabella 1

Numru ta’ jiem ta' xogħol wara d-data dovuta tas-saldu	(%)
5 — 15	8
16 — 30	50
31 — 45	75
46 jew aktar	100

Artikolu 379

Konsenji b'xejn (Free deliveries)

1. Istituzzjoni għandha tkun meħtieġa żżomm fondi proprji, kif stabbilit fit-Tabella 2, meta jseħħ dan li ġej:

(a) tkun ħallset għal titoli, muniti barranin jew prodotti qabel ma tkun irċeviethom jew tkun ikkonsenjat titoli, muniti barranin jew prodotti qabel ma tkun irċeviet il-ħlas għalihom;

(b) fil-każ ta’ transazzjonijiet transkonfinali, ikunu għaddew ġurnata jew aktar minn meta tkun għamlet dak il-pagament jew il-konsenja.

Tabella 2

Trattament kapitali għal konsenji b’xejn

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Tip ta’ Transazzjoni	Sal-ewwel pagament kuntrattwali jew komponent tal-konsenja	Mill-ewwel pagament kuntrattwali jew komponent tal-konsenja sa erbat ijiem wara t-tieni pagament kuntrattwali jew komponent tal-konsenja	Minn 5 ijiem ta’ xogħol wara t-tieni pagament kuntrattwali jew komponent tal-konsenja sa ma tispiċċa t-transazzjoni

▼B

Kolonna 1	Kolonna 2	Kolonna 3	Kolonna 4
Konsenja bla ħlas	L-ebda allokazzjoni ta' kapital	Trattata bħala skopertura	Trattata bħala skopertura għar-riskju ppeżata b'1 250 %

2. Meta tapplika piż tar-riskju fuq skoperturi għal konsenji bla ħlas ittrattati skont il-Kolonna 3 tat-Tabella 2, istituzzjoni li tuża l-approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 tista' tassenja PDs lil kontropartijiet, li għalihom ma jkollha l-ebda skopertura oħra fil-portafoll mhux tan-negozjar, fuq il-bażi tal-klassifikazzjoni esterna tal-kontroparti. L-istituzzjonijiet li jużaw stimi proprji tal-"LGDs" jistgħu japplikaw l-LGD stabbilit fl-Artikolu 161(1) fuq skoperturi għal konsenji bla ħlas trattati skont il-Kolonna 3 tat-Tabella 2 bil-kondizzjoni li japplikawh għal dawn l-iskoperturi kollha. Inkella, istituzzjoni li tuża l-approċċ Ibbażat fuq Klassifikazzjoni Interna stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3 tista' tapplika l-piżijiet tar-riskju tal-approċċ Standardizzat, kif stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 bil-kondizzjoni li tapplikahom għal kull skopertura simili jew tista' tapplika piż ta' riskju ta' 100 % għal dawn l-iskoperturi kollha.

Jekk l-ammont ta' skopertura pożittiva li jirriżulta minn transazzjonijiet ta' konsenja bla ħlas ma jkunx materjali, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw piż ta' riskju ta' 100 % fuq dawn l-iskoperturi, għajr meta jkun meħtieġ piż ta' riskju ta' 1 250 %skont il-Kolonna 4 tat-Tabella 2 fil-paragrafu 1.

3. Bħala alternattiva għall-applikazzjoni ta' piż ta' riskju ta' 1 250 % għall-iskoperturi ta' konsenja bla ħlas skont il-Kolonna 4 tat-Tabella 2 fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-valur trasferit flimkien mal-iskopertura pożittiva attwali ta' dawk l-iskoperturi minn elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 skont il-punt (k) tal-Artikolu 36(1).

Artikolu 380

Rinunzja

Meta jseħħ falliment fis-sistema kollha, f'sistema ta' saldu, f'sistema ta' kklerjar jew f'CCP, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw mir-rekwiżiti ta' fondi proprji kkalkulati kif stabbilit fl-Artikoli 378 u 379 sakemm is-sitwazzjoni tiġi rranġata. F'dan il-każ, il-falliment ta' kontroparti sabiex tissalda transazzjoni ma għandux jitqies bħala inadempjenza għall-finijiet tar-riskju tal-kreditu.

TITOLU VI

REKWIŻITI TA' FONDI PROPRJI GĦAR-RISKJU TA' AĠĠUSTAMENT TAL-VALUTAZZJONI TAL-KREDITU

Artikolu 381

Tifsira tal-Aġġustament tal-Valutazzjoni tal-Kreditu

Għall-fini ta' dan it-Titolu u tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II, 'Aġġustament tal-Valutazzjoni tal-Kreditu' jew 'CVA' tfisser aġġustament għall-valutazzjoni tas-suq medju tal-portafoll tat-transazzjonijiet ma' kontroparti. Dak l-aġġustament jirrifletti l-valur tas-suq attwali tar-riskju tal-kreditu tal-kontroparti għall-istituzzjoni, iżda ma jirriflettix il-valur tas-suq attwali tar-riskju tal-kreditu tal-istituzzjoni għall-kontroparti.

▼M17

Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, "riskju ta' CVA" tfisser ir-riskju ta' telf li jirriżulta minn bidliet fil-valur ta' CVA, ikkalkulat għall-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' kontroparti kif stabbilit fl-ewwel paragrafu, minħabba movimenti fil-fatturi tar-riskju tal-firxa tal-kreditu ta' kontroparti u f'fatturi tar-riskju oħrajn inkorporati fil-portafoll tat-tranżazzjonijiet.

▼B

Artikolu 382

Ambitu

1. Istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont dan it-Titolu għall-istrumenti derivati OTC kollha fir-rigward tal-attivitajiet tan-negozju kollha tagħha, minbarra d-derivati tal-kreditu rikonoxxuti li jnaqqsu l-ammonti ta' skopertura ppeżati skont ir-riskji għar-riskju tal-kreditu.

▼M17

2. Istituzzjoni għandha tinkludi fil-kalkolu tal-fondi proprji meħtieġa mill-paragrafu 1 tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli b'valur ġust skont il-qafas kontabilistiku applikabbli għall-istituzzjoni meta l-iskoperturi tar-riskju ta' CVA tal-istituzzjoni li jirriżultaw minn dawk it-tranżazzjonijiet ikunu materjali.

▼B

3. Transazzjonijiet ma' kontroparti ċentrali li tikkwalifika u t-transazzjonijiet ta' klijent ma' membru ta' kklerjar, meta l-membru ta' kklerjar jaġixxi bħala intermedjarju bejn il-klijent u kontroparti ċentrali li tikkwalifika u t-transazzjonijiet jnisslu skopertura tan-negozjar tal-membru ta' kklerjar lill-kontroparti ċentrali li tikkwalifika, huma eskluży mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA.

4. It-transazzjonijiet li ġejjin għandhom jiġu eskluży mir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA:

(a) transazzjonijiet ma' kontropartijiet mhux finanzjarji kif definiti fil-punt (9) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jew ma' kontropartijiet mhux finanzjarji stabbiliti f'pajjiż terz, fejn dawk it-transazzjonijiet ma jeċċedux il-livell limitu tal-ikklerjar kif speċifikat fl-Artikolu 10(3) u (4) ta' dak ir-Regolament;

▼M19

(aa) it-tranżazzjonijiet intragrupp konklużi ma' kontropartijiet mhux finanzjarji kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (9), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 li huma parti mill-istess grupp dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni u l-kontropartijiet mhux finanzjarji jkunu inklużi fl-istess konsolidazzjoni fuq bażi sħiħa u jkunu soġġetti għal superviżjoni fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Ewwel Parti, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(ii) huma soġġetti għal proċeduri ċentralizzati ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskju; u

(iii) il-kontropartijiet mhux finanzjarji jkunu stabbiliti fl-Unjoni jew, jekk ikunu stabbiliti f'pajjiż terz, il-Kummissjoni tkun adottat att implimentattiv f'konformità mal-paragrafu 4c fir-rigward ta' dak il-pajjiż terz;

▼M19

(b) it-tranżazzjonijiet intragrupp konklużi ma' kontropartijiet finanzjarji, kif definiti fl-Artikolu 2, il-punt (8), tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, istituzzjonijiet finanzjarji jew impriżi ta' servizzi anċillari li huma stabbiliti fl-Unjoni jew li huma stabbiliti f'pajjiż terz li japplika rekwiżiti prudenzjali u superviżorji għal dawk il-kontropartijiet finanzjarji, l-istituzzjonijiet finanzjarji jew l-impriżi ta' servizzi anċillari li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni, sakemm l-Istati Membri ma jadottawx liġi nazzjonali li tirrikjedi s-separazzjoni strutturali fi ħdan grupp bankarju, f'liema każ l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu li dawk it-tranżazzjonijiet intragrupp bejn l-entitajiet strutturalment separati jiġu inklużi fir-rekwiżiti ta' fondi proprji;

▼B

(c) transazzjonijiet ma' kontropartijiet imsemmijin fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 648/2012 u soġġetti għad-dispożizzjonijiet transizzjonali stipulati fl-Artikolu 89(1) ta' dak ir-Regolament sa meta dawk id-dispożizzjonijiet transizzjonali ma jibqgħux japplikaw;

▼C2

(d) transazzjonijiet ma' kontropartijiet imsemmijin fl-Artikolu 1(4) u (5) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u transazzjonijiet ma' kontropartijiet li għalihom l-Artikolu 114(4) u l-Artikolu 115(2) ta' dan ir-Regolament jispeċifika piż tar-riskju ta' 0 % għall-iskoperturi għal dawk il-kontropartijiet.

L-eżenzjoni mit-tariffa għar-riskju ta' CVA għal dawk it-transazzjonijiet imsemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu li jsiru matul il-perijodu transizzjonali stabbilit fl-Artikolu 89(1) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 għandha tapplika għat-tul tal-kuntratt ta' dik it-transazzjoni.

Fir-rigward tal-punt (a), fejn istituzzjoni ma tibqax tkun eżentata minħabba li taqbeż il-limitu massimu tal-eżenzjoni jew minħabba bidla fil-limitu massimu tal-eżenzjoni, il-kuntratti pendenti għandhom jibqgħu eżentati sad-data tal-maturità tagħhom.

▼M17

4a. B'deroga mill-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, istituzzjoni tista' tagħżel li tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA, billi tuża kwalunkwe wieħed mill-approċċi msemmija fl-Artikolu 382a (1), għat-tranżazzjonijiet li huma eskluži skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, meta l-istituzzjoni tuża ħeġġijiet eliġibbli ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 386 sabiex jittaffa r-riskju ta' CVA ta' dawk it-tranżazzjonijiet. L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu politiki li jispeċifikaw l-applikazzjoni u l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għal tali tranżazzjonijiet.

4b. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom ir-riżultati tal-kalkoli tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għat-tranżazzjonijiet kollha msemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Għall-finijiet ta' dak ir-rekwiżit ta' rapportar, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi jużaw l-approċċi rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 382a(1), li kienu jużaw sabiex jissodisfaw rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA li kieku dawk it-tranżazzjonijiet ma kinux eskluži mill-ambitu skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

▼M19

4c. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, il-punti (aa) u (b), il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġett għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni dwar jekk pajjiż terz japplikax rekwiżiti superviżorji u regolatorji prudenzjali mill-anqas ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

▼C2

5. L-ABE għandha tagħmel analiżi sal-1 ta' Jannar 2015 u kull sentejn wara din is-sena, fid-dawl tal-iżviluppi regolatorji internazzjonali u inkluż dwar metodoloġiji potenzjali dwar il-kejl u l-limiti għall-applikazzjoni tat-tariffi għar-riskju ta' CVA għall-kontropartijiet mhux finanzjarji stabbiliti f'pajjiż terz.

L-ABE f'kooperazzjoni mal-ESMA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex jiġu speċifikati l-proċeduri għall-esklużjoni tat-transazzjonijiet ma' kontropartijiet mhux finanzjarji stabbiliti f'pajjiż terz mir-rekwiżit ta' fondi proprji għat-tariffa għar-riskju ta' CVA.

▼B

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji fi żmien sitt xhur mid-data tal-analiżi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

6. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kundizzjonijiet u l-kriterji li l-istituzzjonijiet għandhom jużaw biex jivvalutaw jekk l-iskoperturi għar-riskju ta' CVA li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli b'valur ġust humiex materjali, kif ukoll il-frekwenza ta' dik il-valutazzjoni.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2026.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 382a

Approċċi għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA

1. Istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għat-tranżazzjonijiet kollha msemmija fl-Artikolu 382 f'konformità mal-approċċi li ġejjin:

(a) l-approċċ standardizzat stabbilit fl-Artikolu 383, meta l-istituzzjoni tkun ingħatat permess mill-awtorità kompetenti biex tuża dak l-approċċ;

(b) l-approċċ bażiku stabbilit fl-Artikolu 384;

(c) l-approċċ simplifikat stabbilit fl-Artikolu 385, dment li l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu.

2. Istituzzjoni ma għandhiex tuża l-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (c), flimkien mal-approċċ imsemmi fil-punt (a) jew (b) ta' dak il-paragrafu.

▼M17

3. Istituzzjoni tista' tuża taħlita tal-approċċi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA fuq bażi permanenti għal:

(a) kontropartijiet differenti;

(b) settijiet ta' netting eliġibbli differenti mal-istess kontroparti;

(c) tranżazzjonijiet differenti tal-istess sett ta' netting eliġibbli, dment li tiġi ssodisfatta kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (c), l-istituzzjonijiet għandhom jaqsmu is-sett ta' netting eliġibbli f'sett ta' netting ipotetiku li fih it-tranżazzjonijiet soġġetti għall-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), u sett ta' netting ipotetiku li fih it-tranżazzjonijiet soġġetti għall-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (b).

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-punt (c), il-kundizzjonijiet imsemmija fih għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) il-qasma hija konsistenti mat-trattament tas-set tan-netting legali meta jiġi kkalkulat is-CVA għal finijiet kontabilistiċi;

(b) il-permess mogħti mill-awtoritajiet kompetenti sabiex jużaw l-approċċ imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), huwa limitat għas-sett ta' netting ipotetiku korrispondenti u ma jkoprix it-tranżazzjonijiet kollha fi ħdan is-sett ta' netting eliġibbli.

L-istituzzjonijiet għandhom jiddokumentaw kif jużaw taħlita tal-approċċi msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), u kif stabbilit f'dan il-paragrafu, sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA fuq bażi permanenti.

Artikolu 383

Approċċ standardizzat

1. L-awtorità kompetenti għandha tagħti permess lill-istituzzjoni sabiex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħha għar-riskju ta' CVA għal portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' kontroparti waħda jew aktar billi tuża l-approċċ standardizzat f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, wara li tkun ivvalutat jekk l-istituzzjoni tikkonformax mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun stabbiliet unità distinta li tkun responsabbli għall-ġestjoni ġenerali tar-riskju u għall-iħħeġġjar tar-riskju ta' CVA tal-istituzzjoni;

(b) għal kull kontroparti kkonċernata, l-istituzzjoni tkun żviluppat mudell regolatorju ta' CVA sabiex tikkalkula s-CVA ta' dik il-kontroparti f'konformità mal-Artikolu 383a;

(c) għal kull kontroparti kkonċernata, l-istituzzjoni tkun tista' tikkalkula, tal-anqas fuq bażi ta' kull xahar, is-sensittivitajiet tas-CVA tagħha għall-fatturi tar-riskju kkonċernati kif iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 383b;

(d) għall-pożizzjonijiet kollha f'ħeġġijiet eliġibbli rikonoxxuti f'konformità mal-Artikolu 386 għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bl-użu tal-approċċ standardizzat, l-istituzzjoni tista' tikkalkula, u tal-anqas fuq bażi ta' kull xahar, is-sensittivitajiet ta' dawk il-pożizzjonijiet għall-fatturi tar-riskju rilevanti ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 383b;

▼M17

(e) l-istituzzjoni tkun stabbiliet unità għall-kontroll tar-riskji li tkun indipendenti mill-unitajiet tan-negozjar kummerċjali u l-unità msemmija fil-punt (a), u li tirrapporta direttament lill-korp maniġerjali; dik l-unità ta' kontroll tar-riskju għandha tkun responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-approċċ standardizzat u għandha tipproduċi u tanalizza rapporti ta' kull xahar dwar l-eżitu ta' dak l-approċċ u, barra minn hekk, l-unità għall-kontroll tar-riskju għandha tivvaluta l-adegwatezza tal-limiti tan-negozjar tal-istituzzjoni u tinkludi r-riżultati ta' dik il-valutazzjoni fir-rapporti tagħha ta' kull xahar; l-unità ta' kontroll tar-riskju għandu jkollha għadd suffiċjenti ta' persunal b'livell ta' ħiliet li jkun xieraq sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (c), ta' dan il-paragrafu s-sensittività ta' CVA ta' kontroparti għal fattur tar-riskju tfisser il-bidla relattiva fil-valur ta' dak is-CVA, bħala riżultat ta' bidla fil-valur ta' wieħed mill-fatturi tar-riskju rilevanti ta' dak is-CVA, ikkalkulata bl-użu tal-mudell regolatorju ta' CVA tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikoli minn 383i u 383j.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), ta' dan il-paragrafu s-sensittività ta' pożizzjoni f'ħeġġ eliġibbli għal fattur tar-riskju tfisser il-bidla relattiva fil-valur ta' dik il-pożizzjoni, bħala riżultat ta' bidla fil-valur ta' wieħed mill-fatturi tar-riskju rilevanti ta' dik il-pożizzjoni, ikkalkulata bl-użu tal-mudell tal-ipprezzar tal-istituzzjoni f'konformità mal-Artikoli minn 383i u 383j.

2. Għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "klassi tar-riskju" tfisser kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin:

(a) riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax;

(b) riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti;

(c) riskju ta' firxa tal-kreditu ta' referenza;

(d) riskju ta' ekwità;

(e) riskju tal-komoditajiet;

(f) riskju tal-kambju;

(2) "portafoll ta' CVA" tfisser il-portafoll magħmul mis-CVA aggregat u l-ħeġġijiet eliġibbli msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (d);

(3) "CVA aggregat" tfisser is-somma ta' CVAs ikkalkulata bl-użu tal-mudell regolatorju ta' CVA għall-kontropartijiet msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bl-użu tal-approċċ standardizzat bħala s-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji li ġejjin ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 383b:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju delta li jkopru r-riskju ta' bidliet fil-portafoll ta' CVA tal-istituzzjoni minħabba l-movimenti fil-fatturi tar-riskju rilevanti relatati man-nonvolatilità;

▼M17

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju vega li jkopru r-riskju ta' bidliet fil-portafoll ta' CVA tal-istituzzjoni minħabba l-movimenti fil-fatturi tar-riskju rilevanti relatati mal-volatilità.

Artikolu 383a

Mudell regolatorju ta' CVA

1. Mudell regolatorju ta' CVA użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 383 għandu jkun validu kunċettwalment, jiġi implimentat b'integrità, u jikkonforma mar-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) il-mudell regolatorju ta' CVA huwa kapaċi jimmudella s-CVA ta' kontroparti partikolari, filwaqt li jirrikonoxxi ftehimiet ta' netting u dwar il-marġni fil-livell tas-sett ta' netting, fejn rilevanti, f'konformità ma' dan l-Artikolu;

(b) l-istituzzjoni tistma l-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-kontroparti mill-firxiet ta' kreditu tal-kontroparti u mit-telf fil-każ ta' inadempjenza skont il-kunsens tas-suq mistenni għal dik il-kontroparti;

(c) it-telf mistenni f'inadempjenza msemmi fil-punt (a) għandu jkun l-istess bħat-telf fil-każ ta' inadempjenza skont il-kunsens tas-suq mistenni msemmi fil-punt (b), sakemm l-istituzzjoni ma tkunx tista' turi li l-prijorità tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' dik il-kontroparti tkun differenti mill-prijorità ta' bonds superjuri mhux iggarantiti maħruġin minn dik il-kontroparti;

(d) f'kull mument fil-futur, l-iskopertura futura skontata simulata tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' kontroparti tiġi kkalkulata b'mudell ta' skopertura billi jiġu pprezzati mill-ġdid it-tranżazzjonijiet kollha f'dak il-portafoll, fuq il-bażi tal-bidliet konġunti ssimulati tal-fatturi tar-riskju tas-suq li huma materjali għal dawk it-tranżazzjonijiet bl-użu ta' numru xieraq ta' xenarji, u l-iskontar tal-prezzijiet sad-data tal-kalkolu bl-użu ta' rati tal-imgħax mingħajr riskju;

(e) il-mudell regolatorju ta' CVA ikun kapaċi jimmudella dipendenza sinifikanti bejn l-iskopertura futura skontata simulata tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet u l-firxiet ta' kreditu tal-kontroparti;

(f) meta t-tranżazzjonijiet tal-portafoll jiġu inklużi f'sett ta' netting soġġett għal ftehim dwar il-marġni u għal valwazzjoni ta' kuljum skont il-valur fis-suq, il-kollateral depożitat u riċevut bħala parti minn dak il-ftehim jiġi rrikonoxxut bħala mitigant tar-riskju fl-iskpertura futura skontata simulata, meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) l-istituzzjoni tiddetermina l-perjodu ta' riskju tal-marġni għal dak is-sett ta' netting f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 285(2) u (5), u tirrifletti dak il-perjodu ta' marġni fil-kalkolu tal-iskopertura futura skontata simulata;

(ii) il-karatteristiċi applikabbli kollha tal-ftehim dwar il-marġni, inkluż il-frekwenza tas-sejħiet ta' marġni, it-tip ta' kollateral eliġibbli kuntrattwalment, l-ammonti ta' limitu, l-ammonti minimi ta' trasferiment, l-ammonti indipendenti u l-marġni inizjali kemm għall-istituzzjoni kif ukoll għall-kontroparti jkunu riflessi kif xieraq fil-kalkolu tal-skopertura futura skontata simulata;

▼M17

(iii) l-istituzzjoni tkun stabbiliet unità ta' ġestjoni tal-kollateral li tikkonforma mal-Artikolu 287 għall-kollateral kollu rrikonoxxut għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bl-użu tal-approċċ standardizzat.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (a), CVA għandu jkollu sinjal pożittiv u għandu jiġi kkalkulat bħala funzjoni tat-telf fil-każ ta' inadempjenza mistenni tal-kontroparti, sett xieraq tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-kontroparti f'punti ta' żmien futuri u sett xieraq ta' skoperturi futuri skontati simulati tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' dik il-kontroparti f'punti ta' żmien futuri sal-maturità tal-itwal tranżazzjoni f'dak il-portafoll.

Għall-finijiet tad-dimostrazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), il-kollateral riċevut mill-kontroparti ma għandux jibdel il-prijorità tal-iskopertura.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (f)(iii), ta' dan il-paragrafu meta l-istituzzjoni tkun diġà stabbiliet unità ta' ġestjoni tal-kollateral għall-użu tal-metodu tal-mudell intern imsemmi fl-Artikolu 283, l-istituzzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa tistabbilixxi unità ta' ġestjoni tal-kollateral addizzjonali meta dik l-istituzzjoni turi lill-awtorità kompetenti tagħha li tali unità tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 287 għall-kollateral rikonoxxut għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bl-użu tal-approċċ standardizzat.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), fejn il-firxiet tal-iswaps ta' inadempjenza tal-kreditu tal-kontroparti jkunu osservabbli fis-suq, istituzzjoni għandha tuża dawk il-firxiet. Meta tali firxiet ta' swaps ta' inadempjenza tal-kreditu ma jkunux disponibbli, istituzzjoni għandha tuża wieħed milli ġejjin:

(a) firxiet tal-kreditu minn strumenti oħrajn maħruġin mill-kontroparti li jirriflettu l-kundizzjonijiet kurrenti tas-suq;

(b) firxiet ta' approssimazzjoni indiretta li jkunu xierqa meta jitqiesu l-klassifikazzjoni, l-industrija u r-reġjun tal-kontroparti.

3. Istituzzjoni li tuża mudell regolatorju ta' CVA għandha tikkonforma mar-rekwiżiti kwalitattivi kollha li ġejjin:

(a) il-mudell tal-eskopertura msemmi fil-paragrafu 1 huwa parti mis-sistema interna ta' ġestjoni tar-riskju ta' CVA tal-istituzzjoni li tinkludi l-identifikazzjoni, il-kalkolu, il-ġestjoni, l-approvazzjoni u r-rapportar intern ta' CVA u tar-riskju ta' CVA għal finijiet kontabilistiċi;

(b) l-istituzzjoni għandha fis-seħħ proċess sabiex tiżgura l-konformità ma' sett dokumentat ta' politiki interni, ta' kontrolli, ta' valutazzjoni tal-prestazzjoni u ta' proċeduri tal-mudell li jikkonċernaw il-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 1;

(c) l-istituzzjoni għandu jkollha unità ta' validazzjoni indipendenti li tkun responsabbli għall-validazzjoni inizjali u kontinwa effettiva tal-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu; dik l-unità għandha tkun indipendenti mill-kreditu tan-negozju u mill-unitajiet tan-negozjar, inkluż l-unità msemmija fl-Artikolu 383(1), il-punt (a), u tirrapporta direttament lill-maniġment superjuri; għandu jkollha għadd suffiċjenti ta' persunal b'livell ta' ħiliet li jkun xieraq sabiex tilħaq dak l-għan;

▼M17

(d) il-maniġment superjuri għandu jkun involut b'mod attiv fil-proċess ta' kontroll tar-riskju u għandu jqis il-kontroll tar-riskju ta' CVA bħala aspett essenzjali tan-negozju, li għalih jeħtieġ li jiġu ddedikati r-riżorsi xierqa;

(e) l-istituzzjoni għandha tiddokumenta l-proċess għall-validazzjoni inizjali u kontinwa tal-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 1 għal livell ta' dettall li jippermetti lil parti terza tifhem kif joperaw il-mudelli, il-limitazzjonijiet tagħhom u s-suppożizzjonijiet ewlenin tagħhom, u terġa' toħloq l-analiżi; dik id-dokumentazzjoni għandha tistabbilixxi l-frekwenza minima li biha ser titwettaq il-validazzjoni kontinwa, kif ukoll ċirkostanzi oħrajn, bħal bidla f'daqqa fl-imġiba tas-suq, li fihom għandha titwettaq validazzjoni addizzjonali; għandha tiddeskrivi kif titwettaq il-validazzjoni fir-rigward tal-flussi u tal-portafolli tad-*data*, liema analiżijiet jintużaw u kif jinbnew il-portafolli tal-kontroparti rappreżentattivi;

(f) il-mudelli tal-ipprezzar użati fil-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 1 għal xenarju partikolari ta' fatturi tar-riskju tas-suq issimulati għandhom jiġu ttestjati skont parametri referenzjarji indipendenti xierqa għal firxa wiesgħa ta' stati tas-suq bħala parti mill-proċess inizjali u kontinwu ta' validazzjoni tal-mudell; mudelli tal-ipprezzar għall-opzjonijiet għandhom jikkunsidraw in-nuqqas ta' linearità tal-valur tal-opzjonijiet rigward il-fatturi tar-riskju tas-suq;

(g) rieżami indipendenti tas-sistema interna ta' ġestjoni tar-riskju ta' CVA tal-istituzzjoni msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu għandu jitwettaq mill-proċess ta' awditjar intern tal-istituzzjoni fuq bażi regolari; dak ir-rieżami għandu jinkludi l-attivitajiet kemm tal-unità msemmija fl-Artikolu 383(1), il-punt (a), kif ukoll tal-unità ta' validazzjoni indipendenti msemmija fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu;

(h) il-mudell regolatorju ta' CVA użat mill-istituzzjoni għall-kalkolu tal-iskopertura futura skontata simulata imsemmija fil-paragrafu 1, għandu jirrifletti t-termini u l-ispeċifikazzjonijiet tat-tranżazzjonijiet u l-ftehimiet dwar il-marġni b'mod puntwali, komplut, u konservattiv; it-termini u l-ispeċifikazzjonijiet għandhom jirrisjedu f'bażi ta' *data* sigura soġġetta għal awditu formali u perjodiku; it-trażmissjoni tad-*data* u tal-ftehimiet tal-marġni tat-termini u tal-ispeċifikazzjonijiet tat-tranżazzjonijiet għall-mudell tal-iskopertura għandha tkun soġġetta wkoll għal awditu intern, u għandhom ikunu fis-seħħ proċessi formali ta' rikonċiljazzjoni bejn il-mudell intern u s-sistemi tad-*data* tas-sors sabiex jiġi vverifikat fuq bażi kontinwa li t-termini, l-ispeċifikazzjonijiet u l-ftehimiet tal-marġni tat-tranżazzjonijiet ikunu qed jiġu riflessi fis-sistema ta' skopertura b'mod korrett jew, tal-anqas, b'mod konservattiv;

(i) l-inputs kurrenti u storiċi tad-*data* tas-suq użati fil-mudell mill-istituzzjoni għall-kalkolu tal-iskopertura futura skontata simulata msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkisbu indipendentement mil-linji operatorji u jiddaħħlu f'dak il-mudell fil-ħin u b'mod sħiħ u miżmuma f'bażi tad-*data* sigura soġġetta għal awditu formali u perjodiku; istituzzjoni għandu jkollha proċess żviluppat sew ta' integrità tad-*data* sabiex tittratta osservazzjonijiet mhux xierqa tad-*data*; meta l-mudell jiddependi fuq *data* tas-suq ta' approssimazzjoni, istituzzjoni għandha tfassal politiki interni sabiex tidentifika approssimazzjonijiet xierqa u għandha turi b'mod empiriku fuq bażi kontinwa li l-approssimazzjonijiet jipprovdu rappreżentazzjoni konservattiva tar-riskju sottostanti;

▼M17

(j) il-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafi 1 għandu jkopri l-informazzjoni speċifika għat-tranżazzjonijiet u kuntrattwali neċessarja sabiex jiġu aggregati skoperturi fil-livell tas-sett ta' netting; istituzzjoni għandha tivverifika li t-tranżazzjonijiet jiġu assenjati għas-sett ta' netting adatt fil-mudell.

Għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA, il-mudell tal-iskopertura msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jkollu speċifikazzjonijiet u suppożizzjonijiet differenti sabiex jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 383a, ħlief li l-inputs tad-*data* tas-suq u r-rikonoxximent tan-netting tagħha għandhom jibqgħu l-istess bħal dawk użati għall-finijiet kontabilistiċi.

4. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) kif il-firxiet ta' approssimazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, il-punt (b), għandhom jiġu ddeterminati mill-istituzzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tal-probabbiltajiet ta' inadempjenza;

(b) elementi tekniċi ulterjuri li l-istituzzjonijiet għandhom iqisu meta jikkalkulaw t-telf fil-każ ta' inadempjenza mistenni tal-kontroparti, il-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-kontroparti u l-iskopertura futura skontata simulata tal-portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' dik il-kontroparti u s-CVA, kif imsemmi fil-paragrafu 1;

(c) liema strumenti oħrajn imsemmija fil-paragrafu 2, il-punt (a), huma xierqa sabiex jiġu stmati l-probabbiltajiet ta' inadempjenza tal-kontroparti u kif l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu din l-istima.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2027.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw:

(a) il-kundizzjonijiet għall-valutazzjoni tal-materjalità tal-estensjonijiet u tal-bidliet fl-użu tal-approċċ standardizzat kif imsemmi fl-Artikolu 383(3);

(b) il-metodoloġija ta' valutazzjoni li biha l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw il-konformità ta' istituzzjoni mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 383 u 383a.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2028.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M17

Artikolu 383b

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskji delta u vega

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi tar-riskju delta u vega deskritti fl-Artikoli minn 383c sa 383h, u l-proċess stabbilit fil-paragrafi minn 2 sa 8 ta' dan l-Artikolu, sabiex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji delta u vega.

2. Għal kull klassi ta' riskju msemmija fl-Artikolu 383(2), is-sensittività tas-CVAs aggregati u s-sensittività tal-pożizzjonijiet kollha f'ħeġġijiet eliġibbli li jaqgħu fl-ambitu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji delta jew vega għal kull wieħed mill-fatturi tar-riskju delta jew vega applikabbli inkluż f'dik il-klassi tar-riskju għandhom jiġu kkalkulati bl-użu tal-formuli korrispondenti stabbiliti fl-Artikoli 383i u 383j. Jekk il-valur ta' strument jiddependi fuq diversi fatturi tar-riskju, is-sensittività għandha tiġi ddeterminata b'mod separat għal kull fattur tar-riskju.

Għall-kalkolu tas-sensittivitajiet għar-riskju vega tas-CVAs aggregati, għandhom jiġu inklużi s-sensittivitajiet kemm għall-volatilitajiet użati fil-mudell tal-iskopertura sabiex jiġu ssimulati l-fatturi tar-riskju kif ukoll għall-volatilitajiet użati sabiex jerġgħu jiġu pprezzati t-tranżazzjonijiet tal-opzjonijiet fil-portafoll mal-kontroparti.

Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, soġġetta għall-permess mill-awtorità kompetenti, istituzzjoni tista' tuża definizzjonijiet alternattivi ta' sensittivitajiet għar-riskju delta u vega fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ta' pożizzjoni tal-portafoll tan-negozjar skont dan il-Kapitolu, dment li l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) dawk id-definizzjonijiet alternattivi huma użati għall-finijiet ta' ġestjoni tar-riskju intern jew għar-rapportar tal-profitti u t-telf lill-maniġment superjuri minn unità indipendenti għall-kontroll tar-riskji f'istituzzjoni;

(b) l-istituzzjoni turi li dawk id-definizzjonijiet alternattivi huma aktar xierqa biex ikopru s-sensittivitajiet tal-pożizzjoni mill-formuli stabbiliti fl-Artikoli 383i u 383j, u li s-sensittivitajiet għar-riskju delta u vega li jirriżultaw ma jvarjawx materjalment minn dawk miksuba bl-applikazzjoni tal-formuli stabbiliti fl-Artikoli 383i u 383j, rispettivament.

3. Meta ħeġġ eliġibbli tkun strument tal-indiċi, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet ta' dik il-ħeġġ eliġibbli għall-fatturi tar-riskju rilevanti kollha billi japplikaw il-bidla ta' wieħed mill-fatturi tar-riskju rilevanti għal kull wieħed mill-kostitwenti tal-indiċi.

4. Istituzzjoni tista' tintroduċi fatturi ta' riskju addizzjonali li jikkorrispondu għal strumenti tal-indiċi kwalifikati għall-klassijiet ta' riskju li ġejjin:

(a) riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti;

(b) riskju ta' firxa tal-kreditu ta' referenza; u

(c) riskju ta' ekwità.

Għall-finijiet tar-riskji delta, strument tal-indiċi għandu jitqies ikkwalifikat meta jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 325i. Għal riskji vega, l-istrumenti tal-indiċi kollha għandhom jitqiesu bħala kwalifikati.

▼**M17**

Istituzzjoni għandha tikkalkula s-sensittivitajiet ta' CVA u ta' ħeġġijiet eliġibbli għal fatturi tar-riskju tal-indiċi kwalifikati minbarra s-sensittivitajiet għall-fatturi ta' riskju mhux tal-indiċi.

Istituzzjoni għandha tikkalkula s-sensittivitajiet għar-riskju delta u vega għal fattur tar-riskju tal-indiċi kwalifikat bħala sensittività unika għall-indiċi kkwalifikat sottostanti. Meta 75 % tal-kostitwenti ta' indiċi kkwalifikat jiġu mmappjati għall-istess settur kif stabbilit fl-Artikoli 383p, 383s u 383v, l-istituzzjoni għandha timmappja l-indiċi kkwalifikat għal dak l-istess settur. Inkella, l-istituzzjoni għandha timmappja s-sensittività għall-bucket tal-indiċi kkwalifikat applikabbli.

5. Is-sensittivitajiet ponderati tas-CVA aggregat u tal-valur tas-suq tal-ħeġġijiet eliġibbli kollha għal kull fattur tar-riskju għandhom jiġu kkalkulati billi s-sensittivitajiet netti rispettivi jiġu mmultiplikati bil-piż tar-riskju korrispondenti, f'konformità mal-formuli li ġejjin:

$$WS_k^{CVA} = RW_k \cdot S_k^{CVA}$$

$$WS_k^{hedges} = RW_k \cdot S_k^{hedges}$$

fejn:

k = l-indiċi li jiddenota l-fattur tar-riskju k;

WS_k^{CVA} = is-sensittività ponderata tas-CVA aggregat għall-fattur tar-riskju k;

RW_k = il-piż tar-riskju applikabbli għall-fattur tar-riskju k;

S_k^{CVA} = is-sensittività netta tas-CVA aggregat għall-fattur tar-riskju k;

WS_k^{hedges} = is-sensittività ponderata tal-valur tas-suq tal-ħeġġijiet eliġibbli kollha fil-portafoll ta' CVA għall-fattur tar-riskju k;

S_k^{hedges} = is-sensittività netta tal-valur tas-suq tal-ħeġġijiet eliġibbli kollha fil-portafoll ta' CVA għall-fattur tar-riskju k.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittività ponderata netta WS_k tal-portafoll ta' CVA għall-fattur tar-riskju k f'konformità mal-formula li ġejja:

$$WS_k = WS_k^{CVA} - WS_k^{hedges}$$

7. Is-sensittivitajiet netti ponderati fl-istess bucket għandhom jiġu aggregati f'konformità mal-formula li ġejja, bl-użu tal-korrelazzjonijiet korrispondenti ρ_{kl} għas-sensittivitajiet ponderati fl-istess bucket stabbiliti fl-Artikoli 383l, 383t u 383q li jwasslu għas-sensittività speċifika għall-bucket K_b:

▼**M17**

$$K_b = \sqrt{\sum_{k\epsilon b} WS_k^2 + \sum_{k\epsilon b} \sum_{l\epsilon b, k\neq l} \rho_{kl} WS_k WS_l + R \cdot \sum_{k\epsilon b} \left(\left(WS_k^{hedges} \right)^2 \right)}$$

fejn:

K_b = is-sensittività speċifika għall-bucket tal-bucket b;

WS_k = is-sensittivitajiet netti ponderati;

ρ_{kl} = il-parametri ta' korrelazzjoni intrabucket korrispondenti;

R = il-parametru ta' esklużjoni tal-iħħeġġjar ugwali għal 0,01.

8. Is-sensittività speċifika għall-bucket għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-paragrafi 5, 6 u 7 ta' dan l-Artikolu għal kull bucket fi klassi tar-riskju. Ladarba s-sensittività speċifika għall-bucket tkun ġiet ikkalkulata għall-buckets kollha, is-sensittivitajiet ponderati għal kull fattur tar-riskju fil-buckets għandhom jiġu aggregati f'konformità mal-formula li ġejja, permezz tal-korrelazzjonijiet korrispondenti γ_{bc} għal sensittivitajiet ponderati f'buckets differenti stabbiliti fl-Artikoli 383l, 383o, 383r, 383u, 383w u 383z li jwasslu għar-rekwiżit ta' fondi proprji speċifiċi għall-klassi ta' riskju għar-riskju delta jew vega:

$$ir - rekwiżit\ ta'\ fondi\ proprji\ speċifiċi\ għall - klassi\ ta'\ riskju\ għar - riskju\ delta\ jew\ vega = m_{CVA} \sqrt{\sum_{b} K_b^2 + \sum_{b} \sum_{b\neq c} \gamma_{bc} S_b S_c}$$

fejn:

m_{CVA} = fattur moltiplikatur li huwa ugwali għal 1; l-awtorità kompetenti tista' żżid il-valur ta'm_{CVA} meta l-mudell regolatorju ta' CVA tal-istituzzjoni juri nuqqasijiet li jipprevjenu l-kalkolu xieraq tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA;

K_b = is-sensittività speċifika għall-bucket tal-bucket b;

γ_{bc} = il-parametru ta' korrelazzjoni bejn il-buckets b u c;

$S_b = max\left\{-K_b; min\left(\sum_{k\epsilon b} WS_k ; K_b\right)\right\}$ għall-fatturi tar-riskju kollha fil-bucket b;

$S_c = max\left\{-K_c; min\left(\sum_{k\epsilon c} WS_k ; K_c\right)\right\}$ għall-fatturi tar-riskju kollha fil-bucket c.

Artikolu 383c

Fatturi tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

1. Għall-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax, inkluż ir-riskju tar-rata tal-inflazzjoni, għandu jkun hemm bucket wieħed għal kull munita, b'kull bucket li jkun fih tipi differenti ta' fatturi tar-riskju.

▼M17

Il-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax li huma applikabbli għal strumenti sensittivi għar-rata tal-imgħax fil-portafoll ta' CVA għandhom ikunu r-rati mingħajr riskju għal kull munita kkonċernata u għal kull waħda mill-maturitajiet li ġejjin: sena (1), sentejn (2), 5 snin, 10 snin u 30 sena.

Il-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax applikabbli għal strumenti sensittivi għar-rata tal-inflazzjoni fil-portafoll ta' CVA għandhom ikunu r-rati tal-inflazzjoni għal kull munita kkonċernata u għal kull waħda mill-maturitajiet li ġejjin: sena (1), sentejn (2), 5 snin, 10 snin u 30 sena.

2. Il-muniti li għalihom istituzzjoni għandha tapplika l-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax f'konformità mal-paragrafu 1 għandhom ikunu l-euro, il-krona Żvediża, id-dollaru Awstraljan, id-dollaru Kanadiż, l-isterlina Brittanika, il-yen Ġappuniż u d-dollaru Amerikan, il-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni u l-munita ta' Stat Membru li jipparteċipa fl-ERM II.

3. Għall-muniti mhux speċifikati fil-paragrafu 2, il-fatturi tar-riskju delta tar-rata tal-imgħax għandhom ikunu l-bidla assoluta fir-rata tal-inflazzjoni u x-xift parallela tal-kurva sħiħa mingħajr riskju għal munita partikolari.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiksbu r-rati mingħajr riskju għal kull munita mill-istrumenti tas-suq monetarju miżmuma fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni li jkollhom l-aktar riskju ta' kreditu baxx, inkluż swaps tal-indiċi mil-lum għall-għada.

5. Meta l-istituzzjonijiet ma jkunux jistgħu japplikaw l-approċċ imsemmi fil-paragrafu 4, ir-rati mingħajr riskju għandhom ikunu bbażati fuq kurva ta' swaps implikata mis-suq waħda jew aktar użati mill-istituzzjonijiet sabiex jipprezzaw il-pożizzjonijiet skont il-valur tas-suq, bħall-kurvi ta' swaps ta' rati interbankarji offruti.

Meta d-*data* dwar kurvi ta' swaps implikati mis-suq deskritti fl-ewwel subparagrafu tkun insuffiċjenti, ir-rati mingħajr riskju jistgħu jiġu derivati mill-kurva tal-bonds sovrani l-iktar xierqa għal munita partikolari.

6. Il-fattur tar-riskju vega tar-rata tal-imgħax applikabbli għall-istrumenti fil-portafoll ta’ CVA sensittivi għal volatilità tar-rati tal-kambju għandu jkun il-volatilitajiet kollha tar-rata tal-imgħax tat-tenuri kollha għal munita partikolari. Il-fattur tar-riskju vega tar-rata tal-inflazzjoni applikabbli għall-istrumenti fil-portafoll ta’ CVA sensittivi għal volatilità tar-rati tal-kambju għandu jkun il-volatilitajiet kollha tar-rata tal-imgħax tat-tenuri kollha għal munita partikolari. Għandu jkun hemm sesittività waħda għar-rati tal-imgħax u sensittività waħda għar-rata tal-inflazzjoni netta kkalkulata għal kull munita.

Artikolu 383d

Fatturi tar-riskju tal-kambju

1. Il-fatturi tar-riskju delta tal-kambju li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għall-istrumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għar-rati tal-kambju spot għandhom ikunu r-rati spot tal-kambju bejn il-munita li fiha jkun iddenominat l-istrument u l-munita tar-rapportar tal-istituzzjoni jew il-munita bażi tal-istituzzjoni fejn l-istituzzjoni tkun qed tuża munita bażi f'konformità mal-Artikolu 325q(7). Għandu jkun hemm bucket wieħed għal kull sett ta' muniti akkoppjati, li tkun tinkludi fattur tar-riskju uniku u sensittività netta unika.

▼M17

2. Il-fatturi tar-riskju vega tal-kambju li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti f'portafoll ta' CVA sensittivi għall-volatilità tal-kambju għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tar-rati tal-kambju bejn il-muniti akkoppjati msemmija fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm bucket wieħed għall-muniti u għall-maturitajiet kollha, li jkun fih il-fatturi kollha tar-riskju vega tal-kambju u sensittività netta waħda.

3. L-istituzzjonijiet ma għandhomx ikunu meħtieġa jiddistingwu bejn varjanti onshore u offshore ta' munita għall-fatturi kollha tar-riskju delta u vega.

Artikolu 383e

Fatturi tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti

1. Il-fatturi tar-riskju delta tal-firxiet ta' kreditu tal-kontroparti applikabbli għal strumenti sensittivi għall-firxiet ta' kreditu tal-kontroparti fil-portafoll ta' CVA għandhom ikunu l-firxiet ta' kreditu tal-kontropartijiet individwali u l-ismijiet ta' referenza u l-indiċijiet ikkwalifikati għall-maturitajiet li ġejjin: 0,5 ta' sena, sena (1), 3 snin, 5 snin u 10 snin.

2. Il-klassi tar-riskju tal-firxa ta' kreditu tal-kontroparti m'għandhiex tkun soġġetta għar-rekwiżiti tal-fondi proprji tar-riskju vega.

Artikolu 383f

Fatturi tar-riskju ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza

1. Il-fatturi tar-riskju delta tal-firxiet ta' kreditu ta' referenza applikabbli għal strumenti sensittivi għall-firxiet ta' kreditu ta' referenza fil-portafoll ta' CVA għandhom ikunu l-firxiet ta' kreditu tal-maturitajiet kollha għall-ismijiet ta' referenza kollha f'bucket. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkulata għal kull bucket.

2. Il-fatturi tar-riskju vega ta' firxiet ta' kreditu ta' referenza applikabbli għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-volatilità tal-firxiet ta' kreditu ta' referenza għandhom ikunu l-volatilitajiet tal-firxiet ta' kreditu tat-tenuri kollha għall-ismijiet ta' referenza kollha f'bucket. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkulata għal kull bucket.

Artikolu 383g

Fatturi tar-riskju ta' ekwità

1. Il-buckets għall-fatturi kollha tar-riskju ta' ekwità għandhom ikunu l-buckets imsemmija fl-Artikolu 383t.

2. Il-fatturi tar-riskju delta ta' ekwità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-prezzijiet spot ta' ekwità għandhom ikunu l-prezzijiet spot tal-ekwitajiet kollha mmappjati għall-istess taqsima msemmija fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkulata għal kull bucket.

3. Il-fatturi tar-riskju vega ta' ekwità li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-volatilità ta' ekwità għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tal-ekwitajiet kollha mmappjati għall-istess bucket imsemmi fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkulata għal kull bucket.

▼M17

Artikolu 383h

Fatturi tar-riskju tal-komoditajiet

1. It-taqsimiet għall-fatturi kollha tar-riskju tal-komoditajiet għandhom ikunu l-buckets tas-settur imsemmija fl-Artikolu 383x.

2. Il-fatturi tar-riskju delta tal-komoditajiet li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-prezzijiet spot tal-komoditajiet għandhom ikunu l-prezzijiet spot tal-komoditajiet kollha mmappjati għall-istess bucket tas-settur imsemmi fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkulata għal kull bucket tas-settur.

3. Il-fatturi tar-riskju vega tal-komoditajiet li għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet għal strumenti fil-portafoll ta' CVA sensittivi għall-volatilità tal-prezz tal-komoditajiet għandhom ikunu l-volatilitajiet implikati tal-komoditajiet kollha mmappjati għall-istess bucket tas-settur imsemmi fil-paragrafu 1. Għandu jkun hemm sensittività netta waħda kkalkulata għal kull bucket tas-settur.

Artikolu 383i

Sensittivitajiet għar-riskju delta

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet delta li jikkonsistu f'fatturi tar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax kif ġej:

(a) is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati mingħajr riskju, kif ukoll f'ħeġġ eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$S_{r_{kt}}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(r_{kt} + 0{,}0001, x, y \ldots) - V_{CVA}(r_{kt}, x, y \ldots)}{0{,}0001}$$

$$S_{r_{kt}}^{hedge_i} = \frac{V_i(r_{kt} + 0{,}0001, w, z \ldots) - V_i(r_{kt}, w, z \ldots)}{0{,}0001}$$

fejn:

$S_{r_{kt}}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata mingħajr riskju;

r_{kt} = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata mingħajr riskju k bil-maturità t;

V_{CVA} = is-CVA aggregat ikkalkulat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

x,y = fatturi tar-riskju minbarra r_{kt} fi V_{CVA};

$S_{r_{kt}}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata mingħajr riskju;

V_i = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

w,z = fatturi tar-riskju minbarra r_{kt} fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i;

▼M17

(b) is-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati tal-inflazzjoni kif ukoll f'ħeġġ eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$S_{infl_{kt}}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(infl_{kt} + 0{,}0001, x, y \ldots) - V_{CVA}(infl_{kt}, x, y \ldots)}{0{,}0001}$$

$$S_{infl_{kt}}^{hedge_i} = \frac{V_i(infl_{kt} + 0{,}0001, w, z \ldots) - V_i(infl_{kt}, w, z \ldots)}{0{,}0001}$$

fejn:

$S_{infl_{kt}}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni;

$infl_{kt}$ = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni k bil-maturità t;

V_{CVA} = is-CVA aggregat ikkalkulat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

x,y = fatturi tar-riskju minbarra $infl_{kt}$ fi V_{CVA};

$S_{infl_{kt}}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni;

V_i = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

w,z = fatturi tar-riskju minbarra $infl_{kt}$ fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati spot tal-kambju, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{FX_k}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(FX_k \cdot 1{,}01, x, y \ldots) - V_{CVA}(FX_k, x, y \ldots)}{0{,}01}$$

$$S_{FX_k}^{hedge_i} = \frac{V_i(FX_k \cdot 1{,}01, w, z \ldots) - V_i(FX_k, w, z \ldots)}{0{,}01}$$

fejn:

$S_{FX_k}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata spot tal-kambju;

FX_k = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata spot tal-kambju k;

V_{CVA} = is-CVA aggregat ikkalkulat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

x,y = fatturi tar-riskju minbarra FX_k fi V_{CVA};

▼**M17**

$S_{FX_k}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata spot tal-kambju;

V_i = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

w,z = fatturi tar-riskju minbarra FX_k fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{ccs_{kt}}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(ccs_{kt} + 0{,}0001, x, y \ldots) - V_{CVA}(ccs_{kt}, x, y \ldots)}{0{,}0001}$$

$$S_{ccs_{kt}}^{hedge_i} = \frac{V_i(ccs_{kt} + 0{,}0001, w, z \ldots) - V_i(ccs_{kt}, w, z \ldots)}{0{,}0001}$$

fejn:

$S_{ccs_{kt}}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti;

ccs_{kt} = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti k fil-maturità t;

V_{CVA} = is-CVA aggregat ikkalkulat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

x,y = fatturi tar-riskju minbarra ccs_{kt} fi V_{CVA};

$S_{ccs_{kt}}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu tal-kontroparti;

V_i = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

w,z = fatturi tar-riskju minbarra ccs_{kt} fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'rati ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{rcs_{kt}}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(rcs_{kt} + 0{,}0001, x, y \ldots) - V_{CVA}(rcs_{kt}, x, y \ldots)}{0{,}0001}$$

$$S_{rcs_{kt}}^{hedge_i} = \frac{V_i(rcs_{kt} + 0{,}0001, w, z \ldots) - V_i(rcs_{kt}, w, z \ldots)}{0{,}0001}$$

fejn:

$S_{rcs_{kt}}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza;

▼**M17**

rcs_{kt} = il-valur tal-fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza k fil-maturità t;

V_{CVA} = is-CVA aggregat ikkalkulat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

x,y = fatturi ta' riskju minbarra ccs_{kt} fi V_{CVA} ;

$S_{rcs_{kt}}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tar-rata ta' firxiet tal-kreditu ta' referenza;

V_i = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

w,z = fatturi tar-riskju minbarra ccs_{kt} fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu fi prezzijiet spot ta' ekwità, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{EQ}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(EQ \cdot 1{,}01, x, y \ldots) - V_{CVA}(EQ, x, y \ldots)}{0{,}01}$$

$$S_{EQ}^{hedge_i} = \frac{V_i(EQ \cdot 1{,}01, w, z \ldots) - V_i(EQ, w, z \ldots)}{0{,}01}$$

fejn:

S_{EQ}^{CVA} = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tal-prezz spot ta' ekwità;

EQ = il-valur tal-prezz spot ta' ekwità;

V_{CVA} = is-CVA aggregat ikkalkulat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

x,y = fatturi tar-riskju minbarra EQ fi V_{CVA};

$S_{EQ}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tal-prezz spot ta' ekwità;

V_i = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

w,z = fatturi tar-riskju minbarra EQ fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet delta tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu fi prezzijiet spot tal-komoditajiet, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

▼**M17**

$$S_{CTY}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(1{,}01 \cdot CTY, x, y \ldots) - V_{CVA}(CTY, x, y \ldots)}{0{,}01}$$

$$S_{CTY}^{hedge_i} = \frac{V_i(1{,}01 \cdot CTY, w, z \ldots) - V_i(CTY, w, z \ldots)}{0{,}01}$$

fejn:

S_{CTY}^{CVA} = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tal-prezz spot tal-komoditajiet;

CTY = il-valur tal-prezz spot tal-komoditajiet;

V_{CVA} = is-CVA aggregat ikkalkulat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

x,y = fatturi tar-riskju minbarra CTY fi V_{CVA};

$S_{CTY}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-ħeġġ eliġibbli i għal fattur tar-riskju tal-prezz spot tal-komoditajiet;

V_i = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

w,z = fatturi tar-riskju minbarra CTY fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i.

Artikolu 383j

Sensittivitajiet għar-riskju vega

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-sensittivitajiet għar-riskju vega tas-CVA aggregat għall-fatturi tar-riskju li jikkonsistu f'volatilità impliċita, kif ukoll fi strument għall-iħħeġġjar eliġibbli għal dawk il-fatturi tar-riskju, kif ġej:

$$S_{vol_k}^{CVA} = \frac{V_{CVA}(vol_k \cdot 1{,}01, x, y \ldots) - V_{CVA}(vol_k, x, y \ldots)}{0{,}01}$$

$$S_{vol_k}^{hedge_i} = \frac{V_i(vol_k \cdot 1{,}01, w, z \ldots) - V_i(vol_k, w, z \ldots)}{0{,}01}$$

fejn:

$S_{vol_k}^{CVA}$ = is-sensittivitajiet tas-CVA aggregat għal fattur tar-riskju tal-volatilità impliċita;

vol_k = il-valur tal-fattur tar-riskju tal-volatilità impliċita;

V_{CVA} = is-CVA aggregat ikkalkulat bil-mudell regolatorju ta' CVA;

x,y = fatturi tar-riskju minbarra vol_k fil-funzjoni tal-ipprezzar V_{CVA};

▼M17

$S_{vol_k}^{hedge_i}$ = is-sensittivitajiet tal-istrument għall-iħħeġġjar eliġibbli i għal fattur tar-riskju tal-volatilità impliċita;

V_i = il-funzjoni tal-ipprezzar tal-ħeġġ eliġibbli i;

w,z = fatturi tar-riskju minbarra vol_k fil-funzjoni tal-ipprezzar V_i.

Artikolu 383k

Piżijiet tar-riskju għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

1. Għall-muniti msemmija fl-Artikolu 383c(2), il-piżijiet tar-riskju tas-sensittivitajiet delta tar-rata mingħajr riskju għal kull bucket fit-Tabella 1 għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 1

Bucket	Maturità	Piż tar-riskju
1	sena	1,11 %
2	Sentejn	0,93 %
3	5 snin	0,74 %
4	10 snin	0,74 %
5	30 sena	0,74 %

2. Għal muniti li mhumiex il-muniti msemmija fl-Artikolu 383c(2), il-piż tar-riskju tas-sensittivitajiet delta tar-rata mingħajr riskju għandu jkun ta' 1,58 %.

3. Għar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni ddenominat f'waħda mill-muniti msemmija fl-Artikolu 383c(2), il-piż tar-riskju tas-sensittività delta għar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni għandu jkun ta' 1,11 %.

4. Għar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni ddenominat f'munita li mhijiex il-muniti msemmija fl-Artikolu 383c(2), il-piż tar-riskju tas-sensittività delta għar-riskju tar-rata tal-inflazzjoni għandu jkun ta' 1,58 %.

5. Il-piżijiet tar-riskju li għandhom jiġu applikati għas-sensittivitajiet għall-fatturi tar-riskju vega tar-rata tal-imgħax u għall-fatturi tar-riskju vega tar-rata tal-inflazzjoni għall-muniti kollha għandhom ikunu ta' 100 %.

Artikolu 383l

Korrelazzjonijiet intrabucket għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

1. Għall-muniti msemmija fl-Artikolu 383c(2), il-parametri ta' korrelazzjoni li l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw għall-aggregazzjoni tas-sensittivitajiet delta tar-rata mingħajr riskju bejn il-buckets differenti stabbiliti fl-Artikolu 383k, it-Tabella 1, għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 1

Bucket	1	2	3	4	5
1	100 %	91 %	72 %	55 %	31 %
2		100 %	87 %	72 %	45 %

▼M17

3			100 %	91 %	68 %
4				100 %	83 %
5					100 %

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw parametru ta' korrelazzjoni ta' 40 % għall-aggregazzjoni tas-sensittività għar-riskju delta tar-rata tal-inflazzjoni u tas-sensittività delta tar-rata mingħajr riskju ddenominati fl-istess munita.

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw parametru ta' korrelazzjoni ta' 40 % għall-aggregazzjoni tas-sensittività tal-fattur tar-riskju vega tar-rata tal-inflazzjoni u tas-sensittività għall-fattur tar-riskju vega tar-rata tal-imgħax iddenominati fl-istess munita.

Artikolu 383m

Korrelazzjoni bejn il-buckets għar-riskju taċ-ċaqliq fir-rata tal-imgħax

Il-parametru ta' korrelazzjoni bejn il-buckets għar-riskji delta u vega tar-rata tal-imgħax għandu jiġi stabbilit għal 0,5 għall-muniti akkoppjati kollha.

Artikolu 383n

Piżijiet tar-riskju għar-riskju tal-kambju

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta kollha għall-fattur tar-riskju tal-kambju bejn munita tar-rapportar ta' istituzzjoni u munita oħra għandhom ikunu ta' 11 %.

2. Il-piż tar-riskju tal-fatturi tar-riskju tal-kambju li jikkonċernaw muniti akkoppjati li jkunu magħmula mill-euro u mill-munita ta' Stat Membru li qed jipparteċipa fl-ERM II għandu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) il-piż tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1, diviż bi 3;

(b) il-fluttwazzjoni massima fil-faxxa ta' fluttwazzjoni formalment maqbula mill-Istat Membru u l-BĊE, jekk dik il-faxxa ta' fluttwazzjoni tkun idjaq mill-faxxa ta' fluttwazzjoni ddefinita skont l-ERM II.

3. Minkejja l-paragrafu 2, il-piż tar-riskju tal-fatturi tar-riskju tal-kambju li jikkonċernaw il-muniti msemmija f'dak il-paragrafu li jipparteċipaw fl-ERM II b'faxxa ta' fluttwazzjoni maqbula formalment li tkun idjaq mill-faxxa standard ta' bejn wieħed u ieħor 15 % għandu jkun ugwali għall-fluttwazzjoni massima tal-perċentwal f'dik il-faxxa idjaq.

4. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet vega kollha għall-fattur tar-riskju tal-kambju għandhom ikunu ta' 100 %.

Artikolu 383o

Korrelazzjonijiet għar-riskju tal-kambju

1. Parametru ta' korrelazzjoni uniformi ugwali għal 60 % għandu japplika għall-aggregazzjoni tas-sensitivitajiet għall-fattur tar-riskju delta tal-kambju bejn il-buckets.

▼M17

2. Parametru ta' korrelazzjoni uniformi ugwali għal 60 % għandu japplika għall-aggregazzjoni tas-sensitivitajiet għall-fattur tar-riskju vega tal-kambju bejn il-buckets.

Artikolu 383p

Piżijiet tar-riskju għar-riskju tal-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju tal-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti għandhom ikunu l-istess għall-maturitajiet kollha (0,5 ta' sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin) f'kull bucket fit-Tabella 1 u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 1

Numru tal-Bucket	Kwalità Kreditizja	Settur	Piż tar-riskju
1	Kollha	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, tal-Istati Membri	0,5 %
2	Skali 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, ta' pajjiżi terzi, il-banek multilaterali tal-iżvilupp u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 117(2) u fl-Artikolu 118	0,5 %
3		Il-gvern reġjonali jew awtorità lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku	1,0 %
4		L-entitajiet tas-settur finanzjarju, inkluż l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, u mutwanti promozzjonali	5,0 %
5		Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri	3,0 %
6		Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn	3,0 %
7		Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet	2,0 %
8		Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi	1,5 %
9		Bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri	1,0 %
10	Skali 1 tal-kwalità kreditizja	Bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi terzi	1,5 %
	Skali 2 sa 3 tal-kwalità kreditizja		2,5 %
11	Skali 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja	Settur ieħor	5,0 %
12		Indiċijiet ikkwalifikati	1,5 %

▼M17

Numru tal-Bucket	Kwalità Kreditizja	Settur	Piż tar-riskju
13	Skali 4 sa 6 tal-kwalità kreditizja u mingħajr klassifikazzjoni	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, ta' pajjiżi terzi, il-banek multilaterali tal-iżvilupp u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 117(2) u fl-Artikolu 118	2,0 %
14		Il-gvern reġjonali jew awtorità lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku	4,0 %
15		L-entitajiet tas-settur finanzjarju, inkluż l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, u mutwanti promozzjonali	12,0 %
16		Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri	7,0 %
17		Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn	8,5 %
18		Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet	5,5 %
19		Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi	5,0 %
20		Settur ieħor	12,0 %
21		Indiċijiet ikkwalifikati	5,0 %

Meta ma jkun hemm l-ebda klassifikazzjoni esterna għal kontroparti speċifika, l-istituzzjonijiet jistgħu, soġġett għal approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, jimmappjaw il-klassifikazzjoni interna ma' klassifikazzjoni esterna korrispondenti u jassenjaw piż tar-riskju li jikkorrispondi jew għall-iskala 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja jew inkella għall-iskala 4 sa 6 tal-kwalità kreditizja. Inkella, għandhom jiġu applikati l-piżijiet tar-riskju għal skoperturi mingħajr klassifikazzjoni.

2. Biex jassenjaw skopertura għar-riskju għal settur, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu minn klassifikazzjoni li tintuża spiss fis-suq għar-raggruppament ta' emittenti skont is-settur. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull emittent għal wieħed biss mill-buckets tas-settur stabbiliti fit-Tabella 1. Skoperturi għar-riskju minn kwalunkwe emittent li istituzzjoni ma tkunx tista' tassenjahom għal settur b'tali mod għandhom jiġu assenjati jew għall-bucket 11 jew inkella għall-bucket 20 fit-Tabella 1, skont il-kwalità kreditizja tal-emittent.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw biss għall-buckets 12 u 21 fit-Tabella 1 dawk l-iskoperturi li jagħmlu referenza għall-indiċijiet ikkwalifikati kif imsemmi fl-Artikolu 383b(4).

4. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw approċċ ta' trasparenza biex jiddeterminaw is-sensittivitajiet ta' skopertura li tirreferi għal indiċi mhux ikkwalifikat.

▼**M17**

Artikolu 383q

Korrelazzjonijiet intrabucket għar-riskju tal-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti

1. Bejn żewġ sensittivitajiet WS_k u WS_l, li jirriżultaw minn skoperturi għar-riskju assenjati għall-buckets 1 sa 11 u 13 sa 20 tas-settur, kif stabbilit fl-Artikolu 383p(1), it-Tabella 1, il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(tenor)} \cdot \rho_{kl}^{(name)} \cdot \rho_{kl}^{(quality)}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(tenor)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ punti tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, inkella għandha tkun ugwali għal 90 %;

$\rho_{kl}^{(name)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, 90 % jekk iż-żewġ ismijiet ikunu distinti iżda relatati legalment, inkella għandha tkun ugwali għal 50 %;

$\rho_{kl}^{(quality)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ikunu t-tnejn li huma fil-buckets 1 sa 11 jew ikunu t-tnejn li huma fil-buckets 13 sa 20, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %.

2. Bejn żewġ sensittivitajiet WS_k u WS_l li jirriżultaw minn skoperturi għar-riskju assenjati għall-buckets 12 u 21 tas-settur, il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(tenor)} \cdot \rho_{kl}^{(name)} \cdot \rho_{kl}^{(quality)}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(tenor)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ punti tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, inkella għandha tkun ugwali għal 90 %;

$\rho_{kl}^{(name)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ta' sensittivitajiet k u l ikunu identiċi u ż-żewġ indiċijiet ikunu tal-istess serje, 90 % jekk iż-żewġ indiċijiet ikunu l-istess iżda ta' serje distinta, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %;

$\rho_{kl}^{(quality)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ikunu t-tnejn li huma fil-bucket 12 jew ikunu t-tnejn li huma fil-bucket 21, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %.

Artikolu 383r

Korrelazzjonijiet bejn il-buckets għar-riskju tal-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti

Il-korrelazzjonijiet bejn il-buckets għar-riskju delta tal-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti għandhom ikunu dawn li ġejjin:

▼**M17**

Tabella 1

Bucket	1, 2, 3, 13 u 14	4 u 15	5 u 16	6 u 17	7 u 18	8 u 19	9 u 10	11 u 20	12 u 21
1, 2, 3, 13 u 14	100 %	10 %	20 %	25 %	20 %	15 %	10 %	0 %	45 %
4 u 15		100 %	5 %	15 %	20 %	5 %	20 %	0 %	45 %
5 u 16			100 %	20 %	25 %	5 %	5 %	0 %	45 %
6 u 17				100 %	25 %	5 %	15 %	0 %	45 %
7 u 18					100 %	5 %	20 %	0 %	45 %
8 u 19						100 %	5 %	0 %	45 %
9 u 10							100 %	0 %	45 %
11 u 20								100 %	0 %
12 u 21									100 %

Artikolu 383s

Piżijiet tar-riskju għar-riskju tal-firxiet tal-kreditu ta' referenza

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju tal-firxiet tal-kreditu ta' referenza għandhom ikunu l-istess għall-maturitajiet kollha (0,5 ta' sena, sena, 3 snin, 5 snin, 10 snin) u għall-iskoperturi kollha għall-firxiet tal-kreditu ta' referenza f'kull bucket fit-Tabella 1 u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 1

Numru tal-bucket	Kwalità kreditizja	Settur	Piż tar-riskju
1	Kollha	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, tal-Istati Membri	0,5 %
2	Skali 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, ta' pajjiżi terzi, il-banek multilaterali tal-iżvilupp u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 117(2) u fl-Artikolu 118	0,5 %
3		Il-gvern reġjonali jew awtorità lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku	1,0 %
4		L-entitajiet tas-settur finanzjarju, inkluż l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, u mutwanti promozzjonali	5,0 %
5		Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri	3,0 %
6		Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn	3,0 %
7		Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet	2,0 %
8		Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi	1,5 %
9		Bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu stabbiliti fl-Istati Membri	1,0 %

▼M17

Numru tal-bucket	Kwalità kreditizja	Settur	Piż tar-riskju
10	Skala 1 tal-kwalità kreditizja	Bonds koperti maħruġa minn istituzzjonijiet ta' kreditu f'pajjiżi terzi	1,5 %
	Skali 2 sa 3 tal-kwalità kreditizja		2,5 %
11	Skali 1 sa 3 tal-Kwalità Kreditizja	Indiċijiet ikkwalifikati	1,5 %
12	Skali 4 sa 6 tal-kwalità kreditizja u mingħajr klassifikazzjoni	Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, ta' pajjiżi terzi, il-banek multilaterali tal-iżvilupp u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 117(2) u fl-Artikolu 118	2,0 %
13		Il-gvern reġjonali jew awtorità lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku	4,0 %
14		L-entitajiet tas-settur finanzjarju, inkluż l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, u mutwanti promozzjonali	12,0 %
15		Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri	7,0 %
16		Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn	8,5 %
17		Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet	5,5 %
18		Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi	5,0 %
19		Indiċijiet ikkwalifikati	5,0 %
20	Settur ieħor		12,0 %

Meta ma jkun hemm l-ebda klassifikazzjoni esterna għal kontroparti speċifika, l-istituzzjonijiet jistgħu, soġġett għal approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, jimmappjaw il-klassifikazzjoni interna ma' klassifikazzjoni esterna korrispondenti u jassenjaw piż tar-riskju li jikkorrispondi jew għall-iskala 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja jew inkella għall-iskala 4 sa 6 tal-kwalità kreditizja. Inkella, għandhom jiġu applikati l-piżijiet tar-riskju għal skoperturi mingħajr klassifikazzjoni.

2. Il-piżijiet tar-riskju għall-volatilitajiet tal-firxiet tal-kreditu ta' referenza għandhom jiġu stabbiliti għal 100 %.

3. Biex jassenjaw skopertura għar-riskju għal settur, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu minn klassifikazzjoni li tintuża spiss fis-suq għar-raggruppament ta' emittenti skont is-settur. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull emittent għal wieħed biss mill-buckets tas-settur fit-Tabella 1. Skoperturi għar-riskju minn kwalunkwe emittent li istituzzjoni ma tkunx tista' tassenjahom għal settur b'tali mod għandhom jiġu assenjati għall-bucket 20 fit-Tabella 1.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw biss għall-buckets 11 u 19 dawk l-iskoperturi li jagħmlu referenza għall-indiċijiet ikkwalifikati kif imsemmi fl-Artikolu 383b(4).

5. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw approċċ ta' trasparenza biex jiddeterminaw is-sensittivitajiet ta' skopertura li tirreferi għal indiċi mhux ikkwalifikat.

▼M17

Artikolu 383t

Korrelazzjonijiet intrabucket għar-riskju tal-firxiet tal-kreditu ta' referenza

1. Bejn żewġ sensittivitajiet WS_k u WS_k, li jirriżultaw minn skoperturi għar-riskju assenjati għall-buckets 1 sa 10, 12 sa 18 u 20 tal-Artikolu 383s(1), it-Tabella 1, il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(tenor)} \cdot \rho_{kl}^{(name)} \cdot \rho_{kl}^{(quality)}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(tenor)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ punti tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, inkella għandha tkun ugwali għal 90 %;

$\rho_{kl}^{(name)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, 90 % jekk iż-żewġ ismijiet ikunu distinti iżda relatati legalment, inkella għandha tkun ugwali għal 50 %;

$\rho_{kl}^{(quality)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ikunu t-tnejn li huma fil-buckets 1 sa 10, ikunu t-tnejn li huma fil-buckets 12 sa 18, jew ikunu t-tnejn li huma fil-bucket 20, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %.

2. Bejn żewġ sensittivitajiet WS_k u WS_l, li jirriżultaw minn skoperturi għar-riskju assenjati għall-buckets 11 u 19 tas-settur, il-parametru ta' korrelazzjoni ρ_{kl} għandu jiġi stabbilit kif ġej:

$$\rho_{kl} = \rho_{kl}^{(tenor)} \cdot \rho_{kl}^{(name)} \cdot \rho_{kl}^{(quality)}$$

fejn:

$\rho_{kl}^{(tenor)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ punti tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi, inkella għandha tkun ugwali għal 90 %;

$\rho_{kl}^{(name)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet tas-sensittivitajiet k u l ikunu identiċi u ż-żewġ indiċijiet ikunu tal-istess serje, 90 % jekk iż-żewġ indiċijiet ikunu l-istess iżda ta' serje distinta, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %;

$\rho_{kl}^{(quality)}$ għandha tkun ugwali għal 1 meta ż-żewġ ismijiet ikunu t-tnejn li huma fil-bucket 11 jew ikunu t-tnejn li huma fil-bucket 19, inkella għandha tkun ugwali għal 80 %.

Artikolu 383u

Korrelazzjonijiet għar-riskju tal-firxiet tal-kreditu ta' referenza

1. Il-korrelazzjonijiet bejn il-buckets għar-riskju delta tal-firxiet tal-kreditu ta' referenza u għar-riskju vega tal-firxiet tal-kreditu ta' referenza għandhom ikunu dawn li ġejjin:

▼**M17**

Tabella 1

Bucket	1, 2 u 12	3 u 14	4 u 15	5 u 16	6 u 17	7 u 18	8 u 19	9 u 10	20	11	19
1, 2 u 12	100 %	75 %	10 %	20 %	25 %	20 %	15 %	10 %	0 %	45 %	45 %
3 u 14		100 %	5 %	15 %	20 %	15 %	10 %	10 %	0 %	45 %	45 %
4 u 15			100 %	5 %	15 %	20 %	5 %	20 %	0 %	45 %	45 %
5 u 16				100 %	20 %	25 %	5 %	5 %	0 %	45 %	45 %
6 u 17					100 %	25 %	5 %	15 %	0 %	45 %	45 %
7 u 18						100 %	5 %	20 %	0 %	45 %	45 %
8 u 19							100 %	5 %	0 %	45 %	45 %
9 u 10								100 %	0 %	45 %	45 %
20									100 %	0 %	0 %
11										100 %	75 %
19											100 %

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-valuri ta' korrelazzjoni bejn il-buckets ikkalkulati f'dak il-paragrafu għandhom jiġu diviżi bi 2 għal korrelazzjonijiet bejn bucket mill-grupp ta' buckets 1 sa 10 u bucket mill-grupp ta' buckets 12 sa 18.

Artikolu 383v

Buckets tal-piż tar-riskju għar-riskju ta' ekwità

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju tal-prezz spot ta' ekwità għandhom ikunu l-istess għall-iskoperturi kollha għar-riskju ta' ekwità f'kull bucket fit-Tabella 1 u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 1

Numru tal-bucket	Kapitalizzazzjoni tas-suq	Ekonomija	Settur	Piż tar-riskju għall-prezz spot ta' ekwità
1	Kbira	Ekonomija tas-suq emerġenti	Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn, kura tas-saħħa, utilitajiet	55 %
2			Telekomunikazzjonijiet, industrijali	60 %
3			Materjali bażiċi, enerġija, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri	45 %
4			Finanzjarji, inkluż finanzjarji appoġġati mill-gvern, attivitajiet fil-proprjetà immobbli, teknoloġija	55 %
5		Ekonomija avvanzata	Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn, kura tas-saħħa, utilitajiet	30 %
6			Telekomunikazzjonijiet, industrijali	35 %
7			Materjali bażiċi, enerġija, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri	40 %
8			Finanzjarji, inkluż finanzjarji appoġġati mill-gvern, attivitajiet fil-proprjetà immobbli, teknoloġija	50 %

▼M17

Numru tal-bucket	Kapitalizzazzjoni tas-suq	Ekonomija	Settur	Piż tar-riskju għall-prezz spot ta' ekwità
9	Żgħira	Ekonomija tas-suq emerġenti	Is-setturi kollha deskritti taħt in-numri tal-buckets 1, 2, 3 u 4	70 %
10		Ekonomija avvanzata	Is-setturi kollha deskritti taħt in-numri tal-buckets 5, 6, 7 u 8	50 %
11	Settur ieħor			70 %
12	Kbira	Ekonomija avvanzata	Indiċijiet ikkwalifikati	15 %
13	Oħrajn		Indiċijiet ikkwalifikati	25 %

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dak li jikkostitwixxi kapitalizzazzjoni żgħira u kbira għandu jiġi speċifikat fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 325bd(7).

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dak li jikkostitwixxi suq emerġenti u ekonomija avvanzata għandu jiġi speċifikat fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-Artikolu 325ap(3).

4. Meta jassenjaw skopertura għar-riskju għal settur, l-istituzzjonijiet għandhom jiddependu minn klassifikazzjoni li tintuża spiss fis-suq għar-raggruppament ta' emittenti skont is-settur industrijali. L-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull emittent għal wieħed biss mill-buckets tas-settur fil-paragrafu 1, it-Tabella 1, u għandhom jassenjaw lill-emittenti kollha mill-istess industrija għall-istess settur. Skoperturi għar-riskju minn kwalunkwe emittent li istituzzjoni ma tkunx tista' tassenjahom għal settur b'tali mod għandhom jiġu assenjati għall-bucket 11. L-emittenti ta' ekwità multinazzjonali jew multisettorjali għandhom jiġu allokati għal bucket partikolari abbażi tal-aktar reġjun u settur materjali li fihom jopera l-emittent ta' ekwità.

5. Il-piżijiet tar-riskju għar-riskju vega ta' ekwità għandhom jiġu stabbiliti għal 78 % għall-buckets 1 sa 8 u l-bucket 12, u għal 100 % għall-buckets l-oħra kollha.

Artikolu 383w

Korrelazzjonijiet bejn il-buckets għar-riskju ta' ekwità

Il-parametru ta' korrelazzjoni bejn il-buckets għar-riskju delta u vega ta' ekwità għandu jiġi stabbilit għal:

(a) 15 %, meta ż-żewġ buckets jaqgħu fil-buckets 1 sa 10 fl-Artikolu 383v(1), it-Tabella 1;

(b) 75 %, meta ż-żewġ buckets ikunu l-buckets 12 u 13 fl-Artikolu 383v(1), it-Tabella 1;

(c) 45 %, meta wieħed mill-buckets ikun il-bucket 12 jew 13 fl-Artikolu 383v(1), it-Tabella 1, u l-bucket l-ieħor jaqa' fi ħdan il-buckets 1 sa 10 fl-Artikolu 383v(1), it-Tabella 1;

(d) 0 %, meta wieħed miż-żewġ buckets ikun il-bucket 11 fl-Artikolu 383v(1), it-Tabella 1.

▼M17

Artikolu 383x

Buckets tal-piż tar-riskju għar-riskju tal-komoditajiet

1. Il-piżijiet tar-riskju għas-sensittivitajiet delta għall-fatturi tar-riskju tal-prezz spot tal-komoditajiet għandhom ikunu l-istess għall-iskoperturi kollha għar-riskju tal-komoditajiet f'kull bucket fit-Tabella 1 u għandhom ikunu dawn li ġejjin:

Tabella 1

Numru tal-bucket	Isem il-bucket	Piż tar-riskju għall-prezz spot tal-komoditajiet
1	Enerġija – kombustibbli solidi	30 %
2	Enerġija – kombustibbli likwidi	35 %
3	Enerġija – elettriku	60 %
4	Enerġija – skambju tal-karbonju tal-EU ETS	40 %
5	Enerġija – skambju tal-karbonju mhux tal-EU ETS	60 %
6	Merkanzija	80 %
7	Metalli – mhux prezzjużi	40 %
8	Kombustibbli gassużi	45 %
9	Metalli prezzjużi, inkluż id-deheb	20 %
10	Ħbub u żrieragħ żejtnin	35 %
11	Bhejjem u prodotti tal-ħalib	25 %
12	Komoditajiet agrikoli bażiċi u komoditajiet agrikoli oħra	35 %
13	Komodità oħra	50 %

2. Il-piżijiet tar-riskju għar-riskju vega tal-komoditajiet għandhom jiġu stabbiliti għal 100 %.

Artikolu 383z

Korrelazzjonijiet bejn il-buckets għar-riskju tal-komoditajiet

1. Il-parametru ta' korrelazzjoni bejn il-buckets għar-riskju delta tal-komoditajiet għandu jiġi stabbilit għal:

(a) 20 %, meta ż-żewġ buckets jaqgħu fil-buckets 1 sa 12 fl-Artikolu 383x(1), it-Tabella 1;

(b) 0 %, meta wieħed miż-żewġ buckets ikun il-bucket 13 fl-Artikolu 383x(1), it-Tabella 1.

2. Il-parametru ta' korrelazzjoni bejn il-buckets għar-riskju vega tal-komoditajiet għandu jiġi stabbilit għal:

(a) 20 %, meta ż-żewġ buckets jaqgħu fil-buckets 1 sa 12 fl-Artikolu 383x(1), it-Tabella 1;

(b) 0 %, meta wieħed miż-żewġ buckets ikun il-bucket 13 fl-Artikolu 383x(1), it-Tabella 1.

▼M17

Artikolu 384

Approċċ bażiku

1. Istituzzjoni għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu, kif ikun applikabbli, għal portafoll ta' tranżazzjonijiet ma' kontroparti waħda jew aktar billi tuża waħda mill-formuli li ġejjin, kif xieraq:

(a) il-formula stabbilita fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, meta l-istituzzjoni tinkludi fil-kalkolu ħeġġ eliġibbli waħda jew aktar rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 386;

(b) il-formula stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta l-istituzzjoni ma tkunx tinkludi fil-kalkolu kwalunkwe ħeġġ eliġibbli rikonoxxuta f'konformità mal-Artikolu 386.

L-approċċi stabbiliti fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), m'għandhomx jintużaw flimkien.

2. Istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni msemmija fl-paragrafu 1, il-punt (a), għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA kif ġej:

$$BACVA^{total} = \beta \bullet BACVA^{csr\text{-}unhedged} + DS_{CVA} \bullet (1 - \beta) \bullet BACVA^{csr\text{-}hedged}$$

fejn:

$BACVA^{total}$ = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont l-approċċ bażiku;

$BACVA^{csr\text{-}unhedged}$ = ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA skont l-approċċ bażiku kif ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 3 għal istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-punt (b);

DS_{CVA} = 0,65;

β = 0,25;

$$BACVA^{csr-hedged} = \sqrt{\left(\rho \cdot \sum_c (SCVA_c - SNH_c) - IH\right)^2 + (1-\rho^2) \cdot \sum_c (SCVA_c - SNH_c)^2 + \sum_c HMA_c}$$

fejn:

$$SCVA_c = \frac{1}{a} \cdot RW_c \cdot \sum_{NS \in c} M_{NS}^c \cdot EAD_{NS}^c \cdot DF_{NS}^c$$

$$SNH_c = \sum_{h \in c} r_{hc} \cdot RW_h^{SN} \cdot M_h^{SN} \cdot B_h^{SN} \cdot DF_h^{SN}$$

▼**M17**

$$IH = \sum_i RW_i^{ind} \cdot M_i^{ind} \cdot B_i^{ind} \cdot DF_i^{ind}$$

$$HMA_c = \sum_h (1 - r_{hc}^2) \cdot (RW_h \cdot M_h^{SN} \cdot B_h^{SN} \cdot DF_h^{SN})^2$$

a = 1,4;

ρ = 0,5;

c = l-indiċi li jiddenota l-kontropartijiet kollha li għalihom l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi tuża l-approċċ stabbilit f'dan l-Artikolu;

NS = l-indiċi li jiddenota s-settijiet ta' netting kollha ma' kontroparti partikolari li għalihom l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi tuża l-approċċ stabbilit f'dan l-Artikolu;

h = l-indiċi li jiddenota l-istrumenti kollha b'isem wieħed rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 386 għal kontroparti partikolari kollha li għalihom l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi tuża l-approċċ stabbilit f'dan l-Artikolu;

i = l-indiċi li jiddenota l-istrumenti tal-indiċi kollha rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 386 għall-kontropartijiet kollha li għalihom l-istituzzjoni tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA billi tuża l-approċċ stabbilit f'dan l-Artikolu;

RW_c = il-piż tar-riskju applikabbli għall-kontroparti c; il-kontroparti c għandha tiġi mmappjata ma' wieħed mill-piżijiet tar-riskju abbażi ta' kombinament tas-settur u l-kwalità kreditizja u tiġi ddeterminata f'konformità mat-Tabella 1.

Meta ma jkun hemm l-ebda klassifikazzjoni esterna għal kontroparti speċifika, l-istituzzjonijiet jistgħu, soġġett għal approvazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, jimmappjaw il-klassifikazzjoni interna ma' klassifikazzjoni esterna korrispondenti u jassenjaw piż tar-riskju li jikkorrispondi jew għall-iskala 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja jew inkella għall-iskala 4 sa 6 tal-kwalità kreditizja; inkella, għandhom jiġu applikati l-piżijiet tar-riskju għal skoperturi mingħajr klassifikazzjoni.

M_{NS}^c = il-maturità effettiva għas-sett ta' netting NS mal-kontroparti c;

M_{NS}^c għandha tiġi kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 162; madankollu, għal dak il-kalkolu, M_{NS}^c m'għandhiex tkun limitata għal ħames snin, iżda għall-itwal maturità kuntrattwali li jifdal fis-sett ta' netting;

▼**M17**

EAD_{NS}^{c} = il-valur tal-iskopertura għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti tas-sett ta' netting NS mal-kontroparti c, inkluż l-effett tal-kollateral f'konformità mal-metodi stabbiliti fit-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3 sa 6, kif applikabbli għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti msemmi fl-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (g);

DF_{NS}^{c} = il-fattur ta' skont superviżorju għas-sett ta' netting NS mal-kontroparti c.

Għal istituzzjoni, bl-użu tal-metodi stabbiliti fit-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 6, il-fattur ta' skont superviżorju għandu jiġi stabbilit għal 1; fil-każijiet l-oħra kollha, il-fattur ta' skont superviżorju għandu jiġi kkalkulat kif ġej:

$$\frac{1 - e^{-0,05 \cdot M_{NS}^{c}}}{0,05 \cdot M_{NS}^{c}}$$

r_{hc} = il-fattur tal-korrelazzjoni superviżorja bejn ir-riskju tal-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti c u r-riskju tal-firxiet tal-kreditu ta' strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli h għall-kontroparti c, iddeterminata f'konformità mat-Tabella 2;

M_{h}^{SN} = il-maturità residwa ta' strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli;

B_{h}^{SN} = in-nozzjonali ta' strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli;

DF_{h}^{SN} = il-fattur ta' skont superviżorju għal strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli, ikkalkulat kif ġej:

$$\frac{1 - e^{-0,05 \cdot M_{h}^{SN}}}{0,05 \cdot M_{h}^{SN}}$$

RW_{h}^{SN} = il-piż tar-riskju superviżorju ta' strument b'isem wieħed rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli; dawk il-piżijiet tar-riskju għandhom ikunu bbażati fuq kombinament tas-settur u l-kwalità kreditizja tal-firxa tal-kreditu ta' referenza tal-istrument għall-inħeġġjar u jiġu ddeterminati f'konformità mat-Tabella 1;

M_{i}^{ind} = il-maturità residwa ta' pożizzjoni waħda jew aktar fl-istess strument tal-indiċi rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli; fil-każ ta' aktar minn pożizzjoni waħda fl-istess strument tal-indiċi, M_{i}^{ind} għandha tkun il-maturità pponderata b'mod nozzjonali ta' dawk il-pożizzjonijiet kollha;

B_{i}^{ind} = in-nozzjonali sħiħ ta' pożizzjoni waħda jew aktar fl-istess strument tal-indiċi rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli;

DF_{i}^{ind} = il-fattur ta' skont superviżorju għal pożizzjoni waħda jew aktar fl-istess strument tal-indiċi rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli, ikkalkulat kif ġej:

▼**M17**

$$\frac{1 - e^{-0,05 \cdot M_i^{ind}}}{0,05 \cdot M_i^{ind}}$$

RW_i^{ind} = il-piż tar-riskju superviżorju ta' strument tal-indiċi rikonoxxut bħala ħeġġ eliġibbli; RW_i^{ind} għandu jkun ibbażat fuq kombinament tas-settur u l-kwalità kreditizja tal-kostitwenti kollha tal-indiċi, ikkalkulat kif ġej:

(a) meta l-kostitwenti kollha tal-indiċi jkunu jappartjenu għall-istess settur u jkollhom l-istess kwalità kreditizja, kif iddeterminat f'konformità mat-Tabella 1, RW_i^{ind} għandha tiġi kkalkulata bħala l-piż tar-riskju rilevanti tat-Tabella 1 għal dak is-settur u dik il-kwalità kreditizja mmultiplikat b'0,7;

(b) meta l-kostitwenti kollha tal-indiċi ma jkunux jappartjenu għall-istess settur jew ma jkollhomx l-istess kwalità kreditizja, RW_i^{ind} għandha tiġi kkalkulata bħala medja pponderata tal-piżijiet tar-riskju tal-kostitwenti kollha tal-indiċi, kif iddeterminat f'konformità mat-Tabella 1, immultiplikata b'0,7;

Tabella 1

Settur tal-kontroparti	Kwalità kreditizja	
	Skali 1 sa 3 tal-kwalità kreditizja	Skali 4 sa 6 tal-kwalità kreditizja u mingħajr klassifikazzjoni
Il-gvern ċentrali, inkluż il-banek ċentrali, il-banek multilaterali tal-iżvilupp u l-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 117(2) jew fl-Artikolu 118	0,5 %	2,0 %
Il-gvern reġjonali jew awtorità lokali u l-entitajiet tas-settur pubbliku	1,0 %	4,0 %
L-entitajiet tas-settur finanzjarju, inkluż l-istituzzjonijiet ta' kreditu inkorporati jew stabbiliti minn gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, u mutwanti promozzjonali	5,0 %	12,0 %
Materjali bażiċi, enerġija, industrijali, agrikoltura, manifattura, estrazzjoni u xogħol fil-barrieri	3,0 %	7,0 %
Oġġetti tal-konsum u servizzi, trasport u ħżin, attivitajiet ta' servizzi amministrattivi u ta' sostenn	3,0 %	8,5 %
Teknoloġija, telekomunikazzjonijiet	2,0 %	5,5 %
Kura tas-saħħa, utilitajiet, attivitajiet professjonali u tekniċi	1,5 %	5,0 %
Settur ieħor	5,0 %	12,0 %

Tabella 2

Korrelazzjonijiet bejn il-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti u l-ħeġġ b'isem wieħed

Ħeġġ b'isem wieħed h tal-kontroparti i	Valur ta' r_{hc}
Kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 386(3), il-punt (a)(i)	100 %
Kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 386(3), il-punt (a)(ii)	80 %
Kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 386(3), il-punt (a)(iii)	50 %

▼M17

3. Istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandha tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA kif ġej:

$$BACVA^{csr-unhedged} = DS_{CVA} \cdot \sqrt{\left(\rho \cdot \sum_c SCVA_c\right)^2 + (1-\rho^2) \cdot \sum_c SCVA_c^2}$$

meta t-termini kollha jkunu dawk stabbiliti fil-paragrafu 2.

Artikolu 385

Approċċ simplifikat

1. Istituzzjoni li tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 273a(2), jew li tkun ingħatat il-permess mill-awtorità kompetenti tagħha f'konformità mal-Artikolu 273a(4) biex tapplika l-approċċ stabbilit fl-Artikolu 282, tista' tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bħala l-ammonti tal-skopertura ponderati għar-riskju għar-riskju għall-kontroparti għal pożizzjonijiet fil-portafoll mhux tan-negozjar u fil-portafoll tan-negozjar, rispettivament, imsemmija fl-Artikolu 92(4), il-punti (a) u (g), diviżi bi 12,5.

2. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) huma biss tranżazzjonijiet soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA stabbiliti fl-Artikolu 382 li huma soġġetti għal dak il-kalkolu;

(b) id-derivattivi ta' kreditu li jiġu rrikonoxxuti bħala ħeġġijiet interni kontra skoperturi għar-riskju għall-kontroparti mhumiex inklużi f'dak il-kalkolu.

3. Istituzzjoni li ma tibqax tissodisfa waħda jew aktar mill-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 273a(2) jew (4), kif applikabbli, għandha tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 273b.

Artikolu 386

Ħeġġijiet eliġibbli

1. Il-pożizzjonijiet fi strumenti għall-iħħeġġjar għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikoli 383 u 384 meta dawk il-pożizzjonijiet jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(a) dawn jintużaw għall-fini tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' CVA u jiġu mmaniġġati bħala tali;

(b) dawn jistgħu jiġu konklużi ma' partijiet terzi jew mal-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni bħala ħeġġ intern, u f'dak il-każ għandhom jikkonformaw mal-Artikolu 106(7);

(c) huma biss il-pożizzjonijiet fi strumenti għall-iħħeġġjar kif imsemmi fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu li jistgħu jiġu rrikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikoli 383 u 384, rispettivament.

▼M17

Għall-fini tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 383, il-pożizzjonijiet fl-istrumenti għall-iħħeġġjar għandhom jiġu rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli meta, minbarra l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (c) ta' dan il-paragrafu, tali strumenti għall-iħħeġġjar jiffurmaw pożizzjoni waħda f'ħeġġ eliġibbli u ma jinqasmux f'aktar minn pożizzjoni waħda f'aktar minn ħeġġ eliġibbli waħda.

2. Għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 383, huma biss il-pożizzjonijiet fl-istrumenti għall-iħħeġġjar li ġejjin li għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli:

(a) strumenti li jiħħeġġjaw il-varjabbiltà tal-firxiet tal-kreditu tal-kontroparti, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 325(5);

(b) strumenti li jiħħeġġjaw il-varjabbiltà tal-komponent tal-iskopertura tar-riskju ta' CVA, bl-eċċezzjoni tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 325(5).

3. Għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità mal-Artikolu 384, huma biss il-pożizzjonijiet fl-istrumenti għall-iħħeġġjar li ġejjin li għandhom jiġu rrikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli:

(a) swaps ta' inadempjenza tal-kreditu b'isem wieħed u swaps ta' inadempjenza tal-kreditu kontinġenti b'isem wieħed, li jirreferu għal:

(i) il-kontroparti direttament;

(ii) entità legalment relatata mal-kontroparti, fejn legalment relatata tirreferi għal każijiet li fihom l-isem ta' referenza u l-kontroparti jkunu jew impriża prinċipali u s-sussidjarja tagħha jew żewġ sussidjarji ta' impriża prinċipali komuni;

(iii) entità li tappartjeni għall-istess settur u reġjun bħall-kontroparti;

(b) swaps ta' inadempjenza tal-kreditu tal-indiċi.

4. Il-pożizzjonijiet fi strumenti għall-iħħeġġjar konklużi ma' partijiet terzi li jkunu rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 u inklużi fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA m'għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fit-Titolu IV.

5. Il-pożizzjonijiet fi strumenti għall-iħħeġġjar li mhumiex rikonoxxuti bħala ħeġġijiet eliġibbli f'konformità ma' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fit-Titolu IV.

▼B

PARTI ERBGĦA

L-ISKOPERTURI L-KBAR

Artikolu 387

Suġġett

L-istituzzjonijiet għandhom jimmonitorjaw u jikkontrollaw l-iskoperturi l-kbar tagħhom skont din il-Parti.

▼M9

_____

▼B

Artikolu 389

Definizzjoni

Għall-finijiet ta' din il-Parti, "skoperturi", tfisser kwalunkwe assi jew element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ imsemmija fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2, mingħajr ma jiġu applikati l-piżijiet ta' riskju jew gradi ta' riskju.

▼M8

Artikolu 390

Kalkolu tal-valur ta' skopertura

1. L-iskoperturi totali għal grupp ta' klijenti konnessi għandhom jiġu kalkulati billi jingħaddu l-iskoperturi għall-klijenti individwali f'dak il-grupp.

2. L-iskoperturi kumplessivi għall-klijenti individwali għandhom jiġu kalkulati billi jingħaddu l-iskoperturi fil-portafoll tan-negozjar u l-iskoperturi fil-portafoll mhux tan-negozjar.

3. Għal skoperturi fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjonijiet jistgħu:

(a) ipaċu l-pożizzjonijiet twal u l-pożizzjonijiet qosra tagħhom fl-istess strumenti finanzjarji maħruġa minn klijent partikolari, bil-pożizzjoni netta f'kull strument differenti tiġi kalkulata f'konformità mal-metodi stabbiliti fil-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta;

(b) ipaċu l-pożizzjonijiet twal u l-pożizzjonijiet qosra tagħhom fi strumenti finanzjarji differenti maħruġa minn klijent partikolari, iżda biss meta l-istrument finanzjarju li jsostni l-pożizzjoni qasira tkun subordinata għall-istrument finanzjarju li jsostni l-pożizzjoni twila jew fejn l-istrumenti sottostanti jkunu tal-istess superjorità.

Għall-finijiet tal-punti (a) u (b), jistgħu jiġu allokati strumenti finanzjarji f'buckets abbażi ta' gradi differenti ta' superjorità sabiex tiġi determinata s-superjorità relattiva tal-pożizzjonijiet.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valuri tal-iskopertura tal-kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u ta' kuntratti tad-derivattivi ta' kreditu li jkunu daħlu fihom direttament ma' klijent f'konformità ma' wieħed mill-metodi stabbiliti fit-Taqsimiet 3, 4 u 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, kif applikabbli. L-iskoperturi li jirriżultaw mit-tranżazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 378, 379 u 380 għandhom jiġu kalkulati bil-mod stabbilit f'dawk l-Artikoli.

Meta jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura għall-kuntratti msemmija fl-ewwel subparagrafu, fejn dawk il-kuntratti jkunu allokati fil-portafoll tan-negozjar, l-istituzzjonijiet għandhom ikunu konformi wkoll mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 299.

▼M8

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet li għandhom permess jużaw il-metodi msemmija fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u t-Taqsima 6 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta jistgħu jużaw dawk il-metodi għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli.

5. L-istituzzjonijiet għandhom iżidu mal-iskopertura totali għal klijent l-iskoperturi li jirriżultaw minn kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u minn kuntratti tad-derivattivi ta' kreditu, fejn il-kuntratt ma kienx daħal fih b'mod dirett ma' dak il-klijent iżda l-istrument sottostanti ta' dejn jew ta' ekwità kien maħruġ minn dak il-klijent.

6. L-iskoperturi ma għandhom jinkludu l-ebda minn dawn li ġejjin:

(a) fil-każ ta' tranżazzjonijiet tal-kambju, skoperturi li jsiru matul il-perkors ordinarju ta' saldu matul il-jumejn ta' xogħol ta' wara l-pagament;

(b) fil-każ ta' tranżazzjonijiet għall-iskopijiet ta' xiri jew bejgħ ta' titoli, skoperturi involuti fil-perkors ordinarju ta' saldu matul il-ħamest ijiem tax-xogħol wara l-pagament jew il-wasla tat-titoli, skont liema minnhom ikun l-iktar kmieni;

(c) fil-każ tal-provvediment ta' trasmissjoni ta' flus fosthom l-eżekuzzjoni ta' servizzi ta' ħlas, l-ikklerjar u s-saldu fi kwalunkwe munita u kklerjar korrispondenti ta' strumenti bankarji jew finanzjarji, is-servizzi ta' saldu jew ta' kustodja lill-klijenti, riċevuti ttardjati fil-finanzjament u skoperturi oħra li jirriżultaw mill-attività tal-klijenti li ma jdumux iktar mill-ġurnata tax-xogħol li jkun imiss;

(d) fil-każ tal-provvediment ta' trasmissjoni ta' flus li jinkludi l-eżekuzzjoni ta' servizzi ta' ħlas, l-ikklerjar u s-saldu fi kwalunkwe munita u servizzi bankarji korrispondenti, l-iskoperturi ta' dakinhar stess għall-istituzzjonijiet li jipprovdu dawk is-servizzi;

(e) l-iskoperturi mnaqqsa mill-elementi ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni jew mill-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali f'konformità mal-Artikoli 36 u 56 jew kwalunkwe tnaqqis ieħor minn dawk il-elementi li jnaqqas il-proporzjon tas-solvenza.

7. Biex tiġi determinata l-iskopertura ġenerali lil klijent jew grupp ta' klijenti konnessi, fir-rigward ta' klijenti li għalihom l-istituzzjoni jkollha skoperturi permezz tat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punti (m) u (o) tal-Artikolu 112 jew permezz ta' tranżazzjonijiet oħrajn fejn ikun hemm skopertura għal assijiet sottostanti, l-istituzzjoni għandha tivvaluta l-iskoperturi sottostanti tagħha b'kont meħud tas-sustanza ekonomika tal-istruttura tat-tranżazzjoni u r-riskji inerenti fl-istruttura tat-tranżazzjoni nfisha, sabiex jiġi determinat jekk din tikkostitwixxix skopertura addizzjonali.

8. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika:

(a) il-kundizzjonijiet u l-metodoloġiji li għandhom jintużaw sabiex tiġi determinata l-iskopertura ġenerali għal klijent jew grupp ta' klijenti konnessi għat-tipi ta' skoperturi msemmija fil-paragrafu 7;

▼M8

(b) il-kondizzjonijiet li bihom l-istruttura tat-transazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 7 ma jikkostitwixxux skopertura addizzjonali.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

9. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, l-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika kif jiġu determinati l-iskoperturi li jirriżultaw minn kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u minn kuntratti ta' derivattivi ta' kreditu, fejn il-kuntratt ma sarx direttament ma' klijent iżda l-istrument sottostanti ta' dejn jew ta' ekwità kien maħruġ minn dak il-klijent għall-inklużjoni tagħhom fl-iskoperturi għall-klijent.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Marzu 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 391

Definizzjoni ta' istituzzjoni għall-finijiet ta' skoperturi kbar

Għall-finijiet ta' kalkolu tal-valur tal-iskoperturi skont din il-Parti, it-terminu 'istituzzjoni' għandu jinkludi kwalunkwe impriża privata jew pubblika, inklużi l-fergħat tagħha, li, li kieku kienet stabbilita fl-Unjoni, tkun tissodisfa d-definizzjoni tat-terminu "istituzzjoni" u li tkun ġiet awtorizzata f'pajjiż terz li japplika arranġamenti superviżorji u regolatorji prudenzjali li tal-anqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

▼M8

Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, il-Kummissjoni tista' tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, u soġġett għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjonijiet dwar jekk pajjiż terz japplikax rekwiżiti superviżorji u regolatorji prudenzjali li tal-inqas ikunu ekwivalenti għal dawk applikati fl-Unjoni.

Artikolu 392

Definizzjoni ta' skopertura kbira

L-iskopertura ta' istituzzjoni għal klijent jew grupp ta' klijenti konnessi għandha tiġi kkunsidrata bħala skopertura kbira meta l-valur tal-iskopertura jkun ugwali għal jew jaqbeż l-10 % tal-kapital ta' Grad 1 tagħha.

▼B

Artikolu 393

Kapaċità li tidentifika u tamministra skoperturi kbar

Istituzzjoni għandu jkollha proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi validi u mekkaniżmi adegwati ta' kontroll intern sabiex tkun tista' tidentifika, tiġġestixxi, timmonitorja, tirrapporta u tirreġistra l-iskoperturi kbar kollha u l-bidliet sussegwenti fihom, skont dan ir-Regolament.

▼M8

Artikolu 394

Rekwiżiti ta' rappurtar

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw din l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom għal kull skopertura kbira li jżommu, inkluż skoperturi kbar eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1):

(a) l-identità tal-klijent jew tal-grupp ta' klijenti konnessi li għalihom l-istituzzjoni għandha skopertura kbira;

(b) il-valur tal-iskopertura qabel ma jittieħed kont tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, meta applikabbli;

(c) fejn tintuża, it-tip ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjata jew mhux finanzjata;

(d) il-valur tal-iskopertura, wara li jitqies l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu kalkulat għall-finijiet tal-Artikolu 395(1), fejn applikabbli.

L-istituzzjonijiet li huma soġġetti għall-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta għandhom jirrapportaw l-akbar 20 skopertura tagħhom lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fuq bażi konsolidata, bl-esklużjoni tal-iskoperturi eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1).

L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw ukoll skoperturi ta' valur akbar minn jew ugwali għal EUR 300 miljun iżda inqas minn 10 % tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fuq bażi konsolidata.

2. ►M17 Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom b'rabta mal-akbar 10 skoperturi tagħhom għall-istituzzjonijiet fuq bażi konsolidata, kif ukoll l-akbar 10 skoperturi tagħhom għall-entitajiet ta' sistema bankarja parallela fuq bażi konsolidata, inkluż skoperturi kbar eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1): ◄

(a) l-identità tal-klijent jew tal-grupp ta' klijenti konnessi li għalihom istituzzjoni għandha skopertura kbira;

(b) il-valur tal-iskopertura qabel ma jittieħed kont tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, meta applikabbli;

(c) fejn tintuża, it-tip ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjata jew mhux finanzjata;

▼M8

(d) il-valur tal-iskopertura wara li jitqies l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu kalkulat għall-finijiet tal-Artikolu 395(1), fejn applikabbli.

▼M17

Minbarra l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom l-iskopertura aggregata tagħhom għall-entitajiet ta' sistema bankarja parallela.

▼M8

3. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom mill-inqas fuq bażi ta' kull sitt xhur.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-kriterji għall-identifikazzjoni tal-entitajiet bankarji paralleli msemmija fil-paragrafu 2.

Fl-iżvilupp ta' dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, l-ABE għandha tqis l-iżviluppi internazzjonali u l-istandards maqbula internazzjonalment dwar sistema bankarja parallela u għandha tqis jekk:

(a) ir-relazzjoni ma' entità individwali jew grupp ta' entitajiet jista' jkollha riskji għas-solvenza jew il-pożizzjoni ta' likwidità tal-istituzzjoni;

(b) l-entitajiet li jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' solvenza jew ta' likwidità simili għal dawk imposti minn dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE għandhom ikunu totalment jew parzjalment eskluži mill-obbligu li jkunu rappurtati msemmi fil-paragrafu 2 dwar entitajiet bankarji paralleli.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2020.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 395

Limiti tal-iskoperturi kbar

▼M9

▼C6

1. Istituzzjoni ma għandhiex iġġarrab skopertura, wara li jiġi kunsidrat l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403, għal klijent jew grupp ta' klijenti konnessi li l-valur tagħhom jaqbeż il-25 % tal-kapital ta' Grad 1 tagħha. Fejn dak il-klijent ikun istituzzjoni jew fejn grupp ta' klijenti konnessi jinkludi

▼C6

istituzzjoni waħda jew iktar, dak il-valur ma għandux jaqbeż il-25 % tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni jew EUR 150 miljun, liema minnhom ikun l-ogħla, bil-kondizzjoni li s-somma tal-valuri tal-iskopertura, wara li jiġi kunsidrat l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403, għall-klijenti konnessi kollha li mhumiex istituzzjonijiet jew ditti tal-investiment, ma tkunx taqbeż il-25 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni.

▼M8

Fejn l-ammont ta' EUR 150 miljun ikun ogħla minn 25 % tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni, il-valur tal-iskopertura, wara li jkun ġie kunsidrat l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403 ta' dan ir-Regolament, ma għandux jaqbeż limitu raġonevoli f'termini tal-kapital ta' Grad 1 ta' dik l-istituzzjoni. Dak il-limitu għandu jiġi determinat mill-istituzzjoni f'konformità mal-politiki u l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 81 tad-Direttiva 2013/36/UE sabiex jiġi indirizzat u kontrollat ir-riskju ta' konċentrazzjoni. Dak il-limitu ma għandux jaqbeż il-100 % tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu limitu iżgħar minn EUR 150 miljun, f'liema każ għandhom jinfurmaw b'dan lill-ABE u lill-Kummissjoni.

Permess ta' deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, G-SII ma għandhiex iġġarrab skopertura għal G-SII jew G-SII mhux tal-UE oħra, li l-valur tagħha, wara li jiġi kunsidrat l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403, jaqbeż il-15 % tal-kapital ta' Grad 1 tagħha. G-SII għandha tikkonforma ma' dan il-limitu mhux iktar tard minn 12-il xahar mid-data meta ġiet identifikata bħala G-SII. Fejn il-G-SII għandha skopertura għal istituzzjoni jew grupp ieħor li huma identifikati bħala G-SII jew bħala G-SII mhux tal-UE, hija għandha tikkonforma ma' tali limitu mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data li fiha l-istituzzjoni jew il-grupp l-ieħor kienu ġew identifikati bħala G-SII jew bħala G-SII mhux tal-UE.

▼B

2. L-ABE għandha, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, b'kont meħud tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403 kif ukoll l-eżiti tal-iżviluppi fil-qasam tas-sistema bankarja "parallela" u skoperturi kbar fil-livell tal-Unjoni u dak internazzjonali, toħroġ linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2014 biex jiġu stabbiliti limiti aggregati adatti għal tali skoperturi jew limiti individwali aktar stretti fuq l-iskoperturi għall-entitajiet tas-sistema bankarja "parallela" li jwettqu attivitajiet bankarji barra minn qafas regolat.

Fl-iżvilupp ta' dawk il-linji gwida, l-ABE għandha tikkunsidra jekk l-introduzzjoni ta' limiti addizzjonali jkollhiex impatt materjali għad-detriment tal-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni, fuq il-proviżjoni tal-kreditu għall-ekonomija reali jew fuq l-istabbiltà u l-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji.

Sal-31 ta' Diċembru 2015 il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-adegwatezza u l-impatt tal-impożizzjoni ta' limiti fuq skoperturi għall-entitajiet ta' sistema bankarja "parallela"li jwettqu attivitajiet bankarji barra minn qafas regolat, b'kont meħud tal-iżviluppi tal-Unjoni u internazzjonali fil-qasam tas-sistema bankarja "parallela" u l-iskoperturi kbar kif ukoll tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien, jekk adatt, ma' proposta leġislattiva dwar il-limiti tal-iskoperturi għall-entitajiet ta' sistema bankarja "parallela" li jwettqu attivitajiet bankarji barra minn qafas regolat.

▼M17

2a. Sal-10 ta’ Jannar 2027 l-EBA, wara li tikkonsulta lill-ESMA, għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, biex taġġorna l-linji gwida msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Meta taġġorna dawk il-linji gwida, l-EBA għandha tqis kif xieraq, fost kunsiderazzjonijiet oħra, il-kontribut tal-entitajiet ta' sistema bankarji parallela għall-unjoni tas-swieq kapitali, l-impatt negattiv potenzjali li kwalunkwe bidla ta' dawk il-linji gwida, inkluż limiti addizzjonali, jista' jkollha fuq il-mudell tan-negozju u l-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet u fuq l-istabbiltà u l-funzjonament ordnat tas-swieq finanzjarji.

Barra minn hekk, sal-31 ta' Diċembru 2027, l-EBA, wara li tikkonsulta lill-ESMA, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-kontribut tal-entitajiet ta' sistema bankarja parallela għall-unjoni tas-swieq kapitali u dwar l-iskoperturi tal-istituzzjonijiet għal tali entitajiet, inkluż dwar l-adegwatezza ta’ limiti aggregati jew limiti individwali aktar stretti għal dawk l-iskoperturi, filwaqt li tqis kif xieraq il-qafas regolatorju u l-mudelli tan-negozju ta’ tali entitajiet.

Sal-31 ta’ Diċembru 2028, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, abbażi ta’ dak ir-rapport, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva dwar il-limiti tal-iskoperturi għall-entitajiet ta’ sistema bankarja parallela.

▼B

3. Soġġett għall-Artikolu 396, istituzzjoni dejjem għandha tikkonforma mal-limitu rilevanti stabbilit fil-paragrafu 1.

4. Assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet u skoperturi oħra f’kumpanniji tal-investiment ta’ pajjiżi terzi rikonoxxuti jistgħu jkunu soġġetti għall-istess trattament kif sstipulat fil-paragrafu 1.

▼M8

5. Il-limiti stipulati f'dan l-Artikolu jistgħu jinqabżu għall-iskoperturi fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskopertura fil-portafoll mhux tan-negozjar għall-klijent jew il-grupp ta' klijenti konnessi inkwistjoni ma taqbiżx il-limitu stabbilit fil-paragrafu 1, fejn dan il-limitu jiġi kalkulat b'referenza għall-kapital ta' Grad 1, sabiex l-eċċess jirriżulta kollu kemm hu fil-portafoll tan-negozjar;

(b) l-istituzzjoni tilħaq rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali fuq il-parti tal-iskopertura f'eċċess tal-limitu stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li jiġi kalkulat f'konformità mal-Artikoli 397 u 398;

(c) meta jkunu għaddew għaxart ijiem jew inqas minn meta jkun seħħ l-eċċess imsemmi fil-punt (b), l-iskopertura fil-portafoll tan-negozjar għall-klijent jew grupp ta' klijenti konnessi inkwistjoni ma taqbiżx il-500 % tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni;

(d) kwalunkwe eċċess li jippersisti għal iktar minn għaxart ijiem ma jaqbiżx, b'mod aggregat, is-600 % tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni.

▼M8

Kull darba li jinqabeż il-limitu, l-istituzzjoni għandha tirrapporta lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien l-ammont tal-eċċess u l-isem tal-klijent ikkonċernat u, fejn applikabbli, l-isem tal-grupp ta' klijenti konnessi konċernati.

▼B

6. Għall-iskop ta' dan il-paragrafu, miżuri strutturali jfissru miżuri adottati minn Stat Membru u implimentati mill-awtoritajiet kompetenti rilevanti ta' dak l-Istat Membru, qabel id-dħul fis-seħħ ta' att leġislattiv li jarmonizza b'mod espliċitu tali miżuri, li jitolbu li l-istituzzjonijiet tal-kreditu awtorizzati f'dak l-Istat Membru jnaqqsu l-iskoperturi tagħhom għal entitajiet legali differenti skont l-attivitajiet tagħhom, irrispettivament minn fejn jinsabu dawk l-attivitajiet, bil-ħsieb li jiġu protetti d-depożituri u li tiġi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja.

Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 400 (1)(f) fejn l-Istati Membri jadottaw liġijiet nazzjonali li jitolbu li jittieħdu miżuri strutturali fi grupp bankarju, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet tal-grupp bankarju li għandhom depożiti li huma koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar skemi ta' garanzija għal depożiti ([1]) jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz ►C1 biex japplikaw limitu fuq skoperturi kbar taħt 25 % iżda mhux anqas minn 15 % bejn it-28 ta' Ġunju 2013 u t-30 ta' Ġunju 2015, ◄ u minn 10 % mill-1 ta' Lulju 2015 fuq bażi subkonsolidata skont l-Artikolu 11(5) għal skoperturi intragrupp fejn dawn l-iskoperturi jikkonsistu minn skoperturi għal entità li ma tagħmilx parti mill-istess sottogrupp fir-rigward tal-miżuri strutturali.

Għall-iskop ta' dan il-paragrafu, għandhom jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:

(a) l-entitajiet kollha li jagħmlu parti mill-istess sottogrupp fir-rigward tal-miżuri strutturali jitqiesu bħala klijent jew grupp wieħed ta' klijenti konnessi;

(b) l-awtoritajiet kompetenti japplikaw limitu uniformi għall-iskoperturi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

L-applikazzjoni ta' dan l-approċċ għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-superviżjoni effettiva fuq bażi konsolidata u ma għandhiex tinkludi effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew parti minnha fi Stati Membri oħrajn jew fl-Unjoni inġenerali jew tifforma jew toħloq ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern.

7. Qabel l-adozzjoni tal-miżuri strutturali speċifiċi kif imsemmi fil-paragrafu 6 dwar l-iskoperturi kbar, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet kompetenti konċernati u l-ABE mill-inqas xahrejn qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni biex jiġu adottati l-miżuri strutturali, u jippreżentaw evidenza kwantitattiva jew kwalitattiva rilevanti ta' dan kollu li ġej:

([1]) ĠU L 135, 31.5.1994, p. 5.

▼B

(a) l-ambitu tal-attivitajiet li huma soġġetti għall-miżuri strutturali;

(b) spjegazzjoni ta' għalfejn tali miżuri abbozzati jitqiesu bħala adatti, effettivi u proporzjonati biex jiġu protetti d-depożituri;

(c) valutazzjoni tal-impatt pożittiv jew negattiv probabbli tal-miżuri fuq is-suq intern abbażi tal-informazzjoni li hija disponibbli għall-Istat Membru.

8. Is-setgħa li jiġi adottat att ta' implimentazzjoni biex jiġu aċċettati jew irrifjutati l-miżuri nazzjonali proposti msemmija fil-paragrafu 7 tingħata lill-Kummissjoni li taġixxi f'konformità mal-proċeduri msemmija fl-Artikolu 464(2).

Fi żmien xahar mill-wasla tan-notifika msemmija fil-paragrafu 7, l-ABE għandha tipprovdi l-opinjoni tagħha dwar il-punti msemmija f'dak il-paragrafu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati jistgħu wkoll jipprovdu l-opinjonijiet tagħhom dwar il-punti msemmija f'dak il-paragrafu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru kkonċernat.

Filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ l-opinjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu u jekk ikun hemm evidenza soda u b'saħħitha li l-miżuri għandhom impatt negattiv fuq is-suq intern li jegħleb il-benefiċċji tal-istabbiltà finanzjarja, il-Kummissjoni għandha, fi żmien xahrejn mill-wasla tan-notifika, tirrifjuta l-miżuri nazzjonali proposti. Inkella, il-Kummissjoni għandha taċċetta l-miżuri nazzjonali proposti għal perijodu inizjali ta' sentejn u fejn adatt il-miżuri jistgħu jkunu soġġetti għal emenda.

Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta il-miżuri nazzjonali proposti biss jekk din tqis li l-miżuri nazzjonali proposti jinvolvu effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha fi Stat Membri oħrajn jew fl-Unjoni inġenerali, u b'hekk jiffurmaw jew joħolqu ostakolu għall-funzjonament tas-suq intern jew għall-moviment liberu tal-kapital f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-TFUE.

Il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tqis l-opinjoni tal-ABE u għandha tqis l-evidenza pprezentata f'konformità mal-paragrafu 7.

Qabel l-iskadenza tal-miżuri, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipproponu miżuri ġodda għall-estensjoni tal-perijodu ta' applikazzjoni għal perijodu addizzjonali ta' sentejn kull darba. F'dan il-każ, huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni, il-Kunsill, l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u l-ABE. L-approvazzjoni tal-miżuri l-ġodda għandha tkun soġġetta għall-proċess stipulat f'dan l-Artikolu. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 458.

Artikolu 396

Konformità mar-rekwiżiti tal-iskoperturi l-kbar

1. Jekk, f'każ eċċezzjonali, l-iskoperturi jaqbżu l-limitu stabbilit fl-Artikolu 395(1), l-istituzzjoni għandha tirrapporta mingħajr dewmien il-valur tal-iskopertura lill-awtoritajiet kompetenti li jistgħu, fejn iċ-ċirkustanzi jiġġustifikaw dan, jagħtu perijodu ta' żmien limitat lill-istituzzjoni sabiex tikkonforma mal-limitu.

▼M8

Fejn ikun applikabbli l-ammont ta' EUR 150 miljun imsemmi fl-Artikolu 395(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li jinqabeż il-limitu ta' 100 % f'termini tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni skont il-każ.

Meta, fil-każijiet eċċezzjonali msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, awtorità kompetenti tippermetti li istituzzjoni taqbeż il-limitu stabbilit fl-Artikolu 395(1) għal perijodu itwal minn tliet xhur, l-istituzzjoni għandha tippreżenta pjan għar-ritorn f'waqtu għall-konformità ma' dak il-limitu għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti u għandha twettaq dak il-pjan fil-perijodu maqbul mal-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti għandha timmonitorja l-implimentazzjoni tal-pjan u għandha tesiġi r-ritorn għall-konformità iktar rapidu jekk adatt.

▼B

2. Fejn il-konformità minn istituzzjoni fuq bażi individwali jew subkonsolidata mal-obbligi imposti f'din il-Parti ma tiġix applikata skont l-Artikolu 7(1), jew id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9 jiġu applikati fil-każ ta' istituzzjonijiet prinċipali fi Stat Membru, għandhom jittieħdu miżuri sabiex tiġi żgurata allokazzjoni sodisfaċenti tar-riskji fi ħdan il-grupp.

▼M8

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-ABE għandha toħroġ linji gwida f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 biex tispeċifika kif l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw:

(a) il-każijiet eċċezzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) iż-żmien meqjus adatt għar-ritorn għall-konformità;

(c) il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat ir-ritorn f'waqtu għall-konformità tal-istituzzjoni.

▼B

Artikolu 397

Kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali għall-iskoperturi l-kbar fil-portafoll tan-negozjar

1. L-eċċess imsemmi fl-Artikolu 395(5)(b) għandu jiġi kkalkulat billi jintgħażlu dawk il-komponenti tal-iskopertura totali tal-negozju għall-klijent jew il-grupp ta' klijenti konnessi inkwistjoni li jattiraw l-ogħla rekwiżiti għar-riskju speċifiku fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 2 u/jew ir-rekwiżiti fl-Artikolu 299 u l-Parti Tlieta, it-Titolu V, li meta jingħaddu flimkien jilħqu l-ammont tal-eċċess imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 395(5).

2. Fejn l-eċċess ma jippersistix għal aktar minn għaxart ijiem, ir-rekwiżit ta' kapital addizzjonali għandu jkun ta' 200 % tar-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1, fuq dawn il-komponenti.

▼B

3. Sa minn 10-t ijiem wara li jkun seħħ l-eċċess, il-komponenti tal-eċċess, magħżula skont il-paragrafu 1, għandhom jiġu allokati għal-linja xierqa fil-Kolonna 1 tat-Tabella 1 f'ordni axxendenti tar-rekwiżiti ta' riskju speċifiku fil-Parti Tlieta, Titolu IV, Kapitolu 2 u/jew ir-rekwiżiti fl-Artikolu 299 u l-Parti Tlieta, Titolu V. Ir-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali għandu jkun ugwali għas-somma tar-rekwiżiti tar-riskju speċifiku fil-Parti Tlieta, Titolu IV, Kapitolu 2 u/jew ir-rekwiżiti tal-Artikolu 299 u l-Parti Tlieta, Titolu V fuq dawn il-komponenti, multiplikata bil-koeffiċjent korrispondenti fil-Kolonna 2 tat-Tabella 1.

Tabella 1

Kolonna 1: Eċċess ogħla mil-limiti (fuq il-bażi ta' perċentwal tal-kapital eliġibbli) ►M8 kapital ta' Grad 1 ◄	Kolonna 2: Fatturi
Sa 40 %	200 %
Minn 40 % sa 60 %	300 %
Minn 60 % sa 80 %	400 %
Minn 80 % sa 100 %	500 %
Minn 100 % sa 250 %	600 %
Fuq 250 %	900 %

Artikolu 398

Proċeduri sabiex l-istituzzjonijiet ma jitħallewx jevitaw tar-rekwiżit ta' fondi proprji addizzjonali

L-istituzzjonijiet m'għandhomx jevitaw b'mod intenzjonali r-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali stabbiliti fl-Artikolu 397 li kieku jkunu soġġetti għalihom, fuq skoperturi li jaqbżu l-limitu stabbilit fl-Artikolu 395(1) ladarba dawn l-iskoperturi jkunu nżammu għal aktar minn għaxart ijiem, permezz ta' trasferiment temporanju tal-iskoperturi inkwistjoni lil kumpannija oħra, kemm jekk fi ħdan l-istess grupp kif ukoll jekk le, u/jew billi jitwettqu transazzjonijiet artifiċjali sabiex jagħlqu l-iskopertura matul il-perijodu ta' għaxart (10) ijiem u joħolqu skopertura ġdida.

L-istituzzjonijiet għandhom iżommu sistemi li jiżguraw li kwalunkwe trasferiment li jkollu l-effett imsemmi fl-ewwel subparagrafu jiġi rrappurtat minnufih lill-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 399

Tekniki eliġibbli ta' mitigazzjoni tal-kreditu

▼M8

1. Istituzzjoni għandha tuża teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fil-kalkolu ta' skopertura meta tkun użat dik it-teknika biex tikkalkula r-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju ta' kreditu f'konformità mat-Titolu II tal-Parti Tlieta, u sakemm it-teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

Għall-finijiet tal-Artikoli 400 sa 403, it-terminu 'garanzija' għandu jinkludi derivati tal-kreditu rikonoxxuti taħt il-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta għajr in-noti marbuta ma' kreditu

▼B

2. Soġġett għall-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, fejn, skont l-Artikoli 400 sa 403 jkun permess ir-rikonoxximent ta' protezzjoni ffinanzjata jew mhux iffinanzjata tal-kreditu, dan għandu jkun soġġett għal konformità mar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà u rekwiżiti oħra stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4.

▼M8

3. It-tekniki tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu li jkunu disponibbli biss għall-istituzzjonijiet li jużaw wieħed mill-approċċi IRB ma għandhomx jintużaw biex inaqqsu l-valuri tal-iskoperturi għal finijiet ta' skopertura kbira ħlief għal skoperturi assigurati bi proprjetajiet immobbli f'konformità mal-Artikolu 402.

▼B

4. L-istituzzjonijiet għandhom janalizzaw, sa fejn possibbli, l-iskoperturi tagħhom għall-emittenti ta' kollaterali, għall-fornituri ta' protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu u għall-assi sottostanti skont l-Artikolu 390(7) sabiex jidentifikaw konċentrazzjonijiet possibbli u fejn xieraq jieħdu azzjoni u jirrappurtaw kwalunkwe sejbiet sinifikanti lill-awtorità kompetenti tagħhom.

Artikolu 400

Eżenzjonijiet

1. L-iskoperturi li ġejjin għandhom ikunu eżentati mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1):

(a) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet ċentrali, banek ċentrali jew entitajiet tas-settur pubbliku li, meta ma jkunux iggarantiti, jingħataw piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 2;

(b) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq organizzazzjonijiet internazzjonali jew banek multilaterali tal-iżvilupp li, meta ma jkunux iggarantiti, jingħataw piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(c) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet li jġorru l-garanziji espliċiti ta' gvernijiet ċentrali, banek ċentrali, organizzazzjonijiet internazzjonali, banek multilaterali tal-iżvilupp jew entitajiet mis-settur pubbliku, fejn il-pretensjonijiet skoperti fuq l-entità li tipprovdi l-garanzija jiġu assenjati piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(d) skoperturi oħra attribwibbli lil, jew garantiti minn, gvernijiet ċentrali, banek ċentrali, organizzazzjonijiet internazzjonali, banek multilaterali tal-iżvilupp jew entitajiet mis-settur pubbliku, fejn il-pretensjonijiet mhux iggarantiti fuq l-entità li għaliha tkun attribwibbli l-iskopertura jew li tkun garantita minnha tiġi assenjata piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

(e) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri fejn dawk il-pretensjonijiet jingħataw piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 u skoperturi oħra għal jew garantiti minn dawn il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali, pretensjonijiet li fuqhom jingħata piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

▼B

(f) skoperturi għall-kontropartijiet imsemmija fl-Artikolu 113(6) jew (7) jekk jingħataw piż ta' riskju ta' 0 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2. Skoperturi li ma jilħquxdawk il-kriterji, irrispettivament minn jekk ikunux eżentati mill-Artikolu 395(1) għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għal parti terza;

(g) elementi ta' assi u skoperturi oħra garantiti minn kollateral fil-forma ta' depożiti ta' flus mal-istituzzjoni mutwanti jew mal-istituzzjoni li tkun l-impriża prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni mutwanti;

(h) elementi ta' assi u skoperturi oħra garantiti minn kollateral fil-forma ta' ċertifikati ta' depożiti maħruġa mill-istituzzjoni mutwanti jew minn istituzzjoni li tkun l-impriża prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni mutwanti u depożitati ma' waħda minnhom;

▼M17

(i) skoperturi li jirriżultaw minn faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbuda li jkunu kklassifikati bħala entrati tal-bucket 5 li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ fl-Anness I jew arranġamenti kuntrattwali li jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex ma jiġux trattati bħala impenji u dment li jkun ġie konkluż ftehim mal-klijent jew mal-grupp ta' klijenti konnessi li skontu l-faċilità tista' tinġibed biss jekk ikun ġie aċċertat li mhijiex ser twassal biex jinqabeż il-limitu applikabbli skont l-Artikolu 395(1);

▼M8

(j) skoperturi kummerċjali tal-membri tal-ikklerjar u kontribuzzjonijiet għall-fond ta' inadempjenza għal kontropartijiet ċentrali kwalifikati;

▼B

(k) skoperturi għal skemi ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE li jirriżultaw mill-iffinanzjar ta' dawk l-iskemi, jekk l-istituzzjonijiet membri tal-iskema jkollhom obbligu legali jew kuntrattwali sabiex jiffinanzjaw l-iskema;

▼M8

(l) l-iskoperturi kummerċjali tal-klijenti msemmija fl-Artikolu 305(2) jew (3);

(m) holdings ta' entitajiet ta' riżoluzzjoni, jew tas-sussidjarji tagħhom li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni, ta' strumenti ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 45f(2) tad-Direttiva 2014/59/UE li nħarġu minn kwalunkwe waħda minn dawn l-entitajiet li ġejjin:

(i) fir-rigward ta' entitajiet ta' riżoluzzjoni, entitajiet oħra li jappartjenu għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(ii) fir-rigward ta' sussidjarji ta' entità ta' riżoluzzjoni li huma stess mhumiex entitajiet ta' riżoluzzjoni, is-sussidjarji rilevanti tas-sussidjarja li jappartjenu għall-istess grupp ta' riżoluzzjoni;

(n) skoperturi li jirriżultaw minn impenn ta' valur minimu li jissodisfa l-kondizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikolu 132c(3).

▼B

Flus riċevuti taħt nota marbuta ma' kreditu maħruġa mill-istituzzjoni u self u depożiti ta' kontroparti lil jew mal-istituzzjoni li jkunu soġġetti għal ftehim ta' netting fil-karta tal-bilanċ rikonoxxut skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4 għandhom jitqiesu li jaqgħu taħt il-punt (g).

▼B

2. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu kompletament jew parzjalment jeżentaw l-iskoperturi li ġejjin:

▼M17

(a) bonds koperti kif imsemmi fl-Artikolu 129;

▼B

(b) elementi ta’ assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri fejn dawk il-pretensjonijiet jingħataw piż ta’ riskju ta’ 20 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 u skoperturi oħra għal jew garantiti minn dawn il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali, pretensjonijiet li fuqhom jingħata piż ta’ riskju ta’ 20 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

▼M8

(c) skoperturi mġarrba minn istituzzjoni, inkluż permezz ta' parteċipazzjonijiet jew tipi oħra ta' holdings, għall-impriża prinċipali tagħha, għal sussidjarji oħra ta' dik l-impriża prinċipali jew għassussidjarji tagħha stess u holdings kwalifikanti, sakemm dawk l-impriżi ma jkunux koperti mis-superviżjoni fuq bażi konsolidata li għaliha tkun soġġetta l-istituzzjoni stess, f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-Direttiva 2002/87/KE jew mal-istandards ekwivalenti fis-seħħ f'pajjiż terz; l-iskoperturi li ma jissodisfawx dawn il-kriterji, kemm jekk ikunu kif ukoll jekk ma jkunux eżentati mill-Artikolu 395(1) ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għal parti terza;

▼B

(d) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra, inklużi l-holdings jew tipi oħra ta’ holdings, għal istituzzjonijiet reġjonali jew ċentrali ta’ kreditu li tkun assoċjata magħhom l-istituzzjoni ta’ kreditu f’netwerk skont id-dispożizzjonijiet ġuridiċi jew statutorji u li jkunu responsabbli, skont dawk id-dispożizzjonijiet, għall-operazzjonijiet ta’ kklerjar ta’ flus fi ħdan in-netwerk;

(e) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra għal istituzzjonijiet ta’ kreditu mġarrba minn istituzzjonijiet ta’ kreditu, li minnhom waħda topera fuq bażi mhux kompetittiva, u li tipprovdi jew tiggarantixxi għoti ta' self skont programmi leġislattivi jew l-istatuti tagħha, biex tippromwovi oqsma speċifiċi tal-ekonomija taħt xi forma ta’ superviżjoni governattiva u restrizzjonijiet fuq l-użu tas-self, bil-kondizzjoni li l-iskoperturi rispettivi joriġinaw minn tali self li jkun mgħoddi lill-benefiċjarji permezz ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu jew mill-garanziji fuq dan is-self;

(f) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra għall-istituzzjonijiet, bil-kondizzjoni li dawk l-iskoperturi ma jikkostitwixxux il-fondi proprji ta' dawn l-istituzzjonijiet, u ma jdumux aktar mill-jum tax-xogħol ta’ wara u ma jkunux denominati f’munita kummerċjali ewlenija;

(g) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq banek ċentrali fil-forma ta’ riservi minimi meħtieġa miżmuma minn dawk il-banek ċentrali li jkunu denominati fil-muniti nazzjonali tagħhom;

▼B

(h) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet ċentrali fil-forma ta' rekwiżiti statutorji ta' likwidità miżmuma f'titoli tal-gvern li huma denominati u ffinanzjati fil-muniti nazzjonali bil-kondizzjoni li, fid-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti, il-valutazzjoni tal-kreditu ta' dawk il-gvernijiet ċentrali assenjati minn ECAI nominata tkun grad ta' investiment;

▼M17

(i) 50 % tad-dokumenti ta' kreditu tal-bucket 4 li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ u tal-faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbuda tal-bucket 3 li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ imsemmija fl-Anness I b'maturità oriġinali li twassal sa u tinkludi sena u soġġett għall-qbil tal-awtoritajiet kompetenti, 80 % tal-garanziji li mhumiex garanziji fuq self li jkollhom bażi ġuridika jew regolatorja u jingħataw għall-membri tagħhom bi skemi ta' garanzija reċiproka li jkollhom l-istatus ta' istituzzjonijiet ta' kreditu;

▼B

(j) il-garanziji legalment meħtieġa li jintużaw meta self b'ipoteka ffinanzjat permezz tal-ħruġ ta' bonds ta' ipoteki jitħallas lill-mutwatarju tal-ipoteka qabel ir-reġistrazzjoni finali tal-ipoteka fir-reġistru tal-artijiet, bil-kondizzjoni li l-garanzija ma tintużax biex tnaqqas ir-riskju fil-kalkolu tal-ammonti tal-iskopetura peżati għar-riskju;

▼M8

(k) skoperturi fil-forma ta' kollateral jew garanzija għal self residenzjali, ipprovduti minn fornitur tal-protezzjoni eliġibbli msemmi fl-Artikolu 201 li jikkwalifika għal klassifikazzjoni tal-kreditu li huwa tal-anqas aktar baxx minn dawn li ġejjin:

(i) it-tieni skala tal-kwalità kreditizja;

(ii) l-iskala tal-kwalità tal-kreditu li tikkorrispondi mal-klassifikazzjoni ta' munita barranija tal-gvern ċentrali tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-kwartieri ġenerali tal-fornitur tal-protezzjoni;

(l) skoperturi fil-forma ta' garanzija għal krediti għall-esportazzjoni appoġġati b'mod uffiċjali, pprovduti minn aġenzija tal-kreditu għall-esportazzjoni li tikkwalifika għall-klassifikazzjoni ta' kreditu li tkun mill-inqas aktar baxxa minn dawn li ġejjin:

(i) it-tieni skala tal-kwalità kreditizja;

(ii) l-iskala tal-kwalità tal-kreditu li tikkorrispondi mal-klassifikazzjoni ta' munita barranija tal-gvern ċentrali tal-Istat Membru fejn ikunu jinsabu l-kwartieri ġenerali tal-aġenzija tal-kreditu għall-esportazzjoni.

▼B

3. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu biss jagħmlu użu tal-eżenzjoni prevista fil-paragrafu 2 meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) in-natura speċifika tal-iskopertura, il-kontroparti jew ir-relazzjoni bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti telimina jew tnaqqas ir-riskju ta' skopertura; u

(b) kwalunkwe riskju ta' konċentrament li jifdal jista' jiġi indirizzat b'mezzi oħrajn ugwalment effettivi bħall-arranġamenti, il-proċessi u l-mekkaniżmi previsti fl-Artikolu 81 tad-Direttiva *2013/36/UE*.

▼M8

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar jekk għandhomx il-ħsieb jużaw xi waħda mill-eżenzjonijiet previsti fil-paragrafu 2 f'konformità mal-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu u jipprovdu lill-ABE bir-raġunijiet li jissostanzjaw l-użu ta' dawk l-eżenzjonijiet.

4. L-applikazzjoni simultanja ta' iktar minn eżenzjoni waħda stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 għall-istess skopertura m'għandux ikun permess.

Artikolu 401

Kalkolu tal-effett tal-użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

1. Għall-kalkolu tal-valur ta' skoperturi għall-finijiet tal-Artikolu 395 (1), istituzzjoni tista' tuża l-valur tal-iskopertura kompletament aġġustat (E*) kif kalkulat taħt il-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, billi tiġi kunsidrata l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-aġġustamenti fil-volatilità, u kwalunkwe diskrepanza fil-maturità msemmija f'dak il-Kapitolu.

2. Bl-eċċezzjoni ta' istituzzjonijiet li jużaw il-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju, għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju, irrispettivament mill-metodu użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu.

B'deroga mill-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet li għandhom permess jużaw il-metodi msemmija fit-Taqsima 4 tal-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u t-Taqsima 6 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, jistgħu jużaw dawk il-metodi għall-kalkolu tal-valur tal-iskopertura tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli

3. Fil-kalkolu tal-valur tal-iskoperturi għall-finijiet tal-Artikolu 395 (1), l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu testijiet perjodiċi tal-istress tal-konċentrazzjonijiet tar-riskju ta' kreditu tagħhom, inkluż fir-rigward tal-valur realizzabbli ta' kwalunkwe kollateral meħud.

It-testijiet perjodiċi tal-istress imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jindirizzaw ir-riskji li jirriżultaw minn bidliet potenzjali fil-kondizzjonijiet tas-suq li jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv l-adegwatezza tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet u riskji li jirriżultaw mir-realizzazzjoni ta' kollateral f'sitwazzjonijiet ta' stress.

It-testijiet tal-istress imwettqa għandhom ikunu adegwati u adatti għall-valutazzjoni ta' dawk ir-riskji.

L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu dan li ġej fl-istrateġiji tagħhom biex jindirizzaw ir-riskju ta' konċentrazzjoni:

(a) politiki u proċeduri sabiex jindirizzaw riskji li jirriżultaw minn diskrepanzi fil-maturità bejn l-iskoperturi u kwalunkwe protezzjoni tal-kreditu fuq dawn l-iskoperturi;

(b) politiki u proċeduri relatati mar-riskju tal-konċentrazzjoni li jirriżulta mill-applikazzjoni tat-tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskji ta' kreditu, b'mod partikolari minn skoperturi kbar għall-kreditu indirett, pereżempju, l-iskoperturi għal emittent uniku ta' titoli meħuda bħala kollateral.

▼M8

4. Meta istituzzjoni tnaqqas skopertura għal klijent li juża teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu eliġibbli f'konformità mal-Artikolu 399(1), l-istituzzjoni, bil-mod stabbilit fl-Artikolu 403, għandha tittratta l-parti tal-iskopertura li biha l-iskopertura għall-klijent tkun tnaqqset bħala li ġġarrbet għall-fornitur tal-protezzjoni iktar milli għall-klijent.

▼B

Artikolu 402

Skoperturi li jirriżultaw minn self b'ipoteka

▼M8

1. ►M17 Għall-kalkolu tal-valuri tal-iskopertura għall-finijiet tal-Artikolu 395, l-istituzzjonijiet jistgħu, għajr fejn ikun ipprojbit mil-liġi nazzjonali applikabbli, inaqqsu l-valur ta' skopertura jew ta' kwalunkwe parti minn skopertura li tkun iggarantita permezz ta' proprjetà residenzjali f'konformità mal-Artikolu 125(1) bl-ammont mirhun tal-valur tal-proprjetà, iżda b'mhux aktar minn 55 % tal-valur tal-proprjetà, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: ◄

▼M17

(a) l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux stabbilew piż tar-riskju ogħla minn 20 % għal skoperturi jew partijiet minn skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali f'konformità mal-Artikolu 124(9);

▼M8

(b) l-iskopertura jew parti mill-iskopertura tkun totalment iggarantita bi kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ipoteka waħda jew aktar fuq proprjetà residenzjali; jew

(ii) proprjetà residenzjali fi tranżazzjoni ta' kiri li fiha s-sid iżomm is-sjieda sħiħa tal-proprjetà residenzjali u l-kerrej ikun għadu ma eżerċitax l-opzjoni tiegħu jew tagħha li jixtri jew tixtri;

(c) ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 208 u l-Artikolu 229(1) jiġu ssodisfati.

2. ►M17 Għall-kalkolu tal-valuri tal-iskopertura għall-finijiet tal-Artikolu 395, l-istituzzjonijiet jistgħu, għajr fejn ikun ipprojbit mil-liġi nazzjonali applikabbli, inaqqsu l-valur ta' skopertura jew ta' kwalunkwe parti minn skopertura li tkun iggarantita permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 126(1) bl-ammont mirhun tal-valur tal-proprjetà, iżda b'mhux aktar minn 55 % tal-valur tal-proprjetà, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin: ◄

▼M17

(a) l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux stabbilew piż tar-riskju ogħla minn 60 % għal skoperturi jew partijiet minn skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà immobbli kummerċjali f'konformità mal-Artikolu 124(9);

▼M8

(b) l-iskopertura tkun totalment iggarantita permezz ta' kwalunkwe wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) ipoteka waħda jew aktar fuq uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor; jew

(ii) uffiċċju jew bini kummerċjali ieħor wieħed jew aktar u l-iskoperturi relatati mat-transazzjonijiet ta' kiri ta' proprjetà;

▼M17

(c) ir-rekwiżiti fl-Artikolu 124(3), il-punt (c), u fl-Artikolu 208 u l-Artikolu 229(1) jiġu ssodisfati;

▼M8

(d) il-proprjetà immobbli kummerċjali tkun kompletament mibnija.

▼B

3. Istituzzjoni tista' tittratta skopertura għal kontroparti li tirriżulta minn operazzjoni ta' bejgħ bil-patt ta' xiri mill-ġdid li permezz tagħha l-istituzzjoni tkun xtrat mingħand il-kontroparti obbligazzjonijiet ipotekarji indipendenti nonaċċessorji fuq proprjetà immobbli ta' partijiet terzi, bħala numru ta' skoperturi individwali għal kull wieħed minn dawk il-partijiet terzi, dment li jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼M9

(a) il-kontroparti hija istituzzjoni jew ditta tal-investiment;

▼B

(b) l-iskopertura tkun kompletament koperta minn drittijiet fuq il-proprjetà immobbli ta' dawk il-partijiet terzi li nxtraw mill-istituzzjoni u l-istituzzjoni tkun tista' teżerċita dawk id-drittijiet;

(c) l-istituzzjoni tkun żgurat li r-rekwiżiti fl-Artikolu 208 u l-Artikolu 229(1) huma ssodisfatti;

(d) l-istituzzjoni ssir benefiċjarja tal-pretensjonijiet li l-kontroparti jkollha kontra l-partijiet terzi f'każ ta' inadempjenza, insolvenza jew likwidazzjoni tal-kontroparti;

▼M9

(e) l-istituzzjoni tirrapporta lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 394 l-ammont totali ta' skoperturi għal kull istituzzjoni jew ditti tal-investiment oħra li huma trattati skont dan il-paragrafu.

▼B

Għal dawn il-finijiet, l-istituzzjoni għandha tassumi li għandha skopertura għal kull waħda minn dawk il-partijiet minflok għall-ammont korrispondenti tal-iskopertura għall-kontroparti. Il-bqija tal-iskopertura għall-kontroparti, jekk ikun hemm, għandha tkompli tiġi trattata bħala skopertura għall-kontroparti.

▼M8

Artikolu 403

Approċċ ta' sostituzzjoni

1. Meta skopertura għal klijent tkun garantita minn parti terza, jew hija garantita minn kollateral maħruġ minn parti terza, istituzzjoni għandha:

(a) tittratta l-parti tal-iskopertura li tkun garantita bħala skopertura lill-garanti minflok mill-klijent, sakemm l-iskopertura mhux garantita għall-garanti tkun assenjata piż ta' riskju li huwa ugwali għal jew inqas mill-piż ta' riskju tal-iskopertura mhux garantita għall-klijent skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta;

▼M8

(b) tittratta l-parti tal-iskopertura kollateralizzata skont il-valur tas-suq ta' kollateral rikonoxxut bħala skopertura mill-parti terza minflok mill-klijent, sakemm l-iskopertura tkun garantita minn kollateral u sakemm li l-parti kollateralizzata tal-iskopertura tingħata piż ta' riskju li huwa ugwali għal jew inqas mill-piż ta' riskju ta' skopertura mhux garantita għall-klijent skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta.

L-approċċ imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ma għandux jintuża minn istituzzjoni fejn ikun hemm diskrepanza bejn il-maturità tal-iskopertura u l-maturità tal-protezzjoni.

Għall-finijiet ta' din il-Parti, istituzzjoni tista' tuża kemm il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju u t-trattament stipulat fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'dawk il-każi biss fejn hija awtorizzata tuża kemm il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju u l-Metodu Ssimplifikat tal-Kollateral Finanzjarju għall-finijiet tal-Artikolu 92.

2. Fejn istituzzjoni tapplika l-punt (a) tal-paragrafu 1, l-istituzzjoni:

(a) fejn il-garanzija tkun denominata f'munita differenti minn dik li fiha tkun denominata l-iskopertura, għandha tikkalkula l-ammont tal-iskopertura li hija meqjusa bħala koperta skont id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament tad-diskrepanza fil-munita għal protezzjoni mhux iffinanzjata tal-kreditu stipulat fil-Parti Tlieta;

(b) għandha tittratta kwalunkwe diskrepanza bejn il-maturità tal-iskopertura u l-maturità tal-protezzjoni skont id-dispożizzjonijiet dwar it-trattament tan-nuqqas ta' diskrepanza stipulat fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta;

(c) tista' tirrikonoxxi kopertura parzjali f'konformità mat-trattament stabbilit fil-Kapitolu 4 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta.

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 1, istituzzjoni tista' tissostitwixxi l-ammont fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, sakemm il-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (c), (d) u (e) ta' dan il-paragrafu huma ssodisfati:

(a) l-ammont totali tal-iskopertura tal-istituzzjoni għal emittent tal-kollateral minħabba ftehimiet ta' riakkwist bejn tliet partijiet iffaċilitati minn aġent ta' tliet partijiet;

(b) l-ammont totali tal-limiti li l-istituzzjoni tkun tat struzzjonijiet lill-aġent ta' tliet partijiet imsemmi fil-punt (a) sabiex japplika għat-titoli maħruġa mill-emittent tal-kollateral imsemmi f'dak il-punt;

(c) l-istituzzjoni tkun ivverifikat li l-aġent ta' tliet partijiet għandu fis-seħħ salvagwardji xierqa sabiex jipprevjeni l-ksur tal-limiti msemmija fil-punt (b);

(d) l-awtorità kompetenti ma tkunx esprimiet lill-istituzzjoni ebda tħassib materjali;

(e) is-somma tal-ammont tal-limitu msemmi fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu u kwalunkwe skopertura oħra tal-istituzzjoni għall-emittent tal-kollateral ma taqbiżx il-limitu stipulat fl-Artikolu 395 (1).

▼M8

4. L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li jispeċifikaw il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tat-trattament imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, inkluż il-kondizzjonijiet u l-frekwenza għad-determinazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-limiti msemmija fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu.

L-ABE għandha tippubblika dawk il-linji gwida sal-31 ta' Diċembru 2019.

▼M5

———————

▼B

PARTI SITTA

LIKWIDITÀ

TITOLU I

▼M8

DEFINIZZJONIJIET U REKWIŻITI TAL-LIKWIDITÀ

Artikolu 411

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din il-Parti, id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw:

(1) "klijent finanzjarju" tfisser klijent, inkluż klijent finanzjarju li jappartjeni għall-grupp ta' kumpanniji mhux finanzjarji, li jwettaq attività waħda jew iktar minn dawk elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE bħala n-negozju ewlieni tiegħu, jew li huwa waħda minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni ta' kreditu;

(b) ditta tal-investiment;

(c) entità bi skop speċjali ta' titolizzazzjoni ("SSPE");

(d) impriża ta' investiment kollettiv ("CIU");

(e) skema ta' investiment limitat;

(f) impriża tal-assigurazzjoni;

(g) impriża tar-riassigurazzjoni;

(h) kumpannija holding finanzjarja jew kumpannija holding finanzjarja mħallta;

(i) istituzzjoni finanzjarja;

(j) arranġament għal skemi tal-pensjonijiet kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

(2) "depożitu fil-livell ta' konsumatur" tfisser obbligazzjoni lejn persuna fiżika jew 'SME, fejn l-SME tkun tikkwalifika għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur taħt l-approċċi standardizzati jew IRB għar-riskju tal-kreditu, jew obbligazzjoni lejn kumpannija li hija eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 153(4), u fejn id-depożiti aggregati minn dik l-SME jew kumpannija fuq il-bażi ta' grupp ma jkunux jaqbżu l-EUR 1 miljun;

▼M8

(3) “kumpanija ta' investiment personali” jew “PIC” tfisser impriża jew fond li is-sid jew is-sid benefiċjarju tagħhom ikun persuna fiżika jew grupp ta' persuni fiżiċi li jiġu minn xulxin mill-qrib, li ma jwettaqx kwalunkwe attività kummerċjali, industrijali jew professjonali u li kien stabbilit bl-għan uniku ta' ġestjoni tal-ġid tas-sid jew is-sidien, inkluż attivitajiet anċillari bħal segregazzjoni tal-assi tas-sidien mill-assi korporattivi, faċilitazzjoni tat-trażmissjoni tal-assi f'familja jew il-prevenzjoni ta' qsim fl-assi wara l-mewt ta' membru tal-familja, sakemm dawk l-attivitajiet anċillari ikunu marbutin mal-għan prinċipali tal-ġestjoni tal-ġid tas-sidien;

▼C8

(4) “sensar għad-depożiti” tfisser persuna fiżika jew impriża li tqiegħed id-depożiti minn partijiet terzi, inkluż depożiti fil-livell ta’ konsumatur u depożiti ta’ kumpanniji iżda bl-esklużjoni tad-depożiti minn klijenti finanzjarji, ma’ istituzzjonijiet tal-kreditu bi skambju għal ħlas;

▼M8

(5) “assi mhux aggravati” tfisser assi li mhumiex soġġetti għal xi restrizzjoni legali, kuntrattwali, regolatorja jew xi restrizzjoni oħra li tipprevjeni lill-istituzzjoni milli tillikwida, tbigħ, tittrasferixxi, tassenja jew, b'mod ġenerali, teħles minn dawk l-assi permezz ta' bejgħ dirett jew ftehim ta' riakkwist;

(6) “sovrakollateralizzazzjoni mhux obbligatorja” tfisser kwalunkwe ammont ta' assi li l-istituzzjoni mhijiex obbligata torbot mal-ħruġ ta' bond kopert bis-saħħa ta' rekwiżiti legali jew regolatorji, impenji kuntrattwali jew għal raġunijiet ta' dixxiplina tas-suq, inkluż b'mod partikolari fejn l-assi jiġu pprovduti f'eċċess tar-rekwiżit ta' sovrakollateralizzazzjoni minimu legali, statutorju jew regolatorju applikabbli għall-bonds koperti skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru jew pajjiż terz;

(7) “rekwiżit ta' kopertura tal-assi” tfisser il-proporzjon tal-assi meta mqabblin mar-responsabbiltajiet kif determinat f'konformità mal-liġi nazzjonali ta' Stat Membru jew pajjiż terz għall-finijiet ta' titjib tal-kreditu b'rabta mal-bonds koperti;

(8) “self ta' marġini” tfisser self kollateralizzat estiż lill-klijenti biex jieħdu pożizzjonijiet tan-negozjar ingranati;

(9) “kuntratti tad-derivattivi” tfisser il-kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u d-derivattivi tal-kreditu;

(10) “stress” tfisser deterjorament f'daqqa jew gravi fil-pożizzjoni ta' solvenza jew ta' likwidità ta' istituzzjoni minħabba bidliet fil-kondizzjonijiet tas-suq jew fatturi idjosinkratiċi li b'riżultat tagħhom ikun hemm riskju sinifikanti li l-istituzzjoni ma tibqax kapaċi twettaq l-impenji tagħha meta jkunu dovuti fit-30 jum li jkun imiss;

(11) “assi ta' livell 1” tfisser assi ta' likwidità u kwalità tal-kreditu għoljin ħafna kif inhu msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 416(1);

▼M8

(12) “assi ta' livell 2” tfisser assi ta' likwidità u kwalità ta' kreditu għoljin ħafna kif inhu msemmi fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 416(1) ta' dan ir-Regolament; l-assijiet ta' livell 2 jinqasmu ulterjorment f'assi tal-livell 2A u 2B kif stabbilit fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1);

(13) “marġini ta' likwidità” tfisser l-ammont ta' assi ta' livell 1 u ta' livell 2 li istituzzjoni jkollha f'konformità mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1);

(14) “fluss ta' ħruġ nett tal-likwidità” tfisser l-ammont li jirriżulta mit-tnaqqis tal-flussi ta' dħul tal-likwidità ta' istituzzjoni mill-flussi ta' ħruġ tal-likwidità tagħha;

(15) “munita tar-rappurtar” tfisser il-munita tal-Istat Membru fejn jinsab l-uffiċċju prinċipali tal-istituzzjoni;

(16) “fatturament” tfisser ftehim kuntrattwali bejn negozju (l-“assenjatur”) u entità finanzjarja (il-“fattur”) fejn l-assenjatur jassenja jew ibigħ ir-riċevibbli tiegħu lill-fattur fi skambju għall-fattur biex jipprovdi lill-assenjatur b'wieħed jew aktar mis-servizzi li ġejjin fir-rigward tar-riċevibbli assenjati:

(a) avvanz ta' perċentwal tal-ammont tar-riċevibbli assenjati, ġeneralment fuq terminu qasir, mhux impenjat u mingħajr riportament awtomatiku;

(b) ġestjoni tar-riċevibbli, ġbir tar-riċevibbli u protezzjoni ta' kreditu, fejn, b'mod ġenerali, il-fattur jamministra r-reġistru tal-bejgħ tal-assenjatur u jiġbor ir-riċevibbli f'isem il-fattur;

għall-finijiet tat-Titolu IV, il-fatturament għandu jiġi ttrattat bħala finanzjament tal-kummerċ;

(17) “kreditu impenjat jew faċilità ta' likwidità” tfisser faċilità ta' kreditu jew ta' likwidità li hija irrevokabbli jew kondizzjonalment revokabbli.

▼B

Artikolu 412

Rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità

1. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom assi likwidi, li s-somma tal-valuri tagħhom tkopri l-ħruġ ta’ likwidità imnaqqas mid-dħul tal-likwidità f’kondizzjonijiet ta’ stress sabiex ikun żgurat li l-istituzzjonijiet iżommu livelli ta' riżervi ta’ likwidità li jkunu adegwati biex jiffaċċjaw kwalunkwe żbilanċ possibbli bejn id-dħul u l-ħruġ ta' likwidità f’kondizzjonijiet ta’ stress kbir fuq perijodu ta’ tletin ġurnata. Waqt żmien ta' stress, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-assi likwidi tagħhom biex ikopru l-flussi 'l barra netti ta’ likwidità tagħhom.

▼M8

2. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jgħoddu għal darbtejn il-fluss ta' ħruġ tal-likwidità, il-flussi ta' dħul tal-likwidità u l-assi likwidi.

▼M8

Dment li ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), fejn element jista' jingħadd f'iktar minn kategorija waħda ta' fluss ta' ħruġ, għandu jingħadd fil-kategorija ta' fluss ta' ħruġ li tipproduċi l-akbar fluss ta' ħruġ kuntrattwali għal dak l-element.

▼B

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw l-assi likwidi msemmija fil-paragrafu 1 sabiex jilħqu l-obbligi tagħhom f'ċirkustanzi ta' stress kif speċifikat fl-Artikolu 414.

4. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu II għandhom japplikaw b'mod esklussiv għall-finijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 415.

▼M9

4a. L-Att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandu japplika għall-istituzzjonijiet'

▼B

5. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' rekwiżiti ta' likwidità qabel ma jkunu speċifikati u introdotti kompletament fl-Unjoni standards minimi vinkolanti għar-rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità f'konformità mal-Artikolu 460. L-Istati Membri jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-istituzzjonijiet awtorizati domestikament, jew sottogrupp ta' dawk l-istituzzjonijiet, biex iżommu rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità ogħla sa 100 % sakemm jiġi introdott kompletament l-standard minimu vinkolanti bir-rata ta' 100 % f'konformità mal-Artikolu 460.

▼M8

Artikolu 413

Rekwiżit ta' finanzjament stabbli

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-assi għal perijodu fit-tul u elementi mhux riflessi fil-karta tal-bilanċ jiġu trattati b'mod adegwat b'sett varjat ta' strumenti ta' finanzjament li huma stabbli kemm taħt kondizzjonijiet normali kif ukoll taħt kondizzjonijiet ta' stress.

2. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu III għandhom japplikaw b'mod esklussiv għall-fini tal-ispeċifikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 415 sakemm l-obbligi ta' rappurtar stabbiliti f'dak l-Artikolu għall-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett stabbilit fit-Titolu IV ġew speċifikati u introdotti fid-dritt tal-Unjoni.

3. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-Titolu IV għandhom japplikaw għall-fini tal-ispeċifikazzjoni tar-rekwiżit ta' finanzjament stabbli stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u l-obbligi ta' rappurtar għall-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 415.

4. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu dispożizzjonijiet nazzjonali fil-qasam ta' rekwiżiti ta' finanzjament stabbli qabel ma jsiru applikabbli standards minimi vinkolanti għar-rekwiżiti ta' finanzjament stabbli nett stabbiliti fil-paragrafu 1.

▼M8

Artikolu 414

Konformità mar-rekwiżiti tal-likwidità

Istituzzjoni li ma tissodisfax, jew li ma tistenniex li ser tissodisfa, ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 412 jew fl-Artikolu 413(1), inkluż matul żmien ta' stress, għandha tinforma mmedjatament lill-awtoritajiet kompetenti dwar dan u għandha tippreżenta lill-awtoritajiet kompetenti mingħajr dewmien bla bżonn pjan biex isseħħ mill-ġdid filwaqt il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 412 jew l-Artikolu 413(1), kif adatt. Sakemm tiġi stabbilita mill-ġdid il-konformità, l-istituzzjoni għandha kuljum tirrapporta l-elementi msemmija fit-Titolu III, fit-Titolu IV, fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 415(3) jew (3a) jew fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), kif adatt, mhux aktar tard minn tmiem il-ġurnata tax-xogħol, sakemm l-awtorità kompetenti ma tawtorizzax frekwenza anqas tar-rappurtar u skadenza itwal tar-rappurtar. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu biss dawn l-awtorizzazzjonijiet fuq il-bażi tas-sitwazzjoni individwali tal-istituzzjoni, filwaqt li jittieħed kont tal-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet tal-istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw l-implimentazzjoni tat-tali pjan ta' stabbiliment mill-ġdid u jekk ikun meħtieġ għandhom jesiġu stabbiliment mill-ġdid tal-konformità iktar rapidu.

▼B

TITOLU II

RAPPURTAR TAL-LIKWIDITÀ

Artikolu 415

Obbligu ta' rappurtar u l-format tar-rappurtar

▼M8

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw l-elementi msemmija fl-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fil-paragrafu 3 jew 3a ta' dan l-Artikolu, fit-Titolu IV u fl-att delegat msemmi fl-Artikolu 460 (1) fil-munita tar-rappurtar lill-awtoritajiet kompetenti, irrispettivament mid-denominazzjoni attwali ta' dawk l-elementi. Sa dak iż-żmien li l-obbligi tar-rappurtar u l-format tar-rappurtar għall-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett stabbilit fit-Titolu IV ikunu ġew speċifikati u introdotti fid-dritt tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti l-elementi msemmija fit-Titolu III fil-munita tar-rappurtar, irrispettivament mid-denominazzjoni attwali ta' dawk l-elementi.

Il-frekwenza tar-rappurtar għandha tkun mill-inqas darba fix-xahar għall-elementi msemmija fl-att delegat msemmi fl-Artikolu 460(1) u mill-inqas kull tliet xhur għall-elementi msemmija fit-Titoli III u IV.

2. Istituzzjoni għandha tirrapporta b'mod separat lill-awtoritajiet kompetenti, l-elementi msemmija fl-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fil-paragrafu 3 jew 3a ta' dan l-Artikolu, fit-Titolu III sa dak iż-żmien li l-obbligi tar-rappurtar u l-format tar-rappurtar għall-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett stabbilit fit-Titolu IV ikunu ġew speċifikati u introdotti fid-dritt tal-Unjoni, fit-Titolu IV u fl-att delegat msemmi fl-Artikolu 460(1), kif adatt, f'konformità ma' dan li ġej:

(a) fejn l-elementi jkunu denominati f'munita għajr il-munita tar-rappurtar u l-istituzzjoni jkollha obbligazzjonijiet aggregati denominati f'tali munita li jammontaw għal jew jaqbżu l-5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni jew tas-sottogrupp tal-likwidità waħdieni, bl-esklużjoni tal-fondi proprji u tal-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, ir-rappurtar għandu jsir fil-munita ta' denominazzjoni;

▼M8

(b) fejn l-elementi huma denominati fil-munita ta' Stat Membru ospitanti fejn l-istituzzjoni għandha fergħa sinifikanti kif imsemmi l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE u dak l-Istat Membru ospitanti juża munita oħra barra l-munita tar-rappurtar, ir-rappurtar għandu jsir fil-munita tal-Istat Membru li fih tinsab il-fergħa sinifikanti;

(c) fejn l-elementi jkunu denominati fil-munita tar-rappurtar, u l-ammont aggregat ta' obbligazzjonijiet f'muniti għajr il-munita tar-rappurtar jammonta għal jew jaqbeż il-5 % tal-obbligazzjonijiet totali tal-istituzzjoni jew tas-sottogrupp ta' likwidità waħdieni, bl-esklużjoni tal-fondi proprji u tal-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, ir-rappurtar għandu jsir fil-munita tar-rappurtar.

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tispeċifika dawn li ġejjin:

(a) formati uniformi u soluzzjonijiet tal-IT bi struzzjonijiet assoċjati għal frekwenzi u d-dati tar-referenza u ta' rimessa; il-formati tar-rappurtar u l-frekwenzi għandhom ikunu proporzjonali għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet differenti tal-istituzzjonijiet u għandhom jinkludu r-rappurtar meħtieġ skont il-paragrafi 1 u 2;

(b) metriċi addizzjonali meħtieġa għall-monitoraġġ tal-likwidità, li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti jiksbu idea komprensiva tal-profil tar-riskju tal-likwidità ta' istituzzjoni, proporzjonali għan-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-attivitajiet ta' istituzzjoni.

L-ABE għandha tissottometti lill-Kummissjoni dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi għall-elementi speċifikati fil-punt (a) sat-28 ta' Lulju 2013 u għall-elementi speċifikati fil-punt (b) sal-1 ta' Jannar 2014.

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummisjoni li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3a. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tispeċifika liema metriċi addizzjonali għall-monitoraġġ tal-likwidità kif imsemmi fil-paragrafu 3 għandhom japplikaw għall-istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2020.

Is-setgħa hija mogħtija lill-Kummisjoni li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

4. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandhom jipprovdu f'waqtu u b'mezz elettroniku r-rappurtar individwali skont dan l-Artikolu lill-awtoritajiet kompetenti u lill-bank ċentrali tal-Istati Membri ospitanti u lill-ABE.

▼B

5. Fuq talba, ►C2 l-awtoritajiet kompetenti li jwettqu superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom ◄ jipprovdu f'waqtu u b'mezz elettroniku r-rappurtar kollu sottomess mill-istituzzjoni skont il-formati uniformi ta' rappurtar imsemmija fil-paragrafu 3 lill-awtoritajiet li ġejjin:

(a) l-awtoritajiet kompetenti u l-bank ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri ospitanti fejn hemm fergħat sinifikanti skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva 2013/36/UE tal-istituzzjoni prinċipali jew istituzzjonijiet ikkontrollati mill-istess kumpannija holding finanzjarja prinċipali;

(b) l-awtoritajiet kompetenti li għandhom sussidjarji awtorizzati tal-istituzzjoni prinċipali jew istituzzjonijiet ikkontrollati mill-istess kumpannija holding finanzjarja prinċipali u l-bank ċentrali tal-istess Stat Membru;

(c) ABE;

(d) BĊE.

6. Fuq talba, l-awtoritajiet kompetenti li jkollhom istituzzjoni awtorizzata li hija sussidjarja ta' istituzzjoni prinċipali jew kumpannija holding finanzjarja prinċipali għandhom jipprovdu f'waqtu u b'mezz elettroniku r-rappurtar kollu sottomess mill-istituzzjoni skont il-formati uniformi ta' rappurtar imsemmija fil-paragrafu 3 lill-awtoritajiet kompetenti li jwettqu superviżjoni fuq bażi konsolidata skont l-Artikolu 111 tad-Direttiva 2013/36/UE, lill-bank ċentrali tal-Istat Membru fejn tkun awtorizzata l-istituzzjoni u lill-ABE.

Artikolu 416

Rappurtar dwar l-assi likwidi

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw dawn li ġejjin bħala assi likwidi sakemm ma jkunux eskluży mill-paragrafu 2 u biss jekk l-assi likwidi jissodisfaw il-kondizzjonijiet fil-paragrafu 3:

(a) flus u skoperturi għal banek ċentrali sakemm dawn l-iskoperturi jkunu jistgħu jinġibdu lura fi kwalunkwe żmien fi żminijiet ta' stress. Fir-rigward tad-depożiti miżmuma mill-banek ċentrali, l-awtorità kompetenti u l-bank ċentrali għandhom jimmiraw biex jilħqu fehim komuni rigward il-limitu safejn dawn ir-riżervi minimi jistgħu jinġibdu fi żmien ta' stress;

(b) assi trasferibbli oħrajn li huma ta' likwidità u kwalità ta' kreditu għoljin ħafna;

(c) assi trasferibbli li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew li jkunu garantiti minn:

(i) gvern ċentrali ta' Stat Membru, reġjun b'awtonomija fiskali li tippermetti l-impożizzjoni u l-ġbir tat-taxxi, jew ta' pajjiż terz fil-munita domestika tal-gvern ċentrali jew reġjonali, jekk l-istituzzjoni ġġarrab riskju ta' likwidità f'dak l-Istat Membru jew pajjiż terz li hija tkopri billi żżomm dawn l-assi likwidi;

▼B

(ii) banek ċentrali u entitajiet tas-settur pubbliku mhux tal-gvern ċentrali fil-munita domestika tal-bank ċentrali u l-entità tas-settur pubbliku;

(iii) il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, il-Fond Monetarju Internazzjonali, il-Kummissjoni u banek multilaterali tal-iżvilupp;

(iv) il-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja ul-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà;

(d) assi trasferibbli li huma ta’ likwidità u kwalità ta’ kreditu għoljin.

(e) faċilitajiet ta' kreditu ta' riżerva mogħtija minn banek ċentrali fi ħdan l-ambitu tal-politika monetarja sal-punt li dawn il-faċilitajiet ma jiġux kollateralizzati minn assi linkwidi u eskluża l-assistenza ta' likwidità ta' emergenza

(f) jekk istituzzjoni ta' kreditu tkun tappartjeni lil netwerk skont id-dispożizzjonijiet legali jew statutorji, id-depożiti minimi legali jew statutorji mal-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali jew finanzjament likwidu disponibbli kuntrattwalment jew statutorju ieħor mill-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali jew istituzzjonijiet li huma membri tan-netwerk imsemmi fl-Artikolu 113 (7), jew eliġibbli għar-rinunzja prevista mill-Artikolu 10, sa fejn dan il-finanzjament ma jiġix kollateralizzat minn assi likwidi.

Sakemm tinħareġ speċifikazzjoni ta’ definizzjoni uniformi skont l-Artikolu 460 ta’ likwidità u kwalità ta’ kreditu għoljin u għoljin ħafna, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw huma stess assi trasferibbli f’munita partikolari li jkunu ta’ likwidità u kwalità ta’ kreditu għoljin jew għoljin ħafna, rispettivament. Sakemm tinħareġ speċifikazzjoni ta’ definizzjoni uniformi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, wara li jikkunsidraw il-kriterji elenkati fl-Artikolu 509(3), (4) u (5) jipprovdu gwida ġenerali li l-istituzzjonijiet għandhom isegwu sabiex jidentifikaw l-assi ta’ likwidità u kwalità ta’ kreditu għoljin u għoljin ħafna. Fin-nuqqas ta’ tali gwida, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi għal dan il-għan, inklużi xi wħud mill-kriterji jew il-kriterji kollha elenkati fl-Artikolu 509(3), (4) u (5).

2. Dawn li ġejjin ma għandhomx jitqiesu bħala assi likwidi:

(a) assi li jinħarġu minn istituzzjoni ta’ kreditu sakemm ma jissodisfawx waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) huma bonds eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 129 (4) jew (5) jew strumenti sostnuti minn assi jekk jintwera li huma tal-ogħla kwalità kreditizja kif stabbilit mill-ABE skont il-kriterji tal-Artikolu 509(3), (4) u (5)

▼M10

(ii) huma bonds koperti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (EU) 2019/2162 għajr dawk imsemmija fil-punt (i) ta’ dan il-punt;

▼B

(iii) l-istituzzjoni ta’ kreditu tkun ġiet stabbilita minn gvern ċentrali jew reġjonali ta’ Stat Membru u dak il-gvern ikollu obbligu li jipproteġi l-bażi ekonomika tal-istituzzjoni u li jżomm l-vijabbiltà tagħha tul ħajjitha; jew l-assi jkun garantit b'mod espliċitu minn dak il-gvern; jew mill-anqas 90 % tas-self mogħti mill-istituzzjoni jkun garantit direttament jew indirettament minn dak il-gvern u l-assi jkun użat b'mod predominanti sabiex jiġi ffinanzjat self promozzjonali mogħti fuq bażi mhux kompetittiva u mhux għall-profitt sabiex jippromwovi l-objettivi tal-politika pubblika ta' dak il-gvern;

(b) assi li huma provduti bħala kollateral lill-istituzzjoni taħt transazzjonijiet repo b’lura u li jiffinanzjaw it-titoli u li huma miżmuma mill-istituzzjoni biss bħala mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu u li mhumiex legalment u kontrattwalment disponibbli għall-użu mill-istituzzjoni;

(c) assi maħruġa minn xi waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ditta ta' investiment;

(ii) impriża tal-assigurazzjoni;

(iii) kumpannija holding finanzjarja;

(iv) kumpannija holding finanzjarja mħallta;

(v) kwalunkwe entità oħra li twettaq attività waħda jew aktar minn dawk elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2013/36/UE bħala n-negozju ewlieni tagħha.

▼M8

3. F'konformità mal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw dawk l-assi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin bħala assi likwidi:

(a) l-assi jkunu mhux aggravati jew jinsabu disponibbli fi ħdan pools kollaterali biex jintużaw għall-kisba ta' fondi addizzjonali taħt linji ta' kreditu disponibbli għall-istituzzjoni li jkunu impenjati jew, fejn il-pool jitħaddem minn bank ċentrali, mhux impenjati iżda għad mhux finanzjati;

(b) l-assi ma jinħarġux mill-istituzzjoni nnifisha, minn istituzzjonijiet prinċipali jew sussidjarji tagħha, jew minn sussidjarja oħra tal-istituzzjoni prinċipali tagħha jew kumpannija holding finanzjarja prinċipali;

(c) ikun hemm qbil ġenerali bejn il-parteċipanti tas-suq dwar il-prezz tal-assi li jkun jista' faċilment jiġi osservat fis-suq, jew il-prezz jista' jiġi determinat minn formula li tkun faċli biex tiġi kalkulata fuq il-bażi ta' inputs pubblikament disponibbli u li ma tkunx tiddependi fuq suppożizzjonijiet solidi, kif inhu tipikament il-każ għall-prodotti strutturati jew eżotiċi;

(d) l-assi jkunu kwotati f'kambju rikonoxxut jew ikunu kummerċjabbli permezz ta' bejgħ dirett jew permezz ta' sempliċi ftehim ta' xiri mill-ġdid fi swieq ta' xiri mill-ġdid; dawk il-kriterji għandhom jiġu valutati b'mod separat għal kull suq.

▼M8

Il-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (c) u (d) tal-ewwel subparagrafu ma għandhomx japplikaw għall-assi msemmija fil-punti (a), (e) u (f) tal-paragrafu 1.

▼B

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1, 2 u 3, sakemm jiġi speċifikat ir-rekwiżit ta' likwidità vinkolanti skont l-Artikolu 460 u skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw dwar:

(a) assi oħra mhux eliġibbli iżda kummerċjabbli tal-bank ċentrali bħal ekwitajiet u deheb abbażi ta' kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi xi wħud mill-kriterji elenkati fl-Artikolu 509(3), (4) u (5) jew kollha kemm huma;

(b) assi oħra eliġibbli u kummerċjabbli tal-bank ċentrali bħal ma huma strumenti sostnuti minn assi tal-ogħla kwalità kreditizja kif stabbilit mill-ABE skont il-kriterji tal-Artikolu 509(3, (4) u (5);

(c) assi oħra eliġibbli u iżda mhux kummerċjabbli tal-bank ċentrali bħal ma huma pretensjonijiet ta' kreditu kif stabbilit mill-ABE skont il-kriterji tal-Artikolu 509(3), (4) u (5).

▼M8

5. L-ishma jew l-unitajiet fis-CIUs jistgħu jiġu ttrattati bħala assi likwidi, sa ammont assolut ta' EUR 500 miljun jew l-ammont ekwivalenti f'munita domestika, fil-portafoll tal-assi likwidi ta' kull istituzzjoni, bil-kondizzjoni li jintlaħqu r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 132(3) u li s-CIU tinvesti biss f'assi likwidi kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, minbarra d-derivati għall-mitigazzjoni tar-rata tal-imgħax jew tar-riskju tal-kreditu jew tal-munita.

L-użu jew l-użu potenzjali minn CIU ta' strumenti ta' derivati biex jiġu koperti r-riskji tal-investimenti permessi m'għandux iwaqqaf lil dik is-CIU milli tkun eliġibbli għat-trattament imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Fejn il-valur tal-ishma jew tal-unitajiet tas-CIU mhux ipprezzat regolarment skont il-valur fis-suq mill-partijiet terzi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 418(4) u l-awtorità kompetenti ma tkunx sodisfatta li istituzzjoni tkun żviluppat metodoloġiji u proċessi robusti għal tali valutazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 418(4), l-ishma jew l-unitajiet f'dik is-CIU ma għandhomx jiġu ttrattati bħala assi likwidi.

6. Meta assi likwidu ma jibqax konformi mar-rekwiżit għall-assi likwidi kif stabbilit f'dan l-Artikolu, istituzzjoni xorta waħda tista' tkompli tqisu bħala assi likwidu għal perijodu addizzjonali ta' 30 jum. Fejn assi likwidu f'CIU ma jibqax eliġibbli għat-trattament imsemmi fil-paragrafu 5, l-ishma jew l-unitajiet fis-CIU jistgħu madankollu jitqiesu bħala assi likwidu għal perijodu addizzjonali ta' 30 ġurnata, sakemm dawk l-assi ma jkunux iktar minn 10 % tal-assi ġenerali tas-CIU.

_____

▼B

Artikolu 417

Rekwiżiti operattivi għall-holdings f'assi likwidi

L-istituzzjoni għandha tirrapporta biss bħala assi likwidi dawk il-holdings ta’ assi likwidi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) ikunu diversifikati kif xieraq. Id-diversifikazzjoni mhix meħtieġa f'termini ta' assi korrispondenti għall-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 416(1);

(b) ikunu disponibbli minnufih b'mod legali u prattiku fi kwalunkwe ħin matul it-30 ġurnata li jmiss biex jiġu likwidati permezz bejgħ dirett jew permezz ta' ftehimsempliċi ta' xiri mill-ġdid fi swieq ta' xiri mill-ġdid approvat sabiex jintlaħqu l-obbligi li jkunu qed isiru dovuti. L-assi likwidi msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 416(1) li jinżammu f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq it-trasferiment jew li jkunu denominati f'muniti mhux konvertibbli għandhom jitqiesu disponibbli biss sakemm jikkorrispondu għall-ħruġ fil-pajjiż terz jew fil-munita inkwistjoni, dment li l-istituzzjoni ma tkunx tista' turi lill-awtoritajiet kompetenti li hija tkun kopriet adegwatament ir-riskju tal-valuta li jirriżulta;

(c) l-assi likwidi jkunu kkontrollati minn funzjoni tal-ġestjoni tal-likwidità;

►C2 (d) parti mill-assi likwidi ħlief dawk imsemmijin fil-punti (a), (c), (e) u (f) tal-Artikolu 416(1), tkun perijodikament u mill-anqas darba fis-sena likwidata ◄ permezz ta' bejgħ dirett jew permezz ta' ftehimiet sempliċi ta' xiri mill-ġdid f'suq ta' xiri mill-ġdid approvat għall-għanijiet li ġejjin:

(i) sabiex jiġi ttestjat l-aċċess ta' dawn l-assi għas-suq;

(ii) sabiex tiġi ttestjata l-effikaċja tal-proċessi tagħha għal-likwidazzjoni tal-assi;

(iii) sabiex jiġi ttestjat il-fatt ta' kemm jistgħu jintużaw l-assi;

(iv) sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' senjalar negattiv matul perijodu ta' stress;

(e) ir-riskji tal-prezzijiet assoċjati mal-assi jistgħu jiġu koperti iżda l-assi likwidi huma soġġetti għal arranġamenti interni xierqa li jiżguraw li jkunu disponibbli minnufih għat-teżor meta jkun meħtieġ u b'mod speċjali li huma ma jkunux ser jintużaw f'operazzjonijiet oħra li jkunu għaddejjin, fosthom:

(i) jew strateġiji oħra ta' negozjar;

(ii) biex jissaħħaħ il-kreditu fi transazzjonijiet strutturati;

(iii) jkopru l-ispejjeż operazzjonali.

(f) id-denominazzjoni tal-assi likwidi tkun konsistenti mad-distribuzzjoni skont il-munita tal-flussi 'l barra tal-likwidità wara t-tnaqqis tal-flussi 'il ġewwa.

▼B

Artikolu 418

Il-valutazzjoni tal-assi likwidi

1. Il-valur ta' assi likwidu li jrid jiġi rrappurtat għandu jkun il-valur tas-suq tiegħu, soġġett għal telf impost xieraq li mill-anqas jirrefletti t-tul taż-żmien, il-kreditu u r-riskju ta' likwidità u t-telf impost tar-repo tipiku f'perijodi ta' stress ġenerali fis-suq. It-telf impost ma għandux ikun inqas minn 15 % għall-assi msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 416 (1). Jekk istituzzjoni tkopri r-riskju tal-prezzijiet assoċjat ma' assi, hija għandha tikkunsidra l-fluss tal-flus li jirriżulta mill-għeluq potenzjali tal-kopertura.

2. L-ishma jew unitajiet fis-CIUs kif imsemmija fl-Artikolu 416(6) għandhom ikunu soġġetti għal telf impost, imqassam (looking through) fuq l-assi sottostanti kif ġej:

(a) 0 % għall-assi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 416(1);

(b) 5 % għall-assi msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 416(1);

(c) 20 % għall-assi msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 416(1).

3. L-approċċ "look-through" imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jiġi applikat kif ġej:

(a) fejn l-istituzzjoni tkun konxja tal-iskoperturi sottostanti ta' CIU, hija tista' tirreferi direttament għal dawk l-iskoperturi sottostanti sabiex tassenjahom għall-punt (a) sa (d) tal-Artikolu 416(1);

(b) fejn l-istituzzjoni ma tkunx konxja tal-iskoperturi sottostanti ta' CIU, għandu jiġi preżunt li s-CIU tinvesti, sal-massimu li huwa permess skont il-mandat tagħha, f'ordni dixxendenti fit-tipi tal-assi msemmija fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 416(1) sakemm jintlaħaq il-limitu massimu ta' investiment totali.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw metodoloġiji u proċessi sodi biex jikkalkulaw u jirrappurtaw il-valur tas-suq u l-haircuts għal ishma jew unitajiet f'CIUs. Biss fejn dawn jistgħu juru, għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti, li l-materjalità tal-iskopertura ma tiġġustifikax l-iżvilupp tal-metodoloġiji tagħhom stess, l-istituzzjonijiet jistgħu joqogħdu fuq il-partijiet terzi li ġejjin sabiex jikkalkulaw u jirrappurtaw it-telf impost għall-ishma jew l-unitajiet fis-CIUs, skont il-metodi stabbiliti fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3:

(a) l-istituzzjoni depożitorja tas-CIU bil-kondizzjoni li s-CIU tinvesti b'mod esklussiv f'titoli u tiddepożita t-titoli kollha ma'din l-istituzzjoni depożitarja;

(b) għal CIUs oħra, il-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU, bil-kondizzjoni li l-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 132(3)(a).

Il-korrettezza tal-kalkoli mill-istituzzjoni depożitorja jew mill-kumpannija tal-ġestjoni tas-CIU għandha tiġi kkonfermata minn awditur estern.

▼B

Artikolu 419

Muniti b'limitazzjonijiet fuq id-disponibbiltà ta' assi likwidi

1. L-ABE għandha tivvaluta d-disponibbiltà, għall-istituzzjonijiet, tal-assi likwidi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 416(1) fil-muniti li huma rilevanti għall-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni.

▼M8

2. Fejn il-ħtiġijiet ġustifikati għal assi likwidi fid-dawl tar-rekwiżit fl-Artikolu 412 jaqbżu d-disponibbiltà ta' dawk l-assi likwidi f'munita, għandha tapplika deroga waħda jew iktar minn dawn li ġejjin:

(a) permezz ta' deroga mill-punt (f) tal-Artikolu 417, id-denominazzjoni tal-assi likwidi tista' tkun inkonsistenti mad-distribuzzjoni skont il-munita tal-ħruġ tal-likwidità wara t-tnaqqis tad-dħul;

(b) għall-muniti ta' Stat Membru jew ta' pajjiżi terzi, l-assi likwidi meħtieġa jistgħu jiġu sostitwiti minn linji ta' kreditu mill-bank ċentrali ta' dak l-Istat Membru jew tal-pajjiż terz li jkunu impenjati kuntrattwalment u b'mod irrevokabbli għat-30 ġurnata li jmiss u li jkunu pprezzati b'mod ġust, indipendentement mill-ammont attwalment miġbud, sakemm l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru jew tal-pajjiż terz jagħmlu l-istess u sakemm dak l-Istat Membru jew il-pajjiż terz ikollu fis-seħħ rekwiżiti tar-rappurtar komparabbli;

(c) meta jkun hemm defiċit ta' assi ta' livell 1, jistgħu jinżammu assi addizzjonali ta' livell 2A mill-istituzzjoni, soġġett għal haircuts ogħla, u jista' jiġi emendat kwalunkwe massimu applikabbli għal dawk l-assi f'konformità mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460 (1).

▼B

3. Id-derogi applikati skont il-paragrafu 2 għandhom ikunu proporzjonati b'mod invers għad-disponibbiltà tal-assi rilevanti. Il-ħtiġijiet ġustifikati tal-istituzzjonijiet għandhom jiġu vvalutati b'kont meħud tal-kapaċità tagħhom li jnaqqsu, permezz ta' ġestjoni tajba tal-likwidità, il-ħtieġa għal dawk l-assi likwidi u l-holdings f'dawk l-assi minn parteċipanti oħra fis-suq.

4. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi li jelenka l-muniti li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu.

L-ABE għandha tissottometti dak l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmijin fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika d-derogi msemmijin fil-paragrafu 2, inkluż il-kondizzjonijiet tal-applikazzjoni tagħhom.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sat-28 ta' Diċembru 2019.

▼M8

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 420

Flussi 'l barra ta' likwidità

1. Sakemm jiġi speċifikat ir-rekwiżit ta' likwidità skont l-Artikolu 460, il-flussi 'l barra ta' likwidità li għandhom jiġu rapportati għandhom jinkludu:

(a) l- ammont attwali pendenti għad-depożiti fil-livell ta' konsumatur kif stabbilit fl-Artikolu 421;

(b) l- ammonti attwali pendenti ta' obbligazzjonijiet oħra li jsiru dovuti, jistgħu jissejħu għall-ħlas mill-istituzzjonijiet emittenti jew mill-fornitur tal-finanzjament jew jinvolvu aspettattiva impliċita tal-fornitur tal-finanzjament li matul it-30 ġurnata li jmiss l-istituzzjoni tkun trid tħallas lura l-obbligazzjoni hekk kif stabbilit fl-Artikolu 422;

(c) il-flussi 'l barra addizzjonali msemmi fl-Artikolu 423;

(d) l- ammont massimu li jista' jinġibed matul it-30 ġurnata li jmiss minn kreditu impenjat mhux miġbud u l-faċilitajiet tal-likwidità, kif stabbilit fl-Artikolu 424;

(e) il-flussi 'l barra addizzjonali identifikati fil-valutazzjoni skont il-paragrafu 2.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw b'mod regolari l-probabbiltà u l-volum potenzjali ta' flussi 'l barra ta' likwidità matul it-30 ġurnata li jmiss fir-rigward ta' prodotti jew servizzi, li mhumiex koperti mill-Artikoli 422, 423 u 424 u li huma joffru jew jisponsorjaw jew li xerrejja potenzjali jikkunsidrawhom bħala assoċjati magħhom, inkluż iżda mhux limitati għal flussi 'l barra ta' likwidità li jirriżultaw minn kwalunkwe arranġament kuntrattwali bħal obbligazzjonijiet oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ jew obbligazzjonijiet ta' finanzjament kontinġenti, inklużi, iżda mhux limitati għal, faċilitajiet ta' finanzjament impenjat, self mhux miġbud u avvanzi lil kontropartijiet bl-ingrossa, ipoteki li ġew miftiehma iżda li għadhom ma ttiħdux, karti tal-kreditu, self kurrenti, ħruġ ippjanat marbut mat-tiġdid jew l-estensjoni ta' self ġdid għall-konsumaturi jew għall-operaturi, ammonti pagabbli ta' derivati ppjanati u l-prodotti marbutin mal-finanzjament tal-kummerċ barra mill-karta tal-bilanċ, kif imsemmi fl-Artikolu 429 u fl-Anness I. Dawn il-flussi 'l barra għandhom jiġu vvalutati bis-suppożizzjoni ta' xenarju kombinat ta' stress idjosinkratiku u fis-suq kollu.

Għal din il-valutazzjoni, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw b'mod partikolari d-dannu materjali fir-reputazzjoni li jistgħu jirriżultaw mill- fatt li ma jkunux ingħata appoġġ ta' likwidità lil tali prodotti jew servizzi. Mill-anqas darba fis-sena, l-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti dawk il-prodotti u s-servizzi li l-probabbiltà u l-volum potenzjal tagħhom ta' rati ta' flussi 'l barra ta' likwidità imsemmija fl-ewwel subparagrafu jkunu materjali u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-flussi 'l barra li jridu jiġu assenjati. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu japplikaw rata ta' flussi 'l barra ta' mhux aktar minn 5 % għall-prodotti marbutin mal-finanzjament tal-kummerċ barra mill-karta tal-bilanċ, kif imsemmi fl-Artikolu 429 u l-Anness I.

▼B

Mill-anqas darba fis-sena, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-ABE t-tipi ta' prodotti jew servizzi li għalihom ikunu ddeterminaw il-flussi 'l barra abbażi tar-rapporti mill-istituzzjonijiet. F'dak ir-rapport huma għandhom jispjegaw ukoll il-metodoloġija applikata sabiex jiġu determinati l-flussi 'l barra.

Artikolu 421

Flussi 'l barra fuq depożiti fil-livell ta' konsumatur

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw b'mod separat l-ammont ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur koperti minn Skema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz, u jimmultiplikaw b'mill-inqas 5 % fejn id-depożitu jkun wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) ikun parti minn relazzjoni stabbilita li tagħmel il-prelevament ferm improbabbli;

(b) jinżamm f'kont ta' transazzjoni, inklużi kontijiet li fihom jiġu kkreditati salarji b'mod regolari.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw depożiti oħrajn fil-livell ta' konsumatur li mhumiex imsemmija fil-paragrafu 1 b'tal-inqas 10 %.

3. Sal-1 ta' Jannar 2014, l-ABE għandha toħroġ linji gwida, li jqisu l-imġiba tad-depożitanti lokali kif ikkomunikat mill-awtoritajiet kompetenti, dwar il-kriterji sabiex jiġu determinati l-kondizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 fir-rigward tal-identifikazzjoni tad-depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra differenti u d-definizzjonijiet ta' dawk il-prodotti għall-finijiet ta' dan it-Titolu. Dawk il-linji gwida għandhom jikkunsidraw il-probabbiltà li dawn id-depożiti jwasslu għall-flussi 'l barra ta' likwidità matul it-30 ġurnata li jmiss. Dawn il-flussi 'l barra għandhom jiġu vvalutati bis-suppożizzjoni ta' xenarju kombinat ta' stress idjosinkratiku u fis-suq kollu.

4. Minkejja l-paragrafi 1 u 2, l-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw id-depożiti fil-livell ta' konsumatur li jkunu ħadu f'pajjiżi terzi b'perċentwal ogħla minn dak speċifikat f'dawk il-paragrafi jekk tali perċentwal ikun ipprovdut b'rekwiżiti komparabbli ta' rappurtar mill-pajjiż terz.

5. L-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu ċerti kategoriji ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur li jkunu ċirkoskritti b'mod ċar mill-kalkolu tal-flussi 'l barra sakemm l-istituzzjoni tapplika dejjem b'mod rigoruż dan li ġej għall-kategorija kollha ta' dawk id-depożiti, għajr f'ċirkustanzi ta' diffikultà għad-depożitant li jkunu ġew ġustifikati b'mod individwali:

(a) għal 30 ġurnata, id-depożitant ma jitħalliex jiġbed id-depożitu; jew

(b) għal prelevamenti kmieni fi żmien 30 ġurnata, id-depożitant irid iħallas penali li tinkludi t-telf ta' imgħax bejn id-data tal-prelevament u d-data tal-maturità kuntrattwali biż-żieda ta' penali materjali li m'għandhiex għalfejn taqbeż l-imgħax dovut għaż-żmien li jkun għadda bejn id-data tad-depożitu u d-data tal-prelevament.

▼B

Artikolu 422

Ħruġ ta' flus fuq obbligazzjonijiet oħrajn

1. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw b'0 % l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw mill-infiq tal-operat tal-istituzzjoni stess.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn għoti ta' self garantit u t-transazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 192 b':

(a) 0 % sal-valur tal-assi likwidi skont l-Artikolu 418 jekk ikunu kollateralizzati minn assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416;

(b) 100 % iżjed mill-valur tal-assi likwidi skont l-Artikolu 418, jekk ikunu kollateralizzati b'assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416;

(c) 100 % jekk ikunu kollateralizzati b'assi li ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416, għajr għal transazzjonijiet koperti mill-punti (d) u (e) ta' dan il-paragrafu;

(d) 25 % jekk ikunu kollateralizzati b'assi li ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416 u l-mutwanti jkun il-gvern ċentrali, entità tas-settur pubbliku fl-Istat Membru fejn l-istituzzjoni ta' kreditu kienet awtorizzata jew fejn stabbilixxiet fergħa, jew bank multilaterali tal-iżvilupp. L-entitajiet tas-settur privat li jirċievu dak it-trattament għandhom ikunu limitati għal dawk li għandhom piż ta' riskju ta' 20 % jew anqas skont il-Kapitolu 2, Titolu II tal-Parti Tlieta;

(e) 0 % jekk il-mutwanti jkun gvern ċentrali.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn depożiti li jridu jinżammu:

(a) mid-depożitant sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar, kustodja jew ta' mmaniġjar tal-flus jew komparabbli oħra mill-istituzzjoni;

(b) fil-kuntest ta' qsim ta' kompiti komuni fi skema ta' protezzjoni istituzzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7) jew bħala depożitu minimu legali jew statutorju minn entità oħra li tkun Membru tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali;

(c) mid-depożitant fil-kuntest ta' relazzjoni operattiva stabbilita għajr dik imsemmija fil-punt (a);

(d) mid-depożitant sabiex jinkisbu servizzi ta' kklerjar tal-flus u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali u fejn l-istituzzjoni ta' kreditu tappartjeni lil netwerk skont dispożizzjonijiet legali jew statutorji;

b'5 % fil-każ tal-punt (a) sa fejn ikunu koperti minn Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew skema ekwivalenti ta' garanzija tad-depożiti f'pajjiż terz u b'25 % f'każijiet oħra.

▼B

Depożiti minn istituzzjonijiet ta' kreditu magħmula ma' istituzzjonijiet ta' kreditu ċentrali li huma meqjusin bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416(1)(f) għandhom jiġu mmultiplikati b'rata ta' 100 % tal-flussi 'l barra.

▼M8

4. Is-servizzi ta' kklerjar, ta' kustodja jew ta' maniġġjar tal-flus jew servizzi oħra komparabbli msemmijin fil-punti (a) u (d) tal-paragrafu 3 għandhom ikopru biss dawk is-servizzi sakemm dawk is-servizzi jitwettqu fil-kuntest ta' relazzjoni stabbilita li fuqha d-depożitant ikollu dipendenza sostanzjali. Dawk is-servizzi ma għandhomx jikkonsistu sempliċiment minn servizzi bankarji korrispondenti jew ta' senserija primarja, u l-istituzzjonijiet għandu jkollhom provi li l-klijent ma jistax jiġbed l-ammonti legalment dovuti fuq perijodu ta' 30 ġurnata mingħajr ma jikkompromett l-funzjonament operattiv tiegħu.

Sa meta tiġi stabbilita definizzjoni uniformi ta' relazzjoni operattiva stabbilita kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 3, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu huma stess il-kriterji sabiex jidentifikaw relazzjoni operattiva stabbilita skont liema jkollhom il-provi li l-klijent ma jistax jiġbed l-ammonti legalment dovuti fuq perijodu ta' 30 ġurnata mingħajr ma jikkompromett l-funzjonament operattiv tagħha u għandhom jirrappurtaw dawk il-kriterji lill-awtoritajiet kompetenti. Fin-nuqqas ta' definizzjoni uniformi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jipprovdu gwida ġenerali li l-istituzzjonijiet għandhom isegwu sabiex jidentifikaw id-depożiti miżmuma mid-depożitant fil-kuntest ta' relazzjoni operattiva stabbilita.

▼B

5. L-istituzzjonijiet għandhom jimmultiplikaw b'40 % l-obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn depożiti ta' klijenti li ma jkunux klijenti finanzjarji sakemm dawn l-obbligazzjonijiet ma jaqgħux taħt il-paragrafi 3 u 4 u għandhom jimmultiplikaw b'20 % dawn l-obbligazzjonijiet koperti mill-Iskema ta' Garanzija tad-Depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE jew Skema ta' Garanzija tad-Depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz.

6. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw il-flussi 'l barra u ta' dħul mistennija fuq il-perijodu ta' 30 ġurnata mill-kuntratti elenkati fl-Anness II fuq bażi netta għall-kontropartijiet kollha u għandhom jimmultiplikawhom b'100 % fil-każ ta' fluss 'il barra nett. Bażi netta għandha tfisser ukoll in-nett tal-kollateral li għandu jiġi riċevut li jikkwalifika bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416.

7. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw b'mod separat l-obbligazzjonijiet l-oħra li ma jaqgħux taħt il-paragrafi 1 sa 5.

▼M8

8. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu l-permess sabiex jiġi applikat perċentwal iżgħar ta' fluss 'il barra għall-l-obbligazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 7 skont il-każ, sakemm jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kontroparti tkun kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

▼M9

(i) istituzzjoni prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni, jew ditta tal-investiment prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni, jew sussidjarja oħra tal-istess istituzzjoni prinċipali jew ditta tal-investiment prinċipali;

▼M8

(ii) il-kontroparti hija marbuta mal-istituzzjoni permezz ta' relazzjoni fis-sens tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE;

▼M8

(iii) istituzzjoni li taqa' fi ħdan l-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 113(7); jew

(iv) l-istituzzjoni ċentrali jew membru f'netwerk f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 400(2);

(b) ikun hemm raġunijiet għalfejn wieħed jistenna fluss 'l barra iktar baxx fuq it-30 ġurnata li jmiss anki f'xenarju kombinat ta' stress idjosinkratiku u fis-suq kollu;

(c) b'deroga mill-Artikolu 425 il-kontroparti tapplika fluss 'il ġewwa simetriku korrispondenti u iktar konservattiv;

(d) l-istituzzjoni u l-kontroparti jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru.

▼B

9. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-punt (d) tal-paragrafu 8 fejn jiġi applikat il-punt (b) tal-Artikolu 20(1). F'dak il-każ għandhom jintlaħqu l-kriterji oġġettivi addizzjonali kif stabbiliti fl-att ddelegat imsemmi fl-Artikolu 460. Fejn tali fluss 'il barra iktar baxx jista' jiġi applikat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar ir-riżultat tal-proċess imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 20(1). It-twettiq tal-kondizzjonijiet għal tali fluss ’l barra aktar baxxi għandu jiġu riveduti b’mod regolari mill-awtoritajiet kompetenti.

10. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tkompli tispeċifika l-kriterji oġġettivi addizzjonali msemmija fil-paragrafu 9.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta’ Jannar 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 423

Flussi 'l barra Addizzjonali

1. Kollateral għajr l-assi msemmija fl-Artikolu 416(1)(a), (b) u (c), li jiġi depożitat mill-istituzzjoni għall-kuntratti elenkati fl-Anness II u derivattivi tal-kreditu, għandu jkun soġġett għal fluss ’il barra addizzjonali ta’ 20 %.

▼M8

2. Istituzzjoni għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti bil-kuntratti kollha li jkunu saru fejn il-kondizzjonijiet kuntrattwali tagħhom iwasslu għal flussi 'l barra ta' likwidità jew ħtiġijiet addizzjonali ta' kollateral, fi żmien 30 jum wara degradazzjoni materjali fil-kwalità tal-kreditu tal-istituzzjoni. Meta l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw dawk il-kuntratti bħala materjali għall-flussi 'l barra potenzjali ta' likwidità tal-istituzzjoni, għandhom jeħtieġu li l-istituzzjoni żżid fluss 'il barra addizzjonali għal dawk il-kuntratti, li għandu jikkorrispondi għall-ħtiġijiet kollaterali addizzjonali li jirriżultaw minn degradazzjoni materjali fil-kwalità tal-kreditu tagħha, bħal deklassament ta' tliet livelli fil-valutazzjoni tal-kreditu esterna tagħha. L-istituzzjoni għandha regolarment tirrevedi d-daqs ta' din id-degradazzjoni materjali fid-dawl ta' dak li hu rilevanti taħt il-kuntratti li tkun daħlet għalihom, u għandha tinnotifika r-riżultat tar-reviżjoni tagħha lill-awtoritajiet kompetenti.

▼M8

3. L-istituzzjoni għandha żżid fluss'il barra addizzjonali li għandha tikkorrispondi għall-ħtiġijiet kollaterali li jirriżultaw mill-impatt ta' xenarju negattiv tas-suq fuq it-tranżazzjonijiet ta' derivattivi tagħha jekk ikunu materjali.

L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kondizzjonijiet li bihom il-kunċett tal-materjalità jista' jiġi applikat u li jispeċifikaw il-metodi għall-kalkolu tal-fluss 'il barra addizzjonali.

L-ABE għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-31 ta' Marzu 2014.

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni li tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

4. L-istituzzjoni għandha żżid fluss ’il barra addizzjonali li jikkorrispondi għall-valur tas-suq ta' titoli jew assi oħra mibjugħa bin-nieqes u li għandhom jiġu konsenjati fil-perijodu ta’ 30 ġurnata sakemm l-istituzzjoni ma tkunx is-sid tat-titoli li jridu jiġu konsenjati jew tkun isselfithom b’termini li jeħtieġu r-ritorn tagħhom biss wara l-perijodu ta’ 30 ġurnata u t-titoli ma jiffurmawx parti mill-assi likwidi tal-istituzzjoni.

5. L-istituzzjoni għandha żżid fluss ’il barra addizzjonali li jikkorrispondi għall-:

(a) kollateral eċċessiv miżmum mill-istituzzjoni li jista' jissejjaħ kuntrattwalment fi kwalunkwe waqt mill-kontroparti;

(b) kollateral li huwa dovut li għandu jintradd lill-kontroparti;

(c) kollateral li jikkorrispondi għall-assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi għall-finijiet tal-Artikolu 416 li jistgħu jiġu sostitwiti għal assi li jikkorrispondu għal assi li ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi għall-finijiet tal-Artikolu 416 mingħajr il-kunsens tal-istituzzjoni.

6. Id-depożiti rċevuti bħala kollateral m'għandhomx jitqiesu bħala obbligazzjonijiet għall-finijiet tal-Artikolu 422 iżda għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu meta applikabbli.

Artikolu 424

Flussi 'l barra minn faċilitajiet ta’ kreditu u ta’ likwidità

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw flussi ’l barra minn faċilitajiet ta’ kreditu impenjati u faċilitajiet ta’ likwidità impenjati, li għandhom jiġu determinati bħala perċentwal tal-ammont massimu li jista’ jinġibed matul it-30 ġurnata li jmiss. Dan l-ammont massimu li jista’ jinġibed jista’ jiġi vvalutat wara li jitnaqqas kull rekwiżit ta' likwidità obbligat skont l-Artikolu 420(2) għall-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ għall-finanzjament tal-kummerċ u wara li jitnaqqas il-valur skont l-Artikolu 418 tal-kollateral li għandu jiġi pprovdut jekk l-istituzzjoni tista’ tuża mill-ġdid il-kollateral u jekk il-kollateral ikun fil-forma ta’ assi likwidi skont l-Artikolu 416. Il-kollateral li jrid jiġi pprovdut ma għandux ikun assi maħruġ mill-kontroparti tal-faċilità jew waħda mill-entitajiet affiljati tagħha. Jekk l-informazzjoni neċessarja tkun disponibbli għall-istituzzjoni, l-ammont massimu li jista’ jinġibed għall-faċilitajiet ta’ kreditu u ta’ likwidità għandu jiġi determinat bħala l-ammont massimu li jista’ jinġibed minħabba obbligi proprji tal-kontroparti jew minħabba l-iskeda predefinita kuntrattwali għall-ġbid ta' self li jkunu ser isiru dovuti matul it-30 ġurnata li jmiss.

▼B

2. L-ammont massimu li jista' jinġibed minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux miġbuda u faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux miġbuda matul it-30 ġurnata li jmiss għandu jiġi multiplikat b'5 % jekk dawn jikkwalifikaw għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur skont l-approċċ Standardizzat jew IRB għar-riskju tal-kreditu.

3. L-ammont massimu li jista' jinġibed minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux miġbuda u faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux miġbuda matul it-30 ġurnata li jmiss għandu jiġi multiplikat b'10 % meta dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jikkwalifikawx għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur skont l-approċċ Standardizzat jew IRB għar-riskju tal-kreditu;

(b) ikunu pprovduti lill-klijenti li mhumiex klijenti finanzjarji;

(c) ma jkunux ingħataw sabiex jiġi sostitwit il-finanzjament tal-klijent f'sitwazzjonijiet fejn ma jistax jikseb ir-rekwiżiti ta' finanzjament tiegħu fis-swieq finanzjarji.

▼M8

4. L-ammont impenjat ta' faċilità ta' likwidità li jkun ġie pprovdut lil SSPE bil-għan li jippermetti lil dik l-SSPE tixtri assi, għajr it-titoli, mingħand klijenti li mhumiex klijenti finanzjarji għandu jiġi multiplikat b'10 %, sakemm l-ammont impenjat jaqbeż l-ammont ta' assi attwalment mixtrija mill-klijenti u li l-ammont massimu li jista' jiġi prelevat ikun kuntrattwalment limitat għall-ammont ta' assi attwalment mixtrija.

▼B

5. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw l-ammont massimu li jista' jinġibed minn faċilitajiet ta' kreditu impenjati mhux miġbuda u faċilitajiet ta' likwidità impenjati mhux miġbuda matul it-30 ġurnata li jmiss. Dan japplika b'mod partikolari għal dawn li ġejjin:

(a) faċilitajiet ta' likwidità li l-istituzzjoni tat lill-SSPEs għajr dawk imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 3;

(b) arranġamenti li bihom l-istituzzjoni tkun meħtieġa tixtri jew tisswapja assi minn SSPE;

(c) faċilitajiet estiżi għall-istituzzjonijiet tal-kreditu;

(d) faċilitajiet estiżi għall-istituzzjonijiet finanzjarji u ditti ta' investiment.

6. B'deroga mill-paragrafu 5, l-istituzzjonijiet li ġew stabbiliti u li huma sponsorjati mill-inqas minn gvern ċentrali jew reġjonali ta' Stat Membru jistgħu japplikaw it-trattamenti stipulati fil-paragrafi 2 u 3 anki fuq faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità li jingħataw lill-istituzzjonijiet għall-iskop uniku ta' finanzjament b'mod dirett jew indirett ta' self promozzjonali li jikkwalifika għall-klassijiet ta' skopertura msemmija f'dawk il-paragrafi. ►C2 B'deroga mill-punt (g) tal-Artikolu 425(2), fejn dak is-self promozzjonali jingħata ◄ permezz ta' istituzzjoni oħra bħala intermedjarja (self ittrasferit), l-istituzzjonijiet li jagħtu dak is-self promozzjonali lill-benefiċjarju finali jistgħu japplikaw fluss simetriku 'il ġewwa u 'l barra. Dak is-self promozzjonali għandu jkun disponibbli biss għal persuni li mhumiex klijenti finanzjarji fuq bażi mhux kompetittiva u mhux għall-profitt sabiex jiġu promossi l-objettivi tal-politika pubblika tal-Unjoni u/jew tal-gvern ċentrali jew reġjonali ta' dak l-Istat Membru. Għandu jkun possibbli biss li jinġibdu minn tali faċilitajiet wara t-talba raġonevolment mistennija għal self promozzjonali u sal-ammont ta' tali talba marbuta ma' rappurtar sussegwenti dwar l-użu tal-fondi mogħtija.

▼B

Artikolu 425

Flussi 'l ġewwa

▼M10

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw il-flussi ’l ġewwa tal-likwidità tagħhom. Il-flussi ’l ġewwa tal-likwidità għandhom ikunu limitati għal massimu ta’ 75 % tal-flussi ’l barra tal-likwidità. L-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw flussi ’l ġewwa tal-likwidità minn depożiti li jkunu saru ma’ istituzzjonijiet oħra li jikkwalifikaw għat-trattamenti stabbiliti fl-Artikolu 113(6) jew (7) ta’ dan ir-Regolament minn dak il-limitu massimu.

L-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw flussi ’l ġewwa tal-likwidità minn flejjes dovuti minn mutwatarji jew investituri ta’ bonds fejn dawk il-flussi ’l ġewwa jkunu relatati ma’ self ipotekarju ffinanzjat minn bonds eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 129(4), (5) jew (6) ta’ dan ir-Regolament jew minn bonds koperti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (EU) 2019/2162 minn dak il-limitu massimu. L-istituzzjonijiet jistgħu jeżentaw flussi ’l ġewwa minn self promozzjonali li l-istituzzjonijiet ikunu għaddew. Soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti responsabbli għas-superviżjoni fuq bażi individwali, l-istituzzjoni tista’ teżenta parzjalment jew kompletament flussi ’l ġewwa fejn il-fornitur tal-likwidità jkun istituzzjoni prinċipali jew istituzzjoni sussidjarja tal-istituzzjoni, jew ditta prinċipali jew sussidjarja ta’ investiment tal-istituzzjoni, jew sussidjarja oħra tal-istess istituzzjoni prinċipali jew tal-istess ditta prinċipali ta’ investiment, jew ikun relatatat mal-istituzzjoni kif stabbilit fl-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE.

▼B

2. Il-flussi ’il ġewwa tal-likwidità għandhom jitkejlu fuq it-30 ġurnata li jmiss. Għandhom jiġu inklużi biss il-flussi ’il ġewwa kuntrattwali minn skoperturi li ma jkunux wara d-data tal-għeluq u li l-istituzzjoni ma jkollhiex raġuni għalfejn tistenna minnhom nuqqas ta’ prestazzjoni matul il-perijodu ta’ 30 ġurnata. Il-flussi ’il ġewwa ta' likwidità għandhom jiġu rapportati b'mod sħiħ bil-flussi ’il ġewwa li ġejjin jkunu rapportati separatament:

(a) flejjes dovuti minn klijenti li mhumiex klijenti finanzjarji għall-finijiet tal-pagament tal-ammont kapitali għandhom jitnaqqsu b’50 % tal-valur tagħhom jew bl-impenji kuntrattwali lil dawk il-klijenti sabiex jiġi estiż il-finanzjament, liema minnhom ikun l-ogħla. Dan ma japplikax għal flejjes dovuti minn self garantit u transazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 192 li jkunu kollateralizzati minn assi likwidi skont l-Artikolu 416 kif imsemmi fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt, l-istituzzjonijiet li jkunu rċevew impenn imsemmi fl-Artikolu 424(6) sabiex ikunu jistgħu jagħtu self promozzjonali lil riċevitur finali jistgħu jirrikonoxxu fluss ’il ġewwa sal-limitu ta' fluss ’il barra li huma japplikaw għall-impenn korrispondenti biex jagħtu dak is-self promozzjonali;

(b) flejjes dovuti minn transazzjonijiet li jiffinanzjaw in-negozju msemmija fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 162(3) b'maturità reżidwa sa 30 ġurnata, għandhom jiġu kkunsidrati totalment bħala flussi ’il ġewwa;

▼M8

(c) is-self b'data ta' skadenza kuntrattwali indefinita jiġi kunsidrat bi fluss ta' dħul ta' 20 %, diment li l-kuntratt jippermetti lill-istituzzjoni biex tirtira minn u titlob pagament fi żmien 30 ġurnata;

▼B

(d) flejjes dovuti minn self garantit u transazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 192 jekk ikunu kollateralizzati minn assi likwidi kif imsemmi fl-Artikolu 416(1), ma għandhomx jiġu kkunsidrati sal-valur nett tat-telf impost tal-assi likwidi u għandhom jiġu kkunsidrati b'mod sħiħ għall-flejjes dovuti li jifdal;

(e) flejjes dovuti li l-istituzzjoni li għandha tagħti dawn il-flejjes tittrattahom skont l-Artikolu 422(3) u (4), għandhom jiġu mmultiplikati bi fluss simettriku ’l ġewwa korrispondenti;

(f) flejjes dovuti minn pożizzjonijiet fi strumenti ta' ekwità ta' indiċi prinċipali dment li l-assi likwidi ma jingħaddux darbtejn;

(g) kwalunkwe faċilità ta' kreditu jew ta' likwidità mhux miġbuda u kwalunkwe impenn ieħor riċevut m'għandux jiġi kkunsidrat.

3. Il-flussi ’l barra u l-flussi ’il ġewwa mistennija matul il-perijodu ta’ 30 ġurnata mill-kuntratti elenkati fl-Anness II għandhom jiġu riflessi fuq bażi netta fost il-kontropartijiet u għandhom jiġu multiplikati b’100 % f’każ ta’ fluss ’l ġewwa nett. Bażi netta għandha tfisser ukoll in-nett tal-kollateral li għandu jiġi riċevut li jikkwalifika bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416.

4. B'deroga mill-punt (g) tal-paragrafu 2, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu permess sabiex jiġi applikat, fluss ’il ġewwa ogħla fuq skont il-bażi għal faċilitajiet ta’ kreditu u ta’ likwidità meta jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) ikun hemm raġunijiet biex wieħed jistenna fluss ’il ġewwa ogħla anki taħt suq ikkombinat u stress idjosinkratiku tal-fornitur;

▼M17

(b) il-kontroparti tkun istituzzjoni prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni jew sussidjarja oħra tal-istess istituzzjoni prinċipali jew tkun marbuta mal-istituzzjoni b'relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE jew tkun membru tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7) ta' dan ir-Regolament jew l-istituzzjoni ċentrali jew membru ta' network li jkun soġġett għall-eżenzjoni msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament;

▼B

(c) fluss ’il barra korrispondenti simetriku jew iktar konservattiv ikun applikat mill-kontroparti b'deroga mill-Artikolu 422, 423 u 424;

(d) l-istituzzjoni u l-kontroparti huma stabbiliti fl-istess Stat Membru.

5. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw il-kondizzjoni stabbilita fil-punt (d) tal-paragrafu 4 fejn jiġi applikat l-Artikolu 20(1)(b). F'dak il-każ għandhom jintlaħqu kriterji oġġettivi addizzjonali kif stabbiliti fl-att iddelegat imsemmi fl-Artikolu 460. Fejn tali fluss 'il barra iktar baxx jista’ jiġi applikat, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-ABE dwar ir-riżultat tal-proċess imsemmi fl-Artikolu 20(1)(b). It-twettiq tal-kondizzjonijiet għal tali fluss ’l barra aktar baxxi għandu jiġu riveduti b’mod regolari mill-awtoritajiet kompetenti.

▼B

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tkompli tispeċifika l-kriterji oġġettivi addizzjonali msemmija fil-paragrafu 5.

L-ABE għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2015.

Il-Kummissjoni hija ddelegata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

7. L-istituzzjonijiet ma għandhom jirrappurtaw fluss 'il ġewwa mill-ebda wieħed mill-assi likwidi rrappurtati skont l-Artikolu 416 għajr il-pagamenti dovuti fuq l-assi li ma jkunux riflessi fil-valur tas-suq tal-ass.

8. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jirrappurtaw flussi 'il ġewwa minn ebda obbligu ġdid li jkunu daħlu għalih.

9. L-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw biss il-flussi 'il ġewwa ta' likwidità li għandu jiġi riċevut f'pajjiżi terzi fejn hemm restrizzjonijiet fuq it-trasferiment jew li jkun denominat f'muniti mhux konvertibbli sakemm jikkorrispondu għall-flussi 'l barra rispettivament fil-pajjiż terz jew fil-munita inkwistjoni.

Artikolu 426

Aġġornament tar-rekwiżiti futuri dwar il-likwidità

Wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' att iddelegat biex jispeċifika r-rekwiżit dwar il-likwidità skont l-Artikolu 460, l-ABE tista' tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi biex tispeċifika l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 421(1), l-Artikolu 422, bl-eċċezzjoni tal-paragrafi 8, 9 u 10 ta' dak l-Artikolu, u l-Artikolu 424 biex jittieħed kont tal-istandards maqbula internazzjonalment.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel paragrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

TITOLU III

RAPPURTAR DWAR FINANZJAMENT STABBLI

Artikolu 427

Elementi li jipprovdu finanzjament stabbli

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrappurtaw lill-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mar-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti fl-Artikolu 415 (1) u l-formats uniformi ta' rappurtar imsemmija fl-Artikolu 415(3), l-elementi li ġejjin u l-komponenti tagħhom sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tad-disponibbiltà ta' finanzjament stabbli:

▼B

(a) il-fondi proprji li ġejjin, wara li jiġi applikat it-tnaqqi,s fejn adatt:

(i) strumenti ta' kapital ta' Grad 1;

(ii) strumenti ta' kapital ta' Grad 2;

(iii) ishma privileġġati u strumenti ta' kapital oħrajn li jaqbżu l-ammont awtorizzat mill-Grad 2 li għandhom maturità effettiva ta' sena jew aktar;

(b) l-obbligazzjonijiet li ġejjin mhux inklużi fil-punt (a):

(i) depożiti fil-livell ta' konsumatur li jikkwalifikaw għat-trattament stipulat fl-Artikolu 421(1);

(ii) depożiti fil-livell ta' konsumatur li jikkwalifikaw għat-trattament stipulat fl-Artikolu 421(2)

(iii) depożiti li jikkwalifikaw għat-trattament stipulat fl-Artikolu 422 (3) u (4);

(iv) mid-depożiti msemmija fil-punt (iii), dawk li huma soġġetti għal skema ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 94/19/KE ►C2 jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'garanziji tad-depożiti ta' pajjiż terz fit-termini tal-Artikolu 421(1); ◄

(v) mid-depożiti msemmija fil-punt (iii), dawk li jaqgħu taħt il-punt (b) fl-Artikolu 422(3);

(vi) mid-depożiti msemmija fil-punt (iii), dawk li jaqgħu taħt il-punt (d) fl-Artikolu 422(3);

(vii) ammonti depożitati li ma jaqgħux taħt il-punt (i), (ii) jew (iii) jekk ma jkunux depożitati minn klijenti finanzjarji;

(viii) il-finanzjament kollu miksub minn klijenti finanzjarji;

(ix) b'mod separat għall-ammonti li jaqgħu taħt il-punti (vii) u (viii) rispettivament, finanzjament minn għoti ta' self garantit u transazzjonijiet immotivati mis-swieq kapitali kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 192:

— kollateralizzati minn assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416;

— kollateralizzati minn kwalunkwe assi oħra;

▼M10

(x) obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn titoli maħruġa li jikkwalifikaw għat-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) ta' dan ir-Regolament jew minn bonds koperti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2019/2162;

▼B

(xi) l-obbligazzjonijiet l-oħra li ġejjin li jirriżultaw minn titoli maħruġa li ma jaqgħux taħt punt (a):

— obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn titoli maħruġa b'maturità effettiva ta' sena jew aktar;

— obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn titoli maħruġa b'maturità effettiva ta' anqas minn sena,

(xii) kwalunkwe obbligazzjoni oħra.

2. Fejn applikabbli, l-elementi kollha għandhom jiġu ppreżentati fil-ħames taqsimiet li ġejjin skont liema jkunu l-aktar viċin id-data tal-maturità tagħhom u l-iktar data kmieni li fiha jistgħu jissejħu kuntrattwalment:

(a) fi żmien tliet xhur;

(b) bejn tliet xhur u sitt xhur;

(c) bejn sitt xhur u disa' xhur;

(d) bejn disa' xhur u 12-il xahar;

(e) wara 12-il xahar.

Artikolu 428

Elementi li jeħtieġu finanzjament stabbli

1. Sakemm ma jkunux imnaqqsin mill-fondi proprji, l-elementi li ġejjin għandhom jiġu rrappurtati lill-awtoritajiet kompetenti b'mod separat sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni tal-ħtiġijiet għal finanzjament stabbli:

(a) l-assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi skont l-Artikolu 416, maqsuma skont it-tip ta' ass;

(b) it-titoli u l-istrumenti tas-suq tal-flus li ġejjin li mhux inklużi fil-punt (a):

(i) assi li jikkwalifikaw għall-klassi ta' kreditu 1 skont l-Artikolu 122;

(ii) assi li jikkwalifikaw għall-klassi ta' kreditu 2 skont l-Artikolu 122;

(iii) assi oħrajn;

(c) titoli ta' ekwità ta' entitajiet li mhumiex finanzjarji elenkati fuq indiċi ewlieni f'borża rikonoxxuta;

(d) titoli ta' ekwità oħra;

(e) deheb;

(f) metall prezzjuż ieħor;

▼B

(g) self mhux rinovabbli u riċevibbli, u separatament dawk is-self mhux rinnovabbli u riċevibbli li għalihom il-mutwatarji huma:

(i) persuni fiżiċi għajr proprjetarji kummerċjali uniċi u soċjetajiet;

(ii) SMEs li jikkwalifikaw għall-klassi ta' skopertura fil-livell ta' konsumatur taħt l-approċċi Standardizzati jew IRB għar-riskju tal-kreditu jew lejn kumpannija li hija eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 153(4) u fejn id-depożitu aggregat magħmul minn dak il-klijent jew grupp ta' klijenti konnessi jkun ta' inqas minn EUR 1 miljun;

(iii) sovrani, banek ċentrali u entitajiet tas-settur pubbliku;

(iv) klijenti mhux imsemmija fil-punti (i) u (ii) għajr konsumaturi finanzjarji;

(v) klijenti mhux imsemmija fil-punti (i), (ii) u (iii) li huma konsumaturi finanzjarji, u b'mod separat dawk li huma istituzzjonijiet ta' kreditu u konsumaturi finanzjarji oħrajn;

(h) self mhux rinnovabbli u riċevibbli msemmijin fil-punt(g), u b'mod separat dawk li huma:

▼C2

(i) ikkollateralizzati bi proprjetà immobbli kummerċjali (CRE);

(ii) ikkollateralizzati bi proprjetà residenzjali (RRE);

▼M10

(iii) finanzjati b'finanzjament simetriku(pass-through) permezz ta' bonds eliġibbli għat-trattament kif stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) ta' dan ir-Regolament jew permezz ta' bonds koperti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2019/2162;

▼B

(i) riċevibbli ta' derivati;

(j) assi oħra;

▼M17

(k) faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbuda li jikkwalifikaw bħala entrati tal-bucket 4, bucket 3 jew bucket 2 skont l-Anness I.

▼B

2. Fejn applikabbli, l-elementi kollha għandhom jiġu ppreżentati fil-ħames taqsimiet deskritti fl-Artikolu 427(2).

▼M8

TITOLU IV

IL-PROPORZJON TA' FINANZJAMENT STABBLI NETT

KAPITOLU 1

Il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett

Artikolu 428a

Applikazzjoni fuq bażi konsolidata

Meta l-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett stipulat f'dan it-Titolu japplika fuq bażi konsolidata f'konformità mal-Artikolu 11(4), għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

▼M8

(a) l-assi u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ ta' sussidjarja li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz li jkunu soġġetti għal fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġa skont ir-rekwiżit ta' finanzjament stabbli nett stipulat fil-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz li jkunu ogħla minn dawk speċifikati fil-Kapitolu 4 għandhom ikunu soġġetti għal konsolidazzjoni f'konformità mal-fatturi ogħla speċifikati fil-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz;

(b) l-obbligazzjonijiet u l-fondi proprji f'impriża sussidjarja li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz li jkunu soġġetti għal fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli skont ir-rekwiżit ta' finanzjament stabbli nett stipulat fil-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz li jkunu aktar baxxi minn dawk speċifikati fil-Kapitolu 3 għandhom ikunu soġġetti għall-konsolidazzjoni f'konformità mal-fatturi aktar baxxi speċifikati fil-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz;

(c) l-assi ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) u li jkunu miżmumin minn impriża sussidjarja li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz ma jkunux rikonoxxuti bħala assi likwidi għal finijiet għal konsolidazzjoni meta dawn ma jikkwalifikawx bħala assi likwidi skont il-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz li jistabbilixxi r-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità.

▼M9

_____

▼M8

Artikolu 428b

Il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett

1. Ir-rekwiżit ta' finanzjament stabbli nett stabbilit fl-Artikolu 413(1) għandu jkun ugwali għall-proporzjon tal-finanzjament stabbli disponibbli ta' istituzzjoni kif imsemmi fil-Kapitolu 3 għall-finanzjament stabbli meħtieġ tal-istituzzjoni kif imsemmi fil-Kapitolu 4, u għandu jiġi espress bħala perċentwali. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett tagħhom f'konformità mal-formula li ġejja:

$$\frac{\text{Finanzjament stabbli disponibbli}}{\text{Finanzjament stabbli meħtieġ}} = \text{Proporzjon ta' finanzjament stabbli nett (\%)}$$

2. L-istituzzjonijiet għandhom iżommu proporzjon ta' finanzjament stabbli nett ta' mill-inqas 100 %, ikkalkulat fil-munita tar-rappurtar għat-tranżazzjonijiet tagħhom kollha, irrispettivament mid-denominazzjoni tal-munita attwali tagħhom.

3. Meta, fi kwalunkwe ħin, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett ta' istituzzjoni jkun waqa' taħt il-100 %, jew jista' raġonevolment ikun mistenni li ser jaqa' taħt il-100 %, għandu japplika r-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 414. L-istituzzjoni għandu jkollha l-għan li tirrestawra l-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett tagħha għal-livell imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivvalutaw ir-raġunijiet għan-nuqqas tal-istituzzjoni li tikkonforma mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu qabel ma jieħdu kwalunkwe miżura superviżorja.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw u jimmonitorjaw il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett tagħhom fil-munita tar-rappurtar għat-tranżazzjonijiet tagħhom kollha, irrispettivament mid-denominazzjoni tal-munita attwali tagħhom, u separatament għat-tranżazzjonijiet tagħhom denominati f'kull waħda mill-muniti li huma soġġetti għal rappurtar separat f'konformità mal-Artikolu 415(2).

▼M8

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li d-distribuzzjoni tal-profil ta' finanzjament tagħhom skont id-denominazzjoni tal-munita tkun ġeneralment konsistenti mad-distribuzzjoni tal-assi tagħhom skont il-munita. Fejn adatt, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu lill-istituzzjonijiet jirrestrinġu l-ispariġġi bejn il-muniti billi jistabbilixxu limiti għall-proporzjon ta' finanzjament stabbli meħtieġ f'munita partikolari li jistgħu jintlaħqu mill-finanzjament stabbli disponibbli li mhuwiex denominat f'dik il-munita. Dik ir-restrizzjoni tista' tiġi applikata biss għal munita li tkun soġġetta għal rappurtar separat f'konformità mal-Artikolu 415(2).

Fid-determinazzjoni tal-livell ta' kwalunkwe restrizzjoni fuq spariġġi bejn il-muniti li tista' tiġi applikata f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw tal-inqas:

(a) jekk l-istituzzjoni għandhiex il-kapaċità tittrasferixxi l-finanzjament stabbli disponibbli minn munita waħda għal oħra u bejn ġurisdizzjonijiet u entitajiet legali fi ħdan il-grupp tagħha u l-abbiltà li taqleb il-muniti u tikseb fondi fis-swieq tal-kambju barrani matul il-perijodu ta' sena tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett;

(b) l-impatt ta' movimenti ħżiena fir-rata tal-kambju fuq pożizzjonijiet ta' spariġġ eżistenti u fuq l-effettività ta' kwalunkwe hedges ta' skambju ta' valuti barranin li hemm fis-seħħ.

Kull restrizzjoni fuq l-ispariġġi bejn il-muniti, imposta f'konformità ma' dan l-Artikolu, għandha tikkostitwixxi rekwiżit ta' likwidità speċifiku kif msemmi fl-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE.

KAPITOLU 2

Regoli ġenerali għall-kalkolu tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett

Artikolu 428c

Kalkolu tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan it-Titolu, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-assi, l-obbligazzjonijiet u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ fuq bażi grossa.

2. Għall-fini tal-kalkolu tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett tagħhom, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli adatt stipulat fil-Kapitoli 3 u 4 għall-valur tal-kontabbiltà tal-assi, l-obbligazzjonijiet u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tagħhom, sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan it-Titolu.

3. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jgħoddu għal darbtejn il-finanzjament stabbli meħtieġ u l-finanzjament stabbli disponibbli.

Sakemm fejn speċifikat mod ieħor f'dan it-Titolu, fejn element jista' jiġi allokat lil iktar minn kategorija waħda ta' finanzjament stabbli meħtieġ, għandu jiġi allokat lill-kategorija ta' finanzjament stabbli meħtieġ li tipproduċi l-akbar finanzjament stabbli kuntrattwali meħtieġ għal dak l-element.

Artikolu 428d

Kuntratti tad-derivattivi

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan l-Artikolu biex jikkalkulaw l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ għal kuntratti tad-derivattivi kif imsemmi fil-Kapitoli 3 u 4.

▼M8

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 428ah(2), l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-valur ġust ta' pożizzjonijiet derivattivi fuq bażi netta meta dawn il-pożizzjonijiet jkunu inklużi fl-istess sett tan-netting li jissodisfa r-rekwiżiti stipulat fl-Artikolu 429c(1). Meta dak ma jkunx il-każ, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-valur ġust ta' pożizzjonijiet derivattivi fuq bażi grossa u għandhom jittrattaw dawk il-pożizzjonijiet derivattivi bħala li jappartjenu għas-sett tan-netting tagħhom stess għall-finijiet tal-Kapitolu 4.

3. Għall-finijiet ta' dan it-Titolu, il-'valur ġust ta' sett tan-netting' ifisser is-somma tal-valuri ġusti tat-tranżazzjonijiet kollha inklużi f'sett tan-netting.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 428ah(2), il-kuntratti tad-derivattivi kollha elenkati fil-punti 2(a) sa (e) tal-Anness II li jinvolvu skambju sħiħ ta' ammonti prinċipali fl-istess data għandhom jiġu kalkulati fuq bażi netta bejn il-muniti, inkluż għall-fini tar-rappurtar f'munita li tkun soġġetta għal rappurtar separat f'konformità mal-Artikolu 415(2), anke fejn dawk it-tranżazzjonijiet mhumiex inklużi fl-istess sett ta' netting li jissodisfa r-rekwiżiti stipulat fl-Artikolu 429c(1).

5. Il-flus li jiġu riċevuti bħala kollateral biex jimmitigaw l-iskopertura ta' pożizzjoni derivattiva għandhom jiġu trattati kif adatt u m'għandhomx jiġu trattati bħala depożiti li japplika għalihom il-Kapitolu 3.

6. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu, bl-approvazzjoni tal-bank ċentrali rilevanti, li jneħħu l-impatt tal-kuntratti derivattivi fuq il-kalkolu tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, inkluż permezz tad-determinazzjoni ta' fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ u ta' provvedimenti u telf, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) dawk il-kuntratti għandhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur;

(b) il-kontroparti hija l-BĊE jew il-bank ċentrali ta' Stat Membru;

(c) il-kuntratti tad-derivattivi jservu l-politika monetarja tal-BĊE jew tal-bank ċentrali ta' Stat Membru.

Meta sussidjarja li jkollha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'pajjiż terz tibbenefika mir-rinunzja msemmija fl-ewwel subparagrafu skont il-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz li jistabbilixxi r-rekwiżit ta' finanzjament stabbli nett, dik ir-rinunzja mit-tneħħija msemmija fl-ewwel subparagrafu, dik ir-rinunzja kif speċifikata fil-liġi nazzjonali tal-pajjiż terz għandha titqies għall-finijiet ta' konsolidazzjoni.

Artikolu 428e

Netting tat-tranżazzjonijiet tas-self garantit u tat-tranżazzjonijiet immotivati mis-suq kapitali

Assi u obbligazzjonijiet li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli ma' kontroparti unika għandhom jiġu kalkulati fuq bażi netta, dment li dawk l-assi u l-obbligazzjonijiet jikkonformaw mal-kondizzjonijiet tan-netting stipulat fl-Artikolu 429b(4).

Artikolu 428f

Assi u obbligazzjonijiet interdipendenti

1. Soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti, istituzzjoni tista' titratta assi u obbligazzjoni bħala interdipendenti, dment li jiġu ssodisfatti l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼M8

(a) l-istituzzjoni taġixxi biss bħala unità pass-through biex twassal il-finanzjament mill-obbligazzjoni fl-assi interdipendenti korrispondenti;

(b) l-assi u l-obbligazzjonijiet interdipendenti individwali jkunu identifikabbli b'mod ċar u jkollhom l-istess ammont prinċipali;

(c) l-assi u l-obbligazzjoni interdipendenti għandhom maturitajiet sostanzjalment simetriċi, b'dewmien massimu ta' 20 ġurnata bejn il-maturità tal-assi u l-maturità tal-obbligazzjoni;

(d) l-obbligazzjoni interdipendenti tkun ġiet mitluba skont impenn legali, regolatorju jew kuntrattwali u ma tintużax biex tiffinanzja assi oħra;

(e) il-flussi ta' ħlas prinċipali mill-assi ma jintużawx għal finijiet oħra għajr il-ħlas lura tal-obbligazzjoni interdipendenti;

(f) il-kontropartijiet għal kull par ta' assi u obbligazzjonijiet interdipendenti mhumiex l-istess.

2. Assi u obbligazzjonijiet għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 u jitqiesu bħala interdipendenti fejn huma marbuta direttament mal-prodotti jew is-servizzi li ġejjin:

(a) tfaddil regolat ċentralizzat, dment li l-istituzzjonijiet ikunu legalment meħtieġa jittrasferixxu d-depożiti regolati għal fond ċentralizzat li huwa stabbilit u kontrollat mill-gvern ċentrali ta' Stat Membru u li jipprovdi self biex jippromwovi l-objettivi ta' interess pubbliku, u dment li t-trasferiment ta' depożiti għall-fond ċentralizzat isseħħ tal-inqas fuq bażi ta' kull xahar;

(b) self promozzjonali u faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità li jissodisfaw il-kriterji sttipulati fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għal istituzzjonijiet li jaġixxu ta' intermedjarji sempliċi li ma jsofru l-ebda riskju ta' finanzjament;

(c) bonds koperti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikunu bonds imsemmija fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE jew jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għat-trattament stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) ta' dan ir-Regolament;

(ii) is-self sottostanti jkun finanzjat b'mod kompletament mill-bonds koperti li kienu maħruġa jew il-bonds koperti jkollhom skattaturi tal-maturità estendibbli mhux diskrezzjonarji ta' sena waħda jew aktar sat-terminu tas-self sottostanti fil-każ ta' nuqqas ta' rifinanzjament fid-data tal-maturità tal-bond kopert;

(d) attivitajiet tal-ikklerjar tal-klijenti tad-derivattivi, dment li l-istituzzjoni ma tipprovdix garanziji tal-prestazzjoni tas-CCP lill-klijenti tagħha u, b'riżultat, ma ssofri l-ebda riskju ta' finanzjament.

▼M8

3. L-ABE għandha timmonitorja l-assi u l-obbligazzjonijiet, kif ukoll il-prodotti u s-servizzi li huma ttrattati bħala assi u obbligazzjonijiet interdipendenti skont il-paragrafi 1 u 2, biex tiddetermina jekk u sa fejn huma ssodisfati l-kriterji ta' adegwatezza stabbiliti fil-paragrafu 1. L-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati ta' dak il-monitoraġġ u għandha tagħti parir lill-Kummissjoni dwar jekk hijiex meħtieġa emenda għall-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1 jew emenda għal-lista ta' prodotti u servizzi fil-paragrafu 2.

Artikolu 428g

Depożiti fi skemi ta' protezzjoni istituzzjonali u netwerks kooperattivi

Meta istituzzjoni tappartjeni għal skema ta' protezzjoni istituzzjonali tat-tip imsemmi fl-Artikolu 113(7), għal netwerk li jkun eliġibbli għar-rinunzja prevista fl-Artikolu 10, jew għal netwerk kooperattiv fi Stat Membru, id-depożiti ta' domanda li l-istituzzjoni żżomm mal-istituzzjoni ċentrali u li l-istituzzjoni depożitanti tqis bħala assi likwidi skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandhom ikunu soġġetti għal dawn li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni depożitanti għandha tapplika l-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ adatt skont it-Taqsima 2 tal-Kapitolu 4, skont it-trattament ta' dawk id-depożiti ta' domanda bħala assi ta' livell 1, livell 2A jew livell 2B f'konformità mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) u skont il-haircut rilevanti applikat lil dawk id-depożiti ta' domanda għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità;

(b) l-istituzzjoni ċentrali li tirċievi d-depożitu għandha tapplika l-fattur ta' finanzjament stabbli simetriku korrispondenti disponibbli.

Artikolu 428h

Trattament preferenzjali fi ħdan grupp jew fi ħdan skema ta' protezzjoni istituzzjonali

1. B'deroga mill-Kapitoli 3 u 4, fejn ma japplikax l-Artikolu 428g, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lill-istituzzjonijiet fuq bażi ta' każ b'każ sabiex japplikaw fattur ta' finanzjament stabbli disponibbli ogħla jew fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ iktar baxx għall-assi, l-obbligazzjonijiet u l-faċilitajiet impenjati ta' kreditu jew ta' likwidità, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kontroparti tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) l-impriża prinċipali jew sussidjarja tal-istituzzjoni;

(ii) sussidjarja oħra tal-istess istituzzjoni prinċipali;

(iii) impriża li hija relatata mal-istituzzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 22(7) tad-Direttiva 2013/34/UE;

(iv) membru tal-istess skema ta' protezzjoni istituzzjonali msemmija fl-Artikolu 113(7) ta' dan ir-Regolament bħala l-istituzzjoni;

▼M8

(v) il-korp ċentrali jew istituzzjoni ta' kreditu affiljata ta' netwerk jew grupp kooperattiv kif imsemmi fl-Artikolu 10 ta' dan r-Regolament;

(b) jeżistu raġunijiet biex wieħed jistenna li l-obbligazzjoni jew il-faċilità impenjata ta' kreditu jew ta' likwidità riċevuta mill-istituzzjoni tikkostitwixxi sors ta' finanzjament iktar stabbli, jew li l-assi jew il-faċilità impenjata ta' kreditu jew ta' likwidità mogħtija mill-istituzzjoni tkun tirrikjedi finanzjament inqas stabbli fuq perijodu ta' sena tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett mill-istess obbligazzjoni, assi jew faċilità impenjata ta' kreditu jew ta' likwidità riċevuti jew mogħtija minn kontropartijiet oħra;

(c) il-kontroparti tapplika fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li jkun ugwali għal jew ogħla mill-fattur ogħla ta' finanzjament stabbli disponibbli jew japplika fattur ta' finanzjament stabbli disponibbli li jkun ugwali għal jew anqas mill-fattur aktar baxx ta' finanzjament stabbli meħtieġ;

(d) l-istituzzjoni u l-kontroparti jkunu stabbiliti fl-istess Stat Membru.

2. Meta l-istituzzjoni u l-kontroparti jkunu stabbiliti fi Stati Membri differenti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw għall-kondizzjoni stabbilita fil-punt (d) tal-paragrafu 1, dment li, minbarra l-kriterji stipulati fil-paragrafu 1, ikunu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

(a) jeżistu ftehimiet u impenji legalment vinkolanti bejn entitajiet ta' grupp rigward l-obbligazzjoni, l-assi jew il-faċilità impenjata ta' kreditu jew ta' likwidità;

(b) il-fornitur tal-finanzjament jippreżenta profil tar-riskju tal-finanzjament baxx;

(c) il-profil tar-riskju tal-finanzjament tar-riċevitur tal-finanzjament ikun ittieħed kont tiegħu b'mod adegwat fil-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tal-fornitur tal-finanzjament.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw ma' xulxin f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 20(1) biex jiddeterminaw jekk humiex sodisfatti l-kriterji addizzjonali stipulati f'dan il-paragrafu.

KAPITOLU 3

Finanzjament stabbli disponibbli

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 428i

Kalkolu tal-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, l-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli għandu jiġi kalkulat billi jiġi multiplikat il-valur ta' kontabbiltà ta' diversi kategoriji jew tipi ta' obbligazzjonijiet u fondi proprji bil-fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2. L-ammont totali ta' finanzjament stabbli disponibbli għandu jkun is-somma tal-ammonti ponderati ta' obbligazzjonijiet u fondi proprji.

▼M8

Bonds u titoli ta' dejn oħra li jinħarġu mill-istituzzjoni, mibjugħa b'mod esklussiv fis-suq tal-konsumatur, u miżmuma f'kont fil-livell ta' konsumatur, jistgħu jkunu ttrattati bħala li jappartjenu għall-kategorija adatta ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur. Il-limitazzjonijiet għandhom ikunu fis-seħħ, b'tali mod li dawk l-istrumenti ma jistgħux jinxtraw u jinżammu minn partijiet oħra għajr klijenti fil-livell tal-konsumaturi.

Artikolu 428j

Maturità residwa ta' obbligazzjoni jew ta' fondi proprji

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-maturità kuntrattwali residwa tal-obbligazzjonijiet u l-fondi proprji tagħhom biex jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-opzjonijiet eżistenti biex jiddeterminaw il-maturità residwa ta' obbligazzjoni jew ta' fondi proprji. Huma għandhom jagħmlu dan fuq is-suppożizzjoni li l-kontroparti tifdi opzjonijiet ta' xiri fl-iktar data kmieni possibbli. Għal opzjonijiet li jistgħu jiġu eżerċitati fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont ta' fatturi ta' reputazzjoni li jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-istituzzjoni li ma teżerċitax l-opzjoni, b'mod partikolari l-aspettattivi tas-suq li l-istituzzjonijiet għandhom jifdu ċerti obbligazzjonijiet qabel il-maturità tagħhom.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw depożiti b'perijodi ta' notifika fissi f'konformità mal-perijodu ta' notifika tagħhom, u għandhom jittrattaw id-depożiti ta' żmien fiss f'konformità mal-maturità residwa tagħhom. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet m'għandhomx iqisu opzjonijiet għall-prelevamenti kmieni, meta d-depożitant irid iħallas penali materjali għal prelevamenti kmieni li jseħħu f'anqas minn sena, it-tali penali kif stabbilit fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), biex jiddeterminaw il-maturità residwa ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur ta' żmien fiss.

4. Sabiex jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2, l-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw kwalunkwe porzjon ta' obbligazzjonijiet li jkollhom maturità residwa ta' sena jew iktar li timmatura f'inqas minn sitt xhur u kwalunkwe porzjon minn tali obbligazzjonijiet li jimmaturaw bejn sitt xhur u inqas minn sena bħala li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur u bejn sitt xhur u inqas minn sena, rispettivament.

Taqsima 2

Fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli

Artikolu 428k

Fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Artikoli 428l sa 428o, l-obbligazzjonijiet kollha mingħajr maturità dikjarata, inkluż pożizzjonijiet qosra u pożizzjonijiet b'maturità miftuħa, għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli disponibbli, bl-eċċezzjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) obbligazzjonijiet ta' taxxa differita, li għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-eqreb data possibbli li fiha jistgħu jiġu realizzati tali obbligazzjonijiet;

▼M8

(b) interessi minoritarji, li għandhom jiġu ttrattati f'konformità mat-terminu tal-istrument.

2. Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita u interessi minoritarji kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għal wieħed mill-fatturi li ġejjin:

(a) 0 %, meta l-maturità residwa effettiva tal-obbligazzjoni ta' taxxa differita jew interess minoritarju jkun inqas minn sitt xhur;

(b) 50 %, meta l-maturità residwa effettiva tal-obbligazzjoni ta' taxxa differita jew interess minoritarju jkun ta' minimu ta' sitt xhur iżda inqas minn sena;

(c) 100 %, meta l-maturità residwa effettiva tal-obbligazzjoni ta' taxxa differita jew interess minoritarju tkun sena jew iktar.

▼C8

3. L-obbligazzjonijiet jew l-elementi jew l-istrumenti tal-kapital li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli disponibbli:

▼M8

(a) l-ammonti pagabbli skont id-data tan-negozju li jirriżultaw minn xiri ta' strumenti finanzjarji, ta' muniti barranin u ta' komoditajiet, li jkunu mistennija li jiġu saldati fiċ-ċiklu jew perijodu ta' saldu standard li huwa komuni għall-borża rilevanti jew it-tip ta' tranżazzjonijiet, jew li naqsu milli jiġu saldati, iżda xorta għadhom mistennija li jiġu saldati;

(b) obbligazzjonijiet li jkunu kategorizzati bħala interdipendenti ma' assi f'konformità mal-Artikolu 428f;

(c) obbligazzjonijiet b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur ipprovduti minn:

(i) il-BĊE jew il-bank ċentrali ta' Stat Membru;

(ii) il-bank ċentrali ta' pajjiż terz;

(iii) klijenti finanzjarji;

(d) kwalunkwe obbligazzjonijiet u elementi tal-kapital oħra mhux imsemmija fl-Artikoli 428l sa 428o.

4. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli disponibbli għall-valur assolut tad-differenza, jekk negattiv, bejn is-somma tal-valuri ġusti tas-settijiet kollha tan-netting b'valur ġust pożittiv u s-somma tal-valuri ġusti tas-settijiet kollha tan-netting b'valur ġust negattiv kalkulat f'konformità mal-Artikolu 428d.

Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu:

(a) marġni ta' varjazzjoni riċevut minn istituzzjonijiet mill-kontropartijiet tagħhom għandu jitnaqqas mill-valur ġust ta' sett tan-netting b'valur ġust pożittiv fejn il-kollateral riċevut bħala marġni ta' varjazzjoni jikkwalifika bħala assi ta' livell 1 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), bl-esklużjoni tal-bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna speċifikati f'dak l-att delegat, u fejn l-istituzzjonijiet jkunu intitolati legalment u funzjonalment kapaċi li jużawhom mill-ġdid dak il-kollateral;

(b) il-marġnijiet ta' varjazzjoni kollha depożitati minn istituzzjonijiet mal-kontropartijiet tagħhom għandhom jitnaqqsu mill-valur ġust ta' sett tan-netting b'valur ġust negattiv.

▼M8

Artikolu 428l

Fattur ta' 50 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

▼C8

L-obbligazzjonijiet jew l-elementi jew l-istrumenti tal-kapital li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta’ 50 % ta’ finanzjament stabbli disponibbli:

▼M8

(a) depożiti riċevuti li jissodisfaw il-kriterji għal depożiti operazzjonali stipulati fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1);

(b) obbligazzjonijiet b'maturità residwa ta' inqas minn sena pprovduti minn:

(i) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;

(ii) gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;

(iii) entitajiet tas-settur pubbliku fi Stat Membru jew f'pajjiż terz;

(iv) banek ta' żvilupp multilaterali msemmija fl-Artikolu 117(2) u organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 118;

(v) klijenti korporattivi nonfinanzjarji;

(vi) għaqdiet ta' kreditu awtorizzati minn awtorità kompetenti, kumpanniji ta' investiment personali u klijenti li jkunu sensara tad-depożiti sa fejn dawk l-obbligazzjonijiet ma jaqgħux taħt il-punt (a) ta' dan il-paragrafu;

(c) obbligazzjonijiet b'maturità kuntrattwali residwa ta' minimu ta' sitt xhur izda inqas minn sena li huma pprovduti minn:

(i) il-BĊE jew il-bank ċentrali ta' Stat Membru;

(ii) il-bank ċentrali ta' pajjiż terz;

(iii) klijenti finanzjarji;

▼C8

(d) kwalunkwe obbligazzjoni u element jew strument tal-kapital oħra b’maturità residwa ta’ minimu ta’ sitt xhur iżda inqas minn sena mhux imsemmija fl-Artikoli 428m, 428n u 428o.

▼M8

Artikolu 428m

Fattur ta' 90 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

Id-depożiti ta' domanda fil-livell ta' konsumatur, id-depożiti fil-livell ta' konsumatur b' perijodu ta' notifika fiss ta' inqas minn sena u d-depożiti fil-livell ta' konsumatur ta' żmien fiss li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sena li jissodisfaw il-kriterji rilevanti għal depożiti oħra fil-livell tal-konsumatur stipulati fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 90 % ta' finanzjament stabbli disponibbli.

▼M8

Artikolu 428n

Fattur ta' 95 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

Id-depożiti ta' domanda fil-livell ta' konsumatur, id-depożiti fil-livell ta' konsumatur b' perijodu ta' notifika fiss ta' inqas minn sena u d-depożiti fil-livell ta' konsumatur ta' żmien fiss li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sena li jissodisfaw il-kriterji rilevanti għal depożiti stabbli fil-livell tal-konsumatur stipulati fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460 (1) għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 95 % ta' finanzjament stabbli disponibbli.

Artikolu 428o

Fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

L-obbligazzjonijiet u l-elementi u l-istrumenti kapitali li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli disponibbli:

(a) l-elementi ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni qabel l-aġġustamenti meħtieġa skont l-Artikoli 32 sa 35, it-tnaqqis skont l-Artikolu 36 u l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet u l-alternattivi stabbiliti fl-Artikoli 48, 49 u 79;

(b) l-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali tal-istituzzjoni qabel it-tnaqqis tal-elementi msemmija fl-Artikolu 56 u qabel jiġi applikat għalihom l-Artikolu 79, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe strument b'opzjonijiet espliċiti jew integrati li, jekk jiġu eżerċitati, inaqqsu l-maturità residwa effettiva għal inqas minn sena;

(c) l-elementi ta' Grad 2 tal-istituzzjoni qabel it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 66 u qabel jiġi applikat l-Artikolu 79, li għandhom maturità residwa ta' sena jew iktar, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe strument b'opzjonijiet espliċiti jew integrati li, jekk jiġu eżerċitati, inaqqsu l-maturità residwa effettiva għal inqas minn sena;

(d) kwalunkwe strument kapitali ieħor tal-istituzzjoni b'maturità residwa ta' sena jew iktar, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe strument b'opzjonijiet espliċiti jew integrati li, jekk jiġu eżerċitati, inaqqsu l-maturità residwa effettiva għal inqas minn sena;

(e) kull self u obbligazzjoni oħra garantiti u mhux garantiti b'maturità residwa ta' sena jew iktar, inkluż id-depożiti ta' żmien fiss, sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Artikoli 428k sa 428n.

KAPITOLU 4

Finanzjament stabbli meħtieġ

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 428p

Kalkolu tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ għandu jiġi kalkulat billi jiġi multiplikat il-valur ta' kontabbiltà ta' diversi kategoriji jew tipi ta' assi u elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ bil-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati f'konformità mat-Taqsima 2. L-ammont totali ta' finanzjament stabbli meħtieġ għandu jkun is-somma tal-ammonti ponderati ta' assi u elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ.

▼M8

2. L-assi li l-istituzzjonijiet ikunu ssellfu, inkluż fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ fejn dawk l-assi huma kontabilizzati fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni u l-istituzzjoni ma jkollhiex is-sjieda benefiċjarja tal-assi.

L-assi li l-istituzzjonijiet ikunu ssellfu, inkluż fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, għandhom ikunu soġġetti għall-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2 fejn dawk l-assi mhumiex kontabilizzati fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni iżda l-istituzzjoni ma jkollhiex is-sjieda benefiċjarja tal-assi.

3. L-assi li l-istituzzjonijiet ikunu sellfu, inkluż fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli li fuqhom l-istituzzjoni żżomm is-sjieda benefiċjarja għandhom jitqiesu bħala assi aggravati għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u għandhom ikunu soġġetti għall-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandu jiġi applikat taħt it-Taqsima 2, anke fejn l-assi ma jibqgħux fuq il-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni. Inkella, it-tali assi għandhom jiġu eskluži mill-kalkolu tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ.

4. Assi li huma aggravati għal maturità residwa ta' sitt xhur jew aktar għandhom jiġu assenjati jew il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li jkun applikat taħt it-Taqsima 2 għal dawk l-assi li kieku kellhom jinżammu mhux aggravati jew inkella l-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li huwa altrimenti applikabbli għal dawk l-assi aggravati, skont liema fattur huwa ogħla. L-istess għandu japplika meta l-maturità residwa tal-assi aggravat tkun iqsar mill-maturità residwa tat-tranżazzjoni li tkun is-sors ta' aggravar.

Assi li jkun fadlilhom inqas minn sitt xhur fil-perijodu ta' aggravar, għandhom ikunu soġġetti għall-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2 għall-istess assi li kieku kellhom jinżammu mhux aggravati.

5. Meta istituzzjoni tuża mill-ġdid jew twiegħed mill-ġdid assi li kienet issellfet, inkluż fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli, u dan l-assi ikun kontabilizzat bħala li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ, it-tranżazzjoni li fir-rigward tagħha jkun issellef dak l-assi għandha tiġi ttrattata bħala aggravata, dment li t-tranżazzjoni ma tistax timmatura mingħajr ma l-istituzzjoni tirritorna l-assi mislufa.

6. L-assi li ġejjin ma għandhomx jitqiesu li jkunu aggravati:

(a) assi inklużi f'pool li jkunu disponibbli għall-użu immedjat bħala kollateral biex jinkiseb finanzjament addizzjonali taħt linji ta' kreditu li huma disponibbli għall-istituzzjoni li jkunu impenjati jew, fejn il-pool titħaddem minn bank ċentrali, dawk mhux impenjati iżda għad mhux finanzjati; dawk l-assi għandhom jinkludu l-assi mqiegħda minn istituzzjoni ta' kreditu mal-istituzzjoni ċentrali f'netwerk kooperattiv jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali; l-istituzzjonijiet għandhom jassumu li l-assi fil-pool ikunu aggravati f'ordni ta' likwidità li tiżdied abbażi tal-klassifikazzjoni tal-likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), billi jibdew mill-assi li mhumiex eliġibbli għar-riżerva ta' likwidità;

(b) assi li l-istituzzjoni tkun irċeviet bħala kollateral għall-finijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu f'self garantit, finanzjament garantit jew tranżazzjonijiet ta' skambju ta' kollateral u li l-istituzzjoni tista' tiddisponi minnhom;

▼M8

(c) assi marbuta bħala kollateralizzazzjoni eċċessiva mhux obbligatorja għall-ħruġ ta' bond kopert.

7. F'każ ta' operazzjonijiet mhux standard u temporanji mwettqa mill-BĊE jew il-bank ċentrali ta' Stat Membru jew il-bank ċentrali ta' pajjiż terz sabiex jissodisfa l-mandat tiegħu f'perijodu ta' stress finanzjarju fis-suq kollu jew f'ċirkostanzi makroekonomiċi eċċezzjonali, l-assi li ġejjin jistgħu jirċievu fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ imnaqqas:

(a) b'deroga mill-punt (f) tal-Artikolu 428ad u mill-punt (a) tal-Artikolu 428ah(1), assi aggravati għall-finijiet tal-operazzjonijiet imsemmija f'dan is-subparagrafu;

(b) b'deroga mill-punti (d)(i) u (d)(ii) tal-Artikolu 428ad, minn punt (b) tal-Artikolu 428af u minn punt (c) tal-Artikolu 428ag, flejjes li jirriżultaw mill-operazzjonijiet imsemmija f'dan is-subparagrafu.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw, bi qbil mal-bank ċentrali li jkun il-kontroparti għat-tranżazzjoni, il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandu jiġi applikat għall-assi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu. Għall-assi aggravati kif imsemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandu jiġi applikat ma għandux ikun aktar baxx mill-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li japplika taħt it-Taqsima 2 għal dawk l-assi kieku kellhom jinżammu mhux aggravati.

Meta japplikaw fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ imnaqqas f'konformità mat-tieni subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw mill-qrib l-impatt ta' dak il-fattur imnaqqas fuq il-pożizzjonijiet ta' finanzjament stabbli tal-istituzzjonijiet u għandhom jieħdu l-miżuri superviżorji adatti fejn meħtieġ.

8. Sabiex jiġi evitat kwalunkwe għadd doppju, l-istituzzjonijiet għandhom jeskludu assi li huma assoċjati ma' kollateral li huwa rikonoxxut bħala marġni ta' varjazzjoni mdaħħla f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 428k(4) u 428ah(2), rikonoxxut bħala marġni inizjali mdaħħla, jew rikonoxxut bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' inadempjenza ta' CCP f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 428ag minn partijiet oħra tal-kalkolu tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ f'konformità ma' dan il-Kapitolu.

9. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu valuti barranin u komoditajiet li għalihom tkun saret ordni tax-xiri fil-kalkolu tal-ammont ta' strumenti finanzjarji ta' finanzjament stabbli meħtieġ. Huma għandhom jeskludu strumenti finanzjarji, valuti barranin u komoditajiet li għalihom tkun saret ordni tal-bejgħ mill-kalkolu tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ, dment li dawk it-tranżazzjonijiet ma jkunux riflessi bħala derivattivi jew tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantit fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet u li dawk it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu riflessi fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet meta jiġu saldati.

10. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati għal skoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li mhumiex imsemmija f'dan il-Kapitolu biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet iżommu ammont adatt ta' finanzjament stabbli disponibbli għall-porzjon ta' dawk l-iskoperturi li jkunu mistennija li jkunu jeħtieġu finanzjament fuq il-perijodu ta' sena tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett. Biex jiddeterminaw dawk il-fatturi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont, b'mod partikolari, tad-dannu materjali fir-reputazzjoni lill-istituzzjoni li jista' jirriżulta mill-fatt li ma jipprovdux dan il-finanzjament.

▼M8

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw it-tipi ta' skoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li għalihom ikunu determinaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ lill-ABE mill-inqas darba fis-sena. F'dak ir-rapport għandhom jinkludu spjegazzjoni tal-metodoloġija applikata biex tiddetermina dawk il-fatturi.

Artikolu 428q

Maturità residwa ta' assi

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-maturità kuntrattwali residwa tal-assi u t-tranżazzjonijiet li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tagħhom meta jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati għall-assi u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tagħhom taħt it-Taqsima 2.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw assi li ġew segregati f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 f'konformità mal-iskopertura sottostanti ta' dawk l-assi. L-istituzzjonijiet għandhom, madankollu, jissoġġettaw dawk l-assi għal fatturi ogħla ta' finanzjament stabbli meħtieġ skont it-terminu ta' aggravar li għandu jiġi determinat mill-awtoritajiet kompetenti, li għandhom jikkunsidraw jekk l-istituzzjoni hix kapaċi li b'mod liberu tiddisponi minn jew tiskambja tali assi u għandha tqis it-terminu tal-obbligazzjonijiet għall-klijenti tal-istituzzjonijiet li jirrigwardahom dak ir-rekwiżit ta' segregazzjoni.

3. Meta jikkalkulaw il-maturità residwa ta' assi, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont, abbażi tas-suppożizzjoni li l-emittent jew il-kontroparti ser teżerċita xi opzjoni biex testendi l-maturità ta' assi. Għal opzjonijiet li li jistgħu jiġu eżerċitati fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont ta' fatturi ta' reputazzjoni li jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-istituzzjoni li ma teżerċitax l-opzjoni, b'mod partikolari l-aspettattivi tas-swieq u tal-klijenti li l-istituzzjoni għandha testendi l-maturità ta' ċerti assi fid-data tal-maturità tagħhom.

4. Sabiex jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġa li għandhom jiġu applikati f'konformità mat-Taqsima 2, għall-amortizzazzjoni ta' self b'maturità kuntrattwali residwa ta' sena jew iktar, kwalunkwe porzjon li jimmatura f'inqas minn sitt xhur u kwalunkwe porzjon li jimmatura bejn sitt xhur u inqas minn sena għandu jiġi ttrattat bħala li għandu maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur u bejn sitt xhur u inqas minn sena, rispettivament.

Taqsima 2

Fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Artikolu 428r

Fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

1. L-assi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

▼M8

(a) assi mhux aggravati li huma eliġibbli bħala assi likwidi ta' kwalità għolja ta' livell 1 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), bl-esklużjoni ta' bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna speċifikat f'dak l-att delegat, u indipendentement minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali kif stabbilit f'dak l-att delegat;

(b) ishma mhux aggravati jew unitajiet f'CIUs li huma eliġibbli għal haircut ta' 0 % għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżervi ta' likwidità, kif stabbilit f'dak l-att delegat;

(c) ir-riżervi kollha miżmuma mill-istituzzjoni fil-BĊE jew fil-bank ċentrali ta' Stat Membru jew il-bank ċentrali ta' pajjiż terz, inkluż riżervi meħtieġa u riżervi eċċessivi;

(d) it-talbiet kollha fuq il-BĊE, il-bank ċentrali ta' Stat Membru jew il-bank ċentrali ta' pajjiż terz li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur;

(e) l-ammonti riċevibbli skont id-data tan-negozju li jirriżultaw mill-bejgħ ta' strumenti finanzjarji, valuti barranin jew komoditajiet li jkunu mistennija jiġu saldati fiċ-ċiklu jew perijodu ta' saldu standard li huwa komuni għall-borża rilevanti jew għat-tip ta' tranżazzjoni, jew li naqsu milli jiġu saldati iżda xorta għadhom mistennija li jiġu saldati;

(f) assi li jkunu kategorizzati bħala interdipendenti ma' obbligazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 428f;

(g) flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli ma' klijenti finanzjarji, fejn dawk it-tranżazzjonijiet għandhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur, fejn dawk il-flejjes dovuti huma kollateralizzati minn assi li jikkwalifikaw bħala assi ta' livell 1 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), minbarra l-bonds koperti ta' kwalità estremament għolja speċifikati fih, u fejn l-istituzzjoni tkun legalment intitolata u operazzjonalment kapaċi terġa' tuża dawk l-assi għad-durata tat-tranżazzjoni.

L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-flejjes dovuti msemmija fil-punt (g) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fuq bażi netta fejn japplika l-Artikolu 428e.

2. B'deroga mill-punt (c) tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu, bil-ftehim tal-bank ċentrali rilevanti, li japplikaw fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla għar-riżervi meħtieġa, billi jitqies, b'mod partikolari, il-punt sa fejn jeżistu r-rekwiżiti tar-riżervi fuq perijodu ta' sena u għalhekk jeħtieġu finanzjament stabbli assoċjat.

Għal sussidjarji li jkollhom l-uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz, fejn ir-riżervi meħtieġa tal-bank ċentrali jkunu soġġetti għal fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla taħt ir-rekwiżit ta' finanzjament stabbli nett stipulat fil-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz, dak il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla għandu jitqies għall-finijiet ta' konsolidazzjoni.

▼M8

Artikolu 428s

Fattur ta' 5 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

1. L-assi u l-elementi li ġejjin li ma jidhrux fuq il-karta bilanċ għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 5 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) ishma mhux aggravati jew unitajiet f'CIUs li huma eliġibbli għal haircut ta' 5 % għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat;

(b) flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli ma' klijenti finanzjarji, fejn dawk it-tranżazzjonijiet għandhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur, għajr dawk imsemmijin fil-punt (g) tal-Artikolu 428r(1);

(c) il-porzjon mhux prelevat ta' faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità impenjati skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1);

(d) prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ imsemmija fl-Anness I b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur.

L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-flejjes dovuti msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fuq bażi netta fejn japplika l-Artikolu 428e.

2. Għas-settijiet kollha tan-netting ta' kuntratti tad-derivattivi, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fattur ta' 5 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ għall-valur ġust assolut ta' dawk is-settijiet tan-netting ta' kuntratti tad-derivattivi, gross minn kwalunkwe kollateral depożitat, meta dawk is-settijiet tan-netting ikollhom valur ġust negattiv. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur ġust bħala gross minn kwalunkwe kollateral iddepożitat jew pagamenti ta' saldu u rċevuti relatati ma' bidliet fil-valwazzjoni tas-suq ta' tali kuntratti.

Artikolu 428t

Fattur ta' 7 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Assi mhux aggravati li huma eliġibbli bħala bonds koperti ta' kwalità estremament għolja ta' livell 1 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandhom ikunu soġġetti għal 7 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

Artikolu 428u

Fattur ta' 7,5 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ kif imsemmija fl-Anness I b'maturità residwa ta' mill-inqas sitt xhur iżda inqas minn sena għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 7,5 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ.

▼M8

Artikolu 428v

Fattur ta' 10 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

L-assi u l-elementi li ġejjin li ma jidhrux fuq il-karta bilanċ għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 10 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet ma' klijenti finanzjarji li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur għajr dawk imsemmijin fil-punt (g) tal-Artikolu 428r(1) u l-punt (b) tal-Artikolu 428s(1);

(b) prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ li jidhru fil-karta tal-bilanċ b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur;

(c) prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ kif imsemmijin fl-Anness I b'maturità residwa ta' sena jew iktar.

Artikolu 428w

Fattur ta' 12 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Ishma mhux aggravati jew unitajiet f'CIUs li jkunu eliġibbli għal haircut ta' 12 % għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 12 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

Artikolu 428x

Fattur ta' 15 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Assi mhux aggravati li huma eliġibbli bħala assi ta' livell 2A skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandhom ikunu soġġetti għal 15 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

Artikolu 428y

Fattur ta' 20 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Ishma mhux aggravati jew unitajiet f'CIUs li jkunu eliġibbli għal haircut ta' 20 % għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 20 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

▼M8

Artikolu 428z

Fattur ta' 25 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Titolizzazzjonijiet ta' livell 2B mhux aggravati skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandhom ikunu soġġetti għal 25 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

Artikolu 428aa

Fattur ta' 30 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

L-assi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 30 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) bonds koperti mhux aggravati ta' kwalità għolja ħafna skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), irrispettivament minn jekk dawn jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat;

(b) ishma mhux aggravati jew unitajiet f'CIUs li jkunu eliġibbli għal haircut ta' 30 % għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

Artikolu 428ab

Fattur ta' 35 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

L-assi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 35 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) titolizzazzjonijiet mhux aggravati ta' livell 2B skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat;

(b) ishma mhux aggravati jew unitajiet f'CIUs li jkunu eliġibbli għal haircut ta' 35 % għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), irrispettivament minn jekk dawn jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

Artikolu 428ac

Fattur ta' 40 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Ishma mhux aggravati jew unitajiet f'CIUs li jkunu eliġibbli għal haircut ta' 40 % għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 40 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

▼M8

Artikolu 428ad

Fattur ta' 50 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

L-assi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 50 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) assi mhux aggravati li jkunu eliġibbli bħala assi ta' livell 2B skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), minbarra titolizzazzjonijiet ta' livell 2B u bonds koperti ta' kwalità għolja skont dak l-att delegat, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stabbilit dak l-att delegat;

(b) depożiti miżmuma mill-istituzzjoni f'istituzzjoni finanzjarja oħra li jissodisfaw il-kriterji għal depożiti operazzjonali kif stipulat fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1);

(c) flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet b'maturità residwa ta' inqas minn sena ma':

(i) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;

(ii) gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali fi Stat Membru jew f'pajjiż terz;

(iii) entitajiet tas-settur pubbliku ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;

(iv) banek ta' żvilupp multilaterali msemmija fl-Artikolu 117(2) u organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 118;

(v) korporazzjonijiet mhux finanzjarji, klijenti fil-livell tal-konsumaturi u SMEs;

(vi) għaqdiet ta' kreditu awtorizzati minn awtorità kompetenti, kumpanniji ta' investiment personali u klijenti li jkunu sensara tad-depożiti sa fejn dawk l-assi ma jaqgħux taħt il-punt (b) ta' dan il-paragrafu;

(d) flejjes dovuti minn tranżazzjonijiet b'maturità residwa ta' mill-inqas sitt xhur iżda inqas minn sena ma':

(i) il-Bank Ċentrali Ewropew jew il-bank ċentrali ta' Stat Membru;

(ii) il-bank ċentrali ta' pajjiż terz;

(iii) klijenti finanzjarji;

(e) prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ li jidhru fil-karta tal-bilanċ b'maturità residwa ta' mill-inqas sitt xhur iżda inqas minn sena;

(f) assi aggravati għal maturità residwa ta' mill-inqas sitt xhur iżda inqas minn sena, ħlief fejn dawk l-assi jkunu assenjati fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ iktar għoli f'konformità mal-Artikoli 428ae sa 428ah jekk ikunu miżmuma mhux aggravati, f'liema każ għandu japplika l-fattur ta' finanzjament iktar għoli għal dawk l-assi kieku kellhom jinżammu mhux aggravati;

▼M8

(g) kwalunkwe assi oħra b'maturità residwa ta' inqas minn sena, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Artikoli 428r sa 428ac.

Artikolu 428ae

Fattur ta' 55 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Ishma mhux aggravati jew unitajiet f'CIUs li jkunu eliġibbli għal haircut ta' 55 % għall-kalkolu tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 55 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

Artikolu 428af

Fattur ta' 65 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

L-assi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 65 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) self mhux aggravat iggarantit minn ipoteki fuq proprjetà residenzjali jew self residenzjali mhux aggravat totalment garantit minn fornitur tal-protezzjoni eliġibbli kif imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 129(1) b'maturità residwa ta' sena jew iktar, sakemm dawk is-self ikun assenjat ponderazzjoni tar-riskju ta' 35 % jew inqas f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tat-Tielet Parti;

(b) self mhux aggravat b'maturità residwa ta' sena jew iktar, minbarra self lil klijenti finanzjarji u self imsemmi fl-Artikoli 428r sa 428ad, sakemm dak is-self ikun assenjat ponderazzjoni tar-riskju ta' 35 % jew inqas f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta.

Artikolu 428ag

Fattur ta' 85 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

L-assi u l-elementi li ġejjin li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 85 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) kwalunkwe assi u element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ, inkluż flus kontanti, depożitati bħala marġni inizjali għal kuntratti ta' derivattivi, sakemm dawk l-assi ma jiġux assenjati fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ iktar għoli f'konformità mal-Artikolu 428ah jekk ikunu miżmuma mhux aggravati, f'liema każ għandu japplika l-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ iktar għoli għal dawk l-assi kieku kellhom jinżammu mhux aggravati;

(b) kwalunkwe assi u element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ, inkluż flus kontanti, depożitati bħala kontribuzzjoni fil-fond inadempjenti ta' CCP, sakemm dawk ma jiġux assenjati fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ iktar għoli f'konformità mal-Artikolu 428ah jekk ikunu miżmuma mhux aggravati, f'liema każ għandu japplika l-ogħla fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandu jiġi applikat lill-assi mhux aggravat;

▼M8

(c) self mhux aggravat b'maturità residwa ta' sena jew iktar, minbarra self lil klijenti finanzjarji u self imsemmi fl-Artikoli 428r sa 428af, li ma jkunx sar dovut għal iktar minn 90 ġurnata u li jkunu assenjati ponderazzjoni tar-riskju ta' iktar minn 35 % f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta;

(d) prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ li jidhru fil-karta tal-bilanċ, b'maturità residwa ta' sena jew iktar;

(e) titoli mhux aggravati b'maturità residwa ta' sena jew iktar li mhumiex inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178 u li mhumiex eliġibbli bħala assi likwidi skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1);

(f) ekwitajiet mhux aggravati nnegozjati f'kambju li mhumiex eliġibbli bħala assi ta' livell 2B skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460 (1);

(g) komoditajiet fiżiċi nnegozjati, inkluż deheb iżda eskluži derivattivi ta' komoditajiet;

(h) assi aggravati għal maturità residwa ta' sena jew aktar fi grupp ta' kopertura finanzjat minn bonds koperti kif imsemmi fl-Artikolu 52 (4) tad-Direttiva 2009/65/KE jew bonds koperti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għat-trattament kif stipulat fl-Artikolu 129(4) jew (5) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 428ah

Fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

1. L-assi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, kwalunkwe assi aggravat b'maturità residwa ta' sena jew iktar;

(b) kwalunkwe assi li mhuwiex dak imsemmi fl-Artikoli 428r sa 428ag, inkluż self lil klijenti finanzjarji li jkollhom maturità kuntrattwali residwa ta' sena jew iktar, skoperturi improduttivi, oġġetti mnaqqsa minn fondi proprji, assi fissi, ekwitajiet negozjati mhux ta' kambju, interess ritenut, assi ta' assigurazzjoni, titoli inadempjenti.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ għad-differenza, jekk pożittiva, bejn is-somma tal-valuri ġusti tas-settijiet kollha tan-netting b'valur ġust pożittiv u s-somma tal-valuri ġusti tas-settijiet kollha tan-netting b'valur ġust negattiv kalkulat f'konformità mal-Artikolu 428d.

Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu:

▼M8

(a) marġni ta' varjazzjoni riċevut minn istituzzjonijiet mill-kontropartijiet tagħhom għandu jitnaqqas mill-valur ġust ta' sett tan-netting b'valur ġust pożittiv fejn il-kollateral riċevut bħala marġni ta' varjazzjoni jikkwalifika bħala assi ta' livell 1 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), bl-esklużjoni tal-bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna speċifikati f'dak l-att delegat, u fejn l-istituzzjonijiet jkunu intitolati legalment u funzjonalment kapaċi li jużawhom mill-ġdid dak il-kollateral;

(b) il-marġnijiet kollha ta' varjazzjoni depożitati minn istituzzjonijiet mal-kontropartijiet tagħhom għandhom jitnaqqsu mill-valur ġust ta' sett tan-netting b'valur ġust negattiv.

KAPITOLU 5

Deroga għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi

Artikolu 428ai

Deroga għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi

B'deroga mill-Kapitoli 3 u 4, istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi jistgħu jagħżlu, bil-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti tagħhom, li jikkalkulaw il-proporzjon bejn il-finanzjament stabbli disponibbli ta' istituzzjoni kif imsemmi fil-Kapitolu 6, u l-finanzjament stabbli meħtieġ tal-istituzzjoni kif imsemmi fil-Kapitolu 7, espress bħala perċentwal.

Awtorità kompetenti tista' titlob istituzzjoni żgħira u mhux kumplessa biex tikkonforma mar-rekwiżit ta' finanzjament stabbli nett abbażi tal-finanzjament stabbli disponibbli ta' istituzzjoni kif imsemmi fil-Kapitolu 3 u l-finanzjament stabbli meħtieġ kif imsemmi fil-Kapitolu 4 fejn tqis li l-metodoloġija ssimplifikata mhijiex adegwata biex taqbad ir-riskji ta' finanzjament ta' dik l-istituzzjoni.

KAPITOLU 6

Finanzjament stabbli disponibbli għall-kalkolu ssimplifikat tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 428aj

Kalkolu ssimplifikat tal-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, l-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli għandu jiġi kalkulat billi jiġi multiplikat il-valur ta' kontabbiltà ta' diversi kategoriji jew tipi ta' obbligazzjonijiet u fondi proprji bil-fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2. L-ammont totali ta' finanzjament stabbli disponibbli għandu jkun is-somma tal-ammonti ponderati ta' obbligazzjonijiet u fondi proprji.

▼M8

2. Bonds u titoli ta' dejn oħra li jinħarġu mill-istituzzjoni, jinbiegħu b'mod esklussiv fis-suq tal-konsumatur, u jinżammu f'kont fil-livell ta' konsumatur, jistgħu jkunu ttrattati bħala li jappartjenu f'kategorija adatta ta' depożiti fil-livell tal-konsumatur. Għandhom ikunu fis-seħħ limitazzjonijiet, b'tali mod li dawk l-istrumenti ma jistgħux jinxtraw u jinżammu minn partijiet oħra għajr klijenti fil-livell tal-konsumaturi.

Artikolu 428ak

Maturità residwa ta' obbligazzjoni jew fondi proprji

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-maturità kuntrattwali residwa tal-obbligazzjonijiet u l-fondi proprji tagħhom biex jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-opzjonijiet eżistenti biex jiddeterminaw il-maturità residwa ta' obbligazzjoni jew tal-fondi proprji. Huma għandhom jagħmlu dan fuq is-suppożizzjoni li l-kontroparti tifdi opzjonijiet ta' xiri fl-iktar data kmieni possibbli. Għal opzjonijiet li jistgħu jiġu eżerċitati fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont ta' fatturi ta' reputazzjoni li jistgħu jillimitaw il-kapaċità ta' istituzzjoni li ma teżerċitax l-opzjoni, b'mod partikolari l-aspettattivi tas-suq li l-istituzzjonijiet għandhom jifdu ċerti obbligazzjonijiet qabel il-maturità tagħhom.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw depożiti b'perijodi ta' notifika fissi f'konformità mal-perijodu ta' notifika tagħhom, u għandhom jittrattaw id-depożiti ta' żmien fiss f'konformità mal-maturità residwa tagħhom. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet m'għandhomx iqisu opzjonijiet għall-prelevamenti kmieni, meta d-depożitant irid iħallas penali materjali għal prelevamenti kmieni li jseħħu f'anqas minn sena, it-tali penali kif stabbilit fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), biex jiddeterminaw il-maturità residwa ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur ta' żmien fiss.

4. Sabiex jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2, għall-obbligazzjonijiet b'maturità kuntrattwali residwa ta' sena jew iktar, kwalunkwe porzjon li jimmatura f'inqas minn sitt xhur u kwalunkwe porzjon li jimmatura bejn sitt xhur u inqas minn sena għandu jiġi ttrattat bħala li għandu maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur u bejn sitt xhur u inqas minn sena, rispettivament.

Taqsima 2

Fatturi ta' finanzjament stabbli disponibbli

Artikolu 428al

Fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'din it-Taqsima, l-obbligazzjonijiet kollha mingħajr maturità dikjarata, inkluż pożizzjonijiet qosra u pożizzjonijiet b'maturità miftuħa, għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli disponibbli, bl-eċċezzjoni ta' dawn li ġejjin:

(a) obbligazzjonijiet ta' taxxa differita, li għandhom jiġu ttrattati f'konformità mal-eqreb data possibbli li fiha jistgħu jiġu realizzati tali obbligazzjonijiet;

(b) interessi minoritarji, li għandhom jiġu ttrattati f'konformità mat-terminu tal-istrument ikkonċernat.

▼M8

2. Obbligazzjonijiet ta' taxxa differita u interessi minoritarji kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandhom ikunu soġġetti għal wieħed mill-fatturi li ġejjin:

(a) 0 %, meta l-maturità residwa effettiva tal-obbligazzjoni ta' taxxa differita jew interess minoritarju tkun inqas minn sena;

(b) 100 %, meta l-maturità residwa effettiva tal-obbligazzjoni ta' taxxa differita jew interess minoritarju tkun sena jew iktar.

▼C8

3. L-obbligazzjonijiet, u l-elementi jew l-istrumenti tal-kapital li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli disponibbli:

▼M8

(a) l-ammonti pagabbli skont id-data tan-negozju li jirriżultaw minn xiri ta' strumenti finanzjarji, ta' valuti barranin u ta' komoditajiet, li jkunu mistennija li jiġu saldati fiċ-ċiklu jew perijodu ta' saldu standard li huwa komuni għall-borża rilevanti jew it-tip ta' tranżazzjoni, jew li naqsu milli jiġu saldati iżda xorta waħda għadhom mistennija li jiġu saldati;

(b) obbligazzjonijiet li jkunu kategorizzati bħala interdipendenti ma' assi f'konformità mal-Artikolu 428f;

(c) obbligazzjonijiet b'maturità residwa ta' inqas minn sena pprovduti minn:

(i) il-BĊE jew il-bank ċentrali ta' Stat Membru;

(ii) il-bank ċentrali ta' pajjiż terz;

(iii) klijenti finanzjarji;

(d) kwalunkwe obbligazzjoni u element jew strument tal-kapital ieħor mhux imsemmi f'dan l-Artikolu jew l-Artikoli 428am sa 428ap.

4. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli disponibbli għall-valur assolut tad-differenza, jekk negattiv, bejn is-somma tal-valuri ġusti tas-settijiet kollha tan-netting b'valur ġust pożittiv u s-somma tal-valuri ġusti tas-settijiet kollha tan-netting b'valur ġust negattiv kalkulat f'konformità mal-Artikolu 428d.

Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu:

(a) marġni ta' varjazzjoni riċevut minn istituzzjonijiet mill-kontropartijiet tagħhom għandu jitnaqqas mill-valur ġust ta' sett tan-netting b'valur ġust pożittiv fejn il-kollateral riċevut bħala marġni ta' varjazzjoni jikkwalifika bħala assi ta' livell 1 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), bl-esklużjoni tal-bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna speċifikati f'dak l-att delegat, u fejn l-istituzzjonijiet jkunu intitolati legalment u funzjonalment kapaċi li jużawhom mill-ġdid dak il-kollateral;

(b) il-marġnijiet kollha ta' varjazzjoni depożitati minn istituzzjonijiet mal-kontropartijiet tagħhom għandhom jitnaqqsu mill-valur ġust ta' sett tan-netting b'valur ġust negattiv.

▼M8

Artikolu 428am

Fattur ta' 50 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

▼C8

L-obbligazzjonijiet, u l-elementi jew l-istrumenti tal-kapital li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta’ 50 % ta’ finanzjament stabbli disponibbli:

▼M8

(a) depożiti riċevuti li jissodisfaw il-kriterji għal depożiti operazzjonali stipulati fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1);

▼C8

(b) obbligazzjonijiet u elementi jew strumenti tal-kapital b’maturità residwa ta’ inqas minn sena pprovduti minn:

▼M8

(i) il-gvern ċentrali ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;

(ii) gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali fi Stat Membru jew f'pajjiż terz;

(iii) entitajiet tas-settur pubbliku ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz;

(iv) banek ta' żvilupp multilaterali msemmija fl-Artikolu 117(2) u organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 118;

(v) klijenti korporattivi nonfinanzjarji;

(vi) għaqdiet ta' kreditu awtorizzati minn awtorità kompetenti, kumpanniji ta' investiment personali u klijenti li jkunu sensara tad-depożiti, bl-eċċezzjoni tad-depożiti riċevuti, li jissodisfaw il-kriterji għal depożiti operazzjonali kif stipulati fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1).

Artikolu 428an

Fattur ta' 90 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

Id-depożiti ta' domanda fil-livell ta' konsumatur, id-depożiti fil-livell ta' konsumatur b' perijodu ta' notifika fiss ta' inqas minn sena u d-depożiti fil-livell ta' konsumatur ta' żmien fiss li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sena li jissodisfaw il-kriterji rilevanti għal depożiti oħrajn fil-livell tal-konsumatur stipulati fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460 (1) għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 90 % ta' finanzjament stabbli disponibbli.

Artikolu 428ao

Fattur ta' 95 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

Id-depożiti ta' domanda fil-livell ta' konsumatur, id-depożiti fil-livell ta' konsumatur b' perijodu ta' notifika fiss ta' inqas minn sena u d-depożiti fil-livell ta' konsumatur ta' żmien fiss li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sena li jissodisfaw il-kriterji rilevanti għal depożiti stabbli fil-livell tal-konsumatur stipulati fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460 (1) għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 95 % ta' finanzjament stabbli disponibbli.

Artikolu 428ap

Fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli disponibbli

L-obbligazzjonijiet u l-elementi u l-istrumenti kapitali li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli disponibbli:

▼M8

(a) l-elementi ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni tal-istituzzjoni qabel l-aġġustamenti meħtieġa skont l-Artikoli 32 sa 35, it-tnaqqis skont l-Artikolu 36 u l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet u l-alternattivi stabbiliti fl-Artikoli 48, 49 u 79;

(b) l-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali tal-istituzzjoni qabel it-tnaqqis tal-elementi msemmija fl-Artikolu 56 u qabel jiġi applikat għalihom l-Artikolu 79, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe strument b'opzjonijiet espliċiti jew integrati li, jekk jiġu eżerċitati, inaqqsu l-maturità residwa effettiva għal inqas minn sena;

(c) l-elementi ta' Grad 2 tal-istituzzjoni qabel it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 66 u qabel jiġi applikat l-Artikolu 79, li għandhom maturità residwa ta' sena jew iktar, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe strument b'opzjonijiet espliċiti jew integrati li, jekk jiġu eżerċitati, inaqqsu l-maturità residwa effettiva għal inqas minn sena;

(d) kwalunkwe strument kapitali ieħor tal-istituzzjoni b'maturità residwa ta' sena jew iktar, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe strument b'opzjonijiet espliċiti jew integrati li, jekk jiġu eżerċitati, inaqqsu l-maturità residwa effettiva għal inqas minn sena;

(e) kull self u obbligazzjoni oħra garantiti u mhux garantiti b'maturità residwa ta' sena jew iktar, inkluż id-depożiti ta' żmien fiss, sakemm mhux speċifikat mod ieħor fl-Artikoli 428al sa 428ao.

KAPITOLU 7

Finanzjament stabbli meħtieġ għall-kalkolu ssemplifikat tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 428aq

Kalkolu ssemplifikat tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, għall-istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ għandu jiġi kalkulat billi jiġi multiplikat il-valur ta' kontabbiltà ta' diversi kategoriji jew tipi ta' assi u elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ bil-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati f'konformità mat-Taqsima 2. L-ammont totali ta' finanzjament stabbli meħtieġ għandu jkun is-somma tal-ammonti ponderati ta' assi u elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ.

2. L-assi li l-istituzzjonijiet ikunu ssellfu, inkluż fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli, li jkunu kontabilizzati fil-karta tal-bilanċ tagħhom u li fuqhom ma għandhomx sjieda benefiċjarja għandhom jiġu eskluži mill-kalkolu tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ.

L-assi li l-istituzzjonijiet ikunu ssellfu, inkluż fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli, li ma jkunux kontabilizzati fil-karta tal-bilanċ tagħhom iżda li fuqhom għandhom sjieda benefiċjarja għandhom jiġu soġġetti għall-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati skont it-Taqsima 2.

▼M8

3. L-assi li l-istituzzjonijiet ikunu sellfu, inkluż fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli, li fuqhom iżommu s-sjieda benefiċjarja, anke fejn ma jibqgħux fil-karta tal-bilanċ tagħhom, għandhom jitqiesu bħala assi aggravati għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu u għandhom ikunu soġġetti għall-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2. Inkella, tali assi għandhom jiġu esklużi mill-kalkolu tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ.

4. Assi li huma aggravati għal maturità residwa ta' sitt xhur jew aktar għandhom jiġu assenjati jew il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li jkun applikat taħt it-Taqsima 2 għal dawk l-assi li kieku kellhom jinżammu mhux aggravati jew inkella l-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li huwa altrimenti applikabbli għal dawk l-assi aggravati, skont liema fattur huwa ogħla. L-istess għandu japplika meta l-maturità residwa tal-assi aggravat tkun iqsar mill-maturità residwa tat-tranżazzjoni li tkun is-sors ta' aggravar.

Assi li jkun fadlilhom inqas minn sitt xhur fil-perijodu ta' aggravar, għandhom ikunu soġġetti għall-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati taħt it-Taqsima 2 għall-istess assi li kieku kellhom jinżammu mhux aggravati.

5. Meta istituzzjoni tuża mill-ġdid jew twiegħed mill-ġdid assi li kienet issellfet, inkluż fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli, u dan ikun kontabilizzat bħala li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ, it-tranżazzjoni li permezz tagħha ssellef dak l-assi għandha tiġi ttrattata bħala aggravata sa fejn din it-tranżazzjoni ma tistax timmatura mingħajr ma l-istituzzjoni tirritorna l-assi misluf.

6. L-assi li ġejjin ma għandhomx jitqiesu li jkunu aggravati:

(a) assi inklużi fi grupp li jkunu disponibbli għall-użu immedjat bħala kollateral biex jinkiseb finanzjament addizzjonali taħt linji ta' kreditu li jkunu impenjati jew, fejn il-grupp jitħaddem minn bank ċentrali, dawk mhux impenjati iżda għad mhux finanzjati disponibbli għall-istituzzjoni, inkluż assi mqiegħda minn istituzzjoni ta' kreditu mal-istituzzjoni ċentrali f'netwerk kooperattiv jew skema ta' protezzjoni istituzzjonali;;

(b) assi li l-istituzzjoni tkun irċeviet bħala kollateral għall-finijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu f'self garantit, finanzjament garantit jew tranżazzjonijiet ta' skambju ta' kollateral u li l-istituzzjoni tista' tiddisponi minnhom;

(c) assi marbuta bħala kollateralizzazzjoni eċċessiva mhux obbligatorja għall-ħruġ ta' bond kopert.

Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jassumu li l-assi fil-grupp ikunu aggravati f'ordni ta' likwidità li tiżdied abbażi tal-klassifikazzjoni tal-likwidità stipulata fl-att delegat stipulat fl-Artikolu 460(1), li tibda mill-assi li mhumiex eliġibbli għar-riżerva ta' likwidità.

▼M8

7. Fil-każ ta' operazzjonijiet temporanji mhux standard imwettqa mill-BĊE jew mill-bank ċentrali ta' Stat Membru jew mill-bank ċentrali ta' pajjiż terz sabiex iwettaq il-mandat tiegħu f'perijodu ta' stress finanzjarju fis-suq kollu jew ta' ċirkostanzi makroekonomiċi eċċezzjonali, l-assi li ġejjin jistgħu jirċievu fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ imnaqqas:

(a) b'deroga mill-Artikolu 428aw u mill-punt (a) tal-Artikolu 428az(1), assi aggravati għall-operazzjonijiet imsemmija f'dan is-subparagrafu;

(b) b'deroga mill-Artikolu 428aw u mill-punt (b) tal-Artikolu 428ay, flejjes li jirriżultaw mill-operazzjonijiet imsemmija f'dan is-subparagrafu.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw, bi qbil mal-bank ċentrali li jkun il-kontroparti għat-tranżazzjoni, il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandu jiġi applikat għall-assi msemmija fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu. Għall-assi aggravati msemmija fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu, il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandu jiġi applikat ma għandux ikun aktar baxx mill-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ li japplika skont it-Taqsima 2 għal dawk l-assi li kieku kellhom jinżammu mhux aggravati.

Meta japplikaw fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ imnaqqas f'konformità mat-tieni subparagrafu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw mill-qrib l-impatt ta' dak il-fattur imnaqqas fuq il-pożizzjonijiet ta' finanzjament stabbli tal-istituzzjonijiet u jieħdu l-miżuri superviżorji adatti fejn meħtieġ.

8. L-istituzzjonijiet għandhom jeskludu assi assoċjati ma' kollateral rikonoxxut bħala marġni ta' varjazzjoni li ddaħħal f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 428k(4) u l-Artikolu 428ah(2) jew bħala marġni inizjali li ddaħħal jew bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' inadempjenza ta' CCP f'konformità mal-punti (a) u (b) tal-Artikolu 428ag minn partijiet oħra tal-kalkolu tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ f'konformità ma' dan il-Kapitolu sabiex jiġi evitat kwalunkwe għadd doppju.

9. L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-kalkolu tal-ammont ta' strumenti finanzjarji ta' finanzjament stabbli meħtieġ, muniti barranin u komoditajiet li għalihom tkun saret ordni tax-xiri. Huma għandhom jeskludu mill-kalkolu tal-ammont ta' strumenti finanzjarji ta' finanzjament stabbli meħtieġ, muniti barranin u komoditajiet li għalihom tkun saret ordni tal-bejgħ, dment li dawk it-tranżazzjonijiet ma jkunux riflessi bħala derivattivi jew tranżazzjonijiet ta' finanzjament garantit fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet u li dawk it-tranżazzjonijiet għandhom jiġu riflessi fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet meta jiġu saldati.

10. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati għal skoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li mhumiex imsemmija f'dan il-Kapitolu biex jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet iżommu ammont adatt ta' finanzjament stabbli disponibbli għall-porzjon ta' dawk l-iskoperturi li jkunu mistennija li jkunu jeħtieġu finanzjament fuq il-perijodu ta' sena tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett. Biex jiddeterminaw dawk il-fatturi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont, b'mod partikolari, tad-dannu materjali fir-reputazzjoni għall-istituzzjoni li jista' jirriżulta mill-fatt li ma jipprovdux dan il-finanzjament.

▼M8

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrapportaw lill-ABE t-tipi ta' skoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li għalihom ikunu determinaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ mill-inqas darba fis-sena. F'dak ir-rapport għandhom jinkludu spjegazzjoni tal-metodoloġija applikata biex tiddetermina dawk il-fatturi.

Artikolu 428ar

Maturità residwa ta' assi

1. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'dan il-Kapitolu, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont tal-maturità kuntrattwali residwa tal-assi u t-tranżazzjonijiet li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tagħhom meta jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ li għandhom jiġu applikati għall-assi u l-elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tagħhom taħt it-Taqsima 2.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw assi li ġew segregati f'konformità mal-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 f'konformità mal-iskopertura sottostanti ta' dawk l-assi. L-istituzzjonijiet għandhom, madankollu, jissoġġettaw dawk l-assi għal fatturi ogħla ta' finanzjament stabbli meħtieġ, skont it-terminu ta' aggravar li għandu jiġi determinat mill-awtoritajiet kompetenti, li għandhom jikkunsidraw jekk l-istituzzjoni hix kapaċi li b'mod liberu tiddisponi minn jew tiskambja tali assi u għandha tqis it-terminu tal-obbligazzjonijiet għall-klijenti tal-istituzzjonijiet li jirrigwardahom dak ir-rekwiżit ta' segregazzjoni.

3. Meta jikkalkulaw il-maturità residwa ta' assi, l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu kont, abbażi tas-suppożizzjoni li l-emittent jew il-kontroparti ser teżerċita xi opzjoni biex testendi l-maturità ta' assi. Għal opzjonijiet li jistgħu jiġu eżerċitati fid-diskrezzjoni tal-istituzzjoni, l-istituzzjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu kont ta' fatturi ta' reputazzjoni li jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-istituzzjoni li ma teżerċitax l-opzjoni, b'mod partikolari billi jqisu l-aspettattivi tas-swieq u tal-klijenti li l-istituzzjoni għandha testendi l-maturità ta' ċerti assi fid-data tal-maturità tagħhom.

4. Sabiex jiddeterminaw il-fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġa li għandhom jiġu applikati f'konformità mat-Taqsima 2, għall-amortizzazzjoni ta' self b'maturità kuntrattwali residwa ta' sena jew iktar, il-porzjonijiet li jimmaturaw f'inqas minn sitt xhur u bejn sitt xhur u inqas minn sena għandu jiġi ttrattat bħala li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur u bejn sitt xhur u inqas minn sena rispettivament.

T a q s i m a 2

F a t t u r i t a ' f i n a n z j a m e n t s t a b b l i m e ħ t i e ġ

Artikolu 428as

Fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

1. L-assi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 0 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) assi mhux aggravati li huma eliġibbli bħala assi likwidi ta' kwalità għolja ta' livell 1 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), bl-esklużjoni ta' bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna speċifikati f'dak l-att delegat, indipendentement minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali stipulati f'dak l-att delegat;

▼M8

(b) ir-riżervi kollha miżmuma mill-istituzzjoni fil-BĊE jew fil-bank ċentrali ta' Stat Membru jew il-bank ċentrali ta' pajjiż terz, inkluż riżervi meħtieġa u riżervi eċċessivi;

(c) it-talbiet kollha fuq il-BĊE, il-bank ċentrali ta' Stat Membru jew il-bank ċentrali ta' pajjiż terz li għandhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur;

(d) assi li jkunu kategorizzati bħala interdipendenti ma' obbligazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 428f.

2. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu, bil-ftehim tal-bank ċentrali rilevanti, li japplikaw fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla għar-riżervi meħtieġa, billi jitqies, b'mod partikolari, il-punt sa fejn jeżistu r-rekwiżiti tar-riżervi fuq perijodu ta' sena u għalhekk jeħtieġu finanzjament stabbli assoċjat.

Għal sussidjarji li jkollhom l-uffiċċju prinċipali f'pajjiż terz, fejn ir-riżervi meħtieġa tal-bank ċentrali jkunu soġġetti għal fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla taħt ir-rekwiżit ta' finanzjament stabbli nett stipulat fil-liġi nazzjonali ta' dak il-pajjiż terz, dak il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla għandu jitqies għall-finijiet ta' konsolidazzjoni.

Artikolu 428at

Fattur ta' 5 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

1. Il-porzjon mhux prelevat ta' faċilitajiet ta' kreditu u ta' likwidità impenjati speċifikati fl-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1) għandu jkun soġġett għal fattur ta' 5 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ.

2. Għas-settijiet kollha tan-netting ta' kuntratti tad-derivattivi, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fattur ta' 5 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ għall-valur ġust assolut ta' dawk is-settijiet tan-netting ta' kuntratti tad-derivattivi, gross minn kwalunkwe kollateral depożitat, meta dawk is-settijiet tan-netting ikollhom valur ġust negattiv. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur ġust bħala gross minn kwalunkwe kollateral depożitat jew pagamenti ta' saldu u rċevuti relatati ma' bidliet fil-valwazzjoni tas-suq ta' kuntratti bħal dawn.

Artikolu 428au

Fattur ta' 10 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

L-assi u l-elementi li ġejjin li ma jidhrux fuq il-karta bilanċ għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 10 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) assi mhux aggravati li huma eliġibbli bħala bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna ta' Livell 1 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat;

(b) prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ kif imsemmija fl-Anness I.

▼M8

Artikolu 428av

Fattur ta' 20 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Assi mhux aggravati li huma eliġibbli bħala assi tal-Livell 2A skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), u ishma mhux aggravati jew unitajiet f'CIUs skont dak l-att delegat għandhom ikunu suġġetti għal fattur ta' 20 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat.

Artikolu 428aw

Fattur ta' 50 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

L-assi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 50 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) self iggarantit u mhux iggarantit b'maturità residwa ta' inqas minn sena u dment li jkunu aggravati inqas minn sena;

(b) kwalunkwe assi oħra b'maturità residwa ta' inqas minn sena, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-Artikoli 428as sa 428av;

(c) assi aggravati għal maturità residwa ta' mill-inqas sitt xhur iżda ta' inqas minn sena, ħlief fejn dawk l-assi jkunu assenjati fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla skont l-Artikoli 428ax, 428ay u 428az jekk kienu miżmuma mhux aggravati, f'liema każ għandu japplika l-fattur ta' finanzjament meħtieġ ogħla li jkun japplika għal dawk l-assi kieku kellhom jinżammu mhux aggravati.

Artikolu 428ax

Fattur ta' 55 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

Assi li huma eliġibbli bħala assi tal-livell 2B skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), u ishma jew unitajiet f'CIUs skont dak l-att delegat għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 55 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ, irrispettivament minn jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti operazzjonali u mar-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità kif stipulati f'dak l-att delegat, dment li jkunu aggravati inqas minn sena.

Artikolu 428ay

Fattur ta' 85 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

L-assi u l-elementi li ġejjin li ma jidhrux fuq il-karta bilanċ għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 85 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

▼M8

(a) kwalunkwe assi u element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ, inkluż flus kontanti, li ddaħħlu bħala marġni inizjali għal kuntratti ta' derivattivi jew depożitati bħala kontribuzzjoni għall-fond ta' inadempjenza ta' CCP, sakemm dawk l-assi ma jiġux assenjati fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ iktar għoli f'konformità mal-Artikolu 428az jekk ikunu miżmuma mhux aggravati, f'liema każ għandu japplika l-fattur ta' finanzjament iktar għoli għal dawk l-assi kieku kellhom jinżammu mhux aggravati;

(b) self mhux aggravat b'maturità residwa ta' sena jew iktar, eskluż self lil klijenti finanzjarji, li ma jkunx sar dovut għal iktar minn 90 jum;

(c) prodotti relatati mal-finanzjament tal-kummerċ li jidhru fil-karta tal-bilanċ, b'maturità residwa ta' sena jew iktar;

(d) titoli mhux aggravati b'maturità residwa ta' sena jew iktar li mhumiex inadempjenti f'konformità mal-Artikolu 178 u li mhumiex eliġibbli bħala assi likwidi skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1);

(e) ekwitajiet mhux aggravati nnegozjati f'kambju li mhumiex eliġibbli bħala assi ta' livell 2B skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460 (1);

(f) komoditajiet fiżiċi nnegozjati, inkluż deheb iżda eskluži derivattivi ta' komoditajiet.

Artikolu 428az

Fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ

1. L-assi li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għal fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ:

(a) kwalunkwe assi aggravat b'maturità residwa ta' sena jew iktar;

(b) kwalunkwe assi li mhuwiex dak imsemmi fl-Artikoli 428as sa 428ay, inkluż self lil klijenti finanzjarji li jkollhom maturità kuntrattwali residwa ta' sena jew iktar, skoperturi improduttivi, elementi mnaqqsa mill-fondi proprji, assi fissi, ekwitajiet negozjati mhux ta' kambju, interess ritenut, assi ta' assigurazzjoni, titoli inadempjenti.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fattur ta' 100 % ta' finanzjament stabbli meħtieġ għad-differenza, jekk pożittiva, bejn is-somma tal-valuri ġusti tas-settijiet kollha tan-netting b'valur ġust pożittiv u s-somma tal-valuri ġusti tas-settijiet kollha tan-netting b'valur ġust negattiv kalkulat f'konformità mal-Artikolu 428d.

Ir-regoli li ġejjin għandhom japplikaw għall-kalkolu msemmi fl-ewwel subparagrafu:

▼M8

(a) marġni ta' varjazzjoni riċevut minn istituzzjonijiet mill-kontropartijiet tagħhom għandu jitnaqqas mill-valur ġust ta' sett tan-netting b'valur ġust pożittiv fejn il-kollateral riċevut bħala marġni ta' varjazzjoni jikkwalifika bħala assi ta' livell 1 skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), bl-esklużjoni tal-bonds koperti ta' kwalità għolja ħafna speċifikati f'dak l-att delegat, u fejn l-istituzzjonijiet jkunu intitolati legalment u funzjonalment kapaċi li jużawhom mill-ġdid dak il-kollateral;

(b) il-marġnijiet kollha ta' varjazzjoni li ddaħħlu minn istituzzjonijiet mal-kontropartijiet tagħhom għandhom jitnaqqsu mill-valur ġust ta' sett tan-netting b'valur ġust negattiv.

PARTI SEBGĦA

LIEVA FINANZJARJA

Artikolu 429

Kalkolu tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja

1. L-istituzzjonijiet jikkalkulaw il-proporzjon ta' lieva finanzjarja tagħhom skont il-metodoloġija stipulata fil-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Il-proporzjon ta' lieva finanzjarja għandu jiġi kalkulat bħala l-miżura tal-kapital ta' istituzzjoni diviża bil-miżura tal-iskopertura totali ta' din l-istituzzjoni u għandu jiġi espress bħala perċentwal.

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-proporzjon ta' lieva finanzjarja fid-data ta' referenza tar-rappurtar.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-miżura tal-kapital għandha tkun il-kapital ta' Grad 1.

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-miżura tal-iskopertura totali għandha tkun is-somma tal-valuri tal-iskopertura ta':

(a) assi, eskluż il-kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II, id-derivattivi tal-kreditu u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 429e, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 429b(1);

(b) kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u derivattivi tal-kreditu, inkluż dawk il-kuntratti u derivattivi ta' kreditu li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, ikkalkulati f'konformità mal-Artikoli 429c u 429d;

(c) żidiet għar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, inkluż dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 429e;

(d) elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, bl-esklużjoni tal-kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II, derivattivi tal-kreditu, tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 429d u 429g, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 429f;

(e) xiri jew bejgħ fi żmien regolari u li jistennew saldu, ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 429g.

L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw tranżazzjonijiet ta' saldu twil f'konformità mal-punti (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu, kif applikabbli.

▼M8

L-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-valuri tal-iskopertura msemmija fil-punti (a) u (d) tal-ewwel subparagrafu bl-ammont korrispondenti ta' aġġustamenti ġenerali fir-riskju ta' kreditu għal elementi li jidhru u dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, rispettivament, soġġett għal limitu ta' 0 fejn l-aġġustamenti fir-riskju ta' kreditu jkunu naqqsu l-kapital ta' Grad 1.

5. B'deroga mill-punt (d) tal-paragrafu 4, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

▼C8

(a) element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ skont il-punt (d) tal-paragrafu 4 li huwa ttrattat bħala derivattiv skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli għandu jkun soġġett għat-trattament stipulat fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu;

▼M8

(b) meta klijent ta' istituzzjoni li jaġixxi bħala membru tal-ikklerjar jidħol direttament fi tranżazzjoni ta' derivattiva ma' CCP u l-istituzzjoni tiggarantixxi l-prestazzjoni tal-iskoperturi tan-negozju tal-klijent tagħha lis-CCP li jirriżultaw minn dik it-tranżazzjoni, l-istituzzjoni għandha tikkalkola l-iskopertura tagħha li tirriżulta mill-garanzija f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 4, bħallikieku dik l-istituzzjoni daħlet direttament fit-tranżazzjoni mal-klijent, inkluż fir-rigward tar-riċeviment jew il-provvista tal-marġni ta' varjazzjoni ta' flus kontanti.

It-trattament stipulat fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu japplika wkoll għal istituzzjoni li taġixxi bħala klijent ta' livell għoli li jiggarantixxi l-prestazzjoni tal-iskoperturi tan-negozju tal-klijent tagħha.

▼M17

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (b), u tat-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu entità affiljata bħala klijent biss meta dik l-entità ma tkunx fl-ambitu regolatorju tal-konsolidazzjoni fil-livell li fih jiġi applikat ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 92(4), il-punt (e)

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, il-punt (e), ta' dan l-Artikolu u tal-Artikolu 429g, "xiri jew bejgħ fi żmien regolari" tfisser xiri jew bejgħ ta' assi finanzjarju skont kuntratti li għalihom it-termini jeħtieġu konsenja tal-assi finanzjarju fil-perjodu stabbilit ġeneralment mil-liġi jew permezz ta' konvenzjoni fis-suq ikkonċernat.

▼M8

7. Sakemm ma jkunx espressament previst mod ieħor f'din il-Parti, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-miżura tal-iskopertura totali skont il-prinċipji li ġejjin:

(a) kollateral fiżiku jew finanzjarju, garanziji jew mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu mixtrija ma għandhomx jintużaw biex inaqqsu l-miżura tal-iskopertura totali;

(b) l-assi ma għandhomx jiġu nnettjati mal-obbligazzjonijiet.

8. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 7, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-valur tal-iskopertura ta' self ta' prefinanzjament jew self intermedju bil-bilanċ pożittiv fuq il-kont tat-tfaddil tad-debitur li lilu ngħata s-self u jinkludu biss l-ammont li jirriżulta fil-miżura tal-iskopertura totali, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼M8

(a) l-għoti tas-self huwa kondizzjonali fuq il-ftuħ tal-kont tat-tfaddil mal-istituzzjoni li tagħti s-self u kemm is-self kif ukoll l-kont tat-tfaddil huma rregolati mill-istess liġi settorjali;

(b) il-bilanċ fuq il-kont tat-tfaddil ma jistax jiġi prelevat, parzjalment jew kollu kemm hu, mid-debitur għall-perijodu ta' żmien kollu tas-self;

(c) l-istituzzjoni tista' tuża inkondizzjonalment u irrevokabbilment il-bilanċ fuq il-kont tat-tfaddil biex tiġi saldata kwalunkwe pretensjoni skont il-ftehim ta' self f'każijiet irregolati mil-liġi settorjali msemmija fil-punt (a), inkluż in-nuqqas ta' ħlas mid-debitur jew l-insolvenza tiegħu.

"Self ta' prefinanzjament" jew "self intermedju" jfissru self li jingħata lil min jissellef għal perijodu limitat ta' żmien sabiex jitnaqqsu l-lakuni fil-finanzjament tal-mutwatarju sakemm jingħata s-self finali f'konformità mal-kriterji stabbiliti fil-liġi settorjali li tirregola dawn it-tranżazzjonijiet.

Artikolu 429a

Skoperturi eskluži mill-miżura tal-iskopertura totali

1. B'deroga mill- Artikolu 429(4), istituzzjoni tista' teskludi kwalunkwe skopertura li ġejja mill-miżura tal-iskopertura totali tagħha:

(a) l-ammonti mnaqqsa mill-elementi ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 36(1);

(b) l-assi mnaqqsa fil-kalkolu tal-miżura kapitali msemmija fl-Artikolu 429(3);

(c) l-iskoperturi li jkunu assenjati ponderazzjoni tar-riskju ta' 0 % f'konformità mal-Artikolu 113(6) jew (7);

▼M17

(ca) fejn l-istituzzjoni tkun membru tan-network imsemmi fl-Artikolu 113(7), l-iskoperturi li jkunu assenjati piż tar-riskju ta' 0 % f'konformità mal-Artikolu 114 u li jirriżultaw minn assi li jkunu ekwivalenti ta' depożiti fl-istess munita ta' membri oħrajn ta' dak in-network li jirriżultaw minn depożitu minimu legali jew statutorju f'konformità mal-Artikolu 422(3), il-punt (b); f'każ bħal dan, l-iskoperturi ta' membri oħra ta' dak in-network, kemm jekk ikunu depożitu minimu legali kif ukoll statutorju, mhumiex soġġetti għall-punt (c) ta' dan il-paragrafu;

▼C8

(d) meta l-istituzzjoni tkun istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku, l-iskoperturi li jirriżultaw minn assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali jew entitajiet tas-settur pubbliku fir-rigward ta' investimenti, u self promozzjonali;

▼M17

(da) l-iskoperturi tal-istituzzjoni għall-azzjonisti tagħha, dment li tali skoperturi jkunu kollateralizzati għal-livell ta' mill-inqas 125 % mill-assi msemmija fl-Artikolu 129(1), il-punti (d) u (e), u dawk l-assi jiġu meqjusa fir-rekwiżit tal-proporzjon tal-lieva finanzjarja tal-azzjonisti, meta l-istituzzjoni ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku iżda tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼M17

(i) l-azzjonisti tagħha jkunu istituzzjonijiet ta' kreditu u ma jeżerċitawx kontroll fuq l-istituzzjoni;

(ii) hija tikkonforma mal-paragrafu 2, il-punti (a), (b), (c) u (e), ta' dan l-Artikolu;

(iii) l-iskoperturi tagħha jkunu jinsabu fl-istess Stat Membru;

(iv) tkun soġġetta għal xi forma ta' sorveljanza minn gvern ċentrali ta' Stat Membru fuq bażi kontinwa;

(v) il-mudell tan-negozju tagħha jkun limitat għall-pass-through tal-ammont li jikkorrispondi għar-rikavati miġbura permezz tal-ħruġ ta' bonds koperti lill-azzjonisti tagħha, fil-forma ta' strumenti ta' dejn;

▼M8

(e) meta l-istituzzjoni ma tkunx istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku, il-partijiet ta' skoperturi li jirriżultaw mit-trasferiment ta' self promozzjonali lil istituzzjonijiet ta' kreditu oħra;

(f) il-partijiet garantiti ta' skoperturi li jirriżultaw minn krediti għall-esportazzjoni li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-garanzija hija pprovduta minn fornitur eliġibbli ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata f'konformità mal-Artikoli 201 u 202, inkluż minn aġenziji tal-kreditu għall-esportazzjoni jew minn gvernijiet ċentrali;

(ii) ponderazzjoni tar-riskju ta' 0 % tapplika għall-parti garantita tal-iskopertura f'konformità mal-Artikolu 114(2) jew (4) jew l-Artikolu 116(4);

(g) meta l-istituzzjoni tkun membru tal-ikklerjar ta' QCCP, l-iskoperturi tan-negozju ta' dik l-istituzzjoni, dment li dawn ikunu kklerjati ma' dik il-QCCP u jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fil-punt (c) tal-Artikolu 306(1);

(h) meta l-istituzzjoni tkun klijent ta' livell ogħla fi ħdan struttura ta' klijenti f'diversi livelli, l-iskoperturi tan-negozju lill-membru tal-ikklerjar jew lil entità li sservi bħala klijent ta' livell ogħla għal dik l-istituzzjoni, dment li l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 305(2) jiġu ssodisfati u dment li l-istituzzjoni ma tkunx obbligata tirrimborża lill-klijent tagħha għal kwalunkwe telf imġarrab fil-każ ta' inadempjenza tal-membru tal-ikklerjar jew tal-QCCP;

(i) assi fiduċjarji li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikunu rikonoxxuti fil-karta tal-bilanċ tal-istituzzjoni minn prinċipji ta' kontabbiltà nazzjonali ġeneralment aċċettati, f'konformità mal-Artikolu 10 tad-Direttiva 86/635/KEE;

(ii) jissodisfaw il-kriterji għan-nuqqas ta' rikonoxximent stipulati fl-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS) 9, kif applikati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002;

(iii) jissodisfaw il-kriterji għan-nuqqas ta' konsolidazzjoni stipulati fl-IFRS 10, kif applikati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002, fejn applikabbli;

▼M8

(j) skoperturi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) ikunu skoperturi għal entità tas-settur pubbliku;

(ii) ikunu trattati f'konformità mal-Artikolu 116(4);

(iii) jirriżultaw minn depożiti li l-istituzzjoni tkun legalment obbligata tittrasferixxi lill-entità tas-settur pubbliku msemmija fil-punt (i) għall-fini tal-finanzjament ta' investimenti ta' interess ġenerali;

(k) il-kollateral eċċessiv depożitat ma' aġenti tripartiti li ma jkunx issellef;

(l) meta skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, istituzzjoni tirrikonoxxi l-marġni ta' varjazzjoni mħallas fi flus kontanti lill-kontroparti tagħha bħala assi riċevibbli, l-assi riċevibbli, dment li jkunu ġew issodisfati l-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-Artikolu 429c(3);

(m) l-iskoperturi titolizzati minn titolizzazzjonijiet tradizzjonali li jissodisfaw il-kondizzjonijiet għat-trasferiment ta' riskju sinifikanti stipulati fl-Artikolu 244(2);

▼M11

(n) l-iskoperturi li ġejjin għall-bank ċentrali tal-istituzzjoni, soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafi 5 u 6:

▼M8

(i) muniti u karti tal-flus li jikkostitwixxu munita legali fil-ġurisdizzjoni tal-bank ċentrali;

(ii) assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq il-bank ċentrali, inkluż riżervi miżmuma fil-bank ċentrali;

(o) fejn l-istituzzjoni tkun awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 16 u l-punt (a) tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-iskoperturi tal-istituzzjoni dovuti għal servizzi anċillari tat-tip bankarju elenkati fil-punt (a) tat-Taqsima C tal-Anness għal dak ir-Regolament li huma direttament relatati mas-servizzi ewlenin jew anċillari elenkati fit-Taqsimiet A u B ta' dak l-Anness;

(p) fejn l-istituzzjoni tkun nominata f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 54(2) tar-Regolament (UE) Nru 909/2014, l-iskoperturi tal-istituzzjoni dovuti għal servizzi anċillari tat-tip bankarju elenkati fil-punt (a) tat-Taqsima C tal-Anness għal dak ir-Regolament li huma direttament relatati mas-servizzi ewlenin jew anċillari ta' depożitorju ċentrali tat-titoli, awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dak ir-Regolament, elenkati fit-Taqsimiet A u B ta' dak l-Anness;

▼M15

(q) l-iskoperturi li huma soġġetti għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 72e(5), l-ewwel subparagrafu.

▼M8

Għall-finijiet tal-punt (m) tal-ewwel subparagrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu kwalunkwe skopertura miżmuma fil-miżura tal-iskopertura totali.

▼M8

2. Għall-finijiet tal-punti (d) u (e) tal-paragrafu 1, 'istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku' tfisser istituzzjoni ta' kreditu li tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) tkun ġiet stabbilita mill-gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali ta' Stat Membru;

(b) l-attività tagħha tkun limitata għall-avvanz ta' objettivi speċifiċi ta' politika pubblika finanzjarja, soċjali jew ekonomika f'konformità mal-liġijiet u d-dispożizzjonijiet li jirregolaw dik l-istituzzjoni, inkluż artikoli ta' assoċjazzjoni, fuq bażi mhux kompetittiva;

(c) il-mira tagħha mhijiex li timmassimizza l-profitt jew is-sehem tas-suq;

(d) soġġett għal regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, il-gvern ċentrali, il-gvern reġjonali jew l-awtorità lokali għandhom obbligu li jipproteġu l-vijabbiltà tal-istituzzjoni ta' kreditu jew jiggarantixxu direttament jew indirettament mill-inqas 90 % tar-rekwiżiti tal-fondi proprji, ir-rekwiżiti ta' finanzjament jew is-self promozzjonali mogħti tal-istituzzjoni ta' kreditu;

(e) ma tiħux depożiti koperti kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/49/UE jew fil-liġi nazzjonali li timplimenta dik id-Direttiva li jistgħu jkunu klassifikati bħala depożiti ta' perijodu fiss jew ta' tfaddil minn konsumaturi kif definit fil-punt (a) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, l-objettivi ta' politika pubblika jistgħu jinkludu l-għoti ta' finanzjament għal finijiet promozzjonali jew ta' żvilupp lil setturi ekonomiċi jew żoni ġeografiċi speċifiċi tal-Istat Membru rilevanti.

▼C8

Għall-finijiet tal-punti (d) u (e) tal-paragrafu 1, u mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat u l-obbligi tal-Istati Membri skont dan, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, fuq talba ta' istituzzjoni, jittrattaw unità indipendenti u awtonoma mil-lat organizzattiv, strutturali u finanzjarju ta' dik l-istituzzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku, dment li l-unità tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha elenkati fl-ewwel subparagrafu u li tali trattament ma jaffettwax l-effettività tas-superviżjoni ta' dik l-istituzzjoni. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u l-ABE bi kwalunkwe deċiżjoni li tittratta, għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, unità ta' istituzzjoni bħala istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku. L-awtorità kompetenti għandha tirrieżamina ta' kull sena tali deċiżjoni.

3. Għall-finijiet tal-punti (d) u (e) tal-paragrafu 1 u l-punt (d) tal-paragrafu 2, 'self promozzjonali' ifisser self mogħti minn istituzzjoni ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku jew entità stabbilita mill-gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali ta' Stat Membru, direttament jew permezz ta' istituzzjoni ta' kreditu intermedja fuq bażi mhux kompetittiva u mingħajr skop ta' qligħ, biex jiġu promossi l-objettivi tal-politika pubblika tal-gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali fi Stat Membru.

([1]) Id-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (ĠU L 133, 22.5.2008, p. 66).

▼M8

4. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jeskludu l-iskoperturi tan-negozju msemmija fil-punti (g) u (h) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta ma tiġix issodisfata l-kondizzjoni stipulata fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 429(5).

▼M11

5. L-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu l-iskoperturi elenkati fil-punt (n) tal-paragrafu 1 fejn ikunu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼M8

(a) l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tkun iddeterminat, wara konsultazzjoni mal-bank ċentrali rilevanti, u ddikjarat pubblikament li jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-esklużjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' politiki monetarji;

(b) l-eżenzjoni tingħata għal perijodu ta' żmien limitat mhux itwal minn sen;

▼M11

(c) l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tkun iddeterminat, wara konsultazzjoni mal-bank ċentrali rilevanti, id-data meta ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali jitqiesu li bdew u ddikjarat pubblikament dik id-data; dik id-data għandha tiġi ffissata fit-tmiem ta' trimestru.

▼M8

6. L-iskoperturi li għandhom jiġu eskluži skont il-punt (n) tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) huma denominati fl-istess munita bħad-depożiti meħuda mill-istituzzjoni;

(b) il-maturità medja tagħhom ma taqbiżx b'mod sinifikanti l-maturità medja tad-depożiti meħuda mill-istituzzjoni.

7. B'deroga mill-punt (d) tal-Artikolu 92(1), fejn istituzzjoni teskludi l-iskoperturi msemmija fil-punt (n) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tissodisfa fi kwalunkwe ħin ir-rekwiżit ta' proporzjon ta' lieva finanzjarja aġġustat li ġej għat-tul ta' żmien tal-esklużjoni:

$$aLR = 3\% \cdot \frac{EM_{LR}}{EM_{LR} - CB}$$

fejn:

aLR = proporzjon ta' lieva finanzjarja aġġustat;

▼M11

EM_{LR} = il-miżura tal-iskopertura totali tal-istituzzjoni kif kalkulata f'konformità mal-Artikolu 429(4), inklużi l-iskoperturi eskluži f'konformità mal-punt (n) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fid-data msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu; u

CB = il-valur totali medju ta' kuljum tal-iskoperturi tal-istituzzjoni għall-bank ċentrali tiegħu, ikkalkulat tul il-perijodu sħiħ ta' żamma ta' riservi tal-bank ċentrali immedjatament qabel id-data msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 5, li huma eliġibbli li jiġu eskluži skont il-punt (n) tal-paragrafu 1.

▼M8

Artikolu 429b

Kalkolu tal-valur tal-iskopertura tal-assi

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura tal-assi, eskluż il-kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II, id-derivattivi tal-kreditu u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 429e f'konformità mal-prinċipji li ġejjin:

(a) il-valur tal-iskopertura tal-assi tfisser valur tal-iskopertura kif imsemmi fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 111(1);

(b) tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli ma għandhomx jiġu nnettjati.

2. Arranġament ta' pooling ta' flus offrut minn istituzzjoni ma jiksirx il-kondizzjoni stipulata fil-punt (b) tal-Artikolu 429(7) biss meta l-arranġament jissodisfa ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni li toffri l-arranġament ta' pooling ta' flus tittrasferixxi l-bilanċi ta' kreditu u ta' debitu ta' diversi kontijiet individwali ta' entitajiet ta' grupp inklużi fl-arranġament ("kontijiet oriġinali") f'kont uniku separat u b'hekk tistabbilixxi l-bilanċi tal-kontijiet oriġinali għal żero;

(b) l-istituzzjoni twettaq l-azzjonijiet imsemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu ta' kuljum.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu u tal-paragrafu 3, arranġament ta' pooling ta' flus tfisser arranġament fejn il-bilanċi ta' kreditu jew ta' debitu ta' diversi kontijiet individwali jiġu kombinati għall-finijiet tal-ġestjoni tal-flus jew tal-likwidità.

3. B'deroga mill-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, arranġament ta' pooling ta' flus li ma jissodisfax il-kondizzjoni stipulata fil-punt (b) ta' dak il-paragrafu, iżda li jissodisfa l-kondizzjoni stipulata fil-punt (a) ta' dak il-paragrafu, ma jiksirx il-kondizzjoni stipulata fil-punt (b) tal-Artikolu 429(7), dment li l-arranġament jissodisfa l-kondizzjonijiet addizzjonali kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni għandha dritt legalment infurzabbli għal tpaċija tal-bilanċi tal-kontijiet oriġinali permezz tat-trasferiment f'kont wieħed fi kwalunkwe mument;

(b) ma jkun hemm l-ebda diskrepanza fil-maturità bejn il-bilanċi tal-kontijiet oriġinali;

(c) l-istituzzjoni timponi jew tħallas imgħax fuq il-bażi tal-bilanċ kombinat tal-kontijiet oriġinali;

(d) l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tikkunsidra li l-frekwenza li biha l-bilanċi tal-kontijiet oriġinali kollha huma trasferiti hija adegwata għall-għan li jiġi inkluż biss il-bilanċ kombinat tal-arranġament ta' pooling ta' flus fil-miżura tal-iskopertura totali.

▼M8

4. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura tal-flus riċevibbli u l-flus pagabbli taħt tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli mal-istess kontroparti fuq bażi netta biss meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-tranżazzjonijiet ikollhom l-istess data tas-saldu finali espliċita;

(b) id-dritt li l-ammont dovut lill-kontroparti jiġi paċut bl-ammont dovut mill-kontroparti jkun legalment infurzabbli fil-perkors normali tan-negozju u f'każ ta' inadempjenza, insolvenza u falliment;

(c) il-kontropartijiet ikollhom l-intenzjoni li jissaldaw fuq bażi netta, jew li jissaldaw fl-istess ħin, jew it-tranżazzjonijiet ikunu soġġetti għal mekkaniżmu ta' saldu li jirriżulta fl-ekwivalenti funzjonali ta' saldu nett.

5. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-paragrafu 4, l-istituzzjonijiet jistgħu jqisu li mekkaniżmu ta' saldu jirriżulta fl-ekwivalenti funzjonali ta' saldu nett biss jekk, fid-data tas-saldu, ir-riżultat nett tal-flussi ta' flus kontanti tat-tranżazzjonijiet taħt dak il-mekkaniżmu jkun ugwali għall-ammont nett uniku taħt saldu nett u jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) it-tranżazzjonijiet jiġu saldati permezz tal-istess sistema ta' saldu jew sistemi ta' saldu li jużaw infrastruttura ta' saldu komuni;

(b) l-arranġamenti ta' saldu jiġu appoġġati minn flus kontanti jew faċilitajiet ta' kreditu ta' dakinhar stess maħsuba biex jiżguraw li s-saldu tat-tranżazzjonijiet iseħħ sa tmiem il-ġurnata tan-negozju;

(c) ebda kwistjoni li tirriżulta mill-komponenti tat-titoli tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli ma tfixkel it-tlestija tas-saldu nett tal-flus kontanti riċevibbli u pagabbli.

Il-kondizzjoni stipulata fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tiġi ssodisfata biss meta l-falliment ta' kwalunkwe tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli fil-mekkaniżmu ta' saldu jista' jdewwem is-saldu tal-komponent tal-flus kontanti korrispondenti biss jew jista' joħloq obbligu għall-mekkaniżmu ta' saldu, appoġġat minn faċilità ta' kreditu assoċjata.

Meta jkun hemm falliment tal-komponent tat-titoli ta' tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli fil-mekkaniżmu ta' saldu fi tmiem il-perijodu għas-saldu fil-mekkaniżmu ta' saldu, l-istituzzjonijiet għandhom jaqsmu din it-tranżazzjoni u l-komponent tal-flus kontanti korrispondenti mis-sett tan-netting u jittrattawhom fuq bażi grossa.

Artikolu 429c

Kalkolu tal-valur tal-iskopertura tad-derivattivi

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura tal-kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u tad-derivattivi tal-kreditu, inkluż dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, f'konformità mal-metodu stipulat fit-Taqsima 3 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta.

▼M8

Meta jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura, l-istituzzjonijiet jistgħu jieħdu kont tal-effetti ta' kuntratti għan-novazzjoni u arranġamenti oħra ta' netting f'konformità mal-Artikolu 295. L-istituzzjonijiet ma għandhomx jieħdu kont ta' netting bejn prodotti differenti, iżda jistgħu jinnettjaw fil-kategorija tal-prodott kif imsemmi fil-punt (25)(c) tal-Artikolu 272 u d-derivattivi tal-kreditu fejn ikunu soġġetti għal ftehim ta' netting kuntrattwali bejn prodotti differenti kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 295.

L-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-miżura tal-iskopertura totali opzjonijiet mibjugħa anki meta l-valur tal-iskopertura tagħhom jista' jiġi stabbilit għal żero f'konformità mat-trattament stabbilit fl-Artikolu 274(5).

2. Meta d-dispożizzjoni ta' kollateral relatata ma' kuntratti tad-derivattivi tnaqqas l-ammont ta' assi skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, l-istituzzjonijiet għandhom ireġġgħu lura dak it-tnaqqis.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ispiża ta' sostituzzjoni ta' kuntratti tad-derivattivi f'konformità mal-Artikolu 275 jistgħu jirrikonoxxu biss kollateral riċevut fi flus kontanti mingħand il-kontropartijiet tagħhom bħala l-marġni ta' varjazzjoni msemmi fl-Artikolu 275, meta l-qafas ta' kontabbiltà applikabbli ma jkunx diġà rrikonoxxa l-marġni ta' varjazzjoni bħala tnaqqis tal-valur tal-iskopertura u meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼M17

(a) għal negozji mhux ikklerjati permezz ta' QCCP, il-flus kontanti riċevuti mill-kontroparti riċevitriċi mhumiex segregati mill-assi tal-istituzzjoni;

▼M8

(b) il-marġni ta' varjazzjoni jiġi kalkulat u skambjat mill-inqas kuljum fuq il-bażi ta' valwazzjoni skont is-suq ta' pożizzjonijiet fid-derivattivi;

(c) il-marġni ta' varjazzjoni riċevut ikun f'munita speċifikata fil-kuntratt tad-derivattivi, fil-ftehim ta' netting ewlieni li jirregolah, fl-anness ta' appoġġ għall-ftehim ta' netting ewlieni kwalifikanti jew kif definit minn kwalunkwe ftehim ta' netting ma' QCCP;

(d) il-marġni ta' varjazzjoni riċevut ikun l-ammont sħiħ li jkun meħtieġ biex ineħħi l-iskopertura ta' valwazzjoni skont is-suq tal-kuntratt tad-derivattivi soġġett għal-livell limitu u l-ammonti ta' trasferiment minimi li jkunu applikabbli għall-kontroparti;

(e) il-kuntratt tad-derivattivi u l-marġni ta' varjazzjoni bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti għal dak il-kuntratt ikunu koperti minn ftehim ta' netting uniku li l-istituzzjoni tista' tittratta bħala li jnaqqas ir-riskju f'konformità mal-Artikolu 295.

Meta istituzzjoni tipprovdi kollateral fi flus kontanti lil kontroparti u dak il-kollateral jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu, l-istituzzjoni għandha tikkunsidra dak il-kollateral bħala l-marġni ta' varjazzjoni ddepożitat mal-kontroparti u għandha tinkludih fil-kalkolu tal-ispiża ta' sostituzzjoni.

Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, istituzzjoni għandha tiġi kunsidrata li ssodisfat il-kondizzjoni stipulata fih meta l-marġni ta' varjazzjoni jiġi skambjat fl-għodwa tal-jum ta' negozjar wara l-jum ta' negozjar li fih ġie stipulat il-kuntratt tad-derivattivi, dment li l-iskambju jkun ibbażat fuq il-valur tal-kuntratt fi tmiem il-jum ta' negozjar li fih ġie stipulat il-kuntratt.

▼M8

Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, meta tinqala' tilwima dwar il-marġni, l-istituzzjonijiet jistgħu jirrikonoxxu l-ammont ta' kollateral mhux kontestat li jkun ġie skambjat.

▼M17

4. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet m'għandhomx jinkludu kollateral riċevut fil-kalkolu tal-NICA kif iddefinit fl-Artikolu 272, il-punt (12a).

4a. B'deroga mill-paragrafi 3 u 4, istituzzjoni tista' tirrikonoxxi kwalunkwe kollateral riċevut f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 3 meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kollateral jiġi riċevut minn klijent għal kuntratt tad-derivattivi kklerjat mill-istituzzjoni f'isem dak il-klijent;

(b) il-kuntratt imsemmi fil-punt (a) jiġi kklerjat permezz ta' QCCP;

(c) meta l-kollateral ikun ġie riċevut fil-forma ta' marġni inizjali, dak il-kollateral jiġi ssegregat mill-assi tal-istituzzjoni.

▼M8

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu l-valur tal-multiplikatur użat fil-kalkolu tal-iskopertura futura potenzjali f'konformità mal-Artikolu 278(1) għal wieħed, ħlief fil-każ ta' kuntratti tad-derivattivi ma' klijenti meta dawk il-kuntratti jiġu kklerjati minn QCCP.

▼M17

6. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-metodu li jinsab fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 4 jew 5 biex jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura ta' dawn li ġejjin:

(a) kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u derivattivi ta' kreditu, meta jużaw ukoll dak il-metodu biex jiddeterminaw il-valur tal-iskopertura ta' dawk il-kuntratti għall-finijiet tal-issodisfar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti fl-Artikolu 92 (1), il-punti (a), (b) u (c);

(b) derivattivi ta' kreditu li għalihom japplika t-trattament stabbilit fl-Artikolu 273(3) jew (5), meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet biex jintuża dak il-metodu.

▼M8

Meta l-istituzzjonijiet japplikaw wieħed mill-metodi msemmija fl-ewwel subparagrafu, ma għandhomx inaqqsu l-miżura tal-iskopertura totali bl-ammont tal-marġni li jkunu rċevew.

Artikolu 429d

Dispożizzjonijiet addizzjonali dwar il-kalkolu tal-valur tal-iskopertura tad-derivattivi ta' kreditu sottoskritti

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "derivattiv ta' kreditu sottoskritt" tfisser kwalunkwe strument finanzjarju li permezz tiegħu istituzzjoni effettivament tipprovdi protezzjoni tal-kreditu inkluż swaps ta' inadempjenza ta' kreditu, swaps ta' redditu totali u opzjonijiet fejn l-istituzzjoni jkollha l-obbligu li tipprovdi protezzjoni tal-kreditu taħt il-kondizzjonijiet speċifikati fil-kuntratt tal-opzjonijiet.

▼M8

2. Minbarra l-kalkolu stabbilit fl-Artikolu 429c, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-kalkolu tal-valur tal-iskopertura ta' derivattivi ta' kreditu sottoskritti l-ammonti nozzjonali effettivi msemmija fid-derivattivi ta' kreditu sottoskritti mnaqqsa minn kwalunkwe bidla negattiva ta' valur ġust li tkun ġiet inkorporata fil-kapital ta' Grad 1 fir-rigward ta' dawk id-derivattivi ta' kreditu sottoskritti.

L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont nozzjonali effettiv tad-derivattivi ta' kreditu sottoskritti billi jaġġustaw l-ammont nozzjonali ta' dawk id-derivattivi biex jirrifletti l-iskopertura reali tal-kuntratti li għandhom effett ta' lieva finanzjarja jew b'mod ieħor imsaħħa bl-istruttura tat-tranżazzjoni.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu b'mod sħiħ jew parzjalment il-valur tal-iskopertura kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 2 bl-ammont nozzjonali effettiv tad-derivattivi ta' kreditu mixtrija, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-maturità li jifdal tad-derivattiv ta' kreditu mixtri tkun ugwali jew ikbar mill-maturità li jifdal tad-derivattiv ta' kreditu sottoskritt;

(b) id-derivattiv ta' kreditu mixtri jkun soġġett mod ieħor għall-istess termini materjali bħal dawk fid-derivattiv tal-kreditu sottoskritt korrispondenti jew aktar konservattivi minnhom;

(c) id-derivattiv tal-kreditu mixtri ma nxtarax minn kontroparti li tesponi lill-istituzzjoni għal riskju Speċifiku ta' Korrelazzjoni Ħażina, kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 291(1);

(d) meta l-ammont nozzjonali effettiv tad-derivattiv ta' kreditu sottoskritt jitnaqqas bi kwalunkwe bidla negattiva fil-valur ġust inkorporat fil-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni, l-ammont nozzjonali effettiv tad-derivattiv ta' kreditu mixtri jitnaqqas bi kwalunkwe bidla pożittiva fil-valur ġust li tkun ġiet inkorporata fil-kapital ta' Grad 1;

(e) id-derivattiv ta' kreditu mixtri ma jkunx inkluż fi tranżazzjoni li tkun ġiet ikklerjata mill-istituzzjoni f'isem klijent jew li tkun ġiet ikklerjata mill-istituzzjoni fir-rwol tagħha bħala klijent ta' livell ogħla fi struttura tal-klijenti b'ħafna livelli u li għalih l-ammont nozzjonali effettiv referenzjat mid-derivattiv ta' kreditu sottoskritt korrispondenti jkun eskluż mill-miżura tal-iskopertura totali f'konformità mal-punt (g) jew (h) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 429a(1), kif applikabbli.

Għall-finijiet tal-kalkolu tal-iskopertura futura potenzjali f'konformità mal-Artikolu 429c(1), l-istituzzjonijiet jistgħu jeskludu mis-sett tan-netting il-porzjon ta' derivattiv ta' kreditu sottoskritt li ma jkunx paċut f'konformità mal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu u li għalih l-ammont nozzjonali effettiv ikun inkluż fil-miżura tal-iskopertura totali.

4. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-paragrafu 3, "terminu materjali" tfisser kwalunkwe karatteristika tad-derivattiv ta' kreditu li tkun rilevanti għall-valutazzjoni tiegħu, inkluż il-livell ta' subordinazzjoni, l-opzjonalità, l-avvenimenti ta' kreditu, l-entità jew il-grupp ta' entitajiet ta' referenza sottostanti, u l-obbligu ta' referenza sottostanti jew il-ġabra ta' obbligi, bl-eċċezzjoni tal-ammont nozzjonali u l-maturità residwa tad-derivattiv ta' kreditu. Żewġ ismijiet ta' referenza għandhom ikunu l-istess biss meta jirreferu għall-istess entità legali.

▼M8

5. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 3, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw derivattivi ta' kreditu mixtrija fuq pool ta' ismijiet ta' referenza biex ipaċu derivattivi ta' kreditu sottoskritt fuq ismijiet ta' referenza individwali fi ħdan dak il-pool meta dak il-pool ta' entitajiet ta' referenza u l-livell ta' subordinazzjoni fiż-żewġ tranżazzjonijiet ikunu l-istess.

6. L-istituzzjonijiet ma għandhomx inaqqsu l-ammont nozzjonali effettiv tad-derivattivi ta' kreditu sottoskritt meta jixtru protezzjoni tal-kreditu permezz ta' swap tar-redditu totali u jirreġistraw il-pagamenti netti riċevuti bħala introjtu nett, iżda ma jirreġistraw l-ebda deterjorazzjoni ta' tpaċija fil-valur tad-derivattiv ta' kreditu sottoskritt fil-kapital ta' Grad 1.

7. Fil-każ ta' derivattivi ta' kreditu mixtrija fuq ġabra ta' obbligi ta' referenza, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-ammont nozzjonali effettiv tad-derivattivi ta' kreditu sottoskritt fuq l-obbligazzjonijiet ta' referenza individwali bl-ammont nozzjonali effettiv tad-derivattivi ta' kreditu mixtrija f'konformità mal-paragrafu 3 biss meta l-protezzjoni mixtrija tkun ekonomikament ekwivalenti għax-xiri ta' protezzjoni b'mod separat fuq kull waħda mill-obbligazzjonijiet individwali fil-ġabra.

Artikolu 429e

Suppliment tar-riskju ta' kreditu tal-kontroparti għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli

1. Flimkien mal-kalkolu tal-valur tal-iskopertura ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, inkluż dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ f'konformità mal-Artikolu 429b(1), l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-miżura tal-iskopertura totali suppliment għal riskju ta' kreditu ta' kontroparti kkalkolat f'konformità mal-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu, kif applikabbli.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment għal tranżazzjonijiet ma' kontroparti li ma jkunux soġġetti għal ftehim prinċipali ta' netting li jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 206 fuq il-bażi skont it-tranżazzjoni f'konformità mal-formula li ġejja:

$$E_i^* = \max\{0,\ E_i - C_i\}$$

fejn:

E_i^* = is-suppliment;

i = l-indiċi li jindika t-tranżazzjoni;

E_i = il-valur ġust tat-titoli jew il-flus kontanti mislufa lill-kontroparti taħt it-tranżazzjoni i; u

C_i = il-valur ġust tat-titoli jew tal-flus kontanti riċevuti mill-kontroparti taħt it-tranżazzjoni i.

L-istituzzjonijiet jistgħu jistabbilixxu E_i^* ekwivalenti għal żero fejn E_i jkun il-flus kontanti mislufa lil kontroparti u l-flus kontanti assoċjati riċevibbli ma jkunux eliġibbli għat-trattament tan-netting stipulat fl-Artikolu 429b(4).

▼M8

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw is-suppliment għal tranżazzjonijiet ma' kontroparti li jkunu soġġetti għal ftehim prinċipali ta' netting li jissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 206 fuq il-bażi skont il-ftehim f'konformità mal-formula li ġejja:

$$E_i^* = \max\left\{0, \sum_i E_i - \sum_i C_i\right\}$$

fejn:

E_i^* = is-suppliment;

i = l-indiċi li jindika l-arranġament tan-netting;

E_i = il-valur ġust tat-titoli jew tal-flus kontanti mislufa lill-kontroparti għat-tranżazzjonijiet li huma soġġetti għall-ftehim prinċipali ta' netting i; u

C_i = il-valur ġust tat-titoli jew tal-flus kontanti riċevuti mill-kontroparti li huma soġġetti għall-ftehim prinċipali ta' netting i.

4. Għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3, it-terminu kontroparti jinkludi wkoll aġenti tripartitiċi li jirċievu kollateral f'depożitu u jamministraw il-kollateral fil-każ ta' tranżazzjonijiet tripartitiċi.

5. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw il-metodu stipulat fl-Artikolu 222, soġġett għal limitu ta' 20 % għall-ponderazzjoni tar-riskju applikabbli, biex jiddeterminaw is-suppliment għat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli inkluż dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ. L-istituzzjonijiet jistgħu jużaw dan il-metodu biss meta jużawh ukoll biex jikkalkolaw il-valur tal-iskopertura ta' dawk it-tranżazzjonijiet bl-għan li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kif stipulati fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 92(1).

6. Meta tinkiseb kontabbiltà tal-bejgħ għal tranżazzjoni ta' riakkwist skont il-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, l-istituzzjoni għandha treġġa' lura l-elementi ta' kontabbiltà kollha relatati mal-bejgħ.

7. Meta istituzzjoni taġixxi bħala aġent bejn żewġ partijiet fi tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli, inkluż tranżazzjoni li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin għall-kalkolu tal-miżura tal-iskopertura totali tal-istituzzjoni:

(a) meta l-istituzzjoni tipprovdi indennizz jew garanzija għal waħda mill-partijiet fit-tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli, u l-indennizz jew il-garanzija tkun limitata għal kwalunkwe differenza bejn il-valur tat-titolu jew tal-flus kontanti li tkun sellfet il-parti u l-valur tal-kollateral li jkun ipprovda l-mutwatarju, l-istituzzjoni għandha tinkludi biss is-suppliment ikkalkolat f'konformità mal-paragrafu 2 jew 3, kif applikabbli, fil-miżura tal-iskopertura totali;

(b) meta l-istituzzjoni ma tipprovdix indennizz jew garanzija lil xi waħda mill-partijiet involuti, it-tranżazzjoni ma għandhiex tiġi inkluża fil-miżura tal-iskopertura totali;

▼M8

(c) meta l-istituzzjoni tkun ekonomikament esposta għat-titolu sottostanti jew il-flus kontanti fit-tranżazzjoni għal ammont ikbar mill-iskopertura koperta mis-suppliment, hija għandha tinkludi wkoll fil-miżura tal-iskopertura totali l-ammont sħiħ tat-titolu jew tal-flus kontanti li tkun esposta għalihom;

(d) meta l-istituzzjoni li taġixxi bħala aġent tipprovdi indennizz jew garanzija għaż-żewġ partijiet involuti fi tranżazzjoni ta' finanzjament tat-titoli, l-istituzzjoni għandha tikkalkola l-miżura tal-iskopertura totali tagħha f'konformità mal-punti (a) (b) u (c) b'mod separat għal kull parti involuta fit-tranżazzjoni.

Artikolu 429f

Kalkolu tal-valur tal-iskopertura ta' elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ

▼M17

1. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw, f'konformità mal-Artikolu 111(2), il-valur tal-iskopertura tal-entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, minbarra l-kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II, derivattivi ta' kreditu, tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli u l-pożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 429d.

Meta impenn jirreferi għall-estensjoni ta' entrata oħra li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ, għandu japplika l-Artikolu 111(3).

▼M8

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet jistgħu jnaqqsu l-ammont ekwivalenti tal-iskopertura ta' kreditu ta' element li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ bl-ammont korrispondenti ta' aġġustamenti speċifiċi tar-riskju ta' kreditu. Il-kalkolu għandu jkun soġġett għal minimu ta' żero.

▼M17

3. B'deroga mill-Artikolu 495d, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw fattur ta' konverżjoni ta' 10 % għal entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ fil-forma ta' impenji kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet.

▼M8

Artikolu 429g

Kalkolu tal-valur tal-iskopertura ta' xiri u bejgħ fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu

▼M17

1. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw flus kontanti relatati ma' bejgħ fi żmien regolari u ma' assi finanzjarji relatati ma' xiri fi żmien regolari li jibqgħu fil-karta tal-bilanċ sad-data tas-saldu bħala assi f'konformità mal-Artikolu 429(4), il-punt (a).

▼M8

2. L-istituzzjonijiet li, f'konformità mal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli, japplikaw kontabbiltà skont id-data tan-negozju għal xiri u bejgħ fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu għandhom ireġġgħu lura kwalunkwe tpaċija bejn flus kontanti riċevibbli għal bejgħ fi żmien regolari li jistenna saldu u flus kontanti pagabbli għal xiri fi żmien regolari li jistenna saldu permess taħt dak il-qafas. Wara li l-istituzzjonijiet ikunu reġġgħu lura t-tpaċija ta' kontabbiltà, jistgħu jpaċu bejn dak il-flus kontanti riċevibbli u l-flus kontanti pagabbli meta kemm il-bejgħ kif ukoll ix-xiri fi żmien regolari relatati jkunu saldati fuq bażi ta' kunsenja kontra ħlas.

▼M8

3. L-istituzzjonijiet li, f'konformità mal-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, japplikaw kontabbiltà skont id-data tas-saldu għal xiri u bejgħ fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu għandhom jinkludu fil-miżura tal-iskopertura totali l-valur nominali sħiħ tal-impenji li għandhom jitħallsu relatati ma' xiri fi żmien regolari.

L-istituzzjonijiet jistgħu jpaċu l-valur nominali sħiħ tal-impenji li għandhom jitħallsu relatati max-xiri fi żmien regolari mal-valur nominali sħiħ tal-flus kontanti riċevibbli relatati mal-bejgħ fi żmien regolari li jistenna saldu biss meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) kemm ix-xiri kif ukoll il-bejgħ fi żmien regolari jkunu saldati fuq il-bażi ta' kunsenja kontra ħlas;

(b) l-assi finanzjarji mixtrija u mibjugħa li huma assoċjati ma' flus kontanti pagabbli u riċevibbli huma b'valur ġust mgħoddi bħala profitt u telf u inklużi fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni.

PARTI SEBGĦA A

REKWIŻITI TA' RAPPURTAR

Artikolu 430

Rappurtar dwar ir-rekwiżiti prudenzjali u informazzjoni finanzjarja

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar:

(a) rekwiżiti ta' fondi proprji, inkluż il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, kif stipulat fl-Artikolu 92 u l-Parti Sebgħa;

(b) ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 92a u 92b għal istituzzjonijiet li huma soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti;

(c) skoperturi kbar kif stipulat fl-Artikolu 394;

(d) rekwiżiti ta' likwidità kif stipulat fl-Artikolu 415;

(e) id-data aggregata għal kull suq ta' proprjetà immobbli nazzjonali kif stipulat fl-Artikolu 430a(1);

(f) ir-rekwiżiti u l-gwida stipulati fid-Direttiva 2013/36/UE li jikkwalifikaw għal rappurtar standardizzat, ħlief għal kwalunkwe rekwiżit addizzjonali ta' rappurtar skont il-punt (j) tal-Artikolu 104(1) ta' dik id-Direttiva;

(g) il-livell tal-aggravar tal-assi, inkluż diżaggregazzjoni skont it-tip ta' aggravar tal-assi, bħal ftehimiet ta' riakkwist, self ta' titoli, skoperturi titolizzati jew self;

▼M17

(h) l-iskoperturi tagħhom għal riskji tal-ESG, inkluż:

(i) l-iskoperturi eżistenti u ġodda tagħhom għall-entitajiet tas-settur tal-fjuwils fossili;

▼M17

(ii) l-iskoperturi tagħhom għal riskji fiżiċi u riskji ta' tranżizzjoni;

(i) l-iskoperturi tagħhom għall-kriptoassi.

▼M8

L-istituzzjonijiet eżentati f'konformità mal-Artikolu 6(5) ma għandhomx ikunu soġġetti għar-rekwiżit ta' rappurtar dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja stipulat fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu fuq bażi individwali.

▼M13

1a. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta l-istituzzjonijiet jirrapportaw dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji fuq it-titolizzazzjonijiet, l-informazzjoni li jirrapportaw għandha tinkludi informazzjoni dwar it-titolizzazzjonijiet NPE li jibbenefikaw mit-trattament stabbilit fl-Artikolu 269a, dwar it-titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ li joriġinaw, u dwar d-diżaggregazzjoni tal-assi sottostanti għal dawk it-titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ skont il-klassi tal-assi.

▼M8

2. Minbarra r-rappurtar dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u sabiex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu monitoraġġ tal-volatilità tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja, b'mod partikolari madwar dati ta' referenza tar-rappurtar, l-istituzzjonijiet kbar għandhom jirrapportaw komponenti speċifiċi tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom abbażi ta' medji matul il-perijodu tar-rappurtar u d-data użata biex jiġu kkalkolati dawk il-medji.

▼M17

2a. Meta jirrapportaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw separatament il-kalkoli stabbiliti fl-Artikolu 325c(2), il-punti (a), (b) u (c), għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll tan-negozjar jew tal-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll mhux tan-negozjar li jkunu soġġetti għal riskju tal-kambju u r-riskju tal-komoditajiet.

2b. Meta jirrappurtaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq imsemmi fil-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw separatament il-kalkoli stabbiliti fl-Artikolu 325ba(1), il-punti (a)(i) u (ii) u (b)(i) u (ii), u għall-portafoll tal-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll tan-negozjar jew tal-pożizzjonijiet kollha fil-portafoll mhux tan-negozjar li jkunu soġġetti għal riskju tal-kambju u r-riskju tal-komoditajiet assenjati għall-postijiet tan-negozjar li għalihom ikunu ngħataw permess mill-awtoritajiet kompetenti biex jużaw l-approċċ alternattiv ibbażat fuq mudell intern f'konformità mal-Artikolu 325az(2).

▼M8

3. Minbarra r-rappurtar dwar ir-rekwiżiti prudenzjali msemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw informazzjoni finanzjarja lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom meta jkunu waħda minn dawn li ġejjin:

(a) istituzzjoni li tkun soġġetta għall-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002;

(b) istituzzjoni tal-kreditu li tħejji l-kontijiet ikkonsolidati tagħha f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà skont il-punt (b) tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

▼M8

4. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu li l-istituzzjonijiet tal-kreditu li jiddeterminaw il-fondi proprji tagħhom fuq bażi kkonsolidata f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà skont l-Artikolu 24(2) biex jirrapportaw informazzjoni finanzjarja f'konformità ma' dan l-Artikolu.

5. Ir-rappurtar dwar informazzjoni finanzjarja msemmija fil-paragrafi 3 u 4 għandu jinkludi biss informazzjoni li hija meħtieġa biex tiġi pprovduta stampa komprensiva tal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni u tar-riskji sistemiċi li l-istituzzjoni tippreżenta lis-settur finanzjarju jew l-ekonomija reali kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom jiġu applikati għall-istituzzjonijiet b'mod proporzjonat, b'kont meħud tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 8, wara li jiġu kkunsidrati d-daqs, il-kumplessità u n-natura tagħhom u l-livell ta' riskju tal-attivitajiet tagħhom.

7. ►M17 L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-formati uniformi tar-rapportar, il-frekwenza u d-dati tar-rapportar, kif ukoll id-definizzjonijiet, u għandha tiżviluppa soluzzjonijiet tal-IT, inkluż mudelli ta' rapportar u struzzjonijiet għar-rapportar imsemmija fil-paragrafi 1 sa 4. ◄

Kwalunkwe rekwiżit ta' rappurtar ġdid indikat f'tali standards tekniċi ta' implimentazzjoni ma għandux ikun applikabbli qabel sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

Għall-finijiet tal-paragrafu 2, l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw liema komponenti tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja għandhom jiġu rrapportati bl-użu tal-valuri fi tmiem il-ġurnata jew fi tmiem ix-xahar. Għal dan il-għan, l-ABE għandha tieħu kont taż-żewġ punti li ġejjin:

(a) kemm komponent ikun suxxettibbli għal tnaqqis temporanju sinifikanti fil-volumi ta' tranżazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'nuqqas ta' rappreżentanza tar-riskju tal-lieva finanzjarja eċċessiva fid-data ta' referenza tar-rappurtar;

(b) żviluppi u sejbiet fil-livell internazzjonali.

L-ebda rekwiżit ta' rappurtar ġdid ma għandu jkun applikabbli qabel sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-ABE għandha tissottometti lill-Kummissjoni l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu sat-28 ta' Ġunju 2021, ħlief fir-rigward ta' dawn li ġejjin:

(a) il-proporzjon ta' lieva finanzjarja, li għandu jiġi ppreżentat sat-28 ta' Ġunju 2020;

(b) l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 92a u 92b, li għandhom jiġu ppreżentati sat-28 ta' Ġunju 2020;

▼M17

(c) skoperturi għar-riskji tal-ESG, li għandhom jiġu ppreżentati sal-10 ta’ Lulju 2025.

▼M8

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M8

8. L-ABE għandha tivvaluta l-ispejjeż u l-benefiċċji tar-rekwiżiti tar-rappurtar stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 ([1]) f'konformità ma' dan il-paragrafu u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2020. Din il-valutazzjoni għandha titwettaq b'mod partikolari fir-rigward ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi. Għal dawk l-għanijiet, ir-rapport għandu:

(a) jikklassifika l-istituzzjonijiet f'kategoriji abbażi tad-daqs, il-kumplessità u n-natura tagħhom u l-livell ta' riskju tal-attivitajiet tagħhom;

(b) ikejjel l-ispejjeż ta' rappurtar imġarrba minn kull kategorija ta' istituzzjonijiet matul il-perijodu rilevanti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' rappurtar stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014, b'kont meħud tal-prinċipji li ġejjin:

(i) l-ispejjeż ta' rappurtar għandhom jitkejlu bħala l-proporzjon tal-ispejjeż ta' rappurtar relattivi għall-ispejjeż totali tal-istituzzjoni matul il-perijodu rilevanti;

(ii) l-ispejjeż ta' rappurtar għandhom jinkludu l-infiq kollu relatat mal-implimentazzjoni u l-operazzjoni fuq bażi kontinwa tas-sistemi tar-rappurtar, inkluż l-infiq fuq il-persunal, sistemi tal-IT, servizzi legali, ta' kontabbiltà, ta' awditjar u ta' konsulenza;

(iii) il-perijodu rilevanti għandu jirreferi għal kull perijodu annwali li matulu l-istituzzjonijiet ġarrbu spejjeż ta' rappurtar biex iħejju għall-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tar-rappurtar stipulati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 u biex ikomplu jħaddmu s-sistemi ta' rappurtar fuq bażi kontinwa;

(c) jivvaluta jekk l-ispejjeż ta' rappurtar imġarrba minn kull kategorija ta' istituzzjonijiet kinux proporzjonati fir-rigward tal-benefiċċji mogħtija mir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-finijiet tas-superviżjoni prudenzjali;

(d) jivvaluta l-effetti ta' tnaqqis ta' rekwiżit ta' rappurtar fuq l-ispejjeż u l-effettività tas-superviżjoni; u

(e) jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' rappurtar, tal-inqas għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, li għal dan il-għan l-ABE għandha jkollha fil-mira tnaqqis mistenni tal-ispiża medja ta' mill-inqas 10 % iżda idealment 20 % ta' tnaqqis fl-ispejjeż. L-ABE għandha, b'mod partikolari, tivvaluta jekk:

(i) ir-rekwiżiti ta' rappurtar imsemmija fil-punt (g) tal-paragrafu 1 jistgħux jitneħħew għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi fejn l-aggravar tal-assi kien taħt ċertu limitu;

(ii) il-frekwenza tar-rappurtar meħtieġa f'konformità mal-punti (a), (c), u (g) tal-paragrafu 1 tistax titnaqqas għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi.

L-ABE għandha takkumpanja dak ir-rapport bl-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 7.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014 tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tar-rappurtar superviżorju ta' istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 191, 28.6.2014, p. 1).

▼M8

9. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw lill-ABE dwar jekk l-istituzzjonijiet, għajr dawk imsemmija fil-paragrafi 3 u 4, għandhomx jirrapportaw dwar l-informazzjoni finanzjarja fuq bażi konsolidata f'konformità mal-paragrafu 3, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjonijiet rilevanti mhumiex diġà qegħdin jirrapportaw fuq bażi konsolidata;

(b) l-istituzzjonijiet rilevanti huma soġġetti għal qafas ta' kontabbiltà f'konformità mad-Direttiva 86/635/KEE;

(c) ir-rappurtar finanzjarju huwa meqjus neċessarju biex tiġi pprovduta stampa komprensiva tal-profil ta' riskju tal-attivitajiet ta' dawk l-istituzzjonijiet u tar-riskji sistemiċi li jippreżentaw għas-settur finanzjarju jew l-ekonomija reali kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika l-formati u l-mudelli li l-istituzzjonijiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jużaw għall-finijiet stipulati fih.

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

10. Fejn awtorità kompetenti tqis li l-informazzjoni mhux koperta mill-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 7 hija neċessarja għall-iskopijiet stipulati fil-paragrafu 5, hija għandha tinnotifika lill-ABE u lill-BERS dwar l-informazzjoni addizzjonali li hija tqis li huwa neċessarju li tiġi inkluża fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija f'dak il-paragrafu.

11. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jneħħu r-rekwiżit li jiġi ppreżentat xi wieħed mill-punti ta' data stipulati fil-mudelli ta' rappurtar speċifikati fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu meta dawk il-punti ta' data jkunu duplikattivi. Għal dawn il-finijiet, il-punti ta' data duplikattivi għandhom jirreferu għal kwalunkwe punt ta' data li huwa diġà disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti permezz ta' mezzi oħra għajr bil-ġbir ta' dawk il-mudelli ta' rappurtar, inkluż fejn dawk il-punti ta' data jistgħu jinkisbu minn data li hija diġà disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti f'formati jew livelli ta' granularità differenti; l-awtorità kompetenti tista' tagħti biss ir-rinunzji msemmija f'dan il-paragrafu jekk id-data riċevuta, miġbura jew aggregata permezz ta' dawn il-metodi alternattivi tkun identika għal dawk il-punti tad-data li nkella jkollhom jiġu rrapportati f'konformità mal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni rispettivi.

L-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni u l-awtoritajiet nominati għandhom jużaw l-iskambju tad-data kull fejn ikun possibbli biex jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' rappurtar. Id-dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni u s-segretezza professjonali kif stabbiliti fit-Taqsima II tal-Kapitolu I tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom japplikaw.

▼M8

Artikolu 430a

Obbligi ta' rappurtar speċifiċi

▼M17

1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom fuq bażi annwali d-*data* aggregata li ġejja għal kull suq nazzjonali tal-proprjetà immobbli li jkunu skoperti għalih:

(a) telf li joriġina minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà residenzjali bħala kollateral, f'kull każ sal-ammont l-aktar baxx bejn l-ammont mirhun u 55 % tal-valur tal-proprjetà tal-proprjetà residenzjali, dment li ma jiġix deċiż mod ieħor skont l-Artikolu 124(9), fejn ikun applikabbli;

(b) telf globali li joriġina minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà residenzjali bħala kollateral, f'kull każ sal-ammont l-aktar baxx bejn l-ammont mirhun u 100 % tal-valur tal-proprjetà residenzjali;

(c) il-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi pendenti kollha li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà residenzjali bħala kollateral, f'kull każ sal-ammont l-aktar baxx bejn l-ammont mirhun u 100 % tal-valur tal-proprjetà tal-proprjetà residenzjali;

(d) telf li joriġina minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà immobbli kummerċjali bħala kollateral, f'kull każ sal-ammont l-aktar baxx bejn l-ammont mirhun u 55 % tal-valur tal-proprjetà immobbli kummerċjali, dment li ma jiġix deċiż mod ieħor skont l-Artikolu 124(9), fejn ikun applikabbli;

(e) telf globali li joriġina minn skoperturi li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà immobbli kummerċjali bħala kollateral, f'kull każ sal-ammont l-aktar baxx bejn l-ammont mirhun u 100 % tal-valur tal-proprjetà tal-proprjetà immobbli kummerċjali;

(f) il-valur tal-iskopertura tal-iskoperturi pendenti kollha li għalihom istituzzjoni tkun irrikonoxxiet proprjetà immobbli kummerċjali bħala kollateral, f'kull każ sal-ammont l-aktar baxx bejn l-ammont mirhun u 100 % tal-valur tal-proprjetà tal-proprjetà immobbli kummerċjali.

▼M8

2. Id-data msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi rrapportata lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljarju tal-istituzzjoni rilevanti. Fejn istituzzjoni jkollha fergħa fi Stat Membru ieħor, id-data li tikkonċerna dik il-fergħa għandha wkoll tiġi rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ospitanti. Id-data għandha tiġi rrapportata separatament għal kull suq tal-proprjetà immobbli fl-Unjoni li għalih tkun esposta l-istituzzjoni rilevanti.

▼M17

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jippubblikaw kull sena fuq bażi aggregata d-*data* speċifikata fil-paragrafu 1, il-punti (a) sa (f), flimkien ma' *data* storika, fejn tkun disponibbli, għal kull suq nazzjonali tal-proprjetà immobbli li għalih tkun inġabret tali *data*. Fuq talba ta' awtorità kompetenti oħra fi Stat Membru jew tal-EBA, awtorità kompetenti għandha tipprovdi lil dik l-awtorità kompetenti jew lill-EBA informazzjoni aktar dettaljata dwar il-kundizzjoni tas-swieq tal-proprjetà residenzjali jew tal-proprjetà immobbli kummerċjali f'dak l-Istat Membru.

▼M17

_____

▼M8

Artikolu 430c

Rapport dwar il-fattibilità fir-rigward tas-sistema integrata ta' rappurtar

1. L-ABE għandha tħejji rapport dwar il-fattibilità fir-rigward tal-iżvilupp ta' sistema konsistenti u integrata għall-ġbir ta' data statistika, data dwar ir-riżoluzzjoni u data prudenzjali, u tirrapporta s-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2020.

2. Meta tabbozza r-rapport dwar il-fattibilità, l-ABE għandha tinvolvi lil awtoritajiet kompetenti, kif ukoll lil awtoritajiet li huma responsabbli għall-iskemi ta' garanzija tad-depożiti, ir-riżoluzzjoni u b'mod partikolari s-SEBĊ. Ir-rapport għandu jqis il-ħidma preċedenti tas-SEBĊ fir-rigward tal-ġabriet tad-data integrata għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji globali li jinkludi bħala minimu:

(a) ħarsa ġenerali lejn il-kwantità u l-ambitu tad-data attwali miġbura mill-awtoritajiet kompetenti fil-ġurisdizzjoni tagħhom kif ukoll l-oriġini u l-granularità tagħha;

(b) l-istabbiliment ta' dizzjunarju standard tad-data li għandha tingħabar, sabiex tiżdied il-konverġenza tar-rekwiżiti tar-rappurtar fir-rigward tal-obbligi regolari tar-rappurtar, u li jiġu evitati talbiet mhux meħtieġa;

(c) l-istabbiliment ta' kumitat konġunt, li jinkludi bħala minimu l-ABE u s-SEBĊ, għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tas-sistema integrata ta' rappurtar;

(d) il-fattibbiltà u t-tfassil possibbli ta' punt tal-ġbir tad-data ċentrali għas-sistema integrata ta' rappurtar, inkluż ir-rekwiżiti biex jiżguraw konfidenzjalità stretta tad-data miġbura, awtentikazzjoni b'saħħitha u ġestjoni tad-drittijiet ta' aċċess għas-sistema u ċ-ċibersigurtà, li:

(i) fih repożitorju tad-data ċentrali bid-data statistika, id-data ta' riżoluzzjoni u d-data prudenzjali kollha fil-granularità u l-frekwenza meħtieġa għall-istituzzjoni partikolari u li jkun aġġornat f'intervalli meħtieġa;

(ii) iservi ta' punt ta' kuntatt għall-awtoritajiet kompetenti fejn jirċievu, jipproċessaw u jiġbru t-talbiet kollha tad-data, fejn it-talbiet jitqabblu ma' data ta' rappurtar miġbura eżistenti u jipprovdi lill-awtoritajiet kompetenti aċċess rapidu għall-informazzjoni mitluba;

(iii) jipprovdi appoġġ addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti għat-trasmissjoni ta' talbiet tad-data lill-istituzzjonijiet u li jdaħħal id-data mitluba fir-repożitorju tad-data ċentrali;

(iv) jaqdi rwol ta' koordinazzjoni għall-iskambju tal-informazzjoni u d-data bejn l-awtoritajiet kompetenti; u

▼M8

(v) iqis l-aħjar prattiki u proċessi tal-awtoritajiet kompetenti u jittrasferihom f'sistema standardizzata.

3. Sa sena wara l-preżentazzjoni tar-rapport imsemmi f'dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq u b'kont meħud tar-rapport ta' fattibbiltà tal-ABE, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġislattiva għall-istabbiliment ta' sistema standardizzata u integrata ta' rappurtar għal rekwiżiti ta' rappurtar.

PARTI TMIENJA

DIVULGAZZJONI MILL-ISTITUZZJONIJIET

TITOLU I

PRINĊIPJI ĠENERALI

Artikolu 431

Rekwiżiti u politiki ta' divulgazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw pubblikament l-informazzjoni msemmija fit-Titoli II u III f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Titolu, soġġett għall-eċċezzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 432.

2. L-istituzzjonijiet li jkunu ngħataw il-permess mill-awtoritajiet kompetenti taħt il-Parti Tlieta għall-istrumenti u l-metodoloġiji msemmijin fit-Titolu III ta' din il-Parti għandhom jiddivulgaw pubblikament l-informazzjoni stabbilita fih.

3. Il-korp maniġerjali jew il-maniġment superjuri għandu jadotta politiki formali biex jikkonforma mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti f'din il-Parti u jdaħħal fis-seħħ u jsostni proċessi, sistemi u kontrolli interni biex jivverifika li d-divulgazzjonijiet tal-istituzzjonijiet ikunu adatti u konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'din il-Parti. Mill-inqas membru wieħed tal-korp maniġerjali jew il-maniġment superjuri għandu jiċċertifika bil-miktub li l-istituzzjoni rilevanti għamlet id-divulgazzjonijiet meħtieġa taħt din il-Parti f'konformità mal-politiki formali u l-proċessi, is-sistemi u l-kontrolli interni. L-attestazzjoni bil-miktubu l-elementi ewlenin tal-politiki formali tal-istituzzjoni biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni għandhom ikunu inklużi fid-divulgazzjonijiet tal-istituzzjonijiet.

L-informazzjoni li għandha tiġi divulgata f'konformità ma' din il-Parti għandha tkun soġġetta għall-istess livell ta' verifika interna bħal dak applikabbli għar-rapport maniġerjali inkluż fir-rapport finanzjarju tal-istituzzjoni.

L-istituzzjonijiet għandu jkollhom ukoll politiki fis-seħħ biex jivverifikaw li d-divulgazzjonijiet tagħhom jikkomunikaw il-profil tar-riskju tagħhom b'mod komprensiv lil parteċipanti tas-suq. Meta l-istituzzjonijiet isibu li d-divulgazzjonijiet meħtieġa skont din il-Parti ma jikkomunikawx il-profil tar-riskju b'mod komprensiv lil parteċipanti tas-suq, għandhom jiddivulgaw pubblikament l-informazzjoni flimkien mal-informazzjoni meħtieġa li tkun divulgata taħt din il-Parti. Madankollu,, l-istituzzjonijiet għandhom jenħtieġu jiddivulgaw biss informazzjoni li tkun sinifikattiva u mhux riżervata jew kunfidenzjali kif imsemmi fl-Artikolu 432.

▼M8

4. Id-divulgazzjonijiet kwantitattivi kollha għandhom ikunu akkumpanjati minn narrattiva kwalitattiva u kwalunkwe informazzjoni supplimentari oħra li tista' tenħtieġ sabiex l-utenti ta' dik l-informazzjoni jifhmu d-divulgazzjonijiet kwantitattivi, filwaqt li tiġi nnotata b'mod partikolari kwalunkwe bidla sinifikanti fi kwalunkwe divulgazzjoni partikolari meta mqabbel mal-informazzjoni li tinsab fid-divulgazzjonijiet preċedenti.

5. L-istituzzjonijiet għandhom, jekk jintalbu, jispjegaw id-deċiżjonijiet ta' klassifikazzjoni tagħhom lill-SMEs u lil applikanti korporattivi oħra għal self, filwaqt li jipprovdu spjegazzjoni bil-miktub meta jintalbu jagħmlu dan. Il-prezzijiet amministrattivi ta' dik l-ispjegazzjoni għandhom ikunu proporzjonali mad-daqs tas-self.

Artikolu 432

Informazzjoni mhux sinifikattiva, proprjetarja jew kunfidenzjali

1. Bl-eċċezzjoni tad-divulgazzjonijiet stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 435(2) u fl-Artikoli 437 u 450, l-istituzzjonijiet jistgħu jħallu barra divulgazzjoni waħda jew aktar minn dawk elenkati fit-Titoli II u III meta l-informazzjoni pprovduta minn dawk id-divulgazzjonijiet ma titqiesx bħala materjali.

L-informazzjoni fid-divulgazzjonijiet għandha titqies bħala materjali meta l-ommissjoni jew ir-rappurtar skorrett tagħha jista' jibdel jew jinfluwenza l-valutazzjoni jew id-deċiżjoni ta' utent ta' dik l-informazzjoni li jiddependi fuqha bl-għan li jieħu deċiżjonijiet ekonomiċi.

L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar kif l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-materjalità b'rabta mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tat-Titoli II u III.

2. L-istituzzjonijiet jistgħu jħallu barra wkoll element wieħed jew iktar mill-informazzjoni msemmija fit-Titoli II u III jekk dawk l-elementi jinkludu informazzjoni li titqies bħala proprjetarja jew kunfidenzjali f'konformità ma' dan il-paragrafu, ħlief għad-divulgazzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 437 u 450.

L-informazzjoni għandha titqies bħala proprjetarja għall-istituzzjonijiet meta d-divulgazzjoni pubblikament tagħha timmina l-pożizzjoni kompetittiva tagħhom. L-informazzjoni proprjetarja tista' tinkludi informazzjoni dwar prodotti jew sistemi li tnaqqas il-valur tal-investimenti ta' istituzzjonijiet imsemmijin fiha, jekk tiġi kondiviża mal-kompetituri.

L-informazzjoni għandha titqies bħala kunfidenzjali meta l-istituzzjonijiet ikunu obbligati minn klijenti jew relazzjonijiet ta' kontropartijiet oħra li jżommu kunfidenzjali dik l-informazzjoni.

L-ABE għandha toħroġ linji gwida, f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, dwar kif l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-proprjetarjetà u l-kunfidenzjalità b'rabta mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tat-Titoli II u III.

3. Fil-każijiet eċċezzjonali msemmijin fil-paragrafu 2, l-istituzzjoni konċernata għandha tiddikjara fid-divulgazzjonijiet tagħha l-fatt li elementi speċifiċi ta' informazzjoni mhumiex qed jiġu divulgati u r-raġuni għal dan in-nuqqas ta' divulgazzjoni ta' dawk l-elementi, u tippubblika informazzjoni aktar ġenerali dwar is-suġġett tar-rekwiżit ta' divulgazzjoni, ħlief meta dak is-suġġett ikun, fih innifsu, proprjetarju jew kunfidenzjali.

▼M17

Artikolu 433

Frekwenza u ambitu tad-divulgazzjonijiet

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni meħtieġa skont it-Titoli II u III bil-mod stabbilit f'dan l-Artikolu, l-Artikoli 433a, 433b, 433c u 434.

L-EBA għandha tippubblika divulgazzjonijiet annwali fuq is-sit web tagħha fl-istess jum li fih l-istituzzjonijiet jippubblikaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom jew mill-aktar fis wara dik id-data.

L-EBA għandha tippubblika divulgazzjonijiet semiannwali u trimestrali fuq is-sit web tagħha fl-istess jum li fih l-istituzzjonijiet jippubblikaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom għall-perjodu korrispondenti, fejn applikabbli, jew mill-aktar fis wara dik id-data.

Kwalunkwe dewmien bejn id-data tal-pubblikazzjoni tad-divulgazzjonijiet meħtieġa skont din il-Parti u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji rilevanti għandu jkun raġonevoli u, fi kwalunkwe każ, m'għandux jaqbeż il-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 106 tad-Direttiva 2013/36/UE.

▼M8

Artikolu 433a

Divulgazzjonijiet minn istituzzjonijiet kbar

1. Istituzzjonijiet kbar għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni deskritta hawn taħt bil-frekwenza li ġejja:

(a) l-informazzjoni kollha meħtieġa taħt din il-Parti fuq bażi annwali;

(b) fuq bażi semiannwali l-informazzjoni msemmija fi:

(i) il-punt (a) tal-Artikolu 437;

(ii) punt (e) tal-Artikolu 438;

(iii) il-punti (e) sa (l) tal-Artikolu 439;

(iv) Artikolu 440;

(v) il-punti (c), (e), (f) u (g) tal-Artikolu 442;

(vi) punt (e) tal-Artikolu 444;

(vii) Artikolu 445;

(viii) il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 448(1);

(ix) il-punti (j) sa (l) tal-Artikolu 449;

(x) il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 451(1);

(xi) l-Artikolu 451a(3);

(xii) il-punt (g) tal-Artikolu 452;

(xiii) il-punti (f) sa (j) tal-Artikolu 453;

▼M17

(xiv) l-Artikolu 455(2), il-punti (a), (b) u (c);

(xv) l-Artikolu 449a;

(xvi) l-Artikolu 449b.

▼M8

(c) fuq bażi trimestrali l-informazzjoni msemmija fi:

▼M17

(i) l-Artikolu 438, il-punti (d), (da) u (h);

▼M8

(ii) il-metrika ewlenija msemmija fl-Artikolu 447;

(iii) l-Artikolu 451a(2).

2. B'deroga mill-paragrafu 1, istituzzjonijiet kbar ħlief G-SIIs li jkunu istituzzjonijiet mhux elenkati għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni deskritta hawn taħt bil-frekwenza li ġejja:

(a) l-informazzjoni kollha meħtieġa taħt din il-Parti fuq bażi annwali;

(b) il-metrika ewlenija msemmija fl-Artikolu 447 fuq bażi semiannwali.

3. Istituzzjonijiet kbar li huma soġġetti għall-Artikolu 92a jew 92b għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni meħtieġa taħt l-Artikolu 437a fuq bażi semiannwali, ħlief għall-metrika ewlenija msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 447, li għandha tiġi divulgata fuq bażi trimestrali.

▼M17

l-Artikolu 433b

Divulgazzjonijiet minn istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi

1. Istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni msemmija fid-dispożizzjonijiet li ġejjin fuq bażi annwali:

(a) l-Artikolu 435(1), il-punti (a), (e) u (f);

(b) l-Artikolu 438, il-punti (c), (d) u (da);

(c) l-Artikolu 442, il-punti (c) u (d);

(d) il-metrika ewlenija msemmija fl-Artikolu 447;

(e) l-Artikolu 449a;

(f) l-Artikolu 449b;

(g) l-Artikolu 450(1), il-punti (a) sa (d), (h), (i) u (j).

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi li huma istituzzjonijiet mhux elenkati għandhom jiddivulgaw il-metrika ewlenija msemmija fl-Artikolu 447 u r-riskji tal-ESG imsemmija fl-Artikolu 449a fuq bażi annwali.

▼M8

Artikolu 433c

Divulgazzjonijiet minn istituzzjonijiet oħra

1. Istituzzjonijiet li ma jkunux soġġetti għall-Artikolu 433a jew 433b għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni deskritta hawn taħt bil-frekwenza li ġejja:

(a) l-informazzjoni kollha meħtieġa taħt din il-Parti fuq bażi annwali;

(b) il-metrika ewlenija msemmija fl-Artikolu 447 fuq bażi semiannwali.

2. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, istituzzjonijiet oħra li jkunu istituzzjonijiet mhux elenkati għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fuq bażi annwali:

(a) il-punti (a), (e) u (f) tal-Artikolu 435(1);

(b) il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 435(2);

(c) il-punt (a) tal-Artikolu 437;

▼M17

(d) l-Artikolu 438, il-punti (c), (d) u (da);

(da) l-Artikolu 442, il-punti (c) u (d);

▼M8

(e) il-metrika ewlenija msemmija fl-Artikolu 447;

▼M17

(ea) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 449a;

(eb) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 449b;

▼M8

(f) il-punti (a) sa (d), (h) sa (k) tal-Artikolu 450(1).

▼M17

Artikolu 434

Mezzi ta' divulgazzjonijiet

1. Istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi għandhom jippreżentaw l-informazzjoni kollha meħtieġa skont it-Titoli II u III f'format elettroniku lill-EBA mhux aktar tard mid-data li fiha jippubblikaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew ir-rapporti finanzjarji tagħhom għall-perjodu korrispondenti, fejn applikabbli, jew mill-aktar fis wara dik id-data. L-EBA għandha tippubblika dik l-informazzjoni, flimkien mad-data tal-preżentazzjoni tagħha, fuq is-sit web tagħha.

L-EBA għandha tiżgura li d-divulgazzjonijiet li jsiru fuq is-sit web tagħha jkun fihom informazzjoni identika għal dik li l-istituzzjonijiet ikunu ppreżentaw lill-EBA. L-istituzzjonijiet għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw l-informazzjoni mill-ġdid lill-EBA f'konformità mal-istandards tekniċi msemmija fl-Artikolu 434a. L-EBA għandha tagħmel disponibbli fuq is-sit web tagħha d-data meta tkun saret il-preżentazzjoni mill-ġdid.

▼M17

L-EBA għandha tħejji u żżomm aġġornata għodda li tispeċifika l-immappjar tal-mudelli u t-tabelli għad-divulgazzjonijiet ma' dawk dwar ir-rapportar superviżorju. L-għodda ta' mmappjar għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-EBA.

L-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu jippubblikaw dokument awtonomu li jipprovdi sors faċilment aċċessibbli ta' informazzjoni prudenzjali għall-utenti ta' dik l-informazzjoni jew taqsima distintiva inkluża fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjonijiet, jew mehmuża magħhom, li jkun fihom id-divulgazzjonijiet meħtieġa u jkunu faċilment identifikabbli għal dawk l-utenti. L-istituzzjonijiet jistgħu jinkludu fis-sit web tagħhom ħolqa għas-sit web tal-EBA fejn l-informazzjoni prudenzjali tiġi ppubblikata b'mod ċentralizzat.

2. Istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi għandhom jippreżentaw id-divulgazzjonijiet meħtieġa skont l-Artikoli 433a u 433c f'format elettroniku lill-EBA mhux aktar tard mid-data li fiha jippubblikaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji jew ir-rapporti finanzjarji tagħhom għall-perjodu korrispondenti, jew mill-aktar fis wara dik id-data. Jekk ir-rapporti finanzjarji jiġu ppubblikati qabel il-preżentazzjoni tal-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 430 għall-istess perjodu, id-divulgazzjonijiet jistgħu jiġu ppreżentati fl-istess data tar-rapportar superviżorju jew mill-aktar fis wara dik id-data. Jekk ikun meħtieġ li d-divulgazzjoni ssir għal perjodu meta istituzzjoni ma tħejji l-ebda rapport finanzjarju, l-istituzzjoni għandha tippreżenta lill-EBA l-informazzjoni dwar id-divulgazzjonijiet mill-aktar fis wara tmiem dak il-perjodu.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet jistgħu jippreżentaw lill-EBA l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikolu 450 separatament mill-informazzjoni l-oħra meħtieġa skont it-Titoli II u III mhux aktar tard minn xahrejn wara d-data li fiha l-istituzzjonijiet jippubblikaw id-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom għas-sena korrispondenti.

4. L-EBA għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha d-divulgazzjonijiet ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi abbażi tal-informazzjoni rrapportata minn dawk l-istituzzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 430.

5. Is-sjieda tad-*data* u r-responsabbiltà għall-preċiżjoni tagħha għandhom jibqgħu f'idejn l-istituzzjonijiet li jipproduċuha. L-EBA għandha tipprovdi punt ta' aċċess uniku għad-divulgazzjonijiet tal-istituzzjonijiet u għandha tagħmel disponibbli fuq is-sit web tagħha arkivju tal-informazzjoni meħtieġa li għandha tiġi ddivulgata f'konformità ma' din il-Parti. Dak l-arkivju għandu jinżamm aċċessibbli għal perjodu li m'għandux ikun iqsar mill-perjodu ta' ħżin stabbilit mil-liġi nazzjonali għall-informazzjoni inkluża fir-rapporti finanzjarji tal-istituzzjonijiet.

6. L-EBA għandha timmonitorja n-numru ta' żjarat fil-punt ta' aċċess uniku tagħha għad-divulgazzjonijiet tal-istituzzjonijiet u tinkludi l-istatistika relatata fir-rapporti annwali tagħha.

▼M8

Artikolu 434a

Formati ta' divulgazzjoni uniformi

▼M17

L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika formati uniformi ta' divulgazzjoni, u informazzjoni dwar il-politika ta' preżentazzjoni mill-ġdid, u għandha tiżviluppa soluzzjonijiet tal-IT, inkluż struzzjonijiet, għad-divulgazzjonijiet meħtieġa skont it-Titoli II u III.

▼M8

Dawk il-formati ta' divulgazzjoni uniformi għandhom jikkomunikaw informazzjoni komprensiva u komparabbli biżżejjed għall-utenti ta' dik l-informazzjoni biex jivvalutaw il-profili tar-riskju tal-istituzzjonijiet u l-grad ta' konformità tagħhom mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Partijiet Wieħed sa Sebgħa. Biex jiffaċilitaw il-komparabbiltà tal-informazzjoni, l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għandu jkollhom l-għan li jżommu l-konsistenza tal-formati ta' divulgazzjoni ma' standards internazzjonali dwar id-divulgazzjonijiet.

Il-formati ta' divulgazzjoni uniformi għandhom ikunu tabulari fejn adatt.

▼M17

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2025.

▼M8

Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta dawk l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼M16

Artikolu 434b

Aċċessibbiltà tal-informazzjoni dwar il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew

1. Mill-10 ta’ Jannar 2030, meta jippubblikaw kwalunkwe informazzjoni msemmija fil-Parti Tmienja ta’ dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom jissottomettu dik l-informazzjoni fl-istess ħin lill-korp ta’ ġbir rilevanti msemmi fil-paragrafu 3 ta’ dan l-Artikolu għall-fini li ssir aċċessibbli fuq il-punt ta’ aċċess uniku Ewropew (ESAP) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Dik l-informazzjoni għandha tikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tiġi sottomessa f’format li minnu tista’ tiġi estratta d-*data* kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2023/2859 jew, meta jkun meħtieġ mid-dritt tal-Unjoni, f’format li jinqara mill-magni, kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), ta’ dak ir-Regolament;

(b) tkun akkumpanjata mill-metadata li ġejja:

(i) l-ismijiet kollha tal-istituzzjoni li magħha hija relatata l-informazzjoni;

(ii) l-identifikatur ta’ entità ġuridika, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2023/2859;

(iii) id-daqs tal-istituzzjoni skont il-kategorija, kif speċifikat skont l-Artikolu 7(4), il-punt (d), ta dak ir-Regolament;

(iv) it-tip ta’ informazzjoni, kif klassifikata skont l-Artikolu 7(4), il-punt (c), ta’ dak ir-Regolament;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta’ Diċembru 2023 li jistabbilixxi punt ta’ aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għall-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku ta’ rilevanza għas-servizzi finanzjarji, għas-swieq kapitali u għas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2859, 20.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2859/oj).

▼M16

(v) indikazzjoni dwar jekk l-informazzjoni tkunx fiha *data* personali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b)(ii), l-istituzzjonijiet għandhom jiksbu identifikatur ta' entità ġuridika.

3. Għall-fini li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ssir aċċessibbli fuq l-ESAP, il-korp ta' ġbir kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (2), tar-Regolament (UE) 2023/2859 għandu jkun l-EBA.

4. Għall-fini li jiġu żgurati l-ġbir u l-ġestjoni effiċjenti tal-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 1, l-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika:

(a) kwalunkwe metadata oħra li għandha takkumpanja l-informazzjoni;

(b) l-istruttura tad-*data* fl-informazzjoni;

(c) għal liema informazzjoni huwa meħtieġ format li jinqara mill-magni u, f'tali każijiet, liema format li jinqara mill-magni għandu jintuża.

Għall-finijiet tal-punt (c), l-EBA għandha tivvaluta l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' formati differenti li jinqraw mill-magni u twettaq testijiet xierqa fuq il-post.

L-EBA għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

Is-setgħa ta' adozzjoni tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu hija mogħtija lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

5. Meta jkun meħtieġ, l-EBA għandha tadotta linji gwida biex tiżgura li l-metadata sottomessa f'konformità mal-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), hija korretta.

▼M17

Artikolu 434c

Rapport dwar il-fattibbiltà tal-użu tal-informazzjoni rrapportata mill-istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi biex jiġi ppubblikat sett estiż ta' divulgazzjonijiet fuq is-sit web tal-EBA

L-EBA għandha tħejji rapport dwar il-fattibbiltà tal-użu tal-informazzjoni rrapportata mill-istituzzjonijiet li mhumiex istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 430 sabiex tippubblika dik l-informazzjoni fuq is-sit web tagħha u b'hekk tnaqqas il-piż tad-divulgazzjoni għal tali istituzzjonijiet.

Dak ir-rapport għandu jqis il-ħidma preċedenti tal-EBA dwar il-ġbir integrat tad-*data*, għandu jkun ibbażat fuq analiżi ġenerali tal-ispejjeż u l-benefiċċji, inkluż l-ispejjeż imġarrba mill-awtoritajiet kompetenti, l-istituzzjonijiet u l-EBA, u għandu jqis kwalunkwe sfida teknika, operazzjonali u legali.

L-EBA għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2027.

▼M17

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2031.

▼M8

TITOLU II

KRITERJI TEKNIĊI DWAR TRASPARENZA U DIVULGAZZJONI

Artikolu 435

Divulgazzjoni ta' objettivi u politiki tal-ġestjoni tar-riskju

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-objettivi u l-politiki ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom għal kull kategorija separata ta' riskju, inkluż ir-riskji msemmijin f'dan it-Titolu. Dawk id-divulgazzjonijiet għandhom jinkludu:

(a) l-istrateġiji u l-proċessi għall-ġestjoni ta' dawk il-kategoriji ta' riskji;

(b) l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju rilevanti inkluż l-informazzjoni fuq il-bażi tal-awtorità tagħha, is-setgħat u r-responsabbiltà tagħha f'konformità mad-dokumenti ta' inkorporazzjoni u regolazzjoni tal-istituzzjoni;

(c) il-portata u n-natura tas-sistemi tar-rappurtar u kejl tar-riskji;

(d) il-politiki għall-hedging u l-mitigazzjoni tar-riskju, u l-istrateġiji u l-proċessi għall-monitoraġġ tal-effettività kontinwa tal-hedges u l-mitiganti;

(e) dikjarazzjoni approvata mill-korp maniġerjali dwar l-adegwatezza ta' arranġamenti tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni rilevanti li tiggarantixxi li s-sistemi ta' ġestjoni tar-riskju fis-seħħ ikunu adegwati fir-rigward tal-profil u l-istrateġija tal-istituzzjoni;

(f) dikjarazzjoni tar-riskju konċiża approvata mill-korp maniġerjali li fil-qosor tiddeskrivi l-profil ġenerali tar-riskju tal-istituzzjoni rilevanti assoċjat mal-istrateġija tan-negozju; dik id-dikjarazzjoni għandha tinkludi:

(i) il-proporzjonijiet u ċ-ċifri ewlenin li jipprovdu lill-partijiet ikkonċernati esterni idea komprensiva tal-ġestjoni tar-riskju tal-istituzzjoni, inkluż kif il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni jinteraġixxi mat-tolleranza tar-riskju stabbilita mill-korp maniġerjali;

(ii) informazzjoni dwar tranżazzjonijiet intragrupp u tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati li jista' jkollhom impatt materjali tal-profil tar-riskju tal-grupp konsolidat.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' arranġamenti dwar il-governanza:

(a) in-numru ta' direttorati miżmuma minn membri tal-korp maniġerjali;

(b) il-politika ta' reklutaġġ għall-għażla ta' membri tal-korp maniġerjali u l-għarfien, il-ħiliet u l-għarfien espert proprju tagħhom;

▼M8

(c) il-politika dwar id-diversità fir-rigward tal-għażla ta' membri tal-korp maniġerjali, l-objettivi tagħha u kwalunkwe mira rilevanti stipulata f'dik il-politika, u kemm ikunu nkisbu dawk l-objettivi u l-miri;

(d) jekk l-istituzzjoni stabbilixxietx jew le kumitat separat tar-riskju u kemm-il darba ltaqa' l-kumitat tar-riskju;

(e) id-deskrizzjoni tal-fluss ta' informazzjoni dwar ir-riskju għall-korp maniġerjali.

Artikolu 436

Divulgazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-kamp tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ġej:

(a) isem l-istituzzjoni li għaliha japplika dan ir-Regolament;

(b) rikonċiljazzjoni bejn id-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati mħejjija f'konformità mal-qafas tal-kontabbiltà applikabbli u d-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati mħejjija f'konformità mar-rekwiżiti dwar il-konsolidazzjoni regolatorja skont it-Taqsimiet 2 u 3 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed; dik ir-rikonċiljazzjoni għandha tiddeskrivi d-differenzi bejn l-ambitu tal-kontabbiltà u dak regolatorju tal-konsolidazzjoni u l-entitajiet legali inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni regolatorja meta jkun differenti mill-ambitu tal-konsolidazzjoni tal-kontabbiltà; il-qafas tal-entitajiet legali inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni regolatorja għandu jiddeskrivi l-metodu ta' konsolidazzjoni regolatorja meta jkun differenti mill-metodu ta' konsolidazzjoni tal-kontabbiltà, jekk dawk l-entitajiet ikunux konsolidati bis-sħiħ jew b'mod proporzjonali u jekk il-holdings f'dawk l-entitajiet legali jitnaqqsux mill-fondi proprji;

(c) diżaggregazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji konsolidati mħejjija f'konformità mar-rekwiżiti dwar il-konsolidazzjoni regolatorja skont it-Taqsimiet 2 u 3 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed, diżaggregati skont it-tip ta' riskji kif imsemmi taħt din il-Parti;

(d) rikonċiljazzjoni li tidentifika s-sorsi ewlenin ta' differenzi bejn l-ammonti ta' valur riportat fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji skont l-ambitu tal-konsolidazzjoni regolatorja kif definit fit-Taqsimiet 2 u 3 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed, u l-ammont ta' skopertura użat għal finijiet regolatorji; dik ir-rikonċiljazzjoni għandha tiġi supplimentata minn informazzjoni kwalitattiva dwar dawk is-sorsi ewlenin ta' differenzi;

(e) għal skoperturi mill-portafoll tan-negozjar u mhux tan-negozjar li jkunu aġġustati f'konformità mal-Artikolu 34 u l-Artikolu 105, diżaggregazzjoni tal-ammonti tal-elementi kostitwenti ta' aġġustament prudenti tal-valwazzjoni tal-istituzzjoni, skont it-tip ta' riskji, u t-total ta' elementi kostitwenti b'mod separat għall-pożizzjonijiet tal-portafoll tan-negozjar u mhux tan-negozjar;

(f) kwalunkwe impediment sinifikattiv, prattiku jew legali attwali jew previst għat-trasferiment fil-pront ta' fondi proprji jew ta' ripagament tal-obbligazzjonijiet bejn l-impriża prinċipali u s-sussidjarji tagħha;

▼M8

(g) l-ammont aggregat li skontu l-fondi proprji attwali jkunu inqas minn dak meħtieġ fis-sussidjarji kollha mhux inklużi fil-konsolidazzjoni, u l-isem jew l-ismijiet ta' dawk is-sussidjarji;

(h) fejn applikabbli, iċ-ċirkostanzi li fihom isir użu mid-deroga msemmija fl-Artikolu 7 jew il-metodu ta' konsolidazzjoni individwali stabbilit fl-Artikolu 9.

Artikolu 437

Divulgazzjoni ta' fondi proprji

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-fondi proprji tagħhom:

(a) rikonċiljazzjoni tal-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, l-elementi ta' Grad 1 Addizzjonali, l-elementi ta' Grad 2 u l-filtri u t-tnaqqis applikati għall-fondi proprji tal-istituzzjoni skont l-Artikoli 32 sa 36, 56, 66 u 79 mal-karta tal-bilanċ fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji awditjati tal-istituzzjoni;

(b) deskrizzjoni tal-karatteristiċi ewlenin tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u dawk ta' Grad 1 Addizzjonali u l-istrumenti ta' Grad 2 maħruġa mill-istituzzjoni;

(c) it-termini u l-kondizzjonijiet sħaħ tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, dawk ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2 kollha;

(d) divulgazzjoni separata tan-natura u l-ammonti ta' dawn li ġejjin:

(i) kull filtru prudenzjali applikat skont l-Artikoli 32 sa 35;

(ii) elementi mnaqqsa skont l-Artikoli 36, 56 u 66;

(iii) elementi mhux imnaqqsa skont l-Artikoli 47, 48, 56, 66 u 79;

(e) deskrizzjoni tar-restrizzjonijiet kollha applikati għall-kalkolu ta' fondi proprji f'konformità ma' dan ir-Regolament u l-istrumenti, il-filtri prudenzjali u t-tnaqqis li japplikaw għalihom dawk ir-restrizzjonijiet;

(f) spjegazzjoni dettaljata tal-bażi li fuqha jiġu kalkulati proporzjonijiet kapitali fejn dawk il-proporzjonijiet kapitali jiġu kalkulati billi jintużaw elementi ta' fondi proprji determinati fuq bażi ħlief il-bażi stabbilita f'dan ir-Regolament.

Artikolu 437a

Divulgazzjoni ta' fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

L-istituzzjonijiet li huma soġġetti għall-Artikolu 92a jew 92b għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-fondi proprji jew l-obbligazzjonijiet eliġibbli tagħhom:

(a) il-kompożizzjoni tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tagħhom, il-maturità tagħhom u l-karatteristiċi ewlenin tagħhom;

(b) il-klassifikazzjoni tal-obbligazzjonijiet eliġibbli fil-ġerarkija tal-kredituri;

▼M8

(c) l-ammont totali ta' kull ħruġ ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli msemmi fl-Artikolu 72b u l-ammont ta' dak il-ħruġ li jiġi inkluż fl-elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli fi ħdan il-limiti speċifikati fl-Artikolu 72b(3) u (4);

(d) l-ammont totali ta' obbligazzjonijiet esklużi msemmi fl-Artikolu 72a(2).

Artikolu 438

Divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji u l-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-konformità tagħhom mal-Artikolu 92 ta' dan ir-Regolament u mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 73 u l-punt(a) tal-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE:

(a) sommarju tal-approċċ tagħhom għall-valutazzjoni tal-adegwatezza tal-kapital intern tagħhom għall-appoġġ ta' attivitajiet attwali u futuri;

▼M17

(b) l-ammont tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali bbażati fuq il-proċess ta' rieżami superviżorju kif imsemmi fl-Artikolu 104 (1), il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE biex jiġu indirizzati riskji oħra li mhumiex ir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva u l-kompożizzjoni tiegħu;

▼M8

(c) fuq talba mill-awtorità kompetenti rilevanti, ir-riżultat tal-proċess ta' valutazzjoni interna dwar l-adegwatezza tal-kapital tal-istituzzjoni;

▼M17

(d) l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) u r-rekwiżiti korrispondenti ta' fondi proprji kif iddeterminati f'konformità mal-Artikolu 92(2), li għandhom jiġu diżaggregati skont il-kategoriji tar-riskju jew il-klassijiet tal-iskoperturi għar-riskju differenti, kif ikun applikabbli, stabbiliti fil-Parti Tlieta u, fejn ikun applikabbli, spjegazzjoni tal-effett fuq il-kalkolu tal-ammonti ta' fondi proprji u tal-iskoperturi ponderati għar-riskju li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' livelli minimi ta' kapital u min-nuqqas ta' tnaqqis tal-elementi mill-fondi proprji;

(da) fejn meħtieġ biex jiġi kkalkulat l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(4), u l-ammont totali standardizzat tal-iskopertura għar-riskju kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(5), li għandu jiġi diżaggregat skont il-kategoriji tar-riskju jew il-klassijiet tal-iskoperturi għar-riskju differenti, kif ikun applikabbli, stabbiliti fil-Parti Tlieta u, fejn ikun applikabbli, spjegazzjoni tal-effett fuq il-kalkolu tal-ammonti ta' fondi proprji u tal-iskoperturi ponderati għar-riskju li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' livelli minimi ta' kapital u min-nuqqas ta' tnaqqis tal-elementi mill-fondi proprji;

(e) l-iskoperturi li jidhru u dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju u t-telf mistenni assoċjat għal kull kategorija ta' self speċjalizzat imsemmija fl-Artikolu 153(5), it-Tabella 1, u l-iskoperturi li jidhru u dawk li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ u l-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju għall-kategoriji tal-iskoperturi ta' ekwità stabbiliti fl-Artikolu 133(3) sa (6), u l-Artikolu 495a(3);

▼M8

(f) il-valur tal-iskopertura u l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju tal-istrumenti ta' fondi proprji miżmuma fi kwalunkwe impriża tal-assigurazzjoni, impriża tar-riassigurazzjoni jew kumpannija holding ta' assigurazzjoni li l-istituzzjonijiet ma jnaqqsux mill-fondi proprji tagħhom f'konformità mal-Artikolu 49 meta jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' kapital tagħhom fuq bażi individwali, subkonsolidata u konsolidata;

(g) ir-rekwiżit supplimentari ta' fondi proprji u l-proporzjon ta' adegwatezza tal-kapital tal-konglomerat finanzjarju kalkulati f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2002/87/KE u l-Anness I ta' dik id-Direttiva fejn jiġi applikat il-metodu 1 jew 2 stipulat f'dak l-Anness;

(h) il-varjazzjonijiet fl-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju tal-perijodu tad-divulgazzjoni attwali meta mqabbel mal-perijodu tad-divulgazzjoni immedjatament preċedenti li jirriżultaw mill-użu ta' mudelli interni, inkluż deskrizzjoni tal-motivaturi ewlenin li jispjegaw dawk il-varjazzjonijiet.

Artikolu 439

Divulgazzjoni ta' skoperturi għal riskju ta' kreditu ta' kontroparti

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-iskopertura tagħhom għal riskju ta' kreditu tal-kontroparti kif imsemmi fil-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta:

(a) deskrizzjoni tal-metodoloġija użata biex tassenja limiti interni tal-kapital u l-kreditu għall-iskoperturi ta' kreditu tal-kontroparti, inkluż il-metodi biex jassenjaw dawk il-limiti lil skoperturi għal kontropartijiet ċentrali;

(b) deskrizzjoni ta' politiki relatati ma' garanziji u mitiganti oħra tar-riskju ta' kreditu, bħall-politiki għall-iżgurar ta' kollateral u l-istabbiliment ta' riservi tal-kreditu;

(c) deskrizzjoni ta' politiki fir-rigward ta' Riskju Ġenerali ta' Korrelazzjoni Ħażina u Riskju Speċifiku ta' Korrelazzjoni Ħażina kif definiti fl-Artikolu 291;

(d) l-ammont ta' kollateral li l-istituzzjoni jkollha tipprovdi jekk il-klassifikazzjoni tal-kreditu tagħha titbaxxa;

(e) l-ammont ta' kollateral segregat u mhux segregat riċevut u depożitat għal kull tip ta' kollateral, diżaggregat ulterjorment bejn kollateral użat għal derivattivi u tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli;

(f) għal tranżazzjonijiet ta' derivattivi, il-valuri ta' skopertura qabel u wara l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu kif determinat skont il-metodi stipulati fit-Taqsimiet 3 sa 6 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, skont liema metodu jkun applikabbli, u l-ammonti ta' skopertura tar-riskju assoċjat diżaggregat skont il-metodu applikabbli;

(g) għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, il-valuri ta' skopertura qabel u wara l-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu kif determinat skont il-metodi stipulati fil-Kapitoli 4 u 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, skont liema metodu jintuża, u l-ammonti ta' skopertura tar-riskju assoċjat diżaggregati skont il-metodu applikabbli;

▼M8

(h) il-valuri ta' skopertura wara l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu u l-iskoperturi tar-riskju assoċjat għall-imposta kapitali tal-aġġustament ta' valutazzjoni tal-kreditu b'mod separat għal kull metodu kif stipulat fit-Titolu VI tal-Parti Tlieta;

(i) il-valur ta' skopertura għal kontropartijiet ċentrali u l-iskoperturi tar-riskju assoċjat fl-ambitu tat-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, b'mod separat għall-kontropartijiet ċentrali kwalifikanti u mhux kwalifikanti, u diżaggregati skont it-tipi ta' skoperturi;

(j) l-ammonti nozzjonali u l-valur ġust ta' tranżazzjonijiet ta' derivattivi tal-kreditu; It-tranżazzjonijiet ta' derivattivi tal-kreditu għandhom jiġu diżaggregati skont it-tip ta' prodott; fi ħdan kull tip ta' prodott, it-tranżazzjonijiet ta' derivattivi tal-kreditu għandhom jiġu diżaggregati ulterjorment skont il-protezzjoni ta' kreditu mixtrija u l-protezzjoni ta' kreditu mibjugħa;

(k) l-istima tal-alpha meta l-istituzzjoni tkun irċeviet il-permess tal-awtoritajiet kompetenti biex tuża l-istima tal-alpha tagħha stess f'konformità mal-Artikolu 284(9);

(l) b'mod separat, l-iskoperturi inklużi fil-punt (e) tal-Artikolu 444 u l-punt (g) tal-Artikolu 452;

(m) għall-istituzzjonijiet li jużaw il-metodi stipulati fit-Taqsimiet 4 sa 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, id-daqs tan-negozju tad-derivattivi tagħhom li jidher fil-karta tal-bilanċ u li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ kif kalkulat skont l-Artikolu 273a(1) u (2), kif applikabbli.

Fejn il-bank ċentrali ta' Stat Membru jipprovdi l-assistenza ta' likwidità fil-forma ta' tranżazzjonijiet ta' swap kollaterali, l-awtorità kompetenti tista' teżenta l-istituzzjonijiet mir-rekwiżit fil-punti (d) u (e) tal-ewwel subparagrafu meta dik l-awtorità' kompetenti tqis li d-divulgazzjoni tal-informazzjoni msemmija fihom tista' tikxef li ġiet ipprovduta assistenza ta' likwidità ta' emerġenza. Għal dawk il-finijiet, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi livelli limiti adatti u kriterji objettivi.

Artikolu 440

Divulgazzjoni ta' buffers kapitali kontroċikliċi

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-konformità tagħhom mar-rekwiżit għal buffer kapitali kontroċikliku kif imsemmi fil-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE:

(a) id-distribuzzjoni ġeografika tal-ammonti ta' skopertura u l-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju tal-iskoperturi tal-kreditu tagħha użati bħala bażi għall-kalkolu tal-buffer kapitali kontroċikliku tagħhom;

(b) l-ammont tal-buffer kapitali kontroċikliku speċifiku għall-istituzzjoni tagħhom.

Artikolu 441

Divulgazzjoni tal-indikaturi ta' importanza sistemika globali

Il-G-SIIs għandhom jiddivulgaw, fuq bażi annwali, il-valuri tal-indikaturi użati biex jiddeterminaw il-punteġġ tagħhom f'konformità mal-metodoloġija ta' identifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 131 tad-Direttiva 2013/36/UE.

▼M8

Artikolu 442

Divulgazzjoni ta' skoperturi għal riskju ta' kreditu u riskju ta' dilwizzjoni

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-iskoperturi tagħhom għar-riskju ta' kreditu u r-riskju ta' dilwizzjoni:

(a) il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet li jużaw għal finijiet ta' kontabbiltà ta' "wara d-data tal-għeluq" u "danneġġati" u d-differenzi, jekk ikun hemm, bejn id-definizzjonijiet ta' "wara d-data tal-għeluq" u "awtomatiċi" għal finijiet ta' kontabbiltà u regolatorji;

(b) deskrizzjoni tal-approċċi u l-metodi adottati għad-determinazzjoni ta' aġġustamenti fir-riskju ta' kreditu speċifiku u ġenerali;

(c) informazzjoni dwar l-ammont u l-kwalità ta' skoperturi produttivi, improduttivi u mrażżna għal self, titolizzazzjonijiet tad-dejn u skoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ, inkluż l-indeboliment akkumulat relatat tagħhom, id-dispożizzjonijiet u l-bidliet negattivi fil-valur ġust minħabba r-riskju tal-kreditu u l-ammonti ta' kollateral u garanziji finanzjarji riċevuti;

(d) analiżi tal-età tal-kontabbiltà ta' skoperturi wara d-data ta' għeluq;

(e) l-ammonti gross riportati ta' skoperturi kemm inadempjenti kif ukoll mhux inadempjenti, l-aġġustamenti speċifiċi u ġenerali akkumulati tar-riskju tal-kreditu, it-tħassir akkumulat magħmul kontra dawk l-iskoperturi u l-ammonti netti riportati u d-distribuzzjoni tagħhom skont iż-żona ġeografika u t-tip ta' industrija u għal self, titolizzazzjonijiet tad-dejn u skoperturi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ;

(f) kwalunkwe bidla fl-ammont gross ta' skoperturi inadempjenti li jidher fil-karta tal-bilanċ u li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ, inkluż, bħala minimu, informazzjoni dwar il-ftuħ u l-għeluq ta' bilanċi ta' dawk l-iskoperturi, l-ammont gross ta' kwalunkwe waħda minn dawk l-iskoperturi mreġġa' lura għal status ta' mhux inadempjenti jew soġġetti għal tħassir;

(g) id-diżaggregazzjoni ta' self u titoli tad-dejn skont il-maturità residwa.

Artikolu 443

Divulgazzjoni ta' assi aggravati u ta' assi mhux aggravati

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar l-assi aggravati u ta' assi mhux aggravati tagħhom. Għal dawk il-finijiet, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw l-ammont riportat għal kull klassi ta' skopertura diżaggregat skont il-kwalità tal-assi u l-ammont totali tal-ammont riportat li jkun aggravat u mhux aggravat. Id-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar assi aggravati u mhux aggravati ma għandhiex tiżvela assistenza ta' likwidità ta' emerġenza pprovduta minn banek ċentrali.

Artikolu 444

Divulgazzjoni tal-użu tal-approċċ standardizzat

L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja għal kull waħda mill-klassijiet ta' skopertura stipulati fl-Artikolu 112:

▼M8

(a) l-ismijiet tal-ECAIs u l-ECAs nominati u r-raġunijiet għal kwalunkwe bidla f'dawk in-nominazzjonijiet tul il-perijodu tad-divulgazzjoni;

(b) il-klassijiet ta' skopertura li għalihom tintuża kull ECAI jew ECA;

(c) deskrizzjoni tal-proċess użat biex jittrasferixxi lill-emittent u joħroġ klassifikazzjonijiet tal-kreditu fuq elementi mhux inklużi fil-portafoll tan-negozjar;

(d) l-assoċjazzjoni tal-klassifikazzjoni esterna ta' kull ECAI jew ECA nominata bil-ponderazzjonijiet tar-riskju li jikkorrispondu għall-klassi tal-mertu tal-kreditu kif stipulat fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, filwaqt li jittieħed kont li mhuwiex neċessarju li tiġi divulgata dik l-informazzjoni meta l-istituzzjonijiet jikkonformaw mal-assoċjazzjoni standard pubblikata mill-ABE;

(e) il-valuri ta' skopertura wara l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjat ma' kull klassi tal-mertu tal-kreditu kif stipulat fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, skont il-klassijiet ta' skopertura, kif ukoll il-valuri ta' skopertura mnaqqsa mill-fondi proprji.

▼M17

Artikolu 445

Divulgazzjoni ta' skoperturi għar-riskju tas-suq skont l-approċċ standardizzat

1. Istituzzjonijiet li ma jkunux ingħataw permess mill-awtoritajiet kompetenti biex jużaw l-approċċ alternattiv ibbażat fuq mudell intern kif stabbilit fl-Artikolu 325az, u li jużaw l-approċċ standardizzat simplifikat f'konformità mal-Artikolu 325a jew l-approċċ standardizzat alternattiv f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1a, għandhom jiddivulgaw stampa ġenerali tal-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar tagħhom.

2. L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom f'konformità mal-Parti Tlieta, Titolu IV, Kapitolu 1a, għandhom jiddivulgaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tagħhom, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet, it-tariffa tar-riskju ta' inadempjenza u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji residwi. Id-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għall-miżuri tal-metodu bbażat fuq is-sensittivitajiet u għar-riskju ta' inadempjenza għandha tiġi diżaggregata fl-istrumenti li ġejjin:

(a) strumenti finanzjarji li mhumiex strumenti ta' titolizzazzjoni miżmuma fil-portafoll tan-negozjar, b'diżaggregazzjoni skont il-klassi tar-riskju, u identifikazzjoni separata tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza;

(b) strumenti ta' titolizzazzjoni mhux miżmuma fl-ACTP, b'identifikazzjoni separata tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-firxiet tal-kreditu u tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza;

(c) strumenti ta' titolizzazzjoni miżmuma fl-ACTP, b'identifikazzjoni separata tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-firxiet tal-kreditu u tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza.

Artikolu 445a

Divulgazzjoni tar-riskju ta' CVA

1. L-istituzzjonijiet soġġetti għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

▼M17

(a) stampa ġenerali tal-proċessi tagħhom biex jidentifikaw, ikejlu, jiħħeġġjaw u jimmonitorjaw ir-riskju ta' CVA tagħhom;

(b) jekk l-istituzzjonijiet jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikolu 273a(2); meta jkunu ssodisfati dawk il-kundizzjonijiet, jekk l-istituzzjonijiet ikunux għażlu li jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bl-użu tal-approċċ simplifikat stabbilit fl-Artikolu 385; meta l-istituzzjonijiet ikunu għażlu li jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA bl-użu tal-approċċ simplifikat, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA f'konformità ma' dak l-approċċ;

(c) in-numru totali ta' kontropartijiet li għalihom jintuża l-approċċ standardizzat, b'diżaggregazzjoni skont it-tipi ta' kontropartijiet.

2. Istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ standardizzat stabbilit fl-Artikolu 383 biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għandhom jiddivulgaw, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni u l-governanza interni tagħhom għall-ġestjoni tar-riskju ta' CVA;

(b) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tagħhom għar-riskju ta' CVA skont l-approċċ standardizzat b'diżaggregazzjoni skont il-klassi tar-riskju;

(c) stampa ġenerali tal-ħeġġijiet eliġibbli użati f'dak il-kalkolu, b'diżaggregazzjoni skont it-tip ta' strumenti stabbiliti fl-Artikolu 386(2).

3. L-istituzzjonijiet li jużaw l-approċċ bażiku stabbilit fl-Artikolu 384 biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' CVA għandhom jiddivulgaw, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji totali tagħhom għar-riskju ta' CVA skont l-approċċ bażiku, u l-komponenti $BACVA^{total}$ u $BACVA^{csr\text{-}hedged}$;

(b) stampa ġenerali tal-ħeġġijiet eliġibbli użati f'dak il-kalkolu, b'diżaggregazzjoni skont it-tip ta' strumenti stabbiliti fl-Artikolu 386(3).

Artikolu 446

Divulgazzjoni tar-riskju operazzjonali

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-karatteristiċi u l-elementi ewlenin tal-qafas ta' ġestjoni tar-riskju operazzjonali tagħhom;

(b) ir-rekwiżit ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju operazzjonali ugwali għall-komponent tal-indikatur tan-negozju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 313;

(c) l-indikatur tan-negozju, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 314 (1), u l-ammonti ta' kull wieħed mill-komponenti tal-indikatur tan-negozju u s-subkomponenti tagħhom għal kull waħda mit-tliet snin rilevanti għall-kalkolu tal-indikatur tan-negozju;

▼M17

(d) l-ammont tat-tnaqqis tal-indikatur tan-negozju għal kull esklużjoni mill-indikatur tan-negozju f'konformità mal-Artikolu 315(2), kif ukoll il-ġustifikazzjonijiet korrispondenti għal tali esklużjonijiet.

2. L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw it-telf annwali mir-riskju operazzjonali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 316(1) għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu:

(a) it-telf annwali mir-riskju operazzjonali tagħhom għal kull waħda minn dawn l-aħħar 10 snin finanzjarji, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 316(1);

(b) l-għadd ta' avvenimenti eċċezzjonali ta' riskju operazzjonali u l-ammonti tat-telf mir-riskju operazzjonali nett aggregat korrispondenti li ġie eskluż mill-kalkolu tat-telf annwali tar-riskju operazzjonali f'konformità mal-Artikolu 320(1), għal kull waħda minn dawn l-aħħar 10 snin finanzjarji, u l-ġustifikazzjonijiet korrispondenti għal dawk l-esklużjonijiet.

▼M8

Artikolu 447

Divulgazzjoni tal-metrika ewlenija

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-metrika ewlenija li ġejja f'format tabulari:

▼M17

(a) il-kompożizzjoni tal-fondi proprji tagħhom u l-proporzjonijiet tal-kapital ibbażat fuq ir-riskju tagħhom ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 92(2);

(aa) fejn applikabbli, il-proporzjonijiet tal-kapital ibbażati fuq ir-riskju kif ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 92(2), bl-użu tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu minflok l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju;

(b) l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) u, fejn applikabbli, l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu kif ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(4);

▼M8

(c) fejn applikabbli, l-ammont u l-kompożizzjoni ta' fondi proprji addizzjonali li l-istituzzjonijiet jenħtieġu li jżommu f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 104(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

▼M17

(d) ir-rekwiżit ta' riżerva kombinata li l-istituzzjonijiet huma meħtieġa jżommu f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE;

▼M8

(e) il-proporzjon ta' lieva finanzjarja tagħhom u l-kejl tal-iskopertura totali kif kalkulat f'konformità mal-Artikolu 429;

(f) l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità tagħhom kif kalkulat f'konformità mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1):

▼M8

(i) il-medja jew il-medji, kif applikabbli, tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità tagħhom ibbażati fuq l-osservazzjonijiet tal-aħħar tax-xahar matul it-12 il-xahar preċedenti għal kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti;

(ii) il-medja jew il-medji, kif applikabbli, ta' assi likwidi totali, wara l-applikazzjoni tal-haircuts rilevanti, inklużi fir-riżerva ta' likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), ibbażati fuq l-osservazzjonijiet tal-aħħar tax-xahar matul it-12 il-xahar preċedenti għal kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti;

(iii) il-medji tal-flussi ta' ħruġ tal-likwidità, tal-flussi ta' dħul u l-flussi ta' ħruġ netti tal-likwidità tagħhom kif ikkalkulati skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), abbażi tal-osservazzjonijiet tal-aħħar tax-xahar matul it-12 il-xahar preċedenti għal kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti;

(g) l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tar-rekwiżit ta' finanzjament stabbli nett tagħhom kif kalkulat f'konformità mat-Titolu IV tal-Parti Sitta:

(i) il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett fl-aħħar ta' kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti;

(ii) il-finanzjament stabbli disponibbli fl-aħħar ta' kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti;

(iii) il-finanzjament stabbli meħtieġ fl-aħħar ta' kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti;

(h) il-proporzjonijiet tal-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tagħhom u l-komponenti, in-numeratur u d-denominatur tagħhom, kif kalkulati f'konformità mal-Artikoli 92a u 92b u diżaggregati fil-livell ta' kull grupp ta' riżoluzzjoni fejn applikabbli.

Artikolu 448

Divulgazzjoni tal-iskoperturi għar-riskju tar-rata tal-imgħax fuq pożizzjonijiet mhux miżmuma fil-portafoll tan-negozjar

1. Mit-28 ta' Ġunju 2021, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva li ġejja dwar ir-riskji li jirriżultaw minn bidliet potenzjali fir-rati ta' imgħax li jaffettwaw kemm il-valur ekonomiku tal-ekwità kif ukoll l-introjtu mill-imgħax nett tal-attivitajiet fil-portafoll mhux kummerċjali tagħhom imsemmijin fl-Artikolu 84 u l-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE:

(a) il-bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità kalkulati skont is-sitt xenarji ta' xokk superviżorji msemmijin fl-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE għall-perijodi ta' divulgazzjoni attwali u preċedenti;

▼M8

(b) il-bidliet fl-introjtu mill-imgħax nett kalkulati skont iż-żewġ xenarji ta' xokk superviżorji msemmijin fl-Artikolu 98(5) tad-Direttiva 2013/36/UE għall-perijodi ta' divulgazzjoni attwali u preċedenti;

(c) deskrizzjoni ta' suppożizzjonijiet ta' mudellar u parametriċi ewlenin, ħlief dawk imsemmijin fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE użati biex jikkalkulaw bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità u fl-introjtu mill-imgħax nett meħtieġ skont il-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu;

(d) spjegazzjoni tas-sinifikat tal-miżuri ta' riskju divulgati skont il-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu u ta' kwalunkwe varjazzjoni sinifikanti ta' dawk il-miżuri ta' riskju mid-data ta' referenza tad-divulgazzjoni preċedenti;

(e) id-deskrizzjoni ta' kif l-istituzzjonijiet jiddefinixxu, ikejlu, jimmitigaw u jikkontrollaw ir-riskju tar-rata tal-imgħax tal-attivitajiet tagħhom fil-portafoll mhux tan-negozjar għall-finijiet tar-rieżami tal-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 84 tad-Direttiva 2013/36/UE, inkluż:

(i) deskrizzjoni tal-miżuri tar-riskju speċifiku li l-istituzzjonijiet jużaw biex jevalwaw bidliet fil-valur ekonomiku tagħhom tal-ekwità u fl-introjtu mill-imgħax nett tagħhom;

(ii) deskrizzjoni tas-suppożizzjonijiet ta' mudellar u parametriċi ewlenin użati fis-sistemi ta' kejl interni tal-istituzzjonijiet li jkunu differenti mis-suppożizzjonijiet ta' mudellar u parametriċi komuni msemmijin fl-Artikolu 98(5a) tad-Direttiva 2013/36/UE għall-finijiet tal-kalkolu ta' bidliet fil-valur ekonomiku tal-ekwità u fl-introjtu mill-imgħax nett, inkluż ir-raġunament wara dawk id-differenzi;

(iii) deskrizzjoni tax-xenarji ta' xokk tar-rata ta' imgħax li l-istituzzjonijiet jużaw biex jistmaw ir-riskju tar-rata tal-imgħax;

(iv) ir-rikonoxximent tal-effett ta' hedges kontra dawk ir-riskji ta' rata tal-imgħax, inkluż hedges interni li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 106(3);

(v) deskrizzjoni ġenerali ta' kemm-il darba sseħħ l-evalwazzjoni tar-riskju tar-rata tal-imgħax;

(f) id-deskrizzjoni tal-istrateġiji ġenerali għall-ġestjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju għal dawk ir-riskji;

(g) il-maturità medja ta' pprezzar mill-ġdid u l-ogħla waħda assenjati għal depożiti mingħajr maturità.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ir-rekwiżiti stipulati fil-punti (c) u (e)(i) sa (e)(iv) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw għall-istituzzjonijiet li jużaw il-metodoloġija standardizzata jew il-metodoloġija standardizzata simplifikata kif hemm isemmi fl-Artikolu 84(1) tad-Direttiva 2013/36/UE.

▼M8

Artikolu 449

Divulgazzjoni tal-iskoperturi għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni

L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta jew ir-rekwiżiti ta' fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 337 jew 338 għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja b'mod separat għall-attivitajiet tal-portafoll tan-negozjar u l-portafoll mhux tan-negozjar tagħhom:

(a) deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni tagħhom, inkluż l-objettivi tagħhom ta' ġestjoni tar-riskju u ta' investiment b'konnessjoni ma' dawk l-attivitajiet, ir-rwol tagħhom fit-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni, jekk jużawx it-titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata (STS) kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 242, u sa fejn huma jużaw tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjoni biex jittrasferixxu r-riskju tal-kreditu tal-iskoperturi titolizzati lil partijiet terzi, fejn applikabbli, b'deskrizzjoni separata tal-politika tagħhom dwar trasferiment tar-riskju tat-titolizzazzjoni sintetika;

(b) it-tip ta' riskji li jkunu esposti għalihom fl-attivitajiet tagħhom ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni skont il-livell ta' anzjanità tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni rilevanti filwaqt li jipprovdu distinzjoni bejn pożizzjonijiet STS u dawk non-STS u:

(i) r-riskju ritenut fi tranżazzjonijiet awtooriġinati;

(ii) ir-riskju mġarrab fir-rigward ta' tranżazzjonijiet oriġinati minn partijiet terzi;

(c) l-approċċi tagħhom għall-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju li japplikaw għall-attivitajiet ta' titolizzazzjoni tagħhom, inkluż it-tipi ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li għalihom japplika kull approċċ u b'distinzjoni bejn pożizzjonijiet STS u dawk non-STS;

(d) lista ta' SSPEs li jaqgħu fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji li ġejjin, b'deskrizzjoni tat-tipi tagħhom ta' skoperturi għal dawk l-SSPEs, inkluż kuntratti tad-derivattivi:

(i) SSPEs li jakkwistaw skoperturi oriġinati mill-istituzzjonijiet;

(ii) SSPEs sponsorjati mill-istituzzjonijiet;

(iii) SSPEs jew entitajiet legali oħra li għalihom l-istituzzjonijiet jipprovdu servizzi relatati mat-titolizzazzjoni, bħal servizzi ta' konsulenza, ta' manutenzjoni tal-assi jew ta' ġestjoni;

(iv) SSPEs inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni regolatorja tal-istituzzjonijiet;

(e) lista ta' kwalunkwe entità legali li fir-rigward tagħha l-istituzzjonijiet ikunu ddivulgaw li pprovdew appoġġ f'konformità mal-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta;

(f) lista ta' entitajiet legali affiljati mal-istituzzjonijiet u li jinvestu f'titolizzazzjonijiet oriġinati mill-istituzzjonijiet jew f'pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni maħruġa minn SSPEs sponsorjati mill-istituzzjonijiet;

▼M8

(g) sommarju tal-politiki ta' kontabbiltà tagħhom għall-attività ta' titolizzazzjoni, inkluż fejn rilevanti distinzjoni bejn pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni;

(h) l-ismijiet tal-ECAIs użati għat-titolizzazzjonijiet u t-tipi ta' skopertura li għalihom tintuża kull aġenzija;

(i) fejn applikabbli, deskrizzjoni tal-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna kif stipulat fil-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, inkluż l-istruttura tal-proċess ta' valutazzjoni interna u r-relazzjoni bejn il-valutazzjoni interna u l-klassifikazzjonijiet esterni tal-ECAI rilevanti divulgata f'konformità mal-punt (h), il-mekkaniżmi ta' kontroll għall-proċess ta' valutazzjoni interna inkluż diskussjoni tal-indipendenza, ir-responsabbiltà, u l-analiżi tal-proċess ta' valutazzjoni interna, it-tipi ta' skoperturi li għalihom jiġi applikat il-proċess ta' valutazzjoni interna u l-fatturi ta' stress użati biex jiddeterminaw il-livelli ta' titjib tal-kreditu;

(j) b'mod separat għall-portafoll tan-negozjar u l-portafoll mhux tan-negozjar, l-ammont riportat ta' skoperturi titolizzati, inkluż informazzjoni dwar jekk l-istituzzjonijiet ikunux ittrasferixxew riskju tal-kreditu sinifikanti f'konformità mal-Artikoli 244 u 245, li għalih l-istituzzjonijiet jaġixxu bħala oriġinatur, sponsor jew investitur, b'mod separat għal titolizzazzjonijiet tradizzjonali u sintetiċi, u għal tranżazzjonijiet STS u non-STS u diżaggregati skont it-tip ta' skoperturi titolizzati;

(k) għall-attivitajiet tal-portafoll mhux tan-negozjar, l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-ammont aggregat ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fejn l-istituzzjonijiet jaġixxu bħala oriġinatur jew sponsor u l-assi ponderati għar-riskju assoċjat u r-rekwiżiti ta' kapital minn approċċi regolatorji, inkluż skoperturi mnaqqsa minn fondi proprji jew ponderati għar-riskju fil-livell ta' 1 250 %, diżaggregat bejn titolizzazzjonijiet tradizzjonali u sintetiċi u bejn skoperturi ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni, b'mod separat għall-pożizzjonijiet STS u non-STS, u diżaggregat ulterjorment f'numru sinifikanti ta' faxex ta' rekwiżiti ta' ponderazzjoni għar-riskju jew ta' kapital, u minn approċċ użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital;

(ii) l-ammont aggregat ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni meta l-istituzzjonijiet jaġixxu ta' investitur u l-assi ponderati għar-riskju assoċjat u r-rekwiżiti ta' kapital minn approċċi regolatorji, inkluż skoperturi mnaqqsa minn fondi proprji jew ponderati għar-riskju fil-livell ta' 1 250 %, diżaggregat bejn titolizzazzjonijiet tradizzjonali u sintetiċi, pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni u ta' rititolizzazzjoni, u pożizzjonijiet STS u non-STS, u diżaggregat ulterjorment f'numru sinifikanti ta' faxex ta' rekwiżiti ta' ponderazzjoni għar-riskju jew ta' kapital, u minn approċċ użat għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital;

(l) għal skoperturi titolizzati mill-istituzzjoni, l-ammont ta' skoperturi inadempjenti u l-ammont ta' aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu li saru mill-istituzzjoni matul il-perijodu attwali, diżaggregat skont it-tip ta' skopertura.

▼M17

Artikolu 449a

Divulgazzjoni tar-riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza (riskji tal-ESG)

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar ir-riskji tal-ESG, b'distinzjoni bejn riskji ambjentali, soċjali u ta' governanza, u r-riskji fiżiċi u r-riskji ta' tranżizzjoni għar-riskji ambjentali.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar ir-riskji tal-ESG, inkluż:

(a) l-ammont totali tal-iskoperturi għall-entitajiet tas-settur tal-fjuwils fossili;

(b) kif l-istituzzjonijiet jintegraw ir-riskji tal-ESG identifikati fl-istrateġija u l-proċessi tan-negozju tagħhom, u l-governanza u l-immaniġġar tar-riskju.

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tispeċifika formati uniformi ta' divulgazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 434a, għar-riskji tal-ESG filwaqt li tiżgura li jkunu konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità u li jħarsuh, filwaqt li tevita d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni diġà stabbiliti f'liġi oħra tal-Unjoni applikabbli. Dawk il-formati m'għandhomx jeħtieġu d-divulgazzjoni ta' informazzjoni lil hinn mill-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 430(1), il-punt (h), u b'mod partikolari għandhom iqisu d-daqs u l-kumplessità tal-istituzzjoni u l-iskopertura relattiva ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi soġġetti għall-Artikolu 433b għar-riskji tal-ESG.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 449b

Divulgazzjoni tal-iskopertura aggregata għall-entitajiet ta' sistema bankarja parallela

L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni dwar l-iskopertura aggregata tagħhom għall-entitajiet ta' sistema bankarja parallela, kif imsemmi fl-Artikolu 394(2), it-tieni subparagrafu.

▼M8

Artikolu 450

Divulgazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja dwar il-politika u l-prattiki tagħhom ta' remunerazzjoni għal dawk il-kategoriji ta' persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet:

(a) informazzjoni dwar il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet użat biex jiddetermina l-politika ta' remunerazzjoni, kif ukoll in-numru ta' laqgħat li saru mill-korp ewlieni li jissorvelja r-remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja, inkluż, fejn applikabbli, informazzjoni dwar il-kompożizzjoni u l-mandat ta' kumitat tar-remunerazzjoni, il-konsulent estern li s-servizzi tiegħu ntużaw għad-determinazzjoni tal-politika ta' remunerazzjoni u r-rwol tal-partijiet ikkonċernati rilevanti;

▼M8

(b) informazzjoni dwar ir-rabta bejn il-paga tal-persunal u l-prestazzjoni tagħhom;

(c) l-iktar karatteristiċi importanti tat-tfassil tas-sistema ta' remunerazzjoni, inkluż informazzjoni dwar il-kriterji użati għall-kejl tal-prestazzjoni u l-aġġustament tar-riskju, il-politika ta' differiment u l-kriterji ta' vestiment;

(d) il-proporzjonijiet bejn remunerazzjoni fissa u varjabbli stabbiliti f'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 94(1) tad-Direttiva 2013/36/UE;

(e) informazzjoni dwar il-kriterji ta' prestazzjoni li fuqhom ikun ibbażat l-intitolament għal ishma, opzjonijiet jew komponenti varjabbli ta' remunerazzjoni;

(f) il-parametri ewlenin u r-raġuni għal kwalunkwe skema ta' komponent varjabbli u kwalunkwe benefiċċju ieħor mhux fi flus kontanti;

(g) informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-remunerazzjoni, diżaggregata skont il-qasam ta' negozju;

(h) informazzjoni kwantitattiva aggregata dwar ir-remunerazzjoni, diżaggregata skont il-maniġment superjuri u l-membri tal-persunal li l-attivitajiet professjonali tagħhom ikollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet, li tindika dan li ġej:

(i) l-ammonti ta' remunerazzjoni mogħtija għas-sena finanzjarja, maqsuma f'remunerazzjoni fissa inkluż deskrizzjoni tal-komponenti fissi, u remunerazzjoni varjabbli, u n-numru ta' benefiċjarji;

(ii) l-ammonti u l-forom ta' remunerazzjoni varjabbli mogħtija, maqsuma fi flus kontanti, ishma, strumenti relatati mal-ishma u tipi oħra b'mod separat għall-parti mħallsa bil-quddiem u l-parti diferita;

(iii) l-ammonti ta' remunerazzjoni differita mogħtija għal perijodi ta' prestazzjoni preċedenti, maqsuma fl-ammont dovut li jiġi vestit fis-sena finanzjarja u l-ammont dovut li jiġi vestit fi snin sussegwenti;

(iv) l-ammont ta' remunerazzjoni diferita dovuta li tiġi vestita fis-sena finanzjarja li titħallas matul is-sena finanzjarja, u li titnaqqas permezz ta' aġġustamenti tal-prestazzjoni;

(v) l-għotjiet varjabbli garantiti ta' remunerazzjoni matul is-sena finanzjarja, u n-numru ta' benefiċjarji ta' dawk l-għotjiet;

(vi) il-ħlasijiet ta' terminazzjoni mogħtija f'perijodi preċedenti, li jkunu tħallsu matul is-sena finanzjarja;

(vii) l-ammonti ta' ħlasijiet tat-terminazzjoni mogħtija matul is-sena finanzjarja, maqsuma f'dawk imħallsa bil-quddiem u dawk diferiti, in-numru ta' benefiċjarji ta' dawk il-ħlasijiet u l-ogħla ħlas li jkun ingħata lil persuna waħda;

▼M8

(i) in-numru ta' individwi li ngħataw remunerazzjoni ta' EUR 1 miljun jew iktar f'sena finanzjarja, bir-remunerazzjoni ta' bejn EUR 1 miljun u EUR 5 miljuni diżaggregata f'faxex ta' ħlas ta' EUR 500 000 u bir-remunerazzjoni ta' EUR 5 miljun u iktar diżaggregata f'faxex ta' ħlas ta' EUR 1 miljun;

(j) fuq talba mill-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti rilevanti, ir-remunerazzjoni totali għal kull membru tal-korp maniġerjali jew il-maniġment superjuri;

(k) informazzjoni dwar jekk l-istituzzjoni tibbenefikax minn deroga stabbilita fl-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE.

Għall-finijiet tal-punt (k) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet li jibbenefikaw mit-tali deroga għandhom jindikaw jekk jibbenefikawx minn dik id-deroga abbażi tal-punt (a) jew (b) tal-Artikolu 94(3) tad-Direttiva 2013/36/UE. Huma għandhom jindikaw ukoll għal liema mill-prinċipji tar-remunerazzjoni japplikaw id-deroga/i, in-numru ta' membri tal-persunal li jibbenefikaw mid-deroga/i u r-remunerazzjoni totali tagħhom, maqsuma f'remunerazzjoni fissa u varjabbli.

2. Għal istituzzjonijiet kbar, l-informazzjoni kwantitattiva dwar ir-rimunerazzjoni tal-korp maniġerjali kollettiv tal-istituzzjonijiet imsemmijin f'dan l-Artikolu għandha wkoll tkun disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li ssir differenzjazzjoni bejn membri eżekuttivi u dawk mhux eżekuttivi.

L-istituzzjonijiet għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan l-Artikolu b'mod li jkun adatt għad-daqs, l-organizzazzjoni interna u n-natura, l-ambitu u l-kumplessità tal-attivitajiet tagħhom u mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

Artikolu 451

Divulgazzjoni tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja

1. L-istituzzjonijiet li huma soġġetti għall-Parti Sebgħa għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja dwar il-proporzjon ta' lieva finanzjarja tagħhom kif kalkulat f'konformità mal-Artikolu 429 u l-ġestjoni tagħhom tar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiv:

(a) il-proporzjon ta' lieva finanzjarja u l-mod kif l-istituzzjonijiet japplikaw l-Artikolu 499(2);

(b) diżaggregazzjoni tal-miżura tal-iskopertura totali msemmija fl-Artikolu 429(4), kif ukoll rikonċiljazzjoni tal-miżura tal-iskopertura totali bl-informazzjoni rilevanti divulgata f'dikjarazzjonijiet finanzjarji pubblikati;

(c) fejn applikabbli, l-ammont ta' skoperturi kkalkulati skont l-Artikoli 429(8), u 429a(1) u l-proporzjon ta' lieva finanzjarja aġġustat ikkalkolat skont l-Artikolu 429a(7);

([1]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

▼M8

(d) deskrizzjoni tal-proċessi użati għall-ġestjoni tar-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiv;

(e) deskrizzjoni tal-fatturi li kellhom impatt fuq il-proporzjon ta' lieva finanzjarja matul il-perijodu li jirreferi għalih il-proporzjon ta' lieva finanzjarja divulgat;

▼M17

(f) l-ammont tar-rekwiżiti ta' fondi proprji addizzjonali bbażati fuq il-proċess ta' rieżami superviżorju kif imsemmi fl-Artikolu 104 (1), il-punt (a), tad-Direttiva 2013/36/UE biex jiġi indirizzat ir-riskju ta' lieva finanzjarja eċċessiva u l-kompożizzjoni tiegħu.

▼M8

2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-iżvilupp pubbliku kif definiti fl-Artikolu 429a(2) għandhom jiddivulgaw il-proporzjon ta' lieva finanzjarja mingħajr l-aġġustament għall-miżura tal-iskopertura totali determinat f'konformità mal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 429a(1).

3. Minbarra l-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, istituzzjonijiet kbar għandhom jiddivulgaw il-proporzjon ta' lieva finanzjarja u d-diżaggregazzjoni tal-miżura tal-iskopertura totali msemmija fl-Artikolu 429(4) abbażi tal-medji kkalkulati skont l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 430(7).

Artikolu 451a

Divulgazzjoni ta' rekwiżiti ta' likwidità

1. L-istituzzjonijiet li huma soġġetti għall-Parti Sitta għandhom jiddivulgaw informazzjoni dwar il-proporzjon ta' kopertura tal-likwidità, il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett u l-ġestjoni tar-riskju tal-likwidità tagħhom f'konformità ma' dan l-Artikolu.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità tagħhom kif kalkulat f'konformità mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1):

(a) il-medja jew il-medji, kif applikabbli, tal-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità tagħhom ibbażati fuq l-osservazzjonijiet tal-aħħar tax-xahar matul it-12-il xahar preċedenti għal kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti;

(b) il-medja jew il-medji, kif applikabbli, ta' assi likwidi totali, wara l-applikazzjoni tal-haircuts rilevanti, inkluż fir-riżerva ta' likwidità skont l-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet tal-aħħar tax-xahar matul it-12-il xahar preċedenti għal kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti, u deskrizzjoni tal-kompożizzjoni tar-riżerva ta' likwidità;

(c) il-medji tal-flussi ta' ħruġ u ta' dħul tal-likwidità u l-flussi ta' ħruġ netti tal-likwidità tagħhom kif kalkulati f'konformità mal-att delegat imsemmi fl-Artikolu 460(1), fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet tal-aħħar tax-xahar matul it-12-il xahar preċedenti għal kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti u d-deskrizzjoni tal-kompożizzjoni tagħhom.

▼M8

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett tagħhom kif kalkulat f'konformità mat-Titolu IV tal-Parti Sitta:

(a) iċ-ċifri tal-aħħar tat-trimestru tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett tagħhom kalkulati f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta għal kull trimestru tal-perijodu ta' divulgazzjoni rilevanti;

(b) deskrizzjoni ġenerali tal-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli kalkulat f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta;

(c) deskrizzjoni ġenerali tal-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ kalkulat f'konformità mal-Kapitolu 4 tat-Titolu IV tal-Parti Sitta.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-arranġamenti, is-sistemi, il-proċessi u l-istrateġiji fis-seħħ biex jidentifikaw, ikejlu, jimmaniġġaw u jimmonitorjaw ir-riskju tal-likwidità tagħhom f'konformità mal-Artikolu 86 tad-Direttiva 2013/36/UE.

▼M17

Artikolu 451b

Divulgazzjoni tal-iskoperturi tal-kriptoassi u attivitajiet relatati

1. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja dwar il-kriptoassi u s-servizzi tal-kriptoassi kif ukoll kwalunkwe attività oħra relatata mal-kriptoassi:

(a) l-ammonti tal-iskopertura diretti u indiretti b'rabta mal-kriptoassi, inkluż il-komponenti grossi twal u qosra tal-iskoperturi netti;

(b) l-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju għar-riskju operazzjonali;

(c) il-klassifikazzjoni kontabilistika għall-iskoperturi tal-kriptoassi;

(d) deskrizzjoni tal-attivitajiet kummerċjali relatati mal-kriptoassi u l-impatt tagħhom fuq il-profil tar-riskju tal-istituzzjoni;

(e) deskrizzjoni speċifika tal-politiki ta' ġestjoni tar-riskju tagħhom relatati mal-iskoperturi tal-kriptoassi u s-servizzi tal-kriptoassi.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-punt (d), ta' dan il-paragrafu, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar attivitajiet kummerċjali materjali, inkluż dwar il-ħruġ ta' tokens irreferenzjati ma' assi sinifikanti, u tat-tokens tal-flus elettroniċi sinifikanti u dwar il-forniment ta' servizzi tal-kriptoassi skont l-Artikoli 60 u 61 tar-Regolament (UE) 2023/1114.

▼M17

2. L-istituzzjonijiet m'għandhomx japplikaw l-eċċezzjoni stabbilita fl-Artikolu 432 għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

▼M8

TITOLU III

REKWIŻITI TA' KWALIFIKA GĦALL-UŻU TA' STRUMENTI JEW METODOLOĠIJI PARTIKOLARI

Artikolu 452

Divulgazzjoni tal-użu tal-Approċċ IRB għar-riskju tal-kreditu

L-istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju skont l-Approċċ IRB għar-riskju ta' kreditu għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-permess tal-awtorità kompetenti għall-approċċ jew it-transizzjoni approvata;

(b) għal kull klassi ta' skopertura msemmija fl-Artikolu 147, il-perċentwal tal-valur tal-iskopertura totali ta' kull klassi ta' skopertura soġġett għall-Approċċ Standardizzat stabbilit fil-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta jew għall-Approċċ IRB stabbilit fil-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, kif ukoll il-parti ta' kull klassi ta' skopertura soġġett għal pjan ta' implimentazzjoni; meta l-istituzzjonijiet ikunu rċevew permess biex jużaw LGDs proprji u fatturi ta' konverżjoni għall-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju, għandhom jiddivulgaw b'mod separat il-perċentwal tal-valur tal-iskopertura totali ta' kull klassi ta' skopertura soġġett għal dak il-permess;

(c) il-mekkaniżmi ta' kontroll għas-sistemi ta' klassifikazzjoni fl-istadji differenti ta' żvilupp, kontrolli u bidliet ta' mudellar, li għandhom jinkludu informazzjoni dwar:

(i) ir-relazzjoni bejn il-funzjoni ta' maniġġar tar-riskju u l-funzjoni ta' awditu intern;

(ii) l-analiżi tas-sistemi ta' klassifikazzjoni;

(iii) il-proċedura biex tiżgura l-indipendenza tal-funzjoni inkarigata mill-analiżi tal-mudelli mill-funzjonijiet responsabbli għall-iżvilupp tal-mudelli;

(iv) il-proċedura biex tiżgura r-responsabbiltà tal-funzjonijiet inkarigati biex jiżviluppaw u janalizzaw il-mudelli;

(d) ir-rwol tal-funzjonijiet involuti fl-iżvilupp, l-approvazzjoni u l-bidliet sussegwenti tal-mudelli ta' riskju tal-kreditu;

(e) il-portata u l-kontenut ewlieni tar-rappurtar relatat mal-mudelli ta' riskju tal-kreditu;

(f) deskrizzjoni tal-proċess ta' klassifikazzjoni interna skont il-klassi ta' skopertura, inkluż in-numru ta' mudelli ewlenin użati fir-rigward ta' kull portafoll u diskussjoni qasira tad-differenzi ewlenin bejn il-mudelli fl-istess portafoll, li tkopri:

▼M8

(i) id-definizzjonijiet, il-metodi u d-data għall-istima u l-validazzjoni ta' PD, li għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif jiġu stmati PDs għal portafolli b'riskju baxx ta' inadempjenza, jekk ikunx hemm livelli minimi regolatorji u l-ixprunaturi għal differenzi osservati bejn PD u rati ta' inadempjenza reali mill-inqas għall-aħħar tliet perijodi;

(ii) fejn applikabbli, id-definizzjonijiet, il-metodi u d-data għall-istima u l-validazzjoni ta' LGD, bħall-metodi biex jikkalkulaw LGD ta' tnaqqis fir-ritmu tal-ekonomija, kif jiġu stmati LGDs għal portafoll b'riskju baxx ta' inadempjenza u l-ħin li jgħaddi bejn l-avveniment ta' inadempjenza u l-għeluq tal-iskopertura;

(iii) fejn applikabbli, id-definizzjonijiet, il-metodi u d-data għall-istima u l-validazzjoni ta' fatturi ta' konverżjoni, inkluż suppożizzjonijiet użati fid-derivazzjoni ta' dawk il-varjabbli;

(g) kif applikabbli, l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull klassi ta' skopertura msemmija fl-Artikolu 147:

(i) l-iskopertura gross tagħhom li tidher fil-karta tal-bilanċ;

(ii) il-valuri ta' skopertura li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ tagħhom qabel il-fattur ta' konverżjoni rilevanti;

(iii) l-iskopertura tagħhom wara l-applikazzjoni tal-fattur ta' konverżjoni u l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu rilevanti;

(iv) kwalunkwe mudell, parametru jew input rilevanti għall-fehim tal-ponderazzjoni tar-riskju u l-ammonti ta' riskju ta' skopertura li jirriżultaw divulgati f'numru suffiċjenti ta' gradi ta' obbligant (inkluż inadempjenza) biex tippermetti differenzjazzjoni sinifikanti ta' riskju tal-kreditu;

(v) b'mod separat għal dawk il-klassijiet ta' skopertura li fir-rigward tagħhom l-istituzzjonijiet ikunu rċevew permess li jużaw LGDs proprji u fatturi ta' konverżjoni għall-kalkolu ta' ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju, u għal skoperturi li għalihom l-istituzzjonijiet ma jużawx tali stimi, il-valuri msemmijin fil-punt (i), sa (iv) soġġett għal dak il-permess;

(h) l-istimi tal-istituzzjonijiet ta' PDs kontra r-rata ta' inadempjenza attwali għal kull klassi ta' skopertura tul perijodu itwal, b'divulgazzjoni separata tal-medda ta' PD, l-ekwivalenti ta' klassifikazzjoni esterna, il-medja ponderata u dik aritmetika ta' PD, in-numru ta' obbliganti fi tmiem is-sena preċedenti u tas-sena taħt analiżi, in-numru ta' obbliganti inadempjenti inkluż l-obbliganti inadempjenti ġodda, u r-rata storika, medja, annwali ta' inadempjenza.

Għall-finijiet tal-punt (b) ta' dan l-Artikolu, l-istituzzjonijiet għandhom jużaw il-valur ta' skopertura kif definit fl-Artikolu 166.

▼M8

Artikolu 453

Divulgazzjoni tal-użu ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu

L-istituzzjonijiet li jużaw tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-karatteristiċi prinċipali tal-politiki u l-proċessi prinċipali għan-netting li jidher fil-karta tal-bilanċ u dak li ma jidhirx fil-karta tal-bilanċ u indikazzjoni li turi sa fejn l-istituzzjonijiet jagħmlu użu min-netting tal-karta tal-bilanċ;

(b) il-karatteristiċi prinċipali tal-politiki u l-proċessi għall-evalwazzjoni u l-maniġġar ta' kollateral eliġibbli;

(c) deskrizzjoni tat-tipi ewlenin ta' kollateral meħuda mill-istituzzjoni biex jimmitigaw ir-riskju tal-kreditu;

(d) għal garanziji u derivattivi tal-kreditu użati bħala protezzjoni tal-kreditu, it-tipi ewlenin ta' garantur u kontroparti tad-derivattivi tal-kreditu u l-affidabbiltà tal-kreditu tagħhom użati għall-finijiet ta' tnaqqis tar-rekwiżiti ta' kapital, eskluż dawk użati bħala parti minn strutturi ta' titolizzazzjoni sintetika;

(e) informazzjoni dwar konċentrazzjonijiet tar-riskju tas-suq jew ta' kreditu fil-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu meħuda;

(f) għal istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat jew l-Approċċ IRB, il-valur tal-iskopertura totali mhux kopert mill-ebda protezzjoni ta' kreditu eliġibbli u l-valur tal-iskopertura totali kopert mill-protezzjoni ta' kreditu eliġibbli wara l-applikazzjoni ta' aġġustamenti tal-volatilità; id-divulgazzjoni stipulata f'dan il-punt għandha ssir b'mod separat mis-self u t-titolizzazzjoni tad-dejn u tinkludi diżaggregazzjoni tal-iskoperturi inadempjenti;

(g) il-fattur ta' konverżjoni korrispondenti u l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjat mal-iskopertura u l-inċidenza ta' tekniki ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu bl-effett ta' sostituzzjoni u mingħajru;

(h) għal istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat, il-valur ta' skopertura li jidher u dak li ma jidhirx fil-karti tal-bilanċ skont il-klassi ta' skopertura qabel u wara l-applikazzjoni ta' fatturi ta' konverżjoni u kwalunkwe mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjat;

(i) għal istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat, l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju u l-proporzjon bejn dak l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju u l-valur ta' skopertura wara l-applikazzjoni tal-fattur tal-konverżjoni korrispondenti u l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjat mal-iskopertura; id-divulgazzjoni stipulata f'dan il-punt għandha ssir b'mod separat għal kull klassi ta' skopertura;

▼M8

(j) għal istituzzjonijiet li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju taħt l-Approċċ IRB, l-ammont ta' skopertura ponderata għar-riskju qabel u wara r-rikonoxximent tal-impatt ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu ta' derivattivi tal-kreditu; meta l-istituzzjonijiet ikunu rċevew permess biex jużaw l-LGDs proprji u l-fatturi ta' konverżjoni għall-kalkolu tal-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju, għandhom jagħmlu d-divulgazzjoni stipulata f'dan il-punt b'mod separat għall-klassijiet ta' skopertura soġġett għal dik il-permess.

Artikolu 454

Divulgazzjoni tal-użu tal-Approċċi Avvanzati ta' Kejl għar-riskju operazzjonali

L-istituzzjonijiet li jużaw l-Approċċi Avvanzati ta' Kejl stipulati fl-Artikoli 321 sa 324 għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju operazzjonali għandhom jiddivulgaw deskrizzjoni tal-użu tagħhom ta' assigurazzjoni u ta' mekkaniżmi oħra ta' trasferiment tar-riskju għall-fini ta' mitigazzjoni ta' dak ir-riskju.

▼M17

Artikolu 455

Użu ta' mudelli interni għar-riskju tas-suq

1. Istituzzjoni li tuża l-mudelli interni msemmija fl-Artikolu 325az għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq għandha tiddivulga:

(a) l-objettivi tagħha fit-twettiq ta' attivitajiet ta' negozjar u l-proċessi implimentati biex jiġu identifikat, jitkejjel, jiġi mmonitorjat u kkontrollat ir-riskju tas-suq;

(b) il-politiki msemmija fl-Artikolu 104(1) biex jiġi ddeterminat liema pożizzjoni għandha tiġi inkluża fil-portafoll tan-negozjar;

(c) deskrizzjoni ġenerali tal-istruttura tal-postijiet tan-negozjar koperti mill-mudelli interni inkluż, għal kull post, deskrizzjoni wiesgħa tal-istrateġija tan-negozju tal-post, l-istrumenti permessi fih u t-tipi ewlenin ta' riskju marbuta ma' dak il-post;

(d) stampa ġenerali tal-pożizzjonijiet fil-portafoll tan-negozjar mhux koperti mill-mudelli interni, inkluż deskrizzjoni ġenerali tal-istruttura tal-post u tat-tipi ta' strumenti inklużi fil-postijiet jew fil-kategoriji ta' postijiet f'konformità mal-Artikolu 104b;

(e) l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni u l-governanza għall-ġestjoni tar-riskju tas-suq;

(f) il-kamp ta' applikazzjoni, il-karatteristiċi ewlenin u l-għażliet ewlenin tal-immudellar tal-mudelli interni differenti użati biex jiġu kkalkulati l-ammonti tal-iskopertura għar-riskju għall-mudelli ewlenin użati fil-livell konsolidat, u deskrizzjoni tal-punt sa fejn dawk il-mudelli interni jirrappreżentaw il-mudelli li jintużaw fil-livell konsolidat, inkluż, fejn ikun applikabbli, deskrizzjoni wiesa' ta' dan li ġej:

▼**M17**

(i) l-approċċ ta' mmudellar użat biex jiġi kkalkulat in-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325ba(1), il-punt (a), inkluż il-frekwenza tal-aġġornament tad-*data*;

(ii) il-metodoloġija użata biex jiġi kkalkulat il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325ba(1), il-punt (b), għajr l-ispeċifikazzjonijiet previsti fl-Artikolu 325bk(3);

(iii) l-approċċ ta' mmudellar użat biex tiġi kkalkulata t-tariffa tar-riskju ta' inadempjenza msemmija fl-Artikolu 325ba(2), inkluż il-frekwenza tal-aġġornament tad-*data*.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw fuq bażi aggregata għall-postijiet tan-negozjar kollha koperti mill-mudelli interni msemmija fl-Artikolu 325az il-komponenti li ġejjin, fejn ikun applikabbli:

(a) l-aktar valur reċenti kif ukoll l-ogħla valur, dak l-aktar baxx u l-valur medju għas-60 jum ta' xogħol preċedenti ta':

(i) il-kejl mhux ristrett tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb(1);

(ii) il-kejl mhux ristrett tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb(1) għal kull kategorija regolatorja ta' fatturi tar-riskju wiesa';

(b) l-aktar valur reċenti kif ukoll il-valur medju għas-60 jum ta' xogħol preċedenti ta':

(i) il-kejl tar-riskju tan-nuqqas mistenni msemmi fl-Artikolu 325bb(1);

(ii) il-kejl tar-riskju tax-xenarju ta' stress imsemmi fl-Artikolu 325ba(1), il-punt (b);

(iii) ir-rekwiżit ta' fondi proprji għar-riskju ta' inadempjenza msemmi fl-Artikolu 325ba(2);

(iv) is-somma tar-rekwiżiti ta' fondi proprji msemmija fl-Artikolu 325ba(3), inkluż il-komponenti kollha tal-formula u l-fattur ta' multiplikazzjoni applikabbli;

(c) in-numru tal-qbiż fil-valur tal-ittestjar retrospettiv matul l-aħħar 250 jum ta' xogħol fid-99 perċentil kif imsemmi fl-Artikolu 325bf(6).

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw fuq bażi aggregata għall-postijiet tan-negozjar kollha r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq li jiġu kkalkulati f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu IV, il-Kapitolu 1a, li kieku l-istituzzjonijiet ma jkunux ingħataw permess jużaw il-mudelli interni tagħhom għal dawk il-postijiet tan-negozjar.

▼B

PARTI DISGĦA

ATTI DDELEGATI U ATTI TA' IMPLIMENTAZZJONI

Artikolu 456

Atti ddelegati

1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 462, dwar il-kwistjonijiet li ġejjin:

(a) jiġu ċċarati d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 5, 142, 153, 192, 242, 272, 300, 381 u 411 sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament;

(b) jiġu ċċarati d-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4, 5, 142, 153, 192, 242, 272, 300, 381 u 411sabiex jitqiesu, fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

(c) emenda fil-lista tal-klassijiet ta' skopertura fl-Artikoli 112 u 147 sabiex jitqiesu l-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

▼M17

(d) l-ammont speċifikat fl-Artikolu 123(1), il-punt (b), l-Artikolu 147 (5), il-punt (a), l-Artikolu 153(4) u l-Artikolu 162(4), biex jitqiesu l-effetti tal-inflazzjoni;

▼B

(e) il-lista u klassifikazzjoni tal-punti barra l-karta tal-bilanċ fl-Annessi I u II, sabiex jittieħed kont tal-iżviluppi fis-swieq finanzjarji;

▼M9

_____

▼B

(h) emendar tar-rekwiżiti ta' fondi proprji kif stipulat fl-Artikoli 301 sa 311 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 50a sa 50d tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 biex jittieħed kont ta' żviluppi jew emendi għall-istandards internazzjonali għall-iskoperturi għal kontroparti ċentrali;

(i) kjarifika tat-termini msemmija fir-rinunzji li jinsabu fl-Artikolu 400;

(j) emendar tal-kalkolu kapitali u l-kalkolu tal-iskopertura totali tal-proporzjon ta' lieva finanzjarja msemmija fl-Artikolu 429(2) sabiex jiġi kkoreġut kwalunkwe nuqqas misjub fuq il-bażi ta' rappurtar imsemmi fl-Artikolu 430(1) qabel ma l-proporzjon ta' lieva finanzjarja jkun irid jiġi ppubblikat mill-istituzzjonijiet kif stabbilit fl-Artikolu 451(1)(a);

▼M8

(k) l-emendi għar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni stabbiliti fit-Titoli II u III tal-Parti Tmienja biex jittieħed kont ta' żviluppi jew emendi tal-istandards internazzjonali dwar id-divulgazzjoni.

▼B

2. L-ABE għandha tissorvelja r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu u sal-1 ta' Jannar 2015 għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni. B'mod partikolari, ir-rapport għandu jivvaluta:

(a) it-trattament tar-riskju ta' CVA bħala tariffa indipendenti minflok komponent intergrat tal-qafas tar-riskju tas-suq;

(b) il-kamp ta' applikazzjoni tat-tariffa tar-riskju ta' CVA inkluża l-eżenzjoni fl- Artikolu 482;

(c) koperturi eliġibbli;

(d) il-kalkolu ta' rekwiżiti ta' kapital tar-riskju ta' CVA.

Abbażi ta' dak ir-rapport u fejn is-sejbiet huma b'tali mod li jkun meħtieġ li l-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa tadotta att iddelegat skont l-Artikolu 462 biex temenda l-Artikolu 381, l-Artikolu 382(1) sa (3) u l-Artikoli 383 sa 386 li jikkonċernaw dawk l-elementi.

Artikolu 457

Aġġustamenti u korrezzjonijiet tekniċi

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta l-atti ddelegati skont l-Artikolu 462, sabiex tagħmel aġġustamenti u korrezzjonijiet tekniċi tal-elementi li mhumiex essenzjali fid-dispożizzjonijiet li ġejjin sabiex jitqiesu l-iżviluppi fil-prodotti jew l-attivitajiet finanzjarji ġodda, sabiex tagħmel aġġustamenti b'kont meħud tal-iżviluppi wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament f'atti leġislattivi oħra tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji u l-kontabbiltà inklużi l-istandards tal-kontabbiltà bbażati fuq ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002:

(a) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-kreditu stabbiliti fl-Artikoli 111 sa 134, u fl-Artikoli 143 sa 191;

(b) l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu skont l-Artikoli 193 sa 241;

▼M5

(c) ir-rekwiżiti tal-fondi proprji għal titolizzazzjoni stipulati fl-Artikoli 242 sa 270a;

▼B

(d) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskji ta' kreditu tal-kontroparti skont l-Artikoli 272 sa 311;

▼B

(e) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operattiv stabbiliti fl-Artikoli 315 sa 324;

(f) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fl-Artikoli 325 sa 377;

(g) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-saldu stabbiliti fl-Artikoli 378 u 379;

(h) ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tal-aġġustament tal-valutazzjoni tal-kreditu stabbiliti fl-Artikoli 383, 384 u 386;

▼M8

(i) Il-Parti Tnejn u l-Artikolu 430 biss bħala riżultat tal-iżviluppi fl-istandards tal-kontabbiltà jew ir-rekwiżiti li jqisu l-atti leġislattivi tal-Unjoni.

▼B

Artikolu 458

Riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat fil-livell ta' Stat Membru

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw l-awtorità responsabbli għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu. Din l-awtorità għandha tkun l-awtorità kompetenti jew l-awtorità nominata.

▼M8

2. Fejn l-awtorità nominata f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tidentifika bidliet fl-intensità ta' riskju makroprudenzjali jew sistemiku fis-sistema finanzjarja bil-potenzjal ta' konsegwenzi negattivi serji għas-sistema finanzjarja u l-ekonomija reali fi Stat Membru speċifiku u li dik l-awtorità tqis li ma jistgħux jiġu indirizzati permezz ta' għodod makroprudenzjali oħra stipulati f'dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE b'mod effettiv daqs l-implimentazzjoni ta' miżuri nazzjonali aktar stretti, hija għandha tinnotifika dan lill-Kummissjoni u lill-BERS. Il-BERS għandu jibgħat in-notifika lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, u lill-ABE mingħajr dewmien.

In-notifika għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti li ġejjin u tinkludi, fejn adatt, evidenza kwantitattiva jew kwalitattiva rilevanti dwar:

(a) il-bidliet fl-intensità ta' riskju makroprudenzjali jew sistemiku;

(b) ir-raġunijiet għalfejn tali bidliet jistgħu joħolqu theddida għall-istabbiltà finanzjarja fil-livell nazzjonali jew għall-ekonomija reali;

(c) spjegazzjoni dwar għaliex l-awtorità tqis li l-għodod makroprudenzjali stipulati fl-Artikoli 124 u 164 ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli 133 u 136 tad-Direttiva 2013/36/UE jkunu inqas adatti u effettivi biex jittrattaw dawk ir-riskji milli l-abbozz ta' miżuri nazzjonali msemmija fil-punt (d) ta' dan il-paragrafu;

▼M8

(d) l-abbozz ta' miżuri nazzjonali għal istituzzjonijiet awtorizzati domestikament, jew subsett ta' dawk l-istituzzjonijiet, maħsuba għall-mitigazzjoni tal-bidliet fl-intensità ta' riskju u dwar:

(i) il-livell ta' fondi proprji stabbiliti fl-Artikolu 92;

(ii) ir-rekwiżiti għal skoperturi kbar stabbiliti fl-Artikolu 392 u l-Artikoli 395 sa 403;

(iii) rekwiżiti ta' likwidità stabbiliti fil-Parti Sitta;

(iv) ponderazzjonijiet tar-riskju għall-individwar ta' bżieżaq speku-lattivi ta' assi fis-settur tal-proprjetà residenzjali u tal-proprjetà immobbli kummerċjali;

(v) ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika stabbiliti fil-Parti Tmienja;

(vi) il-livell tal-buffer ta' konservazzjoni tal-kapital stabbilit fl-Artikolu 129 tad-Direttiva 2013/36/UE; jew

(vii) skoperturi fi ħdan is-settur finanzjarju;

(e) spjegazzjoni dwar għalfejn l-abbozz ta' miżuri jitqiesu mill-awtorità nominata f'konformità mal-paragrafu 1 li jkunu adatti, effettivi u proporzjonati biex jindirizzaw is-sitwazzjoni; u

(f) valutazzjoni tal-impatt pożittiv jew negattiv probabbli tal-abbozz ta' miżuri dwar is-suq intern ibbażata fuq informazzjoni li tkun dispo-nibbli għall-Istat Membru konċernat.

▼B

3. Meta jkunu awtorizzati japplikaw miżuri nazzjonali skont dan l-Artikolu, l-awtoritajiet determinati skont il-paragrafu 1 għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti jew lill-awtoritajiet nominati fi Stati Membri l-informazzjoni rilevanti kollha.

▼M8

4. Is-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jirrifjuta l-abbozz ta' miżuri nazzjonali msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 2 tingħata lill-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, fuq proposta mill-Kummissjoni.

Il-BERS u l-ABE għandhom, fi żmien xahar minn meta jirċievu n-notifika msemmija fil-paragrafu 2, jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar il-kwistjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (f) ta' dak il-paragrafu lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru konċernat.

Filwaqt li jittieħed l-akbar kont possibbli tal-opinjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu u jekk ikun hemm evidenza robusta, qawwija u dettaljata li l-miżura jkollha impatt negattiv fuq is-suq intern li tegħleb il-benefiċċji tal-istabbiltà finanzjarja li jirriżultaw fi tnaqqis tar-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat, il-Kummissjoni tista', fi żmien xahar, tipproponi lill-Kunsill att ta' implimentazzjoni li jirrifjuta l-abbozz ta' miżuri nazzjonali.

▼M8

Fin-nuqqas ta' proposta tal-Kummissjoni f'dak il-perijodu ta' xahar, l-Istat Membru konċernat jista' b'mod immedjat jadotta l-abbozz ta' miżuri nazzjonali għal perijodu ta' mhux aktar minn sentejn jew sal-waqt meta ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku ma jibqax jeżisti jekk dan iseħħ qabel.

Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar il-proposta tal-Kummissjoni fi żmien xahar wara l-wasla tal-proposta u jiddikjara r-raġunijiet tiegħu għar-rifjut jew le tal-abbozz ta' miżuri nazzjonali.

Il-Kunsill għandu jirrifjuta l-abbozz ta' miżuri nazzjonali biss jekk jikkunsidra li waħda jew aktar mill-kondizzjonijiet li ġejjin ma jintlaħqux:

(a) il-bidliet fl-intensità ta' riskju makroprudenzjali jew sistemiku jkunu ta' tali natura li jkunu ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja fil-livell nazzjonali;

(b) l-għodod makroprudenzjali stipulati f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE huma inqas adatti jew effettivi mill-abbozz ta' miżuri nazzjonali biex jittrattaw ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku identifikat;

(c) l-abbozz ta' miżuri nazzjonali ma jinvolvix effetti negattivi sproporzjonati fuq is-sistema finanzjarja kollha jew partijiet minnha fi Stati Membri oħrajn jew fl-Unjoni kollha, li b'hekk jifforma jew joħloq ostaklu għall-funzjonament tas-suq intern; u

(d) il-kwistjoni tikkonċerna biss Stat Membru wieħed.

Il-valutazzjoni tal-Kunsill għandha tieħu kont tal-opinjoni tal-BERS u l-ABE u għandha tkun ibbażata fuq l-evidenza ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 2 mill-awtorità nominata f'konformità mal-paragrafu 1.

Fin-nuqqas ta' att ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jirrifjuta l-abbozz ta' miżuri nazzjonali fi żmien xahar minn meta jirċievu l-proposta mill-Kummissjoni, l-Istat Membru konċernat jista' jadotta l-miżuri u japplikahom għal perijodu ta' mhux aktar minn sentejn jew sal-waqt meta ir-riskju makroprudenzjali jew sistemiku ma jibqax jeżisti jekk dan iseħħ qabel.

5. Stati Membri oħra jistgħu jirrikonoxxu l-miżuri adottati f'konformità ma' dan l-Artikolu u japplikawhom għal istituzzjonijiet awtorizzati domestikament, li jkollhom fergħat jew ikollhom skoperturi li jinsabu fl-Istat Membru awtorizzat li japplika l-miżura.

▼M17

6. Meta l-Istati Membri jirrikonoxxu l-miżuri stabbiliti f'konformità ma' dan l-Artikolu, għandhom jinnotifikaw lill-BERS. Il-BERS għandu jgħaddi dawn in-notifiki minnufih lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-EBA u lill-Istat Membru awtorizzat biex japplika l-miżuri.

▼B

7. Meta jkun qed jiddeċiedi jekk jirrikonoxxix il-miżuri stabbiliti skont dan l-Artikolu, l-Istat Membru għandu jqis il-kriterji mniżżlin fil-paragrafu4.

8. L-Istat Membru awtorizzat biex japplika l-miżuri jista' jitlob lill-BERS biex joħroġ rakkomandazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 lil Stat Membru jew aktar li ma jirrikonoxxux il-miżuri.

▼M17

9. Qabel l-iskadenza tal-awtorizzazzjoni maħruġa f'konformità mal-paragrafi 2 u 4, l-Istat Membru kkonċernat għandu, f'konsultazzjoni mal-BERS, mal-EBA u mal-Kummissjoni, jirrieżamina s-sitwazzjoni u jista' jadotta, f'konformità mal-proċedura msemmija fil-paragrafi 2 u 4, deċiżjoni ġdida għall-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali għal mhux aktar minn sentejn addizzjonali kull darba.

▼M8

10. Minkejja l-proċedura kif stabbilit fil-paragrafi 3 sa 9 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jitħallew iżidu l-ponderazzjonijiet tar-riskju lil hinn minn dawk previsti f'dan ir-Regolament b'sa mhux aktar minn 25 %, għal dawk l-iskoperturi identifikati fil-punti (d)(iv) u (d)(vii) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u jirrestrinġu l-limitu ta' skopertura kbira previst fl-Artikolu 395 b'sa mhux aktar minn 15 % għal perijodu ta' mhux aktar minn sentejn jew sa meta r-riskju makroprudenzjali jew sistemiku ma jibqax jeżisti jekk dan iseħħ qabel, dment li jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet u r-rekwiżiti ta' notifika stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

▼B

Artikolu 459

Rekwiżiti prudenzjali

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa sabiex tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 462, sabiex timponi, għal perijodu ta' sena, rekwiżiti prudenzjali aktar stretti għal skoperturi fejn dan huwa neċessarju sabiex jiġu indirizzati l-bidliet fl-intensità tar-riskji mikroprudenzjali u makroprudenzjali li jirriżultaw minn żviluppi fis-suq fl-Unjoni jew barra l-Unjoni li jaffettwaw lill-Istati Membri kollha, u fejn l-istrumenti ta' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE mhumiex biżżejjed biex jindirizzaw dawn ir-riskji, b'mod partikolari fuq ir-rakkomandazzjoni jew l-opinjoni tal-BERS jew l-ABE, dwar:

(a) il-livell ta' fondi proprji stabbilit fl-Artikolu 92;

(b) ir-rekwiżiti għal skoperturi kbar stabbiliti fl-Artikolu 392 u l-Artikoli 395 sa 403;

(c) ir-rekwiżiti ta' divulgazzjoni pubblika stabbiliti fl-Artikoli 431 sa 455.

Mill-inqas darba fis-sena, il-Kummissjoni megħjuna mill-BERS, għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar żviluppi tas-suq li potenzjalment jitolbu l-użu ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 460

Likwidità

▼M8

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 462 biex tispeċifika fid-dettall ir-rekwiżit ġenerali stipulat fl-Artikolu 412 (1). Atti delegati adottati f'konformità ma' dan il-paragrafu għandhom jkunu bbażati fuq l-elementi li għandhom jiġu rappurtati f'konformità mat-Titolu II tal-Parti Sitta u l-Anness III u għandhom jispeċifikaw ċ-ċirkostanzi li fihom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu livelli speċifiċi ta' flussi ta' dħul u ta' ħruġ fuq istituzzjonijiet sabiex ikunu koperti riskji speċifiċi li huma esposti għalihom u għandhom jirrispetta l-livelli limiti stipulati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

▼M8

B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tal-likwidità dettaljati għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 8(3), l-Artikoli 411 sa 416, 419, 422, 425, 428a, 428f, 428g, 428j sa 428n, 428p, 428r, 428s, 428w, 428ae, 428ag, 428ah, 428ak u 451a ta' dan ir-Regolament.

▼B

2. Ir-rekwiżit ta' kopertura għal-likwidità msemmi fl-Artikolu 412 għandu jiġi introdott f'konformità mal-introduzzjoni gradwali li ġejja:

(a) 60 % tar-rekwiżit ta' kopertura għal-likwidità fl-2015;

(b) 70 % mill-1 ta' Jannar 2016;

(c) 80 % mill-1 ta' Jannar 2017;

(d) 100 % mill-1 ta' Jannar 2018.

Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tieħu kont tar-rapporti msemmijin fl-Artikolu 509(1), (2) u (3) u l-istandards internazzjonali żviluppati mill-fora internazzjonali kif ukoll l-ispeċifiċatijiet tal-Unjoni.

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att iddelegat imsemmi fil-paragrafu 1 sat-30 ta' Ġunju 2014. Dan għandu jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2014, iżda ma għandux japplika qabel l-1 ta' Jannar 2015.

▼M8

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li temenda dan ir-Regolament billi tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 462 li jemendaw il-lista ta' prodotti jew servizzi stipulata fl-Artikolu 428f(2) jekk tqis li l-assi u l-obbligazzjonijiet marbutin direttament ma' prodotti jew servizzi oħra jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 428f(1).

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu sat-28 ta' Ġunju 2024.

▼B

Artikolu 461

Reviżjoni tal-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità

1. L-ABE għandha, wara li tikkonsulta lill-BERS, tirrapporta lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2016 dwar jekk l-introduzzjoni gradwali tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità speċifikata fl-Artikolu 460 (2) għandhiex tiġi emendata. Din l-analiżi għandha tieħu kont dovut tal-iżviluppi regolatorji tas-suq u dawk internazzjonli kif ukoll tal-ispeċifiċatijiet tal-Unjoni.

Fir-rapport tagħha, l-ABE għandha tivvaluta b'mod partikolari introduzzjoni diferita tal-istandard mimimu vinkolanti ta' 100 %, sal-1 ta' Jannar 2019. Ir-rapport għandu jieħu kont tar-rapporti annwali msemmijin fl-Artikolu 509(1), id-data dwar is-suq rilevanti u r-rakkomandazzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti kollha.

▼B

2. Fejn meħtieġ biex jiġu indirizzati l-iżviluppi fis-swieq u żviluppi oħrajn, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att iddelegat f'konformità mal-Artikolu 462 sabiex tibdel l-introduzzjoni gradwali speċifikata fl-Artikolu 460 u tiddiferixxi sal-2019 l-introduzzjoni ta' standard mimimu vinkolanti ta' 100 % għar-rekwiżit ta' kopertura għal-likwidità stabbilit fl-Artikolu 412(1) u biex fl-2008 tapplika standard mimimu vinkolanti ta' 90 % għar-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità.

Għall-għanijiet ta' valutazzjoni tal-ħtieġa ta' diferiment il-Kummissjoni għandha tieħ kont tar-rapport u l-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

Att iddelegat adottat f'konformità ma' dan l-Artikolu m'għandux japplika qabel l-1 ta' Jannar 2018 u għandu jidħol fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2017.

▼M17

Artikolu 461a

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja d-differenzi bejn l-implimentazzjoni tal-istandards internazzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward tal-impatt tar-regoli f'termini ta' rekwiżiti ta' fondi proprji u fir-rigward tad-data ta' applikazzjoni tagħhom.

2. Fejn jiġu osservati differenzi sinifikanti f'tali implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 462 biex temenda dan ir-Regolament billi:

(a) tapplika, sad-data tal-applikazzjoni tal-att leġiżlattiv imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jew sa tliet snin fin-nuqqas ta' tali att, u fejn meħtieġ biex tippreserva kundizzjonijiet ekwi u biex tikkumpensa għal dawk id-differenzi osservati, miżuri mmirati ta' serħan operazzjonali jew multiplikaturi mmirati ugwali għal jew ogħla minn 0 u aktar baxxi minn 1 fil-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tal-istituzzjonijiet għar-riskju tas-suq, għal klassijiet tar-riskju speċifiċi u fatturi tar-riskju speċifiċi, bl-użu ta' wieħed mill-approċċi msemmija fl-Artikolu 325(1), u stabbiliti fi:

(i) l-Artikoli 325c sa 325ay, li jispeċifikaw l-approċċ standardizzat alternattiv;

(ii) l-Artikoli 325az sa 325bp, li jispeċifikaw l-approċċ alternattiv ibbażat fuq mudell intern;

(iii) l-Artikoli 326 sa 361, li jispeċifikaw l-approċċ standardizzat simplifikat;

(b) tipposponi b'mhux aktar minn sentejn id-data minn meta l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu IV, jew kwalunkwe wieħed mill-approċċi biex jiġu kkalkulati r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq imsemmija fl-Artikolu 325(1).

▼M17

Meta l-Kummissjoni tadotta l-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex taġġusta l-implimentazzjoni fl-Unjoni tal-istandards internazzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq biex tippreserva b'mod aktar permanenti kundizzjonijiet ekwi ma' pajjiżi terzi, f'termini ta' rekwiżiti ta' fondi proprji u l-impatt ta' dawk ir-rekwiżiti.

3. Sal-10 ta' Lulju 2026, l-EBA għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' standards internazzjonali dwar ir-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq f'pajjiżi terzi.

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni, meta jkun xieraq, għandha tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sabiex tiżgura kundizzjonijiet ekwi globali.

▼M8

Artikolu 462

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

▼C8

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 244(6) u 245 (6), fl-Artikoli 456, 457, 459, 460 u 461a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' żmien indeterminat mit-28 ta' Ġunju 2013.

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 244(6) u 245(6), fl-Artikoli 456, 457, 459, 460 u 461a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu diġà fis-seħħ.

4. Qabel tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 244(6) u 245(6), l-Artikoli 456, 457, 459, 460 u 461a għandu jidħol fis-seħħ jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perijodu ta' tliet xhur min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni bil-fatt li mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

▼B

Artikolu 463

Oġġezzjonijiet għall-istandards tekniċi regolatorji

Fejn il-Kummissjoni tadotta standard tekniku regolatorju skont dan ir-Regolament li jkun l-istess bħall-abbozz ta' standard tekniku regolatorju ppreżentat mill-ABE, il-perijodu li matulu l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal dak l-istandard tekniku regolatorju għandu jkun xahar mid-data ta' notifika. Fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill dak il-perijodu għandu jiġi estiz b'xahar. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, il-perijodu li matulu l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jistgħu joġġezzjonaw għal dak l-istandard tekniku regolatorju jista', fejn adatt, jiġi estiż b'xahar ieħor.

Artikolu 464

Kumitat Bankarju Ewropew

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Bankarju Ewropew stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/10/KE ([1]). Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jkun applikabbli l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

PARTI GĦAXRA

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI, RAPPORTI, ANALIŻI U EMENDI

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI

KAPITOLU 1

Rekwiżiti ta' fondi proprji, qligħ mhux realizzat u telf imkejjel b'valur u tnaqqis ġust

Taqsima 1

Rekwiżiti ta' fondi proprji

▼M17

Artikolu 465

Arranġamenti tranżizzjonali għall-minimu tal-output

1. B'deroga mill-Artikolu 92(3), l-ewwel subparagrafu, u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu japplikaw il-fattur x li ġej meta jikkalkulaw it-TREA:

(a) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025;

([1]) ĠU L 3, 7.1.2004, p. 36.

▼**M17**

(b) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;

(c) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(d) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(e) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029.

2. B'deroga mill-Artikolu 92(3), l-ewwel subparagrafu, u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 2029, japplikaw il-formula li ġejja meta jikkalkulaw it-TREA:

$$TREA = min\{max\ \{U\text{-}TREA; x \cdot S\text{-}TREA\}; 125\ \% \cdot U\text{-}TREA\}$$

Għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fattur applikabbli x imsemmi fil-paragrafu 1.

3. B'deroga mill-Artikolu 92(5), il-punt (a)(ii), u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, l-istituzzjonijiet jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 2032, jassenjaw piż tar-riskju ta' 65 % għal skoperturi għal korporattivi li għalihom ma tkun disponibbli l-ebda valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata u dment li l-istimi ta' dawk l-istituzzjonijiet tal-PD ta' dawk id-debituri, ikkalkulati f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3, ma jkunux ogħla minn 0,5 %.

L-EBA u l-ESMA, f'kooperazzjoni mal-EIOPA, għandhom jimmonitorjaw l-użu tat-trattament tranżizzjonali stabbilit fl-ewwel subparagrafu u jivvalutaw, b'mod partikolari:

(a) id-disponibbiltà ta' valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs nominati għal korporattivi u l-punt sa fejn dak jaffettwa s-self tal-istituzzjonijiet lill-korporattivi;

(b) l-iżvilupp tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, l-ostakli għaddħul fis-suq għal aġenziji ġodda ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, ir-rata tal-użu minn korporattivi li jagħżlu li jiġu kklassifikati minn waħda jew aktar minn dawk l-aġenziji, u l-impedimenti għad-disponibbiltà ta' valutazzjonijiet tal-kreditu għal korporattivi mill-ECAIs;

(c) miżuri possibbli biex jiġu indirizzati l-impedimenti, filwaqt li jitqiesu d-differenzi bejn is-setturi ekonomiċi u ż-żoni ġeografiċi u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet immexxija mis-settur privat jew pubbliku, bħal sistema ta' evalwazzjoni ta' kreditu, klassifikazzjonijiet privati b'mandat mill-istituzzjonijiet, kif ukoll klassifikazzjonijiet tal-banek ċentrali;

(d) l-adegwatezza tal-ammonti tal-iskopertura ponderati għar-riskju ta' skoperturi korporattivi mhux ikklassifikati u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-istabbiltà finanzjarja;

(e) l-approċċi ta' pajjiżi terzi dwar l-applikazzjoni tal-minimu tal-output għall-iskoperturi korporattivi u kunsiderazzjonijiet fit-tul tal-kundizzjonijiet ekwi li jistgħu jirriżultaw minn dan;

▼M17

(f) konformità mal-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS.

L-EBA u l-ESMA, f'kooperazzjoni mal-EIOPA, għandhom jippreżentaw rapport bis-sejbiet tagħhom lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2029.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2031.

4. B'deroga mill-Artikolu 92(5), il-punt (a)(iv), u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, l-istituzzjonijiet għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2029, jissostitwixxu alfa b'1 fil-kalkolu tal-valur tal-iskopertura għall-kuntratti elenkati fl-Anness II f'konformità mal-approċċi stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 3 meta l-istess valuri tal-iskopertura jiġu kkalkulati f'konformità mal-approċċ stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsima 6 għall-finijiet tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju mingħajr minimu.

5. B'deroga mill-Artikolu 92(5), il-punt (a)(ii), u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jassenjaw:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2032, piż tar-riskju ta' 10 % għall-parti tal-iskoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali sa 55 % tal-valur tal-proprjetà, iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 125(1), l-ewwel subparagrafu; u

(b) sal-31 ta' Diċembru 2029, piż tar-riskju ta' 45 % għal kwalunkwe parti li jifdal tal-iskoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali sa 80 % tal-valur tal-proprjetà, iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 125(1), l-ewwel subparagrafu, dment li ma jiġix applikat l-aġġustament għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu msemmi fl-Artikolu 501.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, il-punt (a), meta istituzzjoni jkollha rahan subordinat u jkun hemm irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma minn dik l-istituzzjoni, biex tiġi ddeterminata l-parti tal-iskopertura tal-istituzzjoni li tkun eliġibbli għall-piż tar-riskju ta' 10 %, l-ammont ta' 55 % tal-valur tal-proprjetà għandu jitnaqqas bl-ammont tal-irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni.

Meta l-irhna li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni jikklassifikaw *pari passu* mar-rahan miżmum mill-istituzzjoni, biex tiġi ddeterminata l-parti tal-iskopertura tal-istituzzjoni li tkun eliġibbli għall-piż tar-riskju ta' 10 %, l-ammont ta' 55 % tal-valur tal-proprjetà, imnaqqas bl-ammont ta' kwalunkwe rahan aktar prijoritarju mhux miżmum mill-istituzzjoni, għandu jitnaqqas bil-prodott ta':

(a) 55 % tal-valur tal-proprjetà, imnaqqas bl-ammont ta' rahan aktar prijoritarju, jekk ikun hemm, it-tnejn miżmuma mill-istituzzjoni u miżmuma minn istituzzjonijiet oħra; u

(b) l-ammont ta' irhna li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni li jikklassifikaw *pari passu* mar-rahan miżmum mill-istituzzjoni diviż bis-somma tal-irhna *pari passu* kollha.

▼**M17**

7. Għall-finijiet tal-paragrafu 5, il-punt (b), meta istituzzjoni jkollha rahan subordinat u jkun hemm irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma minn dik l-istituzzjoni, biex tiġi ddeterminata l-parti tal-iskopertura tal-istituzzjoni li tkun eliġibbli għall-piż tar-riskju ta' 45 %, l-ammont ta' 80 % tal-valur tal-proprjetà għandu jitnaqqas bl-ammont tal-irhna aktar prijoritarji li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni.

Meta l-irhna li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni jikklassifikaw *pari passu* mar-rahan miżmum mill-istituzzjoni, biex tiġi ddeterminata l-parti tal-iskopertura tal-istituzzjoni li tkun eliġibbli għall-piż tar-riskju ta' 45 %, l-ammont ta' 80 % tal-valur tal-proprjetà, imnaqqas bl-ammont ta' kwalunkwe rahan aktar prijoritarju mhux miżmum mill-istituzzjoni, għandu jitnaqqas bil-prodott ta':

(a) 80 % tal-valur tal-proprjetà, imnaqqas bl-ammont ta' rahan aktar prijoritarju, jekk ikun hemm, it-tnejn miżmuma mill-istituzzjoni u miżmuma minn istituzzjonijiet oħra; u

(b) l-ammont ta' irhna li ma jkunux miżmuma mill-istituzzjoni li jikklassifikaw *pari passu* mar-rahan miżmum mill-istituzzjoni diviż bis-somma tal-irhna *pari passu* kollha.

8. Għall-finijiet tal-paragrafu 5 ta’ dan l-Artikolu, għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-iskoperturi jikkwalifikaw għat-trattament skont l-Artikolu 125(1);

(b) l-iskoperturi kwalifikanti jiġu ponderati għar-riskju f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 3;

(c) il-proprjetà residenzjali li tiggarantixxi l-iskoperturi kwalifikanti tkun tinsab fl-Istat Membru li jkun eżerċita d-diskrezzjoni;

(d) matul l-aħħar tmien snin it-telf tal-istituzzjoni fi kwalunkwe sena partikolari, kif irrapportat mill-istituzzjoni skont l-Artikolu 430a(1), il-punti (a) u (c), jew skont l-Artikolu 101(1), il-punt (a) u (c), fil-verżjoni ta’ dawk il-punti applikabbli fis-27 ta’ Ġunju 2021, fuq il-parti tal-iskoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali sal-ammont l-aktar baxx bejn l-ammont mirhun u 55 % tal-valur tal-proprjetà, dment li ma jiġix iddeterminat mod ieħor skont l-Artikolu 124(9), ma jaqbiżx medja ta' 0,25 % tas-somma tal-valuri tal-iskopertura tal-iskoperturi pendenti kollha ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali;

(e) għall-iskoperturi kwalifikanti l-istituzzjoni jkollha d-drittijiet infurzabbli li ġejjin f'każ ta' inadempjenza jew nuqqas ta' pagament tad-debitur:

(i) dritt għall-proprjetà residenzjali li tiggarantixxi l-iskopertura jew id-dritt għal ipoteka fuq il-proprjetà residenzjali f'konformità mal-Artikolu 108(5), il-punt (g);

(ii) dritt għal assi u introjtu oħra tad-debitur jew kuntrattwalment jew bil-liġi nazzjonali applikabbli;

(f) l-awtorità kompetenti tkun ivverifikat li jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti (a) sa (e).

▼**M17**

9. Meta tkun ġiet eżerċitata d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 5 u dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fil-paragrafu 8, l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw il-piżijiet tar-riskju li ġejjin għal kwalunkwe parti li jifdal tal-iskoperturi ggarantiti permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali msemmija fil-paragrafu 5, il-punt (b), sal-31 ta' Diċembru 2032:

(a) 52,5 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2030;

(b) 60 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2031 sal-31 ta' Diċembru 2031;

(c) 67,5 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2032 sal-31 ta' Diċembru 2032.

10. Meta l-Istati Membri jeżerċitaw id-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 5, huma għandhom jinnotifikaw lill-EBA u jissostanzjaw id-deċiżjoni tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw id-dettalji tal-verifiki kollha msemmija fil-paragrafu 8, il-punt (f), lill-EBA.

11. L-EBA għandha timmonitorja l-użu tat-trattament tranżizzjonali stabbilit fil-paragrafu 5 u għandha tippreżenta rapport bis-sejbiet tagħha dwar l-adegwatezza tal-piżijiet tar-riskju assoċjati lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2031.

12. Kwalunkwe estensjoni ta' kwalunkwe wieħed mill-arranġamenti tranżizzjonali msemmija fil-paragrafi 3, 5 u 9 ta' dan l-Artikolu, u fl-Artikoli 495b(1), 495c(1) u 495d(1), għandha tkun limitata għal erba' snin, u għandha tiġi sostanzjata b'evalwazzjoni ekwivalenti għal dawk imsemmija f'dawk l-Artikoli.

13. B'deroga mill-Artikolu 92(5), il-punt (a)(iii) jew (b)(ii), u mingħajr preġudizzju għad-deroga stabbilita fl-Artikolu 92(3), it-tieni subparagrafu, għal skoperturi li huma ponderati għar-riskju bl-użu tas-SEC-IRBA jew l-Approċċ ta' Valutazzjoni Interna f'konformità mal-Artikolu 92(4), meta l-parti tal-ammont totali standardizzat tal-iskopertura ponderata għar-riskju għal riskju ta' kreditu, riskju ta' dilwizzjoni, riskju tal-kreditu tal-kontroparti jew għar-riskju tas-suq li jirriżulta min-negozju tal-portafoll tan-negozjar tiġi kkalkulata bl-użu tas-SEC-SA f'konformità mal-Artikolu 261 jew 262, l-istituzzjonijiet għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2032, japplikaw il-fattur p li ġej:

(a) p = 0,25 għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 262;

(b) p = 0,5 għal pożizzjoni f'titolizzazzjoni li għaliha japplika l-Artikolu 261.

▼B

Artikolu 466

L-ewwel darba li jiġu applikati l-Istandards Internazzjonali ta' Rappurtar Finanzjarju

B'deroga mill-Artikolu 24(2), l-awtoritajiet kompetent għandhom jagħtu lill-istituzzjonijiet li huma meħtieġa jwettqu l-valutazzjoni tal-assi u elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ u d-determinazzjoni tal-fondi proprji f'konformità mal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà kif japplikaw skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 għall-ewwel darba fi żmien 24 xahar għall-implimentazzjoni tal-proċessi interni u r-rekwiżiti tekniċi meħtieġa.

Taqsima 2

Qligħ mhux realizzat u telf imkejjel b'valur ġust

▼M11

———————

Artikolu 468

▼M17

Trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat mkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor

1. B'deroga mill-Artikolu 35, sal-31 ta' Diċembru 2025 (il-"perjodu tat-trattament temporanju"), l-istituzzjonijiet jistgħu jneħħu mill-kalkolu tal-elementi tagħhom ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 l-ammont A, iddeterminat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$A = a \cdot f$$

fejn:

a = l-ammont ta' qligħ u telf mhux realizzati akkumulati mill-31 ta' Diċembru 2019 li tqiesu bħala "bidliet fil-valur ġust ta' strumenti ta' dejn imkejla b'valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor" fil-karta tal-bilanċ, li jikkorrispondu għal skoperturi għal gvernijiet ċentrali, gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali msemmija fl-Artikolu 115 (2) ta' dan ir-Regolament u għal entitajiet tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 116(4) ta' dan ir-Regolament, għajr dawk l-assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif iddefinit fl-Appendiċi A tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 (l-"Anness relatat mal-IFRS 9"); u

f = il-fattur applikabbli għal kull sena ta' rapportar matul il-perjodu tat-trattament temporanju f'konformità mal-paragrafu 2.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fattur f b'valur ugwali għal 1 sal-31 ta' Diċembru 2025 biex jikkalkulaw l-ammont A msemmi fil-paragrafu 1.

▼M11

3. Fejn istituzzjoni tiddeċiedi li tapplika t-trattament temporanju stabbilit fil-paragrafu 1, hija għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bid-deċiżjoni tagħha mill-inqas 45 jum qabel id-data ta' spedizzjoni għar-rappurtar tal-informazzjoni abbażi ta' dak it-trattament. Soġġett għal permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, l-awtorità tista' tbiddel id-deċiżjoni inizjali tagħha għal darba matul il-perijodu tat-trattament temporanju. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw pubblikament jekk japplikawx dak it-trattament.

▼M11

4. Fejn istituzzjoni tneħħi ammont ta' telf mhux realizzat mill-entrati tagħha tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tikkalkula mill-ġdid ir-rekwiżiti kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE li huma kalkulati bl-użu ta' kwalunkwe waħda mill-entrati li ġejjin:

(a) l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jitnaqqas mill-elementi tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 36(1) jew ponderat skont ir-riskju f'konformità mal-Artikolu 48(4);

(b) l-ammont tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu.

Meta jiġi kkalkulat mill-ġdid ir-rekwiżit rilevanti, l-istituzzjoni ma għandhiex tqis l-effetti li l-provvedimenti għat-telf ta' kreditu mistenni relatati ma' skoperturi għal gvernijiet ċentrali, għal gvernijiet reġjonali jew għal awtoritajiet lokali msemmija fl-Artikolu 115(2) ta' dan ir-Regolament u għal entitajiet tas-settur pubbliku msemmija fl-Artikolu 116(4) ta' dan ir-Regolament, għajr dawk l-assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness fir-rigward tal-IFRS 9, ikollhom fuq dawk l-entrati.

5. Matul il-perijodi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, minbarra li jiżvelaw l-informazzjoni meħtieġa fil-Parti Tmienja, l-istituzzjonijiet li ddeċidew li japplikaw it-trattament temporanju stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiżvelaw l-ammonti ta' fondi proprji, il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u l-kapital tal-Grad 1, il-proporzjon totali tal-kapital, il-proporzjon tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, il-proporzjon tal-kapital tal-Grad 1, u l-proporzjon ta' lieva finanzjarja li jkollhom f'każ li ma japplikawx dak it-trattament.

▼B

Taqsima 3

Tnaqqis

Subtaqsima 1

Taqqis minn elementi tal-ekwità komuni ta' grad 1

Artikolu 469

Tnaqqis mill-elementi tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 36(1), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, għandu japplika dan li ġej:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 il-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 478 tal-ammonti meħtieġa sabiex jitnaqqsu skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 36(1), għajr l-assi tat-taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti stabbiliti fl-Artikolu 472 għall-ammonti reżidwi ta' elementi li jeħtiġilhom jitnaqqsu skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 36(1), għajr l-assi ta' taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji;

▼B

(c) l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 il-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 478 tal-ammont totali li jeħtieġlu jitnaqqas skont il-punti (c) u (i) tal-Artikolu 36(1) wara li jiġi applikat l-Artikolu 470;

(d) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 472(5) jew (11), kif applikabbli, għall-ammont reżidwu totali tal-elementi meħtieġa sabiex jitnaqqsu skont il-punti (c) u (i) tal-Artikolu 36(1) wara li jiġi applikat l-Artikolu 470.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-porzjon tal-ammont reżidwu totali msemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 1, li huwa soġġett għall-Artikolu 472(5), billi jinqasam l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont tal-assi tat-taxxa differita li huma dipendenti fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 470(2);

(b) is-somma tal-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 470 (2).

3. L-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-porzjon tal-ammont reżidwu totali msemmi fil-punt (d) tal-paragrafu 1 li huwa soġġett għall-Artikolu 472(11) billi jinqasam l-ammont speċifikat fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu bl-ammont speċifikat fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont ta’ holdings diretti jew indiretti fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 470(2);

(b) is-somma tal-ammonti msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 470 (2).

▼M7

Artikolu 469a

Deroga mit-tnaqqis minn entrati ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni għal skoperturi improduttivi

B'deroga mill-punt (m) tal-Artikolu 36(1), l-istituzzjonijiet ma għandhomx inaqqsu mill-entrati ta' Grad 1 ta' Ekwità Komuni l-ammont applikabbli ta' kopertura insuffiċjenti għal skoperturi improduttivi fejn l-iskopertura tkun oriġinat qabel is-26 ta' April 2019.

Fejn it-termini u l-kondizzjonijiet ta' skopertura li oriġinat qabel is-26 ta' April 2019 jiġu modifikati mill-istituzzjoni b'mod li jżid l-iskopertura tal-istituzzjoni lid-debitur, l-iskopertura għandha titqies li tkun ġiet oriġinata fid-data meta tapplika l-modifika u ma għandhiex tibqa' tiġi soġġetta għad-deroga prevista fl-ewwel subparagrafu.

▼B

Artikolu 470

Eżenzjoni mit-tnaqqis mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, l-elementi rilevanti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għandhom jinkludu l-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni kkalkolati wara li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 32 sa 35 u wara li jsir it-tnaqqis skont il-punti (a) sa (h), (k)(ii) sa (v) u (l) tal-Artikolu 36(1), għajr assi tat-taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji.

2. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 48(1), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet ma għandhomx inaqqsu l-elementi elenkati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu li meta jkunu aggregati jiġu daqs jew inqas minn 15 % tal-elementi rilevanti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tal-istituzzjoni:

(a) assi tat-taxxa diferiti li jiddependu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji u li meta jkunu aggregati jkunu daqs jew inqas minn 10 % tal-element rilevanti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

(b) fejn istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju, il-holdings diretti, indiretti u sintetiċi mill-istituzzjoni fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' dik l-entità li meta jkunu aggregati jiġu daqs jew inqas minn 10 % tal-elementi rilevanti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 48(4), l-elementi eżenti mit-tnaqqis skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu ppeżati skont ir-riskju b'250 %. L-elementi msemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

Artikolu 471

Eżenzjoni mit-Tnaqqis ta' Holdings ta' Ekwità f'Kumpanniji ta' Assigurazzjoni mill-Elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

▼M8

1. B'deroga mill-Artikolu 49(1), matul il-perijodu mill-31 ta' Diċembru 2018 sal-31 ta' Diċembru 2024, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li ma jnaqqsux holdings ta' ekwità f'impriżi tal-assigurazzjoni, impriżi tar-riassigurazzjoni u kumpanniji azzjonarji tal-assigurazzjoni meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (a) u (e) tal-Artikolu 49(1);

(b) l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti bil-livell ta' kontroll tar-riskju u l-proċeduri tal-analiżi finanzjarja adottati speċifikament mill-istituzzjoni sabiex tissorvelja l-investiment fl-impriża jew kumpannija holding;

▼M8

(c) il-holdings ta' ekwità tal-istituzzjoni fl-impriża tal-assigurazzjoni, l-impriża tar-riassigurazzjoni jew kumpannija holding tal-assigurazzjoni ma jkunux aktar minn 15 % tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 maħruġa minn dik l-entità ta' assigurazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012 u matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2024;

(d) l-ammont ta' holding ta' ekwità li ma jitnaqqasx ma jkunx aktar mill-ammont miżmum fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 fl-impriża tal-assigurazzjoni, l-impriża tar-riassigurazzjoni jew il-kumpannija holding tal-assigurazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012.

▼B

2. Il-holdings ta' ekwità li ma jitnaqqsux skont il-paragrafu 1 għandhom jikkwalifikaw bħala skoperturi u ppeżati għar-riskju f'370 %.

Artikolu 472

Elementi mhux imnaqqsa mill-Ekwità Komuni ta' Grad 1

1. B'deroga mill-punt (c) tal-Artikolu 33(1) u mill-punti (a) sa (i) tal-Artikolu 36(1), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan l-Artikolu għall-ammonti reżidwi ta' elementi msemmijin fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 468(4) u fil-punti (b) u (d) tal-Artikolu 469(1), kif applikabbli.

2. L-ammont reżidwu tal-aġġustamenti ta' valutazzjoni għad-derivati li jirriżultaw mir-riskju tal-kreditu proprju ta' istituzzjoni ma għandux jitnaqqas.

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu ta' telf tas-sena finanzjarja attwali msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 36(1):

(a) telf li huwa materjali jiġi mnaqqas mill-elementi tal-Grad 1;

(b) telf li mhuwiex materjali ma jiġix imnaqqas.

4. L-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu l-ammont reżidwu tal-assi intanġibbli msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 36(1)(b) mill-elementi tal-Grad 1.

5. L-ammont reżidwu tal-assi tat-taxxa differita msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 36(1) ma għandux jitnaqqas u għandu jkun soġġett għal piż tar-riskju ta' 0 %.

6. L-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fl-Artikolu 36(1)(d) għandu jitnaqqas nofs mill-elementi tal-Grad 1 u nofs mill-elementi tal-Grad 2.

7. L-ammont reżidwu tal-assi ta' fond definit ta' pensjoni ta' benefiċċju msemmi fl-Artikolu 36(1)(e) ma għandux jitnaqqas mill-ebda element tal-fondi proprji u għandu jiġi inkluż fl-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 sakemm dak l-ammont kien ikun rikonoxxut bħala fondi proprji oriġinali skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punti (a) sa (ca) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE.

▼B

8. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu ta’ holdings fl-istrumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 imsemmija fl-Artikolu 36(1)(f):

(a) l-ammont ta’ holdings diretti jitnaqqas mill-elementi ta' Grad 1;

(b) l-ammont ta’ holdings indiretti u sintetiċi, inklużi l-istrumenti proprji ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 li l-istituzzjoni tista’ tkun obbligata tixtri minħabba obbligu kuntrattwali kontinġenti jew eżistenti, ma jitnaqqasx u huwa soġġett għal piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

9. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu ta’ holdings tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta’ entità tas-settur finanzjarju fejn l-istituzzjoni għandha holdingst transversali reċiproċi ma’ dik l-entità msemmija fil-punt (g) tal-Artikolu 36 (1):

(a) fejn istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifkanti f’dik l-entità tas-settur finanzjarju, l-ammont tal-holding tagħha fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta’ dik l-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa’ taħt il-punt (h) tal-Artikolu 36(1);

(b) fejn istituzzjoni għandha investiment sinifikanti f’dik l-entità tas-settur finanzjarju, l-ammont ta’ holdings tagħha fl-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta’ dik l-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa’ taħt il-punt (i) tal-Artikolu 36(1).

10. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammonti reżidwi tal-elementi msemmija fil-punt (h) tal-Artikolu 36(1):

(a) l-ammonti meħtieġa jitnaqqsu li jirrelataw mal-holdings diretti jitnaqqsu nofs mill-elementi ta' Grad 1 u nofs mill-elementi ta' Grad 2;

(b) l-ammonti li jirrelataw mal-holdings indiretti u sintetiċi mhumiex imnaqqsa u huma soġġetti għal piżjiet tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

11. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammonti reżidwi tal-elementi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 36(1):

(a) l-ammonti meħtieġa jitnaqqsu li jirrelataw mal-holdings diretti jitnaqqsu nofs mill-elementi ta' Grad 1 u nofs mill-elementi ta' Grad 2;

(b) l-ammonti li jirrelataw mal-holdings indiretti u sintetiċi ma jitnaqqsux u huma soġġetti għal piżijiet tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

▼B

Artikolu 473

Introduzzjoni tal-emendi għall-IAS 19

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 481, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2018, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet li jħejju l-kontijiet tagħhom f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 iżidu mal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 tagħhom l-ammont applikabbli skont il-paragrafu 2 jew 3 ta' dan l-Artikolu, kif applikabbli, multiplikat bil-fattur applikat skont il-paragrafu 4.

2. L-ammont applikabbli għandu jiġi kkalkulat billi jitnaqqas mit-total derivat skont punt (a) is-somma derivata skont il-punt (b):

(a) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valur tal-assi tal-fondi jew pjanijiet ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit tagħhom, kif applikabbli f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 ([1]) kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 1205/2011 ([2]). L-istituzzjonijiet imbagħad għandhom inaqqsu mill-valuri ta' dawn l-assi l-valuri tal-obbligi taħt l-istess fondi jew pjanijiet determinati skont l-istess regoli ta' kontabbiltà;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jiddeterminaw il-valuri tal-assi tal-fondi jew pjanijiet ta' pensjonijiet b'benefiċċju definit tagħhom, kif applikabbli, skont ir-regoli stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1126/2008. L-istituzzjonijiet imbagħad għandhom inaqqsu mill-valuri ta' dawk l-assi, il-valuri tal-obbligazzjonijiet taħt l-istess fondi jew pjanijiet determinati skont l-istess regoli ta' kontabbiltà.

3. L-ammont determinat skont il-paragrafu 2 għandu jkun limitat għall-ammont mhux meħtieġ li jitnaqqas mill-fondi proprji, qabel 1 ta' Jannar 2014 skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali tad-Direttiva 2006/48/KE, dment li dawk il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali jkunu eliġibbli għat-trattament stipulat fl-Artikolu 481 ta' dan ir-Regolament fl-Istat Membru kkonċernat.

4. Għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin:

(a) 1 fil-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 0,8 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 0,6 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 tat-3 ta' Novembru 2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabilità skond ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 320, 29.11.2008, p. 1).

([2]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1205/2011 tat-22 ta' Novembru 2011 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1126/2008 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-Istandard Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju (IFRS) 7 (ĠU L 305, 23.11.2011, p. 16).

▼B

(d) 0,4 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017;

(e) 0,2 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-valuri tal-assi u l-obbligazzjonijiet skont il-paragrafu 2 fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji ppubblikati tagħhom.

▼M4

Artikolu 473a

Introduzzjoni tal-IFRS 9

▼M11

1. B'deroga mill-Artikolu 50 u sa tmiem il-perijodi tranżitorji stabbiliti fil-paragrafu 6 u 6a ta' dan l-Artikolu, is-segwenti jistgħu jinkludu fil-kapital tagħhom tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni l-ammont ikkalkolat f'konformità ma' dan il-paragrafu:

▼M4

(a) l-istituzzjonijiet li jħejju l-kontijiet tagħhom f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002;

(b) l-istituzzjonijiet li, skont l-Artikolu 24(2) ta' dan ir-Regolament, iwettqu l-valutazzjoni tal-assi u l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali u d-determinazzjoni tal-fondi proprji f'konformità mal-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002;

(c) l-istituzzjonijiet li jwettqu l-valutazzjoni tal-assi u l-entrati li ma jidhrux fil-karta bilanċjali f'konformità mal-istandards tal-kontabbiltà skont id-Direttiva 86/635/KEE u li jużaw mudell tat-telf ta' kreditu mistenni li huwa l-istess bħal dak li jintuża fl-istandards internazzjonali tal-kontabbiltà adottati f'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.

▼M11

L-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' dan li ġej:

(a) għal skoperturi li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, l-ammont (AB_{SA}) ikkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$AB_{SA} = \left(A_{2,SA} - t_1\right) \cdot f_1 + \left(A_{4,SA} - t_2\right) \cdot f_2 + \left(A_{SA}^{old} - t_3\right) \cdot f_1$$

fejn:

$A_{2,SA}$ = l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 2;

$A_{4,SA}$ = l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 4 abbażi tal-ammonti kkalkulati f'konformità mal-paragrafu 3;

$$A_{SA}^{old} = \max\left\{P_{1.1.2020}^{SA} - P_{1.1.2018}^{SA}; 0\right\};$$

▼**M11**

$P^{SA}_{1.1.2020}$ = is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2020;

$P^{SA}_{1.1.2018}$ = is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2018 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard;

f_1 = il-fattur applikabbli stipulat fil-paragrafu 6;

f_2 = il-fattur applikabbli stipulat fil-paragrafu 6a;

t_1 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont $A_{2,SA}$;

t_2 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont $A_{4,SA}$;

t_3 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont $A^{old.}_{SA}$;

(b) għal skoperturi li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, l-ammont (AB_{IRB}) ikkalkulat f'konformità mal-formula li ġejja:

$$AB_{IRB} = \left(A_{2,IRB} - t_1\right) \cdot f_1 + \left(A_{4,IRB} - t_2\right) \cdot f_2 + \left(A^{old}_{IRB} - t_3\right) \cdot f_1$$

fejn:

$A_{2,IRB}$ = l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 2 li huwa aġġustat f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 5;

$A_{4,IRB}$ = l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-paragrafu 4 fuq il-bażi tal-ammonti kkalkulati f'konformità mal-paragrafu 3 li huma aġġustati f'konformità mal-punti (b) u (c) tal-paragrafu 5;

▼**M11**

$$A_{IRB}^{old} = \max\{P_{1.1.2020}^{IRB} - P_{1.1.2018}^{IRB}; 0\};$$

$P_{1.1.2020}^{IRB}$ = is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu, kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, imnaqqsa bis-somma tal-ammonti relatati ta' telf mistenni għall-istess skoperturi kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 158(5), (6) u (10) ta' dan ir-Regolament, fl-1 ta' Jannar 2020. Fejn il-kalkolu jirriżulta f'ċifra negattiva, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur ta' $P_{1.1.2020}^{IRB}$ għal żero;

$P_{1.1.2018}^{IRB}$ = is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu, kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2018 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard, imnaqqsa bis-somma tal-ammonti relatati ta' telf mistenni għall-istess skoperturi kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 158(5), (6) u (10) ta' dan ir-Regolament. Fejn il-kalkolu jirriżulta f'ċifra negattiva, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur ta' $P_{1.1.2018}^{IRB}$ għal żero;

f_1 = il-fattur applikabbli stipulat fil-paragrafu 6;

f_2 = il-fattur applikabbli stipulat fil-paragrafu 6a;

t_1 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont $A_{2,IRB}$;

t_2 = żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont $A_{4,IRB}$;

t_3 = iż-żieda fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni minħabba t-tnaqqis mit-taxxa tal-ammont A_{IRB}^{old}.

▼**M4**

2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammonti $A_{2,SA}$ u $A_{2,IRB}$ imsemmija, rispettivament, fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 bħala l-ikbar ammont mill-ammonti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu separament għall-iskoperturi tagħhom li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għall-iskoperturi tagħhom li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta:

(a) żero;

▼M4

(b) l-ammont ikkalkulat skont il-punt (i) imnaqqas bl-ammont ikkalkulat skont il-punt (ii):

(i) is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-IFRS 9 kif stipulat fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1126/2008 ("l-Anness dwar l-IFRS 9")u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9 mill-1 ta' Jannar 2018 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9;

(ii) l-ammont totali ta' telf minn indeboliment fuq assi finanzjarji klassifikati bħala selfiet u riċevibbli, investimenti miżmuma sal-maturità u assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ, kif definit fil-paragrafu 9 tal-IAS 39, għajr strumenti ta' ekwità u unitajiet jew ishma f'intrapriżi għal investiment kollettiv, iddeterminat f'konformità mal-paragrafi 63, 64, 65, 67, 68 u 70 tal-IAS 39 kif stipulat fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1126/2008 mill-31 ta' Diċembru 2017 jew il-jum ta' qabel id-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw l-ammont li bih l-ammont imsemmi fil-punt (a) jaqbeż l-ammont imsemmi fil-punt (b) separatament għall-iskoperturi tagħhom li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għall-iskoperturi tagħhom li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta:

▼M11

(a) is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, fid-data ta' rapportar u, fejn ikun japplika l-Artikolu 468 ta' dan ir-Regolament, għajr it-telf ta' kreditu mistenni ddeterminat għal skoperturi mkejla b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor f'konformità mal-paragrafu 4.1.2 A tal-Anness dwar l-IFRS 9;

(b) is-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9 u, fejn ikun japplika l-Artikolu 468 ta' dan ir-Regolament, għajr it-telf ta' kreditu mistenni ddeterminat għal skoperturi mkejla b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor f'konformità mal-paragrafu 4.1.2 A tal-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2020 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard.

▼M4

4. Għall-iskoperturi li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, meta l-ammont speċifikat f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 3 jaqbeż l-ammont speċifikat fil-punt (b) tal-paragrafu 3, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu $A_{4,SA}$ bħala ugwali għad-differenza bejn dawk l-ammonti, inkella dawn għandhom jistabbilixxu $A_{4,SA}$ għal żero.

Għall-iskoperturi li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, meta l-ammont speċifikat f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 3, wara l-applikazzjoni tal-punt (b) tal-paragrafu 5, jaqbeż l-ammont għal dawn l-iskoperturi kif speċifikat fil-punt (b) tal-paragrafu 3, wara l-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 5, l-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu $A_{4,IRB}$ bħala ugwali għad-differenza bejn dawk l-ammonti, inkella dawn għandhom jistabbilixxu $A_{4,IRB}$ għal żero.

5. Għall-iskoperturi li huma soġġetti għall-ponderazzjoni tar-riskju f'konformità mal-Kapitolu 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-paragrafi 2 sa 4 kif ġej:

(a) għall-kalkolu ta' $A_{2,IRB}$ l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu kull wieħed mill-ammonti kkalkulati f'konformità mal-punti (b) (i) u (ii) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu bis-somma tal-ammonti ta' telf mistennija kkalkolati skont l-Artikolu 158(5), (6) u (10) mill-31 ta' Diċembru 2017 jew il-jum ta' qabel id-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9. Fejn għall-ammont imsemmi fil-punt (b) (i) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu l-kalkolu jirriżulta f'numru negattiv, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur ta' dak l-ammont għal żero. Fejn għall-ammont imsemmi fil-punt (b)(ii) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu l-kalkolu jirriżulta f'numru negattiv, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur ta' dak l-ammont għal żero;

▼M11

(b) l-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu bis-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu, kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, u, fejn ikun japplika l-Artikolu 468 ta' dan ir-Regolament, għajr it-telf ta' kreditu mistenni ddeterminat għal skoperturi mkejla b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor f'konformità mal-paragrafu 4.1.2 A tal-Anness dwar l-IFRS 9, imnaqqsa bis-somma tal-ammonti relatati ta' telf mistenni għall-istess skoperturi kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 158(5), (6) u (10) ta' dan ir-Regolament fid-data ta' rapportar. Fejn il-kalkolu jirriżulta f'ċifra negattiva, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur tal-ammont imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għal żero;

▼M11

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jissostitwixxu l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-punt (b) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu bis-somma tat-telf ta' kreditu mistenni fi 12-il xahar iddeterminata f'konformità mal-paragrafu 5.5.5 tal-Anness dwar l-IFRS 9 u l-ammont tal-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja ddeterminat f'konformità mal-paragrafu 5.5.3 tal-Anness dwar l-IFRS 9, għajr il-kopertura għal telf ta' kreditu mistenni tul il-ħajja għal assi finanzjarji b'indeboliment fil-kreditu, kif definit fl-Appendiċi A għall-Anness dwar l-IFRS 9, u, fejn ikun japplika l-Artikolu 468 ta' dan ir-Regolament, għajr it-telf ta' kreditu mistenni ddeterminat għal skoperturi mkejla b'valur ġust permezz ta' dħul komprensiv ieħor f'konformità mal-paragrafu 4.1.2 A tal-Anness dwar l-IFRS 9, fl-1 ta' Jannar 2020 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard, imnaqqsa bis-somma tal-ammonti relatati ta' telf mistenni għall-istess skoperturi kkalkulati f'konformità mal-Artikolu 158(5), (6) u (10) ta' dan ir-Regolament fl-1 ta' Jannar 2020 jew fid-data tal-ewwel applikazzjoni tal-IFRS 9, skont liema minnhom tiġi l-aktar tard. Fejn il-kalkolu jirriżulta f'ċifra negattiva, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi l-valur tal-ammont imsemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għal żero.

6. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin f_1 biex jikkalkulaw l-ammonti AB_{SA} u AB_{IRB} imsemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 rispettivament:

(a) 0,7 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020;

(b) 0,5 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021;

(c) 0,25 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022;

(d) 0 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-istituzzjonijiet li s-sena finanzjarja tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2020 iżda qabel l-1 ta' Jannar 2021 għandhom jaġġustaw id-dati fil-punti minn (a) sa (d) tal-ewwel subparagrafu sabiex dawn jikkorrispondu għas-sena finanzjarja tagħhom, għandhom jirrapportaw id-dati aġġustati lill-awtorità kompetenti tagħhom u għandhom jiżvelawhom pubblikament.

L-istituzzjonijiet li jibdew japplikaw standards tal-kontabbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 1 fl-1 ta' Jannar 2021 jew wara din id-data, għandhom japplikaw il-fatturi rilevanti f'konformità mal-punti minn (b) sa (d) tal-ewwel subparagrafu b'bidu mill-fattur li jikkorrispondi għas-sena tal-ewwel applikazzjoni ta' dawk l-istandards tal-kontabbiltà.

6a. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-fatturi li ġejjin f_2 biex jikkalkulaw l-ammonti AB_{SA} u AB_{IRB} imsemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 rispettivament:

(a) 1 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020;

(b) 1 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021;

(c) 0,75 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022;

(d) 0,5 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;

▼M11

(e) 0,25 matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024.

L-istituzzjonijiet li s-sena finanzjarja tagħhom tibda wara l-1 ta' Jannar 2020 iżda qabel l-1 ta' Jannar 2021 għandhom jaġġustaw id-dati fil-punti minn (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu sabiex dawn jikkorrispondu għas-sena finanzjarja tagħhom, għandhom jirrapportaw id-dati aġġustati lill-awtorità kompetenti tagħhom u għandhom jiddivulgawhom pubblikament.

L-istituzzjonijiet li jibdew japplikaw standards tal-kontabbiltà kif imsemmi fil-paragrafu 1 fl-1 ta' Jannar 2021 jew wara din id-data, għandhom japplikaw il-fatturi rilevanti f'konformità mal-punti minn (b) sa (e) tal-ewwel subparagrafu b'bidu mill-fattur li jikkorrispondi għas-sena tal-ewwel applikazzjoni ta' dawk l-istandards tal-kontabbiltà.

▼M4

7. Fejn istituzzjoni tinkludi fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tagħha ammont f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, din għandha tikkalkula mill-ġdid ir-rekwiżiti kollha stipulati f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE li jużaw xi waħda minn dawn l-entrati li ġejjin billi ma tiħux kont tal-effetti li l-provvedimenti għat-telf ta' kreditu mistenni, li inkludiet fil-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni tagħha, ikollhom fuq dawn l-entrati:

(a) l-ammont ta' assi ta' taxxa differita li jitnaqqas mill-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 36(1) jew ponderat skont ir-riskju f'konformità mal-Artikolu 48(4);

(b) il-valur tal-iskopertura kif iddeterminat f'konformità mal-Artikolu 111(1) fejn l-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu li bihom għandu jitnaqqas il-valur tal-iskopertura għandhom jiġu multiplikati bil-fattur ta' skalar (sf) li ġej:

$$sf = 1 - (AB_{SA}/RA_{SA})$$

fejn:

AB_{SA} = l-ammont ikkalkulat f'konformità mal-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1;

RA_{SA} = l-ammont totali tal-aġġustamenti speċifiċi għar-riskju ta' kreditu;

(c) l-ammont ta' entrati tal-Grad 2 ikkalkulat f'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 62.

▼M11

7a. B'deroga mill-punt (b) tal-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu, meta jiġu kkalkulati mill-ġdid ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE, l-istituzzjonijiet jistgħu jassenjaw piż tar-riskju ta' 100 % għall-ammont AB_{SA} imsemmi fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-kejl tal-iskopertura totali msemmi fl-Artikolu 429(4) ta' dan ir-Regolament, l-istituzzjonijiet għandhom iżidu l-ammonti AB_{SA} u AB_{IRB} imsemmija fil-punti (a) u (b) tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu mal-miżura tal-iskopertura totali.

▼M11

L-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu darba biss jekk jużawx il-kalkolu stipulat fil-punt (b) tal-paragrafu 7 jew il-kalkolu stipulat fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. L-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw id-deċiżjoni tagħhom.

8. Matul il-perijodi stipulati fil-paragrafu 6 u 6a ta' dan l-Artikolu, minbarra li jiżvelaw l-informazzjoni meħtieġa fil-Parti Tmienja, l-istituzzjonijiet li ddeċidew li japplikaw l-arranġamenti tranżizzjonali stipulati f'dan l-Artikolu għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti u għandhom jiżvelaw l-ammonti ta' fondi proprji, il-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni u l-kapital ta' Grad 1, il-proporzjon tal-kapital tal-Grad 1 ta' Ekwità Komuni, il-proporzjon tal-kapital ta' Grad 1, il-proporzjon totali tal-kapital u l-proporzjon ta' lieva finanzjarja li jkollhom f'każ li ma japplikawx dan l-Artikolu.

9. Istituzzjoni għandha tiddeċiedi jekk tapplikax l-arranġamenti stipulati f'dan l-Artikolu matul il-perijodu tranżizzjonali u għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bid-deċiżjoni tagħha sal-1 ta' Frar 2018. Fejn istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, hija tista' tbiddel id-deċiżjoni tagħha matul il-perijodu tranżizzjonali. L-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw pubblikament kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'konformità ma' dan is-subparagrafu.

Istituzzjoni li tkun iddeċidiet li tapplika l-arranġamenti tranżizzjonali stipulati f'dan l-Artikolu tista' tiddeċiedi li ma tapplikax il-paragrafu 4, f'liema każ għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bid-deċiżjoni tagħha sal-1 ta' Frar 2018. F'tali każ, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi $A_{4,SA}$, $A_{4,IRB}$, A_{SA}^{old}, A_{IRB}^{old}, t_2 u t_3 imsemmija fil-paragrafu 1 għal żero. Fejn istituzzjoni tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti, hija tista' tbiddel id-deċiżjoni tagħha matul il-perijodu tranżizzjonali. L-istituzzjonijiet għandhom jiżvelaw pubblikament kwalunkwe deċiżjoni meħuda f'konformità ma' dan is-subparagrafu

Istituzzjoni li tkun iddeċidiet li tapplika l-arranġamenti tranżizzjonali stipulati f'dan l-Artikolu tista' tiddeċiedi li ma tapplikax il-paragrafu 2, f'liema każ għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bid-deċiżjoni tagħha mingħajr dewmien. F'tali każ, l-istituzzjoni għandha tistabbilixxi $A_{2,SA}$, $A_{2,IRB}$ u t_1 imsemmija fil-paragrafu 1 għal żero. Istituzzjoni tista' tirrevoka d-deċiżjoni tagħha matul il-perijodu tranżizzjonali sakemm tkun irċeviet il-permess minn qabel tal-awtorità kompetenti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA tal-inqas kull sena dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu mill-istituzzjonijiet taħt is-superviżjoni tagħhom.

▼M4

10. F'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-EBA għandha toħroġ linji gwida sat-30 ta' Ġunju 2018 dwar ir-rekwiżiti ta' żvelar stipulati f'dan l-Artikolu.

▼B

Subtaqsima 2

Tnaqqis minn elementi addizzjonali ta' grad 1

Artikolu 474

Tnaqqis minn elementi ta' Grad 1 Addizzjonali

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 56, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, għandu japplika dan li ġej:

▼B

(a) l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu mill-elementi Addizzjonali tal-Grad 1 l-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 478 tal-ammonti meħtieġa jitnaqqsu skont l-Artikolu 56;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 475 għall-ammonti reżidwi tal-elementi meħtieġa jitnaqqsu skont l-Artikolu 56.

Artikolu 475

Elementi mhux imnaqqsa mill-elementi Addizzjonali tal-Grad 1

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 56, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-ammonti reżidwi msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 474.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 56:

(a) holdings diretti fi strumenti proprji Addizjonali tal-Grad 1 jitnaqqsu mill-elementi tal-Grad 1 skont il-valur fil-kontijiet;

(b) holdings indiretti u sintetiċi ta' strumenti proprji Addizzjonali tal-Grad 1, inklużi strumenti proprji Addizzjonali tal-Grad 1 li istituzzjoni tista' tkun obbligata li tixtri minħabba obbligu kuntrattwali kontinġenti jew eżistenti, ma jitnaqqsux u huma ppeżati skont ir-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u soġġetti għar-rekwiżiti tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 56:

(a) fejn istituzzjoni ma għandhiex investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju li magħha għandha holdings transversi reċiproċi, l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi tagħha ta' dawk l-istrumenti Addizzjonali tal-Grad 1 ta' dik l-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (c) tal-Artikolu 56;

(b) fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju li magħha għandha holdings transversali reċiproċi, l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi tagħha ta' dawk l-istrumenti Addizzjonali tal-Grad 1 ta' dik l-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (d) tal-Artikolu 56.

4. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 56:

(a) l-ammont relatat mal-holdings diretti meħtieġa sabiex jitnaqqsu skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 56 jitnaqqsu nofs mill-elementi tal-Grad 1 u nofs mill-elementi tal-Grad 2;

▼B

(b) l-ammont relatat mal-holdings indiretti u sintetiċi meħtieġa sabiex jitnaqqsu skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 56 ma għandhomx jitnaqqsu u għandhom ikunu soġġetti għal piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 or 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għar-rekwiżiti tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

Subtaqsima 3

Tnaqqis minn elementi ta' grad 2

Artikolu 476

Tnaqqis minn elementi ta' Grad 2

Permezz ta' deroga mill-Artikolu 66, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, għandu japplika dan li ġej:

(a) l-istituzzjonijiet għandhom inaqqsu mill-elementi tal-Grad 2 il-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 478 tal-ammonti meħtieġa jitnaqqsu skont l-Artikolu 66;

(b) l-istituzzjonijiet għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 477 għall-ammonti reżidwi meħtieġa jitnaqqsu skont l-Artikolu 66.

Artikolu 477

Tnaqqis minn elementi ta' Grad 2

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 66, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw għall-ammonti reżidwi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 476.

2. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 66:

(a) holdings diretti tal-istrumenti proprji tal-Grad 2 jitnaqqsu skont il-valur fil-kontijiet mill-elementi tal-Grad 2;

(b) holdings indiretti u sintetiċi fl-istrumenti proprji tal-Grad 2, inklużi dawk l-istrumenti proprji tal-Grad 2 li l-istituzzjoni tista' tkun obbligata tixtri minħabba obbligu kuntrattwali eżistenti jew kontinġenti, ma jitnaqqsux u huma ppeżati skont ir-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u soġġetti għar-rekwiżiti tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

3. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 66:

(a) fejn istituzzjoni ma jkollhiex investiment sinifikanti fl-entità tas-settur finanzjarju li magħha jkollha holdings transversali reċiproċi, l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi tagħha tal-istrumenti tal-Grad 2 tal-entità huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (c) tal-Artikolu 66;

▼B

(b) fejn l-istituzzjoni jkollha investiment sinifikanti f'entità tas-settur finanzjarju li magħha jkollha holdings transversali reċiproċi, l-ammont ta' holdings diretti, indiretti u sintetiċi tal-istrumenti tal-Grad 2 ta' dik l-entità tas-settur finanzjarju huwa ttrattat bħala wieħed li jaqa' taħt il-punt (d) tal-Artikolu 66.

4. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan li ġej għall-ammont reżidwu tal-elementi msemmija fil-punti (c) u (d) tal-Artikolu 66:

(a) l-ammont relatat mal-holdings diretti li huwa meħtieġ jitnaqqas skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 66 jitnaqqas nofs mill-elementi tal-Grad 1 u nofs mill-elementi tal-Grad 2;

(b) l-ammont relatat mal-holdings indiretti u sintetiċi li huwa meħtieġ jitnaqqas skont il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 66 ma għandux jitnaqqas u huwa soġġett għal piż tar-riskju skont il-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u r-rekwiżiti stabbiliti fit-Titolu IV tal-Parti Tlieta, kif applikabbli.

▼M15

Subtaqsima 3a

Tnaqqis minn elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

Artikolu 477a

Tnaqqis minn elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

1. B'deroga mill-Artikolu 72e(4) u sal-31 ta' Diċembru 2024, l-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' istituzzjoni prinċipali, wara li tqis debitament l-opinjoni tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jew tal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiż terz ta' kwalunkwe sussidjarja kkonċernata, tista' tippermetti li l-ammont aġġustat m_i jiġi kkalkulat bl-użu tad-definizzjoni li ġejja ta' r_i, u w_i:

r_i = ir-rekwiżit kapitali totali bbażat fuq ir-riskju applikabbli għas-sussidjarja i fil-pajjiż terz fejn ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha, sa fejn dak ir-rekwiżit jiġi ssodisfat bi strumenti li jitqiesu bħala fondi proprji skont dan ir-Regolament;

w_i = ir-rekwiżit kapitali totali tal-Grad 1 mhux ibbażat fuq ir-riskju applikabbli għas-sussidjarja i fil-pajjiż terz fejn ikollha l-uffiċċju prinċipali tagħha, sa fejn dak ir-rekwiżit jiġi ssodisfat bi strumenti li jitqiesu bħala kapital tal-Grad 1 skont dan ir-Regolament.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tista' tagħti l-permess imsemmi fil-paragrafu 1 meta s-sussidjarja tkun stabbilita f'pajjiż terz li jkun għad ma għandux fis-seħħ reġim ta' riżoluzzjoni lokali applikabbli jekk tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ma jkunx hemm impediment materjali prattiku jew legali attwali jew previst għat-trasferiment minnufih ta' assi mingħand is-sussidjarja għal għand l-istituzzjoni prinċipali;

▼M15

(b) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tas-sussidjarja tkun tat opinjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tal-istituzzjoni prinċipali li assi ugwali għall-ammont li għandu jitnaqqas mis-sussidjarja skont l-Artikolu 72e(4), it-tieni subparagrafu, jistgħu jiġu ttrasferiti mingħand is-sussidjarja għal għand l-istituzzjoni prinċipali.

▼B

Subtaqsima 4

Perċentwali applikabbli għal tnaqqis

Artikolu 478

Perċentwali applikabbli għat-tnaqqis minn elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, Addizzjonali ta' Grad 1 u Grad 2

1. Il-perċentwal applikabbli għall-finijiet tal-Artikolu 468(4), il-punti (a) u (c) tal-Artikolu 469, il-punt (a) tal-Artikolu 474 u l-punt (a) tal-Artikolu 476 għandhom jaqgħu fil-meded li ġejjin:

(a) 20 % sa 100 % għall-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 40 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 60 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(d) 80 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017.

▼C1

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, għall-elementi imsemmijin fil-punt (c) tal-Artikolu 36(1) li kienu jeżistu qabel l-1 ta' Jannar 2014, il-perċentwal applikabbli għall-finijiet tal-punt (c) tal-Artikolu 469(1) għadu jaqa' fil-meded li ġejjin:

(a) 0 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 10 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 20 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(d) 30 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017;

(e) 40 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018;

(f) 50 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019;

▼C1

(g) 60 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2020 sal-31 ta' Diċembru 2020;

(h) 70 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021;

(i) 80 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Diċembru 2022;

(j) 90 % sa 100 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023.

▼B

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw perċentwal applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 għal kull tnaqqis li ġej:

(a) it-tnaqqis individwali meħtieġ skont il-punti (a) sa (h) tal-Artikolu 36(1), għajr l-assi tat-taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji;

(b) l-ammont aggregat tal-assi tat-taxxa differita li jistrieħu fuq il-profitabbiltà fil-ġejjieni u li jirriżultaw minn differenzi temporanji u l-elementi msemmija fil-punt (i) tal-Artikolu 36(1) li għandu jitnaqqas skont l-Artikolu 48;

(c) kull tnaqqis li għandu jsir skont il-punti (b) sa (d) tal-Artikolu 56;

(d) kull tnaqqis li għandu jsir skont il-punti (b) sa (d) tal-Artikolu 66.

Taqsima 4

Interess minoritarju u strumenti ta' grad 1 u grad 2 addizzjonali maħruġa minn sussidjarji

Artikolu 479

Rikonoxximent fil-kapital konsolidat tal-istrumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u elementi li ma jikkwalifikawx bħala interessi minoritarji

1. Permezz ta' deroga mit-Titolu II tal-Parti Tnejn, matul il-perijodu 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, ir-rikonoxximent fil-fondi proprji konsolidati tal-elementi li jkunu jikkwalifikaw bħala riżervi konsolidati skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-Artikolu 65 tad-Direttiva 2006/48/KE li ma jikkwalifikawx bħala kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għal kwalunkwe mir-raġunijiet li ġejjin għandu jiġi ddeterminat mill-awtoritajiet kompetenti skont il-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu:

(a) l-istrument ma jikkwalifikax bħala strument ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, u konsegwentement, id-dħul relatat miżmum u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma ma jikkwalifikawx bħala elementi konsolidati ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1;

▼B

(b) l-elementi ma jikkwalifikawx bħala riżultat tal-Artikolu 81(2);

(c) l-elementi ma jikkwalifikawx għax sussidjarja mhijiex istituzzjoni jew entità li hija soġġetta għar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u din id-Direttiva 2013/36/UE minħabba l-liġi nazzjonali applikabbli;

(d) l-elementi ma jikkwalifikawx għax is-sussidjarja mhijiex inkluża bis-sħiħ fil-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed.

2. Il-perċentwal applikabbli tal-elementi msemmija fil-paragrafu 1 li jkunu jikkwalifikaw bħala riżervi konsolidati skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-Artikolu 65 tad-Direttiva 2006/48/KE għandu jikkwalifika bħala kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 2, il-perċentwali applikabbli għandhom jaqgħu fil-meded li ġejjin:

(a) 0 % sa 80 % għall-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 0 % sa 60 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 0 % sa 40 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(d) 0 % sa 20 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 u sal-31 ta' Diċembru 2017.

4. L-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw il-perċentwal applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafu 3.

Artikolu 480

Rikonoxximent fil-fondi proprji konsolidati ta' interessi minoritarji u l-kwalifikazzjoni ta' kapital Addizzjonali tal-Grad 1 u l-Grad 2

1. Permezz ta' deroga mill-punt (b) tal-Artikolu 84(1), mill-punt (b) tal-Artikolu 85(1) u mill-punt (b) tal-Artikolu 87(1), matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, il-perċentwali msemmija f'dawk l-Artikoli għandhom jiġu multiplikati b'fattur applikabbli.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-fattur applikabbli għandu jaqa' fil-meded li ġejjin:

(a) 0,2 sa 1 fil-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 0,4 sa 1 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 0,6 sa 1 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016; u

(d) 0,8 sa 1 fil-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017.

▼B

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw il-valur tal-fattur applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafu 2.

Taqsima 5

Filtri u tnaqqis addizzjonali

Artikolu 481

Filtri u tnaqqis addizzjonali

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 32 sa 36, 56 u 66, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu aġġustamenti fl-elementi ta' Ekwità Komuni ta', l-elementi ta' Grad 1, l-elementi ta' Grad 2 jew l-elementi tal-fondi proprji sabiex jew jinkludu fihom jew inkella jnaqqsu minnhom dak il-perċentwal applikabbli tal-filtri jew it-tnaqqis meħtieġa skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-Artikoli 57, 61, 63, 63a, 64 u 66 tad-Direttiva 2006/48/KE, u għall-Artikoli 13 u 16 tad-Direttiva 2006/49/KE, u li mhumiex meħtieġa skont il-Parti Tnejn ta' dan ir-Regolament.

2. ►C2 B'deroga mill-Artikolu 36(1)(i) u l-Artikolu 49(1), matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeħtieġu jew jippermettu lill-istituzzjonijiet li japplikaw il-metodi msemmija fl-Artikolu 49(1) meta r-rekwiżiti stipulati fil-punt (b) tal-Artikolu 49(1) ma jkunux sodisfatti, aktar milli jsir it-tnaqqis meħtieġ skont l-Artikolu 36(1). ◄ F'dawn il-każijiet, il-proporzjon ta' holdings tal-istrumenti ta' fondi proprji ta' entità tas-settur finanzjarju li fiha l-impriża prinċipali għandha investiment sinifikanti li mhux meħtieġ li jitnaqqas skont l-Artikolu 49(1) għandu jiġi determinat mill-perċentwal applikabbli msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. L-ammont li ma jitnaqqasx għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti tal-Artikolu 49(4), skont kif applikabbli.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-perċentwal applikabbli għandu jaqa' fil-meded li ġejjin:

(a) 0 % sa 80 % għall-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014;

(b) 0 % sa 60 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015;

(c) 0 % sa 40 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2016 sal-31 ta' Diċembru 2016;

(d) 0 % sa 20 % għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2017

4. Għall-finijiet tal-paragrafu2, il-perċentwal applikabbli għandu jaqa' bejn 0 % u 50 % għall-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2014.

▼B

5. Għal kull filtru jew tnaqqis imsemmi fil-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw il-perċentwali applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafi 3 u 4;

6. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet li permezz tagħhom l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw jekk l-aġġustamenti fil-fondi proprji, jew elementi minnhom, skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għad-Direttiva 2006/48/KE jew id-Direttiva 2006/49/KE li mhumiex inklużi fil-Parti Tnejn ta' dan ir-Regolament għandhomx, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, isiru għall-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, għall-elementi Ta' Grad 1 Addizzjonali, għall-elementi ta' Grad 1, għall-elementi ta' Grad 2 jew għall-fondi proprji.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 482

Kamp ta' applikazzjoni għat-transazzjonijiet ta' derivati mal-fondi tal-pensjonijiet

Fir-rigward ta' dawk it-transazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 89 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u applikat flimkien mal-arranġament tal-iskemi tal-pensjoni kif definit fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, l-istituzzjonijiet m'għandhomx jikkalkulaw ir-rekwiżiti tal-fondi proprji għar-riskju ta' CVA kif previst fl-Artikolu 382(4)(c) ta' dan ir-Regolament

KAPITOLU 2

Anterjorità tal-istrumenti kapitali

Taqsima 1

Strumenti li jikkostitwixxu għajnuna mill-istat

Artikolu 483

Anterjorità tal-istrumenti ta' għajnuna mill-Istat

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 26 sa 29, 51, 52, 62 u 63 matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, dan l-Artikolu japplika għall-istrumenti kapitali fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istrumenti nħarġu qabel 1 ta' Jannar 2014;

(b) l-istrumenti nħarġu fil-kuntest ta' miżuri ta' rikapitalizzazzjoni skont ir-regoli ta' għajnuna mill-Istat. Dment li parti mill-istrumenti jkunu sottoskritti privatament, huma jridu jinħarġu qabel it-30 ta' Ġunju 2012 u flimkien ma' dawk il-partijiet li huma sottoskritti mill-Istat Membru;

▼C2

(c) l-istrumenti ġew ikkunsidrati kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 107 tat-TFUE.

Fejn l-istrumenti jkunu sottoskritti kemm mill-Istat Membru kif ukoll minn investituri privati u jkun hemm tifdija parzjali tal-istrumenti sottoskritti mill-Istat Membru, sehem korrispondenti tal-parti tal-istrumenti sottoskritta privatament għandha tingħata anterjorità skont l-Artikolu 484. Meta l-istrumenti kollha sottoskritti mill-Istat Membru jkunu ġew mifdija, l-istrumenti sottoskritti minn investituri privati li jkun fadal għandhom jingħataw anterjorità skont l-Artikolu 484.

▼B

2. L-istrumenti li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 minkejja dawn it-tnejn li ġejjin:

(a) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament ma jkunux intlaħqu;

(b) l-istrumenti nħarġu minn impriża msemmija fl-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament u ma ntlaħqux il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 28 ta' dan ir-Regolament, jew fejn applikabbli, l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.

3. L-istrumenti msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li ma jikkwalifikawx taħt il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 minkejja li ma jkunux issodisfati r-rekwiżiti fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, dment li jkunu ssodisfati r-rekwiżiti tal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

L-istrumenti li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 skont l-ewwel subparagrafu ma jistgħux jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali jew strumenti ta' Grad 2 skont il-paragrafi 5 jew 7.

4. L-istrumenti li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (ca) tal-Artikolu 57 u għall-Artikolu 66(1) tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali minkejja l-fatt li ma jkunux qegħdin jintlaħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) ta' dan ir-Regolament.

5. L-istrumenti msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan ir-Regolament li ma jikkwalifikawx taħt il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (ca) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali minkejja li ma jkunux issodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) ta' dan ir-Regolament, dment li jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet tal-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

L-istrumenti li jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-ewwel subparagrafu ma jistgħux jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew strumenti ta' Grad 2 skont il-paragrafi 3 jew 7.

▼B

6. Elementi li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punti (f), (g) jew (h) tal-Artikolu 57 u għall-Artikolu 66 (1) tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 minkejja li l-elementi ma jkunux imsemmija fl-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament jew il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament ma jkunux qegħdin jintlaħqu.

7. L-istrumenti msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu li ma jikkwalifikawx taħt il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (f), (g) jew (h) tal-Artikolu 57 jew għall-Artikolu 66(1) tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 minkejja li l-elementi ma jissemmewx fl-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament jew ma jkunux issodisfati l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament, dment li jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet fil-paragrafu 8 ta' dan l-Artikolu.

L-istrumenti li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 skont l-ewwel subparagrafu ma jistgħux jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali skont il-paragrafi 3 jew 5.

8. L-istrumenti msemmija fil-paragrafi 3, 5, u 7 jistgħu biss jikkwalifikaw bħala strumenti tal-fondi proprji msemmija f'dawk il-paragrafi meta tkun issodisfata l-kondizzjoni fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u meta jinħarġu minn istituzzjonijiet li huma inkorporati fi Stat Membru li hu soġġett għal Programm ta' Aġġustament Ekonomiku, u l-ħruġ ta' dawk l-istrumenti jkun maqbul jew eliġibbli taħt dak il-programm.

Taqsima 2

Strumenti li ma jikkostitwixxux għajnuna mill-istat

Subtaqsima 1

Eliġibbiltà u limiti tal-anterjorità

Artikolu 484

Eliġibbiltà għall-anterjorità ta' elementi li kkwalifikaw bħala fondi proprji skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għad-Direttiva 2006/48/KE

▼C2

1. Dan l-Artikolu għandu japplika biss għal strumenti u elementi li nħarġu fi jew qabel il-31 ta' Diċembru 2011 u li kienu eliġibbli bħala fondi proprji fil-31 ta' Diċembru 2011 u mhumiex dawk imsemmija fl-Artikolu 483(1).

▼B

2. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 26 sa 29, 51, 52, 62 u 63, dan l-Artikolu għandu japplika matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021.

3. Soġġett għall-Artikolu 485 ta' dan ir-Regolament u tal-limitu speċifikat fl-Artikolu 486(2) tiegħu, kapital fis-sens tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 86/635/KEE, u l-kontijiet primjum tal-ishma relatati, li kkwalifika bħala fondi proprji oriġinali skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 minkejja li dak il-kapital ma jilħaqx il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 28, jew fejn applikabbli, l-Artikolu 29 ta' dan ir-Regolament.

▼B

4. Soġġetti għal-limitu speċifikat fl-Artikolu 486(3) ta' dan ir-Regolament, l-istrumenti, u l-kontijiet primjum tal-ishma relatati, li kkwalifikaw bħala fondi proprji oriġinali skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (ca) tal-Artikolu 57 u l-Artikolu 154(8) u (9) tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala elementi Ta' Grad 1 Addizzjonali, minkejja li ma jintlaħqux il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 ta' dan ir-Regolament.

5. Soġġetti għal-limiti speċifikati fl-Artikolu 486(4) ta' dan ir-Regolament, l-elementi, u l-kontijiet primjum tal-ishma relatati, li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punti (e), (f), (g) jew (h) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2, minkejja li dawn l-elementi mhumiex inklużi fl-Artikolu 62 ta' dan ir-Regolament jew il-fatt li ma jintlaħqux il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 485

Eliġibbilità għall-inklużjoni f'Ekwità Komuni ta' Grad 1 ta' kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati ma' elementi li kkwalifikaw bħala fondi proprji taħt miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni għad-Direttiva 2006/48/KE

1. Dan l-Artikolu għandu japplika biss għal strumenti li nħarġu qabel il-31 ta' Diċembru 2010 u mhumiex dawk imsemmija fl-Artikolu 483(1).

2. Kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-kapital skont it-tifsira tal-Artikolu 22 tad-Direttiva 86/635/KEE, li kkwalifikaw bħala fondi proprji oriġinali taħt il-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni tal-punt (a) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jekk dawn jilħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti f'punti (i) u (j) tal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 486

Limiti għall-anterjorità ta' elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, ta' Grad 1 Addizzjonali u ta' Grad 2

1. Matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021, dan l-Artikolu għandu jillimita sa fejn dawk l-istrumenti u l-elementi msemmija fl-Artikolu 484 jistgħu jikkwalifikaw bħala fondi proprji.

2. L-ammont ta' elementi msemmija fl-Artikolu 484(3) li għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 huwa limitat għall-perċentwal applikabbli tas-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont nominali ta' kapital imsemmi fl-Artikolu 484(3) li kienu nħarġu sal-31 ta' Diċembru 2012;

(b) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-elementi msemmija fil-punt (a).

▼B

3. L-ammont ta’ elementi msemmija fl-Artikolu 484(4) li għandhom jikkwalifikaw bħala elementi Ta' Grad 1 Addizzjonali huwa limitat għall-perċentwal applikabbli multiplikat bir-riżultat tat-tnaqqis mis-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu tas-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (c) sa (f) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont nominali tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(4), li jkunu għadhom maħruġin fil-31 ta’ Diċembru 2012;

(b) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (a);

(c) l-ammont ta’ strumenti msemmija fl-Artikolu 484(4) li fil-31 ta’ Diċembru 2012 jkunu qabżu l-limiti speċifikati fil-miżuri ta’ traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 66(1) u l-Artikolu 66(1a) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(d) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (c);

(e) l-ammont nominali tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(4) li kienu nħarġu sal-31 ta’ Diċembru 2012 iżda li ma jikkwalifikawx bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-Artikolu 489(4);

(f) il-kontijiet primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (e).

4. L-ammont ta’ elementi msemmija fl-Artikolu 484(5) li għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 huwa limitat għall-perċentwal applikabbli tar-riżultat ta’ tnaqqis mis-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (a) sa (d) ta' dan il-paragrafu tas-somma tal-ammonti speċifikati fil-punti (e) sa (h) ta' dan il-paragrafu:

(a) l-ammont nominali tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(5) li jkunu għadhom maħruġin fil-31 ta’ Diċembru 2012;

(b) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (a);

►C2 (c) l-ammont nominali ta' kapital subordinat ta' self li jkun baqa' maħruġ fil-31 ta' Diċembru 2012, imnaqqas bl-ammont ◄ meħtieġ skont il-miżuri ta’ traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (c) tal-Artikolu 64(3) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(d) l-ammont nominali tal-elementi msemmija fl-Artikolu 484(5), għajr l-istrumenti u l-kapital subordinat ta’ self imsemmija fil-punti (a) u (c) ta’ dan il-paragrafu, li nħarġu qabel il-31 ta’ Diċembru 2012;

(e) l-ammont nominali tal-istrumenti u l-elementi msemmija fl-Artikolu 484(5) li nħarġu qabel il-31 ta’ Diċembru 2012 li qabżu l-limiti speċifikati fil-miżuri ta’ traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (a) tal-Artikolu 66(1) tad-Direttiva 2006/48/KE;

(f) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (e);

▼B

(g) l-ammont nominali tal-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(5) li nħarġu qabel il-31 ta’ Diċembru 2012 li ma jikkwalifikawx bħala elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 490(4);

(h) il-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati mal-istrumenti msemmija fil-punt (g).

5. Għall-finijiet ta’ dan l-Artikolu, il-perċentwali applikabbli msemmija fil-paragrafi 2 sa 4 għandhom jaqgħu fil-meded li ġejjin:

(a) 60 % sa 80 % matul il-perijodu minn 1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2014;

(b) 40 % sa 70 % matul il-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2015 sal-31 ta’ Diċembru 2015.

(c) 20 % sa 60 % matul il-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2016 sal-31 ta’ Diċembru 2016;

(d) 0 % sa 50 % matul il-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2017 sal-31 ta’ Diċembru 2017;<0

(e) 0 % sa 40 % matul il-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2018 sal-31 ta’ Diċembru 2018;

(f) 0 % sa 30 % matul il-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2019 sal-31 ta’ Diċembru 2019;

(g) 0 % sa 20 % matul il-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2012 sal-31 ta’ Diċembru 2020;

(h) 0 % sa 10 % matul il-perijodu mill-1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2021;

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhomjiddeterminaw u jippubblikaw il-perċentwali applikabbli fil-meded speċifikati fil-paragrafu 5.

Artikolu 487

Elementi eskluži mill-anterjorità fl-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 jew dawk ta' Grad 1 Addizzjonali f’elementi oħra ta’ fondi proprji

1. Permezz ta’ deroga mill-Artikoli 51, 52, 62 u 63, matul il-perijodu minn 1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw bħala elementi msemmija fl-Artikolu 484(4), il-kapital u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati msemmija fl-Artikolu 484(3) li huma eskluži mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għax jaqbżu l-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 486(2), sakemm l-inklużjoni ta’ dak il-kapital u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati ma jaqbżux il-limitu tal-perċentwal applikabbli msemmi fl-Artikolu 486(3).

▼B

2. B’deroga mill-Artikoli 51, 52, 62 u 63, matul il-perijodu minn 1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet jistgħu jittrattaw l-elementi li ġejjin bħala elementi msemmija fl-Artikolu 484 (5), sakemm l-inklużjoni tagħhom ma taqbiżx il-limitu tal-perċentwal applikabbli msemmi fl-Artikolu 486(4):

(a) il-kapital, u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati, imsemmija fl-Artikolu 484(3) li huma esklużi mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 għax jaqbżu l-perċentwal applikabbli speċifikat fl-Artikolu 486(2);

(b) l-istrumenti, u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati, imsemmija fl-Artikolu 484(4) li jaqbżu l-perċentwal applikabbli msemmi fl-Artikolu 486(3).

3. L-ABE għandha tiżviluppa abbozzi ta’ standards tekniċi regolatorji sabiex tispeċifika l-kondizzjonijiet għat-trattament tal-istrumenti ta’ fondi proprji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 bħala strumenti li jaqgħu taħt l-Artikolu 486(4) (5) matul il-perijodu minn 1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2021.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta’ standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni hija ddelegata bis-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 488

Amortizzazzjoni tal-elementi tal-anterjorità bħala elementi ta' Grad 2

L-elementi msemmija fl-Artikolu 484(5) li jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 imsemmija fl-Artikolu 484(5) jew l-Artikolu 486 (4) għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 64.

Subtaqsima 2

Inklużjoni ta' strumenti b'sejħa u inċentiv ta' fidi f'elementi ta' grad 1 u grad 2 addizzjonali

Artikolu 489

Strumenti ibridi b’sejħa u inċentiva ta’ fidi

1. Permezz ta’ deroga mill-Artikoli 51 u 52, matul il-perijodu minn 1 ta’ Jannar 2014 sal-31 ta’ Diċembru 2021, l-istrumenti msemmija fl-Artikolu 484(4) li fit-termini u l-kondizzjonijiet tagħhom jinkludu sejħa b’inċentiv sabiex jiġu mifdija mill-istituzzjoni ►C2 għandhom ikunu soġġetti għal dan l-Artikolu. ◄

▼B

2. L-istrumenti għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel l-1 ta' Jannar 2013 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 jintlaħqu mill-1 ta' Jannar 2013.

3. L-istrumenti għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali bir-rikonoxximent tagħhom imnaqqas skont l-Artikolu 484 (4) sad-data tal-maturità effettiva tagħhom u wara dik id-data għandhom jikkwalifikaw bħala elementi Ta' Grad 1 Addizzjonali mingħajr limitu sakemm:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-elementi;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 jintlaħqu mid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti.

4. L-istrumenti ma għandhomx jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali u ma għandhomx ikunu soġġetti għall-Artikolu 484 (4), minn 1 ta' Jannar 2014 fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi bejn il-31 ta' Diċembru 2011 u l-1 ta' Jannar 2013;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 ma ntlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti.

5. L-istrumenti għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali bir-rikonoxximent tagħhom imnaqqas skont l-Artikolu 484 (4) sad-data tal-maturità effettiva tagħhom, u ma għandhomx jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali wara dik id-data, fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 ma ntlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti.

▼B

6. L-istrumenti għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali skont l-Artikolu 484(4) fejn jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel jew fil-31 ta' Diċembru 2011 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52 ma ntlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-istrumenti.

Artikolu 490

Elementi ta' Grad 2 b'inċentiv ta' fidi

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 62 u 63, matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021, l-elementi msemmija fl-Artikolu 484(5) li kkwalifikaw skont il-miżuri ta' traspożizzjoni nazzjonali għall-punt (f) jew (h) tal-Artikolu 57 tad-Direttiva 2006/48/KE u li jinkludu fit-termini u l-kondizzjonijiet tagħhom sejħa b'inċentiv sabiex jiġu mifdija mill-istituzzjoni ►C2 għandhom ikunu soġġetti għal dan l-Artikolu. ◄

2. L-elementi għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 sakemm:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel l-1 ta' Jannar 2013 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa;

(c) mill-1 ta' Jannar 2013 jintlaħqu l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63.

3. L-elementi għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 484(5) sad-data tal-maturità effettiva tagħhom, u wara dik id-data għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 mingħajr limitu, jekk jintlaħqu l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-elementi;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 jintlaħqu mid-data tal-maturità effettiva tal-elementi.

▼C2

4. L-elementi ma għandhomx jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 mill-1 ta' Jannar 2014 fejn jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi bejn il-31 ta' Diċembru 2011 u l-1 ta' Jannar 2013 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-elementi;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ma jintlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-elementi.

5. L-elementi għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 bir-rikonoxximent tagħhom imnaqqas skont l-Artikolu 484(5) sad-data tal-maturità effettiva tagħhom, u ma għandhomx jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 wara dik id-data, meta:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tagħhom;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ma jintlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-elementi.

6. L-elementi għandhom jikkwalifikaw bħala elementi ta' Grad 2 skont l-Artikolu 484(5) meta:

(a) l-istituzzjoni setgħet twettaq sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel jew fil-31 ta' Diċembru 2011 biss;

(b) l-istituzzjoni ma wettqitx is-sejħa fid-data tal-maturità effettiva tal-elementi;

(c) il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 63 ma jintlaħqux mid-data tal-maturità effettiva tal-elementi.

Artikolu 491

Maturità effettiva

Għall-finijiet tal-Artikoli 489 u 490, il-maturità effettiva għandha tiġi ddeterminata kif ġej:

(a) għall-elementi msemmija fil-paragrafi 3 u 5 ta' dawk l-Artikoli, hija d-data tal-ewwel sejħa b'inċentiv ta' fidi li sseħħ fl-1 ta' Jannar 2013 jew wara;

(b) għall-elementi msemmija fil-paragrafu 4 ta' dawk Artikoli, hija d-data tal-ewwel sejħa b'inċentiv ta' fidi li sseħħ bejn il-31 ta' Diċembru 2011 u l-1 ta' Jannar 2013;

▼B

(c) għall-elementi msemmija fil-paragrafu 6 ta' dawk l-Artikoli, hija d-data tal-ewwel sejħa b'inċentiv ta' fidi qabel il-31 ta' Diċembru 2011.

KAPITOLU 3

Dispożizzjonijiet transizzjonali għal żvelar ta' fondi proprji

Artikolu 492

Divulgazzjoni tal-fondi proprji

1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw dan l-Artikolu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021.

2. Matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2015, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw sa fejn il-livell tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u l-kapital ta' Grad 1 qabżu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 465.

3. Matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2017, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-informazzjoni addizzjonali li ġejja dwar il-fondi proprji tagħhom:

(a) in-natura u l-effett fuq il-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, il-kapital ta' Grad 1 Addizzjonali, il-kapital ta' Grad 2 u l-fondi proprji tal-filtri u t-tnaqqis individwali applikati skont l-Artikoli 467 sa 470, 474, 476 u 479;

(b) l-ammonti ta' interessi minoritarji u l-istrumenti ta' Grad 1 Addizzjonali u l-Grad 2, u d-dħul miżmum u l-kontijiet tal-primjum tal-ishma relatati, maħruġa mis-sussidjarji li huma inklużi fil-kapital konsolidat ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, fil-kapital ta' Grad 1 Addizzjonali, fil-kapital ta' Grad 2 u fil-fondi proprji skont it-Taqsima 4 tal-Kapitolu 1;

(c) l-effett fuq il-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, fuq il-kapital Ta' Grad 1 Addizzjonali, fuq il-kapital ta' Grad 2 u fuq il-fondi proprji tal-filtri u t-tnaqqis individwali applikati skont l-Artikolu 481;

(d) in-natura u l-ammont tal-elementi li jikkwalifikaw bħala elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, elementi ta' Grad 1 u elementi ta' Grad 2 minħabba l-applikazzjoni tad-derogi speċifikati fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 2.

4. Matul il-perijodu minn 1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw l-ammont ta' strumenti li jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1, strumenti Ta' Grad 1 Addizzjonali u strumenti ta' Grad 2 minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 484.

▼B

5. L-ABE għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex tispeċifika formoli uniformi għad-divulgazzjoni magħmula skont dan l-Artikolu. Il-formoli għandhom jinkludu l-elementi elenkati fil-punti (a), (b), (d) u (e) tal-Artikolu 437(1), kif emendati mill-Kapitoli 1 u 2 ta' dan it-Titolu.

▼C1

L-ABE għandha tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sat-28 ta' Lulju 2013.

▼B

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa sabiex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

KAPITOLU 4

Skoperturi kbar, rekwiżiti ta' fondi proprji, lieva u l-minimi ta' Basel I

Artikolu 493

Dispożizzjonijiet tranżitorji għal skoperturi kbar

▼M9

1. Sas-26 ta' Ġunju 2021, id-dispożizzjonijiet fuq skoperturi kbar kif stabbiliti fl-Artikoli 387 sa 403) ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal ditti tal-investimenti li n-negozju ewlieni tagħhom jikkonsisti b'mod esklussiv fil-forniment ta' servizzi tal-investimenti jew f'attivitajiet relatati mal-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-punti (5), (6), (7), (9), (10) u (11) tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE u li għalihom, fil-31 ta' Diċembru 2006, ma kinitx tapplika d-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

———————

▼B

3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 400 (2) u (3), ►C1 l-Istati Membri jistgħu, għal perijodu transizzjonali sad-dħul fis-seħħ ta' kwalunkwe att legali wara l-analiżi f'konformità mal-Artikolu 507, iżda mhux wara l-31 ta' Diċembru 2028 jeżentaw kompletament jew parzjalment l-iskoperturi li ġejjin ◄ mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1):

▼M17

(a) bonds koperti kif imsemmi fl-Artikolu 129;

([1]) Id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 85/611/KEE u 93/6/KEE u d-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/22/KEE (ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1).

▼B

(b) elementi ta’ assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri fejn dawk il-pretensjonijiet jingħataw piż ta’ riskju ta’ 20 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 u skoperturi oħra għal jew garantiti minn dawn il-gvernijiet reġjonali jew l-awtoritajiet lokali, pretensjonijiet li fuqhom jingħata piż ta’ riskju ta’ 20 % taħt il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2;

▼M8

(c) skoperturi, inkluż parteċipazzjonijiet jew tipi oħra ta' holdings, imġarrba minn istituzzjoni għall-impriża prinċipali tagħha, għal sussidjarji oħra ta' dik l-impriża prinċipali jew għas-sussidjarji tagħha stess u holdings kwalifikanti, sakemm dawk l-impriżi ma jkunux koperti mis-superviżjoni fuq bażi konsolidata li għaliha tkun soġġetta l-istituzzjoni stess, f'konformità ma' dan ir-Regolament, id-Direttiva 2002/87/KE jew mal-istandards ekwivalenti fis-seħħ f'pajjiż terz.; skoperturi li ma jissodisfawx dawk il-kriterji, kemm jekk ikunu eżentati kif ukoll jekk ma jkunux eżentati mill-Artikolu 395(1) ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għal parti terza;

▼B

(d) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra, inklużi l-parteċipazzjonijiet jew tipi oħra ta’ holdings, għal istituzzjonijiet reġjonali jew ċentrali ta’ kreditu fejn l-istituzzjoni ta’ kreditu tappartjeni lil ’netwerk skont id-dispożizzjonijiet ġuridiċi jew statutorji u li jkunu responsabbli, skont dawn id-dispożizzjonijiet, għall-operazzjonijiet ta’ kklerjar ta’ flus fi ħdan in-netwerk;

(e) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra għal istituzzjonijiet ta’ kreditu mġarrba minn istituzzjonijiet ta’ kreditu, li minnhom waħda topera fuq bażi mhux kompetittiva u li tipprovdi jew tiggarantixxi għoti ta' self skont programmi leġislattivi jew l-istatuti tagħha, biex tippromwovi oqsma speċifiċi tal-ekonomija taħt xi forma ta’ sorveljanza governattiva u restrizzjonijiet fuq l-użu tas-self, bil-kondizzjoni li l-iskoperturi rispettivi joriġinaw minn tali self li jkun mgħoddi lill-benefiċjarji permezz ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu jew mill-garanziji fuq dan is-self;

(f) elementi ta’ assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq istituzzjonijiet, u espożizzjonijiet oħra għal istituzzjonijiet, dejjem jekk dawk l-espożizzjonijiet ma jikkostitwixxux il-fondi proprji ta’ istituzzjonijiet bħal dawn u ma jdumux aktar mill-jum tax-xogħol ta’ wara u li mhumiex denominati f’munita kummerċjali ewlenija;

(g) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq banek ċentrali fil-forma ta’ riżervi minimi meħtieġa miżmuma minn dawk il-banek ċentrali li jkunu denominati fil-muniti nazzjonali tagħhom;

(h) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet ċentrali fil-forma ta’ rekwiżiti statutorji ta’ likwidità miżmuma f’titoli tal-gvern li huma denominati u ffinanzjati fil-muniti nazzjonali bil-kondizzjoni li, fid-diskrezzjoni tal-awtorità kompetenti, il-valutazzjoni tal-kreditu ta’ dawk il-gvernijiet ċentrali assenjati minn ECAI nominata tkun grad ta’ investiment;

▼M17

(i) 50 % tad-dokumenti ta' kreditu tal-bucket 4 li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ u tal-faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbuda tal-bucket 3 li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ imsemmija fl-Anness I b'maturità oriġinali li twassal sa u tinkludi sena u soġġett għall-qbil tal-awtoritajiet kompetenti, 80 % tal-garanziji li mhumiex garanziji fuq self li jkollhom bażi ġuridika jew regolatorja u jingħataw għall-membri tagħhom bi skemi ta' garanzija reċiproka li jkollhom l-istatus ta' istituzzjonijiet ta' kreditu;

▼B

(j) il-garanziji legalment meħtieġa li jintużaw meta self b'ipoteka ffinanzjat permezz tal-ħruġ ta' bonds ta' ipoteki jitħallas lill-mutwatarju tal-ipoteka qabel ir-reġistrazzjoni finali tal-ipoteka fir-reġistru tal-artijiet, bil-kondizzjoni li l-garanzija ma tintużax biex tnaqqas ir-riskju fil-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ppeżati skont ir-riskju;

(k) elementi ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq u skoperturi oħra għal boroż rikonoxxuti.

▼M4

4. B'deroga mill-Artikolu 395(1), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-istituzzjonijiet iġarrbu kwalunkwe skopertura mill-iskoperturi previsti fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, sal-limiti li ġejjin:

(a) 100 % tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2018;

(b) 75 % tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2019;

(c) 50 % tal-kapital ta' Grad 1 tal-istituzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2020.

Il-limiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għall-valuri tal-iskopertura wara li jittieħed kont tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403.

5. L-arranġamenti transizzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4 għandhom japplikaw għall-iskoperturi li ġejjin:

(a) entrati ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet ċentrali, banek ċentrali, jew entitajiet tas-settur pubbliku tal-Istati Membri;

(b) entrati ta' assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet iggarantiti espliċitament minn gvernijiet ċentrali, banek ċentrali, jew entitajiet tas-settur pubbliku tal-Istati Membri;

(c) skoperturi oħra għal gvernijiet ċentrali, banek ċentrali jew entitajiet tas-settur pubbliku tal-Istati Membri, jew iggarantiti minnhom;

▼M4

(d) entrati ta’ assi li jikkostitwixxu pretensjonijiet fuq gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali tal-Istati Membri trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali f’konformità mal-Artikolu 115(2);

(e) skoperturi oħra għal gvernijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali tal-Istati Membri, jew iggarantiti minnhom trattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali f’konformità mal-Artikolu 115(2).

Għall-finijiet tal-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu, l-arranġamenti transizzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għal entrati ta’ assi u skoperturi oħra għal entitajiet tas-settur pubbliku, jew iggarantiti minnhom, li jkunu ttrattati bħala skoperturi għal gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali f’konformità mal-Artikolu 116(4). Fejn l-entrati ta’ assi u skoperturi oħra għall-entitajiet tas-settur pubbliku, jew iggarantiti minnhom, ikunu ttrattati bħala skoperturi għal gvern reġjonali jew awtorità lokali f’konformità mal-Artikolu 116(4), l-arranġamenti transizzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss fejn l-iskoperturi għal dak il-gvern reġjonali jew awtorità lokali jkunu ttrattati bħala skoperturi għall-gvern ċentrali f’konformità mal-Artikolu 115(2).

6. L-arranġamenti transizzjonali stabbiliti fil-paragrafu 4 ta’ dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss fejn skopertura msemmija fil-paragrafu 5 ta’ dan l-Artikolu tissodisfa l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-iskopertura tiġi allokata ponderazzjoni tar-riskju ta’ 0 % skont il-verżjoni tal-Artikolu 495(2) fis-seħħ fil-31 ta’ Diċembru 2017;

(b) l-iskopertura tkun iġġarrbet fi jew wara t-12 ta’ Diċembru 2017.

7. Skopertura kif imsemmija fil-paragrafu 5 ta’ dan l-Artikolu li tkun iġġarrbet qabel it-12 ta’ Diċembru 2017 u li fil-31 ta’ Diċembru 2017 ġiet assenjata ponderazzjoni tar-riskju ta’ 0 % f’konformità mal-Artikolu 495 (2) għandha tiġi eżentata mill-applikazzjoni tal-Artikolu 395(1).

▼M8

Artikolu 494

Dispożizzjonijiet transizzjonali dwar ir-rekwiżit għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli

▼C8

1. B’deroga mill-Artikolu 92a, sa mis-27 ta’ Ġunju 2019 sal-31 ta’ Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet identifikati bħala entitajiet ta’ riżoluzzjoni li jkunu entitajiet G-SII għandhom dejjem jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli:

▼M8

(a) proporzjon ibbażat fuq ir-riskju ta' 16 %, li jirrappreżenta l-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju totali kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) u (4);

(b) proporzjon mhux ibbażat fuq ir-riskju ta' 6 %, li jirrappreżenta l-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni espress bħala perċentwal tal-kejl totali tal-iskopertura msemmi fl-Artikolu 429(4).

▼M8

2. B'deroga mill-Artikolu 72b(3), sa mis-27 ta' Ġunju 2019 sal-31 ta' Diċembru 2021, l-ammont kemm l-istrumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli msemmija fl-Artikolu 72b(3) jistgħu jiġu inklużi fl-elementi ta' obbligazzjonijiet eliġibbli għandu jkun sa 2,5 % tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju kalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) u (4).

3. B'deroga mill-Artikolu 72b(3), sakemm l-awtorità ta' riżoluzzjoni tivvaluta għall-ewwel darba l-konformità mal-kondizzjoni stipulata fil-punt (c) ta' dak il-paragrafu, l-obbligazzjonijiet għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli sa ammont aggregat li, sal-31 ta' Diċembru 2021, ma jaqbiżx 2,5 % u, wara dik id-data, 3,5 % tal-ammont totali ta' skopertura għar-riskju kalkulat f'konformità mal-Artikolu 92(3) u (4), dment li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stipulati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 72b(3).

Artikolu 494a

Anterjorità ta' ħruġ permezz ta' entitajiet bi skop speċjali

1. B'deroga mill-Artikolu 52, l-istrumenti kapitali mhux maħruġa direttament minn istituzzjoni għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2021 biss meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

▼C8

(a) il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 63, ħlief għall-kondizzjoni li teħtieġ li l-istrumenti jinħarġu direttament mill-istituzzjoni;

▼M8

(b) l-istrumenti jinħarġu permezz ta' entità fi ħdan il-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(c) ir-rikavati jkunu immedjatament disponibbli għall-istituzzjoni mingħajr limitazzjoni u f'forma li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu.

2. B'deroga mill-Artikolu 63, strumenti kapitali mhux maħruġa direttament minn istituzzjoni għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 sal-31 ta' Diċembru 2021 biss meta jintlaħqu l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 63(1), ħlief għall-kondizzjoni li teħtieġ li l-istrumenti jinħarġu direttament mill-istituzzjoni;

(b) l-istrumenti jinħarġu permezz ta' entità fi ħdan il-konsolidazzjoni skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Wieħed;

(c) ir-rikavati jkunu immedjatament disponibbli għall-istituzzjoni mingħajr limitazzjoni u f'forma li tissodisfa l-kondizzjonijiet stipulati f'dan il-paragrafu.

Artikolu 494b

Anterjorità ta' strumenti ta' fondi proprji u strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

1. B'deroga mill-Artikoli 51 u 52, l-istrumenti maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019 għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 1 Addizzjonali sa mhux iktar tard mit-28 ta' Ġunju 2025, meta jilħqu l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 51 u 52, ħlief għall-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (p), (q) u (r) tal-Artikolu 52(1).

▼M8

2. B'deroga mill-Artikoli 62 u 63, l-istrumenti maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019 għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' Grad 2 sa mhux aktar tard mit-28 ta' Ġunju 2025 fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] meta jilħqu l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 62 u 63, ħlief għall-kondizzjonijiet imsemmija fil-punti (n), (o) u (p) tal-Artikoli 63.

▼C8

3. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 72a(1), l-obbligazzjonijiet maħruġa qabel is-27 ta' Ġunju 2019 għandhom jikkwalifikaw bħala strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli meta jilħqu l-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 72b, ħlief għall-kondizzjonijiet imsemmija fil-punt (b)(ii) u l-punti (f) sa (m) tal-Artikolu 72b(2).

▼M13

Artikolu 494c

Anterjorità tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni superjuri

B'deroga għall-Artikolu 270, istituzzjoni oriġinatriċi tista' tikkalkula l-ammonti ta' skoperturi ponderati skont ir-riskju ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni superjuri f'konformità mal-Artikolu 260, 262 jew 264 meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) it-titolizzazzjoni tkun ingħatat qabel id-9 ta' April 2021;

(b) it-titolizzazzjoni tkun issodisfat, fit-8 ta' April 2021.

▼M17

Artikolu 494d

Riversjoni għal approċċi inqas sofistikati

B'deroga mill-Artikolu 149, mid-9 ta' Lulju 2024 sal-10 ta' Lulju 2027, istituzzjoni tista' terġa' lura għal approċċi inqas sofistikati għal waħda jew aktar mill-klassijiet tal-iskoperturi imsemmija fl-Artikolu 147(2), meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni kienet diġà teżisti fit-8 ta' Lulju 2024 u kienet awtorizzata mill-awtorità kompetenti tagħha biex tittratta dawk il-klassijiet tal-iskoperturi skont l-Approċċ IRB;

(b) l-istituzzjoni titlob riversjoni għal approċċ inqas sofistikat darba biss matul dak il-perjodu ta' tliet snin;

(c) it-talba għar-riversjoni għal approċċ inqas sofistikat ma ssirx bil-ħsieb ta' involviment f'arbitraġġ regolatorju;

(d) l-istituzzjoni tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti formalment li tixtieq riversjoni għal approċċ inqas sofistikat għal dawk il-klassijiet tal-iskoperturi mill-anqas sitt xhur qabel ma effettivament tagħmel riversjoni għal dak l-approċċ;

(e) l-awtorità kompetenti ma tkunx oġġezzjonat għat-talba tal-istituzzjoni għal tali riversjoni fi żmien tliet xhur mill-wasla tan-notifika msemmija fil-punt (d).

▼M17

Artikolu 495

Trattament ta' skoperturi ta' ekwità skont l-Approċċ IRB

1. B'deroga mill-Artikolu 107(1), istituzzjonijiet li jkunu ngħataw permess japplikaw l-Approċċ IRB biex jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għall-iskoperturi ta' ekwità għandhom, sal-31 ta' Diċembru 2029 u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 495a(3), jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal kull skopertura ta' ekwità li għaliha jkunu ngħataw permess japplikaw l-Approċċ IRB bħala l-ogħla minn dawn li ġejjin:

(a) l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 495a(1) u (2);

(b) l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkulat skont dan ir-Regolament fil-verżjoni applikabbli fit-8 ta’ Lulju 2024.

2. Minflok japplikaw it-trattament stabbilit fil-paragrafu 1, istituzzjonijiet li jkunu ngħataw permess japplikaw l-Approċċ IRB biex jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għall-iskoperturi ta' ekwità jistgħujapplikaw it-trattament stabbilit fl-Artikolu 133 għall-iskoperturi ta' ekwità kollha tagħhom fi kwalunkwe ħin sal-31 ta' Diċembru 2029.

Meta l-istituzzjonijiet japplikaw l-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, m'għandux japplika l-Artikolu 495a(1) u (2).

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, m'għandhomx japplikaw il-kundizzjonijiet għar-riversjoni għall-użu tal-approċċi inqas sofistikati stabbiliti fl-Artikolu 149.

3. Istituzzjonijiet li japplikaw it-trattament stabbilit fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jikkalkulaw l-ammont ta' telf mistenni f'konformità mal-Artikolu 158(7), (8) jew (9), kif ikun applikabbli, fil-verżjoni ta' dawk il-paragrafi applikabbli fit-8 ta’ Lulju 2024 u japplikaw l-Artikolu 36(1), il-punt (d), u l-Artikolu 62, il-punt (d), kif ikun applikabbli, fil-verżjoni ta' dawk il-punti applikabbli fit-8 ta’ Lulju 2024 meta l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkulat skont il-paragrafu 1, il-punt (b), ta' dan l-Artikolu jkun ogħla mill-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju kkalkulat skont il-paragrafu 1, il-punt (a), ta' dan l-Artikolu.

4. Meta l-istituzzjonijiet jitolbu permess biex japplikaw l-Approċċ IRB biex jikkalkulaw l-ammont tal-iskopertura ponderat għar-riskju għal skoperturi ta' ekwità, l-awtoritajiet kompetenti m'għandhomx jagħtu tali permess wara l-31 ta' Diċembru 2024.

Artikolu 495a

Arranġamenti tranżizzjonali għall-iskoperturi ta' ekwità

1. B'deroga mit-trattament stabbilit fl-Artikolu 133(3), l-iskoperturi ta' ekwità għandhom jiġu assenjati l-ogħla piż tar-riskju applikabbli fit-8 ta’ Lulju 2024, b'limitu massimu ta' 250 %, u l-piżijiet tar-riskju li ġejjin:

(a) 100 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025;

▼M17

(b) 130 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;

(c) 160 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(d) 190 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(e) 220 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029.

2. B'deroga mit-trattament stabbilit fl-Artikolu 133(4), l-iskoperturi ta' ekwità għandhom jiġu assenjati l-ogħla piż tar-riskju applikabbli fit-8 ta' Lulju 2024 u l-piżijiet tar-riskju li ġejjin:

(a) 100 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2025;

(b) 160 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2026;

(c) 220 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2027 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(d) 280 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(e) 340 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029.

3. B'deroga mill-Artikolu 133, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu jassenjaw l-istess piż tar-riskju li kien applikabbli fit-8 ta' Lulju 2024 għall-iskoperturi ta' ekwità, inkluż il-parti tal-iskoperturi mhux imnaqqsa mill-fondi proprji f'konformità mal-Artikolu 471 fil-verżjoni ta' dak l-Artikolu applikabbli fis-27 ta' Ottubru 2021, għal entitajiet li qatt ma kienu azzjonist fihom fis-27 ta' Ottubru 2021 għal sitt snin konsekuttivi u li fuqhom, jew flimkien man-network tal-istituzzjonijiet li jappartjenu għalih, jeżerċitaw influwenza jew kontroll sinifikanti skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/34/UE, jew tal-istandards kontabilistiċi li għalihom istituzzjoni tkun soġġetta skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002, jew b'riżultat ta' relazzjoni simili bejn kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew network ta' istituzzjonijiet u impriża, jew fejn istituzzjoni jkollha l-kapaċità li taħtar mill-inqas membru wieħed tal-korp maniġerjali tal-entità.

Artikolu 495b

Arranġamenti tranżizzjonali għal skoperturi ta' self speċjalizzat

1. B'deroga mill-Artikolu 161(4), il-minimi tal-input tal-LGD applikabbli għal skoperturi ta' self speċjalizzat ittrattati skont l-Approċċ IRB meta jintużaw l-istimi proprji tal-LGD, għandhom ikunu l-minimi tal-input tal-LGD applikabbli previsti fl-Artikolu 161(4), immultiplikati bil-fatturi li ġejjin:

(a) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(b) 80 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

▼M17

(c) 100 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029.

2. L-EBA għandha tħejji rapport dwar il-kalibrazzjoni xierqa tal-parametri tar-riskju, inkluż il-parametru tat-telf impost, applikabbli għal skoperturi ta' self speċjalizzat skont l-Approċċ IRB, u b'mod partikolari dwar l-istimi proprji tal-LGD u tal-minimi tal-input tal-LGD għal kull kategorija speċifika ta' skoperturi ta' self speċjalizzat kif imsemmi fl-Artikolu 147(8). L-EBA għandha b'mod partikolari tinkludi fir-rapport tagħha *data* dwar in-numri medji ta' inadempjenzi u telf realizzat osservati fl-Unjoni għal kampjuni differenti ta' istituzzjonijiet bi profili differenti tan-negozju u tar-riskju. L-EBA għandha tirrakkomanda kalibrazzjonijiet speċifiċi ta' parametri tar-riskju, inkluż il-parametru tat-telf impost, li jirriflettu l-profil tar-riskju speċifiku u differenti għal kull kategorija speċifika ta' skoperturi ta' self speċjalizzat.

L-EBA għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2026.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2027.

3. B'deroga mill-Artikolu 122a(3), il-punt (a), l-iskoperturi ta' self speċjalizzat kif imsemmija f'dak il-punt li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu direttament applikabbli minn ECAI nominata jistgħu, sal-31 ta' Diċembru 2032, jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 80 %, meta l-aġġustament għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu msemmi fl-Artikolu 501a ma jiġix applikat u l-iskopertura titqies li tkun ta' kwalità għolja meta jitqiesu l-kriterji kollha li ġejjin:

(a) id-debitur jista' jissodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu anke taħt kundizzjonijiet ta' stress serju minħabba l-preżenza tal-karatteristiċi kollha li ġejjin:

(i) skopertura adegwata għall-valur tal-iskopertura;

(ii) profil konservattiv ta' ripagament tal-iskopertura;

(iii) il-ħajja li jifdal tal-assi tkun proporzjonali għall-ħlas sħiħ tal-iskopertura jew inkella rikors għal fornitur tal-protezzjoni b'affidabbiltà kreditizja għolja;

(iv) riskju baxx ta' rifinanzjament tal-iskopertura mid-debitur jew inkella dak ir-riskju jiġi mmitigat adegwatament b'valur tal-assi residwu proporzjonali jew b'rikors għal fornitur tal-protezzjoni b'affidabbiltà kreditizja għolja;

(v) id-debitur ikollu restrizzjonijiet kuntrattwali fuq l-attività u l-istruttura ta' finanzjament tiegħu;

(vi) id-debitur juża derivattivi għall-finijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju biss;

(vii) ir-riskji operazzjonali materjali jiġu mmaniġġati kif xieraq;

▼M17

(b) l-arranġamenti kuntrattwali fuq l-assi jipprovdu lill-mutwanti grad għoli ta' protezzjoni, inkluż il-karatteristiċi li ġejjin:

(i) il-mutwanti jkollhom dritt legalment infurzabbli fl-ewwel post għall-assi finanzjati u, fejn ikun applikabbli, għall-introjtu li jiġġeneraw;

(ii) ikun hemm restrizzjonijiet kuntrattwali fuq il-kapaċità tad-debitur li jagħmel bidliet għall-assi li jkollhom impatt negattiv fuq il-valur tiegħu;

(iii) meta l-assi jkun għadu qed jinbena, il-mutwanti jkollhom dritt legalment infurzabbli fl-ewwel post għall-assi u għall-kuntratti ta' kostruzzjoni sottostanti;

(c) l-assi li jkunu qed jiġu ffinanzjati jissodisfaw l-istandards kollha li ġejjin biex joperaw b'mod sod u effettiv:

(i) it-teknoloġija u d-disinn tal-assi jkunu ttestjati;

(ii) ikunu nkisbu l-permessi u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa kollha għat-tħaddim tal-assi;

(iii) meta l-assi jkun għadu qed jinbena, id-debitur ikollu salvagwardji adegwati dwar l-ispeċifikazzjonijiet, il-baġit u d-data tat-tlestija miftiehma tal-assi, inkluż garanziji ta' tlestija b'saħħithom jew l-involviment ta' bennej tal-esperjenza u dispożizzjonijiet kuntrattwali adegwati għad-danni likwidati.

4. L-EBA għandha tħejji rapport, fejn tanalizza dan li ġej:

(a) l-evoluzzjoni tax-xejriet u l-kundizzjonijiet fis-swieq għall-finanzjament ta' oġġetti fl-Unjoni;

(b) il-livell ta' riskju effettiv tal-iskoperturi ta' finanzjament ta' oġġetti matul ċiklu ekonomiku sħiħ;

(c) l-impatt fuq ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tat-trattament stabbilit fl-Artikolu 122a(3), il-punt (a), għal skoperturi ta' finanzjament ta' oġġetti, mingħajr ma jitqies l-Artikolu 465(1);

(d) l-adegwatezza tad-definizzjoni tas-subklassi ta' "finanzjament ta' oġġetti ta' kwalità għolja" u li dik is-subklassi ta' skoperturi tiġi assenjata trattament prudenzjali differenti.

L-EBA għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2030.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2031.

▼M17

Artikolu 495c

Arranġamenti tranżizzjonali għal skoperturi ta' kiri bħala teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu

1. B'deroga mill-Artikolu 230, il-valur applikabbli ta' H_c li jikkorrispondi għal “kollateral fiżiku ieħor” għall-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 199(7) meta l-assi mikrija tikkorrispondi għat-tip ta' “kollateral fiżiku ieħor” ta' protezzjoni ta' kreditu finanzjata, għandu jkun il-valur ta' H_c għal "kollateral fiżiku ieħor previst fl-Artikolu 230(2), it-Tabella 1, immultiplikat bil-fatturi li ġejjin:

(a) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2027;

(b) 80 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2028;

(c) 100 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2029 sal-31 ta' Diċembru 2029.

2. L-EBA għandha tħejji rapport dwar il-kalibrazzjonijiet xierqa tal-parametri tar-riskju assoċjati mal-iskoperturi ta' kiri skont l-Approċċ IRB, u tal-piżijiet tar-riskju skont l-Approċċ Standardizzat, u b'mod partikolari dwar l-LGD_s u l-H_c previsti fl-Artikolu 230. L-EBA għandha b'mod partikolari tinkludi fir-rapport tagħha *data* dwar in-numri medji ta' inadempjenzi u t-telf realizzat osservati fl-Unjoni għal skoperturi assoċjati ma' tipi differenti ta' proprjetajiet mikrija u tipi differenti ta' istituzzjonijiet li jwettqu attivitajiet ta' kiri.

L-EBA għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-10 ta’ Lulju 2027.

Abbażi ta' dak ir-rapport, u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2028.

Artikolu 495d

Arranġamenti tranżizzjonali għal impenji kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet

1. B'deroga mill-Artikolu 111(2), l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura ta' entrata li ma tidhirx fil-karta tal-bilanċ fil-forma ta' impenn kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet billi jimmultiplikaw il-perċentwal previst f'dak l-Artikolu bil-fatturi li ġejjin:

(a) 0 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2025 sal-31 ta' Diċembru 2029;

(b) 25 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2030 sal-31 ta' Diċembru 2030;

(c) 50 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2031 sal-31 ta' Diċembru 2031;

(d) 75 % matul il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2032 sal-31 ta' Diċembru 2032.

▼M17

2. L-EBA għandha tħejji rapport li jivvaluta jekk id-deroga msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (a), għandhiex tiġi estiża lil hinn mill-31 ta' Diċembru 2032 u li jispeċifika, fejn ikun meħtieġ, il-kundizzjonijiet li skonthom jenħtieġ li tinżamm dik id-deroga.

L-EBA għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

Abbażi ta' dak ir-rapport u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS u l-impatt ta' dawk l-istandards fuq l-istabbiltà finanzjarja, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2031.

Artikolu 495e

Arranġamenti tranżizzjonali għall- valutazzjonijiet tal-kreditu tal-ECAI tal-istituzzjonijiet

B'deroga mill-Artikolu 138, il-punt (g), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ikomplu jużaw valutazzjoni tal-kreditu tal-ECAI b'rabta ma' istituzzjoni li tinkorpora suppożizzjonijiet ta' appoġġ impliċitu tal-gvern sal-31 ta' Diċembru 2029.

Artikolu 495f

Arranġamenti tranżizzjonali għar-rekwiżiti ta' rivalwazzjoni tal-proprjetà

B'deroga mill-Artikolu 229(1), il-punti (a) sa (d), għal skoperturi ggarantiti permezz ta' proprjetà residenzjali jew proprjetà immobbli kummerċjali mogħtija qabel l-1 ta' Jannar 2025, l-istituzzjonijiet jistgħu jkomplu jivvalutaw il-proprjetà residenzjali jew il-proprjetà immobbli kummerċjali bil-valur tas-suq jew inqas minnu, jew f'dawk l-Istati Membri li jkunu pprevedew kriterji rigoruż għall-valutazzjoni tal-valur tas-self ipotekarju f'dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji, il-valur tas-self ipotekarju ta' dik il-proprjetà, sakemm ikun meħtieġ rieżami tal-valur tal-proprjetà f'konformità mal-Artikolu 208(3), jew sal-31 ta' Diċembru 2027, skont liema jiġi l-ewwel.

Artikolu 495g

Arranġamenti tranżizzjonali għal ċerti skemi ta' garanzija pubbliċi

B'deroga mill-Artikoli 183(1) u 213(1), garanzija li tista' tiġi kkanċellata f'każ ta' frodi mid-debitur jew li l-punt sa fejn testendi l-protezzjoni ta' kreditu tagħha jista' jonqos f'tali każ, għandha titqies li tissodisfa r-rekwiżiti imsemmija fl-Artikolu 183(1), il-punt (d), u fl-Artikolu 213 (1), il-punt (c), meta l-garanzija tkun ġiet ipprovduta minn entità msemmija fl-Artikolu 214(2), il-punt (a), mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024.

Artikolu 495h

Arranġamenti tranżizzjonali għall-użu tal-approċċ alternattiv ibbażat fuq mudell intern għar-riskju tas-suq

B'deroga mill-Artikolu 325az(2), il-punt (d), l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw, sal-1 ta' Jannar 2026, l-approċċ alternattiv ibbażat fuq mudell intern biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju tas-suq għall-postijiet tan-negozjar li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 325bg.

▼M10

_____

▼M8

Artikolu 497

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi għal CCPs

1. Meta CCP ta' pajjiż terz tapplika għal rikonoxximent f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkunsidraw dik is-CCP bħala QCCP mid-data li fiha ppreżentat l-applikazzjoni tagħha għal rikonoxximent lill-ESMA u sa waħda mid-dati li ġejjin:

(a) meta l-Kummissjoni tkun diġà adottat l-att ta' implimentazzjoni imsemmi fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-pajjiż terz li fih is-CCP tkun stabbilita u dak l-att ta' implimentazzjoni jkun daħal fis-seħħ, sentejn wara d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni;

(b) meta l-Kummissjoni ma tkunx għadha adottat l-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 25(6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-pajjiż terz li fih is-CCP tkun stabbilita jew meta dak l-att ta' implimentazzjoni jkun għadu ma daħalx fis-seħħ, l-ewwel data li sseħħ mid-dati li ġejjin:

(i) sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-att ta' implimentazzjoni;

(ii) għal CCPs li jippreżentaw l-applikazzjoni wara s-27 ta' Ġunju 2019, sentejn wara d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni;

(iii) għal dawk is-CCPs li jippreżentaw l-applikazzjoni qabel is-27 ta' Ġunju 2019, it-28 ta' Ġunju 2021.

2. Sal-iskadenza tad-data ta' skadenza msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta CCP imsemmija f'dak il-paragrafu ma jkollhiex fond ta' inadempjenza u ma jkollhiex fis-seħħ arranġament vinkolanti mal-membri ta' kklerjar tagħha li jippermettilha tuża l-marġni inizjali kollu jew parti minnu riċevut mill-membri ta' kklerjar tagħha daqs li kieku kienu kontribuzzjonijiet prefinanzjati, l-istituzzjoni għandha tissostitwixxi l-formula għall-kalkolu tar-rekwiżit ta' fondi proprji fl-Artikolu 308(2) ma' din li ġejja:

$$K_{CM_i} = \max\left\{K_{CCP} \cdot \frac{IM_i}{DF_{CCP} + IM};\ 8\,\% \cdot 2\,\% \cdot IM_i\right\}$$

fejn:

K_{CM_i} = ir-rekwiżit ta' fondi proprji;

▼M8

K_{CCP} = il-kapital ipotetiku tal-QCCP ikkomunikat lill-istituzzjoni mill-QCCP skont l-Artikolu 50c tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

DF_{CCP} = ir-riżorsi finanzjarji prefinanzjati tas-CCP ikkomunikati lill-istituzzjoni mis-CCP skont l-Artikolu 50c tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;

i = l-indiċi li jindika l-membru ta' kklerjar;

IM_i = il-marġni inizjali kollokat mas-CCP mill-membru ta' kklerjar i; u

IM = l-ammont totali ta' marġni inizjali komunikat lill-istituzzjoni mis-CCP f'konformità mal-Artikolu 89(5a) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

3. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, meta jkun meħtieġ u proporzjonat sabiex jiġi evitat tfixkil għas-swieq finanzjarji internazzjonali, il-Kummissjoni tista' tadotta, b'atti ta' implimentazzjoni, u soġġett għall-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 464(2), deċiżjoni biex testendi darba, bi 12-il xahar, id-dispożizzjonijiet transizzjonali stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

▼M9
▼C6

Artikolu 498

Eżenzjoni tal-operaturi tal-Prodotti

Sas-26 ta' Ġunju 2021, id-dispożizzjonijiet fuq ir-rekwiżiti tal-fondi proprji kif stabbiliti f'dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għal ditti tal-investiment li n-negozju ewlieni tagħhom jikkonsisti b'mod esklussiv fil-forniment ta' servizzi tal-investiment jew f'attivitajiet relatati mal-istrumenti finanzjarji stabbiliti fil-punti (5), (6), (7), (9), (10) u (11) tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE u li ma applikatx għalihom id-Direttiva 2004/39/KE fil-31 ta' Diċembru 2006.

▼B

Artikolu 499

Lieva finanzjarja

1. Permezz ta' deroga mill-Artikoli 429 u 430, matul il-perijodu bejn 1 Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2021, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw u jirrapportaw il-proporzjon ta' lieva finanzjarja billi jużaw dawn it-tnejn li ġejjin bħala l-kalkolu tal-kapital:

▼B

(a) Kapital ta’ Grad 1;

(b) Kapital ta’ Grad 1, soġġett għad-derogi stabbiliti fil-Kapitoli 1 u 2 ta’ dan it-Titolu.

2. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 451(1), l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu jiddivulgawx jew le dik l-informazzjoni dwar il-proporzjon ta’ lieva finanzjarja bbażata fuq definizzjoni waħda jew it-tnejn li huma tal-kalkolu tal-kapital speċifikata fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Fejn l-istituzzjonijiet jibdlu d-deċiżjoni tagħhom dwar liema proporzjon ta’ lieva finanzjarja sejrin jiddivulgaw, l-ewwel divulgazzjoni li sseħħ wara tali bidla għandu jkun fiha rikonċiljazzjoni tal-informazzjoni dwar il-proporzjonijiet ta’ lieva finanzjarja kollha li ġew divulgati sal-mument tal-bidla.

▼M8

_____

Artikolu 500

Aġġustament għal disponimenti fuq skala kbira

1. B'deroga mill-punt (a) tal-Artikolu 181(1), istituzzjoni tista' taġġusta l-istimi tagħha tal-LGD billi tpaċi parzjalment jew għalkollox l-effett ta' disponimenti fuq skala kbira ta' skoperturi inadempjenti fuq LGDs realizzati sad-differenza bejn il-medja tal-istimi tal-LGD għal skoperturi inadempjenti komparabbli li jkunu għadhom ma ġewx likwidati b'mod finali u l-medja tal-LGDs realizzati inkluż abbażi tat-telf realizzat minħabba d-disponimenti fuq skala kbira, hekk kif jintlaħqu l-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-istituzzjoni tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti bi pjan li jipprovdi l-iskala, il-kompożizzjoni u d-dati tad-disponimenti tal-iskoperturi inadempjenti;

▼M17

(b) id-dati tal-ċessjonijiet ta' skoperturi inadempjenti jkunu wara t-23 ta' Novembru 2016 iżda mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2024;

▼C8

(c) l-ammont kumulattiv tal-iskoperturi inadempjenti disposti minn wara d-data tal-ewwel disponiment f’konformità mal-pjan imsemmi fil-punt (a) jkun qabeż 20 % tal-ammont pendenti tal-iskoperturi inadempjenti kollha mid-data tal-ewwel disponiment imsemmija fil-punti (a) u (b).

▼M17

L-aġġustament imsemmi fl-ewwel subparagrafu jista' jsir biss sal-31 ta' Diċembru 2024 u l-effetti tiegħu jistgħu jdumu sakemm l-iskoperturi korrispondenti jkunu inklużi fl-istimi tal-LGD tal-istituzzjoni stess.

▼M8

2. L-istituzzjonijiet għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien meta tkun intlaħqet il-kondizzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 1.

▼M17

3. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2026, u kull sentejn wara dan, tivvaluta jekk il-livell ta' skoperturi inadempjenti fil-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet ikunx żdied b'mod sinifikanti, jekk tkunx qed tistenna deterjorament sinifikanti fil-kwalità tal-assi tal-istituzzjonijiet, u jekk il-grad ta' żvilupp tas-swieq sekondarji għal skoperturi inadempjenti jkunx adegwat biex jiżgura ċessjonijiet effiċjenti ta' skoperturi inadempjenti mill-istituzzjonijiet, filwaqt li tqis ukoll l-iżviluppi regolatorji dwar it-titolizzazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-adegwatezza tad-deroga stabbilita fil-paragrafu 1 u għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi estiż, introdott mill-ġdid jew emendat, kif meħtieġ, l-aġġustament previst f'dan l-Artikolu.

▼M11

Artikolu 500a

Trattament temporanju ta' dejn pubbliku maħruġ fil-munita ta' Stat Membru ieħor

▼M17

1. B'deroga mill-Artikolu 114(2), sal-31 ta' Diċembru 2026, għal skoperturi għall-gvernijiet ċentrali u l-banek ċentrali tal-Istati Membri, fejn dawk l-iskoperturi jkunu denominati u ffinanzjati fil-munita domestika ta' Stat Membru ieħor, japplikaw dawn li ġejjin:

(a) sal-31 ta' Diċembru 2024, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 0 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);

(b) fl-2025, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 20 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2);

(c) fl-2026, il-piż tar-riskju applikat għall-valuri tal-iskopertura għandu jkun 50 % tal-piż tar-riskju assenjat għal dawk l-iskoperturi f'konformità mal-Artikolu 114(2).

▼M11

2. B'deroga mill-Artikoli 395(1) u 493(4), l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet iġarrbu skoperturi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, sal-limiti li ġejjin:

▼M17

(a) 100 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni sal-31 ta' Diċembru 2025;

(b) 75 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2026;

(c) 50 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru 2027.

▼M11

Il-limiti msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom japplikaw għall-valuri tal-iskoperturi wara li jittieħed kont tal-effett tal-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-Artikoli 399 sa 403.

▼M11

3. B’deroga mill-punt (ii) tal-punt (d) tal-Artikolu 150(1), wara li jirċievu l-permess minn qabel tal-awtoritajiet kompetenti u soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 150, l-istituzzjonijiet jistgħu wkoll japplikaw l-Approċċ Standardizzat għall-iskoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, fejn dawk l-iskoperturi jkunu assenjati piż tar-riskju ta’ 0 % skont il-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu.

Artikolu 500b

Esklużjoni temporanja ta’ ċerti skoperturi għal banek ċentrali mill-miżura ta’ skopertura totali fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

1. B’deroga mill-Artikolu 429(4), sas-27 ta’ Ġunju 2021, istituzzjoni tista’ teskludi mill-miżura ta’ skopertura totali tagħha l-iskoperturi li ġejjin għall-bank ċentrali tal-istituzzjoni, soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu:

(a) muniti u karti tal-flus li jikkostitwixxu munita legali fil-ġurisdizzjoni tal-bank ċentrali;

(b) assi li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq il-bank ċentrali, inkluż riżervi miżmuma fil-bank ċentrali.

L-ammont eskluż mill-istituzzjoni ma għandux jaqbeż l-ammont medju ta’ kuljum tal-iskoperturi elenkati fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu matul l-aktar perijodu reċenti ta’ żamma tar-riżerva sħiħa tal-bank ċentrali tal-istituzzjoni.

2. Istituzzjoni tista’ teskludi l-iskoperturi elenkati fil-paragrafu 1 fejn l-awtorità kompetenti tal-istituzzjoni tkun iddeterminat, wara konsultazzjoni mal-bank ċentrali rilevanti, u ddikjarat pubblikament li jeżistu ċirkostanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-esklużjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta’ politiki monetarji.

L-iskoperturi li għandhom jiġu eskluži skont il-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw iż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu denominati fl-istess munita bħad-depożiti meħuda mill-istituzzjoni;

(b) il-maturità medja tagħhom ma taqbiżx b’mod sinifikanti l-maturità medja tad-depożiti meħuda mill-istituzzjoni.

Istituzzjoni li teskludi l-iskoperturi għall-bank ċentrali tagħha mill-miżura totali tal-iskopertura tagħha f’konformità mal-paragrafu 1 għandha tiżvela wkoll il-proporzjon ta’ lieva finanzjarja li kien ikollha li kieku ma teskludix dawk l-iskoperturi.

▼M17

Artikolu 500c

Esklużjoni tal-qbiż fil-valur mill-kalkolu tal-addend tal-ittestjar retrospettiv fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

B'deroga mill-Artikolu 325bf, f'ċirkostanzi eċċezzjonali u f'każijiet individwali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet jeskludu l-qbiż fil-valur evidenti mill-ittestjar retrospettiv tal-istituzzjoni fuq bidliet ipotetiċi jew reali mill-kalkolu tal-addend stabbilit fl-Artikolu 325bf, dment li dak il-qbiż fil-valur ma jirriżultax minn defiċjenzi fil-mudell intern u dment li jkunu seħħew bejn l-1 ta' Jannar 2020 u l-31 ta' Diċembru 2021.

▼M11

Artikolu 500d

Kalkolu temporanju tal-valur tal-iskopertura ta' xiri u bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19

1. B'deroga mill-Artikolu 429(4), sas-27 ta' Ġunju 2021, l-istituzzjonijiet jistgħu jikkalkulaw il-valur tal-iskopertura ta' xiri u bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu skont il-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jittrattaw flus kontanti relatati ma' bejgħ imħallas fi żmien regolari u titoli relatati ma' xiri mħallas fi żmien regolari li jibqgħu fil-karta tal-bilanċ sad-data ta' saldu bħala assi f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 429(4).

3. L-istituzzjonijiet li, f'konformità mal-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, japplikaw kontabbiltà skont id-data tan-negozju għal xiri u bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu għandhom ireġġgħu lura kwalunkwe tpaċija bejn flus kontanti riċevibbli għal bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkun qed jistenna saldu u flus kontanti pagabbli għal xiri mħallas fi żmien regolari li jkun qed jistenna saldu permess taħt dak il-qafas ta' kontabbiltà. Wara li l-istituzzjonijiet ikunu reġġgħu lura t-tpaċija ta' kontabbiltà, jistgħu jpaċu bejn dak il-flus kontanti riċevibbli u l-flus kontanti pagabbli fejn kemm il-bejgħ kif ukoll ix-xiri mħallas fi żmien regolari relatati jkunu ġew saldati fuq bażi ta' kunsenja kontra ħlas.

4. L-istituzzjonijiet li, f'konformità mal-qafas ta' kontabbiltà applikabbli, japplikaw kontabbiltà skont id-data tas-saldu għal xiri u bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkunu qed jistennew saldu għandhom jinkludu fil-miżura tal-iskopertura totali l-valur nominali sħiħ tal-impenji li għandhom jitħallsu relatati ma' xiri mħallas fi żmien regolari.

L-istituzzjonijiet jistgħu jpaċu l-valur nominali sħiħ tal-impenji li għandhom jitħallsu relatati max-xiri mħallas fi żmien regolari mal-valur nominali sħiħ tal-flus kontanti riċevibbli relatati mal-bejgħ imħallas fi żmien regolari li jkun qed jistenna saldu biss meta jiġu ssodisfati ż-żewġ kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) kemm ix-xiri kif ukoll il-bejgħ imħallas fi żmien regolari jkunu ġew saldati fuq il-bażi ta' kunsenja kontra ħlas;

(b) l-assi finanzjarji mixtrija u mibjugħa li huma assoċjati ma' flus kontanti pagabbli u riċevibbli jitkejlu b'valur ġust permezz tal-profitt jew it-telf u jiġu inklużi fil-portafoll tan-negozjar tal-istituzzjoni.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "xiri jew bejgħ imħallas fi żmien regolari" tfisser ix-xiri jew il-bejgħ ta' titolu taħt kuntratt li għalihom it-termini jeħtieġu l-kunsenja tat-titolu fil-perijodu stabbilit ġeneralment mil-liġi jew konvenzjoni fis-suq ikkonċernat.

▼M8

Artikolu 501

Aġġustament ta' skoperturi ponderati għar-riskju li mhumiex inadempjenti ta' SMEs

1. L-istituzzjonijiet għandhom jaġġustaw l-ammonti ta' skopertura ponderata għar-riskju għal skoperturi mhux inadempjenti għal SME (RWEA), li jiġu kalkulati f'konformità mal-Kapitolu 2 jew 3 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta, kif applikabbli, f'konformità mal-formula li ġejja:

$$RWEA^{*} = RWEA \cdot \frac{\min\{E^{*};\ EUR\ \ 2\ 500\ 000\} \cdot 0{,}7619 + \max\{E^{*} - EUR\ \ 2\ 500\ 000;\ 0\} \cdot 0{,}85}{E^{*}}$$

fejn:

RWEA* = ir-RWEA aġġustata b'fattur ta' appoġġ ta' SME; u

▼C8

E* = hija waħda mis-segwenti:

(a) l-ammont totali dovut lill-istituzzjoni, is-sussidjarji tagħha, l-impriżi prinċipali tagħha u sussidjarji oħra ta' dawk l-impriżi prinċipali, inkluż kwalunkwe skopertura inadempjenti, iżda bl-esklużjoni ta' pretensjonijiet jew pretensjonijiet kontinġenti ggarantiti fuq kollateral ta' proprjetà, mill-SME jew il-grupp ta' klijenti konnessi tal-SME;

(b) fejn l-ammont totali msemmi fil-punt (a) huwa ugwali għal 0, l-ammont tal-pretensjonijiet jew tal-pretensjonijiet kontinġenti kontra l-SME jew il-grupp ta' klijenti konnessi tal-SME li huma ggarantiti fuq kollateral ta' proprjetà residenzjali u li huma esklużi mill-kalkolu tal-ammont totali msemmi f'dak il-punt.

▼M8

2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu:

▼M17

(a) l-iskopertura għal SME għandha tiġi inkluża jew fil-livell tal-konsumatur jew fil-korporattivi jew tkun garantita permezz ta' ipoteki fuq klassijiet tal-iskoperturi għal proprjetà immobbli iżda bl-esklużjoni tal-iskoperturi ADC;

(b) SME għandu jkollha t-tifsira stabbilita fl-Artikolu 5, il-punt (9);

▼M8

(c) l-istituzzjonijiet għandhom jieħdu passi raġonevoli biex jiddeterminaw b'mod korrett E* u jiksbu l-informazzjoni meħtieġa taħt il-punt (b).

Artikolu 501a

Aġġustament għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju tal-kreditu għall-iskoperturi għal entitajiet li joperaw jew jiffinanzjaw strutturi jew faċilitajiet fiżiċi, sistemi u netwerks li jipprovdu jew jappoġġaw servizzi pubbliċi essenzjali

1. Rekwiżiti ta' fondi proprji għal riskju tal-kreditu kalkulat f'konformità mat-Titolu II, Parti III għandhom jiġu multiplikati b'fattur ta' 0,75, dment li l-iskopertura tkun konformi mal-kriterji kollha li ġejjin:

▼M17

(a) l-iskopertura tiġi assenjata għall-klassi tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 112, il-punt (g), jew għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet tal-iskoperturi msemmija fl-Artikolu 147(2), il-punt (c)(i), (ii) jew (iii), bl-esklużjoni tal-iskoperturi f'inadempjenza;

▼M8

(b) l-iskopertura hija għal entità li nħolqot speċifikament biex tiffinanzja jew topera strutturi jew faċilitajiet fiżiċi, sistemi u netwerks li jipprovdu jew jappoġġaw servizzi pubbliċi essenzjali;

(c) is-sors tar-ripagament tal-obbligu hu rappreżentat b'mhux inqas minn żewġ terzi tal-ammont tiegħu mid-dħul ġenerat mill-assi li qed jiġu finanzjati, pjuttost milli l-kapaċità indipendenti ta' impriża kummerċjali usa', jew minn sussidji, għotjiet jew finanzjament ipprovduti minn waħda jew aktar mill-entitajiet elenkati fil-punti (b)(i) u (b)(ii) tal-paragrafu 2;

(d) l-obbligant jista' jissodisfa l-obbligi finanzjarji tiegħu anki taħt kondizzjonijiet stressjati b'mod sever li jkunu rilevanti għar-riskju tal-proġett;

(e) il-flussi ta' flus li l-obbligant jiġġenera jkunu prevedibbli u jkopru r-ripagamenti ta' self futuri kollha matul il-perijodu tas-self;

▼M17

(f) ir-riskju ta' rifinanzjament ta-debitur ikun baxx jew mitigat adegwatament, filwaqt li jitqies kwalunkwe sussidju, għotja jew finanzjament ipprovdut minn waħda jew aktar mill-entitajiet elenkati fil-paragrafu 2, il-punti (b)(i) u (ii);

▼M8

(g) l-arranġamenti kuntrattwali jipprovdu lis-selliefa grad għoli ta' protezzjoni inkluż dawn li ġejjin:

(i) meta d-dħul tal-obbligant ma jkunx finanzjat permezz ta' pagamenti minn numru kbir ta' utenti, l-arranġamenti kuntrattwali għandhom jinkludu dispożizzjonijiet li effettivament jipproteġu lis-selliefa kontra telf li jirriżulta mit-tmiem tal-proġett mill-parti li taqbel li tixtri l-prodotti jew is-servizzi provduti mill-obbligant;

(ii) l-obbligant ikollu fondi ta' riserva suffiċjenti finanzjati bis-sħiħ bil-flus jew arranġamenti finanzjarji oħra ma' garanti bi klassifikazzjoni għolja biex ikopri l-finanzjament ta' kontinġenza u r-rekwiżiti ta' kapital operatorju tul il-ħajja tal-assi imsemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu;

(iii) is-selliefa jkollhom livell sostanzjali ta' kontroll fuq l-assi u d-dħul ġenerat mill-obbligant;

(iv) is-selliefa jkollhom il-benefiċċju ta' sigurtà sa fejn permess mil-liġi applikabbli f'assi u kuntratti kritiċi għan-negozju tal-infrastruttura jew ikollhom mekkaniżmi alternattivi stabbiliti biex jiżguraw il-pożizzjoni tagħhom;

▼M8

(v) l-ekwità tintwiegħed lis-selliefa sabiex ikunu jistgħu jieħdu kontroll tal-entità mal-inadempjenza;

(vi) ikun ristrett l-użu ta' flussi ta' flus operatorji netti wara pagamenti obbligatorji mill-proġett għal finijiet ħlief obbligi għall-ħlas tad-dejn;

(vii) ikun hemm restrizzjonijiet kuntrattwali fuq il-kapaċità tal-obbligant biex iwettaq attivitajiet li jistgħu jkunu ta' detriment għas-selliefa, inkluż ir-restrizzjoni li dejn ġdid ma jistax jinħareġ mingħajr il-kunsens ta' fornituri tas-self eżistenti;

(h) l-obbligu jkun privileġġat fir-rigward tal-pretensjonijiet l-oħra kollha ħlief pretensjonijiet statutorji u pretensjonijiet minn kontropartijiet derivattivi;

(i) meta l-obbligant ikun fil-fażi ta' kostruzzjoni, il-kriterji li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti mill-investitur tal-ekwità, jew meta jkun hemm iktar minn investitur wieħed tal-ekwità, il-kriterji li ġejjin għandhom jiġu sodisfatti minn grupp ta' investituri tal-ekwità kollu kemm hu:

(i) l-investituri tal-ekwità jkollhom storja ta' sorveljanza b'suċċess ta' proġetti infrastrutturali, is-saħħa finanzjarja u l-għarfien espert rilevanti;

(ii) l-investituri tal-ekwità jkollhom riskju baxx ta' inadempjenza, jew ikun hemm riskju baxx ta' telf materjali għall-obbligant bħala riżultat tal-inadempjenza tagħhom;

(iii) ikun hemm mekkaniżmi adegwati fis-seħħ biex jallinjaw l-interess tal-investituri tal-ekwità mal-interessi tas-selliefa;

(j) l-obbligant ikollu salvagwardji adegwati biex jiżguraw tlestija tal-proġett skont l-ispeċifikazzjoni, il-baġit jew id-data tat-tlestija miftiehma; inkluż garanziji b'saħħithom ta' tlestija jew l-involviment ta' kostruttur ta' esperjenza u dispożizzjonijiet adegwati fil-kuntratt għal danni likwidati;

(k) meta r-riskji operatorji jkunu materjali, ikunu ġestiti tajjeb;

(l) l-obbligant juża teknoloġija u disinn ittestjati;

(m) ikunu nkisbu l-permessi u l-awtorizzazzjonijiet meħtieġa kollha;

(n) l-obbligant juża derivattivi biss għal finijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju;

▼M17

(o) għal skoperturi oriġinati wara l-1 ta' Jannar 2025, id-debitur ikun wettaq valutazzjoni li l-assi li jkunu qed jiġu ffinanzjati jikkontribwixxu b'mod pożittiv għal wieħed jew aktar mill-objettivi ambjentali stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2020/852 u ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-objettivi l-oħra stabbiliti f'dak l-Artikolu, jew li l-assi li jkunu qed jiġu ffinanzjati ma jagħmlux ħsara sinifikanti lil kwalunkwe wieħed mill-objettivi ambjentali stabbiliti f'dak l-Artikolu.

▼**M8**

2. Għall-finijiet ta' punt (e) tal-paragrafu 1, il-flussi ta' flus ġenerati ma għandhomx jitqiesu bħala prevedibbli sakemm parti sostanzjali tad-dħul ma tissodisfax il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) jiġi sodisfatt wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(i) id-dħul ikun ibbażat fuq id-disponibbiltà;

(ii) id-dħul ikun soġġett għal regolament tar-rata tar-redditu;

(iii) id-dħul ikun soġġett għal kuntratt take-or-pay;

(iv) il-livell ta' produzzjoni jew tal-użu u l-prezz għandhom b'mod indipendenti jissodisfaw wieħed mill-kriterji li ġejjin:

— ikunu regolati,

— ikunu ffissati b'kuntratt,

— ikunu suffiċjentement prevedibbli b'riżultat ta' domanda baxxa tar-riskju;

(b) meta d-dħul tal-obbligant ma jkunx finanzjat permezz ta' pagamenti minn numru kbir ta' utenti, il-parti li taqbel li tixtri l-prodotti jew is-servizzi pprovduti mill-obbligant għandha tkun waħda minn dawn li ġejjin:

(i) bank ċentrali, gvern ċentrali, gvern reġjonali jew awtorità lokali, dment li dawn jiġu assenjati ponderazzjoni tar-riskju ta' 0 % f'konformità mal-Artikoli 114 u 115 jew jiġu assenjati klassifikazzjoni ECAI bi klassi tal-mertu tal-kreditu ta' mill-inqas 3;

(ii) entità tas-settur pubbliku, dment li tkun assenjata lilha ponderazzjoni tar-riskju ta' 20 % jew inqas f'konformità mal-Artikolu 116 jew tkun assenjata lilha klassifikazzjoni ECAI bi klassi tal-mertu tal-kreditu ta' mill-inqas 3;

(iii) bank multilaterali tal-iżvilupp imsemmi fl-Artikolu 117(2);

(iv) organizzazzjoni internazzjonali msemmija fl-Artikolu 118;

(v) entità korporattiva li ġiet assenjata klassifikazzjoni ECAI bi klassi tal-mertu tal-kreditu ta' mill-inqas 3;

(vi) entità li tkun sostitwibbli mingħajr bidla sinifikanti fil-livell u fid-dewmien tad-dħul.

3. L-istituzzjonijiet għandhom jirrapportaw lill-awtoritajiet kompetenti kull sitt xhur dwar l-ammont totali ta' skoperturi lill-entitajiet ta' proġetti tal-infrastruttura kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. Il-Kummissjoni għandha, sat-28 ta' Ġunju 2022 tirrapporta dwar l-impatt tar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament fuq is-self lill-entitajiet ta' proġetti tal-infrastruttura u għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġislattiva, jekk adatt.

▼M8

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-ABE għandha tirrapporta dwar dan li ġej lill-Kummissjoni:

(a) analiżi tal-evoluzzjoni tax-xejriet u l-kondizzjonijiet fis-swieq għal self tal-infrastruttura u l-finanzjament ta' proġetti tul il-perijodu msemmi fil-paragrafu 4;

(b) analiżi tal-element ta' riskju effettiv tal-entitajiet imsemmija fil-punt (b) tal-paragrafu 1 tul ċiklu ekonomiku sħiħ;

(c) il-konsistenza tar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament bl-eżiti tal-analiżi taħt il-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 501b

Deroga mir-rekwiżiti tar-rappurtar

B'deroga mill-Artikolu 430, matul il-perijodu bejn id-data ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament u d-data tal-ewwel rimessa tar-rapporti speċifikati fl-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu, awtorità kompetenti tista' tirrinunzja mir-rekwiżit tar-rappurtar ta' informazzjoni fil-format speċifikat fil-mudelli li jinsabu fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 430 (7) meta dawk il-mudelli ma jkunux ġew aġġornati biex jirriflettu d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

▼B

TITOLU II

RAPPORTI U ANALIŻI

▼M17

Artikolu 501c

Trattament prudenzjali tal-iskoperturi għal fatturi ambjentali jew soċjali

1. L-EBA, wara li tikkonsulta lill-BERS, għandha, abbażi tad-*data* disponibbli, tivvaluta jekk għandux jiġi aġġustat it-trattament prudenzjali ddedikat tal-iskoperturi relatati ma' assi jew obbligazzjonijiet, soġġett għall-impatt ta' fatturi ambjentali jew soċjali. B'mod partikolari, l-EBA għandha tivvaluta:

(a) id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà ta' *data* ESG affidabbli u konsistenti għal kull klassi tal-iskoperturi ddeterminata f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II;

(b) f'konsultazzjoni mal-EIOPA, il-fattibbiltà li tiġi introdotta metodoloġija standardizzata biex jiġu identifikati u kkwalifikati l-iskoperturi, għal kull klassi tal-iskoperturi ddeterminata f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, abbażi ta' sett komuni ta' prinċipji għall-klassifikazzjoni tar-riskju tal-ESG, bl-użu tal-informazzjoni dwar ir-riskju ta' tranżizzjoni u l-indikaturi tar-riskju fiżiku magħmula disponibbli mill-oqfsa ta' rapportar tad-divulgazzjoni dwar is-sostenibbiltà adottati fl-Unjoni u fejn ikunu disponibbli internazzjonalment, il-gwida u l-konklużjonijiet li ġejjin mill-ittestjar superviżorju tal-istress jew l-analiżi tax-xenarji tar-riskji finanzjarji relatati mal-klima mwettqa mill-EBA jew mill-awtoritajiet kompetenti u jekk jiġu riflessi b'mod xieraq ir-riskji tal-ESG, il-punteġġ rilevanti tal-ESG tal-klassifikazzjoni tar-riskju ta' kreditu minn ECAI nominata;

▼M17

(c) il-livell ta' riskju effettiv ta' skoperturi relatati ma' assi u attivitajiet soġġetti għall-impatt ta' fatturi ambjentali jew soċjali meta mqabbel mal-livell ta' riskju ta' skoperturi oħra u r-reviżjonijiet addizzjonali u aktar komprensivi possibbli għall-qafas li għandhom jitqiesu, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi miftiehma fil-livell internazzjonali mill-BCBS;

(d) l-effetti potenzjali fuq terminu qasir, medju u twil ta' trattament prudenzjali aġġustat ta' skoperturi relatati ma' assi u attivitajiet soġġetti għall-impatt ta' fatturi ambjentali jew soċjali fuq l-istabbiltà finanzjarja u s-self bankarju fl-Unjoni;

(e) it-titjib immirat li jista' jitqies fil-qafas prudenzjali attwali.

2. L-EBA għandha tippreżenta rapporti suċċessivi dwar is-sejbiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sad-dati li ġejjin:

(a) sad-9 ta' Lulju 2024 għall-valutazzjonijiet meħtieġa skont il-paragrafu 1, il-punt (e);

(b) sal-31 ta' Diċembru 2024 għall-valutazzjonijiet meħtieġa skont il-paragrafu 1, il-punti (a) u (b);

(c) sal-31 ta' Diċembru 2025 għall-valutazzjonijiet meħtieġa skont il-paragrafu 1, il-punti (c) u (d).

Abbażi ta' dawk ir-rapporti tal-EBA, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta leġiżlattiva sal-31 ta' Diċembru 2026.

Artikolu 501d

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali dwar it-trattament prudenzjali tal-kriptoassi

1. Sat-30 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġi introdott trattament prudenzjali ddedikat għall-iskoperturi tal-kriptoassi, filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali u r-Regolament (UE) 2023/1114. Dik il-proposta leġiżlattiva għandha tinkludi dan li ġej:

(a) kriterji għall-assenjazzjoni tal-kriptoassi għal kategoriji differenti tal-kriptoassi abbażi tal-karatteristiċi tar-riskju tagħhom u l-konformità tagħhom ma' kundizzjonijiet speċifiċi;

(b) rekwiżiti speċifiċi ta' fondi proprji għar-riskji kollha li jinvolvu kriptoassi differenti;

(c) limitu aggregat għall-iskoperturi għal tipi speċifiċi ta' kriptoassi;

(d) rekwiżiti speċifiċi tal-proporzjon tal-lieva għall-iskoperturi tal-kriptoassi;

(e) setgħat superviżorji speċifiċi fir-rigward tal-assenjazzjoni, il-monitoraġġ u l-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi tal-kriptoassi;

▼M17

(f) rekwiżiti speċifiċi ta' likwidità għall-iskoperturi tal-kriptoassi;

(g) rekwiżiti ta' divulgazzjoni u rapportar.

2. Sad-data tal-applikazzjoni tal-att leġiżlattiv imsemmi fil-paragrafu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għall-iskoperturi tal-kriptoassi kif ġej:

(a) l-iskoperturi tal-kriptoassi għal assi tradizzjonali tokenizzati għandhom jiġu ttrattati bħala skoperturi għall-assi tradizzjonali li jirrappreżentaw;

(b) l-iskoperturi għal tokens irreferenzjati ma' assi li l-emittenti tagħhom jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2023/1114 u li jirreferu għal assi tradizzjonali wieħed jew aktar għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 250 %;

(c) l-iskoperturi tal-kriptoassi li mhumiex dawk imsemmija fil-punti (a) u (b) għandhom jiġu assenjati piż tar-riskju ta' 1 250 %.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-punt (a), l-iskoperturi tal-kriptoassi għal assi tradizzjonali tokenizzati li l-valuri tagħhom jiddependu minn kwalunkwe kriptoassi ieħor għandhom jiġu assenjati għall-punt (c).

3. Il-valur tal-iskopertura totali ta' istituzzjoni għall-kriptoassi għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), m'għandux jaqbeż 1 % tal-kapital tal-Grad 1 tal-istituzzjoni.

4. Istituzzjoni li taqbeż il-limitu stabbilit fil-paragrafu 3 għandha tinnotifika minnufih lill-awtorità kompetenti dwar il-ksur u għandha turi ritorn f'waqtu għall-konformità għas-sodisfazzjon tal-awtorità kompetenti.

5. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika l-elementi tekniċi meħtieġa għall-istituzzjonijiet biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom f'konformità mal-approċċi stabbiliti fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c), inkluż kif jiġi kkalkulat il-valur tal-iskoperturi u kif jiġu aggregati l-iskoperturi qosra u twal għall-finijiet tal-paragrafi 2 u 3.

Meta tiżviluppa dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji, l-EBA għandha tqis l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS kif ukoll l-awtorizzazzjonijiet eżistenti fl-Unjoni skont ir-Regolament (UE) 2023/1114.

L-EBA għandha tippreżenta dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sal-10 ta' Lulju 2025.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

6. Għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għall-iskoperturi tal-kriptoassi, l-istituzzjonijiet m'għandhomx japplikaw it-tnaqqis imsemmi fl-Artikolu 36(1), il-punt (b).

▼B

Artikolu 502

Ċikliċità tar-rekwiżiti tal-kapital

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-ABE, mal-BERS u mal-Istati Membri, u billi tikkunsidra l-opinjoni tal-BĊE, għandha tissorvelja b'mod perijodiku jekk dan ir-Regolament sħiħ, flimkien mad-Direttiva 2013/36/UE għandux effetti sinifikanti fuq iċ-ċiklu ekonomiku u, fid-dawl ta' dak l-eżami, għandha tikkunsidra jekk humiex ġustifikati xi miżuri ta' rimedju. Sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE għandha tirrapporta għand il-Kummissjoni jekk il-metodoloġiji tal-istituzzjonijiet skont l-Approċċ IRB għandhomx jikkonverġu bil-għan li jinkisbu rekwiżiti tal-kapital aktar komparabbli fil-waqt li tiġi mitigata l-proċikliċità u kif dan jista' jseħħ.

Ibbażata fuq dik l-analiżi u billi tiġi kkunsidrata l-opinjoni tal-BĊE, kull sentejn il-Kummissjoni għandha tħejji rapport u tissottomettih lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa. Kontribuzzjonijiet minn partijiet ta' teħid ta' kreditu u dawk ta' self ta' kreditu għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod adegwat meta jitfassal ir-rapport.

Sal-31 ta' Diċembru 2014 il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 33(1)(c) u għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposta leġislattiva jekk xieraq.

Fir-rigward tat-tħassir potenzjali tal-Artikolu 33(1)(c) u l-applikazzjoni potenzjali tiegħu fil-livell tal-Unjoni, l-analiżi għandha b'mod partikolari tiżgura li jkunu fis-seħħ salvagwardji suffiċjenti biex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja fl-Istati Membri kollha.

Artikolu 503

Rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi fil-forma ta' bonds koperti

1. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2014, wara li tikkonsulta mal-ABE, tirrapporta għand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposta xierqa, dwar jekk il-piżijiet tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 129 u r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju speċifiku fl-Artikolu 336(3) humiex adegwati għall-istrumenti kollha li jikkwalifikaw għal dawk it-trattamenti u jekk il-kriterji fl-Artikolu 129 humiex adatti.

2. Ir-rapport u l-proposti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkunsidraw:

(a) il-punt sa fejn ir-rekwiżiti regolatorji attwali dwar kapital applikabbli għal bonds koperti jiddifferenzjaw b'mod adegwat bejn varjazzjonijiet fil-kwalità ta' kreditu ta' bonds koperti u l-kollateral li l-bonds koperti jistgħu jiġi garantiti fuq il-bażi tagħhom, inkluż il-miżura tal-varjazzjonijiet fost l-Istati Membri;

▼B

(b) it-trasparenza tas-suq tal-bonds koperti u l-punt sa fejn din tiffaċilita analiżi interna komprensiva minn investituri rigward ir-riskju ta' kreditu ta' bonds koperti u l-kollateral li jiggarantihom u s-segregazzjoni tal-assi fil-każ tal-insolvenza tal-emittent, inklużi l-effetti ta' mitigazzjoni tal-qafas legali nazzjonali strett sottostanti f'konformità mal-Artikolu 129 ta' dan ir-Regolament u l-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE dwar il-kwalità ġenerali tal-kreditu ta' bond kopert u l-implikazzjonijiet tagħha fuq il-livell ta' trasparenza meħtieġ mill-investituri; u

(c) il-punt sa fejn il-ħruġ minn istituzzjoni tal-kreditu ta' bonds koperti taffettwa r-riskju ta' kreditu li għalih krediturі oħrajn tal-istituzzjoni emittenti jkunu skoperti.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2014, wara li tikkonsulta l-ABE, il-Kummmissjoni għandha tagħmel rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar jekk self iggarantit minn inġenji tal-ajru (rahan fuq inġenji tal-ajru) u jekk self residenzjali kopert b'garanzija, iżda li mhux kopert b'ipoteka reġistrata, jistgħux ikunu kkunsidrati taħt ċerti kondizzjonijiet bħala assi eliġibbli skont l-Artikolu 129.

4. Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-adegwatezza tad-deroga stipulata fl-Artikolu 496 u, jekk rilevanti, l-adegwatezza tal-estensjoni ta' trattament simili għal kwalunkwe forma oħra ta' bond kopert. Fid-dawl ta' dik l-analiżi, il-Kummissjoni tista', jekk dan ikun xieraq, tadotta atti delegati skont l-Artikolu 462 sabiex tagħmel dik id-deroga permanenti jew tagħmel proposti leġislattivi sabiex testendiha għal forom oħra ta' bonds koperti.

Artikolu 504

Strumenti kapitali sottoskritti mill-awtoritajiet pubbliċi f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2016, wara li tikkonsulta lill-ABE, tagħti rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, flimkien ma' kwalunkwe proposti xierqa, jekk it-trattament stabbilit fl-Artikolu 31 jeħtiġx jiġi emendat jew imneħħi.

▼M8

Artikolu 504a

Holdings ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli

Sat-28 ta' Ġunju 2022 l-ABE għandha tagħti rapport lill-Kummissjoni dwar l-ammonti u d-distribuzzjoni tal-holdings ta' strumenti ta' obbligazzjonijiet eliġibbli fost l-istituzzjonijiet identifikati bħala G-SIIs jew O-SIIs u dwar l-impedimenti potenzjali għar-riżoluzzjoni u r-riskju ta' kontaġju fir-rigward ta' dawk il-holdings.

Abbażi tar-rapport mill-ABE, il-Kummissjoni għandha, sat-28 ta' Ġunju 2023, tagħti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-trattament adatt ta' tali holdings, akkumpanjat minn proposta leġislattiva, fejn ikun adatt.

▼M17

Artikolu 505

Rieżami tal-finanzjament agrikolu

1. Sal-31 ta' Diċembru 2030, l-EBA għandha tħejji rapport dwar l-impatt tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fuq il-finanzjament agrikolu, inkluż dwar:

(a) l-adegwatezza ta' piż tar-riskju ddedikat għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju ta' kreditu kkalkulat f'konformità mal-Parti Tlieta, it-Titolu II, għall-iskoperturi għal intrapriża agrikola;

(b) fejn ikun applikabbli, kriterji prudenzjalment ġustifikati għall-applikazzjoni ta' tali piż tar-riskju ddedikat, inkluż prattiki agrikoli, kif ukoll l-inklużjoni ta' skoperturi fil-korporattivi, fil-livell tal-konsumatur jew iggarantiti permezz ta' ipoteki fuq il-klassijiet tal-iskoperturi tal-proprjetà immobbli;

(c) l-allinjament mal-istrateġija "mill-għalqa sal-platt" stabbilita fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 intitolata "Strateġija 'Mill-Għalqa sal-Platt' għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" u l-impatt ambjentali rispettiv skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2020/852, b'mod partikolari mal-indikaturi kif miġbura fin-Network ta' Informazzjoni tal-Kontabilità Agrikola, li juru l-punteġġi tal-kontribuzzjoni fir-rigward ta':

(i) l-emissjonijiet netti ta' gassijiet serra għal kull ettaru;

(ii) l-użu tal-pestiċidi u l-fertilizzanti għal kull ettaru;

(iii) il-proporzjonijiet tal-effiċjenza tal-minerali tal-ħamrija, inkluż il-karbonju, l-ammonijaka, il-fosfat u n-nitroġenu għal kull ettaru;

(iv) l-effiċjenza fl-użu tal-ilma;

(v) konferma tal-impatt pożittiv fuq l-indikaturi msemmija fil-punti (i) sa (iv) ta' dan il-punt b'logo tal-produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea msemmi fir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2018/848 ([1]).

2. Filwaqt li tqis ir-rapport tal-EBA msemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Fejn xieraq, dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex jiġi emendat dan ir-Regolament sabiex jittaffew l-effetti negattivi tiegħu fuq il-finanzjament agrikolu.

3. L-EBA għandha tħejji wkoll rapport intermedju dwar l-impatt tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fuq il-finanzjament agrikolu sal-31 ta' Diċembru 2027.

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

▼M17

Artikolu 506

Riskju ta' kreditu – assigurazzjoni ta' kreditu

Sat-30 ta' Ġunju 2024, l-EBA għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EIOPA, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-eliġibbiltà u l-użu tal-polza tal-assigurazzjoni ta' kreditu bħala teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu, inkluż dwar:

(a) l-adegwatezza tal-parametri tar-riskju assoċjati msemmija fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitoli 3 u 4;

(b) analiżi tal-livell ta' riskju effettiv u osservat tal-iskoperturi għar-riskju ta' kreditu meta assigurazzjoni ta' kreditu tkun ġiet rikonoxxuta bħala teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu;

(c) il-konsistenza tar-rekwiżiti ta' fondi proprji stabbiliti f'dan ir-Regolament bl-eżiti tal-analiżi skont il-punti (a) u (b).

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2024 biex temenda t-trattament applikabbli għall-assigurazzjoni ta' kreditu msemmi fil-Parti Tlieta, it-Titolu II.

▼M13

Artikolu 506a

CIUs b'portafoll sottostanti ta' bonds sovrani taż-żona tal-euro

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-BERS u l-EBA, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport sal-31 ta' Diċembru 2021 li fih għandha tivvaluta jekk humiex meħtieġa bidliet fil-qafas regolatorju biex jiġi promoss is-suq, u x-xiri mill-banek, tal-iskoperturi fil-forma ta' unitajiet jew ishma f'CIUs b'portafoll sottostanti li jikkonsisti esklussivament f'bonds sovrani tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, meta l-piż relattiv tal-bonds sovrani ta' kull Stat Membru fil-portafoll totali tas-CIU jkun ugwali għall-piż relattiv tal-kontribuzzjoni kapitali ta' kull Stat Membru lill-BĊE.

Artikolu 506b

Titolizzazzjonijiet tal-NPE

1. L-EBA għandha timmonitorja l-applikazzjoni tal-Artikolu 269a u għandha tevalwa t-trattament kapitali regolatorju tat-titolizzazzjonijiet NPE wara li tqis l-istat tas-suq għall-NPEs b'mod ġenerali u l-istat tas-suq tat-titolizzazzjoni tal-NPEs b'mod partikolari, u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet tagħha lill-Kummissjoni sal-10 ta' Ottubru 2022.

2. Sal-10 ta' April 2023, il-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 269a. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu, fejn xieraq, ikun akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

▼M17

Artikolu 506c

Riskju ta' kreditu – interazzjoni bejn it-tnaqqis tal-kapital ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 u l-parametri tar-riskju ta' kreditu

Sal-31 ta' Diċembru 2026, l-EBA għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-konsistenza bejn il-kejl attwali tar-riskju ta' kreditu u l-parametri individwali tar-riskju ta' kreditu u dwar it-trattament ta' kwalunkwe aġġustament għall-fini tal-komputazzjoni tan-nuqqas tal-IRB jew l-eċċess tal-IRB kif imsemmi fl-Artikolu 159, u dwar il-konsistenza tagħha mad-determinazzjoni tal-valur tal-iskopertura f'konformità mal-Artikolu 166 u mal-istima tal-LGD.

Dak ir-rapport għandu jqis it-telf ekonomiku massimu possibbli li jirriżulta minn avveniment ta' inadempjenza flimkien mal-kopertura miksuba tiegħu f'termini ta' tnaqqis tal-kapital tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1, filwaqt li jitqies kwalunkwe tnaqqis tal-kapital tal-Ekwità Komuni ta' Grad 1 ibbażat fuq il-kontabilità, inkluż minn telf ta' kreditu mistenni jew minn aġġustamenti fil-valur ġust, u kwalunkwe skont fuq l-iskoperturi riċevuti, u l-implikazzjonijiet tagħhom għat-tnaqqis regolatorju.

Artikolu 506d

Trattament prudenzjali ta' titolizzazzjoni

1. Sal-31 ta' Diċembru 2026, l-EBA, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-ESMA, għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar it-trattament prudenzjali tat-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni, filwaqt li tiddistingwi bejn tipi differenti ta' titolizzazzjonijiet, inkluż titolizzazzjonijiet sintetiċi, bejn l-oriġinaturi u l-investituri, u bejn tranżazzjonijiet STS u mhux STS.

2. B'mod partikolari, l-EBA għandha timmonitorja l-użu tal-arranġament tranżizzjonali msemmi fl-Artikolu 465(13) u tivvaluta l-punt sa fejn l-applikazzjoni tal-minimu tal-output għal skoperturi ta' titolizzazzjoni taffettwa t-tnaqqis tal-kapital miksub mill-istituzzjonijiet oriġinaturi fi tranżazzjonijiet li għalihom ikun ġie rikonoxxut trasferiment tar-riskju sinifikanti, tnaqqas b'mod eċċessiv is-sensittività għar-riskju u taffettwa l-vijabbiltà ekonomika ta' tranżazzjonijiet ġodda ta' titolizzazzjoni. F'każijiet bħal dawn ta' tnaqqis tas-sensittivitajiet għar-riskju, l-EBA tista' tqis li tipproponi rikalibrar 'l isfel tal-fatturi ta' non-newtralità għal tranżazzjonijiet li għalihom ikun ġie rikonoxxut trasferiment tar-riskju sinifikanti. L-EBA għandha tivvaluta wkoll l-adegwatezza tal-fatturi ta' non-newtralità kemm skont is-SEC-SA kif ukoll skont is-SEC-IRBA, filwaqt li tqis il-prestazzjoni storika tal-kreditu tat-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni fl-Unjoni u r-riskji mnaqqsa tal-mudell u tal-aġenzija tal-qafas ta' titolizzazzjoni.

3. Abbażi ta' dak ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 u filwaqt li jitqiesu kif xieraq l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 506e

Rikonoxximent ta' protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata massima jew minima

1. Sal-10 ta' Lulju 2026, l-EBA għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar dan li ġej:

▼M17

(a) il-kundizzjonijiet li l-garanziji li jkollhom limiti massimi jew minimi ddeterminati fil-livell ta' portafoll ta' skoperturi (“garanziji tal-portafoll”) iridu jissodisfaw biex jikkwalifikaw bħala titolizzazzjoni;

(b) it-trattament regolatorju applikabbli skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4, għall-garanziji tal-portafoll fejn dawk ma jikkwalifikawx bħala titolizzazzjoni;

(c) l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 5, ta' dan ir-Regolament u fil-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 għall-garanziji tal-portafoll fejn dawk il-garanziji jikkwalifikaw bħala titolizzazzjoni;

(d) l-applikazzjoni tal-Artikolu 234 għal garanziji uniċi li jwasslu għal segmentazzjoni.

2. Fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, l-EBA għandha tivvaluta b'mod partikolari dan li ġej:

(a) fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (a), il-kundizzjonijiet li skonthom il-garanziji tal-portafoll jagħtu lok għal trasferiment segmentat tar-riskju;

(b) fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (b):

(i) il-kriterji ta' eliġibbiltà rilevanti tal-garanziji tal-portafoll skont il-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4;

(ii) l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4;

(c) fir-rigward tal-paragrafu 1, il-punt (d), l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu 2 tar-Regolament (UE) 2017/2402 u fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 5, ta' dan ir-Regolament.

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2027.

Artikolu 506f

Trattament prudenzjali tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli

Sal-10 ta’ Lulju 2026, l-EBA għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-impatt tal-qafas il-ġdid għat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli f'termini ta' rekwiżiti ta' fondi proprji attribwiti għat-tranżazzjonijiet korrispondenti ta' finanzjament tat-titoli li min-natura tagħhom huma attivitajiet fuq terminu qasir ħafna, b'enfasi partikolari fuq l-impatt possibbli tiegħu fuq is-swieq tad-dejn sovran b'mod partikolari f'termini tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni tas-suq u l-ispiża.

L-EBA għandha tivvaluta jekk rikalibrar tal-piżijiet tar-riskju assoċjati fl-approċċ standardizzat tkunx xierqa, minħabba r-riskji assoċjati fir-rigward ta' maturitajiet ta' terminu qasir, speċifikament għal maturitajiet residwi ta' inqas minn sena.

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, meta jkun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2027.

▼M8

Artikolu 507

Skoperturi kbar

1. L-ABE għandha timmonitorja l-użu tal-eżenzjonijiet stipulati fil-punt (b) tal-Artikolu 390(6), il-punti (f) sa (m) tal-Artikolu 400(1), il-punt (a) u l-punti (c) sa (g), (i), (j) u (k) tal-Artikolu 400(2) u sat-28 ta' Ġunju 2021 tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jivvaluta l-impatt kwantitattiv li jkollha t-tneħħija ta' dawk l-eżenzjonijiet jew l-istabbiliment ta' limitu fuq l-użu tagħhom. Dak ir-rapport għandu jivvaluta, b'mod partikolari, għal kull eżenzjoni prevista f'dawk l-Artikoli:

(a) in-numru ta' skoperturi kbar eżenti f'kull Stat Membru;

(b) in-numru ta' istituzzjonijiet li jagħmlu użu mill-eżenzjoni f'kull Stat Membru;

(c) l-ammont aggregat ta' skoperturi eżentati f'kull Stat Membru.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2023, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-derogi msemmija fl-Artikoli 390(4) u 401(2) dwar il-metodi għall-kalkolu ta' valur tal-iskopertura ta' tranżazzjonijiet tal-finanzjament ta' titolizzazzjonijiet, u b'mod partikolari l-ħtieġa li jittieħed kont tal-emendi fl-istandards internazzjonali li jiddeterminaw il-metodi għal tali kalkolu.

▼B

Artikolu 508

Livell ta' applikazzjoni

1. Sal-31 ta’ Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirraporta dwar l-applikazzjoni tal-Parti Wieħed, it-Titolu II, u l-Artikolu 113(6) u (7) u għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkine ma' proposta leġislattiva jekk xieraq.

▼M9

_____

▼B

Artikolu 509

Rekwiżiti ta' likwidità

1. L-ABE għandha tissorvelja u tevalwa r-rapporti magħmula skont l-Artikolu 415(1), fost muniti u fost mudelli kummerċjali differenti. L-ABE għandha, wara li tikkonsulta lill-BERS, l-utenti aħħarin mhux finanzjarji, l-industrija bankarja, l-awtoritajiet kompetenti u l-banek ċentrali tas-SEBĊ nazzjonali annwalment u għall-ewwel darba sal-31 ta’ Diċembru 2013, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar jekk speċifikazzjoni tar-rekwiżit ta’ kopertura tal-likwidità ġenerali fil-Parti Sitta bbażata fuq l-elementi għar-rappurtar tal-likwidità skont il-Parti Sitta, it-Titolu II u l-Anness III, ikkunsidrati individwalment jew b’mod kumulattiv, għandhiex il-probabbiltà li jkollha impatt detrimentali materjali fuq il-profil tan-negozju u tar-riskju tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni jew fuq l-istabbiltà u l-funzjonament tajjeb tas-swieq finanzjarji jew fuq l-ekonomija u l-istabbiltà tal-forniment tas-self bankarju, b'attenzjoni partikolari fuq is-self lil SMEs u fuq l-iffinanzjar kummerċjali, inkluż self mogħti taħt skemi uffiċjali ta’ assigurazzjoni tal-kreditu għall-esportazzjoni.

▼B

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jikkunsidra debitament is-swieq u l-iżviluppi regolatorji internazzjonali kif ukoll l-interazzjonijiet tar-rekwiżit tal-kopertura tal-likwidità ma' rekwiżiti prudenzjali oħra skont dan ir-Regolament bħall-proporzjonijiet tal-kapital ibbażati fuq ir-riskju stipulati fl-Artikolu 92 u l-proporzjoni ta' lieva finanzjarja.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandha tingħatalhom l-opportunità li jiddikjaraw l-opinjonijiet tagħhom dwar ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

2. Fir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, l-ABE għandha tivvaluta dan li ġej b'mod partikolari:

(a) il-forniment ta' mekkaniżmi li jillimitaw il-valur tal-flussi ’l ġewwa tal-likwidità, b'mod partikolari bl-għan li jiġi determinat limitu massimu adatt tal-flussi ’l ġewwa u l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tiegħu, b'kont meħud tal-mudelli kumemrċjali differenti inkluż finanzjament pass through, factoring, leasing, bonds koperti, ipoteki, ħruġ ta' bonds koperti, u l-miżura safejn dak il-limitu massimu għandu jiġi emendat jew jitneħħa sabiex jittieħed kont tal-ispeċifiċitajiet tal-finanzjament speċjalizzat;

(b) il-kalibrazzjoni tal-flussi 'l ġewwa u 'l barra msemmija fil-Parti Sitta, Titolu II, b'mod partikolari taħt l-Artikolu 422(7) u l-Artikolu 425(2);

(c) il-forniment ta' mekkaniżmi li jillimitaw il-kopertura tar-rekwiżiti ta' likwidità b'ċerti kategoriji ta' assi likwidi, b'mod partikolari l-valutazzjoni tal-preċentwal minimu adatt għall-assi likwidi msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 416(1) meta mqabbla mat-total tal-assi likwidi, l-ittestajar ta' limitu ta' 60 % u l-konsiderazzjoni tal-iżviluppi regolatorji internazzjonali. Assi dovuti jew eżerċitabbli fi żmien 30 ġurnata tal-kalendarju ma għandhomx jingħaddu għas-60 % sakemm l-assi ma jkunux inkisbu taħt kollateral li jikkwalifika wkoll taħt il-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 416(1);

(d) l-forniment ta’ rati speċifiċi ta’ flussi ' barra aktar baxxi u/jew flussi 'l ġewwa ogħla għall-flussi intragrupp li jispeċifika taħt liema kondizzjonijiet tali rati speċifiċi ta’ flussi ’l ġewwa jew ’il barra jkunu ġustifikati mill-perspettiva prudenzjali u li jistabbilixxi deskrizzjoni ta' metodoloġija ta' livell għoli li tuża kriterji u parametri oġġettivi sabiex jiġu determinati livelli speċifiċi ta' flussi ’l ġewwa jew ’il barra bejn l-istituzzjoni u l-kontroparti meta ma jkunux stabbiliti fl-istess Stat Membru.

(e) il-kalibrazzjoni tar-rati għall-ġbid ta' self applikabbli għall-faċilitajiet impenjati ta' kreditu u likwidità mhux miġbudin li jaqgħu taħt l-Artikolu 424(3) u (5). B'mod partikolari, l-ABE għandha tittestja rata għall-ġbid ta' self ta' 100 %;

(f) id-definizzjoni ta' depożitu fil-livell tal-konsumatur fil-punt (2) tal-Artikolu 411, b'mod partikolari l-adegwatezza li jiġi introdott limitu rigward depożiti ta' persuni fiżiċi;

(g) il-ħtieġa li tiġi introdotta kategorija ġdida ta' depożitu fil-livell tal-konsumatur bi flussi 'l barra aktar baxxi fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' tali depożiti li jistgħu jiġġustifikaw rata ta' flussi 'l barra aktar baxxa u b'kont meħud ta’ żviluppi internazzjonali;

▼B

(h) derogi mir-rekwiżiti dwar il-kompożizzjoni tal-assi likwidi li l-istituzzjonijiet ser ikunu meħtieġa jżommu, fejn f'munita partikolari l-ħtiġijiet kollettivi ġustifikati tal-istituzzjonijiet għal assi likwidi jkunu qed jaqbżu d-disponibbiltà ta' dawk l-assi likwidi u kondizzjonijiet li tali derogi għandhom ikunu soġġetti għalihom;

(i) id-definizzjoni ta' prodotti finanzjarji konformi max-Shari'ah bħala alternattiva għal assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi għall-finijiet tal-Artikolu 416, għall-użu fil-banek li huma konformi max-Shari'ah;

(j) id-definizzjoni ta' ċirkostanzi ta' stress, inkluż prinċipji għall-użu tal-istokk tal-assi likwidi u r-reazzjonijiet ta' superviżjoni neċessarji li skonthom ikunu l-istituzzjonijiet ikunu jistgħu jużaw l-assi likwidi tagħhom biex jissodisfaw il-flussi 'l barra tal-likwidità u kif għandha tiġi indirzzata n-nuqqas ta' konformità;

(k) id-definizzjoni ta' relazzjoni operattiva stabbilita għall-klijenti mhux finanzjarji kif imsemmi fl-Artikolu 422(3)(c).

(l) il-kalibrazzjoni tar-rata ta' flussi 'l barra applikabbli għal servizzi bankarji u ta' prime brokering korrispondenti kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 422(4);

(m) mekkaniżmi għall-anterjorità ta' bonds garantiti mill-gvern maħruġin lil istituzzjonijiet tal-kreditu bħala parti mill-miżuri ta' sostenn tal-Gvern bl-approvazzjoni tal-Unjoni dwar għajnuna mill-istat, bħall-bonds maħruġin mill-Aġenzija Nazzjonali ta' Ġestjoni tal-Assi (NAMA) fl-Irlanda u mill-Kumpannija Spanjola ta' Ġestjoni tal-Assi fi Spanja, imfasslin biex jeliminaw l-assi problematiċi mill-karti tal-bilanċ tal-istituzzjonijiet tal-kreditu, bħala assi ta' likwidità u kwalità kreditizzja estremament għolja tal-inqas sa Diċembru 2023.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2013, l-ABE, wara li tikkonsulta mal-ESMA u mal-BĊE, għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar definizzjonijiet uniformi xierqa ta' likwidità u kwalità kreditizzja għolja u estremament għolja ta' assi trasferibbli għall-finijiet tal-Artikolu 416 u t-telf impost adatt għal assi li jikkwalifikaw bħala assi likwidi għall-finijiet tal-Artikolu 416, bl-eċċezzjoni tal-assi msemmijin fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 416(1).

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandha tingħatalhom l-opportunità li jiddikjaraw l-opinjonijiet tagħhom dwar dak ir-rapport.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jikkunsidra wkoll:

(a) kategoriji oħra ta' assi, b'mod partikolari titoli ggarantiti minn self fuq djar residenzjali (RMBS) ta' likwidità u kwalità kreditizzja għolja;

(b) kategoriji oħra ta' titoli jew self eliġibbli tal-banek ċentrali, pereżempju bonds tal-gvern lokali u karta kummerċjali; u

(c) assi oħra li mhumiex eliġibbli għall-bank ċentrali iżda kummerċjabbli, pereżempju ekwitajiet ikkwotati f'borża rikonoxxuta, deheb, strumenti ta' ekwità marbutin mal-indiċijiet prinċipali, bonds iggarantiti, bonds koperti, bonds ta' kumpanniji u fondi bbażati fuq dawk l-assi.

▼B

4. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jikkunsidra jekk, u l-miżura safejn, faċilitajiet ta' kreditu ta' emerġenza (standby) imsemmijin fil-punt (e) tal-Artikolu 416(1) għandhomx jiġu inklużi bħala assi likwidi fid-dawl tal-iżviluppi internazzjonali u b'kont meħud tal-ispeċifiċitajiet Ewropej, inkluż il-mod kif il-politika monetarja titwettaq fl-Unjoni.

B'mod partikolari, l-ABE għandha tittestja l-adegwatezza tal-kriterji li ġejjin u l-livelli xierqa ta' tali definizzjonijiet:

(a) il-volum ta' negozjar minimu tal-assi;

(b) il-volum pendenti minimu tal-assi;

(c) l-ipprezzar trasparenti u l-informazzjoni ta' wara n-negozjar;

(d) il-livelli ta' kwalità tal-kreditu msemmija fil-Parti Tlieta, Titolu II, Kapitolu 2;

(e) ir-rekord ippruvat tal-istabbiltà tal-prezz;

(f) il-volum medju nnegozjat u d-daqs medju tan-negozjar;

(g) il-firxa massima bejn it-talba u l-offerta;

(h) iż-żmien li fadal għall-maturità;

(i) il-proporzjon ta' dħul minimu.

5. Sal-31 ta' Jannar 2014, l-ABE għandha barra minn hekk tirrapporta dwar dan li ġej:

(a) id-definizzjonijiet uniformi ta' likwidità u kwalità kreditizzja għolja u estremament għolja;

(b) l-konsegwenzi possibbli mhux previsti tad-definizzjoni ta' assi likwidi fuq il-kondotta tal-operazzjoni tal-politika monetarja u l-miżura safejn:

(i) lista ta' assi likwidi li ma għandhiex konnessjoni mal-lista ta' assi eliġibbli tal-bank ċentrali tista' tinċentiva istituzzjonijiet biex jissottomettu assi eliġibbli li ma jkunux inklużi fid-definizzjoni ta' assi likwidi f'operazzjonijiet ta' ffinanzjar mill-ġdid;

(ii) regolamentazzjoni tal-likwidità tista' tneħħi l-inċentiv ta' istituzzjonijiet li jsellfu jew jissellfu fis-suq tal-flus mhux garantit u jekk dan jistax iwassal biex jinħolqu dubji dwar l-objettivi tal-implimentazzjoni tal-politika monetarja EONIA;

(iii) l-introduzzjoni tar-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità jista' jagħmilha aktar diffiċli għall-banek ċentrali li jiżguraw stabbiltà tal-prezzijiet bl-użu tal-istrumenti u l-qafas tal-politika monetarja attwali;

(c) ir-rekwiżiti operattivi għall-holdings ta' assi likwidi, kif imsemmi fil-punti (b) sa (f) tal-Artikolu 417, konformement mal-iżviluppi regolatorji internazzjonali.

▼B

Artikolu 510

Rekwiżiti ta’ Finanzjament Stabbli Nett

1. Sal-31 ta’ Diċembru 2015, l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni, abbażi tal-elementi li għandhom jiġu rappurtati skont il-Parti Sitta, Titolu III, dwar jekk ikunx xieraq li jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jużaw sorsi stabbli ta’ ffinanzjar u kif dan jista’ jsir, inkluża valutazzjoni tal-impatt fuq in-negozji u l-profil tar-riskju tal-istituzzjonijiet stabbiliti fl-Unjoni jew fuq is-swieq finanzjarji jew l-ekonomija u s-self mill-banek, b’enfasi partikolari fuq is-self lil SMEs u fuq l-finanzjament tan-negozju, inkluż self ipotekarju kofinanzjat. B'mod partikolari, l-ABE għandha tanalizza l-impatt ta' sorsi stabbli ta' finanzjament fuq l-istrutturi tar-rifinanzjament ta' mudelli bankarji differenti fl-Unjoni.

2. Sal-31 ta’ Diċembru 2015, l-ABE għandha wkoll tirrapporta lill-Kummissjoni, abbażi tal-elementi li għandhom jiġu rappurtati skont il-Parti Sitta, Titolu III u skont il-formati ta' rappurtar uniformi msemmijin fil-punt (a) tal-Artikolu 415(3) u wara li tikkonsulta mal-BERS, dwar il-metodoloġiji għad-determinazzjoni tal-ammont ta' finanzjament stabbli disponibbli għal u meħtieġ minn istituzzjonijiet u dwar definizzjonijiet uniformi adatti għall-kalkolu ta' tali rekwiżit ta’ finanzjament stabbli nett, li jeżamina b'mod partikolari dan li ġej:

(a) il-kategoriji u l-ippeżar applikati għas-sorsi ta' finanzjament stabbli fl-Artikolu 427(1);

(b) il-kategoriji u l-ippeżar applikati għad-determinazzjoni tar-rekwiżit għal finanzjament stabbli fl-Artikolu 428(1);

(c) il-metodoloġiji għandhom jipprovdu inċentivi u diżinċentivi kif adatt li jinkoraġġixxu finanzjament aktar stabbli fuq termini itwal ta' żmien ta' assi, attivitajiet kummerċjali, investimenti u finanzjament ta' istituzzjonijiet;

(d) il-ħtieġa li jiġu żviluppati metodoloġiji differenti għal tipi ta' istituzzjonijiet differenti.

3. Sal-31 ta’ Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha, jekk adatt, u waqt li tikkunsidra r-rapporti msemmijin fil-paragrafi 1 u 2, u waqt li tikkunsidra bis-sħiħ id-diversità tas-settur bankarju fl-Unjoni, tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif jiġi żgurat li l-istituzzjonijiet jużaw sorsi stabbli ta' finanzjament.

▼M8

4. L-ABE għandha timmonitorja l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ li jkopri r-riskju ta' finanzjament marbut mal-kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u ta' derivattivi ta' kreditu matul l-orizzont ta' sena tal-proporzjon nett ta' finanzjament stabbli, b'mod partikolari r-riskju ta' finanzjament futur għal dawk il-kuntratti tad-derivattivi stipulati fl-Artikoli 428s(2) u 428at(2), u tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-opportunità li jiġi adottat fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla jew miżura iktar sensittiva għar-riskju sat-28 ta' Ġunju 2024. Dak ir-rapport għandu mill-inqas jivvaluta:

▼**M8**

(a) l-opportunità li ssir distinzjoni bejn kuntratti tad-derivattivi marġinati u mhux marġinati;

(b) l-opportunità li jitneħħa, jiżdied jew jiġi sostitwit ir-rekwiżit stipulat fl-Artikoli 428s(2) u fl-Artikolu 428at(2);

(c) l-opportunità li jinbidel b'mod aktar ġenerali t-trattament ta' kuntratti tad-derivattivi fil-kalkolu tal-proporzjon nett ta' finanzjament stabbli, kif stipulat fl-Artikolu 428d, l-Artikoli 428k(4) u 428s (2), il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 428ag, l-Artikoli 428ah(2), 428al (4) u 428at(2), il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 428ay u l-Artikolu 428az(2), biex ikopri aħjar ir-riskju ta' finanzjament marbut ma' dawk il-kuntratti fuq l-orizzont ta' sena tal-proporzjon nett ta' finanzjament stabbli;

(d) l-impatt tal-bidliet proposti fuq l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ għall-kuntratti tad-derivattivi tal-istituzzjonijiet.

5. Jekk l-istandards internazzjonali jaffettwaw it-trattament ta' kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u d-derivattivi ta' kreditu għall-kalkolu tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, il-Kummissjoni għandha, jekk adatt u filwaqt li tieħu kont tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 4, dawk il-bidliet ta' standards internazzjonali u d-diversità tas-settur bankarju fl-Unjoni, tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif jiġu emendati d-dispożizzjonijiet rigward it-trattament ta' kuntratti tad-derivattivi elenkati fl-Anness II u derivattivi ta' kreditu għall-kalkolu tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett kif stipulat fit-Titolu IV tal-Parti Sitta biex jittieħed kont aħjar tar-riskju ta' finanzjament marbut ma' dawk it-tranżazzjonijiet.

6. ►**M20** L-EBA għandha timmonitorja l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ biex ikopri r-riskju ta' finanzjament marbut ma' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, inklużi lill-assi riċevuti jew mogħtija f'dawk it-tranżazzjonijiet, u ma' tranżazzjonijiet mhux garantiti ma' klijenti finanzjarji, fejn tali tranżazzjonijiet ikollhom maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur. L-EBA għandha tibgħat rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2029, u kull ħames snin wara dan, dwar l-adegwatezza ta' dak ir-rekwiżit ta' finanzjament stabbli. Filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali u t-trattament regolatorju ta' tranżazzjonijiet simili f'ġuriżdizzjonijiet oħra, dawk ir-rapporti għandhom jivvalutaw bħala minimu: ◄

(a) l-opportunità li jiġu applikati fatturi ta' finanzjament stabbli ogħla jew iktar baxxi għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli ma' klijenti finanzjarji u għal tranżazzjonijiet mhux garantiti b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur ma' klijenti finanzjarji biex jittieħed kont aħjar tar-riskju ta' finanzjament tagħhom matul l-orizzont ta' sena tal-proporzjon nett ta' finanzjament stabbli u tal-effetti possibbli ta' kontaġju bejn klijenti finanzjarji;

(b) l-opportunità li jiġi applikat it-trattament stipulat fil-punt (g) tal-Artikolu 428r(1) għat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli kollateralizzati ma' tipi oħra ta' assi;

▼M8

(c) l-opportunità li jiġu applikati fatturi ta' finanzjament stabbli għal elementi li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ użati fi tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli bħala alternattiva għat-trattament stipulat fl-Artikolu 428p(5);

▼M20

(d) l-adegwatezza tat-trattament asimetriku bejn obbligazzjonijiet b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur ipprovduti minn klijenti finanzjarji li jkunu soġġetti għal fattur ta' finanzjament stabbli disponibbli ta' 0 % f'konformità mal-Artikolu 428k(3), il-punt (c), u l-assi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur ma' klijenti finanzjarji li jkunu soġġetti għal fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ ta' 0 %, 5 % jew 10 % f'konformità mal-Artikolu 428r(1), il-punt (g), mal-Artikolu 428s (1), il-punt (b), u mal-Artikolu 428v, il-punt (a);

(e) l-impatt tal-introduzzjoni ta' fatturi ta' finanzjament stabbli meħtieġ ogħla jew aktar baxxi għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, b'mod partikolari b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur, ma' klijenti finanzjarji, fuq:

(i) l-istruttura tal-prezzijiet ta' dawk it-tranżazzjonijiet; u

(ii) il-likwidità tas-suq ta' assi riċevuti bħala kollateral f'dawk it-tranżazzjonijiet, b'mod partikolari ta' bonds sovrani u korporattivi;

▼M8

(f) l-impatt tal-bidliet proposti fuq l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ għat-tranżazzjonijiet ta' dawk l-istituzzjonijiet, b'mod partikolari għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' titoli b'maturità residwa ta' inqas minn sitt xhur ma' klijenti finanzjarji meta jiġu riċevuti bonds sovrani bħala kollateral f'dawk it-tranżazzjonijiet.

▼M20

_____

▼M8

9. L-ABE għandha tagħmel monitoraġġ fuq l-ammont ta' finanzjament stabbli meħtieġ biex ikopri r-riskju tal-finanzjament marbut mal-holdings tal-istituzzjonijiet ta' titoli biex jiħħeġġjaw kuntratti tad-derivattivi. L-ABE għandha toħroġ rapport dwar jekk hux adatt it-trattament sat-28 ta' Ġunju 2023. Dak ir-rapport għandu mill-inqas jivvaluta:

(a) l-impatt possibbli tat-trattament fuq il-kapaċità tal-investituri li jiksbu skopertura għal assi u l-impatt tat-trattament fuq il-provvista ta' kreditu fl-unjoni tas-swieq kapitali;

(b) l-opportunità li jiġu applikati rekwiżiti aġġustati għal finanzjament stabbli għal titoli miżmuma biex jiħħeġġjaw derivattivi li huma ffinanzjati minn marġni inizjali, kemm totalment kif ukoll parzjalment;

▼M8

(c) l-opportunità li jiġu applikati rekwiżiti aġġustati għal finanzjament stabbli għal titoli miżmuma biex jiħħeġġjaw derivattivi li mhumiex ffinanzjati minn marġni inizjali.

10. Sat-28 ta' Ġunju 2023 jew sena wara ftehim dwar standards internazzjonali li jkun żviluppat mill-BCBS, skont liema jiġi l-ewwel, il-Kummissjoni għandha, fejn adatt u b'kont meħud tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 9, kwalunkwe standard internazzjonali żviluppat mill-BCBS, id-diversità tas-settur bankarju fl-Unjoni u l-għanijiet tal-unjoni tas-swieq kapitali, tressaq proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif għandhom jiġu emendati d-dispożizzjonijiet rigward it-trattament emendat it-trattament tal-holdings tal-istituzzjonijiet ta' titoli biex jiħħeġġjaw kuntratti tad-derivattivi għall-kalkolu tal-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett kif stipulat fit-Titolu IV tal-Parti Sitta fejn hija tikkunsidra li jkun adatt fir-rigward tal-impatt tat-trattament eżistenti fuq il-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett tal-istituzzjonijiet u biex jittieħed kont aħjar tar-riskju tal-finanzjament marbut ma' dawk it-tranżazzjonijiet.

11. L-ABE għandha tivvaluta jekk ikunx ġustifikat li jitnaqqas il-fattur ta' finanzjament stabbli meħtieġ għal assi użati biex jipprovdu servizzi ta' kklerjar u saldu ta' metalli prezzjużi bħad-deheb, il-fidda, il-platinu u l-palladju jew assi użati għall-forniment ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament ta' metalli prezzjużi bħad-deheb, il-fidda, il-platinu u l-platinu ta' terminu ta' 180 ġurnata jew inqas. L-ABE għandha tippreżenta r-rapport tagħha lill-Kummissjoni sat-28 ta' Ġunju 2021.

Artikolu 511

Lieva finanzjarja

1. Il-Kummissjoni għandha sal-31 ta' Diċembru 2020 tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar jekk:

(a) ikunx adatt li tiġi introdotta żieda fil-proporzjon ta' lieva finanzjarja għal O-SIIs; u

(b) id-definizzjoni u l-kalkolu tal-miżura tal-iskopertura totali msemmija fl-Artikolu 429(4), inkluż it-trattament ta' riżervi tal-bank ċentrali, ikunux adatti.

2. Għall-finijiet tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tieħu kont ta' żviluppi internazzjonali u standards maqbula internazzjonalment. Fejn adatt, dak ir-rapport għandu jiġi akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

▼B

Artikolu 512

Skoperturi għal riskju ta' kreditu trasferit

Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tirrapporta għand il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-applikazzjoni u l-effettività tad-dispożizzjonijiet tal-Parti Ħamsa fid-dawl tal-iżviluppi tas-suq internazzjonali.

▼M8

Artikolu 513

Regoli makroprudenzjali

1. Sat-30 ta' Ġunju 2022, u kull ħames snin wara, il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni tal-BERS u l-ABE, tanalizza jekk ir-regoli makroprudenzjali f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE humiex suffiċjenti biex jittaffew ir-riskji sistemiċi fis-setturi, ir-reġjuni u l-Istati Membri inkluż il-valutazzjoni ta':

(a) jekk l-għodod makroprudenzjali attwali f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE humiex effettivi, effiċjenti u trasparenti;

(b) jekk il-kopertura u l-gradi possibbli ta' koinċidenza bejn l-għodod makroprudenzjali differenti biex jiġu mmirati riskji simili f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE humiex adegwati u, jekk adatt, tipproponi regoli makroprudenzjali ġodda;

(c) kif l-istandards internazzjonalment maqbula għal istituzzjonijiet sistemiċi jinteraġixxu mad-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE u, jekk adatt, tipproponi regoli ġodda filwaqt li tieħu kont ta' dawk l-istandards internazzjonalment maqbula;

(d) jekk għandhomx jiżdiedu tipi oħra ta' strumenti, bħal strumenti bbażati fuq min jissellef, mal-għodod makroprudenzjali previsti f'dan ir-Regolament u fid-Direttiva 2013/36/UE biex jikkomplementaw strumenti bbażati fuq il-kapital u biex jippermettu l-użu armonizzat tal-istrumenti fis-suq intern; b'kunsiderazzjoni ta' jekk hemmx prerekwiżit ta' definizzjonijiet armonizzati ta' dawk l-istrumenti u tar-rappurtar tad-data rispettiva fil-livell tal-Unjoni għall-introduzzjoni ta' strumenti bħal dawn;

(e) jekk ir-rekwiżit ta' riżerva għall-proporzjon ta' lieva finanzjarja kif imsemmi fl-Artikolu 92(1a), għandux jiġi estiż għal istituzzjonijiet sistemikament importanti li mhumiex G-SIIs, jekk il-kalibrazzjoni tiegħu għandhiex tkun differenti mill-kalibrazzjoni għall-G-SIIs, u jekk il-kalibrazzjoni tiegħu għandhiex tkun skont il-livell ta' importanza sistemika tal-istituzzjoni;

(f) jekk ir-reċiproċità volontarja attwali tal-miżuri makroprudenzjali għandhiex tinbidel għal reċiproċità obbligatorja u jekk il-qafas attwali tal-BERS għar-reċiproċità volontarja hux bażi adatta għal dan;

(g) kif l-awtoritajiet makroprudenzjali rilevanti tal-Unjoni u nazzjonali jistgħu jingħataw mandat b'għodod biex jindirizzaw riskji sistemiċi emerġenti ġodda li jirriżultaw minn skoperturi tal-istituzzjonijiet ta' kreditu għas-settur mhux bankarju, b'mod partikolari minn swieq tad-derivattivi u ta' tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, is-settur tal-ġestjoni tal-assi u s-settur tal-assigurazzjoni.

2. Sal-31 ta' Diċembru 2022, u kull ħames snin wara, il-Kummissjoni għandha, fuq il-bażi tal-konsultazzjoni mal-BERS u l-ABE, tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 u, fejn adatt, tippreżenta proposta leġislattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

▼M8

Artikolu 514

Metodu għall-kalkolu tal-valur ta' skopertura ta' tranżazzjonijiet derivattivi

1. L-ABE għandha, sat-28 ta' Ġunju 2023, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-impatt u l-kalibrazzjoni relattiva tal-approċċi stipulati fit-Taqsimiet 3, 4 u 5 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta biex jikkalkulaw il-valuri ta' skopertura ta' tranżazzjonijiet tad-derivattivi.

▼M17

▼C10

2. Abbażi tar-rapport tal-EBA msemmi fil-paragrafu 1 u filwaqt li titqies kif xieraq l-implimentazzjoni f'pajjiżi terzi tal-istandards miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex temenda l-approċċi stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 6, it-Taqsimiet 3, 4 u 5.

▼B

Artikolu 515

Monitoraġġ u evalwazzjoni

►C1 1. L-ABE flimkien mal-ESMA għandhom sat-28 ta' Ġunju 2014 jirrapportaw dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament mal-obbligi relatati skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 ◄, u b'mod partikolari rigward l-istituzzjonijiet li joperaw kontroparti ċentrali, biex tkun evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti għal transazzjonijiet ta' derivati u b'hekk ikun evitat riskju regolatorju akbar u spejjeż akbar għall-monitoraġġ mill-awtoritajiet kompetenti.

2. L-ABE għandha tissorvelja u tevalwa l-operat tad-dispożizzjonijiet għar-rekwiżiti ta' fondi proprji għal skoperturi lill-kontroparti ċentrali kif stabilit fit-Taqsima 9 tal-Kapitlu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta. Sal-1 ta' Jannar 2015 l-ABE għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-impatt u l-effikaċja ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

3. Sal-31 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar ir-rikonċiljazzjoni ta' dan ir-Regolament mal-obbligi relatati taħt ir-Regolament (UE) Nru 648/2012, ir-rekwiżiti ta' fondi proprji kif stabbiliti fit-Taqsima 9 tal-Kapitolu 6 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta u għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta leġislattiva.

Artikolu 516

Finanzjament fit-tul

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-impatt ta' dan ir-Regolament dwar l-inkoraġġiment ta' investimenti fit-tkabbir fit-tul li jippromwovu l-infrastruttura sal-31 ta' Diċembru 2015.

Artikolu 517

Definizzjoni tal-kapital eliġibbli

Sal-31 ta' Diċembru 2014, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar l-adegwatezza tad-definizzjoni tal-kapital eliġibbli applikata għall-finijiet tat-Titolu III tal-Parti Tnejn u l-Parti Erbgħa u għandha tissottometti dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, u, jekk ikun xieraq, tagħmel proposta leġislattiva.

▼B

Artikolu 518

Analiżi tal-istrumenti tal-kapital li jistgħu jiġu sottoskritti jew jiġu kkonvertiti fil-punt ta' non-vijabbiltà

Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tirrapporta dwar jekk dan ir-Regolament għandux ikun fih rekwiżit li strumenti tal-kapital tal-Grad 1 jew Grad 2 Addizzjonali għandhom jiġu sottoskritti fil-każ li jiġi determinat li istituzzjoni m'għadhiex vijabbli. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta leġislattiva, fejn adatt.

▼M8

Artikolu 518a

Analiżi tad-dispożizzjonijiet ta' inadempjenza indiretta

Sat-28 ta' Ġunju 2022, il-Kummissjoni għandha tanalizza u tivvaluta jekk ikunx adatt rekwiżit li obbligazzjonijiet eliġibbli jkunu jistgħu jiġu rikapitalizzati internament mingħajr ma jiġu skattati klawżoli ta' inadempjenza indiretta f'kuntratti oħra, bil-ħsieb li kemm jista' jkun tissaħħaħ l-effettività tal-għodda tar-rikapitalizzazzjoni interna u jiġi valutat jekk għandhiex tkun inkluża dispożizzjoni ta' ebda inadempjenza indiretta li tirreferi għal obbligazzjonijiet eliġibbli fit-termini jew il-kuntratti li jirregolaw obbligazzjonijiet oħra. Fejn adatt, dik l-analiżi u l-valutazzjoni għandhom ikunu akkumpanjati minn proposta leġislattiva.

▼M11

Artikolu 518b

Rapport dwar qabżiet fil-valur u s-setgħat superviżorji biex jiġu limitati d-distribuzzjonijiet

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jekk ċirkostanzi eċċezzjonali li jikkawżaw disturb ekonomiku serju fil-funzjonament regolat u l-integrità tas-swieq finanzjarji jiġġustifikawx li:

(a) matul tali perijodi, l-awtoritajiet kompetenti jitħallew jeskludu mill-mudelli interni tar-riskju tas-suq tal-istituzzjonijiet il-qabżiet fil-valur li ma jirriżultawx minn nuqqasijiet f'dawk il-mudelli;

(b) matul tali perijodi, jingħataw setgħat vinkolanti addizzjonali lill-awtoritajiet kompetenti biex jimponu restrizzjonijiet fuq id-distribuzzjonijiet mill-istituzzjonijiet.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra miżuri ulterjuri, jekk xieraq.

▼M17

Artikolu 518c

Rieżami tal-qafas għar-rekwiżiti prudenzjali

Sal-31 ta' Diċembru 2028, il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sitwazzjoni ġenerali tas-sistema bankarja fis-suq uniku, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u l-BĊE, u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-adegwatezza tal-oqfsa regolatorji u superviżorji tal-Unjoni għas-settur bankarju.

▼M17

Dak ir-rapport għandu jqis ir-riformi fis-settur bankarju li seħħew wara l-kriżi finanzjarja l-kbira u jivvaluta jekk dawn jiżgurawx livell adegwat ta' protezzjoni tad-depożitanti u jissalvagwardjawx l-istabbiltà finanzjarja fil-livell tal-Istati Membri, tal-unjoni bankarja u tal-Unjoni.

Dak ir-rapport għandu jqis ukoll id-dimensjonijiet kollha tal-unjoni bankarja, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-minimu tal-output bħala parti mir-rekwiżiti tal-kapital u tal-likwidità b'mod aktar ġenerali. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kif xieraq id-dikjarazzjonijiet u l-konklużjonijiet korrispondenti dwar l-unjoni bankarja kemm tal-Parlament Ewropew kif ukoll tal-Kunsill Ewropew.

▼B

Article 519

Tnaqqis tal-assi tal-fondi tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti mill-elementi ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1

Sat-30 ta' Ġunju 2014, l-ABE għandha tħejji rapport dwar jekk l-ISA 19 rivedut, flimkien mat-tnaqqis tal-assi netti tal-pensjonijiet kif stipulat fl-Artikolu 36(1)(e) u bidliet fil-passivi netti tal-pensjonijiet iwasslux għal volatilità indebita tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet.

B'kont meħud tar-rapport tal-ABE, il-Kummissjoni għandha tħejji sal-31 ta' Diċembru 2014, rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-kwistjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, flimkien ma' proposta leġislattiva, jekk xieraq, għall-introdizzjoni ta' trattament li jaġġusta l-assi u l-passivi netti tal-fondi tal-pensjonijiet b'benefiċċji definiti għall-kalkolu tal-fondi proprji.

▼M5

Artikolu 519a

Rapportar u rieżami

Sa l-1 ta' Jannar 2022, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu 5 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta fid-dawl tal-iżviluppi fis-swieq tat-titolizzazzjoni, inkluż minn perspettiva makroprudenzjali u ekonomika. Dak ir-rapport għandu, jekk ikun adatt, ikun akkumpanjat minn proposta leġislattiva u għandu, b'mod partikolari, jivvaluta l-punti li ġejjin:

(a) l-impatt tal-ġerarkija tal-metodi stabbiliti fl-Artikolu 254 u tal-kalkolu tal-ammonti tal-iskoperturi ponderati għar-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif stabbilit fl-Artikoli 258 sa 266 dwar l-attività tal-ħruġ u l-investiment minn istituzzjonijiet fis-swieq tat-titolizzazzjoni fl-Unjoni;

(b) l-effetti fuq l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni u l-Istati Membri, b'fokus partikolari fuq spekulazzjoni potenzjali fuq is-suq tal-proprjetà immobbli u interkonnettività akbar bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji;

(c) liema miżuri jkunu meħtieġa biex jitnaqqas u jingħeleb kwalunkwe effett negattiv ta' titolizzazzjonijiet fuq l-istabbiltà finanzjarja filwaqt li jinżamm l-effett pożittiv tagħha fuq il-finanzjament, inkluż l-introduzzjoni possibbli ta' limitu massimu fuq l-iskopertura għat-titolizzazzjonijiet;

▼M5

(d) l-effetti fuq il-kapaċità tal-istituzzjonijiet finanzjarji li jipprovdu mezz ta' finanzjament sostenibbli u stabbli għall-ekonomija reali, b'attenzjoni partikolari għall-SMEs; u

▼M13

(e) il-mod kif il-kriterji tas-sostenibbiltà ambjentali jistgħu jiġu integrati fil-qafas tat-titolizzazzjoni, inkluż għall-iskoperturi għal titolizzazzjonijiet NPE.

▼M5

Ir-rapport għandu jikkunsidra wkoll l-iżviluppi regolatorji f'fora internazzjonali, b'mod partikolari dawk marbutin mal-istandards internazzjonali dwar it-titolizzazzjoni.

▼M8

Artikolu 519b

Rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq

1. Sat-30 ta' Settembru 2019, l-ABE għandha tirrapporta dwar l-impatt, fuq l-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tal-istandards internazzjonali biex tikkalkula r-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.

2. Sat-30 ta' Ġunju 2020, il-Kummissjoni għandha, b'kont meħud tar-riżultati tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 u l-istandards internazzjonali u l-approċċi stipulati fil-Kapitoli 1a u 1b tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta, tippreżenta rapport flimkien ma' proposta leġislattiva, fejn xieraq, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar kif għandhom jiġu implimentati standards internazzjonali dwar rekwiżiti adegwati ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq.

TITOLU IIa

IMPLEMENTAZZJONI TAR-REGOLI

Artikolu 519c

Għodda ta' konformità

1. L-ABE għandha tiżviluppa għodda elettronika bil-għan li tiffaċilita l-konformità tal-istituzzjonijiet ma' dan ir-Regolament u d-Direttiva 2013/36/UE, kif ukoll ma' standards tekniċi regolatorji, standards, linji gwida u mudelli tekniċi ta' implimentazzjoni adottati biex jimplimentaw dan ir-Regolament u dik id-Direttiva.

2. L-għodda msemmija fil-paragrafu 1 għandha mill-inqas tippermetti lil kull istituzzjoni:

(a) tidentifika malajr id-dispożizzjonijiet rilevanti biex tikkonforma magħhom fir-rigward tad-daqs u l-mudell tan-negozju tal-istituzzjoni;

(b) issegwi l-bidliet li saru fl-atti leġislattivi u fid-dispożizzjonijiet, il-linji gwida u l-mudelli ta' implimentazzjoni relatati.

▼M17

Artikolu 519d

Qafas minimu ta' telf impost għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli

1. L-EBA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA, għandha, sal-10 ta' Jannar 2027, tirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-adegwatezza tal-implimentazzjoni fid-dritt tal-Unjoni tal-qafas minimu ta' telf impost għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli biex tiġi indirizzata l-akkumulazzjoni potenzjali ta' lieva finanzjarja barra mis-settur bankarju.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jqis dan kollu li ġej:

(a) il-grad ta' lieva finanzjarja barra mis-sistema bankarja fl-Unjoni u l-punt sa fejn il-qafas minimu ta' telf impost jista' jnaqqas dik il-lieva finanzjarja jekk issir eċċessiva;

(b) il-materjalità tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli miżmuma mill-istituzzjonijiet fl-Unjoni li huma soġġetti għall-qafas minimu ta' telf impost, inkluż id-diżaggregazzjoni ta' dawk it-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli li ma jikkonformawx mal-minimi ta' telf impost;

(c) l-impatt stmat tal-qafas minimu ta' telf impost għal istituzzjonijiet fl-Unjoni taħt iż-żewġ approċċi ta' implimentazzjoni rrakkomandati mill-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja, jiġifieri regolamentazzjoni tas-suq jew rekwiżit ta' fondi proprji aktar punittiv skont dan ir-Regolament, f'xenarju li fih l-istituzzjonijiet fl-Unjoni ma jaġġustawx it-telf impost għat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli tagħhom biex jikkonformaw mal-minimi ta' telf impost, u l-impatt stmat tal-qafas minimu ta' telf impost skont xenarju alternattiv li fih l-istituzzjonijiet fl-Unjoni jaġġustaw dak it-telf impost biex jikkonformaw mal-minimi ta' telf impost;

(d) il-fatturi ewlenin wara dawk l-impatti stmati, kif ukoll il-konsegwenzi potenzjali mhux intenzjonati tal-introduzzjoni ta' qafas minimu ta' telf impost fuq il-funzjonament tas-swieq tat-tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli fl-Unjoni;

(e) l-approċċ ta' implimentazzjoni li jkun l-aktar effettiv biex jintlaħqu l-objettivi regolatorji tal-qafas minimu ta' telf impost fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) u filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet ekwi fis-settur finanzjarju kollu fl-Unjoni.

3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 u filwaqt li titqies kif xieraq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord għall-Istabilità Finanzjarja li jiġi implimentat il-qafas minimu ta' telf impost għal tranżazzjonijiet ta' finanzjament tat-titoli, kif ukoll l-istandards relatati miftiehma internazzjonalment żviluppati mill-BCBS, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-10 ta' Jannar 2028.

Artikolu 519 e

Riskju operazzjonali

Sal-10 ta' Jannar 2028, l-EBA għandha tirrapporta lill-Kummissjoni dwar dan li ġej:

▼M17

(a) l-użu tal-assigurazzjoni fil-kuntest tal-kalkolu tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju operazzjonali;

(b) jekk ir-rikonoxximent tal-irkupri tal-assigurazzjoni jistax iwassal għal arbitraġġ regolatorju billi jnaqqas it-telf annwali mir-riskju operazzjonali mingħajr tnaqqis proporzjonali fl-iskopertura attwali għat-telf operazzjonali;

(c) jekk ir-rikonoxximent tal-irkupri tal-assigurazzjoni jkollux impatt differenti fuq il-kopertura xierqa tat-telf rikorrenti u tal-valur fir-riskju kundizzjonat potenzjali;

(d) id-disponibbiltà u l-kwalità tad-data użata mill-istituzzjonijiet meta jikkalkulaw ir-rekwiżiti ta' fondi proprji tagħhom għar-riskju operazzjonali.

Abbażi ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-10 ta’ Jannar 2029;

Artikolu 519f

Proporzjonalità

L-EBA għandha tħejji rapport li jivvaluta l-qafas prudenzjali ġenerali għal istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi, b'mod partikolari:

(a) jivvaluta dawk ir-rekwiżiti anke b'rabta ma' gruppi bankarji u mudelli tan-negozju speċifiċi;

(b) jieħu inkunsiderazzjoni r-rilevanza ta' istituzzjonijiet żgħar u mhux kumplessi fil-livell tal-istituzzjonijiet u skont ir-reġjun għaż-żamma tal-istabbiltà finanzjarja u l-forniment ta' kreditu fil-komunitajiet lokali.

Meta tqis l-opzjonijiet għal bidliet fil-qafas prudenzjali, l-EBA għandha tibbaża ruħha fuq il-prinċipju globali li kwalunkwe rekwiżit simplifikat għandu jkun aktar konservattiv.

L-EBA għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2027.

▼B

TITOLU III

EMENDI

Artikolu 520

Emenda tar-Regolament (UE) Nru 648/2012

Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 huwa emendat kif ġej:

▼B

(1) Il-Kapitolu li ġej jiġi miżjud fit-Titolu IV:

"*KAPITOLU 4*

Kalkoli u rappurtar għall-finijiet tar-Regolament (EU) No 575/2013

Artikolu 50a

Kalkolu tal-K_{CCP}

▼C2

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 308 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar rekwiżiti prudenzjali għal istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment (*), CCP għandha tikkalkula l-K_{CCP} kif speċifikat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għal kull kuntratt u transazzjoni li jikklerja għall-membri tal-ikklerjar tiegħu kollha li jaqgħu fil-kopertura tal-fond ta' inadempjenza partikolari.

▼B

2. CCP għandha tikkalkula l-kapital ipotetiku (K_{CCP}) kif ġej:

$$K_{CCP} = \sum_i max\{EBRM_i - IM_i - DF_i; \mathbf{0}\} \cdot RW \cdot captial\ ratio$$

fejn:

$EBRM_i$ = il-valur tal-iskopertura qabel il-mitigazzjoni tar-riskju li huwa daqs il-valur tal-iskopertura tas-CCP għall-membru tal-ikklerjar i li jirriżulta mill-kuntratti u t-transazzjonijiet kollha ma' dak il-membru tal-ikklerjar, ikkalkulat mingħajr ma jiġi kkunsidrat il-kollateral depożitat minn dak il-membru tal-ikklerjar;

IM_i = il-marġini inizjali depożitat mas-CCP mill-membru tal-ikklerjar i;

DF_i = il-kontribuzzjoni prefinanzjata tal-membru tal-ikklerjar i;

RW = piż tar-riskju ta' 20 %;

proporzjon tal-kapital = 8 %.

▼C2

Il-valuri kollha fil-formula fl-ewwel subparagrafu jirreferu għall-valutazzjoni fi tmiem tal-jum preċedenti ta' dak li fih il-marġni mitlub fuq il-marġni finali ta' tali jum jiġi skambjat.

▼B

3. CCP għandha twettaq il-kalkolu meħtieġ mill-paragrafu 2 mill-inqas tal-inqas fuq bażi trimestrali jew aktar spiss fejn obbligata mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk il-membri tal-ikklerjar tagħha li huma istituzzjonijiet.

4. L-EBA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi biex jiġi speċifikat dan li ġej għall-fini tal-paragrafu 3:

(a) il-frekwenza u d-dati tal-kalkolu speċifikat fil-paragrafu 2;

▼B

(b) is-sitwazzjonijiet li fihom l-awtorità kompetenti ta' istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar tista' tirrikjedi kalkoli u rappurtar aktar frekwenti minn dawk imsemmija fil-punt (a).

L-EBA għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Artikolu 50b

Regoli ġenerali għall-kalkolu tal-K_{CCP}

Għall-finijiet tal-kalkolu stipulat fl-Artikolu 50a(2), għandhom japplikaw dawn li ġejjin:

(a) CCP għandha tikkalkula l-valur tal-iskoperturi li għandha lejn il-membri tal-ikklerjar tagħha kif ġej:

▼C2

(i) għal skoperturi li jirriżultaw minn kuntratti u transazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 301(1) (a) u (d) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 hija għandha tikkalkulhom f'konformità mal-metodu ta' ppeżar skont il-valur fis-suq stipulat fl-Artikolu 274 tiegħu;

▼B

(ii) għal skoperturi li jirriżultaw minn kuntratti u transazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 301 (1)(b), (c) u (e) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandha tikkalkulahom skont il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju speċifikat fl-Artikolu 223 ta' dak ir-Regolament b'aġġustamenti superviżorji għall-volatilità, speċifikat fl-Artikoli 223 u 224 ta' dak ir-Regolament. L-eċċezzjoni stipulata fil-punt (a) tal-Artikolu 285(3) ma għandhiex tapplika;

(iii) għal skoperturi li jirriżultaw minn transazzjonijiet li mhumiex elenkati fl-Aritkolu 301(1) tar-Regolament (EU) No 575/2013 u li jinvolvi riskju tas-saldu biss għandha tikkalkulahom skont il-Parti Tlieta, Titolu V ta' dak ir-Regolament;

(b) għal istituzzjonijiet li jaqgħu taħt l-ambitu tar-Regolament (EU) No 575/2013 is-settijiet ta' netting huma l-istess bħal dak definiti fil-Parti Tlieta, Titolu II ta' dak ir-Regolament;

(c) fil-kalkolu tal-valuri msemmijin fil-punt (a), is-CCP għandha tnaqqas mill-iskoperturi tagħha l-kollateral depożitat mill-membri tal-ikklerjar tagħha, imnaqqas kif xieraq mill-aġġustamenti superviżorji għall-volatilità b'konformità mal-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju speċifikat fl-Artikolu 224 tar-Regolament (EU) No 575/2013;

▼C2

———————

▼B

(e) fejn CCP għandha skoperturi għal CCP waħda jew aktar, għandha tittratta tali skoperturi daqs li kieku kienu skoperturi għall-membri tal-ikklerjar u tinkludi kull marġni jew kontribuzzjoni prefinanzjata rċevuta minn għand dawk is-CCPs fil-kalkolu tal-K_{CCP};

▼B

(f) fejn CCP għandha arranġament kuntrattwali vinkolanti mal-membri tal-ikklerjar tagħha li jippermettilha tuża l-marġni inizzjali kollu jew parti minnu mill-membri tal-ikklerjar tagħha daqs li kieku kienu kontribuzzjonijiet prefinanzjati, is-CCP għandha tikkunsidra dak il-marġni inizjali bħala kontribuzzjonijiet prefinanzjati għall-finijiet tal-kalkolu fil-paragrafu 1 u mhux bħala marġni inizjali;

▼C2

_____

▼B

(h) fl-applikazzjoni tal-Metodu skont il-valwazzjoni fis-suq kif imsemmi fl-Artikolu 274 tar-Regolament (EU) No 575/2013, CCP għandha tissostittwixxi l-formula fil-punt (c)(ii) tal-Artikolu 298(1) ta' dak ir-Regolament b'dan li ġej:

$$PCE_{red} = 0.15 \cdot \mathrm{PCE}_{\mathrm{gross}} + 0.85 \cdot \mathrm{NGR} \cdot \mathrm{PCE}_{\mathrm{gross}}$$

fejn in-numeratur tal-NGR jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 274 (1) ta' dak ir-Regolament u eżatt qabel ma jiġu effettivament skambjati l-marġni ta' varjazzjoni fit-tmiem tal-perijodu tas-saldu, u d-denominatur ikun l-ispiża grossa tas-sostituzzjoni

(i) fejn CCP ma tistax tikkalkula l-valur tal-NGR kif stipulat fil-punt (c)(ii) tal-Artikolu 298(1) tar-Regolament (EU) No 575/2013, għandha:

(i) tinnotifika lil dawk li huma l-istituzzjonijiet fost il-membri ta' kklerjar tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom dwar in-naqqas ta' kapaċità tagħha li tikkalkula l-NGR u r-raġunijiet għax ma tistax twettaq il-kalkolu;

(ii) għal perijodu ta' tliet xhur, tista' tuża valur tal-NGR ta' 0,3 biex tagħmel il-kalkolu tal-$\mathrm{PCE}_{\mathrm{red}}$ speċifikat fil-punt (h) ta' dan l-Artikolu;

(j) fejn, fi tmiem il-perijodu speċifikat fil-punt (ii) tal-punt (i), is-CCP tibqa' ma tistax tikkalkula l-valur tal-NGR, għandha tagħmel dan li ġej:

(i) tieqaf tikkalkula l- K_{CCP};

(ii) tinnotifika lil dawk li huma l-istituzzjonijiet fost il-membri ta' kklerjar tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li waqfet tikkalkula l- K_{CCP};

(k) għall-finijiet ta' kalkolu tal-iskopertura futura potenzjali għal opzjonijiet u swaptions skont il-Metodu skont il-valwazzjoni fis-suq speċifikat fl-Artikolu 274 tar-Regolament (EU) No 575/2013, CCP għandha timmultiplika l-ammont nozzjonali tal-kuntratt bil-valur assolut tad-delta tal-opzjoni $(\delta V/\delta p)$ kif stipulat fil-punt (a) tal-Artikolu 280(1) ta' dak ir-Regolament;

(l) fejn CCP ikollha aktar minn fond ta' inadempjenza wieħed, għandha twettaq il-kalkolu stipulat fl-Artikolu 50a(2) għal kull fond ta' inadempjenza separatament.

▼B

Artikolu 50c

Rappurtar tal-informazzjoni

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 308 tar-Regolament (EU) No 575/2013, CCP għandha tirrapporta l-informazzjoni li ġejja lil dawk li huma l-istituzzjonijiet fost il-membri ta' kklerjar tagħha u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom:

(a) il-kapital ipotetiku (K_{CCP});

(b) is-somma tal-kontribuzzjonijiet prefinanzjati (DF_{CM});

(c) l-ammont tar-riżorsi finanzjarji prefinanzjati li hija obbligata li tuża – bil-liġi jew minħabba ftehim kuntrattwali mal-membri tal-ikklerjar tagħha – sabiex tkopri t-telf tagħha wara l-inadempjenza ta' membru jew membri tal-ikklerjar tagħha qabel ma tuża l-kontribuzzjonijiet tal-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza tal-membri tal-ikklerjar li jifdal (DF_{CCP});

(d) in-numru totali ta' membri tal-ikklerjar tagħha (N);

▼C2

(e) il-fattur ta' konċentrazzjoni (β), kif stipulat fl-Artikolu 50d.

Fejn is-CCP ikollha aktar minn fond ta' inadempjenza wieħed, għandha tirrapporta l-informazzjoni fl-ewwel subparagrafu għal kull fond ta' inadempjenza separatament.

2. Is-CCP għandha tinnotifika lil dawk il-membri tal-ikklerjar tagħha li huma istituzzjonijiet mill-inqas fuq bażi trimestrali jew aktar spiss fejn meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' dawk il-membri tal-ikklerjar.

3. L-EBA għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi implimentattivi sabiex tispeċifika dan li ġej:

(a) il-mudell uniformi għall-finijiet tar-rappurtar speċifikat fil-paragrafu 1;

(b) il-frekwenza u d-dati tar-rappurtar speċifikati fil-paragrafu 2;

(c) is-sitwazzjonijiet li fihom l-awtorità kompetenti ta' istituzzjoni li taġixxi bħala membru tal-ikklerjar tista' tirrikjedi rappurtar aktar frekwenti minn dawk imsemmija fil-punt (b).

L-EBA għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi implimentattivi lill-Kummissjoni sal-1 ta' Jannar 2014.

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta l-istandards tekniċi implimentattivi msemmija fl-ewwel subparagrafu skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

▼B

Artikolu 50d

Kalkolu tal-elementi speċifiċi li għandhom jiġu rappurtati mis-CCP

Għall-finijiet tal-Artikolu 50c, għandu japplika dan li ġej:

(a) fejn ir-regoli ta' CCP jipprevedu li hija tuża parti mir-riżorsi finanzjarji tagħha jew ir-riżorsi finanzjarja tagħha kollha u b'mod parallel mal-kontribuzzjonijiet prefinanzjati tal-membri tal-ikklerjar tagħha b'mod li jagħmel dawk ir-riżorsi ekwivalenti għall-kontribuzzjonijiet prefinanzjati ta' membru tal-ikklerjar f'termini ta' kif huma jassorbu t-telf imġarrab mis-CCP fil-każ ta' inadempjenza jew insolvenza ta' wieħed jew aktar mill-membri tal-ikklerjar tagħha, is-CCP għandha żżid l-ammont korrispondenti ta' dawk ir-riżorsi mad-DF_{CM};

(b) fejn ir-regoli ta' CCP jipprevedu li tuża parti mir-riżorsi finanzjarji tagħha jew jew ir-riżorsi finanzjarja tagħha kollha biex tkopri t-telf tagħha minħabba l-inadempjenza ta' membru wieħed jew aktar tal-ikklerjar tagħha wara li tkun użat għal-kollox il-fond ta' garanzija f'każ ta' inadempjenza kollu tagħha, iżda qabel ma tirrikorri għall-kontribuzzjonijiet kuntrattwalment impenjati tal-membri tal-ikklerjar tagħha, is-CCP għandha żżid l-ammont korrispondenti ta' dawk ir-riżorsi finanzjarji addizzjonali (DF^{a}_{CCP}) mal-ammont totali tal-kontribuzzjonijiet prefinanzjati (DF) kif ġej:

$$DF = DF_{CCP} + DF_{CM} + DF^{a}_{CCP}.$$

(c) CCP għandha tikkalkula l-fattur ta' konċentrazzjoni (β) skont il-formula li ġejja:

$$\beta = \frac{PCE_{red,1} + PCE_{red,2}}{\sum_i PCE_{red,i}}$$

fejn:

$PCE_{red,i}$ = iċ-ċifra mnaqqsa għall-iskopertura għall-kreditu futura potenzjali għall-kuntratti u t-transazzjonijiet kollha ta' CCP mal-membru tal-ikklerjar i;

$PCE_{red,1}$ = iċ-ċifra mnaqqsa għall-iskopertura ta' kreditu futura potenzjali għall-kuntratti u t-transazzjonijiet kollha ta' CCP mal- membru tal-ikklerjar li jkollu l-akbar valur ta' PCE_{red};

$PCE_{red,2}$ = iċ-ċifra mnaqqsa għall-iskopertura ta' kreditu futura potenzjali għall-kuntratti u t-transazzjonijiet kollha ta' CCP ma' membru tal-ikklerjar li jkollu t-tieni l-akbar valur ta' PCE_{red}.

(*) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1."

(2) fl-Artikolu 11(5), il-punt (b) jitħassar:

▼B

(3) fl-Artikolu 89 għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"5a. Sa 15-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar wieħed mill-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-Artikoli 16, 25, 26, 29, 34, 41, 42, 44, 45, 47 u 49, jew sakemm tittieħed deċiżjoni taħt l-Artikolu 14 dwar l-awtorizzazzjoni tas-CCP, skont liema tiġi l-ewwel, dik is-CCP għandha tapplika t-trattament speċifikat fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Sa 15-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-aħħar wieħed mill-istandards tekniċi regolatorji msemmijin fl-Artikoli 16, 26, 29, 34, 41, 42, 44, 45, 47 u 49, jew sakemm tittieħed deċiżjoni taħt l-Artikolu 25 dwar ir-rikonoxximent tas-CCP, skont liema tiġi l-ewwel, dik is-CCP għandha tapplika t-trattament speċifikat fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

Sal-limiti ta' żmien stipulati fil-ewwel żewġ subparagrafi ta' dan il-paragrafu, u soġġetta għar-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu, fejn CCP la għandha fond ta' inadempjenza u lanqas m'għandha fis-seħħ arranġament vinkolanti mal-membri ta' kklerjar tagħha li jippermettilha tuża l-marġni inizjali kollu jew parti minnu rċevut mill-membri ta' kklerjar tagħha daqs li kieku kienu kontribuzzjonijiet prefinanzjati, l-informazzjoni li hija għandha tirrapporta skont l-Artikolu 50c(1) għandha tinkludi l-ammont totali tal-marġni inizjali li tkun irċeviet mill-membri ta' kklerjar tagħha.

Il-limiti ta' żmien imsemmija fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu jistgħu jiġu estiżi b'sitt xhur skont l-att ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni adottat skont l-Artikolu 497(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013."

▼M21

Artikolu 520a

Applikazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji għar-riskju tas-suq

Sal-1 ta' Jannar 2027, l-istituzzjonijiet għandhom ikomplu japplikaw il-Parti Tlieta, it-Titolu IV, u r-rekwiżiti tar-riskju tas-suq tal-Artikoli 430, 430b, 445 u 455 ta' dan ir-Regolament fil-verżjoni fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2024.

▼B

PARTI ĦDAX

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Article 521

Dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika minn 1 ta' Jannar 2014, bl-eċċezzjoni ta':

(a) L-Artikolu 8(3), l-Artikolu 21 u l-Artikolu 451(1), li għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2015;

▼B

(b) L-Artikolu 413(1), li għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2016;

▼C1

(c) id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jeħtieġu li l-ESAs jippreżentaw lill-Kummissjoni abbozzi ta' standards tekniċi u d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti ddelegati jew atti ta' implimentazzjoni, li għandhom japplikaw mit-28 ta' Ġunju 2013.

▼B

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼**M17**

ANNESS I

Klassifikazzjoni ta' entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ

Bucket	Items
1	(a) Derivattivi ta' kreditu u garanziji ġenerali ta' dejn, inkluż ittri ta' kreditu irrevokabbli li jservu ta' garanziji finanzjarji għal self u titoli, u aċċettazzjonijiet, inkluż approvazzjonijiet bil-karattru ta' aċċettazzjonijiet, kif ukoll kwalunkwe sostitut ieħor ta' kreditu dirett; (b) Ftehimiet ta' bejgħ u riakkwist u bejgħ ta' assi b'rikors meta r-riskju ta' kreditu jibqa' f'idejn l-istituzzjoni; (c) Titoli mislufa mill-istituzzjoni jew titoli li jiddaħħlu mill-istituzzjoni bħala kollateral, inkluż każijiet fejn dawk jirriżultaw minn tranżazzjonijiet tat-tip riakkwist; (d) Xiri ta' assi bil-quddiem, depożiti bil-quddiem u ishma u titoli mħallsa parzjalment, li jirrappreżentaw impenji bi ġbid ċert ta' kreditu; (e) Entrati li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jikkostitwixxu sostitut ta' kreditu meta ma jkunux inklużi b'mod espliċitu f'xi kategorija oħra; (f) Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jkollhom riskju simili u kif ikkomunikati lill-EBA.
2	(a) Faċilitajiet ta' ħruġ ta' noti (NIFs) u faċilitajiet ċirkolanti ta' sottoskrizzjoni (RUFs) irrispettivament mill-maturità tal-faċilità sottostanti; (b) Garanziji tal-eżekuzzjoni, garanziji tal-offerti, garanziji u ittri ta' kreditu irrevokabbli relatati ma' tranżazzjonijiet partikolari u entrati kontinġenti simili relatati mat-tranżazzjonijiet, għajr entrati ta' finanzjament tal-kummerċ li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ imsemmija fil-bucket 4; (c) Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jkollhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-EBA.
3	(a) L-ammont mhux miġbud ta' impenji, irrispettivament mill-maturità tal-faċilità sottostanti, sakemm ma jaqgħux taħt kategorija oħra; (b) Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jkollhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-EBA.
4	(a) Entrati ta' finanzjament tal-kummerċ li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ: (i) garanziji, inkluż garanziji tal-offerta u tal-eżekuzzjoni u garanziji assoċjati ta' pagamenti bil-quddiem u żamma, kif ukoll garanziji li ma jkollhomx il-karattru ta' sostituti ta' kreditu; (ii) garanziji, inkluż garanziji tal-offerta u tal-eżekuzzjoni u garanziji assoċjati ta' pagamenti bil-quddiem u żamma, kif ukoll garanziji li ma jkollhomx il-karattru ta' sostituti ta' kreditu; (iii) ittri kummerċjali ta' kreditu għal żmien qasir u awtolikwidanti li jirriżultaw mill-moviment tal-merkanzija, b'mod partikolari dokumenti ta' kreditu kollateralizzati mill-konsenja sottostanti, f'każ ta' istituzzjoni emittenti jew istituzzjoni li tikkonferma; (b) Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jkollhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-EBA.
5	(a) L-ammont mhux miġbud ta' impenji kanċellabbli mingħajr kundizzjonijiet; (b) L-ammont mhux miġbud ta' linji ta' kreditu fil-livell tal-konsumatur li għalihom it-termini jippermettu lill-istituzzjoni tikkanċellahom sal-limitu massimu permissibbli skont atti għall-protezzjoni tal-konsumatur u atti legali relatati oħra; (c) Faċilitajiet ta' kreditu mhux miġbuda għal garanziji tal-offerta u tal-eżekuzzjoni li jistgħu jiġu kkanċellati mingħajr kundizzjonijiet fi kwalunkwe ħin mingħajr avviż minn qabel, jew li effettivament jipprevedu l-kanċellazzjoni awtomatika minħabba deterjorament tal-affidabbiltà kreditizja ta' debitur; (d) Entrati oħra li ma jidhrux fil-karta tal-bilanċ li jkollhom riskju simili, kif ikkomunikati lill-EBA.

▼B

ANNESS II

Tipi ta' derivati

1. Kuntratti tar-rata tal-imgħax:

   (a) swaps tar-rati tal-imgħax f'munita waħda;

   (b) basis-swaps;

   (c) ftehim ta' rati bil-quddiem;

   (d) futures tar-rati tal-imgħax;

▼M8

   (e) opzjonijiet tar-rati tal-imgħax;

▼B

   (f) kuntratti oħrajn ta' natura simili.

2. Kuntratti tal-kambju u kuntratti li jikkonċernaw id-deheb:

   (a) swaps bejn muniti differenti tar-rati tal-imgħax;

   (b) kuntratti forward tal-kambju;

   (c) futures ta' muniti;

▼M8

   (d) opzjonijiet ta' munita;

▼B

   (e) kuntratti oħrajn ta' natura simili;

   (f) kuntratti ta' simili għal (a) sa (e) li jikkonċernaw id-deheb.

▼M8

3. Kuntratti simili għal dawk fil-punti 1(a) sa (e) u 2(a) sa (d) ta' dan l-Anness li jikkonċernaw elementi ta' referenza jew indiċi oħrajn. Bħala minimu, dan jinkludi l-istrumenti kollha speċifikati fil-punti (4) sa (7), (9), (10) u (11) tat-Taqsima C tal-Anness I għad-Direttiva 2014/65/UE mhux inklużi fil-punt 1 jew 2 ta' dan l-Anness.

▼B

ANNESS III

Elementi soġġetti għal rappurtar supplimentari ta' assi likwidi

1. Flus.

2. Skoperturi tal-bank ċentrali, sakemm dawn l-iskoperturi jkunu jistgħu jinġibdu fi żminijiet ta' stress.

3. Titoli trasferibbli li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew inkella pretensjonijiet iggarantiti minn sovrani, banek ċentrali, entitajiet tas-settur pubbliku li mhumiex tal-gvern ċentrali, reġjuni b'awtonomija fiskali li jimponu u jiġbru taxxi u awtoritajiet lokali, il-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali, il-Fond Monetarju Internazzjonali, l-Unjoni Ewropea, il-European Financial Stability Facility, the European Stability Mechanism jew banek ta' żvilupp multilaterali u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

   (a) huma assenjati piż ta' riskju ta' 0 % skont il-Kapitolu 2, Titolu II tal-PartiTlieta;

▼M9

   (b) mhumiex obbligazzjoni fuq istituzzjoni jew ditta tal-investiment jew fuq waħda mill-entitajiet affiljati tagħha.

▼B

4. Titoli trasferibbli għajr dawk imsemmija fil-punt 3 li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew inkella garantiti minn sovrani jew banek ċentrali maħruġa f'muniti nazzjonali mis-sovran jew mill-bank ċentrali fil-munita u l-pajjiż li fih jittieħed ir-riskju ta' likwidità jew jinħareġ f'muniti barranin, safejn il-holding ta' tali dejn jilħaq il-ħtiġijiet ta' likwidità tal-operazzjonijiet tal-bank f'dak il-pajjiż terz.

5. Titoli trasferibbli li jirrappreżentaw pretensjonijiet fuq jew pretensjonijiet garantiti minn sovrani, banek ċentrali, entitajiet tas-settur pubbliku li mhumiex tal-gvern ċentrali, reġjuni b'awtonomija fiskali li jimponu u jiġbru taxxi u awtoritajiet lokali, jew banek ta' żvilupp multilaterali u li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin.

   (a) huma assenjati piż ta' riskju ta' 20 % skont il-Kapitolu 2, Titolu II tal-PartiTlieta;

▼M9

   (b) mhumiex obbligazzjoni fuq istituzzjoni jew ditta tal-investiment jew fuq waħda mill-entitajiet affiljati tagħha.

▼B

6. Sigurtajiet trasferibbli għajr dawk imsemmija fil-punti 3, 4 u 5 li jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 20 % jew aħjar skont il-Kapitolu 2, Titolu II, Parti Tlieta jew li huma klassifikati internament bħala li jkollhom kwalità ta' kreditu ekwivalenti, u li jilħqu kwalunkwe waħda mill-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼M9

   (a) ma jirrappreżentawx pretensjoni fuq SSPE, istituzzjoni jew ditta tal-investiment jew kwalunkwe waħda mill-entitajiet affiljati tagħha;

▼B

   (b) huma bonds eliġibbli għat-trattament stabbilit fl-Artikolu 129(4) jew (5);

▼M10

   (c) huma bonds koperti kif definiti fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (EU) 2019/… għajr dawk imsemmija fil-punt (b) ta' dan il-punt.

▼M9

7. Sigurtajiet trasferibbli minbarra dawk imsemmija fil-punti 3 sa 6 li jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 50 % jew aħjar skont il-Kapitolu 2 tat-Titolu II tal-Parti Tlieta jew li huma klassifikati internament bi kwalità ta' kreditu ekwivalenti, u ma jirrappreżentawx pretensjoni fuq SSPE, istituzzjoni jew ditta tal-investiment jew kwalunkwe waħda mill-entitajiet affiljati tagħhom;

▼B

8. Sigurtajiet trasferibbli minbarra dawk imsemmija fil-punti 3 sa 7 li huma kollateralizzati bħala assi li jikkwalifikaw għal piż tar-riskju ta' 35 % jew aħjar skont il-Kapitolu 2, Titolu II, Parti Tlieta jew li huma klassifikati internament bħala li jkollhom kwalità ta' kreditu ekwivalenti, u li huma garantiti għalkollox b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali skont l-Artikolu 125.

9. Faċilitajiet ta' kreditu ta' riżerva mogħtija minn banek ċentrali fl-ambitu tal-politika monetarja sal-punt li dawn il-faċilitajiet ma jiġux kollateralizzati minn assi likwidi u eskluża l-assistenza ta' likwidità ta' emergenza

10. Depożiti minimi legali jew statutorji mal-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali u finanzjament likwidu disponibbli kuntrattwalment jew statutorju ieħor mill-istituzzjoni ta' kreditu ċentrali jew istituzzjonijiet li huma membri tan-netwerk imsemmi fl-Artikolu 113(7), jew eliġibbli għar-rinunzja prevista fl-Artikolu 10, sa fejn dan il-finanzjament ma jiġix kollateralizzat minn assi likwidi, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tappartjeni lil netwerk skont dispożizzjonijiet legali jew statutorji,

▼M9

11. Azzjonijiet ta' ekwità komuni skambjati fuq borża u kklerjati ċentralment, li huma kostitwent ta' indiċi ta' borża ewlieni, denominati fil-munita domestika tal-Istat Membru u mhux maħruġin minn istituzzjoni jew ditta tal-investiment jew kwalunkwe wieħed mill-affiljati tagħha.

▼B

12. Id-deheb ikkwotat fuq borża rikonoxxuta, miżmum fuq bażi ta' allokazzjoni.

L-elementi kollha bl-eċċezzjoni ta' dawk imsemmija fil-punti 1, 2 u 9 iridu jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) huma negozjati fi ftehimiet sempliċi ta' xiri mill-ġdid jew fi swieq tal-flus ikkaratterizzati minn livell baxx ta' konċentrazzjoni;

(b) għandhom rekord ipprovat bħala sors affidabbli ta' likwidità jew permezz ta' ftehim ta' xiri mill-ġdid jew permezz ta' bejgħ anki matul kondizzjonijiet ta' stress tas-suq;

(c) ikunu ħielsa minn ipoteki.

▼B

ANNESS IV

Tabella ta' korrelazzjoni

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 1		
Artikolu 2		
Artikolu 3		
Punt (1) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4 (1)	
Punt (2) tal-Artikolu 4(1)		Artikolu 3(1)b
Punt (3) tal-Artikolu 4(1)		Artikolu 3(1)c
Punt (4) tal-Artikolu 4(1)		Artikolu 3(1)p
Punti (5)-(7) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (8) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(18)	
Punti (9)-(12) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (13) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(41)	
Punt (14) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(42)	
Punt (15) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(12)	
Punt (16) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(13)	
Punt (17) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(3)	
Punt (18) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(21)	
Punt (19) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (20) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(19)	
Punt (21) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (22) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(20)	
Punt (23) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (24) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (25) tal-Artikolu 4(1)		Artikolu 3(1)c
Punt (26) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(5)	
Punt (27) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (28) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(14)	
Punt (29) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(16)	
Punt (30) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(15)	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Punt (31) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(17)	
Punti (32)-(34) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (35) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(10)	
Punt (36) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (37) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(9)	
Punt (38) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(46)	
Punt (39) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(45)	
Punt (40) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(4)	
Punt (41) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(48)	
Punt (42) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(2)	
Punt (43) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(7)	
Punt (44) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(8)	
Punt (45) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (46) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(23)	
Punti (47)-(49) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (50) tal-Artikolu 4(1)		Artikolu 3(1)e
Punt (51) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (52) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(22)	
Punt (53) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(24)	
Punt (54) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(25)	
Punt (55) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(27)	
Punt (56) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(28)	
Punt (57) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(30)	
Punt (58) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(31)	
Punt (59) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(32)	
Punt (60) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(35)	
Punt (61) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(36)	
Punt (62) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(40)	
Punt (63) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(40a)	
Punt (64) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(40b)	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Punt (65) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(43)	
Punt (66) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(44)	
Punt (67) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(39)	
Punti (68)-(71) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (72) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(47)	
Punt (73) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(49)	
Punti (74)-(81) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (82) tal-Artikolu 4(1)		Artikolu 3(1)m
Punt (83) tal-Artikolu 4(1)	Artikolu 4(33)	
Punti (84)-(91) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (92) tal-Artikolu 4(1)		Artikolu 3(1)i
Punti (93)-(117) tal-Artikolu 4(1)		
Punt (118) tal-Artikolu 4(1)		Artikolu 3(1)r
Punti (119)-(128) tal-Artikolu 4(1)		
Artikolu 4(2)		
Artikolu 4(3)		
Artikolu 5		
Artikolu 6(1)	Artikolu 68(1)	
Artikolu 6(2)	Artikolu 68(2)	
Artikolu 6(3)	Artikolu 68(3)	
Artikolu 6(4)		
Artikolu 6(5)		
Artikolu 7(1)	Artikolu 69(1)	
Artikolu 7(2)	Artikolu 69(2)	
Artikolu 7(3)	Artikolu 69(3)	
Artikolu 8(1)		
Artikolu 8(2)		
Artikolu 8(3)		
Artikolu 9(1)	Artikolu 70(1)	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 9(2)	Artikolu 70(2)	
Artikolu 9(3)	Artikolu 70(3)	
Artikolu 10(1)	Artikolu 3(1)	
Artikolu 10(2)		
Artikolu 11(1)	Artikolu 71(1)	
Artikolu 11(2)	Artikolu 71(2)	
Artikolu 11(3)		
Artikolu 11(4)	Artikolu 3(2)	
Artikolu 11(5)		
Artikolu 12		
Artikolu 13(1)	Artikolu 72(1)	
Artikolu 13(2)	Artikolu 72(2)	
Artikolu 13(3)	Artikolu 72(3)	
Artikolu 13(4)		
Artikolu 14(1)	Artikolu 73(3)	
Artikolu 14(2)		
Artikolu 14(3)		
Artikolu 15		Artikolu 22
Artikolu 16		
Artikolu 17(1)		Artikolu 23
Artikolu 17(2)		
Artikolu 17(3)		
Artikolu 18(1)-	Artikolu 133(1) subparagrafu 1	
Artikolu 18(2)	Artikolu 133(1) subparagrafu 2	
Artikolu 18(3)	Artikolu 133(1) subparagrafu 3	
Artikolu 18(4)	Artikolu 133(2)	
Artikolu 18(5)	Artikolu 133(3)	
Artikolu 18(6)	Artikolu 134(1)	
Artikolu 18(7)		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 18(8)	Artikolu 134(2)	
Artikolu 19(1)	Artikolu 73(1) (b)	
Artikolu 19(2)	Artikolu 73(1)	
Artikolu 19(3)	Artikolu 73(1) subparagrafu 2	
Artikolu 20(1)	Artikolu 105(3) Artikolu 129(2) u Anness X, Parti 3, punti 30 u 31	
Artikolu 20(2)	Artikolu 129(2) subparagrafu 3	
Artikolu 20(3)	Artikolu 129(2) subparagrafu 4	
Artikolu 20(4)	Artikolu 129(2) subparagrafu 5	
Artikolu 20(5)		
Artikolu 20(6)	Artikolu 84(2)	
Artikolu 20(7)	Artikolu 129(2) subparagrafu 6	
Artikolu 20(8)	Artikolu 129(2) subparagrafi 7 u 8	
Artikolu 21(1)		
Artikolu 21(2)		
Artikolu 21(3)		
Artikolu 21(4)		
Artikolu 22	Artikolu 73(2)	
Artikolu 23		Artikolu 3(1) subparagrafu 2
Artikolu 24	Artikolu 74(1)	
Artikolu 25		
Artikolu 26 (1)	Artikolu 57(a)	
Artikolu 26 (1)(a)	Artikolu 57(a)	
Artikolu 26 (1)(b)	Artikolu 57(a)	
Artikolu 26 (1)(c)	Artikolu 57(b)	
Artikolu 26 (1)(d)		
Artikolu 26 (1)(e)	Artikolu 57(b)	
Artikolu 26 (1)(f)	Artikolu 57(c)	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 26 (1) l-ewwel subparagrafu	Artikolu 61 subparagrafu 2	
Artikolu 26 (2)(a)	Artikolu 57 subparagrafu 2, 3 u 4	
Artikolu 26 (2)(b)	Artikolu 57 2, 3 u 4	
Artikolu 26 (3)		
Artikolu 26 (4)		
Artikolu 27		
Artikolu 28(1)(a)		
Artikolu 28(1)(b)	57(a)	
Artikolu 28(1)(c)	57(a)	
Artikolu 28(1)(d)		
Artikolu 28(1)(e)		
Artikolu 28(1)(f)		
Artikolu 28(1)(g)		
Artikolu 28(1)(h)		
Artikolu 28(1)(i)	Artikolu 57(a)	
Artikolu 28(1)(j)	Artikolu 57(a)	
Artikolu 28(1)(k)		
Artikolu 28(1)(l)		
Artikolu 28(1)(m)		
Artikolu 28(2)		
Artikolu 28(3)		
Artikolu 28(4)		
Artikolu 28(5)		
Artikolu 29		
Artikolu 30		
Artikolu 31		
Artikolu 32(1)(a)		
Artikolu 32(1)(b)	Artikolu 57 subparagrafu 4	
Artikolu 32(2)		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 33(1)(a)	Artikolu 64(4)	
Artikolu 33(1)(b)	Artikolu 64(4)	
Artikolu 33(1)(c)		
Artikolu 33(2)		
Artikolu 33(3)(a)		
Artikolu 33(3)(b)		
Artikolu 33(3)(c)		
Artikolu 33(3)(d)		
Artikolu 33(4)		
Artikolu 34	Artikolu 64(5)	
Artikolu 35		
Artikolu 36(1)(a)	Artikolu 57(k)	
Artikolu 36(1)(b)	Artikolu 57(j)	
Artikolu 36(1)(c)		
Artikolu 36(1)(d)	Artikolu 57(q)	
Artikolu 36(1)(e)		
Artikolu 36(1)(f)	Artikolu 57(i)	
Artikolu 36(1)(g)		
Artikolu 36(1)(h)	Artikolu 57(n)	
Artikolu 36(1)(i)	Artikolu 57(m)	
Artikolu 36(1)(j)	Artikolu 66(2)	
Artikolu 36(1)(k)(i)		
Artikolu 36(1)(k)(ii)	Artikolu 57(r)	
Artikolu 36(1)(k)(iii)		
Artikolu 36(1)(k)(iv)		
Artikolu 36(1)(k)(v)		
Artikolu 36(1)(l)	Artikolu 61 subparagrafu 2	
Artikolu 36(2)		
Artikolu 36(3)		
Artikolu 37		
Artikolu 38		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 39		
Artikolu 40		
Artikolu 41		
Artikolu 42		
Artikolu 43		
Artikolu 44		
Artikolu 45		
Artikolu 46		
Artikolu 47		
Artikolu 48		
Artikolu 49(1)	Artikolu 59	
Artikolu 49(2)	Artikolu 60	
Artikolu 49(3)		
Artikolu 49(4)		
Artikolu 49(5)		
Artikolu 49(6)		
Artikolu 50	Artikolu 66, Artikolu 57(ca), Artikolu 63a	
Artikolu 51	Artikolu 66, Artikolu 57(ca), Artikolu 63a	
Artikolu 52	Artikolu 63a	
Artikolu 53		
Artikolu 54		
Artikolu 55		
Artikolu 56		
Artikolu 57		
Artikolu 58		
Artikolu 59		
Artikolu 60		
Artikolu 61	Artikolu 66, Artikolu 57(ca), Artikolu 63a	
Artikolu 62(a)	Artikolu 64(3)	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 62(b)		
Artikolu 62(c)		
Artikolu 62(d)	Artikolu 63(3)	
Artikolu 63	Artikolu 63(1), Artikolu 63(2), Artikolu 64(3)	
Artikolu 64	Artikolu 64 (3) (c)	
Artikolu 65		
Artikolu 66	Artikolu 57, Artikolu 66(2)	
Artikolu 67	Artikolu 57, Artikolu 66(2)	
Artikolu 68		
Artikolu 69	Artikolu 57, Artikolu 66(2)	
Artikolu 70	Artikolu 57, Artikolu 66(2)	
Artikolu 71	Artikolu 66, Artikolu 57(ca), Artikolu 63a	
Artikolu 72	Artikolu 57, Artikolu 66	
Artikolu 73		
Artikolu 74		
Artikolu 75		
Artikolu 76		
Artikolu 77	Artikolu 63a(2)	
Artikolu 78(1)	Artikolu 63a(2)	
Artikolu 78(2)		
Artikolu 78(3)		
Artikolu 78(4)	Artikolu 63a(2) subparagrafu 4	
Artikolu 78(5)		
Artikolu 79	Artikolu 58	
Artikolu 80		
Artikolu 81	Artikolu 65	
Artikolu 82	Artikolu 65	
Artikolu 83		
Artikolu 84	Artikolu 65	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 85	Artikolu 65	
Artikolu 86	Artikolu 65	
Artikolu 87	Artikolu 65	
Artikolu 88	Artikolu 65	
Artikolu 89	Artikolu 120	
Artikolu 90	Artikolu 122	
Artikolu 91	Artikolu 121	
Artikolu 92	Artikolu 66, Artikolu 75	
Artikolu 93(1)-(4)	Artikolu 10(1)-(4)	
Artikolu 93(5)		
Artikolu 94		Artikolu 18(2)-(4)
Artikolu 95		
Artikolu 96		
Artikolu 97		
Artikolu 98		Artikolu 24
Artikolu 99(1)	Artikolu 74(2)	
Artikolu 99(2)		
Artikolu 100		
Artikolu 101(1)		
Artikolu 101(2)		
Artikolu 101(3)		
Artikolu 102(1)		Artikolu 11(1)
Artikolu 102(2)		Artikolu 11(3)
Artikolu 102(3)		Artikolu 11(4)
Artikolu 102(4)		Anness VII, Parti C, punt 1
Artikolu 103		Anness VII, Parti A, punt 1
Artikolu 104(1)		Anness VII, Parti D, punt 1
Artikolu 104(2)		Anness VII, Parti D, punt 2
Artikolu 105(1)		Artikolu 33(1)
Artikolu 105(2)-(10)		Anness VII, Parti B, punti 1-9

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 105(11)-(13)		Anness VII, Parti B, punti 11-13
Artikolu 106		Anness VII, Parti C, punti 1-3
Artikolu 107	Artikolu 76, Artikolu 78(4) u Anness III, Parti 2, punt 6	
Artikolu 108(1)	Artikolu 91	
Artikolu 108(2)		
Artikolu 109	Artikolu 94	
Artikolu 110		
Artikolu 111	Artikolu 78(1)-(3)	
Artikolu 112	Artikolu 79(1)	
Artikolu 113(1)	Artikolu 80(1)	
Artikolu 113(2)	Artikolu 80(2)	
Artikolu 113(3)	Artikolu 80(4)	
Artikolu 113(4)	Artikolu 80(5)	
Artikolu 113(5)	Artikolu 80(6)	
Artikolu 113(6)	Artikolu 80(7)	
Artikolu 113(7)	Artikolu 80(8)	
Artikolu 114	Anness VI, Parti I, punti 1-5	
Artikolu 115(1) (4)	Anness VI, Parti I, punti 8-11	
Artikolu 115(5)		
Artikolu 116(1)	Anness VI, Parti I, punt 14	
Artikolu 116(2)	Anness VI, Parti I, punt 14	
Artikolu 116(3)		
Artikolu 116(4)	Anness VI, Parti I, punt 15	
Artikolu 116(5)	Anness VI, Parti I, punt 17	
Artikolu 116(6)	Anness VI, Parti I, punt 17	
Artikolu 117(1)	Anness VI, Parti I, punt 18 u 19	
Artikolu 117(2)	Anness VI, Parti I, punt 20	
Artikolu 117(3)	Anness VI, Parti I, punt 21	
Artikolu 118	Anness VI, Parti I, punt 22	
Artikolu 119(1)		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 119(2)	Anness VI, Parti I, punti 37 u 38	
Artikolu 119(3)	Anness VI, Parti I, punt 40	
Artikolu 119(4)		
Artikolu 119(5)		
Artikolu 120(1)	Anness VI, Parti I, punt 29	
Artikolu 120(2)	Anness VI, Parti I, punt 31	
Artikolu 120(3)	Anness VI, Parti I, punti 33-36	
Artikolu 121(1)	Anness VI, Parti I, punt 26	
Artikolu 121(2)	Anness VI, Parti I, punt 25	
Artikolu 121(3)	Anness VI, Parti I, punt 27	
Artikolu 122	Anness VI, Parti I, punti 41 u 42	
Artikolu 123	Artikolu 79(2), 79(3) u Anness VI, Parti I, punt 43	
Artikolu 124(1)	Anness VI, Parti I, punt 44	
Artikolu 124(2)		
Artikolu 124(3)		
Artikolu 125(1)-(3)	Anness VI, Parti I, punti 45-49	
Artikolu 125(4)		
Artikolu 126(1) u (2)	Anness VI, Parti I, punti 51-55	
Artikolu 126(3) u (4)	Anness VI, Parti I, punti 58 u 59	
Artikolu 127(1) u (2)	Anness VI, Parti I, punti 61 u 62	
Artikolu 127(3) u (4)	Anness VI, Parti I, punti 64 u 65	
Artikolu 128(1)	Anness VI, Parti I, punti 66 u 76	
Artikolu 128(2)	Anness VI, Parti I, punt 66	
Artikolu 128(3)		
Artikolu 129(1)	Anness VI, Parti I, punt 68, paragrafi 1 u 2	
Artikolu 129(2)	Anness VI, Parti I, punt 69	
Artikolu 129(3)	Anness VI, Parti I, punt 71	
Artikolu 129(4)	Anness VI, Parti I, punt 70	
Artikolu 129(5)		
Artikolu 130	Anness VI, Parti I, punt 72	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 131	Anness VI, Parti I, punt 73	
Artikolu 132(1)	Anness VI, Parti I, punt 74	
Artikolu 132(2)	Anness VI, Parti I, punt 75	
Artikolu 132(3)	Anness VI, Parti I, punti 77 u 78	
Artikolu 132(4)	Anness VI, Parti I, punt 79	
Artikolu 132(5)	Anness VI, Parti I, punt 80 u punt 81	
Artikolu 133(1)	Anness VI, Parti I, punt 86	
Artikolu 133(2)		
Artikolu 133(3)		
Artikolu 134(1)-(3)	Anness VI, Parti I, punti 82-84	
Artikolu 134(4)-(7)	Anness VI, Parti I, punti 87-90	
Artikolu 135	Artikolu 81(1), (2) u (4)	
Artikolu 136(1)	Artikolu 82(1)	
Artikolu 136(2)	Anness VI, Parti 2, punti 12-16	
Artikolu 136(3)	Artikolu 150(3)	
Artikolu 137(1)	Anness VI, Parti I, punt 6	
Artikolu 137(2)	Anness VI, Parti I, punt 7	
Artikolu 137(3)		
Artikolu 138	Anness VI, Parti III, punti 1-7	
Artikolu 139	Anness VI, Parti III, punti 8-17	
Artikolu 140(1)		
Artikolu 140(2)		
Artikolu 141		
Artikolu 142(1)		
Artikolu 142(2)		
Artikolu 143(1)	Artikolu 84 (1) u Anness VII, Parti 4, punt 1	
Artikolu 143(1)	Artikolu 84(2)	
Artikolu 143(1)	Artikolu 84(3)	
Artikolu 143(1)	Artikolu 84(4)	
Artikolu 143(1)		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 144		
Artikolu 145		
Artikolu 146		
Artikolu 147(1)	Artikolu 86(9)	
Artikolu 147(2)-(9)	Artikolu 86(1)-(8)	
Artikolu 148(1)	Artikolu 85(1)	
Artikolu 148(2)	Artikolu 85(2)	
Artikolu 148(3)		
Artikolu 148(4)	Artikolu 85(3)	
Artikolu 148(5)		
Artikolu 148(1)		
Artikolu 149	Artikolu 85(4) u (5)	
Artikolu 150(1)	Artikolu 89(1)	
Artikolu 150(2)	Artikolu 89(2)	
Artikolu 150(3)		
Artikolu 150(4)		
Artikolu 151	Artikolu 87(1)-(10)	
Artikolu 152(1) u (2)	Artikolu 87(11)	
Artikolu 152(3) u (4)	Artikolu 87(12)	
Artikolu 152(5)		
Artikolu 153(1)	Anness VII, Parti I, punt 3	
Artikolu 153(2)		
Artikolu 153(3)-(8)	Anness VII, Parti I, punti 4-9	
Artikolu 153(9)		
Artikolu 154	Anness VII, Parti I, punti 10-16	
Artikolu 155(1)	Anness VII, Parti I, punti 17 u 18	
Artikolu 155(2)	Anness VII, Parti I, punti 19 sa 21	
Artikolu 155(3)	Anness VII, Parti I, punti 22 sa 24	
Artikolu 155(4)	Anness VII, Parti I, punti 25 sa 26	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 156		
Artikolu 156	Anness VII, Parti I, punt 27	
Artikolu 157(1)	Anness VII, Parti I, punt 28	
Artikolu 157(2)-(5)		
Artikolu 158(1)	Artikolu 88(2)	
Artikolu 158(2)	Artikolu 88(3)	
Artikolu 158(3)	Artikolu 88(4)	
Artikolu 158(4)	Artikolu 88(6)	
Artikolu 158(5)	Anness VII, Parti I, punt 30	
Artikolu 158(6)	Anness VII, Parti I, punt 31	
Artikolu 158(7)	Anness VII, Parti I, punt 32	
Artikolu 158(8)	Anness VII, Parti I, punt 33	
Artikolu 158(9)	Anness VII, Parti I, punt 34	
Artikolu 158(10)	Anness VII, Parti I, punt 35	
Artikolu 158(11)		
Artikolu 159	Anness VII, Parti I, punt 36	
Artikolu 160(1)	Anness VII, Parti II, punt 2	
Artikolu 160(2)	Anness VII, Parti II, punt 3	
Artikolu 160(3)	Anness VII, Parti II, punt 4	
Artikolu 160(4)	Anness VII, Parti II, punt 5	
Artikolu 160(5)	Anness VII, Parti II, punt 6	
Artikolu 160 (6)	Anness VII, Parti II, punt 7	
Artikolu 160(7)	Anness VII, Parti II, punt 7	
Artikolu 161(1)	Anness VII, Parti II, punt 8	
Artikolu 161(2)	Anness VII, Parti II, punt 9	
Artikolu 161(3)	Anness VII, Parti II, punt 10	
Artikolu 161(4)	Anness VII, Parti II, punt 11	
Artikolu 162(1)	Anness VII, Parti II, punt 12	
Artikolu 162(2)	Anness VII, Parti II, punt 13	
Artikolu 162(3)	Anness VII, Parti II, punt 14	
Artikolu 162(4)	Anness VII, Parti II, punt 15	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 162(5)	Anness VII, Parti II, punt 16	
Artikolu 163(1)	Anness VII, Parti II, punt 17	
Artikolu 163(2)	Anness VII, Parti II, punt 18	
Artikolu 163(3)	Anness VII, Parti II, punt 19	
Artikolu 163(4)	Anness VII, Parti II, punt 20	
Artikolu 164(1)	Anness VII, Parti II, punt 21	
Artikolu 164(2)	Anness VII, Parti II, punt 22	
Artikolu 164(3)	Anness VII, Parti II, punt 23	
Artikolu 164(4)		
Artikolu 165(1)	Anness VII, Parti II, punt 24	
Artikolu 165(2)	Anness VII, Parti II, punt 25 u 26	
Artikolu 165(3)	Anness VII, Parti II, punt 27	
Artikolu 166(1)	Anness VII, Parti III, punt 1	
Artikolu 166(2)	Anness VII, Parti III, punt 2	
Artikolu 166(3)	Anness VII, Parti III, punt 3	
Artikolu 166(4)	Anness VII, Parti III, punt 4	
Artikolu 166(5)	Anness VII, Parti III, punt 5	
Artikolu 166(6)	Anness VII, Parti III, punt 6	
Artikolu 166(7)	Anness VII, Parti III, punt 7	
Artikolu 166(8)	Anness VII, Parti III, punt 9	
Artikolu 166(9)	Anness VII, Parti III, punt 10	
Artikolu 166(10)	Anness VII, Parti III, punt 11	
Artikolu 167(1)	Anness VII, Parti III, punt 12	
Artikolu 167(2)		
Artikolu 168	Anness VII, Parti III, punt 13	
Artikolu 169(1)	Anness VII, Parti IV, punt 2	
Artikolu 169(2)	Anness VII, Parti IV, punt 3	
Artikolu 169(3)	Anness VII, Parti IV, punt 4	
Artikolu 170(1)	Anness VII, Parti IV, punt 5-11	
Artikolu 170(2)	Anness VII, Parti IV, punt 12	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 170(3)	Anness VII, Parti IV, punti 13-15	
Artikolu 170(4)	Anness VII, Parti IV, punt 16	
Artikolu 171(1)	Anness VII, Parti IV, punt 17	
Artikolu 171(2)	Anness VII, Parti IV, punt 18	
Artikolu 172(1)	Anness VII, Parti IV, punt 19-23	
Artikolu 172(2)	Anness VII, Parti IV, punt 24	
Artikolu 172(3)	Anness VII, Parti IV, punt 25	
Artikolu 173(1)	Anness VII, Parti IV, points26-28	
Artikolu 173(2)	Anness VII, Parti IV, punt 29	
Artikolu 173(3)		
Artikolu 174	Anness VII, Parti IV, punt 30	
Artikolu 175(1)	Anness VII, Parti IV, punt 31	
Artikolu 175(2)	Anness VII, Parti IV, punt 32	
Artikolu 175(3)	Anness VII, Parti IV, punt 33	
Artikolu 175(4)	Anness VII, Parti IV, punt 34	
Artikolu 175(5)	Anness VII, Parti IV, punt 35	
Artikolu 176(1)	Anness VII, Parti IV, punt 36	
Artikolu 176(2)	Anness VII, Parti IV, punt 37 1st subparagrafu	
Artikolu 176(3)	Anness VII, Parti IV, punt 37 2nd subparagrafu	
Artikolu 176(4)	Anness VII, Parti IV, punt 38	
Artikolu 176(5)	Anness VII, Parti IV, punt 39	
Artikolu 177(1)	Anness VII, Parti IV, punt 40	
Artikolu 177(2)	Anness VII, Parti IV, punt 41	
Artikolu 177(3)	Anness VII, Parti IV, punt 42	
Artikolu 178(1)	Anness VII, Parti IV, punt 44	
Artikolu 178(2)	Anness VII, Parti IV, punt 44	
Artikolu 178(3)	Anness VII, Parti IV, punt 45	
Artikolu 178(4)	Anness VII, Parti IV, punt 46	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 178(5)	Anness VII, Parti IV, punt 47	
Artikolu 178(6)		
Artikolu 178(7)		
Artikolu 179(1)	Anness VII, Parti IV, punti 43 u 49-56	
Artikolu 179(2)	Anness VII, Parti IV, punt 57	
Artikolu 180(1)	Anness VII, Parti IV, punti 59-66	
Artikolu 180(2)	Anness VII, Parti IV, punti 67-72	
Artikolu 180(3)		
Artikolu 181(1)	Anness VII, Parti IV, punti 73-81	
Artikolu 181(2)	Anness VII, Parti IV, punt 82	
Artikolu 181(3)		
Artikolu 182(1)	Anness VII, Parti IV, punti 87-92	
Artikolu 182(2)	Anness VII, Parti IV, punt 93	
Artikolu 182(3)	Anness VII, Parti IV, punti 94 u 95	
Artikolu 182(4)		
Artikolu 183(1)	Anness VII, Parti IV, punti 98-100	
Artikolu 183(2)	Anness VII, Parti IV, punti 101 u 102	
Artikolu 183(3)	Anness VII, Parti IV, punt 103 u punt 104	
Artikolu 183(4)	Anness VII, Parti IV, punt 96	
Artikolu 183(5)	Anness VII, Parti IV, punt 97	
Artikolu 183(6)		
Artikolu 184(1)		
Artikolu 184(2)	Anness VII, Parti IV, punt 105	
Artikolu 184(3)	Anness VII, Parti IV, punt 106	
Artikolu 184(4)	Anness VII, Parti IV, punt 107	
Artikolu 184(5)	Anness VII, Parti IV, punt 108	
Artikolu 184(6)	Anness VII, Parti IV, punt 109	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 185	Anness VII, Parti IV, punti 110-114	
Artikolu 186	Anness VII, Parti IV, punt 115	
Artikolu 187	Anness VII, Parti IV, punt 116	
Artikolu 188	Anness VII, Parti IV, punti 117-123	
Artikolu 189(1)	Anness VII, Parti IV, punt 124	
Artikolu 189(2)	Anness VII, Parti IV, punti 125 u 126	
Artikolu 189(3)	Anness VII, Parti IV, punt 127	
Artikolu 190(1)	Anness VII, Parti IV, punt 128	
Artikolu 190(2)	Anness VII, Parti IV, punt 129	
Artikolu 190(3) (4)	Anness VII, Parti IV, punt 130	
Artikolu 191	Anness VII, Parti IV, punt 131	
Artikolu 192	Artikolu 90 u Anness VIII, Parti 1, punt 2	
Artikolu 193(1)	Artikolu 93 (2)	
Artikolu 193(2)	Artikolu 93 (3)	
Artikolu 193(3)	Artikolu 93(1) u Anness VIII, Parti 3, punt 1	
Artikolu 193(4)	Anness VIII, Parti 3, punt 2	
Artikolu 193(5)	Anness VIII, Parti 5, punt 1	
Artikolu 193(6)	Anness VIII, Parti 5, punt 2	
Artikolu 194(1)	Artikolu 92(1)	
Artikolu 194(2)	Artikolu 92(2)	
Artikolu 194(3)	Artikolu 92(3)	
Artikolu 194(4)	Artikolu 92(4)	
Artikolu 194(5)	Artikolu 92(5)	
Artikolu 194(6)	Artikolu 92(5)	
Artikolu 194(7)	Artikolu 92(6)	
Artikolu 194(8)	Anness VIII, Parti 2, punt 1	
Artikolu 194(9)	Anness VIII, Parti 2, punt 2	
Artikolu 194(10)		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 195	Anness VIII, Parti 1, punti 3 u 4	
Artikolu 196	Anness VIII, Parti 1, punt 5	
Artikolu 197(1)	Anness VIII, Parti 1, punt 7	
Artikolu 197(2)	Anness VIII, Parti 1, punt 7	
Artikolu 197(3)	Anness VIII, Parti 1, punt 7	
Artikolu 197(4)	Anness VIII, Parti 1, punt 8	
Artikolu 197(5)	Anness VIII, Parti 1, punt 9	
Artikolu 197(6)	Anness VIII, Parti 1, punt 9	
Artikolu 197(7)	Anness VIII, Parti 1, punt 10	
Artikolu 197(8)		
Artikolu 198(1)	Anness VIII, Parti 1, punt 11	
Artikolu 198(2)	Anness VIII, Parti 1, punt 11	
Artikolu 199(1)	Anness VIII, Parti 1, punt 12	
Artikolu 199(2)	Anness VIII, Parti 1, punt 13	
Artikolu 199(3)	Anness VIII, Parti 1, punt 16	
Artikolu 199(4)	Anness VIII, Parti 1, punti 17 u 18	
Artikolu 199(5)	Anness VIII, Parti 1, punt 20	
Artikolu 199(6)	Anness VIII, Parti 1, punt 21	
Artikolu 199(7)	Anness VIII, Parti 1, punt 22	
Artikolu 199(8)		
Artikolu 200	Anness VIII, Parti 1, punti 23 sa 25	
Artikolu 201(1)	Anness VIII, Parti 1, punti 26 u 28	
Artikolu 201(2)	Anness VIII, Parti 1, punt 27	
Artikolu 202	Anness VIII, Parti 1, punt 29	
Artikolu 203		
Artikolu 204(1)	Anness VIII, Parti 1, punt 30 u punt 31	
Artikolu 204(2)	Anness VIII, Parti 1, punt 32	
Artikolu 205	Anness VIII, Parti 2, punt 3	
Artikolu 206	Anness VIII, Parti 2, punti 4 sa 5	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 207(1)	Anness VIII, Parti 2, punt 6	
Artikolu 207(2)	Anness VIII, Parti 2, punt 6(a)	
Artikolu 207(3)	Anness VIII, Parti 2, punt 6(b)	
Artikolu 207(4)	Anness VIII, Parti 2, punt 6(c)	
Artikolu 207(5)	Anness VIII, Parti 2, punt 7	
Artikolu 208(1)	Anness VIII, Parti 2, punt 8	
Artikolu 208(2)	Anness VIII, Parti 2, punt 8(a)	
Artikolu 208(3)	Anness VIII, Parti 2, punt 8(b)	
Artikolu 208(4)	Anness VIII, Parti 2, punt 8(c)	
Artikolu 208(5)	Anness VIII, Parti 2, punt 8(d)	
Artikolu 209(1)	Anness VIII, Parti 2, punt 9	
Artikolu 209(2)	Anness VIII, Parti 2, punt 9(a)	
Artikolu 209(3)	Anness VIII, Parti 2, punt 9(b)	
Artikolu 210	Anness VIII, Parti 2, punt 10	
Artikolu 211	Anness VIII, Parti 2, punt 11	
Artikolu 212(1)	Anness VIII, Parti 2, punt 12	
Artikolu 212(2)	Anness VIII, Parti 2, punt 13	
Artikolu 213 (1)	Anness VIII, Parti 2, punt 14	
Artikolu 213(2)	Anness VIII, Parti 2, punt 15	
Artikolu 213(3)		
Artikolu 214(1)	Anness VIII, Parti 2, punt 16(a) sa (c)	
Artikolu 214(2)	Anness VIII, Parti 2, punt 16	
Artikolu 214(3)	Anness VIII, Parti 2, punt 17	
Artikolu 215(1)	Anness VIII, Parti 2, punt 18	
Artikolu 215(2)	Anness VIII, Parti 2, punt 19	
Artikolu 216(1)	Anness VIII, Parti 2, punt 20	
Artikolu 216(2)	Anness VIII, Parti 2, punt 21	
Artikolu 217(1)	Anness VIII, Parti 2, punt 22	
Artikolu 217(2)	Anness VIII, Parti 2, punt 22(c)	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 217(3)	Anness VIII, Parti 2, punt 22(c)	
Artikolu 218	Anness VIII, Parti 3, punt 3	
Artikolu 219	Anness VIII, Parti 3, punt 4	
Artikolu 220(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 5	
Artikolu 220(2)	Anness VIII, Parti 3, punti 6, 8 sa 10	
Artikolu 220(3)	Anness VIII, Parti 3, punt 11	
Artikolu 220(4)	Anness VIII, Parti 3, punti 22 u 23	
Artikolu 220(5)	Anness VIII, Parti III3, punt 9	
Artikolu 221(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 12	
Artikolu 221(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 12	
Artikolu 221(3)	Anness VIII, Parti 3, punti 13 sa 15	
Artikolu 221(4)	Anness VIII, Parti 3, punt 16	
Artikolu 221(5)	Anness VIII, Parti 3, punti 18 u 19	
Artikolu 221(6)	Anness VIII, Parti 3, punti 20 u 21	
Artikolu 221(7)	Anness VIII, Parti 3, punt17	
Artikolu 221(8)	Anness VIII, Parti 3, punti 22 u 23	
Artikolu 221(9)		
Artikolu 222(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 24	
Artikolu 222(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 25	
Artikolu 222(3)	Anness VIII, Parti 3, punt 26	
Artikolu 222(4)	Anness VIII, Parti 3, punt 27	
Artikolu 222(5)	Anness VIII, Parti 3, punt 28	
Artikolu 222(6)	Anness VIII, Parti 3, punt 29	
Artikolu 222(7)	Anness VIII, Parti 3, punti 28 u 29	
Artikolu 223(1)	Anness VIII, Parti 3, punti 30 sa 32	
Artikolu 223(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 33	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 223(3)	Anness VIII, Parti 3, punt 33	
Artikolu 223(4)	Anness VIII, Parti 3, punt 33	
Artikolu 223(5)	Anness VIII, Parti 3, punt 33	
Artikolu 223(6)	Anness VIII, Parti 3, punti 34 u 35	
Artikolu 223(7)	Anness VIII, Parti 3, punt 35	
Artikolu 224(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 36	
Artikolu 224(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 37	
Artikolu 224(3)	Anness VIII, Parti 3, punt 38	
Artikolu 224(4)	Anness VIII, Parti 3, punt 39	
Artikolu 224(5)	Anness VIII, Parti 3, punt 40	
Artikolu 224(6)	Anness VIII, Parti 3, punt 41	
Artikolu 225(1)	Anness VIII, Parti 3, punti 42 sa 46	
Artikolu 225(2)	Anness VIII, Parti 3, punti 47 sa 52	
Artikolu 225(3)	Anness VIII, Parti 3, punti 53 sa 56	
Artikolu 226	Anness VIII, Parti 3, punt 57	
Artikolu 227(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 58	
Artikolu 227(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 58(a) sa (h)	
Artikolu 227(3)	Anness VIII, Parti 3, punt 58(h)	
Artikolu 228(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 60	
Artikolu 228(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 61	
Artikolu 229(1)	Anness VIII, Parti 3, punti 62 sa 65	
Artikolu 229(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 66	
Artikolu 229(3)	Anness VIII, Parti 3, punti 63 u 67	
Artikolu 230(1)	Anness VIII, Parti 3, punti 68 sa 71	
Artikolu 230(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 72	
Artikolu 230(3)	Anness VIII, Parti 3, punti 73 u 74	
Artikolu 231(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 76	
Artikolu 231(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 77	
Artikolu 231(3)	Anness VIII, Parti 3, punt 78	
Artikolu 231(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 79	
Artikolu 231(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 80	
Artikolu 231(3)	Anness VIII, Parti 3, punt 80a	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 231(4)	Anness VIII, Parti 3, punti 81 sa 82	
Artikolu 232(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 83	
Artikolu 232(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 83	
Artikolu 232(3)	Anness VIII, Parti 3, punt 84	
Artikolu 232(4)	Anness VIII, Parti 3, punt 85	
Artikolu 234	Anness VIII, Parti 3, punt 86	
Artikolu 235(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 87	
Artikolu 235(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 88	
Artikolu 235(3)	Anness VIII, Parti 3, punt 89	
Artikolu 236(1)	Anness VIII, Parti 3, punt 90	
Artikolu 236(2)	Anness VIII, Parti 3, punt 91	
Artikolu 236(3)	Anness VIII, Parti III, punt 92	
Artikolu 237(1)	Anness VIII, Parti 4, punt 1	
Artikolu 237(2)	Anness VIII, Parti 4, punt 2	
Artikolu 238(1)	Anness VIII, Parti 4, punt 3	
Artikolu 238(2)	Anness VIII, Parti 4, punt 4	
Artikolu 238(3)	Anness VIII, Parti 4, punt 5	
Artikolu 239(1)	Anness VIII, Parti 4, punt 6	
Artikolu 239(2)	Anness VIII, Parti 4, punt 7	
Artikolu 239(3)	Anness VIII, Parti 4, punt 8	
Artikolu 240	Anness VIII, Parti VI, punt 1	
Artikolu 241	Anness VIII, Parti VI, punt 2	
Artikolu 242(1) sa (9)	Anness IX, Parti I, punt 1	
Artikolu 242(10)	Artikolu 4 punt 37	
Artikolu 242(11)	Artikolu 4 punt 38	
Artikolu 242(12)		
Artikolu 242(13)		
Artikolu 242(14)		
Artikolu 242(15)		
Artikolu 243(1)	Anness IX, Parti II, punt 1	
Artikolu 243(2)	Anness IX, Parti II, punt 1a	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 243(3)	Anness IX, Parti II, punt 1b	
Artikolu 243(4)	Anness IX, Parti II, punt 1c	
Artikolu 243(5)	Anness IX, Parti II, punt 1d	
Artikolu 243(6)		
Artikolu 244(1)	Anness IX, Parti II, punt 2	
Artikolu 244(2)	Anness IX, Parti II, punt 2a	
Artikolu 244(3)	Anness IX, Parti II, punt 2b	
Artikolu 244(4)	Anness IX, Parti II, punt 2c	
Artikolu 244(5)	Anness IX, Parti II, punt 2d	
Artikolu 244(6)		
Artikolu 245(1)	Artikolu 95(1)	
Artikolu 245(2)	Artikolu 95(2)	
Artikolu 245(3)	Artikolu 96(2)	
Artikolu 245(4)	Artikolu 96(4)	
Artikolu 245(5)		
Artikolu 245(6)		
Artikolu 246(1)	Anness IX, Parti IV, punti 2 u 3	
Artikolu 246(2)	Anness IX, Parti IV, punt 5	
Artikolu 246(3)	Anness IX, Parti IV, punt 5	
Artikolu 247(1)	Artikolu 96(3), Anness IX, Parti IV, punt 60	
Artikolu 247(2)	Anness IX, Parti IV, punt 61	
Artikolu 247(3)		
Artikolu 247(4)		
Artikolu 248(1)	Artikolu 101(1)	
Artikolu 248(2)		
Artikolu 248(3)	Artikolu 101(2)	
Artikolu 249	Anness IX, Parti II, punti 3 u 4	
Artikolu 250	Anness IX, Parti II, punti 5-7	
Artikolu 251	Anness IX, Parti IV, punt 6-7	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 252	Anness IX, Parti IV, punt 8	
Artikolu 253(1)	Anness IX, Parti IV, punt 9	
Artikolu 253(2)	Anness IX, Parti IV, punt 10	
Artikolu 254	Anness IX, Parti IV, punt 11-12	
Artikolu 255(1)	Anness IX, Parti IV, punt 13	
Artikolu 255(2)	Anness IX, Parti IV, punt 15	
Artikolu 256(1)	Artikolu 100(1)	
Artikolu 256(2)	Anness IX, Parti IV, punt 17-20	
Artikolu 256(3)	Anness IX, Parti IV, punt 21	
Artikolu 256(4)	Anness IX, Parti IV, punti 22-23	
Artikolu 256(5)	Anness IX, Parti IV, punt 24-25	
Artikolu 256(6)	Anness IX, Parti IV, punt 26-29	
Artikolu 256(7)	Anness IX, Parti IV, punt 30	
Artikolu 256(8)	Anness IX, Parti IV, punt 32	
Artikolu 256(9)	Anness IX, Parti IV, punt 33	
Artikolu 257	Anness IX, Parti IV, punt 34	
Artikolu 258	Anness IX, Parti IV, punt 35-36	
Artikolu 259(1)	Anness IX, Parti IV, punti 38-41	
Artikolu 259(2)	Anness IX, Parti IV, punt 42	
Artikolu 259(3)	Anness IX, Parti IV, punt 43	
Artikolu 259(4)	Anness IX, Parti IV, punt 44	
Artikolu 259(5)		
Artikolu 260	Anness IX, Parti IV, punt 45	
Artikolu 261(1)	Anness IX, Parti IV, punt 46-47, 49	
Artikolu 261(2)	Anness IX, Parti IV, punt 51	
Artikolu 262(1)	Anness IX, Parti IV, punt 52, 53	
Artikolu 262(2)	Anness IX, Parti IV, punt 53	
Artikolu 262(3)		
Artikolu 262(4)	Anness IX, Parti IV, punt 54	
Artikolu 263(1)	Anness IX, Parti IV, punt 57	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 263(2)	Anness IX, Parti IV, punt 58	
Artikolu 263(3)	Anness IX, Parti IV, punt 59	
Artikolu 264(1)	Anness IX, Parti IV, punt 62	
Artikolu 264(2)	Anness IX, Parti IV, points 63-65	
Artikolu 264(3)	Anness IX, Parti IV, punti 66 u 67	
Artikolu 264(4)		
Artikolu 265(1)	Anness IX, Parti IV, punt 68	
Artikolu 265(2)	Anness IX, Parti IV, punt 70	
Artikolu 265(3)	Anness IX, Parti IV, punt 71	
Artikolu 266(1)	Anness IX, Parti IV, punt 72	
Artikolu 266(2)	Anness IX, Parti IV, punt 73	
Artikolu 266(3)	Anness IX, Parti IV, punt 74-75	
Artikolu 266(4)	Anness IX, Parti IV, punt 76	
Artikolu 267(1)	Artikolu 97(1)	
Artikolu 267(3)	Artikolu 97(3)	
Artikolu 268	Anness IX, Parti III, punt 1	
Artikolu 269	Anness IX, Parti III, punt 2-7	
Artikolu 270	Artikolu 98 (1) u Anness IX, Parti III, punti 8 u 9	
Artikolu 271(1)	Anness III, Parti II, punt 1 Anness VII, Parti III, punt 5	
Artikolu 271(2)	Anness VII, Parti III, punt 7	
Artikolu 272(1)	Anness III, Parti I, punt 1	
Artikolu 272(2)	Anness III, Parti I, punt 3	
Artikolu 272(3)	Anness III, Parti I, punt 4	
Artikolu 272 (4)	Anness III, Parti I, punt 5	
Artikolu 272(5)	Anness III, Parti I, punt 6	
Artikolu 272(6)	Anness III, Parti I, punt 7	
Artikolu 272(7)	Anness III, Parti I, punt 8	
Artikolu 272(8)	Anness III, Parti I, punt 9	
Artikolu 272(9)	Anness III, Parti I, punt 10	
Artikolu 272(10)	Anness III, Parti I, punt 11	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 272(11)	Anness III, Parti I, punt 12	
Artikolu 272(12)	Anness III, Parti I, punt 13	
Artikolu 272(13)	Anness III, Parti I, punt 14	
Artikolu 272(14)	Anness III, Parti I, punt 15	
Artikolu 272(15)	Anness III, Parti I, punt 16	
Artikolu 272(16)	Anness III, Parti I, punt 17	
Artikolu 272(17)	Anness III, Parti I, punt 18	
Artikolu 272(18)	Anness III, Parti I, punt 19	
Artikolu 272(19)	Anness III, Parti I, punt 20	
Artikolu 272(20)	Anness III, Parti I, punt 21	
Artikolu 272(21)	Anness III, Parti I, punt 22	
Artikolu 272(22)	Anness III, Parti I, punt 23	
Artikolu 272(23)	Anness III, Parti I, punt 26	
Artikolu 272(24)	Anness III, Parti VII, punt a)	
Artikolu 272(25)	Anness III, Parti VII, punt a)	
Artikolu 272(26)	Anness III; Parti V, punt 2	
Artikolu 273(1)	Anness III, Parti II, punt 1	
Artikolu 273(2)	Anness III, Parti II, punt 2	
Artikolu 273(3)	Anness III, Parti II, punt 3 l-ewwel u t-tieni subparagrafu	
Artikolu 273(4)	Anness III, Parti II, punt 3 it-tielet subparagrafu	
Artikolu 273(5)	Anness III, Parti II, punt 4	
Artikolu 273(6)	Anness III, Parti II, punt 5	
Artikolu 273(7)	Anness III, Parti II, punt 7	
Artikolu 273(8)	Anness III, Parti II, punt 8	
Artikolu 274(1)	Anness III, Parti III	
Artikolu 274(2)	Anness III, Parti III	
Artikolu 274(3)	Anness III, Parti III	
Artikolu 274(4)	Anness III, Parti III	
Artikolu 275(1)	Anness III, Parti IV	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 275(2)	Anness III, Parti IV	
Artikolu 276(1)	Anness III, Parti V, punt 1	
Artikolu 276(2)	Anness III, Parti V, punt 1	
Artikolu 276(3)	Anness III, Parti V, punti 1-2	
Artikolu 277(1)	Anness III, Parti V, punt 3-4	
Artikolu 277(2)	Anness III, Parti V, punt 5	
Artikolu 277(3)	Anness III, Parti V, punt 6	
Artikolu 277(4)	Anness III, Parti V, punt 7	
Artikolu 278(1)		
Artikolu 278(2)	Anness III, Parti V, punt 8	
Artikolu 278(3)	Anness III, Parti V, punt 9	
Artikolu 279	Anness III, Parti V, punt 10	
Artikolu 280(1)	Anness III, Parti V, punt 11	
Artikolu 280(2)	Anness III, Parti V, punt 12	
Artikolu 281(1)		
Artikolu 281(2)	Anness III, Parti V, punt 13	
Artikolu 281(3)	Anness III, Parti V, punt 14	
Artikolu 282(1)		
Artikolu 282(2)	Anness III, Parti V, punt 15	
Artikolu 282(3)	Anness III, Parti V, punt 16	
Artikolu 282(4)	Anness III, Parti V, punt 17	
Artikolu 282(5)	Anness III, Parti V, punt 18	
Artikolu 282(6)	Anness III, Parti V, punt 19	
Artikolu 282(7)	Anness III, Parti V, punt 20	
Artikolu 282(8)	Anness III, Parti V, punt 21	
Artikolu 283(1)	Anness III, Parti VI, punt 1	
Artikolu 283(2)	Anness III, Parti VI, punt 2	
Artikolu 283(3)	Anness III, Parti VI, punt 2	
Artikolu 283(4)	Anness III, Parti VI, punt 3	
Artikolu 283(5)	Anness III, Parti VI, punt 4	
Artikolu 283(6)	Anness III, Parti VI, punt 4	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 284(1)	Anness III, Parti VI, punt 5	
Artikolu 284(2)	Anness III, Parti VI, punt 6	
Artikolu 284(3)		
Artikolu 284(4)	Anness III, Parti VI, punt 7	
Artikolu 284(5)	Anness III, Parti VI, punt 8	
Artikolu 284(6)	Anness III, Parti VI, punt 9	
Artikolu 284(7)	Anness III, Parti VI, punt 10	
Artikolu 284(8)	Anness III, Parti VI, punt 11	
Artikolu 284(9)	Anness III, Parti VI, punt 12	
Artikolu 284(10)	Anness III, Parti VI, punt 13	
Artikolu 284(11)	Anness III, Parti VI, punt 9	
Artikolu 284(12)		
Artikolu 284(13)	Anness III, Parti VI, punt 14	
Artikolu 285(1)	Anness III, Parti VI, punt 15	
Artikolu 285(2)-(8)		
Artikolu 286(1)	Anness III, Parti VI, punti 18 u 25	
Artikolu 286(2)	Anness III, Parti VI, punt 19	
Artikolu 286(3)		
Artikolu 286(4)	Anness III, Parti VI, punt 20	
Artikolu 286(5)	Anness III, Parti VI, punt 21	
Artikolu 286(6)	Anness III, Parti VI, punt 22	
Artikolu 286(7)	Anness III, Parti VI, punt 23	
Artikolu 286(8)	Anness III, Parti VI, punt 24	
Artikolu 287(1)	Anness III, Parti VI, punt 17	
Artikolu 287(2)	Anness III, Parti VI, punt 17	
Artikolu 287(3)		
Artikolu 287(4)		
Artikolu 288	Anness III, Parti VI, punt 26	
Artikolu 289(1)	Anness III, Parti VI, punt 27	
Artikolu 289(2)	Anness III, Parti VI, punt 28	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 289(3)	Anness III, Parti VI, punt 29	
Artikolu 289(4)	Anness III, Parti VI, punt 29	
Artikolu 289(5)	Anness III, Parti VI, punt 30	
Artikolu 289(6)	Anness III, Parti VI, punt 31	
Artikolu 290(1)	Anness III, Parti VI, punt 32	
Artikolu 290(2)	Anness III, Parti VI, punt 32	
Artikolu 290(3)-(10)		
Artikolu 291(1)	Anness I, Parti I, punti 27-28	
Artikolu 291(2)	Anness III, Parti VI, punt 34	
Artikolu 291(3)		
Artikolu 291(4)	Anness III, Parti VI, punt 35	
Artikolu 291(5)		
Artikolu 291(6)		
Artikolu 292(1)	Anness III, Parti VI, punt 36	
Artikolu 292(2)	Anness III, Parti VI, punt 37	
Artikolu 292(3)		
Artikolu 292(4)		
Artikolu 292(5)		
Artikolu 292(6)	Anness III, Parti VI, punt 38	
Artikolu 292(7)	Anness III, Parti VI, punt 39	
Artikolu 292(8)	Anness III, Parti VI, punt 40	
Artikolu 292(9)	Anness III, Parti VI, punt 41	
Artikolu 292(10)		
Artikolu 293(1)	Anness III, Parti VI, punt 42	
Artikolu 293(2)-(6)		
Artikolu 294(1)	Anness III, Parti VI, punt 42	
Artikolu 294(2)		
Artikolu 294(3)	Anness III, Parti VI, punt 42	
Artikolu 295	Anness III, Parti VII, punt a)	
Artikolu 296(1)	Anness III, Parti VII, punt b)	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 296(2)	Anness III, Parti VII, punt b)	
Artikolu 296(3)	Anness III, Parti VII, punt b)	
Artikolu 297(1)	Anness III, Parti VII, punt b)	
Artikolu 297(2)	Anness III, Parti VII, punt b)	
Artikolu 297(3)	Anness III, Parti VII, punt b)	
Artikolu 297(4)	Anness III, Parti VII, punt b)	
Artikolu 298(1)	Anness III, Parti VII, punt c)	
Artikolu 298(2)	Anness III, Parti VII, punt c)	
Artikolu 298(3)	Anness III, Parti VII, punt c)	
Artikolu 298(4)	Anness III, Parti VII, punt c)	
Artikolu 299(1)		Anness II, punt 7
Artikolu 299(2)		Anness II, punti 7-11
Artikolu 300		
Artikolu 301	Anness III, Parti 2, punt 6	
Artikolu 302		
Artikolu 303		
Artikolu 304		
Artikolu 305		
Artikolu 306		
Artikolu 307		
Artikolu 308		
Artikolu 309		
Artikolu 310		
Artikolu 311		
Artikolu 312(1)	Artikolu 104(3) u (6) u Anness X, Parti 2, punti 2, 5 u 8	
Artikolu 312(2)	Artikolu 105(1) u 105(2) u Anness X, Parti 3, punt 1	
Artikolu 312(3)		
Artikolu 312(4)	Artikolu 105(1)	
Artikolu 313(1)	Artikolu 102(2)	
Artikolu 313(2)	Artikolu 102(3)	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 313(3)		
Artikolu 314(1)	Artikolu 102(4)	
Artikolu 314(2)	Anness X, Parti 4, punt 1	
Artikolu 314(3)	Anness X, Parti 4, punt 2	
Artikolu 314(4)	Anness X, Parti 4, punti 3 u 4	
Artikolu 314(5)		
Artikolu 315(1)	Artikolu 103 u Anness X, Parti 1, punti 1 sa 3	
Artikolu 315(2)		
Artikolu 315(3)		
Artikolu 315(4)	Anness X, Parti 1, punt 4	
Artikolu 316(1)	Anness X, Parti 1, punti 5 sa 8	
Artikolu 316(2)	Anness X, Parti 1, punt 9	
Artikolu 316(3)		
Artikolu 317(1)	Artikolu 104 (1)	
Artikolu 317(2)	Artikolu 104(2) u (4) u Anness X, Parti 2, punt 1	
Artikolu 317(3)	Anness X, Parti 2, punt 1	
Artikolu 317(4)	Anness X, Parti 2, punt 2	
Artikolu 318(1)	Anness X, Parti 2, punt 4	
Artikolu 318(2)	Anness X, Parti 2, punt 4	
Artikolu 318(3)		
Artikolu 319(1)	Anness X, Parti 2, punti 6 sa 7	
Artikolu 319(2)	Anness X, Parti 2, punti 10 u 11	
Artikolu 320	Anness X, Parti 2, punti 9 u 12	
Artikolu 321	Anness X, Parti 3, punti 2 sa 7	
Artikolu 322(1)		
Artikolu 322(2)	Anness X, Parti 3, punti 8 sa 12	
Artikolu 322(3)	Anness X, Parti 3, punti 13 sa 18	
Artikolu 322(4)	Anness X, Parti 3, punt 19	
Artikolu 322(5)	Anness X, Parti 3, punt 20	
Artikolu 322(6)	Anness X, Parti 3, punti 21 sa 24	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 323(1)	Anness X, Parti 3, punt 25	
Artikolu 323(2)	Anness X, Parti 3, punt 26	
Artikolu 323(3)	Anness X, Parti 3, punt 27	
Artikolu 323(4)	Anness X, Parti 3, punt 28	
Artikolu 323(5)	Anness X, Parti 3, punt 29	
Artikolu 324	Anness X, Parti 5	
Artikolu 325(1)		Artikolu 26
Artikolu 325(2)		Artikolu 26
Artikolu 325(3)		
Artikolu 326		
Artikolu 327(1)		Anness I punt 1
Artikolu 327(2)		Anness I punt 2
Artikolu 327(3)		Anness I punt 3
Artikolu 328(1)		Anness I punt 4
Artikolu 328(2)		
Artikolu 329(1)		Anness I punt 5
Artikolu 329(2)		
Artikolu 330		Anness I punt 7
Artikolu 331(1)		Anness I punt 9
Artikolu 331(2)		Anness I punt 10
Artikolu 332(1)		Anness I punt 8
Artikolu 332(2)		Anness I punt 8
Artikolu 333		Anness I punt 11
Artikolu 334		Anness I punt 13
Artikolu 335		Anness I punt 14
Artikolu 336(1)		Anness I punt 14
Artikolu 336(2)		Anness I punt 14
Artikolu 336(3)		Anness I punt 14
Artikolu 336(4)		Artikolu 19(1)
Artikolu 337(1)		Anness I punt 16a

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 337(2)		Anness I punt 16a
Artikolu 337(3)		Anness I punt 16a
Artikolu 337(4)		Anness I punt 16a
Artikolu 337(4)		Anness I punt 16a
Artikolu 338(1)		Anness I punt 14a
Artikolu 338(2)		Anness I punt 14b
Artikolu 338(3)		Anness I punt 14c
Artikolu 338(4)		Anness I punt 14a
Artikolu 339(1)		Anness I punt 17
Artikolu 339(2)		Anness I punt 18
Artikolu 339(3)		Anness I punt 19
Artikolu 339(4)		Anness I punt 20
Artikolu 339(5)		Anness I punt 21
Artikolu 339(6)		Anness I punt 22
Artikolu 339(7)		Anness I punt 23
Artikolu 339(8)		Anness I punt 24
Artikolu 339(9)		Anness I punt 25
Artikolu 340(1)		Anness I punt 26
Artikolu 340(2)		Anness I punt 27
Artikolu 340(3)		Anness I punt 28
Artikolu 340(4)		Anness I punt 29
Artikolu 340(5)		Anness I punt 30
Artikolu 340(6)		Anness I punt 31
Artikolu 340(7)		Anness I punt 32
Artikolu 341(1)		Anness I punt 33
Artikolu 341(2)		Anness I punt 33
Artikolu 341(3)		
Artikolu 342		Anness I punt 34
Artikolu 343		Anness I punt 36
Artikolu 344(1)		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 344(2)		Anness I punt 37
Artikolu 344(3)		Anness I punt 38
Artikolu 345(1)		Anness I punt 41
Artikolu 345(2)		Anness I punt 41
Artikolu 346(1)		Anness I punt 42
Artikolu 346(2)		
Artikolu 346(3)		Anness I punt 43
Artikolu 346(4)		Anness I punt 44
Artikolu 346(5)		Anness I punt 45
Artikolu 346(6)		Anness I punt 46
Artikolu 347		Anness I punt 8
Artikolu 348(1)		Anness I punti 48-49
Artikolu 348(2)		Anness I punt 50
Artikolu 349		Anness I punt 51
Artikolu 350(1)		Anness I punt 53
Artikolu 350(2)		Anness I punt 54
Artikolu 350(3)		Anness I punt 55
Artikolu 350(4)		Anness I punt 56
Artikolu 351		Anness III punt 1
Artikolu 352(1)		Anness III punt 2(1)
Artikolu 352(2)		Anness III punt 2(1)
Artikolu 352(3)		Anness III punt 2(1)
Artikolu 352(4)		Anness III punt 2(2)
Artikolu 352(5)		
Artikolu 353(1)		Anness III punt 2(1)
Artikolu 353(2)		Anness III punt 2(1)
Artikolu 353(3)		Anness III punt 2(1)
Artikolu 354(1)		Anness III punt 3(1)
Artikolu 354(2)		Anness III punt 3(2)

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 354(3)		Anness III punt 3(2)
Artikolu 354(4)		
Artikolu 355		
Artikolu 356		
Artikolu 357(1)		Anness IV punt 1
Artikolu 357(2)		Anness IV punt 2
Artikolu 357(3)		Anness IV punt 3
Artikolu 357(4)		Anness IV punt 4
Artikolu 357(5)		Anness IV punt 6
Artikolu 358(1)		Anness IV punt 8
Artikolu 358(2)		Anness IV punt 9
Artikolu 358(3)		Anness IV punt 10
Artikolu 358(4)		Anness IV punt 12
Artikolu 359(1)		Anness IV punt 13
Artikolu 359(2)		Anness IV punt 14
Artikolu 359(3)		Anness IV punt 15
Artikolu 359(4)		Anness IV punt 16
Artikolu 359(5)		Anness IV punt 17
Artikolu 359(6)		Anness IV punt 18
Artikolu 360(1)		Anness IV punt 19
Artikolu 360(2)		Anness IV punt 20
Artikolu 361		Anness IV punt 21
Artikolu 362		
Artikolu 363(1)		Anness V punt 1
Artikolu 363(2)		
Artikolu 363(3)		
Artikolu 364(1)		Anness V punt 10b
Artikolu 364(2)		
Artikolu 364(3)		
Artikolu 365(1)		Anness V punt 10
Artikolu 365(2)		Anness V punt 10a

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 366(1)		Anness V punt 7
Artikolu 366(2)		Anness V punt 8
Artikolu 366(3)		Anness V punt 9
Artikolu 366(4)		Anness V punt 10
Artikolu 366(5)		Anness V punt 8
Artikolu 367(1)		Anness V punt 11
Artikolu 367(2)		Anness V punt 12
Artikolu 367(3)		Anness V punt 12
Artikolu 368(1)		Anness V punt 2
Artikolu 368(2)		Anness V punt 2
Artikolu 368(3)		Anness V punt 5
Artikolu 368(4)		
Artikolu 369(1)		Anness V punt 3
Artikolu 369(2)		
Artikolu 370(1)		Anness V punt 5
Artikolu 371(1)		Anness V punt 5
Artikolu 371(2)		
Artikolu 372		Anness V punt 5a
Artikolu 373		Anness V punt 5b
Artikolu 374(1)		Anness V punt 5c
Artikolu 374(2)		Anness V punt 5d
Artikolu 374(3)		Anness V punt 5d
Artikolu 374(4)		Anness V punt 5d
Artikolu 374(5)		Anness V punt 5d
Artikolu 374(6)		Anness V punt 5d
Artikolu 374(7)		
Artikolu 375(1)		Anness V punt 5a
Artikolu 375(2)		Anness V punt 5e
Artikolu 376(1)		Anness V punt 5f
Artikolu 376(2)		Anness V punt 5g

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 376(3)		Anness V punt 5h
Artikolu 376(4)		Anness V punt 5h
Artikolu 376(5)		Anness V punt 5i
Artikolu 376(6)		Anness V punt 5
Artikolu 377		Anness V punt 5l
Artikolu 378		Anness II punt 1
Artikolu 379(1)		Anness II punt 2
Artikolu 379(2)		Anness II punt 3
Artikolu 379(3)		Anness II punt 2
Artikolu 380		Anness II punt 4
Artikolu 381		
Artikolu 382		
Artikolu 383		
Artikolu 384		
Artikolu 385		
Artikolu 386		
Artikolu 387		Artikolu 28(1)
Artikolu 388		
Artikolu 389	Artikolu 106 (1) subparagrafu 1	
Artikolu 390(1)	Artikolu 106(1) subparagrafu 2	
Artikolu 390(2)		
Artikolu 390(3)		Artikolu 29(1)
Artikolu 390(4)		Artikolu 30(1)
Artikolu 390(5)		Artikolu 29(2)
Artikolu 390(6)	Artikolu 106(2) subparagrafu 1	
Artikolu 390(7)	Artikolu 106(3)	
Artikolu 390(8)	Artikolu 106(2) subparagrafi 2 u 3	
Artikolu 391	Artikolu 107	
Artikolu 392	Artikolu 108	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 393	Artikolu 109	
Artikolu 394(1)	Artikolu 110(1)	
Artikolu 394(2)	Artikolu 110(1)	
Artikolu 394(3) u (4)	Artikolu 110 (2)	
Artikolu 394(4)	Artikolu 110 (2)	
Artikolu 395(1)	Artikolu 111(1)	
Artikolu 395(2)		
Artikolu 395(3)	Artikolu 111 (4) subparagrafu 1	
Artikolu 395(4)		Artikolu 30 (4)
Artikolu 395(5)		Artikolu 31
Artikolu 395(6)		
Artikolu 395(7)		
Artikolu 395(8)		
Artikolu 396(1)	Artikolu 111 (4) subparagrafi 1 u 2	
Artikolu 396 (2)		
Artikolu 397(1)		Anness VI, punt 1
Artikolu 397(2)		Anness VI, punt 2
Artikolu 397(3)		Anness VI, punt 3
Artikolu 398		Artikolu 32(1)
Artikolu 399(1)	Artikolu 112(1)	
Artikolu 399(2)	Artikolu 112(2)	
Artikolu 399(3)	Artikolu 112(3)	
Artikolu 399(4)	Artikolu 110 (3)	
Artikolu 400(1)	Artikolu 113(3)	
Artikolu 400(2)	Artikolu 113(4)	
Artikolu 400(3)		
Artikolu 401(1)	Artikolu 114(1)	
Artikolu 401(2)	Artikolu 114(2)	
Artikolu 401(3)	Artikolu 114(3)	
Artikolu 402(1)	Artikolu 115(1)	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 402(2)	Artikolu 115(2)	
Artikolu 402(3)		
Artikolu 403(1)	Artikolu 117(1)	
Artikolu 403(2)	Artikolu 117(2)	
Artikolu 404	Artikolu 122a(8)	
Artikolu 405(1)	Artikolu 122a(1)	
Artikolu 405(2)	Artikolu 122a(2)	
Artikolu 405(3)	Artikolu 122a(3) sub-paragrafu 1	
Artikolu 405(4)	Artikolu 122a(3) sub-paragrafu 2	
Artikolu 406(1)	Artikolu 122a(4) u Artikolu 122a (5) subparagrafu 2	
Artikolu 406(2)	Artikolu 122a(5) subparagrafu 1 u Artikolu 122a(6) subparagrafu 1	
Artikolu 407	Artikolu 122a(5) subparagrafu 3	
Artikolu 408	Artikolu 122a(6) subparagrafi 1 u 2	
Artikolu 409	Artikolu 122a(7)	
Artikolu 410	Artikolu 122a(10)	
Artikolu 411		
Artikolu 412		
Artikolu 413		
Artikolu 414		
Artikolu 415		
Artikolu 416		
Artikolu 417		
Artikolu 418		
Artikolu 419		
Artikolu 420		
Artikolu 421		
Artikolu 422		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 423		
Artikolu 424		
Artikolu 425		
Artikolu 426		
Artikolu 427		
Artikolu 428		
Artikolu 429		
Artikolu 430		
Artikolu 431(1)	Artikolu 145(1)	
Artikolu 431(2)	Artikolu 145(2)	
Artikolu 431(3)	Artikolu 145(3)	
Artikolu 431(4)	Artikolu 145(4)	
Artikolu 432(1)	Anness XII, Parti I, punt 1 u Artikolu 146(1)	
Artikolu 432(2)	Artikolu 146(2) u Anness XII, Parti I, punti 2 u 3	
Artikolu 432(3)	Artikolu 146(3)	
Artikolu 433	Artikolu 147 u Anness XII, Parti I, punt 4	
Artikolu 434(1)	Artikolu 148	
Artikolu 434(2)		
Artikolu 435(1)	Anness XII, Parti II, punt 1	
Artikolu 435(2)		
Artikolu 436	Anness XII, Parti II, punt 2	
Artikolu 437		
Artikolu 438	Anness XII, Parti II, punti 4, 8	
Artikolu 439	Anness XII, Parti II, punt 5	
Artikolu 440		
Artikolu 441		
Artikolu 442	Anness XII, Parti II, punt 6	
Artikolu 443		
Artikolu 444	Anness XII, Parti II, punt 7	

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 445	Anness XII, Parti II, punt 9	
Artikolu 446	Anness XII, Parti II, punt 11	
Artikolu 447	Anness XII, Parti II, punt 12	
Artikolu 448	Anness XII, Parti II, punt 13	
Artikolu 449	Anness XII, Parti II, punt 14	
Artikolu 450	Anness XII, Parti II, punt 15	
Artikolu 451		
Artikolu 452	Anness XII, Parti III, punt 1	
Artikolu 453	Anness XII, Parti III, punt 2	
Artikolu 454	Anness XII, Parti III, punt 3	
Artikolu 455		
Artikolu 456, subparagrafu 1	Artikolu 150(1)	Artikolu 41
Artikolu 456, subparagrafu 2		
Artikolu 457		
Artikolu 458		
Artikolu 459		
Artikolu 460		
Artikolu 461		
Artikolu 462(1)	Artikolu 151a	
Artikolu 462(2)	Artikolu 151a	
Artikolu 462(3)	Artikolu 151a	
Artikolu 462(4)		
Artikolu 462(5)		
Artikolu 463		
Artikolu 464		
Artikolu 465		
Artikolu 466		
Artikolu 467		
Artikolu 468		
Artikolu 469		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 470		
Artikolu 471		
Artikolu 472		
Artikolu 473		
Artikolu 474		
Artikolu 475		
Artikolu 476		
Artikolu 477		
Artikolu 478		
Artikolu 479		
Artikolu 480		
Artikolu 481		
Artikolu 482		
Artikolu 483		
Artikolu 484		
Artikolu 485		
Artikolu 486		
Artikolu 487		
Artikolu 488		
Artikolu 489		
Artikolu 490		
Artikolu 491		
Artikolu 492		
Artikolu 493(1)		
Artikolu 493 (2)		
Artikolu 494		
Artikolu 495		
Artikolu 496		
Artikolu 497		
Artikolu 498		

▼B

Dan ir-Regolament	Direttiva 2006/48/KE	Direttiva 2006/49/KE
Artikolu 499		
Artikolu 500		
Artikolu 501		
Artikolu 502		
Artikolu 503		
Artikolu 504		
Artikolu 505		
Artikolu 506		
Artikolu 507		
Artikolu 508		
Artikolu 509		
Artikolu 510		
Artikolu 511		
Artikolu 512		
Artikolu 513		
Artikolu 514		
Artikolu 515		
Artikolu 516		
Artikolu 517		
Artikolu 518		
Artikolu 519		
Artikolu 520		
Artikolu 521		
Anness I	Anness II	
Anness II	Anness IV	
Anness III		